# SECTION III — COMMISSION

## DĦUL — DĦUL

*Figuri*

| Titolu | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| 4 | Dħul minn persuni marbuta mal-istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet oħra tal-Unjoni | 973 754 844 | 986 604 274 | 878 525 963,99 |
| 5 | DĦUL AKKUMULAT MILL-OPERAT AMMINISTRATTIV TAL-ISTITUZZJONI | 58 000 000 | 58 500 000 | 240 257 185,99 |
| 6 | Kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet marbuta mal-ftehimiet u l-programmi tal-Unjoni | 60 000 000 | 50 000 000 | 2 443 798 798,86 |
| 7 | Interessi dwar tqegħid tard u multi | 123 000 000 | 123 000 000 | 1 182 868 266,22 |
| 8 | OPERAZZJONIJIET TA' SELF | 4 296 000 | 384 000 | 858 312,00 |
| 9 | Dħul Mixxellanju | 30 000 000 | 30 000 000 | 31 441 555,23 |
| | **Total** | **1 249 050 844** | **1 248 488 274** | **4 777 750 082,29** |

## TITOLU 4 — DĦUL MINN PERSUNI MARBUTA MAL-ISTITUZZJONIJIET U ORGANIZZAZZJONIJIET OĦRA TAL-UNJONI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| 4 0 | TAXXI MIXXELLANJI U TNAQQIS | 548 347 414 | 529 501 406 | 495 973 076,91 |
| 4 1 | KONTRIBUZZJONIJIET GĦAS-SISTEMA TAL-PENSJONI | 404 245 931 | 435 527 736 | 358 181 551,96 |
| 4 2 | KONTRIBUZZJONIJIET OĦRA GĦAS-SISTEMA TAL-PENSJONI | 21 161 499 | 21 575 132 | 24 371 335,12 |
| | **Titolu 4 — Total** | **973 754 844** | **986 604 274** | **878 525 963,99** |

## KAPITOLU 4 0 — TAXXI MIXXELLANJI U TNAQQIS

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 4 0 | TAXXI MIXXELLANJI U TNAQQIS | | | | |
| ***4 0 0*** | ***Dħul tat-taxxa fuq salarji, pagi u allowances ta' uffiċjali, ħaddiema oħra u persuni li jirċievu pensjoni*** | 497 862 521 | 482 956 362 | 452 786 252,13 | 90,95 % |
| ***4 0 3*** | ***Dħul mill-kontribuzzjoni temporanja mis-salarji tal-uffiċjali u ħaddiema oħra li huma impjegati attivament*** | p.m. | p.m. | 43 893,65 | |
| ***4 0 4*** | ***Ħlasijiet minn imposta speċjali mis-salarji tal-uffiċjali u ħaddiema oħra li huma impjegati attivament*** | 50 484 893 | 46 545 044 | 43 142 931,13 | 85,46 % |
| | **Kapitolu 4 0 — Total** | **548 347 414** | **529 501 406** | **495 973 076,91** | **90,45 %** |

## *Artikolu 4 0 0 — Dħul tat-taxxa fuq salarji, pagi u allowances ta' uffiċjali, ħaddiema oħra u persuni li jirċievu pensjoni*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 497 862 521 | 482 956 362 | 452 786 252,13 |

*Kummenti*

Dan id-dħul jirrappreżenta t-taxxa kollha imposta fuq is-salarji, il-pagi u l-emolumenti ta' kull tip, minbarra l-benefiċċji ta' allowances tal-familja li tħallsu lill-Membri tal-Kummissjoni, l-uffiċjali, aġenti u persuni oħra li rċevew ħlasijiet ta' kumpens wara t-terminazzjoni tal-impjieg imsemmija f'Kapitolu 01 ta' kull Titolu tad-dikjarazzjoni tan-nefqa u lil persuni li qed jirċievu pensjoni.

Id-dħul stmat jinkludi wkoll l-ammonti għall-Bank Ewropew tal-Investiment, il-Bank Ċentrali Ewropew u l-Fond Ewropew tal-Investiment.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Il-protokoll fuq il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu.

Ir-Regolament Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom tal-Kunsill tal-25 ta' Lulju 1967 li jiddetermina l-emolumenti tal-President u tal-Membri tal-Kummissjoni, tal-President, l-Imħallfin, l-Avukati Ġenerali u r-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-President, il-Membri u r-Reġistratur tal-Qorti tal-Prim' Istanza, u l-President, il-Membri u r-Reġistratur tat-Tribunal tal-Unjoni Ewropea għas-Servizz Pubbliku (ĠU 187, 8.8.1967, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 tad-29 ta' Frar 1968 li jwaqqaf il-kundizzjonijiet u l-proċedura biex tkun applikata t-taxxa għall-ġid tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 8).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEFA, KEE, Euratom) Nru 1860/76 tad-29 ta' Ġunju 1976 li jistipola l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg tal-Istaff tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tax-Xogħol u tal-Għajxien (ĠU L 214, 6.8.1976, p. 24).

## *Artikolu 4 0 3 — Dħul mill-kontribuzzjoni temporanja mis-salarji tal-uffiċjali u ħaddiema oħra li huma impjegati attivament*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 43 893,65 |

*Kummenti*

Id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-kontribuzzjoni temporanja kienu japplikaw sat-30 ta' Ġunju 2003. Għalhekk din il-linja se tkopri kwalunkwe dħul li jirriżulta mill-ammont li jifdal tal-kontribuzzjoni temporanja mis-salarji tal-Membri tal-Kummissjoni, l-uffiċjali u aġenti oħra li qegħdin jaħdmu.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, b'mod partikolari l-Artikolu 66a tagħhom fil-verżjoni fis-seħħ sal-15 ta' Diċembru 2003.

Ir-Regolament Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom tal-Kunsill tal-25 ta' Lulju 1967 li jiddetermina l-emolumenti tal-President u tal-Membri tal-Kummissjoni, tal-President, l-Imħallfin, l-Avukati Ġenerali u r-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-President, il-Membri u r-Reġistratur tal-Qorti tal-Prim' Istanza, u l-President, il-Membri u r-Reġistratur tat-Tribunal tal-Unjoni Ewropea għas-Servizz Pubbliku (ĠU 187, 8.8.1967, p. 1).

### *Artikolu 4 0 4 — Ħlasijiet minn imposta speċjali mis-salarji tal-uffiċjali u ħaddiema oħra li huma impjegati attivament*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 50 484 893 | 46 545 044 | 43 142 931,13 |

*Kummenti*

Din il-partita hi maħsuba biex tirreġistra d-dħul mill-imposta speċjali fuq is-salarji ta' uffiċjali u aġenti oħra li qegħdin jaħdmu skont l-Artikolu 66 tar-Regolamenti tal-Persunal.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 66a tagħhom.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom tal-Kunsill tal-25 ta' Lulju 1967 li jiddetermina l-emolumenti tal-President u tal-Membri tal-Kummissjoni, tal-President, l-Imħallfin, l-Avukati Ġenerali u r-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-President, il-Membri u r-Reġistratur tal-Qorti tal-Prim'Istanza, u l-President, il-Membri u r-Reġistratur tat-Tribunal tal-Unjoni Ewropea għas-Servizz Pubbliku (ĠU 187, 8.8.1967, p. 1).

## KAPITOLU 4 1 — KONTRIBUZZJONIJIET GĦAS-SISTEMA TAL-PENSJONI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 4 1 | KONTRIBUZZJONIJIET GĦAS-SISTEMA TAL-PENSJONI | | | | |
| ***4 1 0*** | ***Kontribuzzjonijiet tal-istaff lejn skema ta' pensjoni*** | 335 697 931 | 330 761 736 | 317 395 535,70 | 94,55 % |
| ***4 1 1*** | ***Trasferimenti jew rifużjonijiet tad-drittijiet għall-pensjoni mill-ħaddiema*** | 68 448 000 | 104 666 000 | 40 678 870,58 | 59,43 % |
| ***4 1 2*** | ***Kontribut għas-sistema tal-pensjonijiet tal-funzjonarji u tal-aġenti temporanji fuq vaganza mix-xogħol (leave) minħabba raġunijiet personali*** | 100 000 | 100 000 | 107 145,68 | 107,15 % |
| | **Kapitolu 4 1 — Total** | **404 245 931** | **435 527 736** | **358 181 551,96** | **88,60 %** |

### *Artikolu 4 1 0 — Kontribuzzjonijiet tal-istaff lejn skema ta' pensjoni*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 335 697 931 | 330 761 736 | 317 395 535,70 |

*Kummenti*

Id-dħul jirrappreżenta l-kontribuzzjonijiet tal-persunal għall-finanzjament tal-iskema tal-pensjonijiet.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEFA, KEE, Euratom) Nru 1860/76 tad-29 ta' Ġunju 1976 li jistipola l-kundizzjonijiet għall-istaff tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tax-Xogħol u tal-Għajxien (ĠU L 214, 6.8.1976, p. 24).

### *Artikolu 4 1 1 — Trasferimenti jew rifużjonijiet tad-drittijiet għall-pensjoni mill-ħaddiema*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 68 448 000 | 104 666 000 | 40 678 870,58 |

*Kummenti*

Id-dħul jirrappreżenta l-ħlas lill-Unjoni tal-ekwivalenti attwarja jew il-valur tar-redenzjoni b'rata fissa tad-drittijiet tal-pensjoni miksuba mill-uffiċjali mill-impjiegi preċedenti tagħhom.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

### *Artikolu 4 1 2 — Kontribut għas-sistema tal-pensjonijiet tal-funzjonarji u tal-aġenti temporanji fuq vaganza mix-xogħol (leave) minħabba raġunijiet personali*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 100 000 | 100 000 | 107 145,68 |

*Kummenti*

Uffiċjali u aġenti oħra li jieħdu l-liv għal raġunijiet personali jistgħu jibqgħu jiksbu drittijiet tal-pensjoni sakem jerfgħu ukoll il-kost tal-kontrbuzzjoni ta' min iħaddem.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

## Kapitolu 4 2 — KONTRIBUZZJONIJIET OĦRA GĦAS-SISTEMA TAL-PENSJONI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 4 2 | KONTRIBUZZJONIJIET OĦRA GĦAS-SISTEMA TAL-PENSJONI | | | | |
| ***4 2 0*** | ***Kontribuzzjonijiet ta' min iħaddem minn aġenziji deċentralizzati u organizzazzjonijiet internazzjonali għall-iskema tal-pensjoni*** | 21 161 499 | 21 575 132 | 24 371 335,12 | 115,17 % |
| | **Kapitolu 4 2 — Total** | **21 161 499** | **21 575 132** | **24 371 335,12** | **115,17 %** |

### *Artikolu 4 2 0 — Kontribuzzjonijiet ta' min iħaddem minn aġenziji deċentralizzati u organizzazzjonijiet internazzjonali għall-iskema tal-pensjoni*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 21 161 499 | 21 575 132 | 24 371 335,12 |

*Kummenti*

Id-dħul jirrappreżenta l-kontribuzzjoni ta' min iħaddem minn aġenziji deċentralizzati u organizzazzjonijiet internazzjonali għall-iskema tal-pensjoni.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

# Titolu 5 — DĦUL AKKUMULAT MILL-OPERAT AMMINISTRATTIV TAL-ISTITUZZJONI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| 5 0 | rikavat mill-bejgħ tal-beni mobbli (provvista) u immobbli | p.m. | p.m. | 5 288 499,02 |
| 5 1 | DĦUL MINN KIRI | p.m. | p.m. | 15 954 670,94 |
| 5 2 | DĦUL MINN INVESTIMENTI JEW SELF KONĊESS, INTERESSI BANKARJI U INTERESSI OĦRA | 56 000 000 | 56 500 000 | 58 052 397,99 |
| 5 5 | DĦUL FORNITURA TA' SERVIZZI U XOGĦLIJIET | p.m. | p.m. | 12 636 245,48 |
| 5 7 | KONTRIBUZZJONIJIET U RESTITUZZJONIJIET OĦRA MARBUTA MAL-FUNZJONAMENT AMMINISTRATTIV TAL-ISTITUZZJONI | p.m. | p.m. | 143 805 268,27 |
| 5 8 | Kumpens Mixxellanju | p.m. | p.m. | 308 828,51 |
| 5 9 | RIĊEVUTI OĦRA ĠEJJIN MILL-ĠESTJONI AMMINISTRATTIVA | 2 000 000 | 2 000 000 | 4 211 275,78 |
| | **Titolu 5 — Total** | **58 000 000** | **58 500 000** | **240 257 185,99** |

## Kapitolu 5 0 — rikavat mill-bejgħ tal-beni mobbli (provvista) u immobbli

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 5 0 | rikavat mill-bejgħ tal-beni mobbli (provvista) u immobbli | | | | |
| ***5 0 0*** | ***Rikavat mill-bejgħ ta' beni mobbli (provvista)*** | | | | |
| 5 0 0 0 | Rikavat mill-bejgħ ta' materjali tat-trasport — Riċevuti maħruġa | p.m. | p.m. | 33 657,70 | |
| 5 0 0 1 | Rikavat mill-bejgħ ta' beni mobbli oħra — Riċevuti maħruġa | p.m. | p.m. | 175,00 | |
| 5 0 0 2 | Riċevuti li ġejjin mill-prodott tal-provvista mogħtija lil istituzzjonijiet jew organizzazzjonijiet oħra — Riċevuti maħruġa | p.m. | p.m. | 4 252 274,94 | |
| | *Artikolu 5 0 0 — Sub-total* | p.m. | p.m. | 4 286 107,64 | |
| ***5 0 1*** | ***Dhul mill-bejgħ ta' proprjetà immobbli*** | p.m. | p.m. | 0,— | |
| ***5 0 2*** | ***Rikavat mill-bejgħ ta' pubblikazzjonijiet, stampati u films — Riċevuti maħruġa*** | p.m. | p.m. | 1 002 391,38 | |
| | **Kapitolu 5 0 — Total** | **p.m.** | **p.m.** | **5 288 499,02** | |

### *Artikolu 5 0 0 — Rikavat mill-bejgħ ta' beni mobbli (provvista)*

#### Partita 5 0 0 0 — Rikavat mill-bejgħ ta' materjali tat-trasport — Riċevuti maħruġa

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 33 657,70 |

*Kummenti*

Din il-Partita hija maħsuba biex tirreġistra d-dħul mill-bejgħ jew mill-part-exchange ta' vetturi tal-istituzzjonijiet. Iżżomm ukoll rekord tal-profitti mill-bejgħ ta' vetturi li qed jiġu mibdula jew mormija meta l-valur ikun deprezzat għal kollox.

Skont l-Artikolu 18(1)(e) u (ea) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jkun ikkunsidrat bħala dħul allokat u jagħti lok biex jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fil-linji li jkunu ġarrew l-ispejjeż inizjali li jkunu kkawżaw id-dħul li jikkorrispondi magħhom.

## Partita 5 0 0 1 — Rikavat mill-bejgħ ta' beni mobbli oħra — Riċevuti maħruġa

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 175,00 |

*Kummenti*

Din il-Partita hija maħsuba biex tirreġistra d-dħul mill-bejgħ jew mill-part-exchange ta' proprjetà mobbli, apparti ta' vetturi tal-istituzzjonijiet. Iżżomm ukoll rekord tal-profitti mill-bejgħ ta' tagħmir, stallazzjonijiet, materjali, u apparat xjentifiku u tekniku li qed jiġi mibdul jew mormi meta l-valur ikun deprezzat għal kollox.

Skont l-Artikolu 18(1)(e) u (ea) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jkun ikkunsidrat bħala dħul allokat u jagħti lok biex jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fil-linji li jkunu ġarrew l-ispejjeż inizjali li jkunu kkawżaw id-dħul li jikkorrispondi magħhom.

## Partita 5 0 0 2 — Riċevuti li ġejjin mill-prodott tal-provvista mogħtija lil istituzzjonijiet jew organizzazzjonijiet oħra — Riċevuti maħruġa

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 4 252 274,94 |

*Kummenti*

Skont l-Artikolu 18(1)(g) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jkun ikkunsidrat bħala dħul allokat u jagħti lok biex jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fil-linji li jkunu ġarrew l-ispejjeż inizjali li jkunu kkawżaw id-dħul li jikkorrispondi magħhom.

## *Artikolu 5 0 1 — Dħul mill-bejgħ ta' proprjetà immobbli*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Dan l-Artikolu huwa maħsub biex jirreġistra d-dħul mill-bejgħ ta' proprjetà immobbli li hija tal-istituzzjoni.

## *Artikolu 5 0 2 — Rikavat mill-bejgħ ta' pubblikazzjonijiet, stampati u films — Riċevuti maħruġa*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 1 002 391,38 |

*Kummenti*

Skont l-Artikolu 18(1)(j) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jkun ikkunsidrat bħala dħul allokat u jagħti lok biex jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fil-linji li jkunu ġarrew l-ispejjeż inizjali li jkunu kkawżaw id-dħul li jikkorrispondi magħhom.

Dan l-Artikolu għandu wkoll dħul mill-bejgħ ta' dawk il-prodotti fuq mezz elettroniku.

# Kapitolu 5 1 — DĦUL MINN KIRI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 5 1 | DĦUL MINN KIRI | | | | |
| ***5 1 0*** | ***Rikavat mill-kiri ta' għamara u ta' materjal — Riċevuti maħruġa*** | p.m. | p.m. | 0,— | |
| ***5 1 1*** | ***Dħul minn kiri u sullokazzjoni ta' proprjetà immobbli u l-ħlas lura ta' spejjeż oħra konnessi mal-kiri*** | | | | |
| 5 1 1 0 | Rikavat mill-kiri u l-kiri lil terzi ta' beni immobbli — Riċevuti maħruġa | p.m. | p.m. | 15 582 138,45 | |
| 5 1 1 1 | Rimbors tal-ispejjeż tal-kiri — Riċevuti maħruġa | p.m. | p.m. | 372 532,49 | |
| | *Artikolu 5 1 1 — Sub-total* | p.m. | p.m. | 15 954 670,94 | |
| | **Kapitolu 5 1 — Total** | **p.m.** | **p.m.** | **15 954 670,94** | |

## *Artikolu 5 1 0 — Rikavat mill-kiri ta' għamara u ta' materjal — Riċevuti maħruġa*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Skont l-Artikolu 18(1)(e) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jkun ikkunsidrat bħala dħul allokat u jagħti lok biex jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fil-linji li jkunu ġarrew l-ispejjeż inizjali li jkunu kkawżaw id-dħul li jikkorrispondi magħhom.

## *Artikolu 5 1 1 — Dħul minn kiri u sullokazzjoni ta' proprjetà immobbli u l-ħlas lura ta' spejjeż oħra konnessi mal-kiri*

### Partita 5 1 1 0 — Rikavat mill-kiri u l-kiri lil terzi ta' beni immobbli — Riċevuti maħruġa

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 15 582 138,45 |

*Kummenti*

Skont l-Artikolu 18(1)(e) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jkun ikkunsidrat bħala dħul allokat u jagħti lok biex jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fil-linji li jkunu ġarrew l-ispejjeż inizjali li jkunu kkawżaw id-dħul li jikkorrispondi magħhom.

Partita 5 1 1 1 — Rimbors tal-ispejjeż tal-kiri — Riċevuti maħruġa

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 372 532,49 |

*Kummenti*

Skont l-Artikolu 18(1)(e) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jkun ikkunsidrat bħala dħul li jikkorrispondi magħhom u jagħti lok biex jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fil-linji li jkunu ġarrew l-ispejjeż inizjali li jkunu kkawżaw id-dħul li jikkorrispondi magħhom.

## Kapitolu 5 2 — DĦUL MINN INVESTIMENTI JEW SELF KONĊESS, INTERESSI BANKARJI U INTERESSI OĦRA

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 5 2 | DĦUL MINN INVESTIMENTI JEW SELF KONĊESS, INTERESSI BANKARJI U INTERESSI OĦRA | | | | |
| ***5 2 0*** | ***Dħul minn investimenti jew self konċessi, interessi bankarji u interessi oħra fuq il-kontijiet tal-istituzzjonijiet*** | 6 000 000 | 6 500 000 | 3 297 847,68 | 54,96 % |
| ***5 2 1*** | ***Dħul minn investimenti jew self mogħtija, imgħax tal-bank jew ieħor fuq il-kontijiet tal-organizzazzjonijiet li jirċievu sussidji trasferiti lill-Kummissjoni*** | 10 000 000 | 10 000 000 | 11 455 376,72 | 114,55 % |
| ***5 2 2*** | ***Interessi ottenuti minn prefinanzjament*** | 40 000 000 | 40 000 000 | 40 436 396,93 | 101,09 % |
| ***5 2 3*** | ***Dħul ġenerat minn Kontijiet Fiduċjarji — Dħul assenjat*** | p.m. | p.m. | 2 862 776,66 | |
| | **Kapitolu 5 2 — Total** | **56 000 000** | **56 500 000** | **58 052 397,99** | **103,66 %** |

### *Artikolu 5 2 0 — Dħul minn investimenti jew self konċessi, interessi bankarji u interessi oħra fuq il-kontijiet tal-istituzzjonijiet*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 6 000 000 | 6 500 000 | 3 297 847,68 |

*Kummenti*

Dan id-dħul jirriferi biss għall-imgħax tal-bank imħallas fil-kontijiet kurrenti tal-Kummissjoni.

### *Artikolu 5 2 1 — Dħul minn investimenti jew self mogħtija, imgħax tal-bank jew ieħor fuq il-kontijiet tal-organizzazzjonijiet li jirċievu sussidji trasferiti lill-Kummissjoni*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 10 000 000 | 10 000 000 | 11 455 376,72 |

*Kummenti*

Dan l-artikolu fih id-dħul li nġema' mill-ħlas mill-ġdid tal-imgħax mill-organizzazzjonijiet issussidjati li poġġew ħlasijiet bil-quddiem li rċevew mill-Kummissjoni fuq kontijiet li jrendu l-interessi. Jekk jibqgħu mhux użati, dawn il-ħlasijiet bil-quddiem bl-imgħaxijiet tagħhom b'kollox għandhom jitħallsu lura lill-Kummissjoni.

## *Artikolu 5 2 2 — Interessi ottenuti minn prefinanzjament*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 40 000 000 | 40 000 000 | 40 436 396,93 |

*Kummenti*

Dan l-Artikolu huwa maħsub biex jirreġistra d-dħul minn imgħax ġej mill-pre-finanzjament

Skont l-Artikolu 5a tar-Regolament Finanzjarju, l-ammonti li jitniżżlu fil-kotba għal din il-Partita jistgħu jintużaw biex jipprovdu approprjazzjonijiet addizzjonali taħt l-intestaturi korrispondenti tad-dikjarazzjoni ta' nefqa f'din it-taqsima. Għalhekk, l-interessi ġġenerati mill-pagamenti ta' pre-finanzjament jiġu assenjati għall-programm jew l-azzjoni kkonċernata u mnaqqsa mill-pagament tal-bilanċ tal-ammonti dovuti lill-benefiċjarju.

Ir-Regolament li jfassal ir-regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament Finanzjarju jispeċifika wkoll il-każijiet li fihom l-uffiċjal risponsabbli li jawtorizza għandu, b'eċċezzjoni, jirkupra kull sena tali imgħax

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li huwa applikabbli għall-Baġit Ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 5a tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jistipula regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2007 dwar ir-Regolament Finanzjarju li huwa applikabbli għall-Baġit Ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1) u b'mod partikolari l-Artikoli 4 u 4a tiegħu.

## *Artikolu 5 2 3 — Dħul ġenerat minn Kontijiet Fiduċjarji — Dħul assenjat*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 2 862 776,66 |

*Kummenti*

Dan l-artikolu hu intenzjonat li jirreġistra imgħax u dħul ieħor ġenerat minn fuq Kontijiet Fiduċjarji.

Il-Kontijiet Fiduċjarji jinżammu f'isem l-Unjoni minn Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali (Il-Fond Ewropew tal-Investiment, il-Bank Ewropew tal-Investiment, il-Bank Ċentrali Ewropew/Kreditanstalt für Wiederaufbau, il-Bank Ewropew tar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp) li jiġġestixxu programmi tal-Unjoni u l-ammonti li tħallas l-Unjoni jibqgħu fuq il-kont sakemm isiru disponibbli lill-benefiċjarji taħt il-programm uniku, bħal ma huma impriżi żgħar u ta' daqs medju jew istituzzjonijiet li jiġġestixxu proġetti f'pajjiżi fil-proċess li jaderixxu.

Skont l-Artikolu 18 (2) tar-Regolament Finanzjarju, l-imgħax iġġenerat minn Kontijiet Fiduċjarji użati għal Programmi tal-Unjoni jintużaw biex jiġu pprovduti approprjazzjonijiet addizzjonali fuq il-linji li minnhom tkun ittieħdet in-nefqa inizjali li twassal għad-dħul korrispondenti.

*Bażi ġuridika*

Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/25 tal-25 ta' Gunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli ghall-bagit generali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 18(2) tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jippreskrivi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 fuq ir-Regolament Finanzjaru li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1).

## KAPITOLU 5 5 — DĦUL FORNITURA TA' SERVIZZI U XOGĦLIJIET

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 5 5 | DĦUL FORNITURA TA' SERVIZZI U XOGĦLIJIET | | | | |
| ***5 5 0*** | ***Dħul mill-fornitura ta' servizzi u xogħlijiet magħmula għal istituzzjonijiet jew organizzazzjonijiet oħra, inkluż l-ammont ta' kumpens tal-missjoni mħallas f'isem istituzzjonijiet jew organizzazzjonijiet oħra rimborsat minn dawn — Riċevuti maħruġa*** | p.m. | p.m. | 12 321 005,42 | |
| ***5 5 1*** | ***Riċevuti li ġejjin minn terzi għall-għoti ta' servizzi jew xogħlijiet magħmula fuq talba tagħhom — Riċevuti maħruġa*** | p.m. | p.m. | 315 240,06 | |
| | **Kapitolu 5 5 — Total** | **p.m.** | **p.m.** | **12 636 245,48** | |

### *Artikolu 5 5 0 — Dħul mill-fornitura ta' servizzi u xogħlijiet magħmula għal istituzzjonijiet jew organizzazzjonijiet oħra, inkluż l-ammont ta' kumpens tal-missjoni mħallas f'isem istituzzjonijiet jew organizzazzjonijiet oħra rimborsat minn dawn — Riċevuti maħruġa*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 12 321 005,42 |

*Kummenti*

Skont l-Artikolu 18(1)(g) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jkun ikkunsidrat bħala dħul allokat u jagħti lok biex jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fil-linji li jkunu ġarrew l-ispejjeż inizjali li jkunu kkawżaw id-dħul li jikkorrispondi magħhom.

### *Artikolu 5 5 1 — Riċevuti li ġejjin minn terzi għall-għoti ta' servizzi jew xogħlijiet magħmula fuq talba tagħhom — Riċevuti maħruġa*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 315 240,06 |

*Kummenti*

Skont l-Artikolu 18(1)(e) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jkun ikkunsidrat bħala dħul allokat u jagħti lok biex jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fil-linji li jkunu ġarrew l-ispejjeż inizjali li jkunu kkawżaw id-dħul li jikkorrispondi magħhom.

## KAPITOLU 5 7 — KONTRIBUZZJONIJIET U RESTITUZZJONIJIET OĦRA MARBUTA MAL-FUNZJONAMENT AMMINISTRATTIV TAL-ISTITUZZJONI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 5 7 | KONTRIBUZZJONIJIET U RESTITUZZJONIJIET OĦRA MARBUTA MAL-FUNZJONAMENT AMMINISTRATTIV TAL-ISTITUZZJONI | | | | |
| ***5 7 0*** | ***Riċevuti li ġejjin mir-restituzzjonijiet ta' somom li ma kinux imħallsa kif suppost — Riċevuti maħruġa*** | p.m. | p.m. | 9 657 656,95 | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| *5 7 1* | ***Riċevuti li jaqblu ma' destinazzjoni determinata bħad-dħul tal-fondazzjonijiet, is-sussidji, ir-rigali u benefiċċji oħra, inklużi l-irċevuti maħruġa marbuta ma' kull istituzzjoni — Riċevuti maħruġa*** | p.m. | p.m. | 0,— | |
| *5 7 2* | ***Ħlas lura ta' nefqa fuq il-welfare li saret għan-nom ta' istituzzjoni oħra*** | p.m. | p.m. | 0,— | |
| *5 7 3* | ***Kontribuzzjonijiet u restituzzjonijiet oħra marbuta mal-funzjonament amministrattiv tal-istituzzjoni — Riċevuti maħruġa*** | p.m. | p.m. | 134 147 611,32 | |
| | **Kapitolu 5 7 — Total** | **p.m.** | **p.m.** | **143 805 268,27** | |

## *Artikolu 5 7 0 — Riċevuti li ġejjin mir-restituzzjonijiet ta' somom li ma kinux imħallsa kif suppost — Riċevuti maħruġa*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 9 657 656,95 |

*Kummenti*

Skont l-Artikolu 18(1)(f) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jkun ikkunsidrat bħala dħul allokat u jagħti lok biex jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fil-linji li jkunu ġarrew l-ispejjeż inizjali li jkunu kkawżaw id-dħul li jikkorrispondi magħhom.

## *Artikolu 5 7 1 — Riċevuti li jaqblu ma' destinazzjoni determinata bħad-dħul tal-fondazzjonijiet, is-sussidji, ir-rigali u benefiċċji oħra, inklużi l-irċevuti maħruġa marbuta ma' kull istituzzjoni — Riċevuti maħruġa*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Skont l-Artikolu 18(1)(c) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jkun ikkunsidrat bħala dħul allokat u jagħti lok biex jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fil-linji li jkunu ġarrew l-ispejjeż inizjali li jkunu kkawżaw id-dħul li jikkorrispondi magħhom.

## *Artikolu 5 7 2 — Ħlas lura ta' nefqa fuq il-welfare li saret għan-nom ta' istituzzjoni oħra*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Dan l-Artikolu maħsub biex jirreġistra d-dħul mill-pagamenti tan-nefqa fuq il-*welfare* imġarrba f'isem istituzzjoni oħra.

## *Artikolu 5 7 3 — Kontribuzzjonijiet u restituzzjonijiet oħra marbuta mal-funzjonament amministrattiv tal-istituzzjoni — Riċevuti maħruġa*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 134 147 611,32 |

*Kummenti*

Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jkun ikkunsidrat bħala dħul allokat u jagħti lok biex jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fil-linji li jkunu ġarrew l-ispejjeż inizjali li jkunu kkawżaw id-dħul li jikkorrispondi magħhom.

## KAPITOLU 5 8 — KUMPENS MIXXELLANJU

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 5 8 | Kumpens Mixxellanju | | | | |
| ***5 8 0*** | ***Riċevuti mill-ħlas ta' allowances għall-kera — Riċevuti maħruġa*** | p.m. | p.m. | 17 268,69 | |
| ***5 8 1*** | ***Riċevuti li ġejjin mill-ħlas ta' allowances għall-assigurazzjoni mogħtija — Riċevuti maħruġa*** | p.m. | p.m. | 291 559,82 | |
| | **Kapitolu 5 8 — Total** | **p.m.** | **p.m.** | **308 828,51** | |

### *Artikolu 5 8 0 — Riċevuti mill-ħlas ta' allowances għall-kera — Riċevuti maħruġa*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 17 268,69 |

*Kummenti*

Skont l-Artikolu 18(1)(i) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jkun ikkunsidrat bħala dħul allokat u jagħti lok biex jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fil-linji li jkunu ġarrew l-ispejjeż inizjali li jkunu kkawżaw id-dħul li jikkorrispondi magħhom.

### *Artikolu 5 8 1 — Riċevuti li ġejjin mill-ħlas ta' allowances għall-assigurazzjoni mogħtija — Riċevuti maħruġa*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 291 559,82 |

*Kummenti*

Skont l-Artikolu 18(1)(h) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jkun ikkunsidrat bħala dħul allokat u jagħti lok biex jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fil-linji li jkunu ġarrew l-ispejjeż inizjali li jkunu kkawżaw id-dħul li jikkorrispondi magħhom.

## KAPITOLU 5 9 — RIĊEVUTI OĦRA ĠEJJIN MILL-ĠESTJONI AMMINISTRATTIVA

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 5 9 | RIĊEVUTI OĦRA ĠEJJIN MILL-ĠESTJONI AMMINISTRATTIVA | | | | |
| ***5 9 0*** | ***RIĊEVUTI OĦRA ĠEJJIN MILL-ĠESTJONI AMMINISTRATTIVA*** | 2 000 000 | 2 000 000 | 4 211 275,78 | 210,56 % |
| | **Kapitolu 5 9 — Total** | **2 000 000** | **2 000 000** | **4 211 275,78** | **210,56 %** |

## *Artikolu 5 9 0 — RIĊEVUTI OĦRA ĠEJJIN MILL-ĠESTJONI AMMINISTRATTIVA*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 2 000 000 | 2 000 000 | 4 211 275,78 |

*Kummenti*

Dan l-Artikolu huwa maħsub biex jirreġistra dħul ieħor minn operazzjonijiet amministrattivi.

# TITOLU 6 — KONTRIBUZZJONIJIET U RIFUŻJONIJIET MARBUTA MAL-FTEHIMIET U L-PROGRAMMI TAL-UNJONI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| 6 0 | KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-PROGRAMMI TAL-UNJONI | p.m. | p.m. | 588 447 354,33 |
| 6 1 | RIMBORS TA' NEFQA MIXXELLANJA | p.m. | p.m. | 102 774 970,46 |
| 6 2 | DĦUL MINN SERVIZZI LI TWETTQU GĦALL-ĦLAS | p.m. | p.m. | 73 113 988,17 |
| 6 3 | KONTRIBUZZJONIJIET FIL-QAFAS TA' FTEHIM SPEĊIFIKU | p.m. | p.m. | 340 961 821,95 |
| 6 5 | Korrezzjonijiet finanzjarji | p.m. | p.m. | 85 083 943,54 |
| 6 6 | Rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet oħra | 60 000 000 | 50 000 000 | 556 038 240,50 |
| 6 7 | DĦUL DWAR IL-FOND EWROPEW TA' GARANZIJA GĦALL-AGRIKOLTURA U L-FOND aGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI | p.m. | p.m. | 697 371 166,81 |
| 6 8 | AMMONTI TEMPORANJI GĦAR-RISTRUTTURAR | p.m. | p.m. | 7 313,10 |
| | **Titolu 6 — Total** | **60 000 000** | **50 000 000** | **2 443 798 798,86** |

# KAPITOLU 6 0 — KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-PROGRAMMI TAL-UNJONI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 6 0 | KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-PROGRAMMI TAL-UNJONI | | | | |
| ***6 0 1*** | ***Programmi ta' riċerka differenti*** | | | | |
| 6 0 1 1 | Ftehim ta' kooperazzjoni Svizzera-Euratom fil-qasam tal-fużjoni termonukleari ikkontrollata u tal-fiżika tal-plasmi — Dħul allokat | p.m. | p.m. | 0,— | |
| 6 0 1 2 | Ftehim Ewropew għall-iżvilupp tal-fużjoni (EFDA) — Dħul allokat | p.m. | p.m. | 16 697 188,17 | |
| 6 0 1 3 | Ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi taħt il-programmi ta' riċerka tal-Unjoni — Dħul allokat | p.m. | p.m. | 344 593 840,72 | |
| 6 0 1 5 | Ftehim ta' kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet ta' pajjiżi terzi fil-qafas ta' proġetti xjentifiċi u teknoloġiċi ta' interess għall-Unjoni (Eureka u oħrajn) — Dħul allokat | p.m. | p.m. | 0,— | |
| 6 0 1 6 | Ftehim ta' kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika — Dħul allokat | p.m. | p.m. | 0,— | |
| | *Artikolu 6 0 1 — Sub-total* | p.m. | p.m. | 361 291 028,89 | |
| ***6 0 2*** | ***Programmi oħra*** | | | | |
| 6 0 2 1 | Diversi Riċevuti maħruġa għal azzjonijiet marbuta mal-għajnuna umanitarja — Riċevuti maħruġa | p.m. | p.m. | 0,— | |
| | *Artikolu 6 0 2 — Sub-total* | p.m. | p.m. | 0,— | |
| ***6 0 3*** | ***Ftehimiet ta' assoċjazzjoni bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi*** | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 6 0 3 1 | Dħul li ġej mill-parteċipazzjoni tal-pajjiżi kandidati u mill-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent fi programmi tal-Unjoni — Dħul allokat | p.m. | p.m. | 196 461 242,11 | |
| 6 0 3 2 | Dħul li ġej mill-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi, differenti mill-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati tal-Balkani tal-Punent fi ftehimiet ta' koperazzjoni doganali — Dħul allokat | p.m. | p.m. | 256 840,90 | |
| 6 0 3 3 | Parteċipazzjoni ta' korpi esterni fl-attivitajiet tal-Unjoni — Dħul allokat | p.m. | p.m. | 30 438 242,43 | |
| | *Artikolu 6 0 3 — Sub-total* | p.m. | p.m. | 227 156 325,44 | |
| | **Kapitolu 6 0 — Total** | **p.m.** | **p.m.** | **588 447 354,33** | |

## *Artikolu 6 0 1 — Programmi ta' riċerka differenti*

### Partita 6 0 1 1 — Ftehim ta' kooperazzjoni Svizzera-Euratom fil-qasam tal-fużjoni termonukleari ikkontrollata u tal-fiżika tal-plasmi — Dħul allokat

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Dħul li jirriżulta mill-ftehim ta' kooperazzjoni bejn l-Isvizzera u l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, b'mod partikolari dak tal-14 ta' Settembru 1978.

Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul se jkun użat biex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 08 22 04 (azzjoni indiretta) tal-istqarrija tan-nefqa f'din it-taqsima, skont l-ispiża li għandha tkun koperta.

### Partita 6 0 1 2 — Ftehim Ewropew għall-iżvilupp tal-fużjoni (EFDA) — Dħul allokat

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 16 697 188,17 |

*Kummenti*

Dħul li jirriżulta mill-ftehimiet multilaterali EFDA bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u s-26 assoċjati tal-fużjoni.

Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul se jkun użat biex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 08 22 04 (azzjoni indiretta) tal-istqarrija tan-nefqa f'din it-taqsima, skont l-ispiża li għandha tkun koperta.

Dan id-dħul ikopri l-kontribuzzjoni tal-assoċjati għall-finanzjament ta' nfiq ta' fondi konġunti li jirriżultaw mill-użu ta' faċilitajiet JET, il-Komputer ta' Prestazzjoni Għolja għall-fużjoni u kwalunkwe faċilità oħra li tista' titwaqqaf għall-iskopijiet tal-EFDA.

### Partita 6 0 1 3 — Ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi taħt il-programmi ta' riċerka tal-Unjoni — Dħul allokat

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 344 593 840,72 |

*Kummenti*

Dħul li jirriżulta minn ftehimiet ta' kooperazzjoni bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi, partikolarment dawk li qed jipparteċipaw f'kooperazzjoni Ewropea fil-qasam ta' riċerka xjentifika u teknika (COST), biex ikunu assoċjati ma' programmi ta' riċerka tal-Unjoni.

Kwalunkwe kontribuzzjoni għandha tkopri l-ispejjeż tal-laqgħat, kuntratti tal-esperti u nefqa tar-riċerka taħt il-programmi in kwestjoni.

Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul se jkun użat biex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikoli 02 04 03, 06 06 04, 08 22 04, 09 04 02, 15 07 78, 32 06 03 (azzjoni indiretta) u l-Artikoli 10 02 02 u 10 03 02 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, skont in-nefqa li għandha tkun koperta.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 2007/502/KE, Euratom tal-Kunsill u l-Kummissjoni tal-25 ta' Ġunju 2007 dwar l-iffirmar f'isem il-Komunità Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fuq naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera, fuq in-naħa l-oħra (ĠU L 189, 20.7.2007, p. 24).

Id-Deċiżjoni Nru 2007/585/KE tal-Kunsill tal-10 ta' Lulju, 2007 dwar l-iffirmar tal-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim dwar kooperazzjoni Xjentifika u Teknika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istat ta' Iżrael (ĠU L 220, 25.8.2007, p. 3).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/558/UE tat-12 ta' Marzu 2010 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Faroe dwar il-Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika, li jassoċja lill-Gżejjer Faroe mas-Seba' Programm Kwadru tal-Unjoni għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku u l-Attivitajiet ta' Dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L245, 17.9.2010, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/27/EU tat-12 ta' Lulju 2010 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Moldova fil-programmi tal-Unjon (ĠU L 14, 19.1.2011, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/28/EU tat-12 ta' Lulju 2010 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Moldova fil-programmi tal-Unjon (ĠU L 14, 19.1.2011, p. 5).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2011)5803 tat-18 ta' Awissu 2011, dwar l-approvazzjoni u l-iffirmar tal-Memorandum ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropa u r-Repubblika tal-Moldova dwar l-assoċjazzjoni tagħha mas-Seba' Programm Qafas tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013).

*Atti ta' referenza*

Rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill biex jawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati rigward qbil għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewopea tal-Enerġija Atomika fuq naħa, u l-Konfederazzjoni Svizzera għall-Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) għar-riċerka nukleari u l-attivitajiet ta' taħriġ (2012-2013) (COM(2012) 67).

## Partita 6 0 1 5 — Ftehim ta' kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet ta' pajjiżi terzi fil-qafas ta' proġetti xjentifiċi u teknoloġiċi ta' interess għall-Unjoni (Eureka u oħrajn) — Dħul allokat

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Dħul li jirriżulta minn ftehimiet ta' kooperazzjoni bejn l-Unjoni u istituti minn pajjiżi terzi inkonnessjoni ma' proġetti xjentifiċi u teknoloġiċi ta' interess għall-Unjoni (Eureka u oħrajn).

Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul se jkun użat biex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikoli 02 04 03, 06 06 04, 08 22 04 u 09 04 02 (azzjoni indiretta) tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima.

## Partita 6 0 1 6 — Ftehim ta' kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika — Dħul allokat

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Dħul minn Stati li qed jieħdu sehem f'kooperazzjoni Ewropea fil-qasam ta' riċerka xjentifika u teknika.

Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul se jkun użat biex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikoli 02 04 03, 06 06 04, 08 22 04 u 09 04 02 (azzjoni indiretta) tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima.

*Atti ta' referenza*

Riżoluzzjoni tal-Ministri tal-Istati li jipparteċipaw fil-Kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka xjentifka u teknika (COST) (iffirmata fi Vjenna fil-21 ta' Novembru 1991) (ĠU C 333, 24.12.1991, p. 1).

## *Artikolu 6 0 2 — Programmi oħra*

### Partita 6 0 2 1 — Diversi Riċevuti maħruġa għal azzjonijiet marbuta mal-għajnuna umanitarja — Riċevuti maħruġa

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Kull kontribuzzjoni minn korpi esterni dwar l-għajnuna umanitarja.

Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul se jkun użat biex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali skont il-Titolu 08 23 tal-istqarrija tan-nefqa f'din it-taqsima.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 dwar l-għajnuna umanitarja (ĠU L 163, 2.7.1996, p. 1).

## *Artikolu 6 0 3 — Ftehimiet ta' assoċjazzjoni bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi*

### Partita 6 0 3 1 — Dħul li ġej mill-parteċipazzjoni tal-pajjiżi kandidati u mill-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent fi programmi tal-Unjoni — Dħul allokat

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 196 461 242,11 |

*Kummenti*

Dħul li jiġi mill-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni konklużi bejn l-Unjoni u l-pajjiżi hawn taħt elenkati bħala riżultat tal-parteċipazzjoni tagħhom f'diversi programmi tal-Unjoni. Kwalunkwe dħul minn pajjiżi li huma diġà Stati Membri li għandu x'jaqsam ma' operazzjonijiet tal-passat.

Skont l-Artikolu 18 tar- Regolament Finanzjarju kull dħul ser jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet għall-finanzjament tan-nefqa li għaliha huwa assenjat dan id-dħul.

*Atti ta' referenza*

Il-Ftehim Qafas bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tat-Turkija dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tat-Turkija fil-programmi tal-Komunità (ĠU L 61, 2.3.2002, p. 29).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007) 2029 tal-11 ta' Mejju 2007, dwar l-approvazzjoni u l-iffirmar tal-Memorandum ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropa u r-Repubblika tat-Turkija dwar l-assoċjazzjoni tar-Repubblika tat-Turkija mas-Seba' Programm Qafas tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013).

Il-Ftehim Qafas bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Albanija dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Albanija fil-programmi tal-Komunità (ĠU L 192, 22.7.2005 p. 2).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007) 6103 tat-11 ta' Diċembru 2007, dwar l-approvazzjoni u l-iffirmar tal-Memorandum ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropa u r-Repubblika tal-Albanija dwar l-assoċjazzjoni tar-Repubblika tal-Albanija mas-Seba' Programm Qafas tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013).

Il-Ftehim Qafas bejn il-Komunità Ewropea u l-Bosnja-Ħerzegovina dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Bożnja u Ħerzegovina fil-programmi tal-Komunità (ĠU L 192, 22.7.2005 p. 9).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2008) 4037 tal-1 ta' Awissu 2008, dwar l-approvazzjoni u l-iffirmar tal-Memorandum ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropa u l-Bosnja u Ħerzegovina dwar l-assoċjazzjoni tal-Bosnja u Ħerzegovina mas-Seba' Programm Qafas tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013).

Il-Ftehim Qafas bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Kroazja dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fil-programmi tal-Komunità (ĠU L 192, 22.7.205, p. 16).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007) 2017 tat-11 ta' Mejju 2007, dwar l-approvazzjoni u l-iffirmar tal-Memorandum ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropa u r-Repubblika tal-Kroazja dwar l-assoċjazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mas-Seba' Programm Qafas tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013).

Il-Ftehim Qafas bejn il-Komunità Ewropea u s-Serbja u l-Montenegro dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tas-Serbja u l-Montenegro fil-programmi tal-Komunità (ĠU L 192, 22.7.2005, p. 29).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007) 2030 tat-11 ta' Mejju 2007, dwar l-approvazzjoni u l-iffirmar tal-Memorandum ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropa u r-Repubblika tas-Serbja dwar l-assoċjazzjoni tar-Repubblika tas-Serbja mas-Seba' Programm Qafas tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013).

Il-Protokoll dwar il-Ftehim ta’ Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa waħda u Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim ta’ Qafas bejn il-Komunità Ewropea u l-Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja fil-programmi Komunitarji, ĠU L 192, 22.7.2005, p. 23).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007) 2016 tat-11 ta' Mejju 2007, dwar l-approvazzjoni u l-iffirmar tal-Memorandum ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropa u dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja dwar l-assoċjazzjoni ta’ dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja mas-Seba' Programm Qafas tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013).

Il-Ftehim fil-forma ta’ skambju ta’ ittri dwar l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll 8 fuq il-Ftehim ta’ Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa waħda, u r-Repubblika tal-Montenegro, fuq in-naħa l-oħra, dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Montenegro fi programmi Komunitarji (ĠU L 43, 19.2.2008, p. 11).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2008) 233 tal-24 ta’Jannar 2008, dwar l-approvazzjoni u l-iffirmar ta’ Memorandum ta’ Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Montenegro dwar l-assoċjazzjoni tal-Montenegro mas-Seba’ Programm Qafas tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta’ dimostrazzjoni (2007-2013).

Protokolli oħra għal mal-Ftehim Ewropej (Artikoli 228 u 238) li jwaqqfu programmi Komunitarji għall-pajjiżi kandidati.

## Partita 6 0 3 2 — Dħul li ġej mill-parteċipazzjoni ta’ pajjiżi terzi, differenti mill-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati tal-Balkani tal-Punent fi ftehimiet ta’ koperazzjoni doganali — Dħul allokat

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 256 840,90 |

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex tirreġistra kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi għal ftehimiet ta’ kooperazzjoni doganali, b’mod partikolari taħt il-proġett ta’ Transitu u l-proġett tad-disseminazzjoni ta’ tariffi u partikolaritajiet oħra (bil-kompjuter).

Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul se jkun użat biex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikoli 14 03 01, 14 04 01, 14 04 02 u 14 05 03 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f’din it-taqsima.

*Bażi ġuridika*

Il-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea, r-Repubblika tal-Awstrija, r-Repubblika tal-Finlandja, r-Repubblika tal-Islanda, r-Renju tan-Norveġja, r-Renju tal-Isvezja u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar Proċedura Komuni ta' Transitu (ĠU L 226, 13.8.1987, p. 2).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/305/KE tat-30 ta' Marzu 2000 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju tal-Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Isvizzera dwar l-estenzjoni tan-network komuni tal-komunikazzjoni/*interface* komuni tas-sistema (XKK/IKS) fil-qafas tal-Konvenzjoni dwar proċedura komuni tat-tranżitu.(ĠU L 102, 27.4.2000, p. 50).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2000/506/KE tal-31 ta' Lulju 2000 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju tal-Ittri bejn il-Komunità Ewropea u n-Norveġja dwar l-estenzjoni tan-network komuni tal-komunikazzjoni/*interface* komuni tas-sistema (XKK/IKS) fil-qafas tal-Konvenzjoni dwar proċedura komuni tat-tranżitu.(ĠU L 204, 11.8.2000, p. 35).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2001 li jawtorizza l-Kummisjoni biex tinnegozja f'isem il-Komunità Ewropea emenda għall-Konvenzjoni li toħloq il-Kunsill dwar Kooperazzjoni Doganali ffirmat fi Brussel fil-15 ta' Diċembru 1950, bil-ħsieb li l-Komunità Ewropea tkun membru fl-organizzazzjoni.

Id-Deċiżjoni Nru 253/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Frar 2003 li tadotta programm ta' azzjoni għal dwani fil-Komunità (Dwana 2007) (ĠU L 36, 12 2 2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 624/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni għad-dwana fil-Komunità (Dwana 2013) (ĠU L 154, 14.6.2007, p. 25).

### Partita 6 0 3 3 — Parteċipazzjoni ta' korpi esterni fl-attivitajiet tal-Unjoni — Dħul allokat

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 30 438 242,43 |

*Kummenti*

Kwalunkwe kontribuzzjoni minn korpi esterni lill-attivitajiet tal-Unjoni.

Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul ser jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet għall-finanzjament tan-nefqa li għaliha huwa assenjat dan id-dħul.

## Kapitolu 6 1 — RIMBORS TA' NEFQA MIXXELLANJA

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 6 1 | RIMBORS TA' NEFQA MIXXELLANJA | | | | |
| ***6 1 1*** | ***Rimbors ta' nefqa li saret għan nom ta' Stat Membru jew Stati Membri*** | | | | |
| 6 1 1 3 | Dħul li ġej mill-investiment tal-beni posseduti imsemmija fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/76/KE — Dħul assenjat | p.m. | p.m. | 47 896 088,58 | |
| 6 1 1 4 | Dħul li jkopril-Programm ta' riċerka għall-faħam u l-azzar | p.m. | p.m. | 0,— | |
| | *Artikolu 6 1 1 — Sub-total* | p.m. | p.m. | 47 896 088,58 | |
| ***6 1 2*** | ***Rimbors tal-ispejjeż magħmula b'mod speċifiku fit-twettiq ta' xogħlijiet fuq talba u bi ħlas— Riċevuti mahruġa*** | p.m. | p.m. | 645,92 | |
| ***6 1 4*** | ***Ħlas lura ta' appoġġ mill-Unjoni għall-proġetti u attivitajiet li huma suċċess kummerċjalment*** | | | | |
| 6 1 4 3 | Ħlas lura ta' appoġġ mill-Unjoni għall-attivitajiet ta' kapital ta' riskju bħala appoġġ għall-intrapriżi żgħar u medji — Dħul allokat | p.m. | p.m. | 0,— | |
| 6 1 4 4 | Ħlas lura ta' appoġġ mill-Unjoni għal Strumenti ta' Qsim tar-Riskju mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni — Dħul assenjat | p.m. | | | |
| | *Artikolu 6 1 4 — Sub-total* | p.m. | p.m. | 0,— | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| ***6 1 5*** | ***ħlas lura ta' għajnuna mill-Unjoni mhux użata*** | | | | |
| 6 1 5 0 | Rimbors ta' għajnuna mhux użata mill-Fond Soċjali Ewropew, mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija, mill-Istrument Finanzjarju ta' Gwida għas-Sajd, mill-Fond ta' Koeżjoni, mill-Fond ta' Solidarjetà, l-ISPA u l-IPA. | p.m. | p.m. | 42 018 394,95 | |
| 6 1 5 1 | Rimbors tas-sussidji ta' ekwilibriju baġitarju mhux użati — Dħul allokat | p.m. | p.m. | 0,— | |
| 6 1 5 2 | Rimbors ta' sussidji ta' interessi mhux użati — Dħul allokat | p.m. | p.m. | 0,— | |
| 6 1 5 3 | Rimbors tal-ammonti mhux użati fil-qafas tal-kuntratti maħruġa mill-istituzzjoni — Dħul allokat | p.m. | p.m. | 602 575,71 | |
| 6 1 5 7 | Rimbors ta' ħlasijiet fuq il-kont taħt il-Fondi Strutturali, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għas-Sajd | p.m. | p.m. | 4 559 723,50 | |
| 6 1 5 8 | Ħlas lura ta' għajnuna mixellanja mill-Unjoni mhux użata — Dħul allokat | p.m. | p.m. | 1 282 087,08 | |
| | *Artikolu 6 1 5 — Sub-total* | p.m. | p.m. | 48 462 781,24 | |
| ***6 1 6*** | ***Rimbors tal-ispejjeż magħmula f'isem l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika — Riċevuti maħruġa*** | p.m. | p.m. | 0,— | |
| ***6 1 7*** | ***Ħlas lura ta' ammonti imħallsa inkonnessjoni ma' għajnuna mill-Unjoni lill-pajjiżi terzi*** | | | | |
| 6 1 7 0 | Rimbors fil-qafas tal-kooperazzjoni mal-Afrika t'Isfel — Dħul allokat | p.m. | p.m. | 6 098 617,93 | |
| | *Artikolu 6 1 7 — Sub-total* | p.m. | p.m. | 6 098 617,93 | |
| ***6 1 8*** | ***Ħlas lura ta' ammonti mħallsa in konnessjoni ma' għajnuna alimentari*** | | | | |
| 6 1 8 0 | Rimbors minn dawk li għandhom il-jedd jew mill-benefiċjarji ta' ammonti żejda riċevuti fil-qafas tal-għajnuna alimentari — Riċevuti maħruġa | p.m. | p.m. | 110 579,80 | |
| 6 1 8 1 | Rimbors tal-ispejjeż supplementari maħluqha mill-benefiċjarji tal-għajnuna alimentari — Riċevuti maħruġa | p.m. | p.m. | 19 836,54 | |
| | *Artikolu 6 1 8 — Sub-total* | p.m. | p.m. | 130 416,34 | |
| ***6 1 9*** | ***Ħlas lura ta' nefqa oħra li saret għan-nom ta' korpi barranin*** | | | | |
| 6 1 9 1 | Rimbors ieħor ta' spejjeż maħruġ f'isem terzi fil-qafas tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 77/270/Euratom — Riċevuti maħruġa | p.m. | p.m. | 186 420,45 | |
| | *Artikolu 6 1 9 — Sub-total* | p.m. | p.m. | 186 420,45 | |
| | **Kapitolu 6 1 — Total** | **p.m.** | **p.m.** | **102 774 970,46** | |

## *Artikolu 6 1 1 — Rimbors ta' nefqa li saret għan nom ta' Stat Membru jew Stati Membri*

### Partita 6 1 1 3 — Dħul li ġej mill-investiment tal-beni posseduti imsemmija fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/76/KE — Dħul assenjat

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 47 896 088,58 |

*Kummenti*

Id-Deċiżjoni 2003/76/KE tistipula li l-Kummissjoni għandha r-responsabbiltà li tieħu ħsieb l-istralċ tal-operazzjonijiet finanzjarji tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar li jkunu għadhom ma' ngħalqux meta jiskadi t-Trattat dwar il-KEFA.

Taħt l-Artikolu 4 ta' dik id-Deċiżjoni, id-dħul nett mill-investiment tal-assi disponibbli jikkostitwixxi dħul fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea magħżula bl-għan speċifiku, jiġifieri li jiffinanzja proġetti ta' riċerka fis-setturi relatati mal-industriji tal-faħam u l-azzar bil-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar.

Id-dħul nett disponibbli għall-finanzjament tal-proġetti ta' riċerka fis-sena n + 2 jidher fil-karta tal-bilanċ tal-KEFA f'likwidazzjoni għas-sena n, u wara li jkun tlesta l-proċess tal-likwidazzjoni jidher bħala assi fil-karta tal-bilanċ tal-Fond dwar ir-Riċerka tal-Faħam u l-Azzar. Dan il-mekkaniżmu finanzjarju daħal fis-seħħ fl-2003. Id-dħul mill-2011 ser jintuża għar-riċerka fl-2013. Biex jitnaqqas kemm jista' jkun iċ-ċaqlieq li l-movimenti fis-swieq finanzjarji jistgħu joħolqu fl-iffinanzjar tar-riċerka, ikun applikat arranġament ta'

twittija. L-ammont ta’ dħul net mistenni li jkun disponibbli għar-riċerka fl-2013 jammonta għal EUR 51 732 500.

Skont l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2003/76/KE, 72,8 % tal-approprjazzjonijiet tal-fond ikunu għas-settur tal-azzar u 27,2 % għas-settur tal-faħam.

Skont l-Artikolu 18 u l-Artikolu 160(1a) tar-Regolament Finanzjarju, id-dħul finanzjarju se jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali skont il-Kapitolu 08 23 tad-dikjarazzjoni ta' nfiq fit-Taqsima III “Kummissjoni”.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/76/KE tal-1 ta’ Frar 2003 li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Protokoll, annessa mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, dwar il-konsegwenzi finanzjarji tad-data tal-għeluq tat-Trattat tal-KEFA u dwar il-Fond ta’ Riċerka għall-Faħam u l-Azzar (ĠU L 29, 5.2.2003, p. 22).

### Partita 6 1 1 4 — Dħul li jkopril-Programm ta’ riċerka għall-faħam u l-azzar

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Deċiżjoni 2003/76/KE tistipula li l-Kummissjoni għandha tingħatalha r-responsabbiltà li tieħu ħsieb l-istralċ tal-operazzjonijiet finanzjarji tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar li jkunu għadhom ma’ ngħalqux meta jiskadi t-Trattat dwar il-KEFA.

Skont l-Artikolu 4(5) ta’ dik id-Deċiżjoni, l-ammonti rkuprati għall-ewwel imorru għall-assi tal-KEFA fl-istralċ u wara, meta jintemm l-istralċ, għall-assi tal-Fond ta’ Riċerka għall-Faħam u l-Azzar.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/76/KE tal-1 ta’ Frar 2003 li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Protokoll, annessa mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, dwar il-konsegwenzi finanzjarji tad-data tal-għeluq tat-Trattat tal-KEFA u dwar il-Fond ta’ Riċerka għall-Faħam u l-Azzar (ĠU L 29, 5.2.2003, p. 22).

## *Artikolu 6 1 2 — Rimbors tal-ispejjeż magħmula b’mod speċifiku fit-twettiq ta’ xogħlijiet fuq talba u bi ħlas — Riċevuti maħruġa*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 645,92 |

*Kummenti*

Skont l-Artikolu 18 tar- Regolament Finanzjarju kull dħul ser jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet għall-finanzjament tan-nefqa li għaliha huwa assenjat dan id-dħul.

## *Artikolu 6 1 4 — Ħlas lura ta' appoġġ mill-Unjoni għall-proġetti u attivitajiet li huma suċċess kummerċjalment*

### Partita 6 1 4 3 — Ħlas lura ta' appoġġ mill-Unjoni għall-attivitajiet ta' kapital ta’ riskju bħala appoġġ għall-intrapriżi żgħar u medji — Dħul allokat

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Il-ħlas lura tal-appoġġ kollu jew parti minnu għal proġetti li kellhom suċċess kummerċjali, b'parteċipazzjoni possibbli fi profitti li jirriżultaw minn għotjiet mgħoddija bħala parti mill-attivitajiet Ewropej tal-kapital tar-riskju b'appoġġ għall-intrapriżi żgħar u medji skont l-istrumenti Venture Consort u Eurotech Capital.

Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament tal-Kunsill, kull dħul ser jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet għall-finanzjament tan-nefqa li għaliha huwa assenjat dan id-dħul.

### Partita 6 1 4 4 — Ħlas lura ta' appoġġ mill-Unjoni għal Strumenti ta' Qsim tar-Riskju mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni — Dħul assenjat

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

Ħlas lura ta' rifużjonijiet u ta' ammonti li jifdal wara l-appoġġ tal-Unjoni għal Strumenti ta' Qsim tar-Riskju iffinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta'Koeżjoni.

Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju kull dħul ser jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet għall-finanzjament tan-nefqa li għaliha huwa assenjat dan id-dħul.

*Atti ta' referenza*

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni Ewropea fit-12 ta' Ottubru 2011, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 dwar ċerti dispożizzjonijiet marbuta mal-kondiviżjoni tar-riskju għal ċerti Stati Membri li qed jesperjenzaw jew huma mhedda b'diffikultajiet serji fejn tidħol l-istabbiltà finanzjarja tagħhom (COM(2011) 655 final).

## *Artikolu 6 1 5 — ħlas lura ta' għajnuna mill-Unjoni mhux użata*

### Partita 6 1 5 0 — Rimbors ta' għajnuna mhux użata mill-Fond Soċjali Ewropew, mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija, mill-Istrument Finanzjarju ta' Gwida għas-Sajd, mill-Fond ta' Koeżjoni, mill-Fond ta' Solidarjetà, l-ISPA u l-IPA.

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 42 018 394,95 |

*Kummenti*

Rimbors ta' għajnuna mhux użata mill-Fond Soċjali Ewropew, mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija, mill-Istrument Finanzjarju ta' Gwida għas-Sajd, mill-Fond ta' Koeżjoni, mill-Fond ta' Solidarjetà, l-Istrument għall-Politika Strutturali għall-Pre-Adeżjoni (ISPA) u mill-Istrument għall-Għajuna għal Pre-Adeżjoni (IPA).

Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul jista' jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali fuq il-linji li ġarrew l-infiq inizjali li wassal għad-dħul li jikkorrispondi miegħu.

Partita 6 1 5 1 — Rimbors tas-sussidji ta’ ekwilibriju baġitarju mhux użati — Dħul allokat

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jkun ikkunsidrat bħala dħul allokat u jagħti lok biex jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fil-linji li jkunu ġarrew l-ispejjeż inizjali li jkunu kkawżaw id-dħul li jikkorrispondi magħhom.

Partita 6 1 5 2 — Rimbors ta’ sussidji ta’ interessi mhux użati — Dħul allokat

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jkun ikkunsidrat bħala dħul allokat u jagħti lok biex jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fil-linji li jkunu ġarrew l-ispejjeż inizjali li jkunu kkawżaw id-dħul li jikkorrispondi magħhom.

Partita 6 1 5 3 — Rimbors tal-ammonti mhux użati fil-qafas tal-kuntratti maħruġa mill-istituzzjoni — Dħul allokat

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 602 575,71 |

*Kummenti*

Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jkun ikkunsidrat bħala dħul allokat u jagħti lok biex jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fil-linji li jkunu ġarrew l-ispejjeż inizjali li jkunu kkawżaw id-dħul li jikkorrispondi magħhom.

Partita 6 1 5 7 — Rimbors ta’ ħlasijiet fuq il-kont taħt il-Fondi Strutturali, il-Fond ta’ Koeżjoni u l-Fond Ewropew għas-Sajd

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 4 559 723,50 |

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex tirreġistra r-Rimbors ta’ ħlasijiet ‘akkont’ taħt il-Fondi Strutturali (il-Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond Soċjali Ewropew), il-Fond ta’ Koeżjoni u l-Fond Ewropew għas-Sajd.

L-ammonti mniżżla fil-kotba għal din il-Partita, skont l-Artikoli 18 u 157 tar-Regolament Finanzjarju, għandhom jintużaw biex jipprovdu approprjazzjonijiet addizzjonali fil-linji korrispondenti tat-Titoli 04, 11 u 13 tal-istqarrija ta’ nefqa ta’ din it-taqsima, jekk ikunu meħtieġa sabiex ma jnaqqsux il-kontribuzzjonijiet tal-Fondi Strutturali u l-Fond ta’ Koeżjoni fil-ħidma kkonċernata.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/94 tas-16 ta’ Mejju 1994 li jistabbilixxi Fond ta’ Koeżjoni (ĠU L 130, 25.5.1994, p. 1), u b’mod partikolari l-Artikolu D tal-Anness II tiegħu.

Ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006 tal-Kunsill tal-11 ta’ Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta’ Koeżjoni (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25), u b’mod partikolari l-Artikolu 82(2) u l-Kapitolu II tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 tas-27 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd (ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1).

## Partita 6 1 5 8 — Ħlas lura ta' għajnuna mixellanja mill-Unjoni mhux użata — Dħul allokat

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 1 282 087,08 |

*Kummenti*

Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul għandu jkun ikkunsidrat bħala dħul allokat u jagħti lok biex jiddaħħlu approprjazzjonijiet addizzjonali fil-linji li jkunu ġarrew l-ispejjeż inizjali li jkunu kkawżaw id-dħul li jikkorrispondi magħhom.

## *Artikolu 6 1 6 — Rimbors tal-ispejjeż magħmula f'isem l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika — Riċevuti maħruġa*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Ħlas lura mill-Aġenzija Internazzjonali dwar l-Enerġija Atomika (IAEA) ta' somom li tħallsu mill-Kummissjoni biex iħallsu għall-kontrolli magħmula mill-IAEA skont il-Ftehim ta' verifika (ara l-Artikoli 32 05 01 u 32 05 02 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima).

Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju kull dħul ser jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet għall-finanzjament tan-nefqa li għaliha huwa assenjat dan id-dħul.

*Atti ta' referenza*

Ftehima bejn ir-Renju tal-Belġju, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, l-Irlanda, ir-Repubblika Taljana, il-Gran' Dukat tal-Lussemburgu, ir-Renju tal-Olanda, il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika u l-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Atomika fl-implimentazzjoni tal-Artikolu III(1) u (4) tat-Trattat dwar in-nonproliferazzjoni ta' armi nukleari (ĠU L 51, 22.2.1978, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tiegħu.

Ftehim bejn tliet partijiet bejn il-Komunità, ir-Renju Unit u l-Aġenzija Internazzjonali dwar l-Enerġija Atomika.

Ftehim bejn tliet partijiet bejn il-Komunità, Franza u l-Aġenzija Internazzjonali dwar l-Enerġija Atomika.

## *Artikolu 6 1 7 — Ħlas lura ta' ammonti imħallsa inkonnessjoni ma' għajnuna mill-Unjoni lill-pajjiżi terzi*

## Partita 6 1 7 0 — Rimbors fil-qafas tal-kooperazzjoni mal-Afrika t'Isfel — Dħul allokat

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 6 098 617,93 |

*Kummenti*

Ħlasijiet lura minn oblaturi jew riċeventi ta' ħlasijiet żejda magħmula fir-rigward tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp mal-Afrika ta' Isfel.

Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 fuq ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1), kull dħul jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 21 03 17 tal-prospett tan-nefqa f'din it-taqsima.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta’ finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

## *Artikolu 6 1 8 — Ħlas lura ta’ ammonti mħallsa in konnessjoni ma’ għajnuna alimentari*

### Partita 6 1 8 0 — Rimbors minn dawk li għandhom il-jedd jew mill-benefiċjarji ta’ ammonti żejda riċevuti fil-qafas tal-għajnuna alimentari — Riċevuti maħruġa

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 110 579,80 |

*Kummenti*

Dispożizzjonijiet li jinsabu fl-istediniet għall-offerti jew fil-kondizzjonijiet finanzjarji mehmuża mal-ittri tal-Kummissjoni li jippreskrivu l-kondizzjonijiet li bihom tingħata l-għajnuna għall-ikel lir-riċeventi.

Skont l-Artikolu 18 tar- Regolament Finanzjarju kull dħul ser jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet għall-finanzjament tan-nefqa li għaliha huwa assenjat dan id-dħul.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta’ Ġunju 1996 dwar l-għajnuna umanitarja (ĠU L 163, 2.7.1996, p. 1).

### Partita 6 1 8 1 — Rimbors tal-ispejjeż supplementari maħluqha mill-benefiċjarji tal-għajnuna alimentari — Riċevuti maħruġa

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 19 836,54 |

*Kummenti*

Diżpozizzjonijiet li jinsabu flit-termini tat-twassil mehmuża mal-ittri tal-Kummissjoni li jistipulaw il-kundizzjonijiet li taħthom l-għajnuna alimentari hija mogħtija lil min qiegħed jirċievi.

Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju kull dħul ser jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet għall-finanzjament tan-nefqa li għaliha huwa assenjat dan id-dħul.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta’ Ġunju 1996 dwar l-għajnuna umanitarja (ĠU L 163, 2.7.1996, p. 1).

## *Artikolu 6 1 9 — Ħlas lura ta’ nefqa oħra li saret għan-nom ta’ korpi barranin*

### Partita 6 1 9 1 — Rimbors ieħor ta’ spejjeż maħruġ f’isem terzi fil-qafas tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 77/270/Euratom — Riċevuti maħruġa

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 186 420,45 |

*Kummenti*

Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul se jintuża biex jiġu pprovduti approprjazzjonijiet addizzjonali skont il-Partiti 22 02 05 01 u 19 06 04 01 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta Lulju 2006 li jistabbilixxi Strument ta' Għajnuna għal Qabel l-Adeżjoni (IPA) (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 300/2007 tad-19 ta' Frar 2007 li jwaqqaf Strument għall-Kooperazzjoni fis-Sikurezza Nukleari (ĠU L 81, 22.03.2007, p. 1).

# Kapitolu 6 2 — DĦUL MINN SERVIZZI LI TWETTQU GĦALL-ĦLAS

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 6 2 | DĦUL MINN SERVIZZI LI TWETTQU GĦALL-ĦLAS | | | | |
| ***6 2 0*** | ***Għoti b'Titolu onorarju ta' materjal naturali jew fissili speċjali (Artikolu 6(b) tat-Trattat Euratom) — Riċevuti maħruġa*** | p.m. | p.m. | 0,— | |
| ***6 2 2*** | ***Dħul minn servizzi pprovduti miċ-Centru tar-Riċerka Konġunta lill-korpi esterni għall-ħlas*** | | | | |
| 6 2 2 1 | Dħul li ġejmill-esplojtazzjoni tar-reattur ta' flussi għoljin (HFR) u li jagħtu lok għall-ftuħ ta' krediti suppelementari — Dħul allokat | p.m. | p.m. | 9 094 616,65 | |
| 6 2 2 3 | Dħul ieħor ta' servizzi u prestazzjonijiet mogħtija miċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka lil terzi bi ħlas u jagħti lok għall-ftuħ ta' krediti supplementari — Dħul allokat | p.m. | p.m. | 8 974 726,67 | |
| 6 2 2 4 | Dħul minn liċenzji mogħtija mill-Kummissjoni fuq invenzjonijiet li jirriżultaw minn riċerka tal-Unjoni pprovduta miċ-Ċentru Konġunt Għar-Riċerka, sew jekk jistgħu jiġu mħarsa bi privattiva u sew jekk le — Dħul allokat | p.m. | p.m. | 61 913,43 | |
| 6 2 2 5 | Dħul ieħor għall-benefiċċju taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka — Dħul allokat | p.m. | p.m. | 0,— | |
| 6 2 2 6 | Dħul minn servizzi pprovduti miċ-Ċentru Konġunt Għar-Riċerka lil servizzi oħra tal-Kummissjoni fuq bażi kompetittiva, biex ikun użat biex ikunu pprovduti approprjazzjonijiet addizzjonali — Dħul allokat | p.m. | p.m. | 54 982 731,42 | |
| | *Artikolu 6 2 2 — Sub-total* | p.m. | p.m. | 73 113 988,17 | |
| ***6 2 4*** | ***Dħul minn liċenzji mogħtija mill-Kummissjoni għall-invenzjonijiet li jirriżultaw minn riċerka tal-Unjoni, irrispettivament jekk jistgħux ikun protetti minn privattivi jew le (azzjoni indiretta) — Dħul allokat*** | p.m. | p.m. | 0,— | |
| | **Kapitolu 6 2 — Total** | **p.m.** | **p.m.** | **73 113 988,17** | |

## *Artikolu 6 2 0 — Għoti b'Titolu onorarju ta' materjal naturali jew fissili speċjali (Artikolu 6(b) tat-Trattat Euratom) — Riċevuti maħruġa*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Dħul mill-provvista lill-Istati Membri bi ħlas ta' materjali mis-sors jew materjali speċjali fissili għall-programmi tagħhom tar-riċerka.

Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul ser jintuża biex jiġu pprovduti approprjazzjonijiet addizzjonali għall-finanzjament tan-nefqa li għaliha huwa assenjat dan id-dħul.

*Bażi ġuridika*

Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(b) tiegħu.

### *Artikolu 6 2 2 — Dħul minn servizzi pprovduti miċ-Centru tar-Riċerka Konġunta lill-korpi esterni għall-ħlas*

#### Partita 6 2 2 1 — Dħul li ġejmill-esplojtazzjoni tar-reattur ta' flussi għoljin (HFR) u li jagħtu lok għall-ftuħ ta' krediti suppelementari — Dħul allokat

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 9 094 616,65 |

*Kummenti*

Dħul ġej mill-operazzjoni tar-reattur ta' flussi għoljin (HFR) fl-istabbiliment ta' Petten taċ-Ċentru tar-Riċerka Konġunta.

Ħlasijiet minn korpi esterni biex ikopru kull tip ta' nefqa involuta fl-operazzjoni tal-HFR miċ-Ċentru Konġunt Għar-Riċerka.

Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 fuq ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1), kull dħul jista' jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali għall-Artikoli 10 01 05 u 10 04 04 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima.

Tlestija ta' programmi preċedenti.

Id-dħul huwa provdut mill-Belġju, il-Ġermanja, Franza u l-Pajjiżi l-Baxxi.

#### Partita 6 2 2 3 — Dħul ieħor ta' servizzi u prestazzjonijiet mogħtija miċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka lil terzi bi ħlas u jagħti lok għall-ftuħ ta' krediti supplementari — Dħul allokat

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 8 974 726,67 |

*Kummenti*

Dħul minn persuni, ditti u korpi nazzjonali li għalihom iċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerkajagħmel xogħol u/jew jipprovdi servizzi bi ħlas.

Skont l-Artikolu 18 u l-Artikolu 161(2) tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe dħul jintuża biex jipprovdi approprijazzjonijiet addizzjonali għall-Artikoli 10 01 05, 10 02 01, 10 03 01,10 04 01 u 10 04 02 tad-dikjarazzjoni ta' nfiq f'din it-taqsima, u jammonta għan-nefqa taħt kull kuntratt ma' korp minn barra.

#### Partita 6 2 2 4 — Dħul minn liċenzji mogħtija mill-Kummissjoni fuq invenzjonijiet li jirriżultaw minn riċerka tal-Unjoni pprovduta miċ-Ċentru Konġunt Għar-Riċerka, sew jekk jistgħu jiġu mħarsa bi privattiva u sew jekk le — Dħul allokat

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 61 913,43 |

*Kummenti*

It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu, jagħti lill-Istati Membri, lill-persuni u lill-impriżi id-dritt - bi ħlas ta' remunerazzjoni xierqa - biex jiksbu liċenzji mhux esklużivi taħt brevetti, drittijiet tal-brevetti provviżorjament protetti, mudelli ta' utilità jew applikazzjonijiet għal brevetti li huma tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali għall-Artikoli 10 01 05, 10 04 02 u 10 04 03 u l-Kapitoli 10 02 u 10 03 tal-istqarrija tan-nefqa f'din it-taqsima.

*Bażi ġuridika*

It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2380/74 tas-17 ta' Settembru 1974 li jadotta dispożizzjonijiet għad-disseminazzjoni ta' informazzjoni relatata mal-programmi ta' riċerka għall-Komunità Ekonomika Ewropea (ĠU L 255, 20.9.1974, p. 1).

### Partita 6 2 2 5 — Dħul ieħor għall-benefiċċju taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka — Dħul allokat

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Dħul mill-kontribuzzjonijiet, rigali jew legati minn terzi għad-diversi attivitajiet mwettqa miċ-Ċentru tar-Riċerka Konġunta.

Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju kull dħul jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali għall-Artikolu 10 01 05 u l-Kapitoli 10 02, 10 03 u 10 04 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima.

### Partita 6 2 2 6 — Dħul minn servizzi pprovduti miċ-Ċentru Konġunt Għar-Riċerka lil servizzi oħra tal-Kummissjoni fuq bażi kompetittiva, biex ikun użat biex ikunu pprovduti approprjazzjonijiet addizzjonali — Dħul allokat

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 54 982 731,42 |

*Kummenti*

Dħul minn servizzi oħra tal-Kummissjoni li għaliha ċ-Ċentru Konġunt Għar-Riċerka jwettaq xogħol u/jew jipprovdi servizzi bi ħlas u dħul mill-parteċipazzjoni fl-attivitajiet tal-programmi kwadru għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku.

Skont l-Artikolu 18 u l-Artikolu 161(2) tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul se jkun użat biex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikoli 10 01 05, 10 02 01, 10 03 01, 10 04 01 u 10 4 03 tal-istqarrija tal-ispiża f'din it-taqsima, li tilħaq lill-ispiża speċifika taħt kull kuntratt ma' servizzi oħra tal-Kummissjoni.

## *Artikolu 6 2 4 — Dħul minn liċenzji mogħtija mill-Kummissjoni għall-invenzjonijiet li jirriżultaw minn riċerka tal-Unjoni, irrispettivament jekk jistgħux ikun protetti minn privattivi jew le (azzjoni indiretta) — Dħul allokat*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu, jagħti lill-Istati Membri, lill-persuni u lill-impriżi id-dritt - bi ħlas ta' remunerazzjoni xierqa - biex jiksbu liċenzji mhux esklużivi taħt brevetti, drittijiet tal-brevetti provviżorjament protetti, mudelli ta' utilità jew applikazzjonijiet għal brevetti li huma tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament tal-Kunsill, kull dħul ser jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet għall-finanzjament tan-nefqa li għaliha huwa assenjat dan id-dħul.

*Bażi ġuridika*

It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2380/74 tas-17 ta' Settembru 1974 li jadotta dispożizzjonijiet għad-disseminazzjoni ta' informazzjoni relatata mal-programmi ta' riċerka għall-Komunità Ekonomika Ewropea (ĠU L 255, 20.9.1974, p. 1).

## KAPITOLU 6 3 — KONTRIBUZZJONIJIET FIL-QAFAS TA' FTEHIM SPEĊIFIKU

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 6 3 | KONTRIBUZZJONIJIET FIL-QAFAS TA' FTEHIM SPEĊIFIKU | | | | |
| ***6 3 0*** | ***Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) taħt il-ftehim ta' Kooperazzjoni taż-Żona Ekonomika Ewropea — Dħul assenjat*** | p.m. | p.m. | 218 105 387,00 | |
| ***6 3 1*** | ***Kontribuzzjonijiet fil-qafas tal-acquis ta' Schengen*** | | | | |
| 6 3 1 2 | Kontribuzzjonijiet għall-iżvilupp ta' sistemi ta' tagħrif fuq skala wiesgħa taħt il-ftehim konkluż mal-Islanda, in-Norveġja u l-Isvizzera u l-Liechtenstein — Dħul allokat | p.m. | p.m. | 2 554 519,92 | |
| 6 3 1 3 | Kontribuzzjonijiet oħra b'rabta mal-acquis ta' Schengen (l-Islanda, in-Norveġja, l-Isvizzera u l-Liechtenstein) — Dħul allokat | p.m. | p.m. | 15 186 000,00 | |
| | *Artikolu 6 3 1 — Sub-total* | p.m. | p.m. | 17 740 519,92 | |
| ***6 3 2*** | ***Kontribuzzjonijiet għan-nefqa ta' appoġġ amministrattiv komuni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp — dħul li ġie assenjat*** | p.m. | p.m. | 67 847 000,00 | |
| ***6 3 3*** | ***Kontribuzzjonijiet għal ċerti programmi ta' għajnuna esterna*** | | | | |
| 6 3 3 0 | Kontribuzzjonijiet minn Stati Membri għal ċerti programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u mmexxija mill-Kummissjoni f'isimhom — Dħul assenjat | p.m. | p.m. | 37 268 915,03 | |
| 6 3 3 1 | Kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi għal ċerti programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u mmexxija mill-Kummissjoni f'isimhom — Dħul assenjat | p.m. | p.m. | 0,— | |
| 6 3 3 2 | Kontribuzzjonijiet minn organizzazzjonijiet internazzjonali għal ċerti programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u mmexxija mill-Kummissjoni f'isimhom — Dħul assenjat | p.m. | p.m. | 0,— | |
| | *Artikolu 6 3 3 — Sub-total* | p.m. | p.m. | 37 268 915,03 | |
| | **Kapitolu 6 3 — Total** | **p.m.** | **p.m.** | **340 961 821,95** | |

### *Artikolu 6 3 0 — Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) taħt il-ftehim ta' Kooperazzjoni taż-Żona Ekonomika Ewropea — Dħul assenjat*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 218 105 387,00 |

*Kummenti*

Dan l-Artikolu hu maħsub biex jirreġistra kontributi mill-Istati Membri fl-Assoċċjazzjoni Ewropej tal-Kummerċ Ħieles li jirriżultaw mill-parteċipazzjoni finanzjarja tagħhom f'ċerti attivitajiet tal-Unjoni skont l-Artikolu 82 ta' u mal-Protokoll 32 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekomomika Ewropea.

Il-kontribuzzjoni totali ppjanata tidher fis-sommarju preżentat għall-informazzjoni fl-Anness V tal-prospett tan-nefqa f'din it-taqsima.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles ser ikunu disponibbli għall-Kummissjoni skont l-Artikoli 1, 2 u 3 tal-Protokoll 32 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea.

Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament tal-Kunsill, kull dħul ser jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet għall-finanzjament tan-nefqa li għaliha huwa allokat dan id-dħul.

*Atti ta' referenza*

Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3).

## *Artikolu 6 3 1 — Kontribuzzjonijiet fil-qafas tal-acquis ta' Schengen*

### Partita 6 3 1 2 — Kontribuzzjonijiet għall-iżvilupp ta' sistemi ta' tagħrif fuq skala wiesgħa taħt il-ftehim konkluż mal-Islanda, in-Norveġja u l-Isvizzera u l-Liechtenstein — Dħul allokat

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 2 554 519,92 |

*Kummenti*

Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul se jkun użat biex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali għall-Artikoli 18 02 04, 18 02 05, 18 02 11 u 18 03 11 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima.

*Bażi ġuridika*

Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja li jikkonċerna l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31).

Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/439/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim mar-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja li jikkonċerna l-assoċjazzjoni ta' dawn tal-aħħar mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 35)

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2725/2000 tal-11 ta' Diċembru 2000 dwar l-istabbiliment ta' "Eurodac" għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin (ĠU L 316, 15.12.2000, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/258/KE tal-15 ta' Marzu 2001 li tikkonċerna l-konklużjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja li jikkonċerna l-kriterji u l-mekkaniżmi għall-istabbiliment tal-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-ażil ippreżentata fi Stat Membru jew fl-Islanda jew in-Norveġja (ĠU L 93, 3.4.2001, p. 38), u b'mod partikolari l-Artikolu 9 ta' dak il-Ftehim.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/886/ĠAI tas-6 ta' Diċembru 2001 dwar l-iżvilupp tat-tieni ġenerazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (ĠU L 328, 13.12.2001, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru.2424/2001 tas-6 ta' Diċembru 2001 dwar l-iżvilupp tat-tieni ġenerazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni tax-Schengen (SIS II) (ĠU L 328, 13.12.2001, p. 4).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 tat-18 ta' Frar 2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Stat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz.

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1560/2003 tat-2 ta' Settembru 2003 li jistipula r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiddetermina l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż-terz (ĠU L 222, 5.9.2003, p. 3).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/512/KE tat-8 ta' Ġunju 2004 li tistabbilixxi s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-VIŻA (VIS) (ĠU L 213, 15.6.2004, p. 5).

Ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-aċċess għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-Tieni Ġenerazzjoni (SIS II) mis-servizzi fl-Istati Membri responsabbli għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' reġistrazzjoni tal-vetturi (ĠU L 381, 28.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006, dwar it-twaqqif, il-ħidma u l-użu tat-tieni ġenerazzjoni tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen (SIS II) (ĠU L 381, 28. 12. 2006, p. 4).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI tat-12 ta' Ġunju 2007 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen tat-Tieni Ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 205, 7.8.2007, p. 63).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (2008/146/EC ) tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni SSvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni SSvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (2008/147/KE) tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni SSvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat responsabbli biex jeżamina talba għall-ażil iddepożitata fi Stat Membru jew fl-IsSvizzera (ĠU L 53, 27.2.2008, p.3)

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (2008/149/KE) tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni SSvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni SSvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 50).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 li tikkonċerna aċċess għall-konsultazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) minn awtoritajiet maħtura ta' Stati Membri u mill-Europol għall-finijiet tal-prevenzjoni, tal-kxif u tal-investigazzjoni ta' reati terroristiċi u ta' reati kriminali serji oħra (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 129).

Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS) (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1104/2008 tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 299, 8.11.2008, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/839/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 299, 8.11.2008, p. 43).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/349/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, relatat b'mod partikolari mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u l-kooperazzjoni tal-pulizija(ĠU L 160, 18.6.2011, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/EU tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persun (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19).

Ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 25 ta' Ottubru 2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja(ĠU L 286, 1.11.2011, p. 1).

## Partita 6 3 1 3 — Kontribuzzjonijiet oħra b'rabta mal-acquis ta' Schengen (l-Islanda, in-Norveġja, l-Isvizzera u l-Liechtenstein) — Dħul allokat

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 15 186 000,00 |

*Kummenti*

Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul se jkun użat biex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali għall-Artikoli 18 02 06, 18 02 07 u 18 03 14 tal-istqarrija tal-ispiża f'din is-sezzjoni.

*Bażi ġuridika*

Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja li jikkonċerna l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31).

Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/439/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim mar-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja li jikkonċerna l-assoċjazzjoni ta' dawn tal-aħħar mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999; p. 35)

Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/258/KE tal-15 ta’ Marzu 2001 li tikkonċerna l-konklużjoni ta’ Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja li jikkonċerna l-kriterji u l-mekkaniżmi għall-istabbiliment tal-Istat responsabbli għall-eżami ta’ talba għall-ażil ippreżentata fi Stat Membru jew fl-Islanda jew in-Norveġja (ĠU L 93, 3.4.2001, p. 38), u b’mod partikolari l-Artikolu 9 ta’ dak il-Ftehim.

Deċiżjoni Nru 574/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Mejju 2007 li tistabbilixxi l-Fond għall-Fruntieri Esterni għall-perijodu mill-2007 sal-2013 bħala parti mill-programm Ġenerali ’Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta’ Migrazzjoni’ (ĠU L 144, 6.6.2007, p. 22).

Deċiżjoni tal-Kunsill (2008/146/EC ) tat-28 ta’ Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f’isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta’ Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1).

Deċiżjoni tal-Kunsill (2008/147/KE) tat-28 ta’ Jannar 2008 dwar il-konklużjoni ta’ Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat responsabbli biex jeżamina talba għall-ażil iddepożitata fi Stat Membru jew fl-Isvizzera (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 3)

Deċiżjoni tal-Kunsill (2008/149/KE) tat-28 ta’ Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f’isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta’ Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 50).

Regolament (UE) Nru 439/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 19 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil(ĠU L 132, 29.5.2010, p. 11).

Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/305/UE tal-21 ta’ Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f’isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda, ir-Renju tan-Norveġja, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipalità ta’ Liechtenstein dwar ir-regoli supplementari fir-rigward tal-Fond għall-Fruntieri Esterni għall-perjodu bejn l-2007 u l-2013 (ĠU L 137, 25.5.2011, p. 1).

Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/349/UE tas-7 ta’ Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f’isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta’ Schengen, relatat b’mod partikolari mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji kriminali u l-kooperazzjoni tal-pulizija(ĠU L 160, 18.6.2011, p. 1).

Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/EU tas-7 ta’ Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f’isem l-Unjoni Ewropea tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta’ Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persun (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19).

*Atti ta’ referenza*

Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ippreżentata mill-Kummissjoni fis-16 ta’ Settembru 2011, dwar l-istabbilment ta’ mekkaniżmu ta’ evalwazzjoni u ta’ monitoraġġ biex jissorvelja l-applikazzjoni tal-acquis ta’ Schengen (COM(2011) 0559 finali).

Proposta għal Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Arranġament bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda, il-Prinċipat tal-Liechtenstein, ir-Renju tan-Norveġja u l-Konfederazzjoni Svizzera rigward il-parteċipazzjoni minn dawk l-Istati fix-xogħol tal-kumitati li jgħinu lill-Kummissjoni Ewropea fl-eżerċizzju tal-poteri eżekuttivi tagħha fir-rigward tal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta’ Schengen (COM(2009)0605 u 0606).

## *Artikolu 6 3 2 — Kontribuzzjonijiet għan-nefqa ta’ appoġġ amministrattiv komuni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp — dħul li ġie assenjat*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 67 847 000,00 |

*Kummenti*

Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (EDF) li jikkontribwixxi għall-ispejjeż tal-miżuri ta’ appoġġ ser jintuża għall-provvediment ta’ approprjazzjonijiet addizzjonali taħt il-Partita 21 01 04 10 tad-dikjarazzjoni

tan-nefqa f'din it-taqsima.

*Atti ta' referenza*

Ftehimiet interni bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar l-iffinanzjar tal-għajnuna tal-Komunità taħt il-qafas finanzjarju multiannwali għall-perijodu 2008 sa 2013 skont il-Ftehima ta' Sħubija AKP-KE u dwar l-allokazzjoni ta' għajnuna finanzjarja lil Pajjiżi u Territorji Extra-Ewropej li għalihom tapplika il-Parti Erbgħa tat-Trattat KE (ĠU L 347, 9.9.2006, p. 32).

## *Artikolu 6 3 3 — Kontribuzzjonijiet għal ċerti programmi ta' għajnuna esterna*

### Partita 6 3 3 0 — Kontribuzzjonijiet minn Stati Membri għal ċerti programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u mmexxija mill-Kummissjoni f'isimhom — Dħul assenjat

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 37 268 915,03 |

*Kummenti*

Din il-Partita hija maħsuba biex tirreġistra l-kontribuzzjonijiet finanzjarji minn Stati Membri, inklużi l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, għal ċerti programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u mmexxija mill-Kummissjoni f'isimhom, skont l-att ta' bażi rilevanti.

Skont l-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul ser jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali għall-finanzjament tan-nefqa li għaliha huwa assenjat dan id-dħul.

### Partita 6 3 3 1 — Kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi għal ċerti programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u mmexxija mill-Kummissjoni f'isimhom — Dħul assenjat

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Din il-Partita hija maħsuba biex tirreġistra l-kontribuzzjonijiet finanzjarji minn pajjiżi terzi, inklużi l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, għal ċerti programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u mmexxija mill-Kummissjoni f'isimhom, skont l-att ta' bażi rilevanti.

Skont l-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul ser jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali għall-finanzjament tan-nefqa li għaliha huwa assenjat dan id-dħul.

### Partita 6 3 3 2 — Kontribuzzjonijiet minn organizzazzjonijiet internazzjonali għal ċerti programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u mmexxija mill-Kummissjoni f'isimhom — Dħul assenjat

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Din il-Partita hija maħsuba biex tirreġistra l-kontribuzzjonijiet finanzjarji minn organizzazzjonijiet internazzjonali għal ċerti programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u mmexxija mill-Kummissjoni f'isimhom, skont l-att ta' bażi rilevanti.

Skont l-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul ser jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali għall-

finanzjament tan-nefqa li għaliha huwa assenjat dan id-dħul.

## KAPITOLU 6 5 — KORREZZJONIJIET FINANZJARJI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 6 5 | Korrezzjonijiet finanzjarji | | | | |
| ***6 5 0*** | ***Korrezzjonijiet finanzjarji*** | | | | |
| 6 5 0 0 | Korrezzjonijiet finanzjarji marbutin mal-Fondi Strutturali, mal-Fond ta' Koeżjoni u mal-Fond Ewropew għas-Sajd | p.m. | p.m. | 85 083 943,54 | |
| | *Artikolu 6 5 0 — Sub-total* | p.m. | p.m. | 85 083 943,54 | |
| | **Kapitolu 6 5 — Total** | **p.m.** | **p.m.** | **85 083 943,54** | |

### *Artikolu 6 5 0 — Korrezzjonijiet finanzjarji*

#### Partita 6 5 0 0 — Korrezzjonijiet finanzjarji marbutin mal-Fondi Strutturali, mal-Fond ta' Koeżjoni u mal-Fond Ewropew għas-Sajd

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 85 083 943,54 |

*Kummenti*

Din il-partita hi maħsuba biex takkomoda korrezzjonijiet finanzjarji fir-rigward tal-Fondi Strutturali (il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u l-Garanzija, l-Istrument Finanzjarju ta' Gwida għas-Sajd, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew), il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għas-Sajd.

L-ammonti mniżżla fil-kotba għal din il-Partita, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju, li jistgħu jintużaw biex jipprovdu approprjazzjonijiet addizzjonali fil-linji korrispondenti tat-Titli 04, 05, 11 u 13 tal-istqarrija ta' nefqa ta' din it-taqsima jekk ikunu meħtieġa biex ikopru r-riskji ta' korrezzjonijiet addottati qabel, li jkunu kanċellati jew mnaqqsa.

Skont l-Artikolu 105(1) tar-Regolament Nru 1083/2006, dak ir-Regolament ma jaffettwax il-kontinwazzjoni jew il-modifika, inkluża l-kanċellazzjoni totali jew parzjali, ta' assistenza approvata mill-Fondi Strutturali jew ta' proġett ikkofinanzjat minn Fond ta' koeżjoni approvat mill-Kummissjoni fuq il-bażi tar-Regolamenti (KEE) Nru 2052/88, (KEE) Nru 4253/88, (KE) Nru 1164/94 u (KE) Nru 1260/1999 jew ta' kull leġiżlazzjoni oħra li kienet tapplika għal dik l-għajnuna fil-31 ta' Diċembru 2006, li għandu bħala konsegwenza japplika minn hemm 'il quddiem għal din l-għajnuna jew proġetti sal-għeluq tagħhom".

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2052/88 tal-24 ta' Ġunju 1988 dwar il-miri tal-Fondi Strutturali u l-effettività tagħhom u l-koordinazzjoni tal-attivittajiet ta' bejniethom u mal-operat tal-Bank Ewropew tal-Investiment u tal-istrumenti finanzjarji oħra eżistenti (ĠU L 185, 15.7.1988, p. 9).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4253/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jistipula d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 f'dak li għandu x'jaqsam mal-koordinazzjoni tal-attivitajiet tal-Fondi Strutturali differenti bejniethom u mal-operat tal-Bank Ewropew tal-Investiment u tal-istrumenti finanzjarji oħra eżistenti (ĠU L 374, 31.12.1988, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 24 tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar is-sostenn għal żvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u l-Garanzija (FAEGG) (ĠU L 160, 26.6.199, p. 80).

Regolament tal-kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 39(2) tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1263/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar l-Istrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 54).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta’ Mejju 1990 fuq il-kriterji minimi tas-sigurtà u s-saħħa għal xogħol li jkun jinkludi l-użu ta’ tagħmir bl-iskrin (il-ħames Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 fuq Ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

### Sub-partita XX 01 03 01 03 — Tagħmir tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 54 525 000 | 54 288 154 | 74 225 463,37 |

### Sub-partita XX 01 03 01 04 — Servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 63 545 000 | 63 796 000 | 66 127 387,09 |

## Partita XX 01 03 02 — Bini u nfiq ieħor relatat mal-persunal tal-Kummissjoni f’delegazzjonijiet tal-Unjoni

*Figuri*

Klassifikazzjoni skond it-tip

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|---|
| XX 01 03 02 | Bini u nfiq ieħor relatat mal-persunal tal-Kummissjoni f’delegazzjonijiet tal-Unjoni | | | | |
| XX 01 03 02 01 | Xiri, kiri u nefqa relatata | 5 | 46 908 000 | 46 690 000 | 43 837 830,00 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| XX 01 03 02 02 | Tagħmir, għamara, provvisti u servizzi | 5 | 9 638 000 | 9 694 000 | 10 507 175,00 |
| | Partita XX 01 03 02 — Total | | 56 546 000 | 56 384 000 | 54 345 005,00 |

*Kummenti*

Fir-rigward tal-Partiti 19 01 03 02, 20 01 03 02, 21 01 03 02 u 22 01 03 02, dwar persunal tal-Kummissjoni f'delegazzjonijiet tal-Unjoni f'pajjiżi terzi u f'organizzazzjonijiet internazzjonali, din l-approprjazzjoni maħsuba li tkopri:

— allokazzjonijiet għal akkomodazzjoni temporanja u sussidji ta' kuljum,

— fir-rigward tal-kera u spejjeż oħra fuq il-bini għad-delegazzjonijiet tal-Unjoni barra l-Unjoni:

  — għall-bini kollu jew partijiet tal-bini okkupati mill-uffiċċji tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni jew minn uffiċjali li jaħdmu barra l-Unjoni: kirjiet (li jinkludu akkomodazzjoni temporanja) u taxxi, premji ta' assigurazzjoni, tiġdid u tiswijiet kbar, nefqa ta' rutina dwar is-sigurtà tal-persuni u l-oġġetti (magni cipher, kaxxiforti, żbarri tat-twieqi, eċċ.),

  — għall-bini kollu jew partijiet tal-bini okkupati mill-uffiċċji tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni u r-residenzi tad-delegati: spejjeż tal-ilma, il-gass, l-elettriku u karburant, manutenzjoni u tiswijiet, tqandil, tiġdid u spejjeż oħra ta' rutina (taxxi lokali għall-manutenzjoni tat-toroq u l-ġbir tal-iskart u x-xiri ta' sinjali u tabelli),

— fir-rigward tal-kera u spejjeż oħra fuq bini ta' delegazzjonijiet tal-Unjoni fit-territorju tal-Unjoni:

  — għall-bini kollu jew partijiet tal-bini okkupati mill-uffiċċji tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni: kera; spejjeż tal-ilma, il-gass, l-elettriku u l-enerġija għat-tisħin; *premiums* tal-assigurazzjoni; manutenzjoni u tiswijiet; tiġdid u tiswijiet kbar; nefqa dwar is-sigurtà, b'mod partikolari kuntratti għas-sorveljanza u l-kiri u l-mili mill-ġdid ta' estinturi; ix-xiri u l-manutenzjoni ta' tagħmir tat-tifi tan-nar u l-bdil ta' tagħmir ta' uffiċjali volontarji tat-tifi tan-nar; l-ispiża ta' spezzjonijiet statutorji, eċċ.,

  — għall-bini jew partijiet tal-bini okkupati mill-uffiċjali: rimbors tan-nefqa dwar is-sigurtà tal-*housing*,

— nefqa magħmula mill-kisba ta' art għall-bini u bini (xiri jew għażla ta' xiri bil-kiri) jew il-bini ta' uffiċċji jew akkomodazzjoni oħra, inkluż l-ispejjeż tal-istudju preliminari u diversi drittijiet,

— ix-xiri, il-kiri, il-*leasing*, il-manutenzjoni u t-tiswija tal-għamara u t-tagħmir, b'mod partikolari awdjoviżiv, li jarkivja, stampanti, tal-librerija, tal-interpretazzjoni u t-tagħmir tal-uffiċċju speċjalizzat (*photocopiers*, *reader-printers*, magni tal-faks, eċċ.) kif ukoll il-kisba ta' dokumentazzjoni u provisti dwar dan it-tagħmir,

— ix-xiri, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' tagħmir tekniku bħal generaturi, kondizzjonaturi tal-arja, eċċ., u l-istallazzjoni ta' tagħmir għall-faċilitajiet tal-wens fid-delegazzjonijiet,

— ix-xiri, il-bdil, il-kiri, il-*leasing*, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' vetturi, inkluż għodod,

— *premiums* tal-assigurazzjoni għall-vetturi,

— ix-xiri ta' kotba, dokumenti u pubblikazzjonijiet oħra perjodiċi, inklużi aġġornamenti u abbonamenti ma' gazzetti, perjodiċi u diversi pubblikazzjonijiet, u l-ispiża tal-legatura u spejjeż oħra għall-preservazzjoni tal-perjodiċi,

— abbonamenti ma' aġenziji tal-aħbarijiet,

— ix-xiri ta' karti, *envelopes*, provisti tal-uffiċċju u provisti għar-riproduzzjoni, u xi stampar ikkuntrattat lill-fornituri tas-servizz minn barra,

— it-trasport u l-iżdoganar ta' tagħmir, ix-xiri u tindif ta' uniformijiet għall-messaġġiera, xufiera, eċċ., diversi tipi ta' assigurazzjoni (b'mod partikolari responsabilità fil-konfront ta' terzi u kontra s-serq), nefqa għall-laqgħat interni (xorb, ikel servut f'okkażjonijiet speċjali),

— l-ispiża ta' studji, *surveys* u konsultazzjonijiet konnessi mal-operazzjoni amministrattiva tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni u kull spiża oħra operattiva mhux speċifikatament koperta mill-partiti oħra ta' dan l-artikolu,

— spejjeż postali u tal-konsenja għall-posta ordinarja, għar-rapporti u pubblikazzjonijiet, pakketti postali u oħrajn mibgħuta bl-ajru, bil-baħar jew bil-ferrovija,

— l-ispiża tal-posta diplomatika,

— kull nefqa għall-għamara u attrezzaturi għall-akkomodazzjoni residenzjali disponibbli għall-uffiċjali,

— ix-xiri, il-kiri jew il-*leasing* ta' tagħmir tal-ipproċessar tad-*dejta* (kompjuters, *terminals*, mini-kompjuters, *peripherals*, apparat għat-tqabbid) bis-*software* meħtieġ,

— is-servizzi mogħtija b'kuntratt, pereżempju għall-iżvilupp, il-manutenzjoni u l-appoġġ ta' sistemi tal-IT fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni,

— ix-xiri, il-kiri jew il-*leasing* ta' tagħmir għar-riproduzzjoni tal-informazzjoni fuq karta, bħal *printers* u *scanners*,

— ix-xiri, il-kiri jew il-*leasing* ta’ *exchanges* tat-telefown u swiċċbords u tagħmir għat-trażmissjoni tad-*dejta* bis-*software* meħtieġ,

— spejjeż ta’ abbonament u spejjeż fissi għall-komunikazzjonijiet tal-*cable* jew radju (telefown, telegrafu, telex, faks), nefqa għan-netwerks għat-trażmissjoni tad-*dejta*, servizzi telematiċi, eċċ., u x-xiri ta’ direttorji,

— l-ispiża ta’ stallazzjoni, konfigurazzjoni, manutenzjoni, appoġġ, għajnuna, dokumentazzjoni u provisti għal dan it-tagħmir,

— kull nefqa għal operazzjonijiet ta’ sigurtà attiva f’delegazzjonijiet f’emerġenzi.

L-ammont ta’ dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1) minn (e) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 5 000.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Sub-partita XX 01 03 02 01 — Xiri, kiri u nefqa relatata

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 46 908 000 | 46 690 000 | 43 837 830,00 |

Sub-partita XX 01 03 02 02 — Tagħmir, għamara, provvisti u servizzi

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 9 638 000 | 9 694 000 | 10 507 175,00 |

## *Artikolu XX 01 05 — Nefqa konnessa mal-persunal li huma impjegati attivament fir-riċerka indiretta*

### Partita XX 01 05 01 — Rimunerazzjoni u allowances konnessi mal-persunal li huma impjegati attivament fir-riċerka indiretta

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 197 229 000 | 193 701 000 | 195 814 251,92 |

*Kummenti*

Il-kummenti li ġejjin japplikaw fl-oqsma kollha tal-politika (l-Intrapriża u l-Industrija, il-Mobbiltà u t-Trasport, ir-Riċerka, is-Soċjetà tal-informazzjoni u l-Midja, l-Edukazzjoni u l-Kultura, l-Enerġija) involuti f’azzjonijiet indiretti taħt is-Seba’ Programm ta’ Qafas għar-riċerka.

Din l-approprjazzjoni tkopri n-nefqa relatata mal-persunal kopert bir-Regolamenti tal-Persunal li għandhom pożizzjonijiet fil-pjanijiet awtorizzati tal-istabbiliment involuti f’azzjoni indiretta li taqa’ taħt il-programmi nukleari u mhux nukleari, inkluż persunal f’delegazzjonijiet tal-Unjoni.

It-tqassim ta’ dawn l-approprjazzjonijiet għan-nefqa tal-persunal huwa kif ġej:

| Programm | Approprjazzjoni |
|---|---|
| Programm qafas (nukleari) | 22 840 000 |
| Programm qafas (mhux nukleari) | 174 389 000 |
| Total | 197 229 000 |

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA bis-saħħa tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu d-dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-għoti ta’ approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness “Żona Ekonomika Ewropea” ta’ din il-parti tad-

dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali tal-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Qafas tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/970/Euratom tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika (Euratom) għar-riċerka nukleari u l-attivitajiet ta' taħriġ (mill-2007 sal-2011) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 60).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/971/Euratom tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-programm speċifiku 'Kooperazzjoni' li jimplimenta s-Seba' Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (mill-2013 sal-2011) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/972/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-programm speċifiku: 'Ideat' li jimplimentaw is-Seba' Programm Qafas tal-Komunità Ewropea għar-Riċerka l-Iżvilupp Teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (mill-2007 sal-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 243).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/973/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-programm speċifiku: 'Nies' li jimplimenta s-Seba' Programm Qafas tal-Komunità Ewropea għar-Riċerka, l-Iżvilupp Teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (mill-2007 sal-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 270).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/974/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-programm speċifiku 'Kapaċitajiet' li jimplimenta s-Seba' Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea għar-Riċerka, l-Iżvilupp Teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (mill-2007 sal-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 299).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/976/Euratom tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-programm speċifiku li jimplimenta s-Seba' Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika (Euratom) għar-riċerka nukleari u l-attivitajiet ta' taħriġ (2007 sa 2011) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 404).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/93/Euratom tat-19 ta' Diċembru 2011 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) għar-riċerka nukleari u attivitajiet ta' taħriġ (mill-2012 sal-2013) (ĠU L 47, 18.2.2012, p. 25).

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 139/2012 tad-19 ta' Diċembru 2011 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri ta' riċerka u universitajiet f'azzjoni taħt is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (mill-2012 sal-2013) (ĠU L 47, 18.2.2012, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/94/Euratom tad-19 ta' Diċembru 2011, dwar il-Programm Speċifiku li għandu jitwettaq permezz ta' azzjonijiet indiretti, li jimplimentaw Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għar-riċerka nukleari u attivitajiet ta' taħriġ (2012-2013) (ĠU L 47, 18.2.2012, p. 33).

## Partita XX 01 05 02 — Persunal estern għal Riċerka indiretta

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 47 262 000 | 47 262 000 | 46 870 754,58 |

*Kummenti*

Il-kummenti li ġejjin japplikaw fl-oqsma kollha tal-politika (l-Intrapriża u l-Industrija, il-Mobbiltà u t-Trasport, ir-Riċerka, is-Soċjetà tal-informazzjoni u l-Midja, l-Edukazzjoni u l-Kultura, l-Enerġija) involuti f'azzjonijiet indiretti taħt is-Seba' Programm ta' Qafas għar-riċerka.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri n-nefqa fuq l-persunal estern għall-ġestjoni kollha tar-riċerka fil-forma ta' azzjoni indiretta li taqa' taħt il-programmi nukleari u mhux nukleari, inkluż persunal estern f'delegazzjonijiet tal-Unjoni.

It-tqassim ta' dawn l-approprjazzjonijiet għan-nefqa tal-persunal huwa kif ġej:

| Programm | Approprjazzjoni |
|---|---|
| Programm qafas (nukleari) | 1 615 000 |
| Programm qafas (mhux nukleari) | 45 647 000 |
| Total | 47 262 000 |

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA bis-saħħa tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni,

dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu d-dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali tal-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Qafas tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' Riċerka, l-Iżvilupp Teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni (mill-2007 sal-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/970/Euratom tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika (Euratom) għar-Riċerka Nukleari u l-attivitajiet ta' taħriġ (mill-2007 sal-2011) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 60).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/971/Euratom tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-programm speċifiku 'Kooperazzjoni' li jimplimenta s-Seba' Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (mill-2013 sal-2011) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/972/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-programm speċifiku: 'Ideat' li jimplimentaw is-Seba' Programm Qafas tal-Komunità Ewropea għar-Riċerka l-Iżvilupp Teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (mill-2007 sal-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 243).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/973/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-programm speċifiku: 'Nies' li jimplimenta s-Seba' Programm Qafas tal-Komunità Ewropea għar-Riċerka, l-Iżvilupp Teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (mill-2007 sal-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 270).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/974/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-programm speċifiku 'Kapaċitajiet' li jimplimenta s-Seba' Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea għar-Riċerka, l-Iżvilupp Teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (mill-2007 sal-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 299).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/976/Euratom tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-programm speċifiku li jimplimenta s-Seba' Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika (Euratom) għar-Riċerka Nukleari u l-attivitajiet ta' taħriġ (mill-2007 sal-2011) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 404).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/93/Euratom tad-19 ta' Diċembru 2011 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) għar-riċerka nukleari u attivitajiet ta' taħriġ (mill-2012 sal-2013) (ĠU L 47, 18.2.2012, p. 25).

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 139/2012 tad-19 ta' Diċembru 2011 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri ta' riċerka u universitajiet f'azzjoni taħt is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (mill-2012 sal-2013) (ĠU L 47, 18.2.2012, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/94/Euratom tad-19 ta' Diċembru 2011, dwar il-Programm Speċifiku li għandu jitwettaq permezz ta' azzjonijiet indiretti, li jimplimentaw Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għar-riċerka nukleari u attivitajiet ta' taħriġ (2012-2013) (ĠU L 47, 18.2.2012, p. 33).

## Partita XX 01 05 03 — Nefqa oħra ta' tmexxija għal riċerka indiretta

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 80 253 000 | 80 233 000 | 84 108 686,90 |

*Kummenti*

Il-kummenti li ġejjin japplikaw fl-oqsma kollha tal-politika (l-Intrapriża u l-Industrija, il-Mobbiltà u t-Trasport, ir-Riċerka, is-Soċjetà tal-informazzjoni u l-Midja, l-Edukazzjoni u l-Kultura, l-Enerġija) involuti f'azzjonijiet indiretti taħt is-Seba' Programm ta' Qafas għar-riċerka.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri n-nefqa fuq nefqa oħra amministrattiva għall-ġestjoni kollha tar-riċerka fil-forma ta' azzjoni indiretta li taqa' taħt il-programmi nukleari u non-nukleari, inkluż infiq amministrattiv ieħor magħmul minn persunal f'delegazzjonijiet tal-Unjoni.

It-tqassim ta' dawn l-approprjazzjonijiet għan-nefqa tal-persunal huwa kif ġej:

| Programm | Approprjazzjoni |
|---|---|
| Programm qafas (nukleari) | 10 984 000 |

| | |
|---|---|
| Programm qafas (mhux nukleari) | 69 269 000 |
| Total | 80 253 000 |

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA bis-saħħa tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu d-dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali tal-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Qafas tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' Riċerka, l-Iżvilupp Teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007 - 2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/970/Euratom tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika (Euratom) għar-Riċerka Nukleari u l-attivitajiet ta' taħriġ (mill-2007 sal-2011) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 60).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/971/Euratom tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-programm speċifiku: 'Kooperazzjoni' li jimplimenta s-Seba' Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (mill-2013 sal-2011) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/972/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-programm speċifiku: "Ideat" li jimplimentaw is-Seba' Programm Qafas tal-Komunità Ewropea għar-Riċerka l-Iżvilupp Teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (mill-2007 sal-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 243).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/973/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-programm speċifiku: "Nies" li jimplimenta s-Seba' Programm Qafas tal-Komunità Ewropea għar-Riċerka, l-Iżvilupp Teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (mill-2007 sal-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 270).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/974/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-programm speċifiku "Kapaċitajiet" li jimplimenta s-Seba' Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea għar-Riċerka, l-Iżvilupp Teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (mill-2007 sal-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 299).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/976/Euratom tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-programm speċifiku li jimplimenta s-Seba' Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika (Euratom) għar-Riċerka Nukleari u l-attivitajiet ta' taħriġ (mill-2007 sal-2011) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 404).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/93/Euratom tad-19 ta' Diċembru 2011 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) għar-riċerka nukleari u attivitajiet ta' taħriġ (mill-2012 sal-2013) (ĠU L 47, 18.2.2012, p. 25).

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 139/2012 tad-19 ta' Diċembru 2011 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri ta' riċerka u universitajiet f'azzjoni taħt is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (mill-2012 sal-2013) (ĠU L 47, 18.2.2012, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/94/Euratom tad-19 ta' Diċembru 2011, dwar il-Programm Speċifiku li għandu jitwettaq permezz ta' azzjonijiet indiretti, li jimplimentaw Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għar-riċerka nukleari u attivitajiet ta' taħriġ (2012-2013) (ĠU L 47, 18.2.2012, p. 33).

# TITOLU 01 — L-AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 01 01 | In-Nefqa amministrattiva tal-qasam tal-politika tal-"Affarijiet Ekonomiċi u finanzjarji" | 5 | 83 719 770 | 83 719 770 | 67 461 954 | 67 461 954 | 71 117 038,13 | 71 117 038,13 |
| | 40 01 40 | | | | 329 267<br>67 791 221 | 329 267<br>67 791 221 | | |
| 01 02 | L-Unjoni Ekonomika u Monetarja | | 14 000 000 | 13 500 000 | 14 500 000 | 13 082 630 | 13 404 311,05 | 11 551 509,76 |
| 01 03 | L-Affarijiet ekonomiċi u finanzjarji internazzjonali | 4 | 100 000 000 | 97 000 000 | 95 550 000 | 79 050 000 | 543 476,00 | 55 236 767,22 |
| 01 04 | L-Operazzjonijiet u l-istrumenti finanzjarji | | 361 360 000 | 296 660 000 | 433 180 000 | 350 895 107 | 328 610 034,02 | 252 707 516,19 |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Titolu 01 — Total** | | **559 079 770** | **490 879 770** | **610 691 954** | **510 489 691** | **413 674 859,20** | **390 612 831,30** |
| | **40 01 40**<br>**Total + riżerva** | | | | **329 267**<br>**611 021 221** | **329 267**<br>**510 818 958** | | |

# KAPITOLU 01 01 — IN-NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TAL-POLITIKA TAL-"AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI"

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01 01 | In-Nefqa amministrattiva tal-qasam tal-politika tal-"Affarijiet Ekonomiċi u finanzjarji" | | | | | |
| ***01 01 01*** | ***Nefqa relatata ma' staff f'impjieg attiv fil-qasam tal-politika tal-"Affarijiet Ekonomiċi u finanzjarji"*** | 5 | 65 038 268 | 54 238 966 | 55 493 301,22 | 85,32 % |
| ***01 01 02*** | ***Nefqa għal persunal estern u nefqa oħra relatata mat-tmexxija li huwa konness mal-qasam tal-politika tal-"Affarijiet Ekonomiċi u finanzjarji"*** | | | | | |
| 01 01 02 01 | Persunal estern | 5 | 6 533 609 | 4 337 593 | 5 270 359,00 | 80,67 % |
| 01 01 02 11 | Nefqa oħra relatata mal-ġestjoni | 5 | 7 805 800 | 5 127 344 | 5 934 709,15 | 76,03 % |
| | 40 01 40 | | | 329 267<br>5 456 611 | | |
| | *Artikolu 01 01 02 — Sub-total* | | 14 339 409 | 9 464 937 | 11 205 068,15 | 78,14 % |
| | *40 01 40* | | | 329 267<br>9 794 204 | | |
| ***01 01 03*** | ***Nefqa relatata mat-tagħmir u s-servizzi tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni u nefqa operattiva oħra tal-qasam tal-politika tal-"Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji"*** | | | | | |
| 01 01 03 01 | Nefqa relatata mat-tagħmir u s-servizzi tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni tal-qasam tal-politika tal-"Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji" | 5 | 4 042 093 | 3 458 051 | 4 169 954,09 | 103,16 % |
| 01 01 03 04 | Nefqa oħra għall-ħidma | 5 | 300 000 | 300 000 | 248 714,67 | 82,90 % |
| | *Artikolu 01 01 03 — Sub-total* | | 4 342 093 | 3 758 051 | 4 418 668,76 | 101,76 % |
| | **Kapitolu 01 01 — Total** | | **83 719 770** | **67 461 954** | **71 117 038,13** | **84,95 %** |
| | **40 01 40**<br>**Total + riżerva** | | | **329 267**<br>**67 791 221** | | |

## *Artikolu 01 01 01 — Nefqa relatata ma' staff f'impjieg attiv fil-qasam tal-politika tal-"Affarijiet Ekonomiċi u finanzjarji"*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 65 038 268 | 54 238 966 | 55 493 301,22 |

## *Artikolu 01 01 02 — Nefqa għal persunal estern u nefqa oħra relatata mat-tmexxija li huwa konness mal-qasam tal-politika tal-"Affarijiet Ekonomiċi u finanzjarji"*

### Partita 01 01 02 01 — Persunal estern

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 6 533 609 | 4 337 593 | 5 270 359,00 |

Partita 01 01 02 11 — Nefqa oħra relatata mal-ġestjoni

*Figuri*

| | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|
| 01 01 02 11 | 7 805 800 | 5 127 344 | 5 934 709,15 |
| 40 01 40 | | 329 267 | |
| Total | 7 805 800 | 5 456 611 | 5 934 709,15 |

## *Artikolu 01 01 03 — Nefqa relatata mat-tagħmir u s-servizzi tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni u nefqa operattiva oħra tal-qasam tal-politika tal-"Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji"*

Partita 01 01 03 01 — Nefqa relatata mat-tagħmir u s-servizzi tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni tal-qasam tal-politika tal-"Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji"

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 4 042 093 | 3 458 051 | 4 169 954,09 |

Partita 01 01 03 04 — Nefqa oħra għall-ħidma

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 300 000 | 300 000 | 248 714,67 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja li ssir fit-territorju tal-Unjoni:

— in-nefqa biex il-bini jkun mgħammar b'telekomunikazzjonijiet, b'mod partikolari x-xiri, il-kera, it-twaħħil u l-manutenzjoni ta' *switchboards* u distributuri tat-telefon, sistemi ta' awdjo, vidjokonferenza, telefonija interna u telefonija ċellulari, u n-nefqa fuq netwerks ta' *dejta* (tagħmir u manutenzjoni) u servizzi relatati (l-immaniġġjar, l-appoġġ, id-dokumentazzjoni, l-istallazzjoni u t-tneħħija),

— ix-xiri, il-kiri, jew it-twellija, l-istallazzjoni u l-manutenzjoni ta' apparat elettroniku tal-uffiċċju, kompjuters, terminals, minikompjuters, apparat periferali, apparat ta' konnessjoni u s-softwer neċessarju,

— l-ispiża tal-abbonamenti u l-aċċess għas-servizzi tal-informazzjoni elettronika u d-*databases* esterni u l-kisba ta' mezzi elettroniċi (CD-ROMs, eċċ.),

— it-taħriġ u l-appoġġ meħtieġ biex ikun hemm aċċess għall-informazzjoni,

— l-ispejjeż ta' miżati u l-ispejjeż ta' komunikazzjonijiet bil-*kejbil* jew bir-radju (telefons fissi u ċellulari, telex, telegrafu, televiżjoni, telekonferenza u vidjokonferenza), l-ispejjeż fuq in-networks tat-trażmissjoni tad-*dejta*, servizzi telematiċi, eċċ., u x-xiri ta' direttorji,

— l-ispiża tal-konnessjoni man-netwerks tat-telekomunikazzjoni, pereżempju SWIFT (interbank) u CoreNet (netwerk sigur stabbilit mill-BĊE), u infrastruttura u servizzi relatati,

— l-installazzjoni, il-konfigurazzjoni, il-manutenzjoni, l-istudji, l-evalwazzjonijiet, id-dokumentazzjoni u l-provvisti marbuta ma' dan it-tip ta' apparat.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## KAPITOLU 01 02 — L-UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 01 02 | L-Unjoni Ekonomika u Monetarja | | | | | | | | |
| ***01 02 02*** | ***Il-Koordinament u s-sorveljanza tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja*** | 5 | 9 000 000 | 9 000 000 | 9 000 000 | 9 000 000 | 8 964 892,79 | 7 469 697,01 | 83,00 % |
| ***01 02 04*** | ***Prince — Komunikazzjoni dwar l-Unjoni Ekonomika u Monetarja, inkluż l-euro*** | 1.1 | 5 000 000 | 4 500 000 | 5 500 000 | 4 082 630 | 4 439 418,26 | 4 081 812,75 | 90,71 % |
| | **Kapitolu 01 02 — Total** | | **14 000 000** | **13 500 000** | **14 500 000** | **13 082 630** | **13 404 311,05** | **11 551 509,76** | **85,57 %** |

## *Artikolu 01 02 02 — Il-Koordinament u s-sorveljanza tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 9 000 000 | 9 000 000 | 9 000 000 | 9 000 000 | 8 964 892,79 | 7 469 697,01 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispiża tat-twettiq jew il-kontinwazzjoni tal-istħarriġ li ġej fl-Istati Membri u n-nefqa għall-introduzzjoni ta' dan l-istħarriġ fil-pajjiżi applikanti

- id-deċiżjonijiet meħuda mill-Kummissjoni fil-15 ta' Novembru 1961:
  - l-istħarriġ tan-negozju ta' kull xahar tal-Komunità (mill-1962),
  - l- istħarriġ tal-industrija tal-bini (mill-1963),
  - l- istħarriġ tal-investiment tal-kapital (mill-1966),
  - l- istħarriġ fuq is-settur tal-kummerċ bl-imnut,
  - l- istħarriġ fuq is-settur tas-servizzi,
  - l- istħarriġ *ad hoc* fuq kwistjonijiet tropikali,
- id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Settembru 1970:
  - l- istħarriġ fuq il-konsumatur tal-Komunità Ekonomika Ewropea (mill-1972).

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-ispejjeż ta' studji, laqgħat ta' ħidma, konferenzi, analiżi, evalwazzjonijiet, pubblikazzjonijiet, assistenza teknika, ix-xiri u l-manutenzjoni ta' databases u softwer u l-finanzjament parzjali u l-appoġġ għal miżuri relatati ma':

- monitoraġġ ekonomiku, analiżi tan-numru ta' miżuri u l-koordinament ta' politiki ekonomiċi,
- l-aspetti esterni tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja (EMU),
- l-iżviluppi makroekonomiċi fiż-żona tal-euro,
- monitoraġġ ta' riformi strutturali u titjib tal-operazzjoni tas-swieq fl-EMU.
- koordinazzjoni mal-istituzzjonijiet finanzjarji u analiżi u żvilupp tas-swieq finanzjarji, u operazzjonijiet ta' għoti u teħid b'self li jinvolvu lill-Istati Membri,
- kooperazzjoni ma' operaturi ekonomiċi u min jieħu d-deċiżjonijiet fl-oqsma hawn fuq imsemmija,
- l-espansjoni tal-EMU.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(e) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 100 000.

*Bażi ġuridika*

Ħidma li tirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni f'livell istituzzjonali, kif stabbilit fl-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 01 02 04 — Prince — Komunikazzjoni dwar l-Unjoni Ekonomika u Monetarja, inkluż l-euro*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 5 000 000 | 4 500 000 | 5 500 000 | 4 082 630 | 4 439 418,26 | 4 081 812,75 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament ta' miżuri prijoritarji ta' tagħrif dwar il-politika tal-Unjoni dwar l-aspetti kollha tar-regoli u l-funzjonament tal-UEM, kif ukoll dwar il-benefiċċji minn koordinament iktar mill-qrib tal-politika u riformi strutturali u biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' informazzjoni taċ-ċittadini, l-awtoritajiet lokali u l-impriżi rigward l-euro.

Din il-miżura hija maħsuba biex tkun kanal effikaċi ta' komunikazzjoni u djalogu bejn il-poplu tal-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u biex jitqiesu l-karatteristiċi nazzjonali u reġjonali speċifiċi, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet tal-Istat Membru. Se jingħata enfasi speċjali fuq it-tħejjija taċ-ċittadini fl-Istati Membri l-ġodda għall-introduzzjoni tal-euro.

Hija tinkludi:

— Ftehimiet ta' assoċjazzjoni mal-Istati Membri, li biħsiebhom jikkomunikaw dwar l-euro jew dwar l-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM),

— kooperazzjoni mill-qrib u *networking* mal-Istati Membri kollha fil-qafas tan-netwerk tad-Diretturi tal-Komunkazzjoni dwar kwistjonijiet marbuta mal-UEM,

— l-iżvilupp ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni fil-livell ċentrali (opuskoli, fuljetti, newsletters, diżinn ta' siti tal-Internet, żvilupp u manutenzjoni, wirjiet, stands, konferenzi, seminars, prodotti awdjoviżivi, stħarriġ tal-opinjonijiet, stħarriġ ieħor, studji, materjal promozzjonali, programmi ta' ġemellaġġi, eċċ.),

— inizjattivi ta' komunikazzjoni f'pajjiżi terzi, partikolarment biex tispjega r-rwol internazzjonali tal-euro u l-utilità tal-integrazzjoni finanzjarja.

Il-Kummissjoni, fl-implimentazzjoni ta' din il-linja baġitarja, għandha tqis sew ir-riżultati tal-laqgħat tal-Grupp Interistituzzjonali dwar l-Informazzjoni (IGI).

Il-Kummissjoni ppreżentat l-istrateġija ta' komunikazzjoni tagħha dwar l-euro fil-Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' strateġija ta' informazzjoni u komunikazzjoni dwar l-euro u l-Unjoni Ekonomika u Monetarja — COM(2004) 552 finali), adottata mill-Kulleġġ fil-11 ta' Awissu 2004. L-implimentazzjoni ta' strateġija ta' komunikazzjoni ssir f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u l-Parlament Ewropew.

Il-Kummissjoni tirrapporta regolarment lill-kumitat rilevanti tal-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tal-programm u dwar l-ippjanar għas-sena li ġejja.

*Bażi ġuridika*

Ħidma li tirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni f'livell istituzzjonali, kif stabbilit fl-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## KAPITOLU 01 03 — L-AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI INTERNAZZJONALI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 01 03 | L-Affarijiet ekonomiċi u finanzjarji internazzjonali | | | | | | | | |
| ***01 03 01*** | ***Parteċipazzjoni fil-kapital tal-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali*** | | | | | | | | |
| 01 03 01 01 | Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp — Forniment ta' ishma imħallsa ta' kapital sottoskritt | 4 | — | — | — | — | 0,— | 0,— | |
| 01 03 01 02 | il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp — Porzjon tal-kapital sottoskritt li jista' jiġi msejjaħ | 4 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | |
| | *Artikolu 01 03 01 — Sub-total* | | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | |
| ***01 03 02*** | ***Assistenza makrofinanzjarja*** | 4 | 100 000 000 | 97 000 000 | 95 550 000 | 79 050 000 | 543 476,00 | 55 236 767,22 | 56,95 % |
| | **Kapitolu 01 03 — Total** | | **100 000 000** | **97 000 000** | **95 550 000** | **79 050 000** | **543 476,00** | **55 236 767,22** | **56,95 %** |

### *Artikolu 01 03 01 — Parteċipazzjoni fil-kapital tal-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali*

#### Partita 01 03 01 01 — Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp — Forniment ta' ishma imħallsa ta' kapital sottoskritt

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | — | — | — | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament tal-kapital sottoskritt mill-Unjoni fil-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ).

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/674/KEE tad-19 ta' Novembru 1990 dwar l-ilħuq tal-Ftehim illi jistabbilixxi l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (ĠU L 372, 31.12.1990, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/135/KE tas-17 ta' Frar 1997 li tipprevedi li l-Komunità Ewropea għandha tissottoskrivi għal aktar ishma b'riżultat tad-deċiżjoni biex jirdoppja l-kapital tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvlupp [traduzzjoni mhux uffiċjali] (ĠU L 52, 22.2.1997, p. 15).

#### Partita 01 03 01 02 — il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp — Porzjon tal-kapital sottoskritt li jista' jiġi msejjaħ

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament tal-kapital sottoskritt mill-Unjoni fil-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp.

Il-bażi kapitali attwali tal-BERŻ tammonta għal EUR 30 000 000 000, filwaqt li t-total tal-kapital tal-ishma sottoskritt mill-Unjoni jgħodd għal EUR 900 440 000 (3 %). L-ishma mħallsa tal-kapital sottoskritt jammontaw għal EUR 157 500 000, u jħallu porzjon li jista' jiġi msejjaħ ta' kapital sottoskritt li jammonta għal EUR 442 500 000.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/674/KEE tad-19 ta' Novembru 1990 dwar l-ilħuq tal-Ftehim illi jistabbilixxi l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (ĠU L 372, 31.12.1990, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/135/KE tas-17 ta' Frar 1997 li tipprevedi li l-Komunità Ewropea għandha tissottoskrivi għal aktar ishma b'riżultat tad-deċiżjoni biex jirdoppja l-kapital tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvlupp [traduzzjoni mhux uffiċjali] (ĠU L 52, 22.2.1997, p. 15).

Deċiżjoni Nru 1219/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 16 ta' Novembru 2011 dwar is-sottoskrizzjoni mill-Unjoni Ewropea f'ishma addizzjonali fil-kapital tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ) bħala riżultat tad-deċiżjoni li jiżdied dan il-kapital (ĠU L 313, 26.11.2011 p. 1).

## *Artikolu 01 03 02 — Assistenza makrofinanzjarja*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 100 000 000 | 97 000 000 | 95 550 000 | 79 050 000 | 543 476,00 | 55 236 767,22 |

*Kummenti*

Din l-għajnuna straordinarja għandha l-għan li ttaffi l-irbit finanzjarju fuq xi pajjiżi terzi li jkunu għaddejja minn diffikultajiet makroekonomiċi kkaratterizzati minn żbilanċi fil-bilanċ tal-pagamenti u/jew żbilanċi serji fil-baġit.

Hija marbuta direttament mal-implimentazzjoni mill-pajjiżi riċeventi ta' stabbilizzazzjoni makroekonomika u miżuri ta' aġġustament strutturali. L-azzjoni tal-Unjoni ġeneralment tikkomplimenta dik tal-Fond Monetarju Internazzjonali, koordinat ma' donaturi bilaterali oħra.

Il-Kummissjoni tgħarraf lill-awtorità tal-baġit darbtejn fis-sena dwar il-qagħdiet makroekonomoċi u politiċi tal-pajjiżi benefiċjarji u tirrapporta estensivament dwar l-implimentazzjoni ta' din l-għajnuna fuq bażi annwali.

L-approprjazzjonjiet li jaqgħu taħt dan l-Artikolu se jkunu użati wkoll biex ikopru għajnuna finanzjarja għall-bini mill-ġdid fil-Ġeorġja taż-żoni milquta mill-kunflitt mar-Russja. L-azzjonijiet għandhom ikunu immirati primarjament lejn l-istabbilizzazzjoni makroekonomika tal-pajjiż. L-allokazzjoni finanzjarja sħiħa tal-għajnuna kienet deċiża f'konferenza internazzjonali tad-donaturi fl-2008.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/880/KE tat-30 ta' Novembru 2006, li tipprovdi assistenza finanzjarja Komunitarja ta' eċċezzjoni lill-Kosovo (ĠU L 339, 6.12.2006, p. 36).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/860/KE tal-10 ta' Diċembru 2007, li tipprovdi għal għajnuna makrofinanzjarja Komunitarja lil-Libanu (ĠU L 337, 21.12.2007, p. 111).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/889/KE tat-30 ta' Novembru 2009 li tipprovdi għajnuna makrofinanzjarja lill-Ġeorġja (ĠU L 320, 5.12.2009, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/890/KE tad-30 ta' Novembru 2009 li tipprovdi l-għajnuna makrofinanzjarja lill-Armenja (ĠU L 320, 5.12.2009, p. 3).

Id-Deċiżjoni Nru 938/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 li tipprovdi l-assitenza makrofinanzjarja lir-Repubblika tal-Moldova (ĠU L 277, 21,10.2010, p. 1).

## KAPITOLU 01 04 — L-OPERAZZJONIJIET U L-ISTRUMENTI FINANZJARJI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 01 04 | L-Operazzjonijiet u l-istrumenti finanzjarji | | | | | | | | |
| ***01 04 01*** | ***Garanziji tal-Unjoni Ewropea għal operazzjonijiet ta' teħid ta' self mill-Unjoni u l-Euratom u għal-operazzjonijiet ta' għoti ta' self mill-BEI*** | | | | | | | | |
| 01 04 01 01 | Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal teħid ta' self mill-Unjoni għal appoġġ għall-bilanċi ta' pagament | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | |
| 01 04 01 02 | Garanzija għal teħid ta' self mill-Euratom | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | |
| 01 04 01 03 | Garanzija tal-Unjoni Ewropea għas-self tal-Unjoni għal assistenza finanzjarja taħt il-mekkaniżmu Ewropew ta' stabilizzazzjoni finanzjarja | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | |
| 01 04 01 04 | Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal teħid ta' self mill-Unjoni għal għajnuna makrofinanzjarja lil pajjiżi terzi | 4 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | |
| 01 04 01 05 | Garanzija għas-self konness mal-Euratom għat-titjib tal-grad ta' effiċjenza u tas-sikurezza tal-power stations nukleari fil-pajjiżi tal-Ewropa ċentrali u tal-Lvant u l-Commonwealth ta' Stati Indipendenti | 4 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | |
| 01 04 01 06 | Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal self mill-Bank Ewropew tal-Investiment lill-pajjiżi terzi | 4 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | |
| 01 04 01 14 | Provvediment tal-Fond ta' Garanzija | 4 | 155 660 000 | 155 660 000 | 260 170 000 | 260 170 000 | 138 880 000,00 | 138 880 000,00 | 89,22 % |
| | *Artikolu 01 04 01 — Sub-total* | | 155 660 000 | 155 660 000 | 260 170 000 | 260 170 000 | 138 880 000,00 | 138 880 000,00 | 89,22 % |
| ***01 04 04*** | ***Il-Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni — Il-Programm għall-Intraprenditorija u l-Innovazzjoni*** | 1.1 | 204 700 000 | 130 000 000 | 173 010 000 | 90 725 107 | 189 730 034,02 | 113 827 516,19 | 87,56 % |
| ***01 04 05*** | ***It-Tlestija tal-Programm għall-Impriżi: it-titjib tal-ambjent finanzjarju għall-impriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (l-SMEs)*** | 1.1 | p.m. | 10 000 000 | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | |
| ***01 04 06*** | ***It-Tlestija tal-inizjattiva għall-Impjiegi (mill-1998 sal-2000)*** | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | |
| ***01 04 09*** | ***Fond Ewropew tal-Investiment*** | | | | | | | | |
| 01 04 09 01 | Fond Ewropew tal-Investiment — Provvista ta' ishma mħallsa ta' kapital sottoskritt | 1.1 | — | — | — | — | 0,— | 0,— | |
| 01 04 09 02 | Fond Ewropew tal-Investiment — Porzjon ta' kapital sottoskritt li jista' jissejjaħ | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | |
| | *Artikolu 01 04 09 — Sub-total* | | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | |
| ***01 04 10*** | ***Sikurezza nukleari*** | 1.1 | 1 000 000 | 1 000 000 | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | |
| | **Kapitolu 01 04 — Total** | | **361 360 000** | **296 660 000** | **433 180 000** | **350 895 107** | **328 610 034,02** | **252 707 516,19** | **85,18 %** |

## *Artikolu 01 04 01 — Garanziji tal-Unjoni Ewropea għal operazzjonijiet ta' teħid ta' self mill-Unjoni u l-Euratom u għal-operazzjonijiet ta' għoti ta' self mill-BEI*

### Partita 01 04 01 01 — Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal teħid ta' self mill-Unjoni għal appoġġ għall-bilanċi ta' pagament

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Il-garanzija tal-Unjoni Ewropea hija għal self mogħti fuq is-swieq tal-kapital jew minn istituzzjonijiet finanzjarji. L-ammont f'kapital ta' self li mbagħad jista' jingħata lill-Istati Membri huwa limitat għal EUR 50 000 000 000.

Din il-partita tikkostitwixxi l-istruttura għall-garanzija pprovduta mill-Unjoni. Għandha tippermetti li l-Kummissjoni tagħmel tajjeb għad-dejn jekk id-debituri jonqsu mill-obbligi tagħhom.

Biex tonora l-obbligi tagħha l-Kummissjoni tista' tuża r-riżorsi tal-kontanti tagħha biex tagħmel proviżorjament tajjeb għad-dejn. F'dan il-każ għandu jgħodd l-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 tat-22 ta' Mejju 2000 li jimplimenta d-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi tagħhom tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 130, 31.5.2000, p. 1).

Anness speċifiku ma' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima jagħti sommarju tal-operazzjonijiet ta' self garantiti mill-baġit ġenerali, inkluż il-ġestjoni tad-dejn, fir-rigward tal-kapital u tal-imgħax.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 tat-18 ta' Frar 2002 li jistabbilixxi faċilita li tipprovdi għajnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri (ĠU L 53, 23.2.2002, p. 1).

Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/102/KE tal-4 ta' Novembru 2008 li tagħti għajnuna finanzjarja tal-UE lill-Ungerija għaż-żmien medju (ĠU L 37, 6.2.2009, p. 5).

Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/290/KE tal-20 ta' Jannar 2009 li tagħti għajnuna finanzjarja Komunitarja lil-Latvja għal medda medja ta' żmien (ĠU L 79, 25.3.2009, p. 39).

Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/459/KE: tas- 6 ta' Mejju 2009 li tagħti għajnuna finanzjarja tal-Komunità lir-Rumanija fuq medda medja ta' żmien (ĠU L 150, 13.6.2009, p. 8).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/288/UE- tat-12 ta' Mejju 2011 dwar l-għoti ta' għajnuna finanzjarja prekawzjonarja mill-UE fuq terminu ta' żmien medju lir-Rumanija (ĠU L 132, 19.5.2011, p. 15).

### Partita 01 04 01 02 — Garanzija għal teħid ta' self mill-Euratom

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Il-limitu awtorizzat tas-self huwa ta' EUR 4 000 000 000, li minnhom EUR 500 000 000 huma awtorizzati skont id-Deċiżjoni 77/270/Euratom, EUR 500 000 000 skont id-Deċiżjoni 80/29/Euratom, EUR 1 000 000 skont id-Deċiżjoni 82/170/Euratom, EUR 1 000 000 000 skont id-Deċiżjoni 85/537/Euratom u EUR 1 000 000 000 skont id-Deċiżjoni 90/212/Euratom.

Din il-partita tikkostitwixxi l-istruttura għall-garanzija pprovduta mill-Unjoni. Għandha tippermetti li l-Kummissjoni tagħmel tajjeb għad-dejn jekk id-debituri jonqsu mill-obbligi tagħhom.

Biex tonora l-obbligi tagħha l-Kummissjoni tista' tuża r-riżorsi tal-kontanti tagħha biex tagħmel proviżorjament tajjeb għad-dejn. F'dan il-każ għandu jgħodd l-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 tat-22 ta' Mejju 2000 li jimplimenta d-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi tagħhom tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 130, 31.5.2000,

p. 1).

Anness speċifiku ma’ din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f’din it-taqsima jagħti sommarju tal-operazzjonijiet ta’ self garantiti mill-baġit ġenerali, inkluż il-ġestjoni tad-dejn, fir-rigward tal-kapital u tal-imgħax.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 77/270/Euratom tad-29 ta’ Marzu 1977 li tagħti l-jedd lill-Kummissjoni li toħroġ self tal-Euratom sabiex tikkontribwixxi għall-finanzjament ta’ *power stations* nukleari (ĠU L 88, 6.4.1977, p. 9).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 77/271/Euratom tad-29 ta’ Marzu 1977 li tagħti l-jedd lill-Kummissjoni li toħroġ self tal-Euratom sabiex tikkontribwixxi għall-finanzjament ta’ *power stations* nukleari (ĠU L 88, 6.4.1977, p. 11).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 80/29/Euratom tal-20 ta’ Diċembru 1979 li temenda d-Deċiżjoni 77/271/Euratom dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 77/270/Euratom li tagħti l-jedd lill-Kummissjoni li toħroġ self tal-Euratom sabiex tikkontribwixxi għall-finanzjament ta’ *power stations* nukleari (ĠU L 12, 17.1.1980, p. 28).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 82/170/Euratom tal-15 ta’ Marzu 1982 li temenda d-Deċiżjoni 77/271/Euratom dwar l-ammont totali ta’ self tal-Euratom li l-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tikkuntratta għall-iskop li tkun ta’ kontribut għall-iffinanzjar ta’ *power stations* nukleari (ĠU L 78, 24.3.1982, p. 21).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 85/537/Euratom tal-5 ta’ Diċembru 1985 li temenda d-Deċiżjoni 77/271/Euratom dwar l-ammont totali ta’ teħid ta’ self millEuratom li l-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tikkuntratta għall-iskop li tkun ta’ kontribut għall-iffinanzjar ta’ *power stations* nukleari (ĠU L 334, 12.12.1985, p. 23).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/212/Euratom tat-23 ta’ April 1990 li temenda d-Deċiżjoni 77/271/Euratom dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 77/270/Euratom li tagħti l-jedd lill-Kummissjoni li toħroġ self tal-Euratom sabiex tikkontribwixxi għall-finanzjament ta’ *power stations* nukleari (ĠU L 112, 3.5.1990, p. 26).

*Atti ta’ referenza*

Il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fis-6 ta’ Novembru 2002, li temenda d-Deċiżjoni 77/270/Euratom li tagħti l-jedd lill-Kummissjoni li toħroġ self tal-Euratom sabiex tikkontribwixxi għall-finanzjament ta’ *power stations* nukleari (ĠU C 45 E, 25.2,2003, p. 194).

Il-proposta għad-Deċiżjoni tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fis-6 ta’ Novembru 2002, li temenda d-Deċiżjoni 77/271/Euratom dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 77/270 li tagħti l-jedd lill-Kummissjoni li toħroġ self tal-Euratom sabiex tikkontribwixxi għall-finanzjament ta’ *power stations* nukleari (ĠU C 45 E, 25.2.2003, p. 201).

## Partita 01 04 01 03 — Garanzija tal-Unjoni Ewropea għas-self tal-Unjoni għal assistenza finanzjarja taħt il-mekkaniżmu Ewropew ta’ stabilizzazzjoni finanzjarja

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

L-Artikolu 122 (2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi l-possibbiltà li tingħata assistenza finanzjarja mill-Unjoni lil Stat Membru li jsib ruħu f’diffikultajiet jew ikun mhedded minn diffikultajiet serji kkawżati minn ċirkostanzi eċċezzjonali li ma jkollux kontroll fuqhom.

Il-garanzija mogħtija mill-Unjoni hija għal self mogħti fuq is-swieq tal-kapital jew minn istituzzjonijiet finanzjarji.

Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 407/2010 tal-11 ta’ Mejju 2010, l-ammont ta’ self jew linji ta’ kreditu li għandhom jingħataw lil Stati Membri taħt dan ir-Regolament għandu jkun limitat għall-marġni disponibbli taħt il-limitu tar-riżorsi proprji tagħhom għall-approprjazzjonijiet għall-pagamenti.

Din il-partita tikkostitwixxi l-istruttura għall-garanzija pprovduta mill-Unjoni. Għandha tippermetti li l-Kummissjoni tagħmel tajjeb għad-dejn jekk id-debituri jonqsu mill-obbligi tagħhom.

Biex tonora l-obbligi tagħha l-Kummissjoni tista’ tuża r-riżorsi tal-kontanti tagħha biex tagħmel tajjeb għad-dejn provviżorjament. Għandu japplika l-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 tat-22 ta’ Mejju 2000 li jimplimenta d-Deċiżjoni 2000/597/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi tagħhom tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 130, 31.5.2000, p. 1).

Anness speċifiku ma' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima jagħti sinteżi tal-operazzjonijiet ta' self garantiti mill-baġit ġenerali, inkluż il-ġestjoni tad-dejn, fir-rigward tal-kapital u tal-imgħax.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 407/2010 tal-11 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabilizzazzjoni finanzjarja (ĠU L 118, 12.5.2010, p. 1).

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/77/UE tas-7 ta' Diċembru 2010 dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Irlanda (ĠU L 30, 4.2.2011, p. 34).

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/344/EU tat- 30 ta' Mejju 2011 dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Portugall (ĠU L 159, 17.6.2011, p. 88).

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/682/EU of 11 October 2011 tal- 11 ta' Ottubru 2011 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/77/UE dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Irlanda (ĠU L 269, 14.10.2011, p. 31).

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/683/EU tal- 11 ta' Ottubru 2011 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/344/UE dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Portugall (ĠU L 269, 14.10.2011, p. 32).

*Atti ta' referenza*

L-Artikolu 122(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

## Partita 01 04 01 04 — Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal teħid ta' self mill-Unjoni għal għajnuna makrofinanzjarja lil pajjiżi terzi

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni tikkostitwixxi l-istruttura għall-garanzija pprovduta mill-Unjoni. Għandha tippermetti li l-Kummissjoni, jekk meħtieġ, li tagħmel tajjeb għad-dejn (ħlas lura tal-kapital, l-imgħax u spejjeż oħra) jekk debitur jonqos fuq self mogħti skont id-Deċiżjonijiet msemmi isfel.

Biex tonora l-obbligi tagħha l-Kummissjoni tista' tuża r-riżorsi tal-kontanti tagħha biex tagħmel proviżorjament tajjeb għad-dejn. F'dan il-każ għandu jgħodd l-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 tat-22 ta' Mejju 2000 li jimplimenta d-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi tagħhom tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 130, 31.5.2000, p. 1).

Anness speċifiku ma' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima jagħti sommarju tal-operazzjonijiet ta' self garantiti mill-baġit ġenerali, inkluż il-ġestjoni tad-dejn, fir-rigward tal-kapital u tal-imgħax.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/471/KE tat-22 ta' Lulju 1997 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lil Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (ammont massimu ta' EUR 40 000 000 bħala kapital) (ĠU L 200, 29.7.1997, p. 59).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/325/KE tal-10 Mejju 1999 li tipprovdi għal assistenza makrofinanzjarja lill-Bosnja-Ħerzegovina (ĠU L 123, 13.5.1999, p. 57) (ammont massimu ta' EUR 30 000 000 bħala kapital f'forma ta' self għal 15-il sena).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/732/KE tat-8 Novembru 1999 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja supplimentari lir-Rumanija (ammont massimu ta' EUR 200 000 000 bħala kapital) (ĠU L 294, 16.11.1999, p. 29).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/733/KE tat-8 Novembru 1999 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja supplimentari lil Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (ĠU L 294, 16.11.1999, p. 31) (ammont massimu ta' EUR 50 000 000 bħala kapital).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/244/KE ta'l-20 ta' Marzu 2000 li temenda d-Deċiżjoni 97/787/KE li tipprovdi għajnuna finanzjarja eċċezzjonali għall-Armenja u l-Ġeorġja biex din jestenduha għat-Taġikistan (ĠU L 77, 28.3.2000, p. 11) (ammont massimu ta' EUR 245 000 000 bħala kapital).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/549/KE tas-16 ta' Lulju 2001, li tipprovdi għall-assistenza makrofinanzjarja għar-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (ĠU L 197, 21.7.2001, p. 38).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/639/KE tat-12 ta’ Lulju 2002, li tipprovdi għal assistenza makrofinanzjarja supplimentari għall-Ukraina (ĠU L 209, 6.8.2002, p. 22).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/882/KE tal-5 ta’ Novembru 2002 li tipprovdi aktar għajnuna makrofinanzjarja lir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (ĠU L 308, 9.11.2002, p. 25).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/883/KE tal-5 ta’ Novembru 2002 li tipprovdi aktar għajnuna makrofinanzjarja lill-Bosnja-Ħerzegovina (ĠU L 308, 9.11.2002, p. 28).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/825/KE tal-25 ta’ Novembru 2003 li temenda d-Deċiżjoni 2002/882/KE li tipprovdi aktar għajnuna makrofinanzjarja lir-Repubblika Federali tal-Jugosavja fir-rigward aktar għajnuna makrofinanzjarja lis-Serbja u l-Montenegro (ĠU L 311, 27.11.2003, p. 28).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/580/KE tad-29 ta’ April 2004 li tipprovdi aktar assistenza makrofinanzjarja lill-Albanija (ĠU L 261, 6.8.2004, p. 116).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/861/KE tas-7 ta’ Diċembru 2004 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/883/KE li tipprovdi aktar assistenza makrofinanzjarja lill-Bosnja-Ħerzegovina (ĠU L 370, 17.12.2004, p. 80).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/862/KE tas-7 ta’ Diċembru 2004 dwar assistenza makrofinanzjarja lis-Serbja u l-Montenegro (ĠU L 370, 17.12.2004, p. 81).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/860/KE tal-10 ta’ Diċembru 2007, li tipprovdi għal għajnuna makrofinanzjarja Komunitarja lil-Libanu (ĠU L 337, 21.12.2007, p. 111).

Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/890/EC tat- 30 ta’ Novembru 2009 li tipprovdi l-għajnuna makro-finanzjarja lill-Armenja (ĠU L 320, 5.12.2009, p. 3).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/891/KE tat-30 ta’ Novembru 2009 li tipprovdi għajnuna makrofinanzjarja lill-Bosnja-Ħerżegovina (ĠU L 320, 5.12.2009, p. 6).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/892/KE tat-30 ta’ Novembru 2009 li tipprovdi għajnuna makrofinanzjarja lis-Serbja (ĠU L 320, 5.12.2009, p. 9).

Deċiżjoni Nru 388/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta’ Lulju 2010 li tipprovdi l-għajnuna makrofinanzjarja lill-Ukraina (ĠU L179, 14.7.2010, p. 1).

## Partita 01 04 01 05 — Garanzija għas-self konness mal-Euratom għat-titjib tal-grad ta’ effiċjenza u tas-sikurezza tal-*power stations* nukleari fil-pajjiżi tal-Ewropa ċentrali u tal-Lvant u l-*Commonwealth* ta’ Stati Indipendenti

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Din il-partita tikkostitwixxi l-istruttura għall-garanzija pprovduta mill-Unjoni. Għandha tippermetti li l-Kummissjoni, jekk meħtieġ, li tagħmel tajjeb għad-dejn (ħlas lura tal-kapital, l-imgħax u spejjeż oħra) jekk debitur jonqos mill-obbligi tiegħu.

Biex tonora l-obbligi tagħha l-Kummissjoni tista’ tuża r-riżorsi tal-kontanti tagħha biex tagħmel proviżorjament tajjeb għad-dejn. F’dan il-każ għandu jgħodd l-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 tat-22 ta’ Mejju 2000 li jimplimenta d-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi tagħhom tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 130, 31.5.2000, p. 1).

L-ammont massimu ta’ teħid ta’ self mill-Euratom għall-Istati Membri u pajjiżi terzi jibqa’ fiss f’EUR 4 000 000 000, kif indikat fil-partita 01 04 01 02.

Anness speċifiku ma’ din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f’din it-taqsima jagħti sommarju tal-operazzjonijiet ta’ self garantiti mill-baġit ġenerali, inkluż il-ġestjoni tad-dejn, fir-rigward tal-kapital u tal-imgħax.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 77/270/Euratom tad-29 ta’ Marzu 1977 li tagħti l-jedd lill-Kummissjoni li toħroġ self tal-Euratom sabiex tikkontribwixxi għall-finanzjament ta’ power stations nuklejari (ĠU L 88, 6.4.1977, p. 9).

Għall-bażi ġuridika tas-self tal-Euratom, ara wkoll il-partita 01 04 01 02.

Partita 01 04 01 06 — Garanzija tal-Unjoni Ewropea għal self mill-Bank Ewropew tal-Investiment lill-pajjiżi terzi

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Marzu 1977, l-Unjoni tiggarantixxi self magħmul mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) fil-kuntest tal-impenji tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' pajjiżi Mediterranji.

Dik id-Deċiżjoni kienet il-bażi ta' kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-BEI iffirmat fi Brussell fit-30 ta' Ottubru 1978 u fil-Lussemburgu fl-10 ta' Novembru 1978 li jistabbilixxi garanzjia komprensiva, ugwali għall 75 % tal-fondi kollha disponibbli għall-operazzjonijiet ta' self fil-pajjiżi li ġejjin: Malta, it-Tuneżija, l-Alġerija, il-Marokk, il-Portugall (Protokoll Finanzjarju, għajnuna ta' emerġenza), it-Turkija, Ċipru, is-Sirja, l-Iżrael, il-Ġordan, l-Eġittu, Dik li kienet il-Jugoslavja u l-Libanu.

Id-Deċiżjoni 90/62/KEE kienet il-bażi ta' kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-BEI iffirmat fi Brussell fl-24 ta' April 1990 u fil-Lussemburgu fl-14 ta' Mejju 1990 fir-rigward tal-Ungerija u l-Polonja u għall-estenzjoni ta' dak il-kuntratt biex ikopri ċ-Ċekoslovakkja, ir-Rumanija u l-Bulgarija, iffirmat f'Brussell u fil-Lussemburgu fil-31 ta' Lulju 1991.

Id-Deċiżjoni 93/696/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-BEI iffirmat fi Brussell fit-22 ta' Lulju 1994 u fil-Lussemburgu fit-12 ta' Awissu 1994.

Skont id-Deċiżjonijiet 93/115/KEE u 96/723/KE, l-Unjoni tiggarantixxi self li jista' jsir individwalment mill-BEI fil-pajjiżi tal-Amerika Latina u l-Asja li magħhom il-Komunità kkonkludiet ftehim ta' kooperazzjoni. Id-Deċiżjoni 93/115/KEE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-BEI iffirmat fi Brussell fl-4 ta' Novembru 1993 u fil-Lussemburgu fis-17 ta' Novembru 1993. Id-Deċiżjoni 96/723/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-BEI iffirmat fi Brussell fit-18 ta' Marzu 1997 u fil-Lussemburgu fis-26 ta' Marzu 1997.

Skont id-Deċiżjoni 95/207/KE, l-Unjoni tiggarantixxi self li jista' jsir individwalment mill-BEI fl-Afrika t'Isfel. Id-Deċiżjoni 95/207/KE kienet il-bażi ta' kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-BEI iffirmat fi Brussell fl-4 ta' Ottubru 1995 u fil-Lussemburgu fis-16 ta' Ottubru 1995.

Id-Deċiżjoni 97/256/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-BEI iffirmat fi Brussell fil-25 ta' Lulju 1997 u fil-Lussemburgu fid-29 ta' Lulju 1997 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 70 % tal-ammont aggregat tal-approprjazzjonijiet miftuħa, flimkien mal-ammonti kollha relatati. Il-limitu totali tal-approprjazzjonijiet miftuħ huwa ekwivalenti għal EUR 7 105 000 000.

Id-Deċiżjoni 2000/24/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-BEI iffirmat fi Brussell fl-24 ta' Jannar 2000 u fil-Lussemburgu fis-17 ta' Jannar 2000, aġġornat l-aħħar fl-2005, li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' approprjazzjonijiet miftuħa, flimkien mas-somom kollha relatati. Il-limitu totali tal-approprjazzjonijiet disponibbli huwa ekwivalenti għal EUR 19 460 000 000. L-BEI huwa mistieden biex jimmira li jkopri r-riskju kummerċjali fuq 30 % tas-self tiegħu minn garanziji mhux sovrani. Dan il-perċentwal għandu jiżdied kull meta possibbli, safejn is-suq jippermetti.

Id-Deċiżjoni 2001/777/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-BEI ffirmat fi Brussell fis-6 ta' Mejju 2002 u fil-Lussemburgu fis-7 ta' Mejju 2002, li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 100 % kontra t-telf taħt azzjoni speċjali ta' self għall-proġetti ambjentali magħżula fil-baċir tal-Baħar Baltiku tar-Russja skont id-Dimensjoni tat-Tramuntana. Il-limitu totali huwa ta' EUR 100 000 000.

Id-Deċiżjoni 2005/48/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-BEI iffirmat fil-Lussemburgu fid-9 ta' Diċembru 2005 u fi Brussell fil-21 ta' Diċembru 2005, li jistabbilixxi garanzija ta' 100 % kontra t-telf minn self għal ċerti tipi ta' proġetti fir-Russja, l-Ukraina, il-Moldova u l-Belarus. Il-limitu massimu totali huwa ta' EUR 500 000 000. Dan ikopri perjodu li intemm fil-31 ta' Jannar 2007. Mal-iskadenza ta' dan il-perjodu, wara li s-self mogħti mill-BEI ma laħaqx l-ammonti globali msemmija hawn fuq, il-perjodu ttawwal awtomatikament b'sitt xhur.

Id-Deċiżjoni 2006/1016/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-BEI iffirmat fil-Lussemburgu fl-1 ta' Awwissu 2007 u fi Brussell fid-29 ta' Awwissu 2007 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti mqassma u l-garanziji pprovduti fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI bit-tnaqqis tal-ammonti rimburżati, u biż-żieda tas-somom kollha relatati. Il-limitu totali ta' approprjazzjonijiet li tpoġġew għad-disponibbiltà tal-pajjiżi kollha skont id-Deċiżjoni huwa ekwivalenti għal EUR 27 800 000 000 u jkopri l-perjodu ta' bejn l-1 ta' Frar 2007 u jintemm fil-31 ta' Diċembru 2013, bil-possibblità ta' estensjoni ta' sitt xhur. Dik id-Deċiżjoni ġiet sostitwita mid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE.

Id-Deċiżjoni 633/2009/KE kienet il-bażi għal emenda, ffirmata fit-28 ta' Ottubru 2009, għall-kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-BEI li kien iffirmat fil-Lussemburgu fl-1 ta' Awwissu 2007 u fi Brussell fid-29 ta' Awwissu 2007. L-Unjoni hija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-krediti mqassma ul-garanziji. Il-limitu massimu tal-operazzjonijiet finanzjarji tal-BEI, inqas l-

ammonti kanċellati, ma għandux jaqbeż EUR 27 800 000 000, li jinqasmu f’limitu bażiku ta’ EUR 25 800 000 000u mandat fakultattiv ta’ EUR 2 000 000 000. Dan ikopri l-perjodu li jispiċċa fil-31 ta’ Ottubru 2011, mingħajr ma jeskludi l-estensjoni ta’ dan il-perjodu sat-30 ta’ April 2012 jekk ma tkunx ġiet adottata deċiżjoni ġdida tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill sal-31 ta’ Ottubru 2011.

Id-Deċiżjoni 1080/2011/KE kienet il-bażi ta’ kuntratt ta’ garanzija bejn l-Unjoni Ewropea u l-BEI iffirmat fil-Lussemburgu u fi Brussell fit-22 ta’ Novembru 2011. Il-garanzija tal-Unjoni hija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-krediti żburżati u tal-garanziji, wara li jitnaqqsu l-ammonti rimborsati u jiżdiedu l-ammonti relatati l-oħra kollha. Il-limitu massimu tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI, bit-tnaqqis tal-ammonti kanċellati, ma għandux jisboq EUR 29 484 000 000, li jinqasmu f’mandat ġenerali ta' EUR 27 484 000 000 u mandat dwar it-Tibdil fil-Klima ta’ EUR 2 000 000 000. Dan ikopri l-perjodu li jibda fl-1 ta’ Frar 2007 u jispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2013, mingħajr ħsara għall-estensjoni ta’ dan il-perjodu sat-30 ta’ Ġunju 2014 jekk ma tkunx ġiet adottata deċiżjoni ġdida tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill sal-31 ta’ Diċembru 2013.

Biex tonora l-obbligi tagħha l-Kummissjoni tista’ tuża r-riżorsi tal-kontanti tagħha biex proviżorjament tagħmel tajjeb għad-dejn. F’dan il-każ għandu jgħodd l-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 tat-22 ta’ Mejju 2000 li jimplimenta d-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi tagħhom tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 130, 31.5.2000, p. 1).

Din il-partita tikkostitwixxi l-istruttura għall-garanzija pprovduta mill-Unjoni. Għandha tippermetti li l-Kummissjoni tagħmel tajjeb, jekk meħtieġ, għad-dejn jekk id-debituri jonqsu mill-obbligi tagħhom fuq self mogħti mill-BEI.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta’ Marzu 1977 (Protokolli Mediterranji).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1273/80 tat-23 ta’ Mejju 1980 dwar il-konklużjoni ta’ Protokoll temporanju bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Soċjalista Federali tal-Jugoslavja dwar l-implimentazzjoni bil-quddiem taż-2 Protokolli għall-Ftehim ta’ kooperazzjoni. (ĠU L 130, 27.5.1980, p. 98).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta’ Lulju 1982 (aktar assistenza eċċezzjonali għar-rikostruzzjoni tal-Libanu).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3180/82 tat-22 ta’ Novembru 1982 dwar il-konklużjoni ta’ Protokoll ta’ assistenza finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Libaniża (ĠU L 337, 29.11.1982, p. 22).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3183/82 tat-22 ta’ Novembru 1982 dwar il-konklużjoni ta’ Protokoll ta’ assistenza finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija (ĠU L 337, 29.11.1982, p. 43).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-9 ta’ Ottubru 1984 (self ’il barra mill-Protokoll tal-Jugoslavja).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/604/KEE tal-21 ta’ Diċembru 1987 li tikkonċerna l-konklużjoni tat-Tieni Protokoll dwar kooperazzjoni finanzjarja bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Federali Soċjalista tal-Jugoslavja (ĠU L 389, 31.12.1987, p. 65).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 88/33/KEE tal-21 ta’ Diċembru 1987 dwar il-konklużjoni ta’ Protokoll dwar kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Libaniża (ĠU L 22, 27.1.1988, p. 25).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 88/34/KEE tal-21 ta’ Diċembru 1987 dwar il-konklużjoni dwar Protokoll ta’ kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija (ĠU L 22, 27.1.1988, p. 33).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 88/453/KEE tat-30 ta’ Ġunju 1988 dwar il-konklużjoni dwar Protokoll ta’ kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tal-Marokk (ĠU L 224, 13.8.1988, p. 32).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/62/KEE tat-12 ta’ Frar 1990 skont liema l-Komunità tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self għal proġetti fl-Ungerija, l-Polonja, ċ-Ċekoslovakkja, l-Bulgarija u r-Rumanija (ĠU L 42, 16.2.1990, p. 68).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 91/252/KEE tal-14 ta’ Mejju 1991 li testendi d-Deċiżjoni 90/62/KEE taċ-Ċekoslovakkja, il-Bulgarija u r-Rumanija skont liema l-Komunità tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self għal proġetti fl-Ungerija u l-Polonja (ĠU L 123, 18.5.1991, p. 44).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/44/KEE tad-19 ta’ Diċembru 1991 dwar il-konklużjoni ta’ Protokoll dwar kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija (ĠU L 18, 25.1.1992, p. 34).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/207/KEE tas-16 ta’ Marzu 1992 dwar il-konklużjoni ta’ Protokoll dwar assistenza finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu (ĠU L 94, 8.4.1992, p. 21).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/208/KEE tas-16 ta’ Marzu 1992 dwar il-konklużjoni ta’ Protokoll dwar kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan (ĠU L 94, 8.4.1992, p. 29).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/209/KEE tas-16 ta’ Marzu 1992 dwar il-konklużjoni ta’ Protokoll dwar kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Libaniża (ĠU L 94, 8.4.1992, p. 37).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/210/KEE tas-16 ta' Marzu 1992 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll dwar kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Istat ta' Iżrael (ĠU L 94, 8.4.1992, p. 45).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1763/92 tad-29 ta' Ġunju 1992 dwar kooperazzjoni finanzjarja fir-rigward tal-pajjiżi kollha tal-Mediterran li mhumiex membri (ĠU L 181, 1.1.7.1992, p. 5).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/548/KEE tas-16 ta' Novembru 1992 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tal-Marokk (ĠU L 352, 2.12.1992, p. 13).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/549/KEE tas-16 ta' Novembru 1992 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija tas-Sirja (ĠU L 352, 2.12.1992, p. 21).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/115/KEE tal-15 ta' Frar 1993 li tagħti garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investiment għat-telf fis-self għal proġetti ta' interess reċiproku f'ċerti pajjiżi terzi (ĠU L 45, 23.2.1993, p. 27).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/166/KEE tal-15 ta' Marzu 1993 li tagħti garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investiment għat-telf fis-self għal proġetti ta' investiment imwettqa fl-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja (ĠU L 69, 20.3.1993, p. 42).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/408/KEE tad-19 ta' Lulju 1993 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll dwar kooperazzjoni finanzjarja bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tas-Slovenja (ĠU L 189, 29.7.1993, p. 152).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/696/KE tat-13 ta' Diċembru 1993 skont liema l-Komunità tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self għal proġetti f'pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant (il-Polonja, l-Ungerija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika Slovakka, ir-Rumanija, il-Bulgarija, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Albanija) (ĠU L 321, 23.12.1993, p. 27).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/67/KE tal-24 ta' Jannar 1994 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll dwar kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija Sirjana (ĠU L 32, 5.2.1994, p. 44).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/207/KE tal-1 ta'Ġunju 1995 skont liema l-Komunità tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self għal proġetti fl-Afrika t'Isfel (ĠU L 131, 15.6.1995, p. 31).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/485/KEE tat-30 ta' Ottubru 1995 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll ta' kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Ċipru (ĠU L 278, 21.11.1995, p. 22).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/723/KEE tat-12 ta' Diċembru 1996 skont liema l-Komunità tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self għal proġetti ta' interess mutwu f'ċerti pajjiżi tal-Amerika Latina u tal-Asja li magħhom il-Komunità kkonkludiet ftehimiet ta' kooperazzjoni (l-Arġentina, il-Bolivja, il-Brażil, iċ-Ċili, il-Kolombja, il-Kosta Rika, l-Ekwador, il-Gwatemala, il-Ħonduras, il-Messiku, in-Nikaragwa, il-Panama, il-Paragwaj, il-Perù, l-El Salvador, l-Uruguwaj u l-Venezwela; il-Bangladexx, il-Brunej, iċ-Ċina, l-Indja, l-Indonesja, il-Makaw, il-Malasja, il-Pakistan, il-Filippini, Singapore, is-Sri Lanka, it-Tajlandja u l-Vjetnam) (ĠU L 329, 19.12.1996, p. 45).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/256/KE tal-14 ta' April 1997 skont liema l-Komunità tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self għal proġetti barra mill-Komunità (pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, pajjiżi Mediterranji, pajjiżi tal-Amerika Latina u tal-Asja, l-Afrika t'Isfel, Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-Bosnja-Ħerzegovina) (ĠU L 102, 19.4.1997, p. 33).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/348/KE tad-19 ta' Mejju 1998 skont liema l-Komunità tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self għal proġetti f'Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u li temenda d-Deċiżjoni 97/256/KE skont liema l-Komunità tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self għal proġetti barra mill-Komunità (pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, pajjiżi Mediterranji, pajjiżi tal-Amerika Latina u tal-Asja u l-Afrika t'Isfel) (ĠU L 155, 29.5.1998, p. 53).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/729/KE tal-14 ta' Diċembru 1998 li temenda d-Deċiżjoni 97/256/KE sabiex testendi l-garanzija Komunitarja mogħtija lill-Bank Ewropew tal-Investiment biex tkopri self għal proġetti fil-Bosnja-Ħerzegovina (ĠU L 346, 22.12.1998, p. 54).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/786/KE tad-29 ta' Novembru 1999 skont liema l-Komunità tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) kontra telf minn self għal proġetti għar-rikostruzzjoni ta' żoni fit-Turkija milquta mit-terremot) (ĠU L 308, 3.12.1999, p. 35).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/24/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 li tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self għal proġetti barra mill-Komunità (l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, pajjiżi Mediterranji, dawk tal-Amerika Latina u l-Asja, kif ukoll ir-Repubblika tal-Afrika t'Isfel) (ĠU L 9, 13.1.2000, p. 24).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/688/KE tas-7 ta' Novembru 2000 li temenda d-Deċiżjoni Nru 2000/24/KE biex tiġi estiża l-garanzija tal-Komunità mogħtija lill-Bank Ewropew tal-Investiment biex ikopri s-self għal proġetti fil-Kroazja (2000/688/KE) (ĠU L 285, 10.11.2000, p. 20).

Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/788 tal-4 ta' Diċembru 2000 li temenda d-Deċizjoni 2000/24/KE biex ikun stabbilit programm speċjali ta'

azzjoni tal-Bank Ewropew tal-Investiment b'appoġġ għall-konsolidazzjoni u l-intensifikazzjoni tal-unjoni doganali KE-Turkija (ĠU L 314, 14.12.2000, p. 27).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/777tas-6 ta' Novembru 2001 li tagħti garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf taħt azzjoni speċjali tas-self għal proġetti ambjentali magħżula fil-port tal-Baħar Baltiku tar-Russja taħt id-Dimensjoni tat-Tramuntana (ĠU L 292, 9.11.2001, p. 41).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/778/KE tas-6 ta' Novembru 2001 li temenda d-Deċiżjoni Nru 2000/24/KE biex tiġi estiża l-garanzija Komunitarja mogħtija lill-Bank Ewropew tal-Investiment biex ikopri s-self għal proġetti fir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (ĠU L 292, 9.11.2001, p. 43).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2005/47/KE tat- 22 ta' Diċembru 2004 li temenda d-Deċiżjoni 2000/24/KE biex jittieħed kont tat-tkabbir tal-Unjoni Ewropea u l-Politika Ewropea dwar Pajjiżi Ġirien (ĠU L 21, 25.1.2005, p. 9).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/48/KE tat-22 ta' Diċembru 2004 li tagħti garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra t-telf taħt is-self għal ċerti tipi ta' proġetti fir-Russja, l-Ukraina, il-Moldova u l-Belarus (ĠU L 21, 25.1.2005, p. 11).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/174/KE tas- 27 ta' Frar 2006 li temenda d-Deċiżjoni 2000/24/KE sabiex tinkludi l-Maldive fil-lista tal-pajjiżi koperti, wara t-tsunami fl-Oċean Indjan ta' Diċembru 2004 (ĠU L 62, 3.3.2006, p. 26).

Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 25 ta' Ottubru 2011 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti 'l barra mill-Unjoni u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE (ĠU L 280, 27.10.2011, p. 1).

### Partita 01 04 01 14 — Provvediment tal-Fond ta' Garanzija

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 155 660 000 | 260 170 000 | 138 880 000,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba għall-forniment tar-riżorsi finanzjarji għall-ħlasijiet lill-Fond ta' Garanzija skont il-mekkaniżmu ta' forniment tiegħu u għall-ħlas ta' spejjeż operazzjonali marbutin mal-ġestjoni tal-fond u mal-evalwazzjoni esterna li għandha titwettaq fil-kuntest tal-analiżi ta' nofs it-terminu tal-mandat estern tal-BEI.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni (Verżjoni kodifikata) (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10).

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti 'l barra mill-Unjoni u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE (ĠU L 280, 27.10.2011, p. 1).

## *Artikolu 01 04 04 — Il-Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni — Il-Programm għall-Intraprenditorija u l-Innovazzjoni*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 204 700 000 | 130 000 000 | 173 010 000 | 90 725 107 | 189 730 034,02 | 113 827 516,19 |

*Kummenti*

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa fuq strumenti finanzjarji tal- Unjoni/Komunità implimentati fil-qafas tal-Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007-2013) (CIP) u biex tiffaċilita l-aċċess tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) għall-finanzi.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għall-miżuri li ġejjin:

— il-promozzjoni tad-disponibilità fl-Ewropa ta' mekkaniżmi biex jiġi żgurat aċċess għall-kreditu għall-SMEs, bħal konsorzji ta'

garanzija ta' kreditu, u, fejn ikun meħtieġ, l-analiżi ta' kwistjonijiet tas-suq tal-kreditu,

— l-appoġġ fl-applikazzjonijiet għal kreditu ma' istituzzjonijiet finanzjarji magħmula minn tali konsorzji ta' SMEs, inter alia permezz tal-għoti ta' garanziji sekondarji mill-Fond Ewropew ta' Investiment (FEI),

— il-konklużjoni ta' ftehimiet ma' istituzzjonijiet finanzjarji dwar selfiet sussidjati lil konsorzji ta' garanzija ta' kreditu.

L-aċċess diffikultuż għall-forom xierqa ta' finanzi ta' spiss jissemma bħala x-xkiel ewlieni għall-innovazzjoni tal-intraprenditorjat u l-impriżi. Din il-problema tista' tikber bl-istandards il-ġodda tal-kontabilità li se jagħmlu l-banek iktar sensittivi għar-riskju u jwasslu għall-kultura ta' klassifikazzjoni (rating). Is-CIP jindirizza differenzi persistenti u magħrufa tas-suq li jwasslu għal aċċess diffikultuż għall-ekwità, il-kapital ta' riskju u self għall-SMEs, permezz ta' strumenti finanzjarji tal-Unjoni mħaddma f'isem il-Kummissjoni mill-FEI, l-istituzzjoni speċjalizzata tal-Unjoni li toffri kapital ta' riskju u strumenti ta' garanzija għall-SMEs.

Evalwazzjonijiet indipendenti tal-programm preċedenti "Programm Multiannwali għall-Intrapriżi u l-Intraprenditorjat" identifikaw l-approċċ imsejjes fuq is-suq u l-implimentazzjoni permezz tal-FEI ta' dawn l-istrumenti bħala l-aħjar prassi. Għalhekk dawn se jitkomplew u se jiġu adattati fil-programm CIP.

L-istrumenti finanzjarji tal-Unjoni jiffaċilitaw l-aċċess tal-SMEs għall-finanzi. Il-Faċilità għall-SMEs Innovattivi u b'Rata Għolja ta' Tkabbir (GIF) taqsam ir-riskji u l-gwadanji mal-investituri tal-ekwità privata u b'hekk toffri ingranaġġ importanti għall-provvista ta' ekwita lil kumpaniji innovattivi.

Il-GIF tindirizza lill-SMEs innovattivi fil-fażijiet bikrija tagħhom u fil-fażi ta' espansjoni, u b'hekk tingrana l-kapital 'ta' prosegwiment' ħalli tgħinhom iwasslu l-prodotti u s-servizzi tagħhom fis-suq. Tingħata attenzjoni partikolari lill-SMEs attivi fil-qasam tal-innovazzjoni ekoloġika.

Il-Faċilità ta' Garanzija għall-SMEs (SMEG) tkompli tipprovdi kontrogaranziji jew kogaranziji biex tiggarantixxi skemi li qed joperaw f'pajjiżi parteċipanti, u garanziji diretti għal intermedjarji finanzjarji. Għandha l-għan li tindirizza n-nuqqasijiet tas-suq li jesperjenzaw l-SMEs b'potenzjal ta' tkabbir biex jiksbu aċċess għal: (i) self (jew sostituzzjonijiet għas-self bħal twellija); (ii) mikrokreditu u (iii) ekwità jew kważi ekwita. Tieqa ġdida ta' titolizzazzjoni (iv) li timobilizza l-finanzjament addizzjonali tad-dejn għall-SMEs taħt arranġamenti xierqa ta' qsim ta' riskji mal-istituzzjonijiet fil-mira.

Skema għall-Bini tal-Kapaċità (CBS) kienet maħsuba biex tappoġġja l-ħila ta' intermedjari finanzjari li jiffukaw fuq aspetti addizzjonali ta' investiment u teknoloġija. Madankollu, dan l-istrument ma kellux rispons mis-suq. B'konsegwenza, il-baġit inizjali rriżervat għas-CBS tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-GIF ħalli jappoġġja prinċipalment l-innovazzjoni ekoloġika u t-trasferiment tat-teknoloġija.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA[1] skont il-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti jieħdu mill-kontribuzzjonijiet tal-Pajjiżi tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali tal-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati jew, fejn huwa applikabbli, mill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent li huma kandidati potenzjali għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

Kwalunkwe dħul iġġenerat minn minn Kontijiet Fiduċjarji mdaħħla fl-Artikolu 5 2 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jirriżulta f'approprjazzjonijiet addizzjonali li għandhom jiddaħħlu f'dan l-artikolu skont ir-Regolament Finanzjarju.

Sa EUR 400 000 jistgħu jintużaw għall-attivitajiet ta' komunikazzjoni, inklużi avvenimenti, pubblikazzjonijiet u informazzjoni fl-Internet.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Qafas għall-Kompetittivita u l-Innovazzjoni (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 15).

---

1 Bl-eċċezzjoni tal-Isvizzera.

## *Artikolu 01 04 05 — It-Tlestija tal-Programm għall-Intrapriżi: it-titjib tal-ambjent finanzjarju għall-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (l-SMEs)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 10 000 000 | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri n-nefqa dwar l-instrumenti finanzjarji tal-Unjoni implimentati fil-qafas tal-Programm Multiannwali għall-Intrapriżi u l-Intraprenditorjat, u b'mod partikolari għall-SMEs (MAP) u biex jiġi faċilitat l-aċċess tagħhom għall-finanzi. Għalkemm il-perjodu tal-impenn spiċċa, il-faċilitajiet għandhom jitħaddmu għal diversi snin, li fihom ser ikunu meħtieġa pagamenti għall-investimenti u sabiex jiġu onorati l-obbligi. Għalhekk ir-rekwiżiti tar-rappurtaġġ u l-monitoraġġ ser ikomplu sa tmiem il-perjodi tal-faċilità.

Biex tonora l-obbligi tagħha l-Kummissjoni tista' tuża r-riżorsi tal-kontanti tagħha biex tagħmel tajjeb għad-dejn provviżorjament. F'dan il-każ, l-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 tat-22 ta' Mejju 2000 li jimplimenta d-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi tagħhom tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 130, 31.5.2000, p. 1) għandu japplika.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA[2] skont il-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti jieħdu mill-kontribuzzjonijiet tal-Pajjiżi tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali tal-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/819/KE tal-20 ta' Diċembru 2000 dwar programm multiannwali għall-intrapriża u l-intraprenditorija, u partikolarment għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (IŻM) (2001-2005) (ĠU L 333, 29.12.2000, p. 84).

Id-Deċiżjoni Nru 1776/2005/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Settembru 2005 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/819/KE dwar programm multi-annwali għall-intrapriża u l-intraprenditorija, u partikolarment għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (*SMEs*) (2001-2005) (ĠU L 289, 3.11.2005, p. 14).

## *Artikolu 01 04 06 — It-Tlestija tal-inizjattiva għall-Impjiegi (mill-1998 sal-2000)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni tkopri l-finanzjament ta':

- drittijiet fir-rigward ta' garanziji estiżi mill-Fond Ewropew għall-Investimenti (EIF) biex jiffaċilitaw iż-żieda fil-volum ta' self magħmul, u r-riskju tal-investiment li qed jinġarr mill-Bank Ewropew għall-Investimenti (BEI), banek kummerċjali, fondi ta' investiment jew intermedjarji xierqa fir-rigward tal-operazzjonijiet tal-*SME* tagħhom,
- *holdings* ta' fondi ta' investiment f'impriżi maħluqa ġodda u SMEs ta' teknoloġija għolja,
- parti tal-ispejjeż magħmula minn SMEs Ewropej fil-ħsieb u twaqqif ta' *joint ventures* transnazzjonali, kif ukoll parti tal-ammont totali tal-investiment transnazzjonali.

Biex tonora l-obbligi tagħha l-Kummissjoni tista' tuża r-riżorsi tal-kontanti tagħha biex tagħmel tajjeb għad-dejn provviżorjament. F'dan il-każ għandu jgħodd l-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 tat-22 ta' Mejju 2000 li jimplimenta d-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi tagħhom tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 130, 31.5.2000,

2 Bl-eċċezzjoni tal-Isvizzera.

p. 1).

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti jiġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Pajjiżi tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkonstitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali tal-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati jew, fejn huwa applikabbli, mill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent li huma kandidati potenzjali għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/347/KE tad-19 ta' Mejju 1998 dwar miżuri ta' assistenza finanzjarja għal impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) innovattivi u li joħolqu l-impjiegi — l-inizjattiva tkabbir u impjiegi (ĠU L 155, 29.5.1998, p. 43).

## *Artikolu 01 04 09 — Fond Ewropew tal-Investiment*

### Partita 01 04 09 01 — Fond Ewropew tal-Investiment — Provvista ta' ishma mħallsa ta' kapital sottoskritt

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | — | — | — | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament tal-ishma mħallsa tal-ammont ta' kapital sottoskritt mill-Unjoni.

Il-Fond Ewropew tal-Investiment (il-FEI) inħoloq fl-1994. Il-membri fundaturi tiegħu kienu l-Komunità Ewropea, rappreżentata mill-Kummissjoni, il-Bank Ewropew tal-Investiment (EIB) u għadd ta' istituzzjonijiet finanzjarji. L-adeżjoni tal-Unjoni mal-FEI hija ddeterminata mid-Deċiżjoni 94/375/KE.

Skont l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 94/375/KE l-pożizzjoni tal-Unjoni dwar żieda possibbli fil-kapital tal-FEI u dwar il-parteċipazzjoni tagħha f'dik iż-żieda għandha tiġi deċiża unanimament mill-Kunsill, li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni u wara li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/375/KE tas-6 ta' Ġunju 1994 dwar is-sħubija tal-Komunità fil-Fond Ewropew tal-Investiment (ĠU L 173, 7.7.1994, p. 12).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/247/KE tad-19 ta' April 2007 dwar il-parteċipazzjoni tal-Komunità fiż-żieda kapitali fil-Fond Ewropew tal-Investiment (ĠU L 107, 25.4.2007, p. 5).

### Partita 01 04 09 02 — Fond Ewropew tal-Investiment — Porzjon ta' kapital sottoskritt li jista' jissejjaħ

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament fil-każ ta' sejħa għall-ammont ta' kapital sottoskritt mill-Unjoni.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/375/KE tas-6 ta' Ġunju 1994 dwar is-sħubija tal-Komunità fil-Fond Ewropew tal-Investiment (ĠU L 173, 7.7.1994, p. 12).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/247/KE tad-19 ta' April 2007 dwar il-parteċipazzjoni tal-Komunità fiż-żieda kapitali fil-Fond Ewropew tal-Investiment (ĠU L 107, 25.4.2007, p. 5).

### *Artikolu 01 04 10 — Sikurezza nukleari*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 1 000 000 | 1 000 000 | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament tal-għajnuna teknika u legali meħtieġa għall-valutazzjoni tal-aspetti ta' sikurezza, dawk ambjentali, ekonomiċi u finanzjarji tal-proġetti li għalihom jintalab il-finanzjament fil-forma ta' self ta' Euratom, inkluż studji magħmula mill-Bank Ewropew għall-Investimenti. Il-miżuri huma maħsuba wkoll biex jippermettu l-konklużjoni jew twettiq ta' kuntratti ta' self.

*Bażi ġuridika*

Deċiżjoni tal-Kunsill 77/270/Euratom tad-29 ta' Marzu 1977 li tagħti l-jedd lill-Kummissjoni li toħroġ self tal-Euratom sabiex tikkontribwixxi għall-finanzjament ta' power stations nuklejari (ĠU L 88, 6.4.1977, p. 9).

# TITOLU 02 — INTRAPRIŻA

*Figuri*

| Titolu Kapitolu | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 02 01 | Nefqa amministrattiva tal-QASAM TA' POLITIKA tal-'Intrapriża' | | 122 149 738 | 122 149 738 | 126 246 294 | 126 246 294 | 126 382 717,96 | 126 382 717,96 |
| | 40 01 40 | | | | 52 383<br>126 298 677 | 52 383<br>126 298 677 | | |
| 02 02 | Kompetittività, politika industrijali, innovazzjoni u imprenditorija | | 213 790 000 | 215 056 000 | 204 490 000 | 121 146 802 | 177 584 367,46 | 186 637 459,84 |
| 02 03 | Suq intern għall-prodotti, u politika settorjali | | 42 800 000 | 29 875 000 | 43 550 000 | 30 643 923 | 41 460 602,02 | 32 632 756,18 |
| | 40 02 41 | | 3 700 000<br>46 500 000 | 700 000<br>30 575 000 | | | | |
| 02 04 | Kooperazzjoni — Spazju u sigurtà | 1 | 751 097 000 | 653 300 000 | 599 518 520 | 429 129 757 | 562 281 355,47 | 423 816 321,59 |
| 02 05 | Il-Programmi Ewropej tan-navigazzjoni satellitari (EGNOS u Galileo) | 1 | 11 700 000 | 371 700 000 | 176 840 000 | 372 740 430 | 205 322 845,18 | 570 384 008,43 |
| | **Titolu 02 — Total** | | **1 141 536 738** | **1 392 080 738** | **1 150 644 814** | **1 079 907 206** | **1 113 031 888,09** | **1 339 853 264,00** |
| | **40 01 40**<br>**Total + riżerva** | | | | **52 383**<br>**1 150 697 197** | **52 383**<br>**1 079 959 589** | | |
| | **40 02 41**<br>**Total + riżerva** | | **3 700 000**<br>**1 145 236 738** | **700 000**<br>**1 392 780 738** | | | | |

## KAPITOLU 02 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA TAL-‘INTRAPRIŻA’

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 02 01 | Nefqa amministrattiva tal-QASAM TA' POLITIKA tal-‘Intrapriża’ | | | | | |
| ***02 01 01*** | ***Nefqa konnessa mal-persunal li huma impjegati attivament fil-qasam tal-politika tal-‘‘Intrapriża”*** | 5 | 71 819 509 | 71 247 993 | 71 615 240,44 | 99,72 % |
| ***02 01 02*** | ***Nefqa għal persunal estern u nefqa oħra relatata mat-tmexxija li hija konnessa mal-qasam tal-politika tal-“Intrapriża”*** | | | | | |
| 02 01 02 01 | Staff estern | 5 | 5 755 924 | 5 819 863 | 5 143 878,76 | 89,37 % |
| 02 01 02 11 | Nefqa oħra relatata mat-tmexxija | 5 | 4 383 761 | 4 881 377 | 4 507 900,48 | 102,83 % |
| | 40 01 40 | | | 52 383<br>4 933 760 | | |
| | *Artikolu 02 01 02 — Sub-total* | | 10 139 685 | 10 701 240 | 9 651 779,24 | 95,19 % |
| | *40 01 40* | | | 52 383<br>10 753 623 | | |
| ***02 01 03*** | ***In-nefqa relatata mat-tagħmir u s-servizzi tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni tal-qasam ta' politika tal-“Intrapriża”*** | 5 | 4 463 544 | 4 549 061 | 5 385 047,46 | 120,65 % |
| ***02 01 04*** | ***Nefqa ta’ appoġġ għall-operazzjonijiet għall-qasam tal-politika tal-“Intrapriża”*** | | | | | |
| 02 01 04 01 | Tħaddim u żvilupp tas-suq intern, partikolarment fl-oqsma tan-notifika, iċ-ċertifikazzjoni u l-approssimazzjoni settorjali — Nefqa fuq ġestjoni amministrattiva | 1.1 | 1 000 000 | 1 000 000 | 987 532,43 | 98,75 % |
| 02 01 04 02 | Standardizzar u approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni — Nefqa fuq ġestjoni amministrattiva | 1.1 | 160 000 | 160 000 | 159 615,50 | 99,76 % |
| 02 01 04 04 | Programm ta' Qafas dwar il-Kompetittività u l-Innovazzjoni — Programm tal-Intrapriża u l-Innovazzjoni — Nefqa fuq ġestjoni amministrattiva | 1.1 | 5 000 000 | 6 000 000 | 4 641 652,96 | 92,83 % |
| 02 01 04 05 | Programmi Ewropej ta’ navigazzjoni bis-satellita (EGNOS u Galileo) — Nefqa fuq ġestjoni amministrattiva | 1.1 | 1 000 000 | 4 000 000 | 4 084 878,51 | 408,49 % |
| 02 01 04 06 | Programm Ewropew ta’ Monitoraġġ tad-Dinja (GMES) — Nefqa fuq ġestjoni amministrattiva | 1.1 | 1 000 000 | 1 000 000 | 1 000 000,00 | 100,00 % |
| 02 01 04 30 | Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni — Kontribuzzjoni għall-Programm Qafas tal-Kompetittività u l-Innovazzjoni — Programm “Intraprenditorija u Innovazzjoni” | 1.1 | 7 583 000 | 7 583 000 | 7 795 000,00 | 102,80 % |
| | *Artikolu 02 01 04 — Sub-total* | | 15 743 000 | 19 743 000 | 18 668 679,40 | 118,58 % |
| ***02 01 05*** | ***Nefqa għall-attivitajiet ta’ riċerka fil-qasam tal-politika tal-‘Intrapriża’*** | | | | | |
| 02 01 05 01 | Nefqa konnessa mal-persunal li jwettqu r-riċerka | 1.1 | 11 184 000 | 11 730 000 | 9 580 700,00 | 85,66 % |
| 02 01 05 02 | Persunal estern għar-riċerka | 1.1 | 3 650 000 | 3 650 000 | 3 206 930,00 | 87,86 % |
| 02 01 05 03 | Nefqa oħra ta’ tmexxija għar-riċerka | 1.1 | 5 150 000 | 4 625 000 | 8 274 341,42 | 160,67 % |
| | *Artikolu 02 01 05 — Sub-total* | | 19 984 000 | 20 005 000 | 21 061 971,42 | 105,39 % |
| | **Kapitolu 02 01 — Total** | | **122 149 738** | **126 246 294** | **126 382 717,96** | **103,47 %** |
| | **40 01 40**<br>**Total + riżerva** | | | **52 383**<br>**126 298 677** | | |

## *Artikolu 02 01 01 — Nefqa konnessa mal-persunal li huma impjegati attivament fil-qasam tal-politika tal-‘‘Intrapriża”*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 71 819 509 | 71 247 993 | 71 615 240,44 |

## *Artikolu 02 01 02 — Nefqa għal persunal estern u nefqa oħra relatata mat-tmexxija li hija konnessa mal-qasam tal-politika tal-"Intrapriża"*

### Partita 02 01 02 01 — Staff estern

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 5 755 924 | 5 819 863 | 5 143 878,76 |

### Partita 02 01 02 11 — Nefqa oħra relatata mat-tmexxija

*Figuri*

| | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|
| 02 01 02 11 | 4 383 761 | 4 881 377 | 4 507 900,48 |
| 40 01 40 | | 52 383 | |
| Total | 4 383 761 | 4 933 760 | 4 507 900,48 |

## *Artikolu 02 01 03 — In-nefqa relatata mat-tagħmir u s-servizzi tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni tal-qasam ta' politika tal-"Intrapriża"*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 4 463 544 | 4 549 061 | 5 385 047,46 |

## *Artikolu 02 01 04 — Nefqa ta' appoġġ għall-operazzjonijiet għall-qasam tal-politika tal-"Intrapriża"*

### Partita 02 01 04 01 — Tħaddim u żvilupp tas-suq intern, partikolarment fl-oqsma tan-notifika, iċ-ċertifikazzjoni u l-approssimazzjoni settorjali — Nefqa fuq ġestjoni amministrattiva

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 1 000 000 | 1 000 000 | 987 532,43 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet direttament marbuta ma' li jintlaħaq l-għan tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-Partita, flimkien ma' kull nefqa oħra fuq għajnuna teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet tal-awtorità pubblika mogħtija barra mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc,* hekk kif il-kuntratti ta' uffiċċji ta' għajnuna teknika jiskadu matul is-snin ta' wara.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA bis-saħħa tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti jiġu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tal-prospett ta' dħul, li jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; jistgħu jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekomonika Ewropea" ta' din il-parti tal-prospett tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali tal-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Artikolu 02 03 01.

## Partita 02 01 04 02 — Standardizzar u approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni — Nefqa fuq ġestjoni amministrattiva

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 160 000 | 160 000 | 159 615,50 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet direttament marbuta ma' li jintlaħaq l-għan tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-Partita, flimkien ma' kull nefqa oħra fuq għajnuna teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħdimiet tal-awtorità pubblika mogħtija barra mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc,* hekk kif il-kuntratti ta' uffiċċji ta' għajnuna teknika jiskadu matul is-snin ta' wara.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Artikolu 02 03 04.

## Partita 02 01 04 04 — Programm ta' Qafas dwar il-Kompetittività u l-Innovazzjoni — Programm tal-Intrapriża u l-Innovazzjoni — Nefqa fuq ġestjoni amministrattiva

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 5 000 000 | 6 000 000 | 4 641 652,96 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet direttament marbuta ma' li jintlaħaq l-għan tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-Partita, flimkien ma' kull nefqa oħra fuq għajnuna teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħdimiet tal-awtorità pubblika mogħtija barra mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc,* hekk kif il-kuntratti ta' uffiċċji ta' għajnuna teknika jiskadu matul is-snin ta' wara.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA bis-saħħa tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti jiġu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tal-prospett ta' dħul, li jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; jistgħu jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekomonika Ewropea" ta' din il-parti tal-prospett tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali tal-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-pajjiżi potenzjalment kandidati tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Paragrafu 6 0 3 1 tal-prospett tad-dħul, jista' jagħti lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess rapport bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fuq ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi li jidħol fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali li jkunu jridu jiddaħħlu f'din il-Partita, skont ir-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Artikolu 02 02 01.

## Partita 02 01 04 05 — Programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita (EGNOS u Galileo) — Nefqa fuq ġestjoni amministrattiva

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 1 000 000 | 4 000 000 | 4 084 878,51 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-għan tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt dan l-artikolu, flimkien ma' kull nefqa oħra għal għajnuna teknika u amministrattiva li ma jinvolvux ħidmiet ta' awtorità pubblika mogħtija 'l barra mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA bis-saħħa tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Ir-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Ara l-partita 02 05 01.

## Partita 02 01 04 06 — Programm Ewropew ta' Monitoraġġ tad-Dinja (GMES) — Nefqa fuq ġestjoni amministrattiva

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 1 000 000 | 1 000 000 | 1 000 000,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għall-istudji, il-laqgħat ta' esperti, l-informazzjoni u l-pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-għan tal-programm jew il-miżuri li jaqgħu taħt din l-intestatura tal-baġit, flimkien ma' kull nefqa oħra għal għajnuna teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta' awtorità pubblika kuntrattati 'l barra mill-Kummissjoni permezz ta' kuntratti ta' servizz *ad hoc*. L-attivitajiet marbuta mal-Forum għall-Utenti maħluq bl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 911/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-Programm Ewropew ta' Monitoraġġ tad-Dinja (GMES) u l-operazzjonijiet inizjali tiegħu (2011-2013) (ĠU L 276, 20.10.2010, p. 1) jistgħu wkoll jiġu koperti.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA bis-saħħa tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; jistgħu jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekomonika Ewropea" ta' din il-parti tal-prospett tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali tal-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-pajjiżi potenzjalment kandidati tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħla fil-Paragrafu 6 0 3 1 tal-prospett tad-dħul, jista' jagħti lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess rapport bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fuq ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi li jidħol fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali li jkunu jridu jiddaħħlu f'din il-Partita, skont ir-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Artikolu 02 02 15.

## Partita 02 01 04 30 — Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni — Kontribuzzjoni għall-Programm Qafas tal-Kompetittività u l-Innovazzjoni — Programm "Intraprenditorija u Innovazzjoni"

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 7 583 000 | 7 583 000 | 7 795 000,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni nħasbet biex tkopri n-nefqa tal-Aġenzija fuq il-persunal u l-amministrazzjoni sofferta bħala riżultat tas-sehem tal-Aġenzija fl-immaniġġjar ta' miżuri li jiffurmaw parti mill-Programm Intraprenditorjat u Innovazzjoni (EIP).

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA bis-saħħa tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu d-dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-pajjiżi potenzjalment kandidati tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħla fil-Paragrafu 6 0 3 1 tal-prospett tad-dħul, jista' jagħti lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess rapport bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fuq ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi li jidħol fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali li jkunu jridu jiddaħħlu f'din il-Partita, skont ir-Regolament Finanzjarju.

Il-pjan tal-istabbiliment tal-Aġenzija jidher fil-Parti "Pjan tal-Istabbiliment tal-Persunal" tat-Taqsima III — Kummissjoni (Volum 3).

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Id-Deċizjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007 - 2013) (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 15).

*Atti ta' referenza*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/20/KE tat-23 ta' Diċembru 2003 li tistabbilixxi aġenzija eżekuttiva, l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Enerġija Intelliġenti, biex timmaniġġja l-azzjoni tal-Komunità fis-settur tal-enerġija bl-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 (ĠU L 5, 9.1.2004, p. 85).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/372/KE li temenda d-Deċiżjoni 2004/20/KE sabiex tittrasforma l-"Aġenzija Eżekuttiva għall-Enerġija Intelliġenti" f'Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (ĠU L 140, 1.6.2007, p. 52).

## *Artikolu 02 01 05 — Nefqa għall-attivitajiet ta' riċerka fil-qasam tal-politika tal-'Intrapriża'*

### Partita 02 01 05 01 — Nefqa konnessa mal-persunal li jwettqu r-riċerka

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 11 184 000 | 11 730 000 | 9 580 700,00 |

### Partita 02 01 05 02 — Persunal estern għar-riċerka

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 3 650 000 | 3 650 000 | 3 206 930,00 |

Partita 02 01 05 03 — Nefqa oħra ta’ tmexxija għar-riċerka

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 5 150 000 | 4 625 000 | 8 274 341,42 |

# KAPITOLU 02 02 — KOMPETITTIVITÀ, POLITIKA INDUSTRIJALI, INNOVAZZJONI U IMPRENDITORIJA

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 02 02 | Kompetittività, politika industrijali, innovazzjoni u imprenditorija | | | | | | | | |
| ***02 02 01*** | ***Il-Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni — Programm ta' Intraprenditorija u Innovazzjoni*** | 1.1 | 156 500 000 | 155 000 000 | 156 100 000 | 73 215 162 | 157 657 327,04 | 170 817 643,58 | 110,20 % |
| ***02 02 02*** | ***Supplimentazzjoni ix-xogħol fuq il-kompetittività, l-innovazzjoni u l-imprenditorjat*** | | | | | | | | |
| 02 02 02 01 | L-appoġġ għaċ-Ċentru għall-Kooperazzjoni Industrijali UE-Ġappun u sħubija fi gruppi ta’ studju internazzjonali | 1.1 | 2 290 000 | 1 900 000 | 2 390 000 | 1 905 227 | 2 101 149,00 | 2 138 581,82 | 112,56 % |
| 02 02 02 02 | Inlestu u nissupplimentaw ix-xogħol fuq il-programm għall-intrapriża u l-imprenditorjat, b’mod partikolari għall-intrapiżi ż-żgħar u ta' daqs medju (SMEs) | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 140 844,43 | |
| | *Artikolu 02 02 02 — Sub-total* | | 2 290 000 | 1 900 000 | 2 390 000 | 1 905 227 | 2 101 149,00 | 2 279 426,25 | 119,97 % |
| ***02 02 03*** | ***Titjib tal-ambjent tan-negozju għall-intrapiżi ż-żgħar u ta' daqs medju (SMEs)*** | | | | | | | | |
| 02 02 03 01 | Proġett pilota — Konsolidazzjoni tas-suq intern — Proġett pilota għall-kooperazzjoni u fil-qasam tal-gruppi reġjonali tal-produzzjoni fi ħdan l-intrapiżi ż-żgħar u ta' daqs medju (SMEs) | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | |
| 02 02 03 02 | Azzjoni ta’ tħejjija — Appoġġ għall-intrapiżi ż-żgħar u ta' daqs medju (SMEs) fl-ambjent ġdid finanzjarju | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | |
| 02 02 03 04 | Proġett pilota — Erasmus għal Imprendituri Żgħażagħ | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 77 234,88 | |
| 02 02 03 05 | Azzjoni ta' tħejjija — Erasmus għall-Intraprendituri Żgħażagħ | 1.1 | p.m. | 1 500 000 | p.m. | 3 930 000 | 4 961 947,47 | 3 229 846,52 | 215,32 % |
| 02 02 03 06 | Azzjoni ta' tħejjija — Proċessi u standards armonizzati tan-negozju elettroniku bejn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju Ewropej ta’ setturi interrelatati tal-industrija | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 668 000,00 | |
| | *Artikolu 02 02 03 — Sub-total* | | p.m. | 1 500 000 | p.m. | 3 930 000 | 4 961 947,47 | 3 975 081,40 | 265,01 % |
| ***02 02 04*** | ***Att dwar in-Negozji ż-Żgħar*** | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | |
| ***02 02 07*** | ***Proġett pilota — Azzjonijiet relatati mal-qasam tat-tessuti u taż-żraben*** | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | 632 000 | 0,— | 339 979,50 | |
| ***02 02 08*** | ***Azzjoni marbuta mat-turiżmu*** | | | | | | | | |
| 02 02 08 01 | Azzjoni ta' tħejjija — Destinazzjonijiet Ewropej ta’ Eċċellenza | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | 1 036 000 | 0,— | 1 207 204,38 | |
| 02 02 08 02 | Azzjoni ta' Tħejjija — Turiżmu sostenibbli | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | 700 000 | 999 085,68 | 479 063,99 | |
| 02 02 08 03 | Azzjoni ta' tħejjija — It-turiżmu soċjali fl-Ewropa | 1.1 | p.m. | 700 000 | p.m. | 921 000 | 1 436 168,27 | 575 847,58 | 82,26 % |
| 02 02 08 04 | Azzjoni ta' tħejjija — Il-promozzjoni ta’ prodotti Ewropej u transnazzjonali tat-turiżmu b’enfasi speċjali fuq prodotti kulturali u industrijali | 1.1 | p.m. | 520 000 | 2 000 000 | 1 000 000 | | | |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 02 02 08 05 | Azzjoni ta' tħejjija — Turiżmu u aċċessibilità għal kulħadd | 1.1 | p.m. | 500 000 | 1 000 000 | 500 000 | | | |
| | *Artikolu 02 02 08 — Sub-total* | | p.m. | 1 720 000 | 3 000 000 | 4 157 000 | 2 435 253,95 | 2 262 115,95 | 131,52 % |
| ***02 02 09*** | ***Azzjoni ta' tħejjija — L-Unjoni Ewropea qed tassumi l-vot tagħha f'dinja globalizzata*** | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 751 511,94 | |
| ***02 02 10*** | ***Azzjoni ta' tħejjija — Innovazzjoni fl-Euromed: imprendituri għall-bidla*** | 1.1 | p.m. | 500 000 | 2 000 000 | 1 000 000 | | | |
| ***02 02 11*** | ***Azzjoni ta' tħejjija — servizzi operattivi tal-GMES*** | 1.1 | p.m. | 1 350 000 | p.m. | 2 500 000 | 0,— | 1 225 721,21 | 90,79 % |
| ***02 02 12*** | ***Proġett pilota — Il-faċilitazzjoni tal-aċċess għall-assigurazzjoni mill-bennejja li jaħdmu għal rashom u kumpaniji żgħar tal-kostruzzjoni sabiex tiġi stimulata l-innovazzjoni u l-promozzjoni tal-ekoteknoloġiji fl-Unjoni Ewropea*** | 1.1 | p.m. | 286 000 | p.m. | 600 000 | 1 428 690,00 | 0,— | |
| ***02 02 13*** | ***Azzjoni ta' tħejjija — Opportunitajiet għall-internazzjonalizzazzjoni tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs)*** | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 701 980,01 | |
| ***02 02 15*** | ***Programm Ewropew ta' monitoraġġ tad-Dinja (GMES)*** | 1.1 | 55 000 000 | 52 000 000 | 39 000 000 | 32 207 413 | 9 000 000,00 | 4 284 000,00 | 8,24 % |
| ***02 02 16*** | ***Proġett pilota — Netwerk Ewropew ta' Kompetenza ta' Elementi Naturali Rari*** | 1.1 | p.m. | 300 000 | 1 000 000 | 500 000 | | | |
| ***02 02 17*** | ***Proġett pilota — l-Iżvilupp tad-"Distretti Kreattivi" Ewropej*** | 3.2 | p.m. | 500 000 | 1 000 000 | 500 000 | | | |
| | **Kapitolu 02 02 — Total** | | **213 790 000** | **215 056 000** | **204 490 000** | **121 146 802** | **177 584 367,46** | **186 637 459,84** | **86,79 %** |

## *Artikolu 02 02 01 — Il-Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni — Programm ta' Intraprenditorija u Innovazzjoni*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 156 500 000 | 155 000 000 | 156 100 000 | 73 215 162 | 157 657 327,04 | 170 817 643,58 |

*Kummenti*

L-għan tal-approprjazzoni huwa li trawwem il-kompettitività tal-intrapriżi u b'mod partikulari l-intrapiżi ż-żgħar u ta' daqs medju, li tippromovi l-innovazzjoni, inkluża l-ekoinnovazzjoni u li tappoġġja l-intrapriża u r-riforma ekonomika u amministrattiva relatata mal-innovazzjoni.

Il-miżuri implimentati se jkunu, b'mod partikolari:

— netwerks li jlaqqgħu flimkien varjetà ta' partijiet interessati,

— replikazzjoni tas-suq, proġetti u miżuri oħra għall-appoġġ tat-tħaddin tal-innovazzjoni,

— analiżi tal-politika, żvilupp u koordinazzjoni ma' pajjiżi parteċipanti,

— il-qsim tat-tagħrif, it-tixrid u l-qawmien ta' kuxjenza,

— appoġġ għal azzjonijiet konġunti ta' Stati Membri jew reġjuni,

u miżuri oħra inklużi fil-programm tal-qafas tal-Kompetittivita u l-Innovazzjoni.

L-Unjoni se tipprovdi appoġġ għal attivitajiet bħan-Netwerk Ewropew ta' Intrapriża, promozzjoni tal-innovazzjoni u l-intrapriża. L-Unjoni se tagħti appoġġ ukoll lil proġetti kkonċernati bl-ewwel applikazzjonijiet jew repliki fis-suq ta' tekniċi innovattivi jew ekoinnovattivi, prodotti jew prattiki li jkollhom rilevanza madwar l-Unjoni, li diġà jkunu taw prova teknika ta' suċċess iżda minħabba r-riskji residwi jkunu għadhom ma ppenetrawx fis-suq b'mod sinifikanti. Dawn se jkunu mfassla biex jippromwovu użu usa' fi ħdan il-pajjiżi parteċipanti u biex jiffaċilitaw l-adozzjoni tagħhom fis-suq

Peress li l-Azzjoni ta' Tħejjija "Erasmus għall-Intraprendituri Żgħażagħ" tiskadi fl-2011 u se tkun integrata biss fil-Qafas Finanzjarju Multiannwali l-ġdid mill-2014, it-tkomplija tagħha teħtieġ finanzjament għas-snin 2012 u 2013. Il-programm għandu l-għan li jkattar l-imprenditorija Ewropea, it-tqassim tal-għarfien u tal-aħjar prattiki kif ukoll il-ħolqien ta' netwerks u sħubiji important. Parti minn din l-approprjazzjoni għandha tintuża biex tiżgura tħaddim mingħajr xkiel u tkomplija ta' "Erasmus għall-Intraprendituri Żgħażagħ"

permezz tal-Programm tal-Intraprenditorija u l-Innovazzjoni tas-CIP sa ma jiġi stabbilit il-Qafas Finanzjarju l-ġdid.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA bis-saħħa tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu d-dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-għan tal-azzjoni proposta huwa l-iżvilupp u l-ittestjar ta' servizzi ta' appoġġ għall-innovazzjoni għal kumpaniji ġodda Ewropej ibbażati fuq l-għarfien li jużaw in-netwerks estiżi ta' Ewropej li telqu minn pajjiżhom fl-oqsma tax-xjenza u n-negozju f'Silicon Valley. Għalhekk il-kumpaniji ġodda jkollhom aċċess għas-suq aktar mgħaġġel u tkabbir aktar mgħaġġel f'pajjiżi oħra filwaqt li joħolqu impjiegi b'valur miżjud għoli fl-Ewropa. Dan jirrikjedi azzjoni koordinata ta' fornituri Ewropej ta' appoġġ għall-innovazzjoni. Għalhekk, finalment l-azzjoni għandha tistudja l-fattibilità ta' "Ċentru konġunt ta' Innovazzjoni Ewropea" f'hot spot ta' innovazzjoni. Dan iċ-ċentru għandu jikkollega r-rappreżentanzi uffiċjali (kmamar tal-kummerċ, konsulati u rappreżentanzi tal-industrija), il-fornituri tal-appoġġ għall-innovazzjoni għal kumpaniji Ewropej ġodda ma' imprendituri u xjentisti Ewropej li għażlu li jgħixu u jaħdmu f'Silicon Valley għal appoġġ koordinat aħjar lil kumpaniji b'potenzjal ta' tkabbir kbir.

Gruppi destinatarji:

Parti ewlenija minn din l-azzjoni hija l-iżvilupp u l-ittestjar ta' servizzi ġodda li jiffaċilitaw it-tkabbir mgħaġġel u l-aċċess għall-kapital għal kumpaniji ġodda bbażati fuq l-għarfien billi n-netwerks ta' imprendituri u riċerkaturi Ewropej li telqu minn pajjiżhom biex jaħdmu f'Silicon Valley jiġu konnessi mas-servizzi tal-aġenziji reġjonali / nazzjonali ta' appoġġ għall-innovazzjoni fl-Ewropa.

Kumpanija bbażata fuq l-għarfien minn kull Stat Membru għandha tiġi mistiedna tittestja s-servizzi, biex jiġu stabbiliti netwerks proprji fl-ekosistema ta' Silicon Valley u biex tingħata l-esperjenza u jingħataw pariri dwar id-diżinn futur ta' tali servizzi.

L-aġenziji ta' innovazzjoni fl-Istati Membri huma mistiedna jagħżlu l-kumpaniji ġodda u jakkumpanjaw il-proġett billi jikkontribwixxu l-għarfien tagħhom fl-appoġġ ta' kumpaniji ġodda. Aġenziji b'uffiċċji f'Silicon Valley għandhom jiġu mistiedna jikkontribwixxu għad-diżinn u l-forniment ta' servizzi b'mod partikolari l-forniment ta' uffiċċji għall-kumpaniji ġodda Ewropej.

Netwerks ta' imprendituri u riċerkaturi li telqu minn pajjiżhom[3] għandhon jiġu mistiedna jikkontribwixxu għat-taħriġ u n-netwerking ta' kumpaniji ġodda Ewropej u jikkodiżinjaw servizzi ta' appoġġ għall-innovazzjoni apposta għal kumpaniji ġodda bbażati fuq l-għarfien.

Attivitajiet proposti:

(1) Żewġ workshops jew konferenzi (waħda fl-Istati Uniti, waħda fl-Ewropa) li jlaqqgħu lill-fornituri Ewropej ta' appoġġ għall-innovazzjoni ma' xjentisti jew imprendituri li telqu minn pajjiżhom biex jiġi żviluppat aktar approċċ għal għoti konġunt ta' appoġġ lil kumpaniji żgħar b'potenzjal ta' tkabbir.

(2) Studju li jevalwa l-aspettattivi u l-esperjenza ta' kumpaniji ġodda bbażati fuq l-għarfien kif ukoll ta' netwerks ta' nies li telqu minn pajjiżhom li qed jipparteċipaw.

(3) Id-diżinn u l-forniment ta' servizzi ta' appoġġ speċifiċi għal grupp ta' 27 kumpanija ġdida bbażati fuq l-għarfien b'potenzjal ta' tkabbir mill-Istati Membri kollha. Dawn is-servizzi għandhom jinkludu l-organizzazzjoni ta' avvenimenti ta' taħriġ u netwerking speċifiċi għas-settur f'Silicon Valley.

(4) Konferenza finali b'partijiet interessati mill-Parlament Ewropew, is-Servizzi tal-Kummissjoni, kumpaniji ġodda li jibbenefikaw mill-azzjoni pilota, rappreżentanti tan-netwerks ta' nies li telqu minn pajjiżhom u l-aġenziji ta' appoġġ għall-innovazzjoni.

(5) Azzjonijiet ta' komunikazzjoni speċifiċi marbuta mal-azzjoni.

Pjattaforma xierqa għall-azzjoni proposta hija l-inizjattiva ProInno Europe/Europe Innova stabbilita mid-Direttorat Ġeneraligħall-Intrapriża u l-Industrija biex tiffaċilita l-iżvilupp tal-politika u l-forniment ta' servizzi konġunti ta' aġenziji reġjonali u nazzjonali ta' innovazzjoni.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati jew, jekk applikabbli, mill-pajjiżi potenzjalment kandidati tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni f'programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok li jkun hemm approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi li jidħol fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali li jkunu jridu jiddaħħlu f'din il-Partita, skont ir-Regolament Finanzjarju.

Barra minn hekk, parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-azzjoni Mobilità Innovaturi Żgħażagħ. Huwa rikonoxxut ġeneralment li mobilità professjonali hija essenzjali għall-iżvilupp ta' forza ta' ħaddiema versatili, għal sens ta'

3Eżempji ta' netwerks bħal dawn f'Silicon Valley huma l-German-American Business Association – (GABA), Interfrench, Business Association Italy-America – (BAIA), is-Silicon Vikings u oħrajn.

ċittadinanza Ewropea, u għat-tisħiħ tal-kompetittività Ewropea. Ideat innovattivi m'għandhomx jieqfu fuq il-fruntieri, iżda għandhom jikbru permezz ta' fertilizzazzjoni reċiproka, ittestjar u validazzjoni fi ħdan ġabra Ewropea l-aktar wiesgħa ta' talent, faċilitajiet, infrastrtuttura u finanzjament. L-istess bħalma studenti Ewropej jibbenefikaw mill-esperjenza ta' mobilità bil-programm Erasmus, riċerkaturi zgħażagħ mill-attivitajiet Marie Curie, u imprendituri żgħażagħ minn Erasmus għall-Imprendituri, innovatturi żgħażagħ ukoll jistħoqqilhom l-opportunuità għal mobilità transkonfinali li tibbenefika l-innovazzjoni fl-Ewropa. Il-programmi għall-mobilità eżistenti mhumiex daqs dawk li jkopri l-ambitu tal-azzjoni Mobilità Innovaturi Żgħażagħ li jiffoka fuq il-proċess ta' innovazzjoni għall-iżvilupp f'demostrazzjonijiet ta' ideat fi stadju bikri . Per eżempju, dan il-proġett huwa differenti minn Erasmus għal Intraprendituri Żgħażagħ li essenzjalment huwa programm kummerċjali ta' skambju fl-istadju ta' wara l-innovazzjoni li jippermetti li intraprendituri żgħżażagħ jitgħallmu jew itejbu l-kompetenzi tagħhom rigward il-kummerċ. Bil-ġbir flimkien tal-benefiċċji ta' mobilità, il-ħtieġa li jitnaqqas id-distakk tal-innovazzjoni u l-ħtieġa li tinbidel il-mentalità favur il-promozzjoni tal-innovazzjoni, il-proposta għall-azzjoni Mobilità Innovaturi Żgħażagħ tikkostitwixxi azzjoni reali favur l-implimentazzjoni tal-istrateġija Ewropa 2020 għat-tkabbir u l-impjiegi u b'mod partikolari l-inizjattivi ewlenin dwar l-"Unjoni għall-Innovazzjoni" kif ukoll "Żgħażagħ Mobbli".

L-azzjoni Mobilità Innovaturi Żgħażagħ għandha l-għan li tappoġġa għadd minimu ta' 100 Innovatur Żagħżugħ . L-azzjoni Mobilità Innovaturi Żgħażagħ għandha topera favur mobilità mingħajr konfini u favur programm ta' innovazzjoni residenzjali, li jippermetti liż-żgħażagħ (25 sa 36 sena) u l-innovaturi potenzjali (18 sa 24 sena) biex jaħdmu fuq l-idea bikrija tagħhom stess bħala "Innovatur Żagħżugħ tal-Post" f'Organizzazzjoni Ospitanti li tista' tkun f'kumpanija kbira u żgħira, aġenzija fl-ewwel stadji, fl-università, istitut jew aġenzija governattiva jew NGO.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċizjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (ĠU L 310, 9.11. 2006, p. 15).

## *Artikolu 02 02 02 — Supplimentazzjoni ix-xogħol fuq il-kompetittività, l-innovazzjoni u l-imprenditorjat*

### Partita 02 02 02 01 — L-appoġġ għaċ-Ċentru għall-Kooperazzjoni Industrijali UE-Ġappun u sħubija fi gruppi ta' studju internazzjonali

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 2 290 000 | 1 900 000 | 2 390 000 | 1 905 227 | 2 101 149,00 | 2 138 581,82 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fiċ-Ċentru għall-kooperazzjoni Industrijali UE-Ġappun,

— il-parteċipazzjoni tal-Unjoni f'bosta Gruppi Internazzjonali ta' Studju,

— l-approvazzjoni tal-impenji li saru taħt l-Partita 02 02 01 01 ta' qabel.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 1991 dwar l-aċċettazzjoni tat-termini tar-riferenza tal-Grupp Internazzjonali tal-Istudju tar-Ram (ĠU L 89, 10.4.1991, p. 39).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 91/537/KEE tal-14 ta' Ottubru 1991 dwar l-aċċettazzjoni tat-termini ta' referenza tal-grupp ta' Studju Internazzjonali dwar in-Nikil (ĠU L 293, 24.10.1991, p. 23).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Mejju 1992 li tikkonferma l-konsolidazzjoni taċ-Ċentru KE-Ġappun għall-kooperazzjoni Industrijali (92/278/KEE) (ĠU L 144, 26.5.1992, p. 19).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar l-implimentazzjoni ta' programm ta' azzjoni tal-Komunità biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-Industrija Ewropea (96/413/KE) (ĠU L 167, 6.7.1996, p. 55).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 li tikkonċerna l-parteċipazzjoni tal-Komunità fil-Grupp ta' Studju Internazzjonali dwar iċ-Ċomb u ż-Żingu (2001/221/KE) (ĠU L 82, 22.3.2001, p. 21).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2002 dwar il-parteċipazzjoni tal-Komunità fil-Grupp Internazzjonali ta' Studju fuq il-Gomma

(ĠU L 215, 10.8.2002, p. 13).

Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta’ prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1).

Id-Deċiżjoni 2006/77/KE tal-Kummissjoni tat-23 ta' Diċembru 2005 li twaqqaf Grupp ta’ Livell Għoli dwar il-Kompetittivita, l-Enerġija u l-Ambjent (ĠU L 36, 8.2.2006, p. 43).

## Partita 02 02 02 02 — Inlestu u nissupplimentaw ix-xogħol fuq il-programm għall-intrapriża u l-imprenditorjat, b’mod partikolari għall-intrapiżi ż-żgħar u ta' daqs medju (SMEs)

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 140 844,43 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-likwidazzjoni tal-impenji li saru taħt il-programm multiannwali preċedenti għall-intrapriża u l-imprenditorjat, b’mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA bis-saħħa tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu d-dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-għoti ta’ approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness “Żona Ekonomika Ewropea” ta’ din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f’din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati jew, jekk applikabbli, mill-pajjiżi potenzjalment kandidati tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok li jkun hemm approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/490/KEE tat-28 ta’ Lulju 1989 dwar it-titjib tal-ambjent tan-negozju u l-promozzjoni tal-iżvilupp tal-intrapriżi, l-aktar dawk żgħar u medji, fil-Komunità (ĠU L 239, 16.8.1989, p. 33).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 91/319/KEE tat-18 ta’ Ġunju 1991 li tirrevedi l-programm dwar it-titjib tal-ambjent tan-negozju u l-promozzjoni tal-iżvilupp tal-intrapriżi, l-aktar dawk żgħar u medji, fil-Komunità (ĠU L 175, 4.7.1991, p. 32).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/379/KEE tal-14 ta’ Ġunju 1993 dwar programm multiannwali għal miżuri Komunitarji sabiex jiġu intensifikati l-oqsma prijoritarji u sabiex jiġu żgurati l-kontinwità u l-konsolidament tal-politika għall-intrapriża, partikolarment l-intrapriżi żgħar u medji, fil-Komunità (ĠU L 161, 2.7.1993, p. 68).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/15/KE tad-9 ta’ Diċembru 1996 dwar it-tielet programm multiannwali għall-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) fl-Unjoni Ewropea. (mill-1997 sal-2000) (ĠU L 6, 10.1.1997, p. 25).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/819/KE tal-20 ta’ Diċembru 2000 dwar programm multiannwali għall-intrapriża u l-intraprenditorija, u partikolarment għall-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju (SMEs) (2001-2005) (ĠU L 333, 29.12.2000, p. 84).

Id-Deċiżjoni Nru 593/2004/KE tal-Parlament u tal-Kunsill tal-21 ta' Lulju 2004 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/819/KE dwar proġramm multiannwali għall-intrapriża u l-imprenditorija, u b’mod partikolari għal intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju (SMEs) (2001-2005) (ĠU L 268, 16.8.2004, p. 3).

Id-Deċiżjoni Nru 1776/2005/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta’ Settembru 2005 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/819/KE dwar programm multiannwali għall-intrapriża u l-intraprenditorija, u partikolarment għall-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju (SME) (2001-2005) (ĠU L 289, 3.11.2005, p. 14).

## *Artikolu 02 02 03 — Titjib tal-ambjent tan-negozju għall-intrapiżi ż-żgħar u ta' daqs medju (SMEs)*

### Partita 02 02 03 01 — Proġett pilota — Konsolidazzjoni tas-suq intern — Proġett pilota għall-kooperazzjoni u fil-qasam tal-gruppi reġjonali tal-produzzjoni fi ħdan l-intrapiżi ż-żgħar u ta' daqs medju (SMEs)

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri impenji kuntrattwali preċedenti relatati ma’ dan il-proġett bi prova li huwa maħsub li jippromwovi azzjonijiet fil-qasam tal-kooperazzjoni u fil-qasam tal-gruppi reġjonali tal-produzzjoni (*cluster building*) fost l-intrapriżi fi ħdan ir-reġjuni li jaqsmu l-fruntieri bejn l-Istati Membri antiki u ġodda.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

### Partita 02 02 03 02 — Azzjoni ta’ tħejjija — Appoġġ għall-intrapiżi ż-żgħar u ta' daqs medju (SMEs) fl-ambjent ġdid finanzjarju

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji preċedenti kontrattwali relatati ma’ din l-azzjoni ta' tħejjija li għandha l-għan li tgħin istituzzjonijiet ta’ kreditu sabiex jiżviluppaw l-operazzjonijiet ta' kreditu tagħhom fir-rigward tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta’ tħejjija, skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunità Ewropea (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

### Partita 02 02 03 04 — Proġett pilota — Erasmus għal Imprendituri Żgħażagħ

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 77 234,88 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri azzjoni li tiżgura li l-esperjenza tiġi skambjata u msaħħa fil-livell Ewropew għall-benefiċċju tal-imprendituri żgħażagħ u tal-imprendituri żgħażagħ potenzjali, permezz ta' żjajjar f'pajjiż ieħor ma' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju f'setturi fundamentali jew kumplimentari. L-azzjoni għandha tkun ibbażata fuq analiżi preliminari tan-naħa tat-talba (jiġifieri imprendituri żgħażagħ u dawk li jixtiequ jkunu imprendituri) u tal-provvista (jiġifieri intrapriżi żgħar u ta' daqs medju) waqt li jiġu esplorati l-bżonnijiet eżistenti. It-traineeships għal imprendituri żgħażagħ għandhom ikunu intenzjonati jrawmu l-ġbir flimkien tal-esperjenza u jsaħħu l-iżvilupp, il-validazzjoni u l-esplojtazzjoni ta' ideat għal negozju. Għandhom jippromwovu l-ħolqien ta' netwerks fost imprendituri żgħażagħ lil hinn mill-fruntieri u jħeġġu l-ħolqien ta' sħubiji li jippermettu li l-għerf jinqasam f'setturi

fundamentali u li l-internazzjonalizzazzjoni tal-kumpaniji tiżdied. Għandu jkun hemm dispożizzjoni għal attivitajiet anċillari (taħriġ u informazzjoni dwar kuntratti Ewropej u l-liġi kummerċjali, is-suq komuni, l-istandardizzazzjoni Ewropea, għodod ta' appoġġ Ewropej, u kif ukoll l-ambjent tan-negozju lokali). L-organizzazzjonijiet intermedjarji (il-kmamar tal-kummerċ u l-industrija,l-inkubaturi tan-negozju u entitajiet oħra attivi fil-promozzjoni tan-negozju u l-appoġġ) huma responsabbli biex jimplimentaw il-programm. Uffiċċju ta' appoġġ, magħżul permezz ta' sejħa kompetittiva għal proposti miftuħa għall-entitajiet madwar l-Ewropa fil-qasam tal-appoġġ tan-negozju huwa responsabbli mill-koordinazzjoni, il-monitoraġġ u l-appoġġ ta' organizzazzjonijiet intermedjarji differenti billi huwa jkun ukoll l-ewwel punt ta' kuntatt għal mistoqsijiet u assistenza teknika għall-applikanti. L-uffiċċju ta' appoġġ huwa wkoll responsabbli mill-promozzjoni tal-programm fil-livell Ewropew u mid-disinn u l-manteniment tal-websajt tal-programm.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont l-Artikolu 49(6), paragrafu 2, tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002, rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## Partita 02 02 03 05 — Azzjoni ta' tħejjija — Erasmus għall-Intraprendituri Żgħażagħ

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 1 500 000 | p.m. | 3 930 000 | 4 961 947,47 | 3 229 846,52 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri azzjoni fil-forma ta’ programm Ewropew għall-mobbiltà ta’ intraprendituri li għadhom kif stabbilixxew irwieħhom, u dawk tal-ġejjieni. Dan il-programm għandu jgħin lill-imprendituri ġodda tal-Unjoni biex jarrikkixxu l-esperjenzi, it-tagħlim u n-netwerking tagħhom billi jqattgħu perjodi ta’ żmien f'intrapriżi mmexxija minn intraprendituri ta' esperjenza fi Stati Membri oħra. B’hekk il-programm jikkontribwixxi biex ikattar l-intrapriża, il-ħolqien tan-netwerks fost l-intraprendituri kreattivi lil hinn mill-fruntieri, jinkoraġġixxi l-ħolqien ta' sħubiji li jwasslu għat-tpartit tal-għerf u tal-esperjenza u jwassal biex l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju Ewropej isiru iżjed innovattivi u kompetittivi fis-swieq internazzjonali.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## Partita 02 02 03 06 — Azzjoni ta' tħejjija — Proċessi u strandards armonizzati tan-negozju elettroniku bejn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju Ewropej ta’ setturi interrelatati tal-industrija

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 668 000,00 |

*Kummenti*

Bil-għan li twieġeb għall-ħtiġijiet tal-ekonomija tal-Unjoni Ewropea, din l-azzjoni ta' tħejjija timmira li tippromwovi azzjonijiet immirati ta’ ambitu Ewropew għall-armonizzazzjoni tal-proċessi u l-mudelli tan-negozju, kif ukoll l-arkitettura tal-iskambju tad-data u l-istandards bejn il-partijiet li għandhom irwol matul il-katina tal-forniment ta’ settur wieħed jew aktar ta’ industriji speċifiċi interrelatati. L-għażla tas-setturi se ssir mir-rappreżentanti tal-Istati Membri permezz tan-Netwerk ta' Appoġġ għan-Negozju Elettroniku għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju bl-involviment tal-Parlament Ewropew.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 02 02 04 — Att dwar in-Negozji ż-Żgħar*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-"Att dwar in-Negozji ż-Żgħar" li kien adottat fl-2008. Intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jridu jkunu mgħejuna jiffinanzjaw u jipparteċipaw f'inizjattivi Ewropej Il-kapaċitajiet tagħhom ta' innovazzjoni jridu jkunu stimulati wkoll.

## *Artikolu 02 02 07 — Proġett pilota — Azzjonijiet relatati mal-qasam tat-tessuti u taż-żraben*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | 632 000 | 0,— | 339 979,50 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex issir evalwazzjobi tas-sitwazzjoni fil-qasam tat-tessuti u taż-żraben fil-kuntest tat-tneħħija tas-sistema tal-kwota bil-għan li jinħoloq programm tal-Unjoni għas-settur b'mod partikolari għar-reġjuni żvantaġġati sabiex ikunu appoġġjati r-riċerka u l-innovazzjoni, ir-ristrutturar, it-taħriġ vokazzjonali u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar- Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/25 tal-25 ta' Gunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli ghall-bagit generali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 02 02 08 — Azzjoni marbuta mat-turiżmu*

### Partita 02 02 08 01 — Azzjoni ta' tħejjija — Destinazzjonijiet Ewropej ta' Eċċellenza

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | 1 036 000 | 0,— | 1 207 204,38 |

*Kummenti*

L-għan ta' din l-inizjattiva hu li tinġibed l-attenzjoni għall-valur, id-diversità u l-karatteristiċi komuni tad-destinazzjoni turistika Ewropea u biex jiġu promossi fl-Ewropa u f'pajjiżi terzi destinazzjonijiet Ewropej fejn l-għan tal-iżvilupp ekonomiku jiġi ssoktat b'tali mod li tiġi żgurata s-sostenibilità soċjali, kulturali u ambjentali tat-turiżmu. Il-miżura se tgħin ukoll liċ-ċittadini Ewropej biex isiru jafu lil xulxin aħjar.

L-għanijiet tal-proġett huma li:

— jtejjeb il-viżibilità tad-destinazzjonijiet turistiċi Ewropej ta' eċċellenza li huma emerġenti, speċjalment dawk inqas magħrufa,

— jqajjem kuxjenza dwar id-diversità u l-kwalità turistika Ewropea,

— jippromwovi l-pajjiżi Ewropej u r-reġjuni kollha kemm fl-Ewropa u kif ukoll fis-swieq prinċipali ta' pajjiżi terzi,

— jgħin id-dekonġestjoni, jiġġieled id-dipendenza fuq l-istaġuni, jibbilanċja mill-ġdid il-flussi turistiċi lejn id-destinazzjonijiet li mhux tradizzjonali,

— jippremja forom sostenibbli ta' turiżmu,

— joħloq pjattaforma għall-iskambju ta’ prassi tajba f’livell Ewropew,

— jippromwovi t-tħaddim ta’ netwerks bejn id-destinazzjonijiet rebbieħa ta' premji li jista' jikkonvinċi destinazzjonijiet oħra sabiex jadottaw mudelli ta’ żvilupp turistiku sostenibbli.

Kull sena, destinazzjonijiet fl-Istati Membri se jkunu indikati bħala Destinazzjonijiet Ewropej ta' Eċċellenza skont it-tema magħżula. Il-pajjiżi kandidati se jiġu mistiedna wkoll biex jipparteċipaw fil-proċess.

Il-proġett “Destinazzjonijiet Ewropej ta' Eċċellenza” għandu l-għan li jsaħħaħ il-viżibilità tad-destinazzjonijiet turistiċi ta’ eċċellenza Ewropej emerġenti, speċjalment dawk inqas magħrufa; iqajjem kuxjenza dwar id-diversità u l-kwalità turistika Ewropea; jippromwovi l-pajjiżi u r-reġjuni Ewropej kollha; jgħin fid-dekonġestjoni, jiġġieled id-dipendenza fuq l-istaġuni u jibbilanċja mill-ġdid il-flussi turistiċi lejn id-destinazzjonijiet li mhumiex tradizzjonali; jippremja forom sostenibbli ta’ turiżmu; joħloq pjattaforma għall-iskambju ta' prattika tajba fil-livell Ewropew; u jippromwovi sistema ta’ netwerk bejn destinazzjonijiet ippremjati li jistgħu jikkonvinċu destinazzjonijiet oħra biex jadottaw modalità sostenibbli tal-iżvilupp turistiku.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## Partita 02 02 08 02 — Azzjoni ta' Tħejjija — Turiżmu sostenibbli

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | 700 000 | 999 085,68 | 479 063,99 |

*Kummenti*

Parti minn din l-approprjazzjoni tista' tintuża biex jitħeġġeġ it-turiżmu sostenibbli fil-baċċin tax-xmara Danubju.

Wara d-dħul fis-seħħ tat-trattat ta' Liżbona, li jagħti lill-unjoni kompetenzi ġodda fil-qasam tat-turiżmu sabiex jikkomplimenta l-azzjonijiet tal-Istati Membri, u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Ġunju 2010 bl-isem "L-Ewropa, l-ewwel destinazzjoni turistika fid-dinja - qafas politiku ġdid għat- turiżmu Ewropew" (COM(2010)0352) tnediet azzjoni ta' tħejjija biex ikun hemm tħejjija għal inizjattivi leġiżlattivi fil-ġejjieni sabiex jitħeġġu rotot Ewropej tat-turiżmu ġodda li jkunu imsejjsa fuq il-patrimonju kulturali Ewropew. Dawn ir-rotot jieħdu l-forma ta' prodotti turistiċi tematiċi transnazzjonali li jirriflettu l-patrimonju kulturali Ewropew komuni u tradizzjonijiet lokali. Il-Kunsill tal-Ewropa u r-"Rotot Kulturali Ewropej" jeħtieġ li jiġu sostnuti kif ukoll inizjattivi simili Ewropej (rotot kulturali).

Għal dan il-għan, huwa meħtieġ li jkun hemm koordinazzjoni u kooperazzjoni mtejba mal-Kunsill tal-Ewropa sabiex tintuża l-esperjenza fit-tul tiegħu u b’hekk jiġu żviluppati iktar u jiġu ttrasformati r-Rotot Kulturali Ewropej f’pakketti turistiċi transnazzjonali komprensivi.

L-azzjoni ta' tħejjija għandha l-objettivi ewlenin li ġejjin:

— it-tqajjim tal-kuxjenza dwar il-kontribuzzjoni ta’ kulturi differenti għal kultura Ewropea komuni, permezz tal-fehim tal-istorja tal-Ewropa abbażi tal-wirt tanġibbli, mhux tanġibbli u naturali tagħha;

— il-promozzjoni tar-rwol tat-turiżmu kulturali bħala fattur ta’ żvilupp ekonomiku sostenibbli, iċ-ċittadinanza Ewropea u d-djalogu interkulturali;

— il-promozzjoni tat-turiżmu sostenibbli u responsabbli fi ħdan l-Unjoni u l-pajjiżi ġirien;

— ir-rinfurzar tal-immaġni u l-profil tal-Ewropa bħala destinazzjoni ta’ kwalità għolja fost ċittadini Ewropej u ta' pajjiżi terzi;

— it-tisħiħ tal-kapaċità tal-operaturi tat-turiżmu u l-intrapriżi ż-żgħar f’destinazzjonijiet remoti jew inqas magħrufin sabiex jintlaħaq pubbliku ġdid u jiġi ffaċilitat l-iskambju ta’ esperjenzi u n-netwerking bejniethom u l-isforzi tal-aggruppamenti;

— l-istimulazzjoni tal-kompetittività u l-innovazzjoni tal-industrija tat-turiżmu fl-Unjoni.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1371/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar id-Drittijiet u l-Obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 14).

Artikolu 195 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa.

## Partita 02 02 08 03 — Azzjoni ta' tħejjija — It-turiżmu soċjali fl-Ewropa

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 700 000 | p.m. | 921 000 | 1 436 168,27 | 575 847,58 |

*Kummenti*

Is-soċjetà qed taffaċċja bidliet kbar fir-rigward tal-industrija u r-rikreazzjoni. Il-miġja ta' strutturi ġodda ta' familji u l-fatt li qed jitfaċċaw djar b'persuni waħidhom, aktar ħin liberu, medja ogħla ta' għomor il-bniedem u t-tixjiħ tal-popolazzjoni b'mod ġenerali, u nuqqas ta' sigurtà dejjem jikber għaż-żgħażagħ, sew jekk għandhom impjieg u sew jekk le, huma kollha fatturi li qed ibiddlu b'mod profond l-ambjent tat-turiżmu. L-iżgurar tal-aċċess universali għall-vaganzi jfisser, fil-livell tal-Unjoni, li jiġu kkunsidrati l-karatteristiċi speċifiċi tas-soċjetà Ewropea.

L-Unjoni trid għaldaqstant tgħammar lilha nnifisha biex tilħaq dan l-għan. Reazzjoni minnhom hija bbażata fuq l-iżvilupp tat-turiżmu soċjali.

It-turiżmu soċjali huwa magħruf, qabel kollox, għal dak li jipprova jagħmel: jippermetti l-akbar numru ta' nies possibbli jmorru għal btala. Għaldaqstant, jikkontribwixxi għall-mobilità. It-turiżmu soċjali għandu wkoll skop ieħor madankollu, li sal-lum ġie evalwat b'mod li mhux adegwat: l-iżvilupp reġjonali - ħafna faċilitajiet tal-assoċjazzjonijiet tat-turiżmu jinsabu fil-kampanja jew f'żoni muntanjużi - u l-iżvilupp lokali. It-turiżmu soċjali huwa għaldaqstant il-prova li hemm tabilħaqq settur intermedjarju bejn 'is-suq tad-divertiment' u l-ekonomija mhux solvibbli. Jagħti prova li s-sinifikat ekonomiku mhux inkompatibbli mal-aċċessibilità għall-akbar numru.

Id-desegregazzjoni soċjali trid għaldaqstant tingħaqad mal-iżvilupp lokali. Permezz tal-promozzjoni tal-aċċess għal gruppi li saritilhom xi ħaġa dejjem aktar diffiċli jew anki impossibbli li jmorru għal btala, it-turiżmu soċjali jsaħħaħ il-kapaċità ta' gwadann tal-industrija tat-turiżmu. Jippermetti li jiġi żviluppat it-turiżmu fl-istaġuni batuti, b'mod partikolari f'reġjuni fejn it-turiżmu huwa staġjonali ħafna. Għaldaqstant, it-turiżmu soċjali jinkoraġġixxi l-ħolqien ta' impjiegi li jdumu aktar fis-settur tat-turiżmu billi jagħmilha possibbli li jiġu estiżi lil hinn mill-istaġun turistiku.

L-implimentazzjoni ta' dan il-proġett (imsemmi Calypso) tkun opportunità tajba għall-promozzjoni tas-sħubiji, imħeġġa mill-Kummissjoni, bejn is-setturi pubbliċi u dawk privati u l-ekonomija soċjali. Permezz ta' skambji bejn iċ-ċittadini Ewropej u, b'mod partikolari, is-sinerġiji maħluqa, dan il-proġett għandu jikkontribwixxi ħafna għall-istabbiliment taċ-ċittadinanza Ewropea. Għandu jiġi rrimarkat b'rabta ma' dan li kważi 40 % tal-vjaġġi kollha ta' aktar minn erbat iljieli jsiru barra l-pajjiż.

Is-settur huwa għaldaqstant importanti kemm f'termini tal-impatt ekonomiku li jirriżulta min-numru ta' impjiegi u kif ukoll f'termini tar-riżorsi ċiviċi.

Il-benefiċjarji ta' din il-miżura jistgħu għaldaqstant ikunu l-kumpaniji privati li joperaw fis-settur tat-turiżmu u li jwettqu l-kompiti deskritti hawn fuq, l-assoċjazzjonijiet tat-turiżmu soċjali, il-kunsilli tal-impriżi, il-kumpaniji tat-trasport, l-assoċjazzjonijiet tat-turiżmu tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-assoċjazzjonijiet tas-solidarjetà, iżda wkoll l-operaturi kummerċjali.

Il-miżuri jistgħu jinvolvu:

— l-ikkatalogar u t-tixrid ta' miżuri li jgħinu biex, bħala riżultat tal-funzjoni tal-politika soċjali tat-turiżmu, dan ma jibqax staġjonali,

— it-tfassil ta' arranġamenti li jippermettu li gruppi partikolari ta’ nies (pereżempju ċ-ċittadini anzjani, iż-żgħażagħ u l-familji f'ċirkostanzi soċjali diffiċli) imorru għall-btajjel imsejsa fuq l-offerti għall-akkomodazzjoni mogħtijin mill-awtoritajiet pubbliċi (nazzjonali, reġjonali jew lokali), mill-organizzazzjonijiet karitatevoli jew minn kwalunkwe assoċjazzjoni li ma għandhiex skop ta' profitt.

L-għanijiet tal-programm Calypso 2011 huma bbażati fuq il-miżuri identifikati fi ħdan l-istudju 2009 (permezz ta' sejħa għal talba) wara diskussjonijiet bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-partijiet interessati waqt diversi laqgħat CALYPSO fl-2010, li għandhom:

— jagħmlu katalgu tal-prattiki tajbin ewlenin (dawk li huma l-iżjed rappreżentattivi) bħala mezz biex jitħeġġeġ it-turiżmu, partikolarment waqt l-istaġuni kwieti, u b’hekk jinħolqu l-opportunitajiet għall-impjiegi fi żminijiet fejn, tradizzjonalment, ma tantx ikun hemm domanda għat-turiżmu,

— jidentifikaw il-miżuri eżistenti mifruxa fuq medda tal-Ewropa u fuq livelli nazzjonali li jinkoraġġixxu s-safar ta' nies minn dawn il-gruppi mira: l-anzjani, iż-żgħażagħ, iċ-ċittadini b' diżabbiltajiet u l-familji li qegħdin f'ċirkostanzi soċjali mwiergħa,

— jistudjaw id-diffikultajiet marbutin mas-safar għal dawn il-gruppi ta' nies u jiġu proposti l-iżjed soluzzjonijiet xierqa,

— jipproponu l-mekkaniżmi li jippermettu li gruppi mira ta' nies (l-anzjani, iż-żgħażagħ, cittadini b'diżabbiltajiet u l-familji f'ċirkostanzi soċjali diffiċli) imorru lejn Stati Membri oħra, jew lejn Pajjiżi Kandidati, għall-btajjel imsejsa fuq programmi b'temi organizzati u fuq offerti għall-akkomodazzjoni li jkunu kkoordinati mill-awtoritajiet (awtoritajiet pubbliċi nazzjonali, reġjonali jew lokali) ta' Stati Membri jew ta' Pajjiżi Kandidati, waqt l-istaġuni meta t-turiżmu jkun batut, fuq inizjattivi ta' partijiet interessati, bħal ma huma l-muniċipji, l-organizzazzjonijiet karitatevoli, il-parroċċi, l-unjons, l-imsieħba soċjali jew kwalunkwe organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija, skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## Partita 02 02 08 04 — Azzjoni ta' tħejjija — Il-promozzjoni ta' prodotti Ewropej u transnazzjonali tat-turiżmu b'enfasi speċjali fuq prodotti kulturali u industrijali

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| p.m. | 520 000 | 2 000 000 | 1 000 000 | |

*Kummenti*

Fil-qafas tat-Trattat ta' Lisbona l-UE ngħatat kompetenza għall-ewwel darba fil-qasam tat-turiżmu. Din l-azzjoni ta' tħejjija ġdida se tfittex li tappoġġa prodotti turistiċi tematiċi transnazzjonali li jirriflettu, b'mod partikolari, wirt kulturali u industrijali Ewropew komuni u tradizzjonijiet lokali u se tfittex li tibni fuq azzjonijiet preċedenti f'dan il-qasam u fuq l-esperjenza konsolidata ta' sħab u organizzazzjonijiet Internazzjonali oħra, bħall-Kunsill tal-Ewropa, il-UNWTO, l-ETC ecc.

B'mod partikolari, biex tgħin lis-settur turistiku Ewropew isir aktar kompetittiv, din l-azzjoni ta' tħejjija tippromwovi d-diversifikazzjoni tal-provvista ta' prodotti turistiċi. Hemm potenzjal eċċellenti għat-tkabbir f'numru ta' prodotti u servizzi turistiċi tematiċi transnazzjonali, pereżempju, f'rotot kulturali u industrijali li jkopru diversi reġjuni jew Stati Membri. Dawk il-prodotti Ewropej u transnazzjonali tat-turiżmu għandhom ukoll ikunu promossi fil-pajjiżi terzi — f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ETC — sabiex tissaħħaħ l-immaġini tal-Ewropa bħala destinazzjoni unika fis-swieq li huma 'l bogħod ħafna.

L-azzjoni ta' tħejjija għandha l-objettivi ewlenin li ġejjin:

— bil-finanzjament ta' prodotti turistiċi traskonfinali, li ttejjeb il-kwalità tal-prodotti u d-destinazzjonijiet turistiċi b'mod ġenerali madwar l-UE;

— li tkompli tiżviluppa prodotti kulturali u t-turiżmu kulturali bħala parti integrali ta' ekonomija sostenibbli u biex tappoġġa ekonomiji reġjonali;

— tippromwovi t-turiżmu f'reġjuni ta' rikonverżjoni sabiex tingħata spinta lill-impjiegi u t-tkabbir f'dawn ir-reġjuni;

— li tistabbilixxi netwerk ta' partijiet interessati u dawk involuti fit-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livelli reġjonali, nazzjonali u fil-livell tal- Unjoni fil-qasam tat-turiżmu kulturali u industrijali;

— li tippromwovi l-valur ta' prodotti kulturali u turiżmu kulturali fi ħdan l-Ewropa u biex issaħħaħ l-immaġini tal-Ewropa bħala l-aqwa destinazzjoni għat-turisti madwar id-dinja kollha;

— li tappoġġa temi u prodotti kulturali jew industrijali transnazzjonali li jgħinu biex isaħħu sens akbar ta' identità Ewropea.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

Partita 02 02 08 05 — Azzjoni ta' tħejjija — Turiżmu u aċċessibilità għal kulħadd

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| p.m. | 500 000 | 1 000 000 | 500 000 | |

*Kummenti*

Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, it-turiżmu żdied mal-kompetenzi mogħtija lill-Unjoni, li tista' tikkoordina u tikkumplimenta l-azzjonijiet tal-Istati Membri f' dan il-qasam. Sabiex jisseddaq dan il-kompitu ġdid importanti tal-Unjoni, ġie propost li fl-2012 titnieda azzjoni ta' tħejjija bl-iskop li tipprepara t-triq għal inizjattivi futuri fil-qasam tat-turiżmu u l-aċċessibilità. L-iskop prinċipali tagħha jkun li jiġi żviluppat għarfien aħjar tal-aċċessibilità fit-turiżmu b'iffukkar speċjali fuq il-kwistjoni tad-diżabilità u l-bżonnijiet speċjali ta' ċerti kategoriji ta' nies. Fil-fatt, minkejja l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilitajiet, iffirmata mill-Istati Membri kollha, numru kbir ta' persuni b'diżabilità għadhom qed jiffaċċjaw problemi fl-aċċess għas-servizzi fil-qasam tat-turiżmu u t-trasport.

L-azzjoni ta' tħejjija għandha l-objettivi ewlenin li ġejjin:

- li jkabbar l-għarfien pubbliku, inkluż permezz ta' kampanji ta' informazzjoni, fl-aċċessibilità ta' prodotti u servizzi turistiċi, kif ukoll li jtejjeb id-djalogu u l-kollaborazzjoni bejn l-organizazzjoniiet ta' persuni b'diżabiluità, persuni bi bżonnijiet speċjali b'mod ġenerali u fl-industrija tat-turiżmu sabiex jiffavorixxi soċjetà aktar inklusiva u jiggartixxi moviment liberu ta' kwalità għolja fost il-popli fl-Ewropa;
- jikkontribwixxi għal faċilitazzjoni fl-iżvilupp ta' taħriġ speċifiku għall-istaff dwar għarfien dwar diżablitajiet, b'mod partikolari fil-qasam tal-prevenzjoni tan-nhar u s-sikurezza tal-akkomodazzjoni b'mod ġenerali;
- l-iżvilupp ta' ċittadini u professjonisti ta' ħila, imħarrġa u infurmati tajjeb dwar il-kunċett tal-ospitalità b'relazzjoni mal-aċċessibilità, inkluż permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib u sinerġiji ma' universitajiet u skejjel;
- l-inċentivar u l-ippremjar ta' destinazzjonijiet Ewropej li jagħmlu l-aċċessibilità prijorità ewlenija fl-offerti promozzjonali tagħhom;
- l-inċentivar ta' użu aħjar tal-innovazzjoni sabiex tittejjeb l-aċċessibilità f'servizzi turistiċi għal kulħadd;
- inċentivar tal-adattament ta' prodotti turistiċi għall-bżonnijiet ta' persuni b'mobilità mnaqqsa u persuni bi bżonnijiet speċjali b'mod ġenerali,
- il-kontribuzzjoni għall-ħolqien ta' ambjent favorevoli u aċċessibbli għal persuni b'diżabilità, persuni b'mobilità mnaqqsa u persuni bi bżonnijiet speċjali fl-oqsma kollha, partikolarment fit-trasport (mobilità), l-akkomodazzjoni, il-catering u t-turiżmu b'mod ġenerali;
- — żieda ta' kampanji u azzjonijiet ta' informazzjoni rigward id-drittijiet ta' persuni b'mobilità mnaqqsa, persuni bi bżonnijiet speċjali meta jivvjaġġaw barra l-pajjiż sabiex il-klijenti jkunu garantiti li jkollhomn informazzjoni u aċċess aħjar,
- is-sedqa ta' kooperazzjoni transkonfinali sabiex ikun żviluppat turiżmu fi ħdan l-isdustrija sabiex ikun garantit l-eżerċitar ta' drittijiet kemm għal ċittadini Ewropej kif ukoll viżitaturi minn pajjiżi terzi, b'mod partikolari dawk b'diżabilitajiet u bżonnijiet speċjali;
- kontribuzzjoni għall-iżvilupp, f'terminu twil ta' żmien, ta' standards ta' aċċessibilità minimi komuni, ibbażati fuq il-kwalità, għall-oqsma kollha relatati mat-turiżmu u indirizzati għaċ-ċittadini kollha, inklużi persuni b'diżabilità, persuni b'mobilità mnaqqsa u persuni bi bżonnijiet speċjali.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 02 02 09 — Azzjoni ta' tħejjija — L-Unjoni Ewropea qed tassumi l-vot tagħha f'dinja globalizzata*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 751 511,94 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri l-impenji kuntrattwali ta' qabel relatati ma' din l-azzjoni preparatorja li l-għan tagħhom hu li jwieġbu b'mod pożittivi għall-isfida tal-globalizzazzjoni u biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni f'oqsma prinċipali bħar-riċerka, l-innovazzjoni, l-immaġinazzjoni, miżuri innovattivi għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, il-promozzjoni ta’ standards Ewropej u ta’ mmarkar ta’ konformità it-tagħlim tul il-ħajja u l-edukazzjoni, kif ukoll miżuri li jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36), skont dawn il-kriterji:

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 02 02 10 — Azzjoni ta' tħejjija — Innovazzjoni fl-Euromed: imprendituri għall-bidla*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| p.m. | 500 000 | 2 000 000 | 1 000 000 | |

*Kummenti*

Din l-azzjoni ta' tħejjija għandha l-għan li żżid it-tkabbir u l-kompetittività tal-imprendituri żgħażagħ, in-netwerks tal-innovazzjoni u tal-investiment mill-Ewropa u minn 4 pajjiżi Mediterranji assoċjati (l-Eġittu, il-Libanu, it-Tuneżija, il-Marokk), biex jiġu żviluppati mexxejja fi swieq potenzjalment ta' livell għoli.

Bini tal-kapaċità:

— taħriġ tal-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs se jsir sabiex tingħata s-setgħa lil aktar minn 150 imprenditur u lil 500 inkubatur kif ukoll lil netwerks ta' investituri jew imprendituri, li jiġi segwiti minn konferenzi onlajn (webinars) u minn assistenza teknika - għandhom jinħolqu 2 netwerks ta' mentoring (biex jinkoraġġixxu lill-imprendituri anzjani jgħinu lil imprendituri oħrajn): programm wieħed ta' mentoring għall-imprendituri nisa u ieħor li jinvolvi lill-imprendituri mid-dijaspora Mediterranja fl-Ewropa. Azzjonijiet ta' żvilupp kummerċjali fi tliet setturi ewlenin: l-Informatika/Midja, l-Ambjent u l-Enerġija, l-Agrikoltura u l-Ikel;

— laqgħat bejn l-impriżi matul avvenimenti għall-intrapriżi biex jiġbru flimkien l-aħjar impriżi li għandhom jitnedew flimkien mal-klijenti u mal-investituri potenzjali u b' segwitu għall-preżenza tagħhom;

— se jinżammu workshops dwar l-investiment matul fieri internazzjonali ewlenin mhux biss biex ilaqqgħu flimkien intrapriżi li għadhom jibdew u r-raggruppamenti ta' innovazzjoni mal-aħjar konsumaturi, iżda ukoll biex jippromwovu offerta Ewro-Mediterranji integrati fuq l-innovazzjoni u biex jinbena netwerk internazzjonali ta' ambaxxaturi bl-appoġġ tad-dijaspori Mediterranji;

— se jiġu żviluppati azzjonijiet dwar l-aċċess għall-finanzjament biex jitjiebu l-impatt u l-effikaċja tal-finanzjament Ewropew lejn l-SMEs Mediterranji;

— sejrin jiġu ppjanati laqgħat bejn l-intrapriżi biex ilaqqgħu flimkien l-aħjar intrapriżi li għadhom jibdew flimkien mal-investituri potenzjali;

— se jiġu żviluppati għodod li jidentifikaw ir-riskji u l-opportunitajiet fir-reġjun tal-Mediterran għall-investituri Ewropej;

— se jiġu organizzati workshops għall-investiment li jlaqqgħu flimkien intraprendituri, investituri u netwerks ta' taħriġ (inkubaturi, intraprendituri anzjani) Ewropej u Mediterranji, biex jitjiebu l-ispejjeż u l-effiċjenza ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 02 02 11 — Azzjoni ta' tħejjija — servizzi operattivi tal-GMES*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 1 350 000 | p.m. | 2 500 000 | 0,— | 1 225 721,21 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri impenji kuntrattwali preċedenti relatati ma’ din l-azzjoni ta' tħejjija. Skont l-Artikolu 49(6)(b) tar-Regolament Finanzjarju, din l-azzjoni ta' tħejjija ġiet segwita mill-adozzjoni tal-Programm Ewropew ta’ Monitoraġġ tad-Dinja fit-22.9.2010 (ara l-Artikolu 02 02 15).

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta’ tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 02 02 12 — Proġett pilota — Il-faċilitazzjoni tal-aċċess għall-assigurazzjoni mill-bennejja li jaħdmu għal rashom u kumpaniji żgħar tal-kostruzzjoni sabiex tiġi stimulata l-innovazzjoni u l-promozzjoni tal-ekoteknoloġiji fl-Unjoni Ewropea*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 286 000 | p.m. | 600 000 | 1 428 690,00 | 0,— |

*Kummenti*

L-iżvilupp ta' tekniki għall-iffrankar tal-enerġija u tal-użu tal-enerġija li tiġġedded huwa kwistjoni ta' importanza kbira għall-industrija tal-bini. Bi 2,5 miljun kumpanija, bejgħ gross 'il fuq minn EUR 1 200 biljun u tnax-il miljun ħaddiem, li 9,7 miljuni minnhom huma impjegati bil-paga, l-industrija tal-bini tiġġenera 10 % tal-prodott gross domestiku tal-Unjoni. 99 % tal-kumpaniji tal-kostruzzjoni huma intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (b'inqas minn 250 impjegat), li jiġġeneraw 78 % tal-bejgħ gross tal-industrija. Użu akbar tal-ekoteknoloġiji u l-ekoinnovazzjonijiet fil-kummerċ tal-bini jiddependi, madankollu, fuq taħlita ta' fatturi, bħall-ispiża addizzjonali, id-disponibilità tal-prodotti, id-domanda tal-konsumatur u l-livelli tal-ħiliet fil-kumpaniji.

Problema oħra ewlenija li tfixkel l-użu aktar mifrux ta' dawn it-teknoloġiji ġodda hija l-aċċess għall-assigurazzjoni mill-kumpaniji tal-kostruzzjoni, partikolarment dawk il-kumpaniji li huma iżgħar, li fl-Ewropa jagħmlu mad-90 % tal-industrija tal-bini. Partikolarment minħabba d-daqs u l-bażi finanzjarja tagħhom, kumpaniji żgħar isibuha diffiċli li jinxurjaw ix-xogħol ta' kostruzzjoni jew ta' rinnovament li jinvolvi l-użu ta' teknoloġiji ġodda (tax-xemx, fotovoltajiċi, ġeotermali, eċċ.). Fil-prattika, dan jaġixxi bħala ostakolu għat-tixrid ta' teknoloġiji ġodda mill-kumpaniji ż-żgħar, li huma responsabbli għal 60 % tal-produzzjoni fl-Ewropa. Id-diffikultajiet li jesperjenzaw il-bennejja li jaħdmu għal rashom u l-kumpaniji żgħar tal-kostruzzjoni meta jiġu biex jottjenu assigurazzjoni li tkopri ekoteknoloġiji ġodda qegħdin b'mod ċar ikunu ta' ostaklu għal użu aktar mifrux ta' dawk it-teknoloġiji.

L-Unjoni għaldaqstant teħtieġ li tintroduċi strument li jipprovdi appoġġ effettiv għal kumpaniji żgħar tal-kostruzzjoni, li huma ta' importanza fundamentali sabiex jintlaħqu tal-miri tal-Unjoni fir-rigward tal-użu tal-enerġija li tiġġedded (20 % tal-konsum gross intern sal-2020).

L-għan ta' dan il-proġett għaldaqstant hu li joħloq strument finanzjarju tal-Unjoni li, waqt perjodu limitat, se jagħmilha aktar faċli għall-kumpaniji żgħar tal-kostruzzjoni biex ikollhom aċċess għall-assigurazzjoni fuq il-kostruzzjoni meta jkunu qed jużaw l-ekoteknoloġiji fil-proġetti tal-kostruzzjoni.

L-intestatura baġitarja, li tkun taqa' taħt il-ġestjoni operattiva tal-EIF, għandha tkun soġġetta għal kundizzjonijiet stretti fir-rigward tal-ħruġ ta' fondi għal kumpaniji speċifiċi tal-assigurazzjoni, sabiex tiġi ffaċilitata l-provvista ta' kopertura tal-assigurazzjoni lill-

kumpaniji tal-kostruzzjoni li jużaw l-ekoteknoloġiji. Għaldaqstant il-proġett għandu jkun ibbażat fuq l-istess formula bħall-iskemi tal-Unjoni ezistenti biex jitrawwem l-iżvilupp tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u l-innovazzjoni (kapital ta' riskju/garanziji fuq is-self).

Il-kumpaniji ż-żgħar, ovvjament, m'għandhomx jirċievu finanzjament tal-Unjoni dirett; minflok, l-appoġġ ikun provdut permezz ta' kopertura tal-assigurazzjoni, assigurazzjoni supplimentari jew skema ta' rijassigurazzjoni. L-iskema li tiffaċilita l-aċċess għall-assigurazzjoni tal-kostruzzjoni minn kumpaniji żgħar tista' tkun soġġetta għal diversi kundizzjonijiet, bħal:

— ikunu eliġibbli biss kumpaniji li huma iżgħar minn daqs partikulari jew b'bejgħ gross li hu inqas minn ammont partikulari,

— ikunu koperti biss tipi speċifiċi ta' xogħlijiet (li jinvolvu l-ekoteknoloġiji) u kuntratti jew proġetti speċifiċi ta' daqs limitat,

— tkun provduta biss kopertura limitata jew skont rata fissa għall-klejms.

L-industrija tal-bini hija sieħeb prinċipali fl-isforzi tal-Unjoni sabiex jjitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u ta' żieda fl-użu ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli, is-settur tal-kostruzzjoni jipparteċipa llum il-ġurnata b'mod attiv fl-iżvilupp, l-użu u l-promozzjoni tal-ekoteknoloġiji (solari, fotovoltajċi, ġeotermiċi, eċċ.).

Dan il-proċess madankollu jinsab imxekkel minħabba d-diffikultajiet li qed isibu l-impriżi ż-żgħar u artiġjanali tas-settur biex jaċċedu għall-assigurazzjonijiet neċessarji, u b'kundizzjonijiet aċċessibbli. In-natura innovattiva u n-nuqqas ta' għarfien tar-riskji li jinvolvu dawn it-teknoloġiji fil-fatt jiddiswadu l-assikuraturi.

L-istudju tas-suq, mibdi fl-2008 fil-kuntest tal-proġett preċedenti ELIOS, ikkonferma l-kumplessità tas-sistemi ta' assigurazzjoni fis-seħħ fl-Istati Membri u n-nuqqas ta' kultura komuni fil-valutazzjoni tar-riskji ffaċċjati matul l-użu ta' dawn it-teknoloġiji ġodda.

Il-proġett pilota huwa għalhekk maħsub biex dan il-proċess jitmexxa l'quddiem, flimkien mal-bidu magħmul mill-awtoritajiet tal-Unjoni sabiex tintlaħaq konsistenza bejn id-diversi skemi ta' assigurazzjoni fis-seħħ fl-Unjoni, kif previst fl-istudju preċedenti, permezz tal-esperimentazzjoni ta' strument ta' faċilitazzjoni tal-aċċess għall-assigurazzjoni, fuq il-bażi tal-kunċett li diġà ġie żviluppat fil-kuntest tal-istrumenti finanzjarji tal-Bank Ewropew għall-Investiment u tal-Fond Ewropew għall-Investiment fil-qasam tal-garanzija tal-finanzjamenti lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u tal-garanzija tal-krediti. L-għan tal-proġett huwa li juri li huwa possibbli li jiġu assikurati kumpaniji zgħar li jużaw eko-teknoloġiji mingħajr spejjeż żejda..

Dan l-esperiment jippermetti li wieħed imur lilhinn mill-istudji komparattivi biex jidħol f'fażi operattiva, li twassal għal konverġenza tal-iskemi nazzjonali u għal iktar kunsiderazzjoni tal-bżonnijiet attwali tal-impriżi ż-żgħar u artiġjanali attivi fil-qasam tal-ekoteknoloġiji.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 02 02 13 — Azzjoni ta' tħejjija — Opportunitajiet għall-internazzjonalizzazzjoni tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 701 980,01 |

*Kummenti*

*L-ekonomija globali qed tara forma kwalitattiva ġdida ta' relazzjonijiet ekonomiċi internazzjonali li jirriżultaw f'opportunitajiet ġodda għall-SMEs f'ambjent internazzjonali. Xi raġunijiet għat-tiftix ta' swieq ġodda jistgħu jkunu:*

— *is-swieq lokali għandhom ambitu iżgħar;*

— *is-swieq nazzjonali jistaġnaw f'ċerti żminijiet;*

— *l-aċċess għas-swieq internazzjonali fil-kisba ta' għanijiet ta' tkabbir qawwi.*

Fil-kuntest tal-Att tan-Negozji ż-Żgħar (SBA) li jaħseb għal programmi ta' appoġġ għall-kummerċ u ta' riċerka tranżnazzjonali, l-SMEs għandhom ikunu involuti fi proġetti tranżnazzjonali biex jisfruttaw it-tkabbir tas-swieq lil hinn mill-Unjoni. L-approċċ jista' jwassal għal tisħiħ potenzjali tal-ħiliet u tal-istrateġiji innovattivi li jagħtu vantaġġ kompetittiv lill-SMEs Ewropej. Din l-azzjoni ta' tħejjija hija mmirata għall-ittestjar tal-involviment tal-SMEs f'azzjonijiet bħal dawn u tipprovdi t-tagħrif meħtieġ biex tkun żviluppata strateġija fi stadju aktar tard. L-azzjoni ta' tħejjija tkun tinvolvi studju tal-vijabbiltà ddettaljat dwar il-potenzjal tas-suq u l-miżuri xierqa ta' appoġġ kummerċjali tal-SMEs fis-swieq ewlenin internazzjonali. L-istudju jkun iħares bir-reqqa lejn id-diversi għażliet u

għodda li huma disponibbli għall-aħjar konnessjoni tal-SMEs Ewropej ma' dawn is-swieq, u jipproponi miżuri speċifiċi għall-kull pajjiż biex ikun iffaċilitat l-aċċess tal-SMEs Ewropej għal dawn is-swieq fil-ġejjieni.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## Artikolu 02 02 15 — Programm Ewropew ta' monitoraġġ tad-Dinja (GMES)

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 55 000 000 | 52 000 000 | 39 000 000 | 32 207 413 | 9 000 000,00 | 4 284 000,00 |

*Kummenti*

L-għan ta' din l-approprjazzjoni huwa li:

— tippermetti l-operazzjonijiet inizjali tas-sevizzi tal-GMES, magħmulin apposta għall-ħtiġijiet tal-utenti,

— tikkontribwixxi għall-iżgurar tad-disponibbiltà tal-infrastruttura ta' osservazzjoni meħtieġa biex tipprovdi s-servizzi tal-GMES,

— jinħolqu opportunitajiet biex is-settur privat jagħmel użu akbar mis-sorsi ta' informazzjoni, u b'hekk tiġi ffaċilitata l-innovazzjoni minn fornituri ta' servizzi b'valur miżjud.

B'mod partikolari, l-iżvilupp ta' servizzi msejsa fuq il-monitoraġġ tad-Dinja għandu rwol ewlieni fit-tisħiħ tal-kompetittività u l-innovazzjoni fl-industriji f'dan is-settur u fis-swieq fil-livell suċċessiv. L-għoti sostenibbli ta' servizzi relatati mal-monitoraġġ tad-Dinja fl-Ewropa għadu jeħtieġ l-intervent pubbliku konsistenti. Dan mhuwiex biss minħabba n-nuqqasijiet tas-swieq li jwieġbu għal ħtiġijiet pubbliċi differenti iżda wkoll għax is-suq fil-livell suċċessiv huwa suq mhux matur li jiddependi ferm fuq il-finanzjament pubbliku u li l-iżvilupp tiegħu, sal-lum, ġie mrażżan b'mod sinifikanti minħabba l-inċertezzi dwar l-affordabbiltà u d-disponibbiltà tas-servizzi bażiċi fuq medda twila ta' żmien u d-dejta li jibnu fuqha. Għaldaqstant, il-kisba tal-għanijiet speċifiċi mfissra hawn fuq se tikkontribwixxi għat-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi f'settur innovattiv, li s-segment tiegħu fil-livell suċċessiv huwa magħmul prinċipalment minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Dawn is-servizzi se jiffaċilitaw l-aċċess għal dejta ewlenija meħtieġa fit-tfassil tal-politika f'livell tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali u lokali f'oqsma bħall-agrikoltura, il-monitoraġġ tal-foresti, il-ġestjoni tal-ilma, it-trasport, l-ippjanar urban, il-bidla fil-klima u bosta oħrajn. Din l-approprjazzjoni tkopri wkoll l-implimentazzjoni ta' ftehimiet ta' delegazzjoni, inklużi l-ispejjeż operattivi mġarrba minn entitajiet li jkunu ġew mogħtija ħidmiet mill-Kummissjoni għall-programm GMES, skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 911/2010 u l-Artikolu 54 tar-Regolament Finanazjarju.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA bis-saħħa tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; jistgħu jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekomonika Ewropea" ta' din il-parti tal-prospett tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali tal-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, fejn ikun applikabbli, mill-pajjiżi potenzjalment kandidati tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni f'programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok li jkun hemm approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi li jidħol fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali li jkunu jridu jiddaħħlu f'din il-partita, skont ir-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 911/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-Programm Ewropew ta' monitoraġġ tad-Dinja (GMES) u l-operazzjonijiet inizjali tiegħu (2011-2013) (ĠU L 276, 20.10.2010, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/67/UE tal-5 ta' Frar 2010 li twaqqaf il-Bord tal-Imsieħba tal-GMES (ĠU L 35, 6.2.2010, p. 23).

## *Artikolu 02 02 16 — Proġett pilota — Netwerk Ewropew ta' Kompetenza ta' Elementi Naturali Rari*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| p.m. | 300 000 | 1 000 000 | 500 000 | |

*Kummenti*

Elementi naturali rari qegħdin jiksbu attenzjoni politika dejjem akbar. Dawn is-17-il element huma ewlenin għall-industrija Ewropea peress li huma essenzjali fil-produzzjoni ta' prodotti ta' teknoloġija għolja u baxxa fil-livell tal-karbonju bħall-vetturi elettriċi u l-bozoz tad-dawl effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Huma ukoll indispensabbli fis-settur tad-difiża (laser, nuċċalijiet għall-vista bil-lejl, apparat tar-radar eċċ.). Bit-talba dejjem tikber, il-provvista qed issibha diffiċli li żżomm il-pass, speċjalment fir-rigward tal-elementi naturali rari tqal. Din is-sitwazzjoni tmur lura minħabba l-fatt li l-elementi naturali rari attwalment diffiċilment jistgħu jiġu sostitwiti jew riċiklati. F'dan il-kuntest, u sabiex tingħata għajnuna biex tiżdied is-sigurtà tal-provvista ta' dawn l-elementi naturali rari mfittxija ħafna, is-sostituzzjoni u r-riċiklaġġ għandhom isiru wieħed mill-punti ewlenin.

Dan il-proġett pilota għandu l-għan li jistabbilixxi Netwerk ta' Kompetenza Ewropew għall-Elementi Naturali Rari, li jiġbor flimkien il-parteċipanti interessanti rilevanti Ewropej (istituzzjonijiet akkademiċi u ta' riċerka, dawk li jfasslu l-politika, think tanks eċċ.) biex dawn jiskambjaw l-aħjar prattika, jkabbru l-għarfien tal-kwalitajiet speċjali tal-elementi naturali rari, iwettqu riċerka u jippromwovu r-riċklabilità u s-sostituzzjoni tagħhom. Il-ġbir flimkien tal-parteċipanti interessati kollha f'netwerk bħal dan għandu jkollu importanza partikolari ukoll peress li jkun jista' jgħin it-tixrid ta' teknoloġiji ġodda u jnaqqas iż-żmien biex dawn jidħlu fis-suq.

In-netwerk jista' jiltaqa' bosta drabi tul is-sena u jista' joħloq numru ta' pakketti ta' ħidma f'bosta gruppi ta' ħidma iffukati fuq kwistjonijiet differenti marbutin mal-elementi naturali rari (jiġifieri, riċiklaġġ, sostituzzjoni, kapaċitajiet ta' raffinar, tħaffir eċċ.).

In-netwerk jista' jitfassal fuq "l-Azzjoni Ewropea Miftiehma dwar il-Kalamiti (CEAM)", li nħolqot fl-1985 u li xprunat il-kooperazzjoni madwar l-Ewropa kollha, bil-parteċipazzjoni ta' aktar minn 80 grupp industrijali u akkademiku li ġabru flimkien l-għarfien espert tagħhom sabiex jiksbu għarfien akbar tal-kalamiti permanenti magħmula mill-ħadid naturali rari. Bosta pajjiżi oħrajn diġà qed jinvestu fil-ġenerazzjoni li jmiss ta' teknoloġiji ta' riċiklaġġ għall-irkupru tal-elementi naturali rari. Il-Ġappun, pereżempju, diġà ressaq baġit ta' USD 1 biljun għall-iżvilupp ta' strateġija flimkien mal-industrija dwar l-elementi naturali rari li għandha l-għan li żżid is-sigurtà tal-provvista inter alia permezz ta' riċiklaġġ ambizzjuż. Il-gvern Ġappuniż diġà elenka mira li jnaqqas b'terz l-importazzjonijiet ta' elementi naturali rari fis-snin li ġejjin, u l-Istitut Nazzjonali Ġappuniż għax-Xjenza tal-Materjali, grupp ta' riċerka affiljat mal-gvern, iddikjara li prodotti elettroniċi użati fil-Ġappun huma stmati li għandhom 272 000 tunnellata ta' REE. L-importazzjoni ta' madwar 30 000 tunnellata fis-sena, li hi ekwivalenti għal 10 snin ta' importazzjonijiet tal-Ġappun. Għalhekk, in-Netwerk ta' Kompetenza Ewropew għall-Elementi Naturali Rari għandu jiżgura li l-Unjoni qed tieħu din il-kwistjoni bis-serjetà u qed tfittex li żżid l-għarfien proprju tagħha ta' dawn ir-riżorsi sabiex b'mod partikolari żżid ir-riċiklaġġ u s-sostituzzjoni tagħhom. Dan għandu jiżgura li l-Unjoni ma tibqax lura fit-tellieqa teknoloġika għall-ħakma ta' dawn il-minerali importanti.

*Bażi ġuridika*

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6), tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 02 02 17 — Proġett pilota — l-Iżvilupp tad-“Distretti Kreattivi” Ewropej*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| p.m. | 500 000 | 1 000 000 | 500 000 | |

*Kummenti*

*L-ex Artikolu 15 04 51*

"Distretti Kreattivi" hija espressjoni li fi tfittex li tgħaqqad it-tifsira tradizzjonali ta' "distrett industrijali" mas-sinifikat ta' " industriji kreattivi" kif definit fil-Green Paper tal-Kummissjoni dwar l-esplojtazzjoni tal-potenzjal tal-industriji kulturali u kreattivi tas-27 ta' April 2010: żona lokali territorjali, ikkaratterizzata minn konċentrazzjoni ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u minn mikrointrapriżi kkaratterizzati mill-produzzjoni speċjalizzata partikolari tagħhom u r-rabta mill-qrib mal-popolazzjoni residenzjali, fejn il-produzzjoni tagħhom, li hija prinċipalment funzjonali, għandha dimensjoni kulturali jew kreattiva.

Id-Distretti Kreattivi huma distretti industrijali li fihom:

— — prodotti u servizzi huma konnessi marbuta mill-qrib mat-titjib tal-potenzjal kreattiv tal-involviment ta' kapital uman, permezz ta' rabta mill-qrib ma' prodotti u servizzi konnessi tul il-proċess ta' produzzjoni;

— — prodotti u servizzi konnessi huma karatterizzati mill-valur miżjud għoli;

— — l-intrapriżi, is-soċjetà ċivili, is-sistema edukattiva u l-istituzzjonijiet tradizzjonalment esperjenzaw u żviluppaw koeżjoni b'saħħitha u interrelazzjoni;

— — iż-żewġ dimensjonijiet tal-estetika u tal-etika professjonali jingħaqdu fi djalettika kontinwa u dinamika, skont il-ħtiġijiet ekonomiċi tal-kuntest soċjali li miegħu ikollhom x'jaqsmu;

— — l-għarfien uniku stabbilit jiġi espress f' "artiġjanat ta' sbuħija" — jiġifieri relatat ma' prodotti tal-injam, ċeramika, manifattura tal-ġilda, eċċ. — u l-ħajja twila teigħu hija msejjsa fuq it-tradizzjoni u l-opportunità li ssir wirt kulturali;

— — tradizzjonijiet kulturali, artiġjanali u ta' manifattura għandhom isibu forom ġodda ta' trażmissjoni sabiex jippreservaw il-wirt kulturali u materjali ta' eċċellenza u biex jiżguraw żvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli.

Il-proġett jimmira li jitwettaq sett ta' azzjonijiet ikkoordinati:

— — definizzjoni ta' parametri komuni bl-għan li juru kultura speċifika u karatteristiċi komuni tal-prodotti u s-servizzi tad-Distretti Kreattivi, permezz tar-riċerka u l-analiżi tal-esperjenzi kollha;

— — ħolqien ta' netwerk ta' Distretti Kreattivi Ewropej, sabiex jiġu definiti l-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki;

— — ħolqien ta' marka komuni li tirrappreżenta u tikkomunika l-oriġinalità tad-Distretti Kreattivi u tal-"artiġjanat ta' sbuħija" tagħhom;

— — żvilupp ta' pjanijiet ta' intervenzjoni innovattivi mmirati biex jipproteġu l-prodotti u s-servizzi tad-Distretti Kreattivi kontra r-riskju tal-falsifikazzjoni;

— — promozzjoni tas-sħubija bejn id-Distretti Kreattivi sabiex jiġi żviluppat l-iskambju ta' studenti żgħażagħ u ta' apprendisti fi ħdan l-Istati Membri tal-UE biex jingħaqdu l-esperjenzi u jingħat valur lid-differenzi;

— — tisħiħ tal-koeżjoni soċjali u komunikazzjoni tal-għarfien bejn il-ġenerazzjonijiet permezz ta' azzjonijiet innovattivi ta' skambju u qsim;

— — tisħiħ tal-kapaċità ta' bini ta' netwerks tad-Distretti Kreattivi, permezz tal-iżvilupp ta' sinerġiji bejn kumpaniji, istituzzjonijiet u korpi soċjali tal-qasam tax-xogħol tagħhom.

Id-Distretti Kreattivi Ewropej jirrappreżentaw wieħed mill-iktar eżempji ċari ta' eċċellenza tal-kultura produttiva Ewropea. L-iżvilupp tal-kreattività tal-kapital uman, ta' prodotti ta' kwalità għolja u l-interazzjoni b'saħħitha bejn il-protagonisti kollha involuti - sistema ekonomika, soċjetà u istituzzjonijiet - huma l-karatteristiċi speċifiċi tagħhom.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/25 tal-25 ta' Gunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-bagit generali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## KAPITOLU 02 03 — SUQ INTERN GĦALL-PRODOTTI, U POLITIKA SETTORJALI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 02 03 | Suq intern għall-prodotti, u politika settorjali | | | | | | | | |
| ***02 03 01*** | ***Tħaddim u żvilupp tas-suq intern, partikolarment fl-oqsma tan-notifika, iċ-ċertifikazzjoni u l-approssimazzjoni settorjali*** | 1.1 | 19 300 000 | 14 500 000 | 18 550 000 | 14 334 567 | 18 942 745,92 | 16 837 309,34 | 116,12 % |
| ***02 03 03*** | ***L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi — Il-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi*** | | | | | | | | |
| 02 03 03 01 | L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi — il-Leġiżlazzjoni tal-Kimiċi — Kontribuzzjoni għal Titoli 1 u 2 | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 02 03 03 02 | l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi — il-Leġiżlazzjoni tal-Kimiċi — Kontribuzzjoni għal Titolu 3 | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | |
| | *Artikolu 02 03 03 — Sub-total* | | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | |
| ***02 03 04*** | ***Standardizzar u approssimazzjoni ta' leġiżlazzjoni*** | | | | | | | | |
| 02 03 04 01 | Appoġġ għall-attivitajiet ta' standardizzazzjoni mwettqa mis-CEN, is-Cenelec u l-ETSI | 1.1 | 23 500 000 | 15 000 000 | 23 500 000 | 15 559 356 | 22 517 856,10 | 15 795 446,84 | 105,30 % |
| 02 03 04 02 | Appoġġ għal organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-SMEs u l-partijiet interessati tas-soċjetà fl-attivitajiet ta' standardizzazzjoni | 1.1 | p.m. | p.m. | | | | | |
| | 40 02 41 | | 3 700 000<br>3 700 000 | 700 000<br>700 000 | | | | | |
| | *Artikolu 02 03 04 — Sub-total* | | 23 500 000 | 15 000 000 | 23 500 000 | 15 559 356 | 22 517 856,10 | 15 795 446,84 | 105,30 % |
| | *40 02 41* | | 3 700 000<br>27 200 000 | 700 000<br>15 700 000 | | | | | |
| ***02 03 05*** | ***Azzjoni ta' thejjija — RECAP: riċiklaġġ fuq skala lokali ta' skart ta' plastik intern maħluq minn reġjuni ewlenin tal-UE li jikkonvertu l-polimeri*** | 2 | p.m. | 375 000 | 1 500 000 | 750 000 | | | |
| | **Kapitolu 02 03 — Total** | | **42 800 000** | **29 875 000** | **43 550 000** | **30 643 923** | **41 460 602,02** | **32 632 756,18** | **109,23 %** |
| | **40 02 41**<br>**Total + riżerva** | | **3 700 000**<br>**46 500 000** | **700 000**<br>**30 575 000** | | | | | |

## *Artikolu 02 03 01 — Tħaddim u żvilupp tas-suq intern, partikolarment fl-oqsma tan-notifika, iċ-ċertifikazzjoni u l-approssimazzjoni settorjali*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 19 300 000 | 14 500 000 | 18 550 000 | 14 334 567 | 18 942 745,92 | 16 837 309,34 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-neqfa dwar l-azzjonijiet biex itejbu l-operazzjoni tas-suq intern:

— — tqarrib tal-istandards, u l-introduzzjoni ta' sistema ta' informazzjoni għall-istandards u regolamenti tekniċi,

— — finanzjament ta' koordinazzjoni amministrattiva u kooperazzjoni bejn il-korpi notifikati,

— — eżami tar-regoli notifikati mill-Istati Membri u l-Istati tal-EFTA u t-traduzzjoni tal-abbozzi u r-regolamenti tekniċi,

— — l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar it-tagħmir mediku, il-kożmetiċi, l-oġġetti tal-ikel, il-prodotti tessili, il-prodotti mediċinali , il-kimiċi, il-klassifikazzjoni u l-ittikkettjar tas-sustanzi u l-preparazzjonijiet, il-karozzi u s-sigurtà, u l-kwalità tal-ambjent.

— — approssimazzjoni settorali akbar fl-oqsma tal-applikazzjoni tal-"istrateġija l-ġdida" Id-Direttivi, speċjalment l-estensjoni ta' "strateġiji ġodda" f'setturi oħra,

— — miżuri ta' implimentazzjoni għar-Regolament (KE) Nru 765/2008, kemm għall-infrastruttura ta' akkreditazzjoni u għas-sorveljanza tas-suq,

— — miżuri ta' implimentazzjoni għar-Regolament (KE) Nru 764/2008 li jistabbilixxi l-proċeduri relatati mal-applikazzjoni ta' ċerti regoli tekniċi nazzjonali għal prodotti legalment kummerċjalizzati fi Stat Membru ieħor

— — miżuri ta' imlimentazzjoni għad-Direttiva 2009/43/KE dwar l-issimplifikar tat-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fl-Unjoni;

— — organizzazzjoni tas-sħubiji mal-Istati Membri, appoġġ lill-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet responsabbli għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar is-suq intern għas-sorveljanza tas-suq,

— — għotjiet b'appoġġ ta' proġetti ta' interess tal-Unjoni magħmula minn korpi esterni,

— — tagħrif u miżuri ta' pubbliċità, għarfien akbar tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni,

— — implimentazzjoni ta' programm strateġiku fuq is-suq intern u monitoraġġ tas-suq,

— — għotjiet b’appoġġ għall-Organizzazzjoni għall-Approvazzjoni Teknika (EOTA),

— — għotjiet lill-Kunsill tal-Ewropa fil-qafas tal-Konvenzjoni dwar l-elaborazzjoni ta’ Farmakopea Ewropea,

— — parteċipazzjoni fin-negozjati ta’ ftehim fuq ir-rikonoxximent u, skont il-ftehim Ewropew, appoġġ għall-pajjiżi assoċjati biex ikunu jistgħu jadottaw l-acquis tal-Unjoni.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA bis-saħħa tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu d-dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-għoti ta’ approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness “Żona Ekonomika Ewropea” ta’ din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f’din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Ħidma li ġejja mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif previst fl-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x’jaqsmu mal-Prodotti Kożmetiċi (ĠU L 262, 27.9.1976, p. 169).

Id-Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE tal-25 ta’ Lulju 1985 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar responsabbiltà għall-prodotti difettużi (ĠU L 210, 7.8.1985, p. 29).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/385/KEE tal-20 ta’ Ġunju 1990 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri rigward il-mezzi mediċi attivi li jiddaħħlu f'xi parti tal-ġisem (ĠU L 189, 20.7.1990, p. 17).

Id-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE tat-18 ta’ Ġunju 1991 dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta’ armi (ĠU L 256, 13.9.1991, p. 51).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (8300/92) tal-21 ta' Settembru 1992 li tawtorizza l-Kummissjoni biex tinnegozja ftehimiet bejn il-Komunità u ċerti pajjiżi mhux membri dwar għarfien reċiproku.

Id-Direttiva tal-Kunsill 93/5/KEE tal-25 ta’ Frar 1993, dwar assistenza lill-Kummissjoni u kooperazzjoni mill-Istati Membri fl-eżami xjentifiku ta’ kwistjonijiet dwar l-ikel (ĠU L 52, 4.3.1993, p. 18).

Id-Direttiva tal-Kunsill 93/7/KEE tal-15 ta' Marzu 1993 fuq ir-ritorn ta' oġġetti ta' kultura illegalment imneħħija mit-territorju ta' Stat Membru (ĠU L 74, 27.3.1993, p. 74).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 tat-23 ta’ Marzu 1993 dwar il-valutazzjoni u l-kontroll tar-riskji ta’ sustanzi eżistenti (ĠU L 84, 5.4.1993, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 93/15/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar l-armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar id-dħul fis-suq u s-superviżjoni ta' splussivi għall-użu ċivili (ĠU L 121, 15.5.1993, p 20).

Id-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE tal-14 ta’ Ġunju 1993 dwar mezzi mediċi (ĠU L 169, tat-12.7.1993, p. 1).

Id-Deċiżjoni 93/465/KEE tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 1993 dwar il-moduli għall-fażijiet diversi tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità u r-regoli għat-twaħħil u għall-użu tal-marka ta' konformità CE, li huma maħsubin sabiex jintużaw fId-Direttivi ta' armonizzazzjoni teknika (ĠU L 220, 22.7.1993, p. 23).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/358/KE tas-16 ta’ Ġunju 1994 li taċċetta, għan-nom tal-Komunità Ewropea, il-Konvenzjoni dwar l-elaborazzjoni ta’ Pharmacopea Ewropea (ĠU L 158, 25.6.1994, p. 17).

Id-Direttiva 96/100/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Frar 1997 li temenda l-Anness tad-Direttiva 93/7/KEE fuq ir-ritorn ta' oġġetti ta' kultura mneħħija b'mod illegali mit-territorju ta' Stat Membru (ĠU L 60, 1.3.1997, p. 59).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (8453/97) li tikkonferma l-Artikolu 113 tal-interpretazzjoni tal-Kumitat tad-deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Settembru 1992 li tagħti lill-Kummissjoni Id-Direttivi għall-innegozjar ta' ftehimiet Ewropej ta' valutazzjoni tal-konformita.

Id-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Ġunju 1998, li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta’ informazzjoni fil-qasam tal-istandards u r-regolamenti tekniċi u r-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37).

Id-Direttiva 98/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 1998 li temenda d-Direttiva 98/34/KE li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u tar-regolamenti tekniċi (ĠU L 217, 5.8.1998, p. 18).

Id-Direttiva 98/79/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 1998 dwar il-mezzi mediċi dijanjostiċi in vitro (ĠU

L 331, 7.12.1998, p. 1).

Id-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimplimentaw l-istrateġija l-ġdida f'ċerti setturi, bħal fil-każ tal-makkinarju, il-kompatibbiltà elettromanjetika, it-tagħmir tar-radju u t-tagħmir tat-terminals tat-telekomunikazzjoni, it-tagħmir elettriku ta' tensjoni baxxa, it-tagħmir protettiv personali, il-liftijiet, l-atmosferi splussivi, it-tagħmir mediku, il-ġugarelli, it-tagħmir ta' pressjoni, l-oġġetti li jaħdmu bil-gass, il-bini, l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja, il-bċejjeċ tal-baħar għall-mogħdija taż-żmien, it-tajers, l-emissjonijiet tal-vetturi, it-tagħmir pirotekniku eċċ.

Id-Direttivi tal-Kunsill adottati biex jitneħħew l-ostakli tekniċi għall-kummerċ f'oqsma mhux koperti mill-"istrateġija l-ġdida".

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2679/98 tas-7 ta' Diċembru 1998 dwar il-ħidma tas-suq intern b'relazzjoni mal-moviment liberu tal-oġġetti fost l-Istati Membri (ĠU L 337, 12.12.1998, p. 8).

Id-Direttiva 1999/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Frar 1999 li għandha x'taqsam mal-estratti tal-kafè u l-estratti taċ-ċikwejra (ĠU L 66, 13.3.1999, p. 26).

Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/36/KE tad-29 ta' April 1999 dwar it-tagħmir tal-pressa trasportabbli (ĠU L 138, 1.6.1999, p. 20).

Id-Direttiva 1999/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 1999 li tirrigwarda l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikettjar tal-preparazzjonjijiet perikolużi (ĠU L 200, 30.7.1999, p. 1).

Id-Direttiva 2000/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Marzu 2000 dwar l-installazzjonijiet tal-funikular iddisinjati għat-trasport ta' persuni (ĠU L 106, 3.5.2000, p. 21).

Id-Direttiva 2000/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Mejju 2000 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar emissjoni tal-ħoss fl-ambjent minn tagħmir għall-użu ta' barra (ĠU L 162, 3.7.2000, p. 1).

Id-Direttiva 2000/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2000 dwar il-ġlieda kontra ħlasijiet tard fi transazzjonijiet kummerċjali (ĠU L 200, 8.8.2000, p. 35).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2580/2000 tal-20 ta' Novembru 2000 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 3448/93 li jistabbilixxi l-arranġamenti kummerċjali li japplikaw għal ċerti oġġetti li jirriżultaw mill-ipproċessar ta' prodotti agrikoli (ĠU L 298, 25.11.2000, p. 5).

Id-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità rigward il-prodotti mediċinali veterinarji (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 1).

Id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).

Id-Direttiva 2002/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi ta' riskju fit-tagħmir elettriku u elettroniku (ĠU L 37, 13.2.2003, p. 19).

Id-Direttiva 2002/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE) (ĠU L 37, 13.2.2003, p. 24).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1435/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 dwar l-Istatut għal Soċjetà Kooperattiva Ewropea (SCE) (ĠU L 207, 18.8.2003, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-16 ta' Diċembru 1999 dwar il-fertilizzanti (ĠU L 304, tas-22.1.2000. p. 1).

Id-Direttiva 2003/102/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' pedestrians u utenti vulnerabbli oħra tat-triq qabel u fil-każ ta' xi ħabta ma' vettura bil-mutur (ĠU L 321, 6.12.2003, p. 15).

Ir-Regolament (KE) Nru 273/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar prekursuri tad-droga (ĠU L 47, 18.2.2004, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4255/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jistipula dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 fir-rigward tal-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 374, 31.12.1988, p. 21).

Ir-Regolament (KE) Nru 1784/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 1999 dwar il-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 213, 13.8.1999, p. 5).

## *Artikolu 04 02 17 — Fond Soċjali Ewropew (ESF) — Konverġenza*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 8 277 649 354 | 7 400 000 000 | 7 904 534 226 | 5 889 000 000 | 7 866 953 083,00 | 6 415 399 191,14 |

*Kummenti*

L-azzjoni meħuda mill-Unjoni taħt l-Artikolu 174 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha titfassal sabiex issaħħaħ il-koeżjoni ekonomika u soċjali ta' Unjoni mkabbra sabiex tkun promossa l-armonija, l-iżvilupp sostenibbli u bilanċjat tal-

Unjoni. Din l-azzjoni għandha tittieħed bis-saħħa tal-fondi ta' politika ta' koeżjoni, tal-Bank Ewropew għall-Investiment (BEI) u strumenti finanzjarji oħra. Għandha tkun immirata biex tnaqqas id-disparitajiet ekonomiċi soċjali u territorjali li qamu partikolarment f'pajjiżi u reġjuni li l-iżvilupp tagħhom kien għadu lura, sabiex jiżdied ir-ritmu tar-ristrutturar ekonomiku u soċjali u minħabba li l-popolazzjoni qed tixjieħ.

L-azzjoni meħuda taħt il-fondi ta' politika ta' koeżjoni għandha tinkorpora, fuq livell nazzjonali u reġjonali, il-prijoritajiet tal-Unjoni favur l-iżvilupp sostenibbli billi ssaħħaħ it-tkabbir, il-kompetittività, x-xogħol u l-inklużjoni soċjali, kif ukoll il-ħarsien u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent.

L-għan tal-"Konverġenza" għandu jkun immirat sabiex iħaffef il-konverġenza għall-Istati Membri u reġjuni l-anqas żviluppati u jtejjeb il-kundizzjonijiet għat-tkabbir u x-xogħol billi jżid u jtejjeb il-kwalità ta l-investiment fil-kapital fiżiku u uman, l-iżvilupp ta l-innovazzjoni u s-soċjetà ta tagħrif, l-addattabilità għall-bidliet ekonomiċi u soċjali, il-ħarsien u t-titjib tal-ambjent kif ukoll l-effiċċjenza amministrattiva. Dan l-għan għandu jkun prijorità tal- fondi ta' politika ta' koeżjoni. L-azzjonijiet meħuda permezz tal-fondi ta' politika ta' koeżjoni jirrispettaw l-opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel.

Parti minn din l-approprjazjoni hija maħsuba biex tappoġġja titjib fil-kura tat-tfal biex tgħin sabiex it-tfal jgħixu f'ambjent familjari. Dan l-appoġġ jinkludi

— koperazzjoni ma' organizzazzjonijiet mhux governamentali u awtoritajiet lokali u assistenza teknika għalihon li tikludi għajnuna biex isibu liema proġetti huma eliġibbli għal finanzjament tal-Unjoni;

— identifikazzjoni u skambju tal-aħjar prassi, kif ukoll applikazzjon aktar wiesgħa ta' dawn il-prasi, inkluż il-moniteraġġ bir-reqqa fil-livell tat-tfal.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-azzjonijiet sostenibbli u favur l-ambjent (Green New Deal) li jgħinu biex jirrikonċiljaw ir-rekwiżiti ekonomiċi, soċjali u ambjentali u għall-irkupru ta' reġjuni Ewropej wara l-kriżi ekonomika u finanzjarja.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tintuża biex tindirizza l-problema tad-disparitajiet intrareġjonali u tkun provduta assistenza speċifika għan-nies li jgħixu f'unitajiet territorjali żvantaġġati li jiffurmaw ċikli ta' faqar fir-reġjuni Ewropej. Din l-assistenza għandha tiffoka primarjament fuq:

— l-integrazzjoni ta' dawn il-komunitajiet li jgħixu f'ċikli ta' faqar fi ħdan il-popolazzjoni reġjonali regolari permezz tal-edukazzjoni ċivika, il-promozzjoni tat-tolleranza u l-fehim kulturali;

— it-tisħiħ tal-awtoritajiet lokali fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-bżonnijiet, l-ippjanar ta' proġetti u l-implimentazzjoni ta' proġetti;

— it-tnaqqis tad-disparitajiet ekonomiċi u soċjali intrareġjonali permezz ta' grupp temporanju ta' azzjonijiet pożittivi, li jiffuka fuq l-impjiegi u l-edukazzjoni;

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1081/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 12).

Ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006 tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2006 fih dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew tal-Iżvilupp, il-Fondi Soċjali Ewropej u l-Fondi ta' Koeżjoni (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

## *Artikolu 04 02 18 — Fond Soċjali Ewropew (ESF) — PEACE*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

B'rikonoxximent għall-isforz speċjali għall-proċess ta' paċi fl-Irlanda ta' Fuq, għall-perjodu 2007-2013 se jiġi allokat total ta' EUR 200 miljun għall-programm PEACE. Dan il-programm se jiġi implimentat b'konformità sħiħa mal-prinċipju tal-addizzjonalità ta' operazzjonijiet ta' fondi strutturali.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1081/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 12).

Ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006 tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2006 fih dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew tal-Iżvilupp, il-Fondi Soċjali Ewropej u l-Fondi ta' Koeżjoni (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

*Atti ta' referenza*

Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell tas-16 u s-17 ta' Diċembru 2005.

## *Artikolu 04 02 19 — Fond Soċjali Ewropew (ESF) — Kompetittività reġjonali u xogħol*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 3 307 212 956 | 3 190 000 000 | 3 256 259 513 | 2 318 412 030 | 3 210 776 303,00 | 3 104 564 784,13 |

*Kummenti*

L-azzjoni meħuda mill-Unjoni taħt l-Artikolu 174 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha titfassal sabiex issaħħaħ il-koeżjoni ekonomika u soċjali ta' Unjoni mkabbra sabiex tkun promossa l-armonija, l-iżvilupp sostenibbli u bilanċjat tal-Unjoni. Din l-azzjoni għandha tittieħed bis-saħħa tal- fondi ta' politika ta' koeżjoni, tal-Bank Ewropew għall-Investiment (BEI) u strumenti finanzjarji oħra. Għandha tkun immirata biex tnaqqas id-disparitajiet ekonomiċi soċjali u territorjali li qamu partikolarment f 'pajjiżi u reġjuni li l-iżvilupp tagħhom kien għadu lura, sabiex jiżdied ir-ritmu tar-ristrutturar ekonomiku u soċjali u minħabba li l-popolazzjoni qed tixjieħ.

L-azzjoni meħuda taħt il- fondi ta' politika ta' koeżjoni għandha tinkorpora, fuq livell nazzjonali u reġjonali, il-prijoritajiet tal-Unjoni favur l-iżvilupp sostenibbli billi ssaħħaħ it-tkabbir, il-kompetittività u x-xogħol, l-inklużjoni soċjali, kif ukoll il-ħarsien u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent.

L-għan tal-"Kompetittività reġjonali u xogħol" għandu, barra r-reġjuni l-anqas żviluppati, ikun immirat għat-tisħiħ tal-kompetittività u l-ġibda tar-reġjuni kif ukoll għax-xogħol billi jantiċipa bidliet ekonomiċi u soċjali, inkluż dawk marbuta mal-ftuħ tal-kummerċ, billi tiżdied u tittejjeb il-kwalità tal-investiment fil-kapital uman, l-innovazzjoni u l-promozzjoni tas-soċjetà tat-tagħrif, l-intraprenditorija, il-ħarsien u t-titjib tal-ambjent, it-titjib tal-aċċessibbiltà, l-addattabiltà tal-ħaddiema u n-negozji kif ukoll l-iżvilupp ta' swieq tax-xogħol inklużivi. L-azzjonijiet meħuda taħt il- fondi ta' politika ta' koeżjoni għandhom jirrispettaw l-opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-azzjonijiet sostenibbli u favur l-ambjent (Green New Deal) li jgħinu biex jirrikonċiljaw ir-rekwiżiti ekonomiċi, soċjali u ambjentali u għall-irkupru ta' reġjuni Ewropej wara l-kriżi ekonomika u finanzjarja.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1081/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 12).

Ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006 tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2006 fih dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew tal-Iżvilupp, il-Fondi Soċjali Ewropej u l-Fondi ta' Koeżjoni (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

## *Artikolu 04 02 20 — Fond Soċjali Ewropew (ESF) — Assistenza teknika operattiva (2007 sa 2013)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 10 000 000 | 6 500 000 | 10 000 000 | 6 500 000 | 10 829 519,61 | 8 123 009,99 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri għajnuna teknika kif previst fl-Artikoli 45 u 46 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 u fl-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru1081/2006.

L-għajnuna teknika tkopri miżuri ta' tħejjija, monitoraġġ, valutazzjoni, superviżjoni u tmexxija meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-FSE. L-approprjazzjoni tista', b'mod partikolari, tkun użata biex tkopri:

— nefqa ta' appoġġ (spejjeż ta' rappreżentazzjoni, taħriġ, laqgħat u missjonijiet),

— nefqa għall-informazzjoni u l-pubblikazzjoni,

— nefqa għat-teknoloġija tal-informatika u telekomunikazzjonijiet,

— nefqa għall-appoġġ tal-aċċessibilità għal persuni b'diżabilità fi ħdan miżuri ta' assistenza teknika,

— nefqa fi grupp ta' livell għoli sabiex tkun żgurata l-implimentazzjoni ta' prinċipji orizzontali bħall-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, aċċessibilità għall-persuni b'diżabilità u l-iżvilupp sostenibbli,

— kuntratti għall-forniment ta' servizzi, studji ta' valutazzjoni (inkluża l-valutazzjoni *ex post* għall-perjodu 2000-2006) u studji,

— għotjiet.

Għajnuna teknika tinkludi wkoll skambji ta' esperjenza, attivitajiet biex iqajmu l-għarfien, seminars, netwerking u evalwazzjonijiet ta' pari li jservu sabiex jidentifikaw u jqassmu prassi tajba u jħeġġu t-tagħlim reċiproku u kooperazzjoni transnazzjonali u interreġjonali bil-għan li jtejbu l-kontribuzzjoni u d-dimensjoni ta' politika tal-FSE għall-għanijiet tal-Unjoni fir-rigward tal-inklużjoni soċjali u fl-impjiegi.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tappoġġa t-tagħlim amministrattiv kif ukoll il-kooperazzjoni mal-NGOs u s-sħab soċjali fil-kuntest tal-preparazzjoni tal-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1081/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 12).

Ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006 tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2006 fih dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew tal-Iżvilupp, il-Fondi Soċjali Ewropej u l-Fondi ta' Koeżjoni (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

## KAPITOLU 04 03 — IX-XOGĦOL FL-EWROPA — DJALOGU SOĊJALI U MOBILITÀ

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 04 03 | Ix-Xogħol fl-Ewropa — Djalogu soċjali u mobilità | | | | | | | | |
| ***04 03 02*** | ***Nefqa għal-laqgħat tal-konsultazzjoni preliminari mar-rappreżentanti tat-trade unions*** | 1.1 | 450 000 | 250 000 | 450 000 | 317 538 | 500 000,00 | 111 251,79 | 44,50 % |
| ***04 03 03*** | ***Id-djalogu soċjali u d-dimensjoni soċjali tal-Unjoni*** | | | | | | | | |
| 04 03 03 01 | Ir-relazzjonijiet industrijali u d-djalogu soċjali | 1.1 | 16 500 000 | 13 500 000 | 16 500 000 | 13 155 141 | 16 800 150,40 | 11 898 701,96 | 88,14 % |
| 04 03 03 02 | Miżuri ta' tagħrif u taħriġ għall-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema | 1.1 | 17 400 000 | 14 500 000 | 17 000 000 | 14 062 392 | 16 904 002,80 | 16 254 398,71 | 112,10 % |
| 04 03 03 03 | tagħrif, konsultazzjoni u parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-intrapriżi | 1.1 | 7 000 000 | 6 500 000 | 7 500 000 | 5 443 506 | 6 185 009,10 | 5 177 845,94 | 79,66 % |
| | *Artikolu 04 03 03 — Sub-total* | | 40 900 000 | 34 500 000 | 41 000 000 | 32 661 039 | 39 889 162,30 | 33 330 946,61 | 96,61 % |
| ***04 03 04*** | ***EURES (Servizzi tal-impjiegi Ewropej)*** | 1.1 | 20 800 000 | 16 000 000 | 20 600 000 | 14 969 643 | 20 981 198,52 | 16 408 630,70 | 102,55 % |
| ***04 03 05*** | ***Il-moviment ħieles tal-ħaddiema, koordinament tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u miżuri għal min jitlaq minn pajjiżu, inklużi persuni minn pajjiżi terzi li jitilqu minn pajjiżhom*** | 1.1 | 5 692 000 | 5 200 000 | 6 270 000 | 4 989 881 | 5 204 219,97 | 4 265 285,40 | 82,02 % |
| ***04 03 06*** | ***Azzjoni ta' tħejjija ENEA dwar anzjanità attiva u l-mobilità ta' persuni anzjani*** | 1.1 | — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 183 805,19 | |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *04 03 07* | ***Analiżi, studji u t-tkabbir tal-għarfien dwar is-sitwazzjoni soċjali, id-demografija u l-familja*** | 1.1 | 4 130 000 | 4 000 000 | 2 160 000 | 1 451 602 | 2 562 443,05 | 2 710 685,78 | 67,77 % |
| *04 03 08* | ***Proġett pilota — Il-promozzjoni tal-ħarsien tad-dritt għall-akkomodazzjoni*** | 1.1 | p.m. | 400 000 | 1 000 000 | 500 000 | | | |
| *04 03 09* | ***Proġett pilota — Il-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-ħajja tal-ħaddiema stazzjonati*** | 1.1 | — | p.m. | — | 75 000 | 0,— | 414 674,44 | |
| *04 03 10* | ***Proġett pilota — Miżuri għaż-żamma tal-impjiegi*** | 1.1 | — | 200 000 | — | 450 000 | 0,— | 268 568,23 | 134,28 % |
| *04 03 11* | ***Proġett pilota — Tisħiħ tal-mobilità u l-integrazzjoni tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni*** | 1.1 | — | 30 000 | — | 50 000 | 0,— | 1 350,00 | 4,50 % |
| *04 03 12* | ***Proġett pilota — Koperazzjoni li tkun tkopri kollox bejn l-awtoritajiet pubbliċi, l-intrapriżi kummerċjali u l-intrapriżi li m'għandhomx skop ta' profitt fir-rigward tal-integrazzjoni tal-persuni fis-soċjetà u fl-impjiegi*** | 1.1 | — | 800 000 | — | 1 000 000 | 1 000 000,00 | 450 000,00 | 56,25 % |
| *04 03 13* | ***Azzjoni ta' tħejjija — L-ewwel Impjieg EURES tiegħek*** | 1.1 | 4 500 000 | 2 000 000 | 3 250 000 | 2 125 000 | 4 000 000,00 | 0,— | |
| *04 03 14* | ***Proġett Pilota — Solidarjetà soċjali għall-integrazzjoni soċjali*** | 1.1 | p.m. | 750 000 | 1 000 000 | 1 000 000 | 1 000 000,00 | 0,— | |
| *04 03 15* | ***Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet 2012*** | 1.1 | p.m. | 300 000 | 2 700 000 | 2 400 000 | 2 302 194,93 | 921 986,11 | 307,33 % |
| | **Kapitolu 04 03 — Total** | | **76 472 000** | **64 430 000** | **78 430 000** | **61 989 703** | **77 439 218,77** | **59 067 184,25** | **91,68 %** |

## *Artikolu 04 03 02 — Nefqa għal-laqgħat tal-konsultazzjoni preliminari mar-rappreżentanti tat-trade unions*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 450 000 | 250 000 | 450 000 | 317 538 | 500 000,00 | 111 251,79 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa għal laqgħat preliminarji ta' konsultazzjoni bejn ir-rappreżentanti Ewropej tat-*trade unions* biex jgħinuhom jiffurmaw l-opinjonijiet tagħhom u jarmonizzaw il-pożizzjonijiet tagħhom rigward l-iżvilupp tal-politika tal-Unjoni.

*Bażi ġuridika*

Ħidmiet li ħerġin mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fuq il-livell istituzzjonali, kif previst fl-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 04 03 03 — Id-djalogu soċjali u d-dimensjoni soċjali tal-Unjoni*

### Partita 04 03 03 01 — Ir-relazzjonijiet industrijali u d-djalogu soċjali

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 16 500 000 | 13 500 000 | 16 500 000 | 13 155 141 | 16 800 150,40 | 11 898 701,96 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri l-finanzjament tal-parteċipazzjoni tal-imsieħba soċjali fl-istrateġija Ewropea għall-impjiegi u l-kontribuzzjoni tal-imsieħba soċjali biex jindirizzaw l-isfidi kbar li qed jiffaċċjaw l-impjiegi u l-politika soċjali Ewropea kif stabbilit fl-Istrateġija Ewropa 2020 u l-Aġenda Soċjali u fi ħdan il-kuntest tal-inizjattivi tal-Unjoni biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-kriżi ekonomika. Din hi maħsuba biex tkopri għotjiet għall-promozzjoni ta' djalogu soċjali fil-livell settorjali u ta'

bejn l-industriji u skont l-Artikolu 154 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-approprjazzjonijiet għandhom għalhekk jintużaw biex jiffinanzjaw konsultazzjonijiet, laqgħat, negozjati u operazzjonijiet oħra maħsuba biex jilħqu dan l-għan.

Aktar minn hekk, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-appoġġ għall-miżuri tar-relazzjonijiet industrijali, b'mod partikolari, dawk li ġew imfassla għall-iżvilupp tal-għarfien espert u l-iskambju tat-tagħrif rilevanti dwar l-Unjoni.

Din l-approprjazzjoni hija wkoll maħsuba biex tkopri l-finanzjament ta' miżuri li jinvolvu r-rappreżentanti tal-imsieħba soċjali fil-pajjiżi kandidati bl-iskop speċifiku li jiġi promoss id-djalogu soċjali f'livell tal-Unjoni. Din hi maħsuba wkoll biex tippromwovi l-parteċipazzjoni ugwali tan-nisa fil-korpi fejn jittieħdu d-deċiżjonijet kemm mit-trade unions kif ukoll mill-organizzazzjonijiet ta' min jimpjega. Dawn iż-żewġ komponenti tal-aħħar huma ta' natura orizzontali.

Fuq il-bażi ta' dawn l-għanijiet, ġew stabbiliti żewġ subprogrammi:

— appoġġ għal djalogu soċjali Ewropew,

— titjib fit-tagħrif espert fir-relazzjonijiet industrijali,

*Atti ta' referenza*

Ħidma li tirriżulta minn poteri speċifiċi li huma mogħtija direttament lill-Kummissjoni bit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikoli 154 u 155.

## Partita 04 03 03 02 — Miżuri ta' tagħrif u taħriġ għall-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 17 400 000 | 14 500 000 | 17 000 000 | 14 062 392 | 16 904 002,80 | 16 254 398,71 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri n-nefqa fuq miżuri ta' tagħrif u taħriġ għal organizzazzjonijiet tal-ħaddiema, inklużi rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet tal-ħaddiema fil-pajjiżi kandidati, li toħroġ mill-implimentazzjoni ta' azzjoni tal-Unjoni dwar qafas tal-implimentazzjoni tad-dimensjoni soċjali tal-Unjoni. Dawn il-miżuri għandhom jgħinu l-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema biex jikkontribwixxu għall-indirizzar tal-isfidi l-kbar li qed jiffaċċjaw l-impjiegi u l-politika soċjali fl-Ewropa kif stabbilit fl-Istrateġija Ewropa 2020 u l-Aġenda Soċjali u fi ħdan il-kuntest ta' inizjattivi tal-Unjoni biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-kriżi ekonomika.

Barra minn hekk, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-appoġġ għall-programmi ta' xogħol taż-żewġ istituti speċifiċi tat-trade unions, ETUI (L-Istitut Ewropew tat-Trade Union) u l-EZA (Iċ-Ċentru Ewropew għall-Mistoqsijiet tal-Ħaddiema), li ġew stabbiliti sabiex jiffaċilitaw il-bini tal-kapaċità permezz ta' taħriġ u riċerka fuq livell Ewropew, kif ukoll sabiex itejbu l-grad ta' involviment tar-rappreżentanti tal-ħaddiema fit-tmexxija Ewropea.

Parti minn din l-approprjazzjoni hi maħsuba għall-finanzjament ta' miżuri li jinvolvu r-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema fil-pajjiżi kandidati bl-iskop speċifiku li jiġi promoss id-djalogu soċjali f'livell tal-Unjoni. Din hi maħsuba wkoll biex tippromwovi l-parteċipazzjoni ugwali tan-nisa fil-korpi fejn jittieħdu d-deċiżjonijet mill-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema.

*Bażi ġuridika*

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU 183, tad-29.6.1989, p. 1) u d-Direttivi individwali assoċjati.

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/29/KE tal-31 ta' Marzu 1992 dwar il-ħtiġijiet minimi tas-sigurtà u ta' saħħa għal trattament mediku mtejjeb abbord bastimenti (ĠU L 113, 30.4.1992, p. 19).

*Atti ta' referenza*

Xogħol li jirriżulta minn poteri speċifiċi li huma mogħtija direttament lill-Kummissjoni bit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikoli 154.

Konvenżjoni konkluża fl-1959 bejn l-Awtorità l-Għolja tal-KEFA u ċ-Ċentru Internazzjonali tas-Sigurtà fix-Xogħol u t-Tagħrif tas-Saħħa (CIS) tal-Uffiċċju Internazzjonali tal-impjiegi.

## Partita 04 03 03 03 — tagħrif, konsultazzjoni u parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-intrapriżi

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 7 000 000 | 6 500 000 | 7 500 000 | 5 443 506 | 6 185 009,10 | 5 177 845,94 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri operazzjonijiet ta' finanzjament sabiex jiġu żgurati l-kundizzjonijiet għat-trawwim tal-iżvilupp tal-involviment tal-ħaddiem fl-impriżi, bil-promozzjoni tad-Direttivi 94/45/KE u 97/74/KE dwar il-Kunsilli tax-Xogħol Ewropej, id-Direttivi 2001/86/KE u 2003/72/KE dwar l-involviment tal-ħaddiema fil-Kumpanija Ewropea u fis-Soċjetà Kooperattiva Ewropea, rispettivament, id-Direttiva 2001/14/KE li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-għoti ta' tagħrif u konsultazzjoni lil ħaddiema fil-Komunità Ewropea u l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2005/56/KE dwar mergers transkonfinali ta' kumpaniji ta' responsabbiltà limitata.

Din l-approprjazzjoni tkopri l-finanzjament ta' miżuri maħsuba sabiex isaħħu l-kooperazzjoni transnazzjonali bejn ir-rappreżentanti tal-ħaddiema u ta' min iħaddem fir-rigward ta' tagħrif, konsultazzjoni u parteċipazzjoni tal-ħaddiema fi ħdan kumpaniji li joperaw f'aktar minn Stat Membru wieħed. Azzjonijiet qosra ta' taħriġ għal negozjaturi u rappreżentanti f'korpi transnazzjonali ta' tagħrif, konsultazzjoni u parteċipazzjoni jistgħu jkunu ffinanzjati f'dak il-kuntest. Dan jista' jinvolvi lil imsieħba soċjali mill-pajjiżi kandidati.

Din l-approprjazzjoni tista' tintuża għall-finanzjament ta' miżuri li jippermettu lill-imsieħba soċjali jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom u d-dmirijiet tagħhom fir-rigward tal-involviment tal-ħaddiema, b'mod speċjali fi ħdan il-qafas tal-Kunsilli Ewropej tax-Xogħol u fl-SMEs, sabiex jiffamiljarizzaw ruħhom mal-ftehimiet tal-kumpaniji transnazzjonali u jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom fir-rigward tal-liġi tal-Unjoni dwar l-involviment tal-ħaddiema.

Barra minn hekk, din tista' tintuża għall-finanzjament ta' miżuri maħsuba sabiex jiżviluppaw l-ispeċjalizzazzjoni fuq l-involviment tal-ħaddiema fost l-Istati Membri, jippromwovu l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet rilevanti u l-partijiet interessati u jrawmu r-relazzjonijiet mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni sabiex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni u tittejjeb l-effikaċja tal-liġi tal-UE dwar l-involviment tal-ħaddiema.

Barra minn hekk, din l-approprjazzjoni tista' tintuża biex tippromwovi azzjonijiet innovattivi fir-rigward tal-involviment tal-ħaddiema, bil-ħsieb li tappoġġa l-antiċipazzjoni tal-bidla u l-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' tilwim fil-kuntest ta' ristrutturar korporattiv, fużjonijiet, akkwiżizzjonijiet, rilokazzjoni f'impriżi fuq skala tal-Unjoni u fi gruppi ta' impriżi fuq skala tal-Unjoni.

Barra minn hekk, din l-approprjazzjoni tista' tintuża għall-kooperazzjoni fost l-imsieħba soċjali għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet li jindirizzaw il-konsegwenzi tal-kriżi ekonomika bħal sensji kollettivi jew il-bżonn ta' orjentament mill-ġdid lejn ekonomija inklussiva, sostenibbli u b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju.

*Bażi ġuridika*

Id-Direttiva tal-Kunsill 94/45/KE tat-22 ta' Settembru 1994 dwar l-istabbiliment ta' Kunsill Ewropew tax-Xogħlijiet jew proċedura fl-impriżi fuq skala Komunitarja u fil-gruppi tal-impriżi fuq skala Komunitarja għall-għanijiet ta' tagħrif u ta' konsultazzjoni għall-impjegati (ĠU L 254, 30.9.1994, p. 64), u partikolarment l-Artikolu 15 tagħha fuq reviżjoni mill-Kummissjoni.

Id-Direttiva tal-Kunsill 97/74/KE tal-15 ta' Diċembru 1997 li testendi, għar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' fuq, id-Direttiva 94/45/KE dwar l-Istabbiliment ta' Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew jew proċedura f'impriżi ta' skala Komunitarja u fi gruppi ta' skala Komunitarja ta' impriżi għall-iskopijiet ta' tagħrif u konsultazzjoni tal-impjegati (ĠU L 10, 16.1.1998, p. 22).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/86/KE tat-8 ta' Ottubru 2001 li tissupplimenta l-Istatut għal Kumpanija Ewropew rigward l-involviment tal-ħaddiema (ĠU L 294, 10.11.2001, p. 22).

Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 li jwaqqaf qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fil-Komunità Ewropea (ĠU L 80, 23.3.2002, p. 29).

Direttiva tal-Kunsill 2003/72/KE tat-22 ta' Lulju 2003 li tissupplimenta l-Istatut għal koperattiva Ewropea fir-rigward tal-involviment tal-impjegati (ĠU L 207, 18.8.2003, p. 25).

Id-Direttiva 2005/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar merġers transkonfinali ta' kumpaniji b'responsabbiltà limitata (ĠU L 310, 25.11.2005, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Ħidma li tirriżulta mis-setgħat speċifiċi mogħtija direttament lill-Kummissjoni bis-saħħa tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea taħt l-Artikoli 154 u 155.

### *Artikolu 04 03 04 — EURES (Servizzi tal-impjiegi Ewropej)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 20 800 000 | 16 000 000 | 20 600 000 | 14 969 643 | 20 981 198,52 | 16 408 630,70 |

*Kummenti*

L-għan ta' din l-approprjazzjoni, għat-tlestija tas-suq intern u l-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' impjieg Ewropea, huwa biex tkun koperta l-implimentazzjoni u l-operazzjoni tan-netwerk EURES.

Dan in-netwerk għandu l-għan li jiżviluppa l-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, u b'mod partikolari s-servizzi ta' impjieg tagħhom, biex:

— l-għoti ta' servizzi ta' sejba ta' xogħol, pariri u tagħrif għall-ħaddiema fir-rigward tal-impjieg u d-drittijiet tagħhom fi Stat Membru ieħor u għal min iħaddem li jixtieq iħaddem fi Stat Membru ieħor,

— l-iskambju ta' postijiet tal-impjiegi battala u applikazzjonijiet fil-livell tal-Unjoni u bejn il-fruntieri,

— l-iskambju ta' tagħrif bejn l-Istati Membri dwar ix-xejriet tal-impjiegi u l-kundizzjonijiet tal-ħajja u tal-impjiegi.

In-netwerk EURES jista' jinkludi kooperazzjoni speċjali u strutturi tas-servizz, fuq inizjattiva tar-reġjuni mal-fruntiera.

In-network EURES għandu konnessjonijiet operattivi stretti mal-attivitajiet rilevanti tad-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Edukazzjoni u l-Kultura u l-Ġustizzja, bħalma huma Europass u Ploteus.

In-netwerk għandu jiżgura li l-prinċipju tal-libertà ta' moviment huwa rispettat u li jopera b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju, fir-rigward tal-aċċess għall-impjiegi għal ċittadini tal-Unjoni f'pajjiż li mhux tal-oriġini tagħhom.

Din l-approprjazzjoni tkopri miżuri li huma essenzjali għat-tmexxija mingħajr intoppi tan-netwerk EURES, partikolarment il-miżuri ta' appoġġ li ġejjin:

— sussidji għall-attivitajiet ta' appoġġ nazzjonali u transkonfinali organizzati mis-sħab tal-EURES, inklużi sħab soċjali b'reġjuni mal-fruntiera,

— taħriġ tal-bidu u kontinwat tal-konsulenti tal-EURES fl-Istati Membri,

— kuntatti bejn il-konsulenti tal-EURES u l-kooperazzjoni bejn is-servizzi tal-impjiegi tal-gvern, inkluż dawk ta' pajjiżi kandidati,

— promozzjoni tal-EURES fost id-ditti u l-pubbliku ġenerali,

— żvilupp ta' strutturi speċjali għall-kooperazzjoni u servizzi fiż-żoni tal-fruntiera, bis-saħħa tal-Artikolu 17(b) tar-Regolament (KEE) Nru 1612/68,

— miżuri li jgħinu biex jeliminaw l-ostakli għall-mobbiltà, b'mod partikolari fil-kamp tas-sigurtà soċjali fl-ambitu tax-xogħol,

— parteċipazzjoni fil-manutenzjoni, fit-tisħiħ u l-iżvilupp kontinwu ta' sistemi komputerizzati li joħolqu rabta bejn in-netwerk EURES u l-partijiet interessati tiegħu. Dan jinkludi portal tal-web wieħed, aċċessibbli wkoll għal nies b'diżabbiltà, li jipprovdi aċċess b'diversi ilsna għal tagħrif dwar impjiegi, CVs ta' kandidati potenzjali, kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol, xejriet tas-suq tax-xogħol, opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ kif ukoll kontenut ieħor relatat mal-mobbiltà tax-xogħol. Dan il-portal għandu wkoll jindirizza l-ħtiġijiet ta' tagħrif ta' ċittadini minn pajjiżi terzi, b'mod partikolari minn pajjiżi li jaqgħu taħt il-Politika Ewropea tal-Maġar.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu l-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skop ta' tagħrif, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1612/68 tal-15 ta' Ottubru 1968 dwar il-libertà tal-moviment tal-ħaddiema fi ħdan il-Komunità (ĠU L 257, 19.10.1968, p. 2).

Ir-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni (ĠU L 141, 27.5.2011, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/8/KE tat-23 ta’ Diċembru 2002 li timplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1612/68 fir-rigward tal-approvazzjoni ta’ postijiet tax-xogħol battala u applikazzjonijiet għall-impjieg (ĠU L 5, 10.1.2003, p. 16).

### *Artikolu 04 03 05 — Il-moviment ħieles tal-ħaddiema, koordinament tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u miżuri għal min jitlaq minn pajjiżu, inklużi persuni minn pajjiżi terzi li jitilqu minn pajjiżhom*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 5 692 000 | 5 200 000 | 6 270 000 | 4 989 881 | 5 204 219,97 | 4 265 285,40 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— l-analiżi u evalwazzjoni ta’ xejriet maġġuri fil-leġiżlazzjoni fl-Istati Membri fir-rigward tal-moviment liberu ta’ persuni, u koordinazzjoni ta’ sistemi tas-sigurtà soċjali, kif ukoll il-finanzjament ta’ netwerks ta’ esperti f’dawk l-oqsma,

— l-analiżi u riċerka dwar żviluppi ta’ politika ġdida fil-qasam tal-moviment ħieles tal-ħaddiema marbuta pereżempju mat-tmiem ta’ perjodi tranżitorji u l-immodernizzar ta’ dispożizzjonijiet tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali,

— appoġġ għax-xogħol tal-Kummissjoni Amministrattiva u s-sotto-gruppi tagħha u s-segwitu tad-deċiżjonijiet li ttieħdu, kif ukoll appoġġ għax-xogħol tal-Kumitati Konsultattivi u Tekniċi dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema,

— l-iffinanzjar ta’ azzjonijiet immirati li jipprovdu servizz aħjar u li jżidu l-għarfien tal-pubbliku, inklużi miżuri mmirati għall-identifikazzjoni tal-problemi tas-sigurtà soċjali tal-ħaddiema migranti u miżuri li jħaffu u jissimplifikaw il-proċeduri amministrattivi, l-analiżi tal-ostakli għall-moviment ħieles u n-nuqqas ta' koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali u l-impatt tagħhom fuq il-persuni b'diżabbiltà, inkluż l-adattament tal-proċeduri amministrattivi għal tekniki ta’ tagħrif ġodda tal-ipproċessar, sabiex tittejjeb is-sistema għall-kisba ta’ drittijiet u l-kalkolu u l-ħlas ta' benefiċċji skont ir-Regolamenti (KEE) Nru 1408/71, (KEE) Nru 574/72 u (KE) Nru 859/2003 kif ukoll ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 u r-Regolament ta’ implimentazzjoni tiegħu (KE) Nru 987/2009 u r-Regolament (UE) Nru 1231/2010,

— l-iffinanzjar ta' azzjonijiet relatati mal-iskambju elettroniku tat-tagħrif dwar is-sigurtà soċjali fost l-Istati Membri u bil-għan li tiżviluppa l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, bil-ħsieb li jiġu ffaċilitati l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 u r-Regolament ta' implimentazzjoni tiegħu (KE) Nru 987/2009. Dawn l-attivitajiet jinkludu b'mod partikolari ż-żamma tal-punt ċentrali tas-sistema EESSI (Skambju Elettronku tat-Tagħrif dwar is-Sigurtà Soċjali), l-ittestjar tal-komponenti tas-sistema, l-attivitajiet tal-helpdesk u l-iżvilupp tal-azzjonijiet tas-sistema u t-taħriġ.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu l-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skop ta' tagħrif, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta’ approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta’ din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 45 u 48 tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1612/68 tal-15 ta’ Ottubru 1968 dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi ħdan il-Komunità (ĠU L 257, 19.10.1968, p. 2).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 tal-14 ta’ Ġunju 1971 dwar l-applikazzjoni tal-iskema tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati, għall-persuni li jaħdmu għal rashom u għal membri tal-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità (ĠU L 149 5.7.1971, p. 2).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 574/72 tal-21 ta’ Marzu 1972 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 dwar l-applikazzjoni ta’ skemi ta’ sigurtà soċjali għal persuni impjegati, għal persuni li jaħdmu għal rashom u għall-familji tagħhom li qegħdin jiċċaqalqu fi ħdan il-Komunità (ĠU L 74, 27.3.1972, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 98/49/KE tad-29 ta’ Ġunju 1998 dwar il-ħarsien tad-drittijiet għall-pensjoni supplimentari għall-impjegati u dawk li jaħdmu għal rashom li jiċċaqalqu fi ħdan il-Komunità (ĠU L 209, 25.7.1998, p. 46).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 859/2003 tal-14 ta’ Mejju 2003 li jestendi d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71

u r-Regolament (KEE) Nru 574/72 lil ċittadini ta’ pajjiżi terzi li mhumiex diġà koperti minn dawk id-dispożizzjonijiet unikament abbażi tan-nazzjonalità tagħhom (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali (ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali (Test b’relevanza għaż-ŻEE u għall-Iżvizzera) (ĠU L 284, 30.10.2009, p. 1).

Regolament (UE) Nru 1231/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta’ Novembru 2010 li jestendi r-Regolament (KE) Nru 883/2004 u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 għal ċittadini ta’ pajjiżi terzi li mhumiex diġà koperti b’dawn ir-Regolamenti unikament minħabba n-nazzjonalità tagħhom (ĠU L 344, 29.12.2010, p. 1)

Ir-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni (ĠU L 141, 27.5.2011, p. 1).

### *Artikolu 04 03 06 — Azzjoni ta' tħejjija ENEA dwar anżjanità attiva u l-mobilità ta' persuni anzjani*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 183 805,19 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba għall-finanzjament ta’ inizjattivi għall-anżjanità attiva, inkluż l-aċċess għas-suq tax-xogħol skont il-miri ta’:

— il-Kunsill Ewropew ta’ Liżbona, li waqqaf miri strateġiċi għad-deċenju li ġej biex ikun hemm ekonomija mill-aktar kompettitiva u dinamika ibbażata fuq l-għarfien fid-dinja kapaċi li tikber ekonomikament b’mod sostenibbli b’aktar impjiegi li jkunu aħjar u koeżjoni soċjali akbar,

— il-Kunsill Ewropew ta’ Barċellona, li saħaq għal żieda progressiva fl-età medja effettiva meta n-nies tieqaf taħdem fl-Unjoni,

— il-Kunsill Ewropew ta’ Stokkolma, li talab il-Kunsill u l-Kummissjoni biex jirrapportaw konġuntament fuq kif iżidu l-parteċipazzjoni tan-nies tal-impjiegi u jippromwovu anżjanità attiva,

— l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li jisħaq għal livell għoli ta’ impjiegi, it-titjib tal-istandard tal-ħajja u l-kwalità tal-ħajja kif ukoll koeżjoni ekonomika u soċjali u solidarjetà fost l-Istati Membri,

— id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/578/KE tat-22 ta’ Lulju 2003 fuq linji ta’ gwida għall-politika tal-impjiegi tal-Istati Membri (ĠU L 197, 5.8.2003, p. 13), li tfakkar il-miri ta’ Liżbona u Stokkolma u l-isfida demografika għar-rata tal-impjieg għan-nisa u l-irġiel akbar. Il-linja ta’ gwida 5 speċifikatament tirriferi għaż-żieda fil-provista ta’ xogħol u l-promozzjoni ta’ anzjanità attiva,

— ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2003/597/KE tat-22 ta’ Lulju 2003 fuq l-implimentazzjoni tal-politika ta’ impjieg tal-Istati Membri' (ĠU L 197, 5.8.2003, p. 22), li tiddefinixxi ċerti azzjonijiet biex jittieħdu fir-rigward tal-provista tal-impjiegi u l-anżjanità.

Hija maħsuba wkoll biex tiffinanzja miżuri biex iħeġġu t-twaqqif ta' programmi ta’skambju għall-anzjani permezz ta’ organizzazzjonijiet speċjalizzati mqabbda biex jiżviluppaw, fost oħrajn, riżorsi għall-mobilità u l-adattament ta’ infrastrutturi, inkluż fis-safar, skont il-kontenut tar-riżoluzzjonijiet li ġejjin:

— ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew fuq it-tieni Assemblea Dinija fuq ix-Xjuħija tan-Nazzjonijet Uniti li saret f’Madrid bejn it-8 u t-2 ta’ April 2002 (ĠU C 127 E, 29.5.2003, p. 675), li seħqet fuq l-importanza tal-promozzjon ta’ programmi li jħeġġu l-mobilità għall-anzjani, u partikolarment, il-partiti 13 u 14 tagħhom),

— ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta’ Diċembru 2000 fuq il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni ‘Lejn Ewropa għall-etajiet kollha - Tkattir tal-prosperità u s-solidarjetà interġenerazzjonali, (ĠU C 232, 17.8.2001, p. 381).

Kwalità għolja tas-servizzi tas-saħħa u lonġevità itwal fl-Unjoni jaqleb il-fokus fil-politika ekonomika minn kwistjonijiet ta' protezzjoni soċjali għal involviment tal-anzjani f'attivitajiet differenti. Hemm bżonn ta' azzjonijiet preparatorji biex jinstabu l-għodda politiċi l-aktar effiċjenti biex tissolva din il-problema.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 04 03 07 — Analiżi, studji u t-tkabbir tal-għarfien dwar is-sitwazzjoni soċjali, id-demografija u l-familja*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 4 130 000 | 4 000 000 | 2 160 000 | 1 451 602 | 2 562 443,05 | 2 710 685,78 |

*Kummenti*

Kull sena, skont l-Artikolu 159 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Kummissjoni tippreżenta rapport dwar il-qagħda soċjali. Kull sentejn hija tippreżenta rapport dwar il-bidla demografika u l-implikazzjonijiet tagħha. F’konformità mal-Artikolu 161 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew jista’ jitlob lill-Kummissjoni biex tħejji rapporti dwar problemi li jirrigwardjaw il-qagħda soċjali. Din l-approprjazzjoni tintużaw biex titwettaq l-analiżi meħtieġa għar-rappurtaġġ imsemmi fit-Trattat, kif ukoll għat-tixrid tal-għarfien dwar sfidi soċjali u demografiċi ewlenin u l-modi kif wieħed jista’ jindirrizahom.

*Atti ta’ referenza*

Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 159 u 161 tiegħu.

## *Artikolu 04 03 08 — Proġett pilota — Il-promozzjoni tal-ħarsien tad-dritt għall-akkomodazzjoni*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| p.m. | 400 000 | 1 000 000 | 500 000 | |

*Kummenti*

Dan il-proġett pilota huwa maħsub biex isostni strateġija tal-UE għal inklużjoni attiva, li tippromwovi r-rikonoxximent komuni tad-drittijiet fundamentali. F'dan il-kuntest, il-protezzjoni tar-residenza privata ewlenija kontra l-konfiska u l-prevenzjoni tat-telf ta' akkomodazzjoni mikrija minn familji bi dħul baxx (meta l-proprjetà jkollha ipoteka) għandha tiġi kkunsidrata fl-ambitu tad-dritt usa' għall-assistenza għall-akkomodazzjoni, kif rikonoxxut mill-Artikolu 34(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Il-proġett pilota għandu jipprevedi:

— analiżi tal-liġi attwalment fis-seħħ fl-Istati Membri li tipproteġi kontra l-konfiska tar-residenzi privati ewlenin ta' familji li jkunu fallew finanzjarjament meta l-proprjetà jkollha ipoteka;

— analiżi tar-rabta li hemm bejn il-politiki ta’ kontra l-iżgumbrament u d-dritt legalment vinkolanti għall-akkomodazzjoni fil-pajjiżi li jagħrfuh;

— studju dwar il-possibilità ta' ħolqien ta' qafas komuni minimu li jillimita l-azzjonijiet għall-konfiska tar-residenza privata ewlenija, meta din tkun l-unika proprjetà immobbli okkupata mid-debitur.

*Bażi ġuridika*

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6), tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2992, p. 1).

## *Artikolu 04 03 09 — Proġett pilota — Il-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-ħajja tal-ħaddiema stazzjonati*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | p.m. | — | 75 000 | 0,— | 414 674,44 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja inizjattivi li jgħinu sabiex jiġu mistħarrġa l-kundizzjonijiet reali tax-xogħol u tal-ħajja tal-ħaddiema stazzjonati u kif l-Istati Membri, l-imsieħba soċjali u l-ispettorati tax-xogħol jaħdmu fil-prattika. Il-proġett bi prova jiffoka fuq ftit setturi speċifiċi b'għadd kbir ta' ħaddiema stazzjonati, pereżempju l-kostruzzjoni, l-agrikoltura u l-kura tas-saħħa.

L-iskop tal-proġett bi prova hu li:

— jiġi promoss l-iskambju ta' tagħrif relevanti, tiġi stabbilita l-aħjar prattika u tiġi ppubblikata ħarsa ġenerali tal-istat attwali fl-Istati Membri,

— jiġu eżaminati kwalunkwe kwistjonijiet u diffikultajiet li jistgħu jinqalgħu waqt l-applikazzjoni fil-prattika tal-leġiżlazzjoni dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema, kif ukoll waqt l-infurzar tagħha fil-prattika.

Il-miżuri li se jkunu koperti jinkludu l-iskambju tal-tagħrif dwar il-ħaddiema stazzjonati b'attenzjoni speċjali fuq:

— diskrepanzi bejn il-pagi tagħhom u l-ħlas ta' dawk il-ħaddiema li għandhom impjieg simili fil-pajjiż ospitanti,

— diskrepanzi bejn il-ħin tax-xogħol li jqattgħu x-xogħol u l-ħin tax-xogħol kif inhu definit fil-kuntratt,

— il-liv imħallas reali tagħhom,

— il-kundizzjonijiet tal-ħajja tagħhom, inklużi l-kundizzjonijiet tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali,

— l-arranġamenti kuntrattwali tagħhom u kemm idum l-istazzjonament tagħhom,

— ir-rappreżentazzjoni trejdjunjonistika tagħhom fil-pajjiż ospitanti,

— kif jaħdmu l-ispettorati u l-frekwenza tal-kontrolli tagħhom.

*Bażi ġuridika*

Proġett bi prova fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 04 03 10 — Proġett pilota — Miżuri għaż-żamma tal-impjiegi*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | 200 000 | — | 450 000 | 0,— | 268 568,23 |

*Kummenti*

L-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja attivitajiet biex jiġi eżaminat kemm l-impjiegi li tpoġġew f'riskju mill-kriżi finanzjarja jistgħu jinżammu permezz ta' xogħol part-time u taħriġ intern. L-iskop tal-proġett pilota hu li:

— jippromwovi l-iskambju ta' tagħrif rilevanti u jistabbilixxi u jippubbliċizza l-aħjar prattika;

— jeżamina l-kwistjonijiet u l-problemi li potenzjalment iqumu meta prattika bħal din tiġt applikata.

Il-miżuri għandhom jiġu ffinanzjati biex:

— jiġi eżaminat kemm id-dħul ta' xogħol part-time fuq bażi temporanja, b'appoġġ finanzjarju mill-gvern, huwa mezz xieraq, f'sitwazzjoni finanzjarja u ekonomika bħal din, biex jinżammu l-impjiegi mingħajr ma jkun hemm distorsjonijiet fil-kompetizzjoni;

— jiġi stabbilit liema huma l-prospetti ta' suċċess meta ħaddiema f'riskju li jitilfu l-impjieg tagħhom jintbagħtu għand aġenziji tat-taħriġ professjonali;

— jiġi evalwat liema miżuri tanġibbli tas-suq tax-xogħol għandhom jittieħdu, u f'liema livell, biex jiġi evitat li jiżdied il-qgħad fost iż-żgħażagħ b'mod partikolari;

— jiġi eżaminat kif miżuri bħal dawn tal-politika tax-xogħol ibiddlu l-kundizzjonijiet tal-għaixien u tax-xogħol tal-individwi kkonċernati.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-Baġit Ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 04 03 11 — Proġett pilota — Tisħiħ tal-mobilità u l-integrazzjoni tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | 30 000 | — | 50 000 | 0,— | 1 350,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tibda Skema tal-Unjoni dwar il-mobilità u l-integrazzjoni sabiex tgħin lill-ħaddiema migranti u b'hekk jitkattru l-effetti pożittivi tal-mobilità tax-xogħol fl-Unjoni. Tingħata attenzjoni partikulari biex tiġi faċilitata l-mobilità ta' setturi vulnerabili tal-popolazzjoni, kif mitlub mill-Parlament Ewropew fir-Riżoluzzjoni tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għall-Mobilità tal-Impjiegi (2007-2010). Din l-iskema tgħin biex jingħelbu l-kundizzjonijiet mhux favorevoli għall-ħaddiema mobbli biex jintegraw fil-pajjiż li jilqagħhom, inklużi bosta diffikultajiet soċjali li jiltaqgħu magħhom, u tgħinhom biex, possibilment, jirritornaw lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom. Għal dan il-għan se jiġu ttestjati żewġ linji ta' azzjoni:

— jinbdew netwerks u sħubiji ta' protagonisti li jaħdmu tul it-trajjettorji ewlenin tal-migrazzjoni ta' ħaddiema intra-Unjoni u

— jinħolqu strutturi ta' assistenza (one-stop shops) biex jintlaħqu l-bżonnjiet tal-aktar migranti vulnerabbli tal-Unjoni.

L-iskema għalhekk se tappoġġja lill-Istati Membri fl-iżvilupp ta' politika ta' integrazzjoni u ta' inklużjoni soċjali, sabiex jindirizzaw id-diffikultajiet soċjali u jittieħdu l-benefiċċji ġenerali ekonomiċi u dawk tas-suq tax-xogħol tal-mobilità. Il-fażi pilota tal-iskema tippermetti wkoll li l-partijiet interessati jżidu l-attività tagħhom u jħejju ruħhom għal finanzjament possibbli fil-ġejjieni mill-Fond Soċjali Ewropew.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar- Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/25 tal-25 ta' Gunju 2002 dwar ir-Regolament Finanazjarju applikabbli ghall-bagit generali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 04 03 12 — Proġett pilota — Koperazzjoni li tkun tkopri kollox bejn l-awtoritajiet pubbliċi, l-intrapriżi kummerċjali u l-intrapriżi li m'għandhomx skop ta' profitt fir-rigward tal-integrazzjoni tal-persuni fis-soċjetà u fl-impjiegi*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | 800 000 | — | 1 000 000 | 1 000 000,00 | 450 000,00 |

*Kummenti*

L-iskop tal-proġett pilota hu li:

— iżid in-numru ta' setturi tal-impjiegi li permezz tagħhom it-taqsimiet vulnerabbli tal-popolazzjoni jkunu jistgħu jiġu integrati fis-soċjetà u fl-impjiegi (agrikulturali, industrijali, is-setturi kummerċjali, eċċ.)

— joħloq netwerks li jagħmlu konnessjonijiet bejn l-istituzzjonijiet pubbliċi, l-intrapriżi kummerċjali u l-intrapriżi li m'għandhomx skop ta' profitt li huma kapaċi jkollhom strateġija innovattiva fir-rigward tat-tmexxija u l-formulazzjoni ta' indikaturi ta' benessri li jistgħu jintużaw biex jikkwantifikaw l-impatt fuq dawn il-gruppi indirizzati.

Il-proġett jinkludi:

— li d-dinja kummerċjali ssir konxja mir-responsabilitajiet soċjali permezz ta' appoġġ għal intrapriżi involuti fl-integrazzjoni tal-persuni fis-suq tax-xogħol;

— proposti għal soluzzjonijiet effiċjenti u effikaċi għall-problemi soċjoekonomiċi li jbatu minnhom kull żona speċifika u grupp speċifiku indirizzat, li jirriżultaw mill-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi, l-intrapriżi kummerċjali u l-intrapriżi li m'għandhomx skop ta' profitt.

— il-produzzjoni ta' riżultati kwalitattivi-kwantitattivi mkejla f'termini ta' rati ogħla ta' xogħol u impjiegi aktar stabbli, l-impjegar ta' nisa u l-integrazzjoni ta' gruppi vulnerabbli fis-settur tal-impjiegi.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar- Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/25 tal-25 ta' Gunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli ghall-bagit generali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 04 03 13 — Azzjoni ta' tħejjija — L-ewwel Impjieg EURES tiegħek*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 4 500 000 | 2 000 000 | 3 250 000 | 2 125 000 | 4 000 000,00 | 0,— |

*Kummenti*

Din l-azzjoni preparatorja hija maħsuba sabiex tipprovdi liż-żgħażagħ b'aċċess għal aktar opportunitajiet ta' xogħol u sabiex tħeġġeġ u tiffaċilita apprendistati fl-Istati Membri kollha. Bl-appoġġ tat-tqabbil tal-ħaddiema mal-impjieg EURES, se jiġu provduti servizzi ta' sejbien ta' apprendistati li jagħtu aċċess għal opportunitajiet ta' xogħol fl-Unjoni kollha. L-impriżi, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, se jitħeġġu sabiex jirreklutaw aktar żgħażagħ, anki permezz ta' appoġġ finanzjarju.

Gruppi mmirati:

— żgħażagħ sa tletin sena, indipendentement mill-kwalifiki u esperjenza ta' xogħol tagħhom minħabba li l-proġett mhuwiex esklussivament maħsub għal persuni li qed jidħlu għall-ewwel darba fis-suq tax-xogħol,

— l-impriżi kollha legalment stabbiliti, b'mod partikolari l-SMEs, li se jibbenefikaw mit-tnaqqis tal-ispejjeż tal-impjegar internazzjonali li jolqot l-aktar impriżi żgħar.

Impjiegi eliġibbli:

Il-proġett "L-ewwel xogħol EURES tiegħek" se joffri lill-apprendisti żgħażagħ, l-ewwel esperjenza ta' xogħol jew impjiegi speċjalizzati. Il-proġett mhux se jappoġġja sitwazzjonijiet ta' sostituzzjoni tax-xogħol, impjiegi prekarji jew, f'ebda ċirkostanza, impjiegi li jiksru l-liġi tax-xogħol nazzjonali.

Biex ikunu eliġibbli għal fondi, il-postijiet ta' xogħol iridu jikkonformaw ukoll mal-kriterji li ġejjin:

— ikunu lokalizzati f'pajjiż membru EURES għajr dak tal-pajjiż ta' oriġini taż-żagħżugħ/a li jkun qed ifittex xogħol (offerti ta' xogħol transnazzjonali,

— jiżguraw apprendistat għal perjodu minimu kuntrattwali ta' sitt xhur.

L-ispejjeż li ġejjin se jkunu koperti:

— spejjeż marbuta mill-proċess ta' reklutaġġ u allowance ta' reklutaġġ allokat mill-membru EURES tal-pajjiż ta' destinazzjoni,

— inċentiv finanzjarju għal min iħaddem biex ikopri l-ispejjeż ta' integrazzjoni tal-ħaddiem mobbli (eż taħriġ inizjali, korsijiet ta' lingwa, appoġġ amministrattiv, eċċ) wara li l-proċess ta' reklutaġġ ikun ġie finalizzat.

— l-ispejjeż tal-vjaġġ u ta' sussistenza għall-ewwel intervista u l-ispejjeż marbuta mat-trasferiment f'pajjiż ieħor.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 04 03 14 — Proġett Pilota — Solidarjetà soċjali għall-integrazzjoni soċjali*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 750 000 | 1 000 000 | 1 000 000 | 1 000 000,00 | 0,— |

*Kummenti*

L-għan ta' dan il-proġett pilota huwa li jappoġġja u jippromwovi t-tisħiħ ta' strateġija ta' inklużjoni attiva tal-Unjoni, li tiżgura li kulħadd ikollu r-riżorsi meħtieġa biex jgħix ħajja li tkun kompatibbli mad-dinjità tal-bniedem, fl-Istati Membri kollha.

Dan il-proġett pilota għandu jiffinanza l-ħolqien ta' netwerk sabiex jiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri, amministrazzjonijiet lokali u territorjali, trade unions u assoċjazzjonijiet fuq proġetti ta' introjtu minimu nazzjonali. L-informazzjoni miġbura u skambjata għandha tiffaċilita wkoll it-tfassil ta' studju dwar il-miżuri komuni possibbli għal introjtu minimu.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 04 03 15 — Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet 2012*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 300 000 | 2 700 000 | 2 400 000 | 2 302 194,93 | 921 986,11 |

*Kummenti*

Is-Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet hija maħsua biex tqajjem għarfien ġenerali dwar il-valur ta' tixjiħ attiv, tistimula dibattitu, tiskambja l-informazzjoni u tiżviluppa t-tagħlim reċiproku bejn l-Istati Membri u l-partijiet interessati fil-livelli kollha, toffri qafas għall-impenn u azzjoni konkreta biex l-Unjoni, l-Istati Membri u l-partijiet interessati fil-livelli kollha jkunu jistgħu jiżviluppaw soluzzjonijiet innovattivi, linji politiċi u strateġiji fuq perijodu twil permezz ta' attivitajiet speċifiċi u biex issegwi objettivi speċifiċi relatati mat-tixjiħ attiv u s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijet, u biex tippromwovi attivitajiet li jgħinu biex tingħeleb id-diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-età.

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tappoġġa, fil-livell tal-Unjoni, attivitajiet f'konformità mal-objettivi tas-Sena Ewropea u tkopri l-ispejjeż relatati mal-organizzazzjoni tal-għeluq tal-konferenza tal-Unjoni mill-Presidenza attwali. Parti minn din l-approprjazzjoni tkopri wkoll l-ispejjeż relatati mal-evalwazzjoni tas-Sena Ewropea.

Mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f’dan l-artikolu għandhom jiżdiedu l-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti jiġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provvediment ta’ approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness V ta’ din il-parti tad-dikjarazzjoni tal-infiq f’din it-taqsima, li tifforma parti integrali tal-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv (2012) (COM(2010) 462 finali).

## Kapitolu 04 04 — Xogħol, solidarjetà soċjali u ugwaljanza bejn is-sessi

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 04 04 | Xogħol, solidarjetà soċjali u ugwaljanza bejn is-sessi | | | | | | | | |
| ***04 04 01*** | ***Progress*** | | | | | | | | |
| 04 04 01 01 | Impjieg | 1.1 | 20 558 000 | 18 000 000 | 20 558 000 | 16 330 519 | 20 156 092,47 | 16 873 400,39 | 93,74 % |
| 04 04 01 02 | Ħarsien Soċjali u Inklużjoni | 1.1 | 28 485 000 | 25 500 000 | 28 485 000 | 24 042 153 | 28 694 634,05 | 27 827 578,57 | 109,13 % |
| 04 04 01 03 | Kundizzjonijiet tax-Xogħol | 1.1 | 7 260 000 | 8 500 000 | 8 525 000 | 7 711 634 | 7 379 619,19 | 7 224 340,42 | 84,99 % |
| 04 04 01 06 | Appoġġ għall-Implimentazzjoni | 1.1 | 1 200 000 | 1 200 000 | 1 354 000 | 907 251 | 1 194 000,00 | 1 844 581,65 | 153,72 % |
| | *Artikolu 04 04 01 — Sub-total* | | 57 503 000 | 53 200 000 | 58 922 000 | 48 991 557 | 57 424 345,71 | 53 769 901,03 | 101,07 % |
| ***04 04 03*** | ***Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol*** | | | | | | | | |
| 04 04 03 01 | Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol — Kontribuzzjoni lit-Titoli 1 u 2 | 1.1 | 13 263 000 | 13 263 000 | 13 265 379 | 13 265 379 | 13 040 000,00 | 13 040 000,00 | 98,32 % |
| 04 04 03 02 | Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol — Kontribuzzjoni lit-Titolu 3 | 1.1 | 6 852 000 | 6 852 000 | 7 023 721 | 7 023 721 | 7 170 000,00 | 7 170 000,00 | 104,64 % |
| | *Artikolu 04 04 03 — Sub-total* | | 20 115 000 | 20 115 000 | 20 289 100 | 20 289 100 | 20 210 000,00 | 20 210 000,00 | 100,47 % |
| ***04 04 04*** | ***Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol*** | | | | | | | | |
| 04 04 04 02 | Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol — Kontribuzzjoni lit-Titoli 1 u 2 | 1.1 | 6 978 964 | 6 978 964 | 6 978 964 | 6 978 964 | 7 288 369,18 | 6 454 821,00 | 92,49 % |
| 04 04 04 03 | Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol — Kontribuzzjoni lit-Titolu 3 | 1.1 | 7 056 036 | 7 056 036 | 7 590 736 | 7 590 736 | 7 592 500,00 | 7 381 770,00 | 104,62 % |
| | *Artikolu 04 04 04 — Sub-total* | | 14 035 000 | 14 035 000 | 14 569 700 | 14 569 700 | 14 880 869,18 | 13 836 591,00 | 98,59 % |
| ***04 04 07*** | ***Tlestija ta' programmi preċedenti*** | 1.1 | p.m. | 500 000 | — | 453 626 | 0,— | 356 264,66 | 71,25 % |
| ***04 04 08*** | ***Proġett pilota — Ninkoraġġixxu l-konverżjoni ta' xogħol b'kundizzjonijiet prekarji f'xogħol bid-drittijiet*** | 1.1 | p.m. | 450 000 | — | 450 000 | 702 518,86 | 298 215,74 | 66,27 % |
| ***04 04 10*** | ***Proġett pilota — Nakkompanjaw il-ħaddiema matul il-bidla industrijali*** | 1.1 | — | — | — | — | 0,— | 0,— | |
| ***04 04 11*** | ***Proġett pilota — Il-prevenzjoni tal-abbuż fuq l-anzjani*** | 1.1 | p.m. | 300 000 | — | 500 000 | 0,— | 423 527,02 | 141,18 % |
| ***04 04 12*** | ***Artikolu 04 04 12 — Is-Sena Ewropea għall-ġlieda kontra l-esklużjoni u l-faqar 2010*** | 1.1 | p.m. | 450 000 | p.m. | 408 263 | 0,— | 1 678 132,58 | 372,92 % |
| ***04 04 15*** | ***Faċilità ta' Mikrofinanzjar ta' Progress Ewropea*** | 1.1 | 26 500 000 | 21 400 000 | 24 750 000 | 22 454 464 | 24 750 000,00 | 6 700 000,00 | 31,31 % |
| ***04 04 16*** | ***Proġett Pilota —— Is-saħħa u s-Sikurezza fuq ix-xogħol tal-ħaddiema aktar avvanzati fl-età*** | 1.1 | p.m. | 650 000 | 2 000 000 | 1 000 000 | | | |
| ***04 04 17*** | ***Azzjoni ta' thejjija —— Miżuri ta' attivazzjoni immirati għaż-żgħażagħ - l-implimentazzjoni tal-inizjattiva Żgħażagħ Attivi*** | 1.1 | p.m. | 1 200 000 | 4 000 000 | 2 000 000 | | | |
| | **Kapitolu 04 04 — Total** | | **118 153 000** | **112 300 000** | **124 530 800** | **111 116 710** | **117 967 733,75** | **97 272 632,03** | **86,62 %** |

## *Artikolu 04 04 01 — Progress*

### Partita 04 04 01 01 — Impjieg

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 20 558 000 | 18 000 000 | 20 558 000 | 16 330 519 | 20 156 092,47 | 16 873 400,39 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tappoġġa l-Istrateġija ta' Lisbona għat-tkabbir u l-impjiegi u l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea tal-Impjiegi (EES) u tikkontribwixxi għall-ksib tal-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020 billi:

— jittejjeb il-ftehim tas-sitwazzjoni tal-impjieg u l-prospetti, b'mod partikolari permezz ta' analiżi u studji u l-iżvilupp ta' statistiċi u indikaturi komuni fi ħdan il-qafas tal-EES.

— tiġi mmonitorjata u evalwata l-implimentazzjoni tal-Linji ta' Gwida u Rakkomandazzjonijiet Ewropej ta' Impjieg u l-impatt tagħhom, b'mod partikolari permezz tar-Rapport Konġunt ta' Impjieg, u tiġi analizzata l-interazzjoni bejn l-EES u l-politika ġenerali ekonomika u soċjali u oqsma oħra ta' politika;

— jiġu organizzati skambji dwar politiki, prassi tajba, u approċċi innovattivi, mainstreaming tal-ħtiġijiet tal-gruppi vulnerabbli, bħan-nies b'diżabbiltajiet u dawk li jieħdu ħsieb in-nies b'mod informali, il-promozzjoni tat-tixrid tal-prattiki ta' mikrokreditu biex jiġi żviluppat l-iżvilupp tal-intraprenditorija fost persuni żvantaġġati, u l-promozzjoni tat-tagħlim reċiproku fil-kuntest tal-EES u tal-Ewropa 2020,

— titqajjem kuxjenza, tixxerred l-informazzjoni u jiġi promoss id-dibattitu dwar l-isfidi u l-politiki fil-qasam tal-impjieg, politiki, dwar l-approċċi li jqisu l-kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi u dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fit-tfassil tal-baġit, kif ukoll dwar l-applikazzjoni ta' programmi nazzjonali ta' riforma fil-qasam tal-impjieg, b'mod partikolari fost il-parteċipanti reġjonali u lokali, l-imsieħba soċjali, is-soċjetà ċivili u l-partijiet interessati oħra,

— jiġu stabbiliti u organizzati netwerks u skambju regolari ma' organizzazzjonijiet internazzjonali fil-qasam tal-impjiegi u tal-affarijiet soċjali, bħal OECD u ILO, sabiex tiġi żgurata l-koerenza tal-politika interna u esterna tal-Unjoni f'dan il-qasam.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu l-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, mill-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Paragrafu 6 0 3 1 tar-rendiment tad-dħul, jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

F'konformità mad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni għad-Deċiżjoni Nru 283/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 25 ta' Marzu 2010 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress għall-Impjiegi u l-Inklużjoni Soċjali (ĠU L 87, 7.4.2010, p. 1), sar disponibbli marġni suffiċjenti mhix allokat taħt il-limitu ta' nefqa tal-Intestatura 1a li bih l-awtorità baġitarja, jiġifieri l-Parlament Ewropew u l-Kunsill, tkun tista' tiddeċiedi li żżid l-ammont tal-programm Progress b'massimu ta' EUR 20 miljun tul il-perjodu 2011-2013 b'mod konformi mal-punt 37 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja tajba (ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1).

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1672/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006, ippreżentata mill-Kummissjoni fl-14 ta' Lulju 2004 li tistabbilixxi Programm Komunitarju għall-Impjiegi u għas-Solidarjetà Soċjali — Progress (ĠU L 315, 15.11.2006, p. 1)

## Partita 04 04 01 02 — Ħarsien Soċjali u Inklużjoni

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 28 485 000 | 25 500 000 | 28 485 000 | 24 042 153 | 28 694 634,05 | 27 827 578,57 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tappoġġja l-implimentazzjoni tal-metodu miftuħ ta’ koordinazzjoni (OMC) fil-qasam tal-ħarsien soċjali u l-inklużjoni billi:

— jittejjeb il-ftehim ta' kwistjonijiet u politiki dwar il-faqar u l-esklużjoni soċjali, pensjonijiet, kura tas-saħħa u kura fit-tul (dik formali u kif ukoll dik informali), b'mod partikolari permezz ta' analiżi u studji u l-iżvilupp ta' statistiċi u indikaturi komuni, fil-kuntest tal-OMC fil-qasam tal-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni,

— tiġi mmonitorjata u evalwata l-implimentazzjoni tal-OMC fil-qasam tal-ħarsien soċjali u l-inklużjoni u l-impatt tagħha fuq livell nazzjonali u tal-Unjoni u tiġi analizzata l-interazzjoni bejn l-OMC u oqsma oħra ta’ politika;

— jiġu organizzati skambji dwar politiki, prassi tajba, u approċċi innovattivi, jiġu integrati l-ħtiġijiet tal-gruppi vulnerabbli, bħan-nies b'diżabbiltajiet u dawk li jieħdu ħsieb lil xi ħadd b'mod informali, u l-promozzjoni tat-tagħlim reċiproku fil-kuntest tal-ħarsien soċjali u tal-istrateġiija ta' inklużjoni, kif ukoll fil-kuntest tal-inugwaljanzi fil-qasam tas-saħħa,

— it-tkabbir tal-għarfien, it-tqassim ta’ informazzjoni u l-promozzjoni tad-dibattitu dwar l-isfidi ewlenin u l-kwistjonijiet ta’ politika mqajma fil-kuntest tal-proċess ta’ koordinazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-ħarsien soċjali u l-inklużjoni soċjali, inkluż fost l-atturi nazzjonali, reġjonali u lokali, l-imsieħba soċjali, is-soċjetà ċivili u partijiet interessati oħrajn, kif ukoll il-pubbliku b'mod ġenerali, bl-għan li tiżdied il-viżibbiltà tal-proċess, tiġi mħeġġa l-ambizzjoni fil-preskrizzjoni tal-għanijiet u tiżdied l-attenzjoni fuq l-implimentazzjoni tal-politika,

— tissaħħaħ il-kapaċità tan-networks prinċipali tal-Unjoni sabiex jiġu appoġġjati u jissaħħu aktar l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-koerenza tal-għanijiet politiċi interni u esterni tal-Unjoni u l-istrateġiji tal-Unjoni dwar il-ħarsien u l-inklużjoni soċjali, kif ukoll fil-kooperazzjoni ma' atturi internazzjonali bħal OECD, ILO u WTO.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu l-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta’ approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta’ din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, mill-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Paragrafu 6 0 3 1 tar-rendiment tad-dħul, jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta’ approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

F'konformità mad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni għad-Deċiżjoni Nru 283/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 25 ta' Marzu 2010 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress għall-Impjiegi u l-Inklużjoni Soċjali (*ĠU L 87, 7.4.2010, p. 1*), sar disponibbli marġni suffiċjenti mhix allokat taħt il-limitu ta’ nefqa tal-Intestatura 1a li bih l-awtorità baġitarja, jiġifieri l-Parlament Ewropew u l-Kunsill, tkun tista’ tiddeċiedi li żżid l-ammont tal-programm Progress b'massimu ta' EUR 20 miljun tul il-perjodu 2011-2013 b'mod konformi mal-punt 37 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja tajba (ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1).

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1672/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006, ippreżentata mill-Kummissjoni fl-14 ta’ Lulju 2004 li tistabbilixxi Programm Komunitarju għall-Impjiegi u għas-Solidarjetà Soċjali — Progress (ĠU L 315, 15.11.2006, p. 1).

## Partita 04 04 01 03 — Kundizzjonijiet tax-Xogħol

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 7 260 000 | 8 500 000 | 8 525 000 | 7 711 634 | 7 379 619,19 | 7 224 340,42 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba bħala appoġġ għat-titjib tal-ambjent u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, inkluża l-adattabbiltà għall-bidla, is-saħħa u s-sikurezza fuq ix-xogħol, id-dispożizzjoni ta' akkomodazzjoni raġonevoli għall-ħaddiema b'diżabbiltà u r-rikonċiljazzjoni tax-xogħol u l-ħajja tal-familja, (eż dawk li jieħdu ħsieb in-nies b'mod informali):

— jittejjeb il-ftehim tas-sitwazzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' xogħol, b'mod partikolari permezz ta' analiżi u studji u, fejn xieraq, l-iżvilupp ta' statistiċi u indikaturi, kif ukoll l-istima ta l-effettività u l-impatt tal-leġiżlazzjoni eżistenti, politiki u prassi u l-preżentazzjoni ta' proposti għat-titjib tagħhom,

— tkun appoġġjata l-implimentazzjoni tal-liġi tax-xogħol tal-Unjoni permezz ta' monitoraġġ effettiv, b'seminars għal dawk li qed jaħdmu fil-qasam, l-iżvilupp ta gwidi u netwerking bejn korpi speċjalizzati u esperti legali, inklużi l-imsieħba soċjali,

— jitnedu azzjonijiet preventivi u t-trawwim tas-saħħa u s-sikurezza fuq ix-xogħol, b'mod partikolari fir-rigward ta' ħaddiema li qed jikbru fiż-żmien,

— titqajjem kuxjenza, isir skambju ta' prattika tajba, tixxerred informazzjoni u ssir promozzjoni tad-dibattitu dwar l-isfidi prinċipali u kwistjonijiet ta' politika li għandhom x'jaqsmu mal-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-konċiljazzjoni ta' ħajja tax-xogħol ma' dik tal-familja (pereżempju l-promozzjoni ta' dawk li jipprovdu l-kura b'mod informali, politiki favur il-familji fil-post tax-xogħol, kura tat-tfal, infrastrutturi ta' appoġġ għal nisa tqal li jaħdmu u dawk li qed jipprovaw jidħlu mill-ġdid fis-suq tax-xogħol, eċċ) inklużi bejn is-sħab soċjali,

— tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-atturi tad-dimensjoni interna u esterna tal-impjiegi u tal-politika soċjali fi ħdan u lil hinn mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni biex tiġi żgurata koerenza akbar tal-politika interna u esterna tal-Unjoni f'dan il-qasam,

— jiġu stabbiliti netwerks ta' kooperazzjoni internazzjonali għat-tixrid tat-informazzjoni dwar id-drittijiet tal-ħaddiema għall-gvernijiet, għall-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema u ta' min iħaddem kif ukoll għaċ-ċittadini biex titjieb l-implimentazzjoni tal-konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO u l-aġenda għax-xogħol dinjituż.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu l-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, jekk ikun applikabbli mill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok li jkun hemm approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

F'konformità mad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni għad-Deċiżjoni Nru 283/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 25 ta' Marzu 2010 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress għall-Impjiegi u l-Inklużjoni Soċjali (ĠU L 87, 7.4.2010, p. 1), sar disponibbli marġni suffiċjenti mhix allokat taħt il-limitu ta' nefqa tal-Intestatura 1a li bih l-awtorità baġitarja, jiġifieri l-Parlament Ewropew u l-Kunsill, tkun tista' tiddeċiedi li żżid l-ammont tal-programm Progress b'massimu ta' EUR 20 miljun tul il-perjodu 2011-2013 b'mod konformi mal-punt 37 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja tajba (ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1).

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1672/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006, ippreżentata mill-Kummissjoni fl-14 ta' Lulju 2004 li tistabbilixxi Programm Komunitarju għall-Impjiegi u għas-Solidarjetà Soċjali — Progress (ĠU L 315, 15.11.2006, p. 1).

## Partita 04 04 01 06 — Appoġġ għall-Implimentazzjoni

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 1 200 000 | 1 200 000 | 1 354 000 | 907 251 | 1 194 000,00 | 1 844 581,65 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tappoġġa l-implimentazzjoni tal-programm li jkopri, b'mod partikolari, in-nefqa relatata mal-valutazzjonijiet tal-monitoraġġ annwali u l-Forum annwali dwar l-Aġenda Soċjali (Progress), li jippromwovi d-djalogu bejn il-partijiet interessati kollha mil-livelli kollha, jagħmel pubbliċita lir-riżultati tal-programm u jiddiskuti l-prijoritajiet futuri, b'mod partikolari

f'relazzjoni maċ-ċiklu ta' programmazzjoni li jmiss (2014-2020).

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu l-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, mill-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Paragrafu 6 0 3 1 tar-rendiment tad-dħul, jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

F'konformità mad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni għad-Deċiżjoni Nru 283/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 25 ta' Marzu 2010 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress għall-Impjiegi u l-Inklużjoni Soċjali (*ĠU L 87, 7.4.2010, p. 1*), sar disponibbli marġni suffiċjenti mhix allokat taħt il-limitu ta' nefqa tal-Intestatura 1a li bih l-awtorità baġitarja, jiġifieri l-Parlament Ewropew u l-Kunsill, tkun tista' tiddeċiedi li żżid l-ammont tal-programm Progress b'massimu ta' EUR 20 miljun tul il-perjodu 2011-2013 b'mod konformi mal-punt 37 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja tajba (ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1).

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1672/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006, ippreżentata mill-Kummissjoni fl-14 ta' Lulju 2004 li tistabbilixxi Programm Komunitarju għall-Impjiegi u għas-Solidarjetà Soċjali — Progress (ĠU L 315, 15.11.2006, p. 1) emendata bid-Deċiżjoni Nru 284/2010/Unjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 2010 (ĠU L 87, 7.4.2010, p.6 ).

## *Artikolu 04 04 03 — Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonjiet tal-Ħajja u tax-Xogħol*

### Partita 04 04 03 01 — Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol — Kontribuzzjoni lit-Titoli 1 u 2

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 13 263 000 | 13 263 000 | 13 265 379 | 13 265 379 | 13 040 000,00 | 13 040 000,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa amministrattiva u tal-persunal tal-Fondazzjoni (Titoli 1 u 2).

EUR 1 000 000 huwa maħsub għax-xogħol analitiku taċ-Ċentru Ewropew tal-Monitoraġġ fuq il-Bidla, deċiż mill-Kunsill Ewropew ta' Nizza bil-ħsieb li jkunu identifikati, antiċipati u ġestiti xejriet teknoloġiċi, soċjali u ekonomiċi.

Il-Fondazzjoni għandha tinforma l-awtorità tal-baġit dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u amministrattiva.

Il-pjan tat-twaqqif tal-Fondazzjoni jinsab fil-Parti bit-titolu "Pjan ta' Stabbiliment tal-Persunal" tat-Taqsima III — Il-Kummissjoni (Volum 3).

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75 tas-26 ta' Mejju 1975 dwar il-ħolqien ta' Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol (ĠU L 139, 30.5.1975, p. 1).

Partita 04 04 03 02 — Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol —Kontribuzzjoni lit-Titolu 3

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 6 852 000 | 6 852 000 | 7 023 721 | 7 023 721 | 7 170 000,00 | 7 170 000,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri biss in-nefqa operattiva tal-Fondazzjoni fir-rigward tal-programm tax-xogħol (Titolu 3).

Il-Fondazzjoni għandha tinforma l-awtorità tal-baġit dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u amministrattiva.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba għall-Ħidma taċ-Ċentru ta' Monitoraġġ Ewropew għall-Bidla, deċiż mill-Kunsill Ewropew ta' Nizza tas-7 sad-9 ta' Diċembru 2000 bil-ħsieb li jkunu identifikati, antiċipati u ġestiti xejriet teknoloġiċi, soċjali, (b'mod partikolari demografiċi) u ekonomiċi. Għal dan il-għan, għandu jinġabar, jiġi pproċessat u analizzat tagħrif ta' kwalità għolja.

Minħabba f'hekk, ġew allokati EUR 1 000 000 bħala finanzjament għall-attivitajiet taċ-Ċentru ta' Monitoraġġ Ewropew għall-Bidla.

L-inklużjoni tal-istudji dwar l-impatt tat-teknoloġiji l-ġodda fuq il-post tax-xogħol u l-mard fuq il-post tax-xogħol, bħalma huwa, l-impatt ta' movimenti repettitivi meta jitwettaq xogħol partikulari.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2013 tammonta għal total ta' EUR 20 384 000. Ammont ta' EUR 269 000 li ġej mill-irkupru tal-eċċess jiżdied mal-ammont ta' EUR 20 115 000 imdaħħal fil-baġit.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba għal xogħol li jkopri tliet oqsma ta' importanza li għandhom x'jaqsmu mal-politiki tal-familja:

- politiki fuq il-post tax-xogħol li jkunu kompatibbli mal-familja (bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u dik tal-familja, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, eċċ.),
- fatturi li jinfluwenzaw is-sitwazzjoni tal-familji fir-rigward tal-housing komunitarju (aċċess għal housing diċenti għall-familji),
- appoġġ għall-familji tul il-ħajja, pereżempju l-kura tat-tfal u kwistjonijiet oħra li huma koperti mill-mandat tal-Fondazzjoni.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75 tas-26 ta' Mejju 1975 dwar il-ħolqien ta' Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol (ĠU L 139, 30.5.1975, p. 1).

## *Artikolu 04 04 04 — Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol*

Partita 04 04 04 02 — Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol — Kontribuzzjoni lit-Titoli 1 u 2

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 6 978 964 | 6 978 964 | 6 978 964 | 6 978 964 | 7 288 369,18 | 6 454 821,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-persunal tal-Aġenzija u n-nefqa amministrattiva (Titoli 1 u 2).

L-Aġenzija għandha tinforma l-awtorità tal-baġit dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u amministrattiva.

Il-pjan tat-twaqqif tal-Aġenzija jinsab fil- Parti bit-titolu "Pjan ta' Stabbiliment tal-Persunal" tat-Taqsima III — il-Kummissjoni (Volum 3).

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-

Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu l-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skop ta' tagħrif, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94 tat-18 ta' Lulju 1994 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-post tax-Xogħol (ĠU L 216, 20.8.1994, p. 1).

## Partita 04 04 04 03 — Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol — Kontribuzzjoni lit-Titolu 3

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 7 056 036 | 7 056 036 | 7 590 736 | 7 590 736 | 7 592 500,00 | 7 381 770,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri biss in-nefqa operattiva tal-Aġenzija dwar il-programm tax-xogħol (Titolu 3).

L-Aġenzija għandha tgħarraf lill-awtorità baġitarja bi trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u dik amministrattiva. L-għan tal-Aġenzija huwa li tipprovdi lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, lill-Istati Membri u lil partijiet interessati b'tagħrif tekniku, xjentifiku u ekonomiku li jkun ta' użu fil-qasam tas-saħħa u s-sikurezza fil-post tax-xogħol.

EUR 1 000 000 huma previsti għal programm għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu l-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skop ta' tagħrif, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2013 tammonta għal total ta' EUR 14 678 900. Ammont ta' EUR 643 900 li ġej mill-irkupru tal-eċċess jiżdied mal-ammont ta' EUR 14 035 000 imdaħħal fil-baġit.

Din l-approprjazzjoni tkopri l-miżuri meħtieġa biex jitwettqu l-ħidmiet tal-Aġenzija kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 2062/94, u b'mod partikolari:

— miżuri għat-tkabbir tal-għarfien u l-antiċipazzjoni tar-riskju, b'enfażi speċjali fuq l- intrapriżi żgħar u ta' daqs medju,

— twaqqif ta' "osservatorju tar-riskju", ibbażat fuq eżempji ta' prattika tajba miġbura mid-ditti jew friegħi speċifiċi ta' attività,

— ukoll f'kollaborazzjoni mal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, torganizza skambji ta' esperjenzi, informazzjoni u prattiki tajba,

— integrazzjoni tal-pajjiżi kandidati f'dawn il-pajjiżi kandidati f'dawn in-*netwerks* ta' tagħrif u l-ħolqien ta' għodod tax-xogħol li huma mfassla għas-sitwazzjoni speċifiċi tagħhom,

— organizzazzjoni tal-ġimgħa Ewropea fuq is-saħħa u sigurtà, li tiffoka fuq riskji speċifiċi u l-bżonnijiet tal-utenti u l-benefiċjarji finali.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94 tat-18 ta' Lulju 1994 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-post tax-Xogħol (ĠU L 216, 20.8.1994, p. 1).

## *Artikolu 04 04 07 — Tlestija ta’ programmi preċedenti*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 500 000 | — | 453 626 | 0,— | 356 264,66 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-finanzjament ta’ impenji li għad baqalhom jitħallsu minn snin imgħoddija fir-rigward tal-Artikoli u l-punti l-oħrajn tal-imgħoddi.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu l-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skop ta' tagħrif, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta’ approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta’ din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Il-pajjiżi kandidati jistgħu jużaw l-istrument Phare ta’ qabel l-adeżjoni biex ikopru n-nefqa li tirriżulta mill-parteċipazzjoni tagħhom fil-programm.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, mill-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Paragrafu 6 0 3 1 tar-rendiment tad-dħul, jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta’ approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-9 ta’ Lulju 1957 dwar it-termini ta’ referenza u r-Regoli ta’ Proċedura tal-Kummissjoni għas-Saħħa u s-Sigurtà fil-Minjieri (ĠU 28, 31.8.1957, p. 487/57).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 74/325/KE tas-27 ta’ Ġunju 1974 dwar it-twaqqif ta’ Kumitat Konsultattiv dwar is-sigurtà, l-iġjene u l-ħarsien tas-saħħa fuq ix-xogħol (ĠU 185, 9.7.1974, p. 15).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 74/326/KEE tas-27 ta’ Ġunju 1974 dwar l-estensjoni tar-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni għas-Sigurtà u s-Saħħa fil-Minjieri lill-industriji kollha tal-estrazzjoni tal-minerali (ĠU L 185, 9.7.1974, p. 18).

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta’ Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU 183, 29.6.1989, p. 1) u d-direttivi individwali assoċjati.

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/29/KE tal-31 ta’ Marzu 1992 dwar ħtiġiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa għal trattament mediku mtejjeb abbord bastimenti (ĠU L 113, 30.4.1992, p. 19).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/171/KE tat-23 ta’ Frar 1998 dwar l-attivitajiet Komunitarji li għandhom x’jaqsmu mal-analiżi, ir-riċerka u l-kooperazzjoni fil-qasam tal-impjiegi u s-suq tax-xogħol (ĠU 63, 4.3.1998, p. 26).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill fis-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja sabiex tikkumbatti d-diskriminazzjoni (2001 sa 2006) (2000/750/KE) (ĠU L 303, 2.12.2000, p. 23).

Id-Deċiżjoni Nru 50/2002/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta’ Diċembru 2001 li tistabbilixxi programm ta’ azzjoni Komunitarja sabiex jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri sabiex jikkumbattu l-esklużjoni (ĠU L 10, 12.1.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1145/2002/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta’ Ġunju 2002 dwar il-miżuri Komunitarji ta' inċentivazzjoni fil-qasam tax-xogħol (ĠU L 170, 29.6.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta’ Lulju 2003 li twaqqaf Kumitat Konsultattiv dwar is-Sikurezza u s-Saħħa fuq il-post tax-Xogħol (ĠU C 218, 13.9.2003, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1554/2005/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta’ Settembru 2005 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/51/KE li tistabbilixxi Programm relatat mal-qafas strateġiku tal-Komunità dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-Deċiżjoni Nru 848/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi programm ta’ azzjoni tal-Komunità biex jippromwovi organizzazzjonijiet attivi fuq livell Ewropew fil-qasam tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 9).

*Atti ta’ referenza*

Konvenzjoni konkluża fl-1959 bejn l-Awtorità l-Għolja tal-KEFA u ċ-Ċentru Internazzjonali tas-Sigurtà fix-Xogħol u Tagħrif tas-Saħħa (CIS) tal-Uffiċċju Internazzjonali tal-impjiegi.

Ħidma li tirriżulta minn poteri speċifiċi li huma mogħtija direttament lill-Kummissjoni bit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea taħt l-Artikoli 151, 152 u 156.

## *Artikolu 04 04 08 — Proġett pilota — Ninkoraġġixxu l-konverżjoni ta' xogħol b'kundizzjonijiet prekarji f'xogħol bid-drittijiet*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 450 000 | — | 450 000 | 702 518,86 | 298 215,74 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni għandha l-għan li tappoġġja miżuri sabiex jinkuraġġixxu l-konverżjoni ta' xogħol b'kundizzjonijiet prekarji għal xogħol bi drittijiet.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija allokata għas-sħubija mill-qrib mar-rappreżentanti tal-ifqar ħaddimea f'kull stadju tal-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 04 04 10 — Proġett pilota — Nakkompanjaw il-ħaddiema matul il-bidla industrijali*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | — | — | — | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja inizjattivi li jgħindu lill-ħaddiema biex jadattaw għall-bidla industrijali. Il-miżuri koperti se jinkludu:

— eżami ta' kif il-ħaddiema jistgħu jkunu ppreparati aħjar għall-bidla industrijali u liema setturi industrijali jistgħu jkunu kkonċernati fil-futur qarib,

— analiżi u l-promozzjoni ta' skambji dwar il-politiki, l-aħjar prattiki mmirati biex jaffrontaw il-bidliet industrijali permezz ta' approċċ li jkun responsabbli soċjalment.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 04 04 11 — Proġett pilota — Il-prevenzjoni tal-abbuż fuq l-anzjani*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 300 000 | — | 500 000 | 0,— | 423 527,02 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja inizjattivi li jgħinu biex ikun żvelat l-abbuż ta’ persuni anzjani fl-Unjoni Ewropea bħala segwitu għar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta’ Frar 2008 dwar il-ġejjieni demografiku tal-Ewropa (ĠU C 184E,

6.8.2009, p. 75) u għall-konferenza organizzata mill-Kummissjoni fis-17 ta' Marzu 2008 dwar is-suġġett tal-abbuż tal-anzjani.

B'mod partikolari, il-proġett pilota jiffoka fuq:

— l-evalwazzjoni tal-abbuż tal-anzjani skont id-definizzjoni tad-WTO (abbuż fiżiku, psikoloġiku u finanzjarju),

— il-kisba ta' fehim aħjar tal-kawżi ta' abbuż fuq l-anzjani,

— il-kejl tal-effettività ta' tweġibiet politiċi fl-Istati Membri.

Biex jintlaħaq dan l-għan, il-miżuri koperti jinkludu:

— Il-ġbir ta' data dwar l-inċidenza ta' abbuż fuq l-anzjani fl-Unjoni, inklużi fatturi ta' riskju u fatturi protettivi,

— Il-mapping ta' approċċi politiċi eżistenti u ta' oqfsa politiċi fl-Unjoni sabiex jiġu identifikati prassi tajbin u jkun preżentat qafas ta' referenza li jinkludi l-miżuri u l-istrumenti meħtieġa għall-prevenzjoni effettiva tal-abbuż tal-anzjani.

L-aħjar prattika fl-approċċi u fl-oqfsa tal-politika se jiġu stabbiliti permezz ta' evalwazzjoni ta' liema strumenti jaħdmu u liema huma inqas effettivi fil-prevenzjoni tal-abbuż kontra l-anzjani.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 04 04 12 — Artikolu 04 04 12 — Is-Sena Ewropea għall-ġlieda kontra l-esklużjoni u l-faqar 2010*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 450 000 | p.m. | 408 263 | 0,— | 1 678 132,58 |

*Kummenti*

Is-Sena Ewropea għall-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali hija maħsuba biex iġġedded u ssaħħaħ l-impenn politiku inizjali tal-Unjoni fil-bidu tal-Istrateġija ta' Liżbona li jsir "impatt deċisiv fuq it-tneħħija għal kollox tal-faqar"

B'konformità mad-Deċiżjoni Nru 1098/2008/KE, din l-appropjazzjoni kienet maħsuba sabiex tappoġġja l-attivitajiet nazzjonali li ġew stabbiliti mill-Istati Membri b'konformità mal-istrateġiji u l-prijoritajiet nazzjonali tas-Sena Ewropea. Parti minn din l-approprjazzjoni tkopriet ukoll l-ispejjeż marbuta mal-organizzazzjoni tal-għeluq tal-Konferenza tal-Unjoni mill-Presidenza attwali u biex issaħħaħ l-attivitajiet ta' komunikazzjoni u ta' tagħrif f'livelli nazzjonali u Ewropej.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu l-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skop ta' tagħrif, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, mill-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Paragrafu 6 0 3 1 tar-rendiment tad-dħul, jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1098/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar is-Sena Ewropea għall-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali (2010) (ĠU L 298, 7.11.2008, p. 20).

## *Artikolu 04 04 15 — Faċilità ta' Mikrofinanzjar ta' Progress Ewropea*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 26 500 000 | 21 400 000 | 24 750 000 | 22 454 464 | 24 750 000,00 | 6 700 000,00 |

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 283/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 2010 li tistabbilixxi Faċilità Mikrofinanzjarja Ewropea 'Progress' għall-Impjiegi u l-Inklużjoni Soċjali (ĠU L 87, 7.4.2010, p. 1 ).

## *Artikolu 04 04 16 — Proġett Pilota —— Is-saħħa u s-Sikurezza fuq ix-xogħol tal-ħaddiema aktar avvanzati fl-età*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| p.m. | 650 000 | 2 000 000 | 1 000 000 | |

*Kummenti*

Abbażi tal-istudju tal-Parlament Ewropew dwar forom ġodda ta' riskji għas-saħħa fiżika u psikoloġika fuq ix-xogħol (IP/A/EMPL/FWC/2006-205/C1-SC1) u tar-riżoluzzjoni tiegħu dwar l-istrateġija Komunitarja 2007-2013 dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol (ĠU C 41E, 19.2.2009, p. 14), dan il-proġett pilota għandu jsaħħaħ l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet u l-iskambju tal-aħjar prattika bl-għajnuna tal-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sikurezza fil-Post tax-Xogħol (OSHA). Għandha ssir valutazzjoni dwar kemm hi xierqa azzjoni ta' tħejjija bil-għan li jidħol fis-seħħ strument tal-Unjoni li jilħaq l-objettiv li jiżgura li 75 % tal-popolazzjoni ta' bejn 20 u 64 sena ikollha xogħol, kif stabbilit fl-Istrateġija Ewropa 2020, u li jippromwovi s-saħħa fiżika u psikoloġika tal-ħaddiema avvanzati aktar fl-età. Dan il-proġett pilota għandu jkompli jinvestiga mezzi possibbli biex jitjiebu s-saħħa u s-sigurtà ta' ħaddiema aktar avvanzati fl-età u biex tintlaħaq il-ħtieġa li tiġi żviluppata aktar il-ħidma mwettqa mill-OSHA peress li forza tax-xogħol li qed tixjieħ se jkollha impatt finanzjarju serju fuq il-ħaddiema, fuq min iħaddem u fuq il-kontributuri tat-taxxa. B'mod partikolari, il-proġett pilota għandu:

- jippromwovi forza tax-xogħol Ewropea b'bilanċ ta' żgħażagħ u persuni maturi, bilanċ li huwa meqjus li jkun l-aktar kapaċi li jirreaġixxi għaċ-ċirkostanzi li qed jinbidlu b'mod rapidu li huma assoċjati mal-globalizzazzjoni u li jinkoraġġixxi fl-Unjoni kollha ġestjoni tar-riżorsi umani permezz ta' strateġija effikaċi fuq perjodu ta' żmien twil li tippermetti aġġustamenti xierqa fil-karrieri u fit-taħriġ billi tiffoka fuq l-iżvilupp tal-ħiliet u t-taffija tal-proċess ta' tnaqqis;
- jinkoraġġixxi u jappoġġa l-attivitajiet tal-Istati Membri rigward id-dimensjoni tal-ġeneru, li fosthom hemm l-għoti ta' informazzjoni dwar il-menopawsa u l-ħtieġa li l-ħaddiema kollha jkollhom kundizzjonijiet tajba ta' xogħol, b'mod partikolari fir-rigward tas-saħħa u s-sikurezza, arranġamenti flessibbli ta' xogħol u servizzi ta' kura;
- jappoġġa, fil-livell tal-Unjoni, l-iżvilupp u t-tixrid ta' data rigward problemi tipiċi ta' ħaddiema aktar avvanzati fl-età, bħat-tnaqqis tal-kapaċità fiżika u tas-saħħa u ta' xi kapaċitajiet psikofiżiċi (pereżempju l-perċettività, ir-rata ta' reazzjoni, l-effiċjenza tal-organi tas-sensi), iż-żieda fir-rata ta' inċidenza ta' ħafna mard ta' ħaddiema aktar avvanzati fl-età, bħal pereżempju mard kardjovaskulari, respiratorju u muskoluskeletali u diżordnijiet ormonali u metaboliċi, kif ukoll l-azzjonijiet preventivi u terapewtiċi korrispondenti, inkluż it-taħriġ korrispondenti tal-ġestjoni tar-riżorsi umani responsabbli;
- iżid l-identifikazzjoni, l-iskambju u l-qsim ta' prattiki tajba (pereżempju studju ta' każijiet) dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali ta' ħaddiema aktar avvanzati fl-età;
- iħeġġeġ l-iżvilupp ta' inizjattivi mmirati għall-ftuħ tal-aċċess għal konsulenza teknika dwar ir-riskji tas-saħħa li jaffaċċjaw il-ħaddiema aktar avvanzati fl-età, b'mod partikolari għall-SMEs;
| 06 02 02 01 | Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima — Kontribuzzjoni għat-Titoli 1 u 2 | 1.1 | 22 776 724 | 22 776 724 | 26 167 678 | 26 167 678 | 23 853 989,92 | 23 373 776,94 | 102,62 % |
| 06 02 02 02 | Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima — Kontribuzzjoni għat-Titolu 3 | 1.1 | 8 431 789 | 9 000 000 | 7 061 416 | 8 870 489 | 9 288 729,00 | 9 999 550,54 | 111,11 % |
| 06 02 02 03 | Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà Marittima — Miżuri kontra t-tniġġis | 1.1 | 22 663 000 | 18 414 450 | 20 000 000 | 20 500 000 | 23 000 000,00 | 17 833 288,40 | 96,84 % |
| | *Artikolu 06 02 02 — Sub-total* | | 53 871 513 | 50 191 174 | 53 229 094 | 55 538 167 | 56 142 718,92 | 51 206 615,88 | 102,02 % |
| ***06 02 03*** | ***Attivitajiet ta' appoġġ għall-politika Ewropea tat-trasport u d-drittijiet tal-passiġġieri*** | 1.1 | 25 000 000 | 15 126 157 | 31 770 000 | 16 307 145 | 20 909 410,97 | 16 688 793,49 | 110,33 % |
| ***06 02 06*** | ***Il-programm Marco Polo II*** | 1.1 | 60 000 000 | 50 000 000 | 62 844 000 | 24 187 314 | 59 647 506,52 | 18 154 268,82 | 36,31 % |
| ***06 02 07*** | ***It-tlestija tal-programm Marco Polo*** | 1.1 | — | p.m. | p.m. | 453 626 | 0,— | 1 143 775,27 | |
| ***06 02 08*** | ***Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji*** | | | | | | | | |
| 06 02 08 01 | Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji — Kontribuzzjoni għat-Titoli 1 u 2 | 1.1 | 17 853 400 | 17 853 400 | 17 459 892 | 17 459 892 | 18 149 121,00 | 18 145 000,00 | 101,63 % |
| 06 02 08 02 | Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji — Kontribuzzjoni għat-Titolu 3 | 1.1 | 7 018 000 | 7 018 000 | 7 027 508 | 7 027 508 | 7 734 544,00 | 6 398 665,00 | 91,18 % |
| | *Artikolu 06 02 08 — Sub-total* | | 24 871 400 | 24 871 400 | 24 487 400 | 24 487 400 | 25 883 665,00 | 24 543 665,00 | 98,68 % |
| ***06 02 11*** | ***Is-sigurtà tat-trasport*** | 1.1 | 2 510 000 | 1 800 000 | 2 300 000 | 2 086 677 | 2 081 327,00 | 1 723 478,46 | 95,75 % |
| ***06 02 12*** | ***Proġett pilota — Is-sigurtà fuq in-netwerk trans-Ewropew tat-triq*** | 1.1 | — | — | — | p.m. | 0,— | 889 271,19 | |
| ***06 02 13*** | ***Azzjoni ta' thejjija — L-iffaċilitar tat-traffiku transkonfinali fuq il-fruntieri esterni tal-Grigal tal-Unjoni fil-punti ta' qsim (mill-aspetti tas-sikurezza u s-sigurtà tat-traffiku)*** | 1.1 | — | p.m. | — | 300 000 | 0,— | 0,— | |
| ***06 02 14*** | ***Azzjoni ta' thejjija — Informazzjoni tat-trasport Ewropew u interface għall-ibbukkjar għall-modi kollha ta' trasport*** | 1.1 | — | 750 000 | 1 500 000 | 750 000 | | | |
| | **Kapitolu 06 02 — Total** | | **200 808 724** | **177 294 542** | **209 427 270** | **157 407 105** | **199 856 711,41** | **149 541 784,11** | **84,35 %** |

## *Artikolu 06 02 01 — Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza fl-Avjazzjoni*

### Partita 06 02 01 01 — Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza fl-Avjazzjoni — Kontribuzzjoni għat-Titoli 1 u 2

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 26 435 440 | 26 435 440 | 26 435 440 | 26 435 440 | 27 991 278,00 | 27 991 111,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa amministrattiva u tal-persunal tal-Aġenzija (Titoli 1 u 2).

L-Aġenzija għandha tinforma l-awtorità tal-baġit dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness 'Żona Ekonomika Ewropea' ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Finanzjarju tal-Qafas ta' Ħidma għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju jsawru dħul assenjat (l-Artikolu 18(1)(f) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Il-pjan tal-istabbiliment tal-Aġenzija jidher fil-Parti bit-titolu 'Pjan ta' stabbiliment tal-persunal' tat-Taqsima III — il-Kummissjoni, (Volum 3).

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabblixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza fl-Avjazzjoni (ĠU L 79, 19.3.2008, p 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1108/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 216/2008 fil-qasam tal-ajrudromi, il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u s-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 51).

*Atti ta' referenza*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 736/2006 tas-16 ta' Mejju 2006 dwar metodi ta' ħidma għall-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza fl-Avjazzjoni għat-twettiq ta' spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni (ĠU L 129, 17.5.2006, p. 10).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 768/2006 tad-19 ta' Mejju 2006 li jimplimenta d-Direttiva 2004/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-ġbir u l-iskambju ta' informazzjoni dwar is-sikurezza ta' ajruplani li jużaw ajruporti tal-Komunità u dwar il-ġestjoni tas-sistema tal-informazzjoni (ĠU L 134 20.5.2006, p. 16).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 593/2007 tal-31 ta' Mejju 2007 dwar drittijiet u ħlasijiet imposti mill-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza fl-Avjazzjoni (ĠU L 140, 1.6.2007, p. 3).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1356/2008 tat-23 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 593/2007 dwar drittijiet u ħlasijiet imposti mill-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni (ĠU L 350, 30.12.2008, p. 46).

### Partita 06 02 01 02 — Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza fl-Avjazzjoni — Kontribuzzjoni għat-Titolu 3

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 8 120 371 | 8 120 371 | 6 861 336 | 6 861 336 | 7 200 805,00 | 7 200 805,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa operattiva tal-Aġenzija dwar il-programm tax-xogħol (Titolu 3).

L-Aġenzija għandha tinforma l-awtorità tal-baġit dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness 'Żona Ekonomika Ewropea' ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Finanzjarju tal-Qafas ta' Ħidma għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju jsawru dħul assenjat (l-Artikolu 18(1)(f) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2013 tammonta għal total ta' EUR 34 862 010. Ammont ta' EUR 306 199 li ġej mill-irkupru tas-surplus jiżdied mal-ammont ta' EUR 34 555 811 imdaħħal fil-baġit.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza fl-Avjazzjoni (ĠU L 79, 19.3.2008, p 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1108/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 216/2008 fil-qasam tal-ajrudromi, il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u s-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 51).

*Atti ta' referenza*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru°736/2006 tas-16 ta' Mejju 2006 dwar metodi ta' ħidma għall-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza fl-Avjazzjoni għat-twettiq ta' spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni (ĠU L 129, 17. 5. 2006, p. 10).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 768/2006 tad-19 ta' Mejju 2006 li jimplimenta d-Direttiva 2004/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ġbir u l-iskambju ta' informazzjoni dwar is-sikurezza ta' ajruplani li jużaw ajruporti tal-Komunità u l-ġestjoni tas-sistema tal-informazzjoni (ĠU L 134 20 5. 2006, p. 16).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 593/2007 tal-31 ta' Mejju 2007 dwar drittijiet u ħlasijiet imposti mill-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza fl-Avjazzjoni (ĠU L 140, 1.6.2007, p. 3).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1356/2008 tat-23 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 593/2007 dwar drittijiet u ħlasijiet imposti mill-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni (ĠU L 350, 30.12.2008, p. 46).

## *Artikolu 06 02 02 — Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà Marittima*

### Partita 06 02 02 01 — Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima — Kontribuzzjoni għat-Titoli 1 u 2

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 22 776 724 | 22 776 724 | 26 167 678 | 26 167 678 | 23 853 989,92 | 23 373 776,94 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa amministrattiva u tal-persunal tal-Aġenzija (Titoli 1 u 2).

L-Aġenzija għandha tinforma l-awtorità tal-baġit dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-

ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness 'Żona Ekonomika Ewropea' ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Finanzjarju tal-Qafas ta' Ħidma għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju jsawru dħul assenjat (l-Artikolu 18(1)(f) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Il-pjan tal-istabbiliment tal-Aġenzija jidher fil-Parti bit-titolu 'Pjan ta' stabbiliment tal-persunal' tat-Taqsima III — il-Kummissjoni (Volum 3).

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar it-titjib fis-sigurtà fuq il-bastimenti u fil-portijiet (ĠU L 129, 29.4.2004, p. 6).

Id-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar it-tniġġis ikkawżat minn vapuri u l-introduzzjoni ta' sanzjonijiet, inklużi pieni kriminali, għal reati ta' tniġġis (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 11).

*Atti ta' referenza*

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà (COM(2010)0611).

## Partita 06 02 02 02 — Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima — Kontribuzzjoni għat-Titolu 3

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 8 431 789 | 9 000 000 | 7 061 416 | 8 870 489 | 9 288 729,00 | 9 999 550,54 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-neqfa operattiva tal-Aġenzija li tirrigwarda l-programm ta' ħidma (Titolu 3), esklużi miżuri kontra t-tniġġis (ara l-Partita 06 02 02 03).

L-Aġenzija għandha tinforma l-awtorità tal-baġit dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness 'Żona Ekonomika Ewropea' ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Finanzjarju tal-Qafas ta' Ħidma għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju jsawru dħul assenjat (l-Artikolu 18(1)(f) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà Marittima (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar it-titjib fis-sigurtà fuq il-bastimenti u fil-portijiet (ĠU L 129, 29.4.2004, p. 6).

Id-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar it-tniġġis ikkawżat minn vapuri u l-introduzzjoni ta' sanzjonijiet, inklużi pieni kriminali, għal reati ta' tniġġis (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 11).

*Atti ta' referenza*

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà (COM(2010)0611).

## Partita 06 02 02 03 — Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà Marittima — Miżuri kontra t-tniġġis

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 22 663 000 | 18 414 450 | 20 000 000 | 20 500 000 | 23 000 000,00 | 17 833 288,40 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kosti marbuta mal-kiri ta' bastimenti kontra t-tniġġis (bit-tagħmir tagħhom) sabiex jiġi miġġieled it-tniġġis aċċidentali jew apposta mill-vapuri, ma' tagħmir tekniku speċjalizzat, mat-twaqqif u l-operazzjoni ta' ċentru ta' servizzi ta' xbihat bis-satellita, ma' studji u proġetti ta' riċerka sabiex jittejbu t-tagħmir u l-metodi kontra t-tniġġis.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness 'Żona Ekonomika Ewropea' ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Finanzjarju tal-Qafas ta' Ħidma għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju jsawru dħul assenjat (l-Artikolu 18(1)(f) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Il-kontribuzzjoni sħiħa tal-Unjoni għall-2013 tammonta għal total ta' EUR 55 892 094. Ammont ta' EUR 2 020 581 li ġej mill-irkupru tas-surplus, jiżdied mal-ammont ta' EUR 53 871 513 imdaħħal fil-baġit.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà Marittima (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 2038/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar l-iffinanzjar pluriannwali tal-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà Marittima fil-qasam tal-ġlieda kontra t-tniġġis mill-vapuri (ĠU L 394, 30 12. 2006, p. 1). rettifika: ĠU L 30, 3.2.2007, p. 12).

*Atti ta' referenza*

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà (COM(2010) 611 finali).

## *Artikolu 06 02 03 — Attivitajiet ta' appoġġ għall-politika Ewropea tat-trasport u d-drittijiet tal-passiġġieri*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 25 000 000 | 15 126 157 | 31 770 000 | 16 307 145 | 20 909 410,97 | 16 688 793,49 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa mġarrab mill-Kummissjoni għall-ġbir u l-ipproċessar ta' informazzjoni ta' kull tip li hija meħtieġa għall-analiżi, id-definizzjoni, il-promozzjoni, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika komuni għat-trasport tal-Unjoni, għal kull mod ta' trasport (tat-triq, bil-ferrovija, bl-ajru, bil-baħar u fuq passaġġi tal-ilma interni) u għas-setturi kollha tat-trasport (is-sikurezza tat-trasport, is-suq intern tat-trasport bir-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu, l-ottimizzazzjoni tan-netwerk tat-trasport, id-drittijiet u l-protezzjoni tal-passiġġieri fil-modi kollha tat-trasport, kif ukoll għal kull settur

ieħor relatat mat-trasport). L-azzjonijiet u l-objettivi prinċipali approvati għandhom l-iskop li jappoġġaw il-politika komuni għat-trasport tal-Unjoni Ewropea, inkluża l-estensjoni f'pajjiżi terzi, għajnuna teknika għall-modi u s-setturi kollha tat-trasport, taħriġ speċifiku, definizzjoni tar-regoli tas-sikurezza tat-trasport, il-promozzjoni ta' politika komuni li tinkludi t-twaqqif u l-implimentazzjoni tal-orjentazzjoni tan-netwerk trans-Ewropew approvat mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll it-tisħiħ tad-drittijiet u l-protezzjoni tal-passiġġieri fil-modi kollha tat-trasport u t-titjib fl-applikazzjoni u l-infurzar tar-Regolamenti eżistenti għad-drittijiet tal-passiġġieri, b'mod partikolari permezz ta' attivitajiet immirati għal għarfien aħjar tal-kontenut ta' dawn ir-Regolamenti, immirati kemm għall-industrija tat-trasport kif ukoll għall-pubbliku li jivvjaġġa.

Dawn l-attivitajiet għandhom jippromwovu u jappoġġjaw mobilità intermodali mingħajr xkiel għal persuni b'mobilità mnaqqsa (PRMs).

B'rabta mar-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar kumpens u assistenza lill-passiġġieri tal-ajru meta jitħallew l-art jew f'każ ta' tħassir jew dewmien twil ta' titjiriet (ĠU L 46, 17.2.2004, p. 1), il-Kummissjoni jeħtieġ li tiżviluppa miżuri addizzjonali li jagħmlu l-infurzar tar-Regolament iktar effiċjenti.

L-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1371/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji tirrikjedi azzjoni speċifika ta' implimentazzjoni minħabba rekwiżiti legali għar-rappurtar tal-Kummissjoni u minħabba l-interkonnessjoni kumplessa ta' strutturi reġjonali, nazzjonali u internazzjonali amministrattivi (COTIF) involuti fl-implimentazzjoni. Bħala miżura importanti għall-appoġġ tal-implimentazzjoni, il-Kummissjoni se tmexxi kampanja informattiva ta' sentejn dwar id-drittijiet tal-passiġġieri li se tibda fl-2010 u se tkopri l-Istati Membri tal-Unjoni kollha.

Dawn l-azzjonijiet u l-għanijiet jistgħu jiġu appoġġjati fl-livelli differenti (lokali, reġjonali, nazzjonali Ewropew u internazzjonali), għal kull mod ta' trasport u għal kull settur relatat mat-trasport, kif ukoll fl-oqsma tekniċi, teknoloġiċi, regolatorji, informattivi, ambjentali, klimatiċi u politiċi u għall-iżvilupp sostenibbli.

It-trasport bl-ajru ilu minn żmien twil wieħed mis-setturi li dwaru, l-awtoritajiet tal-konsumaturi, jirċievu l-aktar ilmenti fl-Unjoni Ewropea. Iż-żieda fl-għadd ta' tranżazzjonijiet kummerċjali li jsiru elettronikament (bl-użu tal-Internet jew bil-mobajl) wasslet sempliċement għal aktar ksur tal-leġiżlazzjoni Ewropea dwar il-konsumatur.

Wieħed mill-ilmenti prinċipali tal-konsumaturi tal-Unjoni huwa li m'hemmx mezzi effettivi ta' rimedju fl-ajruporti nfushom, b'mod partikolari meta jinqalgħu kwistjonijiet minħabba nuqqas min-naħa tal-linji tal-ajru u min-naħa ta' fornituri ta' servizzi oħrajn li jissodisfaw l-obbligi tagħhom. Għalhekk, il-konsumaturi u l-awtoritajiet tat-trasport bl-ajru Ewropej jeħtieġ li jaħdmu flimkien biex jiġi żgurat titjib immedjat fl-appoġġ tal-passiġġieri u fil-faċilitajiet ta' informazzjoni fl-ajruporti u, fl-istess ħin, biex tiżdied il-koregolamentazzjoni f'dan is-settur.

Ajru Uniku Ewropew

L-implimentazzjoni sħiħa tal-Ajru Uniku Ewropew (erba' regolamenti bażiċi, ir-Regolamenti (KE) Nru 549/2004, (KE) Nru 550/2004, (KE) Nru 551/2004 u (KE) Nru 552/2004, u aktar minn għoxrin regola ta' implementazzjoni) hija prijorità prinċipali biex titjieb il-prestazzjoni tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru f'termini ta' sikurezza, kosteffikaċja tal-forniment tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, tnaqqis tad-dewmien fil-flussi tat-traffiku tal-ajru u l-prestazzjoni ambjentali u għalhekk tat-trasport bl-ajru fl-Ewropa.

L-azzjonijiet prinċipali jikkonsistu minn:

— implimentazzjoni tal-iskema tal-prestazzjoni madwar l-UE kollha — ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 691/2010 li jimponi fuq il-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru miri għas-sikurezza, l-kosteffikaċja, l-ambjent u l-kapaċità skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21.2.2011 (2011/121/UE) u revalutazzjoni mill-Kummissjoni tal-pjanijiet ta' prestazzjoni fil-livell nazzjonali/FAB fl-2012,

— id-difframmentazzjoni tal-ispazju tal-ajru Ewropew permezz tal-istabbiliment ta' blokki funzjonali tal-ispazju tal-ajru sa Diċembru 2012 kif previst fl-Artikolu 9a) tar-Regolament (KE) 550/2004,

— implimentazzjoni tal-funzjonijiet tan-network ċentralizzati fil-livell Ewropew, inkluż sostenn f'każ ta' kriżi fin-netwerk skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (EC) 551/2004 u r-Regolament (UE) 677/2011,

— tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-awtoritajiet ta' sorveljanza kif identifikat fir-Rapport ippreżentat lill-Kunsill u lill-Parlament dwar l-istat tal-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew f'Novembru 2011,

— aktar konsolidazzjoni tal-leġiżlazzjoni permezz tal-aġġornament u l-adozzjoni tal-pjan direzzjonali regolatorju tal-Ajru Uniku li jimmira lejn l-ippjanar ta' standards tekniċi u speċifikazzjonijiet tal-Unjoni,

— l-adozzjoni ta' approċċ ta' sistema totali li tintegra pereżempju l-ajruporti, id-dimensjonijiet tas-sikurezza u s-sigurtà u l-varar ta' teknoloġiji ġodda li jirriżultaw mill-programm SESAR dwar ir-riċerka u l-iżvilupp.

L-iżvilupp ta' politika tas-sigurtà tat-trasport bl-art flimkien mal-preparazzjoni tal-komunikazzjoni dwar is-sigurtà tat-trasport fl-2011 u l-applikazzjoni sussegwenti tagħha.

L-estensjoni tal-Leġiżlazzjoni Unika Ewropea għall-Istati tax-Xlokk permezz tal-ftehim tal-ECAA hija pass importanti biex titwettaq il-politika tal-viċinat. Din l-azzjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 7 tar-Regolament qafas (KE) Nru 549/2004.

*Bażi ġuridika*

Kompiti li jirriżultaw mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fuq il-livell istituzzjonali, kif ipprovdut fl-Artikolu 49(6) tar-Regolament Finanzjarju.

## *Artikolu 06 02 06 — Il-programm Marco Polo II*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 60 000 000 | 50 000 000 | 62 844 000 | 24 187 314 | 59 647 506,52 | 18 154 268,82 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għall-implimentazzjoni ta' programm għall-promozzjoni ta' alternattivi għall-ġarr internazzjonali ta' merkanzija fit-triq, imsejjaħ Marco Polo II.

Il-programm Marco Polo II jipproponi 5 tipi ta' miżuri biex jikseb l-għanijiet tiegħu:

— azzjonijiet modali ta' trasferiment, biex tkun trasferita, fi żmien qasir, parti importanti mit-traffiku fit-triq għal modi ta' trasport oħra li jkunu inqas mimlija,

— azzjonijiet katalistiċi li se jippermettu li barrieri strutturali tas-suq jiġu megħluba permezz tal-implimentazzjoni tas-servizzi innovattivi ġodda,

— azzjonijiet komuni ta' tagħlim bil-għan li titjieb il-kooperazzjoni, il-qsim tal-kapaċità u l-iżvilupp tal-għarfien fl-industrija tal-loġistika,

— azzjonijiet li jipprovdu servizzi tal-loġistika ta' kwalità għolja bbażati fuq tbaħħir fil-qosor, li se jkun kumparabbli ma' awtostradi u li se jissejħu 'Awtostradi tal-Baħar',

— azzjonijiet biex ikun evitat it-traffiku li se jinvolvu rwol attiv mill-industrija tal-manifattura u s-sistemi tal-loġistika fi ħdan strateġija waħda koerenti biex tiżviluppa operazzjonijiet sostenibbli.

In-netwerks tal-infrastruttura tat-trasport tal-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ġodda bħalissa mhumiex xierqa biżżejjed biex jilqgħu l-flussi akbar tal-kummerċ li ġab miegħu it-tkabbir; f'każi bħal dawn, is-soluzzjonijiet intermodali tat-trasport huma l-aħjar tweġiba għal dan u għalhekk hemm skop kbir ħafna għall-Marco Polo II bħala tkomplija u tisħiħ tal-programm ta' suċċess Marco Polo I.

L-appoġġ għall-azzjoni kummerċjali fis-suq għas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija huwa differenti mill-appoġġ mogħti permezz ta' programmi ta' riċerka u żvilupp u l-programm trans-Ewropew tan-netwerk. Marco Polo II se jħaddan proġetti ta' tibdil modali f'kull settur tas-suq tal-merkanzija, mhux biss fit-trasport ikkumbinat.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Ir-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness 'Żona Ekonomika Ewropea' ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontributi tal-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok li jkun hemm approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Ir-Regolament Finanzjarju.

Parti mill-approprjazzjoni se tintuża għall-programm Marco Polo rivedut u għal programm speċifiku dwar l-ilmijiet interni navigabbli, waqt li jitqiesu l-benefiċċji ambjentali tiegħu, il-karatteristiċi speċifiċi tiegħu u l-benefiċċji li se jġib lill-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1692/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Ottubru 2006 li jistabbilixxi t-tieni programm Marco Polo għall-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Komunità biex tittejjeb il-prestazzjoni ambjentali tas-sistema tat-trasport tal-merkanzija ( Marco Polo II ) (ĠU L 328 tal-24.11.2006, p. 1).

## *Artikolu 06 02 07 — It-tlestija tal-programm Marco Polo*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | p.m. | p.m. | 453 626 | 0,— | 1 143 775,27 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji ta' qabel.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Ir-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness 'Żona Ekonomika Ewropea' ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontributi tal-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni f'programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok li jkun hemm approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Ir-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1382/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 dwar l-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja biex ittejjeb il-prestazzjoni ambjentali tas-sistema tat-trasport tal-merkanzija (Programm Marco Polo) (ĠU L 196, 2.8.2003, p. 1).

## *Artikolu 06 02 08 — Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji*

### Partita 06 02 08 01 — Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji — Kontribuzzjoni għat-Titoli 1 u 2

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 17 853 400 | 17 853 400 | 17 459 892 | 17 459 892 | 18 149 121,00 | 18 145 000,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa amministrattiva u tal-persunal tal-Aġenzija (Titoli 1 u 2).

L-Aġenzija għandha tinforma l-awtorità tal-baġit dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness 'Żona Ekonomika Ewropea' ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Finanzjarju tal-Qafas ta' Ħidma għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju jsawru dħul assenjat (l-Artikolu 18(1)(f) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Il-pjan tal-istabbiliment tal-Aġenzija jidher fil-Parti bit-titolu 'Pjan ta' stabbiliment tal-persunal' tat-Taqsima III — il-Kummissjoni (Volum 3).

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 881/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta’ April 2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji (Ir-Regolament tal-Aġenzija) (ĠU L 164, 30. 4. 2004, p. 1).

Id-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta’ April 2004 fuq is-sigurtà tal-linja tal-ferrovija tal-Komunità (id-Direttiva tas-Sigurtà Tal-Linji tal-Ferrovija) (ĠU L 164, 30.4.2004, p. 44).

Id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Ottubru 2007 dwar iċ-ċertifikazzjoni ta’ sewwieqa tal-ferroviji li joperaw lokomotivi u ferroviji fuq is-sistema ferrovjarja tal-Komunità (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 51).

Id-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Ġunju 2008 dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità (ĠU L 191, 18.7.2008, p. 1).

### Partita 06 02 08 02 — Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji — Kontribuzzjoni għat-Titolu 3

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 7 018 000 | 7 018 000 | 7 027 508 | 7 027 508 | 7 734 544,00 | 6 398 665,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa operattiva tal-Aġenzija dwar il-programm tax-xogħol (Titolu 3).

L-Aġenzija għandha tinforma l-awtorità tal-baġit dwar it-trasferimenti ta’ approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f’din il-partita. Għal skop ta’ informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-għoti ta’ approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness ‘Żona Ekonomika Ewropea’ ta’ din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta’ din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Finanzjarju tal-Qafas ta’ Ħidma għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju jsawru dħul assenjat (l-Artikolu 18(1)(f) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għas-sena 2013 tammonta għal total ta' EUR 25 007 400. Ammont ta' EUR 136 000 li ġej mill-irkupru tas-surplus jiżdied mal-ammont ta' EUR 24 871 400 imdaħħal fil-baġit.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 881/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta’ April 2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji (Ir-Regolament tal-Aġenzija) (ĠU L 164, 30. 4. 2004, p. 1; rettifika: ĠU L 220, 21.6.2004, p. 3).

Id-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta’ April 2004 dwar is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità (Id-Direttiva tas-Sigurtà tal-Linji tal-Ferrovija) (ĠU L 164, 30.4.2004, p. 44).

Id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Ottubru 2007 dwar iċ-ċertifikazzjoni ta’ sewwieqa tal-ferroviji li joperaw lokomotivi u ferroviji fuq is-sistema ferrovjarja tal-Komunità (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 51).

Id-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Ġunju 2008 dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità (ĠU L 191, 18.7.2008, p. 1).

## *Artikolu 06 02 11 — Is-sigurtà tat-trasport*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 2 510 000 | 1 800 000 | 2 300 000 | 2 086 677 | 2 081 327,00 | 1 723 478,46 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri nefqa magħmula mill-Kummissjoni għall-ġbir u l-ipproċessar tal-informazzjoni ta' kull xorta meħtieġa għall-analiżi, id-definizzjoni, il-promozzjoni, il-monitoraġġ, il-valutazzjoni, u l-implimentazzjoni tar-regoli u l-miżuri meħtieġa biex itejbu s-sigurtà tat-trasport bl-art, bl-ajru u bil-baħar, inkluż estenzjoni lejn pajjiżi terzi, għajnuna teknika u taħriġ speċifiku.

L-oġġettivi ewlenin huma għall-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' regoli ta' sigurtà fil-qasam tat-trasport fil-qasam ta' trasport u b'mod partikolari:

- miżuri biex jiġu evitati atti malizjużi fis-settur tat-trasport,
- approssimazzjoni tal-leġislazzjoni, standards tekniċi u prattiċi ta' monitoraġġ amministrattiv dwar is-sigurtà tat-trasport,
- definizzjoni ta' indikaturi komuni, metodi u oġġettivi ta' sigurtà għas-settur tat-trasport u l-ġbir tad-data meħtieġa għal din id-definizzjoni,
- monitoraġġ ta' miżuri meħuda fir-rigward tas-sikurezza tat-trasport mill-Istati Membri, bil-modi kollha,
- koordinazzjoni internazzjonali fir-rigward tas-sigurtà tat-trasport,
- promozzjoni tar-riċerka fis-sigurtà tat-trasport.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba, biex b'mod partikulari tkopri n-nefqa fuq l-istabbiliment u l-operat ta' korpi ta' spetturi li jikkontrollaw il-konformità mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-ajruporti, portijiet u faċilitajiet tal-portijiet fl-Istati Membri, inkluża l-estensjoni għal pajjiżi terzi, u l-vapuri li jtajru l-bandiera ta' xi Stat Membru. Din in-nefqa tinkludi kumpens għas-sussistenza għal kuljum u l-ispejjeż tal-ivvjaġġar tal-ispetturi tal-Kummissjoni u l-ispejjeż tal-ispetturi mill-Istati Membri, li jiġġarbu skont id-dispożizzjonijiet stipulati f'dik il-leġiżlazzjoni. L-ispiża għat-taħriġ tal-ispetturi, għal-laqgħat ta' tħejjija u għall-provvisti meħtieġa għall-ispezzjonijiet għandhom, b'mod partikolari, jiżdiedu ma' dik in-nefqa.

Skont il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Lulju 2010 bl-isem 'Lejn żona Ewropea ta' sikurezza tat-toroq: orjentazzjonijiet politiċi dwar is-sikurezza tat-toroq 2011-2020', l-infurzar tar-regoli tat-traffiku tat-triq għandu jkun preżenti b'mod b'saħħtu fl-orjentazzjonijiet il-ġodda tal-politika tas-sikurezza tat-toroq. Parti minn dawn l-approprjazzjonijiet se saħħaħ in-nuqqas ta' infurzar tar-regoli tas-sikurezza tat-toroq fil-livell tal-Unjoni billi tistabbilixxi netwerk ta' awtoritajiet nazzjonali responsabbli għas-sikurezza tat-toroq bl-iskop li jingħataw pariri, tixxerred u tinqasam il-prattika tajba; tissaħħaħ l-edukazzjoni u tittejjeb il-viżibilità tal-progress fis-sikurezza tat-toroq. Dak in-netwerk jippromwovi l-parteċipazzjoni fuq livell Ewropew ta', fost entitajiet oħrajn, assoċjazzjonijiet ta' vittmi ta' aċċidenti tat-toroq, prosekuturi nazzjonali u membri tal-pulizija responsabbli għas-sikurezza tat-toroq, osservaturi nazzjonali tal-Istati Membri tas-sikurezza tat-toroq, esperti, universitajiet eċċ,. Id-dinamika dak in-netwerk għanha tikkontribwixxi wkoll għat-twaqqif ta' assoċjazzjoni Ewropea ta' prosekuturi għas-sikurezza tat-toroq. Il-potenzjal sħiħ ta' strateġija Ewropea ta' infurzar fil-fatt ma kienx intlaħaq fil-programmi preċedenti ta' sikurezza tat-toroq, b'mod partikolari bin-nuqqas ta' progress tal-proposta tal-Kummissjoni rigward infurzar transkonfinali. Saflaħħar intlaħaq ftehim mal-Kunsill u, skont it-test approvat, il-Kummissjoni "għandha tikkonsulta l-partijiet interessati relevanti, bħall-awtoritajiet jew il-korpi tal-infurzar tal-liġi u tas-sikurezza fit-toroq, l-assoċjazzjonijiet tal-vittmi u organizzazzjonijiet mhux governattivi oħra li jkunu attivi fil-qasam tas-sikurezza fit-toroq" fir-rieżami previst tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni.

*Bażi ġuridika*

Ħidma li tirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fuq livell istituzzjonali, kif ipprovdut fl-Artikolu 49(6) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002, li jistabbilixxi r-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitàjiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar it-titjib tas-sigurtà fuq il-vapuri u fil-faċilitajiet tal-portijiet (ĠU L 129, 29.4.2004, p. 6).

Id-Direttiva (KE) Nru 65/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar it-titjib tas-sigurtà fil-portijiet (ĠU L 310, 25.11.2005, p. 28)

Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili (ĠU L 97, 9.4.2008, p. 72).

Id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi (ĠU L 260, 30.9.2008, p. 13).

## *Artikolu 06 02 12 — Proġett pilota — Is-sigurtà fuq in-netwerk trans-Ewropew tat-triq*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | — | — | p.m. | 0,— | 889 271,19 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata biex tkopri impenji preċedenti għal proġett ta' prova dwar is-sikurezza tan-netwerk ta' trasport bit-triq trans-Ewropew, li jinvolvi parking mgħasses għat-trakkijiet biswit rotot ta' trasport bit-triq ewlenin madwar l-Ewropa u mekkaniżmu ta' ċertfikazzjoni, per eżempju fil-forma ta' 'bandiera blu', għal parking sikur għat-trakkijiet.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar- Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/25 tal-25 ta' Gunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli ghall-baġit generali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 06 02 13 — Azzjoni ta' tħejjija — L-iffaċilitar tat-traffiku transkonfinali fuq il-fruntieri esterni tal-Grigal tal-Unjoni fil-punti ta' qsim (mill-aspetti tas-sikurezza u s-sigurtà tat-traffiku)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | p.m. | — | 300 000 | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata għall-azzjoni ta' tħejjija għall-iffaċilitar tas-sigurtà u s-sikurezza tat-traffiku transkonfinali fi tliet punti ta' qsim tal-fruntieri esterni tal-Grigal tal-Unjoni, permezz tal-ħolqien ta' massimu ta' tliet parkeġġi sikuri għat-trakkijiet sabiex tittejjeb is-sikurezza fit-toroq, is-sigurtà tas-sewwieqa u tal-merkanzija u jiġu indirizzati l-problemi ambjentali u soċjali maħluqa minn kjuwijiet twal ta' trakkijiet f'punti ta' qsim tal-fruntieri.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 06 02 14 — Azzjoni ta' tħejjija — Informazzjoni tat-trasport Ewropew u interface għall-ibbukkjar għall-modi kollha ta' trasport*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| — | 750 000 | 1 500 000 | 750 000 | |

*Kummenti*

Din l-azzjoni ta' tħejjija għandha l-għan li torbot flimkien is-sistemi lokali, reġjonali, nazzjonali u internazzjonali eżistenti ta' informazzjoni għal min jivvjaġġa kif ukoll li toffri informazzjoni lill-pubbliku internazzjonali u l-possibilità li jixtri biljetti permezz ta' interface waħda multilingwali. Din l-inizjattiva għandu jkollha l-għan li:

— toħloq interface Ewropea ta' informazzjoni dwar it-trasport li wieħed ikun jista' jkollu aċċess għaliha faċilment u li tipprovdi lill-passiġġieri data dak il-ħin stess għal kwalunkwe vjaġġ fl-Ewropa u għal kwalunkwe mod ta' trasport; din l-interface tista' wkoll tipprovdi informazzjoni dwar id-drittijiet tal-passiġġieri u l-marka ambjentali ta' kull vjaġġ (emissjonijiet tas-CO2, konsum tal-fjuwil, eċċ.) biex ikun jista' jsir tqabbil bejn il-modi ta' trasport;

— toħloq għodda għall-ibbukkjar fuq l-internet li tiffaċilita l-ivvjaġġar fl-Ewropa kollha, kif ukoll għodda li tippjana l-vjaġġi,

għodda li tagħtik il-prezz tal-vjaġġ u għodda għall-ġestjoni tat-talbiet ta' disponibilità u ta' ħruġ integrat tal-biljetti;

— il-konnesjoni ta’ sistemi ta’ informazzjoni tal-vjaġġaturi.

L-azzjoni ta' tħejjija għandha tkun ibbażata fuq ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 454/2011 tal-5 ta' Mejju 2011 dwar speċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabilità tal-applikazzjonijiet telematiċi għas-servizzi tal-passiġġieri tas-sistema ferrovjarja trans-Ewropea (TAP TSI) (ĠU L 123, 12.5.2011, p. 11). Fl-ewwel stadju l-azzjoni ta' tħejjija għandha tapplika biss għal numru limitat ta’ pajjiżi, għal numru limitat ta' ilsna, u għal set limitat ta’ data. Għandha tkun ibbażata fuq xenarji differenti li jippreżentaw taħlita differenti ta' modi. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għar-reservazzjoni ta’ għajnuna għall-persuna b'mobbiltà mnaqqsa.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## KAPITOLU 06 03 — NETWERKS TRANS-EWROPEJ

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 06 03 | NETWERKS TRANS-EWROPEJ | | | | | | | | |
| ***06 03 01*** | ***It-tlestija tal-appoġġ finanzjarju għall-proġetti ta’ interess komuni fin-netwerk tat-trasport trans-Ewropew*** | 1.1 | — | 10 000 000 | — | 36 290 043 | 56 975,00 | 53 274 756,40 | 532,75 % |
| ***06 03 03*** | ***Appoġġ finanzjarju għall-proġetti ta’ interess komuni fin-netwerk tat-trasport trans-Ewropew*** | 1.1 | 1 410 000 000 | 708 000 000 | 1 275 406 119 | 714 278 771 | 1 207 046 637,54 | 772 227 978,45 | 109,07 % |
| ***06 03 05*** | ***L-Impriża Konġunta SESAR*** | 1.1 | — | 45 000 000 | 50 000 000 | 40 826 298 | 50 000 000,00 | 9 000 000,00 | 20,00 % |
| | **Kapitolu 06 03 — Total** | | **1 410 000 000** | **763 000 000** | **1 325 406 119** | **791 395 112** | **1 257 103 612,54** | **834 502 734,85** | **109,37 %** |

### *Artikolu 06 03 01 — It-tlestija tal-appoġġ finanzjarju għall-proġetti ta’ interess komuni fin-netwerk tat-trasport trans-Ewropew*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | 10 000 000 | — | 36 290 043 | 56 975,00 | 53 274 756,40 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji ta’ qabel tal-programm Netwerk Ewropew tat-Trasport (TEN-T).

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri l-likwidazzjoni tal-impenji mogħtija sal-31 ta’ Diċembru 2006.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2236/95 tat-18 ta’ Settembru 1995 li jistabbilixxi regoli ġenerali għall-għoti ta’ għajnuna finanzjarja Komunitàrja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej (ĠU L 228, 23.9.1995, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Lulju 1996 fuq linji gwida tal-Komunità għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport (ĠU L 228, 9.9.1996, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 876/2002 tal-21 ta’ Mejju 2002 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta Galileo (ĠU L 138, 28.5.2002, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2001) 2654 tad-19 ta' Settembru 2001 li tistabbilixxi programm multiannwali indikattiv għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitàrja fil-qasam tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport għall-perjodu 2001-2006.

## *Artikolu 06 03 03 — Appoġġ finanzjarju għall-proġetti ta' interess komuni fin-netwerk tat-trasport trans-Ewropew*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 1 410 000 000 | 708 000 000 | 1 275 406 119 | 714 278 771 | 1 207 046 637,54 | 772 227 978,45 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għat-twaqqif u l-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T), li hija kkunsidrata li hija politika ewlenija għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern u għall-koeżjoni ekonomika u soċjali (Artikoli 170 sa 172 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea). Din il-kontribuzzjoni tieħu s-sura ta' kofinanzjament ta' proġetti ta' interess komuni identifikati fid-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE.

L-għan huwa biex:

— jgħin sabiex ikunu definiti proġetti ta' interess komuni, jiġu minimizzati dispożizzjonijiet mhux ċari u kontradittorji rigward dikjarazzjonijiet ta' interess komuni u l-applikazzjoni vinkolanti tal-leġiżlazzjoni ambjentali,

— tiħaffef l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tal-proġetti TEN-T ta' interess komuni, billi tingħata attenzjoni speċjali lill-infrastruttura eżistenti fi ħdan il-proġetti ferrovjarji ta' TEN-T fuq medda qasira ta' żmien, b'mod partikulari meta l-implimentazzjoni ta' dawn il-proġetti tkun diġà nbdiet, sabiex il-kurituri jsiru aktar vijabbli u effiċjenti, u mingħajr sempliċement l-istennija tal-iżvilupp fuq medda twila ta' żmien ta' proġetti kbar ħafna f'dawn il-kurituri,

— jintgħelbu l-ostakoli finanzjarji li jistgħu jtellfu l-fażi tal-bidu ta' proġett, partikolarment permezz ta' studji ta' fattibilita,

— tiħeġġeġ il-parteċipazzjoni ta' kapital privat fil-finanzjament ta' proġetti, kif ukoll sħubijiet pubbliċi/privati,

— biex ikunu żgurati arranġamenti finanzjarji aħjar għall-proġetti, b'minimizzazzjoni tal-użu tal-finanzjament pubbliku permezz ta' mezzi flessibbli ta' intervent,

— jintgħażlu eżempji ta' konnessjonijiet reġjonali transkonfinali tal-ferrovija li ġew żarmati jew abbandunati, bi preferenza għal dawk li jista' jkollhom interkonnessjoni mat-TEN-T.

Kofinanzjament tat-tħaddim as-Sistema Ewropea tal-Ġestjonitat-Traffiku tal-ferrovija (ERTMS) għandha tkun tal-ogħla prijorita.

Trid tingħata attenzjoni speċjali għal proġetti ta' ferroviji transkonfinali li jikkontribwixxu biex jgħaqqdu l-Ewropa b'mod aħjar.

Il-Kummissjoni għandha, f'kollaborazzjoni mal-BEI, tittestja t-tfassil tal-istrument finanzjarju l-ġdid bħal ma huma dawk ibbażati fuq l-approċċ tat-tisħiħ tal-kreditu (approċċ tal-ewwel parti tat-telf tal-portafoll bħall-RSFF fil-qasam tar-riċerka) biex jiġi stimulat il-bidu ta' suq Ewropew dwar il-bonds tal-proġetti għall-iffinanzjar tal-infrastruttura trans-Ewropea strateġika. Bħall-isħubijiet pubbliċi privati, il-bonds tal-proġetti ma joffrux soluzzjoni esklussiva għall-problemi baġitarji tal-Ewropa. F'ambjent fejn ir-regolamentazzjoni u l-istrateġiji tan-negozju fis-settur finanzjarju qed jinbidlu b'rata mgħaġġla, test bikri ta' tali strumenti huwa bżonnjuż biex jibqgħu flessibbli u biex jaġġustaw l-istrumenti tal-politika pubblika.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 680/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 li jistabbilixxi regoli ġenerali għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitàrja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport u tal-enerġija
(ĠU L 162, 22.6.2007, p. 1).

Id- Deċiżjoni Nru 661/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 fuq linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk transEwropew tat-trasport Test b'rilevanza għaż-ŻEE (ĠU L 204, 5.8.2010, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007) 6382 tas-17 ta' Diċembru 2007 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Bank Ewropew tal-Investiment fir-rigward tal-Istrument ta' Garanzija fuq is-Self għall-Proġetti TEN-T.

## *Artikolu 06 03 05 — L-Impriża Konġunta SESAR*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | 45 000 000 | 50 000 000 | 40 826 298 | 50 000 000,00 | 9 000 000,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri azzjoni mmirata lejn l-implimentazzjoni tal-komponent teknoloġiku tal-politika tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR) inkluż it-tħaddim tal-Proġett Konġunt SESAR.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 1996 fuq linji gwida tal-Komunità għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport (ĠU L 228, 9.9.1996, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 219/2007 tas-27 ta' Frar 2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) (ĠU L 64, 2.3.2007, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 680/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 li jistabbilixxi regoli ġenerali għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitàrja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport u tal-enerġija
(ĠU L 162, 22.6.2007, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007)3512 tat-23 ta' Lulju 2007, li tistabbilixxi l-programm ta' ħidma multiannwali għal għotjiet fil-qasam tan-netwerk trans-Ewropew għall-perjodu 2007-2013.

# KAPITOLU 06 06 — RIĊERKA RELATATA MAT-TRASPORT

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 06 06 | Riċerka relatata mat-trasport | | | | | | | | |
| ***06 06 02*** | ***Ir-riċerka marbuta mat-trasport (li tinkludi l-Ajrunawtika)*** | | | | | | | | |
| 06 06 02 01 | Ir-riċerka marbuta mat-trasport (li tinkludi l-Ajrunawtika) | 1.1 | p.m. | 10 665 913 | p.m. | 13 608 766 | 1 543 848,44 | 25 622 676,39 | 240,23 % |
| 06 06 02 02 | Riċerka relatata mat-trasport (inkluża l-ajrunawtika) — Impriża Konġunta Ċelloli tal-Fjuwil u Idroġenu (FCH) | 1.1 | 2 656 000 | 3 833 000 | 2 980 000 | 1 680 794 | 3 030 448,00 | 1 696 223,00 | 44,25 % |
| 06 06 02 03 | L-Impriża Konġunta SESAR | 1.1 | 58 324 795 | 45 000 000 | 58 600 000 | 40 826 298 | 59 994 680,00 | 9 000 000,00 | 20,00 % |
| | *Artikolu 06 06 02 — Sub-total* | | 60 980 795 | 59 498 913 | 61 580 000 | 56 115 858 | 64 568 976,44 | 36 318 899,39 | 61,04 % |
| ***06 06 04*** | ***Approprjazzjonijiet li jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terżi għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (barra miż-Żona Ekonomika Ewropea)*** | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 18 089 899,20 | 3 365 733,67 | |
| ***06 06 05*** | ***Tlestija ta' programmi preċedenti*** | | | | | | | | |
| 06 06 05 01 | Tlestija ta' programmi (qabel l-2003) | 1.1 | — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 0,— | |
| 06 06 05 02 | Tlestija tas-Sitt Programm Kwadru tal-KE (2003 sal-2006) | 1.1 | — | 589 829 | — | 6 668 295 | 43 851,93 | 19 288 542,19 | 3270,19 % |
| | *Artikolu 06 06 05 — Sub-total* | | — | 589 829 | — | 6 668 295 | 43 851,93 | 19 288 542,19 | 3270,19 % |
| | **Kapitolu 06 06 — Total** | | **60 980 795** | **60 088 742** | **61 580 000** | **62 784 153** | **82 702 727,57** | **58 973 175,25** | **98,14 %** |

*Kummenti*

Dawn ir-rimarki huma applikabbli għall-intestaturi kollha tal-baġit f'dan il-kapitolu.

Dawn l-approprjazzjonijiet se jintużaw għas-Seba' Programm Kwadru tal-Komunita Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni, li jkopri l-perjodu mill-2007 sal-2013.

Il-programm se jitwettaq sabiex isegwi l-għanijiet ġenerali deskritti fl-Artikolu 179 tat-TFUE, sabiex jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' soċjetà msejsa fuq l-għarfien, ibbażat fuq iż-Żona Ewropea ta' Riċerka, jiġifieri jappoġġa l-kooperazzjoni transnazzjonali fuq kull livell tal-Unjoni kollha, iżid id-dinamiżmu, il-kreattività u l-eċċellenza tar-riċerka Ewropea sal-limiti tal-għarfien, isaħħaħ ir-riżorsi umani tar-riċerka u tat-teknoloġija fl-Ewropa fuq il-livelli kwantitattivi u kwalitattivi u l-kapaċitajiet tar-riċerka u tal-innovazzjoni fl-Ewropa kollha u jassigura li jsir l-aqwa użu minnu.

Taħt dawn l-Artikoli u l-Partiti jaqgħu wkoll l-ispejjeż ta' laqgħat ta' livell għoli xjentifiċi u teknoloġiċi, konferenzi, workshops u seminars ta' interess Ewropew organizzati mill-Kummissjoni, il-finanzjament ta' analiżi u valutazzjonijiet xjentifiċi u teknoloġiċi ta' livell għoli magħmulin f'isem l-Unjoni għall-investigazzjoni ta' oqsma ġodda ta' riċerka xierqa għall azzjoni tal-Unjoni, fost oħrajn, fil-kuntest taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, u miżuri għall-monitoraġġ u t-tixrid tar-riżultati tal-programmi, inkluż miżuri skont programmi kwadru ta' qabel.

Dawn l-approprjazzjonijiet ikopru wkoll nefqa amministrattiva, inkluża nefqa għal persunal, informazzjoni, pubblikazzjonijiet, operazzjoni amministrattiva u teknika, u ċerti oġġetti oħra ta' nefqa rigward l-infrastruttura interna marbuta mal-ilħuq tal-oġġettiv tal-miżuri li jifformaw parti integrali minnha, inkluż l-azzjoni u l-miżuri meħtieġa għall-preparazzjoni u l-kontroll tal-istrateġija RTD tal-Unjoni.

Il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi jew istituti minn pajjiżi terzi fil-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika hija possibbli fil-każ ta' xi wħud minn dawn il-proġetti. Kull kontribut finanzjarju jiddaħħal fil-Partiti 6 0 1 3 u 6 0 1 5 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u jista' jwassal biex isiru approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju.

Dħul mill-Istati li jieħdu sehem fil-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika se jiddaħħal fil-Partita 6 0 1 6 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u jista' jwassal biex approprjazzjonijiet isiru addizzjonali skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju

Kull dħul mill-kontributi tal-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni f'programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok li jkun hemm approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

Kwalunkwe kontribut finanzjarju minn entitajiet minn barra l-Unjoni se jiddaħħal fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u jista' jwassal biex isiru approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju.

L-approprjazzjonijiet addizzjonali jsiru disponibbli skont l-Artikolu 06 06 04.

## *Artikolu 06 06 02 — Ir-riċerka marbuta mat-trasport (li tinkludi l-Ajrunawtika)*

### Partita 06 06 02 01 — Ir-riċerka marbuta mat-trasport (li tinkludi l-Ajrunawtika)

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 10 665 913 | p.m. | 13 608 766 | 1 543 848,44 | 25 622 676,39 |

*Kummenti*

Dawn il-miżuri ta' riċerka għandhom l-għan li jikkontribwixxu għal bidla modali favur it-trasport bil-ferrovija, trasport kollettiv/pubbliku, il-mobilità mhux motorizzata (iċ-ċikliżmu/il-mixi) u passaġġi fuq l-ilma kif ukoll is-sikurezza fit-trasport. Għandhom ikunu bbażati fuq approċċ li jinvolvi l-interoperabbiltà, l-intermodalità, is-sikurezza u l-integrazzjoni tal-iżvilupp sostenibbli fir-riċerka dwar it-trasport (l-Artikolu 11 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea). Bl-istess mod, miżuri ta' riċerka għandhom l-għan li jiffavorixxu żviluppi innovattivi fil-mod tal-avjazzjoni u fil-ġestjoni tal-ATM (ġestjoni tat-traffiku fl-ajru) madwar l-Ewropa.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri azzjoni mmirata għal:

— l-iżvilupp ta' mezzi ta' trasport u sistemi ta' trasport għal kull tip ta' wiċċ (bil-ferrovija, mit-toroq u l-passaġġi interni navigabbli) li jkunu bla ħsara għall-ambjent u kompetittivi (inklużi, fil-kuntest tal-mobilitá urbana, ktajjen intermodali ta' mobilità

sostenibbli, li jikkombinaw il-mixi, ir-roti, it-trasport pubbliku jew kollettiv u l-użu komuni tal-karozzi),

- l-iffukar fuq ir-riċerka fl-oqsma tal-konġestjoni tat-traffiku, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima relat mat-trasport, metodi għal-kalkolu aktar preċiż tal-ispejjeż esterni tat-trasport u l-aċċess għal mezzi ta' trasport u infrastruttura għal persuni b'mobilità mnaqqsa,
- it-twettiq tal-komponent teknoloġiku tal-Politika ta' Sema Wieħed Ewropew (SESAR), b'konnessjoni mal-proġetti Clean Sky, li jintegraw it-tnaqqis tal-konsum tal-fjuwil u l-bidla fil-klima mill-inġenji tal-ajru, meta jitqiesu l-effetti tal-istrixxi ta' kondensazzjoni fuq il-klima,
- ir-ribilanċjament u l-integrazzjoni ta' modi differenti ta' trasport,
- il-ferroviji, it-toroq u t-trasport marittimu jkunu aktar siguri, effiċjenti u kompettitivi,
- l-appoġġ għall-politika Ewropea ta' trasport sostenibbli, bi prijorità mogħtija biex jinkisbu l-miri tal-Unjoni għall-konsum għas-$CO_2$ u l-fjuwil ta' 20 % u 30 % rispettivament sal-2020 f'dan is-settur,
- appoġġ għal fjuwil alternattiv, u l-iżviluppi ta' inġenji ġodda permezz tar-riċerka konġunta li tiffoka fuq demostrazzjonijiet kbar għal kull mod ta' trasport.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; jistgħu jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness 'Żona Ekonomika Ewropea' ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali tal-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri tar-riċerki u universitajiet f'azzjonijiet skont is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007 -2013) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/971/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar Programm Speċifiku 'Kooperazzjoni' li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2013 -2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86; korrett bil-ĠU L 54, 22.2.2007, p. 30).

## Partita 06 06 02 02 — Riċerka relatata mat-trasport (inkluża l-ajrunawtika) — Impriża Konġunta Ċelloli tal-Fjuwil u Idroġenu (FCH)

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 2 656 000 | 3 833 000 | 2 980 000 | 1 680 794 | 3 030 448,00 | 1 696 223,00 |

*Kummenti*

L-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tas-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013) u b'mod partikolari għat-temi tal-Programm Speċifiku "Kooperazzjoni" għal "Enerġija", "Nanoxjenzi, Nanoteknoloġiji, Materjali u Teknoloġiji ta' Produzzjoni ġodda", "Ambjent (inkluż it-Tibdil fil-Klima)", u "Trasport (inkluż l-ajrunawtika)". Għandha, b'mod partikolari: timmira li tpoġġi lill-Ewropa fuq quddiem nett fid-dinja fit-teknoloġiji taċ-ċelloli tal-fjuwil u tal-idroġenu u li tgħin lit-teknoloġiji taċ-ċelloli tal-fjuwil u tal-idroġenu jippenetraw fis-suq, u b'hekk tippermetti l-forzi kummerċjali tas-suq imexxu 'l quddiem il-benefiċċji potenzjali sostanzjali għall-pubbliku; tappoġġa riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (RTD) fl-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati mas-Seba' Programm Kwadru ("pajjiżi Assoċjati") b'mod koordinat sabiex jingħelbu n-nuqqasijiet tas-suq u tiffoka fuq l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet fis-suq u b'hekk tiffaċilita sforzi industrijali addizzjonali għall-iskjerament malajr ta' teknoloġiji ta' ċelloli tal-fjuwil u ta' idroġenu, tappoġġa l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet RTD tal-JTI dwar Ċelloli tal-Fjuwil u Idroġenu, notevolment billi tagħti għotjiet wara sejħiet kompetittivi għal proposti; timmira biex tħeġġeġ aktar investiment pubbliku u privat fir-riċerka tat-teknoloġiji taċ-ċelloli tal-fjuwil u tal-idrogenu fl-Istati Membri u Pajjiżi Assoċjati.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness 'Żona Ekonomika Ewropea' għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/971/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku 'Kooperazzjoni' li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għal attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p.86; rettifika ĠU L 54, 22.2.2007, p. 30).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 521/2008 tat-30 ta' Mejju 2008 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u tal-Idroġenu (ĠU L 153, 12.6.2008, p.1).

## Partita 06 06 02 03 — L-Impriża Konġunta SESAR

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 58 324 795 | 45 000 000 | 58 600 000 | 40 826 298 | 59 994 680,00 | 9 000 000,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-fażi tal-iżvilupp tal-programm SESAR għall-implimentazzjoni tal-komponent teknoloġiku tal-politika ta' sema waħdani Ewropew (SESAR), inkluż il-funzjonament tal-Imprża Konġunta tas-SESAR.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness 'Żona Ekonomika Ewropea' ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri tar-riċerka, u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007 sal-2011) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/971/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar Programm Speċifiku 'Kooperazzjoni' li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għal attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007 sal-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p.86).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 219/2007 tas-27 ta' Frar dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) (ĠU L 64, 2.3.2007, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1361/2008 tas-16 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 219/2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) (ĠU L 352, 31.12.2008, p. 12).

## *Artikolu 06 06 04 — Approprjazzjonijiet li jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terżi għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (barra miż-Żona Ekonomika Ewropea)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 18 089 899,20 | 3 365 733,67 |

*Kummenti*

Dan l-artikolu huma maħsub biex ikopri n-nefqa li tikkorrespondi għal dħul li jagħti lok għad-disponibbilità ta' approprjazzjonijiet addizzjonali minn partijiet terzi (mhux Żona Ekonomika Ewropea) jew pajjiżi terzi li jipparteċipaw f'proġetti fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku.

Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul li jidħol fil-Partiti 6 0 1 3, 6 0 1 5, 6 0 1 6, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali.

## *Artikolu 06 06 05 — Tlestija ta' programmi preċedenti*

### Partita 06 06 05 01 — Tlestija ta' programmi (qabel l-2003)

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex tkopri l-impenji ta' qabel.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness 'Żona Ekonomika Ewropea' ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/516/Euratom, KEE tat-28 ta' Settembru 1987 dwar il-programm kwadru ta' attivitajiet tal-Komunità fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (1987 - 1991) (ĠU L 302, 24.10.1987, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/221/Euratom, KEE tat-23 ta' April 1990 dwar il-programm kwadru ta' attivitajiet tal-Komunità fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (1990 - 1994) (ĠU L 117, 8.5.1990, p. 28).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/167/Euratom, KEE tal-15 ta' Marzu 1993 li tadatta d-Deċiżjoni 90/221/Euratom, KEE dwar il-programm kwadru ta' attivitajiet tal-Komunità fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (1990 - 1994) (ĠU L 69, 20.3.1993, p. 43).

Id-Deċiżjoni Nru 1110/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' April 1994 dwar ir-raba' Programm Kwadru dwar attivitajiet tal-Komunitajiet Ewropej fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp u d-dimostrazzjoni teknoloġika (1994 - 1998) (ĠU L 126, 18.5.1994, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 616/96/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 1996 li adattat id-Deċiżjoni Nru 1110/94/KE dwar ir-raba' Programm Kwadru dwar attivitajiet tal-Komunitàjiet Ewropej fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp u d-dimostrazzjoni teknoloġika (1994-1998) wara l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju tal-Iżvezja mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 86, 4.4.1996, p. 69).

Id-Deċiżjoni Nru 2535/97/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-1 ta' Diċembru 1997 li tadotta għat-tieni darba d-Deċiżjoni Nru 1110/94/KE dwar ir-raba' Programm Kwadru dwar attivitajiet tal-Komunitajiet Ewropej fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp u d-dimostrazzjoni teknoloġika (1994 - 1998) (ĠU L 347, 18.12.1997, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 182/1999/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Diċembru 1998 dwar il-ħames Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta’ dimostrazzjoni (1998 - 2002) (ĠU L 26, 1.2.1999, p. 1).

## Partita 06 06 05 02 — Tlestija tas-Sitt Programm Kwadru tal-KE (2003 sal-2006)

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | 589 829 | — | 6 668 295 | 43 851,93 | 19 288 542,19 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri l-impenji ta’ qabel.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f’din il-partita. Għal skop ta’ informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-għoti ta’ approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness ‘Żona Ekonomika Ewropea’ ta’ din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta’ din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1513/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta’ Ġunju 2002 li tikkonċerna s-sitt Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea dwar l-attivitajiet ta’ riċerka, l-iżvilupp tekonoloġiku u d-dimostrazzjoni li jikkontribwixxu għall-ħolqien taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u għall-innovazzjoni (mill-2002 sal-2006) (ĠU L 232, 29.8.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/834/KE tat-30 ta’ Settembru 2002 li tadotta programm speċifiku għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni: L-Integrazzjoni u t-tisħiħ tal-Qasam Ewropew tar-Riċerka (2002-2006) (ĠU L 294, 29.10.2002, p. 1).

# TITOLU 07 — AMBJENT U AZZJONI DWAR IL-KLIMA

*Figuri*

| Titolu Kapitolu | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 07 01 | In-Nefqa amministrattiva tal-qasam politiku “L-Ambjent u l-azzjoni dwar il-klima” | | 98 157 201 | 98 157 201 | 95 795 776 | 95 795 776 | 95 903 471,08 | 95 903 471,08 |
| | 40 01 40 | | | | 89 800<br>95 885 576 | 89 800<br>95 885 576 | | |
| 07 02 | Kwistjonijiet marbuta ma' Azzjoni Ambjentali u Klimatika Globali | 4 | 3 200 000 | 3 850 000 | 4 050 000 | 4 723 337 | 3 555 675,63 | 3 163 568,08 |
| 07 03 | L-Iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni | 2 | 368 970 397 | 283 949 397 | 363 481 896 | 268 872 255 | 355 749 158,37 | 227 504 457,59 |
| | 40 02 41 | | | | 4 184 040<br>367 665 936 | 4 184 040<br>273 056 295 | | |
| 07 12 | Implementazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-azzjoni dwar il-klima | 2 | 20 700 000 | 19 300 000 | 19 300 000 | 15 171 404 | 17 027 772,64 | 8 540 189,00 |
| 07 13 | Mainstreaming klimatiku u innovazzjoni | 2 | 5 000 000 | 5 000 000 | 5 000 000 | 3 750 000 | 4 980 765,94 | 325 293,15 |
| | **Titolu 07 — Total** | | **496 027 598** | **410 256 598** | **487 627 672** | **388 312 772** | **477 216 843,66** | **335 436 978,90** |
| | **40 01 40, 40 02 41**<br>**Total + riżerva** | | | | **4 273 840**<br>**491 901 512** | **4 273 840**<br>**392 586 612** | | |

## Kapitolu 07 01 — In-Nefqa amministrattiva tal-qasam politiku "L-Ambjent u l-azzjoni dwar il-klima"

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 07 01 | In-Nefqa amministrattiva tal-qasam politiku "L-Ambjent u l-azzjoni dwar il-klima" | | | | | |
| ***07 01 01*** | ***Nefqa marbuta mal-persunal impjegat attivament fil-qasam politiku "L-Ambjent u l-azzjoni dwar il-klima"*** | 5 | 62 161 378 | 60 955 506 | 60 884 038,20 | 97,95 % |
| ***07 01 02*** | ***Nefqa għall-persunal estern u nefqa oħra relatata mal-immaniġġjar b'sostenn għall-qasam politiku "L-Ambjent u l-azzjoni dwar il-klima"*** | | | | | |
| 07 01 02 01 | Persunal estern | 5 | 5 521 765 | 5 521 692 | 6 470 317,77 | 117,18 % |
| 07 01 02 11 | Nefqa oħra relatata mat-tmexxija | 5 | 5 960 762 | 5 926 675 | 6 035 535,47 | 101,25 % |
| | 40 01 40 | | | 89 800<br>6 016 475 | | |
| | *Artikolu 07 01 02 — Sub-total* | | 11 482 527 | 11 448 367 | 12 505 853,24 | 108,91 % |
| | *40 01 40* | | | 89 800<br>11 538 167 | | |
| ***07 01 03*** | ***In-nefqa relatata mat-tagħmir u s-servizzi tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni tal-qasam ta' politika tal-"Ambjent u l-Azzjoni Klimatika":*** | 5 | 3 863 296 | 3 891 903 | 4 578 959,53 | 118,52 % |
| ***07 01 04*** | ***In-nefqa ta' sostenn għall-operazzjonijiet għall-qasam politiku 'L-Ambjent u l-azzjoni dwar il-klima'*** | | | | | |
| 07 01 04 01 | LIFE+ (Strument Finanzjarju għall-Ambjent — mill-2007 sal-2013) — In-nefqa għat-tmexxija amministrattiva | 2 | 18 200 000 | 17 200 000 | 15 332 024,54 | 84,24 % |
| 07 01 04 04 | Kontribuzzjoni għall-attivitajiet ambjentali u klimatiċi internazzjonali — Nefqa fuq l-immaniġġjar amministrattiv | 4 | 300 000 | 300 000 | 273 318,53 | 91,11 % |
| 07 01 04 05 | Implimentazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar Azzjonijiet Klimatiċi — Nefqa fuq l-immaniġġjar amministrattiv | 2 | 2 150 000 | 2 000 000 | 2 329 277,04 | 108,34 % |
| | *Artikolu 07 01 04 — Sub-total* | | 20 650 000 | 19 500 000 | 17 934 620,11 | 86,85 % |
| | **Kapitolu 07 01 — Total** | | **98 157 201** | **95 795 776** | **95 903 471,08** | **97,70 %** |
| | **40 01 40**<br>**Total + riżerva** | | | **89 800**<br>**95 885 576** | | |

### *Artikolu 07 01 01 — Nefqa marbuta mal-persunal impjegat attivament fil-qasam politiku "L-Ambjent u l-azzjoni dwar il-klima"*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 62 161 378 | 60 955 506 | 60 884 038,20 |

### *Artikolu 07 01 02 — Nefqa għall-persunal estern u nefqa oħra relatata mal-immaniġġjar b'sostenn għall-qasam politiku "L-Ambjent u l-azzjoni dwar il-klima"*

#### Partita 07 01 02 01 — Persunal estern

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 5 521 765 | 5 521 692 | 6 470 317,77 |

Partita 07 01 02 11 — Nefqa oħra relatata mat-tmexxija

*Figuri*

| | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|
| 07 01 02 11 | 5 960 762 | 5 926 675 | 6 035 535,47 |
| 40 01 40 | | 89 800 | |
| Total | 5 960 762 | 6 016 475 | 6 035 535,47 |

## *Artikolu 07 01 03 — In-nefqa relatata mat-tagħmir u s-servizzi tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni tal-qasam ta' politika tal-"Ambjent u l-Azzjoni Klimatika":*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 3 863 296 | 3 891 903 | 4 578 959,53 |

## *Artikolu 07 01 04 — In-nefqa ta' sostenn għall-operazzjonijiet għall-qasam politiku 'L-Ambjent u l-azzjoni dwar il-klima'*

Partita 07 01 04 01 — LIFE+ (Strument Finanzjarju għall-Ambjent — mill-2007 sal-2013) — In-nefqa għat-tmexxija amministrattiva

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 18 200 000 | 17 200 000 | 15 332 024,54 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— spejjeż ta' assistenza teknika għall-għażla ta' proġetti u l-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-awditjar tal-proġetti magħżula fl-ambitu tal-programm LIFE + (inklużi l-organizzazzjonijiet mhux governattivi sostnuti permezz ta' għotjiet għall-operat), kif ukoll il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-awditjar tal-proġetti LIFE III li għaddejjin bħalissa,

— pubblikazzjonijiet u attivitajiet biex jinxterdu r-riżultati u l-aħjar prattiki li joħorġu mill-proġetti LIFE u LIFE +, li b'hekk jappoġġaw is-sostenibbiltà tagħhom, u laqgħat ta' esperti u l-benefiċjarji tal-proġetti (konsulenza dwar l-immaniġġjar ta' proġetti, in-networking, il-qsim tar-riżultati u l-aħjar prassi),

— l-iżvilupp, il-manutenzjoni, it-tħaddim u l-appoġġ ta' sistemi xierqa ta' teknoloġija tal-informatika (IT) għall-komunikazzjoni, l-għażla, il-monitoraġġ, ir-rappurtar dwar il-proġetti u t-tixrid tar-riżultati tal-proġetti,

— l-iżvilupp, il-manutenzjoni, l-operar u l-appoġġ (ħardwer, softwer u servizzi) ta' sistemi informatiċi marbuta direttament mal-kisba tal-għanijiet politiki tal-programm, għall-benefiċċju reċiproku tal-Kummissjoni u l-benefiċjarji u l-partijiet interessati

— in-nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, konferenzi, evalwazzjonijiet, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-għanijiet tal-programm LIFE+ jew miżuri li jaqgħu taħt din l-intestatura tal-baġit, kif ukoll in-nefqa għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix kompiti pubbliċi esternalizzati mill-Kummissjoni b'kuntratti ta' servizz ad hoc għall-benefiċċju reċiproku tal-benefiċjarji u tal-Kummissjoni.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, fejn huwa applikabbli, mill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent li huma kandidati potenzjali għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon li hemm bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fit-tmexxija amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Ir-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Artikolu 07 03 07.

Partita 07 01 04 04 — Kontribuzzjoni għall-attivitajiet ambjentali u klimatiċi internazzjonali — Nefqa fuq l-immaniġġjar amministrattiv

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 300 000 | 300 000 | 273 318,53 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa fuq studji, laqgħat ta' esperti, teknoloġija tal-informatika, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbutin direttament mal-ksib tal-għanijiet tal-attivitajiet koperti b'din il-partita, u kwalunkwe nefqa oħra teknika jew amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet tal-awtorità pubblika mogħtija b'kuntratt mill-Kummissjoni permezz ta’ kuntratti ta’ servizz *ad hoc*.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Artikolu 07 02 01 u 07 11 01.

Partita 07 01 04 05 — Implimentazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar Azzjonijiet Klimatiċi — Nefqa fuq l-immaniġġjar amministrattiv

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 2 150 000 | 2 000 000 | 2 329 277,04 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni taħt il-programm LIFE+ hija maħsuba li tkopri:

— L-ospitar, il-manutenzjoni, is-sigurtà, l-iżgurar tal-kwalità, l-operar u s-sostenn (ħardwer, softwer u servizzi) ta' sistemi tat-teknoloġija tal-informatika (IT) marbuta direttament mal-ksib tal-għanijiet politiki tal-programm LIFE+ fil-qasam tal-azzjoni klimatika, partikolarment ir-Reġistru Komunitarju Indipendenti tat-Tranżazzjonijiet (CITL) u sistemi tal-IT marbuta mal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tas-saff tal-ożonu, il-bażi tad-dejta dwar is-Sustanzi li jnaqqsu l-Ożonu,

— in-nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, evalwazzjonijiet, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-għanijiet tal-programm LIFE+ jew miżuri li jaqgħu taħt din l-intestatura tal-baġit fil-qasam tal-azzjoni dwar il-klima, kif ukoll in-nefqa għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix kompiti pubbliċi esternalizzati mill-Kummissjoni b'kuntratti ta' servizz ad hoc għall-benefiċċju reċiproku tal-benefiċjarji u tal-Kummissjoni. Din tinkludi wkoll materjal ta’ komunikazzjoni bħal fuljetti elettroniċi, appoġġ għal avvenimenti, u stħarriġ tal-Eurobarometer.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, fejn huwa applikabbli, mill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent li huma kandidati potenzjali għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon li hemm bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fit-tmexxija amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Ir-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Artikolu 07 12 01.

## Kapitolu 07 02 — Kwistjonijiet marbuta ma' Azzjoni Ambjentali u Klimatika Globali

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 07 02 | Kwistjonijiet marbuta ma' Azzjoni Ambjentali u Klimatika Globali | | | | | | | | |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *07 02 01* | ***Kontribut għal ftehimiet ambjentali u klimatiċi multilaterali u internazzjonali*** | 4 | 3 200 000 | 3 200 000 | 3 050 000 | 2 684 697 | 2 555 675,63 | 2 555 675,63 | 79,86 % |
| *07 02 02* | ***Tlestija tal-LIFE (Strument Finanzjarju Ewropew għall-Ambjent — 2000 sal-2006) — Operazzjonijiet barra t-territorju tal-Unjoni*** | 4 | — | p.m. | — | 238 640 | 0,— | 377 892,45 | |
| *07 02 03* | ***Proġett pilota — Monitoraġġ ambjentali tal-Baċir tal-Baħar l-Iswed u Programm ta' Qafas Komuni Ewropew għall-Iżvilupp tar-Reġjun tal-Baħar l-Iswed*** | 4 | — | p.m. | — | 700 000 | 0,— | 0,— | |
| *07 02 04* | ***Azzjoni ta' tħejjija — Monitoraġġ ambjentali tal-Baċir tal-Baħar l-Iswed u Programm ta' Qafas Ewropew komuni għall-Iżvilupp tar-Reġjun tal-Baħar l-Iswed*** | 4 | — | 150 000 | p.m. | 600 000 | 1 000 000,00 | 230 000,00 | 153,33 % |
| *07 02 05* | ***Azzjoni ta' tħejjija — Valutazzjoni strateġika tal-impatt ambjentali tal-iżvilupp fl-Artiku Ewropew*** | 4 | p.m. | 500 000 | 1 000 000 | 500 000 | | | |
| | **Kapitolu 07 02 — Total** | | **3 200 000** | **3 850 000** | **4 050 000** | **4 723 337** | **3 555 675,63** | **3 163 568,08** | **82,17 %** |

## *Artikolu 07 02 01 — Kontribut għal ftehimiet ambjentali u klimatiċi multilaterali u internazzjonali*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 3 200 000 | 3 200 000 | 3 050 000 | 2 684 697 | 2 555 675,63 | 2 555 675,63 |

*Kummenti*

*Dawk li qabel kienu l-Partiti 07 02 01 u 07 11 01*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri kontributi obbligatorji u volontarji għal numru dejjem jikber ta' konvenzjonijiet, protokolli u ftehimiet internazzjonali li l-Unjoni hija parti tagħhom u xogħol ta' tħejjija għal ftehimiet internazzjonali tal-ġejjieni li jinvolvu lill-Unjoni.

F'xi każijiet, kontribuzzjonijiet għal protokolli sussegwenti huma inklużi fil-kontribuzzjonijiet għall-konvenzjoni bażika tagħhom.

*Bażi ġuridika*

Azzjonijiet imwettqa mill-Kummissjoni minħabba ħidma li jirriżulta mill-prerogattivi tagħha fuq livell istituzzjonali skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni u t-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u skont l-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward Ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 77/585/KEE tal-25 ta' Lulju 1977 li tikkonkludi, f'isem il-Komunità, il-Konvenzjoni għall-protezzjoni tal-Baħar Mediterran mit-tniġġis (ĠU L 240, 19.9.1977, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 81/462/KEE tal-11 ta' Ġunju 1981 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità, tal-konvenzjoni dwar it-tniġġis transkonfinali tal-arja f'distanza twila (ĠU L 171, 27.6.1981, p. 11).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 82/72/KEE tat-3 ta' Diċembru 1981 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità, tal-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni ta' annimali slavaġ u ambjenti naturali Ewropej (ĠU L 38, 10.2.1982, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 82/461/KEE tal-24 ta' Ġunju 1982 li tirrigwarda l-konklużjoni, f'isem il-Komunità, tal-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tal-ispeċje migratorji tal-annimali selvaġġi — u ftehimiet relatati (ĠU L 210, 19.7.1982, p. 10).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 84/358/KEE tat-28 ta' Ġunju 1984 dwar l-Ilħuq, f'isem il-Komunità, tal-Ftehim għall-kooperazzjoni dwar kif jiġi trattat it-tniġġis tal-Baħar tat-Tramuntana bħala riżultat taż-żejt u ta' sustanzi oħra perikolużi (ĠU L 188, 16.7.1984, p. 7).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/277/KEE tat-12 ta' Ġunju 1986 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità tal-Protokoll għall-Konvenzjoni dwar tniġġis tal-arja transkonfini f'distanza kbira dwar l-iffinanzjar fit-tul tal-programm ta' kooperazzjoni li jimmonitorja u jevalwa t-trasmissjoni f'distanza kbira ta' sustanzi li jniġġsu l-arja fl-Ewropa (ĠU L 181, 4.7.1986, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 88/540/KEE tal-14 ta' Ottubru 1988 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni ta' Vjenna għall-ħarsien tas-saff tal-ożonu u l-Protokoll ta' Montreal dwar sustanzi li jdgħajfu s-saff tal-ożonu (ĠU L 297, 31.10.1988, p. 8).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/98/KEE tal-1 ta' Frar 1993 dwar it-tmiem, f'isem il-Komunità, tal-Konvenzjoni dwar il-kontroll tal-moviment barra l-konfini ta' skart perikoluż u r-rimi tiegħu (Konvenzjoni ta' Basel) (ĠU L 39, 16.2.1993, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/550/KEE tal-20 ta' Ottubru 1993 li tikkonċerna t-tmiem tal-ftehim ta' koperazzjoni dwar il-protezzjoni mit-tniġġis tax-xtut u l-ibħra fil-grigal tal-atlantiku (ĠU L 267, 28.10.1993, p. 20).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/626/KEE tal-25 ta' Ottubru 1993 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità, tal-Konvenzjoni fuq id-Diversità Bijoloġika (ĠU L 309, 13.12.1993, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/69/KE tal-15 ta' Diċembru 1993 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kambjamenti tal-Klima (ĠU L 33, 7.2.1994, p. 11).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/156/KE tal-21 ta' Frar 1994 dwar l-adeżjoni tal-Komunità mal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni [tal-Ambjent tal-Baħar] taż-Żona tal-Baħar Baltiku 1974 [il-Konvenzjoni ta' Ħelsinki] (ĠU L 73, 16.3.1994, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/101/EC tas-27 ta' Ġunju 1997 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità, tal-Konvenzjoni dwar il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali f'kuntest transkonfinali (Il-Konvenzjoni ESPOO) (proposta ĠU C 104, 24.4.1992, p. 5; Id-Deċiżjoni mhux pubblikata).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/825/KE tal-24 ta' Novembru 1997 li tikkonċerna, f'isem il-Komunità, l-konklużjoni tal-Konvenzjoni fuq il-koperazzjoni tal-protezzjoni u użu sostenibbli tax-xmara Danubju (ĠU L 342, 12.12.1997, p. 18).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/216/KE tad-9 ta' Marzu 1998 fuq il-konklużjoni, f'isem il-Komunitajiet Ewropej, tal-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda biex tkun kumbattuta d-deżertifikazzjoni f'pajjiżi affettwati serjament minn nixfa u/jew deżertifikazzjoni, b'mod partikolari fl-Afrika (ĠU L 83, 19.3.1998, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/249/KE tas-7 ta' Ottubru 1997 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni għal ħarsien tal-ambjent marittimu tal-Grigal tal-Atlantiku (ĠU L 104, 3.4.1998, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/685/KE tat-23 ta' Marzu 1998 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar l-Effetti Transkonfinali tal-Inċidenti Industrijali (ĠU L 326, 3.12.1998, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/706/KE tas-7 ta' Novembru 2000 li tirrigwarda l-konklużjoni, f'isem il-Komunità, tal-Konvenzjoni għall-Ħarsien tax-xmara Renu (ĠU L 289, 16.11.2000, p. 30).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/358/KE tal-25 ta' April 2002 dwar l-approvazzjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll ta' Kyoto għall-Konvenzjoni Kwadru tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima u t-twettiq konġunt tal-obbligi tiegħu (ĠU L 130, 15.5.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/628/KE tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll ta' Cartagena dwar il-Bijosigurtà (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 48).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE tas-17 ta' Frar 2005 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' Id-Deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali (ĠU L 124, 17.5.2005, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/61/KE tat-2 ta' Diċembru 2005 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll NU-ECE dwar ir-Reġistri tal-Ħelsien u t-Trasferiment ta' Sustanzi li Jniġġsu (ĠU L 32, 4.2.2006, p. 54).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/507/KE tal-14 ta’ Ottubru 2004 dwar il-konklużjoni, f’isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni ta’ Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes (ĠU L 209, 31.7.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/730/KE tad-25 ta' Settembru 2006 li tikkonċerna l-approvazzjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura għall-Kunsens Infurmat bil-Quddiem għal ċerti kimiċi u pestiċidi perikolużi fil-kummerċ internazzjonali (ĠU L 299, 28.10.2006, p. 23).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/871/KE tat-18 ta’ Lulju 2005 dwar il-konklużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewroasjatiċi (ĠU L 345, 8.12.2006, p. 24).

## *Artikolu 07 02 02 — Tlestija tal-LIFE (Strument Finanzjarju Ewropew għall-Ambjent — 2000 sal-2006) — Operazzjonijiet barra t-territorju tal-Unjoni*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | p.m. | — | 238 640 | 0,— | 377 892,45 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri pagamenti fir-rigward ta' impenji li kien għadhom ma tħallsux mis-snin ta' qabel u li jirriżultaw mill-objettivi ġenerali tal- Programm LIFE III — “LIFE-pajjiżi terzi”.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1655/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 dwar l-Istrument Finanzjarju għall-Ambjent (LIFE) (ĠU L 192, 28.7.2000, p. 1).

## *Artikolu 07 02 03 — Proġett pilota — Monitoraġġ ambjentali tal-Baċir tal-Baħar l-Iswed u Programm ta' Qafas Komuni Ewropew għall-Iżvilupp tar-Reġjun tal-Baħar l-Iswed*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | p.m. | — | 700 000 | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Il-proġett huwa maħsub biex jippromwovi miżuri għall-monitoraġġ regolari tal-kwalità tal-ambjent tal-baħar u tax-xtajta, u għall-ġlieda kontra t-tniġġis fir-reġjun tal-Baħar l-Iswed. L-objettivi globali tiegħu huma dawn:

— li jipprovdi bażi għar-riċerka u għall-istudju tat-tniġġis tal-ambjent tal-baħar u tax-xtut; li jistudja l-impatt tat-tniġġis fuq il-bijodiversità u fuq l-impjiegi sostnuti mill-ambjent tal-baħar u tax-xtut,

— li jiżviluppa teknoloġiji ġodda għall-ħarsien tal-ambjent u t-tindif tat-tniġġis f'emerġenza,

— li titfassal u tiddaħħal fis-seħħ sistema integrata għall-monitoraġġ tal-baħar u x-xtut fir-reġjun,

— li jistabbilixxi netwerk ta' faċilitajiet għall-monitoraġġ permezz ta' sistema għall-osservazzjoni remota dinamika tas-sistema “baħar-xatt-xmara”,

— li jħarreġ in-nies u jipprepara l-istaff għall-implimentazzjoni reali tal-attivitajiet relatati mal-monitoraġġ.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar Ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 07 02 04 — Azzjoni ta' tħejjija — Monitoraġġ ambjentali tal-Baċir tal-Baħar l-Iswed u Programm ta' Qafas Ewropew komuni għall-Iżvilupp tar-Reġjun tal-Baħar l-Iswed*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | 150 000 | p.m. | 600 000 | 1 000 000,00 | 230 000,00 |

*Kummenti*

Din l-azzjoni hija maħsuba biex tħeġġeġ miżuri li jiġġieldu t-tniġġis u t-tnaqqis tal-bijodiversità fir-reġjun tal-Baħar l-Iswed u biex jiġu indirizzati l-effetti negattivi tad-degradazzjoni ambjentali.

L-objettivi globali tiegħu huma dawn:

— li jħarreġ in-nies u jipprepara l-persunal għall-implimentazzjoni reali tal-attivitajiet relatati mal-monitoraġġ,

— li jsir studju tat-tniġġis tal-ambjent tal-baħar u tax-xtut,

— li jiġu żviluppati teknoloġiji ġodda għall-ħarsien ambjentali;

— li titfassal u tiddaħħal fis-seħħ sistema integrata għall-monitoraġġ tal-baħar u x-xtut fir-reġjun,

— li jiġu determinati u immaniġġjati b'mod effiċjenti ż-żoni protetti tal-baħar,

— li jingħata kontribut għall-immaniġġjar tal-ilma fir-reġjun, inkluż b'mezzi innovattivi u kost-effikaċi biex tiżdied il-provvista tal-ilma ħelu, f'kooperazzjoni ma' żoni oħra li jħabbtu wiċċhom mal-iskarsezza tal-ilma, bħall-Mediterran.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija skont it-tifsira tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/25 tal-25 ta' Gunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli ghall-bagit generali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

### *Artikolu 07 02 05 — Azzjoni ta' tħejjija — Valutazzjoni strateġika tal-impatt ambjentali tal-iżvilupp fl-Artiku Ewropew*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| p.m. | 500 000 | 1 000 000 | 500 000 | |

*Kummenti*

*Dak li qabel kien l-Artikolu 19 11 05*

Din l-azzjoni ta' tħejjija tikkonċerna evalwazzjoni strateġika tal-impatt ambjentali fuq l-iżvilupp tal-Artiku Ewropew. L-għan tagħha huwa li jżied l-għarfien dwar l-Artiku u x-xenarju politiku, ekonomiku u ambjentali tiegħu li qed jinbidel, u l-impatt tal-politika tal-Unjoni. L-għan tagħha huwa li jiżdied l-għarfien tal-wvalwazzjonijiet tal-impatt u l-importanza tagħhom bħala għodda u mezz biex tingħabar informazzjoni għall-użu ta’ min jieħu d-deċiżjonijiet u jfassal il-politika u l-proċessi legali relatati.

L-evalwazzjoni strateġika tal-impatt ambjentali dwar l-iżvilupp tal-Artiku Ewropew issir bħal ħidma komuni, minn ċentri tal-komunikazzjoni u r-riċerka u universitajiet Artiċi fl-Unjoni u barra minnha li joħolqu pont li jiffaċilita skambju reċiproku ta' informazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-partijiet interessati tal-Artiku u jħeġġu kuntatti bejn l-UE u s-soċjetà ċivili. Barra minn hekk, il-ħidma tiffaċilita d-djalogu fi-Unjoni, tmexxi 'l quddiem l-Agenda 21 u ddaħħal il-perspettivi u l-kontribuzzjonijiet tal-Unjoni, u tkun marbuta mill-qrib mal-attivitajiet ta' evalwazzjoni tal-Kunsill tal-Artiku kif stipulat fil-laqgħa ministerjali tiegħu f'Mejju 2011.

Fl-aħħarnett, din l-azzjoni ta' tħejjija hija maħsuba biex tmexxi 'l quddiem it-twaqqif futur taċ-Ċentru għall-Informazzjoni dwar l-Artiku tal-UE kif stabbilit fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Unjoni Ewropea u r-reġjun tal-Artiku tal-20 ta' Novembru 2008 u fir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Jannar 2011 dwar “Politika sostenibbli tal-UE għat-Tramuntana Estrema”.

Il-Kunsill esprima l-appoġġ tiegħu għal użu estiż ta’ evalwazzjoniet tal-impatt strateġiċi fil-konklużjonijiet tiegħu dwar kwistjonijiet dwar l-Artiku tat-8 ta' Diċembru 2009.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## Kapitolu 07 03 — L-Iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/20 13 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 07 03 | L-Iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni | | | | | | | | |
| ***07 03 01*** | ***Tlestija tal-harsien tal-imsaġar*** | 2 | — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 0,— | |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ***07 03 03*** | ***Tlestija tal-LIFE III (Strument Finanzjarju għall-Ambjent — 2000 sal-2006) — Proġetti fuq it-territorju tal-Unjoni — Parti I (ħarsien tan-natura)*** | 2 | — | 7 800 000 | — | 9 482 128 | 0,— | 13 318 695,99 | 170,75 % |
| ***07 03 04*** | ***Tlestija tal-LIFE III (Strument Finanzjarju għall-Ambjent — 2000 sal-2006) — Proġetti fuq it-territorju tal-Unjoni — Parti II (ħarsien tan-natura)*** | 2 | — | 900 000 | — | 1 896 426 | 0,— | 6 999 660,81 | 777,74 % |
| ***07 03 06*** | ***Tlestija tal-azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni u azzjonijiet oħra ġenerali bbażati fuq l-azzjoni tal-Komunità fil-qasam tal-ambjent*** | 2 | — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 272 206,69 | |
| ***07 03 07*** | ***LIFE+ (Strument Finanzjarju għall-Ambjent — mill-2007 sal-2013)*** | 2 | 325 541 000 | 225 000 000 | 316 255 000 | 208 606 805 | 308 741 384,46 | 161 235 554,79 | 71,66 % |
| ***07 03 09*** | ***Kontribuzzjoni għall-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent*** | | | | | | | | |
| 07 03 09 01 | Aġenzija Ewropea għall-Ambjent — Kontribuzzjoni għat-Titoli 1 u 2 | 2 | 22 835 305 | 22 835 305 | 22 598 731 | 22 598 731 | 24 168 563,11 | 24 168 563,11 | 105,84 % |
| 07 03 09 02 | Aġenzija Ewropea għall-Ambjent — Kontribuzzjoni għat-Titolu 3 | 2 | 12 962 092 | 12 962 092 | 13 128 165 | 13 128 165 | 17 054 468,80 | 17 054 468,80 | 131,57 % |
| | *Artikolu 07 03 09 — Sub-total* | | 35 797 397 | 35 797 397 | 35 726 896 | 35 726 896 | 41 223 031,91 | 41 223 031,91 | 115,16 % |
| ***07 03 10*** | ***Azzjoni ta' tħejjija — Natura 2000*** | 2 | — | — | — | — | 0,— | 0,— | |
| ***07 03 11*** | ***Proġett pilota — ħarsien u konservazzjoni tal-imsaġar*** | 2 | — | — | — | p.m. | 0,— | 867 091,00 | |
| ***07 03 12*** | ***Azzjoni ta' tħejjija — Bażi legali futura għall-informazzjoni armonizzata dwar il-foresti tal-UE*** | 2 | p.m. | 250 000 | 1 000 000 | 500 000 | | | |
| ***07 03 13*** | ***Azzjoni ta' tħejjija — Sistema integrata ta' komunikazzjoni u mmaniġġjar tar-riskju tax-xtajtiet*** | 2 | — | p.m. | — | 400 000 | 0,— | 0,— | |
| ***07 03 15*** | ***Proġett pilota — Skambju ta' emissjonijiet tad-dijossidu tas-sulfat u tal-ossidu tan-nitroġenu fil-Baħar Baltiku*** | 2 | — | — | — | p.m. | 0,— | 160 000,00 | |
| ***07 03 16*** | ***Proġett Pilota — Żvilupp ta' attivitajiet ta' prevenzjoni biex titwaqqaf id-deżertifikazzjoni fl-Ewropa*** | 2 | — | p.m. | — | 900 000 | 0,— | 1 207 296,00 | |
| ***07 03 17*** | ***Azzjoni ta' tħejjija — Il-klima tal-baċin tal-Karpazji*** | 2 | — | 1 200 000 | — | 1 400 000 | 0,— | 487 542,80 | 40,63 % |
| ***07 03 18*** | ***Proġett pilota — L-irkupru ta' bastimenti li m'għadhomx jintużaw fis-sajd*** | 2 | — | p.m. | — | 200 000 | 0,— | 177 642,00 | |
| ***07 03 19*** | ***Proġett pilota — Telf ekonomiku minħabba ammonti kbar ta' ilma li jintilef fil-bliet qabel ma jilħaq il-konsumatur*** | 2 | — | 390 000 | — | 300 000 | 0,— | 0,— | |
| ***07 03 21*** | ***Proġett pilota — Ċertifikazzjoni ta' prattiki agrikoli b'rilaxxi baxxi ta' karbonju*** | 2 | — | 370 000 | — | 400 000 | 0,— | 245 000,00 | 66,22 % |
| ***07 03 22*** | ***Proġett pilota — Riċerka kumplessa dwar il-metodi biex tiġi kkontrollata l-firxa tal-allerġiji għall-ambrosia (ragweed) u għall-pollen*** | 2 | — | p.m. | — | 700 000 | 0,— | 642 062,90 | |
| ***07 03 24*** | ***Proġett pilota — Sistema Ewropea ta' rimborż għall-bottijiet tal-aluminju għax-xorb.*** | 2 | — | p.m. | — | 110 000 | 0,— | 79 896,30 | |
| ***07 03 25*** | ***Tlestija tal-iżvilupp ta' inizjattivi ġodda ta' politika*** | 2 | — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 75 000,00 | |
| ***07 03 26*** | ***Proġett pilota —— Analiżi tal-letteratura dwar l-effetti potenzjali tat-tibdil fil-klima fuq iż-żoni ta' protezzjoni tal-ilma li hu tajjeb għax-xorb fl-Unjoni u l-identifikazzjoni ta' prijoritajiet fost tipi differenti ta' provvisti tal-ilma li hu tajjeb għax-xorb*** | 2 | — | 185 000 | p.m. | 250 000 | 451 929,00 | 0,— | |
| ***07 03 27*** | ***Azzjoni ta' tħejjija — L-iskema BEST (Skema volontarja għal Servizzi ta' Bijodiversità u Ekosistemi fit-Territorji tar-Reġjuni l-Aktar Imbiegħda tal-Unjoni u l-Pajjiżi u Territorji Extra-Ewropej)*** | 2 | p.m. | 1 200 000 | 2 000 000 | 2 000 000 | 2 000 000,00 | 0,— | |
| ***07 03 28*** | ***Proġett pilota — Iċ-ċiklu tar-riċiklaġġ tal-plastik u l-impatt ambjentali fil-baħar*** | 2 | — | 325 000 | p.m. | 500 000 | 870 425,00 | 68 430,00 | 21,06 % |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ***07 03 29*** | ***Azzjoni ta' thejjija — L-iżvilupp ta' attivitajiet ta' prevenzjoni biex titwaqqaf id-deżertifikazzjoni fl-Ewropa*** | 2 | p.m. | 800 000 | 1 000 000 | 1 000 000 | 977 900,00 | 0,— | |
| ***07 03 30*** | ***Proġett pilota — Preċipitazzjoni Atmosferika — Il-protezzjoni u l-użu effiċjenti tal-ilma ħelu*** | 2 | p.m. | 375 000 | 1 500 000 | 750 000 | | | |
| ***07 03 31*** | ***Proġett Pilota — Studju komparattiv tal-pressjonijiet u miżuri fil-pjanijiet prinċipali ta' mmaniġġjar tal-baċir tax-xmara fl-Unjoni*** | 2 | — | 600 000 | p.m. | 750 000 | 1 484 488,00 | 445 346,40 | 74,22 % |
| ***07 03 32*** | ***Proġett pilota — Impatt fuq terminu ta' żmien twil ta' djar b'livell newtrali ta' emissjonijiet tal-karbonju fuq sistemi tal-ilma mormi*** | 2 | p.m. | p.m. | 1 500 000 | 750 000 | | | |
| ***07 03 33*** | ***Proġett pilota — Irkupru ta' skart mill-baħar*** | 2 | p.m. | 250 000 | 1 000 000 | 500 000 | | | |
| ***07 03 34*** | ***Proġett pilota — Id-disponibilità, l-użu u s-sostenibilità tal-ilma għall-produzzjoni tal-enerġija nukleari u enerġija mill-fossili*** | 2 | p.m. | 125 000 | 500 000 | 250 000 | | | |
| ***07 03 35*** | ***Proġett pilota — Għarfien ġdid għal Ġestjoni Integrata tal-Attività tal-Bniedem fil-Baħar*** | 2 | p.m. | 500 000 | 2 000 000 | 1 000 000 | | | |
| ***07 03 60*** | ***Aġenzija Ewropea tal-Kimika — attivitajiet fil-qasam tal-Leġiżlazzjoni dwar il-Prodotti Bijoċidali — Kontribuzzjoni minn programmi taħt l-Intestatura 2*** | | | | | | | | |
| 07 03 60 01 | Aġenzija Ewropea tal-Kimika — attivitajiet fil-qasam tal-Leġiżlazzjoni dwar il-Prodotti Bijoċidali — Kontribuzzjoni għat-Titoli 1 u 2 mill-Intestatura 2 | 2 | 3 956 133 | 3 956 133 | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | |
| | 40 02 41 | | | | 1 491 930 | 1 491 930 | | | |
| | | | | | 1 491 930 | 1 491 930 | | | |
| 07 03 60 02 | Aġenzija Ewropea tal-Kimika — attivitajiet fil-qasam tal-Leġiżlazzjoni dwar il-Prodotti Bijoċidali — Kontribuzzjoni għat-Titolu 3 mill-Intestatura 2 | 2 | 2 114 367 | 2 114 367 | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | |
| | 40 02 41 | | | | 1 236 510 | 1 236 510 | | | |
| | | | | | 1 236 510 | 1 236 510 | | | |
| | *Artikolu 07 03 60 — Sub-total* | | 6 070 500 | 6 070 500 | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | |
| | *40 02 41* | | | | 2 728 440 | 2 728 440 | | | |
| | | | | | 2 728 440 | 2 728 440 | | | |
| ***07 03 70*** | ***l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi — Attivitajiet fil-qasam tal-Leġiżlazzjoni fuq importazzjoni u esportazzjoni tas-sustanzi kimiċi perikolużi*** | | | | | | | | |
| 07 03 70 01 | l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi — Attivitajiet fil-qasam tal-Leġiżlazzjoni fuq importazzjoni u esportazzjoni tas-sustanzi kimiċi perikolużi — Kontribuzzjoni għat-Titoli 1 u 2 | 2 | 590 000 | 590 000 | p.m. | p.m. | | | |
| | 40 02 41 | | | | 345 214 | 345 214 | | | |
| | | | | | 345 214 | 345 214 | | | |
| 07 03 70 02 | l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi — Attivitajiet fil-qasam tal-Leġiżlazzjoni fuq importazzjoni u esportazzjoni tas-sustanzi kimiċi perikolużi — Kontribuzzjoni għat-Titolu 3 | 2 | 971 500 | 971 500 | p.m. | p.m. | | | |
| | 40 02 41 | | | | 1 110 386 | 1 110 386 | | | |
| | | | | | 1 110 386 | 1 110 386 | | | |
| | *Artikolu 07 03 70 — Sub-total* | | 1 561 500 | 1 561 500 | p.m. | p.m. | | | |
| | *40 02 41* | | | | 1 455 600 | 1 455 600 | | | |
| | | | | | 1 455 600 | 1 455 600 | | | |
| ***07 03 72*** | ***Proġett pilota — "Effiċjenza fl-użu tal-enerġija" fil-prattika - l-għeluq ta' ċikli minerali*** | 2 | p.m. | 250 000 | 1 000 000 | 500 000 | | | |
| | **Kapitolu 07 03 — Total** | | **368 970 397** | **283 949 397** | **363 481 896** | **268 872 255** | **355 749 158,37** | **227 504 457,59** | **80,12 %** |
| | **40 02 41** | | | | **4 184 040** | **4 184 040** | | | |
| | **Total + riżerva** | | | | **367 665 936** | **273 056 295** | | | |

## *Artikolu 07 03 01 — Tlestija tal-ħarsien tal-imsaġar*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri pagamenti fir-rigward ta’ obbligi li baqgħu pendenti minn snin preċedenti u li rriżultaw minn miżuri u azzjonijiet għal monitorjar tal-effetti tat-tniġġiż atmosferiku fuq imsaġar, l-monitorjar ta’ nirien fl-imsaġar u l-ġbir ta' informazzjoni u data dwar l-ekosistemi tal-imsaġar.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 2152/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 li jirrigwardja monitoraġġ ta' foresti u interazzjonijiet ambjentali tal-Komunità (Ċentru tal-Foresta Forest Focus) (ĠU L 324, 11.12.2003, p. 1).

## *Artikolu 07 03 03 — Tlestija tal-LIFE III (Strument Finanzjarju għall-Ambjent — 2000 sal-2006) — Proġetti fuq it-territorju tal-Unjoni — Parti I (ħarsien tan-natura)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | 7 800 000 | — | 9 482 128 | 0,— | 13 318 695,99 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri pagamenti fir-rigward ta’ obbligi li baqgħu pendenti minn snin preċedenti u li rriżultaw mill-għanijiet ġenerali tal-Programm LIFE III — fergħa tal-Ħarsien tan-Natura, dwar il-ħarsien tan-natura, u, b'mod partikolari, li jimmira lejn il-konservazzjoni tal-ħabitats naturali u ta' speċi ta' flora u fawna selvaġġa u jinkludi l-proġetti ta’ konservazzjoni u b’mod partikolari l-iżvilupp tan-netwerk Ewropea ‘Natura 2000’.

*Bażi ġuridika*

Id-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE tat-2 ta’ April 1979 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (79/409/KEE) (ĠU L 103, 25.4.1979, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġi (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

Ir-Regolament (KE) Nru 1655/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 dwar l-Istrument Finanzjarju għall-Ambjent (LIFE) (ĠU L 192, 28.7.2000, p. 1).

## *Artikolu 07 03 04 — Tlestija tal-LIFE III (Strument Finanzjarju għall-Ambjent — 2000 sal-2006) — Proġetti fuq it-territorju tal-Unjoni — Parti II (ħarsien tan-natura)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | 900 000 | — | 1 896 426 | 0,— | 6 999 660,81 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri pagamenti fir-rigward ta’ obbligi li baqgħu pendenti minn snin preċedenti u li rriżultaw mill-għanijiet ġenerali tal-Programm LIFE III — fergħa tal-Ħarsien tal-Ambjent, dwar l-iżvilupp ta’ tekniċi innovattivi u integrati u metodi għal aktar żvilupp tal-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent u azzjonijiet u studji li jipprovdu koordinament aħjar tal-effetti minn fruntiera għal oħra tal-kundizzjonijiet ambjentali u tal-temp fuq il-pajżaġġ, il-kanali tal-ilma u sistemi tal-ilma.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1655/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 dwar l-Istrument Finanzjarju għall-Ambjent (LIFE) (ĠU L 192, 28.7.2000, p. 1).

## *Artikolu 07 03 06 — Tlestija tal-azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni u azzjonijiet oħra ġenerali bbażati fuq l-azzjoni tal-Komunità fil-qasam tal-ambjent*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 272 206,69 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri pagamenti fir-rigward ta’ obbligi li baqgħu pendenti minn snin preċedenti u li rriżultaw mill-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni biex twettaq leġiżlazzjoni eżistenti, iżżid il-kuxjenza u azzjonijiet oħra ġenerali bbażati fuq il-programm ta’ azzjoni Ambjentali tal-Komunità.

Dawk l-azzjonijiet jinkludu għotjiet ta’ għajnuna lil proġetti u kuntratti ta’ servizz, laqgħat ta’ xogħol u seminars, kif ukoll it-tħejjija u l-ispejjeż ta’ produzzjoni għal materjal awdjoviżiv, avvenimenti u esibizzjonijiet, żjajjar tal-ġurnalisti, pubblikazzjonijiet u attivitajiet oħra relatati mad-disseminazzjoni u mal-websajt.

*Bażi ġuridika*

L-Azzjonijiet imwettqa mill-Kummissjoni minħabba ħidma li tirriżulta mill-prerogattivi tagħha fuq livell istituzzjonali skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa u t-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropoea tal-Enerġija Atomika u skont l-Artikolu 49(6) tar-Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward Ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1600/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Lulju 2002 li tniżżel is-Sitt Programm ta’ Azzjoni tal-Komunità Ambjentali (ĠU L 242, 10.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 07 03 07 — LIFE+ (Strument Finanzjarju għall-Ambjent — mill-2007 sal-2013)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 325 541 000 | 225 000 000 | 316 255 000 | 208 606 805 | 308 741 384,46 | 161 235 554,79 |

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex jiġi kopert l-appoġġ finanzjarju għal miżuri u proġetti li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni, l-aġġornament u l-iżvilupp tal-politika u l-leġiżlazzjoni ambjentali Ewropea, inkluża l-integrazzjoni tal-ambjent f'politiki oħra, biex b'hekk jingħata kontribut għall-iżvilupp sostenibbli. B'mod partikolari, il-programm LIFE+ għandu jappoġġa l-implimentazzjoni tas-'Sitt Programm ta' Azzjoni għall-Ambjent', inklużi l-istrateġiji tematiċi, u jiffinanzja miżuri u proġetti b'valur miżjud Ewropew fi tliet oqsma prijoritarji: natura u bijodiversità, politika u governanza ambjentali, u informazzjoni u komunikazzjoni.

Din l-approprjazzjoni tkopri b'mod partikolari:

- għotjiet ta' azzjoni għal proġetti innovattivi u/jew ta' wiri permezz ta' sejħa annwali għall-proposti, b'appoġġ għal:
  - l-aħjar prattika jew proġetti ta' wiri għall-implimentazzjoni tad-Direttivi 79/409/KEE u 2009/147/KE jew id-Direttiva 92/43/KEE, li tinkludi l-ġestjoni tas-sit u tal-ispeċijiet u l-ippjanar tas-sit, inkluż it-titjib tal-koerenza ekoloġika tan-netwerk Natura 2000, il-monitoraġġ tal-istatus tal-konservazzjoni, inkluż l-istabbiliment tal-proċeduri u strutturi għal dan il-monitoraġġ, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni għall-konservazzjonijiet tal-ħabitats u tal-ispeċijiet, l-estensjoni tan-netwerk Natura 2000 għal żoni tal-baħar u, f'każijiet limitati, ix-xiri ta' art,
  - proġetti innovattivi jew ta' dimostrazzjoni li jirrigwardaw għanijiet ambjentali tal-Unjoni, inkluż l-iżvilupp jew it-tixrid ta'

tekniki tal-aħjar prattika, għarfien prattiku u teknoloġiji,

— kampanji ta' sensibilizzazzjoni, konferenzi u taħriġ, fosthom taħriġ għall-persunal involut fl-operazzjonijiet ta' prevenzjoni ta' nirien;

— proġetti għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-għanjiet tal-Unjoni li jkollhom rabta mal-monitoraġġ fuq skala wiesgħa, armonizzat, komprensiv u għat-tul tal-foresti u tal-interazzjonijiet ambjentali.

— f'konformità mar-rekwiżit tar-Regolament (KE) Nru 614/2007, proġetti sostnuti permezz ta' għotjiet ta' azzjoni għandhom jirrappreżentaw mill-inqas 78 % tar-riżorsi baġitarji tal-programm, li minnhom għallinqas 50 % jappoġġaw il-konservazzjoni tan-natura u tal-bijodiversità.

— appoġġ għal attivitajiet operattivi ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) li huma primarjament attivi fil-ħarsien u fit-titjib tal-ambjent fil-livell tal-Unjoni u involuti fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

— miżuri ta' appoġġ għar-rwol tal-Kummissjoni fl-inizjazzjoni tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika ambjentali, permezz ta':

  — studji u evalwazzjonijiet,

  — servizzi bil-għan li jiġu implimentati u integrati l-politika u l-leġiżlazzjoni ambjentali,

  — seminars u workshops ma' esperti u partijiet interessati,

  — żvilupp u manutenzjoni ta' netwerks u databases u sistemi ta' informazzjoni u informatika marbuta direttament mal-implimentazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni, partikolarment fit-titjib tal-aċċess pubbliku għal informazzjoni ambjentali. in-nefqa koperta se tinkludi l-ispejjeż tal-iżvilupp, il-manutenzjoni, l-operat, u l-appoġġ (ħardwer, softwer u servizzi) ta' sistemi ta' informazzjoni u komunikazzjoni. Se tkopri wkoll spejjeż ta' tmexxija ta' proġetti, kontroll tal-kwalità, sigurtà, dokumentazzjoni u taħriġ marbuta mal-implimentazzjoni ta' dawn is-sistemi.

  — attivitajiet ta' informazzjoni, pubblikazzjoni u komunikazzjoni, fosthom azzjonijiet u kampanji, avvenimenti, konferenzi, laqgħat ta' ħidma, wirjiet u miżuri simili ta' sensibilizzazzjoni.

Il-proġetti u l-miżuri ffinanzjati mil-LIFE + jistgħu jiġu implimentati permezz ta' għotjiet jew proċeduri ta' sejħiet għall-offerti.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, jekk ikun applikabbli, mill-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 rigward l- Istrument Finanzjarju għall-Ambjent (LIFE+) (ĠU L 149, 9.6.2007, p. 1).

## *Artikolu 07 03 09 — Kontribuzzjoni għall-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent*

### Partita 07 03 09 01 — Aġenzija Ewropea għall-Ambjent — Kontribuzzjoni għat-Titoli 1 u 2

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 22 835 305 | 22 835 305 | 22 598 731 | 22 598 731 | 24 168 563,11 | 24 168 563,11 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-persunal tal-Aġenzija u n-nefqa amministrattiva (it-Titoli 1 u 2).

Il-Kummissjoni, jekk mitluba mill-Aġenzija, tieħu ħsieb tinnotifika l-awtorità tal-baġit bit-trasferimenti magħmula bejn l-approprjazzjonijiet operattivi u amministrattivi.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu l-approprijazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet li jagħmlu l-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Ir-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provvediment ta' approprazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ma' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta'

din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati jew, fejn huwa applikabbli, mill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent li huma kandidati potenzjali għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Ir-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal- tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jwassal għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Ir-Regolament Finanzjarju.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 16 tar-Ir-Regolament Finanzjarju tal-Qafas ta' Ħidma għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Ir-Regolament Finanzjarju jsawru dħul assenjat (l-Artikolu 18(1)(f) tar-Ir-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 401/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent n-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent (ĠU L 126, 21.5.2009, p. 13).

## Partita 07 03 09 02 — Aġenzija Ewropea għall-Ambjent — Kontribuzzjoni għat-Titolu 3

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 12 962 092 | 12 962 092 | 13 128 165 | 13 128 165 | 17 054 468,80 | 17 054 468,80 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri kontribuzzjoni lill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent f'Kopenħagen. Il-missjoni tal-Aġenzija hija li tipprovdi lill-Unjoni u lill-Istati Membri b'informazzjoni oġġettiva, affidabbli u paragunabbli fuq l-ambjent f'livell Ewropew, u għalhekk dawk ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri meħtieġa għall-ħarsien tal-ambjent, għall-valutazzjoni tar-riżultati ta' dawn il-miżuri u biex il-pubbliku jkun infurmat.

L-Istrateġija tal-EEA għall-perjodu ta’ bejn l-2009 u l-2013 adottata mill-Bord tat-Tmexxija fis-26 ta’ Novembru 2008 hija mibnija fuq tliet attivitajiet ewlenin:

— li tkompli tappoġġa l-informazzjoni meħtieġa ffissata fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u internazzjonali dwar l-ambjent u b'mod speċjali fis-Sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali tal-Komunità,

— li tipprovdi iktar valutazzjonijiet fil-ħin dwar kif u ir-raġuni għalfejn l-ambjent qiegħed jinbidel u dwar jekk il-politiki ambjentali, inkluż is-Sitt Programm ta’ Azzjoni Ambjentali tal-Komunità, l-Istrateġija dwar l-Iżvilupp Sostenibbli tal-Unjoni Ewropea u dawk li jinsabu f'oqmsa li huma relatati ma' dan humiex effettivi,

— li ttejjeb il-koordinazzjoni u t-tixrid tad-dejta u l-għarfien dwar l-ambjent mal-Ewropa kollha.

Dawn l-attivitajiet huma indirizzati permezz ta’ erba’ oqsma tal-proġett:

— temi ambjentali,

— temi mifruxa,

— valutazzjoni ambjentali integrata,

— servizzi tal-informazzjoni u komunikazzjonijiet.

Kull qasam tematiku li jiġi indirizzat ikun influwenzat minn firxa ta' proċessi soċjali u settorjali f'oqsma bħal ngħidu aħna l-agrikoltura, il-kimiċi, l-enerġija, it-trasportjew l-iżvilupp u l-ippjanar tal-użu tal-art, u jeħtieġ jidher f'kuntest usa' internazzjonali.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu l-approprijazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet li jagħmlu l-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Ir-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provvediment ta’ approprazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness “Żona Ekonomika Ewropea” ma' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta’ din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati jew, fejn huwa applikabbli, mill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent li huma

kandidati potenzjali għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Ir-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jwassal għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Ir-Regolament Finanzjarju.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 16 tar-Ir-Regolament Finanzjarju tal-Qafas ta' Ħidma għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Ir-Regolament Finanzjarju jsawru dħul assenjat (l-Artikolu 18(1)(f) tar-Ir-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Il-kontribut tal-Unjoni għall-2013 jammonta għal total ta' EUR 36 309 240. Ammont ta’ EUR 511 843 li ġej mill-irkupru tas-surplus jiżdied mal-ammont ta’ EUR 35 797 397 imdaħħal fil-baġit.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 401/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent n-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent (ĠU L 126, 21.5.2009, p. 13).

## *Artikolu 07 03 10 — Azzjoni ta' tħejjija — Natura 2000*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | — | — | — | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Dan l-artikolu huwa maħsub biex tkopri azzjonijiet preparatorji għat-tmexxija tan-network Natura 2000 (jiġifieri l-manutenzjoni u l-monitoraġġ tal-bijodiversità, l-introduzzjoni mill-ġdid tal-ispeċi, l-infrastuttura, il-kumpens għas-sidien tal-art), inkluż proġetti piloti, attivitajiet ta' komunikazzjoni u informazzjoni u l-iżvilupp ta' metodi u mudelli ta' tmexxija għal siti b'karetteristiċi u sidien differenti.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni preparatorja fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar Ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 07 03 11 — Proġett pilota — ħarsien u konservazzjoni tal-imsaġar*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | — | — | p.m. | 0,— | 867 091,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri pagamenti fir-rigward ta' impenji li baqgħu pendenti minn snin preċedenti u relatati ma' miżuri u azzjonijiet għal monitoraġġ tal-effetti tat-tniġġis atmosferiku fuq l-imsaġar, il-monitoraġġ u l-prevenzjoni ta' nirien fl-imsaġar u l-ġbir ta' informazzjoni u *data* dwar l-ekosistemi tal-imsaġar. L-attivitajiet ta' monitoraġġ jindirizzaw problemi relatati mal-ħamrija, il-bijodiversità u ż-żoni ta' assorbiment (*sinks*) forestali. Dawn l-azzjonijiet se jinvolvu għotjiet u studju u kuntratti ta' servizz flimkien mal-kontributi finanzjarji għall-ispejjeż tal-programmi mressqa mill-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali għal attivitajiet biex:

— ikomplu u jiżviluppaw aktar in-netwerk ta' siti ta' osservazzjoni li jipprovdu informazzjoni dwar l-ekosistemi tal-imsaġar,

— ikomplu u jiżviluppaw aktar sistema ta' informazzjoni tan-nirien fl-imsaġar,

— jippromwovu miżuri sabiex jipprevjenu u jiġġieldu kontra n-nirien fl-imsaġar, speċjalment f'reġjuni klassifikati bħala ta' riskju għoli, bħala estensjoni ta' miżuri li għalihom kien hemm dispożizzjonijiet taħt Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2158/92 tat-23 ta' Lulju 1992 dwar il-ħarsien tal-foresti tal-Komunità min-nirien (ĠU L 217, 31.7.1992, p. 3), li skada fil-31 ta' Diċembru 2002,

— jippromwovu miżuri ta' forestazzjoni mill-ġdid ta' żoni meqruda bin-nirien, speċjalment f'riżervi naturali u żoni protetti, b'rispett tal-elementi bijoklimatiċi u ambjentali rilevanti u bl-użu ta' speċi u varjetajiet li jaqblu mal-kundizzjonijiet lokali,

— jippromwovu u jiżviluppaw aktar l-iskema ta' sorveljanza u valutazzjoni tal-informazzjoni miġbura u tiġi żviluppata pjattaforma għall-iskambju tad-*data* ma' u fost l-Istati Membri u parteċipanti oħra interessati.

— isostnu l-programmi ta' forestazzjoni mill-ġdid f'reġjuni milquta min-nirien,

— jinvestigaw il-kawżi u l-konsegwenzi tan-nirien, li kienu partikolarment serji fis-snin riċenti, b'mod partikolari għas-settur tal-forestrija Ewropea,

— jippromwovu miżuri xierqa sabiex jipprevenu n-nirien fil-foresti, bħal *firebreaks*, passaġġi fil-foresti, punti ta' aċċess, punti tal-ilma u programmi ta' ġestjoni tal-imsaġar.

Laqgħat ta' esperti ta' Stati Membri jistgħu jkunu koperti wkoll b'dawn l-approprjazzjonijiet.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar Ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 07 03 12 — Azzjoni ta' tħejjija — Bażi legali futura għall-informazzjoni armonizzata dwar il-foresti tal-UE*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| p.m. | 250 000 | 1 000 000 | 500 000 | |

*Kummenti*

L-azzjoni preparatorja għandha tikkontribwixxi għaż-żamma ta’ sistema fil-livell tal-Unjoni u l-ġabra ta’ informazzjoni dwar il-foresti komparabbli u armonizzata biex iservu bħala bażi għall-informazzjoni dwar il-foresti fl-Unjoni li tkun rilevanti għall-politika kif inhu meħtieġ skont l-obbligi internazzjonali u l-azzjoni ewlenija 8 tal-Pjan ta’ Azzjoni għall-Foresti (COM(2006)0302) fit-tħejjija ta’ Regolament futur dwar l-informazzjoni tal-foresti tal-Unjoni armonizzata.

B’mod iktar speċifiku, din l-azzjoni ta' tħejjija tikkonsisti fil-ġbir ta' data kwantitattiva u kwalitativa dwar il-foresti, relatata mat-tibdil fil-klima, it-tniġġis tal-arja, il-bijodiversità, u l-kundizzjoni tal-foresti, inklużi l-kundizzjoni tal-ħamrija u s-sekwestru tal-karbonju, abbażi ta’ metodi u standards ta’ monitoraġġ armonizzati transnazzjonalment diġà eżistenti, preferibbilment għal plots ta’ monitoraġġ intensiv u fuq skala kbira, bl-iżgurar tal-kontinwità ta’ serje ta’ data fejn ikun possibbli. L-azzjoni għandha timmira lejn il-ġbir ta’ informazzjoni rappreżentattiva dwar il-foresti madwar l-Unjoni.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 07 03 13 — Azzjoni ta' tħejjija — Sistema integrata ta' komunikazzjoni u mmaniġġjar tar-riskju tax-xtajtiet*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | p.m. | — | 400 000 | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja proġett li se jiżviluppa u jistabbilixxi (1) sistema kumplimentarja u parteċipatorja ta' komunikazzjoni tax-xtajtiet u (2) sistema kooperattiva ta' protezzjoni u ta' ġestjoni tar-riskju tax-xtajtiet għall-Istati Membri tar-reġjun tal-Baħar Baltiku u, b'mod partikulari, l-Istati Baltiċi nnifishom, li minħabba l-50 sena ta' okkupazzjoni sfaw barra mill-

proċessi normali ta' żvilupp u b'riżultat ta' dan, hemm disparità fl-iżvilupp mal-Istati Membri aktar antiki. L-iżvulupp sostenibbli tax-xtajta (inklużi applikazzjonijiet integrati) għandu jiġi mtejjeb mill-ġdid b'mod attiv u għandhom jiġu esplorati u elaborati, ittestjati u mxerrda innovazzjonijiet mhux tradizzjonali, mhux biss fir-rigward ta' metodi implimentattivi stabbiliti, jiġifieri, mhux biss b'mod vertikali u orrizontali fost il-livelli ta' ġestjoni, imma wkoll b'attenzjoni speċjali lejn l-iżvilupp ta' metodoloġiji ġodda għall-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni parteċipatorja, biex b'hekk tiżdied il-kuxjenza tal-kosta u l-iżvilupp tal-imġiba tal-parteċipanti kollha.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta'tħejjija, fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar Ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunità Ewropea (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 07 03 15 — Proġett pilota — Skambju ta' emissjonijiet tad-dijossidu tas-sulfat u tal-ossidu tan-nitroġenu fil-Baħar Baltiku*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | — | — | p.m. | 0,— | 160 000,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet biex ikun iffinanzjat il-proġett pilota li hu maħsub biex:

— inaqqas l-emissjonijiet tad-dijossidu tas-sulfat ($SO_2$) u tal-ossidu tan-nitroġenu ($NO_x$)fil-Baħar Baltiku billi tkun imnedija skema pilota ta' skambju ta' emissjonijiet bejn il-partijiet interessati lesti li jipparteċipaw fuq bażi volontarja.

— jinkludi t-tbaħħir fir-riċerka u fix-xogħol ta' tħejjija mill-Kummissjoni għall-iżvilupp ta' skambju miftuħ ma' riżorsi bbażati fuq l-art, li għandha tkun kumplementari ma xogħol li għadu għaddej fil-preżent mill-Kummissjoni sabiex ikunu identifikati u ddefiniti l-kundizzjonijiet għal sistema ta' skambju possibbli kemm għall-$SO_2$ kif ukoll għall-$NO_x$ fil-leġiżlazzjoni ġejjienija.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar Ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 07 03 16 — Proġett Pilota — Żvilupp ta' attivitajiet ta' prevenzjoni biex titwaqqaf id-deżertifikazzjoni fl-Ewropa*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | p.m. | — | 900 000 | 0,— | 1 207 296,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja proġett pilota biex ikopri r-riċerka, il-ġbir ta' data, l-evalwazzjoni, iż-żjarat fuq il-post, l-monitoraġġ, il-konsultazzjonijiet u t-tiswir ta' netwerks għall-iżvilupp ta' attivitajiet preventivi sabiex titwaqqaf id-deżertifikazzjoni fl-Ewropa.

Għadd ta' Stati Membri ħadu miżuri b'mod individwali f'dan ir-rigward; għalhekk, jeżistu diversi eżempji ta' prattika kemm tajba u kemm ħażina, flimkien ma' studji u suġġerimenti interdixxiplinari, ibbażati fuq l-evalwazzjoni ta' ħsarat kkawżati minn prattika moderna ta' biedja intensiva u kwistjonijiet relatati mal-bidla fil-klima iżda mhux limitati għalihom.

Skont l-rapporti mis-segretarjat tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Deżertifikazzjoni , il-Portugall, Spanja, l-Italja, il-Greċja, Malta, il-Latvja, l-Ungerija, ir-Rumanija, it-Turkija u l-Belarus, flimkien ma' pajjiżi u reġjuni oħra fl-Unjoni u fl-Ewropa kollha, qed jaffaċċjaw din il-problema ambjentali u ekonomika ewlenija, u xenarji prospettivi fejn kollox jibqa' għaddej "qisu xejn mhu xejn" juru li l-produttività hi mistennija li tkompli taqa' fil-ftit snin li ġejjin, u b'hekk tkun qed tiġi mhedda s-sigurtà tal-provvista tal-ikel.

Barra minn hekk, id-deżertifikazzjoni ma tirriżultax biss f'telf agrikolu, iżda tirriżulta wkoll f'telf tal-bijodiversità, fit-tnaqqis tal-fertilità tal-ħamrija u fil-kapaċità tal-ħamrija li żżomm l-ilma, f'iktar erożjoni u fit-tnaqqis tal-qbid tal-karbonju. Barra minn hekk, l-għargħar u n-nixfiet marbuta mal-bidla fil-klima qed isiru dejjem aktar frekwenti u aktar drastiċi fl-effetti tagħhom, u b'hekk qed jiżdiedu dejjem aktar ir-riskji u l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali negattivi tad-deżertifikazzjoni (ara l-paragrafu 17 tar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta'Ottubru 2008 dwar l-indirizzar tal-isfida tal-iskarsezza tal-ilma u tan-nixfiet fl-Unjoni Ewropea, (ĠU C 9E, 15.1.2010, p. 33))

Il-proġett pilota jinvolvi:

— l-iskambju tal-aħjar prattika,

— id-dimostrazzjoni ta' approċċi innovattivi, kompetenza, teknoloġiji ġodda, metodi u strumenti ġodda, eż. fil-konservazzjoni tal-ilma,

— l-iżvilupp ta' skema ta' sorveljanza għall-evalwazzjoni ta' informazzjoni miġbura u l-iżvilupp ta' pjattaforma għall-iskambju tad-data mal-Istati Membri, mal-pajjiżi kandidati, u mal-Balkani tal-Punent u mal-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Maġar (ENP) u bejnithom, u li tkun miftuħa għall-konsultazzjoni minn parteċipanti oħra,.

— il-kampanji għat-tqajjim ta' kuxjenza mal-Istati Membri, mal-pajjiżi kandidati, u mal-Balkani tal-Punent u mal-pajjiżi ENP u bejnithom, u kif ukoll oħrajn li għandhom interess fil-qasam u li qed jaffaċjaw din il-problema ambjentali u ekonomika, bl-iskop li jkun hemm għajnuna fiż-żamma tal-qoxra veġetali, il-livell tat-tira fil-ħamrija fil-wiċċ, kif ukoll taħt il-ħamrija, u b'hekk titnaqqas l-ariditá u titwaqqaf id-deżertifikazzjoni,

— l-iżvilupp ta' proġetti pilota konkreti fil-livell lokali biex jappoġġjaw lil miżuri lokali innovattivi dwar l-ikkonservar tal-ilma tax-xita u l-ilma tal-wiċċ.

Il-proġett pilota jista' jittejjeb fil-ġejjieni billi tiġi indirizzata l-kwistjoni tad-deżertifikazzjoni fuq il-bażi tal-Ewropa kollha fi ftehimiet bilaterali jew multilaterali.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar Ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 07 03 17 — Azzjoni ta' tħejjija — Il-klima tal-baċin tal-Karpazji*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | 1 200 000 | — | 1 400 000 | 0,— | 487 542,80 |

*Kummenti*

L-għan ewlieni ta' dan il-proġett huwa li jinvestiga l-istruttura dettaljata marbuta mat-temp u mal-ispazju tal-Karpazji u l-Baċir tal-Karpazji b'metodi integrati jew ta' lanqas komparabbli. Ir-riżultati bażiċi jkunu kontribuzzjoni għall-istudji dwar il-varjabilità u l-bidla klimatika reġjonali, u l-klimatoloġija applikata. Il-klima tar-reġjun ma ġietx deskritta bħala unità ġeografika għal dawn l-aħħar 90 sena.

In-networks nazzjonali ta' kejl meteoroloġiku għandhom strumenti differenti u spiss Ir-Regolamenti differenti. L-immodellar preċiż tal-klima fuq il-post jeħtieġ żoni akbar, imma l-pajjiżi iż-żgħar ma jistgħux jintużaw bħala mudell għar-riproduzzjoni tal-klima ta' reġjuni ġirien. Dawn il-fatturi jagħmluha impossibbli li jsir paragun bejn il-mapep nazzjonali. Barra minn hekk, xi pajjiżi diġà għandhom atlasijiet nazzjonali tal-klima, filwaqt li xi wħud m'għandhomx. Il-proġett jiġbor informazzjoni dwar il-kejl u dwar ġabriet ta' data eżistenti. Il-pass li jmiss huwa l-iżvilupp ta' mapep tal-klima permezz tal-iskambju ta' data u informazzjoni. B'mod parallel ma' dan, ikunu mqabbla l-kwalità tad-data u l-istandardizzazzjoni tal-metodi. Qed jiġi suġġerit li jintuża metodu ta' mappatura li għalih m'hemmx bżonn li jiġu skambjati ammonti kbar ta' data bejn il-pajjiżi. Id-dimensjoni tal-proġett titkabbar biex tinkludi r-reġjun tal-Ewropa tax-Xlokk fl-istadju li jmiss tal-kollaborazzjoni mal-proġett parallel ta' mappatura tal-klima tal-Ewropa tax-Xlokk, li l-prekursur tiegħu kien is-"Summer School on Preparation of Climate Atlas" organizzat mis-Servizz Meteoroloġiku tal-Ungerija (http://www.met.hu/pages/seminars/seeera/index.htm) fl-2007.

Il-klima tal-Karpazji u tal-baċir tal-Karpazji tforni tagħrif fundamentali għat-tbassir tat-temp u tal-klima. Il-proġett Perspettiva tal-Ambjent tal-Karpazji (taħt l-umbrealla tal-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent - UNEP), id-Danubju (is-seba' kuritur tal-Ewropa) u l-baċir tal-Karpazji jkopru parti kbira mill-baċir idrografu. Se jiġu prodotti mapep komuni u mapep meteoroloġiċi u klimatiċi nazzjonali kumparabbli, u se jkun hemm il-possibilità li jitkabbar il-kamp ta' applikazzjoni tal-proġett, flimkien ma' ġabra

tad-data ta' mapep bil-kwadri għal proġetti kbar oħra fil-ġejjieni.

*Data tal-bidu tal-proġett:* 1 ta' Jannar 2009.

*Data tal-bidu tal-proġett:* 31 ta' Diċembru 2010.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar Ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 07 03 18 — Proġett pilota — L-irkupru ta' bastimenti li m'għadhomx jintużaw fis-sajd*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | p.m. | — | 200 000 | 0,— | 177 642,00 |

*Kummenti*

Dan il-proġett pilota huwa maħsub biex iżid l-azzjoni biex jiġi mħares l-ambjent u jiġu ġestiti r-riskji ambjentali fiż-żoni kostali.

L-għan huwa li titrawwem l-aħjar prattika fil-ġestjoni sostenibbli taż-żoni tax-xtajta billi jiżdiedu miżuri mhux tradizzjonali eżistenti fis-settur u tiġi esplorata l-possibilità li jittieħdu miżuri ġodda, tiżdied il-kuxjenza tal-ħtiġijiet taż-żoni tax-xtajta u tiġi żgurata mġiba aħjar mill-partijiet interessati.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispiża ta' miżuri proposti mill-Istati Membri u mill-awtoritajiet lokali bil-ħsieb li:

— jiġi stabbilit inventarju ta' bastimenti mhux tas-sajd billi jiġi analizzat iċ-ċiklu tal-ħajja ta' bastimenti bħal dawn, il-materjali li jintużaw biex jinbnew u x'jiġri minnhom ladarba ma jibqgħux jintużaw;

— jiġi esplorat kemm hu fattibbli li jiġu introdotti regoli dwar l-iskrappjar ta' bastimenti li m'għadhomx jintużaw u/jew il-proċeduri għar-rimi ta' bastimenti bħal dawn;

— jiġu rriċiklati l-bastimenti u l-materjali li jintużaw fihom — b'mod partikolari r-reżini u l-fibra tal-ħġieġ — li jew jinħlew meta jintremew fil-miżbliet jew inkella jniġġsu ż-żona tal-madwar meta l-bastimenti jiġu abbandunati;

— possibilment jerġgħu jintużaw il-materjali riċiklabbli;

— jkun hemm ġestjoni kif suppost ta' skart perikoluż, b'mod partikolari l-fjuwil, iż-żejt u l-metalli tqal, li jkunu jeħtieġu li jiġu ddekontaminati;

— jitwettqu kampanji ta' tagħrif u ta' għarfien għall-pubbliku li jrawmu d-dibattitu pubbliku u l-qsim ta' ideat dwar kwistjonijiet ambjentali u soċjali li għandhom impatt fuq l-iżvilupp sostenibbli u li jinvolvu kemm id-ditti marittimi kif ukoll l-individwi privati.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar- Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/25 tal-25 ta' Gunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli ghall-bagit generali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 07 03 19 — Proġett pilota — Telf ekonomiku minħabba ammonti kbar ta' ilma li jintilef fil-bliet qabel ma jilħaq il-konsumatur*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | 390 000 | — | 300 000 | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

L-għan tal-proġett huwa li jevalwa l-ilma li jintilef qabel jilħaq il-konsumatur u t-telf ekonomiku marbut miegħu fi bliet kbar madwar l-Unjoni . Il-miri proposti jistgħu jitqassru kif ġej:

— evalwazzjoni u stima tal-ilma li jintilef qabel jilħaq il-konsumatur f'bosta bliet rappreżentattivi

— analiżi tal-konsegwenzi, it-telf ekonomiku relatat u l-impatt ambjentali

Bidu tal-proġett: 1 ta' Jannar 2010.

Għeluq tal-proġett: 31 ta' Diċembru 2012.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar- Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 07 03 21 — Proġett pilota — Ċertifikazzjoni ta' prattiki agrikoli b'rilaxxi baxxi ta' karbonju*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | 370 000 | — | 400 000 | 0,— | 245 000,00 |

*Kummenti*

L-għan ta' dan il-proġett pilota hu li tiġi żviluppata skema ta' ċertifikazzjoni tal-prattiċi tal-biedja li jipproduċu ammont baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-Unjoni . L-iskema għandha tkun immirata lejn is-settur kollu tal-biedja u għandha jkollha l-intenzjoni li jitqiesu l-fatturi ewlenin kollha li jikkontribwixxu għall-emissjonijiet tal-karbonju mill-biedja, inklużi l-użu ta' fertilizzanti u inputs oħra, it-trattar ta' prodotti ta' skart, il-produzzjoni ta' enerġija li tiġġedded, l-iżvilupp ta' inħawi għall-assorbiment u l-ħażna tal-karbonju ('sinks') u l-użu ta' prattiki u teknoloġiji oħra għat-taffiment tal-effetti klimatiċi. Sabiex tiġi żgurata r-relevanza tagħha fit-territorju kollu tal-Unjoni, l-iskema ta' ċertifikazzjoni li trid tiġi żviluppata fil-proġett pilota għandha tiġi ttestjata permezz ta' provi prattiċi fuq għadd ta' reġjuni agrikoli li jinsabu fl-inħawi xierqa f'diversi partijiet tal-Unjoni.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar- Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 07 03 22 — Proġett pilota — Riċerka kumplessa dwar il-metodi biex tiġi kkontrollata l-firxa tal-allerġiji għall-ambrosia (ragweed) u għall-pollen*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | p.m. | — | 700 000 | 0,— | 642 062,90 |

*Kummenti*

L-għan ta' dan il-proġett huwa li joħloq l-aktar metodu effettiv ta' kontroll għat-tixrid tax-xitla tal-ġenus, kif ukoll li jipprevjeni u jittratta l-allerġiji għat-trab dakkari ibbażati fuq riċerki xjentifiċi internazzjonali, ġbir ta' data u evalwazzjoni.

L-objettivi tal-proġett huma biex il-pajjiżi involuti:

— iwettqu riċerka xjentifika dwar il-fattibilità u l-effettività tat-tipi varji ta' kontroll tax-xitla tal-ambrosia (mekkaniċi, bijoloġiċi, kimiċi, eċċ);

— jiżviluppaw l-aktar metodu effettiv għall-kontroll tat-tixrid tax-xitla tal-ambrosia;

— jagħmlu studji dwar l-impatt tal-kontaminazzjoni tal-pollen fuq is-soċjetà u s-saħħa pubblika, b'attenzjoni speċjali għat-tfal taħt l-10 snin, grupp mill-popolazzjoni li huwa milqut serjament mill-allerġiji;

— jevalwaw l-ispejjeż u d-danni mġarrba b'rabta mat-trattament ta' pazjenti li jbatu minn allergiji relatati max-xitla tal-ambrosia u l-kumplikazzjonijiet taghhom (mediċini, lif minħabba mard, telf ta' dħul, eċċ);

— joħolqu metodi ta' prevenzjoni u trattament għall-allerġiji sabiex jitnaqqas mard marbut mal-allerġiji u l-kumplikazzjonijiet tagħhom;

— jiżviluppaw mekkaniżmu ta' prevenzjoni effettiv biex jiġi żgurat li kontaminazzjoni ma tinfirixx mal-Istati Membri li għadhom mhumiex milquta.

Minħabba l-proprjetajiet allerġeniċi tat-trab dakkari tagħha, il-firxa tax-xitla tal-ġenus komuni hija ta' tħassib pubbliku partikolarment f'bosta pajjiżi Ewropej. Iż-żoni l-aktar kontaminati fl-Ewropa jinsabu fi Franża, fil-Ġermanja, fid-Danimarka, fl-Italja, fl-Awstrija, fl-Ungerija, fil-Polonja, fir-Romanija u fil-Bulgarija. Peress li l-firxa transkonfinali tat-trab dakkari tax-xitla tal-ġenus hija magħrufa b'mod wiesgħa, il-programmi ta' qerda limitati għal pajjiżi partikolari mhux se jirnexxu u għalhekk hija meħtieġa azzjoni pan-Ewropea.

*Bidu tal-proġett:* 1 ta' Jannar 2010.

*Għeluq tal-proġett:* 31 ta' Diċembru 2011.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar- Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/25 tal-25 ta' Gunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli ghall-bagit generali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 07 03 24 — Proġett pilota — Sistema Ewropea ta' rimborż għall-bottijiet tal-aluminju għax-xorb.*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | p.m. | — | 110 000 | 0,— | 79 896,30 |

*Kummenti*

L-iskop ta' dan il-proġett pilota se jkun li jiġi investigat kif tiġi armonizzata s-sistema ta' rimborż għall-bottijiet fil-livell tal-Unjoni jew, mill-inqas, li tkompli tiġi żviluppata l-koperazzjoni bejn l-Istati Membri biex jiġi żgurat ir-riċiklaġġ tal-bottijiet.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar- Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/25 tal-25 ta' Gunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli ghall-bagit generali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 07 03 25 — Tlestija tal-iżvilupp ta' inizjattivi ġodda ta' politika*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 75 000,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata li tkopri pagamenti fir-rigward ta' obbligi li baqgħu pendenti mis-snin ta' qabel u rriżultaw minn azzjonijiet li ttieħdu mill-Kummissjoni biex tiżviluppa inizjattivi ta' politika ġodda inkluż azzjonijiet biex tinħoloq kuxjenza u azzjonijiet ġenerali oħra bbażati fuq il-programm ta' azzjoni ambjentali tal-Komunità.

*Bażi ġuridika*

L-azzjonijiet li twettqu mill-Kummissjoni bis-saħħa ta' ħidma li tirriżulta mill-prerogattivi fuq livell istituzzjonali skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa u t-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropoea tal-Enerġija Atomika u skont Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (EC, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar Ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għal baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1600/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Lulju 2002 li tistabbilixxi s-sitt programm ta’ azzjoni tal-Komunità (ĠU L 242, 10.9.2002, p. 1).

### *Artikolu 07 03 26 — Proġett pilota —— Analiżi tal-letteratura dwar l-effetti potenzjali tat-tibdil fil-klima fuq iż-żoni ta' protezzjoni tal-ilma li hu tajjeb għax-xorb fl-Unjoni u l-identifikazzjoni ta' prijoritajiet fost tipi differenti ta' provvisti tal-ilma li hu tajjeb għax-xorb*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | 185 000 | p.m. | 250 000 | 451 929,00 | 0,— |

*Kummenti*

Titolu tal-proġett: Analiżi tal-letteratura dwar l-effetti potenzjali tat-tibdil fil-klima fuq iż-żoni ta' protezzjoni tal-ilma li hu tajjeb għax-xorb fl-Unjoni u l-identifikazzjoni ta' prijoritajiet fost tipi differenti ta' provvisti tal-ilma li hu tajjeb għax-xorb

Baġit: EUR 500 000

*Data meta se jibda l-proġett:* 1 ta' Jannar 2011

*Data meta se jintemm il-proġett:* 31 ta' Diċembru 2011

Objettiv tal-proġett:

Meta jitqiesu l-proċessi tat-tibdil fil-klima, tista' tinkiseb sigurtà fuq perjodu twil ta' żmien fir-rigward tal-provvista pubblika ta' ilma li hu tajjeb għax-xorb permezz tal-użu ta' riżervi vulnerabbli ta' ilma (pereżempju żoni ta' protezzjoni ta' ilma msaffi mix-xmajjar jew tipi oħrajn ta' żoni ta' protezzjoni ta' ilma li hu tajjeb għax-xorb).

Analiżi tal-letteratura dwar l-effetti potenzjali tat-tibdil fil-klima fuq iż-żoni ta' protezzjoni tal-ilma li hu tajjeb għax-xorb fl-Unjoni tkun l-ewwel pass f'analiżi ulterjuri, flimkien mar-riżultati ta' proġetti oħrajn, li tidentifika b'aktar ċertezza r-riżervi strateġiċi prospettivi ta' ilma li hu tajjeb għax-xorb għall-futur.

Deskrizzjoni fil-qosor tal-proġett:

Fl-ambitu tal-proġett, se titwettaq analiżi tal-letteratura dwar il-mekkaniżmi ta' rriċarġjar operazzjonali u naturali, f'kundizzjonijiet klimatiċi estremi, għar-riżorsi tal-ilma għall-provvista pubblika tal-ilma li hu tajjeb għax-xorb (ilma ta' taħt l-art, ilma tal-wiċċ, ilma karstiku, ilma msaffi mix-xmajjar) fl-Unjoni . L-analiżi tal-effetti tat-tibdil fil-klima fuq tipi differenti ta' żoni ta' protezzjoni ta' ilma li hu tajjeb għax-xorb se tinvolvi l-identifikazzjoni ta' suġġetti u oqsma prijoritarji. Ir-riżultati tal-analiżi tal-letteratura se jitqabblu mar-riżultati ta' proġetti oħrajn, bħall-'Azzjoni preparatorja dwar il-klima fir-reġjun tal-Karpazju' li tirrigwarda l-effetti tat-tibdil fil-klima fuq dik iż-żona. Il-proġett se jiffoka inter alia fuq il-valutazzjoni tal-vulnerabilità għall-impatti tat-titbdil fil-klima tas-sorsi tal-provvista tal-ilma li hu tajjeb għax-xorb u tal-infrastrutturi għal dan l-ilma u għad-dranaġġ.

L-għan aħħari huwa li tiġi żgurata l-preservazzjoni fit-tul ta' żoni ta' protezzjoni ta' ilma li hu tajjeb għax-xorb vulnerabbli biex ikun hemm provvista pubblika sikura ta' ilma li hu tajjeb għax-xorb irrispettivament mill-impatti tat-tibdil fil-klima.

Mingħajr analiżi tal-impatti tat-tibdil fil-klima, l-isforzi biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista ma jkollhomx bażi xierqa u jafu saħansitra jirriżultaw li huma inadegwati biex iż-żoni ta' protezzjoni ta' ilma li hu tajjeb għax-xorb jinżammu sikuri. F'każijiet estremi, dan jista' jwassal għal provvista inadegwata ta' ilma li hu tajjeb għax-xorb.

Peress li l-provvista ta' ilma sikur hija waħda mill-isfidi l-kbar tad-dinja, l-Ewropa se tikseb vantaġġ kompetittiv jekk jiġu ppjanati miżuri qabel ma jinħassu l-impatti ta' proċessi sfavorevoli.

Pajjiżi kkonċernati:

Il-pajjiżi kollha li l-provvista tal-ilma tagħhom ġejja minn żoni ta' protezzjoni ta' ilma vulnerabbli (ilma ta' taħt l-art, ilma tal-wiċċ, ilma msaffi mix-xmajjar, sistemi karstiċi), b'mod partikolari dawk li jinsabu ma' xmajjar kbar jew f'żoni fl-għoli. Dawk il-pajjiżi li l-aktar huma affettwati huma:

L-Ungerija, il-Bulgarija, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, is-Serbja, il-Polonja, l-Italja, l-Awstrija u l-Ġermanja.

Eżitu tal-proġett:

— analiżi tal-letteratura dwar l-impatti potenzjali tat-tibdil fil-klima fuq tipi differenti ta' żoni ta' protezzjoni ta' ilma fl-Unjoni .

— identifikazzjoni ta' suġġetti u oqsma prijoritarji.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 07 03 27 — Azzjoni ta' tħejjija — L-iskema BEST (Skema volontarja għal Servizzi ta' Bijodiversità u Ekosistemi fit-Territorji tar-Reġjuni l-Aktar Imbiegħda tal-Unjoni u l-Pajjiżi u Territorji Extra-Ewropej)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 1 200 000 | 2 000 000 | 2 000 000 | 2 000 000,00 | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni għandha l-iskop li tiffinanzja skema, mħeġġa mill-Kunsill, biex jippromwovi konservazzjoni u l-użu sostenibbli tas-servizzi tal-bijodiversità u tal-ekosistemi fil-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej tal-Unjoni, abbażi tal-esperjenza miksuba minn programmi ta' konservazzjoni tan-natura tal-Unjoni bħal Natura 2000, li minnhom il-biċċa l-kbira tar-reġjuni l-aktar imbiegħda u tal-pajjiżi extra-Ewropej huma esklużi.

L-iskema BEST ittejjeb il-mezzi finanzjarji biex tħares il-bijodiversità u tippromwovi l-użu sostenibbli ta’ servizzi ta’ ekosistema fir-reġjuni l-aktar imbiegħda u l-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej tal-Unjoni, bil-għan li l-bżonnijiet ambjentali u tal-iżvilupp ta’ dawn iż-żoni speċifiċi jimxu id f'id.

Misjuba f’kull oċeanu, mil-latitudnijiet polari għal dawn tropikali, ir-reġjuni l-aktar imbiegħda u l-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej tal-Unjoni jospitaw diversità unika ta’ speċi u ekosistemi ta’ importanza globali, li huma vulnerabbli ħafna għall-impatt uman, għall-ispeċi invażivi u, dejjem aktar, għat-tibdil fil-klima.

L-iskema volontarja timmira għalhekk li tiżviluppa soluzzjonijiet li jżommu l-ekosistemi f’saħħithom u flessibbli u jitnaqqsu l-pressjonijiet fuq il-bijodiversità. Din l-approprijazzjoni tappoġġa l-għażla u l-ġestjoni ta’ żoni protetti u r-restawr ta’ ekosistemi degradati, il-promozzjoni ta’ soluzzjonijiet naturali fir-rigward tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, inklużi r-restawr tal-mangrovji u l-ħarsien tas-sikek tal-qroll. L-iskema timmira wkoll li tippromwovi r-riċerka f’dawn iż-żoni, b’mod partikolari billi tiffinanzja riċerka internazzjonali u programmi edukattivi. L-iskema tħeġġeġ l-iżvilupp ta’ oqfsa u l-ħolqien ta’ sħubija bejn l-amministrazzjonijiet lokali, is-soċjetà ċivili, ir-riċerkaturi, l-universitajiet, is-sidien ta' artijiet u s-settur privat. Dan iservi biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet marbuta mal-ambjent u t-tibdil fil-klima.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 07 03 28 — Proġett pilota — Iċ-ċiklu tar-riċiklaġġ tal-plastik u l-impatt ambjentali fil-baħar*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | 325 000 | p.m. | 500 000 | 870 425,00 | 68 430,00 |

*Kummenti*

L-għan ta' din l-approprjazzjoni huwa li tkopri proġett pilota li tivvaluta l-effikaċja taċ-ċiklu tar-riċiklaġġ tal-plastik f'livell tal-Unjoni u l-lakuni potenzjali tiegħu, b'enfasi speċifika fuq l-impatti ambjentali fl-ilma u fl-ibħra. Valutazzjonijiet dettaljati lokali jew reġjonali, kif ukoll studji li jiffukaw fuq iż-żoni kostali, jistgħu jiġu żviluppati wkoll f'dan il-proġett pilota sabiex jiġu identifikati sfidi konkreti, l-aħjar prassi u rakkomandazzjoni għal azzjoni.

Għalhekk, l-għan tal-valutazzjoni u l-istudju mwettqa f'dan il-proġett pilota jkunu li jiġu identifikati lakuni tekniċi fil-katina tar-riċiklaġġ tal-plastik fl-Unjoni , kif ukoll biex jiġi identifikat titjib leġiżlattiv potenzjali sabiex jitnaqqas l-ammont ta' plastik li mill-art jispiċċa fl-ambjent tal-baħar.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 07 03 29 — Azzjoni ta' tħejjija — L-iżvilupp ta' attivitajiet ta' prevenzjoni biex titwaqqaf id-deżertifikazzjoni fl-Ewropa*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 800 000 | 1 000 000 | 1 000 000 | 977 900,00 | 0,— |

*Kummenti*

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 07 03 30 — Proġett pilota — Preċipitazzjoni Atmosferika — Il-protezzjoni u l-użu effiċjenti tal-ilma ħelu*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| p.m. | 375 000 | 1 500 000 | 750 000 | |

*Kummenti*

Data meta se jintemm il-proġett: il-31 ta' Diċembru 2013.

*ObjettivI tal-proġett*

Il-baċir tal-Karpazji hu reġjun ġeografiku, klimatiku, ekoloġiku u ekonomiku uniku fl-Ewropa li huwa mifrux fuq tmien pajjiżi li 5 minnhom huma Stati Membri. Is-sors ewlieni tal-ilma fir-reġjun hu l-preċipitazzjoni atmosferika u l-ieħor hu l-importazzjoni tal-ilma mix-xmara Danubju. Iż-żamma, l-iżgurar, ir-regolazzjoni u l-użu tal-preċipitazzjoni fi ħdan il-baċir huma influwenzati ħafna minn kif tintuża l-art. Il-ħamrija hija fattur ewlieni fil-ħażna tal-ilma bl-abbiltà li tinfluwenza l-ammont, id-dinamika, id-distribuzzjoni, id-disponibilità u l-kwalità tal-ilma. L-għan tal-proġett hu li jipprovdi bażi xjentifika affidabbli, mezzi plawsibbli ta’ metodoloġija għall-implimentazzjoni, il-protezzjoni u l-użu effiċjenti tal-ilma ħelu li jirriżulta mill-preċipitazzjoni atmosferika fil-baċir tal-Karpazji.

*Deskrizzjoni fil-qosor tal-proġett u l-kompiti ewlenin tiegħu*

Inventarju u rieżami ta’ analiżi tar-riżultati tar-riċerka relatati mal-oqsma mniżżla hawn fuq. L-użu tal-preċipitazzjoni permezz ta’ metodi ta’ użu tal-art xierqa u avvanzati. It-titjib tal-ħażna tal-ilma u l-influwenza tal-ammont, id-dinamika, id-distribuzzjoni, id-disponibilità u l-kwalità tal-ilma. L-elaborazzjoni ta’ xejriet ta’ protezzjoni u użu effiċjenti tal-ilma ħelu fil-baċir tal-Karpazji. Rieżami tar-riżultati xjentifiċi u tekniki ta’ implimentazzjoni fil-qasam tas-sostenibilità, l-ekosistemi sostenibbli, kif ukoll b’rabta mal-konservazzjoni tan-natura u l-protezzjoni ambjentali. Rieżami tal-impatti tat-tibdil fil-klima fuq diversi riżorsi, riżervi tal-ilma, korpi tal-ilma tal-wiċċ u ta’ taħt il-wiċċ, l-utilità tagħhom, il-vulnerabilità u l-prospetti futuri tagħhom. L-istabbiliment ta’ studji tal-każ fuq il-post favur l-ittestjar ta’ diversi xejriet ta’ użu tal-art li żżomm l-ilma, f’diversi kundizzjonijiet ekoloġiċi li jirrappreżentaw diversi tipi ta’ ħamrija u klima u diversi sistemi ta’ ġestjoni u tal-ħsad tal-uċuħ tar-raba’. Rakkomandazzjonijiet għal użu ulterjuri. Ħolqien ta’ kompendju ta’ azzjonijiet ta’ adattament fil-baċir tal-Karpazji u madwar l-Ewropa. Il-proġett propost mhux qed jiffoka biss fuq ir-Reġjun tal-Karpazji: il-fokus ġeografiku tal-proġett ikopri żoni ġeografiċi addizzjonali fl-Unjoni — reġjuni ta’ fuq u ta’ isfel tax-Xmara Danubju, li għalihom l-implimentazzjoni tal-miżuri ta’ ritenzjoni tal-ilma naturali tista’ tiġi applikata, b’relazzjoni mat-tibdil fil-klima u x-xenarji soċjo-ekonomiċi.

*Pajjiżi involuti*

L-Ungerija, is-Slovakkja, l-Ukraina, ir-Rumanija, is-Serbja, il-Kroazja, is-Slovenja u l-Awstrija.

*Riżultati mistennija*

Riżultati fuq terminu ta’ żmien qasir: Ġbir u tixrid ta’ riżultati ta’ riċerka fil-qasam tal-protezzjoni tal-preċipitazzjoni atmosferika u l-effiċjenza fl-użu. Aċċess dirett għad-data, l-informazzjoni u l-evalwazzjonijiet (ġabra ta' data komuni).

Riżultati fuq terminu ta’ żmien twil: Elaborazzjoni ta’ metodoloġija dwar il-valutazzjoni u l-ġestjoni tal-preċipitazzjoni atmosferika b’rabta mad-disponibilità tal-ilma. Kontribuzzjoni lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-qasam tal-użu u l-ġestjoni tal-ilma ħelu fil-livell Ewropew, lokali u reġjonali. Appoġġ għall-politika Ewropea, partikolarment il-kompiti tal-EfE (Ambjent għall-Ewropa - Environment for Europe) u l-AoA (Valutazzjoni tal-Valutazzjonijiet - Assessment of Assessments), f’dak li jirrigwarda l-kwistjonijiet ambjentali, soċjali, tas-saħħa, ekonomiċi u tal-iżvilupp rurali.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar- Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/25 tal-25 ta' Gunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli ghall-bagit generali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 07 03 31 — Proġett Pilota — Studju komparattiv tal-pressjonijiet u miżuri fil-pjanijiet prinċipali ta' mmaniġġjar tal-baċir tax-xmara fl-Unjoni*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | 600 000 | p.m. | 750 000 | 1 484 488,00 | 445 346,40 |

*Kummenti*

L-awtoritajiet tad-distrett tax-xmara qegħdin iressqu l-Pjanijiet ta' Mmaniġġjar tal-Baċir tax-Xmara (PMBX) sabiex ikunu operattivi sal-2012 u sabiex jipprovdu r-riżultati tagħhom sal-2015 jew fi stadju aktar tard. Tqabbil tal-pressjonijiet u miżuri fil-Pjanijiet prinċipali ta' Mmaniġġjar tal-Baċir tax-Xmara huwa meħtieġ għall-Parlament Ewropew bil-ħsieb li jifhem l-approċċi differenti u r-relazzjonijiet tagħhom ma' oqsma politiċi oħra.

Il-proġett se jimmira sabiex jagħmel skrutinju tal-PMBX tad-distretti prinċipali fl-Unjoni , il-proġett se juża l-istess softwer sabiex iqabbel il-pressjonijiet (ammont ta' sustanzi niġġiesa, flussi) u fl-aħħar il-miżuri elenkati mill-awtoritajiet tad-distrett sabiex jitwaqqaf mill-ġdid l-istatus tajjeb. Ir-riżultat mistenni huwa ħarsa pan-Ewropea dwar il-pressjonijiet u tħassib appoġġjati minn analiżi ġeografika komparabbli, mudelli tal-okkupazzjonijiet tal-artijiet, u perspettivi ekonomiċi. Oqsma speċifiċi ta' tħassib ser ikunu: miżuri dwar il-ħarsien tas-sors tal-ilma, pressjonijiet rurali, urbani u industrijali.

Pajjiżi involuti: pajjiżi li jinsabu fuq ix-xatt tal-ixmajjar Danubju u Rin, Spanja, ir-Renju Unit u l-Polonja.

Ir-riżultat tal-proġett: Perspettiva omoġenja dwar il-pressjoni u s-soluzzjoni fl-Unjoni kollha rigward l-immaniġġjar tal-ilma.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 07 03 32 — Proġett pilota — Impatt fuq terminu ta’ żmien twil ta’ djar b’livell newtrali ta’ emissjonijiet tal-karbonju fuq sistemi tal-ilma mormi*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| p.m. | p.m. | 1 500 000 | 750 000 | |

*Kummenti*

Hemm sejħa biex jiġi minimizzat il-konsum tal-enerġija tad-djar, li twassal għad-disinn ta’ djar b’livell newtrali ta’ emissjonijiet tal-karbonju, bl-istallazzjoni ta’ insulation aħjar u żieda fil-konsum tal-enerġija, fost affarijiet oħra permezz ta' rkupru tas-sħana. Madwar 50 % tal-ilma tad-djar jissaħħan għal raġunijiet domestiċi (tindif, iġjene eċċ.), u din ix-xejra fuq terminu ta’ żmien twil se taffettwa l-provvista tal-ilma kemm b'mod kwantitattiv kif ukoll kwalitattiv, u s-servizzi tal-ilma mormi f’termini ta’ kwantità, ta' kwalità u ta’

kontenut ta’ sħana.

*Pajjiżi involuti*

Il-Ġermanja, il-Belġju, ir-Renju Unit, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Isvezja, l-Awstrija, Franza

*Ir-riżultat tal-proġett*

L-ammont propost jintuża għal bosta siti ta’ dimostrazzjoni, li jipprovdu eżempju konkret tal-impatt fuq medda ta' żmien medja tal-politika kurrenti ta’ ffrankar ta' enerġija fuq iċ-ċiklu tal-ilma urban.

*Bażi ġuridika*

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6), tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2992, p. 1).

## *Artikolu 07 03 33 — Proġett pilota — Irkupru ta’ skart mill-baħar*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| p.m. | 250 000 | 1 000 000 | 500 000 | |

*Kummenti*

Dan il-proġett pilota għandu l-għan li jgħin lill-Istati Membri tal-UE jilħqu l-mira stabbilita fid-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta’ Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19) biex jinkiseb “status ambjentali tajjeb” (“good environmental status” — GES) għall-ilmiet kostali u interni tal-UE sal-2020 permezz ta’ azzjoni ambjentali li tuża sistema innovattiva ta’ ġbir u rkupru. Il-proġett se jimpenja l-komunità tas-sajd tal-Unjoni ma’ produtturi, konverturi u riċiklaturi tal-plastik tal-Unjoni biex jitneħħa skart f’wiċċ il-baħar fl-ilmijiet kostali u interni tal-UE. Is-sajjieda se jiġu ffinanzjati mill-Fond Ewropew għas-Sajd (FFF) biex jagħmlu vjaġġi speċjali biex jiġbru skart li jinsab f’wiċċ il-baħar fir-reġjuni kostali tagħhom. Il-proġett se juża sistema innovattiva ta’ tkarkir li tkun kapaċi tiġbor bejn 2-8 tunnellati ta’ skart f'wiċċ il-baħar għal kull xibka ta' tkarkir. Din is-sistema ġiet żviluppata b’kooperazzjoni mas-sajjieda b’mod li ma ssirx ħsara lill-ħajja marina jew li ma jingħabarx ħlief skart f’wiċċ il-baħar. Is-sajjieda se jużaw din ix-xibka ta’ tkarkir fl-ilmijiet kostali filwaqt li xbieki statiċi tat-tkarkir se jintużaw f’ilmijiet interni. Wara l-irkupru tal-iskart tal-baħar, il-kumpaniji ta’ riċiklaġġ imbagħad jevalwaw il-potenzjal ta’ riċiklaġġ. Fejn l-iskart ma jkunx adattat għar-riċiklaġġ, l-irkupru tal-enerġija għandu jkun is-soluzzjoni. Madankollu, l-għan huwa li persentaġġ għoli ta' skart irkuprat ikun tajjeb għar-riċiklaġġ. Il-proġett għandu jinkludi testijiet għal perjodu ta’ sentejn (Lulju 2012 — Lulju 2014) f’bosta Stati Membri tal-UE (li għandhom jiġu definiti wara valutazzjoni inizjali mill-Istati Membri — Lulju 2012 taħt id-Direttiva 2008/56/KE). Matul dan il-perjodu l-proġett se jimmonitorja l-volumi, il-pożizzjoni ġeografika u l-konsistenza tal-iskart tal-baħar li jingħabarpermezz ta’ sistema ta’ monitoraġġ, li permezz tagħha l-Istati Membri jistgħu jistudjaw żoni problematiċi u l-progress li jkun sar fil-ġbir, fir-riċiklaġġ u fit-tindif tal-ilmijiet kostali u interni. Sistema ta’ benchmarking se tiġi stabbilita biex tgħin sabiex jiġi definit aħjar il-GES. It-testijiet se jieħdu kont tal-valutazzjoni inizjali li l-Istati Membri għandhom jippreżentaw sa Lulju 2012 u s-sistema ta’ benchmarking se tkun konsistenti mal-indikaturi li l-Istati Membri jkun ddefinew (taħt id-Direttiva 2008/56/KE).

L-intenzjoni hija li wara t-testijiet pilota, l-Istati Membri jkunu kapaċi jieħdu f’idejhom l-immaniġġjar tax-xbieki tat-tkarkir u s-sistemi ta’ rkupru filwaqt li jkomplu jirreġistraw data dwar il-volumi, il-pożizzjonijiet eċċ. tal-iskart fil-baħar u r-riċklaġġ. Permezz ta’ dan, l-Istati Membri se jiġu pprovduti b’għodda prezzjuża (skont ir-riżultat tal-proġett, jiġifieri, il-kwatitajiet ta’ skart irkuprat mill-baħar) li se tikkontribwixxi biex jintlaħqu u jiġu antiċipati l-obbligi legali stabbiliti fid-Direttiva 2008/56/KE, li huma li jinlaħaq il-GES għall-ilmijiet kostali u interni. Barra minn hekk, wara li jintemm il-proġett u wara t-trasferiment ta’ dawn l-azzjonijiet f’idejn ir-reġjuni, l-Istati Membri għandhom jingħataw għodda biex iżommu l-GES għall-ilmijiet tal-UE. Permezz ta’ dawn l-azzjonijiet ambjentali u s-sinerġiji maħluqa bejn il-komunità tas-sajd (EFF), l-industrija u l-awtoritajiet nazzjonali, il-problema tal-iskart fil-baħar tkun tista’ jiġi indirizzata mhux biss b’mod suffiċjenti biex jingħata kontribut lill-GES, iżda wkoll jista' jiġi evitat l-iskart fil-baħar u tinkiseb sostenibilità tal-ilmijiet tal-UE kif ukoll ambjent tal-baħar nadif.

Jekk fl-aħħar tat-testijiet il-kwantità ta’ skart fil-baħar li jinsab fl-ilmijiet kostali tal-UE tkun baxxa jew saħansitra negliġibbli, dan il-proġett ikun ta prova ta’ suċċess fl-ilħuq tal-“GES” mill-Istati Membri għall-ilmijiet kostali u interni. F’dan il-każ, jagħmel sens li l-Istati Membri jkomplu jużaw primarjament xbieki tat-tkarkir statiċi interni (li jitpoġġew fuq id-digi tax-xmajjar (river weirs) jew f’postijiet oħra fejn ma jostakolawx it-trasport fuq l-ilma), sabiex jiġi evitat li skart tal-baħar jilħaq l-ilmijiet kostali u jsir problema akbar għall-ambjent marin u, potenzjalment, għas-saħħa tal-bniedem minħabba inġestjoni ta’ mikroplastika mill-organiżmi tal-baħar u l-potenzjal tagħhom li jidħlu fil-katina tal-ikel tal-bniedem.

*Bażi ġuridika*

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6), tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2992, p. 1).

### *Artikolu 07 03 34 — Proġett pilota — Id-disponibilità, l-użu u s-sostenibilità tal-ilma għall-produzzjoni tal-enerġija nukleari u enerġija mill-fossili*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| p.m. | 125 000 | 500 000 | 250 000 | |

*Kummenti*

Dan il-proġett pilota se jdum sena u hu mmirat lejn l-investigazzjoni tad-disponibilità u l-użu tat-tkessiħ tal-ilma għall-produzzjoni tal-enerġija nukleari u dik mill-fossili. L-enerġija prodotta mill-fossili u s-sorsi nukleari teħtieġ kwantitajiet kbar ta’ ilma għat-tkessiħ. Waqt il-mewġa tas-sħana tal-2003, bosta impjanti li jiġġeneraw l-enerġija madwar l-Ewropa ġew furzati jwaqqfu l-produzzjoni tal-enerġija minħabba nuqqas ta’ ilma għat-tkessiħ. L-għeluq tal-impjanti tal-enerġija nukleari, eż fi Franza, il-Ġermanja u Spanja ma affettwax il-produzzjoni domestika, iżda kkawża tnaqqis kbir fl-esporti tal-enerġija. Peress li minħabba t-tibdil fil-klima l-kundizzjonijiet tat-temp qed imorru għall-agħar, ir-riżorsi tal-ilma aktarx se jonqsu iktar u b'hekk isir riżors saħansitra iktar skars. Jeħtieġ li jitwettaq studju dwar il-ħtieġa attwali għal ilma għat-tkessiħ fil-produzzjoni tal-enerġija nukleari u l-enerġija mill-fossili filwaqt li jitqiesu l-postijiet fejn jinsabu l-impjanti tal-enerġija eżistenti u dawk futuri (u l-prossimità tagħhom għas-sorsi tal-ilma). Il-proġett se jibni fuq valutazzjonijiet iffinalizzati u dawk attwali (bħal ClimWatAdapt) biex jipprovdi idea dettaljata tal-vulnerabilitá tas-sistema tal-enerġija/ilma, inkluż inventorju tal-impjanti tal-enerġija u l-vulnerabilità tagħha għall-għargħar, in-nixfa, mewġ tas-sħana, eċċ.

*Pajjiżi involuti*

Stati Membri kollha tal-UE

*Ir-riżultat tal-proġett*

Linji gwida tas-siti ta’ impjanti tal-enerġija futuri, l-identifikazzjoni u l-kwantifikazzjoni tal-investimenti meħtieġa biex titnaqqas il-vulnerabilità ta’ impjanti tal-enerġija eżistenti.

*Bażi ġuridika*

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6), tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2992, p. 1).

### *Artikolu 07 03 35 — Proġett pilota — Għarfien ġdid għal Ġestjoni Integrata tal-Attività tal-Bniedem fil-Baħar*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| p.m. | 500 000 | 2 000 000 | 1 000 000 | |

*Kummenti*

L-għan ta' din l-approprjazzjoni huwa li tkopri n-nefqa marbuta mal-implimentazzjoni ta' proġett pilota għal għarfien ġdid għal Ġestjoni Integrata tal-Attività tal-Bniedem fil-Baħar. L-iskop ta' dan il-Proġett Pilota huwa li jiġu żviluppati kunċett ta' monitoraġġ ġdid u għoddod ġodda ta' teħid ta' deċiżjonijiet għall-valutazzjoni integrata tal-ekosistema tal-ibħra. Dan jirrikjedi l-iżvilupp addizzjonali u l-ittestjar ta' sistemi ta' kejl bl-għan li jinħoloq standard Ewropew uniku. L-għan huwa li jiġi appoġġjat l-iżvilupp ta' strateġiji ta' monitoraġġ integrat, abbażi ta' teħid ta' kampjuni minn oqsma varji, potenzjal għal programmi konġunti u l-użu ta' pjattaformi eżistenti għal skopijiet multipli. Il-proġett pilota juri mod prattiku li bih l-isforz attwali jista' jerġa' jintuża biex ir-riżorsi eżistenti jintużaw b'mod aktar effiċjenti u għalhekk tiġi ffaċilitata l-ġestjoni mtejba tal-attivitajiet tal-bniedem. L-iżvilupp ta' għoddod ta' monitoraġġ integrat f'dan l-istadju jservi biex jintlaħqu l-objettivi għad-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

tas- 17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19) u biex potenzjalment jitnaqqsu l-ispejjeż ta' monitoraġġ tal-Istati Membri (eż. użu multiplu ta' pjattaformi ta' monitoraġġ eżistenti) jiġifieri effiċjenza fl-użu tar-riżorsi. Madankollu, il-Proġett pilota jista' jgħin biex jiġu ttestjati approċċi strateġiċi għall-monitoraġġ integrat ta' attivitajiet tal-bniedem u l-effetti tagħhom fuq l-ambjent u għalhekk jappoġġja rekwiżiti futuri tal-Istati Membri biex jiżvilupaw programmi ta' monitoraġġ sal-2014 skont id-Direttiva 2008/56/KE.

*Bażi ġuridika*

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6), tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2992, p. 1).

## *Artikolu 07 03 60 — Aġenzija Ewropea tal-Kimika — attivitajiet fil-qasam tal-Leġiżlazzjoni dwar il-Prodotti Bijoċidali — Kontribuzzjoni minn programmi taħt l-Intestatura 2*

### Partita 07 03 60 01 — Aġenzija Ewropea tal-Kimika — attivitajiet fil-qasam tal-Leġiżlazzjoni dwar il-Prodotti Bijoċidali — Kontribuzzjoni għat-Titoli 1 u 2 mill-Intestatura 2

*Figuri*

| | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 07 03 60 01 | 3 956 133 | 3 956 133 | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |
| 40 02 41 | | | 1 491 930 | 1 491 930 | | |
| Total | 3 956 133 | 3 956 133 | 1 491 930 | 1 491 930 | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni huja maħsuba biext kopri l-persunal tal-Aġenzija u n-nefqa amministrattiva (Titoli 1 and 2) għall-attivitajiet relatati mal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-bijoċidi.

L-Aġenzija għandha tinforma lill-awtorità baġitarja dwar trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u dik amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu l-approprijazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet li jagħmlu l-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Ir-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provvediment ta' approprazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ma' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Atti ta' referenza*

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsilltat-12 ta' Ġunju 2009, dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (COM(2009)0267).

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prodotti bijoċidali (COM (2011) 498 Finali tal-11 ta' Awwissu 2011.

### Partita 07 03 60 02 — Aġenzija Ewropea tal-Kimika — attivitajiet fil-qasam tal-Leġiżlazzjoni dwar il-Prodotti Bijoċidali — Kontribuzzjoni għat-Titolu 3 mill-Intestatura 2

*Figuri*

| | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 07 03 60 02 | 2 114 367 | 2 114 367 | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |
| 40 02 41 | | | 1 236 510 | 1 236 510 | | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Total | 2 114 367 | 2 114 367 | 1 236 510 | 1 236 510 | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri n-nefqa operattiva tal-Aġenzija (Titolu 3) għall-attivitajiet marbuta mal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-prodotti bijoċidali.

L-Aġenzija għandha tgħarraf lill-awtorità baġitarja dwar trasferimenti bejn l-infiq operazzjonali u dak amministrattiv.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu l-approprijazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet li jagħmlu l-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Ir-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provvediment ta' approprazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ma' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Il-kontribut tal-Unjoni għall-2013 jammonta għal total ta' EUR 6 070 500.

*Atti ta' referenza*

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2009, dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (COM(2009)0267).

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prodotti bijoċidali (COM (2011) 498 Finali tal-11 ta' Awwissu 2011.

## *Artikolu 07 03 70 — l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi — Attivitajiet fil-qasam tal-Leġiżlazzjoni fuq importazzjoni u esportazzjoni tas-sustanzi kimiċi perikolużi*

### Partita 07 03 70 01 — l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi — Attivitajiet fil-qasam tal-Leġiżlazzjoni fuq importazzjoni u esportazzjoni tas-sustanzi kimiċi perikolużi — Kontribuzzjoni għat-Titoli 1 u 2

*Figuri*

| | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 07 03 70 01 | 590 000 | 590 000 | p.m. | p.m. | |
| 40 02 41 | | | 345 214 | 345 214 | |
| Total | 590 000 | 590 000 | 345 214 | 345 214 | |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa amministrattiva u tal-persunal tal-Aġenzija (Titoli 1 u 2) għall-attivitajiet marbutin mal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi (riformulazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 689/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi (ĠU L 204, 31.7.2008, p. 1)).

L-Aġenzija għandha tgħarraf lill-awtorità tal-baġit bit-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u dik amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħlin taħt din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament XX/XX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi (ĠU L XX, XX.XX.2012, p.X).

*Atti ta' referenza*

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Mejju 2011, dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni tas-sustanzi kimiċi perikolużi (COM (2011)0245).

## Partita 07 03 70 02 — l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi — Attivitajiet fil-qasam tal-Leġiżlazzjoni fuq importazzjoni u esportazzjoni tas-sustanzi kimiċi perikolużi — Kontribuzzjoni għat-Titolu 3

*Figuri*

| | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 07 03 70 02 | 971 500 | 971 500 | p.m. | p.m. | |
| 40 02 41 | | | 1 110 386 | 1 110 386 | |
| Total | 971 500 | 971 500 | 1 110 386 | 1 110 386 | |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa operattiva tal-Aġenzija (Titolu 3) għall-attivitajiet marbutin mal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi (riformulazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 689/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi (ĠU L 204, 31.7.2008, p. 1)

L-Aġenzija għandha tgħarraf lill-awtorità tal-baġit bit-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u dik amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħlin taħt din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Il-kontribut tal-Unjoni għall-2013 jammonta għal total ta' EUR 1 561 500.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament XX/XX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi (ĠU L XX, XX.XX.2012, p.x).

*Atti ta' referenza*

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Mejju 2011, dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni tas-sustanzi kimiċi perikolużi (COM (2011)0245).

## *Artikolu 07 03 72 — Proġett pilota — "Effiċjenza fl-użu tal-enerġija" fil-prattika - l-għeluq ta' ċikli minerali*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| p.m. | 250 000 | 1 000 000 | 500 000 | |

*Kummenti*

Dan il-proġett għandu l-għan li jinvestiga u jippromwovi tekniki mtejba ta' effiċjenza fl-użu tal-enerġija fl-irziezet permezz tar-riċiklaġġ ta' materja prima, l-ipproċessar tad-demel tal-annimali f'enerġija rinnovabbli u l--ipperfezzjonar tal-fertilizzazzjoni tal-pjanti u l-għelejjel. Il-finanzjament jintuża biex jinċentivizza proġetti fl-irziezet f'diversi Stati Membri li jfittxu mezzi ġodda u innovattivi ta' ġestjoni tar-riżorsi b'mod iktar effiċjenti u jagħlqu ċ-ċikli minerali fir-razzett. Il-qsim tal-għarfien u tal-aħjar prattiki fost il-komunità tal-bdiewa huwa element essenzjali f'dan l-approċċ. Is-sejbiet ewlenin ta' dawn il-proġetti se jitqassmu fl-Istati Membri kollha u se

jintużaw għal skopijiet ta' tfassil ta' politika tal-Unjoni b'rabta mal-objettivi tal-Istrateġija UE 2020. Eżempji tal-proġetti li se jitwettqu huma ż-żieda fl-użu u l-produzzjoni ta' enerġiji rinnovabbli fl-irziezet, ir-riċiklaġġ tal-iskart tal-annimali u tal-għelejjel, ġestjoni mtejba tal-ilma u tal-ħamrija, użu iktar immirat tal-fertilizzanti fuq għelejjel f'artijiet maħruta u f'art bil-ħaxix, u l-użu ta' teknoloġiji ġodda fit-trobbija tal-annimali.

*Bażi ġuridika*

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6), tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2992, p. 1).

## KAPITOLU 07 12 — IMPLEMENTAZZJONI TAL-POLITIKA U L-LEĠIŻLAZZJONI TAL-UNJONI FIL-QASAM TAL-AZZJONI DWAR IL-KLIMA

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 07 12 | Implementazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-azzjoni dwar il-klima | | | | | | | | |
| ***07 12 01*** | ***Implementazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-azzjoni dwar il-klima*** | 2 | 20 700 000 | 19 300 000 | 19 300 000 | 15 171 404 | 17 027 772,64 | 8 540 189,00 | 44,25 % |
| | **Kapitolu 07 12 — Total** | | **20 700 000** | **19 300 000** | **19 300 000** | **15 171 404** | **17 027 772,64** | **8 540 189,00** | **44,25 %** |

### *Artikolu 07 12 01 — Implementazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-azzjoni dwar il-klima*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 20 700 000 | 19 300 000 | 19 300 000 | 15 171 404 | 17 027 772,64 | 8 540 189,00 |

*Kummenti*

Taħt il-programm LIFE+, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex jiġu ffinanzjati miżuri b'appoġġ għar-rwol tal-Kummissjoni fl-inizjazzjoni tal-politika u l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-Azzjoni dwar il-klima, fl-isfond ta' dawn il-prijoritajiet:

— li tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-impenji tal-Unjoni Ewropea skont il-Protokoll ta' Kyoto għall-Konvenzjoni Kwadru tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima,

— jiġu żviluppati politiki ġodda u aktar l-implimentazzjoni tal-pakkett "Enerġija u Klima",

— l-iżgurar li l-ekonomija u s-soċjeta tal-Unjoni jadattaw għall-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima u li dawn l-impatti jiġu mitigati,

— jiġu żgurati l-implimentazzjoni u l-użu ta' strumenti bbażati fuq is-suq, b'mod partikolari n-negozjar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, sabiex jintlaħqu l-miri klimatiċi/tal-enerġija "20/20/20" tal-istrateġija Ewropa 2020 permezz ta' tnaqqis kosteffikaċi tal-emissjonijiet, u tiġi sostnuta t-tranżizzjoni lejn soċjetà/ekonomija b’livell baxx tal-karbonju.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa mġarrba mill-Kummissjoni għal:

— studji u evalwazzjonijiet, analiżi ekonomika u l-immudellar ta' xenarji,

— arranġamenti amministrattivi mad-DĠ JRC,

— kooperazzjoni mal-Eurocontrol dwar l-implimentazzjoni tal-avjazzjoni u l-ETS,

— servizzi bil-għan li jiġu implimentati u integrati l-politika u l-leġiżlazzjoni ambjentali fil-qasam tal-azzjoni dwar il-klima,

— konferenzi, seminars u laqgħat ta' ħidma ma' esperti u partijiet interessati,

— żvilupp u manutenzjoni ta' netwerks, bażijiet ta' dejta u sistemi tal-informazzjoni u kompjuters marbuta direttament mal-implimentazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni dwar il-klima tal-Unjoni, partikolarment fit-titjib tal-aċċess pubbliku għal informazzjoni ambjentali. In-nefqa koperta se tinkludi l-ispejjeż tal-iżvilupp, il-manutenzjoni, l-operat u l-appoġġ (ħardwer, softwer u servizzi) ta' sistemi ta' informazzjoni u komunikazzjoni, b'mod partikolari r-Reġistru Komunitarju Indipendenti tat-Tranżazzjonijiet (CITL) u Reġistru Uniku tal-UE u s-Sistema għall-Monitoraġġ tat-Tnaqqis tal-Ożonu (ODS). Se tkopri wkoll l-ispejjeż tal-immaniġġjar ta' proġetti, il-kontroll tal-kwalità, is-sigurtà, id-dokumentazzjoni u t-taħriġ marbuta mal-implimentazzjoni ta' dawn is-sistemi,

— attivitajiet ta' informazzjoni, pubblikazzjoni u tixrid, fosthom avvenimenti, wirjiet, produzzjonijiet awdjoviżivi u miżuri simili ta' sensibilizzazzjoni li jippromwovu l-għanijiet tal-azzjoni klimatika, it-tranżizzjoni lejn ekonomija/soċjetà b'karbonju baxx jew is-sottoprogramm tal-azzjoni klimatika tar-Regolament Life + 2014-2020 li għadu kif ġie propost.

Il-miżuri ffinanzjati mil-LIFE + jistgħu jiġu implimentati permezz ta' għotjiet jew proċeduri ta' sejħiet għall-offerti.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 rigward l-Istrument Finanzjarju għall-Ambjent (LIFE+) (ĠU L 149, 9.6.2007, p. 1).

## KAPITOLU 07 13 — MAINSTREAMING KLIMATIKU U INNOVAZZJONI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 07 13 | Mainstreaming klimatiku u innovazzjoni | | | | | | | | |
| ***07 13 03*** | ***Azzjoni ta' tħejjija — L-integrazzjoni tal-azzjoni, l-adattatment u l-innovazzjoni klimatiċi*** | 2 | 5 000 000 | 5 000 000 | 5 000 000 | 3 750 000 | 4 980 765,94 | 325 293,15 | 6,51 % |
| | **Kapitolu 07 13 — Total** | | **5 000 000** | **5 000 000** | **5 000 000** | **3 750 000** | **4 980 765,94** | **325 293,15** | **6,51 %** |

### *Artikolu 07 13 03 — Azzjoni ta' tħejjija — L-integrazzjoni tal-azzjoni, l-adattatment u l-innovazzjoni klimatiċi*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 5 000 000 | 5 000 000 | 5 000 000 | 3 750 000 | 4 980 765,94 | 325 293,15 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħidma li ssejjes l-iżvilupp tal-politika tal-Unjoni biex l-azzjoni klimatika tiġi integrata fil-politiki u l-programmi l-oħra u l-adattament għat-tibdil fil-klima, bħala bażi għall-valutazzjoni tal-impatt u t-tħejjija għal deċiżjonijiet futuri ta' politika.

L-azzjoni dwar il-klima hija ppreżentata bħala wieħed mill-pilastri ewlenin tal-Istrateġija tal-Ewropea 2020. Il-ksib tal-miri klimatiċi tal-Unjoni jfisser it-tnaqqis tal-emissjonijiet b'mod sinifikanti b'rata aktar mgħaġġla fid-deċennji li ġejjin milli kienet fl-għaxar snin li għaddew.

Barra minn hekk, iċ-ċaqliqa lejn ekonomija b'rilaxxi baxxi ta' karbonju, b'utilizzazzjoni effiċjenti tar-riżorsi u li tkun reżiljenti għall-klima se teħtieġ l-isfruttar tal-kontribuzzjonijiet minn bosta linji politiċi tal-Unjoni (b'mod partikolari dawk tal-koeżjoni, l-agrikoltura, l-iżvilupp rurali, ir-riċerka u l-innovazzjoni, il-programmi dwar it-Trasport u l-Enerġija, azzjonijiet esterni, eċċ.) għall-azzjoni dwar il-klima, b'mod partikolari permezz ta' miżuri ta' mainstreaming u ta' adattament.

L-azzjoni ta' tħejjija għandha għalhekk tkopri konferenzi, studji u xogħol ta' tħejjija mmirati lejn:

— L-identifikazzjoni tal-bidliet strutturali u teknoloġiċi meħtieġa biex issir iċ-ċaqliqa lejn ekonomija b'rilaxxi baxxi ta' karbonju, b'utilizzazzjoni effiċjenti tar-riżorsi u li tkun reżiljenti għall-klima sal-2050 permezz ta' triq definita u miri intermedjarji fl-2030,

— l-identifikazzjoni ta' azzjonijiet, strateġiji u strumenti legali li għandhom jiġu adottati f'livelli tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali u lokali biex jiġi mmitigat it-tibdil fil-klima u l-impatt tiegħu (pereżempju permezz ta' titjib fil-finanzjament għall-infrastrutturi u l-metodi ta' produzzjoni f'setturi vulnerabbli) u jintlaħqu l-miri klimatiċi 20/20/20 stabbiliti mill-Unjoni fl-Istrateġija 2020,

— l-iżvilupp ta' mekkaniżmi innovattivi ta' appoġġ għall-iżvilupp ta' politiki u ta' strateġiji ta' karbonju baxx u ta' adattament, inkluż permezz ta' strumenti finanzjarji ġodda sabiex jiġi sfruttat kompletament il-potenzjal ta' teknoloġiji ġodda, sabiex jitnaqqas it-telf ikkawżat minn avvenimenti marbuta mat-tibdil fil-klima bħal nixfiet u għarar gravi u ġrajjiet klimatiċi estremi, kif ukoll biex tiġi żviluppata l-kapaċità tal-Unjoni għall-prevenzjoni u r-rispons għad-diżastri.

— appoġġ għall-iżvilupp ta' għodod ta' "protezzjoni klimatika", valutazzjonijiet ibbażati fuq ir-riskji tal-programmi u miżuri biex titjieb il-kapaċità ta' adattament u reżiljenza għat-tibdil fil-klima, metodoloġiji ta' appoġġ u "ttraċċar tal-klima" biex tiġi mmonitorjata n-nefqa relatata man-nefqa taħt l-oġġettiv ta' integrazzjoni fil-qafas finanzjarju multiannwali li jmiss "sabiex jiżdied il-proporzjon ta' integrazzjoni klimatika għal mill-inqas 20 % tal-baġit totali tal-UE fil-ġejjieni", b'kontribut minn politiki differenti,

— kooperazzjoni ma'organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, l-istituzzjonijiet u l-korpi tagħhom, għandha tkun possibbli fejn meħtieġ għall-għan li jinkisbu l-għanijiet tal-azzjoni klimatika.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar Ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

# TITOLU 08 — IR-RIĊERKA

*Figuri*

| Titolu Kapitolu | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 08 01 | IN-NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA 'Riċerka' | | 347 037 055 | 347 037 055 | 341 227 540 | 341 227 540 | 329 879 548,62 | 329 879 548,62 |
| | 40 01 40 | | | | 4 490<br>341 232 030 | 4 490<br>341 232 030 | | |
| 08 02 | Il-Kooperazzjoni — Is-Saħħa | 1 | 1 002 798 000 | 757 453 000 | 939 533 855 | 493 934 702 | 850 584 621,53 | 514 836 782,73 |
| 08 03 | Kooperazzjoni — Ikel, agrikoltura u sajd, u bijoteknoloġija | 1 | 356 725 000 | 317 924 000 | 312 784 295 | 181 450 215 | 274 225 130,09 | 185 430 487,82 |
| 08 04 | Il-Kooperazzjoni — In-nanoxjenzi, in-nanoteknoloġiji, il-materjali u t-teknoloġiji l-ġodda tal-produzzjoni | 1 | 615 456 000 | 601 399 000 | 510 906 344 | 368 666 918 | 471 627 638,37 | 415 589 386,22 |
| 08 05 | Il-Kooperazzjoni — L-Enerġija | 1 | 217 825 000 | 169 478 000 | 189 932 521 | 144 811 788 | 161 131 610,87 | 118 107 811,89 |
| 08 06 | Il-Kooperazzjoni — L-Ambjent (inkluż it-tibdil fil-klima) | 1 | 336 586 000 | 271 991 000 | 285 273 359 | 214 026 879 | 258 475 931,23 | 269 132 372,11 |
| 08 07 | Il-Kooperazzjoni — It-Trasport (inkluż l-aeronawtika) | 1 | 558 819 000 | 489 678 243 | 483 484 270 | 430 934 281 | 432 909 352,88 | 396 537 401,79 |
| 08 08 | Kooperazzjoni — Xjenzi soċjoekonomiċi u studji umanistiċi | 1 | 112 181 000 | 67 960 000 | 92 395 240 | 54 274 481 | 86 360 644,74 | 49 364 837,18 |
| 08 09 | Kooperazzjoni — Faċilità Finanzjarja tal-Qsim tar-Riskju (RSFF) | 1 | p.m. | p.m. | 198 004 478 | 181 450 215 | 204 760 000,00 | 204 760 000,00 |
| 08 10 | Ideat | 1 | 1 707 158 000 | 1 226 786 278 | 1 564 948 330 | 818 082 810 | 1 332 343 546,24 | 733 822 780,52 |
| 08 12 | Kapaċitajiet — Infrastrutturi ta' riċerka | 1 | 74 663 000 | 134 969 000 | 50 228 387 | 126 769 285 | 160 066 351,28 | 205 691 420,00 |
| 08 13 | Kapaċitajiet — Riċerka għall-benefiċċju tal-Impriżi Żgħar u ta' Daqs Medju (SMEs) | 1 | 270 553 000 | 236 953 000 | 251 176 486 | 182 498 997 | 229 311 140,02 | 172 825 421,02 |
| 08 14 | Kapaċitajiet — Reġjuni ta' għerf | 1 | 26 496 000 | 20 700 000 | 20 078 078 | 18 299 254 | 19 304 773,00 | 16 581 088,49 |
| 08 15 | Kapaċitajiet — Potenzjal ta' riċerka | 1 | 73 939 000 | 58 000 000 | 66 609 035 | 56 521 742 | 65 320 488,00 | 52 934 445,55 |
| 08 16 | Kapaċitajiet — Xjenza fis-soċjetà | 1 | 63 376 000 | 38 456 000 | 44 828 259 | 27 650 291 | 45 864 192,00 | 31 194 908,00 |
| 08 17 | Kapitolu 08 17 - 'Kapaċitajiet — Attivitajiet ta' kooperazzjoni internazzjonali' | 1 | 39 683 000 | 27 597 000 | 32 102 471 | 31 917 093 | 28 937 707,00 | 19 496 817,00 |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 08 18 | Kapaċitajiet —Faċilità finanzjarja tal-qsim tar-riskju (RSFF) | 1 | 50 000 000 | 50 000 000 | p.m. | p.m. | 51 190 000,00 | 51 190 000,00 |
| 08 19 | Kapaċitajiet — Appoġġ għal żvilupp koerenti ta' Politika ta' Riċerka | 1 | 13 411 000 | 9 850 000 | 13 101 602 | 9 434 504 | 10 037 335,00 | 5 762 666,99 |
| 08 20 | L-Euratom — L-Enerġija mill-fużjoni | 1 | 937 355 000 | 584 984 000 | 1 129 274 000 | 371 849 555 | 396 090 000,00 | 235 116 604,68 |
| 08 21 | Euratom — Fissjoni nukleari u ħarsien mir-radjazzjoni | 1 | 55 839 000 | 57 000 000 | 54 105 000 | 49 898 809 | 52 000 000,00 | 35 780 564,00 |
| 08 22 | IT-TLESTIJA TAL-PROGRAMMI TA' QAFAS PREĊEDENTI U ATTIVITAJIET OĦRA | 1 | p.m. | 27 054 000 | p.m. | 113 860 010 | 208 635 431,08 | 517 943 687,58 |
| 08 23 | PROGRAMM TA' RIĊERKA TAL-FOND TA' RIĊERKA GĦALL-FAĦAM U L-AZZAR | 1 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 61 197 634,00 | 50 999 625,11 |
| | **Titolu 08 — Total** | | **6 859 900 055** | **5 495 269 576** | **6 579 993 550** | **4 217 559 369** | **5 730 253 075,95** | **4 612 978 657,30** |
| | **40 01 40** | | | | **4 490** | **4 490** | | |
| | **Total + riżerva** | | | | **6 579 998 040** | **4 217 563 859** | | |

*Kummenti*

Dawn ir-rimarki jgħoddu għall-partiti kollha tal-baġit f'dan it-titolu (bl-eċċezzjoni tal-Partita 08 22).

Dawn l-approprjazzjonijiet se jintużaw skont ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri tar-riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1) u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1908/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri ta' riċerka u universitajiet f'azzjoni taħt is-seba' programm kwadru tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2011) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 1; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 4).

Għall-approprjazzjonijiet kollha skont dan it-titolu tintuża l-istess definizzjoni ta' impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) bħal fil-każ ta' programmi orizzontali speċifiċi għall-SMEs fi ħdan l-istess programm qafas. Dik id-definizzjoni hija din li ġejja: SME eliġibbli hija entità ġuridika li taqbel mad-definizzjoni ta' SME kif stipulata fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE u mhijiex ċentru ta' riċerka, istitut ta' riċerka, organizzazzjoni ta' riċerka b'kuntratt jew impriża ta' konsulenza. L-attivitajiet kollha ta' riċerka mmexxija skont is-seba' programm qafas għandhom jitwettqu skont il-prinċipji etiċi fundamentali (skont l-Artikolu 6, p. 5 tad-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1), inkluż rekwiżiti dwar il-ħarsien tal-annimali. Dan għandu jinkludi, b'mod partikolari, il-prinċipji stipulati fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għandu jittieħed kont b'mod partikolari tal-ħtieġa li jissaħħu l-isforzi biex tiżdied il-parteċipazzjoni u r-rwol tan-nisa fix-xjenza u r-riċerka.

Taħt dawn l-artikoli u partiti jaqgħu wkoll l-ispejjeż ta' laqgħat, konferenzi, workshops u seminars xjentifiċi u teknoloġiċi ta' livell għoli u ta' interess Ewropew organizzati mill-Kummissjoni, il-finanzjament ta' analiżi ta' livell għoli xjentifiku u teknoloġiku u l-valutazzjonijiet magħmulin f'isem l-Unjoni għall-investigazzjoni ta' oqsma ġodda ta' riċerka xierqa għall azzjoni tal-Unjoni, fost oħrajn, fil-kuntest taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, u miżuri għall-monitoraġġ u t-tixrid tar-riżultati tal-programmi, inklużi miżuri skont programmi ta' qafas preċedenti.

Dawn l-approprjazzjonijiet ikopru wkoll in-nefqa amministrattiva, inkluż nefqa għall-persunal, kemm jekk koperta mir-Regolamenti tal-Persunal jew le, informazzjoni, pubblikazzjonijiet, operazzjoni amministrattiva u teknika, u ċerti partiti oħra ta' nefqa dwar infrastruttura interna marbuta mal-kisba tal-għan tal-miżuri li magħhom jiffurmaw parti integrali, inklużi l-azzjoni u l-inizjattivi meħtieġa għat-tħejjija u l-monitoraġġ tal-istrateġija dwar ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni tal-Unjoni.

Id-dħul li ġej mill-ftehimiet ta' kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika u l-Iżvizzera jew dak multilaterali tal-Ftehima Ewropea dwar l-Iżvulupp tal-Fużjoni (EFDA) jiddaħħal fil-Partiti 6 0 1 1 u 6 0 1 2 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u jista' jwassal biex jinħolqu approprjazzjonijiet oħrajn skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju.

Huwa possibbli li fil-każ ta' xi wħud minn dawn il-proġetti, jieħdu sehem fil-Kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-Riċerka Xjentfika u Teknika, pajjiżi terzi jew istituzzjonijiet minn pajjiżi terzi. Kull kontribuzzjoni finanzjarju se jiddaħħal fil-Partiti 6 0 1 3 u 6 0 1 5 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u jista' jwassal biex jinħolqu approprjazzjonijiet oħrajn skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju.

Dħul mill-Istati li jieħdu sehem fil-Kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-Riċerka Xjentifika u Teknika jiddaħħal fil-Partita 6 0 1 6 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u jista' jwassal biex approprjazzjonijiet addizzjonali jsiru disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, fejn huwa applikabbli, mill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent li huma kandidati potenzjali għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjoni mill-korpi barranin għall-attivitajiet tal- Unjoni se jiddaħħal fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul

u jista' jwassal biex jinħolqu approprjazzjonijiet oħrajn skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju.

L-approprjazzjonijiet addizzjonali se jkunu disponibbli skont l-Artikolu 08 22 04.

Tinħtieġ aktar azzjoni speċifika, biex ikun jista' jintlaħaq l-għan ta' ħmistax fil-mija ta' parteċipazzjoni mill-SMEs fil-proġetti ffinanzjati permezz ta' dawn l-approprjazzjonijiet, kif stipulat fid-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE. Proġetti kwalifikati skont il-Programmi Speċifiċi għall-SMEs għandhom isiru eliġibbli għall-iffinanzjar skont il-programm tematiku, meta dawn jissodisfaw ir-rekwiżiti (tematiċi) meħtieġa.

# Kapitolu 08 01 — IN-NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA 'Riċerka'

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08 01 | IN-NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA 'Riċerka' | | | | | |
| ***08 01 01*** | ***Nefqa marbuta mal-persunal impjegat attivament fil-qasam ta' politika 'Riċerka'*** | 5 | 9 041 655 | 9 193 290 | 9 340 340,93 | 103,30 % |
| ***08 01 02*** | ***Persunal estern u nefqa oħra ta' ġestjoni fil-qasam ta' politika 'Riċerka'*** | | | | | |
| 08 01 02 01 | Persunal estern | 5 | 268 912 | 210 031 | 219 017,00 | 81,45 % |
| 08 01 02 11 | Nefqa oħra relatata mat-tmexxija | 5 | 394 554 | 392 244 | 440 843,00 | 111,73 % |
| | 40 01 40 | | | 4 490<br>396 734 | | |
| | *Artikolu 08 01 02 — Sub-total* | | 663 466 | 602 275 | 659 860,00 | 99,46 % |
| | 40 01 40 | | | 4 490<br>606 765 | | |
| ***08 01 03*** | ***Nefqa marbuta mat-tagħmir u s-servizzi tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni tal-qasam ta' politika "Riċerka"*** | 5 | 561 934 | 586 975 | 702 509,91 | 125,02 % |
| ***08 01 04*** | ***Nefqa għall-appoġġ ta' operazzjonijiet għall-qasam ta' politika 'Riċerka'*** | | | | | |
| 08 01 04 30 | L-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka (ERCEA) | 1.1 | 39 000 000 | 39 000 000 | 35 600 737,00 | 91,28 % |
| 08 01 04 31 | L-Aġenzija Eżekuttiva tar-Riċerka (REA) | 1.1 | 49 300 000 | 47 339 000 | 38 496 928,00 | 78,09 % |
| 08 01 04 40 | L-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER — Il-Fużjoni għall-Enerġija (l-F4E) — In-nefqa fuq it-tmexxija amministrattiva | 1.1 | 39 390 000 | 39 000 000 | 35 900 000,00 | 91,14 % |
| | *Artikolu 08 01 04 — Sub-total* | | 127 690 000 | 125 339 000 | 109 997 665,00 | 86,14 % |
| ***08 01 05*** | ***Nefqa għall-appoġġ ta' operazzjonijiet għall-qasam tal-politika 'Riċerka'*** | | | | | |
| 08 01 05 01 | Nefqa konnessa mal-persunal li jwettaq ir-riċerka | 1.1 | 127 793 000 | 124 219 000 | 128 017 000,12 | 100,18 % |
| 08 01 05 02 | Persunal estern għar-riċerka | 1.1 | 26 287 000 | 26 287 000 | 27 690 716,00 | 105,34 % |
| 08 01 05 03 | Nefqa oħra ta' tmexxija għar-riċerka | 1.1 | 55 000 000 | 55 000 000 | 53 471 456,66 | 97,22 % |
| | *Artikolu 08 01 05 — Sub-total* | | 209 080 000 | 205 506 000 | 209 179 172,78 | 100,05 % |
| | **Kapitolu 08 01 — Total** | | **347 037 055** | **341 227 540** | **329 879 548,62** | **95,06 %** |
| | **40 01 40**<br>**Total + riżerva** | | | **4 490**<br>**341 232 030** | | |

## *Artikolu 08 01 01 — Nefqa marbuta mal-persunal impjegat attivament fil-qasam ta' politika 'Riċerka'*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 9 041 655 | 9 193 290 | 9 340 340,93 |

## *Artikolu 08 01 02 — Persunal estern u nefqa oħra ta’ ġestjoni fil-qasam ta’ politika ‘Riċerka’*

### Partita 08 01 02 01 — Persunal estern

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 268 912 | 210 031 | 219 017,00 |

### Partita 08 01 02 11 — Nefqa oħra relatata mat-tmexxija

*Figuri*

| | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|
| 08 01 02 11 | 394 554 | 392 244 | 440 843,00 |
| 40 01 40 | | 4 490 | |
| Total | 394 554 | 396 734 | 440 843,00 |

## *Artikolu 08 01 03 — Nefqa marbuta mat-tagħmir u s-servizzi tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni tal-qasam ta' politika "Riċerka"*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 561 934 | 586 975 | 702 509,91 |

## *Artikolu 08 01 04 — Nefqa għall-appoġġ ta’ operazzjonijiet għall-qasam ta’ politika ‘Riċerka’*

### Partita 08 01 04 30 — L-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka (ERCEA)

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 39 000 000 | 39 000 000 | 35 600 737,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-ispejjeż operattivi tal-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka li jsiru b'riżultat tar-rwol tal-Aġenzija fil-ġestjoni tal-programm speċifiku 'Ideat' fil-qasam tar-riċerka innovattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA bis-saħħa tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-għoti ta’ approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness “Żona Ekonomika Ewropea” għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f’din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Il-pjan ta’ stabbiliment tal-Aġenzija jinsab fil-Parti ‘Pjan ta’ stabbiliment tal-persunal’ tat-Taqsima III — Il-Kummissjoni (Volum 3).

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta’ riċerka, ta’ żvilupp teknoloġiku u ta’ dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli

għall-parteċipazzjoni ta’ impriżi, ċentri tar-riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2011) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/972/KE tad-19 ta’ Diċembru 2006 dwar il-programm speċifiku: 'Ideat' li timplimenta s-Seba' Programm Kwadru (2007-2013) tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta’ riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007 sal-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 243; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 81).

*Atti ta’ referenza*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/37/KE tal-14 ta’ Diċembru 2007 li tistabbilixxi l-“Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka” għall-ġestjoni tal-programm speċifiku Komunitarju “Ideat” fil-qasam tar-riċerka fil-fruntieri tal-għarfien b’applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 (ĠU L 9, 12.1.2008, p. 15).

## Partita 08 01 04 31 — L-Aġenzija Eżekuttiva tar-Riċerka (REA)

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 49 300 000 | 47 339 000 | 38 496 928,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-ispejjeż operattivi tal-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka li jsiru b'riżultat tar-rwol tal-Aġenzija fil-ġestjoni tal-programmi speċifiċi 'Nies', 'Kapaċitajiet' u 'Kooperazzjoni' fil-qasam tar-riċerka.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA bis-saħħa tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-għoti ta’ approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness “Żona Ekonomika Ewropea” għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f’din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Il-pjan ta’ stabbiliment tal-Aġenzija jinsab fil-Parti ‘Pjan ta’ stabbiliment tal-persunal’ tat-Taqsima III — Il-Kummissjoni (Volum 3).

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta’ riċerka, ta’ żvilupp teknoloġiku u ta’ dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament (KE) 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta’ impriżi, ċentri tar-riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2011) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/971/KE tad-19 ta’ Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku Kooperazzjoni li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea dwar ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta’ dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 30).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/973/KE tad-19 ta’ Diċembru 2006 dwar il-programm speċifiku 'Nies' li jimplimenta s-7 Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta’ riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 269; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 91).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/974/KE tad-19 ta’ Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku 'Kapaċitajiet' li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta’ riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013) — (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 298; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 101).

*Atti ta’ referenza*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/46 tal-14 ta’ Diċembru 2007 li tistabbilixxi l-“Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka” għall-ġestjoni ta’ ċerti oqsma tal-programm speċifiċi Komunitarji msejħin “In-Nies”, “Il-Kapaċitajiet” u “Il-Kooperazzjoni” fil-qasam tar-riċerka b’applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 (ĠU L 9, 12.1.2008, p. 15).

## Partita 08 01 04 40 — L-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER — Il-Fużjoni għall-Enerġija (l-F4E) — In-nefqa fuq it-tmexxija amministrattiva

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 39 390 000 | 39 000 000 | 35 900 000,00 |

*Kummenti*

Il-fużjoni toffri l-prospett ta’ provvista kważi mingħajr limiti ta’ enerġija nadifa, u ITER huwa l-pass kruċjali li jmiss fil-progress lejn dan l-għan aħħari. Għal dan il-għan ġiet stabbilita l-Organizzazzjoni Ewropea għal ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni, f'għamla ta’ Impriża Konġunta. Din l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (Fużjoni għall-Enerġija) għandha d-dmirijiet li ġejjin:

(a) li tipprovdi l-kontribuzzjoni ta’ Euratom lill-Organizzazzjoni Internazzjonali ITER għall-Enerġija mill-Fużjoni;

(b) li tipprovdi l-kontribuzzjoni ta’ Euratom għal Attivitajiet ta’ Approċċ Usa' mal-Ġappun għar-realizzazzjoni rapida tal-enerġija mill-fużjoni;

(c) biex timplimenta programm ta’ attivitajiet bi tħejjija għall-bini ta’ reattur tal-fużjoni ta’ dimostrazzjoni u faċilitajiet relatati inkluża l-Faċilità Internazzjonali għall-Irradjazzjoni tal-Materjali ta’ Fużjoni (*IFMIF*).

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta’ Settembru 2006 dwar il-konklużjoni, permezz tal-Kummissjoni, tal-Ftehim dwar l-Istabbiliment tal-Organizzazzjoni Internazzjonali ITER dwar l-Enerġija mill-Fużjoni għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER, tal-Arranġament dwar l-Applikazzjoni Provviżorja tal-Ftehim dwar l-Istabbiliment tal-Organizzazzjoni Internazzjonali ITER dwar l-Enerġija mill-Fużjoni għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER u tal-Ftehim dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali ITER tal-Enerġija mill-Fużjoni għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2006/943/Euratom tas-17 ta’ Novembru 2006 dwar l-Applikazzjoni Provviżorja tal-Ftehim dwar l-Istabbiliment tal-Organizzazzjoni Internazzjonali ITER dwar l-Enerġija mill-Fużjoni għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER u tal-Ftehim dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali ITER tal-Enerġija mill-Fużjoni għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/970/Euratom tat-18 ta’ Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) għar-riċerka nukleari u attivitajiet ta’ taħriġ (2007-2011) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 60; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 21).

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1908/2006 tad-19 ta’ Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta’ impriżi, ċentri ta’ riċerka u universitajiet f'azzjoni taħt is-seba' programm kwadru tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2011) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 1; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 4).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/976/Euratom tad-19 ta’ Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (Euratom) għal riċerka nukleari u attivitajiet ta’ taħriġ (2007-2011)(ĠU L 400, 30.12.2006, p. 404; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 139).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2007/198/Euratom tas-27 ta’ Marzu 2007 li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferilha vantaġġi (ĠU L 90, 30.3.2007, p. 58).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/93/Euratom tad-19 ta' Diċembru 2011 dwar il-Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għal riċerka nukleari u attivitajiet ta’ taħriġ (2012-2013) (OJ L 47, 18.2.2012, p. 25).

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 139/2012 tad-19 ta’ Diċembru 2011 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta’ impriżi, ċentri ta’ riċerka u universitajiet f’azzjonijiet indiretti taħt il-Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka(2012-2013) (ĠU L 47, 18.2.2012, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/94/Euratom tad-19 ta’ Diċembru 2011 dwar il-programm speċifiku, li għandu jitwettaq permezz ta’ azzjonijiet indiretti, li jimplimenta l-Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika għal riċerka nukleari u attivitajiet ta’ taħriġ (2012-2013) (ĠU L 47, 18.2.2012, p. 33).

## *Artikolu 08 01 05 — Nefqa għall-appoġġ ta' operazzjonijiet għall-qasam tal-politika 'Riċerka'*

### Partita 08 01 05 01 — Nefqa konnessa mal-persunal li jwettaq ir-riċerka

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 127 793 000 | 124 219 000 | 128 017 000,12 |

### Partita 08 01 05 02 — Persunal estern għar-riċerka

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 26 287 000 | 26 287 000 | 27 690 716,00 |

### Partita 08 01 05 03 — Nefqa oħra ta' tmexxija għar-riċerka

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 55 000 000 | 55 000 000 | 53 471 456,66 |

# KAPITOLU 08 02 — IL-KOOPERAZZJONI — IS-SAĦĦA

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 08 02 | Il-Kooperazzjoni — Is-Saħħa | | | | | | | | |
| ***08 02 01*** | ***Il-Kooperazzjoni — Is-Saħħa*** | 1.1 | 791 490 000 | 627 563 000 | 639 533 855 | 398 334 028 | 686 776 621,53 | 496 363 548,73 | 79,09 % |
| ***08 02 02*** | ***Il-Kooperazzjoni —Is-Saħħa — L-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi*** | 1.1 | 207 068 000 | 125 650 000 | 294 300 000 | 90 725 107 | 159 098 520,00 | 14 622 613,00 | 11,64 % |
| ***08 02 03*** | ***Il-Kooperazzjoni — Is-Saħħa — In-nefqa għall-appoġġ tal-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi*** | 1.1 | 4 240 000 | 4 240 000 | 5 700 000 | 4 875 567 | 4 709 480,00 | 3 850 621,00 | 90,82 % |
| | **Kapitolu 08 02 — Total** | | **1 002 798 000** | **757 453 000** | **939 533 855** | **493 934 702** | **850 584 621,53** | **514 836 782,73** | **67,97 %** |

## *Artikolu 08 02 01 — Il-Kooperazzjoni — Is-Saħħa*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 791 490 000 | 627 563 000 | 639 533 855 | 398 334 028 | 686 776 621,53 | 496 363 548,73 |

*Kummenti*

L-azzjonijiet li jsiru fil-qasam tas-saħħa għandhom bħala għanijiet it-titjib tas-saħħa taċ-ċittadini Ewropej u t-tisħiħ tal-kompetittività tal-industriji u tal-impriżi marbuta mas-settur tas-saħħa fl-Ewropea, filwaqt li jiġu indirizzati l-problemi tas-saħħa fid-dinja, fosthom l-epidemiji l-ġodda. L-enfasi se jitqiegħed fuq ir-riċerka ta' traduzzjoni (it-trasponiment tas-sejbiet bażiċi f'applikazzjonijiet kliniċi), l-

iżvilupp u l-validazzjoni ta’ trattamenti ġodda, il-metodi għall-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni, għodod u teknoloġiji dijanjostiċi, kif ukoll sistemi sostenibbli u effikaċji għall-kura tas-saħħa. Se tingħata attenzjoni speċjali lill-komunikazzjoni tar-riżultati tar-riċerka u lit-twettiq ta’ djalogu mas-soċjetà ċivili, b’mod partikolari l-gruppi ta’ pazjenti, fl-iktar stadju kmieni possibbli tal-iżviluppi l-ġodda prodotti mir-riċerka bijomedika u ġenetika.

Jistgħu jingħataw fondi għal riċerka klinika dwar ħafna mard (pereżempju l-HIV/l-AIDS, il-malarja, it-tuberkulożi, id-dijabete, u mard kroniku ieħor (pereżempju l-artrite, il-mard rewmatiku u l-mard muskolo-skeletriku, kif ukoll il-mard respiratorju), jew il-mard rari.

Sehem akbar ta' finanzjament għandu jingħata għar-riċerka dwar mard relatat mal-anzjani.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA bis-saħħa tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-għoti ta’ approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness “Żona Ekonomika Ewropea” għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f’din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta’ riċerka, ta’ żvilupp teknoloġiku u ta’ dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta’ impriżi, ċentri tar-riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/971/KE tad-19 ta’ Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku “Kooperazzjoni” li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea dwar ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta’ dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 30).

*Atti ta’ referenza*

Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta’ Lulju 2007 dwar il-Ftehim TRIPS u l-aċċess għall-mediċini (ĠU C 175 E, 10.7.2008, p. 591).

## *Artikolu 08 02 02 — Il-Kooperazzjoni —Is-Saħħa — L-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 207 068 000 | 125 650 000 | 294 300 000 | 90 725 107 | 159 098 520,00 | 14 622 613,00 |

*Kummenti*

L-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tas-Seba' Programm ta’ Qafas u b’mod partikolari għat-Tema "Is-Saħħa" tal-Programm Speċifiku msejjaħ il-Kooperazzjoni li jimplimenta s-Seba' Programm ta’ Qafas. Din għandu jkollha l-għan li ttejjeb b'mod sinifikanti l-effiċjenza u l-effettività tal-proċess tal-iżvilupp tal-mediċini bil-għan fit-tul li s-settur farmaċewtiku jibda jipproduċi mediċini innovattivi iktar effettivi u sikuri. B'mod partikolari, għandha:

— tappoġġa “r-riċerka u l-iżvilupp farmaċewtiċi prekompetittivi” fl-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati mas-Seba' Programm ta’ Qafas permezz ta’ approċċ ikkoordinat sabiex jingħelbu l-ostakli fir-riċerka li ġew identifikati fil-proċess tal-izvilupp tal-mediċini,

— tappoġġa l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tar-riċerka kif stabbiliti fl-Aġenda tar-Riċerka tal-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-Mediċini Innovattivi ("L-Attivitajiet ta’ Riċerka"), l-aktar billi tagħti għotjiet wara sejħiet kompetittivi għall-proposti,

— tiżgura l-kumplimentarjetà mal-attivitajiet l-oħra tas-Seba' Programm ta’ Qafas,

— tikkostitwixxi sħubija bejn il-pubbliku u l-privat bil-għan li żżid l-investiment fir-riċerka fis-settur bijofarmaċewtiku fl-Istati Membri u fil-pajjiżi assoċjati mas-Seba' Programm ta’ Qafas billi jinġabru r-riżorsi u titrawwem kollaborazzjoni bejn is-setturi pubbliċi u privati,

— tippromwovi s-sehem tal-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju fl-attivitajiet tagħha, skont l-għanijiet tas-Seba' Programm ta’ Qafas.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA bis-saħħa tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontributi mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-għoti ta’ approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness “Żona Ekonomika Ewropea” għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f’din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta’ riċerka, ta’ żvilupp teknoloġiku u ta’ dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/971/KE tad-19 ta’ Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku “Kooperazzjoni” li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea dwar ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta’ dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 30).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2008 tal-20 ta’ Diċembru 2007 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta għall-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-Mediċini Innovattivi (ĠU L 30, 4.2.2008, p. 38).

## *Artikolu 08 02 03 — Il-Kooperazzjoni — Is-Saħħa — In-nefqa għall-appoġġ tal-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 4 240 000 | 4 240 000 | 5 700 000 | 4 875 567 | 4 709 480,00 | 3 850 621,00 |

*Kummenti*

L-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tas-Seba' Programm ta’ Qafas u b’mod partikolari għat-Tema "Is-Saħħa" tal-Programm Speċifiku msejjaħ il-Kooperazzjoni li jimplimenta s-Seba' Programm ta’ Qafas. Din għandu jkollha l-għan li ttejjeb b'mod sinifikanti l-effiċjenza u l-effettività tal-proċess tal-iżvilupp tal-mediċini bil-għan fit-tul li s-settur farmaċewtiku jibda jipproduċi mediċini innovattivi iktar effettivi u sikuri. B'mod partikolari, għandha:

— tappoġġa “r-riċerka u l-iżvilupp farmaċewtiċi prekompetittivi” fl-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati mas-Seba' Programm ta’ Qafas permezz ta’ approċċ ikkoordinat sabiex jingħelbu l-ostakli fir-riċerka li ġew identifikati fil-proċess tal-izvilupp tal-mediċini,

— tappoġġa l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tar-riċerka kif stabbiliti fl-Aġenda tar-Riċerka tal-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-Mediċini Innovattivi ("L-Attivitajiet ta’ Riċerka"), l-aktar billi tagħti għotjiet wara sejħiet kompetittivi għall-proposti,

— tiżgura l-kumplimentarjetà mal-attivitajiet l-oħra tas-Seba' Programm ta’ Qafas,

— tikkostitwixxi sħubija bejn il-pubbliku u l-privat bil-għan li żżid l-investiment fir-riċerka fis-settur bijofarmaċewtiku fl-Istati Membri u fil-pajjiżi assoċjati mas-Seba' Programm ta’ Qafas billi jinġabru r-riżorsi u titrawwem kollaborazzjoni bejn is-setturi pubbliċi u privati;

— tippromwovi s-sehem tal-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju fl-attivitajiet tagħha, skont l-għanijiet tas-Seba' Programm ta’ Qafas.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA bis-saħħa tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontributi mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-għoti ta’ approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness “Żona Ekonomika Ewropea” għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f’din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta’ riċerka, ta’ żvilupp teknoloġiku u ta’ dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/971/KE tad-19 ta’ Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku “Kooperazzjoni” li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea dwar ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta’ dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 30).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2008 tal-20 ta’ Diċembru 2007 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta għall-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-Mediċini Innovattivi (ĠU L 30, 4.2.2008, p. 38).

## KAPITOLU 08 03 — KOOPERAZZJONI — IKEL, AGRIKOLTURA U SAJD, U BIJOTEKNOLOĠIJA

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 08 03 | Kooperazzjoni — Ikel, agrikoltura u sajd, u bijoteknoloġija | | | | | | | | |
| ***08 03 01*** | ***Kooperazzjoni — Ikel, Agrikoltura u Sajd, u Bijoteknoloġija*** | 1.1 | 356 725 000 | 317 924 000 | 312 784 295 | 181 450 215 | 274 225 130,09 | 185 430 487,82 | 58,33 % |
| | **Kapitolu 08 03 — Total** | | **356 725 000** | **317 924 000** | **312 784 295** | **181 450 215** | **274 225 130,09** | **185 430 487,82** | **58,33 %** |

## *Artikolu 08 03 01 — Kooperazzjoni — Ikel, Agrikoltura u Sajd, u Bijoteknoloġija*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 356 725 000 | 317 924 000 | 312 784 295 | 181 450 215 | 274 225 130,09 | 185 430 487,82 |

*Kummenti*

L-azzjonijiet li jsiru f’dan il-qasam huma maħsuba biex jistabbilixxu l-bażijiet xjentifiċi u teknoloġiċi integrati meħtieġa biex tiġi żviluppata 'Bijoekonomija Ewropea Msejsa fuq l-Għerf' billi jlaqqgħu flimkien partijiet interessati mis-settur tax-xjenza, tal-industrija u minn setturi oħrajn. Tliet pilastri jappoġġaw dan l-approċċ: (1) il-produzzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi mill-ambjenti tal-art, tal-foresti u tal-ilma; (2) mill-furketta sar-razzett: ikel, saħħa u benessri u (3) ix-xjenzi tal-ħajja u l-bijoteknoloġija għal prodotti u proċessi mhux tal-ikel li jkunu sostenibbli. B’dan il-mod jistgħu jiġu sfruttati l-opportunitajiet ġodda u emerġenti ta’ riċerka li jindirizzaw l-isfidi soċjali u ekonomiċi, bħad-domanda li qed tikber għal sistemi ta’ produzzjoni u distribuzzjoni li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent u lill-annimali ta’ ikel iktar sikur, iktar tajjeb għas-saħħa u ta’ kwalità aħjar f'konformità mar-rekwiżiti tal-konsumatur u l-kontroll ta’ riskji marbuta mal-ikel, partikolarment permezz ta’ għodod bijoteknoloġiċi, kif ukoll riskji tas-saħħa assoċjati ma’ bidliet ambjentali.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tiffinanzja l-iżvilupp u t-titjib ta’ metodi ta’ analiżi (pereżempju l-analiżi tar-residwi fl-ikel u fil-għalf).

Minħabba li, skont il-leġiżlazzjoni attwali, l-ebda fondi speċifiċi m'huma assenjati għar-riċerka fil-qasam tas-sajd, se jinżamm mill-inqas l-istess sehem perċentwali daqs dak fil-baġit attwali għar-riċerka fil-qasam tas-sajd. Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tiffinanzja l-iżvilupp u t-titjib tal-kunċett tal-Qabda Sostenibbli Massima (MSY) bħala strument ta’ politika għall-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tal-industrija tas-sajd u għall-iżvilupp ta’ kunċett ta’ politika li jillimita r-rimi lura fil-baħar tal-ħut li jinqabad aċċidentalment.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA bis-saħħa tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontributi mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-għoti ta’ approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness “Żona Ekonomika Ewropea” għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f’din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-

Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri tar-riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/971/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Kooperazzjoni" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea dwar ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 30).

## Kapitolu 08 04 — Il-Kooperazzjoni — In-nanoxjenzi, in-nanoteknoloġiji, il-materjali u t-teknoloġiji l-ġodda tal-produzzjoni

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 08 04 | Il-Kooperazzjoni — In-nanoxjenzi, in-nanoteknoloġiji, il-materjali u t-teknoloġiji l-ġodda tal-produzzjoni | | | | | | | | |
| ***08 04 01*** | ***Kooperazzjoni — nanoxjenzi, nanoteknoloġiji, materjali u teknoloġiji ta' produzzjoni ġodda*** | 1.1 | 606 664 000 | 588 708 000 | 501 040 344 | 362 900 430 | 461 174 640,37 | 409 974 303,22 | 69,64 % |
| ***08 04 02*** | ***Il-Kooperazzjoni — In-Nanoxjenzi, in-nanoteknoloġiji, il-materjali u t-teknoloġiji l-ġodda tal-produzzjoni — L-Impriża Konġunta għaċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu*** | 1.1 | 8 792 000 | 12 691 000 | 9 866 000 | 5 766 488 | 10 452 998,00 | 5 615 083,00 | 44,24 % |
| | **Kapitolu 08 04 — Total** | | **615 456 000** | **601 399 000** | **510 906 344** | **368 666 918** | **471 627 638,37** | **415 589 386,22** | **69,10 %** |

### *Artikolu 08 04 01 — Kooperazzjoni — nanoxjenzi, nanoteknoloġiji, materjali u teknoloġiji ta' produzzjoni ġodda*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 606 664 000 | 588 708 000 | 501 040 344 | 362 900 430 | 461 174 640,37 | 409 974 303,22 |

*Kummenti*

L-għan tal-azzjonijiet li jsiru f'dan il-qasam huwa l-kontribut lejn l-ilħuq tal-massa kritika ta' kapaċità meħtieġa biex jiġu żviluppati u sfruttati l-aktar teknoloġiji avvanzati, partikolarment bil-għan tal-ekoeffiċjenza u tat-tnaqqis tar-rimi ta' sustanzi perikolużi fl-ambjent, li huma l-bażi tal-prodotti, is-servizzi u l-proċeduri ta' manifattura fis-snin li ġejjin, ibbażati primarjament fuq l-għarfien u l-intelliġenza.

Għandhom jiġu pprovduti biżżejjed approprjazzjonijiet għan-nanoriċerka b'rabta mal-valutazzjoni tar-riskji ambjentali u dawk għas-saħħa, peress li 5 sa 10 % biss tan-nanoriċerka globali hija ddedikata għal dan il-għan fil-preżent.

Għandhom jiġu pprovduti biżżejjed approprjazzjonijiet baġitarji għal attivitajiet li jippromwovu r-riċerka u l-itfaċċar ta' proċessi u prattika effiċjenti f'sens ta' riżorsi inklużi l-ekodisinn, l-użu mill-ġdid, ir-reċiklabilità u r-riċerka fis-sostituzzjoni ta' sustanzi perikolużi jew kritiċi.

Huwa attribwit ukoll l-infiq fuq laqgħat, konferenza, *workshops*, u seminars xjentifiċi jew teknoloġiċi ta' livell għoli ta' interess Ewropew organizzati mill-Kummissjoni, kif ukoll il-finanzjament ta' studji, għotjiet, is-sorveljanza ta' programmi speċifiċi u l-finanzjament tas-segretarja tal-IMS, stimi u evalwazzjonijiet xjentifiċi jew teknoloġiċi ta' livell għoli, kif ukoll azzjonijiet imwettqa taħt il-programmi ta' qafas preċedenti.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA bis-saħħa tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82

tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontributi mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri tar-riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/971/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Kooperazzjoni" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea dwar ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 30).

## *Artikolu 08 04 02 — Il-Kooperazzjoni — In-Nanoxjenzi, in-nanoteknoloġiji, il-materjali u t-teknoloġiji l-ġodda tal-produzzjoni — L-Impriża Konġunta għaċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 8 792 000 | 12 691 000 | 9 866 000 | 5 766 488 | 10 452 998,00 | 5 615 083,00 |

*Kummenti*

L-Impriża Konġunta għaċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu tagħti kontribut għall-implimentazzjoni tas-Seba' Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea għal attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u wiri (2007-2013) u b'mod partikulari għat-temi tal-Programm Speċifiku msejjaħ "Il-kooperazzzjoni" għall-"Enerġija", "in-Nanoxjenzi, in-Nanoteknoloġiji, il-Materjali u t-Teknoloġiji l-Ġodda tal-Produzzjoni", "l-Ambjent (inkluż it-Tibdil fil-Klima)", u "it-Trasport (inkluż l-Ajrunawtika)". Hija għandha b'mod partikolari: timmira li tpoġġi lill-Ewropa fuq quddiem nett fid-dinja fit-teknoloġiji taċ-ċelloli tal-fjuwil u tal-idroġenu u li tgħin lit-teknoloġiji taċ-ċelloli tal-fjuwil u tal-idroġenu jippenetraw fis-suq, u b'hekk tippermetti l-forzi kummerċjali tas-suq imexxu 'l quddiem il-benefiċċji potenzjali sostanzjali għall-pubbliku; tappoġġa r-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-wiri (l-RTD) fl-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati mas-Seba' Programm ta' Qafas b'mod ikkoordinat sabiex tegħleb il-falliment fis-suq u tiffoka fuq l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet tas-swieq u b'hekk tħaffef l-isforzi industrijali addizzjonali sabiex it-teknoloġiji taċ-ċelloli tal-fjuwil u tal-idroġenu jibdew jintużaw malajr kemm jista' jkun; tappoġġa l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-RTD tal-Inizjattivi Konġunti fit-Teknoloġija dwar iċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu, l-aktar billi tagħti għotjiet wara sejħiet kompetittivi għall-proposti; u timmira li tinkuraġġixxi aktar investiment mill-pubbliku u mill-privat fir-riċerka dwar it-teknoloġiji taċ-ċelloli tal-fjuwil u tal-idroġenu fl-Istati Membri u fil-pajjiżi assoċjati mas-Seba' Programm ta' Qafas.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA bis-saħħa tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontributi mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/971/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Kooperazzjoni" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea dwar ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 30).

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 521/2008 tat-30 ta' Mejju 2008 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u tal-

Idroġenu (ĠU L 153, 12.6.2008, p. 1).

## KAPITOLU 08 05 — IL-KOOPERAZZJONI — L-ENERĠIJA

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 08 05 | Il-Kooperazzjoni — L-Enerġija | | | | | | | | |
| ***08 05 01*** | ***Kooperazzjoni — Enerġija*** | 1.1 | 201 580 000 | 154 894 000 | 178 319 521 | 112 930 985 | 104 567 761,87 | 84 154 973,09 | 54,33 % |
| ***08 05 02*** | ***Il-Kooperazzjoni — L-Enerġija — L-Impriża Konġunta għaċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu*** | 1.1 | 15 006 000 | 13 345 000 | 10 374 000 | 30 756 719 | 55 489 960,00 | 32 871 634,00 | 246,32 % |
| ***08 05 03*** | ***In-nefqa ta' appoġġ għall-Impriża Konġunta għaċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu (l-FCH)*** | 1.1 | 1 239 000 | 1 239 000 | 1 239 000 | 1 124 084 | 1 073 889,00 | 1 081 204,80 | 87,26 % |
| | **Kapitolu 08 05 — Total** | | **217 825 000** | **169 478 000** | **189 932 521** | **144 811 788** | **161 131 610,87** | **118 107 811,89** | **69,69 %** |

## *Artikolu 08 05 01 — Kooperazzjoni — Enerġija*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 201 580 000 | 154 894 000 | 178 319 521 | 112 930 985 | 104 567 761,87 | 84 154 973,09 |

*Kummenti*

L-isforzi se jkunu kkonċentrati fuq l-oqsma li ġejjin:

*Ġenerazzjoni ta' elettriku rinnovabbli*

Teknoloġiji maħsuba biex iżidu l-effiċjenza globali tal-konverżjoni, li jnaqqsu l-ispiża tal-produzzjoni tal-elettriku minn għejun tal-enerġija indiġeni li jiġġeddu, u l-iżvilupp u d-dimostrazzjoni ta' teknoloġiji adatti għal kundizzjonijiet reġjonali differenti.

*Produzzjoni ta' fjuwils rinnovabbli*

Teknoloġiji integrati ta' konverżjoni biex jiżviluppaw u jnaqqsu l-ispiża għal unità ta' fjuwil solidu, likwidu u f'għamla ta' gass prodott minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli , bl-għan li l-produzzjoni u l-użu ta' fjuwils li ma fihomx karbonju, partikolarment il-bijofjuwils likwidi għat-trasport, ikunu effettivi meta mqabbla mal-ispiża involuta.

*It-teknoloġiji tal-qbid u l-ħażna tas-CO2 għal-ġenerazzjoni tal-enerġija li ma tagħmel kważi l-ebda emissjoni*

Biex jitnaqqas drastikament l-impatt ambjentali tal-konsum tal-fjuwils fossili sabiex jiġu żviluppati impjanti tal-produzzjoni tal-elettriku estremament effiċjenti li jipproduċu ftit li xejn emissjonijiet, ibbażati fuq il-qbid tad-CO2 u fuq teknoġiji ta' ħażna.

*Teknoloġiji nodfa tal-faħam*

Biex tittejjeb sostanzjalment l-effiċjenza tal-impjanti, l-affidabbiltà u l-ispejjeż permezz tal-iżvilupp u d-dimostrazzjoni ta' teknoloġiji nodfa għall-konverżjoni tal-faħam. Dan jinkludi wkoll aktar azzjoni għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji effiċjenti għall-ħruq tal-iskart tal-injam bħala metodu ta' produzzjoni tal-faħam bijoloġiku bħala mod ta' ġenerazzjoni awtosostenibbli ta' enerġija.

*Netwerks tal-enerġija intelliġenti*

Sabiex tiżdied l-effiċjenza, is-sikurezza u l-affidabbiltà tan-netwerks Ewropej tal-elettriku, u l-kapaċità tagħhom li jmexxu l-flussi tal-enerġija ġġenerati mis-swieq. L-ippjanar fit-tul tal-iżvilupp tan-netwerk pan-Ewropew tal-elettriku fi ħdan il-qafas tax-xogħol tal-inizjattiva Ewropea dwar ix-xibka tal-elettriku. Biex jitneħħew l-ostakoli għall-użu fuq skala kbira u l-integrazzjoni effettiva tas-sorsi tal-enerġija mqassma u rinnovabbli.

*Effiċjenza u ffrankar tal-enerġija*

Kunċetti u teknoloġiji ġodda biex itejbu l-effiċjenza u l-iffrankar fl-enerġija għall-bini, għas-servizzi u għall-industrija. Dawn jinkludu l-integrazzjoni ta' strateġiji u teknoloġiji għall-effiċjenza fl-enerġija, l-użu ta' teknoloġiji ġodda u rinnovabbli u l-ġestjoni tad-domanda għall-enerġija.

Minħabba l-kontribuzzjoni importanti tagħhom għal sistemi tal-enerġija sostenibbli tal-futur, l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza tal-enerġija għall-użu aħħari se jkunu l-parti prinċipali ta' din it-Tema għall-perjodu mill-2007-2013 u se jirrappreżentaw tal-anqas żewġ terzi tagħha mill-2012 'il quddiem. L-iffukar se jkun fuq attivitajiet li jappoġġaw bl-aħjar mod l-iżvilupp tal-inizjattivi tal-Pjan SET fi ħdan il-qafas tal-Pjanijiet għat-Teknoloġija.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA bis-saħħa tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jistgħu jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tħeġġeġ approċċi komuni għal sfidi globali ewlenin, bħas-sigurtà tal-enerġija u l-iskarsezza tar-riżorsi, billi jinġabru flimkien ir-riżorsi u jitħeġġeġ l-iskambju tal-aħjar prassi għall-avvanz tar-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tal-enerġija. Il-miżuri jimmiraw sabiex itejbu l-effikaċja tal-azzjonijiet mill-komunità internazzjonali u jkunu komplementari għal mekkaniżmi eżistenti. L-approprjazzjonijiet jintużaw sabiex jiffinanzjaw impriżi innovattivi bejn pajjiżi Ewropej u pajjiżi terzi li ma jistgħux jitwettqu minn pajjiż wieħed u li huma lil hinn mill-ambitu tal-għodod kurrenti disponibbli taħt l-istrumenti legali eżistenti. Fl-implimentazzjoni ta' din l-azzjoni l-Kummissjoni se tassigura distribuzzjoni bilanċjata tas-sussidji. Se tgħin atturi f'livell globali biex jieħdu sehem fi sħubijiet ta' riċerka sabiex titħeġġeġ l-innovazzjoni fil-qasam tal-enerġija sikura, nadifa u effiċjenti.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri tar-riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/971/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Kooperazzjoni" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea dwar ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 30).

## *Artikolu 08 05 02 — Il-Kooperazzjoni — L-Enerġija — L-Impriża Konġunta għaċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 15 006 000 | 13 345 000 | 10 374 000 | 30 756 719 | 55 489 960,00 | 32 871 634,00 |

*Kummenti*

L-Impriża Konġunta għaċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu tagħti kontribut għall-implimentazzjoni tas-Seba' Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea għal attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u wiri (2007-2013) u b'mod partikulari għat-temi tal-Programm Speċifiku msejjaħ "Il-kooperazzzjoni" għall-"Enerġija", "in-Nanoxjenzi, in-Nanoteknoloġiji, il-Materjali u t-Teknoloġiji l-Ġodda tal-Produzzjoni", "l-Ambjent (inkluż it-Tibdil fil-Klima)", u "it-Trasport (inkluż l-Ajrunawtika)". Hija għandha b'mod partikolari: timmira li tpoġġi lill-Ewropa fuq quddiem nett fid-dinja fit-teknoloġiji taċ-ċelloli tal-fjuwil u tal-idroġenu u li tgħin lit-teknoloġiji taċ-ċelloli tal-fjuwil u tal-idroġenu jippenetraw fis-suq, u b'hekk tippermetti l-forzi kummerċjali tas-suq imexxu 'l quddiem il-benefiċċji potenzjali sostanzjali għall-pubbliku; tappoġġa r-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-wiri (l-RTD) fl-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati mas-Seba' Programm ta' Qafas b'mod ikkoordinat sabiex tegħleb il-falliment fis-suq u tiffoka fuq l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet tas-swieq u b'hekk tħaffef l-isforzi industrijali addizzjonali sabiex it-teknoloġiji taċ-ċelloli tal-fjuwil u tal-idroġenu jibdew jintużaw malajr kemm jista' jkun; tappoġġa l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-RTD tal-Inizjattivi Konġunti fit-Teknoloġija dwar iċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu, l-aktar billi tagħti għotjiet wara sejħiet kompetittivi għall-proposti; timmira li tinkuraġġixxi aktar investiment mill-pubbliku u mill-privat fir-riċerka dwar it-teknoloġiji taċ-ċelloli tal-fjuwil u tal-idroġenu fl-Istati Membri u fil-pajjiżi assoċjati mas-Seba' Programm Kwadru.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA bis-saħħa tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontributi mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-għoti ta’ approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness “Żona Ekonomika Ewropea” għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f’din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta’ riċerka, ta’ żvilupp teknoloġiku u ta’ dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/971/KE tad-19 ta’ Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku “Kooperazzjoni” li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea dwar ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta’ dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 30).

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 521/2008 tat-30 ta’ Mejju 2008 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u tal-Idroġenu (ĠU L 153, 12.6.2008, p. 1).

## *Artikolu 08 05 03 — In-nefqa ta’ appoġġ għall-Impriża Konġunta għaċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu (l-FCH)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 1 239 000 | 1 239 000 | 1 239 000 | 1 124 084 | 1 073 889,00 | 1 081 204,80 |

*Kummenti*

L-Impriża Konġunta għaċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu tagħti kontribut għall-implimentazzjoni tas-Seba’ Programm ta’ Qafas tal-Komunità Ewropea għal attivitajiet ta’ riċerka, żvilupp teknoloġiku u wiri (2007-2013) u b’mod partikulari għat-temi tal-Programm Speċifiku msejjaħ “Il-kooperazzzjoni” għall-“Enerġija”, “in-Nanoxjenzi, in-Nanoteknoloġiji, il-Materjali u t-Teknoloġiji l-Ġodda tal-Produzzjoni", "l-Ambjent (inkluż it-Tibdil fil-Klima)", u “it-Trasport (inkluż l-Ajrunawtika)". Hija għandha b’mod partikolari: timmira li tpoġġi lill-Ewropa fuq quddiem nett fid-dinja fit-teknoloġiji taċ-ċelloli tal-fjuwil u tal-idroġenu u li tgħin lit-teknoloġiji taċ-ċelloli tal-fjuwil u tal-idroġenu jippenetraw fis-suq, u b’hekk tippermetti l-forzi kummerċjali tas-suq imexxu 'l quddiem il-benefiċċji potenzjali sostanzjali għall-pubbliku; tappoġġa r-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-wiri (l-RTD) fl-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati mas-Seba’ Programm ta’ Qafas b’mod ikkoordinat sabiex tegħleb il-falliment fis-suq u tiffoka fuq l-iżvilupp ta’ applikazzjonijiet tas-swieq u b’hekk tħaffef l-isforzi industrijali addizzjonali sabiex it-teknoloġiji taċ-ċelloli tal-fjuwil u tal-idroġenu jibdew jintużaw malajr kemm jista’ jkun; tappoġġa l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-RTD tal-Inizjattivi Konġunti fit-Teknoloġija dwar iċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu, l-aktar billi tagħti għotjiet wara sejħiet kompetittivi għall-proposti; timmira li tinkuraġġixxi aktar investiment mill-pubbliku u mill-privat fir-riċerka dwar it-teknoloġiji taċ-ċelloli tal-fjuwil u tal-idroġenu fl-Istati Membri u fil-pajjiżi assoċjati mas-Seba’ Programm ta’ Qafas.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA bis-saħħa tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontributi mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-għoti ta’ approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness “Żona Ekonomika Ewropea” għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f’din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta’ riċerka, ta’ żvilupp teknoloġiku u ta’ dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/971/KE tad-19 ta’ Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku “Kooperazzjoni” li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea dwar ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta’ dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 30).

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 521/2008 tat-30 ta’ Mejju 2008 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u tal-

Idroġenu (ĠU L 153, 12.6.2008, p. 1).

## Kapitolu 08 06 — Il-Kooperazzjoni — L-Ambjent (inkluż it-tibdil fil-klima)

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 08 06 | Il-Kooperazzjoni — L-Ambjent (inkluż it-tibdil fil-klima) | | | | | | | | |
| ***08 06 01*** | ***Kooperazzjoni — Ambjent (inkluż it-tibdil tal-klima)*** | 1.1 | 332 635 000 | 266 288 000 | 280 840 359 | 211 873 065 | 254 457 516,23 | 267 143 697,11 | 100,32 % |
| ***08 06 02*** | ***Il-Kooperazzjoni — L-Enerġija — L-Impriża Konġunta għaċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu*** | 1.1 | 3 951 000 | 5 703 000 | 4 433 000 | 2 153 814 | 4 018 415,00 | 1 988 675,00 | 34,87 % |
| | **Kapitolu 08 06 — Total** | | **336 586 000** | **271 991 000** | **285 273 359** | **214 026 879** | **258 475 931,23** | **269 132 372,11** | **98,95 %** |

### *Artikolu 08 06 01 — Kooperazzjoni — Ambjent (inkluż it-tibdil tal-klima)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 332 635 000 | 266 288 000 | 280 840 359 | 211 873 065 | 254 457 516,23 | 267 143 697,11 |

*Kummenti*

Ir-Riċerka Ambjentali fi ħdan is-Seba’ Programm Kwadru se tiġi implimentata permezz tat-Tema *Ambjent (inkluż it-Tibdil tal-Klima)*. L-għan huwa li tiġi promossal-ġestjoni sostenibbli tal-ambjent naturali u uman u r-riżorsi tiegħu billi navvanzaw l-għarfien tagħna dwar l-interazzjonijiet bejn il-bijosfera, l-ekosistemi u l-attivitajiet umani, u l-iżvilupp ta’ teknoloġiji, għodod u servizzi ġodda, sabiex jiġu indirizzati b’mod integrat il-kwistjonijiet ambjentali globali. Se ssir enfasi fuq il-previżjoni tat-tibdil fis-sistema ekoloġika, tal-klima, tad-dinja, u tal-oċean u fuq l-għodod u t-teknoloġiji, għall-monitoraġġ, il-prevenzjoni u l-mitigazzjoni ta’ pressjonijiet u riskji ambjentali inkluż fuq is-saħħa tal-bniedem u għas-sostenibbiltà tal-ambjent naturali u dak magħmul mill-bniedem.

Ir-riċerka f’din it-tema se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-impenji u l-inizjattivi internazzjonali bħalma hi l-Osservazzjoni Globali tad-Dinja (GEO). Barra minn hekk, se tappoġġa l-ħtiġijiet tar-riċerka li joħorġu mil-leġiżlazzjoni u l-politiki eżistenti u ġejjienin tal- Unjoni, strateġiji tematiċi assoċjati u l-pjanijiet ta’ azzjoni dwar it-Teknoloġiji Ambjentali u dwar l-Ambjent u s-Saħħa. Ir-riċerka se tikkontribwixxi wkoll żviluppi teknoloġiċi li jtejbu l-pożizzjonament fis-suq tal-impriżi Ewropej, partikolarment tal-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju, f'oqsma bħat-teknoloġiji ambjentali.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA bis-saħħa tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontributi mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-għoti ta’ approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness “Żona Ekonomika Ewropea” għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f’din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta’ riċerka, ta’ żvilupp teknoloġiku u ta’ dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta’ impriżi, ċentri tar-riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/971/KE tad-19 ta’ Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Kooperazzjoni" li jimplimenta s-Seba'

Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea dwar ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 30).

### *Artikolu 08 06 02 — Il-Kooperazzjoni — L-Enerġija — L-Impriża Konġunta għaċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 3 951 000 | 5 703 000 | 4 433 000 | 2 153 814 | 4 018 415,00 | 1 988 675,00 |

*Kummenti*

L-Impriża Konġunta għaċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu tagħti kontribut għall-implimentazzjoni tas-Seba' Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea għal attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u wiri (2007-2013) u b'mod partikulari għat-temi tal-Programm Speċifiku msejjaħ "Il-kooperazzzjoni" għall-"Enerġija", "in-Nanoxjenzi, in-Nanoteknoloġiji, il-Materjali u t-Teknoloġiji l-Ġodda tal-Produzzjoni", "l-Ambjent (inkluż it-Tibdil fil-Klima)", u "it-Trasport (inkluż l-Ajrunawtika)". Hija għandha b'mod partikolari: timmira li tpoġġi lill-Ewropa fuq quddiem nett fid-dinja fit-teknoloġiji taċ-ċelloli tal-fjuwil u tal-idroġenu u li tgħin lit-teknoloġiji taċ-ċelloli tal-fjuwil u tal-idroġenu jippenetraw fis-suq, u b'hekk tippermetti l-forzi kummerċjali tas-suq imexxu 'l quddiem il-benefiċċji potenzjali sostanzjali għall-pubbliku; tappoġġa r-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-wiri (l-RTD) fl-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati mas-Seba' Programm ta' Qafas b'mod ikkoordinat sabiex tegħleb il-falliment fis-suq u tiffoka fuq l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet tas-swieq u b'hekk tħaffef l-isforzi industrijali addizzjonali sabiex it-teknoloġiji taċ-ċelloli tal-fjuwil u tal-idroġenu jibdew jintużaw malajr kemm jista' jkun; tappoġġa l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-RTD tal-Inizjattivi Konġunti fit-Teknoloġija dwar iċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu, l-aktar billi tagħti għotjiet wara sejħiet kompetittivi għall-proposti; timmira li tinkuraġġixxi aktar investiment mill-pubbliku u mill-privat fir-riċerka dwar it-teknoloġiji taċ-ċelloli tal-fjuwil u tal-idroġenu fl-Istati Membri u fil-pajjiżi assoċjati mas-Seba' Programm ta' Qafas.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA bis-saħħa tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontributi mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/971/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Kooperazzjoni" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea dwar ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 30).

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 521/2008 tat-30 ta' Mejju 2008 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u tal-Idroġenu (ĠU L 153, 12.6.2008, p. 1).

## KAPITOLU 08 07 — IL-KOOPERAZZJONI — IT-TRASPORT (INKLUŻ L-AERONAWTIKA)

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 08 07 | Il-Kooperazzjoni — It-Trasport (inkluż l-aeronawtika) | | | | | | | | |
| ***08 07 01*** | ***Kooperazzjoni — Trasport (inkluż l-aeronawtika)*** | 1.1 | 311 890 000 | 328 340 000 | 323 818 270 | 289 945 649 | 261 570 437,20 | 276 720 957,43 | 84,28 % |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *08 07 02* | *Il-Kooperazzjoni — It-Trasport — L-Impriża Konġunta msejħa 'Sema nadifa'('Clean Sky')* | 1.1 | 226 514 477 | 133 151 243 | 137 460 000 | 131 555 035 | 153 560 786,00 | 114 423 095,00 | 85,93 % |
| *08 07 03* | *Il-Kooperazzjoni — It-Trasport — In-nefqa għall-appoġġ tal-Impriża Konġunta msejħa "Sema nadifa" ("Clean Sky")* | 1.1 | 2 888 523 | 2 889 000 | 2 540 000 | 2 304 418 | 2 718 031,68 | 2 585 807,36 | 89,51 % |
| *08 07 04* | *Il-Kooperazzjoni — It-Trasport — L-Impriża Konġunta għaċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu* | 1.1 | 17 526 000 | 25 298 000 | 19 666 000 | 7 129 179 | 15 060 098,00 | 2 807 542,00 | 11,10 % |
| | **Kapitolu 08 07 — Total** | | **558 819 000** | **489 678 243** | **483 484 270** | **430 934 281** | **432 909 352,88** | **396 537 401,79** | **80,98 %** |

## *Artikolu 08 07 01 — Kooperazzjoni — Trasport (inkluż l-aeronawtika)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 311 890 000 | 328 340 000 | 323 818 270 | 289 945 649 | 261 570 437,20 | 276 720 957,43 |

*Kummenti*

Għas-Seba' Programm Kwadru għall-perjodu 2007-2013, ġie propost approċċ integrat li jgħaqqad il-mezzi kollha ta' trasport (l-aeronawtika, it-toroq, il-ferroviji, l-ilma), jindirizza d-dimensjonijiet soċjoekonomiċi u teknoloġiċi tar-riċerka u l-iżvilupp tal-għarfien, u jiġbor fih kemm l-innovazzjoni u l-qafas politiku. Huwa konformi mal-White Paper dwar it-Trasport u l-verżjonijiet aġġornati tal-Aġendi Strateġiċi tar-Riċerka għall-Erba' Pjattaformi tat-Teknoloġija fil-qasam tat-Trasport. Huwa bbażat fuq l-avvanzi teknoloġiċi, u l-għan ġenerali huwa li jiżviluppa sistemi integrati panEwropej tat-trasport li huma iktar favorevoli għall-ambjent, iktar "intelliġenti" u iktar sikuri għall-benefiċċju taċ-ċittadini u s-soċjetà, li jirrispettaw l-ambjent u r-riżorsi naturali; u jiżguraw u jiżviluppaw iktar il-kompetittività u r-rwol ewlieni miksub mill-industrija Ewropej fis-suq globali.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA bis-saħħa tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontributi mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri tar-riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/971/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Kooperazzjoni" li jimplimenta s-Seba' Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 30).

## *Artikolu 08 07 02 — Il-Kooperazzjoni — It-Trasport — L-Impriża Konġunta msejħa 'Sema nadifa'('Clean Sky')*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 226 514 477 | 133 151 243 | 137 460 000 | 131 555 035 | 153 560 786,00 | 114 423 095,00 |

*Kummenti*

L-Impriża Konġunta msejħa "Sema nadifa" għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tas-Seba' Programm ta' Qafas u b'mod

partikolari għat-Tema, imsejħa “it-Trasport (inkluż l-Ajrunawtika)”, tal-Programm Speċifiku msejjaħ “Il-kooperazzjoni”.

L-għanijiet tal-Impriża Konġunta msejħa “Sema nadifa” għandhom ikunu dawn li ġejjin:

— li tħaffef il-pass tal-iżvilupp, il-validazzjoni u l-wiri ta’ teknoloġiji nodfa għat-Trasport bl-Ajru fl- Unjoni sabiex dawn jibdew jintużaw mill-aktar fis possibbli;

— li tiżgura l-implimentazzjoni koerenti tal-isforzi Ewropej tar-riċerka li jimmiraw għat-titjib ambjentali fil-qasam tat-Trasport bl-Ajru;

— li toħloq Sistema tat-Trasport bl-Ajru innovattiva għall-aħħar, li tkun imsejsa fuq l-integrazzjoni ta’ teknoloġiji avvanzati u l-wiri fuq skala kbira, bil-mira li jitnaqqas l-impatt ambjentali tat-trasport bl-ajru permezz ta’ tnaqqis sinifikanti fil-ħoss u fl-emissjonijiet tal-gassijiet, flimkien ma’ titjib tal-ekonomija tal-fjuwil fl-ajruplani;

— li tħaffef il-pass tal-ħolqien ta’ għarfien ġdid, tal-innovazzjoni u tal-adozzjoni ta’ riċerka li tixhed ir-rilevanza tat-teknoloġiji, u ta’ sistema ta’ sistemi integrata kompletament, fl-ambjent operattiv xieraq, li jwasslu għal kompetittività industrijali aktar b'saħħitha.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA bis-saħħa tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontributi mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-għoti ta’ approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness “Żona Ekonomika Ewropea” għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f’din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta’ riċerka, ta’ żvilupp teknoloġiku u ta’ dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/971/KE tad-19 ta’ Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku “Kooperazzjoni” li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea dwar ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta’ dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 30).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/2008 tal-20 ta’ Diċembru 2007 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta Clean Sky (ĠU L 30 4.2.2008, p. 1).

## *Artikolu 08 07 03 — Il-Kooperazzjoni — It-Trasport — In-nefqa għall-appoġġ tal-Impriża Konġunta msejħa “Sema nadifa” (“Clean Sky”)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 2 888 523 | 2 889 000 | 2 540 000 | 2 304 418 | 2 718 031,68 | 2 585 807,36 |

*Kummenti*

L-Impriża Konġunta msejħa “Sema nadifa” għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tas-Seba' Programm ta’ Qafas u b'mod partikolari għat-Tema, imsejħa “it-Trasport (inkluż l-Ajrunawtika)”, tal-Programm Speċifiku msejjaħ “Il-kooperazzjoni”.

L-għanijiet tal-Impriża Konġunta msejħa “Sema nadifa” għandhom ikunu dawn li ġejjin:

— li tħaffef il-pass tal-iżvilupp, il-validazzjoni u l-wiri ta’ teknoloġiji nodfa għat-Trasport bl-Ajru fl- Unjoni sabiex dawn jibdew jintużaw mill-aktar fis possibbli;

— li tiżgura l-implimentazzjoni koerenti tal-isforzi Ewropej tar-riċerka li jimmiraw għat-titjib ambjentali fil-qasam tat-Trasport bl-Ajru;

— li toħloq Sistema tat-Trasport bl-Ajru innovattiva għall-aħħar, li tkun imsejsa fuq l-integrazzjoni ta’ teknoloġiji avvanzati u l-wiri fuq skala kbira, bil-mira li jitnaqqas l-impatt ambjentali tat-trasport bl-ajru permezz ta’ tnaqqis sinifikanti fil-ħoss u fl-emissjonijiet tal-gassijiet, flimkien ma’ titjib tal-ekonomija tal-fjuwil fl-ajruplani;

— li tħaffef il-pass tal-ħolqien ta’ għarfien ġdid, tal-innovazzjoni u tal-adozzjoni ta’ riċerka li tixhed ir-rilevanza tat-teknoloġiji, u ta’ sistema ta’ sistemi integrata kompletament, fl-ambjent operattiv xieraq, li jwasslu għal kompetittività industrijali aktar b'saħħitha.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA bis-saħħa tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 82

tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontributi mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/971/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Kooperazzjoni" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea dwar ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 30).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/2008 tal-20 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta Clean Sky (ĠU L 30 4.2.2008, p. 1).

## *Artikolu 08 07 04 — Il-Kooperazzjoni — It-Trasport — L-Impriża Konġunta għaċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 17 526 000 | 25 298 000 | 19 666 000 | 7 129 179 | 15 060 098,00 | 2 807 542,00 |

*Kummenti*

L-Impriża Konġunta għaċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu tagħti kontribut għall-implimentazzjoni tas-Seba' Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea għal attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u wiri (2007-2013) u b'mod partikulari għat-temi tal-Programm Speċifiku msejjaħ "Il-kooperazzzjoni" għall-"Enerġija", "in-Nanoxjenzi, in-Nanoteknoloġiji, il-Materjali u t-Teknoloġiji l-Ġodda tal-Produzzjoni", "l-Ambjent (inkluż it-Tibdil fil-Klima)", u "it-Trasport (inkluż l-Ajrunawtika)". Hija għandha b'mod partikolari: timmira li tpoġġi lill-Ewropa fuq quddiem nett fid-dinja fit-teknoloġiji taċ-ċelloli tal-fjuwil u tal-idroġenu u li tgħin lit-teknoloġiji taċ-ċelloli tal-fjuwil u tal-idroġenu jippenetraw fis-suq, u b'hekk tippermetti l-forzi kummerċjali tas-suq imexxu 'l quddiem il-benefiċċji potenzjali sostanzjali għall-pubbliku; tappoġġa r-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-wiri (l-RTD) fl-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati mas-Seba' Programm ta' Qafas b'mod ikkoordinat sabiex tegħleb il-falliment fis-suq u tiffoka fuq l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet tas-swieq u b'hekk tħaffef l-isforzi industrijali addizzjonali sabiex it-teknoloġiji taċ-ċelloli tal-fjuwil u tal-idroġenu jibdew jintużaw malajr kemm jista' jkun; tappoġġa l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-RTD tal-Inizjattivi Konġunti fit-Teknoloġija dwar iċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu, l-aktar billi tagħti għotjiet wara sejħiet kompetittivi għall-proposti; timmira li tinkuraġġixxi aktar investiment mill-pubbliku u mill-privat fir-riċerka dwar it-teknoloġiji taċ-ċelloli tal-fjuwil u tal-idroġenu fl-Istati Membri u fil-pajjiżi assoċjati mas-Seba' Programm ta' Qafas.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA bis-saħħa tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontributi mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/971/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Kooperazzjoni" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea dwar ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 30).

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 521/2008 tat-30 ta' Mejju 2008 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u tal-Idroġenu (ĠU L 153, 12.6.2008, p. 1).

## KAPITOLU 08 08 — KOOPERAZZJONI — XJENZI SOĊJOEKONOMIĊI U STUDJI UMANISTIĊI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 08 08 | Kooperazzjoni — Xjenzi soċjoekonomiċi u studji umanistiċi | | | | | | | | |
| *08 08 01* | *Kooperazzjoni — Xjenzi soċjoekonomiċi u studji umanistiċi* | 1.1 | 112 181 000 | 67 960 000 | 92 395 240 | 54 274 481 | 86 360 644,74 | 49 364 837,18 | 72,64 % |
| | **Kapitolu 08 08 — Total** | | **112 181 000** | **67 960 000** | **92 395 240** | **54 274 481** | **86 360 644,74** | **49 364 837,18** | **72,64 %** |

## *Artikolu 08 08 01 — Kooperazzjoni — Xjenzi soċjoekonomiċi u studji umanistiċi*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 112 181 000 | 67 960 000 | 92 395 240 | 54 274 481 | 86 360 644,74 | 49 364 837,18 |

*Kummenti*

L-għan tal-ħidma mwettqa f’dan il-qasam huwa li jiġu mobilizzati, bħala parti minn sforz koerenti, ir-rikkezza u d-diversità tal-kapaċitajiet ta' riċerka fix-xjenzi ekonomiċi, politiċi, storiċi, soċjali u umanistiċi meħtieġa biex jinkisbu għarfien u kontroll tal-kwistjonijiet marbuta mal-ħolqien ta’ soċjetà msejsa fuq l-għarfien u forom ġodda ta’ relazzjonijiet interpersonali u relazzjonijiet bejn individwi u l-istituzzjonijiet.

Parti mill-azzjonijiet għandha tanalizza, minn perspettiva storika, il-kwistjonijiet legali, soċjali, ekonomiċi u politiċi marbuta mal-iżvilupp tal-proċess ta' integrazzjoni Ewropea (il-kulturi kostituzzjonali u t-tradizzjonijiet legali tal-Istati Membri u l-Unjoni, l-iżvilupp ta' soċjetà ċivili Ewropea, il-politika ekonomika nazzjonali u l-governanza ekonomika Ewropea, il-kulturi politiċi nazzjonali u l-Ewropa).

Parti mill-approprjazzjonijiet għandha tintuża biex titwettaq riċerka dwar l-ambitu, l-iskala u l-kompożizzjoni tal-ħidma volontarja fl-Unjoni.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA bis-saħħa tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontributi mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-għoti ta’ approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness “Żona Ekonomika Ewropea” għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f’din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta’ riċerka, ta’ żvilupp teknoloġiku u ta’ dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta’ impriżi, ċentri tar-riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/971/KE tad-19 ta’ Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku “Kooperazzjoni” li jimplimenta s-Seba' Programm ta’ Qafas tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta’ dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 30).

## KAPITOLU 08 09 — KOOPERAZZJONI — FAĊILITÀ FINANZJARJA TAL-QSIM TAR-RISKJU (RSFF)

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 08 09 | Kooperazzjoni — Faċilità Finanzjarja tal-Qsim tar-Riskju (RSFF) | | | | | | | | |
| ***08 09 01*** | ***Kooperazzjoni — Faċilità Finanzjarja tal-Qsim tar-Riskju (RSFF)*** | 1.1 | p.m. | p.m. | 198 004 478 | 181 450 215 | 204 760 000,00 | 204 760 000,00 | |
| | **Kapitolu 08 09 — Total** | | **p.m.** | **p.m.** | **198 004 478** | **181 450 215** | **204 760 000,00** | **204 760 000,00** | |

## *Artikolu 08 09 01 — Kooperazzjoni — Faċilità Finanzjarja tal-Qsim tar-Riskju (RSFF)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | 198 004 478 | 181 450 215 | 204 760 000,00 | 204 760 000,00 |

*Kummenti*

L-għan tal-faċilità finanzjarja tal-qsim tar-riskju (RSFF) huwa li trawwem l-investiment privat fir-riċerka billi ttejjeb l-aċċess għall-finanzjament tad-dejn għal parteċipanti fi proġetti Ewropej kbar ta' riċerka. L-RSFF tippermetti lill-Bank Ewropew tal-Investiment li jespandi, direttament u indirettament (permezz tan-netwerk tiegħu ta' banek intermedjarji), il-portafoll tiegħu ta' self lill-parteċipanti fi proġetti bħal dawn.

L-RSFF tikkontribwixxi lejn l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020, partikolarment lejn il-kisba tal-mira ta' 3 % investiment fir-riċerka, billi tgħin biex jingħelbu n-nuqqasijiet tas-suq, iżżid l-ammont totali ta' fondi disponibbli għar-riċerka u tiddiversifika l-għejun tiegħu.

B'konformità mal-eżitu tal-analiżi ta' nofs is-sena tal-RSFF, il-Kummissjoni hija mħeġġa biex tittestja mudelli tal-qsim tar-riskju ġodda mal-Grupp tal-BEI, ibbażati fuq approċċ tal-ewwel parti tat-telf tal-portafoll, billi jiġi permess l-appoġġ ta' riċerka aktar riskjuża u proġetti intensivi fir-rigward tal-innovazzjoni. Għandu jiddaħħal fl-RSFF strument iddedikat, ibbażat fuq l-istess approċċ tal-qsim tar-riskji biex jappoġġja SMEs intensivi fir-rigward tal-innovazzjoni u innovattivi u kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja li jinvestu fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni. Dan għandu jiffaċilita l-aċċess għall-finanzi għal grupp fil-mira ewlieni.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA bis-saħħa tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontributi mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri tar-riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/971/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Kooperazzjoni" li jimplimenta s-Seba' Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 30).

# Kapitolu 08 10 — Ideat

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 08 10 | Ideat | | | | | | | | |
| ***08 10 01*** | ***Ideat*** | 1.1 | 1 707 158 000 | 1 226 786 278 | 1 564 948 330 | 818 082 810 | 1 332 343 546,24 | 733 822 780,52 | 59,82 % |
| | **Kapitolu 08 10 — Total** | | **1 707 158 000** | **1 226 786 278** | **1 564 948 330** | **818 082 810** | **1 332 343 546,24** | **733 822 780,52** | **59,82 %** |

## *Artikolu 08 10 01 — Ideat*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 1 707 158 000 | 1 226 786 278 | 1 564 948 330 | 818 082 810 | 1 332 343 546,24 | 733 822 780,52 |

*Kummenti*

L-għan ġenerali tal-attivitajiet imwettqa bħala parti mill-programm speċifiku "Ideat", permezz tal-ħolqien tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka, huwa l-identifikazzjoni tal-aħjar timijiet tar-riċerka fl-Ewropa u l-istimolu tar-riċerka fil-fruntieri tal-għarfien permezz tal-finanzjament ta' proġetti ta' riskju għoli u multidixxiplinari evalwati skont il-kriterju waħdieni ta' eċċellenza skont kif iġġudikati minn esperti fil-qasam fil-livell Ewropew, filwaqt li jitħeġġeġ b'mod partikolari l-ħolqien ta' netwerks bejn gruppi ta' riċerka f'pajjiżi differenti sabiex jiġi promoss l-iżvilupp ta' komunità xjentifika Ewropea.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA bis-saħħa tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontributi mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Din l-approprjazzjoni tkopri wkoll nefqa li tikkorrespondi għal dħul li jagħti lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali minn partijiet terzi (mhux Żona Ekonomika Ewropea) jew pajjiżi terzi li jipparteċipaw fi proġetti fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku.

F'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul li jiddaħħal fil-Partiti 6 0 1 3, 6 0 1 5, 6 0 1 6, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri tar-riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/972/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku 'Ideat' li jimplimenta s-Seba' Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 243; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 81).

## KAPITOLU 08 12 — KAPAĊITAJIET — INFRASTRUTTURI TA’ RIĊERKA

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 08 12 | Kapaċitajiet — Infrastrutturi ta’ riċerka | | | | | | | | |
| *08 12 01* | *Kapaċitajiet — Infrastrutturi ta’ riċerka* | 1.1 | 74 663 000 | 134 969 000 | 50 228 387 | 126 769 285 | 160 066 351,28 | 205 691 420,00 | 152,40 % |
| | **Kapitolu 08 12 — Total** | | **74 663 000** | **134 969 000** | **50 228 387** | **126 769 285** | **160 066 351,28** | **205 691 420,00** | **152,40 %** |

## *Artikolu 08 12 01 — Kapaċitajiet — Infrastrutturi ta’ riċerka*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 74 663 000 | 134 969 000 | 50 228 387 | 126 769 285 | 160 066 351,28 | 205 691 420,00 |

*Kummenti*

L-għan ġenerali tal-attivitajiet imwettqa f'dan il-qasam huwa li jkun megħjun l-istabbiliment ta’ nisġa ta’ infrastrutturi ta’ riċerka fl-iktar livell għoli fl-Ewropa u l-promozzjoni tal-aħjar użu tagħhom fuq skala Ewropea.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA bis-saħħa tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontributi mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-għoti ta’ approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness “Żona Ekonomika Ewropea” għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f’din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta’ riċerka, ta’ żvilupp teknoloġiku u ta’ dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta’ impriżi, ċentri tar-riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/974/KE tad-19 ta’ Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Kapaċitajiet" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta’ riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 299; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 101).

## KAPITOLU 08 13 — KAPAĊITAJIET — RIĊERKA GĦALL-BENEFIĊĊJU TAL-IMPRIĊI ŻGĦAR U TA’ DAQS MEDJU (*SMEs*)

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 08 13 | Kapaċitajiet — Riċerka għall-benefiċċju tal-Impriċi Żgħar u ta’ Daqs Medju (SMEs) | | | | | | | | |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *08 13 01* | ***Kapaċitajiet — Riċerka għall-benefiċċju tal-SMEs*** | 1.1 | 270 553 000 | 236 953 000 | 251 176 486 | 182 498 997 | 229 311 140,02 | 172 825 421,02 | 72,94 % |
| | **Kapitolu 08 13 — Total** | | **270 553 000** | **236 953 000** | **251 176 486** | **182 498 997** | **229 311 140,02** | **172 825 421,02** | **72,94 %** |

## *Artikolu 08 13 01 — Kapaċitajiet — Riċerka għall-benefiċċju tal-SMEs*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 270 553 000 | 236 953 000 | 251 176 486 | 182 498 997 | 229 311 140,02 | 172 825 421,02 |

*Kummenti*

L-għan tal-attivitajiet speċifiċi favur l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju Ewropej, imwettqa sabiex jappoġġaw il-kompetittività Ewropea u l-intrapriża u l-innovazzjoni, huwa biex jgħinuhom f'oqsma konvenzjonali jew ġodda, jew biex iżidu l-ħiliet teknoloġiċi tagħhom u jiżviluppaw il-kapaċità tagħhom li joperaw fil-livell Ewropew u dak internazzjonali. Dawn l-attivitajiet se jissupplimentaw ir-riċerka f'oqsma tematiċi prijoritarji.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA bis-saħħa tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontributi mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Din l-approprjazzjoni tkopri wkoll nefqa li tikkorrespondi għal dħul li jagħti lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali minn partijiet terzi (mhux Żona Ekonomika Ewropea) jew pajjiżi terzi li jipparteċipaw fi proġetti fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku.

F'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul li jiddaħħal fil-Partiti 6 0 1 3, 6 0 1 5, 6 0 1 6, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri tar-riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/974/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Kapaċitajiet" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 299; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 101).

# Kapitolu 08 14 — Kapaċitajiet — Reġjuni ta' għerf

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 08 14 | Kapaċitajiet — Reġjuni ta' għerf | | | | | | | | |
| *08 14 01* | ***Kapaċitajiet — Reġjuni ta' għerf*** | 1.1 | 26 496 000 | 20 700 000 | 20 078 078 | 18 299 254 | 19 304 773,00 | 16 581 088,49 | 80,10 % |
| | **Kapitolu 08 14 — Total** | | **26 496 000** | **20 700 000** | **20 078 078** | **18 299 254** | **19 304 773,00** | **16 581 088,49** | **80,10 %** |

## *Artikolu 08 14 01 — Kapaċitajiet — Reġjuni ta' għerf*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 26 496 000 | 20 700 000 | 20 078 078 | 18 299 254 | 19 304 773,00 | 16 581 088,49 |

*Kummenti*

Dan l-ammont huwa riżervat għall-finanzjament ta' proġetti sabiex jissaħħaħ il-potenzjal tar-riċerka ta' reġjuni Ewropej, partikolarment billi jħeġġeġ u jappoġġa l-iżvilupp, madwar l-Ewropa, ta' "raggruppamenti reġjonali ffukati fuq ir-riċerka" li jassoċjaw awtoritajiet reġjonali, universitajiet, ċentri tar-riċerka, intrapriżi u partijiet interessati oħra.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA bis-saħħa tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontributi mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri tar-riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/974/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Kapaċitajiet" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 299; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 101).

# KAPITOLU 08 15 — KAPAĊITAJIET — POTENZJAL TA' RIĊERKA

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 08 15 | Kapaċitajiet — Potenzjal ta' riċerka | | | | | | | | |
| ***08 15 01*** | ***Kapaċitajiet — Potenzjal ta' riċerka*** | 1.1 | 73 939 000 | 58 000 000 | 66 609 035 | 56 521 742 | 65 320 488,00 | 52 934 445,55 | 91,27 % |
| | **Kapitolu 08 15 — Total** | | **73 939 000** | **58 000 000** | **66 609 035** | **56 521 742** | **65 320 488,00** | **52 934 445,55** | **91,27 %** |

## *Artikolu 08 15 01 — Kapaċitajiet — Potenzjal ta' riċerka*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 73 939 000 | 58 000 000 | 66 609 035 | 56 521 742 | 65 320 488,00 | 52 934 445,55 |

*Kummenti*

Sabiex ir-riċerkaturi u l-istituzzjonijiet tar-reġjuni tal-Unjoni li jkunu eliġibbli għal finanzjament mill-Fondi Strutturali taħt l-objettiv tal-Konverġenza u għar-reġjuni periferiċi tal-Unjoni sabiex jikkontribwixxu lejn l-isforz ta' riċerka globali Ewropew, filwaqt li jieħdu

vantaġġ mill-għarfien u l-esperjenza li teżisti f'reġjuni oħrajn tal-Ewropa, din l-azzjoni għandha l-għan li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li tippermettilhom jisfruttaw il-potenzjal tagħhom u se tgħin biex tittwettaq bis-sħiħ iż-Żona Ewropea tar-Riċerka f'Unjoni mkabbra.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA bis-saħħa tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontributi mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri tar-riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/974/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Kapaċitajiet" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 299; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 101).

## Kapitolu 08 16 — Kapaċitajiet — Xjenza fis-soċjetà

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 08 16 | Kapaċitajiet — Xjenza fis-soċjetà | | | | | | | | |
| ***08 16 01*** | ***Kapaċitajiet — Xjenza fis-soċjetà*** | 1.1 | 63 376 000 | 38 456 000 | 44 828 259 | 27 650 291 | 45 864 192,00 | 31 194 908,00 | 81,12 % |
| | **Kapitolu 08 16 — Total** | | **63 376 000** | **38 456 000** | **44 828 259** | **27 650 291** | **45 864 192,00** | **31 194 908,00** | **81,12 %** |

## *Artikolu 08 16 01 — Kapaċitajiet — Xjenza fis-soċjetà*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 63 376 000 | 38 456 000 | 44 828 259 | 27 650 291 | 45 864 192,00 | 31 194 908,00 |

*Kummenti*

Bil-ħsieb li tinbena soċjetà Ewropea effettiva u demokratika bbażata fuq l-għarfien, l-għan tal-azzjonijiet imwettqa taħt din il-partita huwa li jistimolaw l-integrazzjoni armonjuża ta' azzjonijiet xjentifiċi u teknoloġiċi u politiki ta' riċerka assoċjati fix-xibka soċjali Ewropea.

L-azzjonijiet imwettqa taħt din l-intestatura jappoġġaw ukoll il-koordinament ta' politiki nazzjonali ta' riċerka u l-monitoraġġ u l-analiżi ta' politiki ta' riċerka assoċjati u strateġiji industrijali.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA bis-saħħa tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontributi mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li

tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta’ riċerka, ta’ żvilupp teknoloġiku u ta’ dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta’ impriżi, ċentri tar-riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/974/KE tad-19 ta’ Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Kapaċitajiet" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta’ riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 299; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 101).

## KAPITOLU 08 17 — KAPITOLU 08 17 - ‘KAPAĊITAJIET — ATTIVITAJIET TA’ KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI’

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 08 17 | Kapitolu 08 17 - ‘Kapaċitajiet — Attivitajiet ta’ kooperazzjoni internazzjonali’ | | | | | | | | |
| ***08 17 01*** | ***‘Kapaċitajiet — Attivitajiet ta’ kooperazzjoni internazzjonali’*** | 1.1 | 39 683 000 | 27 597 000 | 32 102 471 | 31 917 093 | 28 937 707,00 | 19 496 817,00 | 70,65 % |
| | **Kapitolu 08 17 — Total** | | **39 683 000** | **27 597 000** | **32 102 471** | **31 917 093** | **28 937 707,00** | **19 496 817,00** | **70,65 %** |

### *Artikolu 08 17 01 — ‘Kapaċitajiet — Attivitajiet ta’ kooperazzjoni internazzjonali’*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 39 683 000 | 27 597 000 | 32 102 471 | 31 917 093 | 28 937 707,00 | 19 496 817,00 |

*Kummenti*

L-għan ewlieni tal-attivitajiet ta’ kooperazzjoni internazzjonali li sar skont it-titolu “Kapaċitajiet” tas-Seba' Programm Kwadru huwa li jgħin biex joħloq politika xjentifika u teknoloġika tal-Unjoni li tkun b'saħħitha u koerenti billi jiżviluppa sħubijiet strateġiċi ma’ pajjiżi terzi u billi jindirizza il-problemi speċifiċi ta’ pajjiżi terzi kif ukoll dawk globali. Dawn l-attivitajiet jirrigwardaw il-gruppi ta’ pajjiżi terzi li ġejjin: il-pajjiżi kandidati, il-pajjiżi assoċjati u industrijalizzati, kif ukoll il-pajjiżi msieħba fil-kooperazzjoni internazzjonali (l-Ażja, l-Amerika Latina, l-Ewropa tal-Lvant u l-Ażja Ċentrali, il-pajjiżi tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku, il-pajjiżi Mediterranji msieħba u l-pajjiżi fil-Balkani tal-Punent).

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA bis-saħħa tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontributi mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-għoti ta’ approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness “Żona Ekonomika Ewropea” għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f’din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkattar l-approċċi komuni għal sfidi globali ewlenin, bħal strateġija dwar l-ICT li mhux biss tikkompeti ma' swieq tal-ICT li qed jiżviluppaw rapidament pereżempju fl-Asja, iżda li tista' wkoll tistabbilixxi standards għat-tfassil tal-politika global dwar l-ICT fl-interess tal-valuri Ewropej, billi jinġabru flimkien ir-riżorsi u billi jitħeġġeġ l-iskambju tal-aħjar prassi għall-avvanz tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni fil-qasam tal-ICT. Il-miżuri jimmiraw li jtejbu l-effikaċja tal-

azzjonijiet mill-komunità internazzjonali u jkunu komplementari għal mekkaniżmi eżistenti u relazzjonijiet ta' ħidma ta' suċċess. Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll li tħeġġeġ approċċi komuni għal sfidi globali ewlenin, bħas-sigurtà tal-enerġija u l-iskarsezza tar-riżorsi, billi jinġabru flimkien ir-riżorsi u jitħeġġeġ l-iskambju tal-aħjar prassi għall-avvanz tar-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tal-enerġija. L-approprjazzjonijiet jintużaw sabiex jiffinanzjaw impriżi innovattivi bejn pajjiżi Ewropej u pajjiżi terzi li ma jistgħux jitwettqu minn pajjiż wieħed u li huma lil hinn mill-ambitu tal-għodod kurrenti disponibbli taħt l-istrumenti legali eżistenti. Fl-implimentazzjoni ta' din l-azzjoni l-Kummissjoni se tassigura distribuzzjoni bilanċjata tas-sussidji. Din se tgħin atturi f'livell globali biex jieħdu sehem fi sħubijiet ta' riċerka sabiex titħeġġeġ l-innovazzjoni fil-qasam tal-ICT, tħeġġeġ lill-Unjoni u lis-sħab tagħha għal rwol ewlieni fit-tfassil ta' standards tal-ICT fil-ġejjieni u trawwem l-innovazzjoni fil-qasam tal-enerġija sikura, nadifa u effiċjenti.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri tar-riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/974/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Kapaċitajiet" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 299; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 101).

## Kapitolu 08 18 — Kapaċitajiet —Faċilità finanzjarja tal-qsim tar-riskju (RSFF)

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 08 18 | Kapaċitajiet —Faċilità finanzjarja tal-qsim tar-riskju (RSFF) | | | | | | | | |
| ***08 18 01*** | ***Kapaċitajiet — Faċilità Finanzjarja tal-Qsim tar-Riskju (RSFF)*** | 1.1 | 50 000 000 | 50 000 000 | p.m. | p.m. | 51 190 000,00 | 51 190 000,00 | 102,38 % |
| | **Kapitolu 08 18 — Total** | | **50 000 000** | **50 000 000** | **p.m.** | **p.m.** | **51 190 000,00** | **51 190 000,00** | **102,38 %** |

### *Artikolu 08 18 01 — Kapaċitajiet — Faċilità Finanzjarja tal-Qsim tar-Riskju (RSFF)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 50 000 000 | 50 000 000 | p.m. | p.m. | 51 190 000,00 | 51 190 000,00 |

*Kummenti*

L-għan tal-Faċilità Finanzjarja tal-Qsim tar-Riskju (RSFF) huwa li trawwem l-investiment privat fir-riċerka billi ttejjeb l-aċċess għall-finanzjament tad-dejn għal parteċipanti fl-infrastrutturi Ewropej ta' riċerka. L-RSFF tippermetti lill-Bank Ewropew tal-Investiment li jespandi, direttament u indirettament (permezz tan-netwerk tiegħu ta' banek intermedjarji), il-portafoll tiegħu ta' self lill-parteċipanti f'infrastrutturi bħal dawn.

L-RSFF tikkontribwixxi lejn l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020, partikolarment lejn il-kisba tal-mira ta' 3 % investiment fir-riċerka, billi tgħin biex jingħelbu n-nuqqasijiet tas-suq, iżżid l-ammont totali ta' fondi disponibbli għar-riċerka u jiddiversifika l-għejjun tiegħu.

B'konformità mal-eżitu tal-analiżi ta' nofs is-sena tal-RSFF, il-Kummissjoni hija mħeġġa biex tittestja mudelli tal-qsim tar-riskju ġodda mal-Grupp tal-BEI, ibbażati fuq approċċ tal-ewwel parti tat-telf tal-portafoll, li jiffaċilita l-aċċess għall-iffinanzjar tad-dejn għall-infrastruttura strateġika ta' riċerka tal-Unjoni.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA bis-saħħa tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontributi mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri tar-riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/974/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Kapaċitajiet" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 299; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 101).

## KAPITOLU 08 19 — KAPAĊITAJIET — APPOĠĠ GĦAL ŻVILUPP KOERENTI TA' POLITIKA TA' RIĊERKA

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 08 19 | Kapaċitajiet — Appoġġ għal żvilupp koerenti ta' Politika ta' Riċerka | | | | | | | | |
| ***08 19 01*** | ***Kapaċitajiet — Appoġġ għal żvilupp koerenti ta' Politika ta' Riċerka*** | 1.1 | 13 411 000 | 9 850 000 | 13 101 602 | 9 434 504 | 10 037 335,00 | 5 762 666,99 | 58,50 % |
| | **Kapitolu 08 19 — Total** | | **13 411 000** | **9 850 000** | **13 101 602** | **9 434 504** | **10 037 335,00** | **5 762 666,99** | **58,50 %** |

### *Artikolu 08 19 01 — Kapaċitajiet — Appoġġ għal żvilupp koerenti ta' Politika ta' Riċerka*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 13 411 000 | 9 850 000 | 13 101 602 | 9 434 504 | 10 037 335,00 | 5 762 666,99 |

*Kummenti*

Li jiżdied l-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp sal-livell immirat ta' 3 %, u t-titjib tal-effikaċja tagħha hija prijorità minn ta' fuq nett fl-Istrateġija Ewropa 2020.Għaldaqstant, l-iżvilupp ta' taħlita koerenti ta' elementi politiċi biex jitwieżnu l-investimenti fir-riċerka mis-settur pubbliku u minn dak privat hija aspett li jolqot ħafna mill-qrib lill-awtoritajiet pubbliċi. L-azzjonijiet skont din il-partita għandhom jgħinu fl-iżvilupp ta' politika ta' riċerka effikaċi u koerenti fuq livell reġjonali, nazzjonali u tal-Unjoni, permezz tal-għoti ta' tagħrif strutturat, indikaturi u analiżi, u permezz ta' azzjonijiet bil-għan li tkun koordinata l-politika dwar ir-riċerka, b'mod partikolari l-applikazzjoni tal-metodu miftuħ tal-koordinament għall-politika dwar ir-riċerka.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA bis-saħħa tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontributi mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta’ riċerka, ta’ żvilupp teknoloġiku u ta’ dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta’ impriżi, ċentri tar-riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/974/KE tad-19 ta’ Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Kapaċitajiet" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta’ riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 299; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 101).

## KAPITOLU 08 20 — L-EURATOM — L-ENERĠIJA MILL-FUŻJONI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 08 20 | L-Euratom — L-Enerġija mill-fużjoni | | | | | | | | |
| ***08 20 01*** | ***Euratom — Enerġija mill-fużjoni*** | 1.1 | 71 845 000 | 84 374 000 | 61 374 000 | 59 610 025 | 44 330 000,00 | 44 680 805,68 | 52,96 % |
| ***08 20 02*** | ***L-Euratom — L-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER — Il-Fużjoni għall-Enerġija (l-F4E)*** | 1.1 | 865 510 000 | 500 610 000 | 1 067 900 000 | 312 239 530 | 351 760 000,00 | 190 435 799,00 | 38,04 % |
| | **Kapitolu 08 20 — Total** | | **937 355 000** | **584 984 000** | **1 129 274 000** | **371 849 555** | **396 090 000,00** | **235 116 604,68** | **40,19 %** |

### *Artikolu 08 20 01 — Euratom — Enerġija mill-fużjoni*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 71 845 000 | 84 374 000 | 61 374 000 | 59 610 025 | 44 330 000,00 | 44 680 805,68 |

*Kummenti*

Il-fużjoni toffri l-prospett ta’ provvista kważi mingħajr limiti ta’ enerġija nadifa, u ITER huwa l-pass kruċjali li jmiss fil-progress lejn dan il-għan aħħari. It-twettiq tal-proġett ITER għalhekk huwa fil-qalba tal-istrateġija attwali tal-Unjoni. Għandu jkun akkumpanjat minn programm Ewropew ta’ riċerka u żvilupp b'saħħtu u ffokat biex iħejji għall-esplojtazzjoni ta’ ITER u biex jiżviluppa t-teknoloġiji u l-bażi ta’ għarfien li se jinħtieġu matul l-operazzjoni ITER u lil hinn.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/970/Euratom tat-18 ta’ Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) għal attivitajiet ta’ riċerka u taħriġ nukleari (2007-2011) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 60; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 21).

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1908/2006 tad-19 ta’ Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta’ impriżi, ċentri ta’ riċerka u universitajiet f'azzjoni taħt is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2011) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 1; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 4).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/976/Euratom tad-19 ta’ Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (Euratom) għal riċerka nukleari u attivitajiet ta’ taħriġ (2007-2011) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 403; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 139).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/93/Euratom tad-19 ta' Diċembru 2011 dwar il-Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għal riċerka nukleari u attivitajiet ta’ taħriġ (2012-2013) (OJ L 47, 18.2.2012, p. 25).

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 139/2012 tad-19 ta’ Diċembru 2011 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta’ impriżi, ċentri ta’ riċerka u universitajiet f’azzjonijiet indiretti taħt il-Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka(2012-2013) (ĠU L 47, 18.2.2012, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/94/Euratom tad-19 ta’ Diċembru 2011 dwar il-programm speċifiku, li għandu jitwettaq permezz ta’ azzjonijiet indiretti, li jimplimenta l-Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika għal riċerka nukleari u attivitajiet ta’ taħriġ (2012-2013) (ĠU L 47, 18.2.2012, p. 33).

## *Artikolu 08 20 02 — L-Euratom — L-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER — Il-Fużjoni għall-Enerġija (l-F4E)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 865 510 000 | 500 610 000 | 1 067 900 000 | 312 239 530 | 351 760 000,00 | 190 435 799,00 |

*Kummenti*

Il-fużjoni toffri l-prospett ta’ provvista kważi mingħajr limiti ta’ enerġija nadifa, u ITER huwa l-pass kruċjali li jmiss fil-progress lejn dan il-għan aħħari. Għal dan il-għan ġiet stabbilita l-Organizzazzjoni Ewropea għal ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni, f'għamla ta’ Impriża Konġunta. Din l-Impriża Konġunta għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (Fużjoni għall-Enerġija) għandha d-dmirijiet li ġejjin:

(a) li tipprovdi l-kontribut ta’ Euratom lill-Organizzazzjoni Internazzjonali ITER għall-Enerġija mill-Fużjoni;

(b) li tipprovdi l-kontribut ta’ Euratom għal Attivitajiet ta’ Approċċ Usa' mal-Ġappun għar-realizzazzjoni rapida tal-enerġija mill-fużjoni;

(c) biex jiġi implimentat programm ta’ attivitajiet bi tħejjija għall-bini ta’ reattur tal-fużjoni ta’ dimostrazzjoni u faċilitajiet relatati inkluża l-Faċilità Internazzjonali għall-Irradjazzjoni tal-Materjali ta’ Fużjoni (IFMIF).

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta’ Settembru 2006 dwar il-konklużjoni, permezz tal-Kummissjoni, tal-Ftehim dwar it-Twaqqif tal-Organizzazzjoni Internazzjonali ITER dwar l-Enerġija mill-Fużjoni għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER, tal-Arranġament dwar l-Applikazzjoni Provviżorja tal-Ftehim dwar it-Twaqqif tal-Organizzazzjoni Internazzjonali ITER dwar l-Enerġija mill-Fużjoni għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER u tal-Ftehim dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali ITER tal-Enerġija mill-Fużjoni għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2006/943/Euratom tas-17 ta’ Novembru 2006 dwar l-Applikazzjoni Provviżorja tal-Ftehim dwar it-Twaqqif tal-Organizzazzjoni Internazzjonali ITER dwar l-Enerġija mill-Fużjoni għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER u tal-Ftehim dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali ITER tal-Enerġija mill-Fużjoni għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER (ĠU L 358, 16.12.2006, p. 60).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/970/Euratom tat-18 ta’ Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) għal attivitajiet ta’ riċerka u taħriġ nukleari (2007-2011) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 60; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 21).

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1908/2006 tad-19 ta’ Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta’ impriżi, ċentri ta’ riċerka u universitajiet f'azzjoni taħt is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2011) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 1; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 4).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/976/Euratom tad-19 ta’ Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (Euratom) għal riċerka nukleari u attivitajiet ta’ taħriġ (2007-2011) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 404; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 139).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2007/198/Euratom tas-27 ta’ Marzu 2007 li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferilha vantaġġi (ĠU L 90, 30.3.2007, p. 58).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/93/Euratom tad-19 ta' Diċembru 2011 dwar il-Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għal riċerka nukleari u attivitajiet ta’ taħriġ (2012-2013) (OJ L 47, 18.2.2012, p. 25).

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 139/2012 tad-19 ta’ Diċembru 2011 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta’ impriżi, ċentri ta’ riċerka u universitajiet f’azzjonijiet indiretti taħt il-Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u għad-

disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka(2012-2013) (ĠU L 47, 18.2.2012, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/94/Euratom tad-19 ta’ Diċembru 2011 dwar il-programm speċifiku, li għandu jitwettaq permezz ta’ azzjonijiet indiretti, li jimplimenta l-Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika għal riċerka nukleari u attivitajiet ta’ taħriġ (2012-2013) (ĠU L 47, 18.2.2012, p. 33).

## Kapitolu 08 21 — Euratom — Fissjoni nukleari u ħarsien mir-radjazzjoni

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 08 21 | Euratom — Fissjoni nukleari u ħarsien mir-radjazzjoni | | | | | | | | |
| ***08 21 01*** | ***Euratom — Fissjoni nukleari u ħarsien mir-radjazzjoni*** | 1.1 | 55 839 000 | 57 000 000 | 54 105 000 | 49 898 809 | 52 000 000,00 | 35 780 564,00 | 62,77 % |
| | **Kapitolu 08 21 — Total** | | **55 839 000** | **57 000 000** | **54 105 000** | **49 898 809** | **52 000 000,00** | **35 780 564,00** | **62,77 %** |

## *Artikolu 08 21 01 — Euratom — Fissjoni nukleari u ħarsien mir-radjazzjoni*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 55 839 000 | 57 000 000 | 54 105 000 | 49 898 809 | 52 000 000,00 | 35 780 564,00 |

*Kummenti*

L-għan ta’ din l-azzjoni huwa li tkun stabbilita bażi xjentifika u teknika soda sabiex ikunu aċċellerati l-iżviluppi prattiċi għall-ġestjoni iktar sikura ta’ skart radjuattiv b’ħajja twila, għall-promozzjoni ta’ esplojtazzjoni iktar sikura, iktar effiċjenti fir-rigward tar-riżorsi u kompetittiva tal-enerġija nukleari u biex tkun żgurata sistema robusta u soċjalment aċċettabbli ta’ ħarsien tal-bniedem u tal-ambjent mill-effetti tar-radjazzjoni jonizzanti.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/970/Euratom tat-18 ta’ Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) għal attivitajiet ta’ riċerka u taħriġ nukleari (2007-2011) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 60; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 21).

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1908/2006 tad-19 ta’ Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta’ impriżi, ċentri ta’ riċerka u universitajiet f'azzjoni taħt is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2011) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 1; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 4).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/976/Euratom tad-19 ta’ Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (Euratom) għal riċerka nukleari u attivitajiet ta’ taħriġ (2007-2011) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 404; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 139).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/93/Euratom tad-19 ta' Diċembru 2011 dwar il-Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għal riċerka nukleari u attivitajiet ta’ taħriġ (2012-2013) (OJ L 47, 18.2.2012, p. 25).

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 139/2012 tad-19 ta’ Diċembru 2011 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta’ impriżi, ċentri ta’ riċerka u universitajiet f’azzjonijiet indiretti taħt il-Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka(2012-2013) (ĠU L 47, 18.2.2012, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/94/Euratom tad-19 ta’ Diċembru 2011 dwar il-programm speċifiku, li għandu jitwettaq permezz ta’ azzjonijiet indiretti, li jimplimenta l-Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika għal riċerka nukleari u attivitajiet ta’ taħriġ (2012-2013) (ĠU L 47, 18.2.2012, p. 33).

# Kapitolu 08 22 — IT-TLESTIJA TAL-PROGRAMMI TA' QAFAS PREĊEDENTI U ATTIVITAJIET OĦRA

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 08 22 | IT-TLESTIJA TAL-PROGRAMMI TA' QAFAS PREĊEDENTI U ATTIVITAJIET OĦRA | | | | | | | | |
| ***08 22 01*** | ***Tlestija ta' programmi qabel l-1999*** | 1.1 | — | — | — | — | 0,— | 0,— | |
| ***08 22 02*** | ***Tlestija tal-ħames programm kwadru (1998-2002)*** | | | | | | | | |
| 08 22 02 01 | Tlestija tal-ħames programm kwadru tal-KE (1998-2002) | 1.1 | — | — | — | — | 145 091,43 | 809 398,11 | |
| 08 22 02 02 | Tlestija tal-ħames programm kwadru tal-Euratom (1998 sal-2002) | 1.1 | — | — | — | — | 0,— | 28 456,00 | |
| | *Artikolu 08 22 02 — Sub-total* | | — | — | — | — | 145 091,43 | 837 854,11 | |
| ***08 22 03*** | ***Tlestija tas-sitt programm kwadru (2003 sa 2006)*** | | | | | | | | |
| 08 22 03 01 | Tlestija tas-sitt programm kwadru tal-KE (2003 sa 2006) | 1.1 | — | 25 253 000 | — | 108 870 129 | 810 136,85 | 306 357 331,62 | 1213,15 % |
| 08 22 03 02 | Tlestija tas-sitt programm kwadru tal-Euratom (2003 sa 2006) | 1.1 | — | 1 801 000 | — | 4 989 881 | 87 868,77 | 9 521 790,00 | 528,69 % |
| | *Artikolu 08 22 03 — Sub-total* | | — | 27 054 000 | — | 113 860 010 | 898 005,62 | 315 879 121,62 | 1167,59 % |
| ***08 22 04*** | ***L-Approprjazzjonijiet li jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (barra miż-Żona Ekonomika Ewropea)*** | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 207 592 334,03 | 201 226 711,85 | |
| | **Kapitolu 08 22 — Total** | | **p.m.** | **27 054 000** | **p.m.** | **113 860 010** | **208 635 431,08** | **517 943 687,58** | **1914,48 %** |

## *Artikolu 08 22 01 — Tlestija ta' programmi qabel l-1999*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | — | — | — | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Dan l-Artikolu huwa maħsub biex ikopri impenji preċedenti.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA bis-saħħa tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontributi mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Il-kontributi mill-Istati tal-EFTA huwa esklussivament fir-rigward tal-parteċipazzjoni tagħhom f'attivitajiet mhux nukleari fil-programm ta' qafas.

Dan l-artikolu huwa wkoll maħsub biex ikopri azzjonijiet oħra ta' kull sena maħsuba biex ikopru l-program qafas.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/516/Euratom, KEE tat-28 ta' Settembru 1987 dwar il-programm kwadru ta' attivitajiet Komunitarji fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (1987-1991) (ĠU L 302, 24.10.1987, p. 1)

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/221/Euratom, KEE tat-23 ta' April 1990 dwar il-programm kwadru ta' attivitajiet Komunitarji fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (1990-1994) (ĠU L 117, 8.5.1990. p. 28).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/167/Euratom, KEE tal-15 ta' Marzu 1993 li tadatta id-Deċiżjoni 90/221/Euratom, KEE dwar il-programm kwadru għall-attivitajiet Komunitarji fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (1990-1994) (ĠU L 69, 20.3.1993, p. 43).

Id-Deċiżjoni Nru 1110/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' April 1994 dwar ir-raba' programm kwadru għall-attivitajiet tal-Komunità Ewropea fil-qasam tal-iżvilupp ta' riċerka, u teknoloġija u ta' dimostrazzjoni (1994-1998) (ĠU L 126, 18.5.1994, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 94/268/Euratom tas-26 ta' April 1994 dwar programm kwardu tal-attivitajiet Komunitarji fil-qasam ta' riċerka u taħriġ għall-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (1994 - 1998) (ĠU L 115, 6.5.1994, p. 31).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/253/Euratom tal-4 ta' Marżu 1996 li tadatta d-Deċiżjoni 94/268/Euratom dwar il-programm kwadru tal-attivitajiet Komunitarji fil-qasam ta' riċerka u taħriġ għall-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (1994-1998), wara l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju tal-Iżvezja għall-Unjoni Ewropea (ĠU L 86, 4.4.1996, p. 72).

Id-Deċiżjoni Nru 616/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 1996 li tadatta d-Deċiżjoni Nru 1110/94/KE dwar ir-raba' programm kwadru għall-attivitajiet tal-Komunità Ewropea fil-qasam tal-iżvilupp ta' riċerka u teknoloġija u ta' dimostrazzjoni (1994-1998) wara l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju tal-Iżvezja għall-Unjoni Ewropea (ĠU L 86, 4.4.1996, p. 69).

Id-Deċiżjoni Nru 2535/97/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-1 ta' Diċembru 1997 li tadatta għat-tieni darba d-Deċiżjoni Nru 1110/94/KE dwar ir-raba' programm kwadru għall-attivitajiet tal-Komunità Ewropea fil-qasam tal-iżvilupp ta' riċerka u teknoloġija u ta' dimostrazzjoni (1994-1998) (ĠU L 347, 18.12.1997, p. 1).

## *Artikolu 08 22 02 — Tlestija tal-ħames programm kwadru (1998-2002)*

### Partita 08 22 02 01 — Tlestija tal-ħames programm kwadru tal-KE (1998-2002)

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | — | — | — | 145 091,43 | 809 398,11 |

*Kummenti*

Dan il-punt huwa maħsub biex ikopri impenji ta' qabel.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA bis-saħħa tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontributi mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/516/Euratom, KEE tat-28 ta' Settembru 1987 dwar il-programm ta' qafas tal-attivitajiet Komunitarji fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (1987-1991) (ĠU L 302, 24.10.1987, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/221/Euratom, KEE tat-23 ta' April 1990 dwar il-programm ta' qafas tal-attivitajiet Komunitarji fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (1990-1994) (ĠU L 117, 8.5.1990, p. 28).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/167/Euratom, KEE tal-15 ta' Marzu 1993 li tadatta d-Deċiżjoni 90/221/Euratom, KEE dwar il-programm ta' qafas tal-attivitajiet Komunitarji fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (1990-1994) (ĠU L 69, 20.3.1993, p. 43).

Id-Deċiżjoni Nru 1110/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' April 1994 dwar ir-raba' programm ta' qafas tal-attivitajiet Komunitarji fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (1994-1998) (ĠU L 126, 18.5.1994, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 616/96/ KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 1996 li tadatta d-Deċiżjoni Nru 1110/94/KE dwar ir-raba' programm ta' qafas tal-attivitajiet Komunitarji fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (1994-1998) wara l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju tal-Iżvezja mal-Unjoni Ewropea

(ĠU L 86, 4.4.1996, p. 69).

Id-Deċiżjoni Nru 2535/97/ KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-1 ta' Diċembru 1997 li tadatta għat-tieni darba d-Deċiżjoni Nru 1110/94/dwar ir-raba' programm ta' qafas tal-attivitajiet Komunitarji fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (1994-1998) (ĠU L 347, 18.12.1997, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 182/1999/ KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 1998 dwar il-ħames programm ta' qafas tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (1998-2002) (ĠU L 26, 1.2.1999, p. 1).

### Partita 08 22 02 02 — Tlestija tal-ħames programm kwadru tal-Euratom (1998 sal-2002)

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | — | — | — | 0,— | 28 456,00 |

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex tkopri impenji ta' qabel.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 1999/64/Euratom tat-22 ta' Diċembru 1998 dwar il-Ħames Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika (Euratom) għar-riċerka u attivitajiet ta' taħriġ (1998-2002) (ĠU L 26, 1.2.1999, p. 34).

## *Artikolu 08 22 03 — Tlestija tas-sitt programm kwadru (2003 sa 2006)*

### Partita 08 22 03 01 — Tlestija tas-sitt programm kwadru tal-KE (2003 sa 2006)

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | 25 253 000 | — | 108 870 129 | 810 136,85 | 306 357 331,62 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji ta' qabel.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA bis-saħħa tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontributi mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1513/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 dwar is-sitt programm kwadru għal attivitajiet tal-Komunità Ewropea għall-iżvilupp ta' riċerka u teknoloġija u ta' dimostrazzjoni, li jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' Żona Ewropea għar-Riċerka u innovazzjoni (2002-2006) (ĠU L 232, 29.8.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/834/KE tat-30 ta' Settembru 2002 li tadotta program speċifiku għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni: "L-Integrazzjoni u t-tisħiħ tal-Qasam Ewropew tar-Riċerka" (2002-2006) (ĠU L 294, 29.10.2002, p. 1).

Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/835/KE tat-30 ta' Settembru 2002 li tadotta programm speċifiku għar-riċerka, l-żvilupp teknoloġiku u d-demostrazzjoni: "Strutturar tal-Qasam tar-Riċerka Ewropea" (2002-2006) (ĠU L 294, 29.19.2002, p. 44).

Deċiżjoni Nru 1209/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2003 fuq il-parteċipazzjoni tal-Komunità fi programm ta' riċerka u l-iżvilupp immirat għall-iżvilupp ta' interventi kliniċi ġodda biex ikunu misielta l-HIV/AIDS, il-malarja u

(ĠU L 169, 8.7.2003, p. 1).

Partita 08 22 03 02 — Tlestija tas-sitt programm kwadru tal-Euratom (2003 sa 2006)

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | 1 801 000 | — | 4 989 881 | 87 868,77 | 9 521 790,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji ta' qabel.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni 2002/668/Euratom tal-Kunsill tal-3 ta' Ġunju 2002 dwar is-sitt programm kwadru tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika (Euratom), għal riċerka fuq l-enerġija nukleari u attivitajiet ta' taħriġ, u għal kontribuzzjoni fil-kreazzjoni ta' Żona ta' Riċerka Europea (2002-2006) (ĠU L 232, 29.8.2002, p. 34).

Id-Deċiżjoni 2002/837/Euratom tal-Kunsill tat-30 ta' Settembru 2002 li tadotta programm speċifiku (Euratom) għar-riċerka u t-taħriġ fuq l-enerġija nukleari (2002-2006) (ĠU L 294, 29.10.2002, p. 74).

### *Artikolu 08 22 04 — L-Approprjazzjonijiet li jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (barra miż-Żona Ekonomika Ewropea)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 207 592 334,03 | 201 226 711,85 |

*Kummenti*

Dan l-artikolu huwa maħsub biex ikopri nefqa li tikkorrispondi għal dħul li jagħti lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali minn (mhux Żona Ekonomika Ewropea) terzi jew pajjiżi terzi li jipparteċipaw fi proġetti fil-qasam tar-riċerka u żvilupp teknoloġiku.

F'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul li jiddaħħal fil-Partiti 6 0 1 3, 6 0 1 5, 6 0 1 6, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali.

Id-dħul li ġej mill-ftehimiet ta' kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika u l-Iżvizzera jew dak multilaterali tal-Ftehima Ewropea dwar l-Iżvilupp tal-Fużjoni (EFDA) se jiddaħħal fil-Partiti 6 0 1 1 u 6 0 1 2 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u jista' jwassal biex jinħolqu approprjazzjonijiet oħrajn skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju.

## Kapitolu 08 23 — PROGRAMM TA' RIĊERKA TAL-FOND TA' RIĊERKA GĦALL-FAĦAM U L-AZZAR

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 08 23 | PROGRAMM TA' RIĊERKA TAL-FOND TA' RIĊERKA GĦALL-FAĦAM U L-AZZAR | | | | | | | | |
| ***08 23 01*** | ***Programm ta' riċerka għall-azzar*** | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 45 104 419,47 | 38 438 312,11 | |
| ***08 23 02*** | ***Programm ta'riċerka għall-faħam*** | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 16 093 214,53 | 12 561 313,00 | |

| | Kapitolu 08 23 — Total | | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 61 197 634,00 | 50 999 625,11 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|

*Kummenti*

## *Artikolu 08 23 01 — Programm ta' riċerka għall-azzar*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 45 104 419,47 | 38 438 312,11 |

*Kummenti*

Dan l-artikolu, fil-kwadru tal-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar, huwa maħsub biex ikopri l-finanzjament ta' proġetti dwar ir-riċerka fuq l-azzar li m'humiex koperti mill-programm ta' qafas għall-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp.

L-approprjazzjonijiet għall-2012 se jiġu ddeterminati skont ir-rendiment għall-KEFA f'likwidazzjoni fil-31 ta' Diċembru 2010 u jinħarġu mill-karta tal-bilanċ għall-KEFA f'likwidazzjoni fil-31 ta' Diċembru 2010 (dħul assenjat). Skont l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2003/76/KE, 72,8 % ta'-ammount allokat mill-Fond imur għas-settur tal-azzar.

Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 fir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1), kull dħul mdaħħal fil-partita 6 1 1 3 tal-prospett tad-dħul jagħti lok għall-approprjazzjonijiet addizzjonali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2003/76/KE tal-1 ta' Frar 2003 dwar il-konsegwenzi finanzjarji tad-data tal-għeluq tat-Trattat tal-KEFA u fuq il-Fond tar-Riċerka tal-Faħam u l-Azzar (ĠU L 29, 5.2.2003, p. 22).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2003/77/KE tal-1 ta' Frar 2003 li tistabbilixxi linji gwida finanzjarji multiannwali għall-amministrazzjoni tal-assi tal-KEFA f'likwidazzjoni u, mat-twettiq tal-likwidazzjoni, l-Assi tal-Fond ta' Riċerka għall-Faħam u l-Azzar (ĠU L 29, 5.2.2003, p. 25).

## *Artikolu 08 23 02 — Programm ta'riċerka għall-faħam*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
strumenti finanzjarji ġodda għall-qafas finanzjarju multiannwali 2014-2020 li ġej. Għandu b'mod partikolari jittestja kif investituri fuq medda twila ta' żmien privati u pubbliċi jistgħu jinvestu favur it-twaqqif tal-infrastruttura broadband ICT. Il-Kummissjoni hija mistiedna taħdem mal-Grupp BEI kif ukoll investituri oħra fuq medda twila ta' żmien biex jiġu żviluppati mezzi innovattivi biex jiġbdu l-iffinanzjar għall-infrastruttura.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f’dan l-artikolu. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontributi mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-għoti ta’ approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness “Żona Ekonomika Ewropea” għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f’din it-taqsima li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontributi tal-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni f'programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok li jkun hemm approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

Id-dħul eventwali li jkun ġej mill-kontributi ta' terzi mdaħħla fil-partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jagħtu lok għall-ftuħ ta' approprjazzjonijiet supplimentari li għandhom jiddaħħlu f'din il-partita skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007 - 2013) (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 15).

## *Artikolu 09 03 02 — It-tlestija ta' eContent plus — Il-promozzjoni tal-kontenut diġitali Ewropew*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | 1 384 016 | — | 8 029 172 | 0,— | 15 431 585,36 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata li tkopri impenji preċedenti relatati mal-programm eContent plus.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f’dan l-artikolu. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontributi mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-għoti ta’ approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness “Żona Ekonomika Ewropea” għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f’din it-taqsima li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontributi tal-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni f'programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok li jkun hemm approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/339/KE tal-20 ta' Mejju 1996 li tadotta programm tal-Komunità multiannwali sabiex jiġi stimolat l-iżvilupp ta' industrija Ewropea ta' kontenut ta' multimedja u sabiex jinkoraġġixxi l-użu ta' kontenut ta' multimedia fis-soċjetà tal-informazzjoni emerġenti (INFO 2000) (ĠU L 129, 30.5.1996, p. 24).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/664/KE tal-21 ta' Novembru 1996 dwar l-adozzjoni ta' programm multiannwali sabiex tippromwovi d-diversità lingwistika tal-Komunità fis-soċjetà tal-informazzjoni (ĠU L 306, 28.11.1996, p. 40).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 2000 li tadotta pogramm tal-Komunità multiannwali sabiex jiġi stimolat l-iżvilupp u l-użu tal-kontenut diġitali Ewropew dwar in-netwerks globali u sabiex jippromwovi d-diversità lingwistika fis-soċjetà tal-informaz (ĠU L 14, 18.1.2001, p. 32).

Id-Deċiżjoni 456/2005/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta’ Marzu 2005 li tistabbilixxi programm Komunitarju multi-annwali sabiex il-kontenut diġitali fl-Ewropa jsir aktar aċċessibbili, u jkun jista’ jintuża u jiġi sfruttat aktar u aħjar (ĠU L 79, 24.3.2005, p. 1).

## *Artikolu 09 03 03 — Azzjoni ta' tħejjija — Sistema bbażata fuq l-internet għal leġiżlazzjoni mtejba u għall-parteċipazzjoni tal-pubbliku*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 971 107,49 |

*Kummenti*

Dan l-artikolu hu maħsub biex ikopri impenji preċedenti relatati mal-ħolqien ta' sistema msejsa fuq l-internet li twassal għal titjib fil-leġiżlazzjoni u fil-parteċipazzjoni pubblika.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 09 03 04 — Tlestija ta' programmi preċedenti*

### Partita 09 03 04 01 — Tlestija ta' netwerks ta' telekomunikazzjoni Trans-Ewropej (eTEN)

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | p.m. | — | 1 949 683 | 0,— | 6 862 584,24 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata li tkopri impenji marbuta man-netwerks fis-setturi ta' telekomunikazzjoni.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontributi mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2236/95 tat-18 ta' Settembru 1995 li jistabbilixxi r-regoli ġenerali biex tingħata l-għajnuna finanzjarja tal-Komunità fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej (ĠU L 228, 23.9.1995, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 2717/95/KE tad-9 ta' Novembru 1995 dwar sett ta' linji ta' gwida għall-iżvilupp tal-EURO-ISDN (netwerk diġitali ta' servizzi integrati) bħala netwerk trans-Ewropew (ĠU L 282, 24.11.1995, p. 16).

Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1336/97/KE tas-17 ta' Ġunju 1997 dwar sensiela ta' linji ta' gwida għan-netwerks trans-Ewropej tat-telekomunikazzjoni (ĠU L 183, 11.7.1997, p. 12).

### Partita 09 03 04 02 — Tlestija tal-programm MODINIS

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 28 509,84 |

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex tkopri impenji preċedenti relatati mal-programm multiannwali MODINIS.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontributi mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontributi tal-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni f'programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok li jkun hemm approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Deċiżjoni tal-Kunsill 98/253/KE tat-30 ta' Marzu 1998 li tadotta programm multiannwali tal-Komunità sabiex jiġi stimulat l-istabbiliment tas-soċjeta tal-informazzjoni fl-Ewropa (Soċjeta tal-Infomazzjoni) (ĠU L 107, 7.4.1998, p. 10).

Id-Deċiżjoni Nru 2256/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 li tadotta programm multiannwali (2003-2005) għall-monitoraġġ tal-pjan ta' azzjoni eEurope 2005, it-tixrid ta' prattiċi t-tajbin u t-titjib tas-siġurtà tan-networks u tal-informazzjoni (MODINIS) (ĠU L 336, 23.12.2003, p. 1).

## KAPITOLU 09 04 — KOOPERAZZJONI — TEKNOLOĠIJI TAL-INFORZZJONI U TAL-KOMUNIKAZZJONI (ICT)

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 09 04 | Kooperazzjoni — Teknoloġiji tal-Inforzzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT) | | | | | | | | |
| ***09 04 01*** | ***Appoġġ għall-Kooperazzjoni fir-Riċerka fil-qasam tat-Teknoloġiji tal-Informatika u Komunikazzjoni (ICT - Kooperazzjoni)*** | | | | | | | | |
| 09 04 01 01 | Appoġġ għall-kooperazzjoni fir-riċerka fil-qasam tat-teknoloġiji tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT — Kooperazzjoni) | 1.1 | 1 301 428 065 | 1 140 000 000 | 1 244 472 420 | 949 891 875 | 1 117 369 631,31 | 1 032 847 397,71 | 90,60 % |
| 09 04 01 02 | Kooperazzjoni — Teknoloġiji tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni — Impriża Konġunta ARTEMIS | 1.1 | 65 000 000 | 29 239 766 | 53 721 430 | 27 217 532 | 26 000 000,00 | 10 826 842,98 | 37,03 % |
| 09 04 01 03 | Kooperazzjoni — Teknoloġiji tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni — Nefqa għall-Appoġġ tal-Impriża Konġunta ARTEMIS | 1.1 | 911 793 | 911 793 | 1 758 156 | 1 595 089 | 1 048 611,08 | 1 054 100,56 | 115,61 % |
| 09 04 01 04 | Kooperazzjoni — Teknoloġiji tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni — Impriża Konġunta ENIAC | 1.1 | 110 000 000 | 55 555 555 | 53 721 430 | 36 290 043 | 63 646 170,00 | 12 500 000,00 | 22,50 % |
| 09 04 01 05 | Kooperazzjoni — Teknoloġiji tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni — Nefqa għall-Appoġġ tal-Impriża Konġunta ENIAC | 1.1 | 429 142 | 429 142 | 1 298 789 | 1 178 328 | 906 558,00 | 912 195,57 | 212,56 % |
| | *Artikolu 09 04 01 — Sub-total* | | 1 477 769 000 | 1 226 136 256 | 1 354 972 225 | 1 016 172 867 | 1 208 970 970,39 | 1 058 140 536,82 | 86,30 % |
| ***09 04 02*** | ***Approprjazzjonijiet li jirriżultaw minn kontributi minn partijiet terżi għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (barra miż-Żona Ekonomika Ewropea)*** | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 50 025 798,86 | 6 840 617,08 | |
| ***09 04 03*** | ***Tlestija ta' programmi ta'qafas preċedenti tal-Komunità Ewropea (qabel l-2007)*** | 1.1 | — | 11 000 000 | — | 10 633 890 | 7 603,62 | 58 528 153,71 | 532,07 % |
| | **Kapitolu 09 04 — Total** | | **1 477 769 000** | **1 237 136 256** | **1 354 972 225** | **1 026 806 757** | **1 259 004 372,87** | **1 123 509 307,61** | **90,82 %** |

## *Artikolu 09 04 01 — Appoġġ għall-Kooperazzjoni fir-Riċerka fil-qasam tat-Teknoloġiji tal-Informatika u Komunikazzjoni (ICT - Kooperazzjoni)*

### Partita 09 04 01 01 — Appoġġ għall-kooperazzjoni fir-riċerka fil-qasam tat-teknoloġiji tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT — Kooperazzjoni)

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 1 301 428 065 | 1 140 000 000 | 1 244 472 420 | 949 891 875 | 1 117 369 631,31 | 1 032 847 397,71 |

*Kummenti*

L-għan tas-Seba' Programm Qafas tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013) u t-tema "Teknoloġiji tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni" tal-programm speċifiku "Kooperazzjoni" huwa li tittejjeb il-kompetittività tal-industrija Ewropea u li l-Ewropa tingħata l-ħila li tmexxi u tifforma l-iżviluppi tal-ICT fil-ġejjieni skont strateġija Ewropea tal-ICT fuq perjodu twil ta' żmien sabiex jintlaħqu d-domandi tas-soċjetà u tal-ekonomija tagħha u l-istandards Ewropej jgħinu t-tiswir tal-iżviluppi globali tal-ICT pjuttost milli jinqabżu minn swieq globali oħra li qed jikbru.

Attivitajiet se jsaħħu l-bażi xjentifika u teknoloġika tal-Ewropa fl-ICT, jgħinu biex tinħoloq u tiġi stimulata l-innovazzjoni permezz tal-użu tal-ICT u jassiguraw li l-progress tal-ICT jinbidel malajr f'benefiċċji għaċ-ċittadini, in-negozji, l-industriji u l-gvernijiet tal-Ewropa.

It-tema tal-*ICT* tagħti prijorità lir-riċerka strateġika madwar pilastri teknoloġiċi prinċipali, tiżgura integrazzjoni totali tat-teknoloġiji u tipprovdi t-tagħrif u l-mezzi biex tiġi żviluppata medda wiesgħa ta' applikazzjonijiet innovattivi tal-*ICT*.

L-attivitajiet se jagħtu setgħa lil avvanz industrijali u teknoloġiku fis-settur tal-ICT u jtejbu l-kompetittività ta' setturi importanti intensivi fl-ICT — kemm permezz ta' prodotti u servizzi innovattivi bbażati fuq ICT ta' valur għoli u minn titjib ta' proċessi organizzattivi u kemm fin-negozji u fl-amministrazzjonijiet. It-tema ta' ICT tappoġġja wkoll politika oħra tal-Unjoni, billi timmobbilizza l-ICT biex tissodisfa d-domandi pubbliċi u tas-soċjetà.

L-attivitajiet ikopru l-kollaborazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prassi bl-għan li jiġu stabbiliti standards komuni għall-Unjoni li jkunu kompatibbli ma', jew jistabbilixxu, standard globali, azzjonijiet ta' netwerking u inizjattivi nazzjonali ta' koordinazzjoni tal-programmi. Din l-approprijazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-ispejjeż tal-esperti indipendenti li jgħinu fil-valutazzjonijiet u r-reviżjonijiet ta' proposti, l-ispejjeż ta' avvennimenti, laqgħat, konferenzi, workshops u seminars ta' interess Ewropew organizzati mill-Kummissjoni, l-ispejjeż tal-istudji, l-analiżijiet u l-valutazzjonijiet tal-programmi speċifiċi u tal-programmi ta' qafas u l-ispejjeż tal-miżuri għall-monitoraġġ u t-tixrid tar-riżultati tal-programmi, inklużi miżuri taħt il-programmi ta' qafas ta' qabel.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontributi mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Parti minn dawn l-approprjazzjonijiet maħsuba biex ikattru l-approċċi komuni għal sfidi globali ewlenin, bħal strateġija dwar l-ICT li mhux biss tkun tista' tikkompeti ma' swieq tal-ICT li qed jiżviluppaw b'mod mgħaġġel (pereżempju fl-Asja), iżda li tista' wkoll tistabbilixxi standards għat-tfassil tal-politika global dwar l-ICT fl-interess tal-valuri Ewropej. Billi jinġabru flimkien ir-riżorsi u billi jitħeġġeġ l-iskambju tal-aħjar prassi għall-avvanz tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni fil-qasam tal-ICT. Il-miżuri ikollhom l-għan li jtejbu l-effikaċja tal-azzjonijiet mill-komunità internazzjonali u jkunu komplementari għal mekkaniżmi eżistenti u relazzjonijiet ta' ħidma ta' suċċess. L-approprijazzjonijiet jintużaw biex ikunu finanzjati impriżi innovattivi bejn pajjiżi Ewropej u pajjiżi terzi. L-ambitu ta' tali impriżi jmur lil hinn minn dak li jkun jista' jsir minn pajjiż wieħed u jibbenefika kemm lill-Unjoni kif ukoll lis-sħab tagħha fit-tħejjija tar-rwol ewlieni tagħhom għall-istabbiliment ta' standards futuri dwar l-ICT. Fl-implimentazzjoni ta' din l-azzjoni l-Kummissjoni se tassigura distribuzzjoni bilanċjata tas-sussidji. Tgħin lill-atturi f'livell globali biex jieħdu sehem fi sħubijiet ta' riċerka sabiex titħeġġeġ l-innovazzjoni fil-qasam tal-ICT.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013)(ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (EC) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli

għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri tar-riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2011) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/971/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-programm speċifiku "Kooperazzjoni" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru] tal-Komunità Ewropea għal attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86).

## Partita 09 04 01 02 — Kooperazzjoni — Teknoloġiji tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni — Impriża Konġunta ARTEMIS

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 65 000 000 | 29 239 766 | 53 721 430 | 27 217 532 | 26 000 000,00 | 10 826 842,98 |

*Kummenti*

L-Impriza Konġunta ARTEMIS għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tas-Seba' Programm Qafas tal-Komunità Ewropea għal attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013) u t-Tema "It-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni" tal-Programm Speċifiku "Kooperazzjoni". Għandha, b'mod partikolari:

— tiddefinixxi u timplimenta "Aġenda għar-Riċerka" għall-iżvilupp ta’ teknoloġiji ewlenin għas-Sistemi Inkorporati tal-Kompjuter fiż-żoni kollha differenti ta’ applikazzjoni sabiex tissaħħaħ il-kompetittività Ewropea u s-sostenibbiltà, u tippermetti l-ħolqien ta’ swieq ġodda u applikazzjonijiet fis-soċjetà,

— tappoġġa l-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp (R & D) partikolarment billi tagħti finanzjament lil parteċipanti fi Proġetti magħżula wara sejħiet kompetittivi għall-proposti,

— tippromwovi sħubija pubbliku-privata bil-għan li jiġu mobilizzati u jinġabru flimkien l-isforzi tal-Unjoni, nazzjonali u privati, li jżid l-investimenti globali fir-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tas-Sistemi Inkorporati tal-Kompjuter, u trawwem kollaborazzjoni bejn is-setturi pubbliċi u privati,

— tiżgura l-effiċjenza u d-durabilità tal-Iniżżjattiva Teknoloġika Konġunta dwar is-Sistemi Inkorporati tal-Kompjuter,

— tikseb sinerġija u koordinazzjoni tal-isforzi Ewropej dwar ir-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tas-Sistemi Inkorporati tal-Kompjuter, inkluża, l-integrazzjoni progressiva fl-Impriża Konġunta ARTEMIS tal-attivitajiet relatati fil-qasam implimentati fil-preżent permezz ta’ skemi intergovernattivi ta’ riċerka u żvilupp (Eureka).

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f’din il-partita. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontributi mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-għoti ta’ approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness “Żona Ekonomika Ewropea” għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f’din it-taqsima li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p.1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/971/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-programm speċifiku "Kooperazzjoni" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għal attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p.86).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 74/2008 tal- 20 ta' Diċembru 2007 dwar l-istabbiliment tal-Impriża Konġunta ARTEMIS għall-implimentazzjoni ta' Inizjattiva Konġunta Teknoloġika ta' Sistemi ta' Kompjuters Inkorporati (ĠU L 30, 4.2.2008, p 52).

## Partita 09 04 01 03 — Kooperazzjoni — Teknoloġiji tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni — Nefqa għall-Appoġġ tal-Impriża Konġunta ARTEMIS

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 911 793 | 911 793 | 1 758 156 | 1 595 089 | 1 048 611,08 | 1 054 100,56 |

*Kummenti*

L-Impriza Konġunta ARTEMIS għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tas-Seba' Programm Qafas tal-Komunità Ewropea għal attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013) u t-Tema "It-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni" tal-Programm Speċifiku "Kooperazzjoni". Għandha, b'mod partikolari:

- tiddefinixxi u timplimenta "Aġenda għar-Riċerka" għall-iżvilupp ta’ teknoloġiji ewlenin għas-Sistemi Inkorporati tal-Kompjuter fiż-żoni kollha differenti ta’ applikazzjoni sabiex tissaħħaħ il-kompetittività Ewropea u s-sostenibbilità, u tippermetti l-ħolqien ta’ swieq ġodda u applikazzjonijiet fis-soċjetà,
- tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Attivitajiet ta' riċerka u żvilupp partikolarment billi tagħti finanzjament lil parteċipanti fi Proġetti magħżula wara sejħiet kompetittivi għal proposti,
- tippromwovi sħubija pubbliku-privata bil-għażn li jiġu mobilizzati u jinġabru flimkien l-isforzi tal-Unjoni, nazzjonali u privati, li żżid l-investimenti globali tar-riċerka u żvilupp fil-qasam tas-Sistemi Inkorporati tal-Kompjuter, u trawwem kollaborazzjoni bejn is-setturi pubbliċi u privati,
- tiżgura l-effiċjenza u d-durabilità tal-Inizjattiva Konġunta għat-Teknoloġija dwar is-Sistemi Inkorporati tal-Kompjuter;
- tikseb sinerġija u koordinazzjoni tal-isforzi Ewropej dwar ir-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tas-Sistemi Inkorporati tal-Kompjuter, inkluża l-integrazzjoni progressiva fl-Impriża Konġunta ARTEMIS tal-attivitajiet relatati fil-qasam implimentati fil-preżent permezz ta’ skemi intergovernattivi ta’ riċerka u żvilupp (Eureka).

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f’din il-partita. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontributi mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-għoti ta’ approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness “Żona Ekonomika Ewropea” għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f’din it-taqsima li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p.1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/971/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-programm speċifiku "Kooperazzjoni" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għal attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 74/2008 tal- 20 ta' Diċembru 2007 dwar l-istabbiliment tal- 'Impriża Konġunta ARTEMIS' għall-implimentazzjoni ta' Inizjattiva Konġunta Teknoloġika ta' Sistemi ta' Kompjuters Inkorporati (ĠU L 30, 4.2.2008, p 52).

## Partita 09 04 01 04 — Kooperazzjoni — Teknoloġiji tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni — Impriża Konġunta ENIAC

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 110 000 000 | 55 555 555 | 53 721 430 | 36 290 043 | 63 646 170,00 | 12 500 000,00 |

*Kummenti*

L-Impriza Konġunta ENIAC għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tas-Seba' Programm Qafas għal attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013) u t-Tema "It-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni" tal-Programm Speċifiku "Kooperazzjoni".

Għandha, b'mod partikolari:

- tiddefinixxi u timplimenta Aġenda ta' Riċerka għall-iżvilupp ta' kompetenzi ewlenin għan-nanoelettronika fl-oqsma kollha differenti ta' applikazzjoni sabiex tissaħħaħ il-kompetittività Ewropea u s-sostenibbiltà u tippermetti l-ħolqien ta' swieq ġodda u applikazzjonijiet fis-soċjetà;
- tappoġġa l-attivitajiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Riċerka, notevolment biex tagħti finanzjament lill-parteċipanti fi proġetti magħżula wara sejħiet kompetittivi għal proposti;
- tippromwovi sħubijiet pubbliċi-privati bil-għan li jiġu mobilizzati u jinġabru flimkien l-isforzi tal-Unjoni, nazzjonali u privati, li jżid l-investimenti globali fir-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tan-nanoelettronika, u trawwem kollaborazzjoni bejn is-setturi pubbliċi u privati;
- tikseb sinerġija u koordinazzjoni tal-isforzi Ewropej dwar ir-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tan-nanoelettronika inkluż, meta jista' jinħoloq valur miżjud, l-integrazzjoni progressiva fl-Impriża Komuni ENIAC tal-attivitajiet relatati fil-qasam implimentati fil-preżent permezz ta' skemi intergovernattivi ta' riċerka u żvilupp (Eureka);
- tippromwovi l-involviment tal- intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fl-attivitajiet tagħha, skont l-għanijiet tas-Seba' Programm Qafas.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontributi mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p.1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/971/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku Kooperazzjoni li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għal attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p.86).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 72/2008 tal-20 ta' Diċembru li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta ENIAC (ĠU L 30, 4.2.2008, p. 21).

## Partita 09 04 01 05 — Kooperazzjoni — Teknoloġiji tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni — Nefqa għall-Appoġġ tal-Impriża Konġunta ENIAC

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 429 142 | 429 142 | 1 298 789 | 1 178 328 | 906 558,00 | 912 195,57 |

*Kummenti*

L-Impriza Konġunta ENIAC għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tas-Seba' Programm Qafas tal-Komunità Ewropea għal attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013) u t-tema "It-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni" tal-Programm Speċifiku "Kooperazzjoni".

Għandha, b'mod partikolari:

- tiddefinixxi u timplimenta Aġenda ta' Riċerka għall-iżvilupp ta' kompetenzi ewlenin għan-nanoelettronika fl-oqsma kollha differenti ta' applikazzjoni sabiex tissaħħaħ il-kompetittività Ewropea u s-sostenibbiltà u tippermetti l-ħolqien ta' swieq ġodda u applikazzjonijiet fis-soċjetà;
- tappoġġa l-attivitajiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Riċerka, notevolment biex tagħti finanzjament lill-parteċipanti fi proġetti magħżula wara sejħiet kompetittivi għal proposti;
- tippromwovi sħubijiet pubbliċi-privati bil-għan li jiġu mobilizzati u jinġabru flimkien l-isforzi tal-Unjoni, nazzjonali u privati, li jżid l-investimenti globali fir-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tan-nanoelettronika, u trawwem kollaborazzjoni bejn is-setturi pubbliċi u privati;

— tikseb sinerġija u koordinazzjoni tal-isforzi Ewropej dwar ir-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tan-nanoelettronika inkluż, meta jista' jinħoloq valur miżjud, l-integrazzjoni progressiva fl-Impriża Komuni ENIAC tal-attivitajiet relatati fil-qasam implimentati fil-preżent permezz ta' skemi intergovernattivi ta' riċerka u żvilupp (Eureka);

— tippromwovi l-involviment tal- intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fl-attivitajiet tagħha, skont l-għanijiet tas-Seba' Programm Qafas.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontributi mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p.1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/971/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-programm speċifiku "Kooperazzjoni" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għal attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p.86).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 72/2008 tal-20 ta' Diċembru li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta ENIAC (ĠU L 30, 4.2.2008, p. 21).

## *Artikolu 09 04 02 — Approprjazzjonijiet li jirriżultaw minn kontributi minn partijiet terżi għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (barra miż-Żona Ekonomika Ewropea)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 50 025 798,86 | 6 840 617,08 |

*Kummenti*

Dan l-artikolu huwa maħsub biex ikopri n-nefqa li tikkorrespondi għal dħul li jagħti lok għad-disponibbiltà ta' approprjazzjonijiet addizzjonali minn (mhux Żona Ekonomika Ewropea) terzi jew pajjiżi terzi li jipparteċipaw f'proġetti fil-qasam tar-riċerka u żvilupp teknoloġiku.

Skond l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul li jidħol fil-Partiti 6 0 1 3, 6 0 1 5, 6 0 1 6, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-allokazzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali.

## *Artikolu 09 04 03 — Tlestija ta' programmi ta'qafas preċedenti tal-Komunità Ewropea (qabel l-2007)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | 11 000 000 | — | 10 633 890 | 7 603,62 | 58 528 153,71 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri impenji preċedenti relatati mat-tlestija ta' programmi kwadri preċedenti tal-Komunità Ewropea.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontributi mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/516/Euratom, KEE tat-28 ta' Settembru dwar il-Programm Kwadru ta' attivitajiet tal-Komunità fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (1987 sa 1991) (ĠU L 302, 24.10.1987, p. 1).

Deċiżjoni tal-Kunsill 90/221/Euratom, KEE tat-23 ta' April 1990 dwar il-Programm Kwadru ta' attivitajiet tal-Komunità fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (1990 sa 1994) (ĠU L 117, 8.5.1990, p. 28).

Deċiżjoni tal-Kunsill 93/167/Euratom, KEE tal-15 ta' Marzu 1993 li tadatta d-Deċiżjoni 90/221 Euratom/KEE dwar il-Programm Kwadru ta' attivitajiet tal-Komunità fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (1990 sa 1994) (ĠU L 69, 20.3.1993, p. 43).

Deċiżjoni 1110/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' April 1994 dwar ir-raba' Programm Kwadru ta' attivitajiet tal-Komunità Ewropea fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp u d-dimostrazzjoni teknoloġiċi (1994 sa 1998) (ĠU L 126, 18.5.1994, p. 1), kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2535/97/KE (ĠU L 347, 18.12.1997, p. 1).

Deċiżjoni 616/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 1996 li tadatta d-Deċiżjoni 1110/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' April 1994 dwar ir-raba' Programm Kwadru ta' attivitajiet tal-Komunità Ewropea fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp u d-dimostrazzjoni teknoloġiċi (1994 sa 1998) wara l-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Awstrija, r-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju tal-Isvezja mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 86, 4.4.1996, p. 69).

Deċiżjoni Nru 2535/97/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-1 ta' Diċembru 1997 li tadatta għat-tieni darba d-Deċiżjoni 1110/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' April 1994 dwar ir-raba' Programm Kwadru ta' attivitajiet tal-Komunità Ewropea fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp u d-dimostrazzjoni teknoloġiċi (1994 sa 1998) (ĠU L 347, 18.12.1997, p. 1).

Deċiżjoni Nru 182/1999/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Diċemrbu 1998 dwar il-ħames Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għal attivitajiet ta' riċerka u żvilupp u dimostrazzjoni teknoloġiċi (1998 sa 2002) (ĠU L 26, 1.2.1999, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1513/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tikkonċerna s-sitt programm kwadru tal-Komunità Ewropea dwar l-attivitajiet ta' riċerka, l-iżvilupp tekonoloġiku u dimostrazzjoni li jikkontribwixxu għall-ħolqien taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u għall-innovazzjoni (mill-2002 sal-2006) (ĠU L 232, 29.8.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/834/KE tat-30 ta’ Settembru 2002 li tadotta program speċifiku għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni:L-Integrazzjoni u t-tisħiħ tal-Qasam Ewropew tar-Riċerka (2002-2006) (ĠU L 294, 29.10.2002, p. 1).

Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/835/KE tat-30 ta’ Settembru 2002 li tadotta programm speċifiku għar-riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni:Strutturar tal-Qasam tar-Riċerka Ewropea (2002-2006) (ĠU L 294, 29.19.2002, p. 44).

## KAPITOLU 09 05 — KAPAĊITAJIET — INFRASTRUTTURI TA’ RIĊERKA

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 09 05 | Kapaċitajiet — Infrastrutturi ta’ riċerka | | | | | | | | |
| ***09 05 01*** | ***Kapaċitajiet — Infrastrutturi ta’ riċerka*** | 1.1 | 37 403 000 | 54 580 897 | 31 349 262 | 54 435 064 | 93 135 086,00 | 93 547 404,00 | 171,39 % |
| | **Kapitolu 09 05 — Total** | | **37 403 000** | **54 580 897** | **31 349 262** | **54 435 064** | **93 135 086,00** | **93 547 404,00** | **171,39 %** |

## *Artikolu 09 05 01 — Kapaċitajiet — Infrastrutturi ta’ riċerka*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 37 403 000 | 54 580 897 | 31 349 262 | 54 435 064 | 93 135 086,00 | 93 547 404,00 |

*Kummenti*

L-investiment fl-għarfien huwa l-aħjar mod kif l-Ewropa tista' trawwem tkabbir sostenibbli f'ekonomija globali u l-programm tar-riċerka huwa s-sies tal-politika Ewropea dwar l-għarfien. Il-programm speċifiku "Kapaċitajiet" fis-Seba' Programm Qafas tal-

Komunità Ewropea għal attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni jimmira li jtejjeb il-kapaċità ta' riċerka u innovazzjoni fl-Ewropa kollha u lil hinn permezz tal-ħolqien u t-tisħiħ ta' poli multidixxiplinari ta' eċċellenza Ewropej. B'mod partikolari, l-infrastrutturi ta' riċerka għandhom rwol ewlieni fil-ħolqien tal-għarfien, it-tixrid, l-applikazzjoni u l-isfruttament tiegħu, u b'hekk irawmu l-innovazzjoni.

L-attivitajiet indirizzati f'dan l-artikolu jindirizzaw b'mod aktar speċifiku l-użu ta' infrastrutturi bbażati fuq l-ICT, jew infrastrutturi-e. Dawk l-infrastrutturi jipprovdu servizzi lill-komunitajiet ta' riċerka billi jġibu l-poter tar-riżorsi distribwiti bbażati fuq l-ICT (teknoloġija informatika, konnettività, ħżin, dejta u strumenti) lill-komunitajiet virtwali. It-tisħiħ ta' strateġija Ewropea f'dan il-qasam jistabbilixxi sinerġiji bejn l-infrastrutturi nazzjonali u inizjattivi, u jiżgura li jintlaħqu massi kritiċi, jirrazzjonalizza investimenti ġodda, u jimmira għal pożizzjoni ewlenija fid-dinja. Dan jista' jagħti kontribuzzjoni sinifikanti biex jixpruna l-potenzjal ta' riċerka Ewropea u l-isfruttament tagħha, jikkonsolida l-Infrastrutturi-e bħala l-bażi taż-Żona Ewropea ta' Riċerka, "prekursur" tal-innovazzjoni interdixxiplinari u mexxej fit-tibdil tal-mod kif titwettaq ix-xjenza.

F'dan l-artikolu hemm ukoll l-ispejjeż tal-laqgħat xjentifiċi u teknoloġiċi ta' livell għoli, konferenzi, laqgħat ta' xogħol u seminars ta' interess Ewropew organizzati mill-Kummissjoni, l-ispejjeż tal-istudji, l-għotjiet, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' programmi speċifiċi u tal-programmi ta' qafas, il-fondi ta' analiżi u evalwazzjonijiet xjentifiċi u teknoloġiċi ta' livell għoli li saru f'isem l-Unjoni biex jinvestigaw oqsma ġodda ta' riċerka li jixirqu lill-azzjoni tal-UE, fost l-oħrajn, fil-kuntest taż-Żona Ewropea ta' Riċerka, u miżuri biex jimmoniterjaw u jxerdu r-riżultati tal-programmi, li jinkludu miżuri taħt il-programmi ta' qafas preċedenti. F'dan il-kuntest, huma promossi azzjonijiet ta' koordinazjoni u ta' sostenn għal strateġiji ta' kollaborazzjoni internazzjonali ma' reġjuni li qed jiżviluppaw kif ukoll dawk li jinsabu fuq quddiem, għall-komunitajiet globali ta' riċerka u li jimmiraw lejn il-paradigma ġdid tax-xjenza-e.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontributi mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013)(ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistipula r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri ta' riċerki u universitajiet f'azzjonijiet skont is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u għat-tixrid ta' riżultati tar-riċerka (2007 sal-2013) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/974/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-programm speċifiku "Kapaċitajiet" li jimplimenta s-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 299).

# TITOLU 10 — IR-RIĊERKA DIRETTA

*Figuri*

| Titolu Kapitolu | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 10 01 | Nefqa amministrattiva tal-qasam politiku tar-"Riċerka diretta" | 1 | 350 080 000 | 350 080 000 | 340 064 100 | 340 064 100 | 373 934 677,90 | 373 934 677,90 |
| 10 02 | Approprjazzjonijiet operattivi għar-riċerka ffinanzjati direttament— Is-Seba' Programm Qafas (2007-2013) — UE | 1 | 32 898 000 | 33 000 000 | 31 531 064 | 29 032 034 | 35 024 712,20 | 30 824 968,56 |
| 10 03 | Approprjazzjonijiet operazzjonali għar-riċerka ffinanzjati direttament— Is-Seba' Programm Kwadru (2007 sal-2011 u 2012 sal-2013) — Euratom | 1 | 10 250 000 | 10 400 000 | 9 894 900 | 9 072 511 | 10 542 161,47 | 10 194 218,64 |
| 10 04 | Tlestija ta' programmi kwadri preċedenti u attivitajiet oħra | 1 | p.m. | p.m. | p.m. | 56 250 | 27 886 101,45 | 24 236 731,30 |
| 10 05 | Responsabilità storika li tirriżulta minn attivitajiet nukleari mwettqa miċ-ċentru ta' riċerka konġunt taħt it-trattat tal-euratom | 1 | 30 900 000 | 31 500 000 | 29 403 800 | 25 856 656 | 26 362 274,04 | 23 545 121,14 |
| | **Titolu 10 — Total** | | **424 128 000** | **424 980 000** | **410 893 864** | **404 081 551** | **473 749 927,06** | **462 735 717,54** |

*Kummenti*

Dawn ir-rimarki japplikaw għall-intestaturi kollha tal-baġit fil-qasam politiku tar-"Riċerka diretta" (bl-eċċezzjoni tal-Kapitolu 10 05).

L-approprjazzjonijiet jkopru mhux biss in-nefqa għall-operazzjonijiet u l-persunal kopert mir-Regolamenti tal-Persunal, imma wkoll nefqa oħra għall-persunal, il-kuntratti, l-infrastruttura, l-informazzjoni u l-pubblikazzjonijiet u kull nefqa oħra amministrattiv ġej mill-operazzjonijiet ta' riċerka u żvilupp teknoloġiku, inkluż ir-riċerka esploratorja.

Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul imdaħħal fil-Paragrafi 6 2 2 4 u 6 2 2 5 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-approprjazzjonijiet addizzjonali.

Dħul mixxellanju jista' jagħti lok għal approprjazzjonijiet addizzjonali biex jintużaw fil-Kapitoli 10 02, 10 03, 10 04 jew l-Artikolu 10 01 05, skont l-iskop tagħhom.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni f'programmi tal-Unjoni mdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok li jkun hemm approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

Huwa possibbli li fil-każ ta' xi wħud minn dawn il-proġetti, jieħdu sehem fil-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka xjentfika u teknika, pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet minn pajjiżi terzi. Kull kontribuzzjoni finanzjarja se tiddaħħal f'Partita 6 0 1 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u tista' tagħti lok għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju.

L-appropjrazzjonijiet addizzjonali se jkunu pprovduti taħt l-Artikoli 10 02 02 u 10 03 02.

L-approprjazzjonijiet f'dan it-titolu jkopru l-kost tal-persunal li jaħdem fid-dipartimenti amministrattivi u finanzjarji taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka u tal-appoġġ li jeħtieġu (bejn wieħed u ieħor 15 % tal-kost).

## KAPITOLU 10 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM POLITIKU TAR-"RIĊERKA DIRETTA"

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10 01 | Nefqa amministrattiva tal-qasam politiku tar-"Riċerka diretta" | | | | | |
| ***10 01 05*** | ***Nefqa għall-appoġġ tal-operazzjonijiet tal-qasam politiku tar-"Riċerka diretta"*** | | | | | |
| 10 01 05 01 | Nefqa konnessa mal-persunal tar-riċerka | 1.1 | 205 100 000 | 199 141 100 | 188 527 756,88 | 91,92 % |
| 10 01 05 02 | Persunal estern għar-riċerka | 1.1 | 43 000 000 | 42 977 100 | 63 694 857,99 | 148,13 % |
| 10 01 05 03 | Nefqa oħra ta' ġestjoni għar-riċerka | 1.1 | 101 980 000 | 97 945 900 | 121 712 063,03 | 119,35 % |
| | *Artikolu 10 01 05 — Sub-total* | | 350 080 000 | 340 064 100 | 373 934 677,90 | 106,81 % |
| | **Kapitolu 10 01 — Total** | | **350 080 000** | **340 064 100** | **373 934 677,90** | **106,81 %** |

## *Artikolu 10 01 05 — Nefqa għall-appoġġ tal-operazzjonijiet tal-qasam politiku tar-"Riċerka diretta"*

*Kummenti*

Skont l-Artikolu 18 u l-Artikolu 161(2) tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul imdaħħal fil-partiti 6 2 2 3 u 6 2 2 6 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jwassal li jsiru disponibbli approprjazzjonijiet addizzjonali.

Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul mdaħħal fil-partiti 6 2 2 1, 6 2 2 4 u 6 2 2 5 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jwassal li jsiru disponibbli approprjazzjonijiet addizzjonali. Dan id-dħul jintuża biex ikopri, fost l-oħrajn, in-nefqa fuq persunal fir-rigward ta' xogħol għal terzi magħmula miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka.

L-approprjazzjonijiet jistgħu jkunu supplimentati mill-parteċipazzjoni taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka fuq bażi kompetittiva f'azzjoni indiretta u minn attivitajiet xjentifiċi u tekniċi b'appoġġ għall-politika tal-Unjoni.

Partita 10 01 05 01 — Nefqa konnessa mal-persunal tar-riċerka

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 205 100 000 | 199 141 100 | 188 527 756,88 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni tkopri n-nefqa dwar il-persunal kopert mir-Regolamenti tal-persunal li jokkupa postijiet fuq il-pjan tal-persunal awtorizzat taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, għat-twettiq tal-ħidmiet lilu mogħtija, u partikolarment:

- l-azzjoni diretta, li tikkonsisti f'attivitajiet ta' appoġġ xjentifiku u tekniku u attivitajiet ta' riċerka u attivitajiet esploratorji ta' riċerka magħmula fl-istabbilimenti taċ-ċentru Konġunt tar-Riċerka,
- l-azzjoni indiretta, li tikkonsisti minn programmi implimentati bħala parti mill-attivitajiet taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka magħmula fuq bażi kompetittiva.

It-tqassim ta' approprjazzjonijiet għan-nefqa tal-persunal hija kif ġej:

| Programm | Approprjazzjonijiet |
|---|---|
| Programm kwadru (nukleari) | 59 234 525 |
| Programm kwadru (mhux nukleari) | 145 865 475 |
| Mhux programm kwadru | p.m. |
| Total | 205 100 000 |

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu l-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti jieħdu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; jistgħu jagħtu lok għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA huwa esklussivament fir-rigward tal-parteċipazzjoni tagħhom f'attivitajiet mhux nukleari fil-programm kwadru.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri tar-riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Kwadru u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/970/Euratom tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) għar-riċerka nukleari u attivitajiet ta' taħriġ (mill-2007 sal-2011) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 60; Rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 21)

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għall-persunal estern fil-kwartieri ġenerali (aġenti kuntrattwali, esperti nazzjonali sekondati jew persunal tal-aġenzija) u nefqa għall-appoġġ (spejjeż tar-rappreżentanza, tat-taħriġ, tal-laqgħat, missjonijet tal-persunal estern iffinanzjati minn din il-linja) meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Fond Ewropew għas-Sajd (FES) kif previst fl-Artikolu 46 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1198/2006 dwar l-assistenza teknika.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1263/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar l-Istrument Finanzjarju għal Gwida tas-Sajd (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 54).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2792/1999 tas-17 ta' Diċembru 1999 li jippreskrivi r-regoli u l-arranġamenti dettaljati rigward l-għajnuna Komunitarja strutturali fis-settur tas-sajd (ĠU L 337, 30.12.1999, p. 10).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 tas-27 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd (ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1).

### Partita 11 01 04 02 — Djalogu aktar mill-qrib mal-industrija tas-sajd u dawk affettwati mill-politika komuni tas-sajd — Infiq għal ġestjoni amministrattiva

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 180 000 | 200 000 | 172 656,12 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, parteċipazzjoni ta' partijiet interessati f'laqgħat ad hoc, seminars u konferenzi li għandhom x'jaqsmu ma' temi importanti fir-rigward tal-politika komuni tas-sajd u tal-politika marittima integrata, għal teknoloġija tal-informazzjoni, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-ilħuq tal-għan tal-programm jew għal attivitajiet koperti minn din il-partita, u kull nefqa oħra għal assistenza teknika jew amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta' awtorità pubblika mogħtija 'l barra mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz ad hoc.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Artikolu 11 04 01

### Partita 11 01 04 03 — Appoġġ għall-ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd (ġbir ta' dejta bażika u titjib ta' pariri xjentifiċi) — Infiq għal ġestjoni amministrattiva

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 445 000 | 425 000 | 421 829,69 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, teknoloġija tal-informazzjoni, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-ilħuq tal-għan tal-programm jew miżuri minn din il-partita u kull nefqa għall-assistenza teknika jew amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta' awtorità pubblika mogħtija 'l barra mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Artikoli 11 07 01 u 11 07 02.

## Partita 11 01 04 04 — Ftehim internazzjonali tas-sajd — Infiq għal ġestjoni amministrattiva

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 1 800 000 | 1 700 000 | 1 425 000,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- nefqa għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta' awtorità pubblika mogħtija b'kuntratt mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz ad hoc għall-benefiċċju reċiproku tal-benefiċjarji u l-Kummissjoni,
- nefqa għal missjonijiet ta' delegazzjonijiet minn pajjiżi terzi li jattendu l-laqgħat biex ikunu nnegozjati ftehimiet dwar is-sajd u l-kumitati konġunti,
- nefqa għat-teknoloġija tal-informazzjoni, li tkopri kemm it-tagħmir kif ukoll is-servizzi,
- nefqa għall-persunal estern (persunal kuntrattwali, persunal lokali jew esperti nazzjonali sekondati) li jagħmlu parti minn delegazzjonijiet tal-Unjoni f'pajjiżi terzi, kif ukoll l-ispejjeż ta' loġistika addizzjonali u tal-infrastruttura, bħall-ispejjeż tat-taħriġ, il-laqgħat, il-missjonijiet, l-IT u t-telekomunikazzjonijiet u tal-kiri kkawżati direttament mill-preżenza fid-delegazzjoni ta' persunal estern remunerat mill-approprjazzjonijiet ta' din il-partita,
- nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni, u pubblikazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu direttament mat-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' ftehimiet internazzjonali dwar is-sajd.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Artikolu 11 03 01

## Partita 11 01 04 05 — Kontribuzzjonijiet għal organizzazzjonijiet internazzjonali — Infiq għal ġestjoni amministrattiva

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 450 000 | 400 000 | 360 000,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-ilħuq tal-għan tal-programm jew mal-attivitajiet koperti minn din il-partita u kwalunkwe nfiq għall-assistenza teknika jew amministrattiva oħra li ma tinvolvix ħidmiet ta' awtorità pubblika mogħtija 'il barra mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Artikoli 11 03 02, 11 03 03 u 11 03 04.

## Partita 11 01 04 06 — Spezzjoni u sorveljanza ta’ attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-UE jew band’oħra — Nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | — | 0,— |

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għall-persunal estern fil-kwartieri (persunal kuntrattwali, esperti nazzjonali sekondati jew persunal tal-aġenzija) fil-kuntest tal-kontroll u tas-sorveljanza tal-attivitajiet tas-sajd.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Artikolu 11 08 02.

## Partita 11 01 04 07 — Programm biex jiġi appoġġjat l-iżvilupp ulterjuri ta' Politika Marittima Integrata (IMP) — Ġestjoni amministrattiva u tan-nefqa

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 200 000 | 100 000 | |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għal studji, miżuri ta' evalwazzjoni, laqgħat tal-esperti, teknoloġija tal-informazzjoni li tinkludi għodod tal-informatika, sistemi u netwerks li huma meħtieġa għal implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tal-Programm u l-ksib tal-għanijijiet tiegħu u kwalunkwe nefqa oħra għall-assistenza teknika jew amministrattiva kif meħtieġ mill-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-Programm.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Artikolu 11 09 05.

## Partita 11 01 04 08 — Fond Agrikolu Ewropew ta’ Garanzija (FAEG) - Assistenza teknika mhux operattiva

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 725 000 | 500 000 | |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri t-tħejjija, l-monitoraġġ, l-appoġġ amministrattiv u tekniku, l-evalwazzjoni, u l-miżuri tal-awditu u tal-ispezzjoni meħtieġa sabiex tiġi implimentata politika agrikola komuni, b'mod partikolari fir-rigward tal-prodotti tas-sajd, skont l-Artikolu 5 (a) sa (d) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Artikolu 11 02 01.

## KAPITOLU 11 02 — SWIEQ TAS-SAJD

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 11 02 | SWIEQ TAS-SAJD | | | | | | | | |
| ***11 02 01*** | ***Intervent fil-prodotti tas-sajd*** | | | | | | | | |
| 11 02 01 01 | Interventi fil-prodotti tas-sajd — Miżuri ġodda | 2 | 11 500 000 | 11 500 000 | 15 000 000 | 14 412 834 | 14 961 004,69 | 17 160 348,22 | 149,22 % |
| 11 02 01 03 | Azzjoni ta' tħejjija: Ċentru ta' monitoraġġ tal-prezzijiet tas-suq tas-sajd | 2 | — | 550 000 | — | 1 734 000 | 0,— | 323 000,00 | 58,73 % |
| | *Artikolu 11 02 01 — Sub-total* | | 11 500 000 | 12 050 000 | 15 000 000 | 16 146 834 | 14 961 004,69 | 17 483 348,22 | 145,09 % |
| ***11 02 03*** | ***Programm tas-sajd għar-reġjuni l-aktar imbiegħda*** | | | | | | | | |
| 11 02 03 01 | Programm tas-sajd għar-reġjuni l-aktar imbiegħda - Miżuri ġodda | 2 | 14 996 768 | 15 000 000 | 14 996 768 | 14 223 191 | 14 996 768,00 | 16 875 303,51 | 112,50 % |
| | *Artikolu 11 02 03 — Sub-total* | | 14 996 768 | 15 000 000 | 14 996 768 | 14 223 191 | 14 996 768,00 | 16 875 303,51 | 112,50 % |
| | **Kapitolu 11 02 — Total** | | **26 496 768** | **27 050 000** | **29 996 768** | **30 370 025** | **29 957 772,69** | **34 358 651,73** | **127,02 %** |

*Kummenti*

Kull dħul magħmul skont l-Artikolu 6 7 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul jista' jippermetti l-għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali fi kwalunkwe linja f'dan il-kapitolu, skont l-Artikoli 18 u 154 tar-Regolament Finanzjarju.

### *Artikolu 11 02 01 — Intervent fil-prodotti tas-sajd*

#### Partita 11 02 01 01 — Interventi fil-prodotti tas-sajd — Miżuri ġodda

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 11 500 000 | 11 500 000 | 15 000 000 | 14 412 834 | 14 961 004,69 | 17 160 348,22 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-prodotti tas-sajd u, b'mod partikolari, fuq mekkaniżmi ta' intervent, fuq il-konċessjoni għal organizzazzjonijiet tal-produtturi u fuq is-sistemi għall-komunikazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni.

Din hija maħsuba wkoll biex tkopri nfiq għal evalwazzjonijiet magħmula skont l-Artikolu 41 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti tas-sajd u tal-akwakultura (ĠU L 17, 21.1.2000, p. 22).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2007 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1).

### Partita 11 02 01 03 — Azzjoni ta’ tħejjija: Ċentru ta’ monitoraġġ tal-prezzijiet tas-suq tas-sajd

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | 550 000 | — | 1 734 000 | 0,— | 323 000,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkun iffinanzjata l-introduzzjoni ta’ sistema ta’ monitoraġġ u jkun hemm osservazzjoni tal-formazzjoni tal-prezz u l-proċess ta’ evalwazzjoni għall-prodotti tas-sajd u tal-akwakultura.

Iċ-ċentru ta’ monitoraġġ jopera flimkien u b’mod kumplimentari mas-sistema ta’ monitoraġġ tal-prezzijiet tal-prodotti tal-ikel li qed tiġi żviluppata mill-Unjoni, li tiżgura li s-suq kbir għall-prodotti tas-sajd tal-Unjoni ma jitħallewx barra mis-sistema ġenerali ta’ monitoraġġ tal-prezzijiet.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta’ tħejjija fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitàjiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 11 02 03 — Programm tas-sajd għar-reġjuni l-aktar imbiegħda*

### Partita 11 02 03 01 — Programm tas-sajd għar-reġjuni l-aktar imbiegħda - Miżuri ġodda

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 14 996 768 | 15 000 000 | 14 996 768 | 14 223 191 | 14 996 768,00 | 16 875 303,51 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa marbuta mal-iskema biex tikkumpensal-ispejjeż addizzjonali li ntefqu fil-kummerċjalizzazzjoni ta’ ċerti prodotti tas-sajd mill-Ażores, mill-Madeira, mill-gżejjer Kanarji u d-dipartimenti Franċiżi ta’ Guiana u ta’ Réunion, minħabba li huma reġjuni mbiegħda.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003 tat-22 ta’ Diċembru 2003 li jintroduċi skema li tikkumpensal-ispejjeż addizzjonali li ntefqu fil-kummerċjalizzazzjoni ta’ ċerti prodotti tas-sajd mill-Ażores, mill-Madeira, mill-gżejjer Kanarji u d-dipartimenti Franċiżi ta’ Guiana u ta’ Réunion, minħabba li huma reġjuni mbiegħda (ĠU L 345, 31.12.2003, p. 34).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta’ Ġunju 2007 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 791/2007 tal- 21 ta’ Mejju 2007 li jintroduċi skema bħala kumpens għall-ispejjeż addizzjonali magħmula fil-kummerċjalizzazzjoni ta’ ċerti prodotti tas-sajd mir-reġjuni l-aktar imbiegħda l-Azores, il-Madeira, il-Gżejjer Kanari, il-Guiana Franċiża u r-Réunion (ĠU L 176, 6.7.2007, p. 1).

## Kapitolu 11 03 — Sajd internazzjonali u d-Dritt Marittimu

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 11 03 | Sajd internazzjonali u d-Dritt Marittimu | | | | | | | | |
| *11 03 01* | ***Ftehimiet internazzjonali tas-sajd*** | 2 | 29 010 000 | 29 010 000 | 25 500 000 | 26 200 000 | 147 571 248,95 | 155 655 108,95 | 536,56 % |
| | 40 02 41 | | 115 220 000<br>144 230 000 | 115 220 000<br>144 230 000 | 119 200 000<br>144 700 000 | 120 800 000<br>147 000 000 | | | |
| *11 03 02* | ***Kontributi għall-organizzazzjonijiet internazzjonali*** | 2 | 4 800 000 | 4 500 000 | 4 400 000 | 4 172 136 | 3 250 561,08 | 3 174 091,55 | 70,54 % |
| *11 03 03* | ***Xogħol ta' tħejjija għal organizzazzjonijiet internazzjonali ġodda tas-sajd u kontribuzzjonijiet oħra mhux obbligatorji għall-organizzazzjonijiet internazzjonali*** | 2 | 4 500 000 | 4 000 000 | 5 500 000 | 5 215 170 | 1 919 811,20 | 3 812 928,79 | 95,32 % |
| *11 03 04* | ***Kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni Ewropea lill-korpi mwaqqfa min-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar, 1982*** | 2 | 200 000 | 200 000 | 200 000 | 189 643 | 238 018,18 | 238 018,18 | 119,01 % |
| | **Kapitolu 11 03 — Total** | | **38 510 000** | **37 710 000** | **35 600 000** | **35 776 949** | **152 979 639,41** | **162 880 147,47** | **431,93 %** |
| | **40 02 41**<br>**Total + riżerva** | | **115 220 000**<br>**153 730 000** | **115 220 000**<br>**152 930 000** | **119 200 000**<br>**154 800 000** | **120 800 000**<br>**156 576 949** | | | |

## *Artikolu 11 03 01 — Ftehimiet internazzjonali tas-sajd*

*Figuri*

| | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 11 03 01 | 29 010 000 | 29 010 000 | 25 500 000 | 26 200 000 | 147 571 248,95 | 155 655 108,95 |
| 40 02 41 | 115 220 000 | 115 220 000 | 119 200 000 | 120 800 000 | | |
| Total | 144 230 000 | 144 230 000 | 144 700 000 | 147 000 000 | 147 571 248,95 | 155 655 108,95 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-neqfa ġejja mill-ftehimiet dwar is-sajd li l-Unjoni/l-Komunità nnegozjat jew bi ħsiebha ġġedded jew terġa' tinnegozja ma' pajjiżi terzi.

Barra minn hekk, l-Unjoni tista' tinnegozja ftehimiet ta' sħubija ġodda fil-qasam tas-Sajd li jkun jeħtieġ li jiġu ffinanzjati minn din il-linja tal-baġit.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006 tat-22 ta' Mejju 2006 li jistabbilixxi miżuri finanzjarji Komunitàrji għall-implimentazzjoni tal-politika komuni tas-sajd u fil-qasam tal-Liġi tal-Baħar (ĠU L 160, 14.6.2006, p. 1).

Ir-Regolamenti u d-Deċiżjonijiet dwar il-konkużjoni ta' ftehimiet u/jew protokolli adottati fir-rigward ta' sajd bejn l-Unjoni/il-Komunità u l-gvernijiet tal-pajjiżi li ġejjin:

| Pajjiż | Ir-Regolament | Data | ĠU | Tul ta' żmien |
|---|---|---|---|---|
| L-Arġentina (p.m.) | Ir-Regolament (KE) 3447/93 | 28 ta' Settembru 1993 | L 318, 20.12.1993 | 24.5.1994 sa 23.5.1999 |
| | Attwalment ebda protokoll ma hu fis-seħħ | | | |
| Il-Kap Verde | Ir-Regolament (KE) Nru 2027/2006 | 19 ta' Diċembru 2006 | L 414, 30.12.2006 | 1.9.2006 sa 31.8.2011 |
| | Id-Deċiżjoni 2011/405/UE | 9 ta' Ġunju 2011 | L 181, 9.7.2011 | 1.9.2011 sa 31.8.2014 |
| | Id-Deċiżjoni 2011/679/UE | 10 ta' Ottubru 2011 | L 269, 14.10.2011 | |
| Il-Komoros | Ir-Regolament (KE) Nru 1660/2005 | 6 ta' Ottubru 2005 | L 267, 12.10.2005 | 1.1.2005 sa 31.12.2010 |
| | Ir-Regolament (KE) Nru 1563/2006 | 5 ta' Ottubru 2006 | L 290, 20.10.2006 | |
| | Id-Deċiżjoni 2011/294/UE | 13 ta' Mejju 2011 | L 134, 21.5.2011 | 01.1.2011 sa 31.12.2013 |
| Il-Côte d'Ivoire | Ir-Regolament (KE) Nru 953/2005 | 21 ta' Ġunju 2005 | L 164, 24.6.2005 | 1.7.2004 sa 30.6.2007 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Id-Deċiżjoni 2008/151/KE | 12 ta' Frar 2008 | L 48, 22.2.2008 | 1.7.2007 sa 30.6.2013 |
| | Ir-Regolament (KE) Nru 242/2008 | 17 ta' Marzu 2008 | L 75, 18.3.2008 | 1.7.2007 sa 30.6.2013 |
| Il-Gabon | Id-Deċiżjoni 2006/788/KE | 7 ta' Novembru 2006 | L 319, 18.11.2006 | |
| | Ir-Regolament (KE) Nru 450/2007 | 16 ta' April 2007 | L 109, 26.4.2007 | 3.12.2005 sa 2.12.2011 |
| | In-negozjati dwar it-tiġdid tal-protokoll għadhom għddejjin | | | |
| Il-Groenlandja | Ir-Regolament (KE) 753/2007 | 28 ta' Ġunju 2007 | L 172, 30.6.2007 | 1.1.2007 sa 31.12.2012 |
| | Protokoll ġdid mibdi fit-3 ta' Frar 2012 - proċedura leġislattiva għadha għaddejja | | | |
| Il-Ginea Bissaw | Ir-Regolament (KE) Nru 1491/2006 | 10 ta' Ottubru 2006 | L 279, 11.10.2006 | |
| | Ir-Regolament (KE) Nru 241/2008 | 17 ta' Marzu 2008 | L 75, 18.3.2008 | 16.6.2007 sa 15.6.2011 |
| | Id-Deċiżjoni 2011/885/EU | 14 ta' Novembru 2011 | L 344, 28.12.2011 | 16.6.2011 sa 15.6.2012 |
| | Protokoll ġdid mibdi fl-10 ta' Frar 2012 - proċedura leġislattiva għadha għaddejja | | | |
| Il-Ginea Ekwatorjali (p.m.) | Ir-Regolament (KEE) Nru 1966/84 | 28 ta' Ġunju 1984 | L 188, 16.7.1984 | |
| | (sospiż minn Ġunju 2001) | | | |
| Il-Ginea | Ir-Regolament (KE) Nru 830/2004 | 26 ta' April 2004 | L 127, 29.4.2004 | 1.1.2004 sa 31.12.2008 |
| | Deċiżjoni 2009/473/KE | 28 ta' Mejju 2009 | L 156, 19.6.2009 | 1.1.2009 sa 31.12.2012 |
| | revokat bid-Deċiżjoni 2009/1016/UE | 22 ta' Diċembru 2009 | L 348, 29.12.2009 | |
| | Ebda protokoll ma hu fis-seħħ | | | |
| Il-Kiribati | Ir-Regolament (KE) Nru 893/2007 | 23 ta' Lulju 2007 | L 205, 7.8.2007 | 16.9.2006 sa 15.9.2012 |
| | Protokoll ġdid mibdi fit-3 ta' Ġunju 2012 - proċedura leġislattiva għadha għaddejja | | | |
| Il-Madagaskar | Id-Deċiżjoni 2007/797/KE | 15 ta' Novembru 2007 | L 331, 17.12.2007 | |
| | Ir-Regolament (KE) Nru 31/2008 | 15 ta' Novembru 2007 | L 15, 18.1.2008 | 1.1.2007 sa 31.12.2012 |
| | Protokoll ġdid mibdi fl-10 ta' Mejju 2012 - proċedura leġislattiva għadha għaddejja | | | |
| Il-Mawrizju | Ir-Regolament (KE) Nru 2003/2004 | 21 ta' Ottubru 2004 | L 348, 24.11.2004 | 3.12.2003 sa 2.12.2007 |
| | Protokoll ġdid mibdi fit-23 ta' Frar 2012 - proċedura leġislattiva għadha għaddejja | | | |
| Il-Mawritanja | Ir-Regolament (KE) Nru 1801/2006 | 30 ta' November 2006 | L 343, 8.12.2006 | 1.8.2006 sa 31.7.2008 |
| | Ir-Regolament (KE) Nru 704/2008 | 15 ta' Lulju 2008 | L 203, 31.7.2008 | 1.8.2008 sa 31.7.2012 |
| | Protokoll ġdid mibdi fit-26 ta' Lulju 2012 - proċedura leġislattiva għadha għaddejja | | | |
| Il-Mikroneżja | Ir-Regolament (KE) Nru 8005/2006 | 25 ta' April 2006 | L 151, 6.6.2006 | 26.2.2007 sa 25.2.2010 |
| | Id-Deċiżjoni 2011/116/UE | 13 ta' Diċembru 2010 | L 52, 25.2.2011 | |
| | Stennija għad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll il-ġdid | | | |
| Il-Marokk | Ir-Regolament (KE) Nru 764/2006 | 22 ta' Mejju 2006 | L 141, 29.5.2006 | 28.2.2007 sa 27.2.2011 [4] |
| | Id-Deċiżjoni 2011/491/UE | 12 ta' Lulju 2011 | L 202, 5.8.2011 | 28.2.2011 sa 28.2.2012 |
| | Imħassra bid-Deċiżjoni 2012/15/UE | 20 ta' Diċembru 2011 | L 6, 24.6.2005 | |
| | Attwalment ebda protokoll ma hu fis-seħħ | | | |
| Il-Możambik | Ir-Regolament (KE) Nru 1446/2007 | 22 ta' Novembru 2007 | L 331, 17.12.2007 | 1.1.2007 sa 31.12.2011 |
| | Id-Deċiżjoni 2012/91/UE | 23 ta' Jannar 2012 | L 46, 17.2.2012 | 1.2.2012 sa 31.1.2015 |
| Sao Tomé u Príncipe | Ir-Regolament (KE) Nru 894/2007 | 23 ta' Lulju 2007 | L 205, 7.8.2007 u L 330, 15.12.2007 | 1.6.2006 sa 31.5.2010 |
| | Id-Deċiżjoni 2011/296/UE | 24 ta' Frar 2011 | L 136, 24.2.2011 | 13.5.2011 sa 12.5.2014 |
| | Id-Deċiżjoni 2011/420/UE | 12 ta' Lulju 2011 | L 188, 19.7.2011 | |
| Is-Senegal (p.m.) | Ir-Regolament (KE) Nru 2323/2002 | 16 ta' Diċembru 2002 | L 349, 24.12.2002 | 1.7.2002 sa 30.6.2006 |
| | Attwalment ebda protokoll ma hu fis-seħħ | | | |
| Is-Seychelles | Ir-Regolament (KE) Nru 1562/2006 | 5 ta' Ottubru 2006 | L 290, 20.10.2006 | |
| | Id-Deċiżjoni l 2010/814/UE | 2o ta' Diċembru 2010 | L 345, 30.12.2010 | 18.1.2011 sa 17.1.2014 |
| | Id-Deċiżjoni 2011/474/EU | 12 ta' Lulju 2011 | L 196, 28.7.2011 | |
| Il-Gżejjer Solomon | Ir-Regolament (KE) Nru 563/2006 | 13 ta' Marzu 2006 | L 105, 13.4.2006 | 9.10.2006 sa 8.10.2009 |
| | Id-Deċiżjoni 2010/397/UE | 3 ta' Ġunju 2010 | L 190, 22.7.2010 | 9.10.2009 sa 8.10.2012 |
| | Id-Deċiżjoni 2010/763/UE | 6 ta' Diċembru 2010 | L 324, 9.12.2010 | |

4 Fil-bidu l-Protokoll relatat mal-Ftehim mal-Marokk kien previst għall-perjodu bejn l-1 ta' Marzu 2006 u t-28 ta' Frar 2010. Kaġun ta' dewmien fil-proċess ta' ratifikazzjoni, daħal fis-seħħ fis-27 ta' Frar 2007 u kien validu għal erba' snin minn dik id-data.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| It-Tanzanija (p.m.) | Tneħħa l-ftehim propost | | | |

## *Artikolu 11 03 02 — Kontributi għall-organizzazzjonijiet internazzjonali*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 4 800 000 | 4 500 000 | 4 400 000 | 4 172 136 | 3 250 561,08 | 3 174 091,55 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tiffinanzja l-parteċipazzjoni attiva tal-Unjoni f’organizzazzjonijiet internazzjonali tas-sajd responsabbli għall-konservazzjoni fit-tul u l-isfruttament sostenibbli ta’ riżorsi tas-sajd tal-baħar:

— CCAMLR (Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 81/691/KEE tal-4 ta’ Settembru 1981 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni għall-konservazzjoni tar-riżorsi marittimi ħajjin tal-Antartika (ĠU L 252, 5.9.1981, p. 26)),

— NASCO (L-Organizzazzjoni għall-Konservazzjoni tas-Salamun tal-Atlantiku tat-Tramuntana) (Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 82/886/KEE tat-13 Diċembru 1982 li tirrigwarda l-konklużjoni tal-Konvenzjoni għall-Konservazzjoni tas-Salamun fl-Oċean Atlantiku tat-Tramuntana (ĠU L 378, 31.12.1982, p. 24)),

— ICCAT (Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/238/KEE tad-9 ta’ Ġunju 1986 dwar l-Adeżjoni tal-Komunità fil-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku, kif emendata bil-Protokoll mehmuż mal-Att Finali tal-Konferenza tal-Plenipotenzjari tal-Istati li jiffformaw Parti mill-Konvenzjoni ffirmata f’Pariġi fl-10 ta’ Lulju 1984 (ĠU L 162, 18.6.1986, p. 33)),

— NEAFC (Il-Kummissjoni għas-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal) (Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 81/608/KEE tat-13 ta’ Lulju 1981 li tirrigwarda l-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Koperazzjoni Multilaterali fil-Ġejjieni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal (ĠU L 227, 12.8.1981, p. 21)),

— FAO (Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25.11.1991 dwar l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Ikel u l-Agrikoltura) u l-korpi tal-*FAO*, il-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant (*CECAF*) u l-Kummissjoni tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Punent (*WECAFC*),

— NAFO (L-Organizzazzjoni għas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral) (Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3179/78 tat-28 ta’ Diċembru 1978 li jirrigwarda l-konklużjoni mill-Komunità Ekonomika Ewropea tal-Konvenzjoni dwar il-Koperazzjoni Multilaterali Futura dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (ĠU L 378, 30.12.1978, p. 1)),

— IOTC (Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/399/KE tat-18 ta’ Settembru 1995 dwar l-adeżjoni tal-Komunità mal-Ftehim għall-ħolqien tal-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean Indjan (ĠU L 236, 5.10.1995, p. 24)),

— GFCM (Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/416/KE tas-16 ta’ Ġunju 1998 dwar l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea fil-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran (ĠU L 190, 4.7.1998, p. 34)),

— SEAFO (L-Organizzazzjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tax-Xlokk (Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/738/KE tat-22 ta’ Lulju 2002 dwar il-konklużjoni mill-Komunità Ewropea dwar il-Konvenzjoni tal-Ħarsien u l-Amministrazzjoni ta’ Riżorsi tas-Sajd fix-Xlokk tal-Oċean Atlantiku (ĠU L 234, 31.8.2002 p. 39)),

— SWAFO (Il-Ftehim Multilaterali għall-Konservazzjoni tal-fawna u l-flora marina fl-ibħra tal-l-Atlantiku tal-Lbiċ, mandat tan-negozjati Nru 13428/97),

— SIOFA (Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/780/KE tad-29 ta’ Settembru 2008 dwar il-konklużjoni, f’isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan (ĠU L 268, 9.10.2008, p. 27)),

— WCPFC (Il-Kummissjoni tas-Sajd tal-Paċifiku tal-Punent u Ċentrali, ex-MHLC), (Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/75/KE tas-26 ta’ April 2004 dwar l-adeżjoni tal-Komunità mal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Immaniġġar ta’ Stokkijiet ta’ Ħut Migratorju fl-Oċean Paċifiku Ċentrali u tal-Punent (ĠU L 32, 4.2.2005, p. 1)),

— AIDCP, (Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/938/KE tat- 8 ta’ Diċembru 2005 dwar l-approvazzjoni f’isem il-Komunità Ewropea tal-Ftehim dwar il-Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Delfini (ĠU L 348, 30.12.2005, p. 26)),

— IATTC, (Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta’ Mejju 2006 dwar il-konklużjoni, f’isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni għat-Tisħiħ tal-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali stabbilita mill-Konvenzjoni tal-1949 bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u r-Repubblika tal-Kosta Rika (ĠU L 224, 16.8.2006, p. 22)),

— arranġament għall-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-istokkijiet tal-pixxispad fil-Paċifiku tax-xlokk, mandat għan-negozjati għaddej,

— L-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Immaniġġar tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku, mandat tan-negozjat għaddej,

— Il-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering.

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri, fost l-oħrajn:

— In-nefqa ġejja mill-kontributi obbligatorji tal-Unjoni għall-baġits tal-organizzazzjonijiet internazzjonali tas-sajd,

— L-adeżjoni tal-Unjoni u l-finanzjament volontarju tal- FAO, is-sezzjoni tas-sajd.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006 tat- 22 ta' Mejju 2006 li jistabbilixxi miżuri finanzjarji Komunitàrji għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd u fil-qasam tal-Liġi tal-Baħar (ĠU L 294M, 25.10.2006, p. 201).

### *Artikolu 11 03 03 — Xogħol ta' tħejjija għal organizzazzjonijiet internazzjonali ġodda tas-sajd u kontribuzzjonijiet oħra mhux obbligatorji għall-organizzazzjonijiet internazzjonali*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 4 500 000 | 4 000 000 | 5 500 000 | 5 215 170 | 1 919 811,20 | 3 812 928,79 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba għall-finanzjament ta':

— xogħol ta' tħejjija fuq organizzazzjonijiet internazzjonali ġodda fil-qasam tas-sajd (Ftehim għas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan, Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku, eċċ.),

— organizzazzjonijiet internazzjonali tas-sajd fejn l-Unjoni għandha status ta' osservatur (Artikolu 217 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea):

  — il-Kummissjoni Internazzjonali dwar il-kaċċa għal Balieni (IWC),

  — l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD).

— appoġġ għas-segwitu u l-implimentazzjoni ta' ċerti proġetti reġjonali, b'mod partikolari bil-kontribuzzjoni għall-kontroll internazzjonali konġunt speċifiku u attivitajiet ta' spezzjoni. Din l-approprjazzjoni għandha tkopri wkoll programmi ta' sorveljanza li għandhom ikunu nnegozjati fil-Punent tal-Afrika u l-Punent tal-Paċifiku.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri, fost l-oħrajn:

— drittijiet għar-reġistrazzjoni ta' laqgħat ta' organizzazzjonijiet tas-sajd internazzjonali fejn l-Unjoni għandha status ta' osservatur,

— kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-preparazzjonijiet għall-organizzazzjonijiet internazzjonali ġodda li huma ta' interess għall-Unjoni,

— kontribuzzjonijiet finanzjarji għal xogħol xjentifiku magħmul minn organizzazzjonijiet internazzjonali tas-sajd li huwa ta' interess speċjali għall-Unjoni,

— kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-attivitajiet (laqgħat tal-partijiet kontraenti, informali jew straordinarji) li jappoġġaw l-interessi tal-Unjoni f'organizzazzjonijiet fis-sajd internazzjonali u tisħiħ tal-kooperazzjoni mas-sħab tagħhom f'dawn l-organizzazzjonijiet li magħhom għandha relazzjonijiet fis-settur tas-sajd. F'dan ir-rigward, l-ispejjeż ta' parteċipazzjoni minn rappreżentanti ta' pajjiżi terzi f'negozjati u laqgħat f'fora u organizzazzjonijiet internazzjonali, meta l-preżenza tagħhom issir meħtieġa għall-interessi tal-Unjoni, jistgħu jitħallsu wkoll minn dan l-Artikolu;

— għotjiet lil korpi reġjonali li fihom l-istati tax-xtajta huma involuti fis-sottoreġjun ikkonċernat.

Fost l-oħrajn, dan jirrigwarda l-organizzazzjonijiet li ġejjin:

— CCAMLR (Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 81/691/KEE tal-4 ta' Settembru 1981 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni għall-konservazzjoni tar-riżorsi marittimi ħajjin tal-Antartika (ĠU L 252, 5.9.1981, p. 26)),

— NASCO (L-Organizzazzjoni għall-Konservazzjoni tas-Salamun tal-Atlantiku tat-Tramuntana) (Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 82/886/KEE tat-13 Diċembru 1982 li tirrigwarda l-konklużjoni tal-Konvenzjoni għall-Konservazzjoni tas-Salamun fl-Oċean Atlantiku tat-Tramuntana [it-Tramuntana tal-Atlantiku] (ĠU L 378, 31.12.1982, p. 24)),

— ICCAT (Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/238/KEE tad-9 ta' Ġunju 1986 dwar l-Adeżjoni tal-Komunità fil-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku, kif emendata bil-Protokoll mehmuż mal-Att Finali tal-Konferenza tal-Plenipotenzjari tal-Istati li jifformaw Parti mill-Konvenzjoni ffirmata f'Pariġi fl-10 ta' Lulju 1984(ĠU L 162, 18.6.1986, p. 33)),

— *NEAFC* (Il-Kummissjoni għas-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal) (Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 81/608/KEE tat-13 ta' Lulju 1981 li tirrigwarda l-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Koperazzjoni Multilaterali fil-Ġejjieni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal [il-Grigal tal-Atlantiku](ĠU L 227, 12.8.1981, p. 21)),

— FAO (Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25.11.1991 dwar l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Ikel u l-Agrikoltura),

— NAFO (L-Organizzazzjoni għas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral) (Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3179/78 tat-28 ta' Diċembru 1978 li jirrigwarda l-konklużjoni mill-Komunità Ekonomika Ewropea tal-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali Futura dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral [il-Majjistral tal-Atlantiku](ĠU L 378, 30.12.1978, p. 1)),

— IOTC (Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/399/KE tat-18 ta' Settembru 1995 dwar l-adeżjoni tal-Komunità mal-Ftehim għall-ħolqien tal-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean Indjan (ĠU L 236, 5.10.1995, p. 24)),

— GFCM (Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/416/KE tas-16 ta' Ġunju 1998 dwar l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea fil-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran (ĠU L 190, 4.7.1998, p. 34)),

— il-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant (CECAF),

— il-Kummissjoni tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Punent (WECAFC),

— SEAFO (South East Atlantic Fisheries Organisation) (Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/738/KE of 22 ta' Lulju 2002 dwar il-konklużjoni mill-Komunità Ewropea dwar il-Konvenzjoni tal-Ħarsien u l-Amministrazzjoni ta' Riżorsi tas-Sajd fix-Xlokk tal-Oċean Atlantiku (ĠU L 234, 31.8.2002 p. 39)),

— SWAFO (Il-Ftehim Multilaterali għall-Konservazzjoni tal-fawna u l-flora marina fl-ibħra tal-Lbiċ tal-Atlantiku, mandat tan-negozjati Nru 13428/97),

— SIOFA (Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/780/KE tad-29 ta' Settembru 2008 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan (ĠU L 268, 9.10.2008, p. 27)),

— WCPFC (Il-Kummissjoni tas-Sajd tal-Paċifiku tal-Punent u Ċentrali, ex-MHLC), Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/75/KE tas-26 ta' April 2004 dwar l-adeżjoni tal-Komunità mal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Immaniġġar ta' Stokkijiet ta' Ħut Migratorju fl-Oċean Paċifiku Ċentrali u tal-Punent.

— AIDCP (Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/938/KE tat- 8 ta' Diċembru 2005 dwar l-approvazzjoni f'isem il-Komunità Ewropea tal-Ftehim dwar il-Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Dniefel ( ĠU L 348, 30.12.2005, p. 26)),

— Organizzazzjoni Reġjonali għas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku: sakemm isseħħ ir-ratifika, il-mandat tan-negozjati jibqa' effettiv,

— IATTC (Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/539/KE tat- 22 ta' Mejju 2006 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni għat-Tisħiħ tal-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali stabbilita mill-Konvenzjoni tal-1949 bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u r-Repubblika tal-Kosta Rika (ĠU L 224, 16.8.2006, p. 22).

— arranġament għall-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-istokkijiet tal-pixxispad fix-Xlokk tal-Paċifiku, mandat għan-negozjati għaddej,

— Il-Konvenzjoni tal-Baħar ta' Bering,

— *COREP* (Il-Kumitat Reġjonali tas-Sajd għall-Ġolf tal-Ginea),

— *CSRP* (Il-Kummissjoni Subreġjonali tas-Sajd għall-Afrika tal-Punent),

— IOC/COI (Kummissjoni dwar l-Oċean Indjan),

— organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn li jistgħu jiġu identifikati fil-kuntest tal-implimentazzjoni ta' sorveljanza reġjonali, programmi ta' governanza marittimi u tas-sajd, partikolarment fil-Punent tal-Afrika u l-Punent tal-Paċifiku.

*Bażi ġuridika*

Ħidma li tirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni f'livell istituzzjonali, kif stabbilit fl-Artikolu 49(6)(d) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitàjiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 861/2006 tat-22 ta' Mejju 2006 li jistabbilixxi miżuri finanzjarji Komunitàrji għall-implimentazzjoni tal-politika komuni tas-sajd u fil-qasam tal-Liġi tal-Baħar (ĠU L 160, 14.6.2006, p. 1).

## *Artikolu 11 03 04 — Kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni Ewropea lill-korpi mwaqqfa min-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar, 1982*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 200 000 | 200 000 | 200 000 | 189 643 | 238 018,18 | 238 018,18 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri l-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Unjoni Ewropea lill-korpi stabbiliti mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar, b'mod partikolari l-Awtorità Internazzjonali fuq Qiegħ il-Baħar u t-Tribunal Internazzjonali għal-Liġi tal-Baħar.

*Bażi ġuridika*

Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Marzu 1998 li tirrigwarda l-konklużjoni mill-Komunità Ewropea tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-Liġi tal-Baħar u l-Ftehim tat-28 ta' Lulju 1994 li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni tal-Parti XI tiegħu (ĠU L 179, 23.6.1998, p. 1).

Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (ĠU L 179, 23.6.1998, p. 3).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006 tat- 22 ta' Mejju 2006 li jistabbilixxi miżuri finanzjarji Komunitàrji għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd u fil-qasam tal-Liġi tal-Baħar (ĠU L 294M, 25.10.2006, p. 201).

# Kapitolu 11 04 — Governanza tal-Politika Komuni tas-Sajd

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 11 04 | Governanza tal-Politika Komuni tas-Sajd | | | | | | | | |
| ***11 04 01*** | ***Djalogu aktar mill-qrib mal-industrija tas-sajd u ma' dawk affettwati mill-politika komuni tas-sajd*** | 2 | 5 390 000 | 4 877 000 | 6 400 000 | 5 641 866 | 5 965 400,61 | 5 222 818,80 | 107,09 % |
| | **Kapitolu 11 04 — Total** | | **5 390 000** | **4 877 000** | **6 400 000** | **5 641 866** | **5 965 400,61** | **5 222 818,80** | **107,09 %** |

## *Artikolu 11 04 01 — Djalogu aktar mill-qrib mal-industrija tas-sajd u ma' dawk affettwati mill-politika komuni tas-sajd*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 5 390 000 | 4 877 000 | 6 400 000 | 5 641 866 | 5 965 400,61 | 5 222 818,80 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-elementi msemmija hawn taħtli ġej fl-ambitu tal-pjan ta' azzjoni għal djalogu eqreb mal-industrija tas-sajd u ma' dawk affetwati mill-politika komuni tas-sajd u l-politika marittima integrata.

- għotjiet lill-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali (RACs) biex ikopru l-infiq operattiv kif ukoll l-ispejjeż għall-interpretazzjoni u t-traduzzjoni tal-laqgħat tar-RACs;
- l-implimentazzjoni ta' miżuri biex tkun ipprovduta dokumentazzjoni dwar u biex tispjega l-politika komuni tas-sajd immirata għall-industrija tas-sajd u dawk affettwati mill-politika komuni tas-sajd, kif ukoll mill-politika marittima integrata.

Il-Kummissjoni għandha tkompli tagħti l-appoġġ tagħha għall-funzjonament tar-RACs b'kontribuzzjoni finanzjarja u billi tipparteċipa

fil-laqgħat, tipprepara d-dokumenti rilevanti u tassigura li l-opinjonijiet tar-RACs kollha jkunu inklużi fl-abbozzar ta' leġiżlazzjoni ġdida. Jekk il-Kummissjoni ma' tinkludix l-opinjoni tar-RAC jew biss partijiet minnha, il-Kummissjoni għandha tagħti raġuni għal dan u tindika fejn ma taqbilx mal-opinjoni tar-RAC. Għandu jissaħħaħ l-involviment tan-nies li jaħdmu fis-settur tas-sajd u fil-gruppi ta' interess oħra fil-proċess tal-politika komuni tas-sajd, sabiex jitqiesu aktar il-karatteristiċi reġjonali speċifiċi.

Parti mill-approprjazzjoni hija indikata wkoll għal attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni marbuta mal-politika komuni tas-sajd u l-affarijiet marittimi kif ukoll għall-attivitajiet ta' komunikazzjoni indirizzati lill-partijiet interessati. Se jkompli jsir sforz biex il-partijiet interessati u l-mezzi speċjalizzati ta' komunikazzjoni fl-Istati Membri l-ġodda kif ukoll fil-pajjiżi li se jingħaqdu mal-Unjoni Ewropea fit-tkabbir li jmiss, ikunu infurmati dwar il-politika komuni tas-sajd u l-politika marittima integrata.

Kull dħul jista' jwassal għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-politika komuni dwar is-sajd (ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE tad-19 ta' Lulju 2004 li twaqqaf il-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali skont il-politika komuni tas-sajd (ĠU L 256, 3.8.2004, p. 17).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006 tat- 22 ta' Mejju 2006 li jistabbilixxi miżuri finanzjarji Komunitàrji għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd u fil-qasam tal-Liġi tal-Baħar (ĠU L 294M, 25.10.2006, p. 201).

Ħidma li tirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni f'livell istituzzjonali, kif stabbilit fl-Artikolu 49(6)(d) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitàjiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## KAPITOLU 11 06 — FOND EWROPEW GĦAS-SAJD (FES)

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 11 06 | Fond Ewropew għas-Sajd (FES) | | | | | | | | |
| ***11 06 01*** | ***Tlestija tal-Istrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd (FIFG) - Oġġettiv 1 (2000-2006)*** | 2 | p.m. | 15 000 000 | p.m. | 21 334 787 | 0,— | 323 976,81 | 2,16 % |
| ***11 06 02*** | ***Tlestija tal-programm speċjali għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni fl-Irlanda ta' Fuq u l-kontej tal-fruntiera tal-Irlanda (2000-2006)*** | 2 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 172 858,60 | |
| ***11 06 03*** | ***Tlestija ta' programmi preċedenti — Ex Objettivi 1 u 6 (qabel is-sena 2000)*** | 2 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | |
| ***11 06 04*** | ***Tlestija tal-Istrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd (FIFG) — Barra miż-żoni tal-Objettiv 1 (2000-2006)*** | 2 | p.m. | 5 000 000 | p.m. | 7 111 596 | 0,— | 170 953,65 | 3,42 % |
| ***11 06 05*** | ***Tlestija ta' programmi preċedenti — Ex Objettiv 5a (qabel is-sena 2000)*** | 2 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | |
| ***11 06 06*** | ***Tlestija ta' programmi ta' qabel —Inizjattivi qabel is-sena 2000*** | 2 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | |
| ***11 06 08*** | ***Tlestija ta' programmi preċedenti — Ex assistenza teknika operattiva u miżuri innovattivi (qabel is-sena 2000)*** | 2 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | |
| ***11 06 09*** | ***Miżuri speċifiċi li għandhom l-għan li jippromwovu l-konverżjoni ta' bastimenti u ta' sajjieda li kienu, sal-1999, dipendenti fuq il-ftehim dwar is-sajd mal-Marokk*** | 2 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | |
| ***11 06 11*** | ***Fond Ewropew għas-Sajd (FES) — Assistenza teknika operattiva*** | 2 | 3 500 000 | 2 600 000 | 4 346 082 | 3 413 566 | 3 044 489,59 | 3 507 870,95 | 134,92 % |
| ***11 06 12*** | ***Fond Ewropew għas-Sajd (EFF) — L-għan tal-konverġenza*** | 2 | 519 652 868 | 375 000 000 | 507 543 231 | 341 356 590 | 496 297 184,00 | 320 405 478,47 | 85,44 % |
| ***11 06 13*** | ***Fond Ewropew għas-Sajd (FES) — objettiv mhux ta' konverġenza*** | 2 | 163 154 844 | 125 000 000 | 159 986 289 | 113 785 530 | 156 907 301,00 | 120 503 929,91 | 96,40 % |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Kapitolu 11 06 — Total** | | **686 307 712** | **522 600 000** | **671 875 602** | **487 002 069** | **656 248 974,59** | **445 085 068,39** | **85,17 %** |

*Kummenti*

L-Artikolu 39 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 jipprovdi għall-korrezzjonijiet finanzjarji, kull dħul ġej minnu hu mdaħħal fil-Partita 6 5 0 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul. Dak id-dħul jista' jagħti lok li jkun hemm approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 fir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitàjiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1), f'każijiet speċifiċi meta huma meħtieġa biex ikopru r-riskji ta' tħassir jew tat-tnaqqis fil-korrezzjonijiet deċiżi qabel.

Ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 jiddetermina l-kundizzjonijiet għall-ħlas lura ta' pagament mingħajr ma jkun hemm l-effett tat-tnaqqis tal-kontribuzzjoni mill-Fondi Strutturali għall-għajnuna kkonċernata. Kull dħul mill-ħlas lura ta' pagamenti, imdaħħal fil-Partita 6 1 5 7 tad-dikjrazzjoni tad-dħul, li jagħti lok għall-approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikoli 18 u 157 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002.

Miżuri kontra l-frodi huma finanzjati skont l-Artikolu 24 02 01.

*Bażi ġuridika*

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 174 u 175 u 177 tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jippreskrivi dispożizzjonijiet ġenerali fuq il-Fondi Strutturali (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 tas-27 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd (EFF) (ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1.

*Atti ta' referenza*

Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Berlin tal-24 u 25 ta' Marzu 1999.

## *Artikolu 11 06 01 — Tlestija tal-Istrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd (FIFG) - Oġġettiv 1 (2000-2006)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 15 000 000 | p.m. | 21 334 787 | 0,— | 323 976,81 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri l-iffinanzjar, mill-FIFG, ta' impenji tal-objettiv 1 li għadhom iridu jitħallsu mill-perjodu ta' programmazzjoni 2000 sal-2006.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1263/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 fuq l-Istrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 54).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2792/1999 tas-17 ta' Diċembru 1999 li jistipula regoli u arranġamenti dettaljati dwar l-assistenza strutturali Komunitarja fis-settur tal-ħut (ĠU L 337, 30.12.1999, p. 10).

## *Artikolu 11 06 02 — Tlestija tal-programm speċjali għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni fl-Irlanda ta' Fuq u l-kontej tal-fruntiera tal-Irlanda (2000-2006)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 172 858,60 |

*Kummenti*

Il-programm speċjali għall-Paċi u r-rikonċiljazzjoni huwa maħsub biex ikopri impenji għadhom iridu jitħallsu mill-perjodu ta' programmazzjoni 2000 sal-2006.

*Bażi ġuridika*

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 1), u partikolarment l-Artikolu 2(4) tiegħu.

*Atti ta' referenza*

Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Marzu 1999 f'Berlin, u b'mod partikolari l-paragrafu 44(b) tagħhom.

Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/501/KE tal-1 ta' Lulju 1999 li tistabbilixxi allokazzjoni indikattiva skont l-Istat Membru tal-approprjazzjonijiet ta' impenn għall-Objettiv 1 tal-Fondi Strutturali għall-perjodu 2000 sa 2006 (ĠU L 194, 27.7.1999, p. 49), u partikolarment il-premessa 5 tagħha.

## *Artikolu 11 06 03 — Tlestija ta' programmi preċedenti — Ex Objettivi 1 u 6 (qabel is-sena 2000)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri l-finanzjament, mill- FIFG, ta' impenji li għadhom iridu jitħallsu minn perjodi ta' programmi ta' qabel fir-rigward ta' *ex* Objettivi 1 u 6.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4028/86 tat-18 ta' Diċembru 1986 dwar miżuri Komunitàrji għat-titjib u l-addattament tal-istrutturi fis-settur tas-sajd u tal-akkwakoltura (ĠU L 376, 31.12.1986, p. 7).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2052/88 tal-24 ta' Ġunju 1988 dwar il-kompiti tal-Fondi Strutturali u l-effettività tagħhom u dwar il-koordinazzjoni tal-attivitajiet bejniethom u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew għall-Investiment u l-Istrumenti Finanzjarji eżistenti l-oħra (ĠU L 185, 15.7.1988. p. 9).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4253/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jistipola dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 fir-rigward tal-attivitajiet bejn il-Fondi Strutturali differenti u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew għall-Investiment u l-Istrumenti Finanzjarji eżistenti l-oħra (ĠU L 374 31.12.1988. p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2468/98 tat-3 Novembru 1998 li jistipola l-kriterji u l-kundizzjonijiet dwar l-assistenza strutturali Komunitarja fis-settur tas-sajd u tal-akkwakoltura u l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tiegħu (ĠU L 312, 20.11.1998, p. 19).

## *Artikolu 11 06 04 — Tlestija tal-Istrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd (FIFG) — Barra miż-żoni tal-Objettiv 1 (2000-2006)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 5 000 000 | p.m. | 7 111 596 | 0,— | 170 953,65 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-iffinanzjar, mill-FIFG, ta' impenji li għadhom iridu jitħallsu mill-perjodu ta' programmazzjoni 2000 sal-2006, f'dak li għandu x'jaqsam ma' żoni li jaqgħu barra l-ambitu tal- Objettiv 1.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1263/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 fuq l-Istrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 54).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2792/1999 tas-17 ta' Diċembru 1999 li jistipula regoli u arranġamenti dettaljati dwar l-assistenza strutturali Komunitarja fis-settur tal-ħut (ĠU L 337, 30.12.1999, p. 10).

## *Artikolu 11 06 05 — Tlestija ta' programmi preċedenti — Ex Objettiv 5a (qabel is-sena 2000)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament, mill-FIFG, ta' impenji li għadhom iridu jitħallsu minn perjodi ta' programmi ta' qabel fir-rigward ta' ex Objettiv 5(a) "Sajd", inkluż miżuri ffinanzjati skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru 2080/93.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2052/88 tal-24 ta' Ġunju 1988 dwar il-kompiti tal-Fondi Strutturali u l-effettività tagħhom u dwar il-koordinazzjoni tal-attivitajiet bejniethom u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew għall-Investiment u l-Istrumenti Finanzjarji eżistenti l-oħra (ĠU L 185, 15.7.1988. p. 9).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4253/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jistipola dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 fir-rigward tal-attivitajiet bejn il-Fondi Strutturali differenti u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew għall-Investiment u l-Istrumenti Finanzjarji eżistenti l-oħra (ĠU L 374, 31.12.1988. p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (EC) No 2468/98 tat-3 Novembru 1998 li jistipola l-kriterji u l-kundizzjonijiet dwar l-assistenza strutturali Komunitarja fis-settur tas-sajd u tal-akkwakoltura u l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tiegħu (ĠU L 312, 20.11.1998, p. 19).

## *Artikolu 11 06 06 — Tlestija ta' programmi ta' qabel —Inizjattivi qabel is-sena 2000*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament, mill-FIFG, tal-impenji li għad iridu jitħallsu mill-inizjattivi tal-Komunità qabel il-perjodu ta' programmazzjoni 2000 sal-2006.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2052/88 tal-24 ta' Ġunju 1988 dwar il-kompiti tal-Fondi Strutturali u l-effettività tagħhom u dwar il-koordinazzjoni tal-attivitajiet bejniethom u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew għall-Investiment u l-Istrumenti Finanzjarji eżistenti l-oħra (ĠU L 185, 15.7.1988. p. 9).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4253/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jistipola dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 fir-rigward tal-attivitajiet bejn il-Fondi Strutturali differenti u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew għall-Investiment u l-Istrumenti Finanzjarji eżistenti l-oħra (ĠU L 374, 31.12.1988. p. 1).

*Atti ta' referenza*

L-Avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri l-15 ta' Ġunju 1994 li jistipula linji ta' gwida għal sussidji globali jew programmi tal-

ġestjoni integrati għal liema l-Istati Membri huma mistiedna jippreżentaw applikazzjonijiet għal għajnuna fi ħdan il-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja li tirrigwarda r-ristrutturazzjoni tas-settur tas-sajd (PESCA) (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 1).

Avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tal-15 ta' Ġunju 1994 li jistipula linji ta' gwida għal programmi tal-ġestjoni li l-Istati Membri huma mistiedna jistabbilixxu fil-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja li tirrigwarda r-reġjuni l-aktar remoti(REGIS II) (ĠU C 180, tal-1.7.1994, p. 44).

Avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tal-15 ta' Ġunju 1994 2000 li jistipula linji ta' gwida għal programmi tal-ġestjoni li l-Istati Membri huma mistiedna jistabbilixxu fil-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja li tirrigwarda l-iżvilupp tal-konfini, il-konfini min-naħa għall-oħra u netwerks magħżula tal-enerġija (Interreg II) (ĠU C 180, tal-1.7.1994, p. 60).

Avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tas-16 ta' Mejju 1995 li jistipula linji ta' gwida għal inizjattiva fil-qafas tal-programm ta' sostenn speċjali għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni fl-Irlanda ta' Fuq u l-pajjiżi fil-fruntieri tal-Irlanda (PEACE I) (ĠU C 186, tal-20.7.1995, p. 3).

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta' Novembru 1997 dwar il-programm ta' appoġġ speċjali għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni fl-Irlanda ta' Fuq u l-kontej mal-fruntiera tal-Irlanda (mill-1995 sal-199) (PEACE II) (COM (97) 642 finali).

## *Artikolu 11 06 08 — Tlestija ta' programmi preċedenti — Ex assistenza teknika operattiva u miżuri innovattivi (qabel is-sena 2000)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlas ta' impenji magħmula, f'perjodi ta' programmazzjoni ta' qabel, mill-FIFG fir-rigward ta' miżuri innovativi, ta' tħejjija, monitoraġġ jew valutazzjoni, u kull miżura ta' assistenza teknika prevista fir-Regolamenti kkonċernati. Tiffinanzja wkoll il-miżuri multiannwali ta' qabel, b'mod partikolari dawk approvati u implimentati skont ir-Regolamenti fuq imsemmija, li m'humiex koperti mill-għanijiet prijoritarji tal-Fondi Strutturali. Din l-approprjazzjoni tintuża wkoll jekk meħtieġ biex tkopri l-finanzjament dovut skont l-FIFG għall-miżuri li għalihom l-approprjazzjonijiet għall-impenji korrispondenti m'humiex disponibbli jew provduti fil-programmazzjoni 2000 sal-2006.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2088/85 tat-23 ta' Lulju 1985 dwar il-programmi Mediterranji integrati (ĠU L 197, 27.7.1985, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2052/88 tal-24 ta' Ġunju 1988 dwar il-kompiti tal-Fondi Strutturali u l-effettività tagħhom u dwar il-koordinazzjoni tal-attivitajiet bejniethom u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew għall-Investiment u l-Istrumenti Finanzjarji eżistenti l-oħra (ĠU L 185, 15.7.1988. p. 9).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4253/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jistipola dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 fir-rigward tal-attivitajiet bejn il-Fondi Strutturali differenti u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew għall-Investiment u l-Istrumenti Finanzjarji eżistenti l-oħra (ĠU L 374, 31.12.1988. p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3760/92 tal-20 ta' Diċembru 1992 li jistabbilixxi sistema Komunitarja għas-sajd u l-akkwakoltura (ĠU L 389, 31.12.1992, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-politika tas-sajd komuni (ĠU L 261, 20.10.1993, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1263/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 fuq l-Istrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 54).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2792/1999 tas-17 ta' Diċembru 1999 li jistipula regoli u arranġamenti dettaljati dwar l-assistenza strutturali Komunitarja fis-settur tal-ħut (ĠU L 337, 30.12.1999, p. 10).

## *Artikolu 11 06 09 — Miżuri speċifiċi li għandhom l-għan li jippromwovu l-konverżjoni ta' bastimenti u ta' sajjieda li kienu, sal-1999, dipendenti fuq il-ftehim dwar is-sajd mal-Marokk*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-miżura speċifika immirata biex tħeġġeġ il-konverżjoni tal-bastimenti u tas-sajjieda li sal-1999, kienu jiddependu fuq il-ftehim dwar is-sajd mal-Marokk.

Wara li għereq il-*Prestige*, EUR 30 000 000 kienu allokati għal miżuri speċifiċi għall-kumpens tas-sajjieda u l-industriji tal-frott tal-baħar u tal-akkwakoltura affettwati bit-tniġġis taż-żejt.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2561/2001 tas-17 ta' Diċembru 2001 li jimmira li jippromwovi l-konverżjoni ta' bastimenti tas-sajd li kienu dipendenti fuq il-ftehim tas-sajd mal-Marokk sal-1999 (ĠU L 344, 28.12.2001, p. 17).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2372/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 li jwaqqaf miżuri speċifiċi biex ikunu kumpensati l-prodotti tas-sajd Spanjoli, l-industrija tal-krostaċej u l-akkwakoltura, li ġew affettwati mit-tixrid taż-żejt li kien ikkawżat mill-għarqa tat-tanker *Prestige* (ĠU L 358, 32.12.2002, p. 81).

## *Artikolu 11 06 11 — Fond Ewropew għas-Sajd (FES) — Assistenza teknika operattiva*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 3 500 000 | 2 600 000 | 4 346 082 | 3 413 566 | 3 044 489,59 | 3 507 870,95 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-miżuri ta' assistena teknika ffinanzjati mill-FES previsti fl-Artikolu 46 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006. Il-miżuri ta' assistenza teknika jinkludu studji, valutazzjonijiet, miżuri mmirati lill-imsieħba, miżuri għat-tixrid tal-informazzjoni, installazzjoni, operazzjoni u interkonnessjoni ta' sistemi kompjuterizzati ta' ġestjoni, monitoraġġ, verifika, spezzjoni u valutazzjoni, titjib fil-metodi ta' valutazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-prassi f'dan il-qasam u t-twaqqif ta' netwerks transnazzjonali u tal-Unjoni ta' atturi fl-iżvilupp sostenibbli taż-żoni tas-sajd max-xtajta.

L-assistenza teknika tkopri miżuri ta' tħejjija, kontroll, verifika, valutazzjoni, superviżjoni u ġestjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-FES.

Din l-approprjazzjoni tista', b'mod partikulari, tintuża biex tkopri:

— Nefqa ta' appoġġ (spejjeż ta' rappreżentazzjoni, taħriġ, laqgħat, missjonijiet),

— Nefqa għall-informazzjoni u l-pubblikazzjoni,

— Nefqa għat-teknoloġija tal-informatika u telekomunikazzjonijiet,

— Kuntratti għall-għoti ta' servizzi,

— Appoġġ għan-*networking* u l-iskambju tal-aħjar prattika.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 tas-27 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd (ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1).

## *Artikolu 11 06 12 — Fond Ewropew għas-Sajd (EFF) — L-għan tal-konverġenza*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 519 652 868 | 375 000 000 | 507 543 231 | 341 356 590 | 496 297 184,00 | 320 405 478,47 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-għan tal-konverġenza tal-programmi operattivi tal-Fond Ewropew għas-Sajd (*EFF*) għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007 sal-2013.

Se tingħata attenzjoni partikolari lid-diversifikazzjoni ekonomika tar-reġjuni milquta minn tnaqqis fl-attivitajiet ta' sajd, lill-aġġustament tal-kapaċità tal-flotta u lit-tiġdid tal-flotta, mingħajr ma tkun involuta żieda fl-isforzi ta' sajd, kif ukoll lill-iżvilupp sostenibbli taż-żoni tas-sajd.

Azzjonijiet iffinanzjati skont dan l-Artikolu għandhom iqisu l-bżonn għaż-żamma ta' bilanċ stabbli u li jdum bejn il-kapaċità tal-flotot tas-sajd u r-riżorsi disponibbli, u l-bżonn għall-promozzjoni ta' kultura ta' sigurtà fis-sajd.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri wkoll il-finanzjament ta' azzjonijiet għat-titjib tal-għażla tat-tagħmir tas-sajd.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 tas-27 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd (EFF) (ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1).

## *Artikolu 11 06 13 — Fond Ewropew għas-Sajd (FES) — objettiv mhux ta' konverġenza*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 163 154 844 | 125 000 000 | 159 986 289 | 113 785 530 | 156 907 301,00 | 120 503 929,91 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri miżuri tal-*FES* mingħajr objettivi ta' konverġenza fir-rigward tal-impenji relatati mal-perjodu ta' programmazzjoni 2007 sal-2013.

Se tingħata attenzjoni partikolari lid-diversifikazzjoni ekonomika tar-reġjuni milquta minn tnaqqis fl-attivitajiet ta' sajd u lit-tiġdid tal-flotta, mingħajr ma tkun involuta żieda fl-isforzi ta' sajd, kif ukoll lill-iżvilupp sostenibbli taż-żoni tas-sajd.

Azzjonijiet iffinanzjati skont dan l-Artikolu għandhom iqisu l-ħtieġa biex titkattar kultura ta' sikurezza fis-sajd.

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri wkoll il-finanzjament ta' azzjonijiet għat-titjib fis-selettività tal-irkaptu tas-sajd.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 tas-27 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd (EFF) (ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1).

# Kapitolu 11 07 — Konservazzjoni, ġestjoni u sfruttament tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 11 07 | Konservazzjoni, ġestjoni u sfruttament tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin | | | | | | | | |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *11 07 01* | ***Appoġġ għall-ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd (ġbir ta' dejta bażika)*** | 2 | 46 000 000 | 35 500 000 | 47 500 000 | 38 307 795 | 48 178 319,74 | 34 285 452,85 | 96,58 % |
| *11 07 02* | ***Appoġġ għall-ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd (titjib tal-parir xjentifiku)*** | 2 | 5 200 000 | 4 000 000 | 4 500 000 | 3 318 745 | 4 160 541,00 | 2 351 478,60 | 58,79 % |
| *11 07 03* | ***Proġett pilota — Ghodda ghal governanza komuni u ġestjoni tas-sajd sostenibbli: it-theġġiġ tar-Riċerka Kollaborattiva bejn ix-Xjentisti u l-Partijiet Interessati*** | 2 | — | 750 000 | 1 500 000 | 750 000 | | | |
| | **Kapitolu 11 07 — Total** | | **51 200 000** | **40 250 000** | **53 500 000** | **42 376 540** | **52 338 860,74** | **36 636 931,45** | **91,02 %** |

## *Artikolu 11 07 01 — Appoġġ għall-ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd (ġbir ta' dejta bażika)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 46 000 000 | 35 500 000 | 47 500 000 | 38 307 795 | 48 178 319,74 | 34 285 452,85 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni tkopri:

— il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għan-nefqa mġarrba mill-Istati Membri għall-ġbir, ġestjoni u użu ta' dejta fil-qafas ta' programmi nazzjonali pluriennali [multiannwali],

— il-finanzjament ta' studji u proġetti pilota mwettqa mill-Kummissjoni, fejn jixraq f'koperazzjoni mal-Istati Membri, meħtieġa għall-konservazzjoni, ġestjoni u sfruttament tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin fil-qafas tal-Politika Komuni tas-Sajd.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1543/2000 tad-29 ta' Ġunju 2000 li jistabbilixxi struttura Komunitarja għall-ġbir u l-ġestjoni tad-dejta meħtieġa għat-twettieq tal-politika komuni tas-sajd (ĠU L 176, 15.7.2000, p. 1).

Il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri finanzjarji Komunitàrji għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd u fil-qasam tal-Liġi tal-Baħar (COM(2005) 117 finali).

Ir-Regolament tal-Kunsill(KE) Nru 199/2008 tal-25 ta' Frar 2008 dwar l-istabbiliment ta' qafas Komunitàrju għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' dejta fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd (ĠU L 60, 5.3.2008, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 665/2008 tal-14 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 dwar l-istabbiliment ta' qafas Komunitàrju għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' dejta fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 186, 15.7.2008, p. 3).

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1078/2008 tat- 3 ta' Novembru 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006 rigward in-nefqa mġarrba mill-Istati Membri għall-ġbir u l-ġestjoni tad- dejta bażika dwar is-sajd (ĠU L 295, 4.11.2008, p. 24).

## *Artikolu 11 07 02 — Appoġġ għall-ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd (titjib tal-parir xjentifiku)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 5 200 000 | 4 000 000 | 4 500 000 | 3 318 745 | 4 160 541,00 | 2 351 478,60 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni tkopri:

— In-nefqa għall-kuntratti tas-sħubija ma' istituzzjonijiet nazzjonali ta' riċerka għall-għoti ta' pariri xjentifiċi;

— In-nefqa għall-arranġamenti amministrattivi maċ-Ċentru Konġunt ta’ Riċerka, jew kwalunkwe korp konsultattiv ieħor tal-Unjoni, biex jipprovdi is-segretarjat għall-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF), biex imexxi il-pre-analiżi tad-dejta u biex jħejji d-dejta biex jivvaluta l-qagħda tar-riżorsi tas-sajd;

— Kumpens imħallas lill-membri tal-i*STECF*, u/jew l-esperti mistiedna mill-*STECF* għall-parteċipazzjoni tagħhom u xogħolhom matul il-gruppi ta’ ħidma u s-sessjonijiet plenarji;

— Kumpens imħallas lill-esperti indipendenti li jagħtu pariri xjentifiċi lill-Kummissjoni, jew jipprovdu taħriġ lill-amministraturi jew partijiet interessati fl-interpretazzjoni tal-pariri xjentifiċi;

— kontribuzzjonijiet lil korpi internazzjonali responsabbli mill-valutazzjoni tal-istokkijiet u l-għoti ta’ pariri xjentifiċi.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1543/2000 tad-29 ta’ Ġunju 2000 li jistabbilixxi struttura Komunitarja għall-ġbir u l-ġestjoni tad-dejta meħtieġa għat-twettieq tal-politika komuni tas-sajd (ĠU L 176, 15.7.2000, p. 1).

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta’ Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta’ riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006 tat- 22 ta’ Mejju 2006 li jistabbilixxi miżuri finanzjarji Komunitàrji għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd u fil-qasam tal-Liġi tal-Baħar (ĠU L 294M, 25.10.2006, p. 201).

*Atti ta’ referenza*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/629/KE tas-26 ta’ Awwissu 2005 li tistabbilixxi l-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (ĠU L 225, 31.8.2005, p. 18).

## *Artikolu 11 07 03 — Proġett pilota — Għodda għal governanza komuni u ġestjoni tas-sajd sostenibbli: it-tħeġġiġ tar-Riċerka Kollaborattiva bejn ix-Xjentisti u l-Partijiet Interessati*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| — | 750 000 | 1 500 000 | 750 000 | |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament ta’ proġett pilota biex tiġi żviluppata riċerka kollaborattiva bejn ix-xjentisti u l-partijiet interessati u għodda għal governanza komuni u ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd. Ir-riforma tal-politika komuni tas-sajd ippreżentata f'Lulju 2011 tidentifika għadd ta' prijoritajiet bl-għan li tinkiseb sostenibbiltà ekoloġika, kif ukoll l-orjentament tal-governanza tas-sajd lejn implimentazzjoni reġjonalizzata ta' prinċipji, definiti f'livell tal-Unjoni. Ir-Regolamenti KE Nri 2371/2002 (ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59) u (KE) Nru 1967/2006 (ĠU L 409, 20.12.2006, p. 11) jistabbilixxu l-ħtieġa li jiġu identifikati pjani ta' ġestjoni f'livell nazzjonali u f'dak tal-Unjoni. Dawk il-pjani ta' ġestjoni għandhom jiffukaw l-aktar fuq baċini b’ibħra internazzjonali limitati u bi fruntera kemm ma' Stati Membri kif ukoll ma' pajjiżi terzi; baċini fejn l-iskambju tal-informazzjoni u l-esperjenza fost il-pajjiżi diġà bdew, f'entitajiet operattivi multilaterali; u baċini fejn il-kundizzjonijiet morfoloġiċi, ambjentali u ekonomiċi jippermettu tqabbil ta’ esperjenzi simili, skont parametri komuni. Bħala eżempju tajjeb, iż-żona tal-Adrijatiku ċentrali tat-Tramuntana, li tikkorrispondi għas-subżona ġeografika (GSA) 17 tal-klassifikazzjoni tal-FAO, turi t-tliet karatteristiċi tal-baċini kollha msemmija hawn fuq.

L-objettiv ta' dan il-proġett pilota huwa li jħeġġeġ ir-riċerka kollaborattiva orjentata lejn il-politika fis-settur tas-sajd li tinvolvi lix-xjentisti u lill-partijiet interessati, partikolarment is-sajjieda, fil-livell ġeografiku tal-baċini tal-ibħra u tas-sajd u bl-għan li jittejjeb l-għarfien xjentifiku li jsejjes deċiżjonijiet dwar strateġiji u għażliet rigward il-ġestjoni tas-sajd.

Il-kompiti li ġejjin jistgħu jkunu xierqa għal appoġġ taħt tali qafas pilota:

— il-ġbir, il-ħżin u l-analiżi ta' data u informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva li jidhru li jkunu meħtieġa biex jitwettqu valutazzjonijiet tal-istokkijiet tal-ħut u tas-sajd u li jkunu komplementari għal dawk li saru obbligatorji skont il-Qafas ta' Ġbir ta' Data; għal dak il-għan, għandha tinħoloq għodda importanti biex tappoġġja d-deċiżjonijiet tal-Unjoni u l-gvernijiet nazzjonali permezz tal-kostruzzjoni ta' Sistema ta' Informazzjoni Ġeografika (GIS); din l-għodda tippermetti li jiġu żviluppati mudelli, bħala l-aħjar prassi, li jiffaċilitaw l-attivitajiet tal-ippjanar u l-governanza reġjonali tal-baċini; il-proġett jipprevedi l-iżgurar tal-implimentazzjoni u l-aġġornar tas-sistema GIS, f'diversi stadji ta' ksib, illowdjar, ipproċessar u analiżi ta' data, b'definizzjoni tal-proċeduri għall-estrazzjoni u l-konsultazzjoni tal-komponenti bażiċi, bl-użu tad-data kollha disponibbli minn kull livell,

nazzjonali u reġjonali; ir-rekwiżit bażiku ta' Sistema ta' Informazzjoni Ġeografika huwa li jgħaqqad bażijiet ta' data eżistenti ta' gvernijiet differenti sabiex jittejbu l-interkonnessjoni u l-fluss ta' informazzjoni llum u fil-futur; id-disseminazzjoni u l-aċċess għal livelli u kontenuti differenti tal-bażi ta' data ġeografika jkunu determinati u aġġustati fuq indikazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea: kull entità awtorizzata jista' jkollha serje ta' informazzjoni li tippermetti l-evalwazzjoni tal-varjazzjoni temporali ta' parametri differenti;

— metodoloġiji ta' bini, mudelli, approċċi, eċċ. li jippermettu titjib fil-valutazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut, valutazzjoni tas-sajd u evalwazzjoni u valutazzjoni tal-għażliet ta' ġestjoni, u/jew żviluppi oħra biex isir operattiv u operabbli approċċ li jqis l-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd;

— it-twettiq ta' proċessi ta' evalwazzjoni u valutazzjoni, partikolarment bħala appoġġ għat-tfassil u s-segwitu ta' pjani ta' ġestjoni multiannwali;

— it-twaqqif ta' fora fejn ix-xjentisti u s-sajjieda jistgħu jiskambjaw l-opinjonijiet sabiex jitnaqqas id-distakk bejn l-approċċi diverġenti tagħhom.

Il-proġett pilota għandu jissodisfa ċerti kundizzjonijiet speċifiċi, bħal:

— il-fatt li jsir fil-livell tal-baċini tal-ibħra jew tas-sajd;

— il-fatt li jiffavorixxi approċċ integrat bejn l-oqsma xjentifiċi marbuta mal-ekoloġija, il-bijoloġija, it-teknoloġija u l-istudji umanistiċi;

— il-fatt li jiffavorixxi mod ta' ħidma inklużiv, kollaborattiv u iterattiv;

— il-fatt li jkun orjentat lejn ir-riżultati u li x'aktarx ikunu jistgħu jintużaw direttament fil-proċess ta' għarfien xjentifiku u li jippermettu lil min ifassal il-politika jagħmel għażliet rilevanti u affidabbli fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet;

— il-fatt li ma jsirx flimkien ma' proġetti ta' riċerka jew studji diġà ffinanzjati jew li huma eliġibbli għal finanzjament mis-Seba' Programm Qafas (FP7) jew flimkien mal-programm ta' studji xjentifiċi tad-DĠ MARE.

*Bażi ġuridika*

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6), tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2992, p. 1).

## Kapitolu 11 08 — Kontroll u Infurzar tal-Politika Komuni tas-Sajd

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 11 08 | Kontroll u Infurzar tal-Politika Komuni tas-Sajd | | | | | | | | |
| ***11 08 01*** | ***Kontribuzzjoni finanzjarja lill-Istati Membri għal spejjeż fil-qasam tal-kontroll*** | 2 | 46 330 000 | 23 350 000 | 47 430 000 | 23 894 961 | 45 529 850,00 | 28 021 980,03 | 120,01 % |
| ***11 08 02*** | ***Spezzjoni u sorveljanza ta’ attivitajiet tas-sajd f'ilmijiet tal-UE u bnadi ohra*** | 2 | 2 600 000 | 2 400 000 | 2 300 000 | 2 180 889 | 2 138 037,28 | 1 931 238,22 | 80,47 % |
| ***11 08 05*** | ***Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA)*** | | | | | | | | |
| 11 08 05 01 | Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA) — Kontribuzzjoni għat-Titoli 1 u 2 | 2 | 7 311 359 | 7 311 359 | 7 337 359 | 7 337 359 | 7 280 000,00 | 7 280 000,00 | 99,57 % |
| 11 08 05 02 | Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA) — Kontribuzzjoni għat-Titolu 3 | 2 | 1 622 541 | 1 622 541 | 1 693 541 | 2 693 541 | 5 570 000,00 | 4 570 000,00 | 281,66 % |
| | *Artikolu 11 08 05 — Sub-total* | | 8 933 900 | 8 933 900 | 9 030 900 | 10 030 900 | 12 850 000,00 | 11 850 000,00 | 132,64 % |
| | **Kapitolu 11 08 — Total** | | **57 863 900** | **34 683 900** | **58 760 900** | **36 106 750** | **60 517 887,28** | **41 803 218,25** | **120,53 %** |

### *Artikolu 11 08 01 — Kontribuzzjoni finanzjarja lill-Istati Membri għal spejjeż fil-qasam tal-kontroll*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 46 330 000 | 23 350 000 | 47 430 000 | 23 894 961 | 45 529 850,00 | 28 021 980,03 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġarrbu l-Istati Membri huma u jimplimentaw is-sistemi ta' kontroll u monitoraġġ, applikabbli għall-politika komuni tas-sajd għal:

— investimenti marbutin ma' attivitajiet ta' kontroll imwettqa minn korpi amministrattivi jew mis-settur privat inkluża l-implimentazzjoni tat-teknoloġiji ta' kontroll bħal pereżempju sistemi ta' reġistrazzjoni elettronika (ERS), sistemi ta' monitoraġġ tal-bastimenti (VMS), sistemi ta' identifikazzjoni awtomatika (AIS) konnessi ma' sistemi ta' individwazzjoni tal-bastimenti (VDS) u x-xiri u l-immodernizzar tal-mezzi tal-kontroll,

— taħriġ u programmi ta' skambju għall-ħaddiema taċ-ċivil responsabbli mill-monitoraġġ tax-xogħlijiet ta' kontroll u sorveljanza fiż-żoni tas-sajd,

— l-implimentazzjoni ta' skemi sperimentali ta' spezzjoni u osservazjoni,

— analiżi ta' spejjeż/benefiċċji, evalwazzjoni tan-nefqa u l-verifiki tal-kontijiet li jiltaqgħu magħhom l-awtoritajiet kompetenti fit-twettiq tal-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza,

— inizjattivi, li jinkludu seminars u strumenti tal-midja, immirati lejn it-tkabbir tal-kuxjenza kemm fost is-sajjieda kif ukoll fost dawk kollha li għandhom irwol f'dan il-qasam bħall-ispetturi, il-prosekuturi pubbliċi u l-imħallfin, kif ukoll fost il-pubbliku ġenerali dwar il-ħtieġa li jiġi miġġieled is-sajd illegali u irresponsabbli u dwar l-implimentazzjoni tar-regoli tal-politika komuni tas-sajd,

— implimentazzjoni ta' sistemi u proċeduri li jippermettu t-traċċabbiltà u l-istrumenti jikkontrollaw il-kapaċità tal-flotta permezz ta' monitoraġġ tas-saħħa tal-magna,

— proġetti pilota bħalma huma is-CCTV (televiżjoni b'ċirkwit magħluq).

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-politika komuni tas-sajd (ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59).

Ir-Regolament tal-Kunsill(KE) Nru 861/2006 tat-22 ta' Mejju 2006 li jistabbilixxi miżuri finanzjarji Komunitàrji għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd u fil-qasam tal-Liġi tal-Baħar (ĠU L 160, 14.6.2006, p. 1).

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll li tiżgura l-konformità mar-regoli tal-politika komuni tas-sajd (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 391/2007 tal-11 ta' April 2007 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 861/2006 rigward in-nefqa mġarrba mill-Istati Membri għall-implimentazzjoni tas-sistemi ta' monitoraġġ u kontroll applikabbli għall-politika komuni tas-sajd (PKS) (ĠU L 97, 12.4.2007, p. 30).

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat- 8 ta' April 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 112, 30.4.2011, p. 1).

## *Artikolu 11 08 02 — Spezzjoni u sorveljanza ta’ attivitajiet tas-sajd f'ilmijiet tal-UE u bnadi oħra*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 2 600 000 | 2 400 000 | 2 300 000 | 2 180 889 | 2 138 037,28 | 1 931 238,22 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa magħmula mill-Kummissjoni fit-twettiq tal-mandat tagħha għall-applikazzjoni, il-verifika u l-awditjar tal-implimentazzjoni tar-regoli għall-politika komuni tas-sajd.

Din tkopri n-nefqa amministrattiva, li tinkludi l-kost tal-verifika, tal-ispezzjoni u tal-missjonijiet tal-awditjar sabiex tiġi kkontrollata u evalwata l-applikazzjoni tar-regoli tal-PKS, laqgħat tal-esperti, tagħmir tal-uffiċjali tal-Kummissjoni, it-teknoloġija tal-informazzjoni (inklużi l-istabbilment u l-ġestjoni ta' bażijiet ta' dejta kkompjuterizzati) studji, taħriġ.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta’ Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta’ riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59).

Ir-Regolament tal-Kunsill(KE) Nru 861/2006 tat-22 ta’ Mejju 2006 li jistabbilixxi miżuri finanzjarji Komunitàrji għall-implimentazzjoni tal-politika komuni tas-sajd u fil-qasam tal-Liġi tal-Baħar (ĠU L 160, 14.6.2006, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta’ Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta’ kontroll li tiżgura l-konformità mar-regoli tal-politika komuni tas-sajd (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad- 29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

*Atti ta’ referenza*

Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat- 8 ta’ April 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta’ kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 112, 30.4.2011,p. 1).

## *Artikolu 11 08 05 — Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA)*

### Partita 11 08 05 01 — Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA) — Kontribuzzjoni għat-Titoli 1 u 2

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 7 311 359 | 7 311 359 | 7 337 359 | 7 337 359 | 7 280 000,00 | 7 280 000,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tal-persunal u amministrattiva tal-Aġenzija (Titoli 1 u 2).

L-Aġenzija għandha tinforma l-awtorità tal-baġit dwar it-trasferimenti ta’ approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Finanzjarju tal-Qafas ta’ Ħidma għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju jsawru dħul assenjat (l-Artikolu 18(1)(f) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Il-pjan tal-persunal tal-Aġenzija huwa stipulat fil-parti bit-titolu ’Persunal’ fil-’Pjan ta’ Stabbilitment’ tat-Taqsima III - Kummissjoni.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005 tas-26 ta’ April 2005 li jistabbilixxi Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd (ĠU

L 128, 21.5.2005, p. 1).

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrapurtat u mhux irregolat (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009, li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-politika komuni tas-sajd (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (KE) Nru 2009/988/UE tat-18 ta' Diċembru 2009 li taħtar l-Aġenżija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd bħala l-korp li jwettaq ċerti kompiti skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 (ĠU L 338, 19.12.2009, p. 104).

### Partita 11 08 05 02 — Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA) — Kontribuzzjoni għat-Titolu 3

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 1 622 541 | 1 622 541 | 1 693 541 | 2 693 541 | 5 570 000,00 | 4 570 000,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa operazzjonali tal-Aġenzija dwar il-programm tax-xogħol (Titolu 3).

L-Aġenzija għandha tinforma l-awtorità tal-baġit dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Finanzjarju tal-Qafas ta' Ħidma għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju jsawru dħul assenjat (l-Artikolu 18(1)(f) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-2013 tammonta għal total ta' EUR 9 216 900. Ammont ta' EUR 283 000, li ġej mill-irkupru tal-eċċess, qed jiżdied mal-ammont ta' EUR 8 933 900 imdaħħal fil-baġit.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005 tas-26 ta' April 2005 li jistabbilixxi Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd (ĠU L 128, 21.5.2005, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009, li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll li tiżgura l-konformità mar-regoli tal-politika komuni tas-sajd (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (KE) Nru 2009/988/UE tat-18 ta' Diċembru 2009 li taħtar lill-Aġenżija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd bħala l-korp li jwettaq ċerti kompiti skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 (ĠU L 338, 19.12.2009, p. 104).

## Kapitolu 11 09 — Politika Marittima

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 11 09 | Politika Marittima | | | | | | | | |
| ***11 09 01*** | ***Azzjoni ta' thejjija — Politika Marittima*** | 2 | — | 345 000 | — | 2 600 000 | 0,— | 4 417 827,59 | 1280,53 % |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *11 09 02* | ***Proġett Pilota - Netwerking u l-Aħjar Prattika fil-Politika Marittima*** | 2 | — | — | — | 2 200 000 | 0,— | 1 072 754,39 | |
| *11 09 05* | ***Programm għall-appoġġ ta' iktar żvilupp f' Politika Marittima Integrata (IMP)*** | 2 | — | 15 240 000 | 16 560 000 | 2 370 532 | 0,— | 0,— | |
| | **Kapitolu 11 09 — Total** | | **—** | **15 585 000** | **16 560 000** | **7 170 532** | **0,—** | **5 490 581,98** | **35,23 %** |

## *Artikolu 11 09 01 — Azzjoni ta' tħejjija — Politika Marittima*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | 345 000 | — | 2 600 000 | 0,— | 4 417 827,59 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri xogħol ta' studju meħtieġ biex isostni l-iżvilupp tal-Politika Marittima b'fatti u analiżi sodi, sakemm ikunu hemm lakuni u sakemm ikun meħtieġ skont il-valutazzjoni tal-impatt u t-tħejjija ta' deċiżjonijiet politiċi futuri. Dan hu partikolarment il-każ tal-affarijiet soċjoekonomiċi u ġuridiċi fil-qasam marittimu.

S'issa dawn l-oqsma trasversali ġew identifikati għall-azzjoni futura potenzjali: 'Ippjanar tal-ispazju marittimu', 'Integrazzjoni u konverġenza tas-sistemi għall-ġbir ta' dejta tal-baħar' u 'Sorveljanza marittima'. Din l-approprjazzjonijiet hija wkol maħsuba biex tkopri n-nefqa għat-twettiq ta' studji ta' fattibilità bil-għan biex jelaboraw proposti futuri f'dawn l-oqsma.

Dawn l-approprjazzjonijiet huma maħsuba wkoll biex jippromwovu l-integrazzjoni ta' sistemi diversi għall-monitoraġġ u s-sorveljanza tal-ibħra, li jiġbru dejta xjentifika dwar il-baħar, u li jxerrdu n-networks u l-aħjar prattiki fil-qasam tal-politika marittima u l-ekonomija tax-xtajtiet.

*Bażi ġuridika*

Azzjonijiet ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 fir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitàjiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 11 09 02 — Proġett Pilota - Netwerking u l-Aħjar Prattika fil-Politika Marittima*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | — | — | 2 200 000 | 0,— | 1 072 754,39 |

*Kummenti*

L-approprjazzjonijiet huma maħsuba biex jippromwovu proġetti pilota li jfittxu li jintegraw sistemi diversi għall-monitoraġġ u s-sorveljanza tal-ibħra, li jiġbru dejta xjentifika dwar il-baħar, u li jxerrdu n-networks u l-aħjar prattika fil-qasam tal-politika marittima u l-ekonomija tax-xtajtiet.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitàjiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 11 09 05 — Programm għall-appoġġ ta' iktar żvilupp f' Politika Marittima Integrata (IMP)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | 15 240 000 | 16 560 000 | 2 370 532 | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li tirriżulta mill-programm biex jiġi appoġġjat l-iżvilupp ulterjuri ta' politika marittima integrata.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri, fost l-oħrajn:

— in-Netwerk Ewropew għall-Osservazzjoni u d-Dejta tal-Baħar,

— implementazzjoni tal-pjan direzzjonali tal-Ambjent għall-Qsim tal-Informazzjoni Komuni,

— proġetti pilota dwar ippjanar spazjali marittimu transkonfinali,

— applikazzjonijiet tat-teknoloġija tal-inforamatika bħalma huwa l-forum marittimu u l-Atlas Ewropew tal-Ibħra,

— avvenimenti u konferenzi,

— studji li għandhom jitwettqu fuq skala Ewropea u tal-baċini tal-baħar sabiex jiġu identifikati l-ostakoli tat-tkabbir, jiġu vvalutati opportunitajiet ġodda u jiġi ddeterminat l-impatt uman fuq l-ambjent tal-baħar.

*Bażi ġuridika*

Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 30 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi Programm biex jiġi appoġġat l-iżvilupp ulterjuri ta' Politika Marittima Integrata (ĠU L 321, 5.12.2011, p. 1).

# TITOLU 12 — IS-SUQ INTERN

*Figuri*

| Titolu Kapitolu | Intestatura | FF | Bağit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 12 01 | Nefqa amministrattiva tal-qasam ta' politika tas-"Suq Intern" | | 64 700 183 | 64 700 183 | 60 414 994 | 60 414 994 | 62 091 408,30 | 62 091 408,30 |
| | 40 01 40 | | | | 97 284<br>60 512 278 | 97 284<br>60 512 278 | | |
| 12 02 | Il-politika dwar is-suq intern | 1 | 9 800 000 | 10 555 000 | 11 250 000 | 9 980 984 | 12 414 857,23 | 10 924 869,40 |
| 12 04 | Il-moviment ħieles tal-kapital, id-dritt soċjetarju u l-governanza korporattiva | 1 | 28 666 000 | 28 116 000 | 29 181 000 | 27 124 506 | 23 474 000,00 | 23 122 516,00 |
| | **Titolu 12 — Total** | | **103 166 183** | **103 371 183** | **100 845 994** | **97 520 484** | **97 980 265,53** | **96 138 793,70** |
| | **40 01 40**<br>**Total + riżerva** | | | | **97 284**<br>**100 943 278** | **97 284**<br>**97 617 768** | | |

# KAPITOLU 12 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA TAS-"SUQ INTERN"

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Bağit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 12 01 | Nefqa amministrattiva tal-qasam ta' politika tas-"Suq Intern" | | | | | |
| ***12 01 01*** | ***Nefqa marbuta mal-persunal li huma impjegati attivament fl-oqsma ta' politika tas-"Suq Intern"*** | 5 | 50 859 308 | 46 765 864 | 47 893 595,70 | 94,17 % |
| ***12 01 02*** | ***Nefqa għal persunal estern u nefqa oħra relatata mal-ġestjoni li hija konnessa mal-qasam ta' politika tas-"Suq Intern"*** | | | | | |
| 12 01 02 01 | Persunal estern | 5 | 6 454 085 | 6 568 336 | 6 423 121,45 | 99,52 % |
| 12 01 02 11 | Nefqa oħra marbuta mal-ġestjoni | 5 | 3 525 911 | 3 394 875 | 3 477 999,74 | 98,64 % |
| | 40 01 40 | | | 97 284<br>3 492 159 | | |
| | *Artikolu 12 01 02 — Sub-total* | | 9 979 996 | 9 963 211 | 9 901 121,19 | 99,21 % |
| | *40 01 40* | | | 97 284<br>10 060 495 | | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| ***12 01 03*** | ***Nefqa relatata mat-tagħmir u s-servizzi tat-Teknoloġija tal-Informatika u l-Komunikazzjoni taż-żona tal-politika tas-"Suq intern"*** | 5 | 3 160 879 | 2 985 919 | 3 600 245,59 | 113,90 % |
| ***12 01 04*** | ***Nefqa ta' appoġġ għall-operazzjonijiet għall-qasam ta' politika tas-"Suq Intern"*** | | | | | |
| 12 01 04 01 | Implimentazzjoni u żvilupp tas-suq intern — Nefqa għall-ġestjoni amministrattiva | 1.1 | 700 000 | 700 000 | 696 445,82 | 99,49 % |
| | *Artikolu 12 01 04 — Sub-total* | | 700 000 | 700 000 | 696 445,82 | 99,49 % |
| | **Kapitolu 12 01 — Total** | | **64 700 183** | **60 414 994** | **62 091 408,30** | **95,97 %** |
| | **40 01 40** | | | **97 284** | | |
| | **Total + riżerva** | | | **60 512 278** | | |

## *Artikolu 12 01 01 — Nefqa marbuta mal-persunal li huma impjegati attivament fl-oqsma ta' politika tas-"Suq Intern"*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 50 859 308 | 46 765 864 | 47 893 595,70 |

## *Artikolu 12 01 02 — Nefqa għal persunal estern u nefqa oħra relatata mal-ġestjoni li hija konnessa mal-qasam ta' politika tas-"Suq Intern"*

### Partita 12 01 02 01 — Persunal estern

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 6 454 085 | 6 568 336 | 6 423 121,45 |

### Partita 12 01 02 11 — Nefqa oħra marbuta mal-ġestjoni

*Figuri*

| | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|
| 12 01 02 11 | 3 525 911 | 3 394 875 | 3 477 999,74 |
| 40 01 40 | | 97 284 | |
| Total | 3 525 911 | 3 492 159 | 3 477 999,74 |

## *Artikolu 12 01 03 — Nefqa relatata mat-tagħmir u s-servizzi tat-Teknoloġija tal-Informatika u l-Komunikazzjoni taż-żona tal-politika tas-"Suq intern"*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 3 160 879 | 2 985 919 | 3 600 245,59 |

## *Artikolu 12 01 04 — Nefqa ta' appoġġ għall-operazzjonijiet għall-qasam ta' politika tas-"Suq Intern"*

### Partita 12 01 04 01 — Implimentazzjoni u żvilupp tas-suq intern — Nefqa għall-ġestjoni amministrattiva

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 700 000 | 700 000 | 696 445,82 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa għal studji, sħarriġ, laqgħat ta' esperti, informazzjoni, attivitajiet u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-ilħuq tal-għan tal-programm jew ma' miżuri koperti minn din il-partita, u kull nefqa oħra għall-assistenza teknika jew amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Għal finijiet tat-tagħrif, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħlin għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li huma dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-għoti tal-approprazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness imsejjaħ "Iż-Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li jifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Artikolu 12 02 01.

## Kapitolu 12 02 — Il-politika dwar is-suq intern

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 12 02 | Il-politika dwar is-suq intern | | | | | | | | |
| ***12 02 01*** | ***L-implimentazzjoni u l-iżvilupp tas-suq intern*** | 1.1 | 8 800 000 | 8 000 000 | 8 800 000 | 7 167 283 | 10 086 203,02 | 9 330 349,14 | 116,63 % |
| ***12 02 02*** | ***Il-programm Solvit u l-pjan ta' azzjoni tas-Servizzi ta' Ghajnuna dwar is-Suq Waħdani*** | 1.1 | p.m. | 950 000 | p.m. | 1 088 701 | 1 293 240,64 | 1 102 619,35 | 116,07 % |
| ***12 02 03*** | ***Proġett pilota — Forum tas-Suq Uniku*** | 1.1 | — | 855 000 | 1 200 000 | 600 000 | 1 035 413,57 | 491 900,91 | 57,53 % |
| ***12 02 04*** | ***Proġett Pilota — Il-bini tal-kapaċità tal-utenti aħħarin u partijiet interessati mhux industrijali għat-tfassil tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tas-servizzi finanzjarji*** | 1.1 | 1 000 000 | 750 000 | 1 250 000 | 1 125 000 | | | |
| | **Kapitolu 12 02 — Total** | | **9 800 000** | **10 555 000** | **11 250 000** | **9 980 984** | **12 414 857,23** | **10 924 869,40** | **103,50 %** |

## *Artikolu 12 02 01 — L-implimentazzjoni u l-iżvilupp tas-suq intern*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 8 800 000 | 8 000 000 | 8 800 000 | 7 167 283 | 10 086 203,02 | 9 330 349,14 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li tirriżulta fir-rigward ta' miżuri li jikkontribwixxu għat-tlestija tas-suq intern, l-operazzjoni u l-iżvilupp tiegħu, u b'mod partikolari:

— qrubija ikbar maċ-ċittadini u l-impriżi, inkluż l-iżvilupp u t-tisħiħ tad-djalogu maċ-ċittadini u l-impriżi permezz ta' miżuri maħsuba biex jagħmlu l-ħdim tas-suq intern aktar effettiv, u jiżguraw li ċ-ċittadini u l-impriżi jkunu jistgħu ikollhom aċċess għad-drittijiet l-aktar wiesgħa u għall-opportunitajiet li jirriżultaw mill-ftuħ u l-approfondiment tas-suq intern mingħajr fruntieri u jkunu jistgħu jeżerċitaw dawk id-drittijiet u l-opportunitajiet bis-sħiħ, u permezz ta' miżuri ta' monitoraġġ u valutazzjoni dwar l-eżerċizzju prattiku miċ-ċittadini u l-impriżi tad-drittijiet u l-opportunitajiet tagħhom biex tkun identifikata u ffaċilitata t-tneħħija ta' kull ostakolu li jista' jkun qed ixekkilhom milli jeżerċitaw dawk id-drittijiet bis-sħiħ,

— l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tad-disposizzjonijiet li jiggvernaw kuntratti pubbliċi bil-għan li jkunu żgurati l-aħjar operat tagħhom u l-ftuħ ġenwin ta' sejħiet għall-offerti, inkluż it-titjib tal-għarfien u t-taħriġ tal-partijiet diversi għal dawn il-kuntratti; l-introduzzjoni u l-użu ta' teknoloġiji ġodda fid-diversi oqsma tal-operat ta' dawn il-kuntratti; l-adattazzjoni kontinwa tal-qafas ġuridiku u regolatorju fid-dawl tal-iżviluppi li ġejjin minn dawn il-kuntratti, partikolarment il-globalizzazzjoni tas-swieq u l-ftehimiet internazzjonali li jeżistu jew tal-ġejjieni,

— it-titjib, permezz tal-grupp ta' prova tal-impriżi Ewropej (*European Business Test Panel — EBTP*), tal-ambjent ġuridiku għaċ-ċittadini u l-impriżi, li għalihom jistgħu jkunu maħsuba attivitajiet ta' promozzjoni, tkabbir tal-għarfien u azzjonijiet ta' taħriġ; jitrawmu l-kooperazzjoni, l-iżvilupp u l-koordinament tal-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-liġi tal-kumpaniji u l-għajnuna fil-ħolqien ta' kumpaniji Ewropej b'responsabilità limitata u gruppi Ewropej ta' interess ekonomiku,

— it-tisħiħ tal-kooperazzjoni amministrattiva permezz, *fost oħrajn*, tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (*IMI*), l-għerf aktar fil-fond tal-leġiżlazzjoni dwar is-suq intern fl-Istati Membri u l-applikazzjoni tajba ta' dik il-leġiżlazzjoni minnhom, u s-sostenn għall-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet responsabbli mill-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni fil-qasam tas-suq intern, bil-għan li jintlaħqu l-għanijiet tal-istrateġija ta' Liżbona kif stabbiliti fl-istrateġija politika annwali,

— it-twaqqif ta' sistema li tista' b'mod effikaċi u effiċjenti tittratta l-problemi li jsibu ċ-ċittadini jew l-impriżi, li jseħħu minħabba l-applikazzjoni żbaljata tal-leġiżlazzjoni tas-suq intern minn amministrazzjoni pubblika fi Stat Membru ieħor; il-produzzjoni ta' informazzjoni ta' *feedback* permezz tas-sistema SOLVIT bl-użu ta' sistema ta' ġabra ta' dejta *online* aċċessibbli għaċ-ċentri kollha ta' koordinament u li tkun aċċessibbli wkoll għaċ-ċittadini u l-impriżi; is-sostenn lill-inizjattiva permezz ta' miżuri ta' taħriġ, kampanji promozzjonali u azzjonijiet immirati b'mod partikolari lejn l-Istati Membri l-ġodda,

— it-tfassil interattiv ta' strateġiji politiċi (IPM), sa fejn dawn jikkonċernaw it-tlestija, l-iżvilupp u l-funzjonament tas-suq intern, hija parti mill-governanza tal-Kummissjoni u tal-inizjattivi ta' regolamentazzjoni sabiex tissodisfa aħjar l-eżiġenzi taċ-ċittadini, tal-konsumaturi u tal-impriżi. L-approprjazzjonijiet mdaħħla f'din il-partita jkopru wkoll l-azzjonijiet ta' taħriġ, ta' għarfien u l-ħolqien ta' netwerk għall-parteċipanti sabiex it-tfassil tal-istrateġiji politiċi tal-Unjoni li jirrigwardaw is-suq intern ikun aktar eżawrjenti u effikaċi u fil-qafas tal-proċess ta' evalwazzjoni tal-impatt reali tal-politika tas-suq intern (jew tan-nuqqas tiegħu) fuq il-post,

— reviżjoni komprensiva tal-bidliet meħtieġa fir-Regolamenti u analiżi globali tal-effikaċja tal-miżuri meħuda, biex is-suq intern ikun jista' jaħdem tajjeb u l-valutazzjoni tal-impatt globali tas-suq intern fuq l-impriżi u l-ekonomija, inkluż ix-xiri ta' *dejta* u l-aċċess mid-dipartimenti tal-Kummissjoni għal *databases* esterni, kif ukoll azzjonijiet immirati għal titjib tal-għarfien tal-funzjonament tas-suq intern u l-ippremjar tal-parteċipazzjoni attiva fit-trawwim tal-ħdim tas-suq intern,

— garanzija tat-tlestija u t-treġija tas-suq intern, l-aktar fl-oqsma tal-pensjonijiet, il-muviment liberu tas-servizzi, ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali, u l-proprjetà intellettwali u industrijali: l-iżvilupp ta' proposti għall-introduzzjoni tal-privattiva tal-Unjoni,

— it-tkabbir tal-istrateġija għall-iżvilupp tal-istatistika tas-setturi tas-servizzi u tal-proġetti tal-iżvilupp statistiku, bil-kooperazzjoni tal-Eurostat u l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi(OECD),

— il-kontroll tal-effetti tat-tneħħija tal-ostakli fis-suq intern għas-servizzi,

— l-iżvilupp ta' żona magħquda għas-sigurtà u d-difiża, b'azzjonijiet immirati lejn il-koordinament tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku għal dawk il-prodotti f'livell tal-Unjoni; l-approprjazzjonijiet jistgħu jkopru t-tfassil tal-istudji u tal-miżuri li jgħarrfu dwar l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni adottata,

— it-tisħiħ u l-iżvilupp tas-swieq finanzjarji u tal-kapital kif ukoll tas-servizzi finanzjarji għall-impriżi u l-individwi privati; l-adattament tal-qafas regolatorju tas-suq, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna s-sorveljanza u r-regolamentazzjoni tal-attivitajiet tal-operaturi u tat-tranżazzjonijiet biex jitqiesu l-bidliet fuq livell tal-Unjoni u fuq livell dinji, tar-realtà tal-euro u tal-istrumenti finanzjarji l-ġodda, permezz tal-preżentazzjoni tal-inizjattivi l-ġodda li għandhom bħala għan il-konsolidament u l-analiżi fid-dettall tar-riżultati miksuba bl-ewwel Pjan ta' Azzjoni għas-Servizzi Finanzjarji,

— titjib tas-sistemi tal-ħlas u s-servizzi finanzjarji bl-imnut fis-suq intern; tnaqqis fl-ispejjeż għal dawn it-tranżazzjonijiet u l-ħin meħtieġ biex dawn isiru, filwaqt li titqies id-dimensjoni tas-suq intern; l-iżvilupp ta' aspetti tekniċi biex jistabbilixxu sistema jew

iżjed ta’ ħlas fuq il-bażi ta’ segwitu li għandhom jingħataw lill-komunikazzjonijiet mill-Kummissjoni; it-twettiq ta’ studji f’dan il-qasam,

— l-iżvilupp u t-tisħiħ tal-aspetti esterni tad-direttivi applikabbli fir-rigward tal-istituzzjonijiet finanzjarji, ir-rikonoxximent reċiproku ta’ strumenti finanzjarji fir-rigward ta’ pajjiżi terzi, in-negozjati internazzjonali, l-għajnuna għall-pajjiżi terzi fit-twaqqif ta’ ekonomija tas-suq,

— it-twettiq ta’ għadd ta’ miżuri mħabbra fil-Pjan ta’ Azzjoni dwar it-tmexxija u l-liġi tal-kumpaniji, li jista’ jagħti lok għal studji dwar diversi suġġetti speċifiċi, fid-dawl tat-tfassil tal-proposti leġiżlattivi meħtieġa,

— l-analiżi tal-effett tal-miżuri mwettqa fil-qafas tas-segwitu tal-liberalizzazzjoni progressiva tas-servizzi postali, il-koordinament tal-istrateġiji ta’ politika tal-Unjoni f’dak li għandu x’jaqsam mas-servizzi postali rigward is-sistemi internazzjonali u b’mod partikolari f’dak li huwa sehem fl-attivitajiet tal-Unjoni Postali Universali (UPU); il-kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant; l-implikazzjonijiet konkreti tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (GATS) fil-qasam tas-servizzi fis-settur postali u l-irduppjar fir-regolamentazzjoni tal-UPU,

— l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni u internazzjonali fil-qasam tal-ħasil ta’ flus, inkluż il-parteċipazzjoni f’miżuri intergovernattivi jew *ad hoc* f'dan il-qasam; kontributi relatati mal-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni bħala membru tat-Task Force għall-Azzjoni Finanzjarja (FATF) dwar il-ħasil ta’ flus maħluq skont l-OECD,

— il-parteċipazzjoni attiva f’laqgħat ta' assoċjazzjonijiet internazzjonali bħall-l-Assoċjazzjonji Internazzjonali tas-superviżuri tal-assigurazzjoni (AICA/IAIS) u l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli (IOSCO); dan jinvolvi wkoll l-ispejjeż marbuta mal-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni bħala membru tal-grupp,

— l-iżvilupp tal-valutazzjonijiet u l-istudji tal-impatt fuq l-aspetti differenti tal-istrateġiji ta’ politika li jaqgħu taħt dan il-kapitolu u huma maħsuba biex jinħolqu jew jiġu riveduti l-miżuri marbuta ma’ dan,

— il-ħolqien u ż-żamma ta’ sistemi li jkunu marbutin b’mod dirett mal-politika ta’ implimentazzjoni u ta’ monitoraġġ imnedija fi ħdan il-qafas tas-suq intern għas-servizzi,

— l-appoġġ għall-ħidmiet li jfittxu li jikkontribwixxu għall-kisba tal-għanijiet tal-politika tal-Unjoni billi jtejbu l-konverġenza u l-kooperazzjoni tas-sorveljanza fil-qasam tar-rappurtar finanzjarju, kemm fl-Unjoni kif ukoll ’il barra minnha.

Biex jintlaħqu dawn l-għanijiet, din l-approprjazzjoni tkopri l-ispejjeż tal-konsultazzjoni, l-istudji, l-istħarriġ, il-valutazzjonijiet, il-parteċipazzjoni, il-produzzjoni, l-iżvilupp tal-pubbliċità, it-tkabbir tal-għarfien u l-materjali tat-taħriġ (il-materjal stampat, il-materjal awdjoviżiv, il-valutazzjonijiet, l-għodod tal-kompjuter, il-ġbir u t-tixrid tal-informazzjoni, il-miżuri ta’ informazzjoni u l-pariri għaċ-ċittadini u l-impriżi).

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f’dan l-artikolu. Għal finijiet tat-tagħrif, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħlin għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li huma dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-għoti tal-approprazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness imsejjaħ “Iż-Żona Ekonomika Ewropea” ta’ din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta’ din it-taqsima, li jifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa mġarrba mill-Kummissjoni biex tiżgura l-funzjonament effettiv tal-Osservatorju Ewropew għall-ġlieda kontra l-Falsifikazzjoni u l-Piraterija.

Dawn l-approprjazzjonijiet huma maħsuba wkoll biex jitwaqqaf korp ċentrali ta' koordinament li jgħin lill-Istati Membri fil-kooperazzjoni rigward is-sorveljanza tas-suq, billi jibnu fuq strutturi eżistenti u fuq l-esperjenza. Dan il-korp ta' koordinament jappoġġa l-kooperazzjoni, il-ġbir tal-kompetenzi u l-qsim tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri biex jiġi żgurat l-istess livell għoli ta' sorveljanza tas-suq fl-Unjoni Ewropea kollha, bi qbil mar-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30). Għal dan il-għan, se jiġu organizzati sessjonijiet ta' taħriġ konġunti u regolari għall-awtoritajiet nazzjonali tas-sorveljanza tas-suq mill-Istati Membri kollha, li jiffokaw fuq aspetti prattiċi rilevanti tas-sorveljanza tas-suq bħas-segwitu li jingħata lill-ilmenti, is-sorveljanza tal-inċidenti, l-ivverifikar li tkun ittieħdet azzjoni korrettiva, is-segwitu tal-għarfien xjentifiku u tekniku rigward kwistjonijet ta' sikurezza u l-koordinament tal-awtoritajiet tad-dwana. Barra minn hekk, l-iskambji ta' uffiċjali nazzjonali u programmi ta' żjarat konġunti se jrawmu l-iskambju tal-esperjenzi fost l-Istati Membri. Apparti dan, se tinġabar data kumparattiva dwar ir-riżorsi ddedikati għas-sorveljanza tas-suq fl-Istati Membri differenti u tiġi diskussa fil-livell xieraq mal-awtoritajiet nazzjonali. L-għan u li jinħoloq l-għarfien dwar ir-riżorsi adegwati meħtieġa biex tiġi garantita s-sorveljanza tas-suq konsistenti, komprensiva u effiċjenti fis-Suq Intern, u jikkontribwixxi għar-reviżjoni li daqt se sseħħ tar-regoli tal-Unjoni dwar is-sikurezza tal-prodotti, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw is-sorveljanza tas-suq, u t-tħejjija tas-segwitu għall-Programm Dwana 2013.

*Bażi ġuridika*

Ħidma li ġejja mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif previst fl-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

*Atti ta’ referenza*

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-18 ta’ Ġunju 2002 bit-titolu: "Nota Metodoloġika għall-Valutazzjoni Orizzontali tas-Servizzi ta’ Interess Ekonomiku Ġenerali" (COM(2002)0331).

## *Artikolu 12 02 02 — Il-programm Solvit u l-pjan ta' azzjoni tas-Servizzi ta' Għajnuna dwar is-Suq Waħdani*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 950 000 | p.m. | 1 088 701 | 1 293 240,64 | 1 102 619,35 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispiża marbuta mal-miżuri għall-immaniġġjar u l-iżvilupp ta' Solvit u għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tas-servizzi ta' għajnuna dwar is-suq waħdani.

Is-sistema Solvit uriet li hija waħda mill-aktar mekkaniżmi l-aktar effettivi ta' riżoluzzjoni tat-tilwim barra l-qorti.

Tista' tittratta b'mod effettiv u effiċjenti l-problemi li jaffaċċaw iċ-ċittadini jew l-impriżi , li jseħħu minħabba l-applikazzjoni żbaljata tal-leġiżlazzjoni tas-suq intern minn amministrazzjoni pubblika fi Stat Membru ieħor. Apparti dan, is-sistema Solvit hija kapaċi tipprovdi informazzjoni bħala feedback billi tintuża sistema ta' ġabra ta' data online aċċessibbli għaċ-ċentri kollha ta' koordinament u li ċ-ċittadini u n-negozji jistgħu jużawha biex iressqu l-problemi tagħhom.

Madankollu, Solvit bħal bosta servizzi ta' assistenza pubblika oħra marbuta ma' kwistjonijiet tal-Unjoni għandha mhijiex magħrufa ħafna fost l-utenti potenzjali tas-sistema. Fl-istess ħin iċ-ċittadini u n-negozji ta' spiss ikunu mħawda ħafna dwar l-indirizz it-tajjeb fejn iressqu t-talbiet tagħhom għal informazzjoni, għajnuna u soluzzjoni tal-problemi. Biex din is-sitwazzjoni tiġi rrimedjata, il-Kummissjoni ħabbret, bħala parti mir-reviżjoni tas-Suq Waħdani, li se tagħmel ħilitha biex toħloq punt ta' aċċess wieħed ibbażat fuq l-internet li jmexxi liċ-ċittadini u lin-negozji lejn is-servizz it-tajjeb. F'Ottubru 2010, il-Kummissjoni bdiet websajt ġdid, L-Ewropa Tiegħek (Your Europe), li jipprovidi liċ-ċittadini u n-negozji b'informazzjoni, u jibgħathom direttament lejn is-servizzi relevanti bħal Solvit fil-każ li jkollhom bżonn għajnuna. L-Ewropa Tiegħek, flimkien maċ-ċentru telefoniku tal-Europe Direct, jirrappreżentaw il-punt ta' kuntatt waħdieni għas-sistema Solvit. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew f'rapport annwali dwar kemm jintuża ta' spiss il-punt ta' kuntatt u miżuri possibbli biex ikompli jittejjeb.

L-Istati Membri għandhom jitħeġġew sabiex jadottaw miżuri xierqa biex javżaw liċ-ċittadini tagħhom dwar id-dispozzjoni ta' punt ta' kuntatt bħal dan.

Barra minn hekk, fil-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni dwar approċċ integrat għall-provvista ta' Servizzi ta' Għajnuna tas-Suq Waħdani liċ-ċittadini u lin-negozji tat-8 ta' Mejju 2008, ġew proposti medda ta' azzjonijiet biex tiżdied il-koperazzjoni bejn is-servizzi eżistenti ta' assistenza sabiex ikunu jistgħu joffru servizz ġenerali aħjar, aktar mgħaġġel u iżjed armonizzat liċ-ċittadini u n-negozji,

Il-promozzjoni ta' dawn is-servizzi kollha teħtieġ li sseħħ ukoll b'mod aktar koordinat biex ikun evitat li ċ-ċittadini u n-negozji jkunu konfużi minħabba li jkun hemm wisq ismijiet ta' prodotti.

Apparti dan, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew dwar miżuri konkreti li ttieħdu f'dan il-qasam.

*Bażi ġuridika*

Ħidma li ġejja mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif previst fl-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 fir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 12 02 03 — Proġett pilota — Forum tas-Suq Uniku*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | 855 000 | 1 200 000 | 600 000 | 1 035 413,57 | 491 900,91 |

*Kummenti*

Il-Forum tas-Suq Uniku (FSU) huwa avveniment annwali organizzat mill-Kummissjoni flimkien mal-Parlament Ewropew, li jsir fl-Istat Membru li jkollu l-Presidenza tal-Unjoni, u li jlaqqa' r-rappreżentanti taċ-ċittadini, in-negozji u l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, kif ukoll ir-rappreżentanti tal-Istati Membri u tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni sabiex jittejbu l-koordinament u l-governanza tas-suq uniku. Id-dibattiti u s-sessjonijiet ta' ħidma li jkun hemm matul il-FSU għandhom jittrattaw it-traspożizzjoni, l-applikazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni tas-suq uniku, u għandhom jippermettu l-iskambju tal-aħjar prattiki fost il-partijiet interessati u jinfurmaw liċ-ċittadini dwar id-drittijiet tagħhom fis-suq uniku.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 12 02 04 — Proġett Pilota — Il-bini tal-kapaċità tal-utenti aħħarin u partijiet interessati mhux industrijali għat-tfassil tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tas-servizzi finanzjarji*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 1 000 000 | 750 000 | 1 250 000 | 1 125 000 | |

*Kummenti*

Il-kriżi finanzjarja u ekonomika heżżet b'mod sinifikanti l-kunfidenza tal-konsumaturi, tal-investituri fil-livell tal-konsum u tal-impriżi żgħar u ta' daqs medju fir-regolamenti li huma maħsuba biex jipproteġuhom min-nuqqasijiet tas-sistema fiskali. Għalhekk, huwa iktar essenzjali minn qatt qabel li jkun ikkunsidrat it-tħassib tal-utenti aħħarin u l-partijiet interessati mhux industrijali fit-tfassil ta' inizjattivi li għandhom l-għan li jerġgħu jibnu l-kunfidenza taċ-ċittadini f'settur finanzjarju sod u fil-kapaċità tal-integrazzjoni finanzjarja li tagħtihom benefiċċji konkreti.

Dan il-proġett pilota jimmira li jsaħħaħ il-kapaċità tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jipparteċipaw fit-tfassil tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, bl-għan li l-leġiżlaturi jkollhom kontrapiż għal-lobbies tas-settur tas-servizzji finanzjarji u li jinfurmaw lill-pubbliku ġenerali dwar il-kwistjonijiet ewlenin fir-regolamentazzjoni tas-swieq finanzjarji għall-konsumaturi, l-utenti aħħarin, l-investituri konsumaturi u l-partijiet interessati mhux industrijali.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## KAPITOLU 12 04 — IL-MOVIMENT ĦIELES TAL-KAPITAL, ID-DRITT SOĊJETARJU U L-GOVERNANZA KORPORATTIVA

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 12 04 | Il-moviment ħieles tal-kapital, id-dritt soċjetarju u l-governanza korporattiva | | | | | | | | |
| ***12 04 01*** | ***Attivitajiet speċifiċi fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, tar-rappurtar finanzjarju u tal-verifika*** | 1.1 | 7 650 000 | 7 600 000 | 7 500 000 | 5 443 506 | 7 350 000,00 | 6 998 516,00 | 92,09 % |
| ***12 04 02*** | ***L-Awtorità Bankarja Ewropea*** | | | | | | | | |
| 12 04 02 01 | L-Awtorità Bankarja Ewropea — Kontribuzzjoni għat-Titoli 1 u 2 | 1.1 | 7 474 000 | 7 274 000 | 7 099 000 | 7 099 000 | 3 956 600,00 | 3 956 600,00 | 54,39 % |
| 12 04 02 02 | L-Awtorità Bankarja Ewropea — Kontribuzzjoni għat-Titolu 3 | 1.1 | 1 071 000 | 1 071 000 | 1 200 000 | 1 200 000 | 1 116 400,00 | 1 116 400,00 | 104,24 % |
| | *Artikolu 12 04 02 — Sub-total* | | 8 545 000 | 8 345 000 | 8 299 000 | 8 299 000 | 5 073 000,00 | 5 073 000,00 | 60,79 % |
| ***12 04 03*** | ***L-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u tal-Pensjonijiet tax-Xogħol*** | | | | | | | | |
| 12 04 03 01 | L-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u tal-Pensjonijiet tax-Xogħol — Kontribuzzjoni għat-Titoli 1 u 2 | 1.1 | 4 809 000 | 4 509 000 | 5 070 000 | 5 070 000 | 3 098 600,00 | 3 098 600,00 | 68,72 % |
| 12 04 03 02 | L-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u tal-Pensjonijiet tax-Xogħol — Kontribuzzjoni għat-Titolu 3 | 1.1 | 1 029 000 | 1 029 000 | 1 192 000 | 1 192 000 | 1 168 400,00 | 1 168 400,00 | 113,55 % |
| | *Artikolu 12 04 03 — Sub-total* | | 5 838 000 | 5 538 000 | 6 262 000 | 6 262 000 | 4 267 000,00 | 4 267 000,00 | 77,05 % |
| ***12 04 04*** | ***L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq*** | | | | | | | | |
| 12 04 04 01 | L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq — Kontribuzzjoni għat-Titoli 1 u 2 | 1.1 | 5 433 000 | 5 433 000 | 5 838 477 | 5 838 477 | 5 264 000,00 | 5 264 000,00 | 96,89 % |
| 12 04 04 02 | L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq — Kontribuzzjoni għat-Titolu 3 | 1.1 | 1 200 000 | 1 200 000 | 1 281 523 | 1 281 523 | 1 520 000,00 | 1 520 000,00 | 126,67 % |
| | *Artikolu 12 04 04 — Sub-total* | | 6 633 000 | 6 633 000 | 7 120 000 | 7 120 000 | 6 784 000,00 | 6 784 000,00 | 102,28 % |
| | **Kapitolu 12 04 — Total** | | **28 666 000** | **28 116 000** | **29 181 000** | **27 124 506** | **23 474 000,00** | **23 122 516,00** | **82,24 %** |

### *Artikolu 12 04 01 — Attivitajiet speċifiċi fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, tar-rappurtar finanzjarju u tal-verifika*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 7 650 000 | 7 600 000 | 7 500 000 | 5 443 506 | 7 350 000,00 | 6 998 516,00 |

*Kummenti*

L-għan ġenerali ta' dan il-programm huwa li jittejbu l-kundizzjonijiet għat-tħaddim tas-suq intern billi jkunu appoġġati l-ħidmiet, l-attivitajiet u l-azzjonijiet ta' ċerti korpi fl-oqsma tas-servizzi finanzjarji, tar-rappurtar finanzjarju u tal-verifika.

Il-finanzjament tal-Unjoni huwa essenziali sabiex tkun żgurata s-superviżjoni effiċjenti u effettiva tas-suq intern fis-servizzi finanzjarji, b'mod partikulari minħabba l-kriżi finanzjarja ta' dan l-aħħar.

Il-programm ikopri l-attivitajiet li ġejjin:

(a) attivitajiet li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' politika tal-Unjoni mmirata lejn il-konverġenza superviżorja, b'mod partikulari permezz tat-taħriġ tal-persunal tal-awtoritajiet nazzjonali tas-superviżjoni u permezz tal-ġestjoni ta' proġetti tat-teknoloġija tal-informatika fil-qasam tas-servizzi finanzjarji;

(b) attivitajiet li jiżviluppaw jew li jagħtu kontribut għall-iżvilupp ta' standards, li japplikaw, jivvalutaw jew jimmonitorjaw l-

istandards jew li jissorveljaw il-proċessi tal-iffissar tal-istandards b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tar-rappurtar finanzjarju u tal-verifika.

*Bażi ġuridika*

Deċiżjoni Nru 716/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li tistabbilixxi programm Komunitarju għall-appoġġ ta' attivitajiet speċifiċi fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, tar-rappurtar finanzjarju u l-verifika (ĠU L 253, 25.9.2009, p. 8).

## *Artikolu 12 04 02 — L-Awtorità Bankarja Ewropea*

### Partita 12 04 02 01 — L-Awtorità Bankarja Ewropea — Kontribuzzjoni għat-Titoli 1 u 2

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 7 474 000 | 7 274 000 | 7 099 000 | 7 099 000 | 3 956 600,00 | 3 956 600,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa amministrattiva u tal-persunal tal-Awtorità (it-Titoli 1 u 2).

L-Awtorità għandha tgħarraf lill-awtorità tal-baġit dwar it-trasferimenti tal-approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u dik amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Għal finijiet tat-tagħrif, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħlin għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li huma dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-għoti tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness imsejjaħ "Iż-Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li jifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 16 tar- Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Diċembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72)jikkostitwixxu dħul assenjat (l-Artikolu 18(1)(f) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Il-pjan ta' stabbiliment tal-Awtorità Bankarja Ewropea (l-ABE) huwa mogħti fil-parti Ċ tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul imsejħa "Il-persunal".

Meta wieħed iqis it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu, kif ukoll l-Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Bankarja Ewropea), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-Awtorità Superviżorja Ewropea hija parti minn Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji (SESF). L-objettiv ewlieni tas-SESF huwa li tiżgura li r-regoli applikabbli għas-settur finanzjarju jiġu implimentati b'mod adegwat biex tiġi ppreservata l-istabilità finanzjarja u li tiżgura l-fiduċja fis-sistema finanzjarja kollha kemm hi u biżżejjed ħarsien għall-klijenti tas-servizzi finanzjarji.

*Bażi ġuridika*

Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

### Partita 12 04 02 02 — L-Awtorità Bankarja Ewropea — Kontribuzzjoni għat-Titolu 3

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 1 071 000 | 1 071 000 | 1 200 000 | 1 200 000 | 1 116 400,00 | 1 116 400,00 |

*Kummenti*

Meta wieħed iqis it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu, kif ukoll l-Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Bankarja Ewropea), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-Awtorità Superviżorja Ewropea hija parti minn Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji (SESF). L-objettiv ewlieni tas-SESF huwa li tiżgura li r-regoli applikabbli għas-settur finanzjarju jiġu implimentati b'mod adegwat biex tiġi ppreservata l-istabilità finanzjarja u li tiżgura l-fiduċja fis-sistema finanzjarja kollha kemm hi u biżżejjed ħarsien għall-klijenti tas-servizzi finanzjarji.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa operazzjonali tal-Awtorità marbuta mal-programm ta' ħidma (it-Titolu 3).

L-Awtorità għandha tgħarraf lill-awtorità tal-baġit dwar it-trasferimenti tal-approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u dik amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Għal finijiet tat-tagħrif, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħlin għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li huma dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-għoti tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness imsejjaħ "Iż-Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li jifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002 jikkostitwixxu dħul assenjat (l-Artikolu 18(1)(f) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2013 tammonta għal total ta' EUR 9 672 000. Amont ta' EUR 1 327 000, li jikkorrispondi mal-irkupru tal-eċċess li jinbet mill-kontribuzzjoni tal-Unjoni fl-2011, jiżdied mal-ammont ta' EUR 8 354 000 imdaħħal fil-baġit.

*Bażi ġuridika*

Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

## *Artikolu 12 04 03 — L-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u tal-Pensjonijiet tax-Xogħol*

### Partita 12 04 03 01 — L-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u tal-Pensjonijiet tax-Xogħol — Kontribuzzjoni għat-Titoli 1 u 2

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 4 809 000 | 4 509 000 | 5 070 000 | 5 070 000 | 3 098 600,00 | 3 098 600,00 |

*Kummenti*

Meta wieħed iqis it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu, kif ukoll l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u tal-Pensjonijiet tax-Xogħol), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1094/2010, l-Awtorità Superviżorja Ewropea hija parti minn Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji (SESF). L-objettiv ewlieni tas-SESF huwa li tiżgura li r-regoli applikabbli għas-settur finanzjarju jiġu implimentati b'mod adegwat biex tiġi ppreservata l-istabilità finanzjarja u li tiżgura l-fiduċja fis-sistema finanzjarja kollha kemm hi u biżżejjed ħarsien għall-klijenti tas-servizzi finanzjarji.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa amministrattiva u tal-persunal tal-Awtorità (it-Titoli 1 u 2).

L-Awtorità għandha tgħarraf lill-awtorità tal-baġit dwar it-trasferimenti tal-approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u dik amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Għal finijiet tat-informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħlin għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li huma dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-għoti tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness imsejjaħ "Iż-Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li jifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002 jikkostitwixxu dħul assenjat (l-Artikolu 18(1)(f) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Il-pjan ta' stabbiliment tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u tal-Pensjonijiet tax-Xogħol (l-AEAPX) huwa mogħti fil-parti Ċ tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul imsejħa "Il-persunal".

*Bażi ġuridika*

Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).

## Partita 12 04 03 02 — L-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u tal-Pensjonijiet tax-Xogħol — Kontribuzzjoni għat-Titolu 3

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 1 029 000 | 1 029 000 | 1 192 000 | 1 192 000 | 1 168 400,00 | 1 168 400,00 |

*Kummenti*

Meta wieħed iqis it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu, kif ukoll l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u tal-Pensjonijiet tax-Xogħol), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1094/2010, l-Awtorità Superviżorja Ewropea hija parti minn Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji (SESF). L-objettiv ewlieni tas-SESF huwa li tiżgura li r-regoli applikabbli għas-settur finanzjarju jiġu implimentati b'mod adegwat biex tiġi ppreservata l-istabilità finanzjarja u li tiżgura l-fiduċja fis-sistema finanzjarja kollha kemm hi u biżżejjed ħarsien għall-klijenti tas-servizzi finanzjarji.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa operazzjonali tal-Awtorità marbuta mal-programm ta' ħidma (it-Titolu 3).

L-Awtorità għandha tgħarraf lill-awtorità tal-baġit dwar it-trasferimenti tal-approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u dik amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Għal finijiet tat-informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħlin għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li huma dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-għoti tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness imsejjaħ "Iż-Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li jifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002 jikkostitwixxu dħul assenjat (l-Artikolu 18(1)(f) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2013 tammonta għal total ta' EUR 6 660 000. Amont ta' EUR 1 122 000, li jikkorrispondi mal-irkupru tal-eċċess li jinbet mill-kontribuzzjoni tal-Unjoni fl-2011, jiżdied mal-ammont ta' EUR 5 538 000 imdaħħal fil-baġit.

*Bażi ġuridika*

Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).

### *Artikolu 12 04 04 — L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq*

#### Partita 12 04 04 01 — L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq — Kontribuzzjoni għat-Titoli 1 u 2

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 5 433 000 | 5 433 000 | 5 838 477 | 5 838 477 | 5 264 000,00 | 5 264 000,00 |

*Kummenti*

Meta wieħed iqis it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu, kif ukoll l-Awtorità Superviżorja Ewropea (L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1095/2010, l-Awtorità Superviżorja Ewropea hija parti minn Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji (SESF). L-objettiv ewlieni tas-SESF huwa li tiżgura li r-regoli applikabbli għas-settur finanzjarju jiġu implimentati b'mod adegwat biex tiġi ppreservata l-istabilità finanzjarja u li tiżgura l-fiduċja fis-sistema finanzjarja kollha kemm hi u biżżejjed ħarsien għall-klijenti tas-servizzi finanzjarji.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa amministrattiva u tal-persunal tal-Awtorità (it-Titoli 1 u 2).

L-Awtorità għandha tgħarraf lill-awtorità tal-baġit dwar it-trasferimenti tal-approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u dik amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f’din il-partita. Għal finijiet tat-tagħrif, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħlin għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li huma dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-għoti tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness imsejjaħ “Iż-Żona Ekonomika Ewropea” ta’ din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta’ din it-taqsima, li jifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002 jikkostitwixxu dħul assenjat (l-Artikolu 18(1)(f) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Il-pjan ta’ stabbiliment tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (l-ESMA) huwa mogħti fil-Parti bit-titolu 'Pjan ta' Stabbiliment Persunal' tat-Taqsima III - Kummissjoni (Volum 3).

*Bażi ġuridika*

Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta’ Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

#### Partita 12 04 04 02 — L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq — Kontribuzzjoni għat-Titolu 3

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 1 200 000 | 1 200 000 | 1 281 523 | 1 281 523 | 1 520 000,00 | 1 520 000,00 |

*Kummenti*

Meta wieħed iqis it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu, kif ukoll l-Awtorità Superviżorja Ewropea (L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1095/2010, l-Awtorità Superviżorja Ewropea hija parti minn Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji (SESF). L-objettiv ewlieni tas-SESF huwa li tiżgura li r-regoli applikabbli għas-settur finanzjarju jiġu implimentati b'mod adegwat biex tiġi ppreservata l-istabilità finanzjarja u li tiżgura l-fiduċja fis-sistema finanzjarja kollha kemm hi u biżżejjed ħarsien għall-klijenti tas-servizzi finanzjarji.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa operazzjonali tal-Awtorità marbuta mal-programm ta’ ħidma (it-Titolu 3).

L-Awtorità għandha tgħarraf lill-awtorità tal-baġit dwar it-trasferimenti tal-approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u dik amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu

u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Għal finijiet tat-tagħrif, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħlin għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li huma dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-għoti tal-approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness imsejjaħ "Iż-Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li jifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002 jikkostitwixxu dħul assenjat (l-Artikolu 18(1)(f) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2013 tammonta għal total ta' EUR 8 357 400. Amont ta' EUR 1 724 400, li jikkorrispondi mal-irkupru tal-eċċess li jinbet mill-kontribuzzjoni tal-Unjoni fl-2011, jiżdied mal-ammont ta' EUR 6 633 000 imdaħħal fil-baġit.

*Bażi ġuridika*

Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

# TITOLU 13 — POLITIKA REĠJONALI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 13 01 | Nefqa Amministrativa tal-qasam tal-'Politika Reġjonali' | | 89 883 386 | 89 883 386 | 89 624 810 | 89 624 810 | 86 609 307,40 | 86 609 307,40 |
| | 40 01 40 | | | | 16 463<br>89 641 273 | 16 463<br>89 641 273 | | |
| 13 03 | Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u operat reġjonali ieħor | 1 | 30 390 578 699 | 28 190 134 163 | 29 611 464 423 | 26 235 431 887 | 28 699 290 053,43 | 25 840 063 410,00 |
| 13 04 | Fond ta' Koeżjoni | 1 | 12 350 000 000 | 9 672 000 000 | 11 788 814 578 | 8 757 388 636 | 11 020 238 878,86 | 6 450 271 953,00 |
| 13 05 | Operat ta' qabel l-adeżjoni relatat mal-politiki strutturali | | 549 770 452 | 606 200 000 | 555 341 668 | 455 543 710 | 486 621 159,00 | 351 405 253,00 |
| 13 06 | Fond ta' Solidarjetà | | p.m. | p.m. | 18 061 682 | 18 061 682 | 201 935 540,00 | 268 827 080,00 |
| | **Titolu 13 — Total** | | **43 380 232 537** | **38 558 217 549** | **42 063 307 161** | **35 556 050 725** | **40 494 694 938,69** | **32 997 177 003,40** |
| | **40 01 40**<br>**Total + riżerva** | | | | **16 463**<br>**42 063 323 624** | **16 463**<br>**35 556 067 188** | | |

# KAPITOLU 13 01 — NEFQA AMMINISTRATIVA TAL-QASAM TAL-'POLITIKA REĠJONALI'

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 13 01 | Nefqa Amministrativa tal-qasam tal-'Politika Reġjonali' | | | | | |
| ***13 01 01*** | ***Nefqa konnessa mal-persunal li huma impjegati attivament fil-qasam tal-'Politika Reġjonali'*** | 5 | 60 311 948 | 59 156 818 | 59 468 688,13 | 98,60 % |
| ***13 01 02*** | ***Nefqa għal persunal estern u nefqa oħra relatata mat-tmexxija li hija konnessa mal-qasam tal-'Politika Reġjonali'*** | | | | | |
| 13 01 02 01 | Staff estern | 5 | 2 105 270 | 2 137 197 | 2 532 676,52 | 120,30 % |
| 13 01 02 11 | Nefqa oħra relatata mat-tmexxija | 5 | 3 101 813 | 3 094 285 | 3 398 608,09 | 109,57 % |
| | 40 01 40 | | | 16 463<br>3 110 748 | | |
| | *Artikolu 13 01 02 — Sub-total* | | 5 207 083 | 5 231 482 | 5 931 284,61 | 113,91 % |
| | *40 01 40* | | | 16 463<br>5 247 945 | | |
| ***13 01 03*** | ***In-nefqa relatata mat-tagħmir u s-servizzi tat-Teknoloġija tal-Informatika u l-Komunikazzjoni tal-qasam ta' politika tal-"Politika Reġjonali"*** | 5 | 3 748 355 | 3 777 060 | 4 472 648,98 | 119,32 % |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| ***13 01 04*** | ***Nefqa ta' appoġġ għall-operazzjonijiet għall-qasam tal-'Politika Reġjonali'*** | | | | | |
| 13 01 04 01 | Fond Ewropew ta' Żvilupp Reġjonali (FEŻR) — Nefqa fuq ġestjoni amministrattiva | 1.2 | 11 300 000 | 11 600 000 | 9 373 091,67 | 82,95 % |
| 13 01 04 02 | Strument ta' Assistenza Qabel l-Adeżjoni (IPA) — Komponenti ta' Żvilupp Reġjonali — Neqfa fuq il-ġestjoni amministrattiva | 4 | 5 116 000 | 5 659 450 | 3 333 485,00 | 65,16 % |
| 13 01 04 03 | Fond ta' Koeżjoni (FK) — Nefqa fuq ġestjoni amministrattiva | 1.2 | 4 200 000 | 4 200 000 | 4 030 109,01 | 95,95 % |
| | *Artikolu 13 01 04 — Sub-total* | | 20 616 000 | 21 459 450 | 16 736 685,68 | 81,18 % |
| | **Kapitolu 13 01 — Total** | | **89 883 386** | **89 624 810** | **86 609 307,40** | **96,36 %** |
| | **40 01 40** | | | **16 463** | | |
| | **Total + riżerva** | | | **89 641 273** | | |

# *Artikolu 13 01 01 — Nefqa konnessa mal-persunal li huma impjegati attivament fil-qasam tal-'Politika Reġjonali'*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 60 311 948 | 59 156 818 | 59 468 688,13 |

# *Artikolu 13 01 02 — Nefqa għal persunal estern u nefqa oħra relatata mat-tmexxija li hija konnessa mal-qasam tal-'Politika Reġjonali'*

## Partita 13 01 02 01 — Staff estern

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 2 105 270 | 2 137 197 | 2 532 676,52 |

## Partita 13 01 02 11 — Nefqa oħra relatata mat-tmexxija

*Figuri*

| | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|
| 13 01 02 11 | 3 101 813 | 3 094 285 | 3 398 608,09 |
| 40 01 40 | | 16 463 | |
| Total | 3 101 813 | 3 110 748 | 3 398 608,09 |

# *Artikolu 13 01 03 — In-nefqa relatata mat-tagħmir u s-servizzi tat-Teknoloġija tal-Informatika u l-Komunikazzjoni tal-qasam ta' politika tal-"Politika Reġjonali"*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 3 748 355 | 3 777 060 | 4 472 648,98 |

## *Artikolu 13 01 04 — Nefqa ta' appoġġ għall-operazzjonijiet għall-qasam tal-'Politika Reġjonali'*

### Partita 13 01 04 01 — Fond Ewropew ta' Żvilupp Reġjonali (FEŻR) — Nefqa fuq ġestjoni amministrattiva

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 11 300 000 | 11 600 000 | 9 373 091,67 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-għajnuna teknika ffinanzjata mill-FEŻR prevista fl-Artikolu 45 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006. L-għajnuna teknika tista' tiffinanzja l-miżuri ta' tħejjija, monitoraġġ, appoġġ amministrattiv u tekniku, valutazzjoni, kontroll finanzjarju u sorveljanza meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament.

Tista', b'mod partikolari, tintuża biex tkopri:

— nefqa ta' appoġġ (spejjeż ta' rappreżentanza, taħriġ, laqgħat, missjonijiet, traduzzjonijiet),

— nefqa għall-informazzjoni u l-pubblikazzjoni,

— nefqa għat-teknoloġija tal-informatika u telekomunikazzjoni,

— kuntratti għall-provvista ta' servizzi,

— nefqa fuq il-persunal estern fil-kwartieri ġenerali (aġenti b'kuntratt, esperti nazzjonali sekondati jew persunal tal-aġenzija) sa EUR 3 060 000.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

### Partita 13 01 04 02 — Strument ta' Assistenza Qabel l-Adeżjoni (IPA) — Komponenti ta' Żvilupp Reġjonali — Neqfa fuq il-ġestjoni amministrattiva

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 5 116 000 | 5 659 450 | 3 333 485,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-għajnuna teknika tal-Istrument ta' Qabel l-Adeżjoni prevista fl-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82):

— in-nefqa finanzjarja marbuta mal-preparazzjoni, il-valutazzjoni, l-approvazzjoni, is-segwitu, il-kontroll, il-verifika finanzjarja u l-evalwazzjoni tal-programmi multiannwali u/jew l-operat u l-proġetti individwali li jaqgħu taħt il-komponent tal-iżvilupp reġjonali tal-IPA. Dawn l-azzjonijiet jistgħu jinkludu kuntratti ta' għajnuna teknika, studji, għarfien espert li jifrex fuq medda qasira ta' żmien, laqgħat, skambji tal-esperjenzi, netwerking, okkażjonijiet ta' informazzjoni u riklami u ħolqien ta' sensibilizzazzjoni, attivitajiet u pubblikazzjonijiet ta' taħriġ marbuta direttament mal-kisba tal-għan tal-programm u kwalunkwe miżura oħra ta' sostenn imwettqa fil-livell tas-servizzi ċentrali tal-Kummissjoni jew id-Delegazzjonijiet fil-pajjiżi benefiċjarji;

— in-nefqa għal għajnuna teknika u amministrattiva li ma tinvolvix kompiti ta' awtorità pubblika maħruġa b'kuntratt estern mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc* għall-benefiċċju tal-pajjiżi benefiċjarji u l-Kummissjoni,

— in-nefqa għall-persunal estern fid-delegazzjonijiet (aġenti b'kuntratt, aġenti lokali jew esperti nazzjonali ssekondati) għall-iskopijiet tal-programm devolut ta' ġestjoni fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni f'pajjiżi terzi jew għall-internalizzazzjoni tal-ħidmiet ta' uffiċċji ta' għajnuna teknika gradwalment imneħħija, kif ukoll l-ispiża ta' loġistika u ta' infrastruttura addizzjonali, bħall-ispiża tat-taħriġ, il-laqgħat, il-missjonijiet, it-teknoloġija tal-informazzjoni u t-telekomunikazzjoni u tal-kiri direttament ikkawżati

mill-preżenza fid-delegazzjoni ta' persunal estern remunerat mill-approprjazzjonijiet ta' din il-partita,

- l-istallazzjoni, l-operat u l-interkonnessjoni ta' sistemi kompjuterizzati għall-ġestjoni, l-ispezzjoni u l-evalwazzjoni,
- titjib fil-metodi ta' evalwazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni dwar prassi f'dan il-qasam,

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tappoġġa t-tagħlim amministrattiv kif ukoll il-kooperazzjoni mal-NGOs u s-sħab soċjali.

Din l-approprjazzjoni tkopri nefqa amministrattiva skont il-Kapitolu 13 05.

## Partita 13 01 04 03 — Fond ta' Koeżjoni (FK) — Nefqa fuq ġestjoni amministrattiva

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 4 200 000 | 4 200 000 | 4 030 109,01 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-għajnuna teknika tal-Fond ta' Koeżjoni prevista fl-Artikolu 45 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006. L-għajnuna teknika tista' tiffinanzja l-miżuri ta' tħejjija, monitoraġġ, appoġġ amministrattiv u tekniku, evalwazzjoni, verifika finanzjarja u spezzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament.

Tista', b'mod partikolari, tintuża biex tkopri:

- nefqa ta' appoġġ (spejjeż ta' rappreżentanza, taħriġ, laqgħat, missjonijiet, traduzzjonijiet),
- nefqa għall-informazzjoni u l-pubblikazzjoni,
- nefqa għat-teknoloġija tal-informatika u telekomunikazzjoni,
- kuntratti għall-provvista ta' servizzi,
- nefqa fuq il-persunal estern fil-kwartieri ġenerali (aġenti b'kuntratt, esperti nazzjonali sekondati jew persunal tal-aġenzija) sa EUR 1 340 000.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 210, 31.7.2006), p. 25).

Ir-Regolament (KE) Nru 1084/2006 tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 79).

# KAPITOLU 13 03 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI U OPERAT REĠJONALI IEĦOR

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 13 03 | Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u operat reġjonali ieħor | | | | | | | | |
| ***13 03 01*** | ***It-Tlestija tal-Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (ERDF) — Objettiv 1 (2000 sa 2006)*** | 1.2 | p.m. | 618 000 000 | p.m. | 1 200 000 000 | 0,— | 1 205 703 487,67 | 195,10 % |
| ***13 03 02*** | ***Tlestija tal-programm speċjali għall-PEACE u r-rikonċiljazzjoni fl-Irlanda ta' Fuq u l-kontej tal-fruntiera tal-Irlanda (2000 sa 2006)*** | 1.2 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | |
| ***13 03 03*** | ***It-Tlestija tal-Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (ERDF) — Objettiv 1 (qabel l-2000)*** | 1.2 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | |
| ***13 03 04*** | ***It-Tlestija tal-Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (ERDF) — Objettiv 2 (2000 sa 2006)*** | 1.2 | p.m. | 62 000 000 | p.m. | 145 596 619 | 0,— | 221 104 965,69 | 356,62 % |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *13 03 05* | *It-Tlestija tal-Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (ERDF) — Objettiv 2 (qabel l-2000)* | 1.2 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | |
| *13 03 06* | *Tlestija ta' Urban (2000 sa 2006)* | 1.2 | p.m. | 3 000 000 | p.m. | 10 000 000 | 0,— | 13 580 784,49 | 452,69 % |
| *13 03 07* | *Tlestija ta' programmi preċedenti — Inizjattivi tal-UE (qabel l-2000)* | 1.2 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | |
| *13 03 08* | *It-Tlestija tal-Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (ERDF) — Għajnuna teknika u miżuri innovattivi (2000 sa 2006)* | 1.2 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 1 388 614,20 | |
| *13 03 09* | *It-Tlestija tal-Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (ERDF) — Għajnuna teknika u miżuri innovattivi (qabel l-2000)* | 1.2 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | |
| *13 03 12* | *Kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-Fond Internazzjonali għall-Irlanda* | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | 13 608 766 | 0,— | 15 000 000,00 | |
| *13 03 13* | *Tlestija tal-inizjattiva tal-Komunità Interreg III (2000 sa 2006)* | 1.2 | p.m. | 42 000 000 | p.m. | 90 000 000 | 0,— | 16 382 485,44 | 39,01 % |
| *13 03 14* | *Appoġġ għar-reġjuni fuq il-fruntiera ma' pajjiżi kandidati — Tlestija ta' programmi ta' qabel (2000 sa 2006)* | 1.2 | p.m. | p.m. | — | — | | | |
| *13 03 16* | *Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (ERDF) — Konverġenza* | 1.2 | 25 081 705 801 | 22 933 000 000 | 24 398 779 141 | 20 603 000 000 | 23 589 013 386,00 | 19 252 298 369,57 | 83,95 % |
| *13 03 17* | *Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (ERDF) — PEACE* | 1.2 | 34 060 138 | 45 000 000 | 33 392 292 | 40 000 000 | 32 737 542,00 | 35 766 100,95 | 79,48 % |
| *13 03 18* | *Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (ERDF) — Kompetittività Reġjonali u impjiegi* | 1.2 | 4 022 082 950 | 3 490 000 000 | 3 946 682 563 | 3 400 965 947 | 3 875 763 242,00 | 4 134 845 386,00 | 118,48 % |
| *13 03 19* | *Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (ERDF) — Koperazzjoni Territorjali Ewropea* | 1.2 | 1 202 729 810 | 952 000 000 | 1 168 910 427 | 685 160 555 | 1 147 093 337,00 | 897 806 562,26 | 94,31 % |
| *13 03 20* | *Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (ERDF) — Assistenza Teknika operattiva* | 1.2 | 50 000 000 | 40 000 000 | 50 000 000 | 35 000 000 | 45 616 031,04 | 35 640 715,30 | 89,10 % |
| *13 03 21* | *Proġett pilota: Koordinazzjoni pan-Ewropea tal-metodi ta' integrazzjoni tar-Roma* | 1.2 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 2 234 182,01 | |
| *13 03 22* | *Proġett pilota — Erasmus għal rappreżentanti lokali u reġjonali eletti* | 1.2 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | |
| *13 03 23* | *Proġett pilota — It-tisħiħ tal-koperazzjoni reġjonali u lokali permezz tal-promozzjoni u l-politika reġjonali tal-Unjoni fuq skala globali* | 1.2 | p.m. | 92 000 | p.m. | p.m. | 0,— | 681 939,68 | 741,24 % |
| *13 03 24* | *Azzjoni ta' tħejjija — Il-promozzjoni ta' ambjent aktar favorevoli għall-mikrokreditu fl-Ewropa* | 1.2 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 4 920 000,00 | |
| *13 03 26* | *Proġett Pilota — Riġenerazzjoni sostenibbli tas-subborgi* | 1.2 | p.m. | 142 163 | 500 000 | 500 000 | 473 875,00 | 0,— | |
| *13 03 27* | *Azzjoni ta' tħejjija - RURBAN - Sħubija għal żvilupp sostenibbli rurali u fil-bliet* | 1.2 | p.m. | p.m. | p.m. | 1 000 000 | 960 896,50 | 256 798,98 | |
| *13 03 28* | *Azzjoni ta' tħejjija — It-tisħiħ tal-koperazzjoni reġjonali u lokali permezz tal-promozzjoni u l-politika reġjonali tal-Unjoni fuq skala globali* | 1.2 | p.m. | 1 500 000 | 2 000 000 | 2 000 000 | 2 000 000,00 | 83 675,34 | 5,58 % |
| *13 03 29* | *Azzjoni ta' tħejjija — Id-definizzjoni ta' mudell ta' Governanza għar-Reġjun tal-Unjoni Ewropea tad-Danubju — kordinament aħjar u effettiv* | 1.2 | p.m. | 400 000 | 1 500 000 | 1 500 000 | 1 499 380,89 | 479 596,42 | 119,90 % |
| *13 03 30* | *Proġett Pilota — Lejn identità reġjonali komuni, rikonċiljazzjoni tan-nazzjonijiet u kooperazzjoni ekonomika u soċjali inkluża Pjattaforma Pan-Ewropea għall-Għarfien u l-Eċċellenza fil-makro-reġjun tad-Danubju* | 1.2 | p.m. | 600 000 | 2 000 000 | 2 000 000 | 2 000 000,00 | 680 000,00 | 113,33 % |
| *13 03 31* | *Assistenza teknika u tixrid ta' informazzjoni dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku u għarfien imtejjeb tal-istrateġija tal-makroreġjuni* | 1.2 | p.m. | 500 000 | 2 500 000 | 2 500 000 | 2 132 363,00 | 1 209 746,00 | 241,95 % |
| *13 03 32* | *Azzjoni ta'tħejjija dwar Forum tal-Atlantiku għall-Istrateġija Atlantika tal-Unjoni Ewropea* | 1.2 | p.m. | 600 000 | 1 200 000 | 600 000 | | | |
| *13 03 33* | *Azzjoni ta' tħejjija — Appoġġ għal Mayotte, jew għal kwalunkwe territorju ieħor potenzjalment ikkonċernat fil-proċess lejn l-istatus ta' reġjun ultraperiferiku* | 1.2 | p.m. | 600 000 | 2 000 000 | 1 000 000 | | | |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *13 03 34* | ***Azzjoni ta' tħejjija — Erasmus għal rappreżentanti lokali u reġjonali eletti*** | 1.2 | p.m. | 700 000 | 2 000 000 | 1 000 000 | | | |
| *13 03 40* | ***Strument għall-qsim tar-riskju ffinanzjat mill-pakkett ta' konverġenza tal-FEŻR*** | 1.2 | p.m. | p.m. | | | | | |
| *13 03 41* | ***Strument għall-qsim tar-riskju ffinanzjat mill-pakkett tal-kompetittività reġjonali u l-impjiegi tal-FEŻR*** | 1.2 | p.m. | p.m. | | | | | |
| | **Kapitolu 13 03 — Total** | | **30 390 578 699** | **28 190 134 163** | **29 611 464 423** | **26 235 431 887** | **28 699 290 053,43** | **25 840 063 410,00** | **91,66 %** |

*Kummenti*

L-Artikolu 39 tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999 jipprovdi għall-korrezzjonijiet finanzjarji li kull dħul tagħhom jiddaħħal fil-Partita 6 5 0 0 tal-prospett tad-dħul. Dan id-dħul jista' jintuża biex jipprovdi approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 fir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1) f'każijiet speċifiċi meta huma meħtieġa li jkopru r-riskju tal-korrezzjonijiet adottati qabel li jkunu mħassra jew mnaqqsaProposta tal-Kummissjoni COM(2004) 492 finali tal-14 ta' Lulju 2004 tipprovdi għal korrezzjonijiet finanzjarji għall-perjodu 2007-2013.

Ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 jippreskrivi l-kondizzjonijiet għall-ħlas lura tal-pagamenti akkont li ma jkollux l-effett tat-tnaqqis tal-kontribuzzjoni mill-Fondi Strutturali għall-operazzjoni kkonċernata.Kull dħul ġej mill-ħlas lura ta' pagamenti akkont mdaħħal fil-Partita 6 1 5 7 tal-prospett tad-dħul jintużaw biex jipprovdu approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikoli 18 u 157 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002. Il-Proposta tal-Kummissjoni COM(2004) 492 finali tal-14 ta' Lulju 2004 tipprovdi għall-kondizzjonijiet ta' ħlas lura ta' pre-finanzjament għall-perjodu 2007-2013.

Miżuri kontra l-frodi huma finanzjati skont l-Artikolu 24 02 01.

*Bażi ġuridika*

Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 158, 159 u 161 tiegħu;

Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 174, 175 u 177 tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

*Atti ta' referenza*

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Berlin tal-24 u 25 ta' Marzu 1999.

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell tal-15 u s-16 ta' Diċembru 2005.

## *Artikolu 13 03 01 — It-Tlestija tal-Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (ERDF) — Objettiv 1 (2000 sa 2006)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 618 000 000 | p.m. | 1 200 000 000 | 0,— | 1 205 703 487,67 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji tal-Objettiv 1 tal-ERDF li għad iridu jitħallsu mill-perjodu ta' ipprogrammar 2000 sal-2006.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1783/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 1999 dwar il-Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 213, 13.8.1999, p. 1).

## *Artikolu 13 03 02 — Tlestija tal-programm speċjali għall-PEACE u r-rikonċiljazzjoni fl-Irlanda ta' Fuq u l-kontej tal-fruntiera tal-Irlanda (2000 sa 2006)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni għandha l-għan li tkopri l-finanzjament tal-impenji li fadal li jiġu konklużi għall-perjodu 2000 sa 2006 għall-programm speċjali għall-PEACE u r-rikonċiljazzjoni fl-Irlanda ta' Fuq u l-kontej konfinali tal-Irlanda. Il-programm speċjali għall-PEACE u r-rikonċiljazzjoni tkompla, skont id-deċiżjonijiet imsemmija hawn taħt tal-Kunsill Ewropew ta' Berlin, biex jipprovdi EUR 500 000 000 (prezzijiet tal-1999) għall-perjodu l-ġdid tal-validità tal-programm (2000 sa 2004). Wara t-talba fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell fis-17 u t-18 ta' Ġunju 2004, EUR 105 000 000 addizzjonali, li għandhom jiġu allokati fl-2005 u l-2006, żdied sabiex jallinja l-operat taħt il-programm mal-programmi l-oħra li jaqgħu taħt il-Fond Strutturali li ġew fi tmiemhom fl-aħħar tal-2006. L-addizzjonalità għandha titħares b'mod sħiħ. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport annwali lill-Parlament Ewropew dwar din il-miżura.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jistipula dispożizzjonijiet ġenerali għall-Fondi Strutturali (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/501/KE tal-1 ta' Lulju 1999 li tistipula allokazzjoni indikattiva skont l-Istat Membru tal-approprjazzjonijiet għall-impennji għal Għan 1 tal-Fondi Strutturali għal medda ta' żmien bejn l-2000 u l-2006 (ĠU L 194, 27.7.1999, p. 49), u b'mod partikolari l-premessa 5 tagħha.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2001) 638 dwar l-approvazzjoni tal-għajnuna strutturali tal-Komunità għall-programm operattiv tal-UE għall-PEACE u r-Rikonċiljazzjoni (Il-Programm PEACE II) b'irbit mal-Objettiv 1 fl-Irlanda ta' Fuq (Ir-Renju Unit) u r-Reġjun ta' Fruntiera (L-Irlanda).

*Atti ta' referenza*

Il-Konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Marzu 1999 f'Berlin, u b'mod partikolari l-paragrafu 44(b).

Il-Konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tas-17 u t-18 ta' Ġunju 2004 li saret fi Brussel, u l-aktar il-paragrafu 49.

## *Artikolu 13 03 03 — It-Tlestija tal-Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (ERDF) — Objettiv 1 (qabel l-2000)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri l-finanzjament, mill-ERDF, ta' impenji li għad iridu jitħallsu mill-perjodi ta' pprogrammar ta' qabel l-2000 għal dawk li qabel kienu l-Objettivi 1 u 6.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2052/88 tal-24 ta' Ġunju dwar il-kompiti tal-Fondi Strutturali u l-effettività tagħhom u fuq il-koordinazzjoni tal-attivitiajiet tagħhom bejniethom u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew għall-Investiment u l-istrumenti finanzjarji l-oħra eżistenti (ĠU L 185, 15.7.1988, p. 9).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4253/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jistipola dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 dwar il-koordinazzjoni tal-attivitiajiet tagħhom bejniethom u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew għall-Investiment u l-istrumenti finanzjarji l-oħra eżistenti (ĠU L 374, 31.12.1988. p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4254/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jistipula dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-

Regolament (KEE) Nru 2052/88 fir-rigward tal-Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 374, 31.12.1988, p. 15).

Ir-Regolament (KE) Nru 1783/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 1999 dwar il-Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 213, 13.8.1999, p. 1).

## *Artikolu 13 03 04 — It-Tlestija tal-Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (ERDF) — Objettiv 2 (2000 sa 2006)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 62 000 000 | p.m. | 145 596 619 | 0,— | 221 104 965,69 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji tal-Objettiv 2 tal-ERDF li għad iridu jitħallsu mill-perjodu ta' programmazzjoni 2000 sal-2006.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1783/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 1999 dwar il-Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 213, 13.8.1999, p. 1).

## *Artikolu 13 03 05 — It-Tlestija tal-Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (ERDF) — Objettiv 2 (qabel l-2000)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament mit-tliet fondi (ERDF, ESF u t-Taqsima Gwida tal-EAGGF) ta' impenji li għadhom iridu jitħallsu mill-perjodi ta' pprogrammar ta' qabel l-2000 fir-rigward ta' dawk li kienu l-Objettivi 2 u 5(b).

*Bażi ġuridika*

I r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2052/88 tal-24 ta' Ġunju dwar il-kompiti tal-Fondi Strutturali u l-effettività tagħhom u fuq il-koordinazzjoni tal-attivitiajiet tagħhom bejniethom u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew għall-Investiment u l-istrumenti finanzjarji l-oħra eżistenti (ĠU L 185, 15.7.1988, p. 9).

I r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4253/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jistipola dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 dwar il-koordinazzjoni tal-attivitiajiet tagħhom bejniethom u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew għall-Investiment u l-istrumenti finanzjarji l-oħra eżistenti (ĠU L 374, 31.12.1988. p. 1).

I r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4254/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jistipula dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 fir-rigward tal-Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 374, 31.12.1988, p. 15).

Ir-Regolament (KE) Nru 1783/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 1999 dwar il-Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 213, 13.8.1999, p. 1).

## *Artikolu 13 03 06 — Tlestija ta' Urban (2000 sa 2006)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 3 000 000 | p.m. | 10 000 000 | 0,— | 13 580 784,49 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji tal-inizjattiva tal-Komunità URBAN II li għad iridu jitħallsu mill-perjodu ta' pprogrammar 2000-2006. Din l-Inizjattiva tal-Komunità kienet iffukata fuq ir-riġenerazzjoni ekonomika u soċjali tal-bliet u l-inħawi urbani fi kriżi bil-ħsieb li jiġi promoss l-iżvilupp sostenibbli urban.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1783/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 1999 dwar il-Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 213, 13.8.1999, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tat-28 April 2000 li tistabbilixxi linji ta' gwida għall-Inizjattiva Komunitarja li tirrigwarda r-riġenerazzjoni ekonomika u soċjali ta' bliet u ta' inħawi qrib fi kriżi sabiex tippromwovi żvilupp urban sostenibbli (URBAN II) (ĠU C 141, 19.5.2000, p. 8).

## *Artikolu 13 03 07 — Tlestija ta' programmi preċedenti — Inizjattivi tal-UE (qabel l-2000)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament ta' impenji li għad iridu jitħallsu mill-impenji ERDF marbuta ma' inizjattivi tal-Komunità ta' qabel l-2000.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2052/88 tal-24 ta' Ġunju dwar il-kompiti tal-Fondi Strutturali u l-effettività tagħhom u fuq il-koordinazzjoni tal-attivitiajiet tagħhom bejniethom u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew għall-Investiment u l-istrumenti finanzjarji l-oħra eżistenti (ĠU L 185, 15.7.1988, p. 9).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4253/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jistipola dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 dwar il-koordinazzjoni tal-attivitiajiet tagħhom bejniethom u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew għall-Investiment u l-istrumenti finanzjarji l-oħra eżistenti (ĠU L 374, 31.12.1988. p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4254/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jistipula dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 fir-rigward tal-Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 374, 31.12.1988, p. 15).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4255/88 tad-19 ta' Diċembru 1988 li jistabilixxi dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 fir-rigward tal-Fond Soċjali Ewropew (ĠU L 374, 31.12.1988, p. 21).

Ir-Regolament (KE) Nru 1783/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 1999 dwar il-Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 213, 13.8.1999, p. 1).

*Atti ta' referenza*

L-Avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri t-13 ta' Mejju 1992 li jistipula linji ta' gwida għal programmi tat-tmexxija li l-Istati Membri huma mistidena jistabbilixxu fi ħdan il-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja għar-reġjuni dipendenti qawwija fuq is-settur tat-tesssuti u ħwejjeġ (RETEX) (ĠU C 142, 4.6.1992, p. 5).

L-Avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri l-15 ta' Ġunju 1994 li jistipula linji ta' gwida għal sussidji globali jew programmi tat-

tmexxija integrati għal liema l-Istati Membri huma mistiedna jippreżentaw applikazzjonijiet għal għajnuna fi ħdan il-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja li tirrigwarda r-ristrutturazzjoni tas-settur tas-sajd (PESCA) (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 1).

L-Avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri l-15 ta' Ġunju 1994 li jistipula linji ta' gwida għal programmi tat-tmexxija li l-Istati Membri huma mistiedna jistabbilixxu fil-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja li tirrigwarda żoni urbani (URBAN) (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 6).

L-Avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri l-15 ta' Ġunju 1994 li jistipula linji ta' gwida għal programmi tat-tmexxija jew sussidji globali li huma mistiedna jipproponu fil-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja li tikkonċerna l-addattament tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju mas-suq waħdieni (Inizjattiva SMEs) (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 10).

L-Avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri l-15 ta' Ġunju 1994 li jistipula linji ta' gwida għall-Inizjattiva RETEX (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 17).

L-Avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri l-15 ta' Ġunju 1994 li jistipula linji ta' gwida għal programmi tat-tmexxija jew sussidji globali li l-Istati Membru huma mistiedna jistabbilixxu fil-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja li tirrigwarda l-konverżjoni tad-difiża (Konver) (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 18).

L-Avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri l-15 ta' Ġunju 1994 li jistipula linji ta' gwida għal programmi tat-tmexxija jew sussidji globali li l-Istati Membru huma mistiedna jistabbilixxu fil-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja li tirrigwarda konverżjoni ekonomika taż-żoni li jipproduċu l-azzar (Resider II) (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 22).

L-Avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri l-15 ta' Ġunju 1994 li jistipula linji ta' gwida għal programmi tat-tmexxija jew sussidji globali li l-Istati Membru huma mistiedna jistabbilixxu fil-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja li tirrigwarda l-konverżjoni ekonomika taż-żoni tal-minjieri tal-faħam (Rechar II) (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 26).

L-Avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri l-15 ta' Ġunju 1994 li jistipula linji ta' gwida għal programmi tat-tmexxija jew sussidji globali li l-Istati Membru huma mistiedna jipproponu fi ħdan il-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja 'Addattament tal-ħaddiema għall-bidla industrijali' (ADAPT) li għandha l-għan li tippromwovi l-impjieg u l-adattament tal-ħaddiema għall bidla industrijali (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 30).

L-Avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri l-15 ta' Ġunju 1994 li jistipula linji ta' gwida għal programmi tat-tmexxija jew sussidji globali li l-Istati Membru huma mistiedna jipproponu fi ħdan il-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja 'Impjieg u żvilupp tar-riżorsi umani, li għandha l-għan tippromwovi l-kobor tal-impjieg prinċipalment permezz tal-iżvilupp tar-riżorsi umani'(Employment) (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 36).

L-Avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tal-15 ta' Ġunju 1994 li jistipula linji ta' gwida għal programmi tat-tmexxija li l-Istati Membri huma mistiedna jistabbilixxu fil-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja li tirrigwarda r-reġjuni l-aktar remoti(REGIS II) (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 44).

L-Avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tal-15 ta' Ġunju 1994 2000 li jistipula linji ta' gwida għal sussidji globali jew porgrammi tat-tmexxija integrati għal liema l-Istati Membri huma mistiedna jippreżentaw applikazzjonijiet fi ħdan l-Inizjattiva Komunitarja għall-iżvilupp rurali (Leader II) (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 48).

L-Avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tal-15 ta' Ġunju 1994 2000 li jistipula linji ta' gwida għal programmi tat-tmexxija li l-Istati Membri huma mistiedna jistabbilixxu fil-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja li tirrigwarda l-iżvilupp tal-konfini, il-konfini min-naħa għall-oħra u netwerks magħżula tal-enerġija (Interreg II) (ĠU C 180, 1.7.1994, p. 60).

L-Avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tas-16 ta' Mejju 1995 li jistipula linji ta' gwida għal inizjattiva fil-qafas tal-programm ta' sostenn speċjali għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni fl-Irlanda ta' fuq u l-pajjiżi fil-fruntieri tal-Irlanda (PEACE I) (ĠU C 186,20.7.1995, p. 3).

Il-Komunikazzjoni lill-Istati Membri tat-8 ta' Mejju 1996 li tistipula linji ta' gwida għal programmi tat-tmexxija li l-Istati Membri huma mistiedna jistabbilixxu fil-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja li tirrgwarda żoni urbani (URBAN) (ĠU C 200, 10.7.1996, p. 4).

Il-Komunikazzjoni lill-Istati Membri tat-8 ta' Mejju 1996 li tistipula linji ta' gwida għal programmi tat-tmexxija jew sussidji globali li l-Istati Membri huma mistiedna jipproponu fi ħdan il-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja dwar l-impjieg u żvilupp tar-riżorsi umani, li għandha l-għan tippromwovi l-kobor tal-impjieg prinċipalment permezz tal-iżvilupp tar-riżorsi umani (ĠU C 200, 10.7.1996, p. 13).

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri t-8 ta' Mejju 1996 li tistipula linji ta' gwida għal programmi tat-tmexxija jew sussidji globali li l-Istati Membri huma mistiedna jipproponu fi ħdan il-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja li l-addattament tal-ħaddiema għall-bidla industrijali (ADAPT) li għandha l-għan li tippromwovi l-impjieg u l-adattament tal-ħaddiema għall bidla industrijali (ĠU C 200, 10.7.1996, p. 7).

L-Avviż tal-Kummissjoni lill-Istati Membri tal-8 ta' Mejju 1996 li jistipula linji ta' gwida għal programmi tat-tmexxija li l-Istati Membri huma mistiedna jistabbilixxu fil-qafas tal-Inizjattiva Komunitarja Interreg li tirrigwarda koperazzjoni transnazzjonali dwar l-ippjanar tal-ispazju (Interreg II C) (ĠU C 200, 10.7.1996, p. 23).

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta’ Novembru 1997 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta’ Novembru 1997 dwar il-programm ta’ sostenn speċjali għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni fl-Irlanda ta’ fuq u l-pajjiżi fil-fruntieri tal-Irlanda (1995 sal-1999) (PEACE I) (COM(1997)0642).

## *Artikolu 13 03 08 — It-Tlestija tal-Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (ERDF) — Għajnuna teknika u miżuri innovattivi (2000 sa 2006)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 1 388 614,20 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji ERDF għall-azzjonijiet innovattivi u l-għajnuna teknika li għad iridu jitħallsu mill-perjodu ta’ pprogrammar 2000-2006 kif hemm stipulat fl-Artikoli 22 u 23 tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999. Il-miżuri innovativi jinkludu studji, proġetti pilota u skambji ta’ esperjenza. Huma kienu maħsuba b’mod partikolari li jġibu titjib kwalitattiv fil-miżuri tal-Fond Strutturali. Għajnuna teknika tkopri miżuri ta’ tħejjija, monitoraġġ, valutazzjoni, superviżjoni u mmaniġġar meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-ERDF. L-approprjazzjoni tista’, b’mod partikolari, tkun użata biex tkopri:

- nefqa ta’ appoġġ (spejjeż ta’ rappreżentazzjoni, taħriġ, laqgħat, missjonijiet),
- nefqa għall-informazzjoni u l-pubblikazzjoni,
- nefqa għat-teknoloġija tal-informatika u telekomunikazzjonijiet,
- kuntratti għall-għoti ta’ servizzi u studji,
- għotjiet.

Din l-approprjazzjoni hija wkoll maħsuba biex tiffinanzja miżuri meħuda minn sħab fi tħejjija għall-perjodu ta’ pprogrammar li jmiss.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta’ Ġunju 1999 li jistipula dispożizzjonijiet ġenerali għall-Fondi Strutturali (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 1).

Regolament (KE) Nru 1783/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Lulju 1999 dwar il-Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 213, 13.8.1999, p. 1).

## *Artikolu 13 03 09 — It-Tlestija tal-Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (ERDF) — Għajnuna teknika u miżuri innovattivi (qabel l-2000)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlas ta’ impenji magħmula, f’perjodi aktar bikrija ta’ programmazzjoni ta’ qabel l-2000, mill-ERDF fir-rigward ta’ miżuri innovativi, preparatorji, ta’ monitoraġġ jew valutazzjoni, u kull miżura ta’ għajnuna teknika provduta fir-Regolamenti kkonċernati. Tiffinanzja wkoll il-miżuri multiannwali ta’ qabel, b’mod partikolari dawk approvati u implimentati skont ir-Regolamenti hawn taħt imsemmija, li m’humiex koperti mill-objettivi prijoritarji tal-Fondi. Din l-approprjazzjoni tintuża wkoll jekk meħtieġa biex tkopri l-finanzjament meta l-approprjazzjonijiet tal-impenji korrispondenti m’humiex disponibbli għall-ipprogrammar għall-2000 sal-2006.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2088/85 tat-23 ta’ Lulju 1985 dwar programmi Mediterranji integrati (ĠU L 197, 27.7.1985, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2052/88 tal-24 ta’ Ġunju dwar il-kompiti tal-Fondi Strutturali u l-effettività tagħhom u fuq il-koordinazzjoni tal-attivitiajiet tagħhom bejniethom u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew għall-Investiment u l-istrumenti finanzjarji l-oħra eżistenti (ĠU L 185, 15.7.1988, p. 9).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4253/88 tad-19 ta’ Diċembru 1988 li jistipola dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 dwar il-koordinazzjoni tal-attivitiajiet tagħhom bejniethom u mal-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew għall-Investiment u l-istrumenti finanzjarji l-oħra eżistenti (ĠU L 374, 31.12.1988. p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4254/88 tad-19 ta’ Diċembru 1988 li jistipula dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 fir-rigward tal-Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 374, 31.12.1988, p. 15).

Ir-Regolament (KE) Nru 1783/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Lulju 1999 dwar il-Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 213, 13.8.1999, p. 1).

## *Artikolu 13 03 12 — Kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-Fond Internazzjonali għall-Irlanda*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | 13 608 766 | 0,— | 15 000 000,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kontribuzzjoni tal-UE għall-finanzjament tal-Fond Internazzjonali għall-Irlanda stabbilit fil-Ftehim Anglo-Irlandiż ta’ Novembru 1985 biex jippromwuovi l-progress ekonomiku u soċjali u jitħeġġu l-kuntatti, id-djalogu u r-rikonċiljazzjoni bejn il-popli tal-Irlanda.

L-attivitajiet skont il-Fond Internazzjonali għall-Irlanda jista’ jikkumplimenta u jappoġġa l-attivitajiet promossi mill-programm ta’ inizjattiva biex ikun megħjun il-proċess ta’ PEACE fiż-żewġ partijiet tal-Irlanda.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 177/2005 tal-24 ta’ Jannar 2005 dwar kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Komunità lill-Fond Internazzjonali għall-Irlanda (2005-2006) (ĠU L 30, 3.2.2005, p. 1).

Ir-Regolament (UE) Nru 1232/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 15 ta' Diċembru 2010 dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Unjoni Ewropea lill-Fond Internazzjonali għall-Irlanda (2007-2010) (ĠU L 346, 30.12.2010, p. 1).

## *Artikolu 13 03 13 — Tlestija tal-inizjattiva tal-Komunità Interreg III (2000 sa 2006)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 42 000 000 | p.m. | 90 000 000 | 0,— | 16 382 485,44 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri impenji li għad iridu jitħallsu skont l-inizjattiva tal-Komunità Interreg III dwar il-koperazzjoni bejn il-fruntieri, transnazzjonali u interreġjonali mill-perjodu ta’ programmazzjoni 2000 sal-2006.

Tingħata attenzjoni speċjali għall-attivitajiet bejn il-fruntieri, b’mod partikolari bil-għan ta’ koordinazzjoni aħjar mal-programmi Phare, Tacis, ISPA u MEDA.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri wkoll l-ispejjeż tal-kordinazzjoni tal-attivitajiet fil-qasam ta’ bejn il-fruntieri mobilità tax-xogħol u ħiliet. Tingħata attenzjoni xierqa għall-koperazzjoni mar-reġjun li qegħdin l-aktar ’il barra.

Dawn l-approprjazzjonijiet jistgħu jitgħaqqdu mal-approprjazzjonijiet ta’ koperazzjoni bejn il-fruntieri Phare għal proġetti komuni fil-fruntieri esterni tal-Unjoni.

Din l-approprjazzjoni għandha l-għan li tkopri inter alia ħidmiet ta’ tħejjija għal koperazzjoni lokali u reġjonali bejn l-Istati Membri l-qodma u ġodda u l-pajjiżi kandidati fl-oqsma tad-demokrazija u żvilupp soċjali u reġjonali.

*Bażi ġuridika*

Regolament (KE) Nru 1783/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Lulju 1999 dwar il-Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 213, 13.8.1999, p. 1).

*Atti ta’ referenza*

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta’ Settembru 2004 li tistabilixxi linji gwida għal inizjattiva tal-Komunità dwar koperazzjoni trans-Ewropea maħsuba biex tħeġġeġ l-iżvilupp armonjuż u bbilanċjat tat-territorju Ewropew (INTERREG III) (ĠU C 226, 10.9.2004, p. 2).

## *Artikolu 13 03 14 — Appoġġ għar-reġjuni fuq il-fruntiera ma’ pajjiżi kandidati — Tlestija ta’ programmi ta’ qabel (2000 sa 2006)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| p.m. | p.m. | — | — | |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji li għad iridu jitħallsu għal proġetti mill-perjodu ta’ pprogrammar 2000 sa 2006 fir-reġjuni fuq il-fruntiera ma’ pajjiżi kandidati b’konformità mar-regoli tal-inizjattiva tal-Komunità Interreg III marbuta mal-koperazzjoni bejn il-fruntieri, transnazzjonali u interreġjonali. Il-miżuri jqisu l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni fuq l-impatt tat-tkabbir fuq reġjuni fuq il-fruntiera ma’ pajjiżi kandidati ’Azzjoni tal-Komunità għar-reġjuni mal-fruntieri’.

## *Artikolu 13 03 16 — Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (ERDF) — Konverġenza*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 25 081 705 801 | 22 933 000 000 | 24 398 779 141 | 20 603 000 000 | 23 589 013 386,00 | 19 252 298 369,57 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-programmi taħt l-għan tal-FEŻR tal-konverġenza fil-perjodu ta' programmar 2007 sa 2013. Dan l-għan jimmira li jgħaġġel ir-ritmu tal-konverġenza tal-Istati Membri u r-reġjuni l-anqas żviluppati billi jtejjeb il-kondizzjonijiet għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi.

Parti minn din l-approprjazzjoni għandha l-għan li tintuża biex tindirizza d-diskrepanzi intrareġjonali sabiex tiżgura li l-istat tal-iżvilupp ġenerali ta' reġjun partikolari ma jaħbix iċ-ċikli ta' faqar u unitajiet territorjali żvantaġġjati.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta’ Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta’ Lulu 2006 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

## *Artikolu 13 03 17 — Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (ERDF) — PEACE*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 34 060 138 | 45 000 000 | 33 392 292 | 40 000 000 | 32 737 542,00 | 35 766 100,95 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-programm PEACE taħt l-objettiv ta' koperazzjoni territorjali Ewropea tal-ERDF.

Il-programm PEACE għandu jiġi implimentat bħala programm ta' koperazzjoni bejn il-fruntieri fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(2)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.

Il-programm PEACE għandu jippromwovi l-istabilità soċjali u ekonomika fir-reġjuni kkonċernati, inklużi b'mod partikolari azzjonijiet ta' promozzjoni ta' koeżjoni bejn il-komunitajiet. Iż-żona eliġibbli għandha tkun l-Irlanda ta' Fuq kollha u l-kontej tal-fruntieratal-Irlanda. Dan il-programm se jiġi implimentat b'konformità sħiħa mal-prinċipju tal-addizzjonalità tal-fondi strutturali.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament Ewropew (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 fir-rigward għall-Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulu 2006 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond tal-Koeżjoni (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

*Atti ta' referenza*

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell tal-15 u s-16 ta' Diċembru 2005.

## *Artikolu 13 03 18 — Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (ERDF) — Kompetittività Reġjonali u impjiegi*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 4 022 082 950 | 3 490 000 000 | 3 946 682 563 | 3 400 965 947 | 3 875 763 242,00 | 4 134 845 386,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-programmi taħt l-objettiv FEŻR tal-kompetittività reġjonali fil-perjodu ta' pprogrammar 2007-2013. Lil hinn mir-reġjuni l-anqas żviluppati, dan l-objettiv għandu jkun immirat lejn it-tisħiħ tal-kompetittività u attrattività tar-reġjuni kif ukoll tal-impjiegi b'kunsiderazzjoni tal-miri stipulati fl-Istrateġija Ewropa 2020.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulu 2006 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond tal-Koeżjoni (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

## *Artikolu 13 03 19 — Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (ERDF) — Koperazzjoni Territorjali Ewropea*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 1 202 729 810 | 952 000 000 | 1 168 910 427 | 685 160 555 | 1 147 093 337,00 | 897 806 562,26 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-programmi taħt l-għan tal-ERDF ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea fil-perjodu ta' programmar 2007 sa 2013. Dan l-għan se jkun immirat lejn it-tisħiħ tal-kooperazzjoni territorjali u makroreġjonali u l-iskambju ta' esperjenza fil-livell xieraq.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta’ Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta’ Koeżjoni (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

## *Artikolu 13 03 20 — Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (ERDF) — Assistenza Teknika operattiva*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 50 000 000 | 40 000 000 | 50 000 000 | 35 000 000 | 45 616 031,04 | 35 640 715,30 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-miżuri ta’ tħejjija, ta’ monitoraġġ, ta’ appoġġ tekniku u amministrattiv, ta’ evalwazzjoni, ta’ verifika u ta’ spezzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, kif stipulat fl-Artikolu 45 ta’ dak ir-Regolament. L-approprjazzjoni tista’, b’mod partikolari, tintuża biex tkopri:

— nefqa ta’ appoġġ (spejjeż ta’ rappreżentazzjoni, taħriġ, laqgħat, missjonijiet),

— nefqa għall-informazzjoni u l-pubblikazzjoni,

— l-iżvilupp ta' manwali u pakketti ta' strumenti dwar l-applikazzjonijiet għal għotjiet u għall-implimentazzjoni tal-proġetti,

— nefqa għat-teknoloġija tal-informatika u telekomunikazzjoni,

— kuntratt għall-għoti ta’ servizzi u studji,

— għotjiet.

Din l-approprjazzjoni hija wkoll maħsuba biex tiffinanzja miżuri approvati mill-Kummissjoni fil-kuntest tat-tħejjija tal-perjodu ta’ pprogrammar li jmiss.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tappoġġa t-tagħlim amministrattiv kif ukoll il-kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet non-governattivi u s-sħab soċjali.

Sabiex tipprovdi għajnuna u appoġġ għall-atturi lokali fl-Unjoni involuti fil-ġestjoni tal-programmi tal-Fondi Strutturali u l-Fond ta’ Koeżjoni - speċjalment fl-Istati Membri il-ġodda — il-Kummissjoni għandha tipproponi skema ta’ taħriġ u mobilità li tippermettilhom isaħħu l-kapaċitajiet tagħhom fil-ġestjoni tal-programmi u jiskambjaw l-aħjar prattiki u ideat dwar il-problemi li jiltaqgħu magħhom fuq bażi regolari. Dan itejjeb il-governanza u l-bini tal-kapaċità istituzzjonali b’mod ġenerali kemm għall-immaniġġjar tal-programmi kif ukoll għall-politiki territorjali.

In-nuqqas ta’ taħriġ fuq il-post effiċjenti tal-awtoritajiet lokali u tal-persunal lokali responsabbli mill-immaniġġjar tal-fondi tal-UE huwa kawża maġġuri ta’ żbalji proċedurali, kontroll dgħajjef u rati baxxi ta’ assorbiment. L-istabbiliment ta’ netwerk ta’ ħarrieġa biex jaħdmu lokalment se jżid l-effiċjenza u l-effikaċja fil-kuntest tan-nefqa tal-politika.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta’ Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta’ Lulju 2006 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond tal-Koeżjoni (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

## *Artikolu 13 03 21 — Proġett pilota: Koordinazzjoni pan-Ewropea tal-metodi ta’ integrazzjoni tar-Roma*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 2 234 182,01 |

*Kummenti*

L-għan tal-proġett pilota huwa li ssir analiżi kumplessa bbażata fuq il-fehim attwali tas-sitwazzjoni tal-komunità Roma fl-Unjoni, b’enfażi fuq l-ispettru kumpless u sinerġetiku kollu tal-edukazzjoni u t-taħriġ, billi wieħed jibda bit-tfal ta’ qabel l-iskola, ikompli bl-

edukazzjoni ulterjuri ta' ommijiet żgħażagħ u jasal sat-taħriġ tan-nies aktar anzjani.

Il-proġett pilota għandu jirrifletti wkoll il-preparazzjoni u l-implimentazzjoni adegwati tal-proċess istituzzjonali f'termini ta' konsultazzjonijiet, ħidma fuq netwerk, ġbir ta' data, evalwazzjoni, żjarat fuq il-post, riċerka eċċ. Numru ta' Stati Membri ħadu miżuri biex jippromwovu l-integrazzjoni tar-Roma. Eżempji kemm ta' prattika tajba u kif ukoll dik ħażina huma numerużi, flimkien ma' korpus dejjem jikber ta' riċerka soċjoloġika, legali u riċerka orjentata lejn il-politika.

Tista' tiġi stabbilita Unità tar-Roma biex tesplora, mill-perspettiva tal-implimentazzjoni tal-politika tal-Unjoni, kwistjonijiet settorjali u biex tipproponi azzjonijiet u miżuri xierqa li għandhom jiġu inklużi fil-proposti għal Pjan ta' Azzjoni għall-Inklużjoni tar-Roma.

Din tista' timpenja ruħha li teżamina l-koperazzjoni transsettorjali u l-użu tal-istrumenti finanzjarji differenti li jeżistu, filwaqt li tipproponi proġetti pilota u tidentifika prattika tajba trasferibbli u sostenibbli li mbagħad tista' twassal għal proposti konkreti ta' politika.

F'dan il-kuntest wieħed jista' jagħmel referenza għall-bżonn ta' proposti fuq żmien twil dwar aspetti tal-iżvilupp tal-qasam tad-djar u l-iżvilupp urban (konnessi mal-kwistjonijiet ta' segregazzjoni, l-iffurmar ta' ghettoes eċċ. jekk imħejjija ħażin) b'rabta mal-użu innovattiv tal-fondi reġjonali u l-appoġġ tal-EIB/EBRD, jew il-kwistjoni kbira ħafna tal-ġbir ta' data (u l-protezzjoni tagħha), l-istatistika, eċċ., iżda wkoll il-kwistjonijiet, li ovvjament huma relatati magħha, tal-ġlieda kontra l-kriminalità u t-traffikar, kif ukoll problemi bażiċi ta' reġistrazzjoni.

Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-kwistjoni tar-rappurtar tal-midja u l-komunikazzjoni b'mod ġenerali.

Bħala prerekwiżit essenzjali għas-suċċess, għandu jiġi żviluppat proċess ta' djalogu strutturat mas-soċjetà ċivili tar-Roma kemm fil-livell lokali, nazzjonali u kif ukoll dak tal-Unjoni.

Il-Parlament Ewropew kien pijunier fil-promozzjoni tad-drittijiet tar-Roma; l-ewwel riżoluzzjoni tiegħu dwar din il-kwistjoni tmur lura għall-1984. Waqt is-sitt leġislatura, l-Parlament Ewropew adotta għadd ta' riżoluzzjonijiet dwar is-sitwazzjoni speċifika tar-Roma fl-Ewropa. B'mod partikolari, fir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-31 ta' Jannar 2008 dwar strateġija Ewropea dwar ir-Roma (ĠU C 68E, 21.3.2009, p. 31), il-Parlament Ewropew ħeġġeġ 'lill-Kummissjoni biex tiżviluppa Strateġija ta' Qafas Ewropea dwar l-Inklużjoni tar-Roma bl-għan li jkun hemm koerenza fil-politika fil-livell tal-UE dwar l-inklużjoni soċjali tar-Roma u fl-istess ħin iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tfassal Pjan ta' Azzjoni Komunitarju komprensiv għall-Inklużjoni tar-Roma bl-għan li jipprovdi għajnuna finanzjarja għat-twettiq tal-objettivi tal-Istrateġija ta' Qafas Ewropea dwar l-Inklużjoni tar-Roma'. Ukoll, fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Lulju 2008 dwar iċ-ċensiment tar-Roma fuq il-bażi tal-etniċità fl-Italja (ĠU C 294E, 3.12.2009, p. 54), l-Parlament Ewropew tenna dawn it-talbiet u għal darb'oħra stieden 'lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex, fil-kuntest ta' Strateġija tal-Unjoni Ewropea dwar ir-Roma u fil-kuntest tad-Deċennju tal-Inklużjoni tar-Roma 2005-2015, joħorġu liġijiet u politika għall-appoġġ tal-komunitajiet tar-Roma filwaqt li jippromwovu l-integrazzjoni tagħhom fl-oqsma kollha u jniedu programmi kontra r-razziżmu u kontra d-diskriminazzjoni fl-iskejjel, fl-impjieg u fil-midja u jżidu l-iskambju tal-kompetenzi u tal-aħjar prattika.

Il-Parlament Ewropew itenni f'dan il-kuntest l-importanza li jiġu żviluppati strateġiji fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali, billi jsir użu sħiħ mill-opportunitajiet ipprovduti mill-fondi tal-Unjoni, sabiex tiġi abolita s-segregazzjoni tar-Roma fl-edukazzjoni, jiġi żgurat aċċess ugwali għal edukazzjoni ta' kwalità għat-tfal Roma (parteċipazzjoni fl-edukazzjoni prinċipali, introduzzjoni ta' boroż ta' studju u programmi ta' taħriġ speċjali, miżuri addizzjonali u konkreti biex tiġi promossal-edukazzjoni ta' qabel l-iskola għat-tfal Roma u studji wara l-gradwazzjoni fil-livell nazzjonali u internazzjonali għall-istudenti Roma kif ukoll jiġi mħarreġ grupp effettiv ta' 'diplomatiċi Roma' li jkun kapaċi jibni kuntatt bejn il-komunitajiet Roma u l-istituzzjonijiet pubbliċi), jiġi żgurat u mtejjeb l-aċċess tar-Roma għas-swieq tax-xogħol, jiġi pprovdut aċċess ugwali għall-kura tas-saħħa u għall-benefiċċji tas-sigurtà soċjali, jiġu miġġielda l-prattiki diskriminatorji fil-provvista ta' djar, u tiżdied il-parteċipazzjoni tar-Roma fil-ħajja soċjali, ekonomika, kulturali u politika.

Il-Parlament Ewropew jerġa' jafferma l-bżonn li jitwaqqaf netwerk ta' esperti akkademiċi u ċivili b'mandat ċar biex jipproponi proġetti pilota speċifiċi u jħejji proġetti li jqanqlu tibdil immedjat.

L-għan tal-proġett pilota huwa wkoll li tiġi żgurata l-edukazzjoni integrata tal-familji Roma, b'mod li tingħata attenzjoni fl-istess ħin lill-integrazzjoni bikrija tat-tfal fl-edukazzjoni ta' qabel l-iskola, it-taħriġ tal-ġenituri u t-twettiq ta' attivitajiet fil-komunità għall-familja kollha, anke bil-ħsieb li jittejbu l-ħiliet passivi tal-adulti.

Fil-Konklużjonijiet tiegħu tal-14 ta' Diċembru 2007 l-Kunsill Ewropew, 'konxju mis-sitwazzjoni speċifika ħafna ffaċjata mir-Roma fl-Unjoni kollha' stieden 'lill-Istati Membri u lill-Unjoni biex jużaw il-mezzi kollha biex tittejjeb l-inklużjoni tagħhom'. Fil-Konklużjonijiet tiegħu tald-19 u l-20 ta' Ġunju [2008] iddikjara li '...jistenna bil-ħerqa r-riżultati ...tal-konferenza li se ssir dwar din il-kwistjoni f'Settembru li ġej. Jistieden lill-Kunsill biex jikkunsidra dan fl-eżami tiegħu tal-Aġenda Soċjali rriveduta. Il-Kunsill Ewropew se jerġa' jiddiskuti din il-kwistjoni qabel l-aħħar tas-sena'.

## *Artikolu 13 03 22 — Proġett pilota — Erasmus għal rappreżentanti lokali u reġjonali eletti*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

L-objettiv ta’ dan il-proġett pilota huwa li jipprovdi għajnuna u appoġġ għall-kunsilli lokali u reġjonali fl- Unjoni.

L-ewwel prinċipju tal-proġett pilota huwa li jħeġġeġ u jappoġġja l-mobilità ta’ rappreżentanti lokali u reġjonali eletti fi ħdan l-Unjoni. It-tieni prinċipju tal-proġett pilota huwa li l-element marbut mal-mobilità huwa inkluż fi programm li hemm qbil dwaru dwar it-taħriġ fuq il-post u l-iskambju ta’ esperjenzi b’iffukar fuq ’il-koeżjoni ekonomika u soċjali’.

L-għanijiet huma:

— li titħeġġeġ il-koperazzjoni multilaterali bejn istituzzjonijiet territorjali reġjonali u lokali fuq livell politiku;

— li jappoġġja l-mobilità ta’ rappreżentanti eletti lokalment u fuq livell reġjonali;

— li jistimula r-riċerka komuni u l-iskambju ta’ ideat dwar il-problemi li jiltaqgħu magħhom fuq bażi regolari permezz ta’ taħriġ fuq il-post u l-iskambju ta’ esperjenzi;

— li jippromwovi l-iskambju tal-aħjar prattika.

Il-proġett pilota għalhekk huwa għodda biex issaħħaħ it-tagħlim u l-esperjenza ta’ rapprenżentanti lokali u reġjonali eletti; u biex tiżdied il-kapaċità tal-kunsilli lokali u reġjonali fir-rigward tal-applikazzjoni ta’ kunċetti, prinċipji demokratiċi u strateġiji.

## *Artikolu 13 03 23 — Proġett pilota — It-tisħiħ tal-koperazzjoni reġjonali u lokali permezz tal-promozzjoni u l-politika reġjonali tal-Unjoni fuq skala globali*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 92 000 | p.m. | p.m. | 0,— | 681 939,68 |

*Kummenti*

Il-proġett jimmira li jiżviluppa strateġija komprensiva li tippromwovi l-għarfien u l-esperjenza mill-Politika Reġjonali tal-Unjoni għal pajjiżi terzi. Din l-istrateġija għandha tinkludi l-organizzazzjoni ta’ avvenimenti internazzjonali, attivitajiet informattivi, il-bini tan-netwerks bejn il-partijiet reġjonali u lokali kkonċernati, l-iżvilupp ta’ proġetti konġunti u ta’ sħubiji reġjonali ġodda, kif ukoll l-iskambju ta’ prattika tajba bejn ir-reġjuni. Bil-promozzjoni tal-mudell tal-politika ta’ koeżjoni tal-Unjoni bħala storja ta' suċċess permezz ta’ għadd ta’ djalogi reġjonali, l-Unjoni tuża dawn l-azzjonijiet biex tagħti eżempji tal-valuri, tal-prinċipji fundamentali, tal-istrutturi organizzattivi u tal-politika tagħha u tippromwovihom fuq skala globali. Il-koperazzjoni ma’ organizzazzjonijiet internazzjonali attivi f’dan il-qasam (Forum ta’ Assoċċjazzjonijiet Globali tar-Reġjuni (FOGAR) u Bliet u Gvernijiet Lokali Magħqudin (UCLG)) se tkun ta’ benefiċċju partikulari għal dan il-għan.

## *Artikolu 13 03 24 — Azzjoni ta’ tħejjija — Il-promozzjoni ta’ ambjent aktar favorevoli għall-mikrokreditu fl-Ewropa*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 4 920 000,00 |

*Kummenti*

Il-Kunsill irrikonoxxa bosta drabi (fl-2000 u f’Marzu 2003) il-vantaġġi tal-mikrofinanzjament għal kumpaniji żgħar. Il-Kunsill Ewropew, għall-ewwel darba, talab lill-Istati Membri biex jagħtu attenzjoni partikolari lill-użu tal-mikrokreditu biex jitrawwem it-

twaqqif u t-tkabbir ta' kumpaniji żgħar. Il-mikrokreditu kien wieħed mill-punti li ngħataw attenzjoni partikolari fl-istrumenti finanzjarji tal-programm multiannwali Ewropew ((MAP/2002-2006) li l-Kunsill adotta f'Diċembru 2001, filwaqt li 'mikroself' ġie definit bħala self ta' inqas min EUR 25 000.

Il-Programm tal-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP), li ilu jopera mill-2006, ukoll jittratta l-mikrokreditu, inkluż taħt it-tieni faċilità (Faċilità ta' Garanzija għall-SMEs). Din il-faċilità, li hija amministrata mill-Fond Ewropew ta' Investiment (EIF), tfittex li tinkoraġġixxi l-istituzzjonijiet finanzjarji biex ikollhom rwol aktar importanti fl-għoti ta' self żgħir, li normalment iġorr miegħu spejjeż proporzjonalment għolja ta' mmaniġġjar tas-self għal dawk li jissellfu u li ma jkunux jistgħu jipprovdu garanzija adegwata. Minbarra garanziji u kontrogaranziji, l-intermedjarji finanzjarji huma intitolati għal sussidji biex inaqqsu l-ispejjeż amministrattivi għolja li huma assoċjati mal-mikroself.

L-għan ta' din l-azzjoni ta' tġejjija hu li jitrawwem l-iżvilupp tal-mikrokreditu fl-Ewropa, f'konformità mal-miri l-ġodda tal-Istrateġija Ewropa 2020 għat-tkabbir u għall-impjiegi u r-rakkomandazzjonijiet stipulati fir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Lulju 2007 dwar il-politika tas-servizzi finanzjarji (2005-2010) — White Paper (ĠU C 175E, 10.7.2008, p. 392), b'referenza partikolari għall-ħtieġa ta' pjan ta' azzjoni dwar il-mikrokreditu.

L-għan tal-azzjoni ta' tħejjija hu li:

— jiġi żgurat li n-negozju tal-mikrokreditu fl-Ewropa jibda jiffinanzja lilu nnifsu fuq żmien medju billi tiġi akkumulata l-ekwità tal-istituzzjonijiet tal-mikrofinanza, partikolarment l-istituzzjonijiet mhux bankarji. Il-proġett jista' jiġi amministrat mill-EIF, l-istituzzjoni finanzjarja tal-UE li tispeċjalizza fl-iffinanzjar tal-intrapriżi zgħar u ta' daqs medju u l-mikrointrapriżi u li tamministra wkoll l-istrumenti finanzjarji tal-Unjoni,

— li titrawwem sinerġija ikbar bejn strumenti finanzjarji eżistenti li jkopru oqsma li huma marbutin ma' xulxin (CIP, ir-Riżorsi Ewropej Konġunti għal Intrapriżi Mikro u Medji (JEREMIE), ERDF, EDF),

— li titrawwem l-inklużjoni soċjali permezz tal-intraprenditorjat u t-tkabbir ekonomiku li dan iġib miegħu. Assoċjazzjonijiet li jaħdmu ma' gruppi inqas vantaġġjati jistgħu jirċievu l-finanzjament li jsir disponibbli.

L-iskop tal-approprjazzjoni huwa li tiġi implimentata l-azzjoni preparatorja adottata għall-2008; se jintużaw, b'mod partikolari, biex jiġi żviluppat fond ta' kapital għall-avvjament għall-istituzzjonijiet li mhumiex banek.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 13 03 26 — Proġett Pilota — Riġenerazzjoni sostenibbli tas-subborgi*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 142 163 | 500 000 | 500 000 | 473 875,00 | 0,— |

*Kummenti*

L-għan tal-proġett pilota huwa li jappoġġja d-demolizzjoni u r-rikostruzzjoni ta' bini antik u li ddeterjora fi ħdan is-subborgi tal-ibliet Ewropej, filwaqt li tiġi ttestjata l-introduzzjoni ta' kriterji innovattivi u avvanzati għas-sigurtà tal-kostruzzjoni, il-kwalità tal-inġinerija, is-sostenibbiltà u l-effiċjenza enerġetika. L-objettiv ewlieni huwa li tiġi promossal-integrazzjoni soċjali fis-subborgi permezz ta' intervent fil-politika tad-djar.

Il-proġett għandu jiffinanzja:

— l-għażla ta' mill-anqas 5 subborgi ta' bliet Ewropej għall-ittestjar, li jkollhom popolazzjoni kbira u fejn hemm ħtieġa kbira għal interventi ta' riġenerazzjoni tal-bini;

— id-definizzjoni ta' rekwiżiti avvanzati ta' sikurezza għal kull kuntest speċifiku (i.e. miżuri antisiżmiċi) u ta' rekwiżiti ta' kwalità għall-inġinerija u l-kostruzzjoni ta' strutturi residenzjali, inklużi d-diżinn ta' spazji privati u komuni, l-għażla tal-materjal, is-soluzzjonijiet tekniċi, eċċ.;

— id-definizzjoni ta' miri rigward l-iffrankar ta' enerġija u ta' taħlita ta' enerġija b'użu ogħla ta' sorsi li jiġġeddu għall-bini residenzjali ġdid;

— l-għażla tat-taħlita l-aktar effikaċi ta' għodod finanzjarji biex jiġu promossi r-riġenerazzjoni ta' żoni urbani deterjorati u l-innovazzjoni fl-industrija tal-kostruzzjoni (fondi ċikliċi, għajnuna reġjonali, bonifika tar-rati tat-taxxa, sħubija bejn l-impriżi

pubbliċi u privati, eċċ.);

— id-definizzjoni ta' sett ta' miżuri biex jiġu offruti alternattivi ta' djar lir-residenti taż-żoni li qed jiġu ttestjati u l-involviment tagħhom u tal-komunitajiet lokali fil-proċess ta' ridiżinjar;

— id-definizzjoni ta' mudell ta' evalwazzjoni biex jiġi mmonitorjat u evalwat l-eżitu tal-proġett;

— il-bidu ta' programmi ta' riġenerazzjoni fiż-żoni ta' ttestjar.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 13 03 27 — Azzjoni ta' tħejjija - RURBAN - Sħubija għal żvilupp sostenibbli rurali u fil-bliet*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | 1 000 000 | 960 896,50 | 256 798,98 |

*Kummenti*

L-objettiv ta' din l-azzjoni ta' tħejjija huwa li jiġi żviluppat mudell(i) ta' sħubija għal bliet u ż-żoni rurali ta' madwarhom, biex tinkiseb kooperazzjoni mtejba bejn id-diversi protagonisti fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' inizjattivi urbani u rurali komuni bbażati fuq l-approċċ integrat. Il-mudell/i jista' jintuża/jistgħu jintużaw fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss għall-proġetti ta' żvilupp urbani-rurali koffinanzjati mill-Unjoni.

B'mod aktar speċifiku, l-azzjoni ta' tħejjija għandha timmira li:

— tidentifika sfidi u potenzjalitajiet komuni taż-żoni urbani u rurali,

— teżamina s-sħubiji urbani-rurali eżistenti fl-Istati Membri, tidentifika ż-żoni ta' kooperazzjoni u l-atturi lokali/reġjonali involuti (pubbliċi, privati, organizzazzjonijiet mhux governattivi, eċċ.),

— tidentifika eżempji innovattivi ta' prattika tajba ta' kooperazzjoni urbana/rurali fi sħubiji eżistenti,

— toħloq mudell/i għal sħubija urbana/rurali u telabora gwida prattika għal din is-sħubija biex possibilment tintuża fil-Linji Gwida Strateġiċi tal-Kummissjoni dwar il-koeżjoni għall-perjodu ta' pprogrammar li jmiss wara l-2013.

L-azzjoni ta' tħejjija għandha tiġi implimentata fis-snin 2011 - 2012.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 13 03 28 — Azzjoni ta' tħejjija — It-tisħiħ tal-koperazzjoni reġjonali u lokali permezz tal-promozzjoni u l-politika reġjonali tal-Unjoni fuq skala globali*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 1 500 000 | 2 000 000 | 2 000 000 | 2 000 000,00 | 83 675,34 |

*Kummenti*

Din hija azzjoni ta' tħejjija għandha l-għan li tiżviluppa strateġija komprensiva li tippromwovi l-għarfien u xxerred l-esperjenza miksuba mill-politika reġjonali tal-Unjoni għal pajjiżi terzi, fuq il-bażi tal-implimentazzjoni b'suċċess tal-proġett pilota preċedenti, kif ukoll tindirizza l-bżonnijiet speċifiċi tat-territorji ultraperiferali tal-Unjoni, li m'għandhomx l-istatus ta' reġjun l-aktar imbiegħed. Id-dimensjoni internazzjonali tal-politika ta' koeżjoni immaturat b'mod konsiderevoli matul l-2009 u l-2010 minħabba, fil-parti l-kbira tal-opportunitajiet addizzjonali offruti mir-riżorsi pprovduti mill-proġett pilota . Din l-azzjoni preparatorja preżenti għandha l-għan li

twessa’ l-firxa ta’ applikazzjoni tal-attivitajiet anki għar-reġjuni ultraperiferali tal-Unjoni u tiffoka b'mod partikolari fuq l-iżvilupp tal-governanza reġjonali, il-programmi attivi ta' taħriġ fis-seħħ ibbażati fuq tfassil tal-politika u l-ippjanar strateġiku, kif ukoll kwistjonijiet proċedurali dwar il-mekkaniżmi ta' kontroll u l-ġestjoni finanzjarja tajba.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta’ tħejjija fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 13 03 29 — Azzjoni ta’ tħejjija — Id-definizzjoni ta’ mudell ta’ Governanza għar-Reġjun tal-Unjoni Ewropea tad-Danubju — kordinament aħjar u effettiv*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 400 000 | 1 500 000 | 1 500 000 | 1 499 380,89 | 479 596,42 |

*Kummenti*

Data tal-bidu tal-proġett: l-1 ta’ Jannar 2011

Data tal-bidu tal-proġett: 31 ta’ Diċembru 2013

Il-Kunsill Ewropew tad-19 ta’ Ġunju 2009 formalment talab lill-Kummissjoni biex tressaq Strateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tad-Danubju qabel tmiem l-2010. L-Istrateġija li ser titneda mill-Presidenza Ungeriża tal-Unjoni Ewropea fil-bidu tal-2011 ser tkun akkompanjata minn pjan ta’ azzjoni, li ser jiġi żviluppat u aġġornat b’mod permanenti b’kunsiderazzjoni tal-proposta magħmula mill-Istati Membri. L-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jtejjeb il-kapaċità tal-Unjoni għall-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, u tas-solidarjetà fost l-Istati Membri. Din l-azzjoni ta’ tħejjija hija meħtieġa sabiex tiġi żviluppata l-kapaċità meħtieġa u biex jitħaffef il-proċess ta’ koordinazzjoni sabiex jiġi żgurat mudell ta’ governanza tajba għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-Unjoni Ewropeagħar-Reġjun tad-Danubju.

Ir-Reġjun tad-Danubju għandu storja stabbilita ta’ netwerking u kooperazzjoni f’bosta oqsma politiċi. L-Istrateġija u l-pjan ta’ azzjoni tagħha se joffru l-opportunità li wieħed jimxi mill-kliem għall-azzjoni u li jittieħdu l-benefiċċji reali għar-reġjun kollu. Hemm ħtieġa għal viżjoni strateġika komuni bħala gwida għal żvilupp territorjali ġejjieni għar-Reġjun tad-Danubju. Huwa ċar li ħadd, meta jaġixxi waħdu, ma jista’ japplika l-firxa ta’ miżuri meħtieġa biex jiffaċċja l-isfidi u jibbenefika mill-opportunitajiet tar-reġjun. Strateġija għar-Reġjun tad-Danubju, magħmula minn azzjonijiet dettaljati u konsistenti, b’appoġġ finanzjarju adegwat, hija essenzjali għall-iżvilupp tar-Reġjun tad-Danubju u biex jittieħed benefiċċju sħiħ mill-opportunitajiet disponibbli għar-reġjun.

Ix-Xmara Danubju tgħaqqad għaxar pajjiżi Ewropej — il-Ġermanja, l-Awstrija, ir-Repubblika Slovakka, l-Ungerija, il-Kroazja, is-Serbja, ir-Rumanija, il-Bulgarija, ir-Repubblika tal-Moldova u l-Ukraina, li sitta minnhom huma Stati Membri, u f’kuntest territorjali akbar, ir-reġjun jinkludi wkoll ir-Repubblika Ċeka, is-Slovenja, il-Bosnja u Ħerzegovina u l-Montenegro.

Ir-reġjun tad-Danubju huwa punt importanti fejn jiltaqgħu il-programmi tal-Politika ta’ Koeżjoni tal-Unjoni, il-programmi għall-pajjiżi koperti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat u l-kandidati potenzjali għal adeżjoni, u għaldaqstant jirrappreżenta qasam fejn is-sinerġiji mtejba bejn il-linji politiċi differenti tal-Unjoni jistgħu jiġu żviluppati: koeżjoni, trasport, turiżmu, agrikultura, sajd, żvilupp ekonomiku u soċjali, enerġija, ambjent, tkabbir u politika tal-viċinat u l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tad-Danubju għandha tiġi żviluppata fl-oqsma ta’ kooperazzjoni li ġejjin: żvilupp u protezzjoni soċjali, żvilupp ekonomiku sostenibbli, trasport u infrastruttura tal-enerġija, protezzjoni ambjentali, kultura u edukazzjoni.

L-iStrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tad-Danubju għandha tiġi implimentata billi jsir użu mir-riżorsi ta’ finanzjament disponibbli kollha, mill-Unjoni, l-Istati Membri u pajjiżi oħrajn max-xtut tad-Danubju, mill-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali (IFI), u kif ukoll minn kapital privat. L-attenzjoni għandha tkun ikkonċentrata fuq modi mtejba, aktar effiċjenti u effettivi ta’ kif jiġu kkoordinati d-diversi strumenti ta’ finanzjament u l-azzjonijiet speċifiċi proposti. Huwa mistenni li l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tad-Danubju, permezz ta’ kooperazzjoni mtejba bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi max-xtut tad-Danubju, tagħti spinta lill-iżvilupp soċjali u ekonomiku tar-reġjun. Dan se joħloq opportunitajiet ġodda ta’ negozju, jaċċellera l-iżvilupp ta’ sistemi ta’ trasport sostenibbli, iktar effiċjenti u intermodali kif ukoll trasport u turiżmu sostenibbli, u jtejjeb il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini kollha li jgħixu fil-baċir tax-xmara tad-Danubju, f’rispett sħiħ tal-ambjent.

L-azzjoni ta’ tħejjija għalhekk għandha tippromwovi jew toħloq mudell ta’ governanza li għandu jiġi implimentat fl-oqsma speċifiċi li jikkonċernaw ir-Reġjun tad-Danubju.

Il-finanzjament huwa maħsub biex jiffinanzja attivitajiet relatati mad-definizzjoni tal-mudell ta' governanza meħtieġ għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tad-Danubju. Il-mudell ta' governanza se jtejjeb il-kooperazzjoni bejn il-pajjiżi u r-reġjuni parteċipanti kollha fi proġetti komuni ewlenin fil-qasam ta':

— użu b'kuxjenza ambjentali tax-xmara Danubju għan-navigazzjoni, intermodalità ma' modi oħra tat-trasport tul id-Danubju permezz ta' titjib tal-infrastrutturi kollha (bi prijorità għall-użu aħjar tal-infrastruttura eżistenti) u bil-ħolqien ta' sistema tat-trasport multimodali tul ix-xmara kollha, użu b'kuxjenza ambjentali tal-enerġija mill-ilma tul id-Danubju, il-konservazzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ilma tad-Danubju skont id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1), rekwiżiti tas-sikurezza stretti għall-bastimenti;

— turiżmu sostenibbli: ekoturiżmu, l-iżvilupp ta' rotot ta' sewqan tar-roti madwar kważi x-xtajta kollha tad-Danubju, l-iżvilupp tat-turiżmu kulturali tal-massa konvenzjonali, turiżmu urban u rurali, turiżmu kummerċjali u tal-cruiseliners, turiżmu sportiv;

— proġetti konġunti (għall-promozzjoni u l-implimentazzjoni) sabiex tiżdied il-kooperazzjoni fil-qasam tal-enerġija, partikolarment fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u r-riżorsi tal-enerġija rinnovabbli, fid-dawl tal-potenzjal tar-reġjun bħala sors ta' bijoenerġija, u li jitħeġġeġ l-użu tal-bijomassa, l-enerġija solari, mir-riħ u l-idroenerġija;

— il-promozzjoni ta' infrastruttura ta' riċerka maħsuba b'mod partikolari għall-punti b'saħħithom speċifiċi tar-reġjun u gruppi speċifiċi ta' eċċellenza għall-innovazzjoni fil-prodotti u l-kummerċjalizzazzjoni;

— programm komuni ta' riċerka u żvilupp fir-Reġjun tad-Danubju u għalih, u li jkun immirat biex jappoġġa l-iżvilupp u l-innovazzjoni xjentifika billi jiżgura l-kooperazzjoni bejn l-istati tad-Danubju fl-oqsma tar-riċerka ambjentali, is-sajd, l-agrikultura, l-infrastruttura (inkluż il-qasam tal-enerġija), it-trasport, it-taħriġ u l-mobilità għar-riċerkaturi u aspetti soċjoekonomiċi;

— programmi ta' skambji universitarji fi ħdan ir-reġjun u netwerks ta' universitajiet sabiex jinbnew ċentri ta' eċċellenza li jkunu kapaċi jikkompetu fil-livell internazzjonali u tissaħħaħ l-identità tar-Reġjun tad-Danubju permezz ta' taħriġ u titjib tal-governanza, tagħlim tul il-ħajja;

— l-iżgurar tas-sigurtà tar-reġjun.

*L-iStrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tad-Danubju - Mhux biss strateġija*

Għandu jkun hemm azzjonijiet konkreti u viżibbli biex jingħelbu l-isfidi li jiffaċċja r-reġjun. Fil-pjan ta' azzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tinsisti li l-Istati Membri u partijiet ikkonċernati oħra jieħdu r-responsabilità bħala sħab ewlenin għal oqsma prijoritarji speċifiċi u proġetti ewlenin, pereżempju permezz tal-iżvilupp ta' governanza speċifika u integrata b'konformità ma' approċċ komuni u integrat fl-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tad-Danubju adottata mill-Kummissjoni Ewropea fit-8 ta' Diċembru 2010.

Il-Kummissjoni tissodisfa l-bżonn ta' korp jew approċċ indipendenti u multisettorjali li jista' jiggarantixxi l-koordinazzjoni meħtieġa, il-monitoraġġ u s-segwitu lill-pjan ta' azzjoni, kif ukoll l-aġġornament regolari tal-pjan u tal-istrateġija kif ikun meħtieġ. Il-Kummissjoni mhijiex qed tipproponi finanzjament addizzjonali jew riżorsi oħra f'dan il-waqt. Madankollu, xi wħud mill-azzjonijiet u proġetti speċifiċi se jirrikjedu appoġġ finanzjarju. Sors ewlieni ta' dan huma l-Fondi Strutturali disponibbli fir-reġjun. Il-parti l-kbira tal-programmi diġà jippermettu azzjonijiet maħsuba fl-istrateġija. L-awtoritajiet ta' ipprogrammar jistgħu jirrevedu l-kriterji ta' allokazzjoni u jiffaċilitaw l-għażla ta' proġetti li jkunu konformi mal-istrateġija. Barra minn hekk, l-Istati Membri se jistudjaw il-finanzjament ta' proġetti u azzjonijiet li jkunu konformi mal-prijoritajiet ta' strateġija mir-riżorsi tagħhom stess. Il-Bank Ewropew għall-Investiment u istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u reġjonali oħra jistgħu jikkontribwixxu wkoll.

Għandhom jitwettqu sforzi iktar qawwija permezz tal-pjan ta' azzjoni f'koordinazzjoni mill-qrib ma' kwalunkwe żvilupp ta' dan it-tip li jkun qed isir (b'mod partikolari regolamenti ġodda), inkluż fil-livell tal-Unjoni, biex jiġu żgurati l-koerenza u l-effiċjenza.

Il-kriżi ekonomika li għada għaddejja timplika klima inqas favorevoli għall-investimenti, billi taffettwa kemm lis-settur pubbliku kif ukoll lill-kummerċ privat b'mod ġenerali. Dan ifisser li huwa saħansitra iktar essenzjali li l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tad-Danubju tippermetti li s-sħab fir-reġjun iqisu perspettiva iktar fit-tul, billi jirrikonoxxu li meta tkun għaddiet din il-kriżi r-reġjuni li jkunu ħejjew ruħhom bl-aħjar mod se jkun l-iktar reġjuni ppreparati biex jibbenefikaw mill-opportunitajiet u l-innovazzjonijiet il-ġodda.

Din l-azzjoni ta' tħejjija stabbilita fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew, għandha ddum tliet snin, minn Jannar 2011 sa Diċembru 2013, u l-ammont li se jiġi allokat fis-sena se jkun ta' EUR 1 500 000.

Il-proġetti msemmija hawn fuq jeħtieġu tħejjijiet intensivi f'termini ta' ħin, flimkien mal-Istati Membri kkonċernati u mal-awtoritajiet ikkonċernati tal-pajjiżi terzi. L-ewwel ħlasijiet saru fl-2011.

Abbażi tal-qafas legali eżistenti, din l-azzjoni ta' tħejjija tippreżenta soluzzjonijiet għall-kooperazzjoni sostenibbli bejn l-Istati Membri u pajjiżi oħra li jinsabu max-xtut tad-Danubju. Hija tissostanzja l-iżvilupp tal-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tad-Danubju u l-integrazzjoni tagħha fil-politika ġenerali tal-Unjoni.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta’ tħejjija fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 13 03 30 — Proġett Pilota — Lejn identità reġjonali komuni, rikonċiljazzjoni tan-nazzjonijiet u kooperazzjoni ekonomika u soċjali inkluża Pjattaforma Pan-Ewropea għall-Għarfien u l-Eċċellenza fil-makro-reġjun tad-Danubju*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 600 000 | 2 000 000 | 2 000 000 | 2 000 000,00 | 680 000,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni għandha tintuża għall-organizzazzjoni jew l-iżvilupp ta’:

- programmi ta’ taħriġ, seminars għaż-żgħażagħ bil-għan li tiġi enfasizzata l-identità reġjonali komuni tan-nazzjonijiet li jgħixu fil-makroreġjun tad-Danubju; il-programmi għandhom jenfasizzaw l-edukazzjoni ċivika u l-opportunitajiet għall-iskambju kulturali li se jikkontribwixxu għal dimensjoni ta’ koeżistenza Ewropea orjentata lejn il-futur li tkun progressiva u sostenibbli permezz tal-indirizzar tal-kwistjonijiet marbuta mal-fehim tal-preżenza reġjonali ta’ xulxin, l-għaqda u l-bżonn ta’ kooperazzjoni; u permezz tal-forniment ta’ ambitu għal djalogi u rikonċiljazzjoni.
- titjib u żvilupp ta’ soluzzjonijiet ġodda għat-trattament tal-għarfien espert permezz ta’ pjattaformi komuni aċċessibbli u l-informazzjoni dwar il-proġett kif ukoll il-bini ta’ netwerks.

Il-proġett pilota għandu jippromwovi l-istabilità soċjali u ekonomika fir-reġjuni kkonċernati, inklużi azzjonijiet għall-iżvilupp tal-koeżjoni bejn il-komunitajiet permezz ta’ spazji maħluqa għall-familjarizzazzjoni u l-għoti ta' rikonoxximent adegwat lill-kulturi u l-istorja ta' xulxin u jenfasizza wkoll il-valur miżjud tal-kooperazzjoni transnazzjonali. Dan għandu joħloq bażi sostenibbli għal pjattaforma komuni li tagħti aċċess għall-għarfien espert reġjonali u l-kooperazzjoni reġjonali li qed tiżdied u għandu wkoll jippermetti li jinkisbu lezzjonijiet mill-esperjenza ta’ strateġija makroreġjonali. Iż-żona eliġibbli għandha tkun il-makroreġjun tad-Danubju u l-pajjiż madwaru b’konformità mal-politika Ewropea tal-Viċinat. Il-programmi eliġibbli għall-fondi għandhom jinvolvu parteċipanti minn tal-anqas tliet Stati Membri mir-reġjun.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 13 03 31 — Assistenza teknika u tixrid ta’ informazzjoni dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku u għarfien imtejjeb tal-istrateġija tal-makroreġjuni*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 500 000 | 2 500 000 | 2 500 000 | 2 132 363,00 | 1 209 746,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex jiġu żgurati:

- iċ-ċirkolazzjoni adegwata ta’ informazzjoni permezz ta’ newsletters (inkluż l-aċċess mill-internet), rapporti u konferenzi u b’mod partikolari forum annwali;
- l-organizzazzjoni ta’ avvenimenti fil-post biex ir-reġjuni Ewropej interessati kollha jiġu familjarizzati mal-approċċ tal-Baħar Baltiku u l-prinċipji tal-makroreġjuni;
- governanza b’suċċess tal-istrateġija permezz ta’ sistema deċentralizzata stabbilita u b’mod partikolari t-tħaddim ta’ sistema ta’ koordinaturi ta’ oqsma ta’ prijorità u l-mexxejja ta’ proġetti rappreżentattivi;

- appoġġ tekniku u amministrattiv għall-ippjanar u l-koordinazzjoni ta’ attivitajiet relatati mal-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku;
- disponibbilta' ta' kapital inizjali għall-ippjanar u t-tħejjija ta' proġetti li jappoġġaw l-istrateġija;
- appoġġ għall-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili;
- għajnuna kontinwa lill-koordinaturi ta’ oqsma ta’ prijorità fl-attività ta’ koordinazzjoni tagħhom;
- parteċipazzjoni f’faċilità ta’ implimentazzjoni mal-BEI, jekk rikjest mill-Istati Membri Baltiċi;
- żvilupp ta' strateġija ta’ komunikazzjoni aktar ambizzjuża dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku.

*Bażi ġuridika*

Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta’ Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 1).

Regolament (KE) Nru 1083/2006 tal-Kunsill tal-11 ta’ Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta’ Koeżjoni (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

## *Artikolu 13 03 32 — Azzjoni ta'tħejjija dwar Forum tal-Atlantiku għall-Istrateġija Atlantika tal-Unjoni Ewropea*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| p.m. | 600 000 | 1 200 000 | 600 000 | |

*Kummenti*

L-istituzzjonijiet tal-Unjoni jappoġġaw it-tfassil ta’ Strateġija Ewropea għaż-Żona tal-Atlantiku. Pjan ta’ Azzjoni trasversali bi prijoritajiet konkreti jeħtieġ jiġi definit sabiex din l-Istrateġija tiġi implimentata mill-2014 ’il quddiem. Il-partijiet interessati tal-Atlantiku għandhom ikunu involuti fit-tfassil ta’ dan il-Pjan ta’ Azzjoni.

Il-Pjan ta’ Azzjoni għandu jkun konness mill-qrib mal-politika reġjonali u l-politika Marittima Integrata, u għandu jiffaċilita s-sinerġiji ma’ oqsma ta’ politika oħra tal-Unjoni bħan-netwerks tat-trasport trans-Ewropej, il-politika komuni dwar is-sajd, l-azzjonijiet dwar il-klima u l-ambjent, il-programm ta’ qafas dwar ir-riċerka u l-iżvilupp u l-politika tal-enerġija, eċċ.

L-azzjoni preparatorja se tiffinanzja pjattaforma ta’ għad-djalogu tal-partijiet interessati, bil-għan li tiddefinixxi l-proġetti prijoritarji u l-governanza tal-Istrateġija tal-Atlantiku. Din il-pjattaforma tista' tissejjaħ “Forum tal-Atlantiku”.

Il-finanzjament tal-Azzjoni Preparatorja se jservi biex:

- jitqiegħed fis-seħħ il-Forum tal-Atlantiku li jħeġġeġ lill-partijiet interessati biex jaħdmu flimkien fi ħdan gruppi ta’ ħidma, u jiżgura reklamar adegwat u parteċipazzjoni wiesgħa;
- jinvolvi l-membri tal-Forum fi proċess li jwassal għall-adozzjoni tal-pjan ta’ azzjoni għall-Istrateġija tal-Atlantiku — skont il-bżonnijiet tar-reġjuni kkonċernati u ffukar ċar lejn tkabbir sostenibbli fir-reġjuni kostali u s-setturi marittimi fl-Atlantiku;
- jappoġġa l-ħidma teknika meħtieġa li tidentifika u tittestja l-fattibilità ta’ azzjonijiet prijoritarji konkreti li għandhom jiġu inklużi fil-pjan ta’ azzjoni.

Subkuntrattur se jassisti l-partijiet interessati fit-tfassil tal-pjan ta’ azzjoni. Is-subkuntrattur se jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-azzjoni preparatorja u se jaħdem taħt is-superviżjoni tal-Kummissjoni.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 13 03 33 — Azzjoni ta' tħejjija — Appoġġ għal Mayotte, jew għal kwalunkwe territorju ieħor potenzjalment ikkonċernat fil-proċess lejn l-istatus ta' reġjun ultraperiferiku*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| p.m. | 600 000 | 2 000 000 | 1 000 000 | |

*Kummenti*

Il-pjan li l-istatus ta' Mayotte jinbidel minn status ta' Pajjiż u Territorju extra-Ewropew għal dak ta' Reġjun Ultraperiferiku huwa l-ewwel wieħed ta' dan it-tip fl-istorja tal-Unjoni. Mad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona din it-tranżizzjoni ta' status ġiet simplifikata bl-applikazzjoni tal-Artikolu 355§6 li jipprevedi proċedura ta' votazzjoni unanima fil-Kunsill Ewropew. Il-Gvern ta' Franza bħalissa qiegħed jigbor dokumentazzjoni bl-iskop li jingħata l-istatut ta' Reġjun Ultraperiferiku lid-dipartiment ta' Mayotte fl-2014. Dan ipoġġi lil Mayotte f'sitwazzjoni simili għal dik ta' pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni, li huma meħtieġa li jwettqu riformi strutturali essenzjali li b'rabta magħhom l-Unjoni tipprovdi bosta tipi ta' appoġġ maħsuba biex iħaffu t-traspożizzjoni tal-acquis komunitarju u l-implimentazzjoni tal-politika tal-Unjoni. Bħala riżultat tat-tibdil fl-istatus, l-awroritajiet lokali ta' Mayotte ikollhom jiġġestixxu tipi ġodda ta' fondi tal-UE li jinvolvu ammonti u proċeduri differenti minn dawk tal-Fond Ewropew għall-Għajnuna għall-Iżvilupp (FED) li attwalment jirċievu. Din l-azzjoni ta' tħejjija tikkonċentra essenzjalment fuq l-oqsma tal-għajnuna teknika biex jitħarrġu l-uffiċjali amministrattivi ta' Mayotte inkarigati mill-preparazzjoni, tal-amminstrazzjoni u tas-segwitu u l-kontroll tal-programmi operazzjonali tal-futur. Bħala territorju ta' Stat Membru, Mayotte ma tistax tibbenefika mill-istrument ta' qabel l-adeżjoni iżda billi għadha mhix reġjun kif definit mid-dispożizzjonijiet ġenerali tal-fondi strutturali, ma tistax tibbenefika minn assistenza teknika.

Din l-azzjoni preparatorja għandha l-iskop li tagħti għajnuna lid-Dipartiment ta' Mayotte waqt il-proċess ta' tranżizzjoni lejn status ta' reġjun ultraperiferiku.

Diversi azzjonijiet huma meħtieġa:

— it-taħriġ tal-uffiċjali amministrattivi ta' Mayotte inkarigati mill-preparazzjoni, tal-amminstrazzjoni u tas-segwitu u l-kontroll tal-programmi operazzjonali tal-futur;

— it-twettiq ta' studji ta' qabel il-preprazzjoni tal-programmi futuri u evalwazzjoni ex ante sabiex tkun stabbilita dijanjożi territorjali, l-għoti ta' għajnuna għall-atturi lokali sabiex tkun definita strateġija reġjonali kif ukoll l-assi prijoritarji tal-programmi;

— l-organizzazzjoni ta' laqgħat ta' informazzjoni ġenerali għar-rappreżentanti eletti, atturi lokali u funzjonarji dwar ir-riżultati tat-tranżizzjoni għal reġjun ultraperefiriku u komunikazzjoni istituzzjonali dwar it-tnedija ta' programmi;

— l-implimentazzjoni ta' "Ċellula Ewropa" ma' SGAER sabiex din tiġbor u xxandar l-informazzjoni għall-imsieħba pubbliċi, tiżgura t-tiswir u l-implimentazzjoni tal-programmi operazzjonaoli u tinforma u tapoġġa lil min iressaq proġetti.

Din l-azzjoni preparatorja tista' tindirizza t-territorji l-oħra kollha li jinsabu f'sitwazzjoni simili.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 13 03 34 — Azzjoni ta' tħejjija — Erasmus għal rappreżentanti lokali u reġjonali eletti*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| p.m. | 700 000 | 2 000 000 | 1 000 000 | |

*Kummenti*

L-objettiv ta' din l-azzjoni preparatorja huwa li jipprovdi għajnuna u appoġġ għall-kunsilli lokali u reġjonali fl- Unjoni.

L-ewwel prinċipju tal-azzjoni preparatorja huwa li jħeġġeġ u jappoġġja l-mobilità ta' rappreżentanti lokali u reġjonali eletti fi ħdan l-Unjoni. It-tieni prinċipju tal-azzjoni preparatorja huwa li l-element marbut mal-mobilità huwa inkluż fi programm li hemm qbil dwaru dwar it-taħriġ fuq il-post u l-iskambju ta' esperjenzi b'iffukar fuq "il-koeżjoni ekonomika u soċjali".

L-għanijiet huma:

- li titħeġġeġ il-koperazzjoni multilaterali bejn istituzzjonijiet territorjali reġjonali u lokali fuq livell politiku;
- li jappoġġja l-mobilità ta’ rappreżentanti eletti lokalment u fuq livell reġjonali;
- li jistimula r-riċerka komuni u l-iskambju ta’ ideat dwar il-problemi li jiltaqgħu magħhom fuq bażi regolari permezz ta’ taħriġ fuq il-post u l-iskambju ta’ esperjenzi;
- li jippromwovi l-iskambju tal-aħjar prattika.

L-azzjoni preparatorja għalhekk hija għodda li ssaħħaħ it-tagħlim u l-esperjenza ta’ rapprenżentanti lokali u reġjonali eletti; u biex tiżdied il-kapaċità tal-kunsilli lokali u reġjonali fir-rigward tal-applikazzjoni ta’ kunċetti, prinċipji demokratiċi u strateġiji.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 13 03 40 — Strument għall-qsim tar-riskju ffinanzjat mill-pakkett ta' konverġenza tal-FEŻR*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | | |
| p.m. | p.m. | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Din l-intestatura tal-baġit hija maħsuba għall-finanzjament tal-Istrumenti għall-Qsim tar-Riskju mill-pakkett ta' konverġenza tal-FEŻR għall-Istati Membri li qed jgħaddu jew li huma mhedda minn diffikultajiet serji fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom skont il-proposta tal-Kummissjoni COM(2011) 655 finali għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006.

Ir-rifużjonijiet u l-ammonti li jibqgħu wara t-tlestija ta' operazzjoni koperta mill-istrument tal-qsim tar-riskju jistgħu jerġgħu jintużaw fi ħdan l-istrument tal-qsim tar-riskju jekk l-Istat Membru jkun għadu jilħaq waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 77(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006. Jekk l-Istat Membru ma jkunx għadu jilħaq dawn il-kundizzjonijiet, ir-rifużjonijiet u l-ammonti li jibqgħu għandhom jiġu kkonsidrati bħala dħul assenjat.

Kull dħul assenjat li ġej minn dan il-ħlas lura tar-rifużjonijiet jew l-ammonti li jibqgħu, imdaħħal fil-Partita 6 1 4 4 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, iwassal għall-provvista ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju. Fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat, approprjazzjonijiet ta' impenn addizzjonali ġġenerati minn dan id-dħul assenjat għandhom jiżdiedu s-sena ta' wara mal-allokazzjoni finanzjarja tal-politika ta' koeżjoni tal-Istat Membru kkonċernat.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

## *Artikolu 13 03 41 — Strument għall-qsim tar-riskju ffinanzjat mill-pakkett tal-kompetittività reġjonali u l-impjiegi tal-FEŻR*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | | |
| p.m. | p.m. | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Din l-intestatura tal-baġit hija maħsuba għall-finanzjament tal-Istrumenti għall-Qsim tar-Riskju mill-pakkett tal-kompetittività reġjonali u l-impjiegi tal-FEŻR għall-Istati Membri li qed jgħaddu jew li huma mhedda minn diffikultajiet serji fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom.

Ir-rifużjonijiet u l-ammonti li jibqgħu wara t-tlestija ta' operazzjoni koperta mill-istrument tal-qsim tar-riskju jistgħu jerġgħu jintużaw fi ħdan l-istrument tal-qsim tar-riskju jekk l-Istat Membru jkun għadu jilħaq waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 77(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006. Jekk l-Istat Membru ma jkunx għadu jilħaq dawn il-kundizzjonijiet, ir-rifużjonijiet u l-ammonti li jibqgħu għandhom jiġu kkonsidrati bħala dħul assenjat.

Kull dħul assenjat li ġej minn dan il-ħlas lura tar-rifużjonijiet jew l-ammonti li jibqgħu, imdaħħal fil-Partita 6 1 4 4 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, iwassal għall-provvista ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju. Fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat, approprjazzjonijiet ta' impenn addizzjonali ġġenerati minn dan id-dħul assenjat għandhom jiżdiedu s-sena ta' wara mal-allokazzjoni finanzjarja tal-politika ta' koeżjoni tal-Istat Membru kkonċernat.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

*Atti ta' referenza*

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni Ewropea fit-12 ta' Ottubru 2011, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 dwar ċerti dispożizzjonijiet marbuta mal-kondiviżjoni tar-riskju għal ċerti Stati Membri li qed jesperjenzaw jew huma mhedda b'diffikultajiet serji fejn tidħol l-istabbiltà finanzjarja tagħhom (COM(2011) 655 finali).

## KAPITOLU 13 04 — FOND TA' KOEŻJONI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 13 04 | Fond ta' Koeżjoni | | | | | | | | |
| ***13 04 01*** | ***Fond ta' Koeżjoni — Tlestija ta' proġetti ta' qabel (qabel l-2007)*** | 1.2 | p.m. | 848 000 000 | p.m. | 950 388 636 | 0,— | 944 940 110,54 | 111,43 % |
| ***13 04 02*** | ***Fond ta' Koeżjoni*** | 1.2 | 12 350 000 000 | 8 824 000 000 | 11 788 814 578 | 7 807 000 000 | 11 020 238 878,86 | 5 505 331 842,46 | 62,39 % |
| ***13 04 03*** | ***Strument għall-qsim tar-riskju ffinanzjat mill-pakkett tal-Fond ta' Koeżjoni*** | 1.2 | p.m. | p.m. | | | | | |
| | **Kapitolu 13 04 — Total** | | **12 350 000 000** | **9 672 000 000** | **11 788 814 578** | **8 757 388 636** | **11 020 238 878,86** | **6 450 271 953,00** | **66,69 %** |

*Kummenti*

l-Anness II għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/94 tas-16 ta' Mejju 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 130, 25.5.1994, p. 1) jiddetermina l-kondizzjonijiet li bihom ħlasijiet bil-quddiem li m'għandhomx effett ta' tnaqqis tal-kontribuzzjoni tal-Fond għall-operazzjoni kkonċernata għandhom jerġgħu jitħallsu. Kull dħul ġej minn dawn il-ħlasijiet lura tal-ħlasijiet bil-quddiem, imdaħħal fil-Partita 6 1 5 7 tal-prospett tad-dħul, jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikoli 18 u 157 tar-Regolament Finanzjarju. Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 jipprovdi għall-kondizzjonijiet ta' ħlas lura ta' pre-finanzjament għall-perjodu 2007-2013.

## *Artikolu 13 04 01 — Fond ta' Koeżjoni — Tlestija ta' proġetti ta' qabel (qabel l-2007)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 848 000 000 | p.m. | 950 388 636 | 0,— | 944 940 110,54 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji tal-Fond ta' Koeżjoni li għad iridu jitħallsu qabel is-sena 2000 u t-tlestija tal-perjodu ta' pprogrammar 2000-2006.

L-operazzjonijiet kontra l-frodi ikunu ffinanzjati skont l-Artikolu 24 02 01.

Din l-approprjazzjoni hija wkoll maħsuba biex tiffinanzja miżuri meħuda minn sħab għall-perjodu ta' pprogrammar li jmiss.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 792/93 tat-30 ta' Marzu 1993 li jistabilixxi strument finanzjarju ta' koeżjoni (ĠU L 79, 1.4.1993, p. 74).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1164/94 tas-16 ta' Mejju 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Koeżjoni. (ĠU L 130, 25.5.1994, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 158 u 161 tiegħu.

## *Artikolu 13 04 02 — Fond ta' Koeżjoni*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 12 350 000 000 | 8 824 000 000 | 11 788 814 578 | 7 807 000 000 | 11 020 238 878,86 | 5 505 331 842,46 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji għall-Fond tal-Koeżjoni fil-perjodu ta' pprogrammar 2007-2013.

Operazzjonijiet kontra l-frodi ikunu ffinanzjati skont l-Artikolu 24 02 01.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-miżuri ta' tħejjija, ta' monitoraġġ, ta' appoġġ tekniku u amministrattiv, ta' evalwazzjoni, ta' verifika u ta' spezzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, kif stipulat fl-Artikolu 45 ta' dak ir-Regolament. L-approprjazzjoni tista', b'mod partikolari, tintuża biex tkopri:

— in-nefqa ta' appoġġ (spejjeż ta' rappreżentanza, taħriġ, laqgħat),

— in-nefqa għall-informazzjoni u l-pubblikazzjoni,

— in-nefqa għat-teknoloġija tal-informatika u t-telekomunikazzjoni,

— il-kuntratt għall-għoti ta' servizzi u studji,

— l-għotjiet.

Din l-approprjazzjoni hija wkoll maħsuba biex tiffinanzja miżuri meħuda mill-Kummissjoni fil-kuntest tat-tħejjija tal-perjodu ta' pprogrammar li jmiss.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament Ewropew (KE) Nru 1083/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2006 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

Ir-Regolament Ewropew (KE) Nru 1084/2006 tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 79).

*Atti ta’ referenza*

Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikoli 158 u 161 tiegħu.

Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikoli 174 u 177 tiegħu.

## *Artikolu 13 04 03 — Strument għall-qsim tar-riskju ffinanzjat mill-pakkett tal-Fond ta' Koeżjoni*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | | |
| p.m. | p.m. | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Din l-intestatura tal-baġit hija maħsuba għall-finanzjament tal-Istrumenti għall-Qsim tar-Riskju mill-pakkett tal-Fond ta' Koeżjoni għall-Istati Membri li qed jgħaddu jew li huma mhedda minn diffikultajiet serji fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom.

Ir-rifużjonijiet u l-ammonti li jibqgħu wara t-tlestija ta' operazzjoni koperta mill-istrument tal-qsim tar-riskju jistgħu jerġgħu jintużaw fi ħdan l-istrument tal-qsim tar-riskju jekk l-Istat Membru jkun għadu jilħaq waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 77(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006. Jekk l-Istat Membru ma jkunx għadu jilħaq dawn il-kundizzjonijiet, ir-rifużjonijiet u l-ammonti li jibqgħu għandhom jiġu kkonsidrati bħala dħul assenjat.

Kull dħul assenjat li ġej minn dan il-ħlas lura tar-rifużjonijiet jew l-ammonti li jibqgħu, imdaħħal fil-Partita 6 1 4 4 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, iwassal għall-provvista ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju. Fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat, approprjazzjonijiet ta' impenn addizzjonali ġġenerati minn dan id-dħul assenjat għandhom jiżdiedu s-sena ta' wara mal-allokazzjoni finanzjarja tal-politika ta' koeżjoni tal-Istat Membru kkonċernat.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

*Atti ta’ referenza*

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni Ewropea fit-12 ta' Ottubru 2011, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 dwar ċerti dispożizzjonijiet marbuta mal-kondiviżjoni tar-riskju għal ċerti Stati Membri li qed jesperjenzaw jew huma mhedda b'diffikultajiet serji fejn tidħol l-istabbiltà finanzjarja tagħhom (COM(2011) 655 finali).

# Kapitolu 13 05 — Operat ta’ qabel l-adeżjoni relatat mal-politiki strutturali

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 13 05 | Operat ta’ qabel l-adeżjoni relatat mal-politiki strutturali | | | | | | | | |
| ***13 05 01*** | ***Strument għal Politika Strutturali għal Qabel is-Shubija (ISPA) — Tlestija ta’ proġetti ta’ qabel (2000 sa 2006)*** | | | | | | | | |
| 13 05 01 01 | Strument għall-Politika Strutturali għal Qabel l-Adeżjoni (ISPA) — Tlestija ta’ proġetti oħra preċedenti (2000 sa 2006) | 4 | p.m. | 300 000 000 | p.m. | 235 009 566 | 0,— | 165 868 813,64 | 55,29 % |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 13 05 01 02 | Strument għall-Politika Strutturali għal Qabel is-Sħubija — Għeluq ta' assistenza ta' qabel is-sħubija, konnessa ma' tmien pajjiżi applikanti | 4 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 28 310 364,65 | |
| | *Artikolu 13 05 01 — Sub-total* | | p.m. | 300 000 000 | p.m. | 235 009 566 | 0,— | 194 179 178,29 | 64,73 % |
| ***13 05 02*** | ***Strument għal Qabel is-Sħubija (IPA) — Komponent ta' Żvilupp Reġjonali*** | 4 | 462 000 000 | 216 200 000 | 462 453 000 | 141 897 374 | 390 900 000,00 | 80 469 498,97 | 37,22 % |
| ***13 05 03*** | ***Strument ta' Qabel is-Shubija (IPA) — Komponent ta' kooperazzjoni bejn il-fruntieri (CBC)*** | | | | | | | | |
| 13 05 03 01 | Kooperazzjoni bejn il-Fruntieri (CBC) — Kontribuzzjoni mis-subintestatura 1-b | 1.2 | 51 491 401 | 50 000 000 | 50 481 765 | 50 000 000 | 49 491 927,00 | 45 386 497,95 | 90,77 % |
| 13 05 03 02 | Kooperazzjoni transkonfinali (CBC) u l-parteċipazzjoni tal-pajjiżi kandidati u pajjiżi potenzjalment kandidati fil-programmi ta' kooperazzjoni transnazzjonali u interreġjonali tal-Fondi Strutturali — Kontribuzzjoni mill-Intestatura 4 | 4 | 36 279 051 | 40 000 000 | 42 406 903 | 28 636 770 | 46 229 232,00 | 31 370 077,79 | 78,43 % |
| | *Artikolu 13 05 03 — Sub-total* | | 87 770 452 | 90 000 000 | 92 888 668 | 78 636 770 | 95 721 159,00 | 76 756 575,74 | 85,29 % |
| | **Kapitolu 13 05 — Total** | | **549 770 452** | **606 200 000** | **555 341 668** | **455 543 710** | **486 621 159,00** | **351 405 253,00** | **57,97 %** |

## *Artikolu 13 05 01 — Strument għal Politika Strutturali għal Qabel is-Sħubija (ISPA) — Tlestija ta' proġetti ta' qabel (2000 sa 2006)*

*Kummenti*

L-għajnuna mogħtija bl-istrument għall-Politika Strutturali għal qabel is-Sħubija (ISPA) kienet maħsuba biex tgħin lill-pajjiżi kandidati tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant fl-adeżjoni tagħhom fl-Unjoni. L-ISPA intużat biex tgħin lill-pajjiżi benefiċjarji biex ikunu konformi mal-*acquis* tal-Unjoni fl-oqsma tal-ambjent u t-trasport.

### Partita 13 05 01 01 — Strument għall-Politika Strutturali għal Qabel l-Adeżjoni (ISPA) — Tlestija ta' proġetti oħra preċedenti (2000 sa 2006)

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 300 000 000 | p.m. | 235 009 566 | 0,— | 165 868 813,64 |

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-għajnuna taħt l-ISPA u l-għajnuna teknika mogħtija minn barra l-Kummissjoni li hija meħtieġa għall-implimentazzjoni fil-pajjiżi kandidati tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant.

Irrispettivament mill-benefiċjarju, mhi awtorizzata l-ebda nefqa amministrattiva b'dan l-Artikolu.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1266/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar il-koordinazzjoni tal-għajnuna lill-pajjiżi applikanti fil-qafas tal-istrateġija ta' qabel l-adeżjoni (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 68).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1267/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxi kull Strument għal Politika Strutturali għal Qabel l-adeżjoni (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 73).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2257/2004 tal-20 ta' Diċembru 2004 li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 3906/1989, (KE) Nru 1267/1999, (KE) Nru 1268/1999 u (KE) Nru 2666/2000, sabiex jittieħed kont tal-istatus ta' kandidatura tal-Kroazja ( ĠU L 389, 30.12.2004, p. 1).

Partita 13 05 01 02 — Strument għall-Politika Strutturali għal Qabel is-Sħubija — Għeluq ta' assistenza ta' qabel is-sħubija, konnessa ma' tmien pajjiżi applikanti

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 28 310 364,65 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri għajnuna skont l-ISPA u l-għajnuna teknika provduta 'il barra mill-Kummissjoni li tenħtieġ għall-implimentazzjon fil-pajjiżi kandidati li jsiru Stati Membri fl-1 ta' Mejju 2004.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1266/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar il-koordinament tal-għajnuna għall-pajjiżi applikanti fil-qafas tal-istrateġija ta' qabel is-sħubija (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 68).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1267/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jwaqqaf Strument għall-politika strutturali għal qabel is-sħubija (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 73).

## *Artikolu 13 05 02 — Strument għal Qabel is-Sħubija (IPA) — Komponent ta' Żvilupp Reġjonali*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 462 000 000 | 216 200 000 | 462 453 000 | 141 897 374 | 390 900 000,00 | 80 469 498,97 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-għajnuna tal-Unjoni lill-pajjiżi kandidati koperti mill-IPA f'allinjament progressiv mal-livelli u l-politika tal-Unjoni Ewropea, inkluż fejn huwa xieraq l-*acquis* tal-Unjoni, bil-ħsieb ta' sħubija.

Il-Komponent ta' Żvilupp Reġjonali għandu jappoġġa l-pajjiżi fl-iżvilupp u t-tħejjija tal-istrateġija politika għall-implimentazzjoni u t-tmexxija tal-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni, b'mod partikolari fit-tħejjija tagħhom għall-Fondi Strutturali.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Għajnuna ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA), (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

## *Artikolu 13 05 03 — Strument ta' Qabel is-Sħubija (IPA) — Komponent ta' kooperazzjoni bejn il-fruntieri (CBC)*

Partita 13 05 03 01 — Kooperazzjoni bejn il-Fruntieri (CBC) — Kontribuzzjoni mis-subintestatura 1-b

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 51 491 401 | 50 000 000 | 50 481 765 | 50 000 000 | 49 491 927,00 | 45 386 497,95 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tipprovdi l-kontribuzzjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-kooperazzjoni bejn il-fruntieri u l-għajnuna teknika pprovduta barra mill-Kummissjoni li hija meħtieġa għall-implimentazzjon fl-Istati Membri.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

Ir-Regolament (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA), (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

### Partita 13 05 03 02 — Kooperazzjoni transkonfinali (CBC) u l-parteċipazzjoni tal-pajjiżi kandidati u pajjizi potenzjalment kandidati fil-programmi ta' kooperazzjoni transnazzjonali u interreġjonali tal-Fondi Strutturali — Kontribuzzjoni mill-Intestatura 4

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 36 279 051 | 40 000 000 | 42 406 903 | 28 636 770 | 46 229 232,00 | 31 370 077,79 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tipprovdi l-kontribuzzjoni mill-Istrument ta' Għajnuna għal Qabel l-Adeżjoni (IPA) għall-proġetti ta' kooperazzjoni bejn il-fruntieri u l-għajnuna teknika pprovduta barra mill-Kummissjoni li hija meħtieġa għall-implimentazzjoni fil-pajjiżi kandidati u f'dawk li potenzjalment ikunu kandidati.

Din l-approprazzjoni hija maħsuba wkoll sabiex tipprovdi l-kontribuzzjoni tal-IPA għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi kandidati jew pajjizi potenzjalment kandidati fil-programmi ta' kooperazzjoni transnazzjonali u interreġjonali .

*Bażi ġuridika*

Kull dħul mill-kontribuzzjoni mill-Konfederazzjoni Svizzera għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, li ġie mdaħħal taħt l-Artikolu 6 0 3 3 tal-istqarrija dwar id-dħul, jista' jintuża għall-ispiża addizzjonali, bl-applikazzjoni tal-istess proporzjon bħal bejn l-ammont awtorizzat għall-ispiża fuq ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

Il-pjan tat-twaqqif tal-Aġenzija jinsab fil-Parti bit-titolu 'Pjan ta' Twaqqif tal-Persunal' tat-Taqsima III — Il-Kummissjoni (Volum 3).

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji esekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 011, 16.1.2003, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1718/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 dwar l-implimentazzjoni ta' programm ta' appoġġ lis-settur awdjoviżiv Ewropew (MEDIA 2007) (ĠU L 327, 24.11.2006, p. 12).

Id-Deċiżjoni Nru 1719/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li tistabbilixxi l-programm Żgħażagħ fl-Azzjoni għall-perjodu 2007-2013 (ĠU L 327, 24.11.2006, p. 30).

Id-Deċiżjoni Nru 1855/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi l-programm Kultura (2007-2013) (ĠU L 372, 27.12.2006, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/336/KE tal-20 ta' April 2009 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura għall-ġestjoni tal-azzjoni Komunitarja fl-oqsma tal-edukazzjoni, l-awdjoviżiv u l-kultura bl-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 (ĠU L 101, 21.4.2009, p. 26)

## Partita 15 01 04 32 — Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura — Kontribuzzjoni mill-programmi tal-Intestatura 4

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 263 000 | 600 000 | 600 000,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż operattivi tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura li saru minħabba l-parteċipazzjoni tal-Aġenzija fil-ġestjoni tal-programm 'Ewropa għaċ-Ċittadini' skont l-Intestatura 4 tal-qafas finanzjarju 2007-2013 u t-tlestija tal-azzjonijiet appoġġati qabel l-2007.

Il-pjan tat-twaqqif tal-Aġenzija jinsab fil-Parti bit-titolu 'Pjan ta' Twaqqif tal-Persunal' tat-Taqsima III — Il-Kummissjoni (Volum 3).

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/196/KE tas-26 ta' Frar 2001 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika li jirrinova programm ta' kooperazzjoni fl-Edukazzjoni ogħla u Edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ (ĠU L 71, 13.3.2001, p. 7).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/197/KE tas-26 ta' Frar 2001 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Kanada li jirrinova l-programm ta' kooperazzjoni fl-Edukazzjoni għolja u t-taħriġ (ĠU L 71, 13.3.2001, p. 15).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji esekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 011, 16.1.2003, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/910/KE tal-4 ta' Diċembru 2006 rigward il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika li jġedded il-programm ta' kooperazzjoni fil-qasam tal-edukazzjoni għolja, l-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ (ĠU L 346, 4.12.2006, p. 33).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/964/KE tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Kanada li jistabbilixxi qafas ta' kooperazzjoni fir-rigward tal-edukazzjoni superjuri, tat-taħriġ u taż-żgħażagħ (ĠU L 397, 30.12.2006, p. 14).

*Atti ta' referenza*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/336/KE tal-20 ta' April 2009 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura għall-ġestjoni tal-azzjoni Komunitarja fl-oqsma tal-edukazzjoni, l-awdjoviżiv u l-kultura, bl-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 (ĠU L 101, 21.4.2009, p. 26).

## Partita 15 01 04 44 — Programm Kultura (2007-2013) — Nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 550 000 | 550 000 | 640 322,20 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-għanijiet tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din l-intestatura baġitarja, flimkien ma' kull nefqa oħra għal għajnuna teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta' awtorità pubblika mogħtija b'kuntratt mill-Kummissjoni permezz ta' kuntratti ta' servizz ad hoc.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla skont l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi kandidati, u jekk applikabbli, il-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħla fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fuq ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Partita 15 04 44.

## Partita 15 01 04 55 — Żgħażagħ fl-Azzjoni — Nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 780 000 | 780 000 | 1 283 173,66 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-għanijiet tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din l-intestatura baġitarja, flimkien ma' kull nefqa oħra għal għajnuna teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta' awtorità pubblika mogħtija b'kuntratt mill-Kummissjoni permezz ta' kuntratti ta' servizz ad hoc.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla skont l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi kandidati, u jekk applikabbli, il-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħla fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fuq ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjoni mill-Konfederazzjoni Svizzera għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, li ġie mdaħħal taħt l-Artikolu 6 0 3 3 tal-istqarrija dwar id-dħul, jista' jintuża għall-ispiża addizzjonali, bl-applikazzjoni tal-istess proporzjon bħal bejn l-ammont awtorizzat għall-ispiża fuq ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Artikolu 15 05 55

## Partita 15 01 04 60 — MEDIA 2007 — Programm ta' appoġġ għas-settur awdjoviżiv Ewropew — Nefqa fuq l-imaniġġjar amministrattiv

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 725 000 | 725 000 | 881 378,09 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-għan tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-partita, flimkien ma' kull nefqa oħra għal għajnuna teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta' awtorità pubblika mogħtija b'kuntratt mill-Kummissjoni permezz ta' kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontributi mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jistgħu jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontributi tal-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-punent għall-parteċipazzjoni f'programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għal approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess rapport bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fuq ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribut tal-Konfederazzjoni Svizzera għall-parteċipazzjoni tagħha fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jiġi użat għal nefqiet addizzjonali, bl-istess proporzjon applikabbli bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa għall-ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, bis-saħħa tal-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ara l-partita 5 04 66 01.

## Partita 15 01 04 68 — MEDIA Mundus — Nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 75 000 | 75 000 | 169 257,05 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni inħasbet biex tkopri nefqa fuq studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-għan tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt dan il-paragrafu, flimkien ma' kull nefqa oħra għal għajnuna teknika u amministrattiva li ma tinvolvix kompiti ta' awtorità pubblika mogħtija 'l barra (outsourced) mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontributi mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-

Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jistgħu jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness 'Iż-Żona Ekonomika Ewropea' ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti li jiġu mill-kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi kandidati u, jekk ikun il-każ, mill-pajjiżi potenzjalment kandidati tal-Balkani tal-Punent, biex jipparteċipaw fi programmi tal- Unjoni, imdaħħla fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jistgħu jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fuq ġestjoni amministrativa u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribut tal-Konfederazzjoni Svizzera għall-parteċipazzjoni tagħha fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jiġi użat għal nefqiet addizzjonali, bl-istess proporzjon applikabbli bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa għall-ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, bis-saħħa tal-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Artikolu 15 04 68 l-ġdid.

## *Artikolu 15 01 05 — Nefqa ta' appoġġ għall-attivitajiet ta' riċerka għall-qasam ta' politika "Edukazzjoni u Kultura"*

### Partita 15 01 05 01 — Nefqa konnessa mal-persunal li jwettqu r-riċerka

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 1 952 000 | 1 952 000 | 1 800 000,00 |

### Partita 15 01 05 02 — Persunal estern għar-riċerka

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 700 000 | 700 000 | 586 660,00 |

### Partita 15 01 05 03 — Nefqa oħra ta' tmexxija għar-riċerka

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 348 000 | 348 000 | 657 389,06 |

## *Artikolu 15 01 60 — Xiri ta' informazzjoni*

### Partita 15 01 60 01 — Stokk tal-libreriji, abbonamenti, xiri u manutenzjoni ta' kotba

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 2 534 000 | 2 734 000 | 2 749 278,01 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— ix-xiri ta’ kotba u pubblikazzjonijiet oħrajn, l-aġġornament ta’ volumi eżistenti,

— l-ispiża tal-legatura u nefqa oħra meħtieġa għall-preservazzjoni tal-kotba u l-pubblikazzjonijiet,

— ħlas ta’ abbonamenti għall-gazzetti, rivisti speċjalizzati,

— u pubblikazzjonijiet speċjalizzati oħrajn stampati u/jew f’forma elettronika.

Ma tkoprix in-nefqa magħmula minn:

— siti taċ-Ċentru tar-Riċerka Konġunt, li għalih tiddaħħal in-nefqa fl-Artikolu 01 05 tat-Titoli kkonċernati,

— Rappreżentazzjonijiet tal-Kummissjoni fl-Unjoni, li n-nefqa għalihom hija mdaħħla fil-Partiata 16 01 03 03,

— nefqa simili magħmula barra l-Unjoni mdaħħla fil-partita 01 03 02 tat-Titoli kkonċernati.

It-total tad-dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(e) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq EUR 80 000 għall-2013.

## *Artikolu 15 01 61 — Spiża għall-organizzazzjoni ta’ traineeships tal-gradwati mal-istituzzjoni*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 6 650 000 | 7 000 000 | 7 353 129,19 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet tal-apprendistati fis-servizz għall-gradwati. Dan l-apprendistat huwa mfassal biex jagħtihom ħarsa ġenerali tal-għanijiet stabbiliti u l-isfidi li għandha l-Unjoni, tagħrif dwar kif jaħdmu l-istituzzjonijiet tagħha u opportunità biex itejbu l-għarfien tagħhom permezz ta' esperjenza tax-xogħol fil-Kummissjoni.

Din l-approprjazzjoni tkopri l-ħlas tal-għotjiet u kostijiet oħra relatati (suppliment għal persuni b'diżabbiltà, assigurazzjonijiet tal-mard u l-aċċidenti, kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-vjaġġ relatati mal-apprendistat, b’mod partikolari għall-vjaġġ lejn il-post assenjat u lura, l-ispejjeż tal-avvenimenti organizzati fil-qafas tal-programm tal-apprendistat bħal żjarat, spejjeż ta’ lqigħ u riċeviment). Din tkopri wkoll l-kostijiet ta' evalwazzjoni sabiex jittejbu l-programm u l-kampanji ta' komunikazzjoni u informazzjoni.

L-għażla tal-apprendisti hija msejsa fuq kriterji oġġettivi u trasparenti.

L-ammont ta' dħul assenjat relatat skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq EUR 974 000 għall-2013.

# Kapitolu 15 02 — Tagħlim Matul il-Ħajja, inkluż il-multilingwiżmu

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 15 02 | Tagħlim Matul il-Ħajja, inkluż il-multilingwiżmu | | | | | | | | |
| *15 02 02* | *Erasmus Mundus* | 1.1 | 108 291 000 | 97 150 000 | 105 654 000 | 86 188 852 | 100 638 103,19 | 90 890 385,45 | 93,56 % |
| *15 02 03* | *Kooperazzjoni ma’ pajjiżi terzi fl-oqsma tal-edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali* | 4 | 1 024 000 | 3 600 000 | 9 000 000 | 7 636 472 | 1 395 254,77 | 4 390 505,75 | 121,96 % |
| *15 02 09* | *Kompletar tal-programmi preċedenti fl-oqsma tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ* | 1.1 | — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 2 338 104,95 | |
| *15 02 11* | *Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija* | | | | | | | | |
| 15 02 11 01 | Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija — Struttura ta’ tmexxija | 1.1 | 4 765 110 | 4 765 110 | 4 493 000 | 3 169 028 | 3 742 285,13 | 3 298 018,35 | 69,21 % |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 15 02 11 02 | Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija — Komunitajiet ta' Tagħrif u Innovazzjoni (KIC) | 1.1 | 118 300 000 | 103 569 690 | 74 831 000 | 65 512 600 | 60 542 918,00 | 45 705 908,25 | 44,13 % |
| | *Artikolu 15 02 11 — Sub-total* | | 123 065 110 | 108 334 800 | 79 324 000 | 68 681 628 | 64 285 203,13 | 49 003 926,60 | 45,23 % |
| ***15 02 22*** | ***Programm tagħlim matul il-ħajja*** | 1.1 | 1 100 476 000 | 1 058 000 000 | 1 110 476 000 | 907 251 074 | 1 189 120 538,59 | 1 189 681 060,40 | 112,45 % |
| ***15 02 23*** | ***Azzjoni ta' tħejjija — Programm tat-tip "Erasmus" għall-apprendisti*** | 1.1 | — | 275 000 | — | p.m. | 0,— | 298 836,90 | 108,67 % |
| ***15 02 25*** | ***Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali*** | | | | | | | | |
| 15 02 25 01 | Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali — Kontribuzzjoni għat-Titoli 1 u 2 | 1.1 | 12 430 000 | 12 430 000 | 12 668 834 | 12 668 834 | 13 741 473,16 | 13 741 473,16 | 110,55 % |
| 15 02 25 02 | Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali — Kontribuzzjoni għat-Titolu 3 | 1.1 | 4 954 900 | 4 954 900 | 4 340 066 | 4 340 066 | 3 528 526,84 | 3 245 526,84 | 65,50 % |
| | *Artikolu 15 02 25 — Sub-total* | | 17 384 900 | 17 384 900 | 17 008 900 | 17 008 900 | 17 270 000,00 | 16 987 000,00 | 97,71 % |
| ***15 02 27*** | ***Fundazzjoni Ewropea għat-Taħriġ*** | | | | | | | | |
| 15 02 27 01 | Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ — Kontribuzzjoni għat-Titoli 1 u 2 | 4 | 15 081 500 | 15 081 500 | 14 468 414 | 14 468 414 | 14 328 000,00 | 14 328 000,00 | 95,00 % |
| 15 02 27 02 | Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ — Kontribuzzjoni għat-Titolu 3 | 4 | 4 945 000 | 5 445 000 | 5 576 116 | 5 576 116 | 7 202 173,05 | 5 522 000,00 | 101,41 % |
| | *Artikolu 15 02 27 — Sub-total* | | 20 026 500 | 20 526 500 | 20 044 530 | 20 044 530 | 21 530 173,05 | 19 850 000,00 | 96,70 % |
| ***15 02 30*** | ***Proġett pilota — Politika Ewropea għall-Viċinat — Tisħiħ tal-edukazzjoni permezz ta' boroż ta' studju u skambji*** | 1.1 | — | — | — | — | 1 355,77 | 1 355,77 | |
| ***15 02 31*** | ***Proġett pilota biex ikopri l-kostijiet tal-istudji għal studenti li jispeċjalizzaw fil-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) u għal attivitajiet akkademiċi relatati, inkluż il-ħatra ta' President tal-PEV fil-Kampus ta' Natolin tal-Kulleġġ tal-Ewropa*** | 1.1 | p.m. | 579 935 | p.m. | 580 000 | 2 899 674,00 | 2 319 739,00 | 400,00 % |
| ***15 02 32*** | ***Proġett pilota — Politika Ewropea għall-Viċinat — Tisħiħ tal-edukazzjoni permezz ta' boroż ta' studju u skambji*** | 1.1 | — | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 150 755,80 | |
| ***15 02 33*** | ***Azzjoni preparatorja li tkopri l-ispejjeż għal persuni li jispeċjalizzaw fil-Politika Ewropea tal-Viċinat (ENP) u għall-attivitajiet akkademiċi relatati u programmi edukattivi oħra inkluż il-funzjonament tal-President tal-ENP fil-Kulleġġ tal-Ewropa (Kampus ta' Naolin)*** | 1.1 | 2 000 000 | 1 600 000 | 3 500 000 | 1 750 000 | | | |
| | **Kapitolu 15 02 — Total** | | **1 372 267 510** | **1 307 451 135** | **1 345 007 430** | **1 109 141 456** | **1 397 140 302,50** | **1 375 911 670,62** | **105,24 %** |

## *Artikolu 15 02 02 — Erasmus Mundus*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 108 291 000 | 97 150 000 | 105 654 000 | 86 188 852 | 100 638 103,19 | 90 890 385,45 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-Programm Erasmus Mundus II (2009-2013), kif ukoll it-tlestija ta' azzjonijet li saru matul il-Programm preċedenti Erasmus Mundus 2004-2008. L-għanijiet tal-Programm Erasmus Mundus II huma:

— li jkattar il-kooperazzjoni strutturata bejn l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla u l-persunal akkademiku fl-Ewropa u f'pajjiżi terzi bil-ħsieb li jinħolqu poli ta' eċċellenza u jiġu pprovduti riżorsi umani mħarrġa sew,

— li jikkontribwixxi għall-arrikkiment reċiproku ta' soċjetajiet bl-iżvilupp ta' grupp ta' rġiel u nisa kkwalifikati sew, b'moħħhom miftuħ u b'esperjenza internazzjonali permezz tal-promozzjoni tal-mobbiltà għall-istudenti u l-akkademiċi bl-akbar talent minn pajjiżi terzi sabiex jiksbu kwalifiki u/jew esperjenza fl-Unjoni, u għall-istudenti u l-akkademiċi Ewropej bl-akbar talent li jmorru

f'pajjiżi terzi,

— li jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' riżorsi umani u għall-kapaċità ta' kooperazzjoni internazzjonali ta' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla f'pajjiżi terzi permezz ta' aktar mobbiltà bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi,

— li jtejjeb l-aċċessibbiltà u jsaħħaħ il-profil u l-viżibbiltà tal-edukazzjoni ogħla Ewropea fid-dinja, kif ukoll l-attraenza tagħha għal ċittadini ta' pajjiżi terzi,

— li jrawwem kooperazzjoni bejn istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla u li jttejjeb l-iskambji ta' persunal akkademiku u ta' studenti fl-Ewropa u fil-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat - b'mod indaqs min-Nofsinhar u mil-Lvant.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-Artikolu. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla skont l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontributi mill-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għal approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jintuża għan-nefqa addizzjonali, skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 2317/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2003 li tistabbilixxi programm għat-titjib tal-kwalità tal-edukazzjoni ogħla u l-promozzjoni ta' fehim interkulturali permezz ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi (Erasmus Mundus) (2004 sa 2008) (ĠU L 345, 31.12.2003, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1298/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi Programm ta' Azzjoni Erasmus Mundus 2009-2013 għat-titjib tal-kwalità fl-edukazzjoni superjuri u għall-promozzjoni tal-komprensjoni interkulturali permezz ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi (ĠU L 340, 19.12.2008, p. 83).

## *Artikolu 15 02 03 — Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fl-oqsma tal-edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 1 024 000 | 3 600 000 | 9 000 000 | 7 636 472 | 1 395 254,77 | 4 390 505,75 |

*Kummenti*

Fuq il-bażi tal-ftehimiet ta' kooperazzjoni bejn l-Unjoni/il-Komunità u l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Kanada, din l-approprjazzjoni hija b'mod partikolari maħsuba biex tkopri:

— it-twettiq ta' studji komparattivi dwar politiki tal-edukazzjoni, il-kwalifiki u l-ħiliet rispettivi,

— it-twaqqif ta' programmi ta' skambju għall-istudenti, għal min jitgħallem, l-għalliema u l-amministraturi,

— il-promozzjoni ta' kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet,

— l-għajnuna għat-twaqqif ta' relazzjonijiet bejn is-setturi tal-industrija kkonċernati u l-universitajiet,

— il-promozzjoni ta' kooperazzjoni mas-settur privat għall-iżvilupp u twessigħ tal-programmi,

— l-iżvilupp ta' djalogu politiku; miżuri komplimentari u tixrid minnufih tar-riżultati.

Għandha tiżdied l-għajnuna mogħtija lill-istudenti Ewropej biex jistudjaw fl-Istati Uniti u l-Kanada, b'mod partikolari fl-universitajiet.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/196/KE tas-26 ta' Frar 2001 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika li jirrinova programm ta' kooperazzjoni fl-Edukazzjoni ogħla u Edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ (ĠU L 71, 13.3.2001,

p. 7).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/197/KE tas-26 ta’ Frar 2001 dwar il-konklużjoni ta’ Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Kanada li jirrinova l-programm ta’ kooperazzjoni fl-edukazzjoni għolja u t-taħriġ (ĠU L 71, 13.3.2001, p. 15).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/910/KE tal-4 ta’ Diċembru 2006 rigward il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika li jġedded il-programm ta’ kooperazzjoni fil-qasam tal-edukazzjoni għolja, l-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ (ĠU L 346, 4.12. 2006, p. 33).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/964/KE tat-18 ta’ Diċembru 2006 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Kanada li jistabbilixxi qafas ta’ kooperazzjoni fir-rigward tal-edukazzjoni superjuri, tat-taħriġ u taż-żgħażagħ (ĠU L 397, 30.12.2006, p. 14).

## *Artikolu 15 02 09 — Kompletar tal-programmi preċedenti fl-oqsma tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 2 338 104,95 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri t-twettiq finali tal-azzjonijiet li kellhom appoġġ qabel l-2007 fl-ambitu tal-linji baġitarji li ġejjin:

— Socrates,

— Leonardo da Vinci.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f’din il-partita. Għal skop ta’ informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla skont l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-għoti ta’ approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness “Żona Ekonomika Ewropea” ta’ din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta’ din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontributi mill-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista’ jagħti lok li jkun hemm approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni 1999/382/KE tal-Kunsill tas-26 ta’ April 1999 li tistabbilixxi t-tieni fażi tal-programm ta’ azzjoni ta’ taħriġ professjonali ’Leonardo da Vinci’ tal-Komunità (ĠU L 146, 11.6.1999, p. 33).

Id-Deċiżjoni Nru 253/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Jannar 2000 li tistabbilixxi t-tieni fażi tal-programm ta’ azzjoni tal-Komunità fil-qasam tal-edukazzjoni ‘Socrates’ (ĠU L 28, 3.2.2000, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 2241/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Diċembru 2004 dwar qafas Komunitarju waħdieni għat-trasparenza tal-kwalifiki u tal-kompetenzi (Europass) (ĠU L 390, 31.12.2004, p. 6).

## *Artikolu 15 02 11 — Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija*

### Partita 15 02 11 01 — Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija — Struttura ta’ tmexxija

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 4 765 110 | 4 765 110 | 4 493 000 | 3 169 028 | 3 742 285,13 | 3 298 018,35 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija intiża biex tkopri n-nefqa fuq persunal u amministrazzjoni (it-Titoli 1 u 2) tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT).

L-EIT għandu jinforma lill-awtorità tal-baġit dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u amministrattiva. Il-Kummissjoni, jekk tintalab mill-Fondazzjoni, tieħu ħsieb tinnotifika l-awtorità tal-baġit bit-trasferimenti magħmula bejn l-approprjazzjonijiet operattivi u amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontributi mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jistgħu jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Il-pjan tat-twaqqif tal-EIT jinsab fil-Parti bit-titolu 'Pjan ta' Twaqqif tal-Persunal' tat-Taqsima III — Il-Kummissjoni (Volum 3).

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 294/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li jistabbilixxi l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (ĠU L 97, 9.4.2008, p. 1).

### Partita 15 02 11 02 — Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija — Komunitajiet ta' Tagħrif u Innovazzjoni (KIC)

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 118 300 000 | 103 569 690 | 74 831 000 | 65 512 600 | 60 542 918,00 | 45 705 908,25 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija intiża li tkopri n-nefqa operattiva tal-EIT marbuta mal-programm ta' ħidma (it-Titolu 3) inkluż il-Komunitajiet ta' Għarfien u Innovazzjoni (KIC) maħtura mill-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT).

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontributi mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jistgħu jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 294/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li jistabbilixxi l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (ĠU L 97, 9.4.2008, p. 1).

## *Artikolu 15 02 22 — Programm tagħlim matul il-ħajja*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 1 100 476 000 | 1 058 000 000 | 1 110 476 000 | 907 251 074 | 1 189 120 538,59 | 1 189 681 060,40 |

*Kummenti*

B'konformità mal-proposta għal programm integrat fil-qasam tal-edukazzjoni u tat-taħriġ matul il-ħajja, din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri l-programmi speċifiċi kif ukoll l-azzjonijiet orizzontali li ġejjin:

— Comenius: għall-attivitajiet ta' edukazzjoni ġenerali li jikkonċernaw l-iskejjel sal-livell ta' edukazzjoni sekondarja ogħla bih inkluż;

— Erasmus: favur attivitajiet edukattivi u ta’ pperfezzjonar fl-edukazzjoni għolja; żieda fil-boroż ta’ studju u finanzjament għalihom fi ħdan il-programmi Erasmus;

— Leonardo da Vinci: għall-aspetti kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali;

— Grundtvig: għall-edukazzjoni tal-adulti;

— Jean Monnet: Proġetti li jistimulaw it-tagħlim, ir-riċerka u d-dibattitu fuq il-proċess tal-integrazzjoni Ewropea f'istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja u għotjiet operattivi lil ċerti istituzzjonijiet u assoċjazzjonijiet ewlenin;

— programm multisettorjali: jiġbor erba’ attivitajiet prinċipali sabiex ikunu ttrattati l-kwistjonijiet politiċi, li jikkunsidraw speċifikament it-tagħlim tal-lingwi u l-attivitajiet marbuta mat-teknoloġiji tal-informatika u tal-komunikazzjoni meta dawn l-aspetti joħorġu mill-qasam tal-programmi speċifiċi, u biex jiżguraw xogħol ta’ propagazzjoni aħjar.

Bżonnijiet edukattivi speċjali għal persuni li għandhom xi diżabilità jew kundizzjonijiet “dis” jistgħu jiġu indirizzati fil-programmi settorali kollha li ssemmew hawn fuq.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f’din il-partita. Għal skop ta’ informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla skont l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-għoti ta’ approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness “Żona Ekonomika Ewropea” ta’ din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta’ din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontributi mill-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista’ jagħti lok għal approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista’ jintuża għan-nefqa addizzjonali, skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1720/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Novembru 2006 li tistabbilixxi programm ta’ azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja (ĠU L 327, 24.11.2006, p. 45).

## *Artikolu 15 02 23 — Azzjoni ta’ tħejjija — Programm tat-tip “Erasmus” għall-apprendisti*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | 275 000 | — | p.m. | 0,— | 298 836,90 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-ispejjeż għat-twettiq tal-azzjoni ta’ tħejjija “programm it-tip tal-Erasmus għall-apprendisti”.

*Bażi ġuridika*

Azzjonijiet ta’ tħejjija skont l-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-bagit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 15 02 25 — Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali*

### Partita 15 02 25 01 — Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali — Kontribuzzjoni għat-Titoli 1 u 2

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 12 430 000 | 12 430 000 | 12 668 834 | 12 668 834 | 13 741 473,16 | 13 741 473,16 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tal-persunal u amministrattiva taċ-Ċentru (It-Titoli 1 u 2).

Iċ-Ċentru għandu jinforma l-awtorità tal-baġit dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u amministrattiva. Il-Kummissjoni, jekk mitluba miċ-Ċentru, tieħu ħsieb tinnotifika l-awtorità tal-baġit bit-trasferimenti magħmula bejn l-approprjazzjonijiet operattivi u amministrattivi.

Il-pjan tat-twaqqif taċ-Ċentru jinsab fil-Parti bit-titolu "Pjan ta' Twaqqif tal-Persunal" tat-Taqsima III — Il-Kummissjoni (Volum 3).

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KEE) tal-Kunsill Nru 337/75 tal-10 ta' Frar 1975 li jwaqqaf Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali (ĠU L 39, 13.2.1975, p. 1).

### Partita 15 02 25 02 — Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali — Kontribuzzjoni għat-Titolu 3

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 4 954 900 | 4 954 900 | 4 340 066 | 4 340 066 | 3 528 526,84 | 3 245 526,84 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa operattiva taċ-Ċentru dwar il-programm tal-ħidma (It-Titolu 3).

Iċ-Ċentru għandu jinforma l-awtorità tal-baġit dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u amministrattiva. Il-Kummissjoni, jekk mitluba miċ-Ċentru, tieħu ħsieb tinnotifika l-awtorità tal-baġit bit-trasferimenti magħmula bejn l-approprjazzjonijiet operattivi u amministrattivi.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2013 tammonta għal total ta' EUR 17 433 900. Ammont ta' EUR 49 000 li ġej mill-irkupru tal-bilanċ pożittiv jiżdied mal-ammont ta' EUR 17 384 900 imdaħħal fil-baġit.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KEE) Nru 337/75 tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 1975 li jwaqqaf Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali (ĠU L 39, 13.2.1975, p. 1).

## *Artikolu 15 02 27 — Fundazzjoni Ewropea għat-Taħriġ*

### Partita 15 02 27 01 — Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ — Kontribuzzjoni għat-Titoli 1 u 2

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 15 081 500 | 15 081 500 | 14 468 414 | 14 468 414 | 14 328 000,00 | 14 328 000,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa amministrattiva u tal-persunal tal-Fondazzjoni (It-Titoli 1 u 2).

Il-Fondazzjoni għandha tinforma lill-awtorità baġitarja dwar trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u dik amministrattiva.

Il-pjan tat-twaqqif tal-Fondazzjoni jinsab fil-Parti bit-titolu ’Pjan ta’ Twaqqif tal-Persunal’ tat-Taqsima III — Il-Kummissjoni (Volum 3).

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-appoġġ minn pajjiżi msieħba fir-reġjun Mediterranju fir-riforma tas-swieq tax-xogħol u s-sistemi tat-taħriġ vokazzjonali tagħhom u l-promozzjoni tad-djalogu soċjali u l-appoġġ għall-intrapriża.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1339/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Diċembru 2008 li jistabbilixxi Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 82).

### Partita 15 02 27 02 — Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ — Kontribuzzjoni għat-Titolu 3

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 4 945 000 | 5 445 000 | 5 576 116 | 5 576 116 | 7 202 173,05 | 5 522 000,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa operattiva tal-Fondazzjoni fir-rigward tal-programm tax-xogħol tagħha (It-Titolu 3).

Il-Fondazzjoni għandha tinforma lill-awtorità baġitarja dwar trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u dik amministrattiva.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2013 tammonta għal total ta’ EUR 20 144 500. Ammont ta' EUR 118 000 li ġej mill-irkupru tal-bilanċ pożittiv jiżdied mal-ammont ta' EUR 20 026 500 imdaħħal fil-baġit.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1339/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Diċembru 2008 li jistabbilixxi Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 82).

## *Artikolu 15 02 30 — Proġett pilota — Politika Ewropea għall-Viċinat — Tisħiħ tal-edukazzjoni permezz ta' boroż ta' studju u skambji*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | — | — | — | 1 355,77 | 1 355,77 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet għat-tlestija tal-proġett pilota — Politika Ewropea għall-Viċinat — Tisħiħ tal-edukazzjoni permezz ta' boroż ta' studju u skambji.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 15 02 31 — Proġett pilota biex ikopri l-kostijiet tal-istudji għal studenti li jispeċjalizzaw fil-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) u għal attivitajiet akkademiċi relatati, inkluż il-ħatra ta' President tal-PEV fil-Kampus ta' Natolin tal-Kulleġġ tal-Ewropa*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 579 935 | p.m. | 580 000 | 2 899 674,00 | 2 319 739,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet għat-tlestija tal-proġett pilota biex ikopri l-ispejjeż tal-istudji għal studenti li jispeċjalizzaw fil-PEV u għal attivitajiet akkademiċi relatati, inkluż il-ħatra ta' President tal-PEV fil-Kampus ta' Natolin tal-Kulleġġ tal-Ewropa.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 15 02 32 — Proġett pilota — Politika Ewropea għall-Viċinat — Tisħiħ tal-edukazzjoni permezz ta' boroż ta' studju u skambji*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 150 755,80 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet tat-tlestija ta' proġett pilota għal boroż ta' studju għal studenti minn pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat li qed isegwu korsijiet li jwasslu għal Masters fl-Istudji Ewropej.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/25 tal-25 ta' Gunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli ghall-bagit generali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 15 02 33 — Azzjoni preparatorja li tkopri l-ispejjeż għal persuni li jispeċjalizzaw fil-Politika Ewropea tal-Viċinat (ENP) u għall-attivitajiet akkademiċi relatati u programmi edukattivi oħra inkluż il-funzjonament tal-President tal-ENP fil-Kulleġġ tal-Ewropa (Kampus ta’ Naolin)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 2 000 000 | 1 600 000 | 3 500 000 | 1 750 000 | |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni għandha l-għan li tkopri l-kostijiet ta' studju għal persuni speċjalizzati fil-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) u għal attivitajiet akkademiċi relatati u programmi edukattivi oħrajn, inkluż il-funzjonament tal-President tal-PEV.

Il-Politika Ewropea tal-Viċinat il-ġdida u msaħħa, kif prevista mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew fid-deċiżjonijiet u r-riżoluzzjonijiet rispettivi tagħhom, b'mod speċjali fid-dawl taż-żewġ proġetti politiċi ewlenin dwar il-viċinat, l-Unjoni għall-Mediterran u s-Sħubija tal-Lvant, teħtieġ il-preparazzjoni ta' interlokuturi futuri li ġejjin mill-pajjiżi Ewropej u ġirien, jiġifieri tal-persunal inkarigat mill-impjiegi marbuta mal-UE-PEV. Huma għandhom ikunu familjari b'mod sħiħ u professjonali mal-kontenut u l-ispirtu tal-politiki, il-liġi u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-*acquis* tal-Unjoni. Dan jeħtieġ offerta ffukata u sofistikata li tista' tingħata

biss minn istituzzjoni akkademika magħrufa sew bħall-Kulleġġ tal-Ewropa li diġà jispeċjalizza f'dan il-qasam. Iż-żewġ kampusijiet tal-Kulleġġ tal-Ewropa — wieħed fi Bruges, il-Belġju, viċin l-istituzzjonijiet u l-esperti fi Brussell, u l-ieħor f'Natolin/Varsavja, il-Polonja, li jispeċjalizza fil-politika tal-viċinat u l-fruntieri (billi l-Aġenzija Frontex hija bbażata f'Varsavja) — huma fl-aħjar pożizzjoni biex joffru programmi mfassla apposta u programmi edukattivi oħra.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## KAPITOLU 15 04 — ŻVILUPP TAL-KOOPERAZZJONI KULTURALI U AWDJOVIŻIVA FL-EWROPA

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 15 04 | Żvilupp tal-kooperazzjoni kulturali u awdjoviżiva fl-Ewropa | | | | | | | | |
| ***15 04 09*** | ***Tlestija ta' programmi/azzjonijiet preċedenti*** | | | | | | | | |
| 15 04 09 01 | Tlestija tal-programmi preċedenti/azzjonijiet fil-qasam tal-kultura u l-lingwa | 3.2 | — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 453 959,84 | |
| 15 04 09 02 | Tlestija tal-programmi preċedenti MEDIA | 3.2 | — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 104 214,99 | |
| | *Artikolu 15 04 09 — Sub-total* | | — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 558 174,83 | |
| ***15 04 10*** | ***Proġett pilota — Ekonomija tad-diversità kulturali*** | 3.2 | p.m. | 225 000 | 750 000 | 375 000 | | | |
| ***15 04 44*** | ***Programm Kultura (2007-2013)*** | 3.2 | 59 356 000 | 51 000 000 | 58 503 000 | 50 500 000 | 59 310 924,30 | 50 576 970,28 | 99,17 % |
| ***15 04 45*** | ***Proġett pilota - Mobilità tal-artisti*** | 3.2 | — | p.m. | — | 350 000 | 0,— | 181 966,96 | |
| ***15 04 46*** | ***Azzjoni ta' tħejjija — il-kultura fir-relazzjonijiet esterni*** | 3.2 | p.m. | 150 000 | 500 000 | 250 000 | | | |
| ***15 04 50*** | ***Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew*** | 3.2 | 300 000 | 318 750 | 350 000 | 250 000 | | | |
| ***15 04 66*** | ***MEDIA 2007 — Programm ta' appoġġ għas-settur awdjoviżiv Ewropew*** | | | | | | | | |
| 15 04 66 01 | MEDIA 2007 — Programm ta' appoġġ għas-settur awdjoviżiv Ewropew | 3.2 | 108 109 000 | 101 000 000 | 106 752 000 | 100 000 000 | 114 214 581,83 | 110 608 856,60 | 109,51 % |
| 15 04 66 02 | Azzjoni ta' tħejjija L-implimentazzjoni tal-programmi MEDIA 2007 f'pajjiżi terzi | 4 | — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 1 544 561,41 | |
| 15 04 66 03 | Azzjoni ta' tħejjija —— Ċirkolazzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi f'ambjent diġitali | 3.2 | p.m. | p.m. | 2 000 000 | 1 000 000 | | | |
| | *Artikolu 15 04 66 — Sub-total* | | 108 109 000 | 101 000 000 | 108 752 000 | 101 000 000 | 114 214 581,83 | 112 153 418,01 | 111,04 % |
| ***15 04 68*** | ***MEDIA Mundus*** | 3.2 | 4 500 000 | 4 600 000 | 4 925 000 | 4 760 000 | 4 918 865,00 | 3 386 596,00 | 73,62 % |
| ***15 04 70*** | ***Proġett pilota — Dar tal-Istorja Ewropea*** | | p.m. | p.m. | | | | | |
| | **Kapitolu 15 04 — Total** | | **172 265 000** | **157 293 750** | **173 780 000** | **157 485 000** | **178 444 371,13** | **166 857 126,08** | **106,08 %** |

## *Artikolu 15 04 09 — Tlestija ta' programmi/azzjonijiet preċedenti*

### Partita 15 04 09 01 — Tlestija tal-programmi preċedenti/azzjonijiet fil-qasam tal-kultura u l-lingwa

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 453 959,84 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri t-tlestija ta' miżuri li kellhom appoġġ qabel l-2007 fl-ambitu tal-linji baġitarji li ġejjin:

— sussidji għall-organizzazzjonijiet b'interess Ewropew,

— programm qafas li jappoġġa l-kultura.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontributi mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jistgħu jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Iż-Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi kandidati, u jekk ikun applikabbli, mill-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provvista ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 508/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Frar 2000 li tistabbilixxi l-programm Kultura 2000 (ĠU L 63, 10.3.2000, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 792/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja għal promozzjoni ta' entitajiet attivi fuq livell Ewropew fil-qasam tal-kultura (ĠU L 138, 30.4.2004, p. 40).

## Partita 15 04 09 02 — Tlestija tal-programmi preċedenti MEDIA

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 104 214,99 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata biex tkopri impenji preċedenti relatati mal-programmi MEDIA.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontributi mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jistgħu jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontributi tal-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni f'programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għal approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/563/KE tal-10 ta' Lulju 1995 dwar l-implimentazzjoni ta' programm li jinkorraġġixxi l-iżvilupp u d-distribuzzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej (MEDIA II - Żvilupp u distribuzzjoni) (1996 sa 2000) (ĠU L 321, 30.12.1995, p. 25).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/564/KE tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar l-implimentazzjoni ta' programm għal professjonisti fl-industrija Ewropea tal-programmi awdjoviżivi (MEDIA II - Taħriġ) (ĠU L 321, 30.12.1995, p. 33)

Id-Deċiżjoni tal-Parlament tal-Kunsill Nru 2000/821/KE tal-20 ta' Diċembru 2000 dwar l-implimentazzjoni ta' programm li jinkoraġġixxi l-iżvilupp, id-distribuzzjoni u l-promozzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej (MEDIAPlus — Żvilupp, Distribuzzjoni u Promozzjoni) (2001-2005) (ĠU L 336, 30.12.2000, p. 82).

Id-Deċiżjoni Nru 163/2001/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Jannar 2001 dwar l-implimentazzjoni ta' programm ta' taħriġ għal professjonisti fl-industrija Ewropea tal-programmi awdjoviżivi (MEDIA-Taħriġ) (2001 sa 2005) (ĠU L 26, 27.1.2001, p. 1).

## *Artikolu 15 04 10 — Proġett pilota — Ekonomija tad-diversità kulturali*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| p.m. | 225 000 | 750 000 | 375 000 | |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet għat-tlestija tal-proġett proġett pilota — Ekonomija ta' diversità kulturali.

*Bażi ġuridika*

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6), tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2992, p. 1).

## *Artikolu 15 04 44 — Programm Kultura (2007-2013)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 59 356 000 | 51 000 000 | 58 503 000 | 50 500 000 | 59 310 924,30 | 50 576 970,28 |

*Kummenti*

Skont il-programm "Kultura 2007-2013", din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri l-miżuri li ġejjin:

— appoġġ għal proġetti ta' kooperazzjoni kulturali fl-oqsma artistiċi u kulturali kollha ħlief dawk awdjoviżivi,

— appoġġ għal kostijiet operattivi ta' organizzazzjonijiet attivi fil-qasam tal-kultura fuq livell Ewropew,

— is-sostenn lil xogħol ta' analiżi, ġbir u propagazzjoni ta' tagħrif fil-qasam tal-kooperazzjoni kulturali,

— appoġġ għal proġetti ta' traduzzjoni litterarja, minn lingwa Ewropea għal oħra.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jista' jagħti lok għal dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontributi mill-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok li jkun hemm approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1855/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi l-programm Kultura (2007-2013) (ĠU L 372, 27.12.2006, p. 1).

## *Artikolu 15 04 45 — Proġett pilota - Mobilità tal-artisti*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | p.m. | — | 350 000 | 0,— | 181 966,96 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet għat-tlestija tal-proġett pilota għall-mobilità artistika.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 15 04 46 — Azzjoni ta’ tħejjija — il-kultura fir-relazzjonijiet esterni*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| p.m. | 150 000 | 500 000 | 250 000 | |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet għat-tlestija tal-azzjoni ta' tħejjija — Il-kultura fir-relazzjonijiet esterni.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 15 04 50 — Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 300 000 | 318 750 | 350 000 | 250 000 | |

*Kummenti*

Iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew se jingħata lil siti li għandhom valur simboliku kbir għall-Unjoni u li jenfasizzaw l-istorja Ewropea, il-bini tal-Unjoni u l-valuri u d-drittijiet tal-bniedem Ewropew li jsaħħu l-proċess tal-integrazzjoni Ewropea. L-għan hu li jressaq liċ-ċittadini, speċjalment liż-żgħażagħ, aktar viċin lejn l-Unjoni. Madankollu, iċ-Ċertifikat huwa mistenni wkoll li jaġixxi ta' inċentiv biex iżid it-turiżmu kulturali, biex b'hekk iwassal għal benefiċċji ekonomiċi possibbli.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet ta':

— l-attribuzzjoni taċ-Ċertifikat permezz ta' proċedura ta' għażla minn bord Ewropew magħmul minn esperti indipendenti,

— il-promozzjoni taċ-Ċertifikat.

*Bażi ġuridika*

De ċiżjoni Nru 1194/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 16 ta’ Novembru 2011 li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew (ĠU L 303, 22.11.2011, p. 1).

## *Artikolu 15 04 66 — MEDIA 2007 — Programm ta’ appoġġ għas-settur awdjoviżiv Ewropew*

### Partita 15 04 66 01 — MEDIA 2007 — Programm ta’ appoġġ għas-settur awdjoviżiv Ewropew

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 108 109 000 | 101 000 000 | 106 752 000 | 100 000 000 | 114 214 581,83 | 110 608 856,60 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri l-miżuri li ġejjin:

— Appoġġ għall-fażi ta' qabel il-produzzjoni:

  — jiġi favorit l-akkwist ta' ħiliet u kwalifiki għal professjonisti awdjoviżivi fil-qasam tal-kitba tal-iskritt, fil-ġestjoni u fit-teknoloġiji l-ġodda. Pereżempju: l-appoġġ għall-mobbiltà ta' min iħarreġ; boroż ta' studju għal professjonisti mill-Istati Membri l-ġodda,

  — jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' xogħlijiet awdjoviżivi, fir-rigward tal-aspetti kreattivi (skritti) kif ukoll dawk ekonomiċi (strateġiji ta' produzzjoni, distribuzzjoni u promozzjoni). Pereżempju: l-appoġġ għall-iżvilupp ta' proġetti individwali jew katalgi ta' proġetti; jingħata appoġġ bil-ħsieb li jiġi faċilitat l-aċċess għall-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju għall-finanzjament, inkluż il-Fond ta' Garanzija tal-MEDIA Production,

— Appoġġ għall-fażi ta' wara l-produzzjoni:

  — tiġi appoġġata d-distribuzzjoni transnazzjonali ta' xogħlijiet Ewropej, biex itejbu ċ-ċirkolazzjoni ta' xogħolijiet Ewropej li mhumiex nazzjonali. Pereżempju: appoġġ għad-distribuzzjoni fiċ-ċinema u ta' videos ta' films Ewropej li mhumiex nazzjonali; appoġġ awtomatiku u selettiv għad-distributuri ta' films Ewropej li m'humiex nazzjonali, appoġġ għal kits ta' promozzjoni, appoġġ għad-diġitazzjoni,

  — tittejjeb il-promozzjoni ta' xogħlijiet Ewropej. Pereżempju: żgurar li professjonisti jkollhom aċċess għas-swieq Ewropej u internazzjonali; żgurar li l-udjenza jkollha aċċess għal xogħlijiet li jirriflettu d-diversità kulturali Ewropea.

— tiġi appoġġata l-innovazzjoni u l-programm ikun jista' jadatta għat-tibdiliet teknoloġiċi. Azzjoni: jiġu appoġġati proġetti pilota, notevolment fir-rigward ta' teknoloġiji diġitali, inkluż appoġġ lid-diġitalizzazzjoni tat-teatri taċ-ċinema,

— jiġi appoġġat netwerk ta' uffiċċji tal-informazzjoni (MEDIA Desks) madwar l-Ewropa kollha.

— jiġi appoġġat l-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontributi mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jistgħu jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontributi tal-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni f'programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għal approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribut tal-Konfederazzjoni Svizzera għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Parita 6 0 3 3 tar-rendikont tad-dħul, jista' jwassal għad-allokazzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament Finanzjarju.

F'konformità mal-bażi legali tal-MEDIA 2007, parti mill-approprjazzjoni ta' din il-linja ta' baġit se tintuża għall-inkoraġġiment u l-appoġġ ta' inizjattivi ta' edukazzjoni dwar l-immaġini organizzati permezz ta' festivals għaż-żgħażagħ, b'mod partikolari, b'kooperazzjoni mill-qrib ma' skejjel u istituzzjonijiet oħrajn. Il-benefiċjarji jistgħu jkunu organizzazzjonijiet mis-setturi pubbliċi u privati li għandhom għarfien espert u esperjenza Ewropea fi kwistjonijiet ta' litteriżmu medjatiku.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1718/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 dwar l-implimentazzjoni ta' programm ta' appoġġ għas-settur awdjoviżiv Ewropew (MEDIA 2007) (ĠU L 327 tal-24.11.2006, p.12).

Ara wkoll il-partita 15 01 04 31.

## Partita 15 04 66 02 — Azzjoni ta' tħejjija L-implimentazzjoni tal-programmi MEDIA 2007 f'pajjiżi terzi

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 1 544 561,41 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż tat-tlestija tal-azzjoni ta’ tħejjija ta’ MEDIA International.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta’ tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli ghall-bagit generali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

### Partita 15 04 66 03 — Azzjoni ta’ tħejjija —— Ċirkolazjoni ta’ xogħlijiet awdjoviżivi f’ambjent diġitali

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| p.m. | p.m. | 2 000 000 | 1 000 000 | |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet għat-tlestija tal-azzjoni ta' tħejjija — Ċirkolazzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi f'ambjent diġitali.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 15 04 68 — MEDIA Mundus*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 4 500 000 | 4 600 000 | 4 925 000 | 4 760 000 | 4 918 865,00 | 3 386 596,00 |

*Kummenti*

F’konformità mad-deċiżjoni li toħloq il-programm “MEDIA Mundus”, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-azzjonijiet sabiex:

— jissaħħu l-ħiliet tal-professjonisti Ewropej u tal-pajjiżi terzi u jitjieb il-livell ta’ informazzjoni u għarfien tagħhom;

— tiġi ffaċilitata t-tfittxija għal sħab fil-koproduzzjonijiet u jitħeġġeġ il-bejgħ internazzjonali u l-promozzjoni tax-xogħol awdjoviżiv;

— l-operaturi taċ-ċinema fil-pajjiżi Ewropej u f’pajjiżi terzi jitħeġġu jżidu reċiprokament il-kundizzjonijiet tal-ipprogrammar u tal-wiri tal-ewwel rilaxxi esklussivi tax-xogħlijiet awdjoviżivi.

— jiżdied il-forniment tal-kontenut awdjoviżiv u jitjiebu l-kundizzjonijiet tax-xandir u tat-tqassim għax-xogħlijiet awdjoviżivi minn pajjiżi terzi fuq l-istazzjonijiet tat-tqassim Ewropej u għal xogħlijiet Ewropej fuq l-istazzjonijiet tat-tqassim ta’ pajjiżi terzi.

— tiġi ffaċilitata l-organizzazzjoni ta’ avvenimenti u inizjattivi għall-għarfien tal-films.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f’dan l-Artikolu. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontributi mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; jistgħu jagħtu lok għall-għoti ta’ approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness “Żona Ekomonika Ewropea” ta’ din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta’ din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, jekk ikun applikabbli, mill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista’ jagħti lok għal approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jwassal għall-għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1041/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi programm ta' koperazzjoni fis-settur awdjoviżiv ma' professjonisti minn pajjiżi terzi (ĠU L 288, 4.11.2009, p. 10).

## *Artikolu 15 04 70 — Proġett pilota — Dar tal-Istorja Ewropea*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | | |
| p.m. | p.m. | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa operattiva tad-Dar tal-Istorja Ewropea, li żżid l-għarfien, tqajjem kurżità, u toħloq opportunitajiet biex wieħed jirrifletti fuq l-istorja Ewropea permezz ta' wirja moderna u ċentru tad-dokumentazzjoni.

*Bażi ġuridika*

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6), tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2992, p. 1).

# KAPITOLU 15 05 — INKORAĠĠIMENT U PROMOZZJONI GĦALL-KOOPERAZZJONI FIL-QASAM TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ U L-ISPORTS

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 15 05 | Inkoraġġiment u promozzjoni għall-kooperazzjoni fil-qasam taż-żgħażagħ u l-isports | | | | | | | | |
| ***15 05 06*** | ***Avvenimenti annwali speċjali*** | 3.2 | p.m. | 450 000 | 1 500 000 | 2 700 000 | 4 000 000,00 | 5 381 398,93 | 1195,87 % |
| ***15 05 09*** | ***Tlestija tal-programmi preċedenti / fil-qasam ta' azzjoni taż-żgħażagħ*** | 3.2 | — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 2 703 595,37 | |
| ***15 05 10*** | ***Azzjoni ta' tħejjija — Amicus — Assoċjazzjoni ta' Stati Membri li Jimplimentaw Servizz Universali tal-Kommunità*** | 3.2 | — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 290 266,89 | |
| ***15 05 11*** | ***Azzjoni ta' tħejjija fil-qasam tal-isport*** | 3.2 | p.m. | 209 000 | p.m. | 2 300 000 | 2 989 358,62 | 2 855 192,07 | 1366,12 % |
| ***15 05 20*** | ***Azzjoni ta' tħejjija — Sħubijiet Ewropej dwar l-Isports*** | 3.2 | p.m. | 500 000 | 4 000 000 | 2 000 000 | | | |
| ***15 05 55*** | ***Żgħażagħ fl-Azzjoni*** | 3.2 | 140 450 000 | 129 000 000 | 139 608 000 | 123 000 000 | 156 112 923,97 | 144 849 031,61 | 112,29 % |
| | **Kapitolu 15 05 — Total** | | **140 450 000** | **130 159 000** | **145 108 000** | **130 000 000** | **163 102 282,59** | **156 079 484,87** | **119,91 %** |

## *Artikolu 15 05 06 — Avvenimenti annwali speċjali*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 450 000 | 1 500 000 | 2 700 000 | 4 000 000,00 | 5 381 398,93 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri t-tlestija tal-miżuri li kellhom appoġġ bħala avvenimenti annwali speċjali.

*Bażi ġuridika*

Ħidmiet li jirriżultaw mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif previst fl-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 15 05 09 — Tlestija tal-programmi preċedenti / fil-qasam ta' azzjoni taż-żgħażagħ*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 2 703 595,37 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri t-tlestija ta' miżuri appoġġati qabel l-2007 fl-intestatura tal-baġit Żgħażagħ.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla skont l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontributi mill-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok li jkun hemm approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1031/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' April 2000 li tistabbilixxi l-programm ta' azzjoni tal-Komunità (ĠU L 117, 18.5.2000, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 790/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni tal-Komunità biex tippromwovi korpi attivi fil-livell Ewropew fil-qasam taż-żgħażagħ (ĠU L 138, 30.4.2004, p. 24).

## *Artikolu 15 05 10 — Azzjoni ta' tħejjija — Amicus — Assoċjazzjoni ta' Stati Membri li Jimplimentaw Servizz Universali tal-Kommunità*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 290 266,89 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż tat-tlestija tal-azzjoni ta' tħejjija Amicus — Assoċjazzjoni ta' Stati Membri li qed Jimplimentaw Servizz Universali Komunitarju.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta’ tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 15 05 11 — Azzjoni ta’ tħejjija fil-qasam tal-isport*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 209 000 | p.m. | 2 300 000 | 2 989 358,62 | 2 855 192,07 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet għat-tlestija tal-azzjoni ta' tħejjija fil-qasam tal-isports.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta’ tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 15 05 20 — Azzjoni ta' tħejjija — Sħubijiet Ewropej dwar l-Isports*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| p.m. | 500 000 | 4 000 000 | 2 000 000 | |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet għat-tlestija tal-azzjoni ta' tħejjija — Sħubijiet Ewropej dwar l-isports.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 15 05 55 — Żgħażagħ fl-Azzjoni*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 140 450 000 | 129 000 000 | 139 608 000 | 123 000 000 | 156 112 923,97 | 144 849 031,61 |

*Kummenti*

Skont il-‘programm Żgħażagħ fl-Azzjoni 2007-2013’, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-miżuri li ġejjin:

— Iż-Żgħażagħ għall-Ewropa: l-għan ta’ din l-azzjoni huwa s-sostenn ta’ skambji bejn iż-żgħażagħ sabiex tiżdied il-mobbiltà tagħhom, l-inizjattivi taż-żgħażagħ, u l-proġetti u l-attivitajiet li jikkonċernaw parteċipazzjoni fil-ħajja demokratika, sabiex tiġi żviluppata ċ-ċittadinanza u l-komprensjoni reċiproka,

— Servizz Volontarju Ewropew: l-għan ta’ din l-azzjoni huwa li jqawwi l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ f’diversi forom ta’ attivitajiet volontarji, ġewwa u barra mill-Unjoni,

— Żgħażagħ tad-Dinja: l-għan ta’ din l-azzjoni huwa s-sostenn ta’ proġetti mal-pajjiżi sħab imsemmija fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Nru 1719/2006/KE, b’mod partikolari l-iskambju taż-żgħażagħ u ħaddiema fil-qasam taż-żgħażagħ, u s-sostenn għall-inizjattivi li jirrinforzaw il-komprensjoni reċiproka taż-żgħażagħ u s-sens ta’ solidarjetà kif ukoll l-iżvilupp tal-kooperazzjoni fil-qasam taż-

żgħażagħ u tas-soċjetà ċivili f'dawn il-pajjiżi,

— ħaddiema fil-qasam taż-żgħażagħ u sistemi ta' sostenn: l-għan ta' din l-azzjoni huwa biex issostni entitajiet attivi fil-livell Ewropew fil-qasam taż-żgħażagħ, b'mod partikolari t-tħaddim tal-entitajiet mhux governattivi taż-żgħażagħ, in-netwerking bejniethom, l-iskambju, it-taħriġ u n-'netwerking ta' ħaddiema fil-qasam taż-żgħażagħ, is-simulazzjoni tal-innovazzjoni u tal-kwalità tal-azzjonijiet, l-informazzjoni taż-żgħażagħ u t-twaqqif ta' strutturi u ta' attivitajiet neċessarji għall-programm biex jintlaħqu dawn l-għanijiet,

— appoġġ għal kooperazzjoni politika: din l-azzjoni għandha l-għan li jiġi organizzat djalogu bejn l-atturi differenti fid-dinja taż-żgħażagħ, b'mod partikolari ż-żgħażagħ infushom, il-ħaddiema fil-qasam taż-żgħażagħ u min ifassal il-politika, biex din tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-kooperazzjoni politika fil-qasam taż-żgħażagħ, u jittieħdu l-passi neċessarji u jinħolqu n-netwerks neċessarji ħalli ż-żgħażagħ jiġu mifhuma aħjar.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla skont l-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; huma jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontributi mill-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għal approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul mill-kontribuzzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera għall-parteċipazzjoni tagħha fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal taħt il-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1719/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li tistabbilixxi l-programm Żgħażagħ fl-Azzjoni għall-perjodu 2007-2013 (ĠU L 327, 24.11.2006, p. 30).

## KAPITOLU 15 07 — NIES — PROGRAMM GĦALL-MOBILITÀ TAR-RIĊERKATURI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 15 07 | Nies — Programm għall-mobilità tar-riċerkaturi | | | | | | | | |
| ***15 07 77*** | ***Nies*** | 1.1 | 954 252 000 | 800 000 000 | 905 662 068 | 588 805 947 | 785 982 833,36 | 572 312 156,62 | 71,54 % |
| ***15 07 78*** | ***Approprjazzjonijiet li jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku*** | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 59 620 908,93 | 11 415 139,56 | |
| ***15 07 79*** | ***Artikolu 15 07 79 — Proġett Pilota — Sħubijiet ta' għarfien*** | 1.1 | p.m. | 499 900 | 1 000 000 | 750 000 | 999 894,71 | 499 947,35 | 100,01 % |
| | **Kapitolu 15 07 — Total** | | **954 252 000** | **800 499 900** | **906 662 068** | **589 555 947** | **846 603 637,00** | **584 227 243,53** | **72,98 %** |

## *Artikolu 15 07 77 — Nies*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 954 252 000 | 800 000 000 | 905 662 068 | 588 805 947 | 785 982 833,36 | 572 312 156,62 |

*Kummenti*

L-Ewropa jeħtieġ li ssir iktar attraenti għar-riċerkaturi, sabiex iżżid il-kapaċità u l-prestazzjoni tagħha fir-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, filwaqt li tinżamm u tkompli tiġi żviluppata ż-Żona Ewropea tar-Riċerka. Fil-kuntest ta' kompetizzjoni dejjem tikber fuq livell dinji, huwa meħtieġ li jiġi żviluppat suq Ewropew miftuħ u kompetittiv tax-xogħol għar-riċerkaturi bi prospetti differenti u attraenti ta' karriera.

Il-valur miżjud tal-appoġġ mogħti mill-programm speċifiku "Nies" (imwettaq permezz tal-Azzjonijiet Marie Curie, il-Lejla tar-Riċerkaturi u l-azzjoni EURAXESS) huwa l-promozzjoni tal-mobbiltà internazzjonali, interdixxiplinari u intersettorali tar-riċerkaturi bħala l-impetu ewlieni għall-Innovazzjoni Ewropea. L-Azzjonijiet Marie Curie jseddqu wkoll kooperazzjoni iżjed b'saħħitha bejn l-edukazzjoni, ir-riċerka u n-negozji minn pajjiżi differenti fit-taħriġ u l-iżvilupp ta' karrieri tar-riċerkaturi biex jitwessgħu l-kapaċitajiet u jippreparawhom għall-impjiegi ta' għada. L-Azzjonijiet Marie Curie jirriinfurzaw sħubija mill-qrib bejn l-edukazzjoni u n-negozji sabiex jiżdied l-iskambju tal-għarfien u jiżdied it-taħriġ tad-Dottorat skont il-ħtiġijiet tal-industrija. Bil-promozzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol konformi maċ-charter u l-kodiċi tar-riċerkaturi Ewropej, dawn jgħinu biex karriera fir-riċerka fl-Ewropa tkun iktar attraenti.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu minn kontributi mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; jistgħu jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Din l-approprjazzjoni tkopri wkoll nefqa li tikkorrispondi għal dħul li jagħti lok għad-disponibbiltà ta' approprjazzjonijiet addizzjonali minn partijiet terzi (mhux Żona Ekonomika Ewropea) jew pajjiżi terzi li jipparteċipaw fi proġetti fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku.

F'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul li jiddaħħal fil-Partiti 6 0 1 3, 6 0 1 5, 6 0 1 6, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-forniment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri tar-riċerka u universitajiet f'azzjonijiet taħt is-Seba' Programm Qafas u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007-2013) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Qafas tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/973/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku 'Nies' li jimplimenta s-Seba' Programm Qafas tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 272; rettifika: ĠU L 54, 22.2.2007, p. 91).

## *Artikolu 15 07 78 — Approprjazzjonijiet li jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi (barra miż-Żona Ekonomika Ewropea) għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 59 620 908,93 | 11 415 139,56 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni se tkopri n-nefqa li tikkorrispondi għal dħul li jagħti lok għad-disponibbiltà ta' approprjazzjonijiet addizzjonali minn pajjiżi terzi (mhux fiż-Żona Ekonomika Ewropea) jew pajjiżi terzi li jipparteċipaw fi proġetti fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku.

F'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul li jiddaħħal fil-Partiti 6 0 1 3, 6 0 1 5, 6 0 1 6, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali.

## *Artikolu 15 07 79 — Artikolu 15 07 79 — Proġett Pilota — Sħubijiet ta' għarfien*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 499 900 | 1 000 000 | 750 000 | 999 894,71 | 499 947,35 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet ta' tlestija tal-proġett pilota dwar is-sħubijiet ta' għarfien.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

# TITOLU 16 — KOMUNIKAZZJONI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 16 01 | Nefqa amministrattiva tal-qasam ta' politika tal-"Komunikazzjoni" | | 130 914 586 | 130 914 586 | 126 332 869 | 126 332 869 | 127 973 462,20 | 127 973 462,20 |
| | 40 01 40 | | | | 5 987<br>126 338 856 | 5 987<br>126 338 856 | | |
| 16 02 | Komunikazzjoni u l-mezzi tax-xandir | | 39 103 000 | 38 753 000 | 40 665 000 | 35 000 000 | 42 990 822,14 | 34 809 798,93 |
| | 40 02 41 | | | | 4 500 000<br>45 165 000 | 4 500 000<br>39 500 000 | | |
| 16 03 | Komunikazzjoni "niffukaw fuq il-lokal" | | 34 826 000 | 32 600 000 | 31 760 000 | 29 200 000 | 36 064 456,47 | 36 510 440,53 |
| | 40 02 41 | | | | 3 300 000<br>35 060 000 | 3 400 000<br>32 600 000 | | |
| 16 04 | Analiżi u għodod ta' komunikazzjoni | | 25 760 000 | 22 500 000 | 23 230 000 | 22 260 000 | 22 981 025,48 | 26 077 148,40 |
| 16 05 | Trawwim ta' Ċittadinanza Ewropea | 3 | 31 330 000 | 32 350 000 | 32 190 000 | 32 000 000 | 43 705 744,10 | 36 225 347,31 |
| | **Titolu 16 — Total** | | **261 933 586** | **257 117 586** | **254 177 869** | **244 792 869** | **273 715 510,39** | **261 596 197,37** |
| | **40 01 40, 40 02 41**<br>**Total + riżerva** | | | | **7 805 987**<br>**261 983 856** | **7 905 987**<br>**252 698 856** | | |

# KAPITOLU 16 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA TAL- "KOMUNIKAZZJONI"

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 16 01 | Nefqa amministrattiva tal-qasam ta' politika tal-"Komunikazzjoni" | | | | | |
| ***16 01 01*** | ***Nefqa amministrattiva relatata mal-persunal li huwa f'impjieg attiv fil-qasam tal-politika tal-"Komunikazzjoni"*** | | | | | |
| 16 01 01 01 | Nefqa relatata mal-persunal li huwa f'impjieg attiv fil-qasam tal-politika tal-"Komunikazzjoni": Kwartieri Ġenerali | 5 | 65 551 998 | 61 854 849 | 62 416 056,57 | 95,22 % |
| | *Artikolu 16 01 01 — Sub-total* | | 65 551 998 | 61 854 849 | 62 416 056,57 | 95,22 % |
| ***16 01 02*** | ***Persunal estern u nefqa oħra ta' ġestjoni b'sostenn tal-qasam tal-politika tal-"Komunikazzjoni"*** | | | | | |
| 16 01 02 01 | Persunal estern tad-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni: Direttorat Ġenerali | 5 | 6 190 249 | 7 276 540 | 7 794 145,89 | 125,91 % |
| 16 01 02 03 | Persunal estern tad-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni: Rappreżentanzi tal-Kummissjoni | 5 | 16 265 000 | 15 749 000 | 15 394 049,67 | 94,65 % |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 16 01 02 11 | Nefqa oħra ta’ ġestjoni tad-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni: Kwartieri Ġenerali | 5 | 3 365 317 | 3 299 156 | 3 704 729,03 | 110,09 % |
| | 40 01 40 | | | 5 987<br>3 305 143 | | |
| | *Artikolu 16 01 02 — Sub-total* | | 25 820 566 | 26 324 696 | 26 892 924,59 | 104,15 % |
| | *40 01 40* | | | 5 987<br>26 330 683 | | |
| ***16 01 03*** | ***In-nefqa relatata mat-tagħmir u s-servizzi tat-Teknoloġija tal-Informatika u l-Komunikazzjoni, il-bini u nefqiet oħra tax-xogħol tal-qasam ta' politika tal-“Komunikazzjoni”*** | | | | | |
| 16 01 03 01 | In-nefqa relatata mat-tagħmir u s-servizzi tat-Teknoloġija tal-Informatika u l-Komunikazzjoni tad-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni: il-Kwartieri Ġenerali | 5 | 4 074 022 | 3 949 324 | 4 684 034,38 | 114,97 % |
| 16 01 03 03 | Bini u nefqa relatata tad-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni: Rappreżentanzi tal-Kummissjoni | 5 | 26 531 000 | 25 404 000 | 25 101 631,37 | 94,61 % |
| 16 01 03 04 | Nefqa oħra ta’ xogħol | 5 | 1 317 000 | 1 350 000 | 1 526 272,72 | 115,89 % |
| | *Artikolu 16 01 03 — Sub-total* | | 31 922 022 | 30 703 324 | 31 311 938,47 | 98,09 % |
| ***16 01 04*** | ***Nefqa ta’ appoġġ għall-operazzjonijiet fil-qasam ta’ politika tal-“Komunikazzjoni”*** | | | | | |
| 16 01 04 01 | Azzjonijiet tal-Komunikazzjoni — Nefqa fuq ġestjoni amministrattiva | 3.2 | 3 200 000 | 3 200 000 | 3 100 003,68 | 96,88 % |
| 16 01 04 02 | Żjarat lill-Kummissjoni — Nefqa fuq ġestjoni amministrattiva | 3.2 | 800 000 | 650 000 | 636 216,00 | 79,53 % |
| 16 01 04 03 | L-Ewropa għaċ-Ċittadini — Nefqa fuq ġesjtoni amministrattiva | 3.2 | 250 000 | 230 000 | 235 322,89 | 94,13 % |
| 16 01 04 30 | L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura | 3.2 | 3 370 000 | 3 370 000 | 3 381 000,00 | 100,33 % |
| | *Artikolu 16 01 04 — Sub-total* | | 7 620 000 | 7 450 000 | 7 352 542,57 | 96,49 % |
| | **Kapitolu 16 01 — Total** | | **130 914 586** | **126 332 869** | **127 973 462,20** | **97,75 %** |
| | **40 01 40**<br>**Total + riżerva** | | | **5 987**<br>**126 338 856** | | |

## *Artikolu 16 01 01 — Nefqa amministrattiva relatata mal-persunal li huwa f’impjieg attiv fil-qasam tal-politika tal-“Komunikazzjoni”*

Partita 16 01 01 01 — Nefqa relatata mal-persunal li huwa f’impjieg attiv fil-qasam tal-politika tal-“Komunikazzjoni”: Kwartieri Ġenerali

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 65 551 998 | 61 854 849 | 62 416 056,57 |

## *Artikolu 16 01 02 — Persunal estern u nefqa oħra ta’ ġestjoni b’sostenn tal-qasam tal-politika tal-“Komunikazzjoni”*

Partita 16 01 02 01 — Persunal estern tad-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni: Direttorat Ġenerali

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 6 190 249 | 7 276 540 | 7 794 145,89 |

Partita 16 01 02 03 — Persunal estern tad-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni: Rappreżentanzi tal-Kummissjoni

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 16 265 000 | 15 749 000 | 15 394 049,67 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri l-pagi, sahra b'rata fissa, u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-istituzzjonijiet fir-rigward tal-persunal lokali, persunal b'kuntratt u persunal tal-aġenzija impjegati fir-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Unjoni.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(e) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq EUR 4 000.

*Bażi ġuridika*

Kundizzjonijiet ta' impjieg ta' ħaddiema oħra tal-Unjoni Ewropea.

Partita 16 01 02 11 — Nefqa oħra ta' ġestjoni tad-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni: Kwartieri Ġenerali

*Figuri*

| | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|
| 16 01 02 11 | 3 365 317 | 3 299 156 | 3 704 729,03 |
| 40 01 40 | | 5 987 | |
| Total | 3 365 317 | 3 305 143 | 3 704 729,03 |

*Kummenti*

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(e) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 3 000.

## *Artikolu 16 01 03 — In-nefqa relatata mat-tagħmir u s-servizzi tat-Teknoloġija tal-Informatika u l-Komunikazzjoni, il-bini u nefqiet oħra tax-xogħol tal-qasam ta' politika tal-"Komunikazzjoni"*

Partita 16 01 03 01 — In-nefqa relatata mat-tagħmir u s-servizzi tat-Teknoloġija tal-Informatika u l-Komunikazzjoni tad-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni: il-Kwartieri Ġenerali

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 4 074 022 | 3 949 324 | 4 684 034,38 |

Partita 16 01 03 03 — Bini u nefqa relatata tad-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni: Rappreżentanzi tal-Kummissjoni

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 26 531 000 | 25 404 000 | 25 101 631,37 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri:

— il-ħlas ta' kera u l-ħlas ta' ċens li għandhom x'jaqsmu ma' bini jew partijiet ta' bini li qed jintuża, u l-kera ta' kmamar għall-konferenzi, mħażen, garaxxijiet u faċilitajiet ta' pparkjar,

— il-ħlas ta' premiums ta' assigurazzjoni fuq bini jew partijiet tal-bini okkupati mill-istituzzjoni,

- spejjeż tal-ilma, il-gass, l-elettriku u għat-tisħin,
- spejjeż ta' żamma, maħduma fuq il-bażi ta' kuntratti kurrenti, għall-bini, liftijiet, sħana ċentralizzata, tagħmir ta' arja kkundizzjonata, eċċ.; in-nefqa minħabba ħidmiet regolari ta' tindif, ix-xiri ta' prodotti varji għall-manutenzjoni, l-indafa, il-ħasil, id-*drycleaning*, eċċ., u minħabba żbigħ, tiswijiet u l-provvisti għall-manutenzjoni,
- it-tagħmir għall-bini, eżempju alterazzjonijiet għall-*partitioning,* alterazzjonijiet għall-istallazzjonijiet tekniċi u xogħol ieħor speċjalizzat fuq serraturi u tagħmir tal-metall, tagħmir elettriku, *plumbing*, tibjid, għata tal-art, eċċ.,
- l-ispiża għat-tagħmir meħtieġ,
- spejjeż dwar is-sigurtà tal-persuni u l-bini, kemm fir-rigward tas-saħħa u s-sigurtà tal-individwi u s-sigurtà fiżika u materjali tal-persuni u l-proprjetà. Dawn l-ispejjeż jinkludu, pereżempju, ix-xiri, il-kiri u l-manutenzjoni ta' tagħmir għat-tifi tan-nar, il-bdil ta' tagħmir għall-istallazzjonijiet tan-nar u spejjeż għall-ispezzjonijiet statutorji kif ukoll kuntratti għall-għassa mal-bini, kuntratti għall-manutenzjoni ta' stallazzjonijiet ta' sigurtà u x-xiri ta' oġġetti żgħar ta' tagħmir,
- nefqa għal bini, b'mod partikolari ġestjoni ta' drittijiet għall-bini b'ħafna inkwilini, spejjeż tal-istħarriġ tal-postijiet u spejjeż għall-utilitajiet (ġbir tal-iskart eċċ.),
- drittijiet għall-għajnuna teknika dwar operazzjonijiet kbar ta' żvilupp u konverżjoni,
- l-ispiża tax-xiri, il-kiri, iż-żamma u t-tiswija ta' tagħmir tekniku, għamara u vetturi,
- ix-xiri ta' kotba, dokumenti u pubblikazzjonijiet oħra mhux perjodiċi, l-aġġornament ta' volumi eżistenti, spejjeż tal-legatura u x-xiri ta' tagħmir ta' identifikazzjoni elettronika,
- nefqa għal abbonamenti għall-gazzetti, perjodiċi speċjalisti, ġurnali uffiċjali, dokumenti parlamentari, statistiċi tal-kummerċ barranin, rapporti tal-aġenziji tal-aħbarijiet u diversi pubblikazzjonijiet oħra speċjalizzati,
- l-ispiża ta' abbonamenti u l-aċċess għas-servizzi ta' informazzjoni elettronika u banek tat-tagħrif esterni u l-kisba ta' mezzi elettroniċi (CD-ROMs eċċ.),
- it-taħriġ u l-appoġġ meħtieġ biex ikun hemm aċċess għall-informazzjoni,
- drittijiet tal-awtur,
- l-ispiża tal-i*stationery* u provvisti għall- uffiċċji,
- assigurazzjonijiet varji,
- in-nefqa għal materjali u tagħmir tax-xogħol,
- spejjeż għal laqgħat interni,
- in-nefqa għax-xogħlijiet ta' manutenzjoni, ġarr u ċaqliq minn post għall-ieħor,
- spejjeż mediċi li jiġu bħala riżultat tad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Istaff,
- l-ispiża tal-istallazzjoni, l-aġġornament u l-operazzjoni taż-żoni tal-catering,
- nefqa oħra operattiva,
- spejjeż postali u tal-konsenja,
- abbonamenti u spejjeż tat-telekomunikazzjonijiet,
- l-ispiża tax-xiri u l-istallazzjoni tat-tagħmir tat-telekomunikazzjonijiet,
- in-nefqa kollha tat-teknoloġija tal-informatika (IT) għall-uffiċċji fl-Unjoni, partikolarment nefqa fuq sistemi ta' informazzjoni u ġestjoni, infrastruttura ta' awtomatizzazzjoni tal-uffiċċju, kompjuters personali, servers*,* u infrastruttura relatata, periferali (printers, skeners*,* eċċ), tagħmir tal-uffiċċju (magni tal-fotokopji, magni tal-*fax*, tajprajters, diktafowns, eċċ) u nefqa ġenerali fuq netwerks, appoġġ, assistenza għall-utenti, taħriġ u tneħħija tal-IT,
- in-nefqa eventwali li għandha tkopri l-ispejjeż għax-xiri jew għall-kiri ta' bini.

Din l-approprijazzjoni tkopri n-nefqa magħmula fit-territorju tal-Unjoni, bl-esklużjoni tas-siti taċ-Ċentru tar-Riċerka Konġunta, li għalih tiddaħħal in-nefqa fl-Artikolu 01 05 tal-titoli kkonċernati. Nefqa simili magħmula barra l-Unjoni tiddaħħal fil-partita 01 03 02 tat-titoli kkonċernati.

It-total ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(e) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq EUR 80 000.

### Partita 16 01 03 04 — Nefqa oħra ta’ xogħol

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 1 317 000 | 1 350 000 | 1 526 272,72 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja li ssir fl-Unjoni:

— l-ispiża ta’ abbonamenti u l-aċċess għas-servizzi ta’ informazzjoni elettronika u *databases* esterni u l-kisba ta’ mezzi elettroniċi (CD-ROMs, eċċ.),

— it-taħriġ u l-appoġġ meħtieġ biex ikun hemm aċċess għall-informazzjoni.

Ta’ min jinnota li dawn l-approprjazzjonijiet ikopru l-ispejjeż esposti fit-territorju tal-Unjoni ħlief għal uffiċċji fl-Unjoni.

It-total ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(e) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq EUR 1 000.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 fuq ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 16 01 04 — Nefqa ta’ appoġġ għall-operazzjonijiet fil-qasam ta’ politika tal-“Komunikazzjoni”*

### Partita 16 01 04 01 — Azzjonijiet tal-Komunikazzjoni — Nefqa fuq ġestjoni amministrattiva

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 3 200 000 | 3 200 000 | 3 100 003,68 |

*Kummenti*

Din l-approprazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa fuq studji, evalwazzjonijiet, laqgħat ta’ esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-ksib tal-oġġettivi tal-azzjonijiet fl-ambitu tal-artikoli msemmija hawn taħt, kif ukoll l-għajnuna teknika u amministrattiva li ma tinvolvix kompiti ta’ awtoritajiet pubbliċi li jingħataw b‘Kuntratt mill-Kummissjoni fil-qafas ta’ kuntratti tas-servizzi *ad hoc*.

L-approprjazzjoni tkopri wkoll ir-rimbors ta’ spejjeż għall-ivvjaġġar u spejjeż oħra relatati ta’ persuni mistiedna li jsegwu xogħol il-Kummissjoni.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Artikoli 16 02 02, 16 02 03, 16 03 01, 16 03 02, 16 03 04 u 16 04 01 u l-Partita 16 04 02 01.

### Partita 16 01 04 02 — Żjarat lill-Kummissjoni — Nefqa fuq ġestjoni amministrattiva

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 800 000 | 650 000 | 636 216,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa amministrattiva marbuta maż-żjajjar, bħal servizzi ta’ hostess biex jgħinu fl-organizzazzjoni tal-laqgħat, materjal ta’ promozzjoni għad-distribuzzjoni ta’ gruppi viżitaturi, materjal/pubblikazzjonijiet ta’ informazzjoni li jagħtu tagħrif dwar azzjonijiet u politika tal-Unjoni, studji *ad hoc* u azzjonijiet bi prova marbuta maż-żjajjar, u nfiq amministrattiv ġenerali ieħor ta’ natura teknika jew amministrattiva.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Artikolu 16 05 02.

## Partita 16 01 04 03 — L-Ewropa għaċ-Ċittadini — Nefqa fuq ġesjtoni amministrattiva

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 250 000 | 230 000 | 235 322,89 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-għan tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din l-intestatura, kif ukoll kull nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta' awtorità pubblika mogħtija b'Kuntratt mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi kandidati, u jekk applikabbli, il-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħla fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fuq ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Partita 16 05 01 01.

## Partita 16 01 04 30 — L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 3 370 000 | 3 370 000 | 3 381 000,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż operattivi tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura, li saru minħabba l-parteċipazzjoni tal-Aġenzija fit-tmexxija tal-programm 'Ewropa għaċ-Ċittadini' skont l-Intestatura 3b tal-qafas finanzjarju 2007-2013.

Kull dħul mill-kontribut tal-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħla fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess rapport bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fuq ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Ir-Regolament Finanzjarju.

Il-pjan tat-twaqqif tal-Aġenzija huwa stipulat fil-Parti bit-titolu 'Persunal' tat-Taqsima III — il-Kummissjoni (Volum 3).

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 011, 16.1.2003, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/100/KE tas-26 ta' Jannar 2004 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni tal-Komunità biex tippromwovi ċ-ċittadinanza Ewropea attiva (parteċipazzjoni taċ-ċittadini) (ĠU L 30, 4. 2. 2004, p. 6).

Id-Deċiżjoni Nru 1904/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi l-programm Europe for Citizens (L-Ewropa għaċ-Ċittadini) għall-perjodu 2007-2013, bl-għan li tkun promossa ċ-ċittadinanza Ewropea attiva (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 32).

*Atti ta' referenza*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/336/KE tal-20 ta' April 2009 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura għall-ġestjoni tal-azzjoni Komunitarja fl-oqsma tal-edukazzjoni, l-awdjoviżiv u l-kultura, bl-implimentazzjoni

tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 (ĠU L 101, 21.4.2009, p. 26)

## Kapitolu 16 02 — Komunikazzjoni u l-mezzi tax-xandir

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 16 02 | Komunikazzjoni u l-mezzi tax-xandir | | | | | | | | |
| ***16 02 02*** | ***Azzjonijiet ta' Multimedia*** | 3.2 | 28 400 000 | 29 000 000 | 26 960 000 | 23 500 000 | 31 646 053,75 | 23 809 821,65 | 82,10 % |
| | 40 02 41 | | | | 4 500 000<br>31 460 000 | 4 500 000<br>28 000 000 | | | |
| ***16 02 03*** | ***Informazzjoni għall-mezzi tax-xandir*** | 3.2 | 5 150 000 | 4 200 000 | 4 950 000 | 4 000 000 | 4 589 982,26 | 4 499 977,28 | 107,14 % |
| ***16 02 04*** | ***Tħaddim ta' studios tar-radju u tat-televiżjoni u tagħmir awdjoviżiv*** | 5 | 5 553 000 | 5 553 000 | 6 755 000 | 6 500 000 | 6 754 786,13 | 6 500 000,00 | 117,05 % |
| ***16 02 06*** | ***Azzjoni ta' tħejjija — Għotjiet ta' riċerka Ewropea għal ġurnaliżmu investigattiv transkonfinali*** | 5 | p.m. | p.m. | 1 000 000 | 500 000 | | | |
| ***16 02 07*** | ***Proġett pilota — Share Europe Online*** | 5 | p.m. | p.m. | 1 000 000 | 500 000 | | | |
| | **Kapitolu 16 02 — Total** | | **39 103 000** | **38 753 000** | **40 665 000** | **35 000 000** | **42 990 822,14** | **34 809 798,93** | **89,82 %** |
| | **40 02 41**<br>**Total + riżerva** | | | | **4 500 000**<br>**45 165 000** | **4 500 000**<br>**39 500 000** | | | |

### *Artikolu 16 02 02 — Azzjonijiet ta' Multimedia*

*Figuri*

| | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 16 02 02 | 28 400 000 | 29 000 000 | 26 960 000 | 23 500 000 | 31 646 053,75 | 23 809 821,65 |
| 40 02 41 | | | 4 500 000 | 4 500 000 | | |
| Total | 28 400 000 | 29 000 000 | 31 460 000 | 28 000 000 | 31 646 053,75 | 23 809 821,65 |

*Kummenti*

Din l-approprazzjoni hi maħsuba li tkopri l-finanzjament tal-azzjonijiet ġenerali ta' tagħrif dwar l-Unjoni, bl-iskop li tidher aktar il-ħidma tal-Istituzzjonijiet tal-Unjoni, it-teħid ta' deċiżjonijiet u l-istadji fil-bini tal-Ewropa. Hija tikkonċerna b'mod partikolari l-finanzjament u l-kofinanzjament tal-produzzjoni u/jew it-tixrid tal-multimedia (radju, TV, Internet, eċċ.) prodotti tat-tagħrif, inklużi n-netwerks pan-Ewropej magħmula minn mezzi ta' xandir lokali u nazzjonali, kif ukoll l-għodda meħtieġa biex tiġi żviluppata politika ta' din ix-xorta.

It-total ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(e) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq EUR 50 000.

Ikun min ikun il-benefiċjarju, mhi awtorizzata l-ebda nefqa amministrattiva b'dan l-artikolu..

Il-Kummissjoni, fl-implimentazzjoni ta' din il-linja baġitarja, għandha tqis sew ir-riżultati tal-laqgħat tal-Grupp Interistituzzjonali dwar l-Informazzjoni (IGI).

*Bażi ġuridika*

Ħidma ġejja mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif stipulat fl-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 fir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-

Reġjuni tat-3 ta' Ottubru 2007 bit-titolu "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija" (COM(2007) 568 finali).

Komunikazzjoni lill-Kummissjoni, Komunikazzjoni tal-Ewropa permezz ta' mezzi tax-xandir awdjoviżivi, SEC(2008) 506 finali, 24.4.2008.

Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tat-22 ta' Ottubru 2008 "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija" (ĠU C 13, 20.1.2009, p. 3).

## *Artikolu 16 02 03 — Informazzjoni għall-mezzi tax-xandir*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 5 150 000 | 4 200 000 | 4 950 000 | 4 000 000 | 4 589 982,26 | 4 499 977,28 |

*Kummenti*

Dawn l-approprjazzjoni hi maħsuba tkopri l-ispejjeż fi kwistjonijiet ta' komunikazzjoni tal-Unjoni, li jiffokaw b'mod partikolari fuq il-mezzi tax-xandir. L-għodda żviluppati għal fehim u rappurtar aħjar tal-kwistjonijiet ta' interess attwali jkopru b'mod ewlieni:

— Multimedia (ritratti, vidjo, eċċ.) materjal ta' tagħrif għall-mezzi tax-xandir u pjattaformi oħrajn, inkluż fil-pubblikazzjoni/ xandir tagħhom,

— seminars u sostenn għall-ġurnalisti organizzati mir-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni jew servizzi ċentrali,

Il-Kummissjoni, meta timplimenta din il-linja baġitarja, għandha tikkunsidra b'mod xieraq l-eżitu tal-laqgħat tal-Grupp Interistituzzjonali dwar l-Informazzjoni (IGI).

It-total ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(e) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq EUR 1 000.

Ikun min ikun il-benefiċjarju, mhi awtorizzata l-ebda nefqa amministrattiva b'dan l-artikolu.

*Bażi ġuridika*

Ħidma ġejja mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif stipulat fl-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 fir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-3 ta' Ottubru 2007 bit-titolu "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija" (COM(2007) 568 finali).

Komunikazzjoni lill-Kummissjoni, Komunikazzjoni tal-Ewropa permezz ta' mezzi tax-xandir awdjoviżivi, SEC(2008) 506 finali, 24.4.2008.

Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tat-22 ta' Ottubru 2008 "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija" (ĠU C 13, 20.1.2009, p. 3).

## *Artikolu 16 02 04 — Tħaddim ta' studios tar-radju u tat-televiżjoni u tagħmir awdjoviżiv*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 5 553 000 | 5 553 000 | 6 755 000 | 6 500 000 | 6 754 786,13 | 6 500 000,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż kollha tat-tħaddim tal-istudios u l-faċilitajiet awdjoviżivi kollha tal-Kummissjoni u faċilitajiet oħra ta' informazzjoni awdjoviżiva: persunal u x-xiri, il-kiri, il-manutenzjoni u t-tiswija tat-tagħmir u l-materjal meħtieġ.

Tkopri wkoll kiri tas-satellita biex tipprovdi informazzjoni fuq l-attivitajiet tal-Unjoni għall-kanali televiżivi. Dawn l-

approprjazzjonijiet għandhom jitħaddmu skont il-prinċipji interistituzzjonali ta' kooperazzjoni biex tkun żgurata d-diseminazzjoni tal-informazzjoni kollha dwar l-Unjoni Ewropea.

Irrispettivament mill-benefiċjarju, mhi awtorizzata l-ebda nefqa amministrattiva b'dan l-artikolu.

*Bażi ġuridika*

Ħidma li tirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fuq livell istituzzjonali, kif stipulat fl-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Gunju 2002 dwar ir-Regolament Finanazjarju applikabbli ghall-bagit generali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-3 ta' Ottubru 2007 bit-titolu "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija" (COM(2007) 568 finali).

K omunikazzjoni lill-Kummissjoni tal-24 ta' April 2008: Nikkomunikaw l-Ewropa permezz ta' mezzi tax-xandir awdjoviżivi (SEC(2008) 506 finali).

Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tat-22 ta' Ottubru 2008 "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija" (ĠU C 13, 20.1.2009, p. 3).

## *Artikolu 16 02 06 — Azzjoni ta' tħejjija — Għotjiet ta' riċerka Ewropea għal ġurnaliżmu investigattiv transkonfinali*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| p.m. | p.m. | 1 000 000 | 500 000 | |

*Kummenti*

Din l-azzjoni preparatorja għal għotjiet Ewropej għar-riċerka għall-ġurnalisti għandha l-iskop li tiffaċilita u tiżviluppa riċerka ġurnalistika transkonfinali serja fil-livell tal-Unjoni. Se jiġu organizzati sejħiet għal offerti bl-iskop li jintgħażlu proġetti investigattivi komuni li jinvolvu ġurnalisti minn minimu ta' żewġ Stati Membri, b'dimensjoni transkonfinali jew Ewropea li tirriżulta minn perspettiva nazzjonali, reġjonali jew lokali. Ir-riżultati tal-investigazzjoni ġurnalistika magħżula se jkunu ppubblikati, tal-anqas, f'kull wieħed mill-Istati Membri involuti.

Għal dan il-għan, se jiġi stabbilit studju ta' fattibilità sabiex jinstabu metodi ġodda biex jitnieda dan il-proġett. L-studju għandu jħares lejn metodi li bihom ġurnaliżmu kritiku u indipendenti jista' jiġi ffinanzjat mill-UE, waqt li tkun żgurata l-indipendenza tal-informazzjoni.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 16 02 07 — Proġett pilota — Share Europe Online*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| p.m. | p.m. | 1 000 000 | 500 000 | |

*Kummenti*

Il-midja soċjali u l-internet biddlu drastikament l-aċċess għall-informazzjoni u l-komunikazzjoni bejn il-persuni. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom itejbu l-mod kif jużaw din l-għodda innovattiva. S'issa l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għadhom mhumiex preżenti ħafna fin-netwerks tal-midja soċjali bħal Twitter u Facebook u m'hemm l-ebda politika ta' komunikazzjoni konġunta bejn id-diversi istituzzjonijiet dwar l-użu ta' dawn l-għodod.

Dan il-Proġett pilota għandu l-għan li jiffoka mill-ġdid fuq l-istrateġija tal-komunikazzjoni tal-Unjoni lejn in-netwerks soċjali, l-internet u s-servizzi tal-mowbajl. L-għan tiegħu huwa li jitjieb l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-politiki tal-Unjoni, li jiġu involuti ċittadini Ewropej biex jaqsmu l-esperjenza tagħhom tal-Unjoni u li jiġu involuti ċittadini Ewropej fil-proċess tal-Unjoni tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

B'dan il-Proġett pilota, il-ħsieb huwa li jsir investiment fuq strateġija ġdida konġunta tal-midja dwar l-aċċess għall-informazzjoni u l-komunikazzjoni mit-tliet istituzzjonijiet ewlenin tal-Unjoni.

*Bażi ġuridika*

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6), tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2992, p. 1).

## KAPITOLU 16 03 — KOMUNIKAZZJONI "NIFFUKAW FUQ IL-LOKAL"

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 16 03 | Komunikazzjoni "niffukaw fuq il-lokal" | | | | | | | | |
| ***16 03 01*** | ***Uffiċċji li jagħtu t-tagħrif*** | 3.2 | 13 800 000 | 12 700 000 | 13 750 000 | 12 000 000 | 13 727 516,91 | 12 839 878,60 | 101,10 % |
| ***16 03 02*** | ***Komunikazzjoni tar-Rappreżentazzjonijiet tal-Kummissjoni*** | | | | | | | | |
| 16 03 02 01 | Komunikazzjoni tar-Rappreżentazzjonijiet tal-Kummissjoni | 3.2 | 7 226 000 | 6 600 000 | 5 870 000 | 5 560 000 | 8 741 215,29 | 8 535 114,41 | 129,32 % |
| | 40 02 41 | | | | 1 000 000<br>6 870 000 | 1 000 000<br>6 560 000 | | | |
| 16 03 02 02 | Spazji Pubbliċi Ewropej | 5 | 1 300 000 | 1 300 000 | 1 440 000 | 1 440 000 | 1 395 652,43 | 1 250 726,56 | 96,21 % |
| | *Artikolu 16 03 02 — Sub-total* | | 8 526 000 | 7 900 000 | 7 310 000 | 7 000 000 | 10 136 867,72 | 9 785 840,97 | 123,87 % |
| | *40 02 41* | | | | 1 000 000<br>8 310 000 | 1 000 000<br>8 000 000 | | | |
| ***16 03 04*** | ***Flimkien biex nikkomunikaw l-Ewropa*** | 3.2 | 12 500 000 | 12 000 000 | 10 700 000 | 10 200 000 | 12 200 071,84 | 13 667 580,96 | 113,90 % |
| | 40 02 41 | | | | 2 300 000<br>13 000 000 | 2 400 000<br>12 600 000 | | | |
| ***16 03 05*** | ***EuroGlobe*** | | | | | | | | |
| 16 03 05 01 | Azzjoni preparatorja — EuroGlobe | 3.2 | — | — | — | — | 0,— | 119 988,00 | |
| 16 03 05 02 | Tmiem il-proġett bi prova EuroGlobe | 3.2 | — | — | — | — | 0,— | 97 152,00 | |
| | *Artikolu 16 03 05 — Sub-total* | | — | — | — | — | 0,— | 217 140,00 | |
| | **Kapitolu 16 03 — Total** | | **34 826 000** | **32 600 000** | **31 760 000** | **29 200 000** | **36 064 456,47** | **36 510 440,53** | **112,00 %** |
| | **40 02 41**<br>**Total + riżerva** | | | | **3 300 000**<br>**35 060 000** | **3 400 000**<br>**32 600 000** | | | |

## *Artikolu 16 03 01 — Uffiċċji li jagħtu t-tagħrif*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 13 800 000 | 12 700 000 | 13 750 000 | 12 000 000 | 13 727 516,91 | 12 839 878,60 |

*Kummenti*

Dawn l-approprazzjonijiet huma maħsuba li jkopru:

— Il-finanzjament tat-tagħrif u l-uffiċċji/netwerk tat-tagħrif u d-dokumentazzjoni fl-Ewropa kollha (relays tal-*Europe Direct*, Ċentru ta' Dokumentazzjoni Ewropew, Team Europe, eċċ.); Dawn l-uffiċċji jissupplimentaw ix-xogħol tar-Rappreżentanzi tal-

Kummissjoni u tal-Uffiċċji ta' Informazzjoni tal-Parlament Ewropew fl-Istati Membri,

— is-sostenn - formazzjoni, koordinazzjoni u għajnuna — lin-netwerks ta’ informazzjoni,

— il-finanzjament tal-produzzjoni, ħażna u tixrid tal-materjal ta’ taħgrif u prodotti ta’ komunikazzjoni minn/għal dawn l-entitajiet.

Ikun min ikun il-benefiċjarju, mhi awtorizzata l-ebda nefqa amministrattiva b’dan l-artikolu.

L-ammont ta’ dħul allokat skont l-Artikolu 18(1)(e) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu ta’ EUR 50 000.

*Bażi ġuridika*

Ħidma ġejja mill-prerogattiva tal-Kummissjoni dwar il-pjan istituzzjonali, kif stipulat mill-Artikolu 49(6), tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-Kunsill tal-25 ta’ Ġunju 2002 li jistabbilixxi r-regolament finanzjarju applikabbli għal baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

*Atti ta’ referenza*

Komunikazzjoni lill-Kummissjoni, Pjan ta’ Azzjoni għat-Titjib tal-Ewropa li Tikkomunika mill-Kummissjoni, SEC(2005) 985 finali tal-20 ta’ Lulju 2005.

White Paper tal-1 ta’ Frar 2006 dwar il-politika tal-Komunikazzjoni Ewropea (COM(2006)0035).

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-3 ta’ Ottubru 2007 bit-titolu "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija" (COM(2007) 568 finali).

Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tat-22 ta’ Ottubru 2008 “Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija” (ĠU C 13, 20.1.2009, p. 3).

## *Artikolu 16 03 02 — Komunikazzjoni tar-Rappreżentazzjonijiet tal-Kummissjoni*

### Partita 16 03 02 01 — Komunikazzjoni tar-Rappreżentazzjonijiet tal-Kummissjoni

*Figuri*

| | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 16 03 02 01 | 7 226 000 | 6 600 000 | 5 870 000 | 5 560 000 | 8 741 215,29 | 8 535 114,41 |
| 40 02 41 | | | 1 000 000 | 1 000 000 | | |
| Total | 7 226 000 | 6 600 000 | 6 870 000 | 6 560 000 | 8 741 215,29 | 8 535 114,41 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż ta’ komunikazzjoni ddeċentralizzati tal-Unjoni. L-għan tal-attivitajiet ta’ komunikazzjoni lokali huwa notevolment li gruppi partikolari jingħataw l-għodod li jippermettulhom li jifhmu aħjar il-kwistjonijiet "jaħarqu" ta’ attwalità.

Dawn l-attivitajiet huma implimentati prinċipalment permezz tar-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Istati Membri permezz ta’:

— seminars u konferenzi,

— organizzazzjoni jew parteċipazzjoni f’avvenimenti Ewropej, wirjiet u attivitajiet ta’ relazzjonijiet pubbliċi, organizzazzjoni ta’ żjarat individwali, eċċ.,

— azzjonijiet ta’ komunikazzjoni diretti mmirati lejn il-pubbliku ġenerali (pereżempju servizzi ta’ pariri għaċ-ċittadini),

— miżuri ta’ komunikazzjoni diretta mmirati lejn il-multiplikaturi tal-opinjonijiet, b’mod partikulari miżuri msaħħa li jinvolvu l-istampa reġjonali ta’ kuljum, li hija sors ta’ informazzjoni ewlieni għal għadd kbir ta’ ċittadini Ewropej,

— il-ġestjoni taċ-ċentri tal-informazzjoni għall-pubbliku ġenerali fir-Rappreżentazzjonijiet tal-Kummissjoni.

L-approprjazzjoni tkopri wkoll ir-rimbors ta’ spejjeż għall-ivvjaġġar u spejjeż oħra relatati ta’ persuni mistiedna li jsegwu xogħol il-Kummissjoni.

L-ammont ta’ dħul allokat skont l-Artikolu 18(1)(e) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 5 000.

*Bażi ġuridika*

Kompiti li jirriżultaw mill-prerogattivi tal-Kummissjoni f'livell istituzzjonali, kif stabbilit fl-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-3 ta' Ottubru 2007 bit-titolu "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija" (COM(2007) 568 finali).

Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tat-22 ta' Ottubru 2008 "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija" (ĠU C 13, 20.1.2009, p. 3).

### Partita 16 03 02 02 — Spazji Pubbliċi Ewropej

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 1 300 000 | 1 300 000 | 1 440 000 | 1 440 000 | 1 395 652,43 | 1 250 726,56 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri b'mod speċifiku l-ftuħ u l-ġestjoni ta' 'Spazji Pubbliċi Ewropej' fid-Djar tal-Ewropa li jakkomodaw uffiċjalment dawn l-istrutturi. Il-Kummissjoni għandha tieħu l-inkarigu tal-ġestjoni tal-arranġamenti loġistiċi tal-ħolqien ta' dawn l-ispazji fl-interess taż-żewġ istituzzjonijiet (il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni), inklużi l-ispejjeż operazzjonali li jinkludu l-organizzazzjoni tas-servizzi kkuntrattati. L-Ispazji Pubbliċi Ewropej għandhom jitmexxew b'mod konġunt miż-żewġ istituzzjonijiet fuq il-bażi ta' rapport ta' evalwazzjoni dwar il-ġestjoni u l-ħidma tal-Ispazji Pubbliċi Ewropej, kif ukoll ta' programm ta' ħidma għas-sena li tkun ġejja. Iż-żewġ dokumenti, li jkunu mħejjija b'mod konġunt miż-żewġ istituzzjonijiet u li jikkostitwixxu l-elementi fundamentali għall-allokazzjoni ta' fondi għas-sena ta' wara, għandhom ikunu ppreżentati lill-awtoritajiet tal-baġit fil-ħin sabiex jitqiesu fil-proċedura baġitarja.

*Bażi ġuridika*

Kompiti li jirriżultaw mill-prerogattivi tal-Kummissjoni f'livell istituzzjonali, kif stabbilit fl-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-3 ta' Ottubru 2007 bit-titolu "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija" (COM(2007) 568 finali).

Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tat-22 ta' Ottubru 2008 "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija" (ĠU C 13, 20.1.2009, p. 3).

## *Artikolu 16 03 04 — Flimkien biex nikkomunikaw l-Ewropa*

*Figuri*

| | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 16 03 04 | 12 500 000 | 12 000 000 | 10 700 000 | 10 200 000 | 12 200 071,84 | 13 667 580,96 |
| 40 02 41 | | | 2 300 000 | 2 400 000 | | |
| Total | 12 500 000 | 12 000 000 | 13 000 000 | 12 600 000 | 12 200 071,84 | 13 667 580,96 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tiffinanzja l-attivitajiet ta' komunikazzjoni b'mod partikolari madwar il-prijoritajiet ta' komunikazzjoni fuq livell tal-Kummissjoni u fil-livell tal-Unjoni.

Din l-approprjazzjoni hija primarjament maħsuba biex tkopri l-għoti ta' informazzjoni liċ-ċittadini - kemm jista' jkun tkun fl-ilsien ta' pajjiżhom - dwar l-għażliet preżenti u futuri tal-Unjoni u biex tinvolvihom f'dibattitu dwar dan is-suġġett.

Huma jkopru notevolment azzjonijiet bħal:

— l-azzjonijiet ta' komunikazzjoni marbuta ma' prijoritajiet speċifiċi ta' komunikazzjoni annwali jew multiannwali,

— l-azzjonijiet ta' komunikazzjoni puntwali fuq skala nazzjonali jew internazzjonali li jirrispondu għal prijoritajiet ta' komunikazzjoni,

— l-azzjonijiet ta' komunikazzjoni organizzati bi sħab mal-Parlament Ewropew u/jew l-Istati Membri sabiex jinħolqu sinerġiji bejn il-mezzi ta' kull sħab u jkunu kkoordinati l-attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea. Waħda mill-għodda privileġġjati biex jiġi indirizzat dan l-approċċ hu s-sħubija tat-tmexxija.

L-approprjazzjoni tkopri wkoll ir-rimbors ta' spejjeż għall-ivvjaġġar u spejjeż oħra relatati ta' persuni mistiedna li jsegwu xogħol il-Kummissjoni.

Implimentati b'Kooperazzjoni mill-qrib mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-awtoritajiet fl-Istati Membri u/jew mas-soċjetà ċivili, dawn l-attivitajiet iqisu l-fatturi nazzjonali u reġjonali speċifiċi.

Il-Grupp Interistituzzjonali tal-informazzjoni (GII), kopresedut mill-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, iddefinixxa l-orjentazzjonijiet komuni dwar it-temi rilevanti tal-kooperazzjoni interistituzzjonali dwar il-materji ta' informazzjoni u ta' Komunikazzjoni tal-Unjoni. Il-GII jikkoordina l-attivitajiet ta' informazzjoni ċentralizzati u deċentralizzati maħsuba għall-pubbliku b'mod ġenerali, li għandhom x'jaqsmu ma' dawn it-temi. Il-Grupp kull sena jħabbar il-prijoritajiet tiegħu tas-snin li ġejjin, fuq il-bażi ta' rapport imfassal mill-Kummissjoni.

Ikun min ikun il-benefiċjarju, mhi awtorizzata l-ebda nefqa amministrattiva b'dan l-artikolu.

It-total ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(e) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq EUR 50 000.

*Bażi ġuridika*

Ħidma ġejja mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif stipulat fl-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 fir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-3 ta' Ottubru 2007 bit-titolu "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija" (COM(2007) 568 finali).

Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tat-22 ta' Ottubru 2008 "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija" (ĠU C 13, 20.1.2009, p. 3).

## *Artikolu 16 03 05 — EuroGlobe*

### Partita 16 03 05 01 — Azzjoni preparatorja — EuroGlobe

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | — | — | — | 0,— | 119 988,00 |

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex tkopri l-azzjoni ta' tħejjija li bdiet fl-2007 għal Globe theatre mobbli maħsub biex joħloq spazju pubbliku Ewropew għal dibattiti, għall-kultura u għat-tagħlim.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija skont is-sens tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

Partita 16 03 05 02 — Tmiem il-proġett bi prova EuroGlobe

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | — | — | — | 0,— | 97 152,00 |

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex tkopri tmiem il-proġett pilota li beda fl-2007 għal Globe theatre mobbli maħsub biex joħloq spazju pubbliku Ewropew għal dibattiti, għall-kultura u għat-tagħlim.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont is-sens tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## Kapitolu 16 04 — Analiżi u għodod ta’ komunikazzjoni

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 16 04 | Analiżi u għodod ta’ komunikazzjoni | | | | | | | | |
| ***16 04 01*** | ***Analiżi tal-opinjoni pubblika*** | 3.2 | 6 600 000 | 5 900 000 | 6 150 000 | 6 000 000 | 6 034 664,59 | 7 267 467,30 | 123,18 % |
| ***16 04 02*** | ***Informazzjoni onlajn u miktuba u għodod tal-komunikazzjoni*** | | | | | | | | |
| 16 04 02 01 | Informazzjoni onlajn u miktuba u għodod tal-komunikazzjoni | 3.2 | 16 860 000 | 14 500 000 | 14 380 000 | 13 760 000 | 14 070 323,66 | 14 937 970,53 | 103,02 % |
| 16 04 02 02 | Is-sommarju onlajn tal-leġiżlazzjoni (SCAD+) | 5 | — | p.m. | — | p.m. | 600 000,00 | 259 353,41 | |
| | *Artikolu 16 04 02 — Sub-total* | | 16 860 000 | 14 500 000 | 14 380 000 | 13 760 000 | 14 670 323,66 | 15 197 323,94 | 104,81 % |
| ***16 04 04*** | ***Pubblikazzjonijiet bil-miktub għall-użu ġenerali*** | 5 | 2 300 000 | 2 100 000 | 2 700 000 | 2 500 000 | 2 276 037,23 | 3 612 357,16 | 172,02 % |
| | **Kapitolu 16 04 — Total** | | **25 760 000** | **22 500 000** | **23 230 000** | **22 260 000** | **22 981 025,48** | **26 077 148,40** | **115,90 %** |

## *Artikolu 16 04 01 — Analiżi tal-opinjoni pubblika*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 6 600 000 | 5 900 000 | 6 150 000 | 6 000 000 | 6 034 664,59 | 7 267 467,30 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-analiżi tax-xejriet fl-opinjoni pubblika, primarjament bl-istħarriġiet tal-opinjoni (pereżempju, l-istħarriġiet tal-pubbliku ġenerali bl-“Ewrobarometru” , l-istħarriġiet “flash”, bit-telefown, ta' popolazzjonijiet speċifiċi dwar temi partikolari, fuq livell reġjonali, nazzjonali jew Ewropew, jew stħarriġiet kwalitattivi), kif ukoll il-kontroll tal-kwalità ta' dawn l-istħarriġiet.

Tkopri wkoll l-analiżi tas-sorveljanza kwalitattiva tal-media.

Il-Kummissjoni, fl-implimentazzjoni ta’ din il-linja baġitarja, għandha tqis sew ir-riżultat tal-laqgħat tal-Grupp Interistituzzjonali dwar l-Informazzjoni (IGI).

It-total ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(e) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq EUR 1 000.

Ikun min ikun il-benefiċjarju, mhi awtorizzata l-ebda nefqa amministrattiva b'dan l-artikolu.

*Bażi ġuridika*

Ħidma ġejja mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fuq il-livell istituzzjonali, kif stipulat fl-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-3 ta' Ottubru 2007 bit-titolu "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija" (COM(2007) 568 finali).

Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tat-22 ta' Ottubru 2008 "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija" (ĠU C 13, 20.1.2009, p. 3).

## *Artikolu 16 04 02 — Informazzjoni onlajn u miktuba u għodod tal-komunikazzjoni*

### Partita 16 04 02 01 — Informazzjoni onlajn u miktuba u għodod tal-komunikazzjoni

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 16 860 000 | 14 500 000 | 14 380 000 | 13 760 000 | 14 070 323,66 | 14 937 970,53 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri għodda ta' informazzjoni u komunikazzjoni multimedjali onlajn u stampati dwar l-Unjoni Ewropea, bl-għan li tipprovdi liċ-ċittadini kollha b'informazzjoni ġenerali dwar ix-xogħol tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, id-deċiżjonijiet meħuda u l-istadji fil-bini tal-Ewropa. L-għodda onlajn tippermetti l-ġbir ta' mistoqsijiet u reazzjonijiet taċ-ċittadini dwar kwistjonijiet Ewropej. Dan huwa servizz pubbliku. It-tagħrif ikopri l-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni. Dawn l-għodod għandhom ikunu aċċessibbli għall-persuni b'diżabilitajiet, f'Konformità mal-linji gwida tal-Inizjattiva ta' Aċċessibiltà għall-Web (WAI).

It-tipi ta' għodod ikkoċernati huma prinċipalment:

— is-sit Europa, li għandu jikkostitwixxi l-punt prinċipali ta' aċċess għall-informazzjoni eżistenti u l-websajts li jikkonċernaw l-informazzjoni amministrattiva li ċ-ċittadini Ewropej jistgħu jeħtieġu matul il-ħajja tagħhom ta' kuljum u li għalhekk għandhom ikunu aktar strutturati u jsiru aktar aċċessibbli,

— iċ-ċentru tal-*Europe Direct* (00800-67891011),

— is-siti tal-Internet u l-prodotti multimedjali u stampati tar-Rappreżentazzjonijiet tal-Kummissjoni fl-Istati Membri,

— stqarrijiet għall-istampa, diskorsi, memos, eċċ. onlajn (RAPID).

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja r-ristrutturar tas-sit Europa b'mod aktar koerenti. Hija maħsuba wkoll biex tkopri l-kampanji ta' informazzjoni għall-iffaċilitar tal-aċċess għal dawn is-sorsi ta' informazzjoni, speċjalment għan-numru tat-telefown tal-Europe Direct.

Din l-appropriazzjoni tkopri wkoll in-nefqa marbuta mal-produzzjoni, għal gruppi varji fil-mira, ta' pubblikazzjonijiet stampati relatati mal-attivitajiet tal-Unjoni li spiss jitqassmu permezz ta' netwerk deċentralizzat, primarjament:

— il-pubblikazzjonijiet tar-Rappreżentanzi (*fuljetti*, gazzetti u perjodiċi): kull Rappreżentanza għandha pubblikazzjoni waħda jew aktar, imxerrda minn multiplikaturi, u jkopru diversi oqsma (soċjali, ekonomiċi u politiċi),

— it-tixrid (ukoll permezz ta' netwerk deċentralizzat) ta' informazzjoni bażika speċifika dwar l-Unjoni (fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni) għall-pubbliku ġenerali, ikkoordinat mill-kwartieri ġenerali, u l-promozzjoni tal-pubblikazzjonijiet.

L-ispejjeż tal-pubblikazzjoni jkopru, fost affarijiet oħra, it-tħejjija u t-tfassil (inkluż id-dritt tal-awtur), l-editjar *freelance*, l-użu tad-dokumentazzjoni, ir-riproduzzjoni tad-dokumenti, l-akkwist jew il-ġestjoni ta' dejta, l-editjar, it-traduzzjoni, ir-reviżjoni (inkluża l-verifika tal-konkordanza tat-testi), l-istampar, it-tqegħid fuq l-Internet jew l-installazzjoni f'Kull mezz elettroniku ieħor, id-distribuzzjoni, il-ħażna, it-tixrid u l-promozzjoni tal-pubblikazzjonijiet.

Il-Kummissjoni, fl-implimentazzjoni ta' din il-linja baġitarja, għandha tqis sew ir-riżultati tal-laqgħat tal-Grupp Interistituzzjonali

dwar l-Informazzjoni (IGI).

Ikun min ikun il-benefiċjarju, mhi awtorizzata l-ebda nefqa amministrattiva b'dan l-Artikolu.

*Bażi ġuridika*

Ħidma ġejja mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif provdut fl-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-3 ta' Ottubru 2007 bit-titolu "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija" (COM(2007) 568 finali).

Komunikazzjoni lill-Kummissjoni tal-21 ta' Diċembru 2007: Komunikazzjoni dwar l-Ewropa permezz tal-Internet — Involviment taċ-ċittadini (SEC(2007) 1742).

Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tat-22 ta' Ottubru 2008 "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija" (ĠU C 13, 20.1.2009, p. 3).

## Partita 16 04 02 02 — Is-sommarju onlajn tal-leġiżlazzjoni (SCAD+)

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | p.m. | — | p.m. | 600 000,00 | 259 353,41 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri pagamenti mis-snin ta' qabel relatati mal-produzzjoni ta' sommarji onlajn tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni (SCAD+).

*Bażi ġuridika*

Kompiti li jirriżultaw mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif previst fl-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-3 ta' Ottubru 2007 bit-titolu "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija" (COM(2007) 568 finali).

Komunikazzjoni lill-Kummissjoni tal-21 ta' Diċembru 2007: Komunikazzjoni dwar l-Ewropa permezz tal-Internet — Involviment taċ-ċittadini (SEC(2007) 1742).

Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tat-22 ta' Ottubru 2008 "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija" (ĠU C 13, 20.1.2009, p. 3).

## *Artikolu 16 04 04 — Pubblikazzjonijiet bil-miktub għall-użu ġenerali*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 2 300 000 | 2 100 000 | 2 700 000 | 2 500 000 | 2 276 037,23 | 3 612 357,16 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri n-nefqa fuq il-ħruġ, fi kwalunkwe sura, ta' pubblikazzjonijiet dwar suġġetti ta' importanza maġġuri rigward l-attivitajiet tal-Kummissjoni u x-xogħol tal-Unjoni, magħżula skont il-programm ta' prijorità tal-

pubblikazzjonijiet, kif ukoll il-pubblikazzjonijiet stipulati fit-Trattati jew pubblikazzjonijiet istituzzjonali jew ta' referenza oħrajn. Il-pubblikazzjonijiet jistgħu jkunu immirati lejn il-professjoni tal-għalliema, il-mexxejja tal-opinjonijiet u l-pubbliku ġenerali.

L-ispejjeż tal-pubblikazzjoni jkopru, fost l-oħrajn, il-preparazzjoni u l-abbozzar (inkluż l-kuntratti tal-awturi), editjar freelance, l-użu tad-dokumentazzjoni, riproduzzjoni tad-dokumenti, xiri jew ġestjoni tad-dejta, editjar, traduzzjoni, reviżjoni (inkluż verifika tal-konkordanza tat-testi), stampar, tpoġġija fuq l-Internet jew installazzjoni f'Kull mezz elettroniku, distribuzzjoni, ħażna, tixrid, tixrid u promozzjoni ta' dawn id-dokumenti, inkluż f'format li jkun aċċessibbli għaċ-ċittadini b'diżabilità. Dawn il-pubblikazzjonijiet għandhom jinkludu wkoll materjal alternattiv.

It-total ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(e) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq EUR 20 000.

*Bażi ġuridika*

Ħidma ġejja mill-prerogattivi tal-Kummisssjoni fuq livell istituzzjonali, kif stipulat fl-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għal baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 249(2) tiegħu.

*Atti ta' referenza*

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-3 ta' Ottubru 2007 bit-titolu "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija" (COM(2007) 568 finali).

Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tat-22 ta' Ottubru 2008 "Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija" (ĠU C 13, 20.1.2009, p. 3).

## KAPITOLU 16 05 — TRAWWIM TA' ĊITTADINANZA EWROPEA

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 16 05 | Trawwim ta' Ċittadinanza Ewropea | | | | | | | | |
| ***16 05 01*** | ***Ewropa għaċ-Ċittadini*** | | | | | | | | |
| 16 05 01 01 | Ewropa għaċ-Ċittadini | 3.2 | 26 330 000 | 28 500 000 | 28 220 000 | 28 000 000 | 33 365 576,89 | 27 568 546,43 | 96,73 % |
| 16 05 01 02 | Azzjoni preparatorja għall-preservazzjoni ta' siti kommemorattivi fl-Ewropa | 3.2 | — | — | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | |
| | *Artikolu 16 05 01 — Sub-total* | | 26 330 000 | 28 500 000 | 28 220 000 | 28 000 000 | 33 365 576,89 | 27 568 546,43 | 96,73 % |
| ***16 05 02*** | ***Żjarat lill-Kummissjoni*** | 3.2 | 4 000 000 | 3 200 000 | 2 970 000 | 2 500 000 | 2 640 000,00 | 2 528 863,36 | 79,03 % |
| ***16 05 03*** | ***Is-Sena Ewropea tal-Volontarjat 2011*** | | | | | | | | |
| 16 05 03 01 | Azzjoni ta' tħejjija - Is-Sena Ewropea tal-Volontarjat 2011 | 3.2 | — | — | — | — | 0,— | 778 127,85 | |
| 16 05 03 02 | Is-Sena Ewropea tal-Volontarjat 2011 | 3.2 | — | p.m. | — | 900 000 | 7 700 167,21 | 5 349 809,67 | |
| | *Artikolu 16 05 03 — Sub-total* | | — | p.m. | — | 900 000 | 7 700 167,21 | 6 127 937,52 | |
| ***16 05 06*** | ***Dar Ewropea għas-Soċjetà Ċivili*** | 3.2 | — | — | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | |
| ***16 05 07*** | ***Is-Sena Ewropea taċ-Ċittadini 2013*** | | | | | | | | |
| 16 05 07 01 | Azzjoni ta' tħejjija — Is-Sena Ewropea taċ-Ċittadini 2013 | 3.2 | p.m. | 150 000 | 1 000 000 | 600 000 | | | |
| 16 05 07 02 | is-Sena Ewropea taċ-Ċittadini 2013 | 3.2 | 1 000 000 | 500 000 | | | | | |
| | *Artikolu 16 05 07 — Sub-total* | | 1 000 000 | 650 000 | 1 000 000 | 600 000 | | | |
| | **Kapitolu 16 05 — Total** | | **31 330 000** | **32 350 000** | **32 190 000** | **32 000 000** | **43 705 744,10** | **36 225 347,31** | **111,98 %** |

## *Artikolu 16 05 01 — Ewropa għaċ-Ċittadini*

### Partita 16 05 01 01 — Ewropa għaċ-Ċittadini

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 26 330 000 | 28 500 000 | 28 220 000 | 28 000 000 | 33 365 576,89 | 27 568 546,43 |

*Kummenti*

Skont il-Programm "Ewropa għaċ-Ċittadini 2007-2013", din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-miżuri li ġejjin:

- "Ċittadini attivi għall-Ewropa", li tinkludi:
  - sostenn strutturali lill-organizzazzjonijiet ta' riċerka dwar il-politiki pubbliċi Ewropej (gruppi ta' riflessjoni),
  - proġetti taċ-ċittadini u miżuri ta' sostenn;
- "Soċjetà ċivili attiva fl-Ewropa", li tinkudi:
  - sostenn strutturali lill-organizzazzjonijiet ta' riċerka dwar il-politiki pubbliċi Ewropej (gruppi ta' riflessjoni),
  - sostenn strutturali lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-livell Ewropew, eċċ.,
  - sostenn għall-proġetti mnedija mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;
- "Flimkien għall-Ewropa", li tinkludi:
  - avvenimenti bi profil għoli, bħalma huma kommemorazzjonijiet, premjijiet, konferenzi f'livell Ewropew, eċċ.,
  - studji, stħarriġ u stħarriġ tal-opinjoni,
  - għodod ta' informazzjoni u ta' tifrix;
- "Tfakkir Attiv Ewropew", li tikkonsisti: fil-kommemorazzjoni tal-vittmi tal-esterminazzjoni u d-deportazzjonijiet bil-massa assoċjati man-Nażiżmu u l-Istaliniżmu, kif ukoll il-preservazzjoni tal-monumenti u l-arkivji relatati.

Kull dħul mill-kontributi mill-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok li jkun hemm approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1904/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi l-programm Europe for Citizens għall-perjodu 2007-2013 li jippromwovi ċittadinanza Ewropea attiva (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 32).

### Partita 16 05 01 02 — Azzjoni preparatorja għall-preservazzjoni ta' siti kommemorattivi fl-Ewropa

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | — | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż relatati max-xogħlijiet ta' konservazzjoni fit-tul ta' siti bħall-kamp ta' konċentrament ta' Auschwitz-Birkenau li attwalment qed jiffaċċja deterjorament serju minħabba l-kondizzjonijiet klimatiċi u ż-żmien.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni preparatorja skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 16 05 02 — Żjarat lill-Kummissjoni*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 4 000 000 | 3 200 000 | 2 970 000 | 2 500 000 | 2 640 000,00 | 2 528 863,36 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri l-ispiża tal-organizzazzjoni ta' żjarat fil-Kummissjoni.

*Bażi ġuridika*

Ħidma ġejja mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif provdut fl-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 fir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 16 05 03 — Is-Sena Ewropea tal-Volontarjat 2011*

### Partita 16 05 03 01 — Azzjoni ta' tħejjija - Is-Sena Ewropea tal-Volontarjat 2011

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | — | — | — | 0,— | 778 127,85 |

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex tkopri l-miżuri li ġejjin fil-livell tal-Unjoni u nazzjonali:

- kampanji ta' informazzjoni u promozzjoni għat-tqassim ta' messaġġi ewlenin tas-Sena Ewropea tal-Volontarjat prevista;
- tqassim tar-riżultati ta' studji u riċerka fil-qasam;
- skambju tal-esperjenza u l-prassi tajba;
- konferenzi, avvenimenti u inizjattivi għall-promozzjoni tad-dibattitu u ż-żieda tal-għarfien dwar l-importanza u l-valur tal-volontarjat u biex jiġu ċċelebrati l-isforzi tal-volontiera;
- appoġġ għal strutturi adegwati fil-livell nazzjonali għall-koordinazzjoni u biex tiġi organizzata l-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea għall-Volontarjat fl-Istati Membri;
- mobilizzazzjoni u koordinament tal-ħidma tal-partijiet interessati ewlenin fil-livell tal-Unjoni.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

### Partita 16 05 03 02 — Is-Sena Ewropea tal-Volontarjat 2011

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | p.m. | — | 900 000 | 7 700 167,21 | 5 349 809,67 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-inizjattivi li ġejjin li jiġu organizzati fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali jew lokali u li huma marbuta mas-Sena Ewropea:

- kampanji ta' informazzjoni u promozzjoni,
- skambju tal-esperjenza u l-prassi tajba,
- studji u riċerka kif ukoll it-tqassim tar-riżultati tagħhom,
- konferenzi u avvenimenti għall-promozzjoni tad-dibattiti u ż-żieda tal-għarfien dwar l-importanza u l-valur tal-attivitajiet ta' volontarjat li jistimolaw il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u jiċċelebraw l-isforzi tal-volontiera u l-organizzazzjonijiet tagħhom,
- appoġġ għal strutturi adegwati fil-livell nazzjonali għall-koordinazzjoni u l-organizzazzjoni tal-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea għall-Volontarjat fl-Istati Membri,
- inizjattivi konkreti fl-Istati Membri mmirati li jippromwovu l-oġġettivi tas-Sena Ewropea u magħżula wara sejħa għall-proġetti mmexxija fil-livell tal-Unjoni (il-kofinanzjament massimu tal-Unjoni huwa stabbilit għal 80 % tal-ispiża eliġibbli totali),
- il-mobilizzazzjoni u l-koordinament tal-ħidma tal-partijiet interessati ewlenin fil-livell tal-Unjoni.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 2010/37/KE tas-27 ta' Novembru 2009 dwar is-Sena Ewropea tal-Attivitajiet ta' Volontarjat għall-Promozzjoni taċ-Ċittadinanza Attiva (2011) (ĠU L 17, 22.1.2010, p. 43).

## *Artikolu 16 05 06 — Dar Ewropea għas-Soċjetà Ċivili*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | — | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja studju dwar l-ambitu u l-ewwel passi fit-twaqqif ta' faċilità għal Dar Ewropea għas-Soċjetà Ċivili.

Ebda approprjazzjonijiet ma huma previsti għall-2011 u l-2012.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 16 05 07 — Is-Sena Ewropea taċ-Ċittadini 2013*

### Partita 16 05 07 01 — Azzjoni ta' tħejjija — Is-Sena Ewropea taċ-Ċittadini 2013

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| p.m. | 150 000 | 1 000 000 | 600 000 | |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-miżuri li ġejjin fil-livell Ewropew:

- kampanja ta' informazzjoni u komunikazzjoni biex jixterdu l-messaġġi ewlenin tas-Sena Ewropea taċ-Ċittadini 2013;

— l-iżvilupp tal-websajt tas-Sena Ewropea taċ-Ċittadini 2013.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni preparatorja skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

### Partita 16 05 07 02 — is-Sena Ewropea taċ-Ċittadini 2013

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | | |
| 1 000 000 | 500 000 | | |

*Kummenti*

*Partita ġdida*

L-għan ġenerali tas-Sena Ewropea għandu jkun li jiżdied l-għarfien dwar id-drittijiet marbutin maċ-ċittadinanza fl-Unjoni, biex iċ-ċittadini jingħataw l-għajnuna ħalli jisfruttaw bis-sħiħ id-dritt li jmorru minn post għal ieħor u li joqogħdu liberament fejn iridu fit-territorju tal-Istati Membri.

F'dan il-kuntest, is-Sena Ewropea għandha tiffoka, fost l-oħrajn, fuq l-opportunitajiet għal parteċipazzjoni ċivika u fuq l-aċċess għad-drittijiet taċ-ċittadini li joqogħdu fi Stat Membru ieħor li mhux tagħhom, mill-istudenti, il-ħaddiema, il-konsumaturi, u l-fornituri ta' prodotti u servizzi fl-Unjoni kollha.

Abbażi ta' dan, l-għanijiet speċifiċi tas-Sena Ewropea għandhom ikunu:

— biex jiżdied l-għarfien taċ-ċittadini tal-Unjoni dwar id-dritt tagħhom li jmorru minn post għal ieħor u li joqogħdu liberament fejn iridu fl-Unjoni Ewropea, u b'mod iżjed ġenerali dwar id-drittijiet garantiti taċ-ċittadini tal-Unjoni f'sitwazzjonijiet transkonfinali, inkluż id-dritt tagħhom li jieħdu sehem fil-ħajja demokratika tal-Unjoni;

— biex jiżdied l-għarfien taċ-ċittadini tal-Unjoni dwar kif jistgħu, b'mod reali, jibbenefikaw mid-drittijiet u l-politiki tal-Unjoni waqt li jkunu qed jgħixu fi Stat Membru ieħor, u biex titħeġġeġ il-parteċipazzjoni attiva tagħhom fil-fora ċiviċi dwar il-politiki u l-kwistjonijiet tal-Unjoni;

— biex jitqajjem dibattitu dwar l-impatt u l-potenzjal tad-dritt għall-moviment liberu, bħala aspett inaljenabbli taċ-ċittadinanza fl-Unjoni, b'mod partikolari fejn jidħlu t-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali u l-fehim reċiproku fost iċ-ċittadini tal-Unjoni, u l-għaqda bejn iċ-ċittadini u l-Unjoni.

*Bażi ġuridika*

Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Sena Ewropea taċ-Ċittadini (2013), imressqa mill-Kummissjoni fil-11 ta' Awwissu 2011 (COM(2011) 489 finali)

# TITOLU 17 — IS-SAĦĦA U L-ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR

*Figuri*

| Titolu Kapitolu | Intestatura | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 17 01 | Nefqa amministrattiva tal-qasam tal-politika tas-"saħħa u l-ħarsien tal-konsumatur" | 117 282 920 | 117 282 920 | 116 502 902 | 116 502 902 | 118 124 683,58 | 118 124 683,58 |
| | 40 01 40 | | | 280 045<br>116 782 947 | 280 045<br>116 782 947 | | |
| 17 02 | Politika tal-konsumatur | 20 700 000 | 19 350 000 | 21 090 000 | 20 185 400 | 21 316 696,04 | 21 219 074,75 |
| 17 03 | Saħħa pubblika | 220 283 000 | 212 319 000 | 214 272 780 | 210 542 692 | 222 553 945,40 | 212 436 104,67 |
| 17 04 | Is-sikurezza tal-ikel u l-għalf, is-saħħa tal-annimali, il-benesseri tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti | 272 276 000 | 249 576 000 | 334 250 000 | 243 828 105 | 312 605 133,50 | 256 226 273,31 |
| | **Titolu 17 — Total** | **630 541 920** | **598 527 920** | **686 115 682** | **591 059 099** | **674 600 458,52** | **608 006 136,31** |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 40 01 40<br>Total + riżerva | | | 280 045<br>686 395 727 | 280 045<br>591 339 144 | | |

# Kapitolu 17 01 — Nefqa amministrattiva tal-qasam tal-politika tas-"saħħa u l-ħarsien tal-konsumatur"

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 17 01 | Nefqa amministrattiva tal-qasam tal-politika tas-"saħħa u l-ħarsien tal-konsumatur" | | | | | |
| ***17 01 01*** | ***Nefqa għall-istaff f'impjieg attiv konness mal-qasam tal-politika tas-'Saħħa u l-Ħarsien tal-Konsumatur'*** | 5 | 79 114 480 | 77 743 252 | 78 063 669,77 | 98,67 % |
| ***17 01 02*** | ***Nefqa għal staff estern u nefqa oħra relatata mat-tmexxija li hija konnessa mal-qasam tal-politika tas-'Saħħa u l-Ħarsien tal-Konsumatur',*** | | | | | |
| 17 01 02 01 | Staff estern | 5 | 7 596 367 | 7 776 354 | 8 077 664,00 | 106,34 % |
| 17 01 02 11 | Nefqa oħra relatata mat-tmexxija | 5 | 9 785 151 | 9 661 525 | 10 239 962,42 | 104,65 % |
| | 40 01 40 | | | 280 045<br>9 941 570 | | |
| | *Artikolu 17 01 02 — Sub-total* | | 17 381 518 | 17 437 879 | 18 317 626,42 | 105,39 % |
| | *40 01 40* | | | 280 045<br>17 717 924 | | |
| ***17 01 03*** | ***In-nefqa relatata mat-tagħmir u s-servizzi tat-Teknoloġija tal-Informatika u l-Komunikazzjoni, il-bini u n-nefqa relatata tal-qasam ta' politika tas-"Saħħa u l-ħarsien tal-konsumatur"*** | | | | | |
| 17 01 03 01 | In-nefqa relatata mat-tagħmir u s-servizzi tat-Teknoloġija tal-Informatika u l-Komunikazzjoni tal-qasam ta' politika tas-"Saħħa u l-ħarsien tal-konsumatur": il-Kwartieri Ġenerali | 5 | 4 916 922 | 4 963 771 | 5 866 483,05 | 119,31 % |
| 17 01 03 03 | Nefqa għall-bini u nefqa relatata tal-qasam tal-politika tas-'Saħħa u l-Ħarsien tal-Konsumatur': Grange, | 5 | 4 700 000 | 5 338 000 | 5 350 050,08 | 113,83 % |
| | *Artikolu 17 01 03 — Sub-total* | | 9 616 922 | 10 301 771 | 11 216 533,13 | 116,63 % |
| ***17 01 04*** | ***Nefqa ta' appoġġ għall-operazzjonijiet għall-qasam tal-politika tas-'Saħħa u l-Ħarsien tal-Konsumatur'*** | | | | | |
| 17 01 04 01 | Miżuri għas-saħħa tal-pjanti — Nefqa fuq ġestjoni amministrattiva | 2 | 600 000 | 600 000 | 441 068,44 | 73,51 % |
| 17 01 04 02 | Programm ta' azzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tas-saħħa — Nefqa fuq ġestjoni amministrattiva | 3.2 | 1 500 000 | 1 400 000 | 1 411 399,25 | 94,09 % |
| 17 01 04 03 | Programm ta' azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-politika tal-konsumatur — Nefqa fuq ġestjoni amministrattiva | 3.2 | 1 100 000 | 950 000 | 971 125,34 | 88,28 % |
| 17 01 04 05 | Attivitajiet dwar is-sigurtà tal-għalf u tal-ikel u attivitajiet relatati — Nefqa fuq ġestjoni amministrattiva | 2 | 600 000 | 700 000 | 420 149,23 | 70,02 % |
| 17 01 04 07 | Fond ta' emerġenza u għall-qerda tal-mard tal-annimali — In-nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva | 2 | 300 000 | 300 000 | 245 072,00 | 81,69 % |
| 17 01 04 30 | L-Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumaturi — Kontribuzzjoni minn programmi taħt l-Intestatura 3b | 3.2 | 5 900 000 | 5 900 000 | 5 938 040,00 | 100,64 % |
| 17 01 04 31 | Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumaturi — Kontribuzzjoni minn-programmi taħt l-Intestatura 2 | 2 | 1 170 000 | 1 170 000 | 1 100 000,00 | 94,02 % |
| | *Artikolu 17 01 04 — Sub-total* | | 11 170 000 | 11 020 000 | 10 526 854,26 | 94,24 % |
| | **Kapitolu 17 01 — Total** | | **117 282 920** | **116 502 902** | **118 124 683,58** | **100,72 %** |
| | **40 01 40**<br>**Total + riżerva** | | | **280 045**<br>**116 782 947** | | |

## *Artikolu 17 01 01 — Nefqa għall-istaff f'impjieg attiv konness mal-qasam tal-politika tas-'Saħħa u l-Ħarsien tal-Konsumatur'*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 79 114 480 | 77 743 252 | 78 063 669,77 |

## *Artikolu 17 01 02 — Nefqa għal staff estern u nefqa oħra relatata mat-tmexxija li hija konnessa mal-qasam tal-politika tas-'Saħħa u l-Ħarsien tal-Konsumatur',*

### Partita 17 01 02 01 — Staff estern

*Figuri*

| Baġit 2013 | Appropprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 7 596 367 | 7 776 354 | 8 077 664,00 |

### Partita 17 01 02 11 — Nefqa oħra relatata mat-tmexxija

*Figuri*

| | Baġit 2013 | Appropprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|
| 17 01 02 11 | 9 785 151 | 9 661 525 | 10 239 962,42 |
| 40 01 40 | | 280 045 | |
| Total | 9 785 151 | 9 941 570 | 10 239 962,42 |

## *Artikolu 17 01 03 — In-nefqa relatata mat-tagħmir u s-servizzi tat-Teknoloġija tal-Informatika u l-Komunikazzjoni, il-bini u n-nefqa relatata tal-qasam ta' politika tas-"Saħħa u l-ħarsien tal-konsumatur"*

### Partita 17 01 03 01 — In-nefqa relatata mat-tagħmir u s-servizzi tat-Teknoloġija tal-Informatika u l-Komunikazzjoni tal-qasam ta' politika tas-"Saħħa u l-ħarsien tal-konsumatur": il-Kwartieri Ġenerali

*Figuri*

| Baġit 2013 | Appropprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 4 916 922 | 4 963 771 | 5 866 483,05 |

### Partita 17 01 03 03 — Nefqa għall-bini u nefqa relatata tal-qasam tal-politika tas-'Saħħa u l-Ħarsien tal-Konsumatur': Grange,

*Figuri*

| Baġit 2013 | Appropprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 4 700 000 | 5 338 000 | 5 350 050,08 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja li ssir fit-territoru tal-Unjoni:

- Kera, ċens u miżati muniċipali dwar bini mhux okkupat jew partijiet ta' bini, u l-kiri ta' kmamar tal-konferenzi, imħażen, garaxxijiet u faċilitajiet tal-ipparkjar,
- l-ispejjeż tax-xiri jew xiri bil-kiri tal-bini,
- il-kostruzzjoni tal-bini,
- il-ħlas ta' premiums ta' assigurazzjoni fuq bini jew partijiet tal-bini okkupati mill-istituzzjoni,
- spejjeż tal-ilma, il-gass, l-elettriku u għat-tisħin,
- spejjeż għall-manutenzjoni, ikkalkolati fuq il-bażi ta' kuntratti kurrenti, għall-postijiet, liftijiet, central heating, tagħmir tal-arja kondizzjonata, eċċ.; in-nefqa li ssir b'operazzjonijiet regolari tat-tindif, inkluż ix-xiri ta' prodotti ta' manutenzjoni, ħasil, laundry u dry cleaning, eċċ., u minħabba tibjid mill-ġdid, tiswijiet u fornituri użati mill-ħwienet tal-manutenzjoni (qabel kuntratti għal ammont li jaqbeż EUR 300 000 huma mġedda jew konklużi, u biex in-nefqa tkun razjonalizzata, il-Kummissjoni għandha

tikkonsulta l-istituzzjonijiet l-oħra fir-rigward tal-kondizzjonijiet (prezz, valuta magħżula, indiċjar, durata, klawżoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minnhom għal kuntratt simili),

— in-nefqa fuq it-trattament selettiv, il-ħażna u t-tneħħija ta' skart,

— it-tiġdid ta' bini, eż. tibdil fit-tqassim, tibdil fl-installazzjonijiet tekniċi u xogħol ieħor speċjalizzat fuq serraturi, tagħmir elettriku, *plumbing*, tibjid, kisi tal-art, eċċ., l-ispiża tal-tibdil ta' *cabling* ta' netwerks, u l-ispiża tat-tagħmir meħtieġ,

— l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mas-sigurtà fiżika u materjali ta' persuni u proprjetà, b'mod partikolari kuntratti għas-sorveljanza ta' bini, kuntratti għall-manutenzjoni u t-titjib ta' installazzjonijiet ta' sigurtà u x-xiri ta' oġġetti ta' tagħmir,

— l-spejjeż li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa u s-sikurezza ta' individwi fuq ix-xogħol, b'mod partikolari max-xiri, kiri u l-manutenzjoni ta' tagħmir għat-tifi tan-nar, mas-sostituzzjoni ta' tagħmir għall-uffiċjali li jagħtu l-ewwel għajnuna f'każ ta' nar u l-ispejjeż ta' spezzjonijiet mandatorji,

— l-ispejjeż ta' konsultazzjoni legali, finanzjarja u teknika qabel l-akkwist, il-kera jew il-kostruzzjoni ta' bini,

— nefqa oħra fuq bini, partikolarment drittijiet ta' ġestjoni għall-bini b'ħafna inkwilini, spejjeż tas-surveys tal-postijiet u spejjeż għall-utilitajiet (knis tat-toroq u manutenzjoni, ġbir tal-iskart, eċċ.),

— ħlasijiet għal għajnuna teknika marbuta ma' proċessi ta' tiswija kbira, armar u mmudellar mill-ġdid għall-bini,

— ix-xiri, il-kiri jew il-leasing, il-manutenzjoni, it-tiswija, l-istallazzjoni u t-tiġdid ta' tagħmir tekniku u stallazzjonijiet, u partikolarment:

  — tagħmir (inkluż photocopiers) għall-produzzjoni, riproduzzjoni u arkivjazzjoni tad-dokumenti f'kull forma (karta, mezzi elettroniċi, eċċ),

  — tagħmir awdjoviżiv, tal-librerija u għall-interpretazzjoni (kabini, headsets u unitajiet tal-iswiċċijiet għall-faċilitajiet ta' interpretazzjoni simultanja, eċċ.),

  — attrezzaturi tal-kċina u tagħmir tar-ristoranti,

  — diversi għodod għall-ħwienet tal-manutenzjoni tal-bini,

  — faċilitajiet meħtieġa għall-uffiċjali b'disabilità,

  — kif ukoll studji, dokumentazzjoni u taħriġ marbut ma' dan it-tagħmir,

— ix-xiri, il-kiri, il-manutenzjoni, it-tiswija ta' għamara, u partikolarment:

  — ix-xiri ta' għamara tal-uffiċċju u għamara speċjalizzata, inkluż għamara ergonomika, xkaffar għall-arkivji, eċċ.,

  — il-bdil ta' għamara mherrija u miksura,

  — provista ta' tagħmir speċjali għal-libreriji (indiċijiet tal-karti, xkaffar, unitajiet tal-katalogar, eċċ.),

  — attrezzaturi speċifiċi għall-canteens u ristoranti,

  — il-kiri tal-għamara,

  — manutenzjoni tal-għamara spejjeż tat-tiswija (qabel kuntratti għal ammont li jaqbeż EUR 300 000 huma mġedda jew konklużi, u biex in-nefqa tkun razjonalizzata, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-istituzzjonijiet l-oħra fir-rigward tal-kondizzjonijiet (prezz, valuta magħżula, indiċjar, durata, klawżoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minnhom għal kuntratt simili),

— ix-xiri, il-kiri, il-manutenzjoni, it-tiswija ta' vetturi, u b'mod partikolari:

  — xiri ġdid ta' vetturi, inklużi l-ispejjeż kollha relatati,

  — il-bdil ta' vetturi li, matul is-sena, għamlu tant mili li l-bdil tagħhom huwa ġustifikat,

  — l-ispiża ta' kiri ta' karozzi għall-perjodi qosra jew twal meta d-domanda taqbeż il-kapaċità tal-flotta tal-vetturi,

  — l-ispiża ta' manutenzjoni, tiswija u assikurazzjoni ta' vetturi uffiċjali (karburant, lubrikanti, tajers, tubi ta' ġewwa, provvisti mixxellanji, *spare parts*, għodod, eċċ.), inkluż Test Nazzjonali tal-Karozzi kull sena,

  — diversi tipi ta' assikurazzjoni (b'mod partikolari responsabbiltà għal terzi persuni u assikurazzjoni kontra s-serq) u taxxi nazzjonali fejn ikollhom jitħallsu u l-ispejjeż ta' assikurazzjoni,

— in-nefqa fuq tagħmir ta' xogħol, u l-aktar:

  — xiri ta' uniformijiet għall-messaġġiera u x-xufiera,

  — ix-xiri u t-tindif ta' ħwejjeġ tax-xogħol għan-nies li jaħdmu fil-ħanut tax-xogħol u ta' dawk li jkunu meħtieġa jaħdmu u li

għalihom ikun meħtieġ il-ħarsien kontra temp ħażin jew kesħa, użu u ħmieġ mhux normali,

- xiri jew rimborż tal-ispiża ta' kull tagħmir li jista' jkun meħtieġ bis-saħħa tad-Direttivi tal-Kunsill 89/391/KEE u 90/270/KEE,

— tneħħijiet, riorganizzazzjonijiet u mmaniġġar dipartimentali (it-teħid tat-twassil, il-ħażna, it-twassil) b'rabta ma' tagħmir, għamara u provvisti tal-uffiċċju,

— nefqa oħra operattiva, bħal:

- in-nefqa biex il-bini jkun mgħammar b'telekomunikazzjonijiet, l-aktar ix-xiri, il-kera, it-twaħħil u ż-żamma ta' switchboards u distributuri tat-telefon, sistemi ta' awdjo, vidjokonferenza, telefonija interna u telefonija ċellulari, u n-nefqa fuq networks ta' data (tagħmir u żamma) u servizzi relatati (it-tmexxija, l-appoġġ, id-dokumentazzjoni, l-installazzjoni u t-tneħħija),
- ix-xiri, il-kiri jew leasing ta' komputers, terminals, mini-komputers, peripherals, apparat għat-tqabbid u s-software meħtieġ,
- ix-xiri, il-kiri jew leasing ta' tagħmir għall-preżentazzjoni ta' informazzjoni f'forma stampata, eżempju printers, magni tal-faks, photocopiers, scanners u mikrokupjaturi,
- ix-xiri, il-kiri jew leasing ta' typewriters, word processors jew kull tagħmir ieħor elettroniku,
- l-installazzjoni, il-konfigurazzjoni, iż-żamma, studji, dokumentazzjoni u provvisti marbuta ma' dan it-tagħmir,
- nefqa għall-operazzjoni ta' ristoranti, kafetteriji u canteens, b'mod partikolari l-ispejjeż tal-manutenzjoni tat-tagħmir u x-xiri ta diversi provisti, nefqa għal konverżjonijiet kurrenti u t-tiġdid ta' tagħmir, u nefqa sostanzjali fuq il-konverżjoni u t-tiġdid li għandhom ikunu distinti b'mod ċar mill-konverżjonijiet, tiswijiet u tiġdid ta' tagħmir u provisti.
- l-ispiża ta' abbonamenti u l-aċċess għas-servizzi ta' informazzjoni elettronika u databases esterni u l-kisba ta' mezzi elettroniċi (CD-ROMs eċċ.),
- it-taħriġ u l-appoġġ meħtieġ biex ikun hemm aċċess għall-informazzjoni,
- in-nefqa għax-xiri ta' karti, invilops, provvisti tal-uffiċċju u provvisti oħra għall-ħwienet tal-istampar, u ta' xi stampar li ma jsirx minn dawk li jipprovdu s-servizz,
- nefqa għall-ispejjeż postali u tal-konsenja għall-posta ordinarja, għar-rapporti u pubblikazzjonijiet, fuq pakketti postali u oħrajn mibgħuta bl-ajru, bil-baħar jew bil-ferrovija, u bil-posta interna tal-Kummissjoni,
- liċenzji, spejjeż ta' abbonament u l-ispejjeż ta' komunikazzjonijiet bil-kejbil jew bir-radju (telefons fissi u ċellulari, teleks, telegrafu, televiżjoni, telekonferenza u vidjokonferenza), spejjeż fuq netwerks ta' trażmissjoni ta' *data*, servizzi telematiċi, eċċ., u x-xiri ta' direttorji ,
- l-ispiża ta' konnessjonijiet tat-telefon u tal-kompjuter bejn il-bini u linji ta' trasmissjoni internazzjonali bejn is-siti tal-uffiċċji tal-Unjoni,
- appoġġ tekniku u loġistiku, taħriġ u spejjeż relatati u attivitajiet oħra ta' interess ġenerali relatati ma' tagħmir u softwer tal-kompjuter, taħriġ ġenerali tal-kompjuter, abbonamenti għad-dokumentazzjoni teknika kemm jekk fuq il-karta jew f'forma elettronika, eċċ, persunal li jaħdem barra, servizzi tal-uffiċċju, abbonamenti f'organizzazzjonijiet internazzjonali, eċċ., studji dwar l-iżgurar tas-sigurtà u l-kwalità marbuta ma' tagħmir u softwer tal-kompjuter.

*Bażi ġuridika*

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 fuq id-dħul ta' miżuri biex jinkuraġġixxu t-titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà għax-xogħol b'tagħmir li għandu display screen (il-ħames Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artiklu 16(1) tad-Direttiva 87/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 fuq ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 17 01 04 — Nefqa ta' appoġġ għall-operazzjonijiet għall-qasam tal-politika tas-'Saħħa u l-Ħarsien tal-Konsumatur'*

### Partita 17 01 04 01 — Miżuri għas-saħħa tal-pjanti — Nefqa fuq ġestjoni amministrattiva

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 600 000 | 600 000 | 441 068,44 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri n-nefqa għall-għajnuna teknika u/jew amministrattiva relatata mal-identifikazzjoni, it-tħejjija, il-ġestjoni, il-monitoraġġ, il-valutazzjoni, il-verifika u l-kontroll ta' programmi jew proġetti.

Tkopri wkoll l-ispiża ta' studji, laqgħat ta' esperti, miżuri ta' informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-ilħiq tal-għan tal-programm jew miżuri koperti minn din il-Partita.

Barra minn hekk, il-miżuri previsti mir- Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1) jistgħu jkunu operattivi fl-2010.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Artikolu 17 04 04.

### Partita 17 01 04 02 — Programm ta' azzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tas-saħħa — Nefqa fuq ġestjoni amministrattiva

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 1 500 000 | 1 400 000 | 1 411 399,25 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, miżuri ta' informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-għan tal-programm jew miżuri koperti b'dan il-Paragrafu, flimkien ma' kull nefqa oħra għal għajnuna teknika u amministrattiva li ma jinvolvux ħidmiet ta' awtorità pubblika mogħtija 'il barra mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*, hekk kif il-kuntratti ta' uffiċċji ta' għajnuna teknika jiskadu matul is-snin ta' wara.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness 'Żona Ekonomika Ewropea' lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din is-sezzjoni, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tal-prospett tad-dħul, jista' jagħti lok għall-ftuħ ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess rapport bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa għal ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Artikolu 17 03 06.

## Partita 17 01 04 03 — Programm ta’ azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-politika tal-konsumatur — Nefqa fuq ġestjoni amministrattiva

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 1 100 000 | 950 000 | 971 125,34 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri nefqa fuq studji, laqgħat ta’ esperti, miżuri ta’ informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-għan tal-programm jew miżuri koperti b’din il-Partita, flimkien ma’ kull nefqa oħra għal għajnuna teknika u amministrattiva li ma jinvolvux ħidmiet ta’ awtorità pubblika mogħtija ’l barra mill-Kummissjoni skont kuntratti ta’ servizz *ad hoc*, hekk kif il-kuntratti ta’ uffiċċji ta’ għajnuna teknika jiskadu matul is-snin ta’ wara.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f’din il-partita. Għal skop ta’ informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-għoti ta’ approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness ‘Żona Ekonomika Ewropea’ lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta’ din is-sezzjoni, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tal-prospett tad-dħul, jista’ jagħti lok għall-ftuħ ta’ approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess rapport bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa għal ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Artikolu 17 02 02.

## Partita 17 01 04 05 — Attivitajiet dwar is-sigurtà tal-għalf u tal-ikel u attivitajiet relatati — Nefqa fuq ġestjoni amministrattiva

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 600 000 | 700 000 | 420 149,23 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri nefqa għall-għajnuna teknika u/jew amministrattiva dwar l-identifikazzjoni, it-tħejjija, il-ġestjoni, monitoraġġ, verifika u kontroll ta’ programmi jew proġetti.

Tkopri wkoll l-ispiża ta’ studji, laqgħat ta’ esperti, miżuri ta’ informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-għanijiet tal-programm jew miżuri koperti b’dan il-Paragrafu.

Din l-approprjazzjoni maħsuba, b’mod partikolari, biex tkopri n-nefqa li ġejja mir-Regolament (KE) Nru 882/2004.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta’ April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tkun żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali (ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1);

Ir-Regolament (KE) Nru 1332/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Diċembru 2008 dwar l-enzimi tal-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 7).

Ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16).

Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Diċembru 2008 dwar aromatizzanti u ċerti ingredjenti tal-ikel bi proprjetajiet aromatizzanti għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 34).

Ara l-Artikolu 17 04 07.

## Partita 17 01 04 07 — Fond ta' emerġenza u għall-qerda tal-mard tal-annimali — In-nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 300 000 | 300 000 | 245 072,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa fuq l-għajnuna amministrattiva relatata mal-verifika tal-klejms li jridu jiġu ppreżentati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 3(2), l-Artikoli 4 u 14 u l-Artikolu 27(8) tad-Deċiżjoni 2009/470/KE.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/470/KE tal-25 ta' Mejju 2009 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju (ĠU L 155, 18.6.2009, p. 30).

Ara l-Artikoli 17 04 01 u 17 04 03 01.

## Partita 17 01 04 30 — L-Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumaturi — Kontribuzzjoni minn programmi taħt l-Intestatura 3b

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 5 900 000 | 5 900 000 | 5 938 040,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kontribuzzjoni għan-nefqa fil-persunal u l-amministrazzjoni tal-Aġenzija.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA f'konformità mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti jiġu minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jistgħu jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali tal-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tal-prospett tad-dħul, jista' jagħti lok għall-ftuħ ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess rapport bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa għal ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1926/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-konsumatur (2007-2013) (ĠU L 404, 30.12.2006, p. 39).

Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 li tistabbilixxi t-tieni programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa (2008-2013) (ĠU L 301, 20.11.2007, p. 3).

Ara l-Artikoli 17 02 02, 17 03 01 u 17 03 06.

*Atti ta' referenza*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/858/KE tal-15 ta' Dicembru 2004 li twaqqaf aġenzija eżekuttiva bl-isem Aġenzija Eżekuttiva għall-Programm dwar is-Saħħa Pubblika għat-tmexxija tal-azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa pubblika — b'applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 58/2003 tal-Kunsill (ĠU L 269M , 14.10.2005, p. 98).

Partita 17 01 04 31 — Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumaturi — Kontribuzzjoni minn-programmi taħt l-Intestatura 2

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 1 170 000 | 1 170 000 | 1 100 000,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kontribuzzjoni mill-istrateġija ta' taħriġ tal-Unjoni fl-oqsma tal-liġi dwar l-ikel, il-liġi dwar l-għalf, ir-regoli dwar is-saħħa tal-annimali u l-benesseri tal-annimali kif ukoll ir-regoli dwar il-pjanti għan-nefqa għall-persunal u l-amministrazzjoni tal-Aġenzija.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tal-prospett tad-dħul, jista' jagħti lok għall-ftuħ ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess rapport bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa għal ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Id- Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità (ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali (ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1) u b'mod partikolari l-Artikolu 51 tiegħu.

Ara l-Artikolu 17 04 04 u 17 04 07.

*Atti ta' referenza*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/858/KE tal-15 ta' Dicembru 2004 li twaqqaf aġenzija eżekuttiva bl-isem Aġenzija Eżekuttiva għall-Programm dwar is-Saħħa Pubblika għat-tmexxija tal-azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa pubblika — b'applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 58/2003 tal-Kunsill (ĠU L 269M , 14.10.2005, p. 98).

## KAPITOLU 17 02 — POLITIKA TAL-KONSUMATUR

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 17 02 | Politika tal-konsumatur | | | | | | | | |
| ***17 02 01*** | ***Tlestija tal-attivitajiet tal-Unjoni favur il-konsumaturi*** | 3.2 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | |
| ***17 02 02*** | ***Azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-politika tal-konsumatur*** | 3.2 | 20 700 000 | 19 000 000 | 21 090 000 | 19 000 000 | 20 816 696,04 | 20 073 018,12 | 105,65 % |
| ***17 02 03*** | ***Azzjoni ta' thejjija — Miżuri ta' monitoraġġ fil-qasam tal-politika tal-konsumatur*** | 3.2 | p.m. | 150 000 | p.m. | 860 400 | 500 000,00 | 763 963,00 | 509,31 % |
| ***17 02 04*** | ***Proġett pilota — Trasparenza u stabilità fis-swieq finanzjarji*** | 1.1 | p.m. | 200 000 | p.m. | 325 000 | 0,— | 382 093,63 | 191,05 % |
| | **Kapitolu 17 02 — Total** | | **20 700 000** | **19 350 000** | **21 090 000** | **20 185 400** | **21 316 696,04** | **21 219 074,75** | **109,66 %** |

## *Artikolu 17 02 01 — Tlestija tal-attivitajiet tal-Unjoni favur il-konsumaturi*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni għall-ħlasijiet hija maħsuba biex tkopri l-impenji li huma relatati mas-snin preċedenti skont id-Deċiżjoni Nru 20/2004/KE. Dik id-Deċiżjoni ġiet rrevokata mid-Deċiżjoni 1926/2006 (ara l-Artikolu 17 02 02).

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal finijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; Dawn jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness 'Żona Ekonomika Ewropea' lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din is-sezzjoni, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-partita 6 0 3 1 tal-prospett tad-dħul, jista' jagħti lok għall-ftuħ ta' approprjazzjonijiet addizzjonali bis-saħħa tal-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 20/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2003 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-finanzjament ta' azzjonijiet Komunitarji fl-appoġġ ta' politika tal-konsumatur għas-snin 2004 sa 2007 (ĠU L 5, 9.1.2004, p. 1).

## *Artikolu 17 02 02 — Azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-politika tal-konsumatur*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 20 700 000 | 19 000 000 | 21 090 000 | 19 000 000 | 20 816 696,04 | 20 073 018,12 |

*Kummenti*

Id-Deċiżjoni 1926/2006/KE tistabbilixxi programm ta' azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-politika tal-konsumatur (2007-2013) kif definita fl-istrateġija multiannwali. Id-deċiżjoni u l-istrateġija jfissru żewġ objettivi strateġiċi f'terminu medju:

— li jkun żgurat livell għoli ta' ħarsien tal-konsumatur, notevolment permezz ta' titjib fil-bażi ta' evidenza, konsultazzjoni u rappreżentanza aħjar tal-interessi tal-konsumatur, u

— li tkun żgurata applikazzjoni effettiva tal-liġijiet tal-ħarsien tal-konsumatur notevolment permezz ta' kooperazzjoni ta' nfurzar, tagħrif, edukazzjoni u kumpens.

Il-programm tal-konsumatur jikkonsolida u jespandi l-oqsma ta' azzjoni għall-2002 sal-2006 tal-programm tal-konsumatur. Huwa jespandi b'mod konsiderevoli l-attivitajiet tal-Unjoni dwar l-iżvilupp tal-bażi ta' għarfien u evidenza, il-kooperazzjoni fl-infurzar, is-sorveljanza tas-suq u s-sikurezza tal-prodotti, l-edukazzjoni tal-konsumatur u l-bini ta' kapaċitajiet għall-organizzazzjonijiet tal-konsumatur.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal finijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; Dawn jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness 'Żona Ekonomika Ewropea' lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din is-sezzjoni, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-partita 6 0 3 1 tal-prospett tad-dħul, jista' jagħti lok għall-ftuħ ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1926/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-konsumatur (2007-2013) (ĠU L 404, 30.12.2006, p. 39).

## *Artikolu 17 02 03 — Azzjoni ta' tħejjija — Miżuri ta' monitoraġġ fil-qasam tal-politika tal-konsumatur*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 150 000 | p.m. | 860 400 | 500 000,00 | 763 963,00 |

*Kummenti*

L-għan globali ta' dan il-proġett pilota huwa li jiġi mifhum aħjar il-funzjonament tas-suq intern mill-perspettiva tal-konsumatur u tan-naħa tad-domanda. Dan se jitkompla permezz tal-ġbir ta' dejta u l-analiżi dwar l-imġiba tal-konsumaturi.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 17 02 04 — Proġett pilota — Trasparenza u stabilità fis-swieq finanzjarji*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 200 000 | p.m. | 325 000 | 0,— | 382 093,63 |

*Kummenti*

L-għan tal-proġett pilota huwa li jippromwovi l-għoti ta' setgħa lill-konsumaturi, l-effiċjenza u l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji Ewropej, b'mod partikolari bl-għoti ta' setgħa lill-konsumaturi fis-servizzi finanzjarji permezz ta' azzjonijiet ta' taħriġ u l-provvista ta' pariri lill-konsumaturi.

Il-proġett jinkludi:

— l-elenkar f'kull Stat Membru tal-entitajiet mingħajr skop ta' qligħ li jipprovdu pariri ġenerali dwar is-servizzi finanzjarji lill-konsumaturi, inkluża l-valutazzjoni tal-aħjar prassi għall-għoti ta' pariri finanzjarji ġenerali u

— l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet għat-taħriġ relatati ma' pariri finanzjarji ta' dawk l-entitajiet,

— korsijiet ta' taħriġ fis-servizzi finanzjarji għall-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi u partijiet interessati oħra mingħajr skop ta' qligħ li jipprovdu l-informazzjoni u l-pariri lill-utenti finali tas-servizzi finanzjarji.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/25 tal-25 ta' Gunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli ghall-bagit generali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

# Kapitolu 17 03 — Saħħa pubblika

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 17 03 | Saħħa pubblika | | | | | | | | |
| ***17 03 01*** | ***Miżuri fil-qasam tal-harsien tas-saħħa pubblika*** | | | | | | | | |
| 17 03 01 01 | Tlestija tal-programm dwar is-Saħħa pubblika (2003-2008) | 3.2 | p.m. | 3 000 000 | p.m. | 10 500 000 | 0,— | 9 261 273,80 | 308,71 % |
| | *Artikolu 17 03 01 — Sub-total* | | p.m. | 3 000 000 | p.m. | 10 500 000 | 0,— | 9 261 273,80 | 308,71 % |
| ***17 03 03*** | ***Ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard*** | | | | | | | | |
| 17 03 03 01 | Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard — Kontribuzzjoni għat-Titoli 1 u 2 | 3.2 | 37 390 000 | 37 390 000 | 36 936 900 | 36 936 900 | 35 042 831,32 | 35 042 537,00 | 93,72 % |
| 17 03 03 02 | Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard — Kontribuzzjoni għat-Titolu 3 | 3.2 | 19 337 000 | 19 337 000 | 19 790 100 | 19 790 100 | 21 613 463,00 | 21 613 463,00 | 111,77 % |
| | *Artikolu 17 03 03 — Sub-total* | | 56 727 000 | 56 727 000 | 56 727 000 | 56 727 000 | 56 656 294,32 | 56 656 000,00 | 99,87 % |
| ***17 03 04*** | ***Azzjoni ta' Thejjija — Saħħa Pubblika*** | 3.2 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | |
| ***17 03 05*** | ***Ftehimiet internazzjonali u shubija ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fil-qasam tas-saħħa pubblika u l-kontroll tat-tabakk.*** | 4 | 192 000 | 192 000 | 200 000 | 190 912 | 0,— | 0,— | |
| ***17 03 06*** | ***Azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa*** | 3.2 | 49 800 000 | 40 000 000 | 48 300 000 | 37 000 000 | 48 383 606,48 | 29 635 940,83 | 74,09 % |
| ***17 03 07*** | ***L-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà tal-Ikel*** | | | | | | | | |
| 17 03 07 01 | L-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà tal-Ikel — Kontribuzzjoni għat-Titoli 1 u 2 | 3.2 | 46 890 000 | 46 890 000 | 48 266 209 | 48 266 209 | 51 721 458,00 | 51 721 400,00 | 110,30 % |
| 17 03 07 02 | L-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà tal-Ikel — Kontribuzzjoni għat-Titolu 3 | 3.2 | 27 444 000 | 24 980 000 | 26 813 571 | 23 992 571 | 25 588 404,96 | 23 776 900,00 | 95,18 % |
| | *Artikolu 17 03 07 — Sub-total* | | 74 334 000 | 71 870 000 | 75 079 780 | 72 258 780 | 77 309 862,96 | 75 498 300,00 | 105,05 % |
| ***17 03 08*** | ***Proġett Pilota — 'Is-sitwazzjoni l-ġdida tal-impjiegi fis-settur tas-saħħa: L-aħjar prattiki għat-titjib tat-taħriġ professjonali u tal-kwalifiki tal-ħaddiema tal-kura tas-saħħa' u r-remunerazzjoni tagħhom.*** | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | 300 000 | 0,— | 878 669,00 | |
| ***17 03 09*** | ***Proġett pilota — Riċerka kumplessa dwar is-Saħħa, l-Ambjent, it-Trasport u l-Bidla fil-Klima (HETC) — Titjib tal-kwalità tal-arja ta' ġewwa u ta' barra*** | 2 | p.m. | p.m. | p.m. | 1 600 000 | 0,— | 1 483 135,00 | |
| ***17 03 10*** | ***L-Artikolu 17 03 10 — Aġenzija Ewropea għall-Mediċini*** | | | | | | | | |
| 17 03 10 01 | L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini— Kontribuzzjoni għat-Titoli 1 u 2 | 1.1 | 6 165 000 | 6 165 000 | 7 655 333 | 7 655 333 | 9 569 459,00 | 9 569 458,60 | 155,22 % |
| 17 03 10 02 | L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini — Kontribuzzjoni għat-Titolu 3 | 1.1 | 27 065 000 | 27 065 000 | 15 310 667 | 15 310 667 | 24 617 078,64 | 24 617 078,64 | 90,96 % |
| 17 03 10 03 | Kontribuzzjoni speċjali għall-prodotti mediċinali orfni | 1.1 | 6 000 000 | 6 000 000 | 6 000 000 | 6 000 000 | 5 017 644,00 | 4 836 248,80 | 80,60 % |
| | *Artikolu 17 03 10 — Sub-total* | | 39 230 000 | 39 230 000 | 28 966 000 | 28 966 000 | 39 204 181,64 | 39 022 786,04 | 99,47 % |
| ***17 03 11*** | ***Proġett Pilota — Il-Konsum ta' Frott u Ħaxix*** | 2 | — | 500 000 | 1 000 000 | 1 000 000 | 1 000 000,00 | 0,— | |
| ***17 03 12*** | ***Proġett Pilota — Dieta tajba għas-Saħħa: L-ewwel snin u popolazzjoni li qed tixjieh*** | 2 | — | 200 000 | 1 000 000 | 500 000 | | | |
| ***17 03 13*** | ***Proġett pilota — L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġiji għall-prevenzjoni b'suċċess tad-dijabete tat-Tip 2*** | 2 | — | 200 000 | 1 000 000 | 500 000 | | | |
| ***17 03 14*** | ***Azzjoni ta' thejjija — Reżistenza antimikrobika (RAM): Riċerka dwar il-kawżi ta' użu antibijotiku frekwenti u mhux xieraq*** | 2 | — | 200 000 | 1 000 000 | 500 000 | | | |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *17 03 15* | ***Azzjoni ta' thejjija — Il-holqien ta' netwerk ta' esperti tal- Unjoni fil-qasam ta' kura adattata għall-adolexxenti bi problemi psikoloġiċi*** | 3.2 | — | 200 000 | 1 000 000 | 500 000 | | | |
| | **Kapitolu 17 03 — Total** | | **220 283 000** | **212 319 000** | **214 272 780** | **210 542 692** | **222 553 945,40** | **212 436 104,67** | **100,06 %** |

## *Artikolu 17 03 01 — Miżuri fil-qasam tal-ħarsien tas-saħħa pubblika*

### Partita 17 03 01 01 — Tlestija tal-programm dwar is-Saħħa pubblika (2003-2008)

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 3 000 000 | p.m. | 10 500 000 | 0,— | 9 261 273,80 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni ta' ħlas hi maħsuba biex tkopri l-impenji relatati mas-snin preċedenti skont id-Deċiżjoni (KE) Nru 1786/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002 li tadotta programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa pubblika (2003-2008).

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal finijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti ġejjin minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; Dawn jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness 'Żona Ekonomika Ewropea' lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din is-sezzjoni, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjoni tal-pajjiżi kandidati għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-partita 6 0 9 1 tal-prospett tad-dħul, jista' jagħti lok għall-ftuħ ta' approprjazzjonijiet addizzjonali bis-saħħa tal-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1786/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 September 2002 li tadotta programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa pubblika (2003-2008) (ĠU L 271, 9.10 2002, p. 1).

## *Artikolu 17 03 03 — Ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard*

### Partita 17 03 03 01 — Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard — Kontribuzzjoni għat-Titoli 1 u 2

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 37 390 000 | 37 390 000 | 36 936 900 | 36 936 900 | 35 042 831,32 | 35 042 537,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri n-nefqa taċ-Ċentru fuq il-persunal u l-amministrazzjoni. B'mod partikolari, it-Titolu 1 ikopri s-salarji tal-personal permanenti u l-esperti ssekondati, l-ispejjeż li huma relatati mar-reklutaġġ, is-servizzi interim, it-taħriġ tal-personal u l-ispejjeż tal-missjonijiet. Titolu 2 'nefqa' jirrigwarda l-kera tal-uffiċini u faċilitajiet tal-ECDC, l-armar tal-post, it-teknoloġija ta' informazzjoni u tal-komunikazzjoni, l-installazzjonijiet tekniċi, il-loġistika u spejjeż amministrattivi oħrajn.

Iċ-Ċentru għandu jinforma l-awtorità tal-baġit dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u amministrattiva.

Matul il-proċedura tal-baġit jew ukoll matul is-sena finanzjarja, meta ittra ta' emenda jew baġit ta' emenda ikunu sottomessi, il-

Kummissjoni għandha tinforma l-awtorità tal-baġit qabel kull tibdil fil-baġit taċ-Ċentru, b'mod partikolari dwar il-pjanijiet tal-persunal ippubblikati fil-baġit, li għalihom jeħtieġ il-kunsens tal-awtorità tal-baġit minn qabel. Din il-proċedura hija skont id-dispożizzjonijiet fuq it-trasparenza provduta fid-Dikjarazzjoni Interistituzzjonali tas-17 ta' Novembru 1995 u implimentata f'forma ta' kodiċi ta' mġiba miftiehem mill-Parliament Ewropew, il-Kummissjoni u l-aġenziji.

Il-pjan tat-twaqqif taċ-Ċentru jinsab fil-Parti bit-titolu 'Pjan ta' Twaqqif tal-Persunal' tat-Taqsima III — Il-Kummissjoni (Volum 3).

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal finijiet ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness 'Żona Ekonomika Ewropea' lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din is-sezzjoni, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Finanzjarju ta' Qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju jikkostitwixxu dħul assenjat (l-Artikolu 18(1)(f) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tal-prospett ġenerali ta' dħul.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 851/2004 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard (ĠU L 142, 30.4.2004, p. 1).

## Partita 17 03 03 02 — Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard — Kontribuzzjoni għat-Titolu 3

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 19 337 000 | 19 337 000 | 19 790 100 | 19 790 100 | 21 613 463,00 | 21 613 463,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa operattiva relatata mal-oqsma fil-mira li ġejjin:

— tisħiħ fis-sorvelljanza tal-mard komunikabbli ġewwa l-Istati Membri,

— tisħiħ tal-appoġġ xjentifiku mogħti mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni,

— tisħiħ tal-istat ta' tħejjija tal-Unjoni kontra r-riskji emerġenti mill-mard komunikabbli speċjalment tal-Epatite B, inklużi riskji relatati mar-rilaxx intenzjonat tal-aġenti bioloġiċi, mard ta' oriġini mhux magħrufa, u l-koordinazzjoni tar-rispons,

— it-tisħiħ tal-kapaċità rilevanti fl-Istati Membri permezz tat-taħriġ,

— komunikazzjoni ta' informazzjoni u bini ta' partenarjati.

Hija maħsuba wkoll biex tkopri l-manutenzjoni tal-faċilità ta' emerġenza ('Ċentru ta' Operazzjonijiet ta' Emerġenza') li torbot onlajn liċ-Ċentru ma' ċentri nazzjonali tal-mard li jittieħed u laboratorji ta' referenza fl-Istati Membri fil-każ ta' tifqigħat ewlenin ta' mard li jittieħed jew mard ieħor ta' oriġini mhux magħrufa.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2013 tammonta għal total ta' EUR 56 727 000. Iċ-Ċentru għandu jgħarraf lill-awtorità baġitarja dwar trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u amministrattiva.

Matul il-proċedura tal-baġit jew ukoll matul is-sena finanzjarja, meta ittra ta' emenda jew baġit ta' emenda jkunu sottomessi, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtorità tal-baġit qabel kull tibdil fil-baġit taċ-Ċentru, b'mod partikolari dwar il-pjanijiet tal-istabbiliment ippubblikati fil-baġit, li għalihom jeħtieġ il-kunsens tal-awtorità tal-baġit minn qabel. Din il-proċedura hija skont id-dispożizzjonijiet fuq it-trasparenza pprovduti fid-Dikjarazzjoni Interistituzzjonali tas-17 ta' Novembru 1995 u implimentata f'forma ta' kodiċi ta' mġiba miftiehem mill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni u l-aġenziji

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness 'Żona Ekonomika Ewropea' lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din is-sezzjoni, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Finanzjarju ta' Qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju jikkostitwixxu dħul assenjat (l-Artikolu 18(1)(f) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 851/2004 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard (ĠU L 142, 30.4.2004, p. 1).

## *Artikolu 17 03 04 — Azzjoni ta' Tħejjija — Saħħa Pubblika*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Dan l-Artikolu ma għandu ebda allokazzjoni ġdida sa mill-2007. L-azzjonijiet rilevanti tkomplew taħt il-programm il-ġdid għas-saħħa pubblika skont l-Artikolu 17 03 06.

*Bażi ġuridika*

L-azzjoni ta' tħejjija, fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 17 03 05 — Ftehimiet internazzjonali u sħubija ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fil-qasam tas-saħħa pubblika u l-kontroll tat-tabakk.*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 192 000 | 192 000 | 200 000 | 190 912 | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approporjazzjoni hi maħsuba biex tkopri l-kontribut tal-Unjoni għall-Konvenzjoni ta' Qafas dwar il-Kontroll tat-Tabakk tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (FCTC), li l- Komunità rratifikat u li tagħha l-Unjoni hija parti.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/513/KE tat-2 ta' Ġunju 2004, dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni ta' qafas dwar il-kontroll tat-tabakk tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (ĠU L 213, 15.6.2004, p. 8).

## *Artikolu 17 03 06 — Azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 49 800 000 | 40 000 000 | 48 300 000 | 37 000 000 | 48 383 606,48 | 29 635 940,83 |

*Kummenti*

It-tieni programm dwar is-saħħa jissostitwixxi l-programm preċedenti stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 1786/2002/KE u jkopri l-perjodu 2008-2013.

Mill-2008, f'dak li għandu x'jaqsam mal-qasam tas-saħħa, il-programm kien qed jiffoka fuq tliet pilastri, fejn l-azzjoni f'livell tal-

Unjoni hija essenzjali:

1) *Tagħrif dwar is-saħħa*

L-għan ta' dan il-pilastru huwa li jissaħħu l-ġbir, l-analiżi, l-iskambju u t-tixrid tat-tagħrif li għandu x'jaqsam mas-saħħa fl- Unjoni — inkluż fuq id-diżabilitajiet u l-kundizzjonijiet 'dys' — li huwa meħtieġ biex jipprovdi bażi solida għat-tfassil tal-politika dwar is-saħħa u li huwa meħtieġ ukoll minn professjonisti fix-xogħol tagħhom u miċ-ċittadini biex ikunu jistgħu jagħmlu għażliet tajbin għas-saħħa.

L-azzjonijiet barra minn hekk se jinkludu r-riċerka fl-isklerożi multipla, b'attenzjoni speċjali għall-identifikazzjoni tal-fatturi li jikkawżaw id-differenza fl-inċidenza tal-marda bejn il-parti tat-Tramuntana u dik tan-Nofsinhar tal-Ewropa.

L-azzjonijiet għandhom jinkludu wkoll miżuri sabiex tingħata spinta lir-riċerka fil-kawżi possibbli tal-ALS (l-isklerożi laterali amijotrofiku), b'attenzjoni partikolari għall-isports professjonali u l-influwenza possibbli tal-abbuż mis-sustanzi fid-dinja tal-isport.

2) *Sigurtà tas-saħħa*

L-għan ġenerali huwa l-ħarsien taċ-ċittadin mit-theddid għas-saħħa.

Hija meħtieġa kapaċità ta' rispons rapidu effettiv biex tevita t-theddid għas-saħħa pubblika, pereżempju dak li jiġi mill-mard li jittieħed jew minn attakki kimiċi jew bijoloġiċi. It-trattament ta' theddidiet bħal dawn jeħtieġ koordinazzjoni effettiva f'livell tal-Unjoni. L-integrazzjoni tal-Unjoni msejsa fuq il-prinċipju ta' moviment liberu żżid il-ħtieġa għall-viġilanza, għar-rispons f'każ ta' theddidiet prinċipali għas-saħħa bejn il-fruntieri bħalma huma l-influwenza tat-tjur, jew il-bijoterrorriżmu.

3) *Il-promozzjoni tas-saħħa biex titjieb il-prosperità u s-solidarjetà*

L-għan ġenerali huwa l-kontribut għall-prosperità fl-Unjoni permezz tat-trawwim ta' anzjanità fis-saħħa u t-tneħħija ta' inugwaljanzi kif ukoll permezz tat-titjib tas-solidarjetà bejn is-sistemi nazzjonali tas-saħħa

L-azzjonijiet għandhom jinkludu inizjattivi biex iżidu s-snin ta' ħajja u l-promozzjoni ta' anzjanità fis-saħħa, biex issir riċerka dwar l-impatt tas-saħħa fuq il-produttività u s-sehem tax-xogħol u biex ikun hemm appoġġ għat-tnaqqis ta' inugwaljanzi bejn l-Istati Membri u l-investiment fis-saħħa, biex b'hekk ikun qed isir kontribut għall-istrateġija Ewropa 2020, u kontribut għall-produttività u t-tkabbir. L-azzjonijiet itejbu wkoll is-solidarjetà bejn is-sistemi ta' saħħa, inklużi l-kooperazzjoni fl-isfidi kondiviżi, li għalhekk iħaffu l-izvilupp ta' qafas tal-Unjoni għal servizzi tas-saħħa siguri, ta' kwalità għolja u effiċjenti. L-azzjonijiet għandhom jinkludu wkoll inizjattivi li jevalwaw permezz ta' organizzazzjonijiet indipendenti, il-kwalità ta' servizz provdut minn servizzi mediċi ta' emerġenza mill-mument meta ssir sejħa miċ-ċittadini (pereżempju permezz tan-numri għal sejħiet ta' emerġenza sakemm il-vittma jkun trasferit għall-kura fl-isptar; l-għan huwa li s-servizzi mediċi ta' emerġenza jkunu megħjuna biex jitjiebu fuq il-bażi ta' dejta kumparabbli u l-identifikazzjoni tal-aħjar prattiki li għandhom ikunu skambjati fost l-Istati Membri.

L-azzjonijiet għandhom jinkludu wkoll il-promozzjoni tas-saħħa permezz tat-trattament ta' determinanti ambjentali, ta' abbuż u ta' stil ta' ħajja.

L-Organizzazzjonijiet mhux governattivi huma atturi ewlenin fl-implimentazzjoni tal-programm. Għalhekk għandhom jingħataw fondi xierqa.

L-azzjonijiet ikunu jinkludu wkoll l-inizjattivi xierqa biex ir-rakkomandazzjonijiet miksuba permezz tal-Green Paper ta' konsultazzjoni dwar is-saħħa mentali jkollhom segwitu, u b'mod partikolari rigward strateġiji li jevitaw is-suwiċidji tul il-ħajja kollha.

L-għan hu wkoll li l-Kummissjoni tintegra l-istrateġija tas-Saħħa fil-politiki kollha taħt il-Fondi Strutturali. Proġett bħal dan għandu jkopri proposti għal metodi dwar kif kwistjonijiet tas-saħħa jistgħu - f'konformità mal-istrateġija li tintegra s-saħħa fil-politiki kollha - ikunu inkorporati fi proġetti ta' żvilupp reġjonali. Il-proġett huwa mmirat biex isaħħaħ is-saħħa ġenerali fl-Unjoni permezz tal-bini tal-kapaċità fil-kuntest tal-aġenziji tal-iżvilupp reġjonali.

Il-baġit għandu jkopri korsijiet ta' taħriġ, avvenimenti internazzjonali, skambju ta' esperjenzi, prattika tajba u kollaborazzjoni internazzjonali li huma maħsuba għall-użu prattiku tal-Evalwazzjoni tal-Impatt fuq is-Saħħa (HIA) kemm għall-gvern lokali u l-aġenziji ta' żvilupp kif ukoll għall-individwi u l-kumpaniji li lesti japplikaw għal għotja mogħtija mill-Unjoni.

Fir-rigward tal-importanza kruċjali tal-impriżi ta' daqs żgħir u medju fl-Unjoni, dawn għandhom ikunu pprovduti b'appoġġ professjonali biex jikkonformaw mar-regoli obbligatorji tas-saħħa ambjentali u megħjuna jagħmlu bidliet pożittivi għas-saħħa ambjentali li jolqtu l-operat tal-kumpanija.

Għandhom ikunu interkonnessi ġabra ta' dejta Ewropea dwar kwistjonijiet tas-saħħa u ġabra ta' dejta dwar kwistjonijiet ambjentali sabiex tkun tista' titjieb riċerka ulterjuri għall-analiżi tar-rabta bejn il-kwalità ambjentali u l-istat tas-saħħa.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness 'Żona Ekonomika Ewropea' lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din is-sezzjoni, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-partita 6 0 3 1 tal-prospett tad-dħul, jista' jagħti lok għall-ftuħ ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 li tistabbilixxi t-tieni programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa (2008-2013) (ĠU L 301, 20.11.2007, p. 3).

## *Artikolu 17 03 07 — L-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà tal-Ikel*

### Partita 17 03 07 01 — L-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà tal-Ikel — Kontribuzzjoni għat-Titoli 1 u 2

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 46 890 000 | 46 890 000 | 48 266 209 | 48 266 209 | 51 721 458,00 | 51 721 400,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispiżi amministrattivi u tal-persunal tal-Awtorità (Titoli 1 u 2).

L-Awtorità għandha tinforma l-awtorità tal-baġit dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u amministrattiva.

Matul il-proċedura tal-baġit jew ukoll matul is-sena finanzjarja, meta ittra ta' emenda jew baġit ta' emenda ikun sottomess, il-Kummissjoni għandha tinforma l-awtorità tal-baġit qabel kull tibdil fil-baġit tal-aġenziji, b'mod partikolari dwar il-pjanijiet tal-persunal ippubblikati fil-baġit. Din il-proċedura hija skont id-dispożizzjonijiet fuq it-trasparenza provduta fid-Dikjarazzjoni Interistituzzjonali tas-17 ta' Novembru 1995 u implimentata f'forma ta' kodiċi ta' mġiba miftiehem mill-Parliament Ewropew, il-Kummissjoni u l-aġenziji.

Il-pjan tat-twaqqif tal-Awtorità jinsab fil-Parti bit-titolu 'Pjan ta' Twaqqif tal-Persunal' tat-Taqsima III — Il-Kummissjoni (Volum 3).

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjatskont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness 'Żona Ekonomika Ewropea' lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din is-sezzjoni, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Finanzjarju ta' Qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju jikkostitwixxu dħul assenjat (l-Artikolu 18(1)(f) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

### Partita 17 03 07 02 — L-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà tal-Ikel — Kontribuzzjoni għat-Titolu 3

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 27 444 000 | 24 980 000 | 26 813 571 | 23 992 571 | 25 588 404,96 | 23 776 900,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri biss in-nefqa tal-ġestjoni tal-Awtorità assoċjata mal-programm tax-xogħol (Titolu 3).

Tkopri b'mod partikolari:

— spejjeż marbuta mal-organizzazzjoni ta' laqgħat tal-kumitat xjentifiku u tal-gruppi xjentifiċi, gruppi ta' ħidma, il-forum konsultattiv, il-Bord ta' Ġestjoni u laqgħat mal-imsieħba xjentifiċi jew mal-partijiet interessati,

— spejjeż assoċjati mat-twaqqif ta' opinjonijiet xjentifiċi bl-użu ta' riżorsi esterni (kuntratti u sussidji),

— spejjeż assoċjati mal-ħolqien tan-*networks* tal-ġbir tad-*dejta* ġbir u l-integrazzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni eżistenti,

— spejjeż marbuta mal-għajnuna xjentifika u teknika lill-Kummissjoni (Artikolu 31),

— spejjeż assoċjati mal-identifikazzjoni ta' miżuri ta' appoġġ loġistiku,

— spejjeż assoċjati mal-kooperazzjoni teknika u xjentifika,

— spejjeż assoċjati mat-tixrid ta' opinjonijiet xjentifiċi,

— spejjeż assoċjati ma' attivitajiet ta' komunikazzjoni.

L-Awtorità għandha tinforma l-awtorità tal-baġit dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u amministrattiva.

Matul il-proċedura tal-baġit jew ukoll matul is-sena finanzjarja, meta ittra ta' emenda jew baġit ta' emenda ikun sottomess, il-Kummissjoni għandha tinforma l-awtorità tal-baġit qabel kull tibdil fil-baġit tal-aġenziji, b'mod partikolari dwar il-pjanijiet tal-persunal ippubblikati fil-baġit. Din il-proċedura hija skont id-dispożizzjonijiet fuq it-trasparenza provduta fid-Dikjarazzjoni Interistituzzjonali tas-17 ta' Novembru 1995 u implimentata f'forma ta' kodiċi ta' mġiba miftiehem mill-Parliament Ewropew, il-Kummissjoni u l-aġenziji

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2013 tammonta għal total ta' EUR 76 000 000. L-ammont ta' EUR 1 666 000 li ġej mill-irkupru tal-eċċess jiżdied mal-ammont ta' EUR 74 334 000 imdaħħal fil-baġit.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness 'Żona Ekonomika Ewropea' lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din is-sezzjoni, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Finanzjarju ta' Qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju jikkostitwixxu dħul assenjat (l-Artikolu 18(1)(f) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

## *Artikolu 17 03 08 — Proġett Pilota — 'Is-sitwazzjoni l-ġdida tal-impjiegi fis-settur tas-saħħa: L-aħjar prattiki għat-titjib tat-taħriġ professjonali u tal-kwalifiki tal-ħaddiema tal-kura tas-saħħa' u r-remunerazzjoni tagħhom.*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | 300 000 | 0,— | 878 669,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja inizjattivi li jgħinu biex tiġi trattata s-sitwazzjoni l-ġdida tax-xogħol fil-qasam tas-saħħa, b'mod partikolari b'relazzjoni mal-kwalifiki professjonali u d-doveri mwettqa mill-ħaddiema tal-kura tas-saħħa, l-assistenti tal-kura tas-saħħa, u l-infermiera li huma inqas kwalifikati u li jgħinu biex jiġu eżaminati l-effetti tal-mobilità transkonfinali kemm fil-pajjiż li jilqa' u kemm fil-pajjiż tal-oriġini. Il-miżuri koperti jinkludu:

— l-analiżi tal-fatturi u l-politiki mmirati bil-għan li jintlaħaq aħjar il-bżonn għal miżuri biex eventwalment tiżdied il-provvista u biex jittejbu l-kwalifiki tal-persunal tal-kura tas-saħħa,

— il-promozzjoni ta' skambji ta' politiki u tal-aħjar prattiki bil-għan li tkun affaċjata aħjar iż-żieda fil-konsum tal-kura tas-saħħa minħabba l-bidla demografika,

— l-iffinanzjar ta' inizjattivi li jgħinu jeżaminaw l-effetti transkonfinali fuq is-servizzi tas-saħħa,

— li tingħata attenzjoni lill-effetti ta' livelli differenti ta' remunerazzjonijiet li jistgħu joħorġu f'dan il-kuntest,

— studji, laqgħat ma' esperti u kampanji ta' informazzjoni; għandha tinstab ukoll soluzzjoni biex jinżamm il-livell ta' kura fis-sistemi nazzjonali ta' kura tas-saħħa,

— l-analiżi tar-relazzjoni bejn il-kura tas-saħħa u l-kura soċjali u x-xogħol fuq il-produzzjoni ta' data kumparabbli. Ġabra ta' data solida li tinkludi wkoll aspetti tal-ġeneru u tad-diversità, tkun kruċjali biex jissaħħaħ il-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni meta din tkun ġiet estiża għall-kura tas-saħħa.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 17 03 09 — Proġett pilota — Riċerka kumplessa dwar is-Saħħa, l-Ambjent, it-Trasport u l-Bidla fil-Klima (HETC) — Titjib tal-kwalità tal-arja ta' ġewwa u ta' barra*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | 1 600 000 | 0,— | 1 483 135,00 |

*Kummenti*

L-ambjent u s-saħħa huma oqsma transettorjali importanti tal-proċess Ambjentali u tas-Saħħa Ewropew li jgħaqqad il-politika u l-istrateġiji ambjentali. Dan il-proċess huwa vitali għal kwalità tal-ħajja tajba u għal żvilupp sostenibbli. L-objettivi tal-proġett huma li d-disa' pajjiżi involuti (l-Awstrija, il-Bożnija u l-Ħerżegovina, il-Finlandja, l-Ungerija, l-Italja, l-Olanda, in-Norveġja, is-Serbja, is-Slovakkja) għandhom:

— jevalwaw ir-rabtiet bejn l-ambjent tal-iskola u s-saħħa tat-tfal (marbuta man-nifs);

— jevalwaw ir-rabtiet bejn l-impatt tat-trasport fuq l-ambjent tal-iskola u s-saħħa tat-tfal (marbuta man-nifs);

— jevalwaw ir-rabtiet bejn l-impatt tal-bidla klimatika fuq l-ambjent tal-iskola u s-saħħa tat-tfal (marbuta man-nifs);

— jagħmlu rakkomandazzjonijiet għat-titjib tal-kwalità tal-ambjent tal-iskola għal saħħa aħjar tat-tfal u Linja Gwida għal Skejjel Ewropej b'Saħħithom.

Dan l-Artikolu ma għandu ebda allokazzjoni ta' impenji ġdida mill-2009. L-inizjattivi ffinanzjati qegħdin jitwettqu bħalissa u t-tlestija hija mistennija sal-aħħar tal-2012.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 17 03 10 — L-Artikolu 17 03 10 — Aġenzija Ewropea għall-Mediċini*

### Partita 17 03 10 01 — L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini— Kontribuzzjoni għat-Titoli 1 u 2

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 6 165 000 | 6 165 000 | 7 655 333 | 7 655 333 | 9 569 459,00 | 9 569 458,60 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri l-persunal tal-Aġenzija u n-nefqa amministrattiva (it-Titoli 1 u 2), inkluż in-nefqa wara l-adozzjoni tar- Regolament (KE) Nru 1901/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar prodotti mediċinali għall-użu pedjatriku (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 1).

L-Aġenzija għandha tinforma l-awtorità tal-baġit dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u amministrattiva.

Matul il-proċedura tal-baġit u wkoll matul is-sena finanzjarja, meta jintbagħtu ittra ta' emenda jew baġit ta' emenda, il-Kummissjoni għandha tinforma l-awtorità tal-baġit minn qabel b'kull tibdil fil-baġit tal-aġenziji. Din il-proċedura hija skont id-dispożizzjonijiet dwar it-trasparenza pprovduti fid-Dikjarazzjoni Interistituzzjonali tas-17 ta' Novembru 1995 u implimentati fil-forma ta' kodiċi ta' mġiba miftiehem bejn il-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni u l-aġenziji.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxi d-dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness 'Żona Ekonomika Ewropea' ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 16 tal-Qafas ta' Ħidma tar-Regolament Finanzjarju Strutturali għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju jsawru d-dħul assenjat (l-Artikolu 18(1)(f) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jintalab fl-Artikolu 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Il-pjan tat-twaqqif tal-Aġenzija jinsab fil-Parti bit-titolu 'Pjan ta' Twaqqif tal-Persunal' tat-Taqsima III — Il-Kummissjoni (Volum 3).

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 297/95 tal-10 ta' Frar 1995 dwar il-miżati li għandhom jitħallsu lill-Aġenzija Ewropea għall-Evalwazzjoni tal-Prodotti Mediċinali (ĠU L 35, 15.2.1995, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 141/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1999 dwar il-prodotti mediċinali orfni (ĠU L 18, 22.1.2000, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 494/2003 tat-18 ta' Marzu 2003 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 297/95 dwar il-ħlasijiet pagabbli lill-Aġenzija Ewropea għall-Valutazzjoni ta' Prodotti Mediċinali (ĠU L 73, 19.3.2003, p. 6).

Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Id-Direttiva 2001/83/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem(ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2049/2005 tal-15 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi, skont ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, regoli għall-intrapriżi żgħar u medji dwar ħlasijiet lil u jirċievu assistenza amministrattiva mill-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini (ĠU L 329, 16.12.2005, p. 4).

Ir-Regolament (KE) Nru 1901/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar prodotti mediċinali għall-użu pedjatriku u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1768/92, id-Direttiva 2001/20/KE, id-Direttiva 2001/83/KE u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1394/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar prodotti mediċinali ta' terapija avvanzata u li jemenda d-Direttiva 2001/83/KE u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 (ĠU L 324, 10.12.2007, p. 121).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1234/2008 tal-24 ta' Novembru 2008 li jikkonċerna l-eżami ta' varjazzjonijiet fit-termini tal-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u tal-prodotti mediċinali veterinarji (ĠU L 334, 12.12.2008, p. 7).

Ir-Regolament (UE) Nru 1235/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2010 li jemenda, fir-rigward tal-farmakoviġilanza tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, u r-Regolament (KE) Nru 1394/2007 dwar prodotti mediċinali ta' terapija avvanzata (ĠU L 348, 31.12.2010, p. 1).

## Partita 17 03 10 02 — L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini — Kontribuzzjoni għat-Titolu 3

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 27 065 000 | 27 065 000 | 15 310 667 | 15 310 667 | 24 617 078,64 | 24 617 078,64 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri biss in-nefqa operattiva tal-Aġenzija b'rabta mal-programm ta' ħidma (it-Titolu 3), inklużi l-ħidmiet marbuta mal-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1901/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar prodotti mediċinali għall-użu pedjatriku (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 1).

L-Aġenzija għandha tinforma l-awtorità tal-baġit dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u amministrattiva.

Matul il-proċedura tal-baġit kif ukoll matul is-sena finanzjarja, meta ittra ta' emenda jew baġit ta' emenda jitressqu, il-Kummissjoni għandha tinforma l-awtorità tal-baġit minn qabel b'kull bidla fil-baġits tal-aġenziji, b'mod partikolari dwar il-pjanijiet tal-persunal ippubblikati fil-baġit. Din il-proċedura hija skont id-dispożizzjonijiet fuq it-trasparenza prevista fid-Dikjarazzjoni Interistituzzjonali tas-17 ta' Novembru 1995 u implimentata fil-forma ta' kodiċi ta' mġiba miftiehem bejn il-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni u l-aġenziji.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skond l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness 'Żona Ekonomika Ewropea' ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 16 tal-Qafas ta' Ħidma tar-Regolament Finanzjarju Strutturali għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju jsawru d-dħul assenjat (l-Artikolu 18(1)(f) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jintalab fl-Artikolu 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2013 tammonta għal total ta' EUR 39 230 000, li tinkludi l-kontribuzzjoni ta' EUR 6 000 000 għal prodotti mediċinali orfni.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 297/95 tal-10 ta' Frar 1995 dwar il-miżati li għandhom jitħallsu lill-Aġenzija Ewropea għall-Evalwazzjoni tal-Prodotti Mediċinali (ĠU L 35, 15.2.1995, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 141/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1999 dwar il-prodotti mediċinali orfni (ĠU L 18, 22.1.2000, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 494/2003 tat-18 ta' Marzu 2003 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 297/95 dwar il-ħlasijiet pagabbli lill-Aġenzija Ewropea għall-Valutazzjoni ta' Prodotti Mediċinali (ĠU L 73, 19.3.2003, p. 6).

Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1).

Partita 17 03 10 03 — Kontribuzzjoni speċjali għall-prodotti mediċinali orfni

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 6 000 000 | 6 000 000 | 6 000 000 | 6 000 000 | 5 017 644,00 | 4 836 248,80 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri l-kontribuzzjoni speċjali stipulata fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 141/2000, kontra kif stipulat fl-Artikolu 67 tar-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta’ Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta’ prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1), li l-Aġenzija tuża biss biex tikkumpensa t-telfien parzjali jew totali ta’ pagamenti li jkunu assenjati għal prodott mediku orfni.

Mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f’din il-Partita għandhom jiżdiedu l-kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA bis-saħħa tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu. Għal skop ta’ informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxi d-dħul assenjat skontl-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-għoti ta’ approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness ‘Żona Ekonomika Ewropea’ ta’ din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f’din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 16 tal-Qafas ta’ Ħidma tar-Regolament Finanzjarju Strutturali għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju jsawru d-dħul assenjat (l-Artikolu 18(1)(f) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jintalab fl-Artikolu 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 141/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Diċembru 1999 dwar il-prodotti mediċinali orfni (ĠU L 18, 22.1.2000, p. 1).

## *Artikolu 17 03 11 — Proġett Pilota — Il-Konsum ta’ Frott u Ħaxix*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | 500 000 | 1 000 000 | 1 000 000 | 1 000 000,00 | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hi maħsuba biex jiġi stabbilit proġett pilota bil-għan li jiżdied il-konsum tal-frott u l-ħaxix frisk fil-gruppi tal-popolazzjoni vulnerabbli (nisa tqal bi dħul baxx u t-tfal tagħhom, persuni anzjani, eċċ.), sabiex tittejjeb is-saħħa pubblika u tiġi stimulata d-domanda fis-suq tal-frott u l-ħaxix.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 17 03 12 — Proġett Pilota — Dieta tajba għas-Saħħa: L-ewwel snin u popolazzjoni li qed tixjieħ*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| — | 200 000 | 1 000 000 | 500 000 | |

*Kummenti*

Il-proġett pilota għandu l-għan li jenfasizza l-importanza ta’ dieta korretta u tajba għas-saħħa b'iffukar fuq il-popolazzjoni li qed

tixjieħ.

Il-fatt li l-popolazzjoni tal-Ewropa qed tixjieħ huwa fenomenu demografiku kkawżat mit-tnaqqis fil-fertilità u ż-żieda fit-tul tal-ħajja fost iċ-ċittadini Ewropej.

Il-popolazzjoni tal-Ewropa mistennija tixjieħ matul l-erbgħin sena li ġejjin u dan il-fenomenu huwa marbut mill-qrib ma' kwistjonijiet ta' nutrizzjoni.

Kif rikonoxxut f'bosta studji, in-nutrizzjoni għandha impatt qawwi u importanti fit-trattament u l-prevenzjoni ta' bosta mard kif ukoll fiż-żamma ta' saħħa tajba u tal-kwalità tal-ħajja f'popolazjoni li qed tixjieħ.

Iktar ma tavvanza l-età hemm possibilità għolja ta' mard kroniku.L-evidenza tindika lejn l-effett importanti tan-nutrizzjoni, u b'mod partikolari ta' dieta bilanċjata u b'saħħitha, ibbażata fuq il-frott u l-ħaxix, fuq is-suxxettibilità għal tali mard, u l-iżvilupp u r-riżultat tagħhom.

Dan il-proġett ifittex ukoll jipprovdi informazzjoni dwar in-nutrizzjoni lill-ġenituri u lit-tfal. Hu jiffoka fuq l-ewwel snin tal-ħajja, u għalhekk jista' jkopri n-nutrizzjoni ta' qabel it-twelid, it-treddigħ u n-nutrizzjoni fit-tfulija. Il-proġett għandu żewġ objettivi ewlenin, li jeduka lill-ġenituri dwar l-importanza ta' nutrizzjoni tajba għal uliedhom, u li jeduka lit-tfal biex konxjament jagħmlu għażliet favur stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa matul ħajjithom kollha. Il-proġett jopera fil-qafas tal-Programm Saħħa u jindirizza speċifikament żewġ objettivi ewlenin tal-programm: li tiġi promossa s-saħħa u jitnaqqsu l-inugwaljanzi fil-qasam tas-saħħa, u li tinxterd l-informazzjoni dwar is-saħħa.

Dan il-proġett pilota jipprova jilħaq l-udjenza li huwa mmirat għaliha permezz ta' firxa ta' mezzi, bħall-klassijiet ta' qabel it-twelid, l-isptarijiet, in-nurseries u l-istabbilimenti ta' qabel l-iskola, u l-iskejjel. Għandu jinvolvi organizzazzjonijiet xierqa tas-soċjetà ċivili, bħall-NGOs fil-qasam tas-saħħa, kif ukoll il-professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa bħal, per eżempju pedjatri u qwiebel, u l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali tas-saħħa. Il-kooperazzjoni bejn dawn l-atturi differenti għandu jkollha l-għan li tipprovdi edukazzjoni mmirata dwar in-nutrizzjoni, indipendentement mill-industrija tal-ikel, kemm lill-ġenituri kif ukoll lit-tfal. Il-kampanji ta' informazzjoni jistgħu jkunu u mnedija f'forma ta' fuljetti (biex jingħataw, pereżempju, mill-qwiebel lin-nisa tqal, jew mill-pedjatri lill-ġenituri) jew ta' preżentazzjonijiet fl-iskejjel.

*Bażi ġuridika*

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6), tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2992, p. 1).

## *Artikolu 17 03 13 — Proġett pilota — L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġiji għall-prevenzjoni b'suċċess tad-dijabete tat-Tip 2*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| — | 200 000 | 1 000 000 | 500 000 | |

*Kummenti*

Id-dijabete mellitus tat-tip 2 hi marda kronika u waħda mill-ikbar sfidi għas-saħħa pubblika tal-Ewropa. Aktar minn 30 miljun ċittadin Ewropew qed jgħixu bid-dijabete u dan in-numru jindika b'mod ċar li d-dijabete laħqet id-dimensjonijiet ta' diżastru soċjali u ekonomiku. Fl-Unjoni, ir-rata tal-prevalenza medja fil-popolazzjoni adulta tal-Unjoni hi ta' 8,6 % u hi mistennija li tikber għal aktar minn 10 % sal-2025. Id-dijabete hi waħda mill-akbar għaxar kawżi ta' diżabilità, u twassal għal kumplikazzjonijiet devastanti bħall-mard kardjovaskulari, l-għama u l-waqfien tal-kliewi. Bħala riżultat, attwalment proporzjon kbira tal-baġits għall-kura tas-saħħa fl-Unjoni qed tintefaq fuq it-trattament u l-ġestjoni tad-dijabete u l-kumplikazzjonijiet tagħha. Per eżempju, fl-2010, intefqet medja ta' 10 % tal-baġits tal-UE għall-kura tas-saħħa fuq id-dijabete.

Intwera li kemm l-okkorrenza, kif ukoll il-konsegwenzi tad-dijabete tat-Tip 2 jistgħu jitwaqqfu permezz ta' diversi miżuri, bħall-identifikazzjoni f'waqtha ta' min hu fir-riskju, l-iżvilupp ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni u programmi edukattivi ffukati fuq it-tħeġġiġ ta' drawwiet ta' għajxien b'saħħtu u kura preventiva ta' kwalità tajba. Madankollu, biex jiġi żgurat suċċess fil-prevenzjoni tad-dijabete, il-piż ta' din l-epidemija li qed tikber irid jiġi indirizzat b'mod kollaborattiv mill-partijiet interessati relevanti kollha — il-professjonisti fil-kura tas-saħħa, dawk bid-dijabete, il-popolazzjoni ġenerali, il-media, l-industrija tal-ikel, iċ-chains tal-ħwienet lokali u dawk li jfasslu l-politiki.

Dan il-proġett pilota jipproponi approċċ innovattiv fuq żewġ fażijiet għall-prevenzjoni tad-dijabete. L-ewwel fażi se tinkludi l-iżvilupp ta' approċċi sistematiċi għad-dijanjożi bikrija ta' dawk li diġà għandhom id-dijabete u għall-identifikazzjoni ta' min hu fir-riskju, bħal min għandu s-sindrome metabolika. It-tieni fażi se tikkonsisti fl-iżvilupp u l-valutazzjoni tal-programmi ta' azzjoni

strutturata għall-prevenzjoni tad-dijabete f'min hu fir-riskju.

1. L-iskrinjar tal-popolazzjoni se jsir fuq skala żgħira (3 000 sa 10 000 persuna), li jfisser li l-iskrinjar se jinvolvi l-popolazzjoni sħiħa li tgħix f'ċertu raħal jew belt f'ħames Stati Membri magħżula. Dan l-approċċ innovattiv qed jiġi propost sabiex:

— tiġi żgurata l-ogħla preċiżjoni tal-valutazzjoni tad-data;

— jiġi evitat il-piż tal-approvazzjonijiet amministrattivi li jista' jkun hemm bżonn għall-iskrinjar tal-popolazzjoni fil-livell nazzjonali;

— tiġi ġestita b'effiċjenza d-data miksuba permezz tal-iskrinjar u l-impatt tal-miżuri ta' prevenzjoni implimentati;

— jiġi ġġenerat entużjażmu lokali għall-objettivi tal-proġett u tiġi impenjata l-attenzjoni tal-partijiet interessati relevanti kollha.

2. Il-partijiet interessati relevanti lokali kollha se jkunu involuti fil-proġett u se jaħdmu flimkien b'mod ikkoordinat:

— il-professjonisti tal-kura tas-saħħa se jkunu involuti fl-iskrinjar, il-monitoraġġ/ġbir tad-data u fl-iżvilupp ta' programmi edukattivi;

— il-popolazzjoni lokali se titħeġġeġ tiżviluppa attitudni kollaborattiva u miftuħa lejn il-programmi ta' skrinjar u tieħu sehem attiv fl-attivitajiet edukattivi dwar id-dijabete;

— il-media se tkun involuta fl-iżvilupp ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni u se tgħin fid-disseminazzjoni tal-informazzjoni dwar l-objettivi u l-istatus tal-proġett;

— l-industrija tal-ikel u ċ-chains tal-ħwienet lokali se jippromwovu u jħeġġu l-konsum ta' prodotti alimenari b'kontenut baxx ta' xaħam saturat, xaħam trans, melħ u zokkor;

— dawk li jfasslu l-politiki fil-livell tal-gvern lokali se jittraduċu r-riżultati tal-proġett f'linji gwida u strateġiji għall-prevenzjoni tad-dijabete.

Objettivi:

— Biex tiġi stabbilita kollaborazzjoni kkoordinata bejn it-tobba u l-professjonisti l-oħra tal-kura tas-saħħa (infermiera, nutrizzjonisti, psikologi, riċerkaturi), il-popolazzjoni ġenerali, l-industrija tal-ikel, iċ-chains ta' ħwienet lokali, il-media, u dawk li jfasslu l-politiki fil-livell lokali, bl-intenzjoni li titwaqqaf id-dijabete tat-Tip 2;

— Biex jiġu żviluppati programmi ta' skrinjar fuq skala żgħira għad-dijanjożi bikrija ta' persuni bid-dijabete u għall-identifikazzjoni f'waqtha ta' min hu fir-riskju. L-iskrinjar tal-popolazzjoni se jinqasam f'erba' gruppi:

  — skrinjar tat-twelid għat-trabi fir-riskju (eż. test tad-demm jekk ġenitur wieħed jew it-tnejn li huma jkollhom id-dijabete);

  — skrinjar tat-tfal u l-addolexxenti kollha fl-iskejjel (eż. testijiet tad-demm, eżami kliniku, valutazzjoni tad-drawwiet alimentari, valutazzjoni tal-attività fiżika, tipjip, konsum ta' alkoħol, eċċess ta' fast food, u oħrajn li għad iridu jiġu stabbiliti);

  — skrinjar tal-popolazzjoni adulta kollha (eż. testijiet tad-demm, eżami kliniku, valutazzjoni tad-drawwiet alimentari u fatturi relevanti tal-stil ta' ħajja);

  — skrinjar tal-anzjani.

— Biex jiġu identifikati approċċi innovattiv biex l-industrija tal-ikel u l-amministrazzjoni pubblika lokali jiġu involuti fil-programmi edukattivi;

— Biex jiġu żviluppati programmi edukattivi għall-popolazzjoni ġenerali u speċjalment għal dawk li ġew dijanjostikati li għandhom dijabete tat-Tip 2, għal min hu fir-riskju u għall-ġenituri ta' trabi jew tfal li jbatu bid-dijabete jew li huma fir-riskju;

— Sabiex jiġu stabbiliti programmi ta' skrinjar standard billi jiġu identifikati u magħżula l-aħjar indikaturi / paramentri li għandhom jitkejlu, bħal testijiet tad-demm, drawwiet alimentari, attività fiżika, u oħrajn li għad iridu jiġu stabbiliti.

— Biex jinħoloq suq alimentari lokali li jikkkontribwixxi għall-prevenzjoni tal-konsum ta' ikel u xorb b'livelli għoljin ta' zokkor, melħ, xaħam saturat u xaħam trans.

— Biex jiġu organizzati workshops u seminars għall-edukazzjoni tal-popolazzjoni lokali dwar l-importanza tal-kwalità u l-kontenut tal-ikel. L-attivitajiet tal-workshops u s-seminars jistgħu jintrabtu ma' kampanji għall-promozzjoni tal-konsum tal-frott u l-ħaxix. Pereżempju, iċ-chains tal-ħwienet lokali jistgħu jisponsorjaw l-avvenimenti ta' dan it-tip billi joffru frott u ħaxix lil parteċipanti.

Reġjuni/pajjiżi involuti: Għażla ta' 5 bliet jew irħula (3 000 sa 10 000 ċittadini) minn ħames Stati Membri.

Riżultati mistennija:

L-għan globali tal-proġett hu l-identifikazzjoni u l-iżvilupp tal-aħjar prattika għall-prevenzjoni tad-dijabete tat-Tip 2. Hu mistenni li wħud mill-irħula jew bliet li jieħdu sehem fil-proġett ikunu jistgħu jiżviluppaw strateġija lokali ta' suċċess għall-prevenzjoni tad-dijabete tat-Tip 2. L-iktar strateġiji ta' suċċess jistgħu mbagħad jiġu tradotti jew inkorporati fl-inizjattivi futuri tal-UE jew nazzjonali dwar id-dijabete (eż. Linji gwida jew rakkomandazzjoni dwar id-dijabete, Pjanijiet Nazzjonali dwar id-Dijabete). L-impatt tal-miżuri

ta' prevenzjoni żviluppati matul il-proġett jista' biss jiġi vvalutat wara perjodu ta' madwar sentejn mill-bidu tal-proġett. Din il-valutazzjoni tal-impatt se ssir permezz ta' monitoraġġ mill-qrib tal-istatus tas-saħħa tal-popolazzjoni lokali li tkun qed tieħu sehem fil-proġett.

*Data tal-bidu tal-proġett:* Ġunju 2012

*Data tat-tmiem tal-proġett:* Ġunju 2014

*Bażi ġuridika*

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6), tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2992, p. 1).

## *Artikolu 17 03 14 — Azzjoni ta' tħejjija — Reżistenza antimikrobika (RAM): Riċerka dwar il-kawżi ta’ użu antibijotiku frekwenti u mhux xieraq*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| — | 200 000 | 1 000 000 | 500 000 | |

*Kummenti*

Fl-2009, abbażi ta’ batterji li l-iktar ta’ spiss ġew iżolati minn kulturi tad-demm fl-Ewropa, iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard stima li kull sena dawn il-batterji reżistenti għal diversi mediċini wasslu għal 25 000 pazjent mejjet u fi spejjeż żejda tal-kura tas-saħħa u telf tal-produttività ta’ tal-inqas EUR 1,5 biljun fis-sena. Tul dawn l-aħħar deċennji, l-użu irresponsabbli u inkorrett ta’ antibijotiċi aċċellera din ix-xejra. Għalhekk ir-RAM hija fenomenu li evidentement għandu implikazzjonijiet transkonfinali u l-okkorrenza ta’ effett iżolat (outlier effect), li probabbilment ma jkunx jista’ jiġi kkontrollat bir-riżorsi u bl-għarfien attwali, ma tistax tkun eskluża.

*L-objettivi tal-azzjoni ta' tħejjija:*

— biex isir studju tal-użu u l-bejgħ mhux xieraq tal-aġenti antimikrobiċi bi jew mingħajr riċetta tat-tabib tul il-katina — mit-tabib u l-ispiżjar għall-pazjent, f’termini ta’ mġiba tal-atturi kollha involuti, billi jintgħażlu, bħala każijiet biex jiġu eżaminati, Stati Membri ewlenin bl-ogħla grad ta’ aċċes għall-antibijotiċi mingħajr riċetta tat-tabib. L-azzjoni se tipprova tevalwa aħjar ir-raġunijiet għall-użu mhux xieraq ta’ antibijotiċi, tivvaluta l-livell ta’ antibijotiċi mibjugħin mingħajr riċetta tat-tabib fil-pajjiżi fil-mira (inklużi l-pajjiżi fejn l-infurzar tal-leġiżlazzjoni huwa batut), tidentifika r-raġunijiet għal dan il-livell għoli ta’ bejgħ mingħajr riċetta tat-tabib, tevalwa jekk hemmx biżżejjed tagħrif li qed tilħaq lill-atturi rilevanti, tidentigika x’inhuma l-motivazzjonijiet, l-inċentivi, l-prattika u l-perċezzjoni tagħhom tat-theddida globali tar-RAM u tagħmel rakkomandazzjonijiet dwar kif inhu l-aqwa mod li bih tista’ tiġi indirizzata din is-sitwazzjoni;

— biex tikkontribwixxi u twassal għal politika tal-Unjoni integrata u komprensiva kontra r-RAM.

*Azzjonijiet speċifiċi:*

— stħarriġ komprensiv fil-grupp fil-mira ta' din l-azzjoni ta' tħejjija;

— diskussjonijiet fid-dettall;

— identifikazzjoni ta’ każijiet ta’ studju f’kull Stat Membru ewlieni.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

### *Artikolu 17 03 15 — Azzjoni ta' tħejjija — Il-ħolqien ta' netwerk ta' esperti tal- Unjoni fil-qasam ta' kura adattata għall-adolexxenti bi problemi psikoloġiċi*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| — | 200 000 | 1 000 000 | 500 000 | |

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħolqien ta' netwerk ta' esperti tal-UE li se jippromwovi u jsostni strutturi ta' kura adattata u innovattiva għall-adolexxenti bi problemi psikoloġiċi (djar għall-adolexxenti). Dan se jiġbor, jiskambja, jiżviluppa u jaqsam l-esperjenzi, l-għarfien u l-aħjar prattiki f'dan il-qasam. In-netwerk għandu jitqies bħala azzjoni ta' segwitu għall-Patt Ewropew għas-Saħħa Mentali u l-għadd ta' konferenzi organizzati mill-Kummissjoni f'dan il-qasam (fl-aġenda tal-laqgħa interministerjali dwar "l-impjiegi, il-politika soċjali, is-saħħa u l-affarijiet tal-konsumatur" tas-6 u s-7 ta' Ġunju 2011).

L-objettivi tan-netwerk tal-Unjoni huma:

— il-ġbir, l-iskambju, l-iżvilupp u l-qsim ta' kompetenzi, esperjenza, għarfien u l-aħjar prattika;

— il-promozzjoni, l-appoġġ u l-għoti ta' għajnuna prattika għall-ħolqien ta' strutturi ta' kura adattata għall-adoloxxenti;

— il-faċilitazzjoni ta' taħriġ reċiproku tal-persunal, inklużi żjarat ta' studji u l-apprendistati;

— it-tqajjim ta' kuxjenza tal-pubbliku ġenerali u tal-awtoritajiet nazzjonali u Ewropej;

— il-promozzjoni ta' speċjalizzazzjoni fl-istudju tal-adoloxxenza;

— l-istabbiliment ta' rappreżentazzjoni tal-membri tiegħu fl-istituzzjonijiet Ewropew u Internazzjonali.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## Kapitolu 17 04 — Is-sikurezza tal-ikel u l-għalf, is-saħħa tal-annimali, il-benesseri tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 17 04 | Is-sikurezza tal-ikel u l-għalf, is-saħħa tal-annimali, il-benesseri tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti | | | | | | | | |
| ***17 04 01*** | ***Eradikazzjoni tal-mard tal-annimali u programmi ta’ monitoraġġ tal-kundizzjonijiet fiżiċi tal-annimali li jistgħu jkunu ta’ riskju għas-saħħa pubblika konnessi ma’ fattur estern*** | | | | | | | | |
| 17 04 01 01 | Programmi għall-qerda u l-monitoraġġ tal-mard tal-annimali u l-monitoraġġ tal-kondizzjonijiet fiżiċi ta’ annimali li jistgħu jkunu ta’ riskju għas-saħħa pubblika marbut ma’ fattur estern — Miżuri ġodda | 2 | 200 000 000 | 185 000 000 | 259 000 000 | 184 901 486 | 238 015 000,00 | 186 257 457,91 | 100,68 % |
| 17 04 01 02 | Proġett Pilota — Netwerk Ewropew Koordinat għall-Benessri tal-Annimali | 2 | — | 300 000 | 1 000 000 | 500 000 | | | |
| | *Artikolu 17 04 01 — Sub-total* | | 200 000 000 | 185 300 000 | 260 000 000 | 185 401 486 | 238 015 000,00 | 186 257 457,91 | 100,52 % |
| ***17 04 02*** | ***Miżuri oħra fl-oqsma veterinarji, benesseri tal-annimali u s-saħħa pubblika*** | | | | | | | | |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 17 04 02 01 | Miżuri oħra fl-oqsma veterinarji, tal-benesseri tal-annimali u tas-saħħa pubblika — Miżuri ġodda | 2 | 14 000 000 | 13 000 000 | 18 000 000 | 12 326 766 | 13 506 114,85 | 17 726 669,12 | 136,36 % |
| | *Artikolu 17 04 02 — Sub-total* | | 14 000 000 | 13 000 000 | 18 000 000 | 12 326 766 | 13 506 114,85 | 17 726 669,12 | 136,36 % |
| ***17 04 03*** | ***Fond ta' emerġenza għall-ilmenti ta' natura veterinarja u kontaminazzjonijiet tal-annimali li huma ta' riskju għas-saħħa pubblika*** | | | | | | | | |
| 17 04 03 01 | Fond ta' emerġenza għal ilmenti ta' natura veterinarja u kontaminazzjonijiet oħrajn tal-annimali li huma ta' riskju għas-saħħa pubblika — Miżuri ġodda | 2 | 10 000 000 | 10 000 000 | 10 000 000 | 9 482 128 | 10 053 119,41 | 14 386 939,40 | 143,87 % |
| 17 04 03 03 | Azzjoni ta' tħejjija — Postijiet ta' kontroll (resting points) fir-rigward ta' trasport ta' annimali | 2 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 1 410 927,00 | |
| | *Artikolu 17 04 03 — Sub-total* | | 10 000 000 | 10 000 000 | 10 000 000 | 9 482 128 | 10 053 119,41 | 15 797 866,40 | 157,98 % |
| ***17 04 04*** | ***Miżuri għas-saħħa tal-pjanti*** | | | | | | | | |
| 17 04 04 01 | Miżuri għas-saħħa tal-pjanti — Miżuri ġodda | 2 | 14 000 000 | 13 000 000 | 14 000 000 | 9 482 128 | 21 256 677,24 | 10 897 456,25 | 83,83 % |
| | *Artikolu 17 04 04 — Sub-total* | | 14 000 000 | 13 000 000 | 14 000 000 | 9 482 128 | 21 256 677,24 | 10 897 456,25 | 83,83 % |
| ***17 04 06*** | ***Tlestija ta' miżuri veterinarji u tas-saħħa tal-pjanti preċedenti*** | 3.2 | p.m. | p.m. | p.m. | 347 000 | 0,— | 0,— | |
| ***17 04 07*** | ***Attivitajiet dwar is-sigurtà tal-għalf u l-ikel u attivitajiet relatati*** | | | | | | | | |
| 17 04 07 01 | Is-sikurezza tal-għalf u dik alimentari u attivitajiet relatati — Miżuri ġodda | 2 | 34 000 000 | 28 000 000 | 32 000 000 | 26 549 957 | 29 539 222,00 | 25 312 317,20 | 90,40 % |
| | *Artikolu 17 04 07 — Sub-total* | | 34 000 000 | 28 000 000 | 32 000 000 | 26 549 957 | 29 539 222,00 | 25 312 317,20 | 90,40 % |
| ***17 04 09*** | ***Ftehimiet internazzjonali u shubija ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel, is-saħħa tal-annimali, il-benessri tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti*** | 4 | 276 000 | 276 000 | 250 000 | 238 640 | 235 000,00 | 234 506,43 | 84,97 % |
| | **Kapitolu 17 04 — Total** | | **272 276 000** | **249 576 000** | **334 250 000** | **243 828 105** | **312 605 133,50** | **256 226 273,31** | **102,66 %** |

## *Artikolu 17 04 01 — Eradikazzjoni tal-mard tal-annimali u programmi ta' monitoraġġ tal-kundizzjonijiet fiżiċi tal-annimali li jistgħu jkunu ta' riskju għas-saħħa pubblika konnessi ma' fattur estern*

### Partita 17 04 01 01 — Programmi għall-qerda u l-monitoraġġ tal-mard tal-annimali u l-monitoraġġ tal-kondizzjonijiet fiżiċi ta' annimali li jistgħu jkunu ta' riskju għas-saħħa pubblika marbut ma' fattur estern — Miżuri ġodda

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 200 000 000 | 185 000 000 | 259 000 000 | 184 901 486 | 238 015 000,00 | 186 257 457,91 |

*Kummenti*

L-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni tgħin biex taċċelera l-qerda jew il-kontroll tal-mard tal-annimali billi tipprovdi fondi li jissupplimentaw ir-riżorsi finanzjarji nazzjonali u tikkontribwixxi għall-armonizzazzjoni tal-miżuri fil-livell tal-Unjoni. Il-parti l-kbira ta' dan il-mard jew infezzjonijiet hija ż-żoonosi li tittieħed mill-bniedem (BSE, bruċellosi, influwenza tat-tjur, salmonellosi, tuberkulosi, eċċ.). Barra minn hekk, il-persistenza tal-mard inkwistjoni ttellef l-operat bla xkiel tas-suq intern; il-ġlieda kontrih tgħin biex jittejjeb il-livell tas-saħħa pubblika u biex jingħata spinta lis-sikurezza alimentari fl-Unjoni.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/470/KE tal-25 ta' Mejju 2009 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju (ĠU L 155, 18.6.2009, p. 30).

Partita 17 04 01 02 — Proġett Pilota — Netwerk Ewropew Koordinat għall-Benessri tal-Annimali

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| — | 300 000 | 1 000 000 | 500 000 | |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba għall-istabbiliment ta’ netwerk Ewropew ikkoordinat għall-benessri tal-annimali kif mitlub fir-Rapport Paulsen dwar l-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Benessri tal-Annimali 2006-2010, (PE 430.922 v02-00, A7-0053/2010). Għandu jwettaq il-kompiti li tirreferi għalihom il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Ottubru 2009 dwar għażliet għall-ittikkettar tal-benessri tal-annimali u t-twaqqif ta' Netwerk ta' Ċentri ta' Referenza Ewropej għall-protezzjoni u l-benessri tal-annimali (COM(2009)0584).

*Bażi ġuridika*

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6), tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2992, p. 1).

## *Artikolu 17 04 02 — Miżuri oħra fl-oqsma veterinarji, benesseri tal-annimali u s-saħħa pubblika*

Partita 17 04 02 01 — Miżuri oħra fl-oqsma veterinarji, tal-benesseri tal-annimali u tas-saħħa pubblika — Miżuri ġodda

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 14 000 000 | 13 000 000 | 18 000 000 | 12 326 766 | 13 506 114,85 | 17 726 669,12 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-miżuri immirati għall-eliminazzjoni tal-ostakoli għall-moviment ħieles ta’ oġġetti f’dawn is-setturi, għall-appoġġ veterinarju u għall-azzjoni ta’ sostenn.

Hija tikkonsisti fil-provvediment ta’ għajnuna finanzjarja:

— għax-xiri, il-ħżin u l-formulazzjoni tal-antiġeni tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer u ta’ tilqim differenti,

— għal politika ta’ informazzjoni fil-qasam tal-ħarsien tal-annimali, inklużi kampanji u programmi ta’ informazzjoni li jinfurmaw lill-pubbliku li l-konsum tal-laħam minn annimali mlaqqma ma jagħmilx ħsara, kif ukoll kampanji u programmi ta’ informazzjoni li jenfasizzaw l-aspetti umani ta’ strateġiji ta’ tilqim fil-ġlieda kontra l-mard tal-annimali li jittieħed,

— għas-sorveljanza tal-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-ħarsien tal-annimali matul it-trasport tagħhom għall-qatla,

— għall-iżvilupp ta’ tilqim markatur jew testijiet li jistgħu jiddistingwu bejn annimali morda u dawk imlaqqma,

— għall-istabbiliment u ż-żamma ta’ sistema ta’ twissija rapida, inkluża sistema ta’ twissija rapida mad-dinja kollha għan-notifika ta’ riskji diretti jew indiretti għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali li jkunu ġejjin mill-ikel jew mill-għalf,

— għall-miżuri tekniċi u xjentifiċi meħtieġa fl-iżvilupp ta’ leġislazzjoni veterinarja tal-Unjoni u għall-iżvilupp ta’ edukazzjoni jew taħriġ veterinarju,

— għall-għodod tat-teknoloġija tal-informatika, inklużi TRACES u s-Sistema ta’ Notifika ta’ Mard tal-Annimali,

— għall-miżuri biex tiġi miġġielda l-importazzjoni illegali ta’ ġlud tal-klieb u l-qtates.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta’ Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta’ sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/470/KE tal-25 ta’ Mejju 2009 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju (Verżjoni kodifikata) (ĠU L 155, 18.6.2009, p. 30).

### *Artikolu 17 04 03 — Fond ta’ emerġenza għall-ilmenti ta’ natura veterinarja u kontaminazzjonijiet tal-annimali li huma ta’ riskju għas-saħħa pubblika*

#### Partita 17 04 03 01 — Fond ta’ emerġenza għal ilmenti ta’ natura veterinarja u kontaminazzjonijiet oħrajn tal-annimali li huma ta’ riskju għas-saħħa pubblika — Miżuri ġodda

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 10 000 000 | 10 000 000 | 10 000 000 | 9 482 128 | 10 053 119,41 | 14 386 939,40 |

*Kummenti*

It-tifqigħ ta’ ċertu mard tal-annimali fl-Unjoni jista’ possibbilment ikollu impatt kbir fuq it-tħaddim tas-suq intern u fuq ir-relazzjonijiet kummerċjali tal-Unjoni ma’ pajjiżi terzi. Għalhekk, huwa importanti li l-Unjoni tagħmel kontribuzzjoni finanzjarja biex tippermetti l-eradikazzjoni l-aktar rapida possibbli ta’ kwalunkwe tifqigħa ta’ marda serja li tittieħed fl-Istati Membri billi jintużaw il-mezzi tal-Unjoni biex jiġġieldu dan il-mard.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/470/KE tal-25 ta’ Mejju 2009 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju (Verżjoni kodifikata) (ĠU L 155, 18.6.2009, p. 30).

#### Partita 17 04 03 03 — Azzjoni ta’ tħejjija — Postijiet ta’ kontroll (resting points) fir-rigward ta’ trasport ta’ annimali

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 1 410 927,00 |

*Kummenti*

Din l-azzjoni ta’ tħejjija tnediet fl-2008 biex tkopri l-ispejjeż tal-iżvilupp ta’ postijiet ta’ kontroll imtejba (punti ta’ mistrieħ) għall-annimali matul vjaġġi twal. Fl-interess tas-saħħa u l-benesseri tal-annimali, kien meħtieġ li jiġu introdotti miżuri speċifiċi biex tkun evitata t-tensjoni, pereżempju waqt il-ħatt u t-tagħbija mill-ġdid tal-annimali u biex ikun evitat it-tixrid ta’ mard infettiv.

L-awtorità tal-baġit allokat krediti ġodda biex din l-azzjoni tkun tista’ titkompla fl-2009 u fl-2010.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta’ tħejjija, fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 17 04 04 — Miżuri għas-saħħa tal-pjanti*

### Partita 17 04 04 01 — Miżuri għas-saħħa tal-pjanti — Miżuri ġodda

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 14 000 000 | 13 000 000 | 14 000 000 | 9 482 128 | 21 256 677,24 | 10 897 456,25 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-implimentazzjoni mill-Kummissjoni u/jew l-Istati Membri, tal-miżuri provduti fil-bażi legali ta'hawn isfel, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet li jelimaw l-ostakoli għall-moviment ħieles tal-oġġetti f'dawn is-setturi.

*Bażi ġuridika*

Id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-kummerċjalizzazzjoni ta' żrieragħ għall-għalf (ĠU 125, 11.7.1966, p. 2298/66).

Id-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-kummerċjalizzazzjoni ta' żrieragħ taċ-ċereali (ĠU 125, 11.7.1966, p. 2309/66).

Id-Direttiva tal-Kunsill 68/193/KEE tad-9 ta' April 1968 dwar il-kummerċjalizzazzjoni ta' materjal għall-propagazzjoni veġetali tad-dielja (ĠU L 93, 17.4.1968, p. 15).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehimiet milħuqa fil-Laqgħa ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994) (ĠU L 336, 23.12.1994, p. 1), u b'mod partikolari l-Artikolu 5, L-Istima tar-Riskju u Kif Jiġi Stabbilit il-Livell Approprjat tal-Protezzjoni Sanitarja u Fitosanitarja, tal-kapitolu 'Ftehim dwar l-applikazzjoni tal-miżuri sanitarji u fitosanitarji'.

Id-Direttiva tal-Kunsill 98/56/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar il-kummerċjalizzazzjoni ta' materjal ta' propagazzjoni ta' pjanti ornamentali (ĠU L 226, 13.8.1998, p. 16).

Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 dwar il-kummerċjalizzazzjoni ta' materjal produttiv forestali (ĠU L 11, 15.1.2000, p. 17), b'mod partikolari l-Artikolu 11(1) tagħha.

Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni fil-Komunità ta' organiżmi li jagħmlu ħsara lill-pjanti jew lill-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom fil-Komunità (ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/53/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-katalogu komuni ta' speċji varji ta' pjanti agrikoli (ĠU L 193, 20.7.2002, p. 1), b'mod partikolari l-Artikolu 17 tagħha.

Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/54/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-kummerċjalizzazzjoni taż-żerriegħa tal-pitravi (ĠU L 193, 020.7.2002, p. 12).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-kummerċjalizzazzjoni ta' żerriegħa veġetali (ĠU L 193, 20.7.2002, p. 33).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/56/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-kummerċjalizzazzjoni ta' patata għaż-żrigħ (ĠU L 193, 20.7.2002, p. 60).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/57/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-kummerċjalizzazzjoni ta' żerriegħa tal-pjanti taż-żejt u tal-fibra (ĠU L 193, 20.7.2002, p. 74).

Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi tar-residwi tal-pestiċidi fi jew fuq l-ikel u l-għalf li ġej mill-pjanti jew mill-animmali (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1).

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006 tat- 30 ta' Jannar 2006 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikultura fir-reġjuni l-aktar il-bogħod tal-Unjoni (ĠU L 42, 14.2.2006, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/72/KE tal- 15 ta' Lulju 2008 dwar it-tqegħid fis-suq ta' ħxejjex ta' propagazzjoni u materjal taż-żrigħ, barra ż-żerriegħa (ĠU L 205, 1.8.2008, p. 28).

Direttiva tal-Kunsill 2008/90/KE tad- 29 ta' Settembru 2008 dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal tal-propagazzjoni tal-pjanti tal-frott u tal-pjanti tal-frott maħsuba għall-produzzjoni tal-frott (ĠU L 267, 8.10.2008, p. 8).

## *Artikolu 17 04 06 — Tlestija ta' miżuri veterinarji u tas-saħħa tal-pjanti preċedenti*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | 347 000 | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri l-ħlas ta' impenji ikkuntrattati qabel fil-Paragrafi B2-5 1 0 0, B2-5 1 0 1, B2-5 1 0 2, B2-5 1 0 3, B2-5 1 0 5, B2-5 1 0 6, B2-5 1 2 2 u B2-5 1 9 0.

Din l-approprjazzjoni għandha tintuża, f'każ ta' emerġenza, biex tkpori r-riformulazzjoni tal-antiġeni għall-marda tal-ilsien u d-dwiefer għat-tilqim ta' emerġenza biex tiġi indirizzata l-marda. L-ammont ta' EUR 347 000 huwa l-bilanċ, fi tmiem l-2009, tal-ammont ta' EUR 3 900 000 allokati fl-1997 għax-xiri u r-riformulazzjoni ta' antiġeni. Sakemm isseħħ ir-riformulazzjoni kkonċernata, jeħtieġu approprjazzjonijiet ta' ħlas li jammontaw għal EUR 347 000.

## *Artikolu 17 04 07 — Attivitajiet dwar is-sigurtà tal-għalf u l-ikel u attivitajiet relatati*

### Partita 17 04 07 01 — Is-sikurezza tal-għalf u dik alimentari u attivitajiet relatati — Miżuri ġodda

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 34 000 000 | 28 000 000 | 32 000 000 | 26 549 957 | 29 539 222,00 | 25 312 317,20 |

*Kummenti*

Approprjazzjonijiet skont dan l-artikolu huma maħsuba għall-implimentazzjoni tal-miżuri inizjali ġejjin mill-proposta fuq il-monitoraġġ uffiċjali tar-Regolament fuq imsemmi, b'mod partikolari:

- taħriġ dwar kontroll tal-għalf u l-ikel,
- attivitajiet tal-laboratorji tal-Unjoni,
- għodod tal-IT, komunikazzjoni u informazzjoni dwar il-kontroll tal-ikel u l-għalf, l-iżvilupp ta' strateġija tal-Unjoni għal ikel aktar sikur,
- spejjeż għall-ivvjaġġar u s-sussistenza għal esperti nazzjonali li jipparteċipaw f'missjonijiet tal-Uffiċċju tal-Ikel u Veterinarju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali (ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1332/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-enzimi tal-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 7).

Ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar addittivi tal-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16).

Ir-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar aromatizzanti u ċerti ingredjenti tal-ikel bi proprjetajiet aromatizzanti għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 34).

### *Artikolu 17 04 09 — Ftehimiet internazzjonali u sħubija ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel, is-saħħa tal-annimali, il-benessri tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 276 000 | 276 000 | 250 000 | 238 640 | 235 000,00 | 234 506,43 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri l-kontribuzzjoni tal-Unjoni lill-Unjoni Internazzjonali għall-Ħarsien tal-Varjetajiet Ġodda tal-Pjanti (UPOV), stabbilita mill-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Ħarsien tal-Varjetajiet Ġodda tal-Pjanti kif emendata l-aħħar fid-19 ta' Marzu 1991, li tipprevedi dritt ta' proprjetà esklussiv għal min irabbi varjetatjiet ġodda ta' pjanti.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill, 2005/523/KE tat-30 ta' Mejju 2005 li tapprova l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea għall-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Ħarsien tal-Varjetajiet Ġodda tal-Pjanti, kif riveduta f'Ġinevra fid-19 ta' Marzu 1991 (ĠU L 192, 22.7.2005 p. 63).

# TITOLU 18 — AFFARIJIET INTERNI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 18 01 | Nefqa amministrattiva tal-qasam ta' politika "Affarijiet interni" | | 40 715 217 | 40 715 217 | 40 064 398 | 40 064 398 | 40 262 573,41 | 40 262 573,41 |
| | 40 01 40 | | | | 39 662<br>40 104 060 | 39 662<br>40 104 060 | | |
| 18 02 | Solidarjetà - Fruntieri esterni, ritorn, politika dwar il-viża u l-moviment liberu tal-persuni | 3 | 765 959 000 | 492 396 000 | 660 000 000 | 390 060 911 | 590 104 421,60 | 444 629 695,54 |
| | 40 02 41 | | 730 000<br>766 689 000 | 730 000<br>493 126 000 | 14 740 000<br>674 740 000 | 15 659 972<br>405 720 883 | | |
| 18 03 | Flussi migratorji — Oqsma ta' politika komuni dwar l-immigrazzjoni u l-kenn politiku | 3 | 318 130 000 | 167 425 000 | 299 330 000 | 163 246 661 | 269 061 490,42 | 159 180 540,89 |
| 18 05 | Sigurtà u salvagwardjar tal-libertajiet | 3 | 164 330 140 | 141 930 140 | 246 370 560 | 144 970 803 | 228 794 349,94 | 148 303 832,51 |
| 18 08 | STRATEĠIJA TA' POLITIKA U KOORDINAMENT | 3 | 3 500 000 | 1 900 000 | 3 400 000 | 1 814 983 | 3 187 025,00 | 1 460 776,71 |
| | **Titolu 18 — Total** | | **1 292 634 357** | **844 366 357** | **1 249 164 958** | **740 157 756** | **1 131 409 860,37** | **793 837 419,06** |
| | **40 01 40, 40 02 41**<br>**Total + riżerva** | | **730 000**<br>**1 293 364 357** | **730 000**<br>**845 096 357** | **14 779 662**<br>**1 263 944 620** | **15 699 634**<br>**755 857 390** | | |

# KAPITOLU 18 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "AFFARIJIET INTERNI"

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 18 01 | Nefqa amministrattiva tal-qasam ta' politika "Affarijiet interni" | | | | | |
| ***18 01 01*** | ***Nefqa relatata ma' persunal f'impjieg attiv fil-qasam ta' politika "Affarijiet interni"*** | 5 | 31 645 793 | 30 477 753 | 30 569 710,33 | 96,60 % |
| ***18 01 02*** | ***Persunal estern u nefqa oħra ta' ġestjoni b'sostenn tal-qasam ta' politika "Affarijiet interni"*** | | | | | |
| 18 01 02 01 | Persunal estern | 5 | 2 260 869 | 2 830 564 | 2 826 729,15 | 125,03 % |
| 18 01 02 11 | Nefqa oħra relatata mat-tmexxija | 5 | 1 741 785 | 1 810 130 | 1 492 743,22 | 85,70 % |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 40 01 40 | | | 39 662<br>1 849 792 | | |
| | *Artikolu 18 01 02 — Sub-total* | | 4 002 654 | 4 640 694 | 4 319 472,37 | 107,92 % |
| | *40 01 40* | | | 39 662<br>4 680 356 | | |
| ***18 01 03*** | ***Nefqa relatata mat-tagħmir u s-servizzi tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni tal-qasam ta' politika "Affarijiet Interni"*** | 5 | 1 966 770 | 1 945 951 | 2 293 211,22 | 116,60 % |
| ***18 01 04*** | ***Nefqa ta' sostenn għall-operazzjonijiet tal-qasam ta' politika "Affarijiet interi"*** | | | | | |
| 18 01 04 02 | Fond Ewropew għar-Refuġjati — Nefqa għat-tmexxija amministrattiva | 3.1 | 500 000 | 500 000 | 500 000,00 | 100,00 % |
| 18 01 04 03 | Miżuri ta' emerġenza fil-każ ta' influssi tal-massa tar-refuġjati — Nefqa għat-tmexxija amministrattiva | 3.1 | 200 000 | 200 000 | 149 505,83 | 74,75 % |
| 18 01 04 08 | Fond Ewropew għar-Refuġjati — Nefqa għat-tmexxija amministrattiva | 3.1 | 500 000 | 500 000 | 614 649,66 | 122,93 % |
| 18 01 04 09 | Il-Punt 18 01 04 09 — Fond Ewropew għall-Integrazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi — Nefqa għat-tmexxija amministrattiva | 3.1 | 500 000 | 500 000 | 490 823,80 | 98,16 % |
| 18 01 04 10 | Fond Ewropew għar-Ritorn — Nefqa għat-tmexxija amministrattiva | 3.1 | 500 000 | 500 000 | 500 000,00 | 100,00 % |
| 18 01 04 16 | Prevenzjoni,tħejjija u ġestjoni tal-konsegwenzi tat-terroriżmu — Nefqa għat-tmexxija amministrattiva | 3.1 | 350 000 | 200 000 | 299 999,10 | 85,71 % |
| 18 01 04 17 | Prevenzjoni mill-Kriminalità u l-ġlieda kontra l-Kriminalità — Nefqa għat-tmexxija amministrattiva | 3.1 | 550 000 | 600 000 | 525 201,10 | 95,49 % |
| | *Artikolu 18 01 04 — Sub-total* | | 3 100 000 | 3 000 000 | 3 080 179,49 | 99,36 % |
| | **Kapitolu 18 01 — Total** | | **40 715 217** | **40 064 398** | **40 262 573,41** | **98,89 %** |
| | **40 01 40**<br>**Total + riżerva** | | | **39 662**<br>**40 104 060** | | |

## *Artikolu 18 01 01 — Nefqa relatata ma' persunal f'impjieg attiv fil-qasam ta' politika "Affarijiet interni"*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 31 645 793 | 30 477 753 | 30 569 710,33 |

## *Artikolu 18 01 02 — Persunal estern u nefqa oħra ta' ġestjoni b'sostenn tal-qasam ta' politika "Affarijiet interni"*

### Partita 18 01 02 01 — Persunal estern

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 2 260 869 | 2 830 564 | 2 826 729,15 |

### Partita 18 01 02 11 — Nefqa oħra relatata mat-tmexxija

*Figuri*

| | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|
| 18 01 02 11 | 1 741 785 | 1 810 130 | 1 492 743,22 |
| 40 01 40 | | 39 662 | |
| Total | 1 741 785 | 1 849 792 | 1 492 743,22 |

*Kummenti*

Parti minn din l-approprjazzjoni għandha tintuża biex tiżgura appoġġ adegwat għall-Grupp ta' Ħidma mwaqqaf mill-Artikolu 29.

### *Artikolu 18 01 03 — Nefqa relatata mat-tagħmir u s-servizzi tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni tal-qasam ta' politika "Affarijiet Interni"*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 1 966 770 | 1 945 951 | 2 293 211,22 |

### *Artikolu 18 01 04 — Nefqa ta' sostenn għall-operazzjonijiet tal-qasam ta' politika "Affarijiet interi"*

#### Partita 18 01 04 02 — Fond Ewropew għar-Refuġjati — Nefqa għat-tmexxija amministrattiva

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 500 000 | 500 000 | 500 000,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri n-nefqa fuq studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet direttament marbuta mat-twettiq tal-għan tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-Partita, barra minn nefqiet oħrajn fuq assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta' awtorità pubblika kkuntrattati barra (*outsourced*) mill-Kummissjoni taħt kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Artikolu 18 03 03.

#### Partita 18 01 04 03 — Miżuri ta' emerġenza fil-każ ta' influssi tal-massa tar-refuġjati — Nefqa għat-tmexxija amministrattiva

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 200 000 | 200 000 | 149 505,83 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri n-nefqa fuq studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet direttament marbuta mat-twettiq tal-għan tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-Partita, barra minn nefqiet oħrajn fuq assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta' awtorità pubblika kkuntrattati barra (*outsourced*) mill-Kummissjoni taħt kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

*Bażi ġuridika*

Ara kl-Artikolu 18 03 04.

#### Partita 18 01 04 08 — Fond Ewropew għar-Refuġjati — Nefqa għat-tmexxija amministrattiva

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 500 000 | 500 000 | 614 649,66 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri n-nefqa fuq studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet direttament marbuta mat-twettiq tal-għan tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-Partita, barra minn nefqiet oħrajn fuq assistenza teknika u

amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta' awtorità pubblika kkuntrattati barra (*outsourced*) mill-Kummissjoni taħt kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Skont l-Artiklu 11(7) tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda, ir-Renju tan-Norveġja, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipalità tal-Liechtenstein dwar regoli supplimentari għall-Fond għall-Fruntieri Esterni għall-perjodu bejn l-2007 u l-2013 (ĠU L 169, 3.7.2010, p. 24), il-Kummissjoni tista' tuża sa EUR 300 000 mill-ħlasijiet li saru mill-Istati assoċjati biex tiġi ffinanzjata n-nefqa amministrattiva marbuta ma' persunal jew persunal estern meħtieġ biex isostni l-implimentazzjoni mill-Istati assoċjati tad-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE u ta' dak il-Ftehim.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Artikolu 18 02 06.

## Partita 18 01 04 09 — Il-Punt 18 01 04 09 — Fond Ewropew għall-Integrazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi — Nefqa għat-tmexxija amministrattiva

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 500 000 | 500 000 | 490 823,80 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri n-nefqa fuq studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet direttament marbuta mat-twettiq tal-għan tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-Partita, barra minn nefqiet oħrajn fuq assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta' awtorità pubblika kkuntrattati barra (*outsourced*) mill-Kummissjoni taħt kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Artikolu 18 03 09.

## Partita 18 01 04 10 — Fond Ewropew għar-Ritorn — Nefqa għat-tmexxija amministrattiva

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 500 000 | 500 000 | 500 000,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri n-nefqa fuq studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet direttament marbuta mat-twettiq tal-għan tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-Partita, barra minn nefqiet oħrajn fuq assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta' awtorità pubblika kkuntrattati barra (*outsourced*) mill-Kummissjoni taħt kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Artikolu 18 02 09.

## Partita 18 01 04 16 — Prevenzjoni,tħejjija u ġestjoni tal-konsegwenzi tat-terroriżmu — Nefqa għat-tmexxija amministrattiva

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 350 000 | 200 000 | 299 999,10 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri n-nefqa fuq studji, laqgħat ta’ esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet direttament marbuta mat-twettiq tal-għan tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-Partita, barra minn nefqiet oħrajn fuq assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta’ awtorità pubblika kkuntrattati barra (outsourced) mill-Kummissjoni taħt kuntratti ta’ servizz *ad hoc*.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Artikolu 18 05 08

## Partita 18 01 04 17 — Prevenzjoni mill-Kriminalità u l-ġlieda kontra l-Kriminalità — Nefqa għat-tmexxija amministrattiva

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 550 000 | 600 000 | 525 201,10 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri n-nefqa fuq studji, laqgħat ta’ esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet direttament marbuta mat-twettiq tal-għan tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-Partita, barra min-nefqiet oħrajn fuq assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta’ awtorità pubblika kkuntrattati barra (outsourced) mill-Kummissjoni taħt kuntratti ta’ servizz *ad hoc*.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Artikolu 18 05 09

# KAPITOLU 18 02 — SOLIDARJETÀ - FRUNTIERI ESTERNI, RITORN, POLITIKA DWAR IL-VIŻA U L-MOVIMENT LIBERU TAL-PERSUNI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 18 02 | Solidarjetà - Fruntieri esterni, ritorn, politika dwar il-viża u l-moviment liberu tal-persuni | | | | | | | | |
| ***18 02 03*** | ***Aġenżija Ewropea għall-Ġestjoni tal-kooperazzjoni tat-tmexxija fil-fruntieri esterni*** | | | | | | | | |
| 18 02 03 01 | Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija tal-Kooperazzjoni Operattiva fuq il-Fruntieri Esterni — Kontribuzzjoni għat-Titoli 1 u 2 | 3.1 | 29 000 000 | 29 000 000 | 29 000 000 | 29 000 000 | 21 000 000,00 | 21 000 000,00 | 72,41 % |
| 18 02 03 02 | Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija tal-Kooperazzjoni Operattiva fuq il-Fruntieri Esterni — Kontribuzzjoni għat-Titolu 3 | 3.1 | 49 959 000 | 49 959 000 | 50 500 000 | 40 500 000 | 90 000 000,00 | 90 000 000,00 | 180,15 % |
| | 40 02 41 | | | | 9 000 000<br>59 500 000 | 9 000 000<br>49 500 000 | | | |
| | *Artikolu 18 02 03 — Sub-total* | | 78 959 000 | 78 959 000 | 79 500 000 | 69 500 000 | 111 000 000,00 | 111 000 000,00 | 140,58 % |
| | *40 02 41* | | | | 9 000 000<br>88 500 000 | 9 000 000<br>78 500 000 | | | |
| ***18 02 04*** | ***Sistema ta’ informazzjoni ta’ Schengen (SIS II)*** | 3.1 | 36 750 000 | 22 500 000 | 10 360 000 | 13 678 411 | 31 096 900,72 | 27 261 643,94 | 121,16 % |
| | 40 02 41 | | | | 5 180 000<br>15 540 000 | 6 131 702<br>19 810 113 | | | |
| ***18 02 05*** | ***Sistema ta’ Informazzjoni dwar il-Viża (VIS)*** | 3.1 | 8 750 000 | 28 500 000 | 38 740 000 | 27 356 823 | 29 660 021,74 | 26 152 648,29 | 91,76 % |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ***18 02 06*** | ***Fond għall-Fruntieri Esterni*** | 3.1 | 415 000 000 | 235 000 000 | 349 100 000 | 187 482 911 | 299 460 839,00 | 216 749 132,42 | 92,23 % |
| ***18 02 07*** | ***Evalwazzjoni ta' Schengen*** | 3.1 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | |
| | 40 02 41 | | 730 000<br>730 000 | 730 000<br>730 000 | 560 000<br>560 000 | 528 270<br>528 270 | | | |
| ***18 02 08*** | ***Azzjoni ta' tħejjija — Tlestija tal-ġestjoni tar-ritorn fil-qasam tal-migrazzjoni*** | 3.1 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 75 850,73 | |
| ***18 02 09*** | ***Fond Ewropew għar-ritorn*** | 3.1 | 185 500 000 | 93 000 000 | 162 500 000 | 72 242 766 | 116 672 001,84 | 63 185 597,67 | 67,94 % |
| ***18 02 10*** | ***Azzjoni ta' tħejjija - Ġestjoni tal-migrazzjoni — Solidarjetà fil-prattika*** | 3.1 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 204 822,49 | |
| ***18 02 11*** | ***Aġenzija għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-libertà, sigurtà u ġustizzja*** | | | | | | | | |
| 18 02 11 01 | Aġenzija għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-libertà, sigurtà u ġustizzja — Kontribuzzjoni għat-Titoli 1 u 2 | 3.1 | 30 100 000 | 24 707 000 | 13 860 000 | 13 860 000 | 2 214 658,30 | 0,— | |
| 18 02 11 02 | Aġenzija għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-libertà, sigurtà u ġustizzja — Kontribuzzjoni għat-Titolu 3 | 3.1 | 10 900 000 | 9 730 000 | 5 940 000 | 5 940 000 | 0,— | 0,— | |
| | *Artikolu 18 02 11 — Sub-total* | | 41 000 000 | 34 437 000 | 19 800 000 | 19 800 000 | 2 214 658,30 | 0,— | |
| ***18 02 12*** | ***Il-Faċilità ta' Schengen għall-Kroazja*** | 3.1 | p.m. | p.m. | | | | | |
| | **Kapitolu 18 02 — Total** | | **765 959 000** | **492 396 000** | **660 000 000** | **390 060 911** | **590 104 421,60** | **444 629 695,54** | **90,30 %** |
| | **40 02 41**<br>**Total + riżerva** | | **730 000**<br>**766 689 000** | **730 000**<br>**493 126 000** | **14 740 000**<br>**674 740 000** | **15 659 972**<br>**405 720 883** | | | |

## *Artikolu 18 02 03 — Aġenżija Ewropea għall-Ġestjoni tal-kooperazzjoni tat-tmexxija fil-fruntieri esterni*

### Partita 18 02 03 01 — Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija tal-Kooperazzjoni Operattiva fuq il-Fruntieri Esterni— Kontribuzzjoni għat-Titoli 1 u 2

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 29 000 000 | 29 000 000 | 29 000 000 | 29 000 000 | 21 000 000,00 | 21 000 000,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba li tkopri n-nefqa amministrattiva u tal-persunal tal-Aġenzija (it-Titoli 1 u 2), inkluża dik li tirriżulta mir-reviżjoni tal-mandat tal-Aġenzija, partikolarment l-istabbiliment ta' Timijiet ta' Gwardja tal-Fruntiera Ewropej, il-kompitu tal-provvista ta' taħriġ dwar id-drittijiet fundamentali, il-ħolqien ta' kariga ta' Uffiċjal tad-Drittijiet Fundamentali u l-istabbiliment ta' Forum Konsultattiv.

L-Aġenzija għandha tinforma lill-awtorità tal-baġit dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u amministrattiva.

Matul l-ewwel nofs tal-2012, il-baġit tal-Aġenzija għandu jkun suġġett għal emenda sabiex jiġu pprovduti biżżejjed riżorsi biex l-Aġenzija twettaq il-kompiti l-ġodda tagħha skont ir-Regolament il-ġdid li se jidħol fis-seħħ u anke minħabba t-twaqqif possibbli tal-Uffiċċji Operattivi tal-Frontex.

L-ammonti li tħallsu lura skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Finanzjarju ta' Qafas għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju jikkostitwixxu li d-dħul assenjat skont (Artikolu 18(1)(f) tar-Regolament Finanzjarju) għandu jitħallas mill-Partita 6600 fir-rapport ġenerali tad-dħul.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-Islanda, in-Norveġja, l-Isvizzera u l-Liechtenstein imdaħħal fil-Partita 6 3 1 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

Il-pjan tat-twaqqif tal-Aġenzija jinsab fil-Parti bit-titolu 'Pjan ta' stabbiliment tal-persunal' tat-Taqsima III — Il-Kummissjoni (Volum 3).

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 tas-26 ta’ Ottubru 2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta’ Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 349, 25.11.2004, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 863/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Lulju 2007 li jistabbilixxi mekkaniżmu għall-ħolqien ta’ Timijiet ta’ Intervent Rapidu fil-Fruntieri u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 fir-rigward ta’ dak il-mekkaniżmu u li jirregola l-kompiti u l-poteri ta’ uffiċjali mistiedna (ĠU L 199, 31.7.2007, p. 30).

Ir-Regolament (UE) Nru 1168/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2007/2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta’ Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 1).

## Partita 18 02 03 02 — Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija tal-Kooperazzjoni Operattiva fuq il-Fruntieri Esterni — Kontribuzzjoni għat-Titolu 3

*Figuri*

| | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 18 02 03 02 | 49 959 000 | 49 959 000 | 50 500 000 | 40 500 000 | 90 000 000,00 | 90 000 000,00 |
| 40 02 41 | | | 9 000 000 | 9 000 000 | | |
| Total | 49 959 000 | 49 959 000 | 59 500 000 | 49 500 000 | 90 000 000,00 | 90 000 000,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba li tkopri n-nefqa operattiva tal-Aġenzija relatata mal-programm ta' ħidma (it-Titolu 3), inkluża dik li tirriżulta mir-reviżjoni tal-mandat tal-Aġenzija, partikolarment l-istabbiliment ta’ Timijiet ta’ Gwardji tal-Fruntiera Ewropej, il-kompitu tal-provvista ta’ taħriġ dwar id-drittijiet fundamentali, il-ħolqien ta’ kariga ta' Uffiċjal tad-Drittijiet Fundamentali u l-istabbiliment ta’ Forum Konsultattiv.

L-Aġenzija għandha tinforma lill-awtorità tal-baġit dwar it-trasferimenti ta’ approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u amministrattiva.

Matul l-ewwel nofs tal-2012, il-baġit tal-Aġenzija għandu jkun suġġett għal emenda sabiex jiġu pprovduti biżżejjed riżorsi biex l-Aġenzija twettaq il-kompiti l-ġodda tagħha skont ir-Regolament il-ġdid li se jidħol fis-seħħ u anke minħabba t-twaqqif possibbli tal-Uffiċċji Operattivi tal-Frontex.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Finanzjarju tal-Qafas ta’ Ħidma għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju jsawru dħul assenjat (l-Artikolu 18(1)(f) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

L-ammonti li jiġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Islanda, in-Norveġja, l-Isvizzera u l-Liechtenstein imdaħħal fil-Partita 6 3 1 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jistgħu jagħtu lok għall-għoti ta’ approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2013 tammonta għal total ta’ EUR 79 500 000. L-ammont ta’ EUR 541 000 li ġej mill-irkupru tal-ammont żejjed jiżdied mal-ammont ta’ EUR 78 959 000 imdaħħal fil-baġit.

L-approprjazzjonijiet previsti fil-baġit operattiv jippermettu lill-Aġenzija biex issostni l-impenn għall-missjonijiet permanenti, primarjament mal-fruntieri tan-Nofsinhar tal-Unjoni (Hera, Nautilus u Poseidon), mill-2010 ’l quddiem u biex jgħinu lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-aspetti operattivi tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni, inkluż ir-ritorn ta’ ċittadini minn pajjiżi terzi li jkunu preżenti illegalment fl-Istati Membri skont l-istandards komuni li jiggarantixxu li dawn jiġu mibgħuta lura b’dinjità u b’rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 tas-26 ta’ Ottubru 2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta’ Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 349, 25. 11. 2004, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 863/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Lulju 2007 li jistabbilixxi mekkaniżmu għall-ħolqien ta’ Timijiet ta’ Intervent Rapidu fil-Fruntieri (ĠU L 199, 31.7.2007, p. 30).

Ir-Regolament (UE) Nru 1168/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2007/2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta’ Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-

Unjoni Ewropea (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 1).

## *Artikolu 18 02 04 — Sistema ta' informazzjoni ta' Schengen (SIS II)*

*Figuri*

| | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 18 02 04 | 36 750 000 | 22 500 000 | 10 360 000 | 13 678 411 | 31 096 900,72 | 27 261 643,94 |
| 40 02 41 | | | 5 180 000 | 6 131 702 | | |
| Total | 36 750 000 | 22 500 000 | 15 540 000 | 19 810 113 | 31 096 900,72 | 27 261 643,94 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja dan li ġej:

— infiq operattiv tas-sistema tal-informazzjoni Schengen (SIS),

— infiq operattiv ieħor li jista' jirriżulta minn din l-inkorporazzjoni.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-Islanda, in-Norveġja, l-Isvizzera u l-Liechtenstein imdaħħal fil-Partita 6 3 1 2 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Il-Protokoll (Nru 19) dwar l-acquis ta' Schengen integrat fil-qafas tal-Unjoni Ewropea.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/886/ĠAI tas-6 ta' Diċembru 2001 dwar l-iżvilupp tat-tieni ġenerazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II) (ĠU L 328, 13.12.2001, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill 2001/2424/KE tas-6 ta' Diċembru 2001 dwar l-iżvilupp tat-tieni ġenerazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II) (ĠU L 328, 13.12.2001, p. 4).

Ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru, dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 381, 28. 12. 2006, p. 4).

Ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-aċċess għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-Tieni Ġenerazzjoni (SIS II) mis-servizzi fl-Istati Membri responsabbli għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' reġistrazzjoni tal-vetturi (ĠU L 381, 28.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI tat-12 ta' Ġunju 2007 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen Tat-Tieni Ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 205, 7.8.2007, p. 63).

Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/839/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 299, 8.11.2008, p. 43).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1104/2008 tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 299, 8.11.2008, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 541/2010 tat-3 ta' Ġunju 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1104/2008 dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 155, 22.6.2010, p. 19).

## *Artikolu 18 02 05 — Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 8 750 000 | 28 500 000 | 38 740 000 | 27 356 823 | 29 660 021,74 | 26 152 648,29 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-ispiża relatata mal-analiżi tal-iżvilupp, u l-istallazzjoni ta' sistema ta' informazzjoni VIS (Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Visa) fuq skala kbira u mifruxa mal-Ewropa kollha.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-Islanda, in-Norveġja, l-Isvizzera u l-Liechtenstein imdaħħal fil-Partita 6 3 1 2 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/512/KE tat-8 ta' Ġunju 2004, li twaqqaf is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) (ĠU L 213, 15.6.2004, p. 5).

Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS) (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60).

Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI tat- 23 ta' Ġunju 2008 li tikkonċerna aċċess għall-konsultazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) minn awtoritajiet maħtura ta' Stati Membri u mill-Europol għall-finijiet tal-prevenzjoni, tal-kxif u tal-investigazzjoni ta' reati terroristiċi u ta' reati kriminali serji oħra (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 129).

## *Artikolu 18 02 06 — Fond għall-Fruntieri Esterni*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 415 000 000 | 235 000 000 | 349 100 000 | 187 482 911 | 299 460 839,00 | 216 749 132,42 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni tipprovdi appoġġ għall-miżuri tal-Istati Membri fl-oqsma li ġejjin:

— organizzazzjoni effikaċi ta' kontroll li jkopri kemm kompiti ta' verifiki u kif ukoll ta' sorveljanza relatati mal-fruntieri esterni,

— ġestjoni effikaċi mill-Istati Membri tal-flussi tal-persuni fil-fruntieri esterni, sabiex ikun żgurat kemm livell għoli ta' protezzjoni fil-fruntiera kif ukoll qsim bla problemi tal-fruntieri esterni skont l-*acquis* ta' Schengen, inkluż il-prinċipju ta' trattament b'rispett u b'dinjità,

— applikazzjoni uniformi mill-gwardji tal-fruntieri tal-liġi tal-Unjoni dwar il-qsim tal-fruntieri esterni,

— it-titjib tal-ġestjoni tal-attivitajiet organizzati mill-konsolati u minn servizzi oħrajn tal-Istati Membri f'pajjiżi terzi rigward il-flussi ta' ċittadini minn pajjiżi terzi lejn it-territorju tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri f'dan ir-rigward.

B'mod partikolari, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tappoġġa l-azzjonijiet li ġejjin fl-Istati Membri:

— L-infrastrutturi ta' bejn il-fruntieri u bini relatat, bħal stazzjonijiet tal-fruntieri, spazji jew meded għall-inżul tal-ħelikopters jew kabini għall-istennija tal-vetturi u l-persuni f'żoni tal-fruntieri;

— infrastruttura, bini u sistemi meħtieġa għas-sorveljanza bejn il-punti ta' qsim tal-fruntieri u għall-ħarsien kontra l-qsim illegali tal-fruntiera esterna,

— tagħmir operattiv,

— mezzi ta' trasport għas-sorveljanza tal-fruntieri esterni, bħal vetturi, vapuri, ħelikopters, u ajruplani żgħar, mgħammra speċifikament b'tagħmir elettroniku għas-sorveljanza tal-fruntiera u l-individwazzjoni ta' persuni f'mezzi ta' trasport,

— Tagħmir għall-iskambju ta' informazzjoni f'ħin reali bejn l-awtoritajiet rilevanti,

— Sistemi tat-teknoloġija tal-informatika u tal-komunikazzjoni,

— Programmi għad-distakkament u l-iskambju bejn l-Istati Membri ta' persunal bħal gwardji tal-fruntieri, uffiċjali tal-immigrazzjoni u uffiċjali konsulari,

— taħriġ u edukazzjoni tal-persunal fl-awtoritajiet rilevanti, inkluż it-taħriġ fil-lingwi,

— Investimenti fl-iżvilupp, l-ittestjar u l-installazzjoni ta' teknoloġija mill-aqwa,

— studji u proġetti bi prova li jimplimentaw rakkomandazzjonijiet, standards operattivi u l-aħjar prassi li jirriżultaw mill-kooperazzjoni operattiva bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-kontroll tal-fruntiera,

— L-istudji u l-proġetti pilota mfassla biex jistimulaw l-innovazzjoni, jiffaċilitaw l-iskambji ta' esperjenza u prattika tajba u jtejbu l-kwalità tat-tmexxija tal-attivitajiet organizzati mis-servizzi konsulari u servizzi oħrajn tal-Istati Membri f'pajjiżi terzi fir-rigward tal-flussi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għal ġot-territorju tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri f'dan ir-rigward.

— ħolqien ta' sit tal-Internet għal viża Schengen komuni sabiex titjieb it-trasparenza u l-immaġini uniformi tal-politika dwar il-viża komuni.

Fil-qafas tal-Iskema ta' Tranżitu ta' Kaliningrad, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri spejjeż fuq viżi ta' tranżitu u spejjeż addizzjonali (investimenti fl-infrastrutturi, taħriġ tal-gwardji tal-fruntieri u tal-ferroviji, u nfiq operattiv ieħor) involuti fl-implimentazzjoni tal-iskema ta' Dokument ta' Tranżitu Faċilitat u ta' Dokument ta' Tranżitu bil-Ferrovija Faċilitat skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 693/2003 (ĠU L 99, 17.4.2003, p. 8) u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 694/2003 (ĠU L 99, 17.4.2003, p. 15).

Fuq inizjattiva tal-Kummissjoni, hija wkoll intiża biex tkopri l-azzjonijiet tranżnazzjonali jew azzjonijiet ta' interess għall-Unjoni b'mod ġenerali (azzjonijiet tal- Unjoni) li jservu l-għan ġenerali li jikkontribwixxu għat-titjib tal-attivitajiet organizzati mill-konsolati jew minn servizzi oħrajn tal-Istati Membri f'pajjiżi terzi rigward il-flussi ta' ċittadini minn pajjiżi terzi lejn it-territorju tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri f'dan ir-rigward, inklużi l-attivitajiet tal-Uffiċjali ta' Kollegament dwar il-Ażil u l-Uffiċjali ta' Kollegament dwar l-Immigrazzjoni, u l-għan tal-promozzjoni tal-inklużjoni progressiva tal-kontrolli doganali, veterinarji u fitosanitarji fl-attivitajiet ta' ġestjoni integrata tal-fruntieri skont l-iżviluppi tal-politika f'dan il-qasam. Dawn l-azzjonijiet jistgħu jintużaw ukoll biex jipprovdu servizzi ta' appoġġ lill-Istati Membri f'każijiet sostanzjati ta' sitwazzjonijiet ta'emerġenza li jkunu jirrikjedu azzjoni urġenti fil-fruntieri esterni tal-Istati Membri.

Barra minn dan, kull sena l-Kummissjoni se tfassal lista ta' azzjonijiet speċifiċi biex jiġu implimentati mill-Istati Membri u, fejn xieraq, b'kooperazzjoni mal-Aġenzija, li tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' sistema komuni ta' ġestjoni integrata tal-fruntieri billi tindirizza n-nuqqasijiet f'punti strateġiċi tal-fruntieri identifikati f'analiżi tar-riskju mwettqa mill-Aġenzija.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-Islanda, in-Norveġja, l-Isvizzera u l-Liechtenstein imdaħħal fil-Partita 6 3 1 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Deċiżjoni Nru 574/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 li tistabbilixxi l-Fond għall-Fruntieri Esterni għall-perijodu mill-2007 sa l-2013 bħala parti mill-programm Ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" (ĠU L 144, 6.6.2007, p. 22).

*Atti ta' referenza*

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tat-2 ta' Mejju 2005 li tistabbilixxi programm ta' qafas dwar is-Solidarjetà u l-Ġestjoni tal-Flussi Migratorji għall-perjodu 2007-2013 (COM(2005) 123 finali).

Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/599/KE tas-27 ta' Awwissu 2007 li timplimenta d-Deċiżjoni Nru. 574/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-adozzjoni ta' linji gwida strateġiċi mis-sena 2007 sa l-2013.(ĠU 233,5.9.2007, p 3).

Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/456/KE tal-5 ta' Marzu 2008 li tistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Fond għall-Fruntieri Esterni għall-perijodu mill-2007 sa l-2013 bħala parti mill-Programm Ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" fir-rigward tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-Istati Membri, ir-regoli għall-ġestjoni amministrattiva u finanzjarja u l-eliġibilità ta' nefqiet fuq proġetti kofinanzjati mill-Fond (ĠU L 167, 27.6.2008, p. 1).

Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi tal-Viża)(ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1).

## *Artikolu 18 02 07 — Evalwazzjoni ta' Schengen*

*Figuri*

| | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 18 02 07 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |
| 40 02 41 | 730 000 | 730 000 | 560 000 | 528 270 | | |
| Total | 730 000 | 730 000 | 560 000 | 528 270 | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni tipprovdi għar-rimbors tal-ispejjeż li jsiru mill-esperti tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri għal żjarat ta' evalwazzjoni fuq il-post (spejjeż tal-ivvjaġġar u tal-akkomodazzjoni) dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen. L-ispejjeż ta' forniment u ta' tagħmir meħtieġa għall-evalwazzjonijiet fuq il-post u għat-tħejjija u s-segwitu tagħhom għandhom jiżdiedu ma' dawn l-ispejjeż.

*Kundizzjonijiet biex tiġi mmobilizzata r-riżerva*

Ir-riżerva se tiġi rrilaxxata meta jiġi adottat l-att bażiku korrispondenti skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 294 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

*Atti ta' referenza*

Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ippreżentata mill-Kummissjoni fis-16 ta' Settembru 2011, dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen (COM(2011) 0559 finali).

## *Artikolu 18 02 08 — Azzjoni ta' tħejjija — Tlestija tal-ġestjoni tar-ritorn fil-qasam tal-migrazzjoni*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 75 850,73 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba li tkopri t-twettiq ta' impenji li saru fis-snin finanzjarji ta' qabel.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/25 tal-25 ta' Gunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli ghall-bagit generali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 18 02 09 — Fond Ewropew għar-ritorn*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 185 500 000 | 93 000 000 | 162 500 000 | 72 242 766 | 116 672 001,84 | 63 185 597,67 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni se tipprovdi appoġġ lill-miżuri tal-Istati Membri biex itejbu l-ġestjoni tar-ritorn fid-dimensjonijiet kollha tiegħu waqt li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali permezz tal-użu tal-kunċett ta' ġestjoni integrata, waqt li tkun ikkunsidrata l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni f'dan il-qasam, f'dawn l-oqsma:

— l-introduzzjoni u t-titjib tal-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni tal-ġestjoni integrata tar-ritorn mill-Istati Membri,

— it-titjib tal-koperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qafas tal-ġestjoni integrata tar-ritorn u l-implimentazzjoni tagħha,

— il-promozzjoni ta' applikazzjoni effettiva u uniformi ta' standards komuni dwar ir-ritorn skont il-politika tal-iżvilupp f'dan il-qasam, bi prijorità għall-iskemi ta' ritorn volontarju,

— l-organizzazzjoni ta' kampanji ta' informazzjoni fil-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu għal persuni spostati, refuġjati u persuni li jfittxu l-asil prospettivi.. Dawn il-kampanji jistgħu iseħħu fil-qafas ta' kooperazzjoni aħjar ma' pajjiżi terzi li jikkumbattu l-migrazzjoni irregolari u li jippromwovu l-migrazzjoni legali.

Fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll li tkopri l-azzjonijiet tranżnazzjonali jew l-azzjonijiet ta' interess għall-Unjoni kollha kemm hi (azzjonijiet tal- Unjoni) rigward il-politika tar-ritorn. Huma wkoll koperti studji li jiddeterminaw l-eżistenza ta' mekkaniżmi li jappoġġjaw l-integrazzjoni mill-ġdid f'pajjiżi terzi magħżula, u jevalwawhom, u li

jeżaminaw il-mudelli tal-integrazzjoni mill-ġdid soċjali u professjonali fil-pajjiżi ta' oriġini l-iktar rilevanti, speċifikament fil-maġar immedjati tal-Lvant u tan-Nofsinhar.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tiffinanzja azzjoni tal-Unjoni biex tinġabar data għall-kollaborazzjoni u għall-iskambju tal-aħjar prattika fost l-ħaddiema li jieħdu ħsieb it-tfal f'ċentri ta' detenzjoni magħluqa għal dawk li qed ifittxu l-ażil u għall-immigranti.

*Bażi ġuridika*

Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98).

Id-Deċiżjoni Nru 575/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007, tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Ritorn għall-perijodu mill-2008 sa l-2013 bħala parti mill-Programm Ġenerali Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni (ĠU L 144, 6.6.2007, p. 45).

*Atti ta' referenza*

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tat-2 ta' Mejju 2005 li tistabbilixxi programm ta' qafas dwar is-Solidarjetà u l-Ġestjoni tal-Flussi Migratorji għall-perjodu 2007-2013 (COM(2005) 123 finali).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/837/KE tat-30 ta' Novembru 2007 li timplimenta d-Deċiżjoni Nru 575/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-adozzjoni ta' linji gwida strateġiċi mill-2008 sal-2013 (ĠU 330.15.12.2007, p 48).

Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/458/KE tal-5 ta' Marzu 2008 li tistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 575/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Ritorn għall-perjodu 2008 sa 2013 bħala parti mill-Programm Ġenerali Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni fir-rigward tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-Istati Membri, ir-regoli għall-ġestjoni amministrattiva u finanzjarja u l-eliġibilità ta' nefqiet fuq proġetti kofinanzjati mill-Fondi (ĠU L 167, 27.6.2008, p. 135).

## *Artikolu 18 02 10 — Azzjoni ta' tħejjija - Ġestjoni tal-migrazzjoni — Solidarjetà fil-prattika*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 204 822,49 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba li tkopri l-qadi ta' impenji li saru fis-snin finanzjarji ta' qabel.

L-għan tal-azzjoni hija sabiex tittestja ipoteżi fil-qasam tal-immaniġġjar tal-migrazzjoni. Fuq il-bażi ta' din l-evalwazzjoni, din tista' twassal għall-iżvilupp ta' approċċ globali, għan stabbilit mill-Unjoni Ewropea. Din l-azzjoni se tkun ibbażata fuq tlett elementi relatati.

*Element 1:* Għajnuna finanzjarja għall-impjieg tal-immigranti li jirritornaw lejn il-pajjiżi ta' oriġini tagħhom li magħhom hemm ftehim ta' ammissjoni mill-ġdid.

*Element 2:* Organizzazzjoni ta' kampanji ta' informazzjoni, fil-pajjiż ta' oriġini, intiżi għall-dawk li jitħajru jemigraw fl-Unjoni, biex ikunu infurmati partikolarment dwar ir-riskji tal-immigrazzjoni illegali.

*Element 3:* Ilqugħ b'dinjità u b'solidarjetà — Għajnuna lill-Istati Membri biex jiffaċċjaw l-ilqugħ ta' migranti irregolari li jaslu bil-baħar. Il-miżuri għandhom:

— jgħinu lill-Istati Membri milquta minn wasliet f'daqqa ta' immigranti, eż. billi jitjieb l-iskambju tal-aħjar prattiki u billi jiġu pprovduti interpreti u timijiet mediċi u legali,

— jgħinu lill-Istati Membri jtejbu l-kwalità u l-kapaċità tal-ilqugħ, inkluż l-ilqugħ temporanju ta' immigranti irregolari fil-punti tal-wasla, eż. billi jkunu pprovduti bl-ewwel għajnuna u bi trasport lejn postijiet ta' lqugħ adegwati, jitjiebu/jiżdiedu l-faċilitajiet tal-ilqugħ u l-kundizzjonijiet ta' dawn il-faċilitajiet,

— jgħinu lill-Istati Membri fil-ġbir ta' riżorsi biex ikunu indirizzati pressjonijiet partikolari fuq is-sistemi ta' ażil tagħhom, partikolarment permezz ta' attivitajiet fejn ikun meħtieġ għarfien espert speċifiku, it-tqassim tal-għarfien u l-promozzjoni ta' approċċi konġunti quddiem wasliet bil-massa ta' dawk li qed ifittxu ażil fil-fruntiera esterna tal-UE.

Għall-element 3, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom ikunu dawk li jirċievu l-fondi. Proġetti jistgħu jinkludu sħubijiet ma' awtoritajiet ta' Stati Membri oħra, Organizzazzjonijiet Internazzjonali u NGOs.

Għall-elementi kollha, parti mill-approprjazzjonijiet għandhom jintużaw mill-Kummissjoni biex tgħin fil-ġestjoni ta' din l-azzjoni (esperti esterni, studji, eċċ...)

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli ghall-bagit generali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 18 02 11 — Aġenzija għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-libertà, sigurtà u ġustizzja*

### Partita 18 02 11 01 — Aġenzija għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-libertà, sigurtà u ġustizzja — Kontribuzzjoni għat-Titoli 1 u 2

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 30 100 000 | 24 707 000 | 13 860 000 | 13 860 000 | 2 214 658,30 | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tal-persunal u n-nefqa amministrattiva tal-Aġenzija (it-Titoli 1 u 2).

L-Aġenzija għandha tinforma lill-awtorità tal-baġit dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u amministrattiva.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju tal-Qafas ta' Ħidma għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju jsawru dħul assenjat (l-Artikolu 18(1)(f) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-Islanda, in-Norveġja, l-Isvizzera u l-Liechtenstein imdaħħal fil-Partita 6 3 1 2 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

Il-pjan tat-twaqqif tal-Aġenzija jinsab fil-Parti 'Pjan ta' stabbiliment tal-Persunal' tat-Taqsima III — Il-Kummissjoni (il-Volum 3).

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (ĠU L 286, 1.11.2011).

### Partita 18 02 11 02 — Aġenzija għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-libertà, sigurtà u ġustizzja — Kontribuzzjoni għat-Titolu 3

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 10 900 000 | 9 730 000 | 5 940 000 | 5 940 000 | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-neqfa operattiva tal-Aġenzija Ewropea għall-ġestjoni ta' kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni dwar il-programm tal-ħidma (it-Titolu 3).

L-Aġenzija għandha tinforma lill-awtorità tal-baġit dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u amministrattiva.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta’ Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju tal-Qafas ta’ Ħidma għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju jsawru dħul assenjat (l-Artikolu 18(1)(f) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

L-ammonti li jiġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Islanda, in-Norveġja, l-Isvizzera u l-Liechtenstein imdaħħla fil-Partita 6 3 1 2 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jistgħu jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2013 tammonta għal total ta’ EUR 49 000 000.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja (ĠU L 286, 1.11.2011).

## *Artikolu 18 02 12 — Il-Faċilità ta' Schengen għall-Kroazja*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | | |
| p.m. | p.m. | | |

*Kummenti*

*Artikolu ġdid*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa marbuta ma’ strument temporanju biex jgħin lill-Kroazja bejn id-data ta' adeżjoni u l-aħħar tal-2014 biex jiffinanzja azzjonijiet fuq il-fruntieri esterni l-ġodda tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen u kontroll estern tal-fruntiera.

*Bażi ġuridika*

Ħidmiet li jirriżultaw mis-setgħat speċifiċi assenjati direttament lill-Kummissjoni mill-Artikolu 31 tat-Trattat dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja tad-9 ta' Diċembru 2011.

# KAPITOLU 18 03 — FLUSSI MIGRATORJI — OQSMA TA’ POLITIKA KOMUNI DWAR L-IMMIGRAZZJONI U L-KENN POLITIKU

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 18 03 | Flussi migratorji — Oqsma ta’ politika komuni dwar l-immigrazzjoni u l-kenn politiku | | | | | | | | |
| ***18 03 03*** | ***Fond Ewropew għar-Refuġjati*** | 3.1 | 112 330 000 | 60 000 000 | 102 530 000 | 57 682 805 | 98 961 975,36 | 54 842 279,71 | 91,40 % |
| ***18 03 04*** | ***Miżuri ta’ emerġenza fil-każ ta’ influssi tal-massa tar-refuġjati*** | 3.1 | 9 800 000 | 5 300 000 | 9 800 000 | 5 037 429 | 21 850 000,00 | 17 480 000,00 | 329,81 % |
| ***18 03 05*** | ***Netwerk Ewropea tal-Migrazzjoni*** | 3.1 | 6 500 000 | 3 900 000 | 8 000 000 | 4 150 690 | 7 582 232,38 | 5 219 424,95 | 133,83 % |
| ***18 03 06*** | ***Azzjoni ta’ tħejjija — Tlestija tal-integrazzjoni ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi*** | 3.1 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 82 993,26 | 155 521,87 | |
| ***18 03 07*** | ***Tlestija ta’ ARGO*** | 3.1 | — | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | |
| ***18 03 09*** | ***Fond Ewropew għall-Integrazzjoni ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi*** | 3.1 | 177 500 000 | 89 000 000 | 162 500 000 | 85 018 402 | 131 503 342,83 | 78 539 380,16 | 88,25 % |
| ***18 03 11*** | ***Eurodac*** | 3.1 | p.m. | p.m. | 500 000 | 377 335 | 1 532 930,46 | 1 040 703,82 | |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ***18 03 14*** | ***Uffiċċju ta' Appoġġ Ewropew fil-qasam tal-Ażil ( EASO)*** | | | | | | | | |
| 18 03 14 01 | Uffiċċju ta' Appoġġ Ewropew fil-qasam tal-Ażil — Kontribuzzjoni għat-Titoli 1 u 2 | 3.1 | 7 000 000 | 7 000 000 | 5 058 000 | 5 058 000 | 4 037 298,69 | 1 639 531,63 | 23,42 % |
| 18 03 14 02 | Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil — Kontribuzzjoni għat-Titolu 3 | 3.1 | 5 000 000 | 2 000 000 | 4 942 000 | 2 422 000 | 2 010 717,44 | 263 698,75 | 13,18 % |
| | *Artikolu 18 03 14 — Sub-total* | | 12 000 000 | 9 000 000 | 10 000 000 | 7 480 000 | 6 048 016,13 | 1 903 230,38 | 21,15 % |
| ***18 03 15*** | ***Proġett pilota —— Netwerk ta' kuntatti u diskussjoni bejn muniċipalitajiet u awtoritajiet lokali speċifiċi dwar l-esperjenzi u l-aħjar prattiku fir-rilokazzjoni u l-integrazzjoni tar-refuġjati*** | 3.1 | p.m. | 225 000 | p.m. | 500 000 | 1 500 000,00 | 0,— | |
| ***18 03 16*** | ***Proġett pilota — Iffinanzjar għall-vittmi tat-tortura*** | 3.1 | p.m. | p.m. | 2 000 000 | 1 000 000 | | | |
| ***18 03 17*** | ***Azzjoni ta' tħejjija — Il-possibilità tar-risistemazzjoni ta' refuġjati f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza*** | 3.1 | p.m. | p.m. | 3 000 000 | 1 500 000 | | | |
| ***18 03 18*** | ***Proġett pilota — Analiżi tal-politiki ta' akkoljenza, protezzjoni u integrazzjoni għal minorenni mhux akkumpanjati fl- Unjoni*** | 3.1 | p.m. | p.m. | 1 000 000 | 500 000 | | | |
| | **Kapitolu 18 03 — Total** | | **318 130 000** | **167 425 000** | **299 330 000** | **163 246 661** | **269 061 490,42** | **159 180 540,89** | **95,08 %** |

## *Artikolu 18 03 03 — Fond Ewropew għar-Refuġjati*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 112 330 000 | 60 000 000 | 102 530 000 | 57 682 805 | 98 961 975,36 | 54 842 279,71 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja, fir-rigward ta' miżuri strutturali, proġetti u miżuri li għandhom x'jaqsmu mar-riċeviment ta' rifuġjati, persuni spustati u dawk li ikun qed ifittxu l-kenn li jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa biex jikkwalifikaw għal għajnuna finanzjarja mill-Unjoni.

Hi maħsuba biex tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri biex jintegraw ir-refuġjati u persuni oħra mogħtija l-appoġġ supplimentari, u biex persuni spostati jkunu jistgħu jgħixu ħajja li għaliha jkunu responsabbli huma stess, permezz ta' miżuri meħuda primarjament fl-oqsma li ġejjin:

— tħaffif ta' aċċess għall-impjiegi, inkluż taħriġ vokazzjonali,

— kisba tal-għarfien tal-lingwa, is-soċjetà, il-kultura u l-istituzzjonijiet tal-pajjiż ospitanti,

— tħaffif ta' aċċess għad-djar u l-infrastruttura medika u soċjali tal-pajjiż ospitanti,

— appoġġ għal persuni li jeħtieġu protezzjoni b'mod partikolari, bħar-refuġjati nisa, il-minorenni mhux akkumpanjati u l-vittmi tat-tortura, inklużi l-vittmi tal-abort furzat, tal-mutilazzjoni ġenitali tan-nisa jew l-isterilizzazzjoni furzata u l-vittmi tal-istupru,

— integrazzjoni fl-istrutturi u attivitajiet lokali,

— titjib fl-għarfien u l-konsapevolezza pubbliċi tas-sitwazzjoni tar-refuġjati,

— analiżi tas-sitwazzjoni tar-refuġjati fl-Unjoni,

— taħriġ fuq kwistjonijiet tas-sessi u l-ħarsien tat-tfal għall-uffiċjali, ħaddiema fis-sanità u uffiċjali tal-pulizija fiċ-ċentri ta' lqugħ,

— akkommodazzjoni separata għax-xebbiet u t-tfajliet.

Barra minn hekk, hija maħsuba li ssostni l-isforzi tal-operazzjonijiet volontarji tal-qsim tar-responsabbiltà mill-Istati Membri, bħall-għotja ta' residenza ġdida, ir-riċeviment u l-integrazzjoni minn Stati Membri ta' refuġjati ġejjin minn pajjiżi terzi u rkonoxxuti mill-UNHCR u t-trasferimenti tal-applikanti u l-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali minn Stat Membru għal ieħor li jagħtihom l-istess protezzjoni.

Parti minn din l-approprjazzjoni tintuża biex tappoġġja l-Istati Membri b'koperazzjoni diretta mal-aġenzi umanitarji tan-Nazzjonijiet Uniti u l-aġenziji l-oħrajn tagħha li fuq bażi volontarja joffru sistematizzazzjoni mill-ġdid b'mod flessibbli f'sitwazzjonijiet akuti tar-refuġjati. L-enfasi se tkun fuq il-gruppi l-aktar vulnerabbli u fuq il-każijiet fejn soluzzjonijiet aktar dejjiema jitqiesu li ġew eliminati

mid-deliberazzjonijiet.

Għandha tingħata attenzjoni partikulari għal meta l-approprjazzjoni tkun tista' tintuża biex turi att tanġibbli u sinifikattiv ta' solidarjetà fil-livell Ewropew li jista' jipproduċi valur miżjud bħala parti mill-qafas ta' approċċ aktar wiesa' għall-għoti ta' appoġġ umanitarju lil pajjiż jew reġjun.

Fuq inizjattiva tal-Kummissjoni, din l-approprjazzjoni hija wkoll intiża biex tkopri l-azzjonijiet tranżnazzjonali jew azzjonijiet ta' interess għall-Unjoni b'mod ġenerali (azzjonijiet tal-Unjoni) rigward politika dwar l-ażil u miżuri applikabbli għal dawk li l-Fond hu mmirat għalihom, partikolarment biex joffru sostenn adekwat għall-isforzi konġunti bejn l-Istati Membri biex jidentifikaw, jaqsmu u jippromwovu l-aħjar prattiċi u jistabbilixxu strutturi ta' koperazzjoni effettivi biex titjieb il-kwalità tat-teħid ta' deċizjonijiet.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri impenji magħmulin qabel mill-Fond Ewropew għar-Refuġjati (ERF) I u II inklużi dawk dwar ripatrijazzjoni volontarja.

Din hija maħsuba wkoll biex tiffinanzja azzjoni tal-Unjoni biex tingabar data għall-kollaborazzjoni u għall-iskambju tal-aħjar prattiki fost il-ħaddiema fil-kura tat-tfal f'ċentri ta' detenzjoni magħluqa għal dawk li qed ifittxu l-ażil u għall-immigranti.

Se jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' solidarjetà biex jiffaċilita r-riallokazzjoni volontarja tar-rifuġjati u tal-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali mill-Istati Membri li qed jaffaċċjaw pressjoni qawwija mill-flussi tal-immigrazzjoni lejn Stati Membri oħra. Il-mekkaniżmu għandu jiġi stabbilit fil-livell tal-Unjoni u jibda jitħaddem fuq bażi ta' prova sabiex ikun eventwalment jista' jitkompla taħt Sistema Komuni Ewropea għall-Ażil. L-Istati Membri jiddeterminaw liberament l-aspetti kollha tal-proċess tal-għażla fuq bażi volontarja. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-qafas, toħroġ linji gwida, tħeġġeġ il-parteċipazzjoni u tiffaċilita l-ġestjoni u l-koordinazzjoni.

Il-mekkaniżmu għandu jiġi stabbilit f'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-18 u d-19 ta' Ġunju 2009. Il-Konklużjonijiet jinnotaw li fid-dawl tal-emerġenza umanitarja preżenti, hemm bżonn li miżuri konkreti jiġu fis-seħħ u implimentati malajr. Il-Kunsill Ewropew appella għall-koordinazzjoni ta' miżuri volontarji għar-riallokazzjoni interna ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali preżenti fl-Istati Membri u esposti għal pressjonijiet speċifiċi u sproporzjonati kif ukoll ta' persuni vulnerabbli ħafna u laqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tieħu inizjattivi f'dan ir-rigward bl-ewwel pass ikun il-proġett pilota.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perijodu mill-2008 sal-2013 bħala parti mill-programm ġenerali Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni (ĠU L 144, 6.6.2007, p. 1).

Id-Deċiżjoni 458/2010/UE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 li temenda d-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perijodu mill-2008 sal-2013 bit-tneħħija tal-finanzjament ta' ċerti azzjonijiet Komunitarji u l-bidla tal-limiti għall-finanzjament tagħhom (ĠU L 129, 28.5.2010, p. 1.).

*Atti ta' referenza*

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tat-2 ta' Mejju 2005 li tistabbilixxi programm ta' qafas dwar is-Solidarjetà u l-Ġestjoni tal-Flussi Migratorji għall-perjodu 2007-2013 (COM(2005) 123 finali).

Deċiżjoni tal-Kummisssjoni 2007/815/KE tad-29 ta' Novembru 2007 li timplimenta d-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-adozzjoni ta' linji gwida strateġiċi mill-2008 sal-2013 (ĠU 326.12.12.2007, p. 29).

Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/22/KE tad-19 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perijodu mill-2008 sa l-2013 bħala parti mill-Programm Ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" rigward is-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-Istati Membri, ir-regoli għall-ġestjoni amministrattiva u finanzjarja u l-eliġibbiltà tan-nefqa fuq il-proġetti kofinanzjati mill-Fond (ĠU L 7,10.1.2008, p. 1).

## *Artikolu 18 03 04 — Miżuri ta' emerġenza fil-każ ta' influssi tal-massa tar-refuġjati*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 9 800 000 | 5 300 000 | 9 800 000 | 5 037 429 | 21 850 000,00 | 17 480 000,00 |

*Kummenti*

Fil-każ ta' influssi tal-massa ta' refuġjati jew persuni spostati, jistgħu jittieħdu miżuri ta' emerġenza fl-oqsma li ġejjin skont dan l-Artikolu:

- ilqugħ u akkomodazzjoni,
- għoti ta' fondi ta' sussistenza,
- assistenza medika, psikoloġika jew assistenza oħra, immirata b'mod partikolari għall-minorenni u li tinkludi assistenza speċjalizzata lin-nisa u lit-tfajliet li sfaw vittmi ta' turment ta' kwalunkwe tip jew ta' atti kriminali (stupru, vjolenza jew forom speċifiċi ta' tortura bħall-abort furzat, il-mutilazzjoni ġenitali jew l-isterilizzazzjoni furzata) jew li batew minħabba kundizzjonijiet ħżiena bħala refuġjati,
- impjegati neċessarji u spejjeż amministrattivi fir-rigward tal-ilqugħ u t-twettiq tal-miżuri,
- missjonijiet ta' esperti u assistenza teknika anċillari għall-identifikazzjoni ta' persuni spostjati,
- spejjeż għal-loġistika u t-trasport.

Taħt din id-dispożizzjoni, il-miżuri ta' emerġenza jistgħu jittieħdu wkoll biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet ta' pressjoni partikolari, ikkaratterizzati mill-wasla f'daqqa f'punti partikolari fuq il-fruntieri ta' numru kbir ta' ċittadini minn pajjiżi terzi li jista' jkollhom bżonn ta' protezzjoni internazzjonali, fejn dan joħloq eżiġenzi tqal u urġenti fuq il-faċilitajiet tal-ilqugħ, is-sistema tal-ażil jew l-infrastruttura tal-Istat(i) Membru/i kkonċernat(i) u jista' jagħti lok għal riskji fuq il-ħajja umana, il-benessri jew l-aċċess għall-protezzjoni pprovduta taħt il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

It-tul taż-żmien ta' dawn il-miżuri ma jistax jaqbeż is-sitt xhur. Minbarra l-miżuri elenkati hawn fuq, il-miżuri ta' emerġenza jistgħu jinkludu għajnuna legali u għajnuna lingwistika u l-għoti ta' servizzi ta' traduzzjoni u interpretazzjoni, informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini jew għarfien espert u miżuri oħrajn li jikkontribwixxu għal identifikazzjoni rapida tal-persuni li jista' jkollhom bżonn tal-protezzjoni internazzjonali u għal proċessar ekwu u effiċjenti tal-applikazzjonijiet għall-ażil.

*Bażi ġuridika*

Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalita ta' influss bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jġorru l-konsegwenzi ta' dawn (ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12).

Deċiżjoni Nru 573/2007/KE Tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perijodu mill-2008 sa l-2013 bħala parti mill-programm ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" (ĠU L 144, 6.6.2007, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tat-2 ta' Mejju 2005 li tistabbilixxi programm ta' qafas dwar is-solidarjetà u l-Ġestjoni tal-Flussi Migratorji għall-perjodu 2007-2013 (COM(2005) 123 finali).

## *Artikolu 18 03 05 — Netwerk Ewropea tal-Migrazzjoni*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 6 500 000 | 3 900 000 | 8 000 000 | 4 150 690 | 7 582 232,38 | 5 219 424,95 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija intiża biex tiffinanzja l-istabbiliment ta' Netwerk Ewropea tal-Migrazzjoni, sabiex tipprovdi lill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha b'tagħrif oġġettiv, affidabbli u kumparabbli dwar il-migrazzjoni u l-ażil.

Din l-informazzjoni se jkun fiha materjal ta' statistika dwar in-numru ta' persuni li qed ifittxu kenn politiku li qed jiġu fl-Istati Membri tal-UE, imqassma skont l-Istat Membru, in-numru ta' applikazzjonijiet aċċettat, in-numru ta' applikazzjonijiet mhux aċċettati, ir-raġunijiet tar-rifjut, eċċ.

*Bażi ġuridika*

Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/38/KE tal-14 ta' Mejju 2008 li tistabbilixxi n-Netwerk Ewropea tal-Migrazzjoni (ĠU L 131, 21.5.2008, p.

7).

## *Artikolu 18 03 06 — Azzjoni ta' tħejjija — Tlestija tal-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 82 993,26 | 155 521,87 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba li tkopri l-qadi ta' impenji li saru fis-snin finanzjarji ta' qabel.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 18 03 07 — Tlestija ta' ARGO*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri l-qadi ta' impenji magħmula fir-rigward tas-snin finanzjarji ta' qabel.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/463/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 li tadotta programm ta' azzjoni għall-kooperazzjoni amministrattiva fl-oqsma tal-fruntieri esterni, viżi, refuġju u immigrazzjoni (ARGO) (ĠU L 161, 19.6.2002, p. 11).

## *Artikolu 18 03 09 — Fond Ewropew għall-Integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 177 500 000 | 89 000 000 | 162 500 000 | 85 018 402 | 131 503 342,83 | 78 539 380,16 |

*Kummenti*

Fid-dawl tal-għan ġenerali li jiġu appoġġjati l-isforzi tal-Istati Membri biex jippermettu liċ-ċittadini minn pajjiżi terzi jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' residenza u biex tkun faċilitata l-integrazzjoni tagħhom fis-soċjetajiet Ewropej, skont il-Prinċipji Komuni Bażiċi għall-politika tal-integrazzjoni tal-immigranti fl-Unjoni Ewropea kif adottati mill-Kunsill f'Novembru 2004 u bir-riżoluzzjoni tal-Parlament tas-6 ta' Ġunju 2006 dwar l-istrateġiji u l-mezzi għall-integrazzjoni tal-immigranti fl-Unjoni Ewropea din l-approprjazzjoni se tappoġġja miżuri f'dawn l-oqsma:

— l-iffaċilitar tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' proċeduri ta' dħul rilevanti għal u li jsostnu l-proċess ta' integrazzjoni taċ-ċittadini minn pajjiżi terzi,

— l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' proċess ta' integrazzjoni għaċ-ċittadini minn pajjiżi terzi fl-Istati Membri,

— iż-żieda fil-kapaċità tal-Istati Membri biex jiżviluppaw, jimplimentaw, jissorveljaw u jevalwaw l-oqsma ta' politika u l-miżuri għall-integrazzjoni ta' ċittadini minn pajjiżi terzi,

— l-iskambju tal-informazzjoni, l-aħjar prassi u l-kooperazzjoni fi u bejn l-Istati Membri fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni, is-

sorveljanza u l-evalwazzjoni tal-oqsma ta’ politika u l-miżuri għall-integrazzjoni ta’ ċittadini minn pajjiżi terzi, li jgħinu, inter alia, biex titnaqqas il-qabża li hemm fil-kuntest tal-impjiegi bejn immigranti u oħrajn, titjieb il-parteċipazzjoni tal-immigranti u r-rendiment fl-edukazzjoni, jitjiebu l-prospetti għall-edukazzjoni u l-impjiegi għan-nisa immigranti, il-programmi tal-lingwi u dawk introduttorji, is-saħħa, l-akkomodazzjoni u l-għejxien urban kif ukoll titjieb il-parteċipazzjoni ċivika tal-immigranti.

Fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, hija maħsuba wkoll li tkopri l-azzjonijiet tranżnazzjonali jew l-azzjonijiet ta’ interess għall-Unjoni kollha kemm hi (azzjonijiet tal-Unjoni) rigward il-politika tal-immigrazzjoni u l-integrazzjoni.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/435/KE tal-25 ta’ Ġunju 2007 li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi għall-perjodu mill-2007 sa l-2013 bħala parti mill-Programm Ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta’ Migrazzjoni" (ĠU L 168, 28.6.2007, p. 18).

*Atti ta’ referenza*

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tat-2 ta’ Mejju 2005 li tistabbilixxi programm ta’ qafas dwar is-Solidarjetà u l-Ġestjoni tal-Flussi Migratorji għall-perjodu 2007-2013 (COM(2005)0123).

Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/457/KE tal-5 ta’ Marzu 2008 li tistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2007/435/KE li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Integrazzoni ta’ ċittadini minn pajjiżi terzi għall-perjodu 2007 sa 2013 bħala parti mill-Programm Ġenerali ’Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta’ Migrazzjoni’ fir-rigward tas-sistemi ta’ ġestjoni u ta’ kontroll tal-Istati Membri, ir-regoli għall-ġestjoni amministrattiva u finanzjarja u l-eliġibilità ta’ nefqiet fuq proġetti kofinanzjati mill-Fond (ĠU L 167, 27.6.2008, p. 69).

## *Artikolu 18 03 11 — Eurodac*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | 500 000 | 377 335 | 1 532 930,46 | 1 040 703,82 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa dwar it-twaqqif u l-operazzjoni tal-unita ċentrali tas-sistema Eurodac.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-Islanda, in-Norveġja, l-Isvizzera u l-Liechtenstein imdaħħal fil-Partita 6 3 1 2 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista’ jagħti lok għall-għoti ta’ approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2725/2000 tal-11 ta’ Diċembru 2000 li jikkonċerna t-twaqqif tal-Eurodac għat-tqabbil tas-sinjali tas-swaba’ sabiex tiġi applikata effettivament il-Konvenzjoni ta’ Dublin (ĠU L 316, 15.12.2000, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 tat-18 ta’ Frar 2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Stat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata f’wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta’ pajjiż terz.

*Atti ta’ referenza*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1560/2003 tat-2 ta’ Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi determinat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-asil iddepożitata f’wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta’ pajjiż terz.

## *Artikolu 18 03 14 — Uffiċċju ta’ Appoġġ Ewropew fil-qasam tal-Ażil ( EASO)*

### Partita 18 03 14 01 — Uffiċċju ta’ Appoġġ Ewropew fil-qasam tal-Ażil — Kontribuzzjoni għat-Titoli 1 u 2

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 7 000 000 | 7 000 000 | 5 058 000 | 5 058 000 | 4 037 298,69 | 1 639 531,63 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-persunal tal-Uffiċċju u n-nefqa amministrattiva (it-Titoli 1 u 2).

L- Uffiċċju għandu jinforma lill-awtorità tal-baġit dwar it-trasferimenti ta’ approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u amministrattiva.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta’ Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju tal-Qafas ta’ Ħidma għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju jsawru dħul assenjat (l-Artikolu 18(1)(f) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

L-ammonti li jiġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Islanda, in-Norveġja, l-Isvizzera u l-Liechtenstein imdaħħla fil-Partita 6 3 1 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jistgħu jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

Il-pjan tat-twaqqif tal-Uffiċċju jinsab fil-Parti “Pjan ta’ stabbiliment tal-Persunal” tat-Taqsima III — Il-Kummissjoni (il-Volum 3).

*Bażi ġuridika*

Regolament (UE) Nru 439/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta’ Mejju 2010 li jistabbilixxi Uffiċċju Ewropew ta’ Appoġġ fil-qasam tal-Asil (ĠU L 132, 29.5.2010, p. 11).

### Partita 18 03 14 02 — Uffiċċju Ewropew ta’ Appoġġ fil-qasam tal-Ażil — Kontribuzzjoni għat-Titolu 3

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 5 000 000 | 2 000 000 | 4 942 000 | 2 422 000 | 2 010 717,44 | 263 698,75 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-neqfa operattiva tal-Aġenzija li tirrigwarda l-programm ta’ ħidma (it-Titolu 3).

L-Aġenzija għandha tinforma lill-awtorità tal-baġit dwar it-trasferimenti ta’ approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u amministrattiva.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Finanzjarju tal-Qafas ta’ Ħidma għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju jsawru dħul assenjat (l-Artikolu 18(1)(f) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-Islanda, in-Norveġja, l-Isvizzera u l-Liechtenstein imdaħħal fil-Partita 6 3 1 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista’ jagħti lok għall-għoti ta’ approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2013 tammonta għal total ta’ EUR 12 000 000.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 439/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta’ Mejju 2010 li jistabbilixxi Uffiċċju Ewropew ta’ Appoġġ fil-qasam tal-Asil (ĠU L 132, 29.5.2010, p. 11).

## *Artikolu 18 03 15 — Proġett pilota —— Netwerk ta' kuntatti u diskussjoni bejn muniċipalitajiet u awtoritajiet lokali speċifiċi dwar l-esperjenzi u l-aħjar prattiku fir-rilokazzjoni u l-integrazzjoni tar-refuġjati*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 225 000 | p.m. | 500 000 | 1 500 000,00 | 0,— |

*Kummenti*

L-objettiv ewlieni ta' dan il-proġett pilota huwa t-twaqqif ta' netwerk ta' kuntatti u diskussjoni bejn muniċipalitajiet u awtoritajiet lokali mmirati fi Stati Membri li għadhom kemm bdew Programm ta' rilokazzjoni, jew li jixtiequ jipparteċipaw f'wieħed fil-ġejjieni qarib, u Stati Membri li għandhom l-esperjenza fir-rilokazzjoni, abbażi tal-esperjenza u l-aħjar prattika tal-UNHCR u tal-NGOs fil-qasam tar-rilokazzjoni u l-integrazzjoni mill-ġdid tar-refuġjati. Il-proġett pilota se jkopri l-azzjonijiet li ġejjin:

— identifikazzjoni ta' muniċipalitajiet jew awtoritajiet lokali fi Stati Membri li għadhom kemm bdew programmi ta' rilokazzjoni (pereżempju l-Portugall u r-Rumanija) u dawk li se jibdew programmi (pereżempju Spanja) kif ukoll l-arranġament ta' laqgħat ma' muniċipalitajiet jew awtoritajiet lokali magħżula f'pajjiżi ta' rilokazzjoni (pereżempju r-Renju Unit u l-Olanda) bl-għan li jissaħħu programmi ''ġodda'' ta' rilokazzjoni waqt li jiġi żgurat li jkunu sostenibbli u ta' kwalità għolja;

— identifikazzjoni ta' muniċipalitajiet jew awtoritajiet lokali jew organizzazzjonijiet mhux governattivi li għadhom ma jieħdux sehem fi programmi ta' rilokazzjoni imma li jixtiequ jingħaqdu man-netwerk bl-intenzjoni li fil-futur jieħdu sehem f'tali programmi;

— organizzazzjoni ta' laqgħat tar-rappreżentanti tal-awtoritajiet lokali u l-muniċipalitajiet speċifiċi involuti, flimkien mal-UNHCR, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li qed jieħdu sehem u rappreżentanti tar-refuġjati rilokati, biex jiġu definiti l-attivitajiet li għandhom jiġu żviluppati b'mod konġunt, inklużi żjariet, skambji ta' esperjenza, taħriġ u laqgħat tematiċi li jiffukaw fuq kwestjonijiet bħall-akkomodazzjoni, l-edukazzjonim, l-impjiegi, eċċ.

— tfassil ta' forma għall-ġbir ta' informazzjoni mid-diversi partijiet interessati dwar proċeduri, tipi ta' monitoraġġ qabel ir-rilokazzjoni, it-tipi ta' informazzjoni miġbura dwar ir-refuġjati li jridu jiġu rilokati (inklużi kwestjonijiet kulturali, ta' saħħa u ta' edukazzjoni, ikel), infrastruttura, riżorsi umani, akkomodazzjoni, ilqigħ, azzjonijiet li jittieħdu wara r-rilokazzjoni għall-integrazzjoni tar-refuġjati, parteċipazzjoni tal-komunità fil-proċess, kwalunkwe tip ta' għajnuna ekonomika, legali jew edukattiva, ir-rwol ta' refuġjati li diġà ġew rilokati fil-proċess ta' integrazzjoni u l-kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet mhux governattivi;

— ħolqien ta' task force, mgħammra bir-riżorsi umani u tekniċi meħtieġa, biex tagħmel l-arranġamenti prattiċi għall-proġett u b'mod partikolari biex tipprovdi għal-laqgħat neċessarji, tiġbor l-informazzjoni disponibbli, toħloq websajt u l-kontenut għaliha, iżżid l-iskambju ta' informazzjoni bejn id-diversi partijiet interessati involuti fil-proċess ta' rilokazzjoni u toħloq rabtiet ma' proġetti u/jew websajts eżistenti oħra relatati mar-rilokazzjoni. Din il-websajt se tippermetti li l-informazzjoni dwar laqgħat passati jew futuri bejn muniċipalitajiet jew awtoritajiet lokali ssir disponibbli għall-partijiet interessati kollha fuq bażi sistematika;

— kollazzjoni tal-informazzjoni miġbura mit-task force, li mbagħad tiċċirolaha għad-diskussjoni fin-netwerk, sabiex minnha jissieltu l-konklużjonijiet dwar l-aħjar prattiki.

L-esperjenza miksuba mill-proġett pilota se tiġi rreġistrata u mgħoddija lill-Unità ta' Rilokazzjoni fl-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ għall-Asil (EASO) ladarba tkun twaqqfet.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p.1)

## *Artikolu 18 03 16 — Proġett pilota — Iffinanzjar għall-vittmi tat-tortura*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| p.m. | p.m. | 2 000 000 | 1 000 000 | |

*Kummenti*

L-għan ewlieni ta' dan il-proġett pilota huwa li tinħoloq linja ġdida ta' finanzjament għall-benefiċċju aħħari tal-vittmi tat-tortura (ċittadini kemm tal-UE kif ukoll dawk li mhumiex membri tal-UE) preżenti fl-Unjoni. Il-proġett pilota jkopri l-azzjonijiet li ġejjin:

— biex jinħolqu ċentri ta' riabilitazzjoni għall-vittmi tat-tortura jew biex jiġu appoġġjati dawk eżistenti billi jiġu pprovduti fondi għall-ispejjeż ta' riabilitazzjoni tagħhom (uffiċċji, persunal terapewtiku, persunal amministrattiv, eċċ.) u għall-attivitajiet l-oħra tagħhom (prevenzjoni, promozzjoni, taħriġ, appoġġ legali, eċċ.),

— biex jingħata aċċess għal appoġġ u konsulenza multidixxiplinari, inkluż it-trattament fiżiku u psikoterapewtiku, konsulenza psikosoċjali, servizzi legali u appoġġ soċjoekonomiku lill-vittmi,

— biex jiġu appoġġjati netwerks internazzjonali bejn iċ-ċentri ta’ riabilitazzjoni (fl-Unjoni u barra l-Unjoni) sabiex jinbnew kapaċitajiet, jiġi appoġġjat l-iskambju ta’ prattika tajba fost speċjalisti, issir superviżjoni bejn il-pari bħala mezz ta' previżjoni tat-trawma indiretta, eċċ.,

— biex jiġu appoġġjati attivitajiet li għandhom l-għan li jagħtu s-setgħa lil vittmi tat-tortura nnifishom u, b’mod ġenerali, li jappoġġjaw il-ħila ta’ vittmi tat-tortura li jintegraw fis-soċjetà fil-pajjiżi Ewropej.

*Bażi ġuridika*

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6), tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2992, p. 1).

## *Artikolu 18 03 17 — Azzjoni ta' tħejjija — Il-possibilità tar-risistemazzjoni ta' refuġjati f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| p.m. | p.m. | 3 000 000 | 1 500 000 | |

*Kummenti*

Din l-azzjoni ta' tħejjija għandha l-għan li toħloq linja ġdida ta' finanzjament għall-appoġġ tar-risistemazzjoni ta' refuġjati f'kundizzjonijiet ta' emerġenza li mhumiex koperti bir-regoli attwali tal-Fond Ewropew għar-Refuġjati (FER), u li mhux se jkunu koperti fil-futur qrib billi l-Fond attwali, fit-tielet fażi tiegħu (FER III), jintemm fl-2014. L-attivitajiet imwettqa fil-qafas ta' din l-azzjoni ta' tħejjija, u l-esperjenzi misluta f'dak il-qafas, jistgħu mbagħad jiġu integrati fir-reviżjoni tal-FER ippjanata għall-2014.

L-azzjonijiet li ġejjin huma koperti b'din l-azzjoni preparatorja:

— biex jiġu appoġġjati persuni diġà rikonoxxuti bħala refuġjati mill-UNHCR u l-FER, li jkunu vittmi ta' diżastri naturali, attakki armati, eċċ.,

— biex tiġi appoġġjatia għajnuna ta' emerġenza fil-każ ta' gruppi ta' refuġjati, identifikati bħala prijoritarji skont ir-regoli tal-FER u tal-UNHCR, li huma taħt attakk armat, li kienu vittmi ta' diżastru naturali, jew li jaffaċċjaw ċirkustanzi oħra ta' vulnerabilità estrema jew ta' theddida għall-ħajja,

— biex jiġu ffinanzjati proċeduri ta' risistemazzjoni rapida tal-Istati Membri f'kundizzjonijiet replikati mill-attivitajiet ta' risistemazzjoni ta' rutina ffinanzjati mill-FER,

— biex jiġi ggarantit finanzjament għal proċeduri ta' emerġenza bla ma jitħarbtu l-proċeduri ta' risistemazzjoni tal-FER li għaddejjin,

— biex jiġi pprovdut, fejn meħtieġ, appoġġ finanzjarju extra waqt l-emerġenzi lill-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati (UNHCR) u lill-organizzazzjonijiet ta' kollegament tiegħu fl-Istati Membri u fil-livell tal-Unjoni,

— biex jiġu msaħħa l-attivitajiet tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil, li l-Unità tar-Risistemazzjoni tiegħu hija mistennija li ssir operattiva matul l-2012, bħal punt ċentrali matul dawn il-proċeduri ta' emerġenza.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

### *Artikolu 18 03 18 — Proġett pilota — Analiżi tal-politiki ta' akkoljenza, protezzjoni u integrazzjoni għal minorenni mhux akkumpanjati fl- Unjoni*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| p.m. | p.m. | 1 000 000 | 500 000 | |

*Kummenti*

L-għan ta' dan il-proġett pilota huwa li jidentifika prattika tajba dwar il-politika ta' prevenzjoni, lqugħ, protezzjoni u integrazzjoni għal minorenni mhux akkumpanjati. Il-minorenni jista' jintbagħat lura lejn il-pajjiż ta' oriġini tiegħu meta jinħtieġ li tiġi ggarantita r-reintegrazzjoni; jew jista' jingħata l-istatus ta' protezzjoni internazzjonali jew status legali ieħor li jippermetti lill-minorenni jintegra fl-Istat Membru ta' residenza; inkella jista' jiġi risistemat fl-Unjoni. F'dawn il-każijiet kollha, huwa importanti li jiġu ggarantiti l-interessi tal-minorenni. Il-proġett pilota għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni 2010 tal-Kummissjoni dwar il-Minorenni Mhux Akkumpanjati (2010 — 2014) u tal-azzjonijiet speċifikati fih:

— l-identifikazzjoni ta' azzjonijiet u politika ta' prevenzjoni vis-à-vis l-grupp li l-minorenni mhux akkumpanjati jappartjenu għalih (eż. persuni li jitolbu l-asil, vittmi tat-traffikar, tfal li jidħlu fl-Unjoni illegalment) u/jew il-pajjiż jew ir-reġjun ta' oriġini;

— l-identifikazzjoni tal-aħjar prattika dwar l-ilqugħ u l-protezzjoni, u b'mod partikolari dwar kwistjonijiet bħall-proċeduri fl-ewwel laqgħa, rappreżentanza legali, ħatra ta' tutur, aċċess għall-faċilitajiet ta' akkoljenza u l-fatt li dawn ikunu xierqa, intervisti inizjali, edukazzjoni u kura medika;

— l-identifikazzjoni tal-aħjar prattika f'miżuri speċifiċi u garanziji proċedurali għal minorenni mhux akkumpanjati fl-Unjoni;

— l-evalwazzjoni tad-diversi esperjenzi tal-ġlieda kontra l-fenomenu tat-tfal neqsin u l-identifikazzjoni tal-aħjar prattika;

— l-identifikazzjoni tal-aħjar prattika dwar il-ħolqien mill-ġdid tal-għaqda tal-familja u r-reintegrazzjoni tal-minorenni mhux akkumpanjati fil-pajjiżi ta' oriġini tagħhom.

*Bażi ġuridika*

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6), tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2992, p. 1).

## KAPITOLU 18 05 — SIGURTÀ U SALVAGWARDJAR TAL-LIBERTAJIET

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 18 05 | Sigurtà u salvagwardjar tal-libertajiet | | | | | | | | |
| ***18 05 01*** | ***Programmi ta' kooperazzjoni fl-oqsma tal-ġustizzja u affarijiet interni — Titolu VI*** | | | | | | | | |
| 18 05 01 01 | It-tlestija tal-programmi ta' kooperazzjoni fl-oqsma tal-ġustizzja u affarijiet interni, u l-AGIS | 3.1 | — | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 105 579,31 | |
| 18 05 01 03 | It-tlestija ta' Erasmus għall-aġġudikanti (Programm ta' skambju għall-awtoritàjiet ġudizzjarji) | 3.1 | — | — | — | — | 0,— | 0,— | |
| | *Artikolu 18 05 01 — Sub-total* | | — | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 105 579,31 | |
| ***18 05 02*** | ***L-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol)*** | | | | | | | | |
Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħra, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew minn organizzazzjonijiet għal ċerti proġetti jew programmi ta’ għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, skont l-att bażiku, jista’ jwassal għal approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn l-ammonti jirriżultaw mill-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa fuq is-sapport amministrattiv għandhom ikunu stabbiliti mill-ftehim ta’ kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma tkunx taqbeż l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Din l-approprjazzjoni tkopri nefqa amministrattiva taħt L-Artikolu 19 05 02 u l-Partiti 19 06 04 01 u 19 06 04 02.

## Partita 19 01 04 07 — Strument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR) — Nefqa fuq l-immaniġġjar amministrattiv

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 10 981 000 | 11 460 000 | 10 671 700,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri:

— nefqa għal għajnuna teknika u amministrattiva li l-Kummissjoni tista' tiddelega lil aġenzija ta' implimentazzjoni regolata bil-liġi tal-Unjoni,

— nefqa għal għajnuna teknika u amministrattiva li ma tinvolvix kompiti ta' awtorità pubblika mogħtija 'il barra mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc* għall-benefiċċju reċiproku tal-benefiċjarji u l-Kummissjoni,

— in-nefqa fuq persunal estern (persunal b'kuntratt, esperti nazzjonali mislufa jew persunal minn aġenziji) fil-kwartieri ġenerali maħsuba biex jassumu l-ħidmiet li qabel kienu tal-uffiċċji ta' għajnuna teknika żarmati; In-nefqa għal persunal estern fil-kwartieri ġenerali hija limitata għal EUR 1 950 000. Din l-istima hija bbażata fuq spiża proviżorju ta' unità annwali kull sena tax-xogħol, li minnu 95 % hija r-remunerazzjoni għall-istaff ikkonċernat u 5 % bl-ispiża addizzjonali tat-taħriġ, il-laqgħat, il-missjonijiet, it-teknoloġija tal-informatika (IT) u t-telekomunikazzjonijiet dwar dawk il-membri tal-persunal,

— nefqa fuq persunal estern fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni (aġenti b'kuntratt, aġenti lokali jew esperti nazzjonali sekondati) għall-iskopijiet ta' ġestjoni devoluta ta' programmi fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni f'pajjiżi terzi jew għall-internalizzazzjoni tal-kompiti ta' uffiċċji ta' għajnuna teknika mneħħija, kif ukoll l-kost addizzjonali tal-loġistika u l-infrastruttura, bħall-kost tat-taħriġ, il-laqgħat, il-missjonijiet, it-teknoloġija tal-informatika u t-telekomunikazzjoni u l-kirjiet direttament ikkawżati mill-preżenza fid-delegazzjoni tal-persunal estern remunerat mill-approprjazzjonijiet ta' din il-Partita,

— nefqa għal studju, laqgħat ta' esperti, sistemi ta' informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta b'mod dirett mal-kisbiet tal-għan tal-programm.

Din l-approprjazzjoni tkopri n-nefqa amministrattiva taħt il-Kapitolu 19 04.

## Partita 19 01 04 08 — Strument ta' Pajjiżi Industrijalizzati (ICI) — Nefqa fuq l-immaniġġjar amministrattiv

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 100 000 | 100 000 | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri:

— nefqa għal għajnuna teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta' awtorità pubblika mogħtija 'il barra mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc* għall-benefiċċju reċiproku tal-benefiċjarji u l-Kummissjoni,

— nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament ma' li jintlaħaq l-oġġettiv tal-programm.

Din l-approprjazzjoni tkopri nefqa amministrattiva skont l-Artikolu 19 05 01.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħra, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew minn organizzazzjonijiet għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, skont l-att bażiku, jista' jwassal għal approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn l-ammonti jirriżultaw mill-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa fuq is-sapport amministrattiv għandhom ikunu stabbiliti mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma tkunx taqbeż l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

## Partita 19 01 04 20 — Nefqa oħra ta’ appoġġ amministrattiv għall-qasam tal-politika tar-“Relazzjonijiet esterni”

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri:

- nefqa għal għajnuna teknika u amministrattiva li l-Kummissjoni tista’ tiddelega lil aġenzija ta’ implimentazzjoni regolata bil-liġi tal-Unjoni,
- nefqa għal għajnuna teknika u amministrattiva li ma tinvolvix kompiti ta’ awtorità pubblika mogħtija ’il barra mill-Kummissjoni skont kuntratti ta’ servizz *ad hoc* għall-benefiċċju reċiproku tal-benefiċjarji u l-Kummissjoni,
- nefqa għal studji, laqgħat ta’ esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament ma’ li jintlaħaq l-oġġettiv tal-programm.

Din l-approprjazzjoni tkopri nefqa amministrattiva taħt il-Kapitoli 19 02, 19 04, 19 06, 19 08, 19 09 u 19 10.

## Partita 19 01 04 30 — Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura — Kontribut mill-programmi tar-relazzjonijiet esterni

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 4 767 000 | 4 579 000 | 4 621 000,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-ispejjeż tat-tħaddim tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni u l-Kultura kkawżati bħala riżultat tal-ġestjoni tal-programmi operattivi tar-“Relazzjonijiet esterni” (Intestatura 4) fdati lill-Aġenzija taħt il-Kapitoli 19 05, 19 06, 19 08, 19 09 u 19 10.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 443/92 tal-25 ta’ Frar 1992 dwar l-għajnuna finanzjarja u teknika lil, u l-Kooperazzjoni ekonomika ma’, l-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-Asja u l-Amerika Latina (ĠU L 52, 27.2.1992, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta’ Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji esekuttivi li jridu jiġu fdati b’ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1717/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Novembru 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Istabbilità (ĠU L 327, 24.11.2006, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-18 ta’ Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta’ finanzjament għall-Kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

Il-proposta tal-Kummissjoni COM/2004/629 finali tad-29 ta’ Settembru 2004 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi strument ta’ finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-iżvilupp u tal-Kooperazzjoni ekonomika (DCECI).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/336/KE tal-20 ta’ April 2009 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura għall-ġestjoni ta’ azzjoni Komunitarja fl-oqsma ta-edukazzjoni, l-awdjoviżiv u l-kultura bl-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 (ĠU L 101, 21.4.2009, p. 26).

## KAPITOLU 19 02 — KOOPERAZZJONI MA’ PAJJIŻI TERZI FIL-QASAM TAL-IMMIGRAZZJONI U L-AŻIL

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 19 02 | Kooperazzjoni ma’ pajjiżi terzi fil-qasam tal-immigrazzjoni u l-ażil | | | | | | | | |
| ***19 02 01*** | ***Kooperazzjoni ma’ pajjiżi terzi fil-qasam tal-immigrazzjoni u l-ażil*** | 4 | 58 000 000 | 32 000 000 | 57 648 000 | 57 684 001 | 55 640 699,99 | 38 603 432,79 | 120,64 % |
| | **Kapitolu 19 02 — Total** | | **58 000 000** | **32 000 000** | **57 648 000** | **57 684 001** | **55 640 699,99** | **38 603 432,79** | **120,64 %** |

### *Artikolu 19 02 01 — Kooperazzjoni ma’ pajjiżi terzi fil-qasam tal-immigrazzjoni u l-ażil*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 58 000 000 | 32 000 000 | 57 648 000 | 57 684 001 | 55 640 699,99 | 38 603 432,79 |

*Kummenti*

Bħala parti mir-razzjonalizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-istrumenti għal azzjonijiet esterni għall-Qafas Finanzjarju 2007-2013, il-programm "Aeneas", li jistipula għal assistenza finanzjarja u teknika lil pajjiżi terzi fl-oqsma tal-migrazzjoni u l-ażil, u li ġie adottat fl-10 ta’ Marzu 2004 wara azzjoni ta’ tħejjija għall-perjodu bejn l-2001 u l-2003 u l-Komunikazzjoni mill-Kommissjoni lill-Kusill u lill-Parlament Ewropew tat-3 ta’ Diċembru 2002 bit-titolu 'L-integrazzjoni ta’ kwistjonijiet li jolqtu l-migrazzjoni fir-relazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ma’ pajjiżi terzi', (COM(2002-703 finali) — ġie mibdul bi programm ta’ Kooperazzjoni teknika ma’ pajjiżi terzi f'dawn l-oqsma taħt l-istrument ta’ finanzjament għal Kooperazzjoni għall-iżvilupp, DCI, (ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006).

L-għan ġenerali tad-DCI huwa li l-assistenza esterna tal-Unjoni tkun aktar effettiva. Taħt dan il-programm, l-oġġettiv tal-programm tematiku dwar il-Kooperazzjoni ma’ pajjiżi terzi fl-oqsma tal-migrazzjoni u l-ażil, ikun li jingħata sostenn lil pajjiżi terzi fl-isforzi tagħhom biex jiżguraw il-ġestjoni aħjar ta’ flussi migratorji fid-dimensjonijiet tagħhom kollha. L-approprjazzjonijiet huma użati sabiex tingħata, b'mod speċifiku u kumplimentari, assistenza teknika u finanzjarja lil pajjiżi terzi biex jingħataw sostenn f'dawn l-isforzi.

Il-programm tal-Unjoni għall-Kooperazzjoni ma’ pajjiżi terzi, u ma’ reġjuni ta’ oriġini u ta’ tranżitu għandu l-għan li jseddaq ir-rabtiet bejn il-migrazzjoni u l-iżvilupp, kif ukoll sabiex itaffi l-ħarba tal-aħjar talent min-Nofsinhar lejn it-Tramuntana fil-proċess, sabiex tisseddaq migrazzjoni b'ġestjoni tajba, tiġi miġġielda l-migrazzjoni illegali, jiġi miġġieled il-kuntrabandu u t-traffikar tal-persuni u tiġi ffaċilitata r-riammissjoni, sabiex jiġu protetti l-migranti u tingħata għajnuna lil pajjiżi terzi biex itejbu l-kapaċitajiet tagħhom biex iwettqu l-obbligi internazzjonali tagħhom fil-qasam tal-ażil u l-migrazzjoni.

Dan il-programm ta’ Kooperazzjoni tal-Unjoni jiffinanzja azzjonijiet xierqa li jgħaqqad b’mod koerenti l-Kooperazzjoni nazzjonali u reġjonali tal-Unjoni u l-istrateġiji tal-iżvilupp dwar il-pajjiżi mhux tal-Unjoni kkonċernati u jitkomplew l-azzjonijiet — b’mod partikolari fl-oqsma tal-migrazzjoni, l-ażil, il-kontroll tal-fruntieri, ir-refuġjati u persuni spustjati — ipprovduti fl-implimentazzjoni ta’ dawn l-istrateġiji u ffinanzjati minn strumenti oħra tal-Unjoni fil-qasam tal-Kooperazzjoni u l-żvilupp.

Dan il-programm tematiku għandu, fil-kuntest tal-Istrateġija l-ġdida, jikkunsidra wkoll il-migrazzjoni li tirriżulta mit-tibdil fil-klima. Ir-rispett għall-prinċipji demokratiċi u għall-istat tad-dritt, kif ukoll tad-drittijiet tal-bniedem u dawk fundamentali, għandu jikkostitwixxi element essenzjali għall-applikazzjoni ta’ dan l-istrument. Jekk meħtieġ, u safejn possibbli, l-azzjonijiet iffinanzjati jkunu assoċjati mal-miżuri mmirati għat-tisħiħ tad-demokrazija u l-istat tad-dritt u l-konformità ma’ strumenti internazzjonali f’dan il-qasam, inkluż il-Konvenzjoni ta’ Ġinevra tal-1951 dwar l-Istatus ta’ Refuġjati.

L-imsieħba eliġibbli għall-appoġġ finanzjarju taħt din l-approprjazzjoni jistgħu jinkludu organizzazzjonijiet u aġenziji reġjonali u internazzjonali (b'mod partikolari, l-aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti), organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) jew atturi oħra mhux statali, gvernijiet federali, nazzjonali, provinċjali u lokali ta’ pajjiżi terzi, id-dipartimenti u l-aġenziji, istituti, assoċjazzjonijiet u operaturi pubbliċi u privati tagħhom.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħra, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew minn organizzazzjonijiet għal ċerti proġetti jew programmi ta’ għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, skont l-att bażiku, jista’ jwassal għal approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn l-ammonti

jirriżultaw mill-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa fuq is-sapport amministrattiv għandhom ikunu stabbiliti mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma tkunx taqbeż l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

L-approprjazzjonijiet f'dan l-Artikolu huma suġġetti għal evalwazzjonijiet kif stabbilit mill-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006. Dawn l-evalwazzjonijiet se jinkludu aspetti ta' attivitajiet ta' input u tal-katina tar-riżultati (output, riżultat, impatt). Ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet għandhom jintużaw fil-formulazzjoni ta' miżuri li jiġu wara li jkunu ffinanzjati minn dawn l-approprjazzjonijiet.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 491/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi programm ta' għajnuna finanzjarja u teknika lil pajjiżi terzi fl-oqsma tal-immigrazzjoni u tal-ażil (AENEAS) (ĠU L 80, 18.3.2004, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament għall-Kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

*Atti ta' referenza*

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tat-3 ta' Awissu 2005 bit-titolu "Azzjonijiet Esterni permezz ta' programmi Tematiċi taħt il-Perspettivi Finanzjarji tal-Futur tal-2007-2013" (COM/2005/324 finali).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tal-25 ta' Jannar 2006 bit-titolu "Programm Tematiku għall-Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fl-oqsma tal-migrazzjoni u l-ażil" (COM/2006/26 finali).

## Kapitolu 19 03 — POLITIKA ESTERA U TA' SIGURTÀ KOMUNI (PESK)

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 19 03 | POLITIKA ESTERA U TA' SIGURTÀ KOMUNI (PESK) | | | | | | | | |
| ***19 03 01*** | ***L-operazzjonijiet ta' mmaniġġjar tal-kriżijiet, il-prevenzjoni, ir-riżoluzzjoni u l-istabbilizzazzjoni tal-kunflitti, il-proċessi ta' monitoraġġ u sigurtà*** | | | | | | | | |
| 19 03 01 01 | Missjoni ta' monitoraġġ fil-Ġeorġja | 4 | 23 000 000 | 23 000 000 | 31 000 000 | 26 632 197 | 23 900 000,00 | 23 702 979,85 | 103,06 % |
| 19 03 01 02 | EULEX Kosovo | 4 | 140 000 000 | 110 000 000 | 155 000 000 | 133 160 983 | 160 123 600,00 | 144 000 000,00 | 130,91 % |
| 19 03 01 03 | EUPOL Afganistan | 4 | 61 000 000 | 58 000 000 | 53 000 000 | 42 955 156 | 60 500 000,00 | 54 025 314,00 | 93,15 % |
| 19 03 01 04 | Miżuri u operazzjonijiet oħrajn ta' mmaniġġar tal-kriżi | 4 | 90 000 000 | 65 000 000 | 61 714 000 | 51 586 278 | 69 549 324,00 | 60 084 347,52 | 92,44 % |
| | *Artikolu 19 03 01 — Sub-total* | | 314 000 000 | 256 000 000 | 300 714 000 | 254 334 614 | 314 072 924,00 | 281 812 641,37 | 110,08 % |
| ***19 03 02*** | ***Nonproliferazzjoni u diżarm*** | 4 | 19 500 000 | 18 000 000 | 20 000 000 | 14 557 025 | 2 497 700,00 | 15 191 019,77 | 84,39 % |
| ***19 03 04*** | ***Miżuri ta' emerġenza*** | 4 | 34 000 000 | 25 000 000 | 35 000 000 | 28 636 770 | 0,— | 0,— | |
| ***19 03 05*** | ***Miżuri ta' thejjija u ta' segwitu*** | 4 | 8 332 000 | 5 000 000 | 6 750 000 | 4 510 291 | 132 190,42 | 216 748,59 | 4,33 % |
| ***19 03 06*** | ***Rappreżentanti Speċjali tal-Unjoni Ewropea*** | 4 | 20 000 000 | 16 000 000 | p.m. | 238 640 | 14 941 850,00 | 11 239 938,95 | 70,25 % |
| | **Kapitolu 19 03 — Total** | | **395 832 000** | **320 000 000** | **362 464 000** | **302 277 340** | **331 644 664,42** | **308 460 348,68** | **96,39 %** |

*Kummenti*

Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà għandha tiżgura li l-Parlament Ewropew ikun involut mill-qrib fl-istadji kollha tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Il-laqgħat konġunti ta' konsultazzjoni previsti fil-punt 43 tal-

Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta’ Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1), li għandhom jiġu intensifikati ulterjorment fuq il-bażi tad-Dikjarazzjoni mir-Rappreżentant Għoli dwar ir-responsabilità politika (ĠU C 210, 3.8.2010, p. 1), iridu jinstawraw djalogu kontinwu bejn ir-Rappreżentant Għoli u l-Parlament Ewropew dwar l-għażliet prinċipali u l-aspetti tal-PESK tal-Unjoni, inklużi konsultazzjonijiet qabel l-adozzjoni ta’ mandati u strateġiji.

## *Artikolu 19 03 01 — L-operazzjonijiet ta’ mmaniġġjar tal-kriżijiet, il-prevenzjoni, ir-riżoluzzjoni u l-istabbilizzazzjoni tal-kunflitti, il-proċessi ta’ monitoraġġ u siġurtà*

*Kummenti*

Il-miżuri u l-operazzjonijiet ta' mmaniġġjar tal-kriżijiet tal-Politika Estera u ta’ Sigurtà Komuni (PESK) fil-qasam tal-monitoraġġ u l-verifika tal-proċessi ta’ paċi, ir-riżoluzzjoni tal-kunflitti u attivitajiet oħrajn ta’ stabbilizzazzjoni, l-istat tad-dritt u l-missjonijiet tal-pulizija jaqgħu fi ħdan dan l-artikolu. Jistgħu jiġu stabbiliti operazzjonijiet sabiex jiġu sorveljati punti ta’ qsim tal-fruntieri, ftehimiet ta’ paċi jew ta’ waqfien mill-ġlied jew, b'mod aktar ġenerali, żviluppi politiċi u tas-sigurtà. Bħal fl-azzjonijiet kollha ffinanzjati taħt il-kapitolu tal-baġit, il-miżuri relevanti jridu jkunu ta' natura ċivili.

### Partita 19 03 01 01 — Missjoni ta’ monitoraġġ fil-Ġeorġja

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 23 000 000 | 23 000 000 | 31 000 000 | 26 632 197 | 23 900 000,00 | 23 702 979,85 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija intiża biex tiffinanzja l-Missjoni ta’ Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Ġeorġja, f'konformità mal-bażi legali rilevanti adottata mill-Kunsill.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/536/PESK tat-12 ta’ Settembru 2011 li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2010/452/PESK dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Ġeorġja, (EUMM Ġeorġia) (ĠU L 236, 13.9.2011, p. 7); EUR 23 900 000.

### Partita 19 03 01 02 — EULEX Kosovo

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 140 000 000 | 110 000 000 | 155 000 000 | 133 160 983 | 160 123 600,00 | 144 000 000,00 |

*Kummenti*

Din l-approprazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-ispejjeż tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Missjoni ta’ Stat tad-Dritt fil-Kosovo, skont il-bażi legali rilevanti adottata mill-Kunsill.

*Bażi ġuridika*

L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/124/PESK tal-4 ta’ Frar 2008 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, EULEX KOSOVO (ĠU L 42, 16.2.2008, p. 92).

L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2010/619/PESK tal-15 ta’ Ottubru 2010 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, EULEX KOSOVO (ĠU L 272, 16.10.2010, p. 19). EUR 165 000 000. (Impenjati fl-2011: EUR 87 323 600).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/752/PESK tal-24 ta’ Novembru 2011 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, EULEX KOSOVO (ĠU L 310, 25.11.2011, p. 10). EUR 72 800 000.

## Partita 19 03 01 03 — EUPOL Afganistan

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 61 000 000 | 58 000 000 | 53 000 000 | 42 955 156 | 60 500 000,00 | 54 025 314,00 |

*Kummenti*

Din l-approprazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-ispejjeż tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fl-Afganistan, skont il-bażi legali rilevanti adottata mill-Kunsill.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/473/PESK tal-25 ta' Lulju 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2010/279/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fl-Afganistan, EUPOL Afghanistan (ĠU L 195, 27.7.2011, p. 72); EUR 60 500 000.

## Partita 19 03 01 04 — Miżuri u operazzjonijiet oħrajn ta' mmaniġġar tal-kriżi

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 90 000 000 | 65 000 000 | 61 714 000 | 51 586 278 | 69 549 324,00 | 60 084 347,52 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri miżuri oħrajn ta' mmaniġġjar tal-kriżi apparti mill-EULEX Kosovo, EUMM Georgia u EUPOL Afghanistan. Hija maħsuba wkoll biex tipprovdi għat-tmexxija tas-Segretarjat tal-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża u s-sistema avvanzata ta' tagħlim mill-bogħod tiegħu bbażata fuq l-Internet.

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba wkoll biex tkopri l-ispejjeż taż-żieda fil-kapaċità ta' EUPOL RD Congo u EUSEC RD Congo fl-oqsma tad-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet tan-nisa.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/170/PESK tal-21 ta' Marzu 2011 temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/330/PESK dwar il-Missjoni Integrata tal-Unjoni Ewropea tal-Istat tad-Dritt għall-Iraq, EUJUST LEX l-Iraq (ĠU L 76, 22.3.2011, p. 61); EUR 250 000.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/312/PESK tas-26 ta' Mejju 2011 li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK dwar l-istabbiliment ta' Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah, EU BAM Rafah (ĠU L 140, 27.5.2011, p. 55); EUR 1 400 000.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/380/PESK tal-21 ta' Marzu 2011 temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/330/PESK dwar il-Missjoni Integrata tal-Unjoni Ewropea tal-Istat tad-Dritt għall-Iraq, EUJUST LEX Iraq (ĠU L 169, 22.3.2011, p. 27); EUR 27 250 000.

L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2011/537/PESK tat-12 ta' Settembru 2011 li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2010/576/PESK dwar il-missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tar-riforma tas-settur tas-sigurtà (RSS) u r-relazzjoni tagħha mal-ġustizzja fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUPOL RD Congo) (ĠU L 236, 13.9.2011, p. 8); EUR 7 150 000.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/538/PESK tat-12 ta' Settembru 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2010/565/PESK dwar il-missjoni ta-Unjoni Ewropea biex jingħataw pariri u assistenza għal riforma fis-settur tas-sigurtà fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (EUSEC RD Congo) (ĠU L 236, 13.9.2011, p. 10); EUR 13 600 000.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/781/PESK tal-1 ta' Diċembru 2011 dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea (EUPM) fil-Bosnja u Ħerzegovina (BiH) (ĠU L 319, 2.12.2011, p. 51); EUR 5 250 000.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/857/PESK tad-19 ta' Diċembru 2011 li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK dwar l-istabbiliment ta' Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) (ĠU L 338, 21.12.2011, p. 52); EUR 970 000.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/858/PESK tad-19 ta' Diċembru 2011 li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2010/784/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-UE għat-Territorji Palestinjani, EUPOL COPPS. (ĠU L 338, 21.12.2011, p. 54); EUR 4 750 000.

## *Artikolu 19 03 02 — Nonproliferazzjoni u diżarm*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 19 500 000 | 18 000 000 | 20 000 000 | 14 557 025 | 2 497 700,00 | 15 191 019,77 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tiffinanzja miżuri li jikkontribwixxu għan-nonproliferazzjoni ta' armi tal-qerda massiva (nukleari, kimiċi, u bijoloġiċi), primarjament fil-qafas tal-istrateġija tal-UE kontra l-proliferazzjoni tal-Armi tal-Qerda Massiva ta' Diċembru 2003. Dan jinkludi appoġġ għal azzjonijiet implimentati minn organizzazzjonijiet internazzjonali f'dan il-qasam. Hija maħsuba wkoll għall-finanzjament ta' operazzjonijiet kontra l-akkumulazzjoni u traffikar destabbilizzanti ta' armi żgħar u ħfief (SALW).

*Bażi ġuridika*

Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2004/796/PESK tat-22 ta' Novembru 2004 dwar il-ħarsien fiżiku mill-faċilitajiet nukleari fil-Federazzjoni Russa u dwar id-dispożizzjoni tal-għarfien espert biex jgħin lill-Kummissjoni fis-superviżjoni, il-kontroll u s-sorveljanza tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tal-AQM, (ĠU L 349, 25.11.2004, p. 57); EUR 7 730 000.

L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2007/753/PESK tad-19 ta' Novembru 2007 dwar appoġġ għall-attivitajiet ta' monitoraġġ u ta' verifika tal-AIEA fir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Distruzzjoni Massiva (ĠU L 304, 22.11.2007, p. 38); EUR 1 780 000.

L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/314/PESK tat-14 ta' April 2008 li tappoġġa l-attivitajiet tal-IAEA fl-oqsma tas-sigurtà u l-ivverifikar nukleari u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-proliferazzjoni tal-Armi ta' Distruzzjoni Massiva (ĠU L 107 17.4.2008, p. 62): EUR 7 703 000.

L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/368/PESK tal-14 ta' Mejju 2008 b'appoġġ għall-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1540 (2004) u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi tal-Qerda tal-Massiva (ĠU L 127, 15.5.2008, p. 78); EUR 475 000.

L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/487/PESK tat-23 ta' Ġunju 2008 b'appoġġ għall-universalizzazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-1997 dwar il-Projbizzjoni tal-Użu, il-Kumulu ta' Ħażna, il-Produzzjoni u t-Trasferiment ta' Mini tal-Art Kontra l-Persunal u dwar id-Distruzzjoni tagħhom, fil-qafas tal-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà (ĠU L 165, 26.6.2008, p. 41); EUR 1 070 000.

L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/588/PESK tal-15 ta' Lulju 2008 dwar appoġġ għall-attivitajiet tal-Kummissjoni ta' Tħejjija tal-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari (CTBTO) sabiex issaħħaħ il-kapaċitajiet ta' monitoraġġ u verifika tagħha u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi tal-Qerda tal-Massa (ĠU L 189, 17.7.2008, p. 28); EUR 2 136 000.

L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/858/PESK tal-10 ta' Novembru 2008 b'appoġġ għall-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiċi (BTWC), fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Distruzzjoni Massiva (ĠU L 302, 13.11.2008, p. 29); EUR 1 400 000.

L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/974/PESK tat-18 ta' Diċembru 2008 b'appoġġ għall-Kodiċi ta' Kondotta tal-Aja kontra l-Proliferazzjoni tal-Missili Ballistiċi fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 345, 23.12.2008, p. 91); EUR 1 015 000.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/42/PESK tad- 19 ta' Jannar 2009 dwar appoġġ għall-attivitajiet tal-UE sabiex jiġi promoss il-proċess li jwassal għat-Trattat dwar il-Kummerċ fl-Armi fost pajjiżi terzi, fil-qafas tal-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà EUR 836 260.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/569/PESK tas-27 ta' Lulju 2009 dwar appoġġ għal attivitajiet tal-OPCW fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' AQM (ĠU L 197, 29.7.2009, p. 96) EUR 2 110 000.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/1012/PESK tat-22 ta' Diċembru 2009 dwar appoġġ għall-attivitajiet tal-UE għall-promozzjoni tal-kontroll tal-esportazzjoni ta' armi u l-prinċipji u l-kriterji tal-Pożizzjoni Komuni 2008/944/PESK fost pajjiżi terzi (ĠU L 348, 29.12.2009, p. 16); EUR 787 000.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/179/PESK tal-11 ta' Marzu 2010 b'appoġġ għall-attivitajiet tas-SEESAC fil-kontroll ta' armi fil-Balkani tal-Punent, fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-traffikar illeċiti tas-SALW u tal-munizzjon tagħhom (ĠU L 80, 26.3.2010, p. 48); EUR 1 600 000.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/336/PESK tal-14 ta' Ġunju 2010 dwar l-attivitajiet tal-UE f'appoġġ għat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi, fil-qafas tal-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà (ĠU L 152, 18.6.2010, p. 14); EUR 1 520 000.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/461/PESK tas-26 ta' Lulju 2010 dwar appoġġ għall-attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja tal-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali tal-Provi Nukleari (CTBTO) sabiex issaħħaħ il-kapaċitajiet ta' monitoraġġ u verifika tagħha u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-EU kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 219, 20.8.2010, p. 7); EUR 5 280 000.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/430/PESK tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabbilixxi netwerk Ewropew ta' gruppi ta' riflessjoni indipendenti għan-nonproliferazzjoni b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 202, 4.8.2010, p. 5); EUR 2 182 000.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/585/PESK tas-27 ta' Settembru 2010 dwar appoġġ għall-attivitajiet tal-IAEA fl-oqsma tas-sigurtà u l-verifika nukleari u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 259, 1.10.2010, p. 10); EUR 9 966 000.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/765/PESK tat-2 ta' Diċembru 2010 dwar l-azzjoni tal-UE fil-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW) bl-ajru (ĠU L 327, 11.12.2010, p. 44—48); EUR 900 000.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/799/UE tat-13 ta' Diċembru 2010 li tappoġġa l-proċess ta' bini tal-fiduċja li jwassal għall-istabbiliment ta' żona ħielsa mill-armi ta' distruzzjoni massiva u l-mezzi tat-twassil tagħhom fil-Lvant Nofsani b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Distruzzjoni Massiva (ĠU L 341, 23.12.2010, p. 27—31); EUR 347 700.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/428/PESK tat-18 ta' Lulju 2011 b' appoġġ tal-attivitajiet tal-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Affarijiet tad-Diżarmament biex timplimenta tal-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti biex jipprevjenu, jikkumbattu u jeliminaw il-kummerċ illegali fl-armi ż-żgħar u l-armamenti ħfief fl-aspetti kollha tiegħu (ĠU L 188, 19.7.2011, p. 37); EUR 2 150 000.

## *Artikolu 19 03 04 — Miżuri ta' emerġenza*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 34 000 000 | 25 000 000 | 35 000 000 | 28 636 770 | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri l-finanzjament ta' kwalunkwe miżura mhux prevista skont l-Artikoli 19 03 01, 19 03 02 u 19 03 06 deċiża waqt is-sena finanzjarja li għhandhom ikunu implimentati urġentement.

Dan l-artikolu hu maħsub ukoll bħala element ta' flessibbiltà fil-baġit tal-PESK, kif hemm fil-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja u amministrazzjoni finanzjarja soda (ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1).

## *Artikolu 19 03 05 — Miżuri ta' tħejjija u ta' segwitu*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 8 332 000 | 5 000 000 | 6 750 000 | 4 510 291 | 132 190,42 | 216 748,59 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-iffinanzjar ta' miżuri ta' tħejjija sabiex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet għal azzjonijiet tal-Unjoni fil-qasam tas-PESK u għall-adozzjoni tal-istrumenti legali neċessarji. Hija tista' tkopri miżuri ta' valutazzjoni u analiżi (valutazzjoni *ex ante* tal-mezzi, studji speċifiċi, organizzazzjoni ta' laqgħat, tiftix ta' informazzjoni fil-post). Fil-qasam tal-operazzjonijiet ta' ġestjoni ta' kriżijiet tal-Unjoni u għar-Rappreżentanti Speċjali tal-Unjoni Ewropea (EUSR), b'mod partikolari, il-miżuri ta' tħejjija jistgħu, fost affarijiet oħrajn, iservu sabiex jiġu vvalutati l-ħtiġijiet operattivi għal azzjoni kkontemplata, jintbagħtu malajr il-persunal u r-riżorsi inizjali (pereżempju spejjeż tal-missjoni, xiri ta' tagħmir, prefinanzjament ta' spejjeż ta' ġestjoni u ta' assigurazzjoni fil-fażi tal-bidu), jew sabiex jittieħdu l-miżuri meħtieġa fuq il-post ħalli titħejja t-tnedija tal-operazzjoni. Tista' tkopri wkoll esperti li jappoġġjaw l-operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-kriżijiet tal-Unjoni f'oqsma tekniċi speċifiċi (pereżempju l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' akkwisti) jew inkella it-taħriġ dwar is-sigurtà għall-persunal li għandu jintbagħat għal missjoni PESK/tim tal-EUSR.

Tkopri l-ispejjeż li ġejjin relatati għal maħżen għall-missjonijiet ċivili PESK: l-istokk inizjali tat-tagħmir, ir-riforniment tat-tagħmir, servizzi oħra (l-akkwist, ir-riċeviment u spezzjoni, id-distribuzzjoni tal-merkanzija ma' amministrazzjoni export-import u d-dispożizzjoni tal-assigurazzjoni, it-tħejjija ta' tagħmir għat-trasport bil-baħar).

Hija tkopri wkoll miżuri ta’ aġġornament u verifiki tal-miżuri tal-Politika Estera Komuni u ta’ Sigurtà u l-finanzjament ta’ kull nefqa għar-regolarizzazzjoni ta’ miżuri magħluqa qabel.

Din l-approprjazzjoni hija wkoll maħsuba biex tkopri in-nefqa fuq studji, laqgħat tal-esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta b'mod dirett mal-kisba tal-għanijiet tal-miżuri taħt l-Artikoli 19 03 01, 19 03 02 u 19 03 06.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta’ tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 19 03 06 — Rappreżentanti Speċjali tal-Unjoni Ewropea*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 20 000 000 | 16 000 000 | p.m. | 238 640 | 14 941 850,00 | 11 239 938,95 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri n-nefqa konnessa mal-ħatra ta’ Rappreżentanti Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) skont l-Artikolu 33 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Rappreżentanti Speċjali tal-UE għandhom jinħatru bir-rispett dovut għall-politiki dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u dwar l-integrazzjoni tas-sessi u l-ħatra ta’ nisa bħala Rappreżentanti Speċjali tal-UE għalhekk għandha tiġi promossa.

Tkopri n-nefqa għas-salarji tar-RSUE u għat-twaqqif tat-timijiet li jmexxi u/jew l-istrutturi ta’ appoġġ, inkluż spejjeż ta’ persunal barra dawk marbuta ma’ persunal fuq sekondar mill-Istati Membri jew mill-istituzzjonijiet Unjoni. Tkopri wkoll l-ispejjeż ta’ kull proġett implimentat taħt responsabbiltà diretta tar-RSUE.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/270/PESK tal-5 ta’ Mejju 2011 li taħtar Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Kosovo (ĠU L 119, 7.5.2011, p. 12); EUR 690 000.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/424/PESK tat-18 ta’ Lulju 2011 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea fir-reġjun tal-Mediterran tan-Nofsinhar (ĠU L 188, 19.7.2011, p. 24); EUR 855 000.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/425/PESK tat-18 ta’ Lulju 2011 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Asja Ċentrali (ĠU L 188, 19.7.2011, p. 27); EUR 924 850.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/426/PESK tat-18 ta’ Lulju 2011 li taħtar rappreżentat Speċjali tal-Unjoni Ewropea fil-Bożnja u Ħerżegovina (ĠU L 188, 19.7.2011, p. 30); EUR 3 740 000.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/427/PESK tal-18 ta' Lulju 2011 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea fl-Afganistan (ĠU L 188, 19.7.2011, p. 34); EUR 3 560 000.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/499/PESK tal-1 ta’Awwissu 2011 li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2010/450/PESK li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għas-Sudan (fir-Repubblika tas-Sudan u r-Republika tan-Nofsinhar tas-Sudan) (ĠU L 206, 11.8.2011, p. 50); EUR 955 000.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/518/PESK tal-25 ta’ Awwissu 2011 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Kawkasu tan-Nofsinhar u għall-kriżi fil-Georġja (ĠU L 221, 27.8.2011, p. 5); EUR 1 758 000.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/621/PESK tal-21 ta’ Settembru 2011 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Unjoni Afrikana (ĠU L 243, 21.9.2011, p. 19); EUR 715 000.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/691/PESK tal-17 ta’ Ottubru 2011 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea fil-Kosovo (ĠU L 271, 18.10.2011, p. 48); EUR 770 000.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/819/PESK tat-8 ta’ Diċembru 2011 li taħtar Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Qarn tal-Africa (ĠU L 327, 9.12.2011., p. 62); EUR 670 000.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/33/PESK tat-23 ta' Jannar 2012 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani (ĠU L 19, 24.1.2012, p. 17); EUR 1 300 000.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/39/PESK tal-5 ta' Mejju 2011 li taħtar Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Kosovo (ĠU L 23, 26.1.2012, p. 5); EUR 2 410 000.

## Kapitolu 19 04 — Strument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR)

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 19 04 | Strument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR) | | | | | | | | |
| ***19 04 01*** | ***Strument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR)*** | 4 | 128 165 000 | 95 000 000 | 126 665 000 | 103 411 196 | 119 490 293,90 | 89 794 710,91 | 94,52 % |
| ***19 04 03*** | ***Osservazzjoni tal-elezzjonijiet*** | 4 | 36 421 000 | 33 000 000 | 38 000 000 | 33 409 566 | 40 402 805,05 | 29 875 042,57 | 90,53 % |
| ***19 04 04*** | ***Azzjoni ta' thejjija — Tistabbilixi netwerk ta' prevenzjoni tal-kunflitt*** | 4 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 69 140,00 | |
| ***19 04 05*** | ***Tlestija tal-kooperazzjoni preċedenti*** | 4 | p.m. | 1 000 000 | p.m. | 5 727 354 | 0,— | 3 320 184,96 | 332,02 % |
| ***19 04 06*** | ***Proġett pilota —— Forum tas-Soċjetà Ċivili UE-Russja*** | 4 | p.m. | 400 000 | 400 000 | 200 000 | 400 000,00 | 0,— | |
| ***19 04 07*** | ***Proġett pilota —Iffinanzjar għall-vittmi tat-tortura*** | 4 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 1 000 000,00 | 0,— | |
| | **Kapitolu 19 04 — Total** | | **164 586 000** | **129 400 000** | **165 065 000** | **142 748 116** | **161 293 098,95** | **123 059 078,44** | **95,10 %** |

### *Artikolu 19 04 01 — Strument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 128 165 000 | 95 000 000 | 126 665 000 | 103 411 196 | 119 490 293,90 | 89 794 710,91 |

*Kummenti*

L-għan ġenerali għandu jkun li jkun hemm kontribut għall-iżvilupp u l-konsolidament tad-demokrazija u r-rispett għad-drititjiet tal-bniedem, skont il-politika u l-linji ta' gwida tal-Unjoni u f'kooperazzjoni mill-qrib mas-soċjetà ċivili.

L-oqsma ewlenin tal-attività għandhom jinkludu:

— it-tisħiħ tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali f'pajjiżi u reġjuni fejn dawn huma l-aktar fil-periklu, kif ukoll il-promozzjoni tal-istat tad-dritt,

— it-tisħiħ tal-irwol tas-soċjetà ċivili fil-promozzjoni tad-drittijiet umani u r-riforma demokratika, filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tad-difensuri tal-libertà tal-espressjoni u tal-libertà tal-istampa, fl-appoġġ għall-konċiljazzjoni paċifika ta' interessi ta' gruppi u t-tisħiħ fil-parteċipazzjoni u r-rappreżentanza politika,

— l-appoġġ ta' azzjonijiet dwar kwestjonijiet relatati mad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija f'żoni koperti mil-Linji Gwida tal-Unjoni, inklużi djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem, dwar id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, dwar il-piena kapitali, it-tortura, inkluż l-abort furzat, il-mutilazzjoni ġenitali tan-nisa u l-isterilizzazzjoni furzata, u dwar it-tfal u l-kunflitti armati,

— it-tisħiħ tal-qafas internazzjonali għall-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u l-promozzjoni tad-demokrazija, b'mod partikolari l-mekkaniżmi tal-ġustizzja kriminali internazzjonali u l-istrumenti legali ewlenin, b'parti minn dan l-appogg indirizzat biex jinghataw pariri legali u biex jigu investigati każijiet ta' qtil ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u difensuri tal-libertà tal-espressjoni.

Sabiex tiġi żgurata t-trasparenza finanzjarja sħiħa skont l-Art. 53-56 tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni, meta tidħol

f'ġestjoni konġunta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, sejra — meta mitluba - tara li tpoġġi għad-dispożizzjoni tal-Awditur Intern tagħha kif ukoll tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri l-verifiki kollha interni u esterni li jkollhom x'jaqsmu mal-fondi tal-Unjoni.

Parti minn din l-approprjazzjoni se tkun iddedikata għaċ-Ċentru InterUniversitarju Ewropew għad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokratizzazzjoni, li jipprovdi Lawrja Ewropea ta' *Master's* fid-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokratizzazzjoni u Programm ta' *Fellowship* Unjoni-NU, lilhinn mid-data ta' meta tiskadi, fi tmiem l-2006, id-Deċiżjoni Nru 791/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni tal-Komunità biex tippromovi korpi attivi fil-livell Ewropew fil-qasam taż-żgħażagħ (ĠU L 138, 30.4.2004, p. 31).

Parti minn din l-approprjazzjoni se tkun iddedikata biex tiffinanzja inizjattivi indipendenti li jippromwovu l-libertà tal-internet, inklużi l-iżvilupp ta' teknoloġiji li jevitaw iċ-ċensura u softwer li jitqassam (onlajn) lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem bil-għan li jipproteġu lilhom infushom. L-approprjazzjoni għandha tintuża wkoll biex tiffinanzja taħriġ għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem dwar teknoloġiji u d-drittijiet tal-bniedem, u biex ikunu organizzati kuntatti regolari u sistematiċi bejn il-politiċi tal-Unjoni, il-komunità kummerċjali u l-membri tas-soċjetà ċivili biex jaqsmu l-għarfien tagħhom u jiddiskutu pjanijiet ta' politika relatati ma' teknoloġiji u d-drittijiet tal-bniedem.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħra, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew minn organizzazzjonijiet għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, skont l-att bażiku, jista' jwassal għal approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn l-ammonti jirriżultaw mill-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa fuq is-sapport amministrattiv għandhom ikunu stabbiliti mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma tkunx taqbeż l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Din l-approprjazzjoni għandha wkoll l-iskop li tiffinanzja appoġġ għal NGOs u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem impenjati fil-Kawkasu tat-Tramuntana.

Hija għandha wkoll l-iskop li tappoġġja organizzazzjonijiet, bħalma hu l-Club of Madrid, biex jimpenjaw ruħhom attivament biex iseddqu kompetenzi ta' tmexxija u valuri demokratiċi permezz ta' djalogu ta' livell għoli u pariri bejn il-pari ma' mexxejja ta' pajjiżi li għaddejjin minn riformi u tranżizzjonijiet lejn id-demokrazija, kif ukoll billi jindirizzaw kwistjonijiet ta' tħassib globali mill-perspettiva demokratika.

Parti minn din l-approprjazzjoni se tintuża għal appoġġ imsaħħaħ għall-pajjiżi ġirien li huma membri tal-Kunsill tal-Ewropa, biex jilħqu l-istandards tal-Kunsill tal-Ewropa dwar id-demokrazija u l-istat tad-dritt, inkluż appoġġ lit-tisħiħ tal-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet liberi u ġusti.

Parti minn din l-approprjazzjoni tintuża biex il-pajjiżi ġirien li huma membri tal-Kunsill tal-Ewropa jiġu megħjuna jirrispettaw u jaġġustaw is-sistemi legali u ġudizzjarji tagħhom bi qbil mas-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-Fond tal-Unjoni Ewropea għal-Libertà tal-Internet fid-Dinja li għandu l-għan:

— li jrawwem ir-rikonoxximent li t-teknoloġiji l-ġodda tal-komunikazzjoni jintużaw biex jiġu promossi t-tolleranza u l-libertà tal-espressjoni iżda jistgħu jkunu wkoll strumentali fir-ripressjoni jew il-vjolenza. Ikollu l-għan ukoll li jenfasizza li l-libertà tal-internet hija forza ewlenija fir-relazzjonijiet internazzjonali u għandha ssir parti integrali u integrata tal-politika barranija u tas-sigurtà u dik kummerċjali, kif ukoll ta' oqsma oħra tal-politika tal-Unjoni;
— għandu jiffinanzja inizjattivi indipendenti ta' suċċess li jiżviluppaw teknoloġiji li jevitaw iċ-ċensura u softwer li jitqassam lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem bil-għan li jipproteġu lilhom infushom;
— għandu jiffinanzja taħriġ għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem dwar it-teknoloġiji u d-drittijiet tal-bniedem;
— għandu jorganizza kuntatti regolari u sistematiċi bejn il-politiċi tal-Unjoni, il-komunità kummerċjali u l-membri tas-soċjetà ċivili biex jaqsmu l-għarfien tagħhom u jiddiskutu pjanijiet ta' politika relatati ma' teknoloġiji u d-drittijiet tal-bniedem.

*Bażi ġuridika*

Regolament (KE) Nru 1889/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment ta' strument ta' finanzjament għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja (ĠU L 386, 29.12.2006, p. 1).

## *Artikolu 19 04 03 — Osservazzjoni tal-elezzjonijiet*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 36 421 000 | 33 000 000 | 38 000 000 | 33 409 566 | 40 402 805,05 | 29 875 042,57 |

*Kummenti*

L-oqsma ewlenin tal-attività se jinkludu: il-bini tal-fiduċja fi, u t-tisħiħ tal-affidabilità u t-trasparenza tal-proċessi elettorali demokratiċi, permezz tal-iżvilupp ulterjuri tal-osservazzjoni elettorali tal-Unjoni u l-appoġġ tagħha għall-kapaċità tal-osservazzjoni fuq il-livell reġjonali u nazzjonali.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħra, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew minn organizzazzjonijiet għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, skont l-att bażiku, jista' jwassal għal approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn l-ammonti jirriżultaw mill-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa fuq is-sapport amministrattiv għandhom ikunu stabbiliti mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma tkunx taqbeż l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

*Bażi ġuridika*

Regolament (KE) Nru 1889/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment ta' strument ta' finanzjament għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja (ĠU L 386, 29.12.2006, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Missjonijiet tal-Osservazzjoni tal-Elezzjonijiet relatat mal-adozzjoni ta' Strument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem li kkonfermat l-intenzjoni tagħha li żżomm in-nefqa relatata mal-Unjoni EOM fuq livell mhux aktar għoli minn 25 % tal-baġit tal-EIDHR fuq il-perjodu ta' seba' snin tal-Qafas Finanzjarju 2007-2013.

## *Artikolu 19 04 04 — Azzjoni ta' tħejjija — Tistabbilixi netwerk ta' prevenzjoni tal-kunflitt*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 69 140,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tiffinanzja *netwerk* ta' prevenzjoni tal-kunflitt biex isir ix-xogħol tal-bażi analitiku għal, u jkun mseddaq, it-teħid ta' deċiżjonijiet fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni, kif provdut fir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2001 fuq il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni fuq il-prevenzjoni tal-kunflitt (ĠU C 177 E, 25.7.2002, p. 291).

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Gunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-bagit generali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja azzjoni preparatorja skont it-tifsira tal-Ftahima Interistituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina tal-baġit u t-titjib tal-proċedura tal-baġit (ĠU C 172, 18.6.1999, p. 1) u tal-Ftehima Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina tal-baġit u l-amministrazzjoni finanzjarja soda (ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1).

## *Artikolu 19 04 05 — Tlestija tal-kooperazzjoni preċedenti*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 1 000 000 | p.m. | 5 727 354 | 0,— | 3 320 184,96 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni tkopri t-tlestija tal-kooperazzjoni preċedenti taħt l-Inizjattiva Ewropea għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem.

Din l-approprjazzjoni tkopri l-appoġġ għat-twaqqif u ż-żamma ta' ċentri ta' rijabilitazzjoni għall-vittmi tat-tortura, b'kunsiderazzjoni għall-aspetti speċifiċi għas-sessi tat-tortura fuq in-nisa u t-tfal, u l-familji tagħhom u għal organizzazzjonijiet oħra li joffru għajnuna konkreta lill-vittmi tal-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem. L-appoġġ għar-rijabilitazzjoni tal-vittmi tat-tortura għandu jibqa' prijorità. Il-proġetti għandhom ukoll jinkludu attivitajiet ta' prevenzjoni fejn ikun relevanti.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri għoti ta' għajnuna għall-proġetti magħmula f'pajjiżi terzi u fl-Unjoni bl-oġġettivi li ġejjin:

— il-promozzjoni u d-difiża tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fondamentali,

— appoġġ għall-proċess ta' demokratizzazzjoni, tisħiħ tal-istat tad-dritt u tmexxija tajba,

— appoġġ għal miżuri li jseddqu r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-proċess ta' demokratizzazzjoni,

— appoġġ għall-isforzi għat-trawwim tat-twaqqif ta' gruppi ta' pajjiżi demokratiċi fin-Nazzjonijiet Uniti, aġenziji speċjalizzati u organizzazzjonijiet reġjonali.

Din l-approprjazzjoni tkopri appoġġ finanzjarju għall-bini tal-kunfidenza fi, u t-tisħiħ tal-affidabilità u t-trasparenza ta', il-proċessi elettorali permezz ta' Missjonijiet ta' Osservaturi Elettorali tal-Unjoni Ewropea u appoġġ għall-kapaċità ta' osservazzjoni fuq il-livell reġjonali u nazzjonali.

Hija maħsuba wkoll biex tippermetti , fir-Regolamenti tal-Persunal, l-użu ta' persunal estern li jipprovdi appoġġ lill-misjonijiet elettorali ta' osservazzjoni, inkluż il-finanzjament tal-kuntratt tal-osservatur ewlieni mal-Kummissjoni bħala konsulent speċjali skont l-Artikoli 5 u 82 tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Impjegati Oħra tal-Komunitajiet Ewropej, fir-Regolamenti tal-Persunal.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament ta' miżuri disinjati għat-titjib tal-funzjonament tal-Qorti Internazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti għall-ex Jugoslavja u l-Qorti Internazzjonali Kriminali għar-Rwanda, kif ukoll appoġġ għall-Qorti Speċjali Internazzjonali għall-Isierra Leone.

Hija maħsuba wkoll biex tkopri l-finanzjament għall-operat tal-Qorti Kriminali Internazzjonali, inkluż l-appoġġ għall-organizzazzjonijiet internazzjonali, reġjonali jew lokali, inklużi l-NGOs, sabiex jiġu promossi aktar ratifikazzjonijiet tal-Istatut tal-Qorti, sabiex tiġi pprovduta għajnuna esperta legali għat-traspożizzjoni tal-Istatut fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, sabiex jissaħħaħ l-appoġġ pubbliku għall-Qorti u sabiex jiġi pprovdut taħriġ dwar l-iżviluppi tal-Qorti.

*Bażi ġuridika*

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 975/1999 tad-29 ta' April 1999 li jistabbilixxi l-ħtiġijiet għat-twettiq tal-azzjonijiet ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp li jikkontribwixxu għall-għan ġenerali tal-iżvilupp tat-tisħiħ tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt u kif ukoll għal dak tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali (ĠU L 120, 8.5.1999, p. 1).

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 976/1999 tad-29 ta' April 1999 li jistabbilixxi l-ħtiġijiet għat-twettiq tal-azzjonijiet Komunitarji għajr dawk ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp li, fil-qafas tal-politika tal-kooperazzjoni Komunitarja, jikkontribwixxu għall-għan ġenerali tal-iżvilupp u tat-tisħiħ tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt kif ukoll għal dak tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali fil-pajjiżi terzi (ĠU L 120, 8.5.1999, p. 8).

Ir-Regolament (KE) Nru 1889/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment ta' strument ta' finanzjament għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja (ĠU L 386, 29.12.2006, p. 1).

## *Artikolu 19 04 06 — Proġett pilota —— Forum tas-Soċjetà Ċivili UE-Russja*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 400 000 | 400 000 | 200 000 | 400 000,00 | 0,— |

*Kummenti*

L-għan tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili UE-Russja huwa li jistabbilixxi kuntatti regolari u sistematiċi bejn is-soċjetà ċivili u l-NGOs fir-Russja l-kontropartijiet tagħhom fil-pajjiżi. Huwa jagħti lill-parteċipanti tas-soċjetà ċivili fl-Unjoni u fir-Russja opportunità biex jgħidu tagħhom dwar suġġetti ta' interess komuni. Il-laqgħat tal-forum għandhom isiru fil-marġni tas-samits biannwali Unjoni-Russja. Il-proġett pilota huwa maħsub biex isaħħaħ approċċ minn isfel għal fuq fil-proċessi politiċi Ewropej u Russi.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 19 04 07 — Proġett pilota —Iffinanzjar għall-vittmi tat-tortura*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 1 000 000,00 | 0,— |

*Kummenti*

L-objettiv ewlieni ta' dan il-proġett pilota huwa li tinħoloq linja ġdida ta' finanzjament għall-vittmi tat-tortura.

Il-proġett pilota se jkopri l-azzjonijiet li ġejjin:

— il-ħolqien ta' ċentri ta' riabilitazzjoni għall-vittmi tat-tortura jew l-appoġġ għal dawk li diġà jeżistu,

— l-għoti ta' aċċess għal appoġġ u 'counselling' multidixxiplinarju, inkluż it-trattament fiżiku u psikoterapewtiku, "counselling" psikosoċjali, servizzi legali u appoġġ soċjoekonomiku lill-vittmi.

*Bażi ġuridika*

Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 83 30.3.2010, p. 389).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/9/KE tas-27 ta' Jannar 2003 li tistipula standards minimi għall-ilqugħ ta' min ikun qed ifittex l-ażil (ĠU L 31, 6.2.2003, p. 18) .

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, l-2865 laqgħa tal-Kunsill għar-Relazzjonijiet Esterni, il-Lussemburgu, 29 ta' April 2009.

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

# KAPITOLU 19 05 — RELAZZJONIJIET U KOOPERAZZJONI MA' PAJJIŻI TERZI INDUSTRIJALIZZATI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 19 05 | Relazzjonijiet u Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi industrijalizzati | | | | | | | | |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *19 05 01* | ***Il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi industrijalizzati*** | 4 | 24 400 000 | 19 000 000 | 24 021 000 | 19 854 828 | 25 109 287,17 | 19 548 791,15 | 102,89 % |
| *19 05 02* | ***Organizzazzjoni tal-Iżvilupp tal-Enerġija fil-Peninsula tal-Korea (KEDO)*** | 4 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | |
| *19 05 03* | ***Proġett pilota — Metodi transatlantiċi għal ġestjoni tal-isfidi globali*** | 4 | p.m. | p.m. | p.m. | 300 000 | 0,— | 506 884,73 | |
| | **Kapitolu 19 05 — Total** | | **24 400 000** | **19 000 000** | **24 021 000** | **20 154 828** | **25 109 287,17** | **20 055 675,88** | **105,56 %** |

## *Artikolu 19 05 01 — Il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi industrijalizzati*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 24 400 000 | 19 000 000 | 24 021 000 | 19 854 828 | 25 109 287,17 | 19 548 791,15 |

*Kummenti*

Il-kooperazzjoni mal-pajjiżi u territorji industrijalizzati u oħrajn ta' dħul għoli hija mmirata sabiex ikun hemm kooperazzjoni ma' sħab li għandhom l-istess strutturi u valuri politiċi, ekonomiċi u istituzzjonali tal-Unjoni u li huma sħab u parteċipanti bilaterali importanti f'fora multilaterali u fit-tmexxija globali. Din il-kooperazzjoni tkopri wkoll pajjiżi u territorji li għadhom kif ġew industrijalizzati jew li dan l-aħħar sar għandhom livell għoli ta' dħul li l-Unjoni għandha interess strateġiku li tippromwovi r-rabtiet magħhom.

Se tingħata attenzjoni speċifika għal miżuri li jistgħu jinkludu dimensjoni reġjonali, fl-oqsma ta' kooperazzjoni li ġejjin:

- il-promozzjoni tal-kooperazzjoni, is-sħubijiet u l-impriżi konġunti bejn atturi ekonomiċi, akkademiċi u xjentifiċi fil-Unjoni u pajjiżi sħab,
- l-istimular tal-kummerċ bilaterali, il-flussi tal-investiment u s-sħubijiet ekonomiċi,
- il-promozzjoni tad-djalogu bejn l-atturi politiċi, ekonomiċi u soċjali u organizzazzjonijiet mhux governattivi oħrajn f'setturi relevanti fl-Unjoni u pajjiżi sħab,
- il-promozzjoni ta' rabtiet bejn in-nies, programmi ta' edukazzjoni u taħriġ u skambji intellettwali u t-titjib tal-komprensjoni reċiproka bejn il-kulturi u ċ-ċiviltajiet,
- il-promozzjoni ta' proġetti ta' kooperazzjoni f'oqsma bħar-riċerka, ix-xjenza u t-teknoloġija, l-enerġija, it-trasport u l-ambjent - inkluża l-bidla fil-klima, l-oqsma tad-dwana u finanzjarji u kull qasam ieħor ta' interess komuni bejn l-Unjoni u l-pajjiżi sħab,
- it-tisħiħ tal-għarfien dwar l-Unjoni, u l-komprensjoni u l-viżibilita tagħha, fil-pajjiżi sħab,
- appoġġ għal inizjattivi speċjali, inkluż xogħol ta' riċerka, studji, skemi pilota jew proġetti konġunti ddestinati li jirrispondu b'mod effettiv u flessibbli għall-għanijet ta' kooperazzjoni li jirriżultaw mill-iżviluppi fir-relazzjoni bilaterali tal-Unjoni mal-pajjiżi sħab jew jimmiraw li jipprovdu impetu għal aktar tisħiħ u tkabbir tar-relazzjonijiet bilaterali magħhom.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħra, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew minn organizzazzjonijiet għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, skont l-att bażiku, jista' jwassal għal approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn l-ammonti jirriżultaw mill-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa fuq appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi mill-ftehim dwar il-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull Kapitolu.

*Bażi ġuridika*

Il-proposta tal-Kummissjoni COM(2004) 629 finali tad-29 ta' Settembru 2004 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi dispożizzjonijiet li jistabbilixxu strument finanzjarju għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp u għall-kooperazzjoni ekonomika (DCECI).

## *Artikolu 19 05 02 — Organizzazzjoni tal-Iżvilupp tal-Enerġija fil-Peninsula tal-Korea (KEDO)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

L-ebda approprjazzjoni għal kontribuzzjoni għall-Organizzazzjoni tal-Iżvilupp tal-Enerġija fil-Peninsula tal-Korea (KEDO) ma ddaħħlet għax huwa mistenni li l-KEDO tkompli f'forma mnaqqsa ħafna.

*Bażi ġuridika*

Il-ftehim tal-24 ta' Marzu 2006 bejn il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp tal-Enerġija tal-Peninsula Koreana.

Il-parteċipazzjoni tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fl-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp tal-Enerġija tal-Peniżola Koreana.

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 300/2007 tad-19 ta' Frar 2007 li jwaqqaf Strument għall-Kooperazzjoni fis-Sikurezza Nukleari (ĠU L 81, 22.3.2007, p. 1).

## *Artikolu 19 05 03 — Proġett pilota — Metodi transatlantiċi għal ġestjoni tal-isfidi globali*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | 300 000 | 0,— | 506 884,73 |

*Kummenti*

Dan il-proġett pilota huwa maħsub sabiex jisseddqu approċċi transatlantiċi komuni għal sfidi ta' politika internazzjonali ċentrali. Miżuri taħt dan il-proġett pilota se jimmiraw sabiex itejbu l-effikaċja tal-azzjonijiet mill-komunità internazzjonali u jkunu komplementari għal mekkaniżmi eżistenti. Il-proġett pilota se jintuża sabiex jiffinanzja mpriżi nnovattivi bejn dawk li jfasslu l-politika Ewropea u Amerikana li huma lil hinn mill-iskop tal-għodod kurrenti disponibbli taħt l-istrument legali eżistenti. Fl-implimentazzjoni ta' din l-azzjoni l-Kummissjoni se tassigura distribuzzjoni bilanċjata tas-sussidji. Se jgħin ukoll biex ikun hemm involviment min-naħa ta' Amministrazzjoni fl-Istati Uniti biex tissaħħaħ is-sħubija Transatlantika. Finalment, se jipprovdi opportunità biex il-ħsieb tal-Unjoni jiġi ppreżentat lill-akademiċi tal-Istati Uniti.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2006 dwar il-baġit 2007: Rapport Annwali tal-Kummisjoni dwar l-Istrateġija Politika (ĠU C 297 E, 7.12.2006, p. 357) u r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Ġunju 2006 dwar it-titjib tar-relazzjonijiet UE-US fil-qafas tal-Ftehim ta' Sħubija Tranżatlantika u dwar ir-relazzjonijiet ekonomiċi transatlantiċi UE-UE (ĠU C 298 E, 8.12.2006, p. 226) u dwar ir-relazzjonijiet ekonomiċi transatlantiċi UE-Stati Uniti (ĠU C 298 E, 8.12.2006, p. 235).

# Kapitolu 19 06 — Rispons għal kriżijiet u theddid globali għas-sigurtà

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 19 06 | Rispons għal kriżijiet u theddid globali għas-sigurtà | | | | | | | | |
| ***19 06 01*** | ***Rispons u tħejjija għall-kriżijiet*** | | | | | | | | |
| 19 06 01 01 | Rispons u tħejjija għall-kriżijiet (Strument ta' Stabbilità) | 4 | 241 717 000 | 160 000 000 | 232 834 000 | 150 772 596 | 204 536 086,00 | 120 731 893,28 | 75,46 % |
| 19 06 01 02 | It-Tlestija ta' kooperazzjoni preċedenti | 4 | p.m. | p.m. | p.m. | 238 640 | 0,— | 289 437,13 | |
| | *Artikolu 19 06 01 — Sub-total* | | 241 717 000 | 160 000 000 | 232 834 000 | 151 011 236 | 204 536 086,00 | 121 021 330,41 | 75,64 % |
| ***19 06 02*** | ***Azzjonijiet għall-protezzjoni ta' pajjiżi u l-popolazzjonijiet tagħhom kontra theddid teknoloġiku kritiku*** | | | | | | | | |
| 19 06 02 01 | Azzjonijiet fil-qasam tal-mitigazzjoni tar-riskju u preparazzjoni li għandha x'taqsam ma' materjali jew aġenti kimiċi nukleari u bijoloġiċi (Strument ta' Stabbilità) | 4 | 46 300 000 | 32 000 000 | 46 300 000 | 28 636 770 | 49 000 000,00 | 39 298 182,91 | 122,81 % |
| 19 06 02 03 | Il-politika tal-Unjoni dwar il-ġlieda kontra l-proliferazzjoni tal-armi ħfief | 4 | p.m. | 86 000 | p.m. | 820 921 | 0,— | 914 092,00 | 1062,90 % |
| | *Artikolu 19 06 02 — Sub-total* | | 46 300 000 | 32 086 000 | 46 300 000 | 29 457 691 | 49 000 000,00 | 40 212 274,91 | 125,33 % |
| ***19 06 03*** | ***Azzjonijiet Transreġjionali fl-oqsma tal-kriminalità organizzata, traffikar, protezzjoni ta' infrastruttura kritika u theddidiet għas-saħħa pubblika u l-ġlieda kontra t-terroriżmu (Strument ta' Stabbilità)*** | 4 | 33 300 000 | 15 000 000 | 22 000 000 | 12 600 179 | 30 000 000,00 | 7 348 406,27 | 48,99 % |
| ***19 06 04*** | ***Assistenza fis-settur nukleari*** | 4 | 77 476 000 | 69 405 000 | 76 055 700 | 64 910 013 | 74 607 905,05 | 68 496 994,00 | 98,69 % |
| ***19 06 06*** | ***Kooperazzjoni Konsulari*** | 4 | — | — | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | |
| ***19 06 07*** | ***Proġett pilota — Appoġġ għal miżuri ta' sorveljanza u protezzjoni għal bastimenti tal-Unjoni li jbaħħru f'żoni fejn il-piraterija hija ta' theddida*** | 4 | p.m. | 340 000 | p.m. | 600 000 | 0,— | 680 000,00 | 200,00 % |
| ***19 06 08*** | ***Azzjoni ta' tħejjija — Reazzjoni ta' emerġenza għall-kriżi finanzjarja u ekonomika fil-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw*** | 4 | p.m. | 200 000 | p.m. | 200 000 | 0,— | 0,— | |
| ***19 06 09*** | ***Proġett pilota — Programm għall-attivitajiet ta' konsolidazzjoni tal-paċi mmexxija minn NGOs*** | 4 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 1 000 000,00 | 0,— | |
| | **Kapitolu 19 06 — Total** | | **398 793 000** | **277 031 000** | **377 189 700** | **258 779 119** | **359 143 991,05** | **237 759 005,59** | **85,82 %** |

*Kummenti*

## *Artikolu 19 06 01 — Rispons u tħejjija għall-kriżijiet*

### Partita 19 06 01 01 — Rispons u tħejjija għall-kriżijiet (Strument ta' Stabbilità)

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 241 717 000 | 160 000 000 | 232 834 000 | 150 772 596 | 204 536 086,00 | 120 731 893,28 |

*Kummenti*

Ir-rilaxx rapidu tal-finanzjament permezz tal-istrument ta’ Stabbilità huwa maħsub biex jindirizza sitwazzjonijiet ta’ urġenza, kriżi jew ta’ kriżi potenzjali, sitwazzjonijiet ta’ tpoġġi theddida għad-demokrazija, id-dritt tal-liġi, għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, għas-sigurtà ta’ individwi, sitwazzjonijiet li jheddu li jeskalaw f'kunflitt bl-armi jew li jiddestabbilizzaw il-pajjiż ikkonċernat u fejn tali sitwazzjonijiet jistgħu jikkompromettu l-effetti benefiċi ta’ linji politiċi u programmi ta’ assistenza u Kooperazzjoni, l-effettività tagħhom u/jew il-kondizzjonijiet għall-implimentazzjoni proprja tagħhom.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri programm integrat ta’ miżuri ta’ rispons biex jiksbu lura l-kundizzjonijiet minimi neċessarji għall-għajnuna taħt l-istrumenti ta’ assistenza tal-Unjoni fuq perjodu ta’ żmien twil. Programmi bħal dawn jiżguraw rabta soda bejn is-sostenn, ir-rijabilitazzjoni u l-iżvilupp. Dawn għandhom jipprovdu wkoll miżuri kumplimentari li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Komunità li għandha x’taqsam ma’ miżuri adottati taħt il-PESK, bħala parti minn strateġija komprensiva tal-Unjoni għal sitwazzjonijiet ta’ kriżi.

L-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri miżuri ta’ reazzjoni biex jiġu evitati u mnaqqsal-perikli maħluqa mill-bidla fil-klima, b'mod partikolari l-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma, f'każijiet fejn dawn il-perikli jkunu qed jissugraw li jikbru f'theddid għas-sigurtà.

L-operazzjonijiet koperti jinkludu, fost oħrajn:

— appoġġ għal attivitajiet tekniċi u loġistiċi għall-isforzi ta’ organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali, atturi statali jew ta’ non-stat għall-promozzjoni tal-bini tal-kunfidenza, medjazzjoni, djalogu u rikonċiljazzjoni,

— it-tnedija mill-ġdid tas-servizzi pubbliċi bażiċi u tal-attivitajiet ekonomiċi,

— ir-rijabilitazzjoni fiżika u operattiva inizjali tal-infrastruttura bażika, inkluż it-tneħħija tal-mini,

— ir-ri-integrazzjoni soċjali, b’mod partikolari ta’ refuġjati, persuni spostati u ġellieda demobilizzati,

— il-ksib mill-ġdid tal-kapaċitajiet istituzzjonali meħtieġa għal tmexxija tajba u l-aċċertament ta’ stat tad-dritt u demokrazija,

— għajnuna għall-bżonnijiet speċjali tan-nisa u t-tfal affettwati minn kunflitt bl-armi, b’mod partikolari r-rijabilitazzjoni ta’ tfal milquta minn gwerra, inklużi suldati tfal, ukoll bil-kooperazzjoni tas-Sotto-Segretarju-Ġenerali tan-NU, ir-Rappreżentant Speċjali għat-Tfal u l-Kunflitt bl-Armi

— miżuri ta’ preparazzjoni mmirati biex isaħħu l-kapaċità ta’ organizzazzjonijiet internazzjonali, reġjonali u subreġjonali, protagonisti statali u mhux statali fir-rigward tal-isforzi tagħhom biex jippromovu sejħa bikrija ta’ twissija, bini ta’ kunfidenza, medjazzjoni u rikonċiljazzjoni, kif ukoll jindirizzaw tensjonijiet interkomunitarji emerġenti, u jtejbu l-irkupru wara l-kunflitt u wara d-diżastri. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni se ttejjeb ukoll il-kapaċità ta’ organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, billi tibni fuq l-appoġġ li kien hemm qabel taħt l-azzjoni ta’ tħejjija tan-netwerk tal-prevenzjoni tal-kunflitti,

— appoġġ għal tribunali kriminali internazzjonali u tribunali nazzjonali ad hoc, kummissjonijiet għall-verità u r-rikonċiljazzjoni, u mekkaniżmi għas-soluzzjoni legali ta’ pretensjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem,

— appoġġ għal miżuri biex jiġi indirizzat, fil-kuntest tal-politika tal-Unjoni tal-Kooperazzjoni u l-għanijiet tagħha, l-impatt fuq il-popolazzjoni ċivili tal-użu illeċitu tal-armi tan-nar u l-aċċess għalihom,

— appoġġ għal miżuri li jippromwovu u jiddefendu r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem,

— appoġġ għal miżuri biex jiġu appoġġati l-iżvilupp u l-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili.

Imsieħba li jimplimentaw jistgħu jinkludu awtoritajiet tal-Istati Membri jew pajjiżi benefiċjarji u l-aġenziji tagħhom, organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom, organizzazzjonijiet mhux governattivi, operaturi pubbliċi u privati u organizzazzjonijiet jew operaturi individwali (inkluż persunal issekondat mill-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri) bil-kompetenza speċjalizzata u l-esperjenza xierqa.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħra, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew minn organizzazzjonijiet għal ċerti proġetti jew programmi ta’ għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, skont l-att bażiku, jista’ jwassal għal approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn l-ammonti jirriżultaw mill-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa fuq is-sapport amministrattiv għandhom ikunu stabbiliti mill-ftehim ta’ kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma tkunx taqbeż l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1717/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Novembru 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Istabbilità (ĠU L 327, 24.11.2006, p. 1).

Partita 19 06 01 02 — It-Tlestija ta’ kooperazzjoni preċedenti

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | 238 640 | 0,— | 289 437,13 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri, flimkien mal-finanzjament allokat għall-iskemi tal-mini kontra l-persuni skont programmi ta’ kooperazzjoni mal-pajjiżi benefiċjari kkonċernati, il-kontribut tal-Komunità għal proġetti dwar il-mini tal-art kontra l-persunal, partikolarment skemi dwar l-implimentazzjoni tat-Trattat ta’ Ottawa (Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Użu, Ħażna, Produzzjoni u Trasferiment ta’ Mini Kontra l-Persunal u dwar il-Qerda Tagħhom).

Hija maħsuba wkoll biex tkopri azzjonijiet immirati lejn ir-rijabilitazzjoni tal-vittmi tal-mini kontra l-persunal.

Hemm il-ħsieb li tkun koperta firxa sħiħa ta’ azzjonijiet bħalma huma t-tneħħija tal-mini, il-qerda tal-ħażna, l-edukazzjoni dwar is-sogru tal-mini, stħarriġ ta’ żoni suspettati u għajnuna lill-vittmi.

Tinkludi wkoll l-finanzjament ta’ attivitajiet ta’ organizzazzjonijiet mhux governattivi biex iqajmu l-kwistjoni tal-problema tal-mini tal-art ma’ gruppi armati mhux Statali li huma 'parti mill-problema’, u li għalhekk għandhom ikun wkoll 'parti mis-soluzzjoni’.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1724/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Luju 2001 dwar azzjoni kontra mini tal-art kontra l-persunal f'pajjiżi li qed jiżviluppaw (ĠU L 234, 1.9.2001, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1725/2001 tat-23 ta’ Lulju 2001 dwar azzjoni kontra mini tal-art kontra l-persunal f'pajjiżi terzi barra minn pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw (ĠU L 234, 1.9.2001, p. 6).

Ir-Regolament (KE) Nru 1717/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Novembru 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Istabbilità (ĠU L 327, 24.11.2006, p. 1).

## *Artikolu 19 06 02 — Azzjonijiet għall-protezzjoni ta’ pajjiżi u l-popolazzjonijiet tagħhom kontra theddid teknoloġiku kritiku*

Partita 19 06 02 01 — Azzjonijiet fil-qasam tal-mitigazzjoni tar-riskju u preparazzjoni li għandha x'taqsam ma’ materjali jew aġenti kimiċi nukleari u bijoloġiċi (Strument ta’ Stabbilità)

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 46 300 000 | 32 000 000 | 46 300 000 | 28 636 770 | 49 000 000,00 | 39 298 182,91 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri azzjonijiet li l-għan tagħhom huwa li jgħinu jissalvagwardjaw pajjiżi u popolazzjonijiet kontra theddid teknolo ġiku kritiku. Dan jista’ *inter alia* jinkludi:

— il-promozzjoni ta’ attivitajiet ċivili ta’ riċerka bħala alternattiva għar-riċerka relatata mad-difiża, u appoġġ għat-taħriġ mill-ġdid u l-impjieg alternattiv ta’ xjenzati u inġiniera li qabel kienu impjegati fl-oqsma relatati mal-armi,

— appoġġ għ al miżuri biex titjieb il-prattika tas-sigurt à relatata ma’ faċilitajiet ċivili fejn huma maħ żuna jew immaniġġati materjali jew aġenti sensittivi kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi jew nukleari, fil-kuntest ta’ programmi ċivili ta’ riċerka,

— appoġġ, fi ħdan il-qafas ta’ linji politiċi tal-Unjoni ta’ Kooperazzjoni u l-objettivi tagħhom, għall-istabbiliment ta’ infrastruttura ċivili u studji ċivili rilevanti meħtieġa għ aż-żarmar, ir-rimedjazzjoni jew il-konverżjoni ta’ fa ċilitajiet u siti relatati mal-armi fejn jiġi ddikjarat li dawn ma għ adhomx jappartjenu lil programm ta’ difiża,

— it-tisħiħ tal-kapaċità tal-awtoritajiet ċ ivili kompetenti involuti fl-iżvilupp u l-infurzar ta’ kontroll effettiv tal-ittraffikar f'materjali jew aġenti kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi jew nukleari (inkluż it-tagħmir għall-produzzjoni jew konsenja tagħhom), inkluż

permezz tal-installazzjoni ta' tagħmir modern ta' evalwazzjoni loġistika u ta' kontroll,

— l-iżvilupp ta' qafas legali u kapaċitajiet istituzzjonali għall-istabbiliment u l-infurzar ta' kontrolli effettivi tal-esportazzjoni fuq prodotti li għandhom użu doppju, inklużi miżuri ta' Kooperazzjoni reġjonali,

— l-iżvilupp ta' miżuri ċivili effettivi dwar it-tħejjija għ al diżastri, l-ippjanar għal emerġenzi, ir-rispons għall-kriżijiet, u l-kapaċitajiet għat-tindif fir-rigward ta' inċidenti ambjentali kbar possibbli f'dan il-qasam.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħra, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew minn organizzazzjonijiet għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, skont l-att bażiku, jista' jwassal għal approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn l-ammonti jirriżultaw mill-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa fuq is-sapport amministrattiv għandhom ikunu stabbiliti mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma tkunx taqbeż l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1717/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Istabbilità (ĠU L 327, 24.11.2006, p. 1).

## Partita 19 06 02 03 — Il-politika tal-Unjoni dwar il-ġlieda kontra l-proliferazzjoni tal-armi ħfief

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 86 000 | p.m. | 820 921 | 0,— | 914 092,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja miżuri kontra l-proliferazzjoni ta' armi ħfief u t-traffikar illeċitu tal-armi.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1717/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Istabbiltà (ĠU L 327, 24.11.2006, p. 1).

## *Artikolu 19 06 03 — Azzjonijiet Transreġjionali fl-oqsma tal-kriminalità organizzata, traffikar, protezzjoni ta' infrastruttura kritika u theddidiet għas-saħħa pubblika u l-ġlieda kontra t-terroriżmu (Strument ta' Stabbilità)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 33 300 000 | 15 000 000 | 22 000 000 | 12 600 179 | 30 000 000,00 | 7 348 406,27 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri azzjonijiet ġodda maħsuba sabiex ikabbru l-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi fir-rigward ta' sfidi transkonfinali globali u reġjonali li jaffettwaw is-sigurtà u d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini.

Il-miżuri fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu għandhom jirrispettaw bi sħiħ l-obbligi internazzjonali ad-drittijiet tal-bniedem ta' pajjiż terz u l-liġi umanitarja applikabbli konformi mad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni annessa mar-Regolament (KE) Nru 1717/2006.

Tal miżuri se jkopru:

— it-tisħiħ tal-kapaċita tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk tal-ġudikatura u ċivili involuti fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalita organizzata, inkluż it-traffiku illeċitu tan-nies, drogi, armi u materjali splussivi, u fil-kontroll effettiv tal-kummerċ u t-tranżitu illegali,

— l-appoġġ għal miżuri biex jindirizzaw theddid għat-trasport u infrastruttura kritika internazzjonali, inkluż traffiku ta' passiġġieri u

merkanzija,

— il-garanzija ta’ rispons adegwat għal theddid maġġuri għas-saħħa pubblika, bħal epidemiji b'potenzjal ta’ impatt trans-nazzjonali.

— l-appoġġ għal miżuri mmirati lejn it-tkattir tal-implimentazzjoni ta’ u l-konformità mal-Konvenzjoni ta’ Ottawa dwar il-Mini tal-Art kontra l-Persunal (APL — Anti-Personnel Landmines) u l-Konvenzjoni ta’ Oslo dwar Munizzjoni Cluster (Cluster Munitions CCM); parti minn din l-approprjazzjoni għandha tintuża għal azzjonijiet ta’ kontroll u tneħħija ta’ mini tal-art kontra l-persunal, munizzjoni cluster u fdalijiet splussivi tal-gwerra (ERW), inklużi r-riċerka, l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-għajnuna tal-vittmi.

Dawn il-miżuri jistgħu jiġu adottati taħt dan l-istrument fil-kuntest ta’ kundizzjonijiet stabbli, fejn għandhom l-għan li jindirizzaw theddid speċifiku globali u tranżreġjonali li jkollhom effett destabbilizzanti, u biss sal-punt li risposta adegwata u effettiva ma tkunx tista’ tiġi pprovduta taħt strumenti relatati tal-Unjoni għall-għajnuna esterna. Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll sabiex tkopri t-tlestija tal-ħlasijiet għall-miżuri ffinanzjati taħt l-ex linja tal-baġit 19 02 11 'Skemi ta’ kooperazzjoni bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar fil-kampanja kontra d-drogi u d-dipendenza fuq id-drogi'.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħra, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew minn organizzazzjonijiet għal ċerti proġetti jew programmi ta’ għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, skont l-att bażiku, jista’ jwassal għal approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn l-ammonti jirriżultaw mill-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa fuq is-sapport amministrattiv għandhom ikunu stabbiliti mill-ftehim ta’ kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma tkunx taqbeż l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1717/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Novembru 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Istabbilità (ĠU L 327, 24.11.2006, p. 1).

## *Artikolu 19 06 04 — Assistenza fis-settur nukleari*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 77 476 000 | 69 405 000 | 76 055 700 | 64 910 013 | 74 607 905,05 | 68 496 994,00 |

*Kummenti*

*Dawk li kienu l-partiti 19 06 04 01 u 19 06 04 02*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri il-finanzjament ta’:

— il-promozzjoni ta' kultura ta' sikurezza nukleari effikaċi fil-livelli kollha, b'mod partikolari permezz ta':

  — appoġġ kontinwu għall-korpi regolatorji, organizzazzjonijiet ta’ appoġġ tekniku, u r-rinfurzar tal-qafas regolatorju, partikolarment dwar l-attivitajiet ta’ liċenzjar,

  — filwaqt li jibbenefikaw partikolarment mill-esperjenza tal-operaturi, programmi ta’ għajnuna fuq il-post u esterna u kif ukoll konsulenza u attivitajiet relatati mmirati għal titjib fis-sikurezza tad-disinn, l-operazzjoni u l-manteniment tal-impjanti nukleari li huma bħalissa liċenzjati u stallazzjonijiet nukleari oħra eżistenti sabiex jinkisbu livelli għolja ta’ sikurezza,

  — appoġġ għat-trasport, trattament u tneħħija sikuri tal-fjuwil nukleari użat u l-iskart radjoattiv, u

  — l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta’ strateġiji għaż-żarmar ta’ stallazzjonijiet eżistenti u r-riabilitazzjoni ta’ dawk li kienu siti nukleari,

— il-promozzjoni ta’ kwadri, proċeduri u sistemi regolatorji effettivi sabiex tiġi żgurata protezzjoni adegwata kontra r-radjazzjonijiet ijonizzanti minn materjali radjoattivi, b'mod partikolari minn sorsi radjoattivi ta’ attività għolja, u t-tneħħija sikura tagħhom,

— it-twaqqif tal-qafas u l-metodoloġiji regolatorji neċessarji għall-implimentazzjoni tas-salvagwardji nukleari, inkluż għall-ikkontabilizzar u l-kontroll xierqa tal-materjali fissili fuq il-livell tal-istat u l-operaturi,

— it-twaqqif ta’ arranġamenti effettivi għall-prevenzjoni tal-inċidenti b'konsegwenzi radjoloġiċi u kif ukoll il-mitigazzjoni ta’ dawn il-konsegwenzi jekk iseħħu, u għall-miżuri ta’ ppjanar għall-emerġenzi, tħejjija u rispons, protezzjoni ċivili u riabilitazzjoni,

— miżuri għall-promozzjoni tal-Kooperazzjoni internazzjonali (inkluż il-qafas tal-organizzazzjonijiet internazzjonali relevanti, partikolarment l-IAEA) fl-oqsma ta’ hawn fuq, inkluża l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-konvenzjonijiet u t-trattati

internazzjonali, l-iskambju tal-informazzjoni u t-taħriġ u r-riċerka.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll għall-monitoraġġ u l-investigazzjoni tal-konsegwenzi tal-aċċident ta' Chernobyl fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent fil-pajjiżi ġirien, speċjalment l-Ukraina u l-Belarus, kif ukoll l-impatt soċjoekonomiku tiegħu.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri miżuri meħuda li jkunu maħsuba biex ikopru l-iffinanzjar tal-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni fl-Assemblea tad-Donaturi taċ-Chernobyl Shelter Fund.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħra, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew minn organizzazzjonijiet għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, skont l-att bażiku, jista' jwassal għal approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn l-ammonti jirriżultaw mill-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa fuq appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi mill-ftehim dwar il-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull Kapitolu.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (KE) Nru 908 tal-4 ta' Diċembru 2006 dwar l-ewwel parti tat-tielet kontribuzzjoni tal-Komunità għall-Bank Ewropew għar-Rekostruzzjoni u l-Iżvilupp għall-Fond ta' Protezzjoni ta' Chernobyl (ĠU L 346, 9.12.2006, p. 28).

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 300/2007 tad-19 ta' Frar 2007 li jwaqqaf Strument għall-Kooperazzjoni fis-Sikurezza Nukleari (ĠU L 81, 22.3.2007, p. 1).

## *Artikolu 19 06 06 — Kooperazzjoni Konsulari*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | — | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Dawn l-approprjazzjonijiet huma allokati għall-finanzjament tal-operazzjonijiet ta' appoġġ. prinċipalment dik loġistika, għall-missjonijiet tal-Istati Membri, speċjalment meta sseħħ kriżi f'pajjiżi terzi, fl-ambitu tal-Kooperazzjoni konsolari. Dawn l-operazzjonijiet huma bbażati fuq l-Artikolu 20(2)(c) u l-Artikolu 23 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dwar il-protezzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi tal-Unjoni li mhumiex irrappreżentati f'pajjiżi terzi, u fuq l-Artikolu 35 TUE, li jagħti rwol lid-Delegazzjoni tal- Unjoni fl-implimentazzjoni tal-Artikolu TFUE, f'Kooperazzjoni mal-missjonijiet tal-Istati Membri.

*Bażi ġuridika*

Ir-responsabbiltajiet li jirriżultaw minn setgħat speċifiċi mogħtija direttament lill-Kummissjoni mit-Trattati, skont l-Artikolu 49(6)(d) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1) emendat mir-Regolament (KE, Euratom) nru 806/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).

## *Artikolu 19 06 07 — Proġett pilota — Appoġġ għal miżuri ta' sorveljanza u protezzjoni għal bastimenti tal-Unjoni li jbaħħru f'żoni fejn il-piraterija hija ta' theddida*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 340 000 | p.m. | 600 000 | 0,— | 680 000,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni se tintuża għal studju u analiżi ta mezzi possibbli li jipprovdu appoġġ għall-iffinanzjar, immaniġġjar u koordinazzjoni ta miżuri ta sorveljanza u protezzjoni għal bastimenti tal-Unjoni li jbaħħru f'żoni fejn il-piraterija internazzjonali hija ta' theddida.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 19 06 08 — Azzjoni ta’ tħejjija — Reazzjoni ta’ emerġenza għall-kriżi finanzjarja u ekonomika fil-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 200 000 | p.m. | 200 000 | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri azzjonijiet ta’ emerġenza u fuq perjodu qasir ta’ żmien biex jimmitigaw l-impatt tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali fuq l-iktar pajjiżi vulnerabbli u dawk li l-inqas jifilħu li huma koperti mir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta’ finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-iżvilupp 9ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

L-attivitajiet koperti minn din l-approprjazzjoni jistgħu jinkludu miżuri biex jimmitigaw il-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, inklużi xbieki ta’ sikurezza soċjali, inizjattivi li joħolqu l-impjiegi u azzjonijiet li jiżguraw l-għoti ta’ servizzi soċjali adegwati.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta’ tħejjija fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 19 06 09 — Proġett pilota — Programm għall-attivitajiet ta’ konsolidazzjoni tal-paċi mmexxija minn NGOs*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 1 000 000,00 | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni, li tikkumplimenta l-attivitajiet ta’ żvilupp ta’ kapaċitajiet kif previsti mis-Sħubija għat-Tisħiħ tal-Paċi skont l-Istrument għall-IStabbilità, hija maħsuba biex tiffinanzja programm ta’ attivitajiet ta’ tisħiħ tal-paċi mmexxija mill-NGOs biex jiġu appoġġjati l-impenji tal-Unjoni biex jiġi evitat li jkun hemm kunflitti u biex tissaħħaħ il-paċi 'il barra mill-fruntieri tagħha.

L-attivitajiet li għandhom jiġu ffinanzjati minn dan il-proġett pilota jinkludu: riċerka dwar kunflitti speċifiċi u l-analiżi tagħhom; appoġġ għall-proċessi ta’ paċi, il-medjazzjoni u d-djalogu; appoġġ għal proċessi ta’ diżarmament, demobilizzazzjoni u riintegrazzjoni (DDR) u l-iżvilupp ekonomiku usa' ta’ wara l-kunflitti; appoġġ għall-parteċipazzjoni tal-partijiet involuti lokali fil-ftehimiet ta’ paċi; involviment tas-soċjetà ċivili fir-riforma tas-settur tas-sigurtà (SSR), ir-riforma tas-settur tal-ġustizzja u l-proċessi ta’ ġustizzja tranżizzjonali; il-promozzjoni ta’ prattiki ta’ żvilupp li jkunu sensittivi għall-kunflitti; ħidma internazzjonali u nazzjonali ta’ promozzjoni biex jiġu inkoraġġiti t-tisħiħ tal-paċi u l-prevenzjoni ta’ kunflitti vjolenti; l-iżvilupp u l-ġestjoni ta’ sistemi ta’ twissija bikrija; il-promozzjoni tal-irwol tan-nisa fit-tisħiħ tal-paċi; iż-żamma tal-paċi ċivili mingħajr l-użu tal-armi; u l-użu ta’ professjonisti biex jiġu appoġġjati l-partijiet involuti lokali billi titnaqqas u billi jiġi evitat li jkun hemm vjolenza u billi jiġu appoġġjati d-djalogu, il-paċi sostenibbli u soċjetà li tiflaħ għall-kunflitti;

Il-proġett pilota jista’ jservi wkoll bħala prova għal appoġġ tal-Unjoni għal attivitajiet ta’ tisħiħ ta’ paċi mmexxija mill-NGOs u jista’ għaldaqstant iwassal għat-twaqqif eventwali ta’ mekkaniżmu permanenti għal finanzjament fuq żmien qasir, medju u twil f'dan il-qasam.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 dwar ir-

Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## KAPITOLU 19 08 — IL-POLITIKA EWROPEA TAL-VIĊINAT U R-RELAZZJONIJIET MAR-RUSSJA

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 19 08 | Il-Politika Ewropea tal-Viċinat u r-relazzjonijiet mar-Russja | | | | | | | | |
| ***19 08 01*** | ***Viċinat Ewropew u Partenarjat Kooperazzjoni finanzjarja*** | | | | | | | | |
| 19 08 01 01 | Viċinat Ewropew u Partenarjat Kooperazzjoni finanzjarja ma' pajjiżi tal-Mediterran | 4 | 1 203 630 000 | 695 500 000 | 1 243 861 010 | 671 552 312 | 900 922 000,00 | 588 971 822,37 | 84,68 % |
| 19 08 01 02 | Viċinat Ewropew u Partenarjat għajnuna finanzjarja lil Palestina, il-proċess ta' paċi u l-UNRWA | 4 | 200 000 000 | 233 300 000 | 200 000 000 | 180 000 000 | 413 739 425,01 | 318 333 055,02 | 136,45 % |
| 19 08 01 03 | Viċinat Ewropew u Partenarjat Kooperazzjoni finanzjarja mal-Ewropa tal-Lvant | 4 | 822 850 000 | 412 800 000 | 728 385 000 | 331 699 712 | 571 009 452,35 | 394 436 116,08 | 95,55 % |
| 19 08 01 04 | Proġett pilota — Azzjonijiet preventivi u ta' rkupru għall-qiegħ tal-Baħar Baltiku. | 4 | p.m. | p.m. | p.m. | 500 000 | 0,— | 784 294,14 | |
| 19 08 01 05 | Azzjoni ta' tħejjija — Il-minoritajiet fir-Russja — Żvilupp tal-kultura, midja u soċjetà ċivili | 4 | p.m. | 1 286 000 | p.m. | 2 500 000 | 0,— | 832 656,69 | 64,75 % |
| 19 08 01 06 | Azzjoni ta' tħejjija — Strateġija Ewro Mediterranja Ġdida għall-promozzjoni ta' impjiegi għaż-żgħażagħ | 4 | p.m. | 750 000 | 1 500 000 | 750 000 | | | |
| 19 08 01 08 | Proġetti pilota — Iffinanzjar PEV — Tħejjija ta' persunal għal-impjiegi relatati mal-UE-PEV | 4 | p.m. | 550 000 | p.m. | 560 000 | 0,— | 142 481,04 | 25,91 % |
| | *Artikolu 19 08 01 — Sub-total* | | 2 226 480 000 | 1 344 186 000 | 2 173 746 010 | 1 187 562 024 | 1 885 670 877,36 | 1 303 500 425,34 | 96,97 % |
| ***19 08 02*** | ***Il-Kooperazzjoni bejn il-fruntieri (CBC) — L-Istrument tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (IPEV)*** | | | | | | | | |
| 19 08 02 01 | Kontribuzzjoni mill-Intestatua 4 tal-Kooperazzjoni bejn il-fruntieri (CBC) | 4 | 83 988 073 | 72 700 000 | 92 775 000 | 76 364 721 | 83 529 000,00 | 77 494 764,93 | 106,60 % |
| 19 08 02 02 | Kontribuzzjoni mill-Intestatura 1b (Politika Reġjonali) tal-Kooperazzjoni bejn il-fruntieri (CBC) | 1.2 | 80 816 627 | 85 200 000 | 99 221 636 | 78 000 000 | 97 668 066,00 | 67 918 294,92 | 79,72 % |
| | *Artikolu 19 08 02 — Sub-total* | | 164 804 700 | 157 900 000 | 191 996 636 | 154 364 721 | 181 197 066,00 | 145 413 059,85 | 92,09 % |
| ***19 08 03*** | ***Tlestija tal-Protokolli Finanzjarji mal-pajjiżi tal-Mediterran*** | 4 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | |
| | **Kapitolu 19 08 — Total** | | **2 391 284 700** | **1 502 086 000** | **2 365 742 646** | **1 341 926 745** | **2 066 867 943,36** | **1 448 913 485,19** | **96,46 %** |

*Kummenti*

L-Unjoni qed timmira li tistabbilixxi żona ta' prosperità u relazzjonijiet tajba tal-viċinat li tinvolvi lill-Istati Membri u lill-pajjiżi sħab -ġirien[5]. Għal dak l-għan l-Unjoni stabbiliet ftehimiet mal-biċċa l-kbira tal-pajjiżi ġirien u kif ukoll Pjanijiet ta' Azzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat sabiex timplimentahom. Dan il-qafas innegozjat għandu l-għan li jiżviluppa relazzjoni aktar b'saħħitha u aktar profonda bbażata fuq valuri u interessi komuni u li jinvolvu grad sinifikanti ta' integrazzjoni ekonomika u Kooperazzjoni politika. L-Unjoni ssieħbet ukoll mar-Russja fi sħubija strateġika ġenwina, bbażata fuq l-interessi u l-valuri komuni u bbażata fuq il-ħolqien ta' erba' 'spazji komuni'. L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba sabiex ikopru miżuri ta' Kooperazzjoni mmirati li jappoġġjaw l-implimentazzjoni ta' dawn il-ftehimiet. Il-Kooperazzjoni ma' dawk il-pajjiżi li magħhom dawn il-ftehimiet għadhom ma ġewx iffirmati jew ma jeżistux — bħall-Belarus, il-Libja jew is-Sirja — se jkunu bbażati fuq l-għanijiet ta' politika tal-Unjoni.

5 Din tinkludi sbatax-il pajjiż, li minnhom sebgħa (l-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Belarus, il-Georġja, il-Moldova, il-Federazzjoni Russa u l-Ukraina) jinsabu lejn il-Lvant tal-Unjoni u għaxra (l-Alġerija, l-Eġittu, il-Ġordan, Iżrael, il-Libanu, il-Libja, il-Marokk, l-Awtorità Palestinjana, is-Sirja u t-Tuneżija) jinsabu lejn in-Nofsinhar tal-Unjoni.

## *Artikolu 19 08 01 — Viċinat Ewropew u Partenarjat Kooperazzjoni finanzjarja*

### Partita 19 08 01 01 — Viċinat Ewropew u Partenarjat Kooperazzjoni finanzjarja ma’ pajjiżi tal-Mediterran

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 1 203 630 000 | 695 500 000 | 1 243 861 010 | 671 552 312 | 900 922 000,00 | 588 971 822,37 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba b'mod partikolari sabiex tiffinanzja l-miżuri ta’ Kooperazzjoni bl-għan ewlieni li jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-Programmi Indikattivi Multiannwali li jkopri l-perjodi 2007-2010 u 2011-2013 tal-Pjanijiet ta’ Azzjoni tal-PEV konklużi mal-ġirien Mediterranji tal-Unjoni. Se tintuża wkoll biex jingħata appoġġ lill-implimentazzjoni tal-Programm Indikattiv Reġjonali għall-2011-2012 kif ukoll lil xi miżuri fil-qafas tal-Unjoni għall-Mediterran li tnieda fis-Samit ta’ Pariġi fit-13 ta’ Lulju 2008. Din se tkopri, fost affarijiet oħra, l-oqsma li ġejjin ta’ kooperazzjoni:

— il-promozzjoni tad-djalogu u r-riformi politiċi,

— il-promozzjoni tal-approssimazzjoni leġiżlattiva u regolatorja u l-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni progressiva tal-pajjiżi sħab fis-suq intern u l-intensifikazzjoni tal-kummerċ,

— it-tisħiħ tal-istituzzjonijiet nazzjonali responsabbli għall-elaborazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika fl-oqsma koperti mill-ftehimiet ta’ assoċjazzjoni,

— il-promozzjoni tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u rispett akbar għad-drittijiet tal-minoranzi, il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u n-nondiskriminazzjoni, u l-promozzjoni tal-governanza tajba,

— il-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli u kontribut għat-tnaqqis tal-faqar,

— l-appoġġ għall-immodernizzar tal-ekonomija, il-promozzjoni tal-investimenti fir-reġjun u t-tisħiħ tal-impriżi ż-żgħar jew ta’ daqs medju,

— il-ħolqien ta’ rabtiet aħjar tat-trasport u l-enerġija bejn l-Unjoni u l-pajjiżi ġirien u bejn il-pajjiżi ġirien infushom u l-azzjoni kontra t-theddid għall-ambjent komuni tagħna,

— il-promozzjoni ta’ azzjonijiet li jikkontribwixxu għar-riżoluzzjoni tal-kunflitti,

— it-trawwim tal-iżvilupp tas-soċjetà ċivili, *inter alia*, biex tiġi promossa l-inklużjoni soċjali u jitħeġġu l-gruppi sottorappreżentati biex jingħataw vuċi u jipparteċipaw fis-soċjetà ċivili u fis-sistema politika,

— il-promozzjoni ta’ kuntatti bejn il-popli u skambji fil-qasam tal-edukazzjoni, ir-riċerka u l-kultura,

— il-kontribut għall-finanzjament tal-operazzjoni tal-Aġenzija tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Għajnuna u l-Ħidma għar-Refuġjati tal-Palestina (UNRWA) fil-Libanu, is-Sirja u l-Ġordan, b’mod partikolari l-programmi tagħha tas-saħħa, l-edukazzjoni u s-servizzi soċjali,

— l-appoġġ għall-integrazzjoni reġjonali fil-kuntest tas-Sħubija Ewro-Mediterranja u b'mod partikolari l-promozzjoni tal-Kooperazzjoni reġjonali, il-ħolqien ta’ netwerks u sħubijiet ta’ għaqdiet pubbliċi u privati mhux għal skop ta’ lukru bil-għan li jiġi skambjat l-għarfien u l-prattiċi tajba fl-oqsma kollha relevanti,

— l-appoġġ għal azzjonijiet fil-qasam tal-migrazzjoni maħsuba, fost affarijiet oħra, sabiex jisseddqu r-rabtiet bejn il-migrazzjoni u l-iżvilupp, sabiex tiġi miġġielda l-immigrazzjoni illegali u biex tiġi ffaċilitata r-riammissjoni. Dawn l-azzjonijiet se jiġu ssupplimentati b'azzjonijiet iffinanzjati mill-allokazzjonijiet tal-ENPI mill-Artikolu 19 02 01 “Kooperazzjoni ma’ pajjiżi terzi fil-qasam tal-immigrazzjoni u l-ażil”.

Il-viżibilità orizzontali tal-azzjonijiet tal-Assistenza u l-informazzjoni tal-Unjoni u miżuri direttament marbuta mal-kisba tal-għanijiet tal-azzjoni tal-Unjoni fil-Mediterran u l-pajjiżi terzi.

Jekk ikun hemm deterjorament serju f'pajjiż partikolari fil-qasam tal-liberta, id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali u l-istat tad-dritt, l-għajnuna tal-Unjoni tista' titnaqqas u tiġi użata primarjament sabiex tappoġġja atturi mhux governattivi f'miżuri mmirati għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali. Bl-eċċezzjoni tal-għajnuna umanitarja, u l-għajnuna ta’ implimentazzjoni mill-NGO, mill-aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti jew minn operaturi imparzjali, m’għandhiex tkun ipprovduta għajnuna lill-gvernijiet jekk il-gvernijiet ikunu responsabbli għal każ ċar ta’ deterjorament tas-sitwazzjoni fil-qasam tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħra, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew minn organizzazzjonijiet għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, skont l-att bażiku, jista' jwassal għal approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn l-ammonti jirriżultaw mill-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa fuq is-sapport amministrattiv għandhom ikunu stabbiliti mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma tkunx taqbeż l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti jieħdu mill-kontribuzzjonijiet tal-Pajjiżi tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkonsistu minn dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provvista tal-approprazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima li tifforma parti integrali tal-baġit ġenerali.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa li ġejja:

— l-istudju tal-effetti tal-bidla fil-klima fuq il-kwalità tal-ilma fil-Mediterran,

— l-istudju tat-tniġġis matul il-linja tal-kosta Mediterranja,

— l-eżami tal-istat tal-infrastruttura ta' taħt il-baħar għall-enerġija (pipelines tal-gass, pipelines taż-żejt, kejbils tal-elettriku, eċċ.),

— il-promozzjoni tan-networking taċ-ċentri tar-riċerka pubbliċi u privati involuti fil-monitoraġġ tal-ilma tal-Mediterran u l-kundizzjoni tal-kosta bil-għan li jiskambjaw id-dejta, jaqsmu bejniethom is-sejbiet tar-riċerka, u jiżviluppaw proposti konġunti għal politiki ta' intervent u ta' protezzjoni.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Ottubru 2006 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għat-twaqqif ta' Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 1).

## Partita 19 08 01 02 — Viċinat Ewropew u Partenarjat għajnuna finanzjarja lil Palestina, il-proċess ta' paċi u l-UNRWA

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 200 000 000 | 233 300 000 | 200 000 000 | 180 000 000 | 413 739 425,01 | 318 333 055,02 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri operazzjonijiet għall-benefiċċju tal-poplu Palestinjan u t-territorji Palestinjani okkupati tax-Xatt tal-Punent u l-Istrixxa ta' Gaża, fil-kuntest tal-proċess ta' paċi tal-Lvant Nofsani.

L-operazzjonijiet huma l-aktar immirati sabiex:

— jappoġġjaw il-bini tal-istat u l-iżvilupp tal-istituzzjonijiet,

— jippromwovu l-iżvilupp soċjali u ekonomiku,

— jimmitigaw l-effetti fuq il-popolazzjoni Palestinjana tad-deterjorament fil-kundizzjonijiet ekonomiċi, fiskali u umanitajri permezz tal-għoti ta' servizzi essenzjali u appoġġ ieħor,

— jikkontribwixxu lejn l-isforzi ta' rikostruzzjoni f'Gaża,

— jikkontribwixxu għall-iffinanzjar tal-operazzjoni tal-Aġenzija tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Għajnuna u l-Ħidma għar-Refuġjati tal-Palestina (UNRWA) u b'mod partikolari l-programmi tagħha dwar is-saħħa, l-edukazzjoni u s-servizzi soċjali,

— jiffinanzjaw l-operazzjonijiet ta' tħejjija mmirati sabiex jippromwovu l-Kooperazzjoni bejn Iżrael u l-ġirien tiegħu fil-kuntest tal-proċess ta' paċi, b'mod partikolari fir-rigward tal-istituzzjonijiet, l-affarijiet ekonomiċi, l-ilma, l-ambjent u l-enerġija,

— jiffinanzjaw attivitajiet imfassla sabiex tinħoloq opinjoni pubblika favorevoli għall-proċess ta' paċi,

— jiffinanzjaw informazzjoni, inkluż bl-Għarbi u l-Ebrajk, u jxerrdu informazzjoni dwar il-Kooperazzjoni Iżraeljana-Palestinjana,

— jippromwovu r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, jippromwovu t-titjib tar-rispett għad-drittijiet tal-minoranzi, u jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni,

— jisseddaq l-iżvilupp tas-soċjetà ċivili fost affarijiet oħra biex tiġi promossa l-inklużjoni soċjali.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħra, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew minn organizzazzjonijiet għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, skont l-att bażiku, jista' jwassal għal approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn l-ammonti jirriżultaw mill-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa fuq is-sapport amministrattiv għandhom ikunu stabbiliti mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma tkunx taqbeż l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Ottubru 2006 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għat-twaqqif ta' Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 1).

## Partita 19 08 01 03 — Viċinat Ewropew u Partenarjat Kooperazzjoni finanzjarja mal-Ewropa tal-Lvant

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 822 850 000 | 412 800 000 | 728 385 000 | 331 699 712 | 571 009 452,35 | 394 436 116,08 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba b'mod partikolari sabiex tiffinanzja azzjonijiet ta' Kooperazzjoni mmirati l-aktar għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-ftehimiet u l-Pjanijiet ta' Azzjoni tal-PEV konklużi mal-ġirien tal-Unjoni lejn il-Lvant kif ukoll azzjonijiet bilaterali u multilaterali fil-qafas tal-Partenarjat tal-Lvant. Se tiġi użata wkoll sabiex tappoġġja s-Sħubija Strateġika bejn l-Unjoni u r-Russja permezz tal-implimentazzjoni tal-erba' spazji komuni li jkopru l-Kooperazzjoni ekonomika; il-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja; is-sigurtà esterna; u r-riċerka u l-edukazzjoni, inkluża l-kultura. Dan se jinvolvi, fost affarijiet oħra, l-oqsma ta' Kooperazzjoni li ġejjin:

— il-promozzjoni ta' djalogu politiku u ta' riforma demokratika,

— it-tisħiħ tal-istituzzjonijiet nazzjonali responsabbli għall-elaborazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika fl-oqsma koperti mill-ftehimiet ta' assoċjazzjoni; il-promozzjoni tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u t-tmexxija tajba,

— it-tisħiħ tal-istituzzjonijiet nazzjonali responsabbli mill-elaborazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki fl-oqsma koperti mill-ftehimiet ta' assoċjazzjoni, pereżempju billi jsiru ġemellaġġi u permezz ta' mekkaniżmi ta' għajnuna teknika bħat-TAIEX;

— il-promozzjoni tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem bħal-libertà tal-midja u l-libertà tal-espressjoni,

— il-promozzjoni ta' governanza tajba u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni,

— il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi,

— l-appoġġ għat-tranżizzjoni għal ekonomija tas-suq u l-immodernizzar tal-ekonomija, il-promozzjoni tal-investimenti fir-reġjun u t-tisħiħ tal-impriżi ż-żgħar jew ta' daqs medju,

— il-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli u l-iżvilupp rurali u kontribut għat-tnaqqis tal-faqar,

— it-twaqqif ta' interkonnessjonijiet aħjar ta' trasport u enerġija bejn l-Unjoni u l-pajjiżi ġirien, u bejn il-pajjiżi ġirien infushom, u l-infirizzar ta' theddid lejn l-ambjent komuni tagħna,

— il-promozzjoni ta' azzjonijiet li jikkontribwixxu għas-soluzzjoni tal-kunflitti u għall-prevenzjoni tal-kunflitti f'żoni ta' kunflitti ffriżati,

— it-trawwim tal-iżvilupp tas-soċjetà ċivili, inter alia, biex tiġi promossal-inklużjoni soċjali u jitħeġġu l-gruppi sottorappreżentati biex jingħataw vuċi u jipparteċipaw fis-soċjetà ċivili u fis-sistema politika,

— il-promozzjoni ta' kuntatti bejn il-persuni u skambji fil-qasam tal-edukazzjoni, ir-riċerka u l-kultura,

— l-appoġġ għall-Kooperazzjoni reġjonali, inkluż fil-kuntest tas-"Sinerġija tal-Baħar l-Iswed" u l-Partenarjat tal-Lvant,

— l-appoġġ għal azzjonijiet fil-qasam tal-migrazzjoni maħsuba fost affarijiet oħra sabiex jisseddqu r-rabtiet bejn il-migrazzjoni u l-iżvilupp, sabiex tiġi miġġielda l-immigrazzjoni illegali u sabiex tiġi ffaċilitata r-riammissjoni. Dawn l-azzjonijiet se jiġu ssupplimentati b'azzjonijiet iffinanzjati minn allokazzjonijiet mill-Artikolu 19 02 01 "Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fil-qasam

tal-immigrazzjoni u l-ażil".

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tiffinanzja r-riċerka dwar is-saħħa tal-bniedem u l-iżvilupp sostenibbli tal-Ukraina u l-Belarus, speċjalment fir-rigward tat-titjib tal-kundizzjonijiet tas-saħħa fir-reġjuni affettwati mid-diżastru ta' Chernobyl.

Din l-approprjazzjoni għandha wkoll l-iskop li tiffinanzja miżuri biex ikabbru l-fiduċja f'żoni ta' kunflitt iffriżat fil-Ġeorġja, Transnistria, it-territorji li nqatgħu: l-AbkAsja u l-Ossezja tan-Nofsinhar, kif ukoll proġetti lokali għall-bini tal-fiduċja u biex tiġi riabilitata l-ekonomija f'Nagorno-Karabakh.

L-approprazzjonijiet taħt din il-partita jiġu użati wkoll għal azzjonijiet immirati sabiex jinfurmaw lill-pubbliku inġenerali u lill-benefiċjarji potenzjali dwar l-għajnuna u għall-viżibilita akbar tal-għajnuna tal-Unjoni.

Jekk ikun hemm deterjorament serju f'pajjiż partikolari fil-qasam tal-liberta, id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali u l-istat tad-dritt, l-għajnuna tal-Unjoni tista' titnaqqas u tiġi użata primarjament sabiex tappoġġja atturi mhux governattivi f'miżuri mmirati għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali. Bl-eċċezzjoni tal-għajnuna umanitarja, u l-għajnuna ta' implimentazzjoni mill-NGOs, mill-aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti jew minn operaturi imparzjali, m'għandhiex tkun ipprovduta għajnuna lill-gvernijiet jekk il-gvernijiet ikunu responsabbli għal każ ċar ta' deterjorament tas-sitwazzjoni fil-qasam tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħra, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew minn organizzazzjonijiet għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, skont l-att bażiku, jista' jwassal għal approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn l-ammonti jirriżultaw mill-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa fuq is-sapport amministrattiv għandhom ikunu stabbiliti mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma tkunx taqbeż l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti jieħdu mill-kontribuzzjonijiet tal-Pajjiżi tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkonsistu minn dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provvista tal-approprazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima li tifforma parti integrali tal-baġit ġenerali.

Parti minn din l-approprjazzjoni se tiġi allokata għal appoġġ addizzjonali għall-objettivi tal-Istrateġija għall-Baħar Baltiku. L-appoġġ, impenjat fl-2010 u l-2011, qed jiġi implimentat permezz ta' appoġġ għad-Dimensjoni tat-Tramuntana fil-qafas tal-Programmi Indikattivi Reġjonali tal-Lvant u Interreġjonali. Oqsfa oħrajn għall-implimentazzjoni ta' appoġġ għall-Baħar Baltiku jistgħu jinkludu, fejn ikun xieraq, il-Programm tar-Reġjun tal-Baħar Baltiku, il-Pjan ta' Azzjoni HELCOM għall-Baħar Baltiku, il-Programm ta' Riċerka Konġunta BONUS-169 dwar il-Baħar Baltiku, u oħrajn.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Ottubru 2006 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għat-twaqqif ta' Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 1).

## Partita 19 08 01 04 — Proġett pilota — Azzjonijiet preventivi u ta' rkupru għall-qiegħ tal-Baħar Baltiku.

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | 500 000 | 0,— | 784 294,14 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament ta' proġett pilota maħsub biex jistudja l-prevenzjoni ta' tniġġis potenzjali minn radam ta' skart ta' taħt il-baħar u biex jittestja metodi biex terġa' tingħata l-ħajja lis-saffi tal-ilma fond tal-baħar Baltiku.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## Partita 19 08 01 05 — Azzjoni ta’ tħejjija — Il-minoritajiet fir-Russja — Żvilupp tal-kultura, midja u soċjetà ċivili

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 1 286 000 | p.m. | 2 500 000 | 0,— | 832 656,69 |

*Kummenti*

L-għan ta’ din l-azzjoni ta’ tħejjija huwa li jistabbilixxi sħubija effettiva mal-Federazzjoni Russa biex din tippromwovi l-kultura, l-edukazzjoni, il-midja u s-soċjetà ċivili tal-bosta minoritajiet etniċi u nazzjonali tar-Russja. Skont din l-azzjoni ta’ tħejjija, se tiġi pprovduta għajnuna għall-attivitajiet relatati mal-promozzjoni u l-iżvilupp tal-kultura nativa, l-edukazzjoni, il-midja u s-soċjetà ċivili.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta’ tħejjija, fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunità Ewropea (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## Partita 19 08 01 06 — Azzjoni ta’ tħejjija — Strateġija Ewro Mediterranja Ġdida għall-promozzjoni ta’ imġjiegi għażżgħażagħ

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| p.m. | 750 000 | 1 500 000 | 750 000 | |

*Kummenti*

Fil-qafas tad-demokratizzazzjoni emerġenti fost il-ġirien tal-Mediterran tan-Nofinhar, il-flus bejn iż-żewġ naħat ta’ professjonisti żgħażagħ miż-żewġ naħat tal-mediterran fil-livell professjonali huwa element essenzjali għall-konsolidazzjoni tad-demokrazija u l-inklużjoni ta’ professjonisti żgħażagħ fis-suq tax-xogħol.

L-għan ewlieni tal-azzjoni ta’ tħejjija huwa li tippromwovi u sseddaq l-iskambju reċiproku ta’ professjonisti żgħażagħ fuq iż-żewġ naħat tal-Mediterran. L-attivitajiet ikopru wkoll taħriġ vokazzjonali.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## Partita 19 08 01 08 — Proġetti pilota — Iffinanzjar PEV — Tħejjija ta’ persunal għal-impjiegi relatati mal-UE-PEV

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 550 000 | p.m. | 560 000 | 0,— | 142 481,04 |

*Kummenti*

Il-Politika Ewropea Ġdida Msaħħa ta’ Viċinanza, kif proġettata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fid-deċiżjonijiet u riżoluzzjonijiet rispettivi tagħhom, b’mod speċjali fir-rigward taż-żewġ proġetti politiċi ta’ viċinanza maġġuri, jiġifieri l-Unjoni għall-Mediterran u s-Sħubija tal-Lvant, teżiġi li jkunu preparati punti ta’ kuntatt tal-Unjoni għall-futur, jiġifieri li persunal għall-impjiegi relatati mal-UE-PEV fil-pajjiżi tal-viċinanza, mill-Marokk sal-Belarus. Huma għandhom ikunu mħarrġa b’mod sħiħ b'mod professjonali dwar is-sustanza u l-ispirtu tal-linji ta’ politika, u dwar l-istituzzjonijiet u l-*acquis* tal-Unjoni.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 19 08 02 — Il-Kooperazzjoni bejn il-fruntieri (CBC) — L-Istrument tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (IPEV)*

*Kummenti*

Il-Kooperazzjoni transkonfinali fuq il-fruntieri esterni tal-Unjoni hija prijorità ewlenija sew fil-Politika Ewropea tal-Viċinat u kif ukoll fis-Sħubija Strateġika mar-Russja, u fis-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed. L-adozzjoni tal-Istrument tal-Viċinat u l-Partenarjat Ewropew (IPEV) tejjeb konsiderevolment il-possibilitajiet għall-Kooperazzjoni transkonfinali, sew kwalitattivament u kif ukoll kwantitattivament. Bis-sistema l-ġdida, il-programmi tas-CBC stabbiliti fuq il-fruntiera esterna tal-Unjoni se jirċievu fondi sew mill-intestaturi esterni u kif ukoll dawk esterni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni u jiġu implimentati skont sett wieħed ta' regoli, jiġifieri dawk stabbiliti taħt ir-Regolament (KE) Nru 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Ottubru 2006 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għat-twaqqif ta' Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 1). L-ammonti globali tal-kontribuzzjonijiet miż-żewġ intestaturi huma pprovduti fiż-żewġ partiti tal-baġit ippreżentati taħt dan l-artikolu.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tiffinanzja numru ta' programmi ta' Kooperazzjoni transkonfinali, stabbiliti tul il-fruntieri tal-art u tal-baħar. Programmi bħal dawn se jagħtu sinjal tanġibbli li l-Unjoni ma tridx tqiegħed linji ta' diviżjoni ġodda u se jsaħħu wkoll is-sħubija bejn ir-reġjuni tal-fruntieri tal-Unjoni u tal-pajjiżi ġirien u jgħinuhom jaffaċċjaw problemi komuni ta' żvilupp. Se jiffukaw fuq il-ħames għanijiet ewlenin li ġejjin:

- il-promozzjoni tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali fir-reġjuni fuq iż-żewġ naħat tal-fruntiera komuni,
- il-ħidma flimkien sabiex jiġu indirizzati sfidi komuni, f'oqsma bħall-ambjent, is-saħħa pubblika u l-prevenzjoni tal-kriminalità organizzata u l-ġlieda kontriha,
- garanzija ta' fruntieri effiċjenti u sikuri,
- il-promozzjoni ta' azzjonijiet lokali, transkonfinali "min-nies għan-nies",
- is-sedqa tal-iżvilupp tas-soċjetà ċivili inter alia biex tiġi promossa l-inklużjoni soċjali.

Approprjazzjonijiet taħt dan l-Artikolu se jintużaw ukoll għal azzjonijiet immirati li jtejbu l-livell u l-kapaċità ta' implimentazzjoni kif ukoll għal azzjonijiet immirati li jinfurmaw il-pubbliku ġenerali u l-benefiċjarji potenzjali tal-assistenza u biex tiżdied il-viżibilità tal-assistenza tal-Unjoni.

Jekk ikun hemm deterjorament serju f'pajjiż partikolari fil-qasam tal-liberta, id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali u l-istat tad-dritt, l-għajnuna tal-Unjoni tista' titnaqqas u tiġi użata primarjament sabiex tappoġġja atturi mhux governattivi f'miżuri mmirati għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali. Bl-eċċezzjoni tal-għajnuna umanitarja, u l-għajnuna ta' implimentazzjoni mill-NGOs, mill-aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti jew minn operaturi imparzjali, m'għandhiex tkun ipprovduta għajnuna lill-gvernijiet jekk il-gvernijiet ikunu responsabbli għal każ ċar ta' deterjorament tas-sitwazzjoni fil-qasam tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali.

### Partita 19 08 02 01 — Kontribuzzjoni mill-Intestatua 4 tal-Kooperazzjoni bejn il-fruntieri (CBC)

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 83 988 073 | 72 700 000 | 92 775 000 | 76 364 721 | 83 529 000,00 | 77 494 764,93 |

*Kummenti*

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħra, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew minn organizzazzjonijiet għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, skont l-att bażiku, jista' jwassal għal approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn l-ammonti jirriżultaw mill-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa fuq is-sapport amministrattiv għandhom ikunu stabbiliti mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma tkunx taqbeż l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006 tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

Ir-Regolament (KE) Nru 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta’ Ottubru 2006 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għat-twaqqif ta’ Strument Ewropew ta’ Viċinat u Sħubija (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 1).

### Partita 19 08 02 02 — Kontribuzzjoni mill-Intestatura 1b (Politika Reġjonali) tal-Kooperazzjoni bejn il-fruntieri (CBC)

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 80 816 627 | 85 200 000 | 99 221 636 | 78 000 000 | 97 668 066,00 | 67 918 294,92 |

*Kummenti*

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħra, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew minn organizzazzjonijiet għal ċerti proġetti jew programmi ta’ għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, skont l-att bażiku, jista’ jwassal għal approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn l-ammonti jirriżultaw mill-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa fuq is-sapport amministrattiv għandhom ikunu stabbiliti mill-ftehim ta’ kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma tkunx taqbeż l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta’ Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta’ Koeżjoni (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

Ir-Regolament (KE) Nru 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta’ Ottubru 2006 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għat-twaqqif ta’ Strument Ewropew ta’ Viċinat u Sħubija (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 1).

## *Artikolu 19 08 03 — Tlestija tal-Protokolli Finanzjarji mal-pajjiżi tal-Mediterran*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-appropjrazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri t-tlestija tal-protokolli finanzjarji mal-pajjiżi Mediterranji. Hija tinkludi *inter alia* appoġġ għall-Faċilità Ewro-Mediterranja tal-Investiment fi ħdan il-Bank Ċentrali Ewropew u tkopri l-eżekuzzjoni ta’ għajnuna finanzjarja mhux tal-EIB stipulata fit-tielet u r-raba' ġenerazzjoni ta’ protokolli finanzjarji mal-pajjiżi tal-Mediterran tan-Nofsinhar. Il-Protokolli jkopru perjodu bejn l-1 ta’ Novembru 1986 sal-31 ta’ Ottubru 1991 għall-protokolli finanzjarji tat-tielet ġenerazzjoni u l-perjodu mill-1 ta’ Novembru 1991 sal-31 ta’ Ottubru 1996 għar-raba’ ġenerazzjoni tal-protokolli finanzjarji.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2210/78 tas-26 ta’ Settembru 1978 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta’ Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija (ĠU L 263, 27.9.1978, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2211/78 tas-26 ta’ Settembru 1978 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta’ Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tal-Marokk (ĠU L 264, 27.9.1978, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2212/78 tas-26 ta’ Settembru 1978 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta’ Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija (ĠU L 265, 27.9.1978, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2213/78 tas-26 ta’ Settembru 1978 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta’ Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu (ĠU L 266, 27.9.1978, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2214/78 tas-26 ta’ Settembru 1978 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta’ Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Lebaniża (ĠU L 267, 27.9.1978, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2215/78 tas-26 ta’ Settembru 1978 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta’ Kooperazzjoni bejn il-

Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju Ħaxemit tal-Ġordan (ĠU L 268, 27.9.1978, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2216/78 tas-26 ta' Settembru 1978 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija Sirjana (ĠU L 269, 27.9.1978, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3177/82 tas-22 ta' Novembru 1982 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll ta' assistenza finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija (ĠU L 337, 29.11.1982, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3178/82 tat-22 ta' Novembru 1982 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll ta' assistenza finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu (ĠU L 337, 29.11.1982, p. 8).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3179/82 tat-22 ta' Novembru 1982 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll ta' assistenza finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju Ħaxemit tal-Ġordan (ĠU L 337, 29.11.1982, p. 15).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3180/82 tat-22 ta' Novembru 1982 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll ta' assistenza finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Lebaniża (ĠU L 337, 29.11.1982, p. 22).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3181/82 tat-22 ta' Novembru 1982 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll ta' assistenza finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tal-Marokk (ĠU L 337, 29.11.1982, p. 29).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3182/82 tat-22 ta' Novembru 1982 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll ta' assistenza finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija tas-Sirja (ĠU L 337, 29.11.1982, p. 36).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3183/82 tat-22 ta' Novembru 1982 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll ta' assistenza finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija (ĠU L 337, 29.11.1982, p. 43).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 88/30/KEE tal-21 ta' Diċembru 1987 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll dwar kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Algerija (ĠU L 22, 27.1.1988, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 88/31/KEE tal-21 ta' Diċembru 1987 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll dwar kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu (ĠU L 22, 27.1.1988, p. 9).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 88/32/KEE tal-21 ta' Diċembru 1987 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll dwar kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan (ĠU L 22, 27.1.1988, p. 17).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 88/33/KEE tal-21 ta' Diċembru 1987 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll dwar kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Lebaniża (ĠU L 22, 27.1.1988, p. 25).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 88/34/KEE tal-21 ta' Diċembru 1987 dwar il-konklużjoni dwar Protokoll ta' kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija (ĠU L 22, 27.1.1988, p. 33).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 88/453/KEE tat-30 ta' Ġunju 1988 dwar il-konklużjoni dwar Protokoll ta' kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tal-Marokk (ĠU L 224, 13.8.1988, p. 32).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/44/KEE tad-19 ta' Diċembru 1991 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll dwar kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija (ĠU L 18, 25.1.1992, p. 34).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/206/KEE tas-16 ta' Marzu 1992 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll dwar assistenza finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Algerija (ĠU L 94, 8.4.1992, p. 13).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/207/KEE tas-16 ta' Marzu 1992 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll dwar assistenza finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu (ĠU L 94, 8.4.1992, p. 21).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/208/KEE tas-16 ta' Marzu 1992 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll dwar kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan (ĠU L 94, 8.4.1992, p. 29).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/209/KEE tas-16 ta' Marzu 1992 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll ta' kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Lebaniża (ĠU L 94, 8.4.1992, p. 37).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1762/92 tad-29 ta' Ġunju 1992 dwar l-implimentazzjoni tal-Protokolli dwar kooperazzjoni finanzjarja u teknika konkluża mill-Komunità mal-pajjiżi tal-Mediterran li ma humiex membri (ĠU L 181, 1.7.1992, p. 1), imħassar bir-Regolament (KE) Nru 1638/2006 (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/548/KEE tas-16 ta' Novembru 1992 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tal-Marokk (ĠU L 352, 2.12.1992, p. 13).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/549/KEE tas-16 ta' Novembru 1992 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija tas-Sirja (ĠU L 352, 2.12.1992, p. 21).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/67/KE tal-24 ta' Jannar 1994 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll dwar kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Sirjana Għarbija (ĠU L 32, 5.2.1992, p. 44).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1734/94 tal-11 ta' Lulju 1994 fuq il-kooperazzjoni finanzjarja u teknika max-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża (ĠU L 182, 16.7.1994, p. 4), imħassar bir-Regolament (KE) Nru 1638/2006 (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 213/96 tad-29 ta' Jannar 1996 fuq l-implimentazzjoni tal-Istrument Finanzjarju tas-Sħab fl-Investiment tal-Komunitajiet Ewropej għall-pajjiżi tal-Amerika Latina, l-Asja, ir-Reġjun tal-Mediterran u l-Afrika ta' Isfel (ĠU L 28, 6.2.1996, p. 2).

## KAPITOLU 19 09 — RELAZZJONIJIET MAL-AMERIKA LATINA

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 19 09 | RELAZZJONIJIET MAL-AMERIKA LATINA | | | | | | | | |
| ***19 09 01*** | ***Kooperazzjoni ma' pajjiżi tal-Amerika Latina li qed jiżviluppaw*** | 4 | 364 564 000 | 290 000 000 | 364 323 000 | 277 589 580 | 351 506 000,00 | 281 654 274,57 | 97,12 % |
| ***19 09 02*** | ***Azzjoni ta' tħejjija — Kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-grupp bi dħul medju fl-Amerika Latina*** | 4 | p.m. | 500 000 | p.m. | 500 000 | 0,— | 261 755,00 | 52,35 % |
| ***19 09 03*** | ***Attivitajiet ta' Kooperazzjoni għajr Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (Amerika Latina)*** | 4 | 16 000 000 | 3 000 000 | 10 000 000 | 2 863 677 | 0,— | 0,— | |
| | **Kapitolu 19 09 — Total** | | **380 564 000** | **293 500 000** | **374 323 000** | **280 953 257** | **351 506 000,00** | **281 916 029,57** | **96,05 %** |

*Kummenti*

L-iskop tal-Kooperazzjoni għall-iżvilupp taħt din l-intestatura hija primarjament il-kontribuzzjoni tagħha għas-sostenn tad-demokrazija, it-tmexxija tajba, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, u li jisseddaq l-iżvilupp sostenibbli u l-integrazzjoni ekonomika, kif ukoll li jinkisbu l-Għanijiet tal-Iżvilupp tal-Millenju.

Skont id-Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li tikkonċerna l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41) (DCI) għal pajjiżi ddefiniti bħala riċevituri tal-Assistenza Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) mill-Kumitat ta' Assistenza għall-Iżvilupp tal-OECD (DAC), il-Kummissjoni se tkompli tirraporta b'mod annwali dwar il-benchmark, użat fil-passat iżda li issa m'għadux validu, li 35 % tal-assistenza lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw jiġu allokati għall-infrastruttura u s-servizzi, filwaqt li tirikonoxxi li l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għandha titqies bħala parti mill-appoġġ ġene rali ta' donaturi lis-settur soċjali li normalment għandu jkun hemm ċertu livell ta' flessibilità. Barra minn hekk, skont id-Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li tikkonċerna l-Artikolu 5 tad-DCI, il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha sabiex tiżgura li livell ta' 20 % tal-għajnuna allokata tagħha taħt programmi tal-pajjiżi koperti mill-DCI jkunu allokati, sal-aħħar tal-2009, għall-edukazzjoni bażika u sekondarja u s-saħħa bażika, permezz ta' proġetti, programmi jew appoġġ finanzjarju marbuta ma' dawn is-setturi, billi tittieħed medja fuq l-oqsma kollha ġeografiċi u billi jingħata għarfien li normalment għandu jkun hemm livell ta' flessibilità, bħal pereżempju fil-każ ta' għajnuna eċċezzjonali.

Qabel Lulju ta' kull sena, il-Kummissjoni tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport annwali dwar il-politika tal-iżvilupp tal-Unjoni u l-għajnuna esterna, billi tissodisfa l-ħtiġiet tar-rappurtar regolatorju tal-Kummissjoni u tagħti dettalji sħaħ dwar il-Kooperazzjoni tal-iżvilupp, speċjalment dwar sa liema limitu din tkun laħqet l-objettivi tagħha. B'mod partikolari, ir-rapport għandu:

— jippreżenta l-għanijiet strateġiċi tal-politika tal-iżvilupp tal-Unjoni u l-kontribuzzjoni tagħha lejn il-mira ta' 35 % għall-infrastruttura u s-servizzi soċjali u l-livell kurrenti ta' 20 % għal edukazzjoni bażika u sekondarja u saħħa bażika, fil-kuntest tal-Kooperazzjoni ġeografika taħt id-DCI, u jevalwa l-effiċjenza u l-effettività tal-kooperazzjoni, inkluż il-progress li sar fil-koordinazzjoni tal-għajnuna, fit-titjib tal-koerenza tal-istrateġija tal-Unjoni fl-azzjonijiet esterni tagħha, u fl-integrazzjoni tal-kwistjonijiet tematiċi u interdixxiplinarji bħalma huma kwistjonijiet bejn is-sessi, id-drittijiet tal-bniedem, il-prevenzjoni tal-kunflitt u l-ambjent,

— jippreżenta r-riżultati prinċipali ta' rapporti ta' evalwazzjoni u ta' monitoraġġ, bħala indikazzjoni ta' kemm l-azzjonijiet qed jilħqu l-għanijiet tagħhom,

— jagħmel sommarju tal-fatturi ewlenin u attivitajiet ta' Kooperazzjoni f'kull reġjun ġeografiku, kif ukoll

— jipprovdi informazzjoni finanzjarja dwar l-appoġġ mogħti lil kull settur, b'konformita mal-kriterji ta' rappurtar tal-OECD.

## *Artikolu 19 09 01 — Kooperazzjoni ma' pajjiżi tal-Amerika Latina li qed jiżviluppaw*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 364 564 000 | 290 000 000 | 364 323 000 | 277 589 580 | 351 506 000,00 | 281 654 274,57 |

*Kummenti*

Dan il-kreditu hu destinat li jkopri l-azzjonijiet ta' kooperazzjoni fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-Amerika Latina, bil-ħsieb li:

— jikkontribwixxi lejn is-sostenn istituzzjonali u l-appoġġ tal-konsolidament tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt u tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem,

— jippromwovi l-koeżjoni soċjali, jiġġieled il-faqar u l-esklużjoni soċjali u jagħti attenzjoni partikulari liċ-ċirku vizzjuż ta' faqar li bih huma iffaċċjati l-persuni b'diżabilità,

— jippromwovi klima tan-negozju pożittiva għall-SMEs permezz tad-drittijiet tal-proprjetà legali, jaqtal-burokrazija u jtejjeb l-aċċess għall-kreditu kif ukoll itejjeb l-assoċjazzjonijiet tal-impriżi żgħar u ta' daqs medju,

— jappoġġja l-integrazzjoni reġjonali,

— itejjeb il-livell ta' edukazzjoni u saħħa,

— jippromwovi użu akbar tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni,

— jappoġġja l-implimentazzjoni tal-istrutturi, partikularment in pajjiżi l-anqas żviluppati, biex igħin biex tinġieb integrazzjoni aħjar fis-sistema kummerċjali multilaterali, notevolment biex itejbu l-kapaċità tagħhom biex jieħdu sehem fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO),

— jiffavorixxi t-trasferiment tal-għarfien u jippromwovi it-tlaqqigħ u l-assoċjazzjoni bejn l-atturi ekonomiċi taż-żewġ partijiet,

— jirrendi l-ambjent tal-pajjiżi interessati aktar favorevoli għall-espansjoni tal-ekonomija u allura għall-iżvilupp,

— jippromwovi l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali, enerġija sostenibbli u l-ġlieda kontra tibdil fil-klima,

— jappoġġja l-prevenzjoni tad-diżastri u tnaqqis ta' riskju, li jinkludu perikli relatati mat-tibdil fil-klima,

— jappoġġja lit-trejdjunjins, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) u l-inizjattivi lokali biex iwettqu monitoraġġ tal-impatt tal-investimenti Ewropej fuq l-ekonomija nazzjonali, partikolarment kodiċi tal-kondotta u ftehimiet settorjali li jinkorporaw rispett tal-istandards tax-xogħol, ambjentali, soċjali u tad-drittijiet tal-bniedem,

— iħeġġeġ l-iżvilupp tas-soċjetà ċivili, jinkoraġġixxi l-gruppi li huma rappreżentati anqas tajjeb sabiex jingħataw vuċi u jipparteċipaw fis-soċjetà ċivili u fis-sistema politika, il-ġlieda kontra kull forma ta' diskriminazzjoni, u t-tisħiħ tad-drittijiet tan-nisa u t-tfal, u gruppi oħra vulnerabbi li jinkludu persuni b'diżabilità u persuni anzjani.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tintuża biex tiffinanzja programmi internazzjonali favur l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti tas-setgħa lin-nisa, inkluż permezz tal-qafas UN WOMEN.

Bl-eċċezzjoni tal-għajnuna umanitarja, l-assistenza tal-gvernijiet ma għandhiex tiġi provduta jekk il-gvernijiet huma responsabbli għal deterjorament fis-sitwazzjoni fil-qasam tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet fundamentali u libertajiet.

Din l-approprjazzjoni tkopri wkoll attivitajiet ta' żvilupp ta' kapaċitajiet biex tgħin lill-produtturi agrikoli f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw jilħqu l-istandards sanitarji u fitosanitarji tal-Unjoni meħtieġa għal aċċess għas-suq Ewropew.

Fejn l-għajnuna tingħata permezz ta' appoġġ mill-baġit, il-Kummissjoni għandha tappoġġa l-isforzi ta' pajjiżi msieħba biex jiġu żviluppati s-sorveljanza parlamentari u l-kapaċitajiet ta' verifika u t-trasparenza, skont l-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006. Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tappoġġa, fost l-oħrajn, inizjattivi bħall-Fondazzjoni Unjoni-ALC (deċiża waqt is-Samit tal-Kapijiet ta' Stati u Gvernijiet tal-Unjoni-ALC) u l-Forum ta' Biarritz.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħra, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew minn organizzazzjonijiet għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, skont l-att bażiku, jista' jwassal għal approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn l-ammonti jirriżultaw mill-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa fuq is-sapport amministrattiv għandhom ikunu stabbiliti mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma tkunx taqbeż l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu

u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti jieħdu mill-kontribuzzjonijiet tal-Pajjiżi tal-EFTa mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkonsistu minn dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provvista tal-approprazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din is-sezzjoni li tifforma parti integrali tal-baġit ġenerali.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tintuża, b'rispett xieraq għar-Regolament Finanzjarju, għal operazzjonijiet imwettqa minn esperti voluntiera għolja mill-Unjoni Ewropea li jaqgħu taħt in-Netwerk Ewropew ta' Servizzi Għolja (ESSN), inkużi assistenza teknika, servizzi konsultattivi u taħriġ f'intrapriżi magħżula mis-settur pubbliku jew privat.

L-approprjazzjonijiet skont dan l-artikolu huma soġġetti għal evalwazzjonijiet kif stabbilit fl-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006. Dawn l-evalwazzjonijiet se jinkludu aspetti ta' attivitajiet ta' input u tal-katina tar-riżultati (output, riżultat, impatt). Ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet għandhom jintużaw fil-formulazzjoni ta' miżuri sussegwenti li jkunu ffinanzjati minn dawn l-approprjazzjonijiet.

Bl-eċċezzjoni tal-għajnuna umanitarja, u l-għajnuna ta' implimentazzjoni mill-NGOs jew mill-aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti jew minn operaturi imparzjali, m'għandhiex tkun ipprovduta għajnuna lill-gvernijiet jekk il-gvernijiet ikunu responsabbli għal każ ċar ta' deterjorament tas-sitwazzjoni fil-qasam tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali..

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

*Atti ta' referenza*

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Ġunju 2006 dwar impriżi żgħar u ta' daqs medju f'pajjiżi li qed jiżviluppaw (ĠU C 298 E, 8.12.2006, p. 171).

## *Artikolu 19 09 02 — Azzjoni ta' tħejjija — Kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-grupp bi dħul medju fl-Amerika Latina*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 500 000 | p.m. | 500 000 | 0,— | 261 755,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni għandha l-iskop li tiffinanzja miżuri ta' Kooperazzjoni f'pajjiżi ta' dħul medju u pajjiżi oħrajn li qegħdin fl-Amerika Latina.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja miżuri ta' Kooperazzjoni li ma jissodisfawx il-kriterji tal-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) kif stabbilita mill-Kumiat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD/DAC), u li għalhekk ma jaqawx taħt ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabilixxi strument finanzjarju għal Kooperazzjoni tal-iżvilupp (Artikolu 2(4)) (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41), b'mod partikulari miżuri għall-Kooperazzjoni f'setturi li kapaċi jiżviluppaw b'mod indipendenti, bir-riżultat li investiment mill-baġit ġenerali tal-Unjoni ma jagħti ebda kontribut għall-ġlieda kontra l-faqar f'pajjiżi tal-Amerika Latina.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija fit-tifsira tal-Artikolu 49(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/25 tal-25 ta' Gunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-bagit generali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2007 dwar Dokumenti ta' Strateġija Nazzjonali u programmi indikattivi għall-Malasja, il-Brażil u l-Pakistan (ĠU C 287 E,29.11.2007, p. 374)

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar Dokumenti ta' Strateġija Reġjunali u Programmi Indikattivi Reġjunali għall-Mercosur u l-Amerika Latina (ĠU C 125 E, 22.5.2008, p. 26).

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2008 dwar deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi Programm Annwali ta'

Azzjoni għall-Brażil u l-Arġentina għall-2008 (ĠU C 294 E, 3.12.2009, p. 19).

## *Artikolu 19 09 03 — Attivitajiet ta' Kooperazzjoni għajr Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (Amerika Latina)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 16 000 000 | 3 000 000 | 10 000 000 | 2 863 677 | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni għandha tappoġġja attivitajiet, li jmorru lil'hinn mill-Kooperazzjoni għall-iżvilupp, immirati għal impenn iktar sod mal-imsieħba fuq bażi multilaterali.

*Bażi ġuridika*

Regolament (UE) Nru 1338/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1934/2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi u territorji industrijalizzati u oħrajn bi dħul għoli (ĠU L 347, 30.12.2011, p. 21).

# Kapitolu 19 10 — Relazzjonijiet mal-Asja, l-Asja Ċentrali u l-Pajjiżi tal-Lvant Nofsani (l-Iraq, l-Iran u l-Jemen)

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 19 10 | Relazzjonijiet mal-Asja, l-Asja Ċentrali u l-Pajjiżi tal-Lvant Nofsani (l-Iraq, l-Iran u l-Jemen) | | | | | | | | |
| ***19 10 01*** | ***Kooperazzjoni ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-Asja*** | | | | | | | | |
| 19 10 01 01 | Kooperazzjoni ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-Asja | 4 | 506 690 519 | 391 000 000 | 520 903 500 | 403 106 931 | 548 328 139,14 | 440 991 503,83 | 112,79 % |
| 19 10 01 02 | Għajnuna għar-riabilitazzjoni u rikostruzzjoni tal-Afganistan | 4 | 201 000 000 | 139 000 000 | 198 915 000 | 152 729 442 | 200 000 000,00 | 130 962 145,00 | 94,22 % |
| 19 10 01 03 | Azzjoni ta' tħejjija — Skambji kummerċjali u xjentifiċi mal-Indja | 4 | p.m. | 3 600 000 | p.m. | 2 300 000 | 0,— | 2 883 070,20 | 80,09 % |
| 19 10 01 04 | Azzjoni ta' tħejjija— Skambji kummerċjali u xjentifiċi maċ-Ċina | 4 | p.m. | 3 700 000 | p.m. | 3 300 000 | 0,— | 2 898 243,18 | 78,33 % |
| 19 10 01 05 | Azzjoni ta' tħejjija — Kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-grupp bi dħul medju fl-Asja | 4 | p.m. | 550 000 | p.m. | 530 000 | 0,— | 590 992,77 | 107,45 % |
| 19 10 01 06 | Azzjoni ta' tħejjija — Unjoni Ewropea-Asja — Integrazzjoni ta' politika u prattika | 4 | p.m. | 300 000 | p.m. | 200 000 | 0,— | 225 226,88 | 75,08 % |
| | *Artikolu 19 10 01 — Sub-total* | | 707 690 519 | 538 150 000 | 719 818 500 | 562 166 373 | 748 328 139,14 | 578 551 181,86 | 107,51 % |
| ***19 10 02*** | ***Kooperazzjoni ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-Asja Ċentrali*** | 4 | 100 300 000 | 62 000 000 | 105 232 000 | 72 546 485 | 93 938 166,29 | 66 298 539,84 | 106,93 % |
| ***19 10 03*** | ***Kooperazzjoni mal-Iraq, l-Iran u l-Jemen*** | 4 | 45 500 000 | 26 300 000 | 52 651 000 | 38 182 361 | 38 947 000,00 | 25 542 971,88 | 97,12 % |
| ***19 10 04*** | ***Attivitajiet ta' Kooperazzjoni għajr Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (l-Asja, l-Asja Ċentrali, l-Iran, l-Iraq, u l-Jemen)*** | 4 | 29 500 000 | 13 000 000 | 18 500 000 | 4 543 701 | 0,— | 0,— | |
| | **Kapitolu 19 10 — Total** | | **882 990 519** | **639 450 000** | **896 201 500** | **677 438 920** | **881 213 305,43** | **670 392 693,58** | **104,84 %** |

*Kummenti*

L-iskop tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp taħt din l-intestatura huwa primarjament il-kontribuzzjoni tagħha lejn il-kisba tal-Għanijiet tal-Iżvilupp għall-Millenju kif ukoll il-promozzjoni tad-demokrazija, tal-governanza tajba, tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt, u li jisseddaq żvilupp sostenibbli u integrazzjoni ekonomika u tiġi promossa l-prevenzjoni tal-kunflitti, is-sejba ta' soluzzjoni għall-kunflitti u r-rikonċiljazzjoni. Skont id-Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li tikkonċerna l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41) għal pajjiżi ddefiniti bħala riċevituri tal-ODA mill-Kumitat ta' Assistenza għall-Iżvilupp tal-OECD(DAC), il-Kummissjoni se tkompli tirraporta b'mod annwali dwar il-benchmark, użat fil-passat iżda li issa m'għadux użat, sabiex 35 % tal-assistenza tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw jiġu allokati għall-infrastruttura u s-servizzi soċjali, filwaqt li tirikonoxxi li l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għandha titqies bħala parti mill-appoġġ ta' donaturi ġenerali lis-settur soċjali li għandu jkun hemm ċertu livell ta' flessibilità.

Barra minn hekk, skont id-Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li tikkonċerna l-Artikolu 5 tad-DCI, il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha sabiex tiżgura li livell ta' 20 % tal-għajnuna allokata tagħha taħt programmi tal-pajjiżi koperti mill-DCI jkunu allokati għall-edukazzjoni bażika u sekondarja u s-saħħa bażika, permezz ta' proġetti, programmi jew appoġġ finanzjarju marbuta ma' dawn is-setturi, billi tittieħed medja fuq l-oqsma kollha ġeografiċi u billi jingħata għarfien li normalment għandu jkun hemm livell ta' flessibilita, bħal pereżempju fil-każ ta' għajnuna eċċezzjonali.

Qabel Lulju ta' kull sena, il-Kummissjoni tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport annwali dwar il-politika tal-iżvilupp tal-Unjoni u l-għajnuna esterna, billi tissodisfa l-ħtiġiet tar-rappurtar regolatorju tal-Kummissjoni u tagħti dettalji sħaħ dwar il-Kooperazzjoni tal-iżvilupp, speċjalment dwar sa liema limitu din tkun laħqet l-objettivi tagħha. B'mod partikolari, ir-rapport għandu:

— jippreżenta l-għanijiet strateġiċi tal-politika tal-iżvilupp tal-Unjoni u l-kontribuzzjoni tagħha lejn il-mira ta' 35 % għall-infrastruttura u s-servizzi soċjali u l-livell kurrenti ta' 20 % għal edukazzjoni bażika u sekondarja u saħħa bażika, fil-kuntest tal-Kooperazzjoni ġeografika taħt id-DCI, u jevalwa l-effiċjenza u l-effettività tal-kooperazzjoni, inkluż il-progress li sar fil-koordinazzjoni tal-għajnuna, fit-titjib tal-koerenza tal-istrateġija tal-Unjoni fl-azzjonijiet esterni tagħha, u fl-integrazzjoni tal-kwistjonijiet tematiċi u interdixxiplinarji bħalma huma kwistjonijiet bejn is-sessi, id-drittijiet tal-bniedem, il-prevenzjoni tal-kunflitt u l-ambjent;

— jippreżenta r-riżultati prinċipali ta' rapporti ta' evalwazzjoni u ta' monitoraġġ, bħala indikazzjoni ta' kemm l-azzjonijiet qed jilħqu l-għanijiet tagħhom;

— jagħmel sommarju tal-fatturi ewlenin u attivitajiet ta' Kooperazzjoni f'kull reġjun ġeografiku, u

— jipprovdi informazzjoni finanzjarja dwar l-appoġġ mogħti lil kull settur, b'konformita mal-kriterji ta' rappurtar tal-OECD.

## *Artikolu 19 10 01 — Kooperazzjoni ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-Asja*

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri skemi ta' żvilupp f'pajjiżi Asjatiċi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari l-ifqar fosthom, immirati sabiex jtejbu l-iżvilupp uman u soċjali kif ukoll sabiex isolvu problemi makroekonomiċi u settorjali. Jiġu enfasizzati l-operazzjonijiet li jinfluwenzaw l-organizzazzjoni ekonomika u l-iżvilupp istituzzjonali, it-tisħiħ tas-soċjetà ċivili, inklużi l-operazzjonijiet li jikkonċernaw id-demokratizzazzjoni, l-edukazzjoni, it-taħriġ vokazzjonali, it-tagħlim tul il-ħajja, l-iskambju akkademiku u kulturali, l-iskambju xjentifiku u teknoloġiku, l-ambjent, il-foresti tropikali, il-kampanji kontra d-droga, il-Kooperazzjoni reġjonali, it-tħaris mid-diżastri u l-miżuri ta' rikostruzzjoni, kif ukoll il-promozzjoni tal-enerġija sostenibbli u tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni.

Il-Kummissjoni tipproduċi rapport annwali li jkopri l-attivitajiet ta' għajnuna esterni kollha tagħha.

F'dan l-artikolu trid tidher ukoll l-ispiża fuq l-operazzjonijiet u miżuri oħra ta' natura orizzontali biex jitkabbar il-profil jew tqajjem iktar kuxjenza dwar il-Kooperazzjoni tal-Unjoni mal-pajjiżi Asjatiċi li qed jiżviluppaw.

Hija maħsuba biex tkopri wkoll appoġġ għall-iżvilupp tas-soċjetà ċivili u, b'mod partikolari, appoġġ għall-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu u jiddifendu d-drittijiet ta' gruppi vulnerabbli, bħan-nisa, it-tfal, il-minoranzi etniċi u l-persuni b'disabilità.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tippromwovi klima tan-negozju pożittiva għall-SMEs permezz tad-drittijiet tal-proprjetà legali, it-tnaqqis tal-burokrazija u t-titjib tal-aċċess għall-kreditu kif ukoll it-titjib tal-assoċjazzjonijiet tal-SMEs,

L-utilizzazzjoni ta' din l-approprjazzjoni tiddependi fuq it-tħaris tal-prinċipji li jseddqu l-azzjoni tal-Unjoni Ewropea.

L-approprjazzjoni hija inċiża wkoll fl-interess reċiproku tal-Unjoni Ewropea u l-imsieħba tagħha, biex tkopri diversi tipi ta' operazzjonijiet li jinvolvu għajnuna teknika, taħriġ, trasferiment teknoloġiku u appoġġ istituzzjonali fl-oqsma tal-promozzjoni tan-negozju, l-enerġija (b'mod partikolari l-enerġija rinnovabbli), l-ambjent, il-ġestjoni, eċċ., sabiex:

— jittejjeb il-kuntest ekonomiku, soċjali, kulturali, legali u regolatorju u jkunu ffaċilitati r-relazzjonijiet ekonomiċi u tal-kummerċ bejn l-Unjoni u l-Asja,

— titrawwem l-integrazzjoni reġjonali,

— ikun appoġġat il-bini tal-kapaċità, b'mod partikolari fil-pajjiżi l-anqas żviluppati biex ikunu assistiti jintegraw aħjar fis-sistema tal-kummerċ multilaterali, inkluż l-abbilitajiet tagħhom biex jipparteċipaw fid-WTO,

— ikun inkoraġġit it-trasferiment tal-kompetenza u jitkattru l-kuntatt u l-kollaborazzjoni bejn l-atturi fin-negozju fuq iż-żewġ naħat,

— titkattar klima aktar favorevoli għall-espansjoni ekonomika u għalhekk l-iżvilupp fil-pajjiżi kkonċernati,

— jiġu promossi l-iżvilupp soċjali, il-koeżjoni soċjali u d-distribuzzjoni ġusta tal-introjtu,

— tippromwovi użu akbar tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni.

Din l-approprjazzjoni hija wkoll maħsuba biex tkopri inizjattivi ġejjienin tal-Unjoni u tippromwovi djalogu kontinwu u Kooperazzjoni bejn is-setturi privati u l-komunitajiet ta' riċerka fl-Unjoni u l-Indja f'medda wiesgħa ta' oqsma, billi jissaħħu u jitħeġġu sħubiji u skambji u jiġu appoġġati inizjattivi konġunti u billi jitjieb it-tixrid tal-informazzjoni fir-rigward tal-aċċess għas-suq fil-kummerċ u l-investiment, primarjament fil-kuntest ta' ftehim ta' kummerċ ħieles bejn l-UE u l-Indja fil-ġejjieni.

Tkopri wkoll l-edukazzjoni għat-tfal affettwati bil-gwerra jew id-diżastri naturali.

Dawn il-miżuri jistgħu jkunu ffinanzjati konġuntament ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi u organizzazzjonijiet internazzjonali.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tappoġġja t-tnaqqis tar-riskju u l-prevenzjoni ta' diżastri, li jinkludu perikoli relatati mal-bidla fil-klima.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri wkoll l-operazzjonijiet tal-Unjoni fil-qafas tal-proċess ta' rikostruzzjoni fl-Afganistan.

Il-Kummissjoni timmonitorizza l-konformità mal-kondizzjonijiet tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni lil dan il-proċess, senjatament l-implimentazzjoni sħiħa tal-ispirtu u l-ittra tal-Ftehim Bonn-Petersberg. Għandha żżomm l-awtorità tal-baġit informata dwar ir-riżultanzi u l-konklużjonijiet tagħha.

Din l-approprjazzjoni hija wkoll maħsuba biex tappoġġja l-istrateġija nazzjonali tal-ġlieda kontra d-droga fl-Afganistan, inkluż it-twaqqif tal-produzzjoni tal-opju fl-Afganistan, u d-diżgregazzjoni u l-qirda tan-netwerks tal-opju u r-rotot ta' esportazzjoni illegali lejn il-pajjiżi Ewropej.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba għall-użu biex tittejjeb il-qagħda tan-nisa, bi prijorità għall-azzjonijiet fl-oqsma tas-saħħa u l-edukazzjoni, u biex ikun appoġġjat l-involviment attiv tagħhom fl-oqsma u l-livelli kollha tat-teħid tad-deċiżjonijiet, b'konsiderazzjoni xierqa għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħra, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew minn organizzazzjonijiet għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, skont l-att bażiku, jista' jwassal għal approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn l-ammonti jirriżultaw mill-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa fuq is-sapport amministrattiv għandhom ikunu stabbiliti mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma tkunx taqbeż l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

L-approprjazzjonijiet taħt dan l-artikolu huma suġġetti għal evalwazzjonijiet kif stabbilit mill-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jinkludu aspetti ta' attivitajiet ta' input u tal-katina tar-riżultati (output, riżultat, impatt). Ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet għandhom jintużaw fil-formulazzjoni ta' miżuri li jiġu wara li jkunu ffinanzjati minn dawn l-approprjazzjonijiet.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu . Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti jieħdu mill-kontribuzzjonijiet tal-Pajjiżi tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkonsistu minn dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provvista tal-approprazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima li tifforma parti integrali tal-baġit ġenerali.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tintuża, b'rispett xieraq għar-Regolament Finanzjarju, għal operazzjonijiet imwettqa minn esperti voluntiera għolja mill-Unjoni Ewropea li jaqgħu taħt in-Netwerk Ewropew ta' Servizzi Għolja (ESSN), inklużi

l-assistenza teknika, is-servizzi konsultattivi u t-taħriġ f'intrapriżi pubbliċi jew privati magħżula.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tintuża biex tiffinanzja programmi internazzjonali favur l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti tas-setgħa lin-nisa, inkluż permezz tal-qafas UN WOMEN.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

*Atti ta' referenza*

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Ġunju 2006 dwar impriżi żgħar u ta' daqs medju f'pajjiżi li qed jiżviluppaw (ĠU C 298 E, 8.12.2006, p. 171).

## Partita 19 10 01 01 — Kooperazzjoni ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-Asja

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 506 690 519 | 391 000 000 | 520 903 500 | 403 106 931 | 548 328 139,14 | 440 991 503,83 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri skemi ta' żvilupp f'pajjiżi Asjatiċi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari l-ifqar fosthom, immirati sabiex jtejbu l-iżvilupp uman u soċjali kif ukoll sabiex isolvu problemi makroekonomiċi u settorjali. Barra minn hekk, skont id-Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li tikkonċerna l-Artikolu 5 tar- Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument għall-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41) (DCI), il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha sabiex tiżgura li livell ta' 20 % tal-għajnuna allokata tagħha taħt programmi tal-pajjiżi koperti mill-DCI jkunu allokati għall-edukazzjoni bażika u sekondarja u s-saħħa bażika, permezz ta' proġetti, programmi jew appoġġ baġitarju marbut ma' dawn is-setturi, billi tittieħed medja fuq l-oqsma kollha ġeografiċi u billi jingħata għarfien li normalment għandu jkun hemm livell ta' flessibilità, bħal per eżempju fil-każ ta' għajnuna eċċezzjonali.

Qed isir enfasi fuq l-operazzjonijiet li jinfluwenzaw l-organizzazzjoni ekonomika u l-iżvilupp istituzzjonali, it-tisħiħ tas-soċjetà ċivili, inklużi l-operazzjonijiet li jikkonċernaw id-demokratizzazzjoni, l-aċċess universali tat-tfal taż-żewġ sessi u tan-nisa kif ukoll tat-tfal bdiżabilitajiet għall-edukazzjoni primarja u sekondarja, l-ambjent, u l-immaniġġjar sostenibbli tar-riżorsi naturali, inklużi l-foresti tropikali, il-Kooperazzjoni reġjonali, il-prevenzjoni tad-diżastri u t-tnaqqis tar-riskji, inklużi l-perikli relatati mal-bidla fil-klima, u l-miżuri ta rikostruzzjoni, kif ukoll il-promozzjoni ta l-enerġija sostenibbli, il-ġlieda kontra l-bidla fil-klima u t-teknoloġija ta l-informazzjoni u l-komunikazzjoni.

L-għan ta' din l-approprjazzjoni huwa wkoll li tkopri miżuri li jippromwovu il-prevenzjoni tal-kunflitti, is-soluzzjoni tal-kunflitti u r-rikonċiljazzjoni.

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-ispiża fuq l-operazzjonijiet u miżuri oħra ta' natura orizzontali biex jitkabbar il-profil jew tqajjem iktar kuxjenza dwar il-Kooperazzjoni tal-Unjoni mal-pajjiżi Asjatiċi li qed jiżviluppaw.

Hija maħsuba biex tkopri wkoll appoġġ għall-iżvilupp tas-soċjetà ċivili u, b'mod partikolari, appoġġ għall-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu u jiddifendu d-drittijiet ta' gruppi vulnerabbli, bħan-nisa, it-tfal, il-minoranzi etniċi u l-persuni b'disabilità.

Hija maħsuba wkoll biex tkopri appoġġ għall-iskemi ta' *microcredit.*

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri attivitajiet ta' żvilupp ta' kapaċitajiet biex tgħin lill-produtturi agrikoli f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw jilħqu l-istandards sanitarji u fitosanitarji tal-Unjoni meħtieġa għal aċċess għas-suq Ewropew.

L-utilizzazzjoni ta' din l-approprjazzjoni tiddependi fuq it-tħaris tal-prinċipji li jseddqu l-azzjoni tal-Unjoni.

Hija maħsuba wkoll biex tkopri miżuri li jinfluwenzaw l-organizzazzjoni ekonomika u l-iżvilupp istituzzjonali.

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri għajnuna teknika, taħriġ, trasferiment teknoloġiku u appoġġ istituzzjonali fl-oqsma tal-promozzjoni tan-negozju, l-enerġija (b'mod partikolari l-enerġija rinnovabbli), l-ambjent, il-ġestjoni, eċċ., sabiex:

— titrawwem l-integrazzjoni reġjonali,

— ikun appoġġat il-bini tal-kapaċità, b'mod partikolari fil-pajjiżi l-anqas żviluppati biex ikunu assistiti jintegraw aħjar fis-sistema

tal-kummerċ multilaterali, inkluż l-abbilitajiet tagħhom biex jipparteċipaw fid-WTO,

- ikun inkoraġġit it-trasferiment tal-kompetenza u jitkattru l-kuntatt u l-kollaborazzjoni bejn l-atturi fin-negozju fuq iż-żewġ naħat,
- jiġu promossi l-iżvilupp soċjali, il-koeżjoni soċjali u d-distribuzzjoni ġusta tal-introjtu,
- ikun promoss l-użu akbar tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni,
- ikun promoss l-iżvilupp tas-soċjetà ċivili, l-inkoraġġiment tal-gruppi li huma rrappreżentati anqas tajjeb sabiex jingħataw vuċi u jipparteċipaw fis-soċjetà ċivili u fis-sistema politika, il-ġlieda kontra kull forma ta diskriminazzjoni, u t-tisħiħ tad-drittijiet tan-nisa u t-tfal u gruppi oħra vulnerabbi, inklużi persuni b'diżabilità u persuni anzjani.

Hija maħsuba wkoll biex tkopri Tkopri wkoll l-edukazzjoni għat-tfal affettwati bil-gwerra jew id-diżastri naturali.

Dawn il-miżuri jistgħu jkunu ffinanzjati konġuntament ma’ organizzazzjonijiet mhux governattivi u organizzazzjonijiet internazzjonali.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba għall-użu biex tittejjeb il-qagħda tan-nisa, bi prijorità għall-azzjonijiet fl-oqsma tas-saħħa u l-edukazzjoni, u biex ikun appoġġjat l-involviment attiv tagħhom fl-oqsma u l-livelli kollha tat-teħid tad-deċiżjonijiet, b’konsiderazzjoni xierqa għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju.

Parti minn din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tintuża għal azzjonijiet ta' kontroll u tneġġija ta' mini tal-art kontra l-persunal (APL), Fdalijiet Splussivi tal-Gwerra (ERW) u Armi Żgħar u Armamenti Ħfief illegali (SALW).

Fejn l-għajnuna tingħata permezz ta' appoġġ mill-baġit, il-Kummissjoni għandha tappoġġa l-isforzi ta' pajjiżi msieħba biex jiġu żviluppati s-sorveljanza parlamentari u l-kapaċitajiet ta' verifika u t-trasparenza, skont l-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006. Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji mingħand l-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħrajn, inklużi fiż-żewġ każi l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew mingħand organizzazzjonijiet internazzjonali għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterni ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, skont l-att bażiku rilevanti, jista' jagħti lok għal għoti ta' approprjazzjonijiet ulterjuri. Tali kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tar-rendikont tad-dħul, li jikkostitwixxi dħul allokat skont l-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa fuq appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi mill-ftehim dwar il-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b’medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull Kapitolu.

Parti minn din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tintuża fuq it-titjib tal-pożizzjoni ta’ minoritajiet Insara u minoritajiet reliġjużi oħra fil-Pakistan.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tintuża, b'rispett xieraq għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju, għal operazzjonijiet imwettqa minn esperti voluntiera għolja mill-Unjoni Ewropea li jaqgħu in-Netwerk Ewropew ta’ Servizzi Għolja (ESSN), inklużi l-assistenza teknika, is-servizzi konsultattivi u t-taħriġ f'intrapriżi pubbliċi jew privati magħżula.

L-approprjazzjonijiet taħt dan l-artikolu huma suġġetti għal evalwazzjonijiet kif stabbilit mill-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006. Dawn l-evalwazzjonijiet se jinkludu aspetti ta’ attivitajiet ta’ input u tal-katina tar-riżultati (output, riżultat, impatt). Ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet għandhom jintużaw fil-formulazzjoni ta’ miżuri li jiġu wara li jkunu ffinanzjati minn dawn l-approprjazzjonijiet.

Parti minn din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tintuża biex tiffinanzja programmi internazzjonali favur l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti tas-setgħa lin-nisa, inkluż permezz tal-qafas UN WOMEN.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta’ finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

## Partita 19 10 01 02 — Għajnuna għar-riabilitazzjoni u rikostruzzjoni tal-Afganistan

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 201 000 000 | 139 000 000 | 198 915 000 | 152 729 442 | 200 000 000,00 | 130 962 145,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri operazzjonijiet tal-Unjoni fil-qafas tal-proċess ta’ rikostruzzjoni fl-Afganistan. Hija supplimentata b’nefqa minn kapitoli w artikoli oħra, li għalihom japplikaw proċeduri differenti.

Il-Kummissjoni timmonitorizza l-konformità mall-kundizzjonijiet għall-kontribuzzjoni tal- Unjoni għal dan il-proċess, b'mod partikolari l-implimentazzjoni sħiħa tal-proċess wara Bonn. Għandha żżomm l-awtorità tal-baġit infurmata dwar ir-riżultati u l-konklużjonijiet tagħha.

Din l-appropazzjoni hija maħsuba sabiex tappoġġja servizzi soċjali bażiċi u l-iżvilupp ekonomiku fl-Afganistan.

Din l-approprjazzjoni hija wkoll maħsuba biex tappoġġja l-istrateġija nazzjonali tal-ġlieda kontra d-droga fl-Afganistan, inkluż it-twaqqif tal-produzzjoni tal-opju fl-Afganistan, u d-diżgregazzjoni u l-qirda tan-netwerks tal-opju u r-rotot ta’ esportazzjoni illegali lejn il-pajjiżi Ewropej.

Parti rilevanti minn din l-approprjazzjoni trid tkun allokata esklużivament biex tiffinanzja l-bidu tal-pjan ta' 5 snin għat-tneħħija gradwali tal-kultivazzjoni tal-oppju billi tinbidel bi produzzjoni alternattiva sabiex jinkiseb riżultat verifikabbli f'dan il-qasam, skont it-talbiet espressi mill-Parlament Ewropew fir-Rapport tiegħu "Strateġija ġdida għall-Afganistan" approvat fis-16 ta' Diċembru 2010.

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba wkoll biex tappoġġa l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-proċess tar-ritorn tar-refuġjati u persuni spostati Afgani lejn pajjiżhom u reġjuni ta’ oriġini skont l-impenji mdaħħla mill-Komunità fil-Konferenza ta’ Tokjo f’Jannar 2002.

Din l-approprijazzjoni hija maħsuba wkoll biex tiffinanzja l-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet tan-nisa li ħadmu għal żmien twil għad-drittijiet tan-nisa Afgani.

L-Unjoni għandha żżid l-assistenza finanzjarja lejn oqsma fl-Afganistan bħal ma huma s-saħħa (il-kostruzzjoni u r-rinovazzjoni ta’ sptarijiet, il-prevenzjoni tal-mortalità tat-tfal) u proġetti ta’ infrastruttura żgħar u medji (tiswija tan-netwerks ta’ toroq, bankini, eċċ) kif ukoll l-implimentazzjoni effettiva tas-sigurtà tal-impiegi u skemi dwar is-sigurtà tal-ikel.

Parti minn din l-approprjazzjoni se tintuża biex isir mainstreaming tat-tnaqqis ta’ riskju ta’ diżastri, ibbażat fuq is-sjieda u l-istrateġiji nazzjonali ta’ pajjiżi fil-periklu li jintlaqtu minn diżastri.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba għall-użu biex tittejjeb il-qagħda tan-nisa, bi prijorità għall-azzjonijiet fl-oqsma tas-saħħa u l-edukazzjoni, u biex ikun appoġġjat l-involviment attiv tagħhom fl-oqsma u l-livelli kollha tat-teħid tad-deċiżjonijiet, b’konsiderazzjoni xierqa għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju.

Se tingħata attenzjoni partikolari għas-sitwazzjoni tan-nisa u bniet f'kull azzjoni oħra u proġetti appoġġjati minn din l-approprjazzjoni.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħra, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew minn organizzazzjonijiet għal ċerti proġetti jew programmi ta’ għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, skont l-att bażiku, jista’ jwassal għal approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn l-ammonti jirriżultaw mill-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa fuq is-sapport amministrattiv għandhom ikunu stabbiliti mill-ftehim ta’ kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma tkunx taqbeż l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta’ finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

## Partita 19 10 01 03 — Azzjoni ta’ tħejjija — Skambji kummerċjali u xjentifiċi mal-Indja

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 3 600 000 | p.m. | 2 300 000 | 0,— | 2 883 070,20 |

*Kummenti*

Din l-azzjoni ta’ tħejjija hi maħsuba sabiex tappoġġja skambji bejn negozji u industriji Ewropej u Indjani, kif ukoll istituzzjonijiet ta’ riċerka. Dan huwa importanti fil-kuntest li jitjiebu r-rabtiet bejn in-negozji fl-Unjoni u r-riċerkaturi fl-ekonomiji li qed jiżviluppaw b'ħeffa bħall-Indja. L-azzjoni hija konformi ma’ paragrafu 4 tar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta’ Mejju 2006 dwar il-baġit għall-2007 ir-rapport annwali ta’ politika strateġika tal-Kummissjoni (APS) (ĠU C 297 E, 7.12.2006, p.357), li nnota li:‘ma ngħatatx biżżejjed attezzjoni ... għat-tibdil rapidu u vast li għaddej fl-ekonomija globali, b'mod partikolari l-ekonomiji emerġenti bħall-Indja u ċ-Ċina’.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija fit-tifsira tal-Artikolu 49(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## Partita 19 10 01 04 — Azzjoni ta' tħejjija— Skambji kummerċjali u xjentifiċi maċ-Ċina

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 3 700 000 | p.m. | 3 300 000 | 0,— | 2 898 243,18 |

*Kummenti*

Dinl-azzjoni ta' tħejjija hija maħsuba sabiex tappoġġja l-iskmabji bejn eżekuttivi fil-kummerċ u xjentisti Ewropej u Ċiniżi f'universitajiet u istituti ta' riċerka. Dawn huma fil-kuntest sabiex jitjiebu rabtiet bejn negozji tal-Unjoni u riċerkaturi f'ekonomiji li qed jiżviluppaw b'ħeffa bħaċ-Ċina. L-azzjoni hi konformi mal-paragrafu 4 tar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2006 dwar il-baġit 2007: ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija Politika Annwali (APS) (ĠU C 297E, 7.12.2006, p. 357), li nnota:'li ma ngħatatx biżżejjed attezzjoni għat-tibdil rapidu u vast li għaddej gl-ekonomija globali, b'mod partikolari l-ekonomiji emerġenti bħall-Indja u ċ-Ċina'.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija, fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunità Ewropea (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## Partita 19 10 01 05 — Azzjoni ta' tħejjija — Kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-grupp bi dħul medju fl-Asja

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 550 000 | p.m. | 530 000 | 0,— | 590 992,77 |

*Kummenti*

Din l-Kooperazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja miżuri ta' Kooperazzjoni f'pajjiżi ta' dħul medju u pajjiżi oħrajn fl-Asja li qegħdin jiżviluppaw li ma jissodisfawx il-kriterji tal-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) stabbilita mill-OECD/DAC, u li għalhekk ma jaqawx taħt ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabilixxi strument finanzjarju għall-Kooperazzjoni tal-iżvilupp (Artikolu 2(4)) (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41), b'mod partikulari miżuri għall-Kooperazzjoni f'setturi li kapaċi jiżviluppaw b'mod indipendenti, bir-riżultat li investiment mill-baġit ġenerali tal-Unjoni ma jagħti ebda kontribut għall-ġlieda kontra l-faqar f'pajjiżi Asjatiċi.

*Bażi ġuridika*

Azzjonijiet ta' tħejjija fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunità Ewropea (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2007 dwar Dokumenti ta' Strateġija Nazzjonali u programmi indikattivi għall-Malasja, il-Brażil u l-Pakistan (ĠU C 287 E, 29.11.2007, p. 374)

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Ġunju 2007 dwar Strateġija reġjunali u programmi indikattivi plurijennali għall-Asja (ĠU C 146 E, 12.6.2008, p. 257).

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2007 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistabilixxi Miżura Speċjali 2007 għall-Iraq (ĠU C 263E, 16.10.2008, p. 624).

Partita 19 10 01 06 — Azzjoni ta’ tħejjija — Unjoni Ewropea-Asja — Integrazzjoni ta’ politika u prattika

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 300 000 | p.m. | 200 000 | 0,— | 225 226,88 |

*Kummenti*

L-azzjoni ta’ tħejjija għandha l-għan li tipprovdi approċċ integrattiv għall-iżvilupp u l-prattika ta’ politika għall-Unjoni Ewropea-Asja. Dan l-approċċ ħolistiku żviluppat mill-Istitut Ewropew għall-Istudji Asjatiċi huwa marbut mal-attivitajiet koperti minn diversi bażijiet legali iżda li huma kompartimentalizzati fuq firxa ta’ bosta linji baġitarji.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta’ tħejjija fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 19 10 02 — Kooperazzjoni ma’ pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-Asja Ċentrali*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 100 300 000 | 62 000 000 | 105 232 000 | 72 546 485 | 93 938 166,29 | 66 298 539,84 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija intiża biex tkopri l-finanzjament jew il-finanzjament parzjali ta’ miżuri ta’ assistenza fil-livelli tal-gvern, istituzzjonali, tal-NGOs u tas-settur privat, maħsuba biex jappoġġaw it-tnaqqis tal-faqar, il-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem, it-tranżizzjoni lejn ekonomija tas-suq, it-tisħiħ tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt u l-promozzjoni tal-prevenzjoni tal-kunflitti, is-soluzzjoni tal-kunflitti u r-rikonċiljazzjoni fi Stati sħab.

Il-miżuri ta’ hawn fuq ikopru, fost ħwejjeġ oħra, appoġġ għal riforma istituzzjonali, legali u amministrattiva, appoġġ lis-settur privat u għajnuna għal żvilupp ekonomiku, appoġġ biex jiġu ffaċċjati l-konsegwenzi soċjali tat-tranżizzjoni, inkluż riformi fis-setturi soċjali, l-iżvilupp tan-netwerks tal-infrastruttura, il-promozzjoni tal-ħarsien tal-ambjent u l-ġestjoni tar-riżorsi naturali, l-enerġija sostenibbli, il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, il-prevenzjoni tad-diżastru u t-tnaqqis tar-riskji, inkluż perikli marbuta mat-tibdil fil-klima, u l-iżvilupp tal-ekonomija rurali.

Din l-approprjazzjoni hija intiża wkoll biex tkopri azzjonijiet fil-qasam tas-servizzi soċjali bażiċi, inkluża edukazzjoni bażika, kura tas-saħħa bażika u tas-saħħa riproduttiva, inkluż HIV/AIDS, il-ġlieda kontra l-abort furzat, il-mutilazzjoni ġenitali tan-nisa u l-isterilizzazzjoni furzata, provvista bażika ta’ ilma għax-xorb u kundizzjonijiet bażiċi għall-ħarsien tas-saħħa.

Parti minn din l-approprjazzjoni għandha tintuża, b’konsiderazzjoni xierqa tar-Regolament Finanzjarju, għall-promozzjoni tad-demokrazija u l-istat tad-dritt.

Parti minn din l-approprjazzjoni għandha tintuża għal azzjonijiet ta’ kontroll u jitneħħew mini tal-art kontra l-persunal (APL), fdalijiet splussivi tal-gwerra (ERW) u l-armi żgħar u armamenti ħfief illegali (SALW).

Din l-approprjazzjoni tkopri wkoll attivitajiet ta’ żvilupp ta’ kapaċitajiet biex tgħin lill-produtturi agrikoli f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw jilħqu l-istandards sanitarji u fitosanitarji tal-Unjoni meħtieġa għal aċċess għas-suq tal-Unjoni.

Fejn l-għajnuna tingħata permezz ta' appoġġ mill-baġit, il-Kummissjoni għandha tappoġġa l-isforzi ta' pajjiżi msieħba biex jiġu żviluppati s-sorveljanza parlamentari u l-kapaċitajiet ta' verifika u t-trasparenza, skont l-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006. Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji mingħand l-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħrajn, inklużi fiż-żewġ każi l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew mingħand organizzazzjonijiet internazzjonali għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterni ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, skont l-att bażiku rilevanti, jista' jagħti lok għal għoti ta' approprjazzjonijiet ulterjuri.

Tali kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tar-rendikont tad-dħul, li jikkostitwixxi dħul allokat skont l-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta’ appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx it-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

L-approprjazzjonijiet taħt dan l-artikolu huma suġġetti għal evalwazzjonijiet kif stabbilit mill-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006. Dawn l-evalwazzjonijiet se jinkludu aspetti ta' attivitajiet ta' input u tal-katina tar-riżultati (output, riżultat, impatt). Ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet għandhom jintużaw fil-formulazzjoni ta' miżuri li jiġu wara li jkunu ffinanzjati minn dawn l-approprjazzjonijiet.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti jieħdu mill-kontribuzzjonijiet tal-Pajjiżi tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkonsistu minn dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provvista tal-approprazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din is-sezzjoni li tifforma parti integrali tal-baġit ġenerali.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tintuża, b'rispett xieraq għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju, għal operazzjonijiet imwettqa minn esperti voluntiera għolja mill-Unjoni Ewropea li jaqgħu taħt in-Netwerk Ewropew ta' Servizzi Għolja (ESSN), inklużi l-assistenza teknika, is-servizzi konsultattivi u t-taħriġ f'intrapriżi pubbliċi jew privati magħżula.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

## *Artikolu 19 10 03 — Kooperazzjoni mal-Iraq, l-Iran u l-Jemen*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 45 500 000 | 26 300 000 | 52 651 000 | 38 182 361 | 38 947 000,00 | 25 542 971,88 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri azzjonijiet fl-Iraq, il-Jemen u, segwitu għall-analiżi kurrenti li l-Kummissjoni qed tagħmel taż-żona, potenzjalment, azzjonijiet immirati għal żvilupp umanitarju u soċjali fl-Iran. Fir-rigward tal-Iraq, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri operazzjonijiet tal-Unjoni fil-qafas tal-proċess ta' rikostruzzjoni fl-Iraq. Rigward il-Jemen, l-azzjonijiet se jkunu kkonċentrati fuq il-promozzjoni ta' ggvernar tajjeb u l-ġlieda kontra l-faqar (appoġġ għas-setturi soċjali u s-settur privat).

Din l-approprjazzjoni tkopri wkoll attivitajiet ta' żvilupp ta' kapaċitajiet biex tgħin lill-produtturi agrikoli f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw jilħqu l-istandards sanitarji u fitosanitarji tal-Unjoni meħtieġa għal aċċess għas-suq tal-Unjoni.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħra, inklużi fiż-żewġ każijiet l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew minn organizzazzjonijiet għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, skont l-att bażiku, jista' jwassal għal approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn l-ammonti jirriżultaw mill-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa fuq is-sapport amministrattiv għandhom ikunu stabbiliti mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma tkunx taqbeż l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Meta tiġi implimentata l-approprjazzjoni, għandha titqies ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-approċċ tal-UE rigward l-Iran (2010/2050(INI)) adottata fl-10 ta' Marzu 2011, sabiex jitħejjew il-kundizzjonijiet li jippermettu lill-Unjoni tistabbilixxi delegazzjoni fl-Iran fil-ġejjieni.

L-approprjazzjonijiet taħt dan l-artikolu huma suġġetti għal evalwazzjonijiet kif stabbilit mill-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006. Dawn l-evalwazzjonijiet se jinkludu aspetti ta' attivitajiet ta' input u tal-katina tar-riżultati (output, riżultat, impatt). Ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet għandhom jintużaw fil-formulazzjoni ta' miżuri li jiġu wara li jkunu ffinanzjati minn dawn l-approprjazzjonijiet.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tintuża, b'rispett xieraq għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju, għal operazzjonijiet imwettqa minn esperti voluntiera għolja mill-Unjoni Ewropea li jaqgħu taħt in-Netwerk Ewropew ta' Servizzi Għolja (ESSN), inklużi l-assistenza teknika, is-servizzi konsultattivi u t-taħriġ f'intrapriżi pubbliċi jew privati magħżula.

Parti minn din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tintuża biex jiġu ffinanzjati programmi internazzjonali favur l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti tas-setgħa lin-nisa, inkluż permezz tal-qafas ta' UN WOMEN.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta’ finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

*Atti ta’ referenza*

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2011 dwar l-approċċ tal-UE rigward l-Iran (2010/2050(INI))

### *Artikolu 19 10 04 — Attivitajiet ta’ Kooperazzjoni għajr Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (l-Asja, l-Asja Ċentrali, l-Iran, l-Iraq, u l-Jemen)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 29 500 000 | 13 000 000 | 18 500 000 | 4 543 701 | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni għandha tappoġġja attivitajiet, li jmorru lil hinn mill-kooperazzjoni għall-iżvilupp, u li huma immirati biex ikabbru aktar il-parteċipazzjoni mal-imsieħba fuq bażi bilaterali, reġjonali jew multilaterali u biex jiġu ffinanzjati l-attivitajiet tal-Pjattaforma ta' Koordinament għall-Internazzjonalizzazzjoni tal-Intrapriżi tal-UE.

*Bażi ġuridika*

Regolament (UE) Nru 1338/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Diċembru 2011 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1934/2006 li jistabbilixxi strument ta’ finanzjament għall-kooperazzjoni ma’ pajjiżi u territorji industrijalizzati u oħrajn bi dħul għoli. (ĠU L 347, 30.12.2011, p. 21).

## Kapitolu 19 11 — STRATEĠIJA TAL-POLITIKA U KOORDINAMENT GĦALL-QASAM TA’ POLITIKA TAR-“Relazzjonijiet esterni”

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 19 11 | STRATEĠIJA TAL-POLITIKA U KOORDINAMENT GĦALL-QASAM TA’ POLITIKA TAR-“Relazzjonijiet esterni” | | | | | | | | |
| ***19 11 01*** | ***Evalwazzjoni tar-riżultati ta’ għajnuna tal-Unjoni, segwitu u miżuri ta’ awditjar*** | 4 | 14 840 000 | 12 000 000 | 14 000 000 | 11 454 708 | 14 000 000,00 | 14 267 694,23 | 118,90 % |
| ***19 11 02*** | ***Attivitajiet ta' informazzjoni dwar l-UE — Relazzjonijiet Esterni*** | 4 | 12 300 000 | 12 300 000 | 11 500 000 | 13 077 458 | 11 748 247,13 | 12 241 672,02 | 99,53 % |
| ***19 11 03*** | ***L-Unjoni Ewropea fid-dinja*** | 4 | 1 490 000 | 1 200 000 | 2 500 000 | 3 913 692 | 1 659 996,00 | 1 262 723,40 | 105,23 % |
| | **Kapitolu 19 11 — Total** | | **28 630 000** | **25 500 000** | **28 000 000** | **28 445 858** | **27 408 243,13** | **27 772 089,65** | **108,91 %** |

### *Artikolu 19 11 01 — Evalwazzjoni tar-riżultati ta’ għajnuna tal-Unjoni, segwitu u miżuri ta’ awditjar*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 14 840 000 | 12 000 000 | 14 000 000 | 11 454 708 | 14 000 000,00 | 14 267 694,23 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament ta' miżuri ta' evalwazzjoni, monitoraġġ u appoġġ matul il-fażijiet ta' tħejjija, implimentazzjoni u żvilupp ta' operazzjonijiet, strateġiji u politiki, inklużi:

— l-istudji dwar l-effikaċja, l-effiċjenza, il-pertinenza, l-impatt u l-vijabbiltà,

— is-segwitu tal-azzjonijiet ta' twettieq li jkunu għaddejjin (monitoraġġ ta' operazzjonijiet fil-kors tal-implimentazzjoni u wara t-tlestija tagħhom),

— miżuri ta' appoġġ biex titjieb il-kwalità tas-sistemi ta' monitoraġġ, metodoloġiji u prattiċi li jikkonċernaw operazzjonijiet għadhom għaddejjin u l-preparazzjoni ta' operazzjonijiet futuri,

— ir-ritorn ta' informazzjoni u l-attivitajiet ta' informazzjoni dwar ir-riżultati, il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjonijiet fiċ-ċiklu ta' deċiżjoni,

— l-iżviluppi metodoloġiċi biex jittejbu l-kwalità u l-utilità tal-evalwazzjonijiet, inkluża r-riċerka, feedback, informazzjoni u attivitajiet ta' taħriġ fuqhom.

Din l-approprjazzjoni tkopri wkoll l-iffinanzjar tal-attivitajiet ta' verifika dwar il-ġestjoni tal- programmi u tal-proġetti mwettqa mill-Kummissjoni fil-qasam tal-għajnuna barranija. Dan il-kreditu jkopri ukoll l-iffinanzjar tal-attivitajiet ta' taħriġ, imsejjes fuq ir-regoli speċjali li jirregolaw l-għajnuna barranija tal-Unjoni u organizzati għal awdituri esterni.

Barra minn hekk, din l-approprijazzjoni hija wkoll maħsuba biex tappoġġja l-isforzi kontinwati biex jiġu żviluppati aktar qisijiet u indikaturi tal-impatt tal-koperazjoni għall-iżvilupp.

Fl-aħħar nett, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-infiq fuq studji u elaborazzjoni tal-għodod metodoloġiċi, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet, kif ukoll il-qsim tal-għarfien u attivitajiet ta' taħriġ dwar it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-programmi ta' għajnuna esterna, partikolarment fuq il-proġett u ċ-ċiklu tal-programm dwar il-ġestjoni u l-iżvilupp tal-kapaċità.

*Bażi legali.*

Ħidma ġejja mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif provdut fl-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 fir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 19 11 02 — Attivitajiet ta' informazzjoni dwar l-UE — Relazzjonijiet Esterni*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 12 300 000 | 12 300 000 | 11 500 000 | 13 077 458 | 11 748 247,13 | 12 241 672,02 |

*Kummenti*

L-attivitajiet ta' tagħrif li għandhom jitwettqu skont din il-linja tal-baġit jaqgħu taħt żewġ kategoriji wiesgħa: attivitajiet orizzontali u appoġġ loġistiku mill-kwartieri ġenerali, u attivitajiet imwettqa minn delegazzjonijiet tal-Unjoni f'pajjiżi terzi u lejn minn delegazzjonijiet tal-Kummissjoni organizzazjonijiet internazzjonali.

*Miżuri magħmula mis-sede:*

— Il-programm tal-viżitaturi tal-Unjoni Ewropea (EUVP), li jsir b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni, jipprovdi lil madwar 170 parteċipant fis-sena, magħżulin mid-delegazzjonijiet tal-Unjoni, l-opportunità li jkollhom kuntatt mal-Unjoni billi jżuru l-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bħala parti minn programm individwali imfassal apposta għal żjarat ibbażati fuq tema,

— Il-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-publikazzjonijiet dwar temi ta' prijorità bħala parti mill-programm annwali,

— il-produzzjoni u t-tixrid ta' materjal awdjoviżiv,

— iżvilupp tal-informazzjoni akkwistata permezz ta' midja elettronika (l-Internet u sistemi ta' messaġġi elettroniċi),

— l-organizzazzjoni ta' żjarat għal gruppi ta' ġurnalisti,

— appoġġ għall-attivitajiet ta' tagħrif ta' persuni li jmexxu l-opinjonijiet li huma konsistenti mal-prijoritajiet tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni se tkompli tiffinanzja xandiriet tal-aħbarijiet bil-Farsi.

*Miżuri deċentralizzati mwettqa minn delegazzjonijiet tal-Unjoni f' pajjiżi terzi u fil-konfront ta' organizzazzjonijiet internazzjonali*

Skont il-miri tal-komunikazzjoni stabbiliti għal kull reġjun u għal kull pajjiż, id-delegazzjonijiet tal-Unjoni jipproponu pjan ta' komunikazzjoni annwali li, ladarba jiġi approvat mill-kwartieri ġenerali, ikun assenjat allokazzjoni tal-baġit li tkopri dawn l-attivitajiet:

- websajts,
- relazzjonijiet mal-midja (konferenzi stampa, seminars, programmi tar-radju, eċċ.),
- prodotti tal-informazzjoni (pubblikazzjonijiet oħra, materjal grafiku, eċċ.),
- organizzazzjoni ta' avvenimenti, inklużi attivitajiet kulturali,
- newsletters,
- kampanja ta' informazzjoni.

*Bażi ġuridika*

Ħidma ġejja mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif provdut fl-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 fir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 19 11 03 — L-Unjoni Ewropea fid-dinja*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 1 490 000 | 1 200 000 | 2 500 000 | 3 913 692 | 1 659 996,00 | 1 262 723,40 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament tat-tagħrif ta' prijorità u l-attivitajiet ta' komunikazzjoni diretti lejn iċ-ċittadini tal-Unjoni u li għandhom x'jaqsmu mal-politika esterna tal-Unjoni b'mod ġenerali.

L-oqsma li se jkunu koperti mill-attivitajiet ta' tagħrif jinkludu dawk ta' hawn taħt, iżda jistgħu jinkorporaw aspetti oħrajn tar-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni, b'mod partikolari f'rabta mal-ġejjieni tal-politika esterna tal-Unjoni.

- li tkun indirizzata l-perċezzjoni pubblika tal-għajnuna esterna. L-għan huwa li jiġi ċċarat li l-għajnuna esterna hija parti integrali ta' dak li tagħmel l-Unjoni u hija waħda mill-politiki importanti ħafna li jiddefinixxu l-Unjoni u r-rwol tagħha fid-dinja, u biex jiżdied l-għarfien dwar il-fatt li l-Unjoni qed tikseb riżultati reali f'isem iċ-ċittadini tal-Unjoni fil-ġlieda kontra l-faqar u biex tipprovdi żvilupp sostenibbli ta' kwalità għolja fid-dinja kollha,
- il-' Politika tal-Viċinat Ewropew ' (PEV). Il-PEV tnediet fuq is-sisien ta' komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew fil-11 ta' Marzu 2003 bit-titolu 'Viċinat Usa' fl-Ewropa: Qafas Ġdid għar-Relazzjonijiet mal-Ġirien tagħna tal-Lvant u n-Nofsinhar' (COM(2003) 104 finali). L-azzjonijiet li huma parti minn din l-attività se jkomplu jipprovdu t-tagħrif dwar l-attivitajiet tal-Unjoni fil-qafas tal-Politika tal-'Viċinat Ewropew' tagħha,
- attivitajiet ta' tagħrif, li għandhom jitwettqu f'Kooperazzjoni mal-Kunsill, fuq l-għanijiet u l-iżvilupp tal-Politika Esterna u ta' Sigurta Komuni,
- l-organizzazzjoni ta' żjarat għal gruppi ta' rappreżentanti tas-soċjetà civili.

Il-Kummissjoni adottat żewġ komunikazzjonijiet lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni fuq qafas ġdid għall-Kooperazzjoni f'attivitajiet dwar il-politika tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni għall-Unjoni Ewropea (COM(2001) 354 finali u COM(2002)350 finali). Dawn jipproponu qafas interistituzzjonali għall-Kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet u mal-Istati Membri għall-iżvilupp ta' strateġija ta' politika ta' komunikazzjoni u informazzjoni għall-Unjoni.

Il-Grupp Interistituzzjonali fuq l-Informazzjoni (IGI), ko-presedut mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, jippreskrivi linji ta' gwida komuni għall-Kooperazzjoni interistituzzjonali f'kwistjonijiet tal-politika tal-informazzjoni u kommunikazzjoni tal-Unjoni. Jikkoordina l-attivitajiet ta' informazzjoni pubblika ċentralizzati u deċentralizzati fuq suġġetti Ewropej. Kull sena l-IGI agħti l-opinjoni tiegħu fuq il-prijoritajiet għas-snin ta' wara fuq il-bażi ta' informazzjoni provduta mill-Kummissjoni.

Irrispettivament mill-benefiċjarju, mhi awtorizzata l-ebda nefqa amministrattiva b'dan l-artikolu.

*Bażi ġuridika*


### *Artikolu 21 02 01 — Is-sigurtà tal-ikel*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 258 629 000 | 185 000 000 | 246 264 700 | 181 366 213 | 245 633 145,80 | 200 191 014,33 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tikkontribwixxi:

— għall-faqar u fiż-żieda fis-sigurtà tal-ikel f'pajjiżi li qed jiżviluppaw fejn hemm insigurtà kronika tal-ikel;

— sabiex ittaffi l-effetti ta' kriżi fuq il-popolazzjoni l-iktar vulnerabbli.

Bħala strument ta' kollegament bejn it-terminu qasir (is-sitwazzjonijiet ta' kriżi) u t-terminu għat-tul (l-iżvilupp), l-ambitu ta' dan l-artikolu jinkludi l-kriżijiet imtawla, ir-riabilitazzjoni u l-miżuri biex jittrattaw in-nuqqas ta' sigurezza tal-ikel bħala l-ewwel pass lejn it-tnaqqis tal-faqar fuq medda twila ta' żmien.

B'mod aktar speċifiku, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-prijoritajiet strateġiċi tal-programm tematiku għas-sigurezza tal-ikel inkluż:

— riċerka, teknoloġija u innovazzjoni relatati mas-sigurtà tal-ikel,

— riċerka biex tinġabar data dwar l-impatt tal-Kummerċ Ġust (Fair Trade) għall-produtturi u l-ħaddiema emarġinati li jinsabu fin-Nofsinhar, skambju tal-aħjar prattiki u twettiq ta’ analiżijiet tal-ktajjen tal-provvista, valutazzjonijiet tat-traċċabilità u tar-responsabilizzazzjoni,

— riċerka biex dawk li jagħmlu l-politiki jingħataw pariri dwar kif l-aħjar li jiżguraw li l-interessi speċifiċi tal-produtturi emarġinati u tal-ħaddiema foqra emarġinati li jinsabu fin-Nofsinhar jiġu riflessi fl-oqsma kollha ta’ politika,

— governanza tas-sigurtà tal-ikel fil-livelli globali, kontinentali u reġjonali, inkluż il-konnessjoni bejn l-informazzjoni u t-teħid tad-deċiżjonijiet biex jittejbu l-istrateġiji għar-rispons tas-sigurtà tal-ikel,

— indirizzar tas-sigurezza tal-ikel f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali ta' tranżizzjoni, u fi Stati fraġli u li jinsabu fi stat ta' falliment,

— appoġġ għall-produtturi emarġinati fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex ikollhom aċċess għal prefinanzi biex ikunu jistgħu jiġu ffinanzjati kontributi u għotjiet ħalli ssir ħidma favur il-konformità mal-istandards u r-regolamenti.

Dan il-programm huwa maħsub kiex ikun ta' benefiċċju primarjament għall-pajjiżi koperti mill-Istrument ta' finanzjament għall-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI).

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji mingħand l-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħrajn, inklużi fiż-żewġ każi l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew mingħand organizzazzjonijiet internazzjonali għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterni ffinanzjati mill- Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, skont l-Att rilevanti ta' bażi, jista' jagħti lok għal għoti ta' approprjazzjonijiet ulterjuri. Dawn il-kontribuzzjonijiet taħt l-Artikolu 6.3.3 tar-rendikont tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(aa), tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta’ appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Fejn l-għajnuna tingħata permezz ta' appoġġ mill-baġit, il-Kummissjoni għandha tappoġġa l-isforzi ta' pajjiżi msieħba biex jiġu żviluppati s-sorveljanza parlamentari u l-kapaċitajiet ta' verifika u t-trasparenza, skont l-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006. L-approprjazzjonijiet taħt dan l-artikolu huma suġġetti għal evalwazzjonijiet kif stabbilit mill-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jinkludu aspetti ta' attivitajiet ta'input u tal-katina tar-riżultati (output, outcome, impact). Ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet għandhom jintużaw fil-formulazzjoni ta' iżuri li jiġu wara li jkunu ffinanzjati minn dawn l-approprijazzjonijiet.

Sabiex tiżgura t-trasparenza finanzjarja sħiħa skont l-Artikoli 53 - 56 tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni, meta tikkonkludi jew timmodifika l-ftehimiet dwar l-immaniġġjar u l-implimentazzjoni ta' proġetti mill-Organizzazzjonijiet Internazzjonali, tagħmel l-isforzi kollha biex huma jimpenjaw irwieħhom li jibagħtu l-verifiki interni u esterni tagħhom lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u lill-Awditur Intern tal-Kummissjoni rigward l-użu tal-Fondi tal-Unjoni.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

*Atti ta’ referenza*

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tat-3 ta' Awissu 2005 bit-titolu 'Azzjonijiet Esterni permezz ta' programmi Tematiċi taħt il-Perspettivi Finanzjarji Futuri 2007-2013' (COM(2005) 324 finali).

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tal-25 Jannar 2006 bit-titolu 'Azzjonijiet Esterni: Strateġija Tematika għas-sigurtà tal-ikel - Navvanzaw l-aġenda tas-sigurtà tal-ikel biex niksbu l-MDGs' (COM(2006) 21 finali).

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tal-31 ta' Marzu 2010 bit-titolu 'Qafas ta' politika tal-Unjoni għall-għajnuna ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jindirizzaw l-isfidi tas-sigurtà tal-ikel' (COM(2010)127 finali)

## *Artikolu 21 02 02 — Tlestija tal-Konvenzjoni għas-sigurtà fl-ikel*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 1 100 000 | p.m. | 4 772 795 | 0,— | 6 140 376,38 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni inħasbet biex tikkontribwixxi:

— għat-tnaqqis fil-faqar u l-insigurezza tal-ikel f'pajjiżi li qed jiżviluppaw li għandhom problema kronika fejn jidħol in-nuqqas ta' sigurezza tal-ikel;

— sabiex jittaffew l-effetti ta' kriżi fuq il-faxex tal-popolazzjoni l-iktar vulnerabbli.

Bħala strument ta' kollegament bejn it-terminu qasir (is-sitwazzjonijiet ta' kriżi) u t-terminu għat-tul (l-iżvilupp), l-ambitu ta' dan l-artikolu jinkludi l-kriżijiet imtawla, ir-riabilitazzjoni u l-miżuri biex jittrattaw in-nuqqas ta' sigurezza tal-ikel bħala l-ewwel pass lejn it-tnaqqis tal-faqas fuq medda twila ta' żmien.

B'mod aktar speċifiku, dawn l-approprjazzjonijiet huma maħsuba biex jiffinalizzaw il-pagamenti għall-programmi ta' għajnuna li jinsabu għaddejja u l-programmi ta' appoġġ għall-baġit li jinsabu għaddejja li jistabbilixxu linja ta' kreditu f'munita barranija.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

*Atti ta' referenza*

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tat-3 ta' Awissu 2005 bit-titolu 'Azzjonijiet Esterni permezz ta' programmi Tematiċi taħt il-Perspettivi Finanzjarji Futuri 2007-2013' (COM(2005) 324).

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tal-25 Jannar 2006 bit-titolu 'Azzjonijiet Esterni: Strateġija Tematika għas-sigurtà tal-ikel - Navvanzaw l-aġenda tas-sigurtà tal-ikel biex niksbu l-MDGs' (COM(2006) 21).

## *Artikolu 21 02 03 — Faċilità għal rispons rapidu għall-prezzijiet tal-ikel li dejjem qed jogħlew fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | 29 114 050 | 1 879 824,00 | 111 780 483,10 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tappoġġa reazzjoni rapida u diretta għaż-żidiet fil-prezz tal-ikel f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, waqt li tindirizza l-perjodu bejn għajnuna għall-emerġenza u Kooperazzjoni għall-iżvilupp fuq perijodu medju sa twil. L-għanijiet ewlenin tal-għajnuna u l-Kooperazzjoni għandhom ikunu l-inkoraġġiment ta' reazzjoni pożittiva fil-fornitura mis-settur agrikolu tal-pajjiżi u r-reġjuni fil-mira; l-appoġġ ta' attivitajiet biex ikun hemm reazzjoni rapida u diretta biex jittaffew l-effetti negattivi tal-prezzijiet għoljin tal-ikel b'konformità mal-għanijiet tas-sigurtà tal-ikel; u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' produzzjoni u l-governanza tas-settur agrikolu biex tittejjeb is-sostenibbiltà tal-interventi.

Fid-dawl tal-kundizzjonijiet speċifiċi fil-livell tal-pajjiżi, il-miżuri ta' sostenn eliġibbli huma:

— miżuri biex jitjieb l-aċċess għal *inputs* u servizzi agrikoli, inklużi fertilizzanti u żerriegħa, filwaqt li jitqiesu l-faċilitajiet lokali u d-disponibbiltà;

— miżuri ta' jipprovdu xibka ta' sikurezza bil-għan li tinżamm jew tittejjeb il-kapaċità produttiva agrikola, u biex jiġu indirizzati l-ħtiġiet bażiċi tal-ikel tal-iżjed popolazzjonijiet vulnerabbli, inklużi t-tfal;

— miżuri oħra ta' skala żgħira li jkollhom l-għan li jżidu l-produzzjoni bbażata fuq il-ħtiġijiet tal-pajjiż: mikrokreditu, investiment, tagħmir, infrastruttura u faċilitajiet għall-ħażna; l-iżvilupp u t-tisħiħ tal-assoċjazzjonijiet u l-kooperattivi biex ikunu jistgħu jibnu l-kapaċitajiet istituzzjonali u produttivi; appoġġ għall-produtturi emarġinati fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex ikollhom aċċess għal prefinanzjament biex ikunu jistgħu jiġu ffinanzjati kontributi u għotjiet ħalli ssir ħidma favur il-konformità mal-istandards u r-regolamenti; kif ukoll taħriġ vokazzjonali u appoġġ lill-gruppi professjonali fis-settur agrikolu.

L-assistenza għandha tingħata lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw u lill-popolazzjonijiet tagħhom. Ir-riżorsi huma kkonċentrati fuq lista limitata ta' 50 pajjiż ta' prijorità għolja.

*Bażi ġuridika*

Regolament (KE) Nru 1337/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Diċembru 2008 li jistabbilixxi faċilità għal rispons rapidu għall-prezzijiet tal-ikel li dejjem qed jogħlew fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 62).

## *Artikolu 21 02 04 — Proġett pilota — Finanzjament għall-produzzjoni agrikola*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 514 000 | p.m. | 800 000 | 0,— | 1 238 272,00 |

*Kummenti*

Dan il-proġett pilota huwa maħsub biex iħaffef l-aċċess għal bdiewa b'attività żgħira biex jiffinanzjaw riżorsi li għandhom jintużaw biex tiġi stimulata l-produzzjoni tal-biedja fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Dawn l-approprijazzjonijiet għandhom ikunu mgħoddija permezz ta' organizzazzjonijiet speċjalizzati fil-microfinanzjament, inklużi banek lokali u assoċjazzjonijiet, li jikkonformaw mal-istandards internazzjonali magħrufa ta' trasparenza, responsabbiltà u integrità finanzjarja.

Meta titqies il-kriżi ekonomika dinjija, il-mikrofinanza hija meħtieġa iktar minn qatt qabel. L-Unjoni għandha terfa' r-responsabilità u tagħti importanza li lill-iffaċilitar tal-mikrofinanza fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar- Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/25 tal-25 ta' Gunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli ghall-bagit generali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

# KAPITOLU 21 03 — ATTURI FL-IŻVILUPP MHUX TAL-ISTAT

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 21 03 | Atturi fl-iżvilupp mhux tal-Istat | | | | | | | | |
| ***21 03 01*** | ***Atturi fl-iżvilupp mhux tal-Istat*** | 4 | 208 700 000 | 175 000 000 | 198 461 980 | 175 638 859 | 194 568 207,77 | 178 479 935,65 | 101,99 % |
| ***21 03 02*** | ***Awtoritajiet lokali fl-iżvilupp*** | 4 | 35 700 000 | 19 600 000 | 32 556 020 | 11 454 708 | 37 229 709,49 | 23 830 989,55 | 121,59 % |
| ***21 03 03*** | ***Azzjoni ta' thejjija — Netwerk Reġjonali Afrikan tal-organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili ghall-Ghan ta' Żvilupp għall-Millennju 5*** | 4 | p.m. | 500 000 | 2 000 000 | 1 000 000 | | | |
| | **Kapitolu 21 03 — Total** | | **244 400 000** | **195 100 000** | **233 018 000** | **188 093 567** | **231 797 917,26** | **202 310 925,20** | **103,70 %** |

## *Artikolu 21 03 01 — Atturi fl-iżvilupp mhux tal-Istat*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 208 700 000 | 175 000 000 | 198 461 980 | 175 638 859 | 194 568 207,77 | 178 479 935,65 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba għall-appoġġ ta' inizjattivi f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw imwettqa minn għaqdiet tas-soċjetà ċivili mill-Unjoni u minn pajjiżi msieħba fil-qasam tal-iżvilupp kif ukoll biex issaħħaħ il-kapaċità tagħhom fil-proċess tat-tfassil ta' politika, sabiex:

— jippromwovu soċjetà inklussiva u li jkollha l-kapaċità li (i) tiffavorixxi popolazzjonijiet li ma jintlaħqux mis-servizzi u r-riżorsi tal-massa u esklużi mill-proċessi tat-tfassil ta' politika, (ii) issaħħaħ il-kapaċità ta' għaqdiet tas-soċjetà ċivili f'pajjiżi msieħba, bl-iskop li tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni tagħhom fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' strateġiji ta' żvilupp sostenibbli, (iii) tiffaċilita l-interazzjoni bejn atturi statali u dawk mhux tal-istat f'kuntesti differenti,

— jissensibilizzaw aktar liċ-ċittadini Ewropej dwar kwistjonijiet relatati mal-iżvilupp u jimmobilizzaw fl-Unjoni u l-pajjiżi aderenti appoġġ attiv tal-opinjoni pubblika favur it-tnaqqis fil-faqar u l-istrateġiji għall-iżvilupp sostenibbli f'pajjiżi sħab u favur relazzjonijiet aktar ġusti bejn il-pajjiżi żviluppati u dawn li għadhom qed jiżviluppaw, u jirfdu r-rwol tas-soċjetà ċivili bħala fattur ta' progress u trasformazzjoni,

— ikollhom kooperazzjoni aktar effiċjenti, ikattru s-sinterġiji u jiżguraw djalogu strutturat bejn in-netwerks tas-soċjetà ċivili, fi ħdan l-għaqdiet tagħhom u mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

Dawn l-azzjonijiet jistgħu jinkludu:

— attivitajiet ta' promozzjoni biex jiġu infurmati dawk li jfasslu l-politika fil-livelli kollha dwar politiki li jkunu ta' benefiċċju bl-aħjar mod għall-produtturi u l-ħaddiema emarġinati fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw,

— l-iżvilupp u t-tisħiħ ta' assoċjazzjonijiet u kooperattivi f'pajjiżi li qed jiżviluppaw sabiex ikunu jistgħu jibnu kapaċitajiet istituzzjonali u produttivi biex ikunu jistgħu jiżviluppaw prodotti b'valur miżjud u jaġġustaw ruħhom għal livell xieraq,

— appoġġ għan-netwerks ta' produzzjoni tal-Kummerċ Ġust tan-Nofsinhar li jirrappreżentaw il-vuċi ta' produtturi tal-Kummerċ Ġust emarġinati.

Dan il-programm huwa maħsub kiex ikun ta' benefiċċju primarjament għall-pajjiżi koperti mill-Istrument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp (DCI). Madankollu, f'konformita mal-Artikolu 38 tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 li jalloka ammont ta' attivitajiet ta' finanzjament ta' attivitajiet li minnhom jibbenefikaw il-pajjiżi tal-Istrument Ewropew għall-Viċinat u s-Sħubija (ENPI) taħt il-programmi tematiċi, pakkett ekwivalenti għal 3,9 % ta' dan il-programmi huwa previst għal dawn il-pajjiżi.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji mingħand l-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħrajn, inklużi fiż-żewġ każi l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew mingħand organizzazzjonijiet internazzjonali għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterni ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, skont l-Att rilevanti ta' bażi, jista' jagħti lok għal għoti ta' approprjazzjonijiet ulterjuri. Dawn il-kontribuzzjonijiet taħt l-Artikolu 6.3.3 tar-rendikont tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Fejn l-għajnuna tingħata permezz ta' appoġġ mill-baġit, il-Kummissjoni għandha tappoġġa l-isforzi ta' pajjiżi msieħba biex jiġu żviluppati s-sorveljanza parlamentari u l-kapaċitajiet ta' verifika u t-trasparenza, skont l-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006. L-approprjazzjonijiet f'dan l-artikolu huma suġġetti għal evalwazzjonijiet kif stabbilit mill-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jinkludu aspetti ta' attivitajiet ta'input u tal-katina tar-riżultati (output, outcome, impact). Ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet għandhom jintużaw fil-formulazzjoni ta' iżuri li jiġu wara li jkunu ffinanzjati minn dawn l-approprijazzjonijiet.

Sabiex tiżgura t-trasparenza finanzjarja sħiħa skont l-Artikoli 53 - 56 tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni, meta tikkonkludi jew timmodifika l-ftehimiet dwar l-immaniġġjar u l-implimentazzjoni ta' proġetti mill-Organizzazzjonijiet Internazzjonali, tagħmel l-isforzi kollha biex huma jimpenjaw irwieħhom li jibagħtu il-verifiki interni u esterni tagħhom lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u lill-Awditur Intern tal-Kummissjoni rigward l-użu tal-Fondi tal-Unjoni.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

*Atti ta' referenza*

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tat-3 ta' Awissu 2005 bit-titolu 'Azzjonijiet Esterni permezz ta' programmi Tematiċi taħt il-Perspettivi Finanzjarji Futuri 2007-2013' (COM(2005) 324 finali).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-25 ta' Jannar 2006 bit-titolu 'Programm Tematiku "Atturi Mhux Statali u Awtoritajiet Lokali fl-Iżvilupp"' (COM(2006)

19 finali).

## *Artikolu 21 03 02 — Awtoritajiet lokali fl-iżvilupp*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 35 700 000 | 19 600 000 | 32 556 020 | 11 454 708 | 37 229 709,49 | 23 830 989,55 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba għall-appoġġ ta' inizjattivi f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw imwettqa minn awtoritajiet lokali li joriġinaw mill-Unjoni u minn pajjiżi msieħba fil-qasam tal-iżvilupp kif ukoll biex issaħħaħ il-kapaċità tagħhom fil-proċess tat-tfassil ta' politika, sabiex:

— tippromwovi soċjetà inklużiva u mogħnija b'setgħat ġodda sabiex: (i) tiffavorixxi l-popolazzjonijiet nieqsa mill-aċċess għar-riżorsi u s-servizzi ewlenin u esklużi mill-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet; (ii) tissaħħaħ il-kapaċità tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-pajjiżi sieħba, bil-għan li tkun iffaċilitata l-parteċipazzjoni tagħhom biex ikunu definiti u implimentati strateġiji għall-iżvilupp sostenibbli; u (iii) tkun iffaċilitata interazzjoni bejn awtoritajiet statali u lokali u reġjonali f'kuntesti differenti, u jkun appoġġjat rwol imsaħħaħ għall-awtoritajiet lokali fil-proċessi ta' deċentralizzazzjoni,

— iżżid l-għarfien tal-Ewropej dwar kwistjonijiet relatati mal-iżvilupp u timmobilizza fl-Unjoni u fil-pajjiżi li jinsabu fil-proċess tal-adeżjoni appoġġ pubbliku attiv favur it-tnaqqis tal-faqar u l-istrateġiji għall-iżvilupp sostenibbli f'pajjiżi sħab u favur relazzjonijiet aktar ġusti bejn il-pajjiżi żviluppati u dawk li għadhom qed jiżviluppaw, inklużi s-sensibilizzazzjoni fil-qasam tar-relazzjonijiet kummerċjali bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar u d-deċiżjonijiet ta' xiri tal-konsumaturi tal-Unjoni u l-impatt tagħhom fuq l-iżvilupp sostenibbli u t-tnaqqis tal-faqar, ssaħħaħ ir-rwoli tal-awtoritajiet lokali u reġjonali għal dawn l-għanijiet,

— tinkiseb kooperazzjoni aktar effiċjenti, ikattru s-sinerġiji u jiżguraw djalogu strutturat fost l-assoċjazzjonijiet tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u s-soċjetà ċivili, fi ħdan l-għaqdiet tagħhom u mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

Dan il-programm huwa maħsub kiex ikun ta' benefiċċju primarjament għall-pajjiżi koperti mill- Istrument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp (DCI). Madankollu, f'konformita mal-Artikolu 38 tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 li jalloka ammont ta' attivitajiet ta' finanzjament ta' attivitajiet li minnhom jibbenefikaw il-pajjiżi tal-Istrument Ewropew għall-Viċinat u s-Sħubija (ENPI) taħt il-programmi tematiċi, pakkett ekwivalenti għal 3,9 % ta' dan il-programmi huwa previst għal dawn il-pajjiżi.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji mingħand l-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħrajn, inklużi fiż-żewġ każi l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew mingħand organizzazzjonijiet internazzjonali għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterni ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, skont l-Att rilevanti ta' bażi, jista' jagħti lok għal għoti ta' approprjazzjonijiet ulterjuri. Dawn il-kontribuzzjonijiet taħt l-Artikolu 6.3.3 tar-rendikont tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(aa), tar-Regolament Finanzjarju.. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Fejn l-għajnuna tingħata permezz ta' appoġġ mill-baġit, il-Kummissjoni għandha tappoġġa l-isforzi ta' pajjiżi msieħba biex jiġu żviluppati s-sorveljanza parlamentari u l-kapaċitajiet ta' verifika u t-trasparenza, skont l-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006. L-approprjazzjonijiet f'dan l-artikolu huma suġġetti għal evalwazzjonijiet kif stabbilit mill-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jinkludu aspetti ta' attivitajiet ta'input u tal-katina tar-riżultati (output, outcome, impact). Ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet għandhom jintużaw fil-formulazzjoni ta' iżuri li jiġu wara li jkunu ffinanzjati minn dawn l-approprijazzjonijiet.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

*Atti ta' referenza*

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropewtat-3 ta' Awissu 2005 bit-titolu 'Azzjonijiet Esterni permezz ta' programmi Tematiċi taħt il-Perspettivi Finanzjarji Futuri 2007-2013' (COM(2005) 324 finali).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bit-titolu 'Azzjonijiet Esterni permezz tal-programm tematiku "Il-Partijiet mhux statali u l-Awtoritajiet Lokali fl-Iżvilupp"' (COM(2006) 19 finali).

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tas-6 ta' Ottubru 2008 bit-titolu 'Awtoritajiet Lokali: Atturi għall-Iżvilupp' (COM(2008) 626 finali).

## *Artikolu 21 03 03 — Azzjoni ta' tħejjija — Netwerk Reġjonali Afrikan tal-organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili għall-Għan ta' Żvilupp għall-Millennju 5*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| p.m. | 500 000 | 2 000 000 | 1 000 000 | |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-istabbiliment, fl-Afrika tal-Lvant, ta' netwerk reġjonali ta' organizzazzjonijiet impenjati favur l-iżvilupp tal-Għan ta' Żvilupp għall-Millennju 5, li jgħaqqad flimkien il-pjattaformi nazzjonali ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (CSO) ta' appoġġ u assistenza li jeżistu fil-Kenja, fit-Tanżanija, fl-Uganda, fir-Rwanda u fil-Brurundi — kollha pajjiżi b'uħud mill-agħar indikaturi tas-saħħa tal-omm u riproduttiva fid-dinja. In-netwerk tal-Għan ta' Żvilupp għall-Millennju 5 jimmira li jipprovdi forum informali għall-iskambju ta' ideat, informazzjoni u esperjenza fil-qasam tas-saħħa tal-omm u riproduttiva u jipprovdi opportunitajiet għall-organizzazzjonijiet membri biex jesploraw possibilitajiet għall-kollaborazzjoni u l-kooperazzjoni fost bosta pajiżi biex tkun enfasizzata l-urġenza meħtieġa għal żieda fl-attenzjoni politika u finanzjarja tal-Għan ta' Żvilupp għall-Millennju 5.

L-attivitajiet imwettqa taħt dan il-proġett jinkludu l-istabbiliment ta' segretarjat tan-netwerk f'waħda mill-organizzazzjonijiet membri, l-istabbiliment ta' pjattaforma virtwali għad-disseminazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki kif ukoll l-organizzazzjoni ta' avvenimenti reġjonali bl-għan li jitjiebu r-riżultati tas-saħħa tal-omm u riproduttiva fir-reġjun.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

# KAPITOLU 21 04 — KAPITOLU 21 04 — L-AMBJENT U L-ĠESTJONI SOSTENIBBLI TAR-RIŻORSI NATURALI, INKLUŻA L-ENERĠIJA

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 21 04 | Kapitolu 21 04 — L-ambjent u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, inkluża l-enerġija | | | | | | | | |
| ***21 04 01*** | ***L-ambjent u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, inkluża l-enerġija*** | 4 | 217 150 000 | 162 000 000 | 200 713 000 | 162 275 032 | 223 845 492,47 | 135 694 636,79 | 83,76 % |
| ***21 04 05*** | ***Fond Globali għall-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija u għall-Enerġija Rinnovabbli (GEEREF)*** | 4 | p.m. | 200 000 | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | |
| ***21 04 06*** | ***Azzjoni ta' tħejjija — Il-ġestjoni tal-ilma fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw*** | 4 | p.m. | 1 500 000 | p.m. | 1 500 000 | 3 000 000,00 | 652 333,00 | 43,49 % |
| | **Kapitolu 21 04 — Total** | | **217 150 000** | **163 700 000** | **200 713 000** | **163 775 032** | **226 845 492,47** | **136 346 969,79** | **83,29 %** |

*Kummenti*

## *Artikolu 21 04 01 — L-ambjent u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, inkluża l-enerġija*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 217 150 000 | 162 000 000 | 200 713 000 | 162 275 032 | 223 845 492,47 | 135 694 636,79 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tippromwovi u timplementa l-politika dwar l-ambjent u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, inkluża l-enerġija, kif tapplika għar-relazzjonijiet tal-Unjoni mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u mal-pajjiżi ġirien tal-Ewropa.

L-appoġġ finanzjarju jingħata għal proġetti li jaqgħu taħt ħames oqsma ta' prijorita: (1) il-ħidma fuq l-Għan ta' Żvilupp tal-Millennju 7 b'referenza għal dak li ġie qabel: il-promozzjoni tas-sostenibilita ambjentali; (2) il-promozzjoni tal-implimentazzjoni tal-inizjattivi tal-Unjoni u l-għoti tal-għajnuna lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jonoraw l-impenji tagħhom miftiehma fuq livell internazzjonali; (3) it-titjib ta' kompetenza għall-integrazzjoni u l-koerenza; (4) it-tisħiħ tal-governanza ambjentali u tat-tmexxija tal-Unjoni; u (5) l-appoġġ għall-għażliet ta' enerġija sostenibbli f'pajjiżi u reġjuni msieħba.

Parti minn din l-approprjazzjoni għandha tintuża biex ikun hemm integrazzjoni tat-tnaqqis ta' riskju ta' diżastri, ibbażat fuq is-sjieda u fuq strateġiji nazzjonali ta' pajjiżi fil-periklu li jintlaqtu minn diżastri.

L-appoġġ għall-għażliet ta' enerġija sostenibbli f'pajjiżi u reġjuni msieħba jinkludi wkoll approprjazzjonijiet biex ikopru l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-Fond Dinji għall-Effiċjenza tal-Enerġija u l-Enerġiji Rinnovabbli (GEEREF). L-għan tal-GEEREF huwa li jimmobilizza finanzjament pubbliku u privat bħala kontribuzzjoni biex jissolva l-istaġnar fir-rigward tal-finanzjament ta' proġetti u impriżi li jiggarantixxu enerġiji rinnovabbli fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw u fil-pajjiżi (mhux fl-Unjoni) b'ekonomiji fi tranżitu.

Parti minn dawn l-approprjazzjonijiet se tiġi użata wkoll sabiex tappoġġja l-inizjattiva tan-NU "Enerġija Sostenibbli għal kulħadd".

L-appoġġ għall-adattament għall-bidla fil-klima f'pajjiżi u reġjuni sħab jinkludi kontribuzzjoni biex tissaħħaħ ulterjorment l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni dwar il-Bidla fil-Klima u l-Iżvilupp permezz tal-Alleanza Globali dwar it-Tibdil fil-Klima (GCCA). Il-GCCA għandha rwol essenzjali biex ittejjeb il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-pajjiżi li qed jiżviluppaw dwar il-bidla fil-klima, partikolarment fil-qasam tal-adattament għall-impatti tal-bidla fil-klima, li jinħass l-aktar f'ħafna pajjiżi foqra li qed jiżviluppaw.

Dan il-programm huwa maħsub kiex ikun ta' benefiċċju primarjament għall-pajjiżi koperti mill- Istrument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp (DCI). Madankollu, skont l-Artikolu 38 tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 li jalloka ammont għall-finanzjament ta' attivitajiet li minnhom jibbenefikaw il-pajjiżi tal-Istrument Ewropew għall-Viċinat u s-Sħubija (ENPI) taħt il-programmi tematiċi, huma previsti EUR 63 M għal pajjiżi bħal dawn. Din l-approprjazzjoni hija wkoll maħsuba biex tkopri t-tlestija tal-pagamenti għal proġetti ffinanzjati taħt l-Artikolu ta' qabel tal-baġit 21 02 05 ("L-mbjent fil-Pajjiżi li Qegħdin Jiżviluppaw").

Sabiex tiżgura t-trasparenza finanzjarja sħiħa skont l-Artikoli 53-56 tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni, meta tikkonkludi jew timmodifika l-ftehimiet dwar l-immaniġġjar u l-implimentazzjoni ta' proġetti mill-Organizzazzjonijiet Internazzjonali, tagħmel l-isforzi kollha biex huma jimpenjaw irwieħhom li jibagħtu il-verifiki interni u esterni tagħhom lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u lill-Awditur Intern tal-Kummissjoni rigward l-użu tal-fondi tal-Unjoni.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji mingħand l-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħrajn, inklużi fiż-żewġ każi l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew mingħand organizzazzjonijiet internazzjonali għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterni ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, skont l-Att bażiku rilevanti, jista' jagħti lok għal għoti ta' approprjazzjonijiet ulterjuri. Dawn il-kontribuzzjonijiet taħt l-Artikolu 6.3.3 tar-rendikont tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Fejn l-għajnuna tingħata permezz ta' appoġġ mill-baġit, il-Kummissjoni għandha tappoġġa l-isforzi ta' pajjiżi msieħba biex jiġu żviluppati s-sorveljanza parlamentari u l-kapaċitajiet ta' verifika u t-trasparenza, skont l-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006. L-approprjazzjonijiet f'dan l-artikolu huma suġġetti għal evalwazzjonijiet kif stabbilit mill-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jinkludu aspetti ta' attivitajiet ta'input u tal-katina tar-riżultati (output, outcome, impact). Ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet għandhom jintużaw fil-formulazzjoni ta' iżuri li jiġu wara li jkunu ffinanzjati minn dawn l-approprijazzjonijiet.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

*Atti ta’ referenza*

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tat-3 ta' Awissu 2005 bit-titolu ' Azzjonijiet Esterni permezz ta' programmi Tematiċi taħt il-Perspettivi Finanzjarji Futuri 2007-2013' (COM(2005) 324 finali).

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tal-25 ta' Jannar 2006 intitolata "Azzjoni Esterna: Programm Tematiku Għall-Ambjent u l-Ġestjoni Sostenibbli tar-Riżorsi Naturali fosthom l-Enerġija" (COM(2006) 20 finali).

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tad-9 ta' Marzu 2010 bit-titolu ' Il-politika internazzjonali dwar il-klima wara Kopenħagen: Naġixxu issa sabiex insaħħu l-azzjoni globali dwar it-tibdil fil-klima' (COM(2010) 86 finali)

## *Artikolu 21 04 05 — Fond Globali għall-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija u għall-Enerġija Rinnovabbli (GEEREF)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 200 000 | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni għandha tintuża biex tappoġġja l-ħolqien tal-Fond Dinji għall-Effiċjenza tal-Enerġija u l-Enerġiji Rinnovabbli (GEEREF), li jimmira biex jipprovdi kapital ta' riskju għal tipi differenti ta' proġetti ta' investiment fil-qasam tal-enerġiji rinnovabbli u l-effiċjenza ta' enerġija fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, fl-Ewropa u l-pajjiżi ġirien tagħha.

Fil-kuntest tal-bidla fil-klima, l-Unjoni teħtieġ li tkun ta' quddiem nett f’dak li jirrigwarda miżuri biex jitnaqqsu l-effetti u l-kawżi ta' din il-bidla. L-iskambju ta’ prattiki tajba bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-effiċjenza tal-enerġija se jippermetti lill-Unjoni taġixxi b’mod ikkoordinat u b’hekk dan l-iskambju jkun qed jgħin biex jiġu stabbiliti strateġiji u azzjonijiet konġunti tal-politika tal-enerġija. L-Unjoni għandha tikkunsidra l-promozzjoni tal-effiċjenza tal-enerġija bħala strument biex jiġu miġġielda l-konsegwenzi tal-bidla fil-klima u biex jiġi stimolat ukoll l-użu ta' riżorsi ta' enerġija rinnovabbli fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex dawn isiru inqas dipendenti fuq l-enerġija.

L-approprjazzjonijiet taħt dan l-artikolu huma suġġetti għal evalwazzjonijiet kif stabbilit mill-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat 18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41). Dawn l-evalwazzjonijiet se jinkludu aspetti ta' attivitajiet ta' input u tal-katina tar-riżultati (output, riżultat, impatt). Ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet għandhom jintużaw fil-formulazzjoni ta' miżuri li jiġu wara li jkunu ffinanzjati minn dawn l-approprjazzjonijiet.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li huwa applikabbli għall-Baġit Ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 21 04 06 — Azzjoni ta' tħejjija — Il-ġestjoni tal-ilma fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 1 500 000 | p.m. | 1 500 000 | 3 000 000,00 | 652 333,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tippromwovi l-ġestjoni tal-ilma fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw b'mod partikolari, sabiex issaħħaħ il-Kooperazzjoni fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u, b'mod partikulari, biex tissaħħaħ il-Kooperazzjoni bejn pajjiżi li qed

jiżviluppaw li jaqsmu bejniethom ilmijiet transterritorjali.

Hi maħsuba sabiex tkopri l-iżvilupp u t-titjib tal-għodod għal ġestjoni tal-ilma u, b'mod partikolari, iżżid il-Kooperazzjoni bejn il-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Parti minn din l-approprjazzjoni tista tiġi użata sabiex tagħti għajnuna teknika għall-implimentazzjoni tal-ftehimiet dwar il-ġestjoni tal-ilma bejn il-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Hi wkoll maħsuba sabiex tkopri djalogu bejn diversi gruppi ta’ interess u koordinazzjoni sabiex titjieb l-effiċjenza u l-effettivita tal-ġestjoni tal-ilma, u b'mod partikolari, bil-perspettiva ta' Kooperazzjoni bejn il-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Il-miżuri jinkludu appoġġ lil reġjuni Afrikani milquta minn nuqqas kbir ta’ ilma.

Din l-approprjazzjoni hi wkoll maħsuba sabiex tkopri miżuri sabiex tappoġġja t-tixrid u l-iskambju ta' riżultati u l-aqwa prattiċi fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

*Atti ta’ referenza*

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew bit-titolu 'Il-ġestjoni tal-ilma fil-politika għall-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw u l-prijoritajiet għall-Kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE' (COM(2002) 132 finali).

Ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-30 ta'Mejju 2006 dwar Il-ġestjoni tal-ilma fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw: Il-politika u l-prijoritajiet għall-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp tal-Unjoni (dokument DEVGEN 83 ENV 309, 9696/02).

## KAPITOLU 21 05 — ŻVILUPP UMAN U SOĊJALI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 21 05 | Żvilupp uman u soċjali | | | | | | | | |
| ***21 05 01*** | ***Żvilupp uman u soċjali*** | | | | | | | | |
| 21 05 01 01 | Saħħa | 4 | 58 552 000 | 30 000 000 | 38 190 000 | 15 463 856 | 34 922 919,52 | 33 958 402,00 | 113,19 % |
| 21 05 01 02 | Edukazzjoni | 4 | 40 693 000 | 9 000 000 | p.m. | 8 113 752 | 33 048 065,68 | 22 847 810,00 | 253,86 % |
| 21 05 01 03 | Aspetti oħra għall-iżvilupp uman u soċjali | 4 | 40 300 000 | 23 000 000 | 71 440 000 | 17 683 206 | 0,— | 21 316 939,00 | 92,68 % |
| 21 05 01 04 | L-ugwaljanza tas-sessi | 4 | p.m. | 10 000 000 | p.m. | 12 958 139 | 37 000 000,00 | 7 217 046,64 | 72,17 % |
| 21 05 01 05 | Proġett pilota - Monitoraġġ kwalitattiv u kwantitattiv tal-infiq fil-qasam tas-saħħa u l-edukazzjoni | 4 | p.m. | p.m. | p.m. | 50 000 | 0,— | 106 883,10 | |
| 21 05 01 06 | Azzjoni ta' tħejjija - Trasferiment ta' teknoloġija relatata mal-industrija farmaċewtika għall-benefiċċju tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw | 4 | p.m. | 1 385 000 | p.m. | 1 384 000 | 0,— | 0,— | |
| 21 05 01 07 | Azzjoni ta' tħejjija għar-riċerka u l-iżvilupp dwar mard relatat mal-faqar, mard tropikali u mard li ġie ttraskurat | 4 | p.m. | 1 270 000 | p.m. | 2 800 000 | 0,— | 1 360 172,00 | 107,10 % |
| 21 05 01 08 | Proġett pilota - Kura tas-saħħa mtejba għall-vittmi tal-vjolenza sesswali fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) | 4 | p.m. | 400 000 | p.m. | 80 000 | 2 500 000,00 | 1 462 063,84 | 365,52 % |
| 21 05 01 09 | Azzjoni Preparatorja — Kura tas-saħħa mtejba għall-vittmi ta’ vjolenza sesswali fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) | 4 | p.m. | 500 000 | 2 000 000 | 1 000 000 | | | |
| | *Artikolu 21 05 01 — Sub-total* | | 139 545 000 | 75 555 000 | 111 630 000 | 59 532 953 | 107 470 985,20 | 88 269 316,58 | 116,83 % |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *21 05 02* | *Il-Fond Globali għall-Ġlieda kontra l-AIDS, it-Tuberkolożi u l-Malarja (GFATM)* | 4 | 50 000 000 | 50 000 000 | 50 000 000 | 47 727 951 | 65 000 000,00 | 65 000 000,00 | 130,00 % |
| *21 05 03* | *Żvilupp uman u soċjali — Tlestija tal-kooperazzjoni preċedenti* | 4 | p.m. | 3 600 000 | p.m. | 4 772 795 | 0,— | 18 716 860,39 | 519,91 % |
| | **Kapitolu 21 05 — Total** | | **189 545 000** | **129 155 000** | **161 630 000** | **112 033 699** | **172 470 985,20** | **171 986 176,97** | **133,16 %** |

## *Artikolu 21 05 01 — Żvilupp uman u soċjali*

### Partita 21 05 01 01 — Saħħa

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 58 552 000 | 30 000 000 | 38 190 000 | 15 463 856 | 34 922 919,52 | 33 958 402,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tipprovdi appoġġ finanzjarju għal proġetti fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw u fil-pajjiżi tal-viċinat tal-Ewropa taħt il-komponent "Is-saħħa għal kulħadd" tal-programm tematiku "Ninvestu fil-persuna".

L-appoġġ finanzjarju jingħata għal proġetti li jaqgħu taħt erba’ oqsma ta’ prijorita: (1) il-ġlieda kontra l-mard marbut mal-faqar u l-mard li ġie traskurat, b'mira fuq il-mard li jittieħed u l-mard li jista' jiġi evitat permezz tat-tilqim; (2) it-titjib tas-saħħa materna, riproduttiva u sesswali fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw; (3) titjib fl-aċċess ugwali għal dawk li jipprovdu servizzi tas-saħħa, għall-komoditajiet u għas-servizzi tas-saħħa; u (4) iż-żamma ta’ strateġija bbilanċjata bejn il-prevenzjoni, it-trattament u l-kura, bil-prevenzjoni bħala prijorita fundamentali.

Din l-approprjazzjoni tista' ma tkunx disponibbli għall-Fond Globali għall-Ġlieda kontra l-AIDS, it-Tuberkolożi u l-Malarja (GFATM). Parti mill-approprjazzjoni se tkun ipprovduta għal għajnuna teknika fil-pajjiżi riċevituri. Din l-allokazzjoni se tikkumplimenta r-rwol ta’ finanzjatur tal-GFATM billi tiżgura li mekkaniżmu ta’ appoġġ tekniku koordinat u effettiv ikun fis-seħħ, li jirriżulta f’implimentazzjoni effettiva tal-approprjazzjonijiet tal-Fond Globali.

Dan il-programm huwa maħsub kiex ikun ta' benefiċċju primarjament għall-pajjiżi koperti mill-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI). Madankollu, f'konformita mal-Artikolu 38 tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 li jalloka ammont ta' attivitajiet ta' finanzjament li minnhom jibbenefikaw il-pajjiżi tal-Istrument Ewropew għall-Viċinat u s-Sħubija (ENPI) taħt il-programmi tematiċi, pakkett ekwivalenti għal 6 % ta' dan il-programm huwa previst għal dawn il-pajjiżi matul il-perjodu 2007-2013.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji mingħand l-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħrajn, inklużi fiż-żewġ każi l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew mingħand organizzazzjonijiet internazzjonali għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterni ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, skont l-att bażiku rilevanti, jista' jagħti lok għal għoti ta' approprjazzjonijiet ulterjuri. Dawn il-kontribuzzjonijiet taħt l-Artikolu 6 3 3 tar-rendikont tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa fuq is-sapport amministrattiv għandhom ikunu stabbiliti mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma tkunx taqbeż l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitlu. Din l-approrjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri s-supplimentazzjoni taż-żingu u mikronutrijenti oħra għat-trattament u l-prevenzjoni tad-dijarea u l-malnutrizzjoni fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tipprovdi appoġġ finanzjarju għal proġetti fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw u fil-pajjiżi tal-viċinat tal-Ewropa taħt il-komponent "Is-saħħa għal kulħadd" tal-programm tematiku "Ninvestu fil-persuna".

L-approprjazzjonijiet f'dan it-titolu u li jikkorrispondu għat-tieni prijorità (it-titjib fis-saħħa riproduttiva u sesswali fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw) għandhom jiffinanzjaw b'mod speċifiku interventi f'pajjiżi terzi b'indikaturi kritiċi fir-rigward tas-saħħa tal-omm u s-saħħa riproduttiva biex inaqqsu l-konġestjonijiet u jippromwovu l-aħjar prattiki għall-ilħuq tal-Għan ta' Żvilupp għall-Millennju 5 ("It-titjib tas-saħħa tal-omm") sal-2015 u l-progress fl-implimentazzjoni sħiħa tal-Programm ta' Azzjoni tal-ICPD, notevolment billi jiġi appoġġat l-iżvilupp tal-kapaċitajiet għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' strateġiji nazzjonali għas-saħħa tal-omm, is-saħħa riproduttiva u l-ippjanar tal-familji fil-qafas tat-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa.

Fejn l-għajnuna tingħata permezz ta' appoġġ mill-baġit, il-Kummissjoni għandha tappoġġa l-isforzi ta' pajjiżi msieħba biex jiġu żviluppati s-sorveljanza parlamentari u l-kapaċitajiet ta' verifika u t-trasparenza, skont l-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

*Atti ta’ referenza*

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tal-25 ta' Jannar 2006 bit-titolu 'Investiment fil-persuni - Komunikazzjoni dwar il-programm tematiku għall-iżvilupp uman u soċjali u l-perspettivi finanzjarji għall-2007-2013' (COM(2006) 18 finali).

## Partita 21 05 01 02 — Edukazzjoni

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 40 693 000 | 9 000 000 | p.m. | 8 113 752 | 33 048 065,68 | 22 847 810,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tipprovdi appoġġ finanzjarju għal proġetti fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw u fil-pajjiżi tal-viċinat tal-Ewropa taħt il-komponent "Edukazzjoni, għarfien u kompetenzi" tal-programm tematiku "Ninvestu fil-persuna".

L-appoġġ finanzjarju jingħata għal proġetti li jaqgħu taħt seba’ oqsma ta’ prijorita: (1) l-Għan tal-Iżvilupp għall-Millennju (MDG) li sal-2015 ikun hemm edukazzjoni primarja għal kulħadd u l-Qafas ta' Azzjoni ta' Dakar dwar Edukazzjoni għal Kulħadd; (2) edukazzjoni bażika, sekondarja u għolja flimkien ma' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, biex jittejjeb l-aċċess għall-edukazzjoni għat-tfal kollha u, b'ritmu dejjem aktar mgħaġġel, għan-nisa u l-irġiel ta' kull età; (3) il-promozzjoni ta' edukazzjoni bażika ta' kwalita għolja, b'enfasi partikolari fuq aċċess għall-bniet, it-tfal li jgħixu f'zoni effettwati mill-konflitti u t-tfal minn gruppi soċjali emarġinati u aktar vulnerabbli inklużi t-tfal b'diżabilitajiet; (4) l-iżvilupp ta' metodi biex jitkejlu r-riżultati tat-tagħlim sabiex tkun evalwata aħjar il-kwalita tal-edukazzjoni; (5) il-promozzjoni tal-armonizzazzjoni u l-allinjament tad-donaturi biex tkun promossa l-edukazzjoni universali, obbligatorja, bla ħlas u ta' kwalita għolja permezz ta' inizjattivi internazzjonali jew minn ħafna pajjiżi; (6) l-appoġġ għal soċjetà inklussiva bbażata fuq l-għerf u l-kontribuzzjoni biex jitnaqqsu l-firda diġitali, u d-differenzi fl-għerf u l-informazzjoni; u (7) it-titjib fl-għerf u l-innovazzjoni permezz tax-xjenza u t-teknoloġija flimkien mal-iżvilupp ta' netwerks ta' komunikazzjoni elettronika u aċċess għalihom.

Il-miżuri għandhom jikkunsidraw il-fatt li, bħala riżultat ta' edukazzjoni aħjar u konsegwentement prospetti għall-ħajja fil-pajjiżi tal-oriġini, il-migrazzjoni tonqos.

Dan il-programm huwa intenzjonat li minnu jibbenefikaw primarjament is-sezzjonijiet tal-popolazzjoni li huma l-ifqar, l-anqas żviluppati u l-aktar żvantaġġjati fil-pajjiżi koperti bl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji mingħand l-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħrajn, inklużi fiż-żewġ każi l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew mingħand organizzazzjonijiet internazzjonali għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterni ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, skont l-Att bażiku rilevanti, jista' jagħti lok għal għoti ta' approprjazzjonijiet ulterjuri. Dawn il-kontribuzzjonijiet taħt l-Artikolu 6.3.3 tar-rendikont tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta’ appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Fejn l-għajnuna tingħata permezz ta' appoġġ mill-baġit, il-Kummissjoni għandha tappoġġa l-isforzi ta' pajjiżi msieħba biex jiġu żviluppati s-sorveljanza parlamentari u l-kapaċitajiet ta' verifika u t-trasparenza, skont l-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

*Atti ta’ referenza*

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tat-3 ta' Awissu 2005 bit-titolu 'Azzjonijiet Esterni permezz ta' programmi Tematiċi taħt il-Perspettivi Finanzjarji Futuri 2007-2013' (COM(2005) 324 finali).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tal-25 ta' Jannar 2006 bit-titolu 'Investiment fil-persuni. Komunikazzjoni dwar il-programm tematiku għall-iżvilupp uman u soċjali u l-perspettivi finanzjarji għall-2007-2013 (COM(2006) 18 finali).

## Partita 21 05 01 03 — Aspetti oħra għall-iżvilupp uman u soċjali

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 40 300 000 | 23 000 000 | 71 440 000 | 17 683 206 | 0,— | 21 316 939,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tipprovdi appoġġ finanzjarju għall-proġetti fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw u fil-pajjiżi ġirien tal-Ewropa taħt il-komponent "Aspetti oħrajn ta' żvilupp uman u soċjali" tal-programm tematiku "Investiment fin-nies", li jiffoka fuq it-temi fundamentali tas-saħħa għal kulħadd, l-għerf u l-kompetenzi, il-kultura, l-impjieg u l-koeżjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn is-sessi, it-tfal u ż-żgħażagħ. Azzjonijiet fl-erba' oqsma għandhom iqisu kwistjonijiet li jinvolvu diversi aspetti bħall-ugwaljanza bejn is-sessi, il-bżonnijiet tal-persuni b'diżabilitajiet u l-ħarsien tal-ambjent.

L-appoġġ finanzjarju jingħata għal proġetti li jaqgħu taħt tliet oqsma ta' prijorità: (1) il-kultura; (2) l-impjiegi u l-koeżjoni soċjali; u (3) iż-żgħażagħ u t-tfal.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tappoġġa s-soċjetà ċivili Tibetana fiċ-Ċina u fl-eżilju u biex tingħata ħajja ġdida lill-komunitajiet Tibetani fl-eżilju.

Dan il-programm huwa maħsub biex minnu jibbenefikaw is-sezzjonijiet tal-popolazzjoni li huma l-ifqar, l-anqas żviluppati u l-aktar żvantaġġjati fil-pajjiżi koperti bl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006. F'konformità mal-Artikolu 38 tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 li jalloka ammont għall-finanzjament ta' attivitajiet li minnhom jibbenefikaw il-pajjiżi tal-Istrument Ewropew għall-Viċinat u s-Sħubija (ENPI) taħt il-programmi tematiċi, huwa previst pakkett indikattiv speċifiku taħt il-prijoritajiet (2) u (3) għal tali pajjiżi matul il-perjodu 2007-2013.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji mingħand l-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħrajn, inklużi fiż-żewġ każi l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew mingħand organizzazzjonijiet internazzjonali għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterni ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, skont l-att bażiku rilevanti, jista' jagħti lok għal għoti ta' approprjazzjonijiet ulterjuri. Dawn il-kontribuzzjonijiet taħt l-Artikolu 6 3 3 tar-rendikont tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat taħt l-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa fuq appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi mill-ftehim dwar il-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull Kapitolu.

Fejn l-għajnuna tingħata permezz ta' appoġġ mill-baġit, il-Kummissjoni għandha tappoġġa l-isforzi ta' pajjiżi msieħba biex jiġu żviluppati s-sorveljanza parlamentari u l-kapaċitajiet ta' verifika u t-trasparenza, skont l-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta' Diċembru li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

*Atti ta' referenza*

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tat-3 ta' Awissu 2005 bit-titolu 'Azzjonijiet Esterni permezz ta' programmi Tematiċi taħt il-Perspettivi Finanzjarji Futuri 2007-2013' (COM(2005) 324 finali).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tal-25 ta' Jannar 2006 bit-titolu 'Investiment fil-persuni. Komunikazzjoni dwar il-programm tematiku għall-iżvilupp uman u soċjali u l-perspettivi finanzjarji għall-2007-2013' (COM(2006) 18 finali).

## Partita 21 05 01 04 — L-ugwaljanza tas-sessi

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 10 000 000 | p.m. | 12 958 139 | 37 000 000,00 | 7 217 046,64 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tipprovdi appoġġ finanzjarju għall-proġetti fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw u fil-pajjiżi ta' viċinat tal-Ewropa taħt il-komponent "Ugwaljanza bejn is-sessi" tal-programm tematiku "Ninvestu fil-persuna", li jiffoka fuq it-temi fundamentali tas-saħħa għal kulħadd, l-għarfien u l-kompetenzi, il-kultura, l-impjieg u l-koeżjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn is-sessi, it-tfal u ż-żgħażagħ.

Jingħata appoġġ finanzjarju għall-azzjonijiet li jimmiraw biex jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet tan-nisa u biex ikunu implimentati impenji dinjija kif indikat fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sessi, fid-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma għall-Azzjoni ta' Beijing u l-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Qirda tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa.

Dan il-programm huwa intenzjonat li minnu jibbenefikaw is-sezzjonijiet tal-popolazzjoni li huma l-ifqar, l-anqas żviluppati u l-aktar żvantaġġjati fil-pajjiżi koperti bl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006. F'konformità mal-Artikolu 38 tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 li jalloka ammont għall-finanzjament ta' attivitajiet li minnhom jibbenefikaw il-pajjiżi tal-Istrument Ewropew għall-Viċinat u s-Sħubija (ENPI) taħt il-programmi tematiċi, huwa previst pakkett indikattiv speċifiku għal tali pajjiżi matul il-perjodu 2007-2013.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji mingħand l-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħrajn, inklużi fiż-żewġ każi l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew mingħand organizzazzjonijiet internazzjonali għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterni ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, skont l-Att bażiku rilevanti, jista' jagħti lok għal għoti ta' approprjazzjonijiet ulterjuri. Dawn il-kontribuzzjonijiet taħt l-Artikolu 6.3.3 tar-rendikont tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Fejn l-għajnuna tingħata permezz ta' appoġġ mill-baġit, il-Kummissjoni għandha tappoġġa l-isforzi ta' pajjiżi msieħba biex jiġu żviluppati s-sorveljanza parlamentari u l-kapaċitajiet ta' verifika u t-trasparenza, skont l-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

*Atti ta' referenza*

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tat-3 ta' Awissu 2005 bit-titolu 'Azzjonijiet Esterni permezz ta' programmi Tematiċi taħt il-Perspettivi Finanzjarji Futuri 2007-2013' (COM(2005) 324 finali).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tal-25 ta' Jannar 2006 bit-titolu 'Investiment fil-persuni. Komunikazzjoni dwar il-programm tematiku għall-iżvilupp uman u soċjali u l-perspettivi finanzjarji għall-2007-2013' (COM(2006) 18 finali).

## Partita 21 05 01 05 — Proġett pilota - Monitoraġġ kwalitattiv u kwantitattiv tal-infiq fil-qasam tas-saħħa u l-edukazzjoni

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | 50 000 | 0,— | 106 883,10 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba għall-promozzjoni tal-monitoraġġ kwalitattiv u kwantitattiv tal-infiq fis-setturi tas-saħħa u l-edukazzjoni u għad-diskussjoni ta' miżuri li ġew implimentati mill-Kummissjoni fis-setturi tas-saħħa u l-edukazzjoni.

L-implimentazzjoni ta' proġetti speċifiċi għandha tiġi diskussa minn esperti u gruppi kkonċernati u tibqa' tiġi segwita, sabiex il-kuxjenza u t-tagħrif dwar il-miżuri fil-qasam tas-saħħa u l-edukazzjoni fost il-pubbliku jissaħħu.

Il-finanzjament għandu jkopri wkoll miżuri sabiex jiġi appoġġjat it-tixrid u l-iskambju ta' riżultati u l-aqwa prattiċi fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 fir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## Partita 21 05 01 06 — Azzjoni ta' tħejjija - Trasferiment ta' teknoloġija relatata mal-industrija farmaċewtika għall-benefiċċju tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 1 385 000 | p.m. | 1 384 000 | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-azzjoni ta' tħejjija tnediet fl-2008 bil-għan li tistabbilixxi programm ta' azzjoni sabiex:

— jiġu sostnuti it-titjib tar-riċerka, l-iżvilupp u l-kapaċita ta' produzzjoni farmakoloġika fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw,

— jingħata sostenn finanzjarju konkret għat-trasferiment ta' teknoloġija u l-bini ta' kapaċità f'dak li huwa farmaċewtika għal pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-produzzjoni lokali ta' farmaċewtiċi fil-pajjiżi kollha li qed jiżviluppaw, speċjalment il-pajjiżi l-anqas żviluppati, f'konformità mal-obbligi stabbiliti bl-Artikolu 66(2) tal-Ftehima dwar Aspetti li għandhom x'jaqsmu mal-Kummerċ tal-Jeddijiet ta' Proprjeta Intellettwali (TRIPS).

Tnieda studju fl-2009 u ġie ffinanzjat proġett speċifiku fl-2010 biex itejjeb l-aċċess għat-teknoloġija, jiżviluppa l-bini tal-kapaċitajiet u jżid il-kapaċità ta' produzzjoni lokali (inkluż fil-qasam tal-mediċina tradizzjonali).

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli ghall-bagit generali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Lulju 2007 dwar il-Ftehim TRIPS u l-aċċess għal mediċini (ĠU C 175 E, 10.7.2008, p. 445).

## Partita 21 05 01 07 — Azzjoni ta' tħejjija għar-riċerka u l-iżvilupp dwar mard relatat mal-faqar, mard tropikali u mard li ġie ttraskurat

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 1 270 000 | p.m. | 2 800 000 | 0,— | 1 360 172,00 |

*Kummenti*

Din l-azzjoni ta' tħejjija tnediet fl-2008 u kienet intenzjonata biex toħloq programm ta' azzjoni biex jappoġġja r-riċerka u l-iżvilupp dwar mard li għandu x'jaqsam mal-faqar, mard tropikali u dak ittraskurat kif ukoll biex ikunu appoġġjati istituti ta' riċerka li jkunu lesti jikkoperaw mal-inizjattivi tas-saħħa pubblika ddedikati għal dawn l-isforzi. Ir-riċerka primarjament għandha ssir fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw sabiex tgħinhom jiżviluppaw għarfien lokali u soluzzjonijiet adatti lokalment għan-nuqqas ta' aċċess għall-mediċini.

Tnieda studju fl-2009 li jinvolvi konsultazzjoni wiesgħa għall-partijiet interessati dwar l-iffissar ta' prijoritajiet, b'enfasi partikolari fuq il-parteċipazzjoni attiva u rwoli importanti għal xjentisti f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u istituzzjonijiet f'dan il-proċess.

Barra minn hekk, l-approprjazzjonijiet fl-2009 u fl-2010 ġew dedikati għall-iffinanzjar ta' azzjonijiet speċifiċi, bħall-appoġġ ta' netwerks tar-riċerka u bini tal-kapaċitajiet fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. F'dawn il-proġetti kollha, il-konsultazzjoni tal-partijiet interessati fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw (esperti, xjentisti u istituzzjonijiet reġjunali, nazzjonali u lokali), kif ukoll l-irwol ta' tmexxija tagħhom, għandhom ikunu żgurati.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli ghall-bagit generali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Lulju 2007 dwar il-Ftehim TRIPS u l-aċċess għal mediċini (ĠU C 175 E, 10.7.2008, p. 445).

## Partita 21 05 01 08 — Proġett pilota - Kura tas-saħħa mtejba għall-vittmi tal-vjolenza sesswali fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 400 000 | p.m. | 80 000 | 2 500 000,00 | 1 462 063,84 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tobba Kongoliżi jitħarrġu kemm fil-kirurġija ġinekoloġika ġenerali kif ukoll fi proċeduri kritiċi bħalma huma t-tiswija tal-fistuli u r-rikostruzzjoni pelvika.

Din għandha tappoġġja programm ta' skambju u ta' taħriġ kirurġiku miftuħ għall-persunal fi sptarijiet varji fir-RDK, b'attenzjoni speċjali fuq in-naħa tal-Lvant tal-pajjiż.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar- Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## Partita 21 05 01 09 — Azzjoni Preparatorja — Kura tas-saħħa mtejba għall-vittmi ta' vjolenza sesswali fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK)

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| p.m. | 500 000 | 2 000 000 | 1 000 000 | |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tobba Kongoliżi jitħarrġu kemm fil-kirurġija ġinekoloġika ġenerali kif ukoll fi proċeduri kritiċi bħalma huma t-tiswija tal-fistuli u r-rikostruzzjoni pelvika.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 21 05 02 — Il-Fond Globali għall-Ġlieda kontra l-AIDS, it-Tuberkolożi u l-Malarja (GFATM)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 50 000 000 | 50 000 000 | 50 000 000 | 47 727 951 | 65 000 000,00 | 65 000 000,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tipprovdi appoġġ finanzjarju għal azzjonijiet li jaqgħu taħt il-Fond Globali għall-Ġlieda kontra l-AIDS, it-Tuberkolożi u l-Malarja (GFATM).

L-approprjazzjonijiet taħt dan l-artikolu huma suġġetti għal evalwazzjonijiet kif stabbilit mill-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jinkludu aspetti ta' attivitajiet ta' input u tal-katina tar-riżultati (output, outcome, impact). Ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet għandhom jintużaw fil-formulazzjoni ta' miżuri li jiġu wara li jkunu ffinanzjati minn dawn l-approprjazzjonijiet.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

## *Artikolu 21 05 03 — Żvilupp uman u soċjali — Tlestija tal-kooperazzjoni preċedenti*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 3 600 000 | p.m. | 4 772 795 | 0,— | 18 716 860,39 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri t-tlestija ta' kooperazzjoni preċedenti taħt għadd ta' programmi li jinkludu s-saħħa, l-edukazzjoni bażika, il-kooperazzjoni kulturali, il-kontribuzzjoni addizzjonali għall-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju tan-NU, il-kooperazzjoni deċentralizzata, it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, l-enerġija sostenibbli u l-ugwaljanza bejn is-sessi.

*Saħħa*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tiffinanzja azzjonijiet għat-titjib tas-saħħa riproduttiva u sesswali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u jkun żgurat ir-rispett għad-drittijiet li għandhom x'jaqsmu magħha.

Għandha tkun provduta għajnuna finanzjarja biex tkattar ir-rikonoxximent tad-drittjiet riproduttivi u sesswali, perjodu sigur ta' maternita u aċċess universali għall-firxa komprensiva ta' servizzi siguri u affidabbli dwar ir-riproduzzjoni u s-saħħa sesswali.

Fl-allokazzjoni ta' dan il-finanzjament u kompetenza, għandha tingħata prijorita lill-ifqar pajjiżi u dawk l-inqas żviluppati u l-aktar sezzjonijiet żvantaġġati tal-popolazzjoni, ġewwa pajjiżi li qed jiżviluppaw, kif ukoll azzjoni li tikkumplimenta u ssaħħaħ kemm il-politiki u l-kapaċitajiet ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-għajnuna provduti permezz ta' strumenti oħra tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp.

L-iskop tal-attivitajiet għandhom ikunu biex:

— ikun żgurat id-dritt tan-nisa, l-irġiel u l-adolexxenti għas-saħħa tajba riproduttiva u sesswali,

— in-nisa, l-irġiel u l-adolexxenti jkollhom aċċess għal firxa komprensiva ta' servizzi u prodotti affidabbli dwar ir-riproduzzjoni u l-kura tas-saħħa sesswali,

— jitnaqqsu r-rati tal-mewt tal-ommijiet, b'referenza partikolari għall-pajjiżi u l-popolazzjonijiet fejn huma l-ogħla,

— tkun missielta l-mutilazzjoni ġenitali feminili.

Għandu jingħata appoġġ finanzjarju għall-programmi disinjati speċifikatament biex jilħqu l-għanijiet msemmija fuq.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tiffinanzja azzjoni preparatorja għall-ġlieda kontra l-mard relatat mal-faqar minbarra l-HIV/AIDS, il-malarja u t-tuberkolożi. Huwa b'mod partikolari ppjanat li jkun hemm kontribut għall-programmi ta' tilqim kontra mard bħall-ħożba, id-difterite, it-tetnu, il-pertosse, l-epatite B, il-Haemophilus influenzae B, id-deni l-isfar, il-meninġite u l-mard

ikkawżat mill-pneumococcus billi jitlestew l-isforzi tat-tilqim li jinsabu għaddejjin f'xi pajjiżi li qed jiżviluppaw.

L-azzjonijiet ta' tħejjija huma maħsuba sabiex permezz ta' miżuri ffokati u innovativi jeżaminaw u jiżguraw il-kundizzjonijiet għal koordinazzjoni aħjar bejn l-Unjoni, l-Istati Membri u l-partnerships pubbliċi-privati internazzjonali ewlenin involuti fil-qasam tas-saħħa pubblika u t-tilqim u effikaċja akbar tal-investimenti fis-sistemi tas-saħħa (prevenzjoni, edukazzjoni, bini ta' kapaċità) f'pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-implimentazzjoni ta' programm ta' azzjoni tal-Unjoni biex ikunu missielta t-tliet mardiet ewlenin li jittieħdu, jiġifieri l-HIV/AIDS, il-malarja u t-tuberkulożi, f'pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Skont dak il-programm, il- Unjoni għandha tipprovdi għajnuna finanzjarja u kompetenza xierqa biex tkattar l-investiment fis-saħħa, it-tnaqqis tal-faqar u tkabbir ekonomiku ekwu f'pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Fl-allokazzjoni ta' dan il-finanzjament u kompetenza, għandha tingħata prijorita lill-ifqar pajjiżi u dawk l-inqas żviluppati u l-aktar sezzjonijiet żvantaġġati tal-popolazzjoni, speċjalment in-nisa u l-bniet, ġewwa pajjiżi li qed jiżviluppaw, kif ukoll azzjoni li tikkumplimenta u tirrafforza kemm il-politiki u l-kapaċitajiet ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-għajnuna provduti permezz ta' strumnti oħra tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Dawn l-attivitajiet għandhom jikkontribwixxu soluzzjonijiet innovattivi li jtejbu t-twettiq ta' prattiċi kurrenti relatati mal-ġlieda kontra l-mard relatat mal-faqar.

L-iskop tal-attivitajiet kollha mwettqa għandu jkun:

- l-ottimizzazzjoni tal-impatt ta' interventi, servizzi, kommoditajiet u informazzjoni eżistenti, immirati lejn il-mard li jittieħed ewlieni li jaffettwa l-ifqar popolazzjonijiet,
- li jkun hemm aktar prezzijiet li jintaħqu tal-farmaċi ewlenin,
- żieda fir-riċerka u l-iżvilupp, inkluż tilqim u provi kliniċi, mikrobiċidi u kuri innovativi,
- żieda fl-attivitajiet fil-qasam tal-prevenzjoni tal-mard, inkluż provi tal-VCCT, kampanji immirati ta' informazzjoni u għoti ta' pariri fost gruppi b'riskju għoli,
- tkattir ta' kampanji li jkabbru tal-għarfien, l-edukazzjoni, sforzi ta' informazzjoni u komunikazzjoni immirati lejn it-tnaqqis ta' imġiba ta' riskju,
- l-integrazzjoni tas-sensittivita dwar is-sessi fil-programmazzjoni tal-HIV/AIDS u l-iżvilupp ta' metodi mibdija u kkontrollati min-nisa kif ukoll l-integrazzjoni tal-irġiel fil-programmi li jiffukaw fuq l-impatt fuq in-nisa u l-bniet,
- promozzjoni tat-taħriġ fuq l-għarfien tat-tmexxija.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll għall-finanzjament ta' programmi ta' tilqim kontra l-malarja.

Għandu jingħata appoġġ finanzjarju tal-Unjoni lill-proġetti speċifiċi maħsuba biex iġibu 'il quddiem l-għanijiet mfissra fuq , inkluż appoġġ għall-inizjattivi globali li jolqtu l-mard li jittieħed ewlieni fil-kuntest tat- tnaqqis tal-faqar, partikolarment Il-Fond Globali għall-ġlieda kontra l-HIV/AIDS, it-tuberkulożi u l-malaria li daħal fis-seħħ fid-29 ta' Jannar 2002.

*Edukazzjoni Bażika*

Din l-approprjazzjoni maħsuba bħala proġett pilota għall-programmi ta' appoġġ nazzjonali għall-għajnuna għall-edukazzjoni bażika f'pajjiżi li qed jiżviluppaw permezz ta' azzjonijiet u analiżijiet rilevanti.

*Kooperazzjoni kulturali*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tippromwovu d-diversita kulturali bl-appoġġ tal-kooperazzjoni fil-qasam tal-kultura, inkluż:

- attivitajiet li jappoġġaw il-ftehim reċiproku bejn kulturi differenti ġewwa pajjiżi msieħba,
- skambji li jippermettu ftehim kulturali akbar bejn il-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-Unjoni Ewropea.

*Kontribuzzjoni addizzjonali għall-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju tan-NU*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tiffinanzja appoġġ tal-baġit settorjali immirat li jtemm il-miżati tal-iskejjel u l-uniformijiet fl-edukazzjoni primarja, speċjalment għall-bniet. In-numru limitat ta' pajjiżi benefiċjarji se jkunu magħżula mil-lista ta' pajjiżi identifikati mill-Proġett tan-NU għall-Millennju bħala kandidati potenzjali għall-aċċellerazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju u f'konformita mar-regoli applikati mill-Kummissjoni għall-pajjiżi li jibbenefikaw mill-appoġġ tal-baġit, b'referenza partikolari għall-abilita tagħhom li jissodisfaw kriterji ta' tmexxija tajba u ġestjoni finanzjarja soda.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba għall-finanzjament tat-tħejjijiet tal-pajjiżi benefiċjarji sabiex ipattu għall-ispejjeż tat-twaqqif tal-miżati għall-utenti b'mezzi oħra ta' finanzjament pubbliku wara t-tmiem ta' din l-azzjoni temporanja tal-Unjoni.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tiffinanzja appoġġ tal-baġit settorjali immirat għall-ikel għat-tfal fl-iskejjel primarji. Din il-miżura tikkumplimenta l-azzjoni Quick Win maħsuba biex ittemm il-miżati tal-iskejjel u l-uniformijiet u se tkun kondotta mal-istess pajjiżi, magħżula mil-lista tal-pajjiżi identifikati mill-Proġett tan-NU għall-Millennju bħala kandidati potenzjali għall-aċċellerazzjoni

tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju u f'konformita mar-regoli applikati mill-Kummissjoni għall-pajjiżi li jibbenefikaw mill-appoġġ tal-baġit, b'mod partikolari l-abilita tagħhom li jissodisfaw kriterji ta' tmexxija tajba u ġestjoni finanzjarja soda.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba għall-finanzjament tat-tħejjijiet tal-pajjiżi benefiċjarji sabiex jorganizzaw finanzjament pubbliku għall-ikel fl-iskejjel fi timiem din l-azzjoni temporanja tal-Unjoni.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tiffinanzja l-għajnuna għall-bdiewa ż-żgħar għal tiġdid massiv tan-nutrijenti tal-ħamrija fuq art b'ħamrija li tkun tilfet in-nutrimenti tagħha, permezz ta' distribuzzjoni b'xejn jew sussidjata ta' fertilizzanti u permezz tal-agroforestrija.

Dawk il-pajjiżi li jibbenefikaw minn din l-azzjoni se jintgħażlu mil-lista ta' pajjiżi identifikati mill-Proġett tan-NU għall-Millennju bħala kandidati potenzjali għall-aċċellerazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju.

*Kooperazzjoni diċentralizzata*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex iżżid il-kapaċità tal-parteċipanti fis-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali sabiex jaġixxu, jimmobilizzaw u jorganizzaw irwieħhom, sabiex jippromwovu d-djalogu bejn il-parteċipanti governattivi u dawk mhux governattivi. Huwa maħsub li jkun kopert il-finanzjament ta' operazzjonijiet ta' żvilupp soċjali u ekonomiku għall-benefiċċju tal-ifqar sezzjonijiet tal-popolazzjoni f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, partikolarment gruppi vulnerabbli. Hija tappoġġja inizzjattivi ta' żvilupp sostenibbli meħuda mill-awtoritajiet pubbliċi lokali, l-organizzazzjonijiet u assoċjazzjonijiet jew gruppi bbażati fil-Komunità f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, possibilment f'assoċjazzjoni mall-kontroparti tagħhom fl-Unjoni.

Hija maħsuba, f'dan il-kuntest, l-aktar biex tkopri skemi ta' informazzjoni, edukattivi, ta' kapitalizzazzjoni u komunikazzjoni biex aġenti potenzjali ikunu jistgħu jassimilaw aħjar il-metodu ta' kooperazzjoni deċentralizzata u biex ikollhom rwol aktar attiv fil-konsultazzjonijiet dwar programmi tal-Unjoni u fl-implimentazzjoni ta' kooperazzjoni deċentralizzata.

*Teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u l-enerġija sostenibbli*

Din l-approprjazzjoni tiffinanzja teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni li jistgħu jassistu fil-proċess ta' kooperazzjoni deċentralizzata.

Din l-approprjazzjoni għandha tippermetti lill-Kummissjoni li tistabbilixxi fl-2002 mekkaniżmu għall-appoġġ tal-bini tal-kapaċità f'pajjiżi li qed jiżviluppaw għat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) u l-enerġija sostenibbli. Il-programm għandu jkun ikkoordinat sew ma' inizjattivi oħra tad-donatur fuq l-ICT u l-enerġija sostenibbli.

Mill-2003 'l quddiem, il-komponent tal-enerġija sostenibbli tkun indirizzata permezz tal-Artikolu 06 04 02, waqt li l-komponent ICT ikun indirizzat permezz ta' programmi nazzjonali/reġjonali kull meta rilevanti.

Il-Kummissjoni għandha tuża wkoll din l-approprjazzjoni għall-ħidma fil-programm tan-Nazzjonijiet Uniti tal-Iżvilupp fuq proġetti pilota u biex ikun żgurat li l-benefiċċji sħaħ tal-ICT u t-teknoloġiji tal-enerġija sostenibbli ikunu esplorati u enfasizzati kif jixraq.

*Ugwaljanza bejn is-sessi*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba:

— biex ikun implimentat rwol ta' katalist fit-tkattir tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-kooperazzjoni tal-iżvilupp tal-Unjoni,

— biex tkun provduta għajnuna finanzjarja u kompetenza xierqa, waqt li fl-istess ħin tkun raffurzata l-istrateġija tat-tpoġġija fuq quddiem tal-kwistjonijiet tas-sessi bl-appoġġ ta' azzjonijiet speċifiċi għat-tisħiħ tan-nisa.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 443/92 tal-25 ta' Frar 1992 dwar l-għajnuna finanzjarja u teknika lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-Asja u l-Amerika Latina u l-kooperazzjoni ekonomika magħhom (ĠU L 52, 27.2.1992, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1292/96 tas-27 ta' Ġunju 1996 dwar il-politka tal-għajnuna tal-ikel u t-tmexxija tal-għajnuna tal-ikel u l-ħidmiet speċjali b'appoġġ għas-sigurtà tal-ikel (ĠU L 166, 5.7.1996, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 955/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 2002 li jestendi u jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1659/98 dwar kooperazzjoni deċentralizzata (ĠU L 148, 6.6.2002, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 625/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jestendi u jemenda r-Regolament (KE) Nru 1659/98 dwar il-kooperazzjoni deċentralizzata (ĠU L 99, 3.4.2004, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41)

*Atti ta' referenza*

Proġetti pilota fi ħdan it-tifsira tal-Ftehima Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-

Kummissjoni, dwar id-dixxiplina tal-baġit u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1).

Azzjoni ta’ tħejjija, fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunità Ewropea (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta’ April 2005 dwar ir-rwol tal-Unjoni Ewropea fl-ilħuq tal-Miri tal-Millennju għall-Iżvilupp (ĠU 033 E, 9.2.2006, p. 0311).

Konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill tal-Affarijiet Ġenerali u r-Relazzjonijiet Esterni tat-23 u l-24 ta’ Mejju 2005 dwar il-Miri tal-Millennju.

Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tas-16 u s-17 ta’ Ġunju 2005 fi Brussell.

Konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill tal-Affarijiet Ġenerali u r-Relazzjonijiet Esterni tat-18 ta’ Lulju 2005 dwar il-laqgħa għolja tan-NU.

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-12 ta' April 2005 bit-titolu “Il-Koerenza tal-Politika għall-Iżvilupp It-tħaffif tal-progress biex jinkisbu l-Għanijiet tal-Iżvilupp tal-Millennju” (COM(2005) 134 finali).

## KAPITOLU 21 06 — KOOPERAZZJONI ĠEOGRAFIKA MA’ STATI TAL-AFRIKA, IL-KARIBEW U L-PAĊIFIKU (*AKP*)

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 21 06 | Kooperazzjoni Ġeografika ma’ stati tal-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku (AKP) | | | | | | | | |
| ***21 06 02*** | ***Relazzjonijiet mal-Afrika t’Isfel*** | 4 | 128 611 000 | 135 000 000 | 127 869 000 | 137 456 498 | 140 549 527,00 | 139 743 594,83 | 103,51 % |
| ***21 06 03*** | ***Appoġġ ta' aġġustament għal pajjiżi tal-protokoll taz-zokkor*** | 4 | 177 000 000 | 141 000 000 | 174 824 444 | 130 000 000 | 196 920 986,96 | 136 312 033,99 | 96,68 % |
| ***21 06 04*** | ***Azzjoni ta’ riabilitazzjoni u rikostruzzjoni fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, partikolarment Stati AKP*** | 4 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | |
| ***21 06 05*** | ***Għajnuna għall-produtturi tal-banana AKP*** | 4 | p.m. | 12 700 000 | p.m. | 22 909 416 | 195 691,13 | 24 438 813,67 | 192,43 % |
| ***21 06 06*** | ***Attivitajiet ta’ Kooperazzjoni għajr Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (l-Afrika t’Isfel)*** | 4 | 3 000 000 | 1 500 000 | 2 000 000 | 954 559 | 0,— | 0,— | |
| ***21 06 07*** | ***Miżuri ta’ Akkumpanjament tal-Banana*** | 4 | 23 371 779 | 53 000 000 | 41 000 000 | 33 409 566 | 0,— | 0,— | |
| | **Kapitolu 21 06 — Total** | | **331 982 779** | **343 200 000** | **345 693 444** | **324 730 039** | **337 666 205,09** | **300 494 442,49** | **87,56 %** |

*Kummenti*

Għall-pajjiżi definiti bħala li jibbenefikaw mill-Assistenza Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) mill-Kumitat ta’ Għajnuna għall-Iżvilupp tal-OECD (DAC), fil-passat il-livell ta' 35 % tal-impenji annwali kienu allokati għall-infrastruttura soċjali, prinċipalment l-edukazzjoni u s-saħħa, iżda kien jinkludi wkoll assistenza makroekonomika ikkundizzjonata mis-settur soċjali, li kien jirrikonoxxi illi l-kontribut tal-Unjoni għandu jitqies bħala parti mill-appoġġ ġenerali ta’ donatur lis-setturi soċjali u li għandu jkun hemm ċertu livell ta’ flessibilita. Il-Kummissjoni se tkompli tirrapporta fuq dan il-livell:

Barra minn hekk, b'mod parallel mad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li tikkonċerna l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat 18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-iżvilupp (DCI) (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41), il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha sabiex tiżgura li livell ta’ 20 % tal-għajnuna allokata tagħha taħt programmi tal-pajjiżi koperti mill-DCI jkun allokat, sas-sena ta' reviżjoni 2009, għall-edukazzjoni bażika u saħħa bażika, permezz ta' proġetti, programmi jew appoġġ finanzjarju marbuta ma' dawn is-setturi, billi titties hed medja fuq l-oqsma kollha ġeografiċi u billi jingħata għarfien li normalment għandu jkun hemm livell ta’ flessibilita, bħal per eżempju fil-każ ta' għajnuna eċċezzjonali.

Kull sena qabel Lulju, il-Kummissjoni tipprovdi lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill rapport annwali dwar il-politika tal-iżvilupp u l-assistenza esterna tal-Unjoni, li jissodisfa l-ħtiġijiet kollha ta' rappurtar regolatorji tal-Kummissjoni u jagħti d-dettalji kollha dwar il-Kooperazzjoni tal-iżvilupp, speċjalment dwar sa fejn ikunu ntlaħqu l-objettivi. B'mod partikolari, ir-rapport għandu:

— iressaq l-għanijiet strateġiċi tal-politika ta' żvilupp tal-Unjoni u l-kontribuzzjoni tagħha lejn il-livell li qabel kien 35 % għall-infrastruttura u s-servizzi soċjali u l-livell kurrenti li qiegħed 20 % għall-edukazzjoni bażika u sekondarja u għas-saħħa bażika, fil-kuntest tal-Kooperazzjoni ġeografika taħt id-DCI, u jivvaluta l-effiċjenza u l-effikaċja tal-Kooperazzjoni, inkluż fil-progress imwettaq fil-koordinament tal-għajnuna, fit-titjib tal-koerenza tal-istrateġija tal-Unjoni fl-azzjonijiet esterni, u fl-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' bejn is-sessi, id-drittijiet tal-bniedem, il-prevenzjoni ta' kunflitti u l-ambjent,

— Jippreżenta r-riżultati prinċipali ta' rapporti ta' evalwazzjoni u ta' monitoraġġ, bħala indikazzjoni ta' kemm l-azzjonijiet qed jilħqu l-għanijiet tagħhom,

— Jagħmel sommarju tal-fatturi ewlenin u attivitajiet ta' Kooperazzjoni f'kull reġjun ġeografiku, u

— Jipprovdi informazzjoni finanzjarja dwar l-appoġġ mogħti lil kull settur, b'konformita mal-kriterji ta' rappurtar tal-OECD.

Ir-rapport għandu jkun fih ukoll informazzjoni dwar kif is-sostenn tal-baġit ikkontribwixxa għall-ksib tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju. Is-sostenn tal-baġit ikun jiddependi mill-wiri ta' kapaċità istituzzjonali suffiċjenti u mill-konformita ma' kriterji speċifiċi dwar il-kustodja u l-użu tal-fondi mill-pajjiż benefiċjarju. Il-kriterji jridu jkun dikjarati fir-rapport annwali, u l-konformita magħhom trid tkun valutata fir-rapport.

Wara li jkun tressaq ir-rapport, it-tliet istituzzjonijiet jitkellmu bejniethom dwar ir-riżultati u dwar jista' jsir aktar progress sabiex jintlaħqu l-għanijiet.

## *Artikolu 21 06 02 — Relazzjonijiet mal-Afrika t'Isfel*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 128 611 000 | 135 000 000 | 127 869 000 | 137 456 498 | 140 549 527,00 | 139 743 594,83 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija konformi mal-Ftehim dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni (TDCA) bejn l-Unjoni Ewropea u l-Afrika ta' Isfel u r-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

Il-programm huwa implimentat permezz tal-Karti tal-Istrateġija tal-Pajjiż (CSPs) u l-Programmi Indikattivi Multiannwali (MIPs) taħt it-TDCA fl-2007-2013 u huwa ffinanzjat mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-iffinanzjar ta' proġetti ta' Kooperazzjoni għall-żvilupp u programmi mal-Afrika t' Isfel, li jikkontribwixxu:

— għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali armonjuż u sostenibbli tal-Afrika t' Isfel permezz ta' programmi u miżuri mfassla għat-tnaqqis tal-faqar u l-inkoraġġament ta' tkabbir ekonomiku li jkun ta' benefiċċju għall-foqra,

— għat-tkomplija ta' integrazzjoni tagħha fl-ekonomija dinija,

— għall-konsolidament tal-pedamenti mifruxa għal soċjetà demokratika u stat tad-dritt fejn id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali huma rispettati bis-sħiħ,

— għat-titjib tas-servizzi soċjali u għal għajnuna fl-isforz biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju.

Il-programmi għandhom jiffokaw fuq il-ġlieda kontra l-faqar u biex jinkisbu l-Għanijiet tal-Millennju għall-Iżvilupp, fid-dawl tal-bżonnijiet ta' komunitajiet li qabel kienu żvantaġġati u jintegraw dimensjonijiet tal-kwistjonijiet bejn is-sessi u ambjentali. Għandha tingħata attenzjoni għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet istituzzjonali.

Il-kooperazzjoni għall-iżvilupp tiffoka l-aktar fuq:

— tisħiħ tal-kapaċità u appoġġ għat-twassil tas-servizzi lill-fqar (inkluż saħħa, HIV/AIDS, edukazzjoni, djar, infrastrutturi bħall-ilma u sanità, enerġija sostenibbli, komunikazzjoni, kif ukoll riformi fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi fil-livelli kollha tal-gvern, bini ta' kapaċitajiet u monitoraġġ u valutazzjoni msaħħin),

— appoġġ għat-tkabbir sostenibbli, b'iffokar speċifiku fuq il-ġenerazzjoni tal-impjiegi (li jindirizza kwistjonijiet kemm ta' domanda għax-xogħol kif ukoll ta' forniment, bħal ħiliet ta' żvilupp), notevolment fil-qasam tal-adattament u l-mitigazzjoni tal-bidla fil-

klima, u b'mod ġenerali l-ekonomija ekoloġika,

- appoġġ għall-governanza (kemm fil-qasam pubbliku kif ukoll dak li mhux),
- appoġġ reġjonali u Pan-Afrikan (inkluż kontribuzzjonijiet għal azzjonijiet li jippromwovu l-paċi u s-sigurtà, programmi fi ħdan l-AKP għax-xjenza u t-teknoloġija u l-mobbiltà akkademika, kif ukoll appoġġ għall-interkonnessjoni reġjonali permezz tal-infrastruttura u l-iżvilupp tal-kummerċ.

Minħabba l-isfidi ambjentali tal-Afrika t'Isfel u r-rwol tal-pajjiż bħala fit-12-il post fost il-pajjiżi li l-aktar jarmu gass b'effett serra fid-dinja, il-kooperazzjoni fl-iżvilupp tinkludi żieda fl-iffokar fuq il-ħarsien ambjentali u miżuri relatati mal-bidla fil-klima.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji mingħand l-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħrajn, inklużi fiż-żewġ każi l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew mingħand organizzazzjonijiet internazzjonali għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterni ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, skont l-Att bażiku rilevanti, jista' jagħti lok għal għoti ta' approprjazzjonijiet ulterjuri. Dawn il-kontribuzzjonijiet taħt l-Artikolu 6.3.3 tar-rendikont tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta’ appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

L-approprjazzjonijiet taħt dan l-artikolu huma suġġetti għal evalwazzjonijiet kif stabbilit mill-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006. Dawn l-evalwazzjonijiet se jinkludu aspetti ta' attivitajiet ta' input u tal-katina tar-riżultati (output, outcome, impact). Ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet għandhom jintużaw fil-formulazzjoni ta' miżuri li jiġu wara li jkunu ffinanzjati minn dawn l-approprjazzjonijiet.

Fejn l-għajnuna tingħata permezz ta' appoġġ mill-baġit, il-Kummissjoni għandha tappoġġa l-isforzi ta' pajjiżi msieħba biex jiġu żviluppati s-sorveljanza parlamentari u l-kapaċitajiet ta' verifika u t-trasparenza, skont l-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

## *Artikolu 21 06 03 — Appoġġ ta' aġġustament għal pajjiżi tal-protokoll taz-zokkor*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 177 000 000 | 141 000 000 | 174 824 444 | 130 000 000 | 196 920 986,96 | 136 312 033,99 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri mezzi li jappoġġjaw fil-pajjiżi tal-*AKP* l-aġġustament li kellu jsir bir-riforma tal-organizzazzjon komuni tas-suq taz-zokkor.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji mingħand l-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħrajn, inklużi fiż-żewġ każi l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew mingħand organizzazzjonijiet internazzjonali għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterni ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, skont l-Att rilevanti ta' bażi, jista' jagħti lok għal għoti ta' approprjazzjonijiet ulterjuri. Dawn il-kontribuzzjonijiet taħt l-Artikolu 6.3.3 tar-rendikont tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(aa), tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta’ appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

L-approprjazzjonijiet taħt dan l-artikolu huma suġġetti għal evalwazzjonijiet kif stabbilit mill-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006. Dawn l-evalwazzjonijiet se jinkludu aspetti ta' attivitajiet ta' input u tal-katina tar-riżultati (output, outcome, impact). Ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet għandhom jintużaw fil-formulazzjoni ta' miżuri li jiġu wara li jkunu ffinanzjati minn dawn l-approprjazzjonijiet.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni tal-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

### *Artikolu 21 06 04 — Azzjoni ta' riabilitazzjoni u rikostruzzjoni fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, partikolarment Stati AKP*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri miżuri biex jinbeda ritorn għall-ħajja normali għan-nies fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, partikolarment l-Istati AKP, wara sitwazzjonijiet kritiċi li joħorġu mid-disastri naturali, kunflitti vjolenti jew kriżijiet oħra.

Din tkopri wkoll effetti kollaterali ta' dawn is-sitwazzjonijiet kritiċi fil-pajjiżi ġirien tal-AKP bħar-Repubblika Dominkana fil-każ ta' terremot f'Ħaiti..

Tkopri, b'mod partikolari, l-operazzjonijiet li ġejjin:

— it-tnedija tal-produzzjoni fuq bażi durevoli,

— ir-riabilitazzjoni fiżika u operattiva tal-infrastruttura bażika, inkluż, it-tneħħija tal-mini,

— rikonċiljazzjoni ċivili permezz ta' miżuri mhux strutturati f oċjetajiet li keinu vittmi ta' kunflitt vjolenti,

— ir-reintegrazzjoni soċjali, b'mod partikolari tar-refuġjati, persuni spostati u t-truppi demobilizzati,

— ir-restawr ta' kapaċitajiet istituzzjonali metieġa fil-perjodu ta' riabilitazzjoni, speċjalment fil-livell lokali,

— għajnuna għall-ħtiġijiet tat-tfal, partikolarment riabilitazzjoni tat-tfal affettwati bil-gwerra, inkluż suldati tfal,

— tkabbir tal-għarfien tal-perikoli li jinqalgħu mid-diżastri naturali u tal-miżuri disinjati biex ikunu evitati jew biex ikunu evitati jew imnaqqsa l-konsegwenzi tagħhom,

— appoġġ għall-persuni b'disabilita u organizzazzjonijiet ta' persuni b'disabilita għat-tkattir tad-drittijiet tal-bniedem tagħhom biex ikun żgurat li persuni anzjani jibbenefikaw mill-għajnuna għad-disastri u interventi ta' rikostruzzjoni u li tingħata biżżejjed attenzjoni għar-riċerka u l-ġbir ta' data diżaggregata skont l-età għall-appoġġ tal-programmazzjoni u l-politiki.

Tkopri wkoll l-edukazzjoni għat-tfal affettwati bil-gwerra jew id-disastri naturali.

B'mod partikolari, l-operazzjonijiet għandhom ikopru programmi u proġetti implimentati minn organizzazzjonijiet tal-iżvilupp mhux governattivi u atturi oħra tas-soċjetà ċivili li jiffavorixxu l-parteċipazzjoni tal-popolazzjoni benefiċjarja f'kull livell tal-proċess ta' meta jittieħdu d-deċiżjonijiet u tal-implimentazzjoni.

Parti minn dawn il-fondi huma wżati għal azzjonijiet sabiex jikkontrollaw u jneħħu Mini tal-Art kontra l-Persunal (APL), Fdalijiet Splussivi tal-Gwerra (ERW) u Armi Żgħar u Armamenti Ħfief illegali (SALW).

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji mingħand l-Istati Membri u pajjiżi donaturi oħrajn, inklużi fiż-żewġ każi l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom, jew mingħand organizzazzjonijiet internazzjonali għal ċerti proġetti jew programmi ta' għajnuna esterni ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni f'isimhom, skont l-Att rilevanti ta' bażi, jista' jagħti lok għal għoti ta' approprjazzjonijiet ulterjuri. Dawn il-kontribuzzjonijiet taħt l-Artikolu 6.3.3 tar-rendikont tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operattiv b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Fejn l-għajnuna tingħata permezz ta' appoġġ mill-baġit, il-Kummissjoni għandha tappoġġa l-isforzi ta' pajjiżi msieħba biex jiġu żviluppati s-sorveljanza parlamentari u l-kapaċitajiet ta' verifika u t-trasparenza, skont l-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni tal-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

## *Artikolu 21 06 05 — Għajnuna għall-produtturi tal-banana AKP*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 12 700 000 | p.m. | 22 909 416 | 195 691,13 | 24 438 813,67 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tippermetti li jinqdew l-impenji li jkunu saru fil-kuntest ta' għajnuna teknika u appoġġ għad-dħul għall-produtturi tal-*AKP* wara l-introduzzjoni tal-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-banana.

Maħsuba wkoll biex tappoġġ il-bini ta' kapaċitajiet fi Stati produtturi *AKP* biex ikunu megħjuna jintegraw aħjar fis-sistema tal-kummerċ multilaterali, inkluż it-titjib tal-abilità tagħhom li jipparteċipaw fid-WTO.

A kariku wkoll ta' dan l-artikolu huwa programm ta' għajnuna maħsub biex jgħin il-produtturi tal-banana *AKP* jadattaw għall-kondizzjonijiet ġodda tas-suq miġjuba mill-bidliet fl-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-banana.

L-approprjazzjonijiet taħt dan l-artikolu huma suġġetti għal evalwazzjonijiet kif stabbilit mill-Artikolu 33 tar- Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat 18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41). Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jinkludu aspetti ta' attivitajiet ta'input u tal-katina tar-riżultati (output, outcome, impact). Ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet għandhom jintużaw fil-formulazzjoni ta' iżuri li jiġu wara li jkunu ffinanzjati minn dawn l-approprijazzjonijiet.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 856/1999 tat-22 April 1999 li jwaqqaf sistema speċjali ta' għajnuna għall-fornituri tradizzjonali tal-banana tal-*AKP* (ĠU L 108, 27.4.1999, p. 2).

## *Artikolu 21 06 06 — Attivitajiet ta' Kooperazzjoni għajr Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (l-Afrika t'Isfel)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 3 000 000 | 1 500 000 | 2 000 000 | 954 559 | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tappoġġja attivitajiet, li jmorru lil hinn mill-koperazzjoni għall-iżvilupp, immirati lejn l-involviment ma' sħab bi strutturi u valuri politiċi, ekonomiċi u istituzzjonali simili għall-Unjoni u li huma msieħba u atturi bilaterali importanti f'fora multilaterali u fil-governanza globali.

B'mod speċifiku, din l-allokazzjoni tinkludi ffinanzjar għall-mobbiltà akkademika tal-Unjoni lejn l-Afrika t'Isfel.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 1338/2011 tal-Parlament Ewripopew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1934/2006 tal- 21 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi u territorji industrijalizzati u oħrajn bi dħul għoli. (ĠU L 347, 30.12.2011, p. 21).

## *Artikolu 21 06 07 — Miżuri ta' Akkumpanjament tal-Banana*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 23 371 779 | 53 000 000 | 41 000 000 | 33 409 566 | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni jkollha l-għan li tkopri miżuri għall-appoġġ tal-aġġustament fil-pajjiżi ewlenin tal-AKP li jesportaw il-banana

fil-kuntest ta' arranġamenti tal-kummerċ li qed jinbidlu, notevolment bħala konsegwenza tal-liberalizzazzjoni ta' Nazzjon l-Aktar Preferut (MFN) fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (id-WTO), filwaqt li nistennew li jintlaħaq ftehim finali bejn iż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja fuq il-finanzjament multiannwali ta’ dawn il-miżuri permezz tal-mezzi kollha pprovduti fil- Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba tas-17 ta’ Mejju 2006, b’mod partikolari l-punti 21, 22, 23 u 27 tiegħu (ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1).

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni tal-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

## KAPITOLU 21 07 — PROĠETTI TA’ KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP U PROGRAMMI *AD HOC*

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 21 07 | proġetti ta’ kooperazzjoni għall-iżvilupp u programmi ad hoc | | | | | | | | |
| ***21 07 01*** | ***Ftehimiet ta’ assoċjazzjoni ma’ pajjiżi u territorji barra mill-Ewropa*** | 4 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | |
Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Istrument għall-Għajnuna ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

## *Artikolu 22 02 05 — Tlestija ta’ assistenza ta’ qabel*

*Kummenti*

Bl-introduzzjoni tal-IPA fl-1 ta’ Jannar 2007 kif ukoll bl-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-istess data, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-likwidazzjoni tal-impenji kkuntrattati qabel taħt l-għajnuna ta’ qabel l-adeżjoni u l-għajnuna CARDS.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tintuża, b’rispett xieraq għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju, għal operazzjonijiet imwettqa minn esperti voluntiera għolja mill-Unjoni li jaqgħu taħt l-ESSN, inkużi assistenza teknika, servizzi konsultattivi u taħriġ f’intrapriżi magħżula mis-settur pubbliku jew privat.

### Partita 22 02 05 01 — Tlestija tal-assistenza ta’ qabel is-sħubija Phare

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | p.m. | — | p.m. | 45 602,66 | 132 683,31 |

*Kummenti*

Bl-introduzzjoni tal-IPA fl-1 ta’ Jannar 2007 kif ukoll bl-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-istess data, din il-Partita hija maħsuba biex tkopri l-likwidazzjoni tal-impenji kkuntrattati qabel taħt l-għajnuna ta’ qabel l-adeżjoni PHARE għal dawk il-pajjiżi, l-Istati Membri li aderew mal-Unjoni fl-2004 u l-pajjiżi kandidati ta' bħalissa.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tintuża, b’rispett xieraq għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju, għal operazzjonijiet imwettqa minn esperti voluntiera għolja mill-Unjoni li jaqgħu taħt l-ESSN, inkużi assistenza teknika, servizzi konsultattivi u taħriġ f’intrapriżi magħżula mis-settur pubbliku jew privat.

*Bażi ġuridika*

Ir- Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3906/89 tat-18 ta’ Diċembru 1989 dwar għajnuna ekonomika lil ċerti pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant (ĠU L 375, 23.12.1989, p. 11).

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta’ Lulju 2006 li jistabbilixxi Istrument għall-Għajnuna ta’ Qabel l-Adeżjoni (IPA) (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

### Partita 22 02 05 02 — Tlestija tal-għajnuna CARDS

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 2 000 000 | p.m. | 4 118 922 | 23 786,44 | 29 774 678,17 |

*Kummenti*

Bl-introduzzjoni tal-Istrument għall-Għajnuna ta’ Qabel l-Adeżjoni —(IPA) fl-1 ta’ Jannar 2007, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji kkuntrattati qabel taħt l-għajnuna CARDS għall-Balkani tal-Punent.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tintuża, b’rispett xieraq għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju, għal operazzjonijiet imwettqa minn esperti voluntiera għolja mill-Unjoni li jaqgħu taħt l-ESSN, inkużi assistenza teknika, servizzi konsultattivi u taħriġ f’intrapriżi magħżula mis-settur pubbliku jew privat.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill(KE) Nru 2666/2000 tal-5 ta’ Diċembru 2000 fuq l-għajnuna għall-Albanija, il-Bosnja-Ħerzegovina, il-Kroazja, ir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja u Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (ĠU L 306, 7.12.2000, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta’ Lulju 2006 li jistabbilixxi Istrument għall-Għajnuna ta’ Qabel l-Adeżjoni (IPA) (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

Partita 22 02 05 03 — Tlestija tal-kooperazzjoni preċedenti mat-Turkija

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 53 847,08 | 53 847,08 |

*Kummenti*

Bl-introduzzjoni tal-IPA fl-1 ta’ Jannar 2007, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-likwidazzjoni tal-impenji kkuntrattati qabel taħt l-għajnuna ta’ qabel l-adeżjoni lit-Turkija.

Id-dħul eventwali li jkun ġej mill-kontribuzzjonijiet ta’ terzi mdaħħla fil-partita 5 2 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jagħtu lok għall-ftuħ ta’ approprjazzjonijiet supplimentari li għandhom jiddaħħlu f’din il-partita skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1488/96 tat-23 ta’ Lulju 1996 dwar miżuri finanzjarji u tekniċi biex jakkumpanjaw (MEDA) ir-riforma tal-istrutturi ekonomiċi u soċjali fil-qafas tas-sħubija Ewro-Mediterranja (ĠU L 189, 30.7.1996, p. 1).

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 764/2000 tal-10 ta’ April, 2000, dwar l-implimentazzjoni ta’ miżuri biex tissaħħaħ aktar l-għaqda doganali bejn il-KE u t-Turkija (ĠU L 94, 14.4.2000, p. 6).

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2500/2001 tas-17 ta’ Diċembru 2001 li jikkonċerna għajnuna finanzjarja ta’ qabel is-sħubija għat-Turkija (ĠU L 342, 27.12.2001, p. 1).

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta’ Lulju 2006 li jistabbilixxi Istrument għall-Għajnuna ta’ Qabel l-Adeżjoni (IPA) (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

Partita 22 02 05 04 — Tlestija tal-kooperazzjoni ma’ Malta u Ċipru

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | — | — | — | 24 476,85 | 24 476,85 |

*Kummenti*

Bl-adeżjoni ta’ Ċipru u Malta fl-Unjoni fl-2004, dan il-punt maħsub biex ikopri l-istralċ ta’ impenji kkuntrattati qabel fl-Artikoli B7-0 4 0, B7-0 4 1, B7-4 1 0 (parzjali) u fil-Partiti B7-4 0 1 0 u B7-4 0 1 1 għal dawk il-pajjiżi.

Id-dħul eventwali li jkun ġej mill-kontribuzzjonijiet ta’ terzi mdaħħla fil-partita 5 2 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jagħtu lok għall-ftuħ ta’ approprjazzjonijiet supplimentari li għandhom jiddaħħlu f’din il-partita skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 555/2000 tat-13 ta’ Marzu 2000 dwar l-implimentazzjoni ta’ operazzjonijiet fi ħdan il-qafas ta’ strateġija ta’ qabel l-adeżjoni għar-Repubblika ta’ Ċipru u r-Repubblika ta’ Malta (ĠU L 68, 16.3.2000, p. 3).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta’ Lulju 2006 li jistabbilixxi Istrument għall-Għajnuna ta’ Qabel l-Adeżjoni (IPA) (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

Partita 22 02 05 05 — Tkomplija tal-Azzjonijiet ta’ tħejjija li jikkonċernaw l-impatt tat-tkabbir f’reġjuni tal-fruntiera tal-Unjoni

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-likwidazzjoni tal-impenji kkuntrattati qabel taħt l-Artikolu ta' 'l-impatt tat-tkabbir f'reġjunijiet tal-fruntiera tal-Unjoni.' Dawn l-approprjazzjonijiet jistgħu jagħtu lok għal impenji li jiġu minn Impenji legali relatati mal-għeluq tal-proġetti (bħal pagamenti legali, penali għal ħlasijiet tard, regolarizzazzjonijiet, eċċ).

*Bażi ġuridika*

Azzjonijiet ta' tħejjija fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## Partita 22 02 05 09 — Tlestija tal-faċilità ta' Tranżizzjoni għall-Istati Membri ġodda

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | — | p.m. | 0,— | 6 052 866,39 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri t-tneħħija tal-impenji li kienu kkuntrattati qabel taħt l-għajnuna għall-faċilità ta' tranżizzjoni għall-Istati Membri ġodda.

L-iskop tal-faċilità tat-tranżizzjoni huwa li jkunu megħjuna l-Istati Membri ġodda fl-isforzi tagħhom li jsaħħu l-kapaċità amminsitrattiva tagħhom għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u biex jitrawwem l-iskambju tal-aħjar prattika.

Il-faċilità ta' tranżizzjoni għall-għaxar Stati Membri l-ġodda li ssieħbu fl-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004 kienet operattiva bejn l-2004 u l-2006. Fl-Att ta' Adeżjoni tal-2005 tal-Bulgarija u r-Rumanija ġiet stipulata faċilità ta' tranżizzjoni oħra li għandha ddum sa sena wara l-adeżjoni tagħhom fl-Unjoni.

*Bażi ġuridika*

Il-ħidma li tirriżulta mill-poteri speċifiċi assenjati direttament lill-Kummissjoni permezz tal-Artikolu 34 tal-Att ta' Adeżjoni tas-116 ta' April 2003 u l-Artikolu 31 tat-Titolu III tal-Att ta' Adeżjoni tal-25 ta' April 2005.

## Partita 22 02 05 10 — Tlestija ta' azzjonijiet dwar Assistenza Teknika u l-Iskambju ta' Informazzjoni (TAIEX) rigward il-faċilità tranżitorja

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | — | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri għajnuna teknika fil-qasam tal-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni għall-*acquis* tal-Unjoni kollu, bl-għajnuna tal-korpi kollha involuti fl-implimentazzjoni u l-infurzar tal-acquis, inkluż organizzazzjonijiet mhux governattivi biex jilħqu l-għanijiet tagħhom u għal monitoraġġ tar-rata tagħhom ta' suċċess.

L-għan huwa li tingħata kemm jista' jkun malajr għajnuna fi żmien qasir permezz ta' seminars, gruppi ta' ħidma, żjarat ta' studju u żjarat tal-esperti, arranġamenti ta' taħriġ, forniment ta' għodod u prodotti, l-aktar għall-ġbir u t-tixrid tal-informazzjoni, traduzzjoni/interpretazzjoni, kif ukoll kull forom oħra ta' għajnuna teknika fil-kuntest tal-approssimazzjoni tal-*acquis* tal-Unjoni.

Il-firxa ta' benefiċjarji tinkludi rappreżentanti mill-korpi kollha tas-settur pubbliku u semi-pubbliku bħal amministrazzjonijiet nazzjonali, Parlamenti, kunsilli leġiżlattivi, gvernijiet reġjonali, awtoritajiet regolatorji u superviżorji, kif ukoll dawk minn imsieħba soċjali u rappreżentanti tal-gruppi kummerċjali, professjonali u ekonomiċi li huma involuti fit-traspożizzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-*acquis* tal-Unjoni.

*Bażi ġuridika*

Il-ħidma li tirriżulta mill-poteri speċifiċi assenjati direttament lill-Kummissjoni permezz tal-Artikolu 34 tal-Att ta' Adeżjoni tas-116

ta' April 2003 u l-Artikolu 31 tat-Titolu III tal-Att ta' Adeżjoni tal-25 ta' April 2005.

## *Artikolu 22 02 06 — Il-faċilità għal Assistenza Teknika u Skambju ta' Tagħrif (TAIEX) għal qabel l-adeżjoni*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 12 000 000 | 9 827 000 | 12 000 000 | 10 500 149 | 12 000 000,00 | 7 881 477,27 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-għajnuna teknika f'pajjiżi kandidati jew li huma kandidati potenzjali kif ukoll f'pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (ENP) u fil-qasam tal-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni għall-acquis tal-Unjoni kollu, bl-għajnuna tal-korpi kollha involuti fl-implimentazzjoni u l-infurzar tal-acquis, inkluż organizzazzjonijiet mhux governattivi biex jilħqu l-għanijiet tagħhom u għal monitoraġġ tar-rata tagħhom ta' suċċess.

L-għan huwa biex ikun provdut kemm jista' jkun malajr għajnuna f'terminu qasir permezz ta' *seminars*, *workshops*, żjarat għall-istudju u żjarat tal-esperti, arranġamenti tat-taħriġ, fornitura ta' għodod u prodotti, senjatament għall-għbir u t-tixrid tal-informazzjoni, traduzzjoni/interpretazzjoni, kif ukoll kull forma oħra ta' għajnuna teknika fil-kuntest tal-approssimazzjoni tal-*acquis* tal-Unjoni.

Il-firxa ta' benefiċjarji tinkludi rappreżentanti mill-korpi kollha tas-settur pubbliku u semi-pubbliku bħal amministrazzjonijiet nazzjonali, Parlamenti, kunsilli leġiżlattivi, gvernijiet reġjonali, awtoritajiet regolatorji u superviżorji, kif ukoll dawk minn imsieħba soċjali u rappreżentanti tal-gruppi kummerċjali, professjonali u ekonomiċi u atturi oħra tas-soċjeta ċivili li huma involuti jew għandhom rwol fit-traspożizzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-*acquis* tal-Unjoni.

*Bażi ġuridika*

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Istrument għall-Għajnuna ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

## *Artikolu 22 02 07 — Programmi reġjonali, orizzontali u* **ad hoc**

### Partita 22 02 07 01 — Programmi reġjonali u orizzontali

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 142 566 299 | 148 907 000 | 146 656 613 | 138 263 100 | 181 749 637,50 | 132 502 880,79 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament tal-programmi reġjonali u multi-benefiċjajri ta' qabel l-adeżjoni għall-kandidati kollha u l-pajjiżi kandidati potenzjali.

Id-dħul eventwali li jkun ġej mill-kontribuzzjonijiet ta' terzi mdaħħla fil-partita 5 2 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jagħtu lok għall-ftuħ ta' approprjazzjonijiet supplimentari li għandhom jiddaħħlu f'din il-partita skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Istrument għall-Għajnuna ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

Partita 22 02 07 02 — Evalwazzjoni tar-riżultati ta’ għajnuna mill-Unjoni, miżuri ta’ segwitu u ta’ verifika

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 3 500 000 | 3 944 000 | 3 590 000 | 4 215 333 | 3 650 000,00 | 5 016 516,91 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-finanzjament tal-valutazzjonijiet, il-verifika, il-monitoraġġ matul l-ipprogrammar, l-implimentazzjoni, il-valutazzjoni u l-istadji tal-għeluq tal-proġetti kemm għall-IPA u kemm għall-istrumenti finanzjarji ta’ qabel l-adeżjoni.

*Bażi ġuridika*

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta’ Lulju 2006 li jistabbilixxi Istrument għall-Għajnuna ta’ Qabel l-Adeżjoni (IPA) (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

Partita 22 02 07 03 — Għajnuna finanzjarja biex jiġi stimulat l-iżvilupp ekonomiku tal-Komunità Torka f’Ċipru

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 28 000 000 | 14 433 000 | 28 000 000 | 48 017 182 | 28 003 053,60 | 49 982 341,58 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni għandha l-għan li tkopri l-għajnuna finanzjarja meħtieġa biex jitħeġġeġ l-iżvilupp ekonomiku tal-komunità Torka-Ċiprijotta, sabiex jinżammu u jittejbu r-riżultati miksuba permezz ta' assistenza tal-Unjoni li ngħatat preċedentement. L-għajnuna għandha tiffoka b’mod partikolari fuq l-integrazzjoni ekonomika tal-gżira u fuq it-titjib tal-kuntatti bejn iż-żewġ komunitajiet u mal-Unjoni sabiex titħaffef ir-riunifikazzjoni ta’ Ċipru.

L-għajnuna tista’ tintuża biex jiġu appoġġjati:

— il-promozzjoni tal-iżvilupp soċjali u ekonomiku, b’mod partikolari fejn jirrigwarda l-iżvilupp rurali, l-iżvilupp tar-riżorsi umani u l-iżvilupp reġjonali,

— l-iżvilupp u r-ristrutturar tal-infrastruttura,

— ir-rikonċiljazzjoni, il-miżuri li jkabbru l-fiduċja, u s-sostenn lis-soċjetà ċivili,

— il-proċess li jressaq il-komunità Torka f’Ċipru aktar viċin l-Unjoni, permezz *inter alia* ta’ tagħrif dwar l-ordni politiku u legali tal-Unjoni, il-promozzjoni ta’ skambji bejn iż-żgħażagħ u boroż ta’ studju,

— l-allinjament progressiv mal-*acquis* tal-Unjoni u l-preparazzjoni għall-implimentazzjoni tiegħu.

— l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Kumitat Tekniku bikomunali għall-Wirt Kulturali, inklużi proġetti tal-minoranzi.

— it-tkomplija tal-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni u l-aċċellerazzjoni tal-ħidma tal-Kumitat dwar il-Persuni Neqsin

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri n-nefqa amministrattiva meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-programm bħal:

— nefqa għal għajnuna teknika u amministrattiva li l-Kummissjoni tista’ tiddelega lil aġenzija ta’ implimentazzjoni regolata bil-liġi tal-Unjoni,

— nefqa għal għajnuna teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta’ awtorità pubblika mogħtija ’il barra mill-Kummissjoni skont kuntratti ta’ servizz *ad hoc* għall-benefiċċju reċiproku tal-benefiċjarji u l-Kummissjoni,

— nefqa fuq studji, laqgħat tal-esperti, tagħrif u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mat-twettiq tal-għan tal-programm.

B’mod partikolari, l-approprijazzjonijiet għandhom jintużaw biex jingħata appoġġ lir-riżultati tal-ħidma, tal-forniment u tal-għotjiet li huma ffinanzjati minn allokazzjonijiet preċedenti. Barra minn hekk, se jibqa’ jkun hemm skemi ta’ għotjiet maħsuba għal varjetà kbira ta' benefiċjarji fis-soċjetà ċivili tal-komunità: organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs), studenti u għalliema, skejjel, bdiewa, irħula żgħar u s-settur privat. Dawn l-attivitajiet huma mmexxija mir-riunifikazzjoni. Għandha tingħata prijorità, fejn dan

ikun possibbli, lill-proġetti ta' rikonċiljazzjoni li joħolqu konnessjonijiet bejn iż-żewġ komunitajiet u jibnu l-fiduċja. Dawn il-miżuri jenfasizzaw ix-xewqa qawwija u l-impenn tal-Unjoni biex ikun hemm ftehim u riunifikazzjoni ta' Ċipru.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 389/2006 tas-27 ta' Frar 2006 dwar l-istabbiliment ta' strument ta' għajnuna finanzjarja biex jinkuraġġixxi l-iżvilupp ekonomiku fil-komunità Turko-Ċiprijotta (ĠU L 65, 7.3.2006, p. 5).

## *Artikolu 22 02 08 — Proġett pilota — Il-preservazzjoni u r-restawr tal-wirt kulturali f'żoni ta' konflitt*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 932 000 | p.m. | 240 000 | 0,— | 1 042 462,24 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni tintuża għall-appoġġ ta' organizzazzjonijiet mhux bi profitt (bħall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-livell lokali u dak internazzjonali u l-istituzzjonijiet pubbliċi) fit-twettiq ta' preservazzjoni sostenibbli, ristawr u żvilupp ta' siti li jikkonċernaw oġġetti kulturali ta' valur (knejjes, moskej, libreriji, mużewijiet, monumenti eċċ.) f'pajjiżi kandidati u f'pajjiżi li huma potenzjalment kandidati.

Fejn ikun possibbli, għandha tingħata attenzjoni partikolari għal proġetti li jappoġġjaw il-proċessi ta' bini ta' kunfidenza billi jiġu involuti gruppi etniċi u reliġjużi differenti fi proġetti konġunti, kif ukoll il-bini ta' kompetenza u l-ħolqien ta' għarfien fil-livelli lokali u nazzjonali.

Fil-ġejjieni, esperjenza miksuba skont dan il-proġett pilota tista' sservi wkoll biex tiżviluppa bażi legali permanenti u approċċ usa għall-preservazzjoni u r-ristawr ta' wirt kulturali fiz-zoni ta' konflitt f'reġjuni ġeografiċi oħra.

Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Marzu 2007 dwar il-ġejjieni tal-Kosovo u l-irwol tal-UE (ĠU C 27 E, 31.1.2008, p. 207) qalet li ftehim fuq il-Kosovo għandu jkopri 'il-protezzjoni tal-postijiet kulturali u reliġjużi kollha.'

Numru kbir ta' bini mġarraf fil-Balkani għadu hemm bħala tifkira fiżika ta' kunflitti preċedenti, filwaqt li joħloq nuqqas ta' fiduċja. Gruppi etniċi differenti u awtoritajiet lokali llum jitqabbdu minn organizzazzjonijiet mhux governattivi fi proġetti kunġunti ta' restawr, u b'hekk jippromwovu r-rispett għall-valuri kulturali tal-oħrajn, imma m'hemmx fondi mill-Unjoni disponibbli. Il-programm IPA ikopri b'mod wiesa' "r-rikostruzzjoni" u l-"kooperazzjoni bejn il-komunitajiet" imma ma jagħmilx referenza speċifika għar-ristawr tal-wirt kulturali.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 22 02 09 — Azzjoni ta' tħejjija — Preservazzjoni u r-restawr tal-wirt kulturali f'żoni ta' konflitt*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | 3 000 000 | 2 000 000 | 500 000,00 | 652 457,61 |

*Kummenti*

Dawn l-approprjazzjonijiet se jintużaw biex jiġu appoġġati proġetti ta' preservazzjoni u ta' restawr ta' oġġetti kulturali u reliġjużi prezzjużi (knejjes, moskej, libreriji, mużewijiet, monumenti, eċċ.) li jkunu ġarrbu ħsara jew inqerdu minħabba l-gwerer jew konflitti politiċi oħra, fil-Balkani tal-Punent. L-approprijazzjonijiet jistgħu jintużaw biex ikunu ta' appoġġ għal organizzazzjonijiet pubbliċi u kif ukoll NGOs li jwettqu proġetti f'dan il-qasam. F'dan il-kuntest, madankollu, huwa importanti li jintgħaraf l-irwol ewlieni li l-NGOs ta' spiss ikollhom f'dawn il-proġetti ta' preservazzjoni u ta' restawr.

Għandha tingħata attenzjoni partikolari lil proġetti li jappoġġaw il-proċess tal-bini ta' fiduċja permezz tal-involviment ta' gruppi etniċi u reliġjużi differenti, biex dawn jieħdu sehem fi proġetti konġunti u li jappoġġaw edukazzjoni u żvilupp lokali tal-għarfien u

kapaċijiet ta' kwalità għolja relatati mar-restawr.

L-aħjar prattika b'rabta mar-restawr għandha sservi bħala linja gwida meta jintgħażlu oġġetti, u fl-għażla u l-valutazzjoni ta' proposti u ta' kuntratturi għandhom jitħallew jipparteċipaw esperti fil-qasam tar-restawr.

Esperjenzi mill-Proġett Pilota tal-2008/2009 u mill-azzjoni preparatorja tal-2010-2011 għandhom issa jservu biex jiġi żviluppat approċċ aktar wiesgħa għall-preservazzjoni u r-restawr tal-wirt kulturali f'zoni ta' kunflitt sew fil-Balkani tal-Punent u sew f'zoni ġeografiċi oħrajn.

L-għan ta' din l-azzjoni preparatorja hu li sservi ta' bażi għall-integrazzjoni tal-preservazzjoni u tar-restawr ta' wirt kulturali f'żoni ta' kunflitt fi strumenti finanzjarji eżistenti u mhux biss fi programm IPA (għall-Balkani tal-Punent, it-Turkija eċċ.) iżda ukoll il-programmi ENPI (il-lvant nofsani, l-Afrika ta' Fuq eċċ.).

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 22 02 10 — Informazzjoni u komunikazzjoni*

### Partita 22 02 10 01 — Prince — Informazzjoni u komunikazzjoni

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 5 000 000 | 6 410 000 | 5 000 000 | 4 416 745 | 5 000 000,00 | 4 226 209,19 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-iffinanzjar ta' informazzjoni prijoritarja u miżuri ta' komunikazzjoni dwar it-tkabbir, prinċipalment fir-rigward tal-Istati Membri, inklużi l-azzjonijiet ta' valutazzjoni.

L-ammont tal-approprjazzjonijiet proposti jirrifletti l-prijoritajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni taħt l-iskeda tat-tkabbir. L-iskop tal-istrateġija ta' informazzjoni u komunikazzjoni huwa sabiex jippromwovi l-appoġġ għall-adeżjoni u jkun sensibilizzat il-pubbliku madwar l-Ewropa dwar it-tkabbir tal-Unjoni, iżda speċjalment f'dawk il-pajjiżi mmirati fejn l-opinjoni pubblika hija iktar sensittiva għat-tkabbir fil-futur.

L-approprijazzjonijiet se jiffinanzjaw azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni dwar politiki prijoritarji tal-Unjoni bħal: djalogu effettiv dwar it-tkabbir u l-preadeżjoni bejn iċ-ċittadini tal-Unjoni u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, billi jitqiesu l-ispeċifiċità u l-ħtiġiet għall-informazzjoni ta' kull pajjiż; dibattitu infurmat fost l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u ċ-ċittadini tal-Unjoni u dawk tal-pajjiżi kandidati u u dawk li huma kandidati potenzjali dwar it-tkabbir u l-preadeżjoni; informazzjoni lill-ġurnalisti u multiplikaturi oħra dwar il-proċess ta' tkabbir; il-kummissjonament ta' studji u ta' sħarriġ ta' opinjoni, żvilupp u aġġornament ta' websajts magħmula apposta; tħejjija ta' materjal miktub u awdjoviżiv; organizzazzjoni ta' avveniment pubbliċi kif ukoll konferenzi u seminarji, u evalwazzjoni ta' programm ta' informazzjoni.

Il-Kummissjoni, fl-implimentazzjoni ta' din il-linja baġitarja, għandha tqis sew ir-riżultati tal-laqgħat tal-Grupp Interistituzzjonali dwar l-Informazzjoni (IGI).

*Bażi ġuridika*

Ħidma ġejja mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali, kif provdut fl-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 fir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

Partita 22 02 10 02 — Informazzjoni u komunikazzjoni għal pajjiżi terzi

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 10 000 000 | 8 756 000 | 10 000 000 | 5 438 123 | 11 000 000,00 | 7 393 720,73 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-iffinanzjar ta' informazzjoni prijoritarja u miżuri ta' komunikazzjoni dwar it-tkabbir, prinċipalment fir-rigward tal-pajjiżi kandidati u dawk li huma kandidati potenzjali, inklużi l-azzjonijiet ta' valutazzjoni.

Il-parti l-kbira ta' din l-approprjazzjoni se tkun allokata biex tkopri attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni b'mod deċentralizzat immirati għal uffiċċji/delegazzjoniijiet ta' kuntatt tal-Unjoni fil-pajjiżi kandidati u dawk li huma kandidati potenzjali.

L-azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni se jkunu diretti għall-pubbliku ġenerali, udjenzi relevanti speċifiċi, speċjalment żgħażagħ, il-mezzi tax-xandir u organizzazzjonijiet tas-soċjeta ċivili, u se jfittxu appoġġ qalb l-opinjonisti għat-tkabbir kif ukoll għall-proċess ta' assoċjazzjoni u stabilizzazzjoni. L-għan huwa wkoll li jissaħħaħ il-profil tal-Unjoni u tissaħħaħ l-influwenza politika tagħha f'dawk il-pajjiżi u li jiġi ġġenerat l-appoġġ pubbliku għall-proċess ta' riforma matul il-perjodi ta' adeżjoni u preadeżjoni.

*Bażi ġuridika*

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Istrument għall-Għajnuna ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

## *Artikolu 22 02 11 — Faċilità transitorja għall-bini ta' istituzzjonijiet wara l-adeżjoni*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | | |
| p.m. | p.m. | | |

*Kummenti*

*Artikolu Ġdid*

Din l-approprjazzjonijiet hija intiża għall-ewwel sena ta' wara l-adeżjoni biex tkun tista' tingħata assistenza finanzjarja temporanja lill-Kroazja biex tiżviluppa u ssaħħaħ il-kapaċità amministrattiva u ġudizzjarja tagħha u biex timplimenta u tinforza l-liġi tal-Unjoni u biex tippromwovi l-iskambju tal-aħjar prassi fost il-pari. Dik l-assistenza għandha tiffinanzja proġetti ta' bini ta' istituzzjonijiet u investimenti, limitati u fuq skala żgħira, li jkunu anċillari għalihom. Għandha tindirizza l-bżonn kontinwu li tissaħħaħ il-kapaċità istituzzjonali f'ċerti oqsma permezz ta' azzjoni li ma tistax tiġi ffinanzjata mill-Fondi Strutturali jew mill-Fondi għall-Iżvilupp Rurali.

L-assistenza skont il-Faċilità ta' Tranżizzjoni għandha tiġi deċiża u implimentat skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006, jew fuq il-bażi ta' dispożizzjonijiet tekniċi oħra neċessarji għall-operazzjoni tal-Faċilità ta' Tranżizzjoni, li għandhom jiġu adottat mill-Kummissjoni

*Bażi ġuridika*

Kompiti li jirriżultaw mill-poteri speċifiċi assenjati direttament lill-Kummissjoni bl-Artikolu 30 tat-Trattat dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja tad-9 ta' Diċembru 2011.

# TITOLU 23 — GĦAJNUNA UMANITARJA

*Figuri*

| Titolu Kapitolu | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 23 01 | NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TAL-POLITIKA TAL-'Għajnuna Umanitarja' | | 36 864 918 | 36 864 918 | 35 023 564 | 35 023 564 | 34 781 689,91 | 34 781 689,91 |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 40 01 40 | | | | 13 470<br>35 037 034 | 13 470<br>35 037 034 | | |
| 23 02 | Għajnuna umanitarja li tinkludi għajnuna lil persuni spustjati, għajnuna f'ikel u tħejjija għal diżastri | 4 | 858 657 000 | 821 551 000 | 842 628 500 | 785 737 438 | 1 073 938 988,40 | 1 007 379 447,87 |
| 23 03 | Strument Finanzjarju għall-Protezzjoni Ċivili | | 23 200 000 | 19 700 000 | 22 000 000 | 21 318 236 | 30 575 228,52 | 26 918 516,90 |
| | **Titolu 23 — Total** | | **918 721 918** | **878 115 918** | **899 652 064** | **842 079 238** | **1 139 295 906,83** | **1 069 079 654,68** |
| | **40 01 40**<br>**Total + riżerva** | | | | **13 470**<br>**899 665 534** | **13 470**<br>**842 092 708** | | |

# Kapitolu 23 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TAL-POLITIKA TAL-'Għajnuna Umanitarja'

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 23 01 | NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TAL-POLITIKA TAL-'Għajnuna Umanitarja' | | | | | |
| ***23 01 01*** | ***Nefqa marbuta mal-persunal li huma impjegati attivament fl-oqsma tal-politika tal-'Għajnuna Umanitarja'*** | 5 | 21 576 676 | 20 085 339 | 20 099 449,37 | 93,15 % |
| ***23 01 02*** | ***Nefqa għal persunal estern u nefqa oħra relatata mat-tmexxija li hija marbuta mal-qasam tal-politika tal-'Għajnuna Umanitarja'*** | | | | | |
| 23 01 02 01 | Persunal estern | 5 | 2 102 924 | 2 044 842 | 2 268 755,38 | 107,89 % |
| 23 01 02 11 | Punt 23 01 02 11 — Nefqa oħra fuq il-management | 5 | 1 944 339 | 2 010 969 | 2 196 222,00 | 112,95 % |
| | 40 01 40 | | | 13 470<br>2 024 439 | | |
| | *Artikolu 23 01 02 — Sub-total* | | 4 047 263 | 4 055 811 | 4 464 977,38 | 110,32 % |
| | *40 01 40* | | | 13 470<br>4 069 281 | | |
| ***23 01 03*** | ***Nefqa marbuta ma' apparat tat-Teknoloġija ta' Informatika u Komunikazzjoni u servizzi tal-qasam ta' politika "Għajnuna Umanitarja"*** | 5 | 1 340 979 | 1 282 414 | 1 507 119,73 | 112,39 % |
| ***23 01 04*** | ***Nefqa ta' appoġġ għall-operazzjonijiet għall-qasam tal-politika tal-'Għajnuna Umanitarja'*** | | | | | |
| 23 01 04 01 | Għajnuna umanitarja — Nefqa oħra fuq il-maniġment amministrattiv | 4 | 9 600 000 | 9 350 000 | 8 408 663,43 | 87,59 % |
| 23 01 04 02 | Protezzjoni ċivili — Nefqa għat-tmexxija amministrattiva | 3.2 | 300 000 | 250 000 | 301 480,00 | 100,49 % |
| | *Artikolu 23 01 04 — Sub-total* | | 9 900 000 | 9 600 000 | 8 710 143,43 | 87,98 % |
| | **Kapitolu 23 01 — Total** | | **36 864 918** | **35 023 564** | **34 781 689,91** | **94,35 %** |
| | **40 01 40**<br>**Total + riżerva** | | | **13 470**<br>**35 037 034** | | |

## *Artikolu 23 01 01 — Nefqa marbuta mal-persunal li huma impjegati attivament fl-oqsma tal-politika tal-'Għajnuna Umanitarja'*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 21 576 676 | 20 085 339 | 20 099 449,37 |

## *Artikolu 23 01 02 — Nefqa għal persunal estern u nefqa oħra relatata mat-tmexxija li hija marbuta mal-qasam tal-politika tal-'Għajnuna Umanitarja'*

### Partita 23 01 02 01 — Persunal estern

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 2 102 924 | 2 044 842 | 2 268 755,38 |

### Partita 23 01 02 11 — Punt 23 01 02 11 — Nefqa oħra fuq il-management

*Figuri*

| | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|
| 23 01 02 11 | 1 944 339 | 2 010 969 | 2 196 222,00 |
| 40 01 40 | | 13 470 | |
| Total | 1 944 339 | 2 024 439 | 2 196 222,00 |

## *Artikolu 23 01 03 — Nefqa marbuta ma' apparat tat-Teknoloġija ta' Informatika u Komunikazzjoni u servizzi tal-qasam ta' politika "Għajnuna Umanitarja"*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 1 340 979 | 1 282 414 | 1 507 119,73 |

## *Artikolu 23 01 04 — Nefqa ta' appoġġ għall-operazzjonijiet għall-qasam tal-politika tal-'Għajnuna Umanitarja'*

### Partita 23 01 04 01 — Għajnuna umanitarja — Nefqa oħra fuq il-maniġment amministrattiv

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 9 600 000 | 9 350 000 | 8 408 663,43 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri nefqa ta' appoġġ marbuta direttament mal-kisba tal-għanijiet tal-politika dwar għajnuna umanitarja. Dan ikopri, fost affarijiet oħra:

— nefqa fuq assistenza teknika u amministrattiva li ma tkunx tinvolvi ħidmiet ta' awtorità pubblika li jkunu ngħataw b'kuntratt mill-Kummissjoni permezz ta' kuntratti ta' servizz *ad hoc*;

— il-miżati u l-ispejjeż li jistgħu jintraddu ta' kuntratti ta' servizz biex isiru verifiki u evalwazzjonijiet ta' msieħba u azzjonijiet tad-Direttorat Ġenerali għall-Għajnuna Umanitarja;

— nefqa fuq studji, informazzjoni u pubblikazzjonijiet; dwar għarfien pubbliku u kampanji ta' informazzjoni; dwar kwalunkwe miżura oħra li tenfasizza l-karattru tal-Unjoni tal-għajnuna;

— nefqa fuq persunal estern fil-kwartieri ġenerali (aġenti b'kuntratt, esperti nazzjonali sekondati u persunal tal-aġenzija), limitata għal EUR 1 800 000. Dan il-persunal hu intiż biex jieħu f'idejh il-ħidmiet li ġew fdati f'idejn kuntratturi esterni li jieħdu ħsieb l-amministrazzjoni ta' esperti individwali u biex jamministraw programmi f'pajjiżi terzi. Dak l-ammont, ibbażat fuq stima ta' nefqa annwali għal kull persuna kull sena, hu maħsub biex ikopri r-rimunerazzjoni tal-persunal estern in kwistjoni u t-taħriġ, il-laqgħat, il-missjonijiet, in-nefqa fuq it-teknoloġija tal-informatika (IT) u dik fuq it-telekomunikazzjoni relatata mal-ħidmiet tagħhom,

— nefqa marbuta max-xiri u l-manteniment ta’ apparat ta’ sigurtà, apparat speċjalizzat tal-IT kif ukoll ta’ komunikazzjoni, u servizzi tekniċi u ta’ servizzi umani neċessarji għall-istabbiliment u l-funzjonament taċ-Ċentru ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi. Dan iċ-ċentru (“kamra tal-kriżi”) se jkun operazzjonali fuq bażi ta' 24 siegħa u jkun responsabbli għall-koordinazzjoni tar-reazzjoni ċivili tal-UE għad-diżastru, b’mod partikolari biex jiżgura konsistenza sħiħa u kooperazzjoni effiċjenti bejn l-assistenza umanitarja u l-protezzjoni ċivili.

— nefqa fuq l-iżvilupp u t-tħaddim ta’ sistemi informattivi, aċċessibbli permezz tal-websajt Europa jew permezz ta’ websajt sikura fid-*Data Centre*, maħsuba biex itejbu l-koordinazzjoni bejn il-Kummissjoni u istituzzjonijiet oħra, l-amministrazzjonijiet nazzjonali, l-aġenziji, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, msieħba oħra fil-qasam tal-għajnuna umanitarja u l-esperti tad-Direttorat Ġenerali għall-Għajnuna Umanitarja f’dan il-qasam.

Din l-approprjazzjoni tkopri nefqa amministrattiva skont l-Artikoli 23 02 01, 23 02 02 u 23 02 03.

## Partita 23 01 04 02 — Protezzjoni ċivili — Nefqa għat-tmexxija amministrattiva

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 300 000 | 250 000 | 301 480,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— in-nefqa għal assistenza teknika u/jew amministrattiva relatata mal-identifikazzjoni, it-tħejjija, it-tmexxija, il-monitoraġġ, il-verifika tal-kontijiet, is-sorveljanza u l-evalwazzjoni tal-Istrument Finanzjarju għall-Protezzjoni Ċivili u l-Mekkaniżmu Komunitarju għall-Protezzjoni Ċivili,

— nefqa marbuta max-xiri u l-manutenzjoni ta’ apparat ta’ sigurtà, apparat speċjalizzat tal-IT kif ukoll ta’ komunikazzjoni, u servizzi tekniċi u ta’ servizzi umani neċessarji għall-istabbiliment u l-funzjonament taċ-Ċentru ta' Reazzjoni ta' Emerġenza. Dan iċ-ċentru (“kamra tal-kriżi”) se jkun operattiv fuq bażi ta' 24 siegħa u jkun responsabbli għall-koordinazzjoni tar-reazzjoni ċivili tal-UE għad-diżastru, b’mod partikolari biex jiżgura konsistenza sħiħa u kooperazzjoni effiċjenti bejn l-assistenza umanitarja u l-protezzjoni ċivili.

— in-nefqa għal studji, laqgħat ta’ esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-għanijiet tal-programm, u kull nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix kompiti pubbliċi esternalizzati mill-Kummissjoni b’kuntratti ta’ servizz *ad hoc*.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f’din il-partita. Għal skop ta’ informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jista’ jagħti lok għal dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provvediment ta’ approprazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness ‘Żona Ekonomika Ewropea’ ma’ din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta’ din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, fejn huwa applikabbli, mill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent li huma kandidati potenzjali għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista’ jagħti lok għall-forniment ta’ approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess proporzjon li hemm bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fit-tmexxija amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Artikolu 23 03 01.

## KAPITOLU 23 02 — GĦAJNUNA UMANITARJA LI TINKLUDI GĦAJNUNA LIL PERSUNI SPUSTJATI, GĦAJNUNA F'IKEL U TĦEJJIJA GĦAL DIŻASTRI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 23 02 | Għajnuna umanitarja li tinkludi għajnuna lil persuni spustjati, għajnuna f'ikel u tħejjija għal diżastri | | | | | | | | |
| ***23 02 01*** | ***Għajnuna Umanitarja*** | 4 | 560 551 000 | 555 551 000 | 553 261 000 | 518 574 685 | 739 537 015,89 | 727 134 943,25 | 130,89 % |
| ***23 02 02*** | ***Għajnuna għall-ikel*** | 4 | 259 187 000 | 230 000 000 | 251 580 000 | 230 602 367 | 298 983 918,17 | 247 463 639,66 | 107,59 % |
| ***23 02 03*** | ***Tħejjija għad-diżastri*** | 4 | 35 919 000 | 33 000 000 | 34 787 500 | 33 560 386 | 34 418 054,34 | 32 079 011,97 | 97,21 % |
| ***23 02 04*** | ***Azzjoni ta' tħejjija — Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja*** | 4 | 3 000 000 | 3 000 000 | 3 000 000 | 3 000 000 | 1 000 000,00 | 701 852,99 | 23,40 % |
| | **Kapitolu 23 02 — Total** | | **858 657 000** | **821 551 000** | **842 628 500** | **785 737 438** | **1 073 938 988,40** | **1 007 379 447,87** | **122,62 %** |

## *Artikolu 23 02 01 — Għajnuna Umanitarja*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 560 551 000 | 555 551 000 | 553 261 000 | 518 574 685 | 739 537 015,89 | 727 134 943,25 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija intiża biex tkopri l-iffinanzjar ta' għajnuna umanitarja biex jiġu megħjuna nies f'pajjiżi barra l-Unjoni li huma vittmi ta' kunflitti jew diżastri, sew naturali kif ukoll ikkawżati mill-bniedem (gwerer, ġlied, eċċ.) jew emerġenzi kumparabbli, għat-tul ta' żmien meħtieġ biex jintlaqgħu l-ħtiġijiet umanitarji li huma kkawżati minn sitwazzjonijiet bħal dawn.

L-għajnuna tingħata lil vittmi mingħajr diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' razza, oriġini etnika, ir-reliġjon, id-diżabilità, is-sess, l-età, l-affiljazzjoni nazzjonali jew politika.

Din l-approprijazzjoni hija wkoll maħsuba biex tkopri x-xiri u l-kunsinna ta' kull prodott jew tagħmir meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja, inkluż il-bini ta' djar jew xelters għall-gruppi affettwati ta' persuni, xogħol ta' riabilitazzjoni u rikostruzzjoni f'terminu qasir, senjatament ta' infrastruttura u faċilitajiet, l-ispejjeż assoċjati ma' persunal estern, espatrijat, jew lokali, ħażna, konsenji bil-baħar internazzjonali jew nazzjonali, appoġġ loġistiku u distribuzzjoni ta' għajnuna u kull azzjoni oħra immirata li tiffaċilita l-libertà ta' aċċess lil min jirċievi l-għanuna.

Din l-approprjazzjoni tista' tkopri wkoll kull spiża oħra marbuta direttament mal-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja.

Tkopri, fost l-oħrajn:

— studji ta' vijabbiltà dwar ħidmiet umanitarji, evalwazzjonijiet ta' proġetti u pjanijiet ta' għajnuna umanitarja, u ħidmiet ta' viżibbiltà u kampanji ta' informazzjoni marbuta ma' operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja;

— il-monitoraġġ ta' proġetti ta' għajnuna u pjanijiet, il-promozzjoni u żvilupp ta' inizjattivi maħsuba biex tiżdied il-koordinazzjoni u l-koperazzjoni biex l-għajnuna tkun aktar effettiva u jitjieb il-monitoraġġ tal-proġetti u l-pjani;

— is-superviżjoni u l-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet li jiffurmaw parti mill-għajnuna kkonċernata;

— miżuri għat-tisħiħ tal-koordinazzjoni tal-Unjoni mal-Istati Membri, pajjiżi donaturi oħra, organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet internazzjonali (b'mod partikolari dawk parti min-Nazzjonijiet Uniti), organizzazzjonijiet mhux governattivi u organizzazzjonijiet li jirrappreżentawhom;

— l-assistenza teknika meħtieġa għat-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' proġetti umanitarji, b'mod partikolari l-ispiża għal kuntratti

ta’ esperti individwali fil-qasam u l-ispejjeż ta’ infrastruttura u loġistika, koperti minn kontijiet imprest u awtorizzazzjonijiet ta’ spiża, ta’ unitajiet tad-Direttorat Ġenerali għall-Għajnuna Umanitarja u l-Protezzjoni Ċivili li huma mferrxa madwar id-dinja;

— il-finanzjament ta’ kuntratti ta’għajnuna teknika għall-faċilitazzjoni tal-iskambju ta’ kompetenza u perizja teknika bejn l-organizzazzjonijiet u l-aġenziji umanitarji tal-Unjoni jew bejn dawn il-korpi u dawk tal-pajjiżi terzi;

— studji u taħriġ marbuta mal-kisba tal-għanijiet tal-qasam tal-politika tal-għajnuna umanitarja;

— għotji ta’ azzjoni u għotji għall-ispejjeż tal-operat għal netwerks umanitarji;

— ħidmiet umanitarji tat-tneħħija tal-mini inkluż kampanji ta’ għarfien pubbliku għall-komunitajiet lokali dwar mini kontra l-persuni;

— nefqa tan-netwerk dwar l-għajnuna umanitarja (NOHA), skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) 1257/96. Din hija diploma *postgraduate* multi-dixxiplinarja ta’ sena fil-qasam umanitarju mfassla biex tipprowwovi professjonaliżmu akbar fost ħaddiema fil-qasam umanitarju, u li tinvolvi ħanfa universitajiet parteċipanti.

*Bażi ġuridika*

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta’ Ġunju 1996 dwar l-għajnuna umanitarja (ĠU L 163, 2.7.1996, p. 1).

## *Artikolu 23 02 02 — Għajnuna għall-ikel*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 259 187 000 | 230 000 000 | 251 580 000 | 230 602 367 | 298 983 918,17 | 247 463 639,66 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija intiża biex tkopri operazzjonijiet ta’ għajnuna għall-ikel ta’ xejra umanitarja u ser titwettaq skont ir-regoli dwar l-għajnuna umanitarja taħt ir-Regolament (KE) Nru 1257/96.

L-għajnuna umanitarja tal-Unjoni tipprovdi assistenza u serħan fuq bażi mhux-diskriminatorja biex tgħin nies f’pajjiżi barra l-Unjoni, partikolarment dawk l-aktar vulnerabbli fosthom, u bħala prijorità dawk f’pajjiżi li għadhom fil-fażi ta’ żviluppi li huma vittmi ta’ diżastri naturali, kriżijiet ikkawżati mill-bnedmin bħal ma huma gwerer u ġlied, jew ċikostanzi eċċezzjonali/ċirkostanzi kumparabbli ma’ diżastri naturali jew li huma kkawżati mill-bniedem. Dik l-assistenza hija provduta sakemm jibqa’ meħtieġ li jintlaqgħu il-ħtiġijiet umanitarji li sitwazzjonijiet bħal dawn jikkawżaw.

Din l-approprjazzjoni tista’ tintuża għall-iffinanzjar tax-xiri u t-tqassim tal-ikel, żerriegħa, bhejjem ħajjin jew kwalunkwe prodott jew tagħmir meħtieġ għall-implimentazzjoni ta’ ħidmiet ta’ għajnuna umanitarja għall-ikel.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż tal-miżuri li huma essenzjali għall-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet ta' għajnuna tal-ikel ta’ xorta umanitarja fil-perjodu mitlub u b’mod li jintlaqgħu l-ħtiġijiet tar-reċipjenti, jiġi sodisfatt ir-rekwiżit li jintlaħaq l-ogħla livell possibbli ta’ cost-effectiveness u tingħata aktar trasparenza. Dan jinkludi:

— it-trasport u t-tqassim ta’ għajnuna, inkluż kull operazzjoni relatata bħal ma hi l-assikurazzjoni, it-tagħbija, il-ħatt, il-koordinazzjoni, eċċ.;

— miżuri ta’ sostenn li huma essenzjali għall-programmazzjoni, il-koordinazzjoni u l-aħjar implimentazzjoni tal-għajnuna, li l-ispiża tagħha mhix koperta minn approprjazzjonijiet oħra, per eżempju operazzjonijiet eċċezzjonali ta’ trasport u ħażna, l-ipproċessar jew il-preparazzjoni ta’ oġġetti tal-ikel fuq il-post, disinfezzjoni, servizzi tal-konsulenti, għajnuna teknika u tagħmir involut direttament fl-għoti ta’ għajnuna (għodod, attrezzaturi, karburant, eċċ);

— is-superviżjoni u l-koordinazzjoni ta’ operazzjonijiet tal-għajnuna tal-ikel, senjatament it-termini għall-provista, konsenja, distribuzzjoni u l-użu tal-prodotti involuti, inkluż l-użu ta’ fondi li jikkorrispondu;

— skemi pilota dwar suriet ġodda ta’ trasport, ippakkjar jew ħżin, studji ta’ ħidmiet ta’ għajnuna għall-ikel, ħidmiet ta’ viżibbiltà marbuta mal-ħidmiet umanitarji, u kampanji ta’ informazzjoni sabiex tiżdied is-sensibilizzazzjoni pubblika;

— il-ħażna tal-ikel (inkluż spejjeż amministrattivi, operazzjonijiet futuri, b’għażliet jew le, taħriġ ta’ tekniċi, xiri tal-ippakkeġġar u unitajiet ta’ ħażna mobbli, spejjeż tal-manutenzjoni u t-tiswija ta’ proviżjonijiet, eċċ);

— l-assistenza teknika meħtieġa għat-tħejjija u l-implimetazzjoni ta’ proġetti umanitarji, b’mod partikolari l-ispiża għal kuntratti ta’ esperti individwali fil-qasam u l-ispejjeż ta’ infrastruttura u loġistika, koperti minn kontijiet imprest u awtorizzazzjonijiet ta’ spiża, ta’ unitajiet tad-Direttorat Ġenerali għall-Għajnuna Umanitarja li huma mferrxa madwar id-dinja.

Sabiex tiżgura t-trasparenza finanzjarja sħiħa skont l-Artikoli 53 - 56 tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni, meta tikkonkludi jew timmodifika l-ftehimiet dwar it-treġija u l-implimentazzjoni ta' proġetti mill-Organizzazzjonijiet Internazzjonali, tagħmel kull sforz biex huma jimpenjaw ruħhom li jibagħtu l-verifiki interni u esterni kollha tagħhom dwar l-użu tal-Fondi tal-Unjoni lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u lill-Awditur Intern tal-Kummissjoni.

*Bażi ġuridika*

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 ta' Ġunju 1996 dwar l-għajnuna umanitarja (ĠU L 163, 2.7.1996, p. 1).

## *Artikolu 23 02 03 — Tħejjija għad-diżastri*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 35 919 000 | 33 000 000 | 34 787 500 | 33 560 386 | 34 418 054,34 | 32 079 011,97 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-iffinanzjar ta' ħidmiet bħala tħejjija għal jew biex ja jseħħux diżastri jew emerġenzi kumparabbli u jiġi żgurat l-iżvilupp ta' sistemi ta' twissija minn kmieni għal kull tip ta' diżastru naturali (għargħar, ċikluni, żbroffi ta' vulkani, eċċ.), inkluż ix-xiri u t-trasport ta' kull apparat meħtieġ għal dan il-għan.

Din l-approssimazzjoni tista' wkoll tkopri spejjeż oħra direttament marbuta mal-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet ta' tħejjija għad-diżastri, bħal ma huma:

— l-iffinanzjar ta' studji xjentifiċi fuq il-prevenzjoni tad-diżastri;

— il-kostituzzjoni ta' ħażniet ta' emerġenza ta' prodotti u tagħmir biex jintuża f'operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja;

— l-assistenza teknika meħtieġa biex jitħejjew u jiġu implimentati proġetti ta' tħejjija għad-diżastri, b'mod partikolari l-ispiża li tinħoloq li tkopri l-ispejjeż ta' kuntratti ta' esperti individwali fil-qasam u l-ispejjeż għall-infrastruttura u l-loġistika, koperti minn kontijiet imprest u awtorizzazzjoni ta' spiża, ta' unitajiet tad-Direttorat Ġenerali għall-Għajnuna Umanitarja mxerrda madwar id-dinja.

*Bażi ġuridika*

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 tal-20 Ġunju 1996 rigward l-għajnuna umanitarja (ĠU L 163, 2.7.1996, p. 1).

## *Artikolu 23 02 04 — Azzjoni ta' tħejjija — Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 3 000 000 | 3 000 000 | 3 000 000 | 3 000 000 | 1 000 000,00 | 701 852,99 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri azzjoni ta' tħejjija dwar it-twaqqif ta' Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja (EVHAC), li huwa previst mill-Artikolu 214.5 tat-Trattat ta' Lisbona.

Fl-2012, il-Kummissjoni għandha l-pjan li tadotta proposta leġiżlattiva li tistabbilixxi l-EVHAC. L-għan tal-EVHAC hu li jiġi stabbilit qafas għall-kontribuzzjonijiet konġunti mill-Ewropej għall-operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja tal-Unjoni. Huwa mezz ta' kif tintwera s-solidarjetà tal-Unjoni ma' min jinsab fil-bżonn. L-EVHAC għandu jżid il-viżibbiltà tal-Ewropa bħala attur dinji li juri solidarjetà ma' dawk is-setturi l-iktar vulnerabbli fost il-popolazzjonijiet tad-dinja filwaqt li jiżgura l-involviment ta' medda wiesgħa ta' atturi. Reviżjoni inizjali tas-settur Ewropew ta' għajnuna umanitarja volontarja identifikat nuqqasijiet u oqsma fejn l-EVHAC jagħti valur miżjud. Dawn jinkludu l-identifikazzjoni u l-għażla ta' volontiera, taħriġ permezz tal-iżvilupp ta' standards komuni, prattiki tajba u possibilment anki moduli u skjerament. Barra milli jagħti forma Ewropea lill-attivitajiet mifruxa ħafna li jagħmlu l-volontiera, l-eżistenza tal-EVHAC se twassal ukoll għal effiċjenzi li jvarjaw minn koordinazzjoni ta' attivitajiet umanitarji, l-istandardizzazzjoni ta' proċeduri u prattika li japplikaw għall-volontiera u għal ekonomiji tal-kobor.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri dawn il-miżuri u partiti ta’ nefqa:

— Il-Kummissjoni tidentifika l-oqsma li jeħtieġu studji profondi, fuq il-bażi tal-ħidma ta’ tħejjija tal-2011. Se jitniedu studji u evalwazzjonijiet speċifiċi li jesploraw ulterjorment il-kwistjonijiet marbuta mat-twaqqif tal-EVHAC u dawn jippermettu li l-karatteristiċi konkreti tal-EVHAC jiġu definiti aħjar;

— Din il-ħidma tkun segwita minn proċess estensiv ta' informazzjoni u konsultazzjoni (pubblikazzjonijiet, workshops, laqgħat bejn l-esperti, konferenzi) u l-koordinazzjoni u l-mobilizzazzjoni ta' partijiet interessati ewlenin meħtieġa mill-proċess leġiżlattiv. Bl-organizzazzjoni ta’ seminars, gruppi ta’ ħidma u konferenzi mal-partijiet interessati jkun possibbli li tintalab l-opinjoni tagħhom dwar id-direzzjoni futura u l-istruttura tal-volontarjat Ewropew fl-għajnuna umanitarja;

— Jiġu implimentati azzjonijiet ‘pilota’ konkreti fl-oqsma li ma ġewx koperti fl-2011 (pereżempju il-protezzjoni ċivili) sabiex jiġu ttestjati l-għażliet konkreti u biex jinsiltu lezzjonijiet li jikkontribwixxu għall-proċess tal-proposta leġiżlattiva;

— Se jiġi implimentat segwitu tal-azzjonijiet konkreti tal-2011 biex il-ħidma ssir ma’ iktar sħab, b’hekk jiġu esplorati għażliet oħrajn u jkun hemm reazzjoni għall-aspettattivi li nħolqu fl-2011;

L-implimentazzjoni ta’ proġetti konkreti se tinkludi l-għajnuna teknika meħtieġa għall-preparazzjoni u għall-implimentazzjoni tal-proġetti, b’mod partikolari l-ispejjeż tal-kuntratti tal-volontiera u tal-esperti individwali fil-qasam u fejn ikun xieraq, l-ispejjeż tal-infrastruttura u tal-loġistika (pereżempju is-sigurtà, is-saħħa, l-akkomodazzjoni, l-assigurazzjoni u l-għotjiet għall-ivvjaġġar u għas-sussistenza ta' kuljum) attivitajiet għall-għoti ta’ informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni, inkluża l-promozzjoni tal-volontarjat fl-organizzazzjonijiet li mhumiex tradizzjonalment assoċjati ma’ dan it-tip ta' attività.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta’ tħejjija fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Gunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## Kapitolu 23 03 — Strument Finanzjarju għall-Protezzjoni Ċivili

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 23 03 | Strument Finanzjarju għall-Protezzjoni Ċivili | | | | | | | | |
| ***23 03 01*** | ***Il-Protezzjoni Ċivili fl-Unjoni Ewropea*** | 3.2 | 18 200 000 | 15 000 000 | 18 000 000 | 14 000 000 | 16 596 324,47 | 12 498 778,30 | 83,33 % |
| ***23 03 02*** | ***Proġett pilota — Kooperazzjoni transkonfinali fil-għlieda kontra d-diżastri naturali*** | 3.2 | — | — | p.m. | p.m. | 0,— | 592 767,53 | |
| ***23 03 03*** | ***It-Tlestija ta’ programmi u azzjonijiet preċedenti fil-qasam tal-protezzjoni ċivili u t-tniġġis tal-baħar*** | 3.2 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | |
| ***23 03 04*** | ***Proġett bi prova — Tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-ġlieda kontra n-nirien fil-foresti*** | 3.2 | — | — | p.m. | p.m. | 0,— | 1 567 425,00 | |
| ***23 03 05*** | ***Azzjoni ta’ tħejjija — Kapaċità tal-Unjoni għal reazzjoni ta’ malajr*** | 2 | p.m. | 500 000 | p.m. | 3 500 000 | 0,— | 1 030 925,93 | 206,19 % |
| ***23 03 06*** | ***Interventi tal-protezzjoni ċivili f’pajjiżi terzi*** | 4 | 5 000 000 | 4 200 000 | 4 000 000 | 3 818 236 | 13 978 904,05 | 11 228 620,14 | 267,35 % |
| | **Kapitolu 23 03 — Total** | | **23 200 000** | **19 700 000** | **22 000 000** | **21 318 236** | **30 575 228,52** | **26 918 516,90** | **136,64 %** |

## *Artikolu 23 03 01 — Il-Protezzjoni Ċivili fl-Unjoni Ewropea*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 18 200 000 | 15 000 000 | 18 000 000 | 14 000 000 | 16 596 324,47 | 12 498 778,30 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għall-azzjonijiet fil-qasam tal-protezzjoni ċivili. L-għan tagħha hu li tappoġġa u tikkumplimenta l-isforzi tal-Istati Membri, il-pajjiżi tal-EFTA u dawk il-pajjiżi kandidati li ffirmaw memorandum ta' ftehim mal-Unjoni dwar l-azzjonijiet ta' reazzjoni, ta' tħejjija u ta' prevenzjoni fir-rigward tad-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem, l-atti ta' terroriżmu u l-inċidenti teknoloġiċi, radjoloġiċi u ambjentali. Hija għandha wkoll l-għan li tiffaċilita kooperazzjoni eqreb bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-protezzjoni ċivili.

Hija tkopri, b'mod partikolari:

— il-ħolqien u l-maniġment ta' Ċentru ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi (ĊRE) li jkun jopera b'mod sħiħ 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa. dan ikopri x-xiri u l-manutenzjoni ta' apparat ta' sigurtà, apparat speċjalizzat tal-IT kif ukoll ta' komunikazzjoni, u servizzi tekniċi u ta' servizzi umani neċessarji għall-istabbiliment u l-funzjonament taċ-Ċentru ta' Reazzjoni għall-Emerġenzi. Dan iċ-ċentru ("kamra tal-kriżi") se jkun operattiv fuq bażi ta' 24 siegħa u jkun responsabbli għall-koordinament tar-reazzjoni ċivili tal-UE għad-diżastri, b'mod partikolari biex jassigura konsistenza sħiħa u kooperazzjoni effiċjenti bejn l-assistenza umanitarja u l-protezzjoni ċivili. Iċ-Ċentru jeħtieġ teknoloġija avvanzata biex jimmassimizza l-ġbir ta' informazzjoni u jiffaċilita t-tifrix ta' informazzjoni lil diversi partijiet interessati, sħab u timijiet fuq il-post matul emerġenzi maġġuri. F'sitwazzjoni ta' kriżi, aktar ma tkun disponibbli informazzjoni f'idejn dawk li jkollhom jieħdu d-deċiżjonijiet tfisser ħajjiet salvati.

— il-ħolqien ta' kapaċità 'stand-by' għal riżorsi u tagħmir li għandhom isiru disponibbli għall-Istati Membri f'każ ta' emerġenza,

— l-identifikazzjoni ta' esperti ta' intervent, moduli u appoġġ ieħor ta' intervent li huma disponibbli fl-Istati Membri għall-intervent ta' għajnuna f'każ li tinqala' xi emerġenza,

— il-mobilizzazzjoni ta' esperti biex jivvalutaw il-ħtiġijiet ta' għajnuna u biex jiffaċilitaw l-għajnuna tal-Unjoni fi Stati Membri jew pajjiżi terzi f'każ ta' diżastri, u l-appoġġ loġistiku bażiku għal dawn it-tip ta' esperti,

— programm ta' tagħlimiet miksubin mill-interventi u mill-eżerċizzji tal-protezzjoni ċivili mwettqin fil-qafas tal-Mekkaniżmu Komunitarju tal-Protezzjoni Ċivili,

— programm ta' taħrig għall-iskwadri tal-intervent, għall-persunal estern u esperti, sabiex jagħtihom it-tagħrif u l-għodda meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jieħdu sehem, b'mod effettiv, fl-interventi tal-Unjoni u sabiex tiġi żviluppata kultura komuni Ewropea ta' intervent,

— eżerċizzji mill-post ta' kmand u eżerċizzji fuq skala reali biex tiġi ttestjata l-interoperabilità, jitħarrġu uffiċjali tal-protezzjoni ċivili u tinħoloq kultura ta' intervent komuni,

— skambju ta' esperti biex il-protezzjoni ċivili tal-Unjoni tinftiehem aktar u biex jaqsmu t-tagħrif u l-esperjenzi,

— sistemi ta' informazzjoni u komunikazzjoni (ICT), b'mod partikolari s-CECIS (Sistema Komuni ta' Komunikazzjoni u Informazzjoni f'każ ta' Emerġenza) li tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni mal-Istati Membri waqt emerġenzi — biex titjieb l-effiċjenza u tippermetti l-iskambju ta' tagħrif 'klassifikat UE'. Din tkopri l-ispejjeż tal-iżvilupp, il-manutenzjoni, l-operat u l-appoġġ (ħardwer, softwer u servizzi) tas-sistemi. Se tkopri wkoll spejjeż ta' tmexxija ta' proġetti, kontroll tal-kwalità, sigurtà, dokumentazzjoni u taħriġ marbuta mal-implimentazzjoni ta' sistemi bħal dawn,

— l-istudju u l-iżvilupp ta' moduli tal-protezzjoni ċivili fis-sens tal-Artikolu 3(5) tad-Deċiżjoni 2007/779/KE, Euratom,

— l-istudju u l-iżvilupp ta' sistemi ta' individwazzjoni u ta' twissija bikrija tad-diżastri,

— il-forniment ta' appoġġ lill-Istati Membri sabiex dawn ikollhom aċċess għar-riżorsi għat-tagħmir u għat-trasport,

— il-forniment ta' riżorsi addizzjonali tat-trasport u tal-loġistika marbutin magħhom, meħtieġa biex tiġi żgurata reazzjoni mill-ewwel f'każ ta' emerġenza kbira u biex jikkumplimentaw it-trasport ipprovdut mill-Istati Membri, skont il-kundizzjonijiet imniżżlin fl-Artikolu 4(2)(c) tad-d-Deċiżjoni 2007/162/KE, Euratom,

— l-appoġġ lill-għajnuna konsulari liċ-ċittadini tal-Unjoni f'każ ta' emerġenzi kbar f'terzi pajjiżi f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħidmiet tal-protezzjoni ċivili, b'talba tal-awtoritajiet konsulari tal-Istati Membri,

— il-laqgħat ta' ħidma, is-seminars, il-proġetti, l-istudji, l-istħarriġ, l-ippjanar, il-bini tax-xenarji u l-ippjanar tal-kontinġenza, l-għajnuna għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet; il-proġetti ta' wiri; it-trasferiment tat-teknoloġija; it-tqanqil tal-għarfien, it-tagħrif, il-komunikazzjoni u l-monitoraġġ, il-valutazzjoni u l-evalwazzjoni,

— it-tqanqil tal-għarfien, it-tagħrif, il-komunikazzjoni u l-monitoraġġ, il-valutazzjoni u l-evalwazzjoni, ħidmiet oħrajn ta' appoġġ u kumplimentari meħtieġa fil-qafas tal-Mekkaniżmu Komunitarju tal-Protezzjoni Ċivili.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet li jagħmlu l-Istati tal-EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jista' jagħti lok għal dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provvediment ta'

approprazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness 'Żona Ekonomika Ewropea' ma' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti li jiġu mill-kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi kandidati u jekk huwa l-każ, mill-pajjiżi potenzjalment kandidati tal-Balkani tal-Punent, biex jipparteċipaw fi programmi tal-Unjoni, taħt Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jistgħu jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/162/KE, Euratom tal-5 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Strument Finanzjarju għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 71, 10.3.2007, p. 9).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/ 779/KE, Euratom tat-8 ta' Novembru 2007 li tistabbilixxi Mekkaniżmu Komunitarju tal-Protezzjoni Ċivili (imfassla mill-ġdid) (ĠU L 314, 1.12.2007, p. 9).

## *Artikolu 23 03 02 — Proġett pilota — Kooperazzjoni transkonfinali fil-ġlieda kontra d-diżastri naturali*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | — | p.m. | p.m. | 0,— | 592 767,53 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri pagamenti għal impenji li ġejjin minn studji u għotjiet li jappoġġaw azzjonijiet għall-kooperazzjoni u l-iżvilupp ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib dwar miżuri ta' protezzjoni ċivili bil-għan li jipprevjenu jew għall-inqas inaqqsu jekk jista' jkun il-konsegwenzi ta' diżastri naturali billi jiżviluppaw għodod ta' twissija bikrija, ta' koordinament u loġistiċi fuq livell transkonfinali.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar- Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/25 tal-25 ta' Gunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli ghall-bagit generali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 23 03 03 — It-Tlestija ta' programmi u azzjonijiet preċedenti fil-qasam tal-protezzjoni ċivili u t-tniġġis tal-baħar*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri pagamenti fir-rigward ta' impenji li ġejjiin minn azzjonijiet fil-qasam tal-protezzjoni ċivili u minn azzjonijiet meħuda fil-qafas tal-ħarsien tal-ambjent marittimu, tal-kosta, u tas-saħħa tal-bniedem kontra r-riskji ta' tniġġis fil-baħar aċċidentali jew deliberatament.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f'dan l-artikolu. Għal finijiet informattivi, dawn l-ammonti jiġu mill-kontribuzzjonijiet li jagħmlu l-Istati tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provvediment ta' approprazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness 'Żona Ekonomika Ewropea' ma' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/847/KE tad-9 ta' Diċembru 1999 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarju fil-qasam tal-protezzjoni ċivili (ĠU L 327, 21.12.1999, p. 53).

Id-Deċiżjoni Nru 2850/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2000 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għal koperazzjoni fil-qasam tat-tniġġis tal-ibħra, sewwa jekk aċċidentali, u sewwa jekk deliberatament (ĠU L 332, 28.12.2000, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/792/KE, Euratom tat-23 ta' Ottubru 2001 li tistabbilixxi mekkaniżmu Komunitarju li jiffaċilita l-kooperazzjoni msaħħa fl-interventi ta' assistenza fil-protezzjoni ċivili (ĠU L 297, 15.11.2001, p. 7).

## *Artikolu 23 03 04 — Proġett bi prova — Tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-ġlieda kontra n-nirien fil-foresti*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | — | p.m. | p.m. | 0,— | 1 567 425,00 |

*Kummenti*

L-għan ta' dan il-proġett bi prova huwa li jtejjeb il-mobilizzazzjoni ta' riżorsi operattivi u ta' appoġġ ta' emerġenza mill-Istati Membri biex jassistu Stat Membru fil-ħidma kontra nirien fil-foresti li jkunu wisq numerużi u wisq intensi biex ikunu indirizzati minn dan l-Istat Membru bl-użu tal-kapaċità loġistika u bir-riżorsi umani tiegħu biss.

Il-mirii tal-proġett bi prova huma, b'mod partikulari, biex:

— ifassal skeda ta' timijiet ta' emerġenza u ta' riżorsi loġistiċi ta' Stat Membru li jistgħu jkunu mobilizzati f'sitwazzjoni ta' kontinġenza;

— jiżviluppa komunikazzjonijiet u mekkaniżmi ta' informazzjoni standardizzati biex l-għajnuna tkun aktar effettiva u skambju ta' informazzjoni bl-aqwa prattiki u bl-aqwa apparat u biex ifassal pjanijiet ta' operazzjoni għall-użu kemm ta' riżorsi umani ta' kontinġenza kif ukoll dawk tekniċi.

*Bażi ġuridika*

Proġett bi prova fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/25 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli ghall-bagit generali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 23 03 05 — Azzjoni ta' tħejjija — Kapaċità tal-Unjoni għal reazzjoni ta' malajr*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 500 000 | p.m. | 3 500 000 | 0,— | 1 030 925,93 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri azzjoni ta' tħejjija dwar kapaċità tal-Unjoni għal reazzjoni ta' malajr imfassla biex tirreaġixxi immedjatament għal bżonnijiet kritiċi kkawżati minn dizastri kbar, inklużi n-nirien fil-foresti. Tista' tikkonsisti f'moduli ta' protezzjoni ċivili ddedikati li l-Istati Membri jagħmlu disponibbli għal intervent Ewropew ta' protezzjoni ċivili u/jew kapaċitajiet kumplimentari addizzjonali li jiġu magħmula disponibbli miċ-Ċentru ta' Sorveljanza u Informazzjoni permezz ta' arranġamenti permanenti ma' partijiet oħra.

L-għan ta' din l-azzjoni ta' tħejjija huwa wkoll li tittejjeb il-mobilizzazzjoni ta' riżorsi operattivi addizzjonali u ta appoġġ ta' emerġenza addizzjonali mill-Istati Membri biex jassistu Stati Membri oħra jew pajjiżi terzi biex ilaħħqu fil-ħidma kontra n-nirien tal-foresti li jkunu wisq numerużi u wisq intensi biex ikunu ttrattati mill-kapaċità loġistika u bir-riżorsi umani nazzjonali. Hija maħsuba biex tittestja arranġamenti innovattivi biex l-assistenza ssir disponibbli għall-Istati Membri jew għal pajjiżi terzi li jkunu qed jiffaċċjaw nirien tal-foresti fuq skala kbira. Hija tkopri b'mod partikulari t-twaqqif mill-Istat Membru ta' riżerva ta' kapaċitajiet għall-ġlieda kontra n-nar li tkun tista' ssir disponibbili f'sitwazzjonijiet fejn Stati Membri ma jkunux jistgħu jipprovdu assistenza għax ikunu involvew il-kapaċitajiet nazzjonali tagħhom kollha ta' kontra n-nar biex jirrispondu għal nirien tal-foresta jew minħabba riskju qawwi ta' nirien tal-foresti fit-territorju tagħhom.

Billi jiġi żgurat li r-riżorsi prinċipali u l-makkinarju essenzjali jkunu lesti għal dak li jista' jinqala' waqt perjodi rilevanti, skont xenarji ta' reazzjoni għal diżastri kbar, din l-azzjoni ta' tħejjija hi maħsuba biex jissaħħaħ l-istat kollettiv ta' tħejjija tal-Unjoni għal diżastri

kbar u tħejji t-triq għall-Forza tal-Protezzjoni Ċivili tal-Unjoni Ewropea.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta’ tħejjija fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

### *Artikolu 23 03 06 — Interventi tal-protezzjoni ċivili f’pajjiżi terzi*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 5 000 000 | 4 200 000 | 4 000 000 | 3 818 236 | 13 978 904,05 | 11 228 620,14 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni huwa maħsub sabiex ikopri n-nefqa relatata mal-interventi tal-protezzjoni ċivili f’pajjiżi terzi taħt l-Istrument Finanzjarju tal-Protezzjoni Ċivili u l-Mekkaniżmu Komunitarju għall-Protezzjoni Ċivili:

- mobilizzazzjoni ta’ esperti sabiex jivvalutaw il-ħtiġijiet tal-għajnuna u jiffaċilitaw l-assistenza Ewropea fl-Istati Membri jew pajjiżi terzi f’każ ta’ diżastri;
- ġarr tal-assistenza Ewropea tal-protezzjoni ċivili — inkluż l-għoti ta’ informazzjoni relevanti dwar il-mezzi ta’ trasport — fil-każ ta’ diżastri u kif ukoll il-loġistika assoċjata.

Imsieħba li jimplimentaw jistgħu jinkludu awtoritajiet tal-Istati Membri jew pajjiżi benefiċjarji u l-aġenziji tagħhom, organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom, NGOs, operaturi pubbliċi u privati u organizzazzjonijiet jew operaturi individwali (inkluż persunal issekondat mill-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri) bil-kompetenza speċjalizzata u l-esperjenza xierqa.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħlin f’dan l-artikolu. Bħala informazzjoni, dawn l-ammonti jieħdu mill-kontribuzzjonijiet tal-Pajjiżi tal-EFTA mdaħħla fl-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkonsistu minn dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għall-provvista tal-appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness ‘Żona Ekonomika Ewropea’ lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta’ din is-sezzjoni li tifforma parti integrali tal-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontributi mill-pajjiżi kandidati u, fejn ikun applikabbli, mill-pajjiżi potenzjalment kandidati tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni f’programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista’ jagħti lok li jkun hemm approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/162/KE, Euratom tal-5 ta’ Marzu 2007 li tistabbilixxi Strument Finanzjarju għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 71, 10.3.2007, p. 9).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/ 779/EC, Euratom tat-8 ta’ Novembru 2007 li tistabbilixxi Mekkaniżmu Komunitarju tal-Protezzjoni Ċivili (imfassla mill-ġdid) (ĠU L 314, 1.12.2007, p. 9).

# Titolu 24 — IL-ĠLIEDA KONTRA L-FRODI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 24 01 | NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TAL-POLITIKA “IL-ĠLIEDA KONTRA L-FRODI” | 5 | 58 310 000 | 58 310 000 | 57 392 000 | 57 392 000 | 55 514 280,71 | 55 514 280,71 |
| 24 02 | IL-ĠLIEDA KONTRA L-FRODI | | 21 700 000 | 17 250 000 | 21 450 000 | 16 676 792 | 21 912 539,84 | 16 809 815,24 |
| | **Titolu 24 — Total** | | **80 010 000** | **75 560 000** | **78 842 000** | **74 068 792** | **77 426 820,55** | **72 324 095,95** |

## KAPITOLU 24 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TAL-POLITIKA "IL-ĠLIEDA KONTRA L-FRODI"

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 24 01 | NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TAL-POLITIKA "IL-ĠLIEDA KONTRA L-FRODI" | | | | | |
| ***24 01 06*** | ***L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)*** | 5 | 58 310 000 | 57 392 000 | 55 514 280,71 | 95,21 % |
| | **Kapitolu 24 01 — Total** | | **58 310 000** | **57 392 000** | **55 514 280,71** | **95,21 %** |

### *Artikolu 24 01 06 — L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 58 310 000 | 57 392 000 | 55 514 280,71 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri nefqa dwar l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), inkluż għall-persunal tal-OLAF impjegat mad-delegazzjonijiet tal-Unjoni, li l-għan tiegħu huwa li jiġġieled il-frodi fi ħdan qafas interistituzzjonali.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(e) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 65 000.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/352/EC, KEFA, Euratom of 28 April 1999 li twaqqaf l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) (ĠU L 136, 31.5.1999, p. 20), u b'mod partikolari l-Artikolu 4 u l-Artikolu 6(3) tiegħu.

Ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar l-investigazzjonijiet li saru mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) (ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 tal-25 ta' Mejju 1999 dwar l-investigazzjonijiet li saru mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) (ĠU L 136, 31.5.1999, p. 8), u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tiegħu.

## KAPITOLU 24 02 — IL-ĠLIEDA KONTRA L-FRODI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 24 02 | IL-ĠLIEDA KONTRA L-FRODI | | | | | | | | |
| ***24 02 01*** | ***Programmi operattivi fil-ġlieda kontra l-frodi*** | 1.1 | 14 000 000 | 10 650 000 | 14 250 000 | 10 524 112 | 13 483 651,73 | 9 551 461,42 | 89,69 % |
| ***24 02 02*** | ***Pericles*** | 1.1 | 1 000 000 | 900 000 | 1 000 000 | 866 425 | 998 233,20 | 649 626,74 | 72,18 % |
| ***24 02 03*** | ***Sistema ta' tagħrif għal kontra l-frodi (AFIS)*** | 1.1 | 6 700 000 | 5 700 000 | 6 200 000 | 4 536 255 | 5 930 654,91 | 6 608 727,08 | 115,94 % |
| ***24 02 04*** | ***Proġett Pilota - Żvilupp ta' Mekkaniżmu ta' Valutazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-Antikorruzzjoni, b'enfasi partikolari fuq l-identifikazzjoni u t-tnaqqis tal-ispejjeż tal-korruzzjoni fl-Akkwist Pubbliku li jinvolvi l-Fondi tal-Unjoni*** | 5 | p.m. | p.m. | p.m. | 750 000 | 1 500 000,00 | 0,— | |
| | **Kapitolu 24 02 — Total** | | **21 700 000** | **17 250 000** | **21 450 000** | **16 676 792** | **21 912 539,84** | **16 809 815,24** | **97,45 %** |

## *Artikolu 24 02 01 — Programmi operattivi fil-ġlieda kontra l-frodi*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 14 000 000 | 10 650 000 | 14 250 000 | 10 524 112 | 13 483 651,73 | 9 551 461,42 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba li tkopri l-azzjonijiet jew l-attivitajiet organizzati fil-qafas tal-programm Hercule II fil-qasam tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, inkluż il-qasam tal-prevenzjoni ta', u tal-ġlieda kontra, il-kutrabandu u l-iffalsifikar tas-sigaretti.

Din l-approprjazzjoni tkopri:

— l-iżvilupp u t-titjib tal-metodi ta' investigazzjoni u r-riżorsi tekniċi fil-ġlieda kontra l-frodi, u t-titjib fil-kwalità tas-sostenn tekniku u operattiv għall-investigazzjonijiet partikolararment għall-assistenza teknika lill-awtoritajiet nazzjonali involuti fil-ġlieda kontra l-frodi, inkluża l-ġlieda kontra l-kutrabandu tas-sigaretti,

— il-promozzjoni u t-titjib fil-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Unjoni u bejn il-professjonisti u l-akkademiċi,

— il-forniment tal-informazzjoni u s-sostenn għal attivitajiet relatati mal-aċċess tad-data.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, jekk ikun applikabbli mill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok li jkun hemm approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritjiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

Ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar l-investigazzjonijiet li saru mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) (ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) (ĠU L 136, 31.5.1999, p. 8).

Id-Deċiżjoni Nru 804/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni biex jippromwovi attivitajiet fil-qasam tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji Komunitarji (il-programm "Erkole") (ĠU L 143, 30.4.2004, p. 9).

## *Artikolu 24 02 02 — Pericles*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 1 000 000 | 900 000 | 1 000 000 | 866 425 | 998 233,20 | 649 626,74 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tiffinanzja l-programm Pericles għat-taħriġ, l-iskambju u l-għajnuna għall-ħarsien tal-euro kontra l-frodi.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/923/KE tas-17 ta' Diċembru 2001 li tistabbilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar (il-programm "Pericles") (ĠU L 339, 21.12.2001, p. 50).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/924/KE tas-17 ta' Diċembru 2001 li testendi l-effetti tad-Deċiżjoni li tistabbilixxi skambju, għajnuna u programm ta'taħriġ għhall-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar (il-programm "Pericles") għall-Istati Membri li għadhom m'addotawx l-euro bħala l-munita umika (ĠU L 339, 21.12.2001, p. 55).

*Atti ta' referenza*

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Lulju 1998 lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Bank Ċentrali Ewropew bit-titolu, "Il-Protezzjoni tal-Euro — Il-Ġlieda kontra l-Iffalsifikar" (COM(1998)0474).

Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Novembru 1998 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Bank Ċentrali Ewropew, "Il-Protezzjoni tal-Euro — Il-Ġlieda kontra l-Iffalsifikar" (ĠU C 379, 7.12.1998, p. 39).

## *Artikolu 24 02 03 — Sistema ta' tagħrif għal kontra l-frodi (AFIS)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 6 700 000 | 5 700 000 | 6 200 000 | 4 536 255 | 5 930 654,91 | 6 608 727,08 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-ispiża ta' studji ta' vijabbiltà u l-iżvilupp u l-produzzjoni ta' programmi tal-kompjuter ġodda, maħsuba apposta għall-ġlieda kontra l-frodi li jkunu jiffurmaw l-infrastruttura tas-Sistema ta' tagħrif anti-frodi (AFIS). L-AFIS hija maħsuba biex tkun ta' sostenn għall-awtoritajiet kompetenti fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra attivitajiet frawdolenti ta' ħsara għall-baġit ġenerali tal-Unjoni billi tiżgura l-iskambju malajr u sigur ta' tagħrif bejn l-awtoritajiet relevanti fl-Istati Membri u bejnhom u l-Kummissjoni.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 515/97 tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 1997 dwar għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni bejn dawn tal-aħħar u l-Kummissjoni biex ikun assigurat l-applikar korrett tal-liġi dwar materji doganali u agrikoli (ĠU L 82, 22.3.1997, p.1), u speċjalment l-Artikolu 23 tiegħu.

## *Artikolu 24 02 04 — Proġett Pilota - Żvilupp ta' Mekkaniżmu ta' Valutazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-Antikorruzzjoni, b'enfasi partikolari fuq l-identifikazzjoni u t-tnaqqis tal-ispejjeż tal-korruzzjoni fl-Akkwist Pubbliku li jinvolvi l-Fondi tal-Unjoni*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | 750 000 | 1 500 000,00 | 0,— |

*Kummenti*

Kif previst fil-Pjan ta' Azzjoni li jimplimenta l-Programm ta' Stokkolma, il-Kummissjoni qed tqis il-possibilità li tippreżenta "Komunikazzjoni dwar politika komprensiva kontra l-korruzzjoni fl-Istati Membri, inkluż it-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' valutazzjoni kif ukoll il-preżentazzjoni ta' modalitajiet ta' kooperazzjoni mal-Grupp ta' Stati tal-Kunsill tal-Ewropa kontra l-Korruzzjoni (GRECO) għal dan l-għan".

Il-politika kontra l-korruzzjoni u l-mekkaniżmu ta' valutazzjoni fil-livell tal-Unjoni jissodisfaw: (i) il-perċezzjoni pubblika madwar l-Unjoni (Ewrobarometri 2007 u 2009: 'il fuq minn 75 % taċ-ċittadini Ewropej qiesu li l-korruzzjoni tirrappreżenta problema maġġuri fl-Istat Membru tagħhom), u (ii) l-aspettattivi għoljin tal-pubbliku għal tisħiħ fl-azzjoni tal-Unjoni (konsultazzjoni pubblika għall-Programm ta' Stokkolma: 88 % taċ-ċittadini kkonsultati kienu jeħtieġu iktar azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-antikorruzzjoni).

Pass konkret lejn it-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' valutazzjoni huwa proġett pilota b'enfasi partikolari fuq l-akkwist pubbliku li jinvolvi l-fondi tal-Unjoni li jkun jista' jidentifika indikaturi ta' korruzzjoni fil-qasam tal-akkwist pubbliku, jittestjahom f'numru limitat ta' Stati Membri u jkejjel l-ispejjeż tal-korruzzjoni f'oqsma partikolari. Din l-enfasi partikolari fil-proġett pilota hija meħtieġa minħabba d-daqs kbir tal-fondi tal-Unjoni ikkonċernati madwar l-Unjoni u minħabba l-fatt li l-akkwist pubbliku jikkostitwixxi qasam żviluppat tal-acquis, li fih il-kompetenza tal-Unjoni hija stabbilita sew.

Meta jitqies li l-korruzzjoni kellha rwol importanti fil-kriżi finanzjarja u li qed tostakola l-irkupru, il-proġett pilota u l-azzjoni mill-Unjoni huma saħansitra iktar urġenti.

Bħala prerekwiżit, komponent ta' riċerka fil-proġett pilota jista' jagħti spinta lis-sejba ta' definizzjonijiet komuni tal-korruzzjoni fil-qasam tal-akkwist pubbliku, sabiex id-data fid-diversi Stati Membri tkun tista' titqabbel, u jkunu jistgħu jiġu identifikati l-ispejjeż dovuti għall-korruzzjoni fuq bażi ta' kriterji komuni.

Il-proġett pilota jista' jiġi implimentat f'għadd limitat ta' Stati Membri, magħżula abbażi ta' jekk ir-riżultati jkunux rilevanti għas-segwitu fil-livell tal-Unjoni u għall-politika futura tal-Unjoni u l-azzjoni leġiżlattiva. Is-sejbiet tal-proġett pilota mbagħad ikunu jistgħu jixxerrdu madwar l-Unjoni.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p.1)

# TITOLU 25 — KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KUMMISSJONI U KONSULENZA LEGALI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 25 01 | NEFQA AMMINISTRATTIVA GĦALL-QASAM TA' POLITIKA "KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KUMMISSJONI U KONSULENZA LEGALI" | 5 | 191 620 521 | 192 620 521 | 189 627 357 | 188 627 357 | 193 123 672,13 | 193 743 826,23 |
| 25 02 | RELAZZJONIJIET MAS-SOĊJETÀ ĊIVILI, TRASPARENZA U INFORMAZZJONI | 5 | 4 006 000 | 4 006 000 | 3 953 000 | 3 953 000 | 4 328 097,03 | 4 686 725,45 |
| | **Titolu 25 — Total** | | **195 626 521** | **196 626 521** | **193 580 357** | **192 580 357** | **197 451 769,16** | **198 430 551,68** |

# KAPITOLU 25 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA GĦALL-QASAM TA' POLITIKA "KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KUMMISSJONI U KONSULENZA LEGALI"

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 25 01 | NEFQA AMMINISTRATTIVA GĦALL-QASAM TA' POLITIKA "KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KUMMISSJONI U KONSULENZA LEGALI" | | | | | | | | |
| ***25 01 01*** | ***Nefqa konnessa ma' persunal f'impjieg attiv fil-qasam ta' politika tal-"koordinazzjoni tal-politika tal-Kummissjoni u konsulenza legali"*** | | | | | | | | |
| 25 01 01 01 | Nefqa konnessa ma' staff f'impjieg attiv fil-qasam ta' politika tal-'koordinazzjoni tal-politika tal-Kummissjoni u konsulenza legali' | 5 | 144 255 495 | 144 255 495 | 141 332 506 | 141 332 506 | 142 455 473,86 | 142 455 473,86 | 98,75 % |
| 25 01 01 03 | Salarji, konċessjonijiet u ħlasijiet ta' Membri tal-istituzzjoni | 5 | 9 685 000 | 9 685 000 | 9 248 000 | 9 248 000 | 9 052 440,17 | 9 052 440,17 | 93,47 % |
| | *Artikolu 25 01 01 — Sub-total* | | 153 940 495 | 153 940 495 | 150 580 506 | 150 580 506 | 151 507 914,03 | 151 507 914,03 | 98,42 % |
| ***25 01 02*** | ***Nefqa għal persunal estern u nefqa oħra relatata mat-tmexxija li hija konnessa mal-qasam tal-"Koordinazzjoni tal-politika tal-Kummissjoni u konsulenza legali"*** | | | | | | | | |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 25 01 02 01 | Persunal estern tal-qasam ta’ politika ‘Koordinazzjoni tal-politika tal-Kummissjoni u konsulenza legali’ | 5 | 6 324 516 | 6 324 516 | 6 339 934 | 6 339 934 | 5 771 714,44 | 5 771 714,44 | 91,26 % |
| 25 01 02 03 | Konsulenti speċjali | 5 | 844 000 | 844 000 | 609 000 | 609 000 | 628 200,00 | 628 200,00 | 74,43 % |
| 25 01 02 11 | Nefqa oħra għal tmexxija għall-qasam ta’ politika ‘Koordinazzjoni tal-politika tal-Kummissjoni u konsulenza legali’ | 5 | 12 841 109 | 12 841 109 | 12 133 119 | 12 133 119 | 15 222 493,27 | 15 222 493,27 | 118,55 % |
| 25 01 02 13 | Nefqa oħra għal tmexxija tal-Membri tal-istituzzjoni | 5 | 4 405 000 | 4 405 000 | 4 325 000 | 4 325 000 | 4 400 327,21 | 4 400 327,21 | 99,89 % |
| | *Artikolu 25 01 02 — Sub-total* | | 24 414 625 | 24 414 625 | 23 407 053 | 23 407 053 | 26 022 734,92 | 26 022 734,92 | 106,59 % |
| ***25 01 03*** | ***Nefqa relatata ma’ apparat u servizzi tat-Teknoloġija tal-Informatika u Komunikazzjoni tal-qasam ta’ politika “Koordinazzjoni tal-politika tal-Kummissjoni u konsulenza legali"*** | 5 | 8 965 401 | 8 965 401 | 9 008 798 | 9 008 798 | 10 710 552,06 | 10 710 552,06 | 119,47 % |
| ***25 01 06*** | ***Regolamentazzjoni aħjar u żvilupp istituzzjonali*** | | | | | | | | |
| 25 01 06 01 | Bord tal-Valutazzjoni tal-Impatt | 5 | p.m. | p.m. | 1 000 | 1 000 | 0,— | 0,— | |
| | *Artikolu 25 01 06 — Sub-total* | | p.m. | p.m. | 1 000 | 1 000 | 0,— | 0,— | |
| ***25 01 07*** | ***Kwalità tal-leġiżlazzjoni*** | | | | | | | | |
| 25 01 07 01 | Kodifikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni/Komunità | 5 | 600 000 | 600 000 | 930 000 | 930 000 | 400 000,00 | 400 000,00 | 66,67 % |
| | *Artikolu 25 01 07 — Sub-total* | | 600 000 | 600 000 | 930 000 | 930 000 | 400 000,00 | 400 000,00 | 66,67 % |
| ***25 01 08*** | ***Konsulenza legali, litigazzjonijiet u infrazzjonijiet*** | | | | | | | | |
| 25 01 08 01 | Spejjeż legali | 5 | 3 700 000 | 3 700 000 | 3 700 000 | 3 700 000 | 4 482 471,12 | 4 482 471,12 | 121,15 % |
| | *Artikolu 25 01 08 — Sub-total* | | 3 700 000 | 3 700 000 | 3 700 000 | 3 700 000 | 4 482 471,12 | 4 482 471,12 | 121,15 % |
| ***25 01 09*** | ***Proġett Pilota — Sistema interistituzzjonali għall-identifikazzjoni ta' xejriet fit-tul*** | 5 | — | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 620 154,10 | |
| ***25 01 10*** | ***Azzjoni ta' thejjija - Sistema interistituzzjonali li tidentifika x-xejriet fit-tul*** | 5 | p.m. | 1 000 000 | 2 000 000 | 1 000 000 | | | |
| | **Kapitolu 25 01 — Total** | | **191 620 521** | **192 620 521** | **189 627 357** | **188 627 357** | **193 123 672,13** | **193 743 826,23** | **100,58 %** |

## *Artikolu 25 01 01 — Nefqa konnessa ma’ persunal f’impjieg attiv fil-qasam ta’ politika tal-“koordinazzjoni tal-politika tal-Kummissjoni u konsulenza legali”*

### Partita 25 01 01 01 — Nefqa konnessa ma’ staff f’impjieg attiv fil-qasam ta’ politika tal-‘koordinazzjoni tal-politika tal-Kummissjoni u konsulenza legali’

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 144 255 495 | 141 332 506 | 142 455 473,86 |

### Partita 25 01 01 03 — Salarji, konċessjonijiet u ħlasijiet ta’ Membri tal-istituzzjoni

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 9 685 000 | 9 248 000 | 9 052 440,17 |

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni maħsuba biex tkopri:

— is-salarji bażiċi tal-Membri tal-Kummissjoni,

— l-allowances tar-residenza tal-Membri tal-Kummissjoni,

— l-allowances tal-familja tal-Membri tal-Kummissjoni, li jikkomprendu:

  — l-allowance tad-dar,

  — l-allowance tat-tfal dipendenti,

  — l-allowance tal-edukazzjoni,

  — l-allowances tar-rappreżentazzjoni tal-Membri tal-Kummissjoni,

  — il-kontribuzzjoni ta' min iħaddem għal assikurazzjoni kontra l-mard u l-inċidenti kkawżati fuq il-post tax-xogħol għal Membri tal-Kummissjoni,

  — il-kontribuzzjoni ta' min iħaddem għal assikurazzjoni kontra l-mard għal *ex* Membri tal-Kummissjoni,

  — għotjiet tat-twelid,

  — fil-każ ta' mewt ta' Membru tal-Kummissjoni:

    — ir-remunerazzjoni sħiħa tal-mejjet sal-aħħar tat-tielet xahar wara dak meta tkun seħħet il-mewt,

    — l-ispejjeż tat-trasport tal-ġisem lejn il-post ta' oriġini tad-deċedut,

  — l-ispiża ta' weightings applikati għall-emolumenti u konċessjonijiet tranżitorji,

  — l-ispiża ta' weighting applikat għal parti tal-emolumenti trasferiti lejn pajjiż li mhux il-pajjiż tal-impjieg,

  — l-ispiża ta' kull aġġustament għar-remunerazzjoni, konċessjonijiet tranżitorji u pensjonijiet approvati mill-Kunsill matul is-sena finanzjarja.

Din l-approprijazzjoni maħsuba wkoll biex titqies kull approprijazzjoni li tista' tkun meħtieġa biex jiġu koperti:

— spejjeż tal-ivvjaġġar dovuti lill-Membri tal-Kummissjoni (inkluż il-familji tagħhom) meta jibdew dmirijiethom jew meta jħallu l-istituzzjoni,

— konċessjonijiet tal-insedjament u spustar dovuti lill-Membri tal-Kummissjoni meta jibdew dmirijiethom jew iħallu l-istituzzjoni,

— spejjeż tal-ġarr dovuti lill-Membri tal-Kummissjoni meta jibdew dmirijiethom jew iħallu l-istituzzjoni.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom tal-Kunsill tal-25 ta' Lulju 1967 li jistabbilixxi l-emolumenti tal-President u l-Membri tal-Kummissjoni, tal-President, l-Imħallfin, l-Avukati Ġenerali u r-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-President, il-Membri u r-Reġistratur tat-Tribunal tal-Prim'Istanza u tal-President, il-Membri u r-Reġistratur tat-Tribunal tas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (ĠU 187, 8.8.1967, p. 1), u partikolarment l-Artikoli 2, 3, 4a, 4b, 5, 11 u 14.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 fuq ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 25 01 02 — Nefqa għal persunal estern u nefqa oħra relatata mat-tmexxija li hija konnessa mal-qasam tal-"Koordinazzjoni tal-politika tal-Kummissjoni u konsulenza legali"*

### Partita 25 01 02 01 — Persunal estern tal-qasam ta' politika 'Koordinazzjoni tal-politika tal-Kummissjoni u konsulenza legali'

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 6 324 516 | 6 339 934 | 5 771 714,44 |

## Partita 25 01 02 03 — Konsulenti speċjali

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 844 000 | 609 000 | 628 200,00 |

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni maħsuba biex tkopri r-remunerazzjoni ta’ konsulenti speċjali, l-ispejjeż tal-missjoni tagħhom u l-kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni kontra l-inċidenti tal-istituzzjoni.

*Bażi ġuridika*

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

## Partita 25 01 02 11 — Nefqa oħra għal tmexxija għall-qasam ta’ politika ‘Koordinazzjoni tal-politika tal-Kummissjoni u konsulenza legali’

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 12 841 109 | 12 133 119 | 15 222 493,27 |

## Partita 25 01 02 13 — Nefqa oħra għal tmexxija tal-Membri tal-istituzzjoni

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 4 405 000 | 4 325 000 | 4 400 327,21 |

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni maħsuba biex tkopri:

- spejjeż tal-ivvjaġġar , konċessjonijiet ta’ sussistenza ta’ kuljum u nefqa addizzjonali jew eċċezzjonali magħmula waqt missjoni,
- nefqa għall-obbligi tal-Kummissjoni għall-intratteniment u r-rappreżentazzjoni (din in-nefqa tista’ ssir individwalment mill-membri tal-Kummissjoni fil-qadi ta’ dmirijiethom bħala parti mill-attivitajiet tal-istituzzjoni).

Ikunu disponibbli bħala dħul assenjat rifużjonijiet tal-ispejjeż tal-missjoni mħallsa għall-istituzzjonijiet jew korpi oħra tal-Unjoni u għal terzi.

L-ammont ta’ dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(e) sa (j), tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu ta’ EUR 20 000.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom tal-Kunsill tal-25 ta’ Lulju 1967 li jistabilixxi l-emolumenti tal-President u l-Membri tal-Kummissjoni, tal-President, l-Imħallfin, l-Avukati Ġenerali u r-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-President, il-Membri u r-Reġistratur tal-Qorti ta’ Prim’ Istanza u l-President, il-Membri u r-Reġistratur tat-Tribunal tal-Unjoni Ewropea għas-Servizz Pubbliku (ĠU L 187, 8.8.1967, p. 1), u b’mod partikolari l-Artikolu 6 tiegħu.

Il-Komunikazzjoni tal-President tal-Kummissjoni Nru SEC(2004)1487 dwar il-Kodiċi ta’ Kondotta għall-Kummissarji.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru C(2007)3494 tat-18 ta’ Lulju 2007 dwar ir-Regolament dwar l-ispejjeż ta’ rappreżentanza u divertiment magħmula mill-Kummissjoni, il-President jew il-Kummissarji.

### *Artikolu 25 01 03 — Nefqa relatata ma’ apparat u servizzi tat-Teknoloġija tal-Informatika u Komunikazzjoni tal-qasam ta’ politika “Koordinazzjoni tal-politika tal-Kummissjoni u konsulenza legali"*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 8 965 401 | 9 008 798 | 10 710 552,06 |

### *Artikolu 25 01 06 — Regolamentazzjoni aħjar u żvilupp istituzzjonali*

#### Partita 25 01 06 01 — Bord tal-Valutazzjoni tal-Impatt

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | 1 000 | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija intiża biex tiffinanzja l-istudji speċjalizzati, il-konsultazzjonijiet, il-laqgħat u l-attivitajiet dwar il-kumitat tal-analiżi tal-impatt.

### *Artikolu 25 01 07 — Kwalità tal-leġiżlazzjoni*

#### Partita 25 01 07 01 — Kodifikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni/Komunità

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 600 000 | 930 000 | 400 000,00 |

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni maħsuba biex tkopri nefqa dwar il-kodifikazzjoni u l-abbozzar ġdid tal-istrumenti tal-Unjoni/Komunità.

### *Artikolu 25 01 08 — Konsulenza legali, litigazzjonijiet u infrazzjonijiet*

#### Partita 25 01 08 01 — Spejjeż legali

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 3 700 000 | 3 700 000 | 4 482 471,12 |

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni hija intiża biex tkopri l-infiq legali preliminari, ir-rikors għall-medjazzjoni u għall-għajnuna ta’ avukati jew esperti oħra li jissejħu biex jagħtu parir lill-Kummissjoni.

Tkopri wkoll spejjeż mogħtija kontra l-Kummissjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jew qrati oħra.

L-ammont ta’ dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(e) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 250 000.

## *Artikolu 25 01 09 — Proġett Pilota — Sistema interistituzzjonali għall-identifikazzjoni ta' xejriet fit-tul*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 620 154,10 |

*Kummenti*

L-għan ta' dan il-proġett pilota huwa li titwaqqaf sistema interistituzzjonali li tidentifika x-xejriet fit-tul dwar kwistjonijiet ewlenin ta' politika li tħabbat wiċċha magħhom l-Unjoni. Din is-sistema għandha tipprovdi analiżi komuni tar-riżultati probabbli dwar kwistjonijiet fit-tul li għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' dawk li jfasslu l-politika; din għandha tiġi kkoordinata bejn il-Parlament (bid-dipartimenti tal-politika involuti), il-Kunsill u l-Kummissjoni, bl-użu tal-Istitut tal-Unjoni Ewropea għall-Istudji tas-Sigurtà (EUISS) li diġà huwa stabbilit sew, bħala l-qalba tas-sistema. Din is-sistema għandha tiġi stabbilita minnufih sabiex sal-2012 tkun qed topera bis-sħiħ.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 25 01 10 — Azzjoni ta' tħejjija - Sistema interistituzzjonali li tidentifika x-xejriet fit-tul*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| p.m. | 1 000 000 | 2 000 000 | 1 000 000 | |

*Kummenti*

L-għan ta' din l-azzjoni ta' tħejjija huwa li titwaqqaf sistema interistituzzjonali li tidentifika x-xejriet fit-tul dwar kwistjonijiet ewlenin ta' politika li tħabbat wiċċha magħhom l-Unjoni Ewropea. L-intenzjoni hija li tipprovdi analiżi komuni tar-riżultati probabbli dwar kwistjonijiet ewlenin li għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' dawk li jfasslu l-politika. Barra minn hekk, biex jinkiseb dan il-għan, ikun xieraq li jiġi analizzat fid-dettall it-tfassil ta' mekkaniżmi speċifiċi għall-promozzjoni ta' kooperazzjoni ta' xogħol aktar mill-qrib fost id-dipartimenti ta' riċerka tal-istituzzjonijiet u l-korpi differenti tal-Unjoni li xogħlhom hu li janalizzaw xejriet politiċi fuq perjodu ta' żmien medju u fit-tul.

L-għan ta' din l-azzjoni ta' tħejjija huwa li:

- tinħoloq Sistema Ewropea ta' Analiżi tal-Istrateġija u l-Politika (ESPAS) mal-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni sal-2014 fuq il-bażi ta' proposta eventwali proposta mill-Kummissjoni Ewropea (l-Artikolu 49 tar-regolament finanzjarju). L-EUISS għandu jkompli jipprovdi faċilitajiet u appoġġ tekniku sakemm is-sistema tkun operazzjonali;
— it-tiġdid ta' bini, eżempju alterazzjonijiet għall-*partitioning*, alterazzjonijiet għall-istallazzjonijiet tekniċi u xogħol ieħor speċjalizzat fuq is-serraturi, tagħmir elettriku, *plumbing*, tibjid, għata tal-art, eċċ., u l-ispiża tat-tibdiliet għall-kablaġġ assoċjat mat-tagħmir, u l-ispiża tat-tagħmir meħtieġ (qabel kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 huma mġedda jew konklużi, u biex in-nefqa tkun razzjonalizzata, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-istituzzjonijiet l-oħra fir-rigward tal-kundizzjonijiet (prezz, valuta magħżula, indiċjar, durata, klawżoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minnhom għal kuntratt simili),

— nefqiet relatati mas-saħħa u s-sigurta ta' individwi fuq ix-xogħol, partikolarment ix-xiri, il-kiri u ż-żamma ta' tagħmir tat-tifi tan-nar, is-sostituzzjoni ta' tagħmir ta' uffiċjali li jagħtu l-ewwel għajnuna f'każ ta' nar, l-ispejjeż għal taħriġ u spezzjonijiet statutorji (qabel it-tiġdid jew il-konklużjoni ta' kuntratt għal ammont li jaqbeż it-EUR 300 000, u bil-għan tar-razzjonalizzazzjoni tan-nefqa, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-istituzzjonijiet l-oħrajn fir-rigward tal-kundizzjonijiet (prezz, il-munita magħżula, l-indiċjar, it-tul ta' żmien, klawżoli oħrajn) li kull wieħed minnhom ikun kiseb għal kuntratt simili),

— nefqiet relatati ma' xogħol ta' verifika dwar l-aċċessibilita tal-bini għal persuni b'diżabilita u/jew mobilita mnaqqsa u l-introduzzjoni ta' adattamenti neċessarji bħala segwitu għal verifika ta' dan it-tip sabiex il-bini jsir kompletament aċċessibbli għall-viżitaturi kollha,

— l-ispejjeż ta' konsultazzjoni legali, finanzjarja u teknika qabel l-akkwist, il-kera jew il-kostruzzjoni ta' bini,

— nefqa oħra fuq bini, partikolarment drittijiet ta' ġestjoni għall-bini b'ħafna inkwilini, spejjeż tas-*surveys* tal-postijiet u spejjeż għall-utilitajiet (knis tat-toroq u manutenzjoni, ġbir tal-iskart, eċċ.),

— miżati għal assistenza teknika dwar operazzjoni ewlenin ta' irranġar ta' bini.

Approprjazzjonijiet biex ikopru n-nefqa ekwivalenti fir-rigward ta' riċerka jiddaħħlu taħt diversi partiti fl-Artikolu 01 05 tat-titoli konċernati.

Din l-approprjazzjoni tkopri nefqa li tkun saret fit-territorju tal-Unjoni, barra uffiċċji ta' rappreżentanza tal-Kummissjoni fl-Unjoni, li n-nefqa għalihom hija mdaħħla fil-Punt 16 01 03 03.

Id-dħul minn kontribuzzjonijiet mill-Istati tal-EFTA għall-ispejjeż ġenerali tal-Unjoni skont l-Artikoli 76 u 82 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea jirriżulta f'approprjazzjonijiet addizzjonali li jridu jiddaħħlu fil-linji tal-baġit ikkonċernati skont ir-Regolament Finanzjarju. L-ammont ta' dħul bħal dan hu stmat li hu EUR 44 755.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1) minn (e) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju hu stmat li jlaħħaq il-EUR 270 000.

*Bażi ġuridika*

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurta u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurta għax-xogħol b'tagħmir li għandu *display screen* (il-ħames Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 87/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Ombudsman Ewropew tal-4 ta' Lulju 2007 fl-inkjesta fuq inizjattiva tiegħu OI/3/2003/JMA dwar il-Kummissjoni Ewropea.

## Partita 26 01 23 04 — Nefqa għall-apparat u l-għamara fil-Lussemburgu

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 1 087 000 | 1 087 000 | 975 719,04 |

*Kummenti*

*Partita ta' qabel 26 01 23 04 u partita ta' qabel XX 01 03 01 (in parti)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja li ssir fit-territorju tal-Unjoni:

- ix-xiri, il-kiri jew il-leasing, il-manutenzjoni, it-tiswija, l-istallazzjoni u t-tiġdid ta' tagħmir tekniku u stallazzjonijiet, u partikolarment:
  - tagħmir (inklużi *photocopiers*) għall-produzzjoni, riproduzzjoni u arkivjar tad-dokumenti f'kull forma (karta, mezzi elettroniċi, eċċ.),
  - tagħmir awdjoviżiv, tal-librerija u għall-interpretazzjoni (kabini, headsets u unitajiet tal-iswiċċijiet għall-faċilitajiet ta' interpretazzjoni simultanja, eċċ.),
  - attrezzaturi tal-kċina u tagħmir tar-ristoranti,
  - diversi għodod għall-ħwienet tal-manutenzjoni tal-bini,
  - faċilitajiet meħtieġa għall-uffiċjali b'diżabilita,
  - studji, dokumentazzjoni u taħriġ dwar dan it-tagħmir (qabel kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 huma mġedda jew konklużi, u biex in-nefqa tkun razzjonalizzata, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-istituzzjonijiet l-oħra fir-rigward tal-kundizzjonijiet (prezz, valuta magħżula, indiċjar, durata, klawżoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minnhom għal kuntratt simili),
- ix-xiri, il-kiri, il-manutenzjoni, it-tiswija ta' vetturi, u b'mod partikolari:
  - xiri ta' vetturi ġodda, inkluża għallinqas vettura waħda adattata għat-trasport ta' persuni b'mobilita mnaqqsa,
  - il-bdil ta' vetturi li, matul is-sena, għamlu tant mili li l-bdil tagħhom huwa ġustifikat,
  - l-ispiża ta' kiri ta' karozzi għal perjodi qosra jew twal meta d-domanda taqbeż il-kapaċita tal-flotta ta' vetturi, jew meta l-flotta tal-vetturi ma tissodisfax il-bżonnijiet ta' passiġġieri b'mobilita mnaqqsa,
  - l-ispiża tal-manutenzjoni, it-tiswija u l-assigurazzjoni ta' vetturi uffiċjali (karburant, lubrifikanti, tajers, tubi ta' ġewwa, provvisti mixxelanji, *spare parts*, għodod, eċċ.),
  - diversi tipi ta' assigurazzjoni (b'mod partikolari responsabilita għall-terzi persuni u l-assigurazzjoni kontra s-serq) u l-ispejjeż tal-assigurazzjoni msemmija fl-Artikolu 75 tar-Regolament Finanzjarju,
- ix-xiri, il-kiri, il-manutenzjoni, u t-tiswija ta' għamara, u partikolarment:
  - ix-xiri ta' għamara tal-uffiċċju u għamara speċjalizzata, inkluż għamara ergonomika, xkaffar għall-arkivji, eċċ,
  - il-bdil ta' għamara mherrija u mkissra,
  - provvista ta' tagħmir speċjali għal-libreriji (indiċijiet tal-karti, xkaffar, unitajiet tal-katalogar, eċċ.),
  - il-kiri ta' għamara,
  - manutenzjoni tal-għamara spejjeż tat-tiswija (qabel kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 huma mġedda jew konklużi, u biex in-nefqa tkun razzjonalizzata, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-istituzzjonijiet l-oħra fir-rigward tal-kundizzjonijiet (prezz, valuta magħżula, indiċjar, durata, klawżoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minnhom għal kuntratt simili),
- l-infiq fuq tagħmir tax-xogħol, u l-aktar:
  - ix-xiri ta' uniformijiet għall-messaġġiera u x-xufiera,
  - ix-xiri u t-tindif ta' ħwejjeġ tax-xogħol partikolarment għan-nies li jaħdmu fil-*workshops* u għal dawk li għandhom jagħmlu xogħlijiet fejn jeħtieġu protezzjoni kontra l-maltemp jew il-kesħa, *wear and tear* mhux normali u tbajja',
  - xiri jew rimbors tal-kost ta' kull tagħmir li jista' jkun meħtieġ bis-saħħa tad-Direttivi tal-Kunsill 89/391/KEE u 90/270/KEE,

Approprjazzjonijiet biex ikopru n-nefqa ekwivalenti fir-rigward ta' riċerka jiddaħħlu taħt diversi partiti fl-Artikolu 01 05 tat-titoli

konċernati.

Din l-approprjazzjoni tkopri nefqa li tkun saret fit-territorju tal-Unjoni, barra uffiċċji ta' repreżentazzjoni tal-Kummissjoni fl-Unjoni, li n-nefqa għalihom hija mdaħħla fil-Punt 16 01 03 03.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1) minn (e) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju hu stmat li jlaħħaq iż-EUR 32 000.

*Bażi ġuridika*

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 fuq id-dħul ta' miżuri biex jinkuraġġixxu t-titjib fis-sigurta u s-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurta għax-xogħol b'tagħmir li għandu display screen (il-ħames Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 87/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

Id-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali (ĠU L 134, 30.4.2004, p. 1).

Id-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004, fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi (ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114).

## Partita 26 01 23 05 — Servizzi, fornimenti u nefqa operattiva oħra fil-Lussemburgu

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 1 034 000 | 1 019 036 | 1 512 407,68 |

*Kummenti*

*Partita ta' qabel 26 01 23 05 u partita ta' qabel XX 01 03 01 (in parti)*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja li ssir fit-territorju tal-Unjoni:

- tneħħijiet, ri-organizzazzjonijiet u immaniġġar dipartimentali (it-teħid tat-twassil, il-ħażna, it-twassil) b'rabta ma' tagħmir, għamara u provvisti tal-uffiċċju,
- nefqa għall-ispejjeż postali u tal-konsenja għall-posta ordinarja, għar-rapporti u pubblikazzjonijiet, fuq pakketti postali u oħrajn mibgħuta bl-ajru, bil-baħar jew bil-ferrovija, u bil-posta interna tal-Kummissjoni,
- nefqa għax-xiri ta' karti, invilops, provvisti tal-uffiċċju u provvisti oħra għall-istamperiji, u għal xi stampar li jsir minn fornituri ta' barra.

Approprjazzjonijiet biex ikopru n-nefqa ekwivalenti fir-rigward ta' riċerka jiddaħħlu taħt diversi partiti fl-Artikolu 01 05 tat-titoli konċernati.

Din l-approprjazzjoni tkopri nefqa li tkun saret fit-territorju tal-Unjoni, barra uffiċċji ta' rappreżentanza tal-Kummissjoni fl-Unjoni, li n-nefqa għalihom hija mdaħħla fil-Punt 16 01 03 03.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1) minn (e) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju hu stmat li jlaħħaq il-EUR 100 000.

*Bażi ġuridika*

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 fuq id-dħul ta' miżuri biex jinkuraġġixxu t-titjib fis-sigurta u s-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurta għax-xogħol b'tagħmir li għandu *display screen* (il-ħames Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 87/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

Partita 26 01 23 06 — Nefqa li għandha x'taqsam mal-għassa ta' bini fil-Lussemburgu

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 5 640 000 | 5 640 000 | 5 881 368,10 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja li ssir fit-territorju tal-Unjoni:

— spejjeż konnessi mas-sigurta fiżika u materjali tal-persuni u l-proprjeta, partikolarment kuntratti ta' sorveljanza tal-bini, kuntratti għall-manutenzjoni ta' stallazzjonijiet tas-sigurta, it-taħriġ u x-xiri ta' oġġetti żgħar ta' tagħmir [qabel kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 huma mġedda jew konklużi, u biex in-nefqa tkun razzjonalizzata, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-istituzzjonijiet l-oħra fir-rigward tal-kundizzjonijiet (prezz, valuta magħżula, indiċjar, tul ta' żmien, klawżoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minnhom għal kuntratt simili],

— nefqiet relatati mas-saħħa u s-sigurta ta' individwi fuq ix-xogħol, partikolarment ix-xiri, il-kiri u ż-żamma ta' tagħmir tat-tifi tan-nar, is-sostituzzjoni ta' tagħmir ta' uffiċjali li jagħtu l-ewwel għajnuna f'każ ta' nar, l-ispejjeż għal taħriġ u spezzjonijiet statutorji (qabel it-tiġdid jew il-konklużjoni ta' kuntratt għal ammont li jaqbeż it-EUR 300 000, u bil-għan tar-razzjonalizzazzjoni tan-nefqa, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-istituzzjonijiet l-oħrajn fir-rigward tal-kundizzjonijiet (prezz, il-munita magħżula, l-indiċjar, it-tul ta' żmien, klawżoli oħrajn) li kull wieħed minnhom ikun kiseb għal kuntratt simili),

Approprjazzjonijiet biex ikopru n-nefqa ekwivalenti fir-rigward ta' riċerka jiddaħħlu taħt diversi partiti fl-Artikolu 01 05 tat-titoli konċernati.

Din l-approprjazzjoni tkopri n-nefqa magħmula fit-territorju tal-Unjoni, esklużi l-uffiċċji ta' rappreżentanza tal-Kummissjoni fl-Unjoni, li għandhom in-nefqa hija mdaħħla fil-Partita 16 01 03 03.

*Bażi ġuridika*

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 fuq id-dħul ta' miżuri biex jinkuraġġixxu t-titjib fis-sigurta u s-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 fuq il-kriterji minimi tas-sigurta u s-saħħa għal xogħol li jkun jinkludi l-użu ta' tagħmir bl-iskrin (il-ħames Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 26 01 40 — Sigurtà u monitoraġġ*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 8 044 000 | 8 321 000 | 8 280 911,00 |

*Kummenti*

*Ex Partita 26 01 40 01*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż ta':

— is-sikurezza fiżika u materjali tal-persuni u tal-proprjeta, u speċjalment ix-xiri, il-kiri u l-kiri fit-tul, il-manutenzjoni, it-tiswija, l-istallazzjoni u t-tiġdid tat-tagħmir u materjali tekniċi tas-sigurta,

— In-nefqiet f'rabta mal-iġjene u l-protezzjoni tal-persuni fuq ix-xogħol tagħhom, u speċjalment l-ispejjeż ta' spezzjonijiet statutorji (kontrolli fuq l-istallazzjonijiet tekniċi fil-proprjeta, il-koordinazzjoni tas-sigurta u l-kontrolli sanitarji tal-ikel, ix-xiri, il-kiri u l-manutenzjoni tat-tagħmir tat-tifi tan-nar, in-nefqiet f'taħriġ u tagħmir ta' uffiċjali li jagħtu l-ewwel għajnuna, li l-preżenza tagħhom fil-bini hija waħda obbligatorja skont il-liġi.

Qabel ma kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 jiġġeddu jew jintemmu, u bil-ħsieb li tkun ikkontrollata n-nefqa, l-istituzzjoni tikkonsulta mal-istituzzjonijiet l-oħrajn dwar il-kundizzjonijiet (prezz, il-valuta li tintgħażel, l-indiċjar, il-perjodu ta' żmien, klawżoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minn dawn għal kuntratt simili.

Approprjazzjonijiet biex ikopru n-nefqa ekwivalenti fir-rigward ta’ riċerka jiddaħħlu taħt diversi partiti fl-Artikolu 01 05 tat-titoli konċernati.

Din l-approprjazzjoni tkopri nefqa li tkun saret fit-territorju tal-Unjoni, barra uffiċċji ta’ rappreżentanza tal-Kummissjoni fl-Unjoni, li n-nefqa għalihom hija mdaħħla fil-Punt 16 01 03 03.

L-ammont ta’ dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1) minn (e) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju hu stmat li jlaħħaq l-EUR 423 660.

*Bażi ġuridika*

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta’ Ġunju 1989 fuq id-dħul ta’ miżuri biex jinkuraġġixxu t-titjib fis-sigurta u s-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta’ Mejju 1990 fuq il-kriterji minimi tas-sigurta u s-saħħa għal xogħol li jkun jinkludi l-użu ta’ tagħmir bl-iskrin (il-ħames Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-bagit generali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 26 01 50 — Politika tal-persunal u t-tmexxija*

### Partita 26 01 50 01 — Servizz mediku

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 5 554 000 | 5 350 000 | 6 766 659,93 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- L-ispejjeż tal-eżamijiet mediċi ta’ kull sena u ta’ qabel ir-reklutaġġ, ta’ materjal u ta’ prodotti farmaċewtiċi, ta’ għodda tax-xogħol u ta’ għamara speċjali kkonsidrati medikament neċessarji kif ukoll l-ispejjeż li jirriżultaw mit-tħaddim tal-Kummissjoni ta’ Invalidita,
- L-ispejjeż tal-persunal mediku, paramediku u psikosoċjali b'kuntratt lokali jew ta’ sostituzzjoni okkażjonali kif ukoll l-ispejjeż għal servizzi esterni ta’ speċjalisti mediċi meqjusa neċessarji mill-uffiċjali mediċi,
- L-ispejjeż tal-eżamijiet mediċi ta’ qabel ir-reklutaġġ għall-assistenti fiċ-ċentri li jieħdu ħsieb it-tfal,
- in-nefqa tal-kontroll fiżiku, fil-qasam tal-ħarsien tas-saħħa, tal-aġenti li huma esposti għal radjazzjonijiet,
- ix-xiri jew ir-rimborż ta’ tagħmir fil-qafas tal-applikazzjoni tad-Direttivi 89/391/KEE u 90/270/KEE.

Din l-approprjazzjoni tkopri l-infiq magħmul fit-territorju tal-Unjoni, ħlief għall-uffiċċji ta’ rappreżentanza tal-Kummissjoni fl-Unjoni, li n-nefqa għalihom hija mdaħħla fil-Partita 16 01 03 03.

L-ammont ta’ dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1) minn (e) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju hu stmat li jlaħħaq il-EUR 1 181 000.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita Ewropea għall-Enerġija Atomika, b’mod partikolari il-Kapitolu III tiegħu.

Id-Direttiva 89/391/KEE tal-Kunsill tat-12 ta’ Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta’ miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurta u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva 90/270/KEE tal-Kunsill tad-29 ta’ Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi ta’ saħħa u sigurta għax-xogħol b'tagħmir li għandu *display screen* (il-ħames Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 87/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

Leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-istandards bażiċi.

## Partita 26 01 50 02 — Nefqa għal kompetizzjonijiet, selezzjonijiet u reklutaġġ

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 1 620 000 | 1 850 000 | 1 672 991,52 |

*Kummenti*

Dawn l-approprjazzjonijiet huma maħsuba biex ikopru:

— l-ispejjeż ta’ reklutaġġ u ta’ għażla tal-postijiet ta’ *management,*

— l-ispejjeż tas-sejħa ta’ dawk li jgħaddu mill-*concours* u dawk li jingħażlu fil-proċessi tal-impjieg,

— l-ispejjeż tas-sejħa ta’ uffiċjali u aġenti delegati li qed jipparteċipaw fil-*concours* u fl-għażliet,

— l-ispejjeż tal-organizzazzjoni ta’ kompetizzjonijiet u selezzjonijiet previsti fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2002/620/KE.

F'każijiet ġustifikati minn eżiġenzi tas-servizz u wara konsultazzjoni mal-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal, dawn l-approprjazzjonijiet jistgħu jintużaw għal kompetizzjonijiet organizzati mill-istituzzjoni nfisha.

Ta’ min jinnota li din l-appropjrazzjoni ma tkoprix l-ispejjeż relatati mal-persunal, li huma koperti mill-approprjazzjonijiet li jaqgħu taħt il-partiti 01 04 u 01 05 tat-titoli differenti.

L-ammont ta’ dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1) minn (e) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju hu stmat li jlaħħaq l-EUR 10 000.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, tal-Kumitat u tar-Reġjuni u tal-Ombudsman Ewropew tal-25 ta’ Lulju 2002 li tistabbilixxi Uffiċċju għas-Selezzjoni tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 197, 26.7.2002, p. 53).

Deċiżjoni tas-Segretarjat Ġenerali tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni, ir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, is-Segretarjat Ġenerali tal-Qorti tal-Awdituri, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, il-Kumitat tar-Reġjuni, u r-Rappreżentant tal-Ombudsman Ewropew tal-25 ta’ Lulju 2002 dwar l-organizzazzjonijiet u l-ħidma tal-Uffiċċju għas-selezzjoni tal-persunal tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 197, 26.7.2002, p. 56).

## Partita 26 01 50 04 — kooperazzjoni interistituzzjonali fl-isfera soċjali

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 7 048 000 | 7 537 000 | 14 623 700,92 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri:

— nefqa għall-produzzjoni u l-iżvilupp tal-intranet tal-Kummissjoni (IntraComm) u l-gazzetta interna ta’ kull ġimgħa, Commission en direct,

— spejjeż oħra ta’ komunikazzjoni u ta’ informazzjoni interna, inkluż il-kampanji promozzjonali,

— persunal temporanju li jaħdem f’ċentri fejn jieħdu ħsieb it-tfal, ċentri tal-vaganzi u ċentri fil-beraħ immexxija mid-dipartimenti tal-Kummissjoni,

— xogħol ta’ riproduzzjoni ta’ dokumenti li ma jistax isir internament u jeħtieġ li jintbagħat barra,

— nefqa għal kuntratti tal-liġi privata ma’ persuni li jissostitwixxu lil dawk li jieħdu ħsieb it-tfal fil-krexxijiet,

— parti mill-ispejjeż ta’ animazzjoni fil-fojer, l-azzjonijiet ta’ animazzjoni kulturali, is-sussidji lill-gruppi tal-persunal, kif ukoll il-ġestjoni tat-tagħmir kumplimentari fl-istallazzjonijiet sportivi,

— l-inizjattivi biex ikunu promossi r-relazzjonijiet soċjali bejn aġenti ta’ nazzjonalitajiet diversi u l-integrazzjoni tal-aġenti u l-

familji tagħhom kif ukoll il-proġetti ta' prevenzjoni li jilqgħu għall-ħtiġijiet tal-persunal attiv u l-familji tagħhom,

- kontribuzzjoni għall-ispejjeż magħmula mill-membri tal-persunal għall-attivitajiet bħal assistenza fid-dar, pariri legali, ċentri fil-beraħ għat-tfal, korsijiet fil-lingwi u l-arti,
- l-ispejjeż biex jintlaqgħu uffiċjali ġodda u aġenti u l-familji tagħhom, u l-ispejjeż dwar l-għajnuna biex dawn jixtru l-għamara,
- nefqa għal għajnuna *in genere* li tista' tingħata lil uffiċjal, *ex* uffiċjal jew superstiti ta' uffiċjal mejjet u li huma f'ċirkostanzi partikolarment diffiċli,
- ċerta nefqa għaċ-ċentri għat-tfulija bikrija u krexxijiet oħra u faċilitajiet għll-kura tat-tfal; id-dħul mill-kontribuzzjoni tal-ġenituri ikun disponibbli biex jerġa jintuża,
- l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu ma' azzjonijiet ta' għarfien lejn uffiċjali u b'mod partikolari, il-prezz tal-medalji għall-uffiċjali li għamlu 20 sena ta' ħidma kif ukoll ir-rigal ta' tluq għall-pensjoni,
- ħlasijiet speċifiċi lill-persuni li jirċievu pensjonijiet tal-Unjoni u dawk intitolati taħthom u kull dipendent superstiti li huma f'ċirkostanti partikolarment diffiċli,
- finanzjament ta' proġetti preventivi biex jilħqu l-bżonnijiet speċifiċi tal-*ex* persunal fid-diversi Stati Membri kif ukoll il-kontribuzzjonijiet għall-assoċjazzjonijiet ta' *ex* persunal.

Approprjazzjonijiet biex ikopru n-nefqa ekwivalenti fir-rigward ta' riċerka jiddaħħlu taħt diversi paragrafi fl-Artikolu 01 05 tat-titoli konċernati.

Fir-rigward ta' politika għall-għajnuna ta' persuni b'diżabilita fil-kategoriji li ġejjin:

- uffiċjali u aġenti oħra li jkunu attivi,
- konjuġi ta' uffiċjali u persunal temporanju f'impjieg attiv,
- tfal dipendenti kollha fit-tifsira tar-Regolamenti tal-Persunal ta' uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,

fil-limiti tal-ammonti mdaħħla fil-baġit u wara li jkun ntalab kull intitolament nazzjonali mogħti fil-pajjiż ta' residenza jew oriġini, din l-approprjazzjoni tkopri kull nefqa mhux medika sostanzjata li huwa rikonoxxut li huwa meħtieġ u li jirriżulta mid-diżabilita tagħhom.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri ftit min-neqfa għall-edukazzjoni tat-tfal li għal raġunijiet pedagoġiċi ineluttabbli m'humiex jew ma għadhomx ammessi fl-Iskejjel Ewropej, jew ma jistgħux jattendu skola Ewropea minħabba l-post tax-xogħol ta' xi wieħed mill-ġenituri (uffiċċji esterni).

Din l-approprjazzjoni tkopri l-infiq magħmul fit-territorju tal-Unjoni, ħlief għall-uffiċċji ta' rappreżentanza tal-Kummissjoni fl-Unjoni,li n-nefqa għalihom hija mdaħħla fil-Partita 16 01 03 03.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1) minn (e) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 4 714 000.

*Bażi ġuridika*

Statut tal-funzjonarji tal-Unjoni Ewropea.

### Partita 26 01 50 06 — Uffiċjali tal-istituzzjonijiet li huma assenjati temporanjament lil servizzi nazzjonali ċivili, organizzazzjonijiet internazzjonali jew istituzzjonijiet jew intrapriżi pubbliċi jew privati

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 250 000 | 264 000 | 231 500,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri spejjeż supplimentari li jiġu mill-issekondar ta' uffiċjali tal-Unjoni, jiġifieri biex jitħallsu l-*allowances* u tkun rimborżata n-nefqa li l-issekkondar jintitolahom għalihom.

Maħsuba biex tkopri wkoll spejjeż dwar skemi ta' taħriġ speċjali ma' awtoritajiet u korpi fl-Istati Membri u pajjiżi terzi.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1) minn (e) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li hu EUR 1 000.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

## Partita 26 01 50 07 — Ħsarat

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 150 000 | 150 000 | 6 465 760,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri:

- danni u l-ispiża tal-ħlas ta’ klejms kontra l-Kummissjoni (responsabilita fil-konfront ta’ terzi) fir-rigward tal-persunal tal-istituzzjoni stess u l-proċessi amministrattivi,
- nefqa dwar ċerti każijiet meta, għal raġunijiet ta’ ekwita, għandu jingħata kumpens mingħajr xi talba legali li tiġi minn hekk.

## Partita 26 01 50 08 — Assikurazzjonijiet mixxellanji

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 58 000 | 58 000 | 58 060,44 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopru l-ispejjeż konnessi mar-Responsabilite Civile Exploitation, kif ukoll kuntratti oħra mmexxija mill-Uffiċċju tal-ġestjoni u l-likwidazzjoni tad-drittijiet individwali, għall-Kummissjoni, l-aġenziji, iċ-Ċentru ta’ Riċerka Konġunt, id-delegazzjonijiet tal-Unjoni u r-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni, u r-riċerka indiretta.

It-total tad-dħul skont l-Artikolu 18, paragrafu 1, punti minn e) sa j) tar-Regolament Finanzjarju hu stmat li jilħaq l-EUR 1 000.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-bagit generali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## Partita 26 01 50 09 — Korsijiet ta’ lingwa

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 3 524 000 | 3 744 000 | 4 639 411,33 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- l-ispejjeż tal-organizzazzjoni ta’ korsijiet ta’ lingwa għal uffiċjali u persunal ieħor,
- l-ispejjeż tal-organizzazzjoni ta’ korsijiet ta’ lingwa għall-irġiel u nisa ta’ uffiċjali u persunal ieħor, b'kunsiderazzjoni għall-politika ta’ integrazzjoni,
- ix-xiri ta’ materjal u dokumentazzjoni,
- il-konsultazzjoni mill-esperti.

L-ammont ta’ dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1) minn (e) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju hu stmat li jlaħħaq is-EUR 750 000.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

## *Artikolu 26 01 51 — Skejjel Ewropej*

### Partita 26 01 51 01 — Uffiċċju tas-Segretarju Ġenerali tal-Iskejjel Ewropej (Brussell)

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 7 673 453 | 7 627 207 | 7 624 467,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tikkontribwixxi għall-finanzjament tal-Uffiċċju tar-rappreżentant tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Iskejjel Ewropej (Brussell).

L-Iskejjel Ewropej iridu jikkonformaw mal-prinċipji tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni u l-opportunitajiet indaqs.

*Atti ta' referenza*

Il-Konvenzjoni li tiddefinixxi l-istatut tal-iskejjel Ewropej (ĠU L 212, 17.8.1994, p. 3).

### Partita 26 01 51 02 — Brussell I (Uccle)

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 24 424 693 | 24 446 700 | 25 332 000,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-baġit tal-Iskola Ewropea fi Brussell-Uccle (Brussell I).

*Atti ta' referenza*

Il-Konvenzjoni li tiddefinixxi l-istatut tal-iskejjel Ewropej (ĠU L 212, 17.8.1994, p. 3).

### Partita 26 01 51 03 — Brussell I (Woluwe)

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 24 039 614 | 22 758 847 | 24 116 059,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-baġit tal-Iskola Ewropea fi Brussell-Woluwĕ (Brussell II).

*Atti ta' referenza*

Il-Konvenzjoni li tiddefinixxi l-istatut tal-iskejjel Ewropej (ĠU L 212, 17.8.1994, p. 3).

## Partita 26 01 51 04 — Brussell III (Ixelles)

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 24 014 470 | 22 759 039 | 23 270 853,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-baġit tal-Iskola Ewropea fi Brussell-Ixelles (Brussell III).

*Atti ta' referenza*

Il-Konvenzjoni li tiddefinixxi l-istatut tal-iskejjel Ewropej (ĠU L 212, 17.8.1994, p. 3).

## Partita 26 01 51 05 — Brussell IV (Laeken)

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 10 761 577 | 9 694 355 | 6 604 420,17 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija intiża biex tikkontribwixxi għall-baġit tal-Iskola Ewropea fi Brussell-Laeken (Brussell IV).

*Atti ta' referenza*

Il-Konvenzjoni li tiddefinixxi l-istatut tal-iskejjel Ewropej (ĠU L 212, 17.8.1994, p. 3).

## Partita 26 01 51 11 — Lussemburgu I

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 20 889 162 | 24 498 581 | 27 147 052,83 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-baġit tal-Iskola Ewropea tal-Lussemburgu I.

*Atti ta' referenza*

Il-Konvenzjoni li tiddefinixxi l-istatut tal-iskejjel Ewropej (ĠU L 212, 17.8.1994, p. 3).

## Partita 26 01 51 12 — Lussemburgu II

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 17 326 827 | 10 007 959 | 4 707 235,83 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-baġit tal-Iskola Ewropea tal-Lussemburgu II.

*Atti ta' referenza*

Il-Konvenzjoni li tiddefinixxi l-istatut tal-iskejjel Ewropej (ĠU L 212, 17.8.1994, p. 3).

## Partita 26 01 51 21 — Mol (BE)

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 6 180 552 | 5 937 428 | 6 453 181,50 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-baġit tal-Iskola Ewropea ta’ Mol.

*Atti ta’ referenza*

Il-Konvenzjoni li tiddefinixxi l-istatut tal-iskejjel Ewropej (ĠU L 212, 17.8.1994, p. 3).

## Partita 26 01 51 22 — Frankfurt am Main (DE)

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 6 997 604 | 7 346 564 | 6 729 800,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-baġit tal-Iskola Ewropea ta’ Frankfurt Main.

*Atti ta’ referenza*

Il-Konvenzjoni li tiddefinixxi l-istatut tal-iskejjel Ewropej (ĠU L 212, 17.8.1994, p. 3).

## Partita 26 01 51 23 — Karlsruhe (DE)

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 2 823 058 | 3 054 845 | 3 287 675,17 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-baġit tal-Iskola Ewropea ta’ Karlsruhe.

*Atti ta’ referenza*

Il-Konvenzjoni li tiddefinixxi l-istatut tal-iskejjel Ewropej (ĠU L 212, 17.8.1994, p. 3).

## Partita 26 01 51 24 — Munich (DE)

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 348 531 | 344 180 | 307 535,81 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-baġit tal-Iskola Ewropea ta’ Munich.

*Atti ta’ referenza*

Il-Konvenzjoni li tiddefinixxi l-istatut tal-iskejjel Ewropej (ĠU L 212, 17.8.1994, p. 3).

## Partita 26 01 51 25 — Alicante (ES)

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 7 946 274 | 8 097 123 | 7 235 727,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-baġit tal-Iskola Ewropea ta' Alicante.

*Atti ta' referenza*

Il-Konvenzjoni li tiddefinixxi l-istatut tal-iskejjel Ewropej (ĠU L 212, 17.8.1994, p. 3).

## Partita 26 01 51 26 — Varese (IT)

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 11 121 451 | 9 670 615 | 10 303 944,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-baġit tal-Iskola Ewropea ta' Varese.

*Atti ta' referenza*

Il-Konvenzjoni li tiddefinixxi l-istatut tal-iskejjel Ewropej (ĠU L 212, 17.8.1994, p. 3).

## Partita 26 01 51 27 — Bergen (NL)

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 4 641 900 | 4 304 020 | 5 478 705,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-baġit tal-Iskola Ewropea ta' Bergen.

*Atti ta' referenza*

Il-Konvenzjoni li tiddefinixxi l-istatut tal-iskejjel Ewropej (ĠU L 212, 17.8.1994, p. 3).

## Partita 26 01 51 28 — Culham (UK)

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 4 692 410 | 4 828 547 | 5 301 212,67 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkontribwixxi għall-baġit tal-Iskola Ewropea ta' Culham.

*Atti ta' referenza*

Il-Konvenzjoni li tiddefinixxi l-istatut tal-iskejjel Ewropej (ĠU L 212, 17.8.1994, p. 3).

Partita 26 01 51 31 — Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-Iskejjel Ewropej tat-Tip 2

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 6 848 000 | 3 850 000 | 7 419 968,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni għandha l-għan li tkopri l-kontribuzzjoni tal-Kummissjoni għall-Iskejjel Ewropej tat-Tip 2 akkreditati mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Iskejjel Ewropej u li ffirmaw il-ftehim finanzjarju mal-Kummissjoni.

*Atti ta' referenza*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 7719 tal-14 ta' Ottubru 2009 u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2010) 7993 tat-8 ta' Diċembru 2010.

# KAPITOLU 26 02 — PRODUZZJONI MULTIMEDJALI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 26 02 | Produzzjoni multimedjali | | | | | | | | |
| ***26 02 01*** | ***Proċeduri għall-għoti u r-riklamar ta' forniment pubbliku, kuntratti ta' xogħol u servizzi*** | 1.1 | 14 738 200 | 14 500 000 | 14 800 000 | 12 157 164 | 12 044 332,51 | 13 893 350,14 | 95,82 % |
| | **Kapitolu 26 02 — Total** | | **14 738 200** | **14 500 000** | **14 800 000** | **12 157 164** | **12 044 332,51** | **13 893 350,14** | **95,82 %** |

## *Artikolu 26 02 01 — Proċeduri għall-għoti u r-riklamar ta' forniment pubbliku, kuntratti ta' xogħol u servizzi*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 14 738 200 | 14 500 000 | 14 800 000 | 12 157 164 | 12 044 332,51 | 13 893 350,14 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż ta':

— il-ġbir, it-trattament, il-pubblikazzjoni u t-tixrid tas-sejħiet pubbliċi għall-offerta fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi fuq bosta media, kif ukoll l-integrazzjoni tagħhom fis-servizzi ta' sejħiet għall-offerti mill-istituzzjonijiet lil impriżi u lill-awtoritajiet li jagħtu l-offerti. Dan jinkudi l-ispejjeż ta' traduzzjoni tal-avviżi għal sejħiet pubbliċi ippubblikati mill-istituzzjonijiet,

— il-promozzjoni u l-użu ta' tekniki ġodda ta' ġbir u t-tixrid tal-avviżi ta' sejħiet għall-offerta permezz ta' mezzi elettroniċi,

— l-iżvilupp u l-esplojtazzjoni ta' servizzi ta' *eProcurement* għall-fażi tal-offerti.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1) minn (e) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju hu stmat li jlaħħaq l-EUR 403 100.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament Nru 1 tal-Kunsill tal-15 ta' April 1958 li jistabbilixxi l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunita Ekonomika Ewropea (ĠU 17, 6.10.1958, p. 385/58).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Settembru 1958 li toħloq *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* (ĠU 17, 6.10.1958, p. 390/58).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2137/85 tal-25 ta' Lulju 1985 dwar il-Gruppi Ewropej b'Interess Ekonomiku (GEIE) (ĠU L 199, 31.7.1985, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/665/KEE tal-21 ta' Diċembru 1989 il-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' reviżjoni għall-għoti ta' kuntratti ta' provvista pubblika u xogħlijiet pubbliċi (ĠU L 395 30.12.1989, p. 33).

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/13/KEE tal-25 ta' Frar li tikkoordina l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrelataw għall-applikazzjoni tar-regoli Komunitarji dwar il-proċeduri ta' akkwist ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u t-telekomunikazzjoni (ĠU L 76, 23.3.1992, p. 14).

Id-Deċiżjoni 94/1/KEFA, KE tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tat-13 ta' Diċembru 1993 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea bejn il-Komunitajiet Ewropej, l-Istati Membri tagħhom u r-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Repubblika tal-Islanda, il-Prinċipat ta' Liechtenstein, ir-Renju tan-Norveġja, ir-Renju tal-Isvezja u l-Konfederazzjoni Svizzera (ĠU L 1, 3.1.1994, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KEE tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehim milħuq fil-Laqgħa ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994) (ĠU L 336, 23.12.1994, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2157/2001 tat-8 ta' Ottubru 2001 dwar l-Istatut ta' Kumpannija Ewropea (SE) (ĠU L 294 tal-10.11.2001, p. 1).

Id-Deċiżjoni 2002/309/KE tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar il-ftehim ta' kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika tal-4 ta' April 2002 dwar l-ilħuq ta' seba' ftehimiet mal-Konfederazzjoni Żvizzera (ĠU L 114 30.4.2002, p. 1), u b'mod partikolari l-Ftehima bejn il-Komunita Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar ċerti aspetti tal-akkwisti tal-gvern (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 430).

Ir-Regolament (KE) Nru 2195/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 dwar il-vokabolarju komuni tal-akkwist (CPV) (ĠU L 340, 16.12.2002, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1435/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 dwar l-Istatut għal Soċjeta Kooperattiva Ewropea (SCE) (ĠU L 207, 18.8.2003, p. 1).

Id-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali (ĠU L 134 30.4.2004, p. 1).

Id-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċ (ĠU L 134 30.4.2004, p. 114).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Jannar 2005 rigward il-modalitajiet ta' applikazzjoni tal-proċedura prevista fl-Artikolu 30 tad-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u s-setturi tas-servizzi postali (ĠU L 7, 11.1.2005, p. 7).

Ir-Regolament (KE) Nru 1082/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-5 ta' Lulju 2006 dwar raggruppament Ewropew ta' koperazzjoni territorjali (REKT) (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 19).

Id-Deċiżjoni 2007/497/KE tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-3 ta' Lulju 2007 li tistabbilixxi r-Regoli dwar l-Akkwisti (BĊE/2007/5) (ĠU L 184, 14.7.2007, p. 34).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 718/2007 tat-12 ta' Ġunju 2007 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 li jistabbilixxi strument għall-assistenza ta' qabel l-adeżjoni (IPA) (ĠU L 170, 29.6.2007, p. 1). Ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 1)

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 718/2007 tat-12 ta' Ġunju 2007 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 li jistabbilixxi strument għall-assistenza ta' qabel l-adeżjoni (IPA) (ĠU L 170, 29.6.2007, p. 1). Ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 1)

ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità (Riformulazzjoni) (ĠU L 293, 31.10.2008, p. 3).

Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurta (ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76).

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 842/2011 tad-19 ta' Awwissu 2011 li jistabbilixxi formoli standard għall-pubblikazzjoni ta' avviżi fil-qasam tal-akkwist pubbliku (ĠU L 222 27.8.2011, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1251/2011 tat-30 ta’ Novembru 2011 li jemenda d-Direttivi 2004/17/KE, 2004/18/KE u 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti ta’ applikazzjonijiet għall-proċeduri tal-għoti tal-kuntratti (ĠU L 319 , 2.12.2011, p. 43).

## KAPITOLU 26 03 — SERVIZZI LILL-AMMINISTRAZZJONIJIET PUBBLIĊI, LIN-NEGOZJI U LIĊ-ĊITTADINI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 26 03 | Servizzi lill-amministrazzjonijiet pubbliċi, lin-negozji u liċ-ċittadini | | | | | | | | |
| ***26 03 01*** | ***Netwerks għall-iskambju ta’ dejta bejn l-amministrazzjonijiet*** | | | | | | | | |
| 26 03 01 01 | Soluzzjonijiet ta’ Interoperabbiltà għall-Amministrazzjonijiet Pubbliċi Ewropej (ISA) | 1.1 | 25 700 000 | 15 000 000 | 25 500 000 | 11 794 264 | 25 368 004,13 | 20 189 963,52 | 134,60 % |
| 26 03 01 02 | Il-konklużjoni ta’ programmi preċedenti tal-IDA u l-IDABC | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 7 140 413,64 | |
| | *Artikolu 26 03 01 — Sub-total* | | 25 700 000 | 15 000 000 | 25 500 000 | 11 794 264 | 25 368 004,13 | 27 330 377,16 | 182,20 % |
| ***26 03 02*** | ***Proġett pilota — Programm ta’ amministrazzjoni pubblika Erasmus*** | 5 | — | — | p.m. | p.m. | 0,— | 346 054,63 | |
| ***26 03 03*** | ***Azzjoni ta’ thejjija — Programm Erasmus fl-amministrazzjoni pubblika*** | 5 | p.m. | 300 000 | 600 000 | 300 000 | 0,— | 803 695,57 | 267,90 % |
| | **Kapitolu 26 03 — Total** | | **25 700 000** | **15 300 000** | **26 100 000** | **12 094 264** | **25 368 004,13** | **28 480 127,36** | **186,14 %** |

### *Artikolu 26 03 01 — Netwerks għall-iskambju ta’ dejta bejn l-amministrazzjonijiet*

#### Partita 26 03 01 01 — Soluzzjonijiet ta’ Interoperabbiltà għall-Amministrazzjonijiet Pubbliċi Ewropej (ISA)

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 25 700 000 | 15 000 000 | 25 500 000 | 11 794 264 | 25 368 004,13 | 20 189 963,52 |

*Kummenti*

Fid-29 ta’ Settembru 2008 l-Kummissjoni pproponiet programm dwar "l-Interoperabbiltà għall-Amministrazzjonijiet Pubbliċi Ewropej" (ISA) bħala s-suċċessur tal-programm IDABC, li intemm f'Diċembru 2009.

Il-programm ISA għandu l-għan li jiffaċilita l-interazzjoni transkonfinali u transsettorjali effiċjenti u effettiva bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewoprej bħala sostenn għall-kisba ta’ servizzi pubbliċi elettroniċi.

Biex jagħmel dan, il-programm tal-ISA għandu jikkontribwixxi għall-ħolqien tal-qafas organizzattiv, finanzjarju u operattiv relatat billi jiżgura d-disponibbiltà ta’ oqfsa komuni, servizzi komuni u strumenti ġeneriċi u billi tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-aspetti tat-teknoloġija tal-informatika u tal-komunikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

Il-programm tal-ISA se jikkontribwixxi għat-tisħiħ u l-implimentazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

Il-programm huwa implimentat f'kooperazzjoni u koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u s-setturi, permezz ta’ studji, proġetti u miżuri anċillari.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skop ta’ informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; jistgħu jagħtu lok għall-għoti ta’ approprjazzjonijiet

korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali tal-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi kandidati, u jekk ikun applikabbli, mill-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni/Komunità, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tal-prospett tad-dħul, jista' jagħti lok għall-provvista ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Deċiżjoni Nru 922/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 16 ta' Settembru 2009 dwar soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà għall-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej (ISA) (ĠU L 260, 3.10.2009, p. 20).

### Partita 26 03 01 02 — Il-konklużjoni ta' programmi preċedenti tal-IDA u l-IDABC

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 0,— | 7 140 413,64 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-approvazzjoni tal-impenji li saru taħt il-programmi preċedenti tal-IDABC.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprijazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; jistgħu jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali tal-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Deċiżjoni 2004/387/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar it-twassil interoperabbli ta' servizzi ta' eGovernment pan-Ewropej lill-amministrazzjonijiet pubbliċi, negozji u ċittadini (IDABC) (ĠU L 181, 18.5.2004, p. 25).

## *Artikolu 26 03 02 — Proġett pilota — Programm ta' amministrazzjoni pubblika Erasmus*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | — | p.m. | p.m. | 0,— | 346 054,63 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż ta' tlestija tal-proġett pilota 'programm ta' amministrazzjoni pubblika Erasmus'.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

### *Artikolu 26 03 03 — Azzjoni ta' tħejjija — Programm Erasmus fl-amministrazzjoni pubblika*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 300 000 | 600 000 | 300 000 | 0,— | 803 695,57 |

*Kummenti*

Din l-azzjoni preparatorja għandha l-għan li tiżgura l-kontinwità ta' implimentazzjoni tal-miżuri ffinanzjati skont l-azzjoni preparatorja tal-programm Erasmus fl-amministrazzjoni pubblika.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

# TITOLU 27 — BAĠIT

*Figuri*

— assenjati għall-istatus mhux attiv wara tnaqqis ta' numru ta postijiet fl-istituzzjoni,

— li jkollhom kariga fil-grad A 16, AD 15 jew AD 14 u rtiraw fl-interessi tas-servizz.

Tkopri wkoll nefqa ġejja mill-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill fuq miżuri speċjali u/jew temporanji għat-tmiem tas-servizz ta' uffiċjali u/jew persunal temporanju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1746/2002 tat-30 ta' Settembru 2002 li jintroduċi, fil-kuntest tar-riforma tal-Kummissjoni, miżuri speċjali biex jitterminaw l-impjieg ta' uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej maħtura għal post stabbilit fil-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 264, 2.10.2002, p. 1).

#### Partita 30 01 14 02 — Assigurazzjoni kontra l-mard

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 135 000 | 149 000 | 117 659,11 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri l-kontribuzzjoni ta' min iħaddem għall-assigurazzjoni tal-mard għall-pensjonanti u l-persuni li jirċievu allowances għall-għoti ta' status mhux attiv, irtirar fl-interessi tas-servizz u t-tkeċċija.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

#### Partita 30 01 14 03 — Piżijiet u aġġustamenti għal allokazzjonijiet

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 99 000 | 172 000 | 89 271,42 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri l-effett tal-*weightings* applikabbli għal pensjonijiet u l-konċessjonijiet fil-każ tal-għoti ta' status mhux attiv, irtirar fl-interessi tas-servizz u t-tkeċċija.

Parti minn din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri l-ispiża ta' kull aġġustament għall-konċessjonijiet approvati mill-Kunsill matul

is-sena finanzjarja. Hija purament proviżorja u tista' tintuża biss wara li tkun trasferita lill-partiti l-oħra ta' dan il-kapitolu skont ir-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 fuq ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 30 01 15 — Pensjonijiet u allokazzjonijiet*

*Kummenti*

### Partita 30 01 15 01 — Pensjonijiet, allokazzjonijiet għall-invalidità u għotjiet għat-tmiem tal-impjieg

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 1 326 417 000 | 1 242 559 143 | 1 181 442 910,04 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri:

— pensjonijiet tal-irtirar ta' uffiċjali, persunal temporanju jew kuntrattwali tal-istituzzjonijiet u l-aġenziji kollha tal-Unjoni, inklużi dawk imħallsa mill-approprjazzjonijiet għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku,

— pensjonijiet tal-invalidità ta' uffiċjali u persunal temporanju tal-istituzzjonijiet u l-aġenziji kollha tal-Unjoni, inklużi dawk imħallsa mill-approprjazzjonijiet għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku,

— konċessjonijiet ta' invalidità ta' uffiċjali, persunal temporanju jew kuntrattwali tal-istituzzjonijiet u l-aġenziji kollha tal-Unjoni, inklużi dawk imħallsa mill-approprjazzjonijiet għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku,

— pensjonijiet ta' superstiti intitolati ta' eks-uffiċjali u persunal temporanju u kuntrattwali tal-istituzzjonijiet u l-aġenziji kollha tal-Unjoni, inklużi dawk imħallsa mill-approprjazzjonijiet għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku,

— għotjiet ta' terminazzjoni ta' uffiċjali, persunal temporanju u kuntrattwali tal-istituzzjonijiet u l-aġenziji kollha tal-Unjoni, inklużi dawk imħallsa mill-approprjazzjonijiet għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku,

— ħlasijiet tal-ekwivalenti attwarju ta' pensjonijiet tal-irtirar,

— ħlasijiet (bonus tal-pensjoni) lil eks membri tar-Reżistenza (jew lis-superstiti tagħhom) li kienu deportati jew internati,

— ħlasijiet ta' għajnuna finanzjarja għal konjugi superstiti li jkollu/jkollha marda serja jew fit-tul jew li jkollu/jkollha diżabbiltà, għat-tul ta' żmien tal-marda jew tad-diżabbiltà fuq il-bażi ta' eżami taċ-ċirkostanza soċjali jew medika tal-persuna kkonċernata.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

### Partita 30 01 15 02 — Assigurazzjoni kontra l-mard

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 44 007 000 | 41 178 571 | 38 195 647,46 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija intiża sabiex tkopri l-kontribuzzjoni ta' min iħaddem għall-assigurazzjoni tal-mard lill-pensjonati.

Tkopri wkoll ħlasijiet supplimentari għall-ħlas lura ta’ spejjeż mediċi għal eks membri tar-Reżistenza li kienu deportati jew internati.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

### Partita 30 01 15 03 — Piżijiet u aġġustamenti għall-pensjonijiet u allokazzjonijiet

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 42 633 000 | 38 776 143 | 25 845 616,88 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri l-effett tal-*weightings* applikabbli għal pensjonijiet.

Parti minn din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri l-ispiża ta’ kull aġġustament għall-pensjonijiet approvati mill-Kunsill matul is-sena finanzjarja. Hija purament proviżorja u tista’ tintuża biss wara li tkun trasferita għal partiti oħra ta’ dan il-kapitolu skont ir-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 fuq ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

# TITOLU 31 — SERVIZZI LINGWISTIĊI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu | Intestatura | FF | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|---|
| 31 01 | Nefqa Amministrattiva tal-qasam tal-politika tas-‘Servizzi Lingwistiċi’ | 5 | 402 759 194 | 397 947 372 | 438 379 004,29 |
| | **Titolu 31 — Total** | | **402 759 194** | **397 947 372** | **438 379 004,29** |

## KAPITOLU 31 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TAL-POLITIKA TAS-‘SERVIZZI LINGWISTIĊI’

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 31 01 | Nefqa Amministrattiva tal-qasam tal-politika tas-‘Servizzi Lingwistiċi’ | | | | | |
| ***31 01 01*** | ***Nefqa konnessa mal-persunal f’xogħol attiv “Servizzi Lingwistiċi”qasam tal-politika*** | 5 | 325 088 599 | 319 167 022 | 320 761 115,22 | 98,67 % |
| ***31 01 02*** | ***Persunal estern u nefqa oħra relatata mat-tmexxija għas-sostenn tal-qasam ta' politika “Servizzi Lingwistiċi”*** | | | | | |
| 31 01 02 01 | Persunal estern | 5 | 11 606 822 | 11 324 662 | 9 671 492,74 | 83,33 % |
| 31 01 02 11 | Nefqa oħra relatata mat-tmexxija | 5 | 4 991 191 | 5 240 431 | 7 016 511,31 | 140,58 % |
| | *Artikolu 31 01 02 — Sub-total* | | 16 598 013 | 16 565 093 | 16 688 004,05 | 100,54 % |
| ***31 01 03*** | ***Nefqa relatat mat-tagħmir u s-servizzi tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni, u nefqa operattiva oħra tal-qasam tal-politika “Servizzi Lingwistiċi”*** | | | | | |
| 31 01 03 01 | Nefqa relatat mat-tagħmir u s-servizzi tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni tal-qasam tal-politika “Servizzi Lingwistiċi” | 5 | 20 204 082 | 20 378 257 | 24 120 167,42 | 119,38 % |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 31 01 03 04 | Tagħmir tekniku u servizzi għas-swali tal-konferenzi tal-Kummissjoni | 5 | 1 783 000 | 1 283 000 | 1 345 742,32 | 75,48 % |
| | *Artikolu 31 01 03 — Sub-total* | | 21 987 082 | 21 661 257 | 25 465 909,74 | 115,82 % |
| ***31 01 06*** | ***Nefqa għall-interpretazzjoni*** | | | | | |
| 31 01 06 01 | Spiża tal-Interpretazzjoni | 5 | 21 013 000 | 22 923 000 | 52 980 847,71 | 252,13 % |
| 31 01 06 02 | Taħriġ ulterjuri u taħriġ ta' interpreti tal-konferenzi | 5 | 422 500 | 457 000 | 1 346 844,78 | 318,78 % |
| 31 01 06 03 | Nefqa għat-teknoloġija informatika tad-Direttorat Ġenerali għall-Interpretazzjoni | 5 | 1 256 000 | 1 242 000 | 3 272 566,94 | 260,55 % |
| | *Artikolu 31 01 06 — Sub-total* | | 22 691 500 | 24 622 000 | 57 600 259,43 | 253,84 % |
| ***31 01 07*** | ***Nefqa għat-traduzzjoni*** | | | | | |
| 31 01 07 01 | Nefqa għat-traduzzjoni | 5 | 14 000 000 | 13 538 000 | 15 206 515,89 | 108,62 % |
| 31 01 07 02 | Nefqa ta' appoġġ għal operazzjonijiet tad-Direttorat Ġenerali għat-Traduzzjoni | 5 | 1 721 000 | 1 721 000 | 1 727 693,48 | 100,39 % |
| | *Artikolu 31 01 07 — Sub-total* | | 15 721 000 | 15 259 000 | 16 934 209,37 | 107,72 % |
| ***31 01 08*** | ***Attivitajiet ta' kooperazzjoni interistituzzjonali*** | | | | | |
| 31 01 08 01 | Attivitajiet ta' kooperazzjoni interistituzzjonali fil-qasam lingwistiku | 5 | 673 000 | 673 000 | 929 506,48 | 138,11 % |
| | *Artikolu 31 01 08 — Sub-total* | | 673 000 | 673 000 | 929 506,48 | 138,11 % |
| ***31 01 09*** | ***Iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea*** | | | | | |
| 31 01 09 01 | Iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea — Kontribuzzjoni għat-Titoli 1 u 2 | 5 | p.m. | p.m. | 0,— | |
| 31 01 09 02 | Iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea — Kontribuzzjoni għat-Titolu 3 | 5 | p.m. | p.m. | 0,— | |
| | *Artikolu 31 01 09 — Sub-total* | | p.m. | p.m. | 0,— | |
| | **Kapitolu 31 01 — Total** | | **402 759 194** | **397 947 372** | **438 379 004,29** | **108,84 %** |

## *Artikolu 31 01 01 — Nefqa konnessa mal-persunal f'xogħol attiv "Servizzi Lingwistiċi"qasam tal-politika*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 325 088 599 | 319 167 022 | 320 761 115,22 |

## *Artikolu 31 01 02 — Persunal estern u nefqa oħra relatata mat-tmexxija għas-sostenn tal-qasam ta' politika "Servizzi Lingwistiċi"*

### Partita 31 01 02 01 — Persunal estern

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 11 606 822 | 11 324 662 | 9 671 492,74 |

### Partita 31 01 02 11 — Nefqa oħra relatata mat-tmexxija

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 4 991 191 | 5 240 431 | 7 016 511,31 |

## *Artikolu 31 01 03 — Nefqa relatat mat-tagħmir u s-servizzi tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni, u nefqa operattiva oħra tal-qasam tal-politika "Servizzi Lingwistiċi"*

### Partita 31 01 03 01 — Nefqa relatat mat-tagħmir u s-servizzi tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni tal-qasam tal-politika "Servizzi Lingwistiċi"

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 20 204 082 | 20 378 257 | 24 120 167,42 |

### Partita 31 01 03 04 — Tagħmir tekniku u servizzi għas-swali tal-konferenzi tal-Kummissjoni

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 1 783 000 | 1 283 000 | 1 345 742,32 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni tkopri l-ispiża għal:

— tagħmir meħtieġ għall-komunikazzjoni tas-swali tal-konferenzi tal-Kummissjoni mal-kabini tal-interpreti,

— servizzi tekniċi relatati mat-tħaddim tal-laqgħat u tal-konferenzi tal-Kummissjoni fi Brussell.

Approprjazzjonijiet biex ikopru n-nefqa ekwivalenti fir-rigward ta' riċerka jiddaħħlu taħt diversi Partiti fl-Artikolu 01 05 tat-titoli konċernati.

Din l-approprjazzjoni tkopri n-nefqa fit-territorju tal-Unjoni, ħlief għal uffiċċji fl-Unjoni.

*Bażi ġuridika*

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà għal xogħol b'tagħmir li għandu display screen (il-ħames Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artiklu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/25 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 31 01 06 — Nefqa għall-interpretazzjoni*

### Partita 31 01 06 01 — Spiża tal-Interpretazzjoni

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 21 013 000 | 22 923 000 | 52 980 847,71 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— il-ħlas għall-interpreti freelance (Interpreti Awżiljarji tal-Konferenzi — ACIs) impjegati mid-DĠ tal-Interpretazzjoni (SCIC), skont l-Artikolu 90 tal-Kundizzjonijiet tal-Impjiegi ta' Uffiċjali Oħra mal-Unjoni Ewropea, biex l-SCIC tkun tista' toffri għadd ta' interpreti kkwalifikati tal-konferenzi lill-istituzzjonijiet li għalihom tipprovdi s-servizzi tal-interpretazzjoni;

— il-ħlas jinkludi, minbarra r-remunerazzjoni, kemm il-kontribuzzjonijiet għal skema ta' pensjoni għat-tixjiħ u għall-mewt u għal

assigurazzjoni fuq mard u aċċidenti, kif ukoll, għall-interpreti li ma għandhomx ir-residenza professjonali tagħhom fil-lokalità ta’ assenjazzjoni, ir-rimborż tal-ispejjeż għall-ivvjaġġar u l-pagament ta' sussidji b'rata xorta għall-vjaġġ u l-waqfa;

— servizzi lill-Kummissjoni provduti mill-interpreti tal-Parlament Ewropew (kemm uffiċjali u persunal temporanju;

— l-ispejjeż marbuta ma' attivitajiet ta' interpreti li għandhom x'jaqsmu mal-preparazzjoni tal-laqgħat u mat-taħriġ;

— il-kuntratti għas-servizzi tal-interpretazzjoni konklużi mill-SCIC permezz ta' delegazzjonijiet tal-Kummissjoni f'konnessjoni ma' laqgħat organizzati mill-Kummissjoni f'pajjiżi terzi.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(e) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq EUR 35 517 500.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Ħaddiema Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-regoli li jikkontrollaw l-għażla u l-ħlas ta' kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/25 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli ghall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## Partita 31 01 06 02 — Taħriġ ulterjuri u taħriġ ta' interpreti tal-konferenzi

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 422 500 | 457 000 | 1 346 844,78 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba tkopri n-nefqa marbuta mal-azzjonijiet ippjanati biex jippermettu lid-DĠ Interpretazzjoni li jiżgura l-parteċipazzjoni ta' numru suffiċjenti ta' interpreti għall-konferenzi kkwalifikati, partikularment kemm għal ċerti kombinazzjonijiet lingwistiċi kif ukoll għat-taħriġ speċifiku lill-interpreti għall-konferenzi.

Din tinkludi, b'mod partikloari, għotjiet lil universitajiet, għal taħriġ għal dawk li jħarrġu u għal programmi ta' assistenza tal-edukazzjoni, flimkien ma' boroż ta' studju għall-istudenti.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(e) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq EUR 877 500.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

## Partita 31 01 06 03 — Nefqa għat-teknoloġija informatika tad-Direttorat Ġenerali għall-Interpretazzjoni

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 1 256 000 | 1 242 000 | 3 272 566,94 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri n-nefqa kollha għal teknoloġija tal-informatika tad-DĠ Interpretazzjoni (SCIC) fosthom:

— ix-xiri jew il-kiri ta' kompjuters personali, is-servers u l-mikrofoni, in-nefqa għall-faċilitajiet ta' assistenza, għat-terminali, għall-periferiċi, għat-tagħmir ta' konnessjoni, għall-fotokopjaturi, għat-telekopjaturi, għat-tagħmir elettroniku kollu użat fl-uffiċċji jew fil-kabini tal-interpretarjat tal-SCIC, għas-softwer meħtieġ għat-tħaddim tagħhom, l-istallazzjoni, il-konfigurazzjoni, il-manutenzjoni, l-istudji, id-dokumentazzjoni u l-provvisti għal dan it-tagħmir;

— l-iżvilupp u l-manutenzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni u ta' difużjoni ta' utilità għall-SCIC inklużi d-dokumentazzjoni, it-taħriġ adatt għal dawn is-sistemi, l-istudji u l-akkwist ta' għerf u ta' kompetenzi fil-qasam tat-teknoloġija tal-informatika: kwalità, sigurtà, teknoloġija, Internet, metodoloġija ta' żvilupp, ġestjoni informatika;

— l-assistenza teknika u loġistika, it-taħriġ u d-dokumentazzjoni marbuta mat-tagħmir ta' teknoloġija tal-informatika u mas-softwer, it-taħriġ u l-kotba ta' teknoloġija tal-informatika b'interess ġenerali, l-istaff estern operattiv u amministrattiv tal-bażi tad-dejta, is-servizzi ta' uffiċċji u l-abbonamenti;

— ix-xiri jew il-kiri, il-manutenzjoni, l-assistenza għat-tagħmir u għas-softwer ta' trażmissjoni u ta' komunikazzjoni kif ukoll it-taħriġ u l-infiq li jirriżultaw minnhom.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(e) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq EUR 1 944 000.

## *Artikolu 31 01 07 — Nefqa għat-traduzzjoni*

### Partita 31 01 07 01 — Nefqa għat-traduzzjoni

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 14 000 000 | 13 538 000 | 15 206 515,89 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri pagamenti għal servizzi ta’ traduzzjonijiet esterni u spejjeż relatati ma’ servizzi lingwistiċi oħra fdati lil kuntratturi esterni.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(e) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq EUR 1 200 000.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/25 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

### Partita 31 01 07 02 — Nefqa ta' appoġġ għal operazzjonijiet tad-Direttorat Ġenerali għat-Traduzzjoni

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 1 721 000 | 1 721 000 | 1 727 693,48 |

*Kummenti*

Fir-rigward tat-terminoloġija u d-*databases* lingwistiċi, għodod tat-traduzzjoni u nefqa dokumentali u tal-librerija għas-servizz tat-Traduzzjoni, din l-approprjazzjoni hija maħhsuba biex tkopri:

— nefqa għall-kisba, żvilupp u adattatament ta' software tat-traduzzjoni u għodod jew għajnuniet għat-traduzzjoni u l-akkwist, il-konsolidament u l-estenzjoni tal-kontenuti tad-*databases* lingwistiċi u terminoloġiċi, memorji tat-traduzzjoni u t-traduzzjoni awtomatika tad-dizzjunarji, partikolarment biex ikun hemm trattament aktar effiċjenti tal-multilingwiżmu u kooperazzjoni mtejba interistituzzjonali,

— nefqa tad-dokumentazzjoni u tal-librerija biex jilħqu l-ħtiġijiet tat-tradutturi, partikolarment:

  — għall-forniment tal-libreriji b'kotba monolingwi u b'abbonamenti għal gazzetti u ġurnali magħżula,

  — biex jallokaw għotjiet individwali għall-kisba ta’ stokks ta’ dizzjunarji u gwidi għal-lingwa għat-tradutturi l-ġodda,

  — biex jiksbu dizzjunarji, enċiklopediji u vokabularji f’forma elettronika jew permezz tal-web minn *databases* b'dokumentarji,

  — biex jikkostitwixxu u jżommu stokk bażiku ta’ libreriji multilingwali billi jinxtraw kotba ta’ referenza.

Tkopri n-nefqa magħmula ġewwa t-territorju tal-Unjoni, bl-esklużjoni tas-siti taċ-Ċentru tar-Riċerka Konġunta, li għalih tiddaħħal in-nefqa fl-Artikolu 01 05 tat-titoli kkonċernati.

## *Artikolu 31 01 08 — Attivitajiet ta’ kooperazzjoni interistituzzjonali*

### Partita 31 01 08 01 — Attivitajiet ta' kooperazzjoni interistituzzjonali fil-qasam lingwistiku

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 673 000 | 673 000 | 929 506,48 |

*Kummenti*

Dan id-dħul ikopri n-nefqa relattiva għall-attivitajiet ta' koperazzjoni organizzati mill-Kumitat Interistituzzjonali tat-Traduzzjoni u l-Interpretazzjoni (ICTI) għall-promozzjoni tal-kooperazzjoni interistituzzjonali fit-taqsima lingwistika.

L-ammont ta' dħul miġbur skont l-Artikolu 18(1)(e) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li huwa EUR 279 000.

## *Artikolu 31 01 09 — Iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea*

*Kummenti*

Dan l-Artikolu jkopri ċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-korpi tal-Unjoni Ewropea.

### Partita 31 01 09 01 — Iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea — Kontribuzzjoni għat-Titoli 1 u 2

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Din l-intestatura hija maħsuba biex tkopri l-istaff u n-nefqa amministrattiva taċ-Ċentru ta' Traduzzjoni (Titoli 1 u 2).

Ir-riżorsi baġitarji taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-korpi tal-Unjoni Ewropea jikkonsistu f'kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-aġenziji li għalihom jaħdem u mill-istituzjonijiet u l-korpi li magħhom jikkoopera, mingħajr ħsara għal dħul ieħor.

Matul il-proċedura tal-baġit u wkoll matul is-sena finanzjarja, meta titressaq ittra ta' emenda jew baġit ta' emenda, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtorità tal-baġit minn qabel dwar kull tibdil fil-baġit tal-aġenziji, b'mod partikolari dwar il-pjanijiet ta' stabbiliment ippubblikati fil-baġit. Din il-proċedura hija konformi mad-dispożizzjonijiet dwar it-trasparenza stipulati fid-Dikjarazzjoni Interistituzzjonali tas-17 ta' Novembru 1995 u implimentata f'forma ta' kodiċi ta' mġiba miftiehem mill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni u l-aġenziji.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta’ Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta’ Qafas għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-Baġit Ġenerali tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72) jikkostitwixxu dħul assenjat (l-Artikolu 18(1)(f) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Punt 6 6 0 0 tar-Rendikont Ġenerali tad-Dħul.

L-organigramma taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni jidher fil-Parti bit-titolu "Pjan ta' Stabbiliment tal-Persunal" tat-Taqsima III - Kummissjoni (Volum 3).

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94 tat-28 ta' Novembru 1994 li jistabbilixxi Ċentru tat-Traduzzjoni għall-entitajiet tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 314, 7.12.1994, p. 1).

*Atti ta’ referenza*

Dikjarazzjoni tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri li ltaqgħu fi Brussell fid-29 ta' Ottubru 1993 fuq livell ta' Kapijiet ta' Stat jew fuq livell ta' Gvernijiet.

Partita 31 01 09 02 — Iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea — Kontribuzzjoni għat-Titolu 3

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Din l-intestatura hija maħsuba biex tkopri n-neqfa operattiva taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni (Titolu 3).

Ir-riżorsi baġitarji taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-korpi tal-Unjoni Ewropea jikkonsistu f'kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-aġenziji li għalihom jaħdem u mill-istituzjonijiet u l-korpi li magħhom jikkopera, mingħajr ħsara għal dħul ieħor.

Matul il-proċedura tal-baġit u wkoll matul is-sena finanzjarja, meta titressaq ittra ta' emenda jew baġit ta' emenda, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtorità tal-baġit minn qabel dwar kull tibdil fil-baġit tal-aġenziji, b'mod partikolari dwar il-pjaniiet ta' stabbiliment ippubblikati fil-baġit. Din il-proċedura hija konformi mad-dispożizzjonijiet dwar it-trasparenza stipulati fid-Dikjarazzjoni Interistituzzjonali tas-17 ta' Novembru 1995 u implimentata f'forma ta' kodiċi ta' mġiba miftiehem mill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni u l-aġenziji.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta’ Qafas għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-Baġit Ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72) jikkostitwixxu dħul assenjat (l-Artikolu 18(1)(f) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Punt 6 6 0 0 tar-Rendikont Ġenerali tad-Dħul.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94 tat-28 ta' Novembru 1994 li jistabbilixxi Ċentru tat-Traduzzjoni għall-entitajiet tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 314, 7.12.1994, p. 1).

*Atti ta’ referenza*

Dikjarazzjoni tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri li ltaqgħu fi Brussell fid-29 ta' Ottubru 1993 fuq livell ta' Kapijiet ta' Stat jew fuq livell ta' Gvernijiet.

# TITOLU 32 — L-ENERĠIJA

*Figuri*

| Titolu Kapitolu | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 32 01 | In-nefqa amministrattiva tal-qasam ta’ politika tal-'Enerġija' | | 77 812 835 | 77 812 835 | 77 909 898 | 77 909 898 | 76 911 403,17 | 76 911 403,17 |
| | 40 01 40 | | | | 23 947<br>77 933 845 | 23 947<br>77 933 845 | | |
| 32 03 | Netwerks trans-Ewropej | 1 | 22 200 000 | 16 362 280 | 21 129 600 | 18 145 022 | 24 150 000,00 | 18 005 120,39 |
| 32 04 | Enerġiji konvenzjonali u rinnovabbli | | 146 679 511 | 603 504 442 | 144 450 237 | 856 455 140 | 275 300 388,95 | 591 045 575,58 |
| 32 05 | Enerġija nukleari | 1 | 289 750 000 | 210 000 000 | 282 496 400 | 227 357 119 | 280 519 620,68 | 120 765 862,57 |
| 32 06 | Ir-riċerka marbuta mal-enerġija | 1 | 197 127 000 | 170 091 000 | 192 088 457 | 140 407 198 | 203 247 029,38 | 159 220 354,99 |
| | **Titolu 32 — Total** | | **733 569 346** | **1 077 770 557** | **718 074 592** | **1 320 274 377** | **860 128 442,18** | **965 948 316,70** |
| | **40 01 40**<br>**Total + riżerva** | | | | **23 947**<br>**718 098 539** | **23 947**<br>**1 320 298 324** | | |

## Kapitolu 32 01 — In-nefqa amministrattiva tal-qasam ta’ politika tal-'Enerġija'

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 32 01 | In-nefqa amministrattiva tal-qasam ta’ politika tal-'Enerġija' | | | | | |
| ***32 01 01*** | ***In-Nefqa konnessa mal-persunal li huma impjegati attivament fil-qasam tal-politika tal-“Enerġija”*** | 5 | 55 996 613 | 56 159 007 | 54 722 586,62 | 97,72 % |
| ***32 01 02*** | ***Nefqa għal persunal estern u nefqa oħra relatata mal-ġestjoni marbuta mal-qasam tal-politika tal-“Enerġija”*** | | | | | |
| 32 01 02 01 | Persunal estern | 5 | 2 853 813 | 3 119 918 | 2 948 041,60 | 103,30 % |
| 32 01 02 11 | Nefqa oħra relatata mal-ġestjoni. | 5 | 1 992 249 | 1 917 719 | 2 506 325,00 | 125,80 % |
| | 40 01 40 | | | 23 947<br>1 941 666 | | |
| | *Artikolu 32 01 02 — Sub-total* | | 4 846 062 | 5 037 637 | 5 454 366,60 | 112,55 % |
| | *40 01 40* | | | 23 947<br>5 061 584 | | |
| ***32 01 03*** | ***Nefqa relatata mat-tagħmir u s-servizzi tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni tal-qasam ta’ politika “Enerġija”*** | 5 | 3 480 160 | 3 585 654 | 4 047 886,23 | 116,31 % |
| ***32 01 04*** | ***Nefqa għal appoġġ għal operazzjonijiet tal-qasam ta’ politika tal-"Enerġija"*** | | | | | |
| 32 01 04 01 | L-enerġija konvenzjonali — Nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva | 1.1 | 600 000 | 700 000 | 247 976,08 | 41,33 % |
| 32 01 04 02 | Appoġġ finanzjarju għall-proġetti ta’ interess komuni fin-netwerk ta’ enerġija trans-Ewropew — Nefqa fuq ġestjoni amministrattiva | 1.1 | 600 000 | 694 400 | 399 646,76 | 66,61 % |
| 32 01 04 03 | Enerġija nukleari — Nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva | 1.1 | 250 000 | 195 200 | 219 454,00 | 87,78 % |
| 32 01 04 04 | Sikurezza u ħarsien tal-utenti tal-enerġija — Nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva | 1.1 | — | p.m. | 10 000,00 | |
| 32 01 04 05 | Informazzjoni u komunikazzjoni — Nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva | 1.1 | 500 000 | 496 000 | 500 000,00 | 100,00 % |
| 32 01 04 06 | Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni — Programm “Enerġija intelliġenti - Ewropa” — Nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva | 1.1 | 800 000 | 992 000 | 663 132,60 | 82,89 % |
| 32 01 04 07 | Proġetti tal-enerġija li jgħinu l-irkupru ekonomiku — Nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva | 1.1 | — | p.m. | 0,— | |
| 32 01 04 30 | Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni — Kontribuzzjoni mill-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni — Programm "Enerġija Intelliġenti — Ewropa" | 1.1 | 6 542 000 | 6 542 000 | 6 758 104,00 | 103,30 % |
| | *Artikolu 32 01 04 — Sub-total* | | 9 292 000 | 9 619 600 | 8 798 313,44 | 94,69 % |
| ***32 01 05*** | ***Nefqa għall-attivitajiet ta’ riċerka fil-qasam tal-politika tal-‘Enerġija’*** | | | | | |
| 32 01 05 01 | Nefqa konnessa mal-istaff li jwettqu r-riċerka | 1.1 | 1 950 000 | 1 700 000 | 1 965 000,00 | 100,77 % |
| 32 01 05 02 | Staff estern għar-riċerka | 1.1 | 950 000 | 850 000 | 841 000,00 | 88,53 % |
| 32 01 05 03 | Nefqa oħra ta’ ġestjoni għar-riċerka | 1.1 | 1 200 000 | 860 000 | 1 082 250,28 | 90,19 % |
| | *Artikolu 32 01 05 — Sub-total* | | 4 100 000 | 3 410 000 | 3 888 250,28 | 94,84 % |
| ***32 01 06*** | ***Kontribuzzjoni tal-Euratom għall-ħidma tal-Aġenzija ta' Forniment*** | 5 | 98 000 | 98 000 | 0,— | |
| | **Kapitolu 32 01 — Total** | | **77 812 835** | **77 909 898** | **76 911 403,17** | **98,84 %** |
| | **40 01 40**<br>**Total + riżerva** | | | **23 947**<br>**77 933 845** | | |

## *Artikolu 32 01 01 — In-Nefqa konnessa mal-persunal li huma impjegati attivament fil-qasam tal-politika tal-“Enerġija”*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 55 996 613 | 56 159 007 | 54 722 586,62 |

### *Artikolu 32 01 02 — Nefqa għal persunal estern u nefqa oħra relatata mal-ġestjoni marbuta mal-qasam tal-politika tal-“Enerġija”*

Partita 32 01 02 01 — Persunal estern

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 2 853 813 | 3 119 918 | 2 948 041,60 |

Partita 32 01 02 11 — Nefqa oħra relatata mal-ġestjoni.

*Figuri*

| | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|
| 32 01 02 11 | 1 992 249 | 1 917 719 | 2 506 325,00 |
| 40 01 40 | | 23 947 | |
| Total | 1 992 249 | 1 941 666 | 2 506 325,00 |

### *Artikolu 32 01 03 — Nefqa relatata mat-tagħmir u s-servizzi tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni tal-qasam ta’ politika “Enerġija”*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 3 480 160 | 3 585 654 | 4 047 886,23 |

### *Artikolu 32 01 04 — Nefqa għal appoġġ għal operazzjonijiet tal-qasam ta’ politika tal-"Enerġija"*

Partita 32 01 04 01 — L-enerġija konvenzjonali — Nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 600 000 | 700 000 | 247 976,08 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti marbuta direttament mal-kisba tal-objettiv tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din l-intestatura tal-baġit, flimkien ma' kull nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix kompiti ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni b’kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Artikolu 32 04 03.

Partita 32 01 04 02 — Appoġġ finanzjarju għall-proġetti ta’ interess komuni fin-netwerk ta’ enerġija trans-Ewropew — Nefqa fuq ġestjoni amministrattiva

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 600 000 | 694 400 | 399 646,76 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri nefqa għal studji, laqgħat ta’ esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-objettiv tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-partita, flimkien ma’ kull nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta’ awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta’ servizz *ad hoc*.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Artikoli 32 03 01 u 32 03 02.

## Partita 32 01 04 03 — Enerġija nukleari — Nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 250 000 | 195 200 | 219 454,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti marbuta direttament mal-kisba tal-objettiv tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din l-intestatura tal-baġit, flimkien ma' kull nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix kompiti ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni b’kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Artikoli 32 05 01, 32 05 02 u 32 05 03.

## Partita 32 01 04 04 — Sikurezza u ħarsien tal-utenti tal-enerġija — Nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| — | p.m. | 10 000,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti marbuta direttament mal-kisba tal-objettiv tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din l-intestatura tal-baġit, flimkien ma' kull nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta' awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni b’kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Artikolu 32 04 16.

## Partita 32 01 04 05 — Informazzjoni u komunikazzjoni — Nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 500 000 | 496 000 | 500 000,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa fuq l-informazzjoni u l-pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-objettiv tal-politiki tat-trasport, l-enerġija u dik nukleari kif ukoll tas-sikurezza u l-ħarsien tal-utenti tal-enerġija u t-trasport.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Artikoli 32 04 03, 32 04 16, 32 05 01, 32 05 02 u 32 05 03.

## Partita 32 01 04 06 — Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni — Programm “Enerġija intelliġenti - Ewropa” — Nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 800 000 | 992 000 | 663 132,60 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri nefqa għal studji, laqgħat ta’ esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-kisba tal-objettiv tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt dan l-artikolu, flimkien ma’ kull nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta’ awtorità pubblika esternalizzati mill-Kummissjoni skont kuntratti ta’ servizz *ad hoc*.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f’din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-għoti ta’ approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness “Żona Ekonomika Ewropea” ta’ din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta’ din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjoni tal-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħla fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista’ jagħti lok għall-għoti ta’ approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess rapport bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fuq ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi li jidħol fil-partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali li jkunu jridu jiddaħħlu f'din il-Partita, skont Ir-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Artikolu 32 04 06.

## Partita 32 01 04 07 — Proġetti tal-enerġija li jgħinu l-irkupru ekonomiku — Nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| — | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri n-nefqa għal evalwazzjonijiet, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet marbuta direttament mal-proġetti tal-enerġija biex jgħinu l-miżuri tal-irkupru ekonomiku jew miżuri li jaqgħu taħt din l-intestatura tal-baġit, flimkien ma' kull nefqa oħra għal assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta' awtorità pubblika mogħtija b’kuntratt mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz ad hoc.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Artikolu 32 04 14.

## Partita 32 01 04 30 — Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni — Kontribuzzjoni mill-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni — Programm "Enerġija Intelliġenti — Ewropa"

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 6 542 000 | 6 542 000 | 6 758 104,00 |

*Kummenti*

Din l-Approprjazzjoni maħsuba biex tkopri l-ispejjeż għall-persunal u l-ispejjeż għat-tħaddim tal-aġenzija eżekuttiva għall-kompetittività u l-innovazzjoni, sostnuti mill-parteċipazzjoni tal-Aġenzija għall-ġestjoni ta' azzjonijiet tal-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni — Programm "Enerġija Intelliġenti — Ewropa".

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjoni tal-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħla fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess rapport bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fuq ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi li jidħol fil-partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali li jkunu jridu jiddaħħlu f'din il-Partita, skont Ir-Regolament Finanzjarju.

Il-pjan ta' stabbiliment tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni hija stabbilita fil-Parti bit-titolu 'Pjan ta' stabbiliment' tat-Taqsima III — Kummissjoni (Volum 3).

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fil-ġestjoni tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1230/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 li tadotta programm multiannwali għall-azzjoni fil-qasam tal-enerġija: Enerġija intelliġenti — Ewropa (2003 - 2006) (ĠU L 176, 15.7.2003, p. 29).

Id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007 - 2013) (ĠU L 310, 9. 11. 2006, p. 15).

Ir-Regolament tal-Kumissjoni (KE) Nru 1653/2004 tal-21 ta' Settembru 2004 dwar regolament finanzjarju standard tal-aġenziji eżekuttivi skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità (ĠU L 297, tat-22.9.2004, p. 6).

*Atti ta' referenza*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/20/KE tat-23 ta' Diċembru 2003 li tistabbilixxi aġenzija eżekuttiva, l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Enerġija Intelliġenti, biex timmaniġġa l-azzjoni tal-Komunità fis-settur tal-enerġija b'applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 (ĠU L 5, 9.1.2004, p. 85).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/372/KE tal-31 ta' Mejju 2007 li temenda d-Id-Deċiżjoni 2004/20/KE sabiex tittrasforma l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Enerġija Intelliġenti f'Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (ĠU L 140, 1.6.2007, p. 52).

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni COM(2007) 3198 tad-9 ta' Lulju 2007 tiddelega s-setgħat lill-"Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni" bl-għan li jsiru kompiti marbuta mal-implimentazzjoni tal-Programm Enerġija Intelliġenti — Ewropa 2003-2006, il-Programm Marco Polo 2003-2006, il-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni 2007-2013 u l-Programm Marco Polo 2007-2013 li jinkludu b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-approprazzjonijiet imdaħħla fil-baġit tal-Komunità.

## *Artikolu 32 01 05 — Nefqa għall-attivitajiet ta' riċerka fil-qasam tal-politika tal-'Enerġija'*

### Partita 32 01 05 01 — Nefqa konnessa mal-istaff li jwettqu r-riċerka

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 1 950 000 | 1 700 000 | 1 965 000,00 |

Partita 32 01 05 02 — Staff estern għar-riċerka

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 950 000 | 850 000 | 841 000,00 |

Partita 32 01 05 03 — Nefqa oħra ta’ ġestjoni għar-riċerka

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 1 200 000 | 860 000 | 1 082 250,28 |

## *Artikolu 32 01 06 — Kontribuzzjoni tal-Euratom għall-ħidma tal-Aġenzija ta' Forniment*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 98 000 | 98 000 | 0,— |

*Kummenti*

Billi nefqa fuq il-bini u l-persunal hija inkluża fl-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-Partiti XX 01 01 01, XX 01 03 01 u 26 01 23, il-kontribuzzjoni tal-Kummissjoni, flimkien mad-dħul proprju tal-Aġenzija, huma maħsuba biex ikopru n-nefqa magħmula mill-Aġenzija fl-attivitajiet tagħha.

Fit-23 sessjoni tiegħu fl-1 u t-2 ta’ Frar 1960, il-Kunsill tal-Euratom ippropona unanimament li l-Kummissjoni tippostponi mhux biss il-ġbir tal-piż (maħsub biex ikopri n-neqfa operattiva tal-Aġenzija tal-Provvista tal-Euratom) imma wkoll l-introduzzjoni attwali tal-piż imsemmi. Minn dakinhar sussidju kien inkluż fil-baġit biex jibbilanċja n-naħa tad-dħul mal-figuri tan-nefqa tal-Aġenzija murija fil-prospett tal-estimi.

*Bażi ġuridika*

It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b’mod partikulari l-Artikoli 52, 53 u 54 tiegħu.

*Atti ta’ referenza*

L-Istatut tal-Aġenzija tal-Provvista Euratom, u b'mod partikolari l-Artikoli 4, 6 u 7 tiegħu (Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/114/KE, Euratom, ĠU L 41, 15.2.2008, p. 15).

# Kapitolu 32 03 — Netwerks trans-Ewropej

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 32 03 | Netwerks trans-Ewropej | | | | | | | | |
| ***32 03 01*** | ***It-tlestija tal-appoġġ finanzjarju għall-proġetti ta' interess komuni fin-netwerk tal-enerġija trans-Ewropew*** | 1.1 | — | 1 862 280 | — | 5 897 132 | 0,— | 5 035 540,36 | 270,40 % |
| ***32 03 02*** | ***Appoġġ finanzjarju għall-proġetti ta' interess komuni fin-netwerk tal-enerġija trans-Ewropew*** | 1.1 | 22 200 000 | 14 500 000 | 21 129 600 | 12 247 890 | 24 150 000,00 | 12 969 580,03 | 89,45 % |
| | **Kapitolu 32 03 — Total** | | **22 200 000** | **16 362 280** | **21 129 600** | **18 145 022** | **24 150 000,00** | **18 005 120,39** | **110,04 %** |

## *Artikolu 32 03 01 — It-tlestija tal-appoġġ finanzjarju għall-proġetti ta' interess komuni fin-netwerk tal-enerġija trans-Ewropew*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | 1 862 280 | — | 5 897 132 | 0,— | 5 035 540,36 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji ta' qabel tal-programm TEN-E.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2236/95 tat-18 ta’ Settembru 1995 li jistabbilixxi regoli ġenerali għall-għoti ta’ għajnuna finanzjarja Komunitàrja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej (ĠU L 228, 23.9.1995, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 6 ta' Settembru 2006 li tistabbilixxi linji gwida għal netwerks tal-enerġija trans-Ewropej (ĠU L 262, 22. 9. 2006, p. 1).

## *Artikolu 32 03 02 — Appoġġ finanzjarju għall-proġetti ta' interess komuni fin-netwerk tal-enerġija trans-Ewropew*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 22 200 000 | 14 500 000 | 21 129 600 | 12 247 890 | 24 150 000,00 | 12 969 580,03 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż ta’ studji ta’ fattibilità ekonomika u teknika, studji preparatorji u ta’ valutazzjoni u sussidji fuq ir-rati tal-imgħax, garanziji tas-self jew sussidji diretti, f’każijiet debitament ġustifikati, għal proġetti ta’ interess komuni identifikati skont il-linji gwida stipulat fid-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE.

L-għan ta’ din il-miżura hija biex ikun hemm kontribuzzjoni għall-operazzjoni kompetittiva tas-suq intern tal-enerġija u t-tisħiħ tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija bl-istabiliment tal-infrastruttura tan-netwerk meħtieġa, u b’mod partikolari permezz tal-istabiliment u l-iżvilupp of tan-netwerk tat-trasport trans-Ewropew, li jippromwovi l-interkonnettività u l-interoperabilità tan-netwerks nazzjonali u aċċess għal dawn in-netwerks u li jkunu estiżi lil hinn mill-Unjoni.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 6 ta' Settembru 2006 li tistabbilixxi linji gwida għal netwerks tal-enerġija trans-Ewropej (ĠU L 262, 22. 9. 2006, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 680/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 li jistabbilixxi regoli ġenerali għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitàrja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport u tal-enerġija (ĠU L 162, 22.6.2007, p. 1).

*Atti ta’ referenza*

Proposta għar-regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u t-tħassir tad-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE (COM(2011)658).

# Kapitolu 32 04 — Enerġiji konvenzjonali u rinnovabbli

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 32 04 | Enerġiji konvenzjonali u rinnovabbli | | | | | | | | |
| ***32 04 01*** | ***It-tlestija tal-programm "Enerġija Intelliġenti — Ewropa" (2003 sa 2006)*** | 1.1 | — | p.m. | — | 453 626 | 71 596,71 | 4 922 248,85 | |
| ***32 04 02*** | ***It-tlestija tal-programm "Enerġija Intelliġenti — Ewropa" (2003 sa 2006) il-fergħa esterna — Coopener*** | 4 | — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 187 921,77 | |
| ***32 04 03*** | ***Attivitajiet ta' appoġġ għall-politika Ewropea tal-enerġija u s-suq intern tal-enerġija*** | 1.1 | 3 600 000 | 1 700 000 | 3 720 000 | 3 765 092 | 2 632 485,82 | 2 847 449,84 | 167,50 % |
| ***32 04 04*** | ***It-tlestija tal-programm qafas tal-Enerġija (1999 sa 2002) — Enerġija konvenzjonali u rinnovabbli*** | 1.1 | — | — | — | p.m. | 0,— | 0,— | |
| ***32 04 05*** | ***Il-Pjan Strateġiku Ewropew tat-Teknoloġija tal-Enerġija (SET-Plan)*** | 1.1 | — | — | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | |
| ***32 04 06*** | ***Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni — Programm "Enerġija intelliġenti — Ewropa"*** | 1.1 | 132 250 000 | 100 000 000 | 129 813 600 | 71 854 285 | 117 699 861,92 | 83 335 483,35 | 83,34 % |
| ***32 04 07*** | ***Proġett pilota — Is-sigurtà tal-enerġija — Bijofjuwils*** | 1.1 | — | — | — | p.m. | 0,— | 1 500 000,00 | |
| ***32 04 10*** | ***L-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija*** | | | | | | | | |
| 32 04 10 01 | L-Aġenzija għall-kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija — Kontribuzzjoni taħt it-Titoli 1 u 2 | 1.1 | 6 967 383 | 6 967 383 | 6 864 725 | 6 864 725 | 4 017 000,00 | 5 394 271,63 | 77,42 % |
| 32 04 10 02 | L-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija — Kontribuzzjoni taħt it-Titolu 3 | 1.1 | 402 412 | 402 412 | 377 125 | 377 125 | 983 000,00 | 983 000,00 | 244,28 % |
| | *Artikolu 32 04 10 — Sub-total* | | 7 369 795 | 7 369 795 | 7 241 850 | 7 241 850 | 5 000 000,00 | 6 377 271,63 | 86,53 % |
| ***32 04 11*** | ***Komunità tal-Enerġija*** | 4 | 3 159 716 | 3 159 716 | 2 724 787 | 2 600 970 | 3 312 400,00 | 3 312 400,00 | 104,83 % |
| ***32 04 12*** | ***Proġett pilota — Programm Qafas Ewropew għall-iżvilupp u l-iskambju tal-esperjenza dwar l-iżvilupp urban sostenibbli*** | 1.1 | — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 0,— | |
| ***32 04 13*** | ***Azzjoni ta' tħejjija — Gżejjer Ewropej għal politika komuni tal-enerġija*** | 1.1 | — | p.m. | — | 2 000 000 | 0,— | 1 050 425,60 | |
| ***32 04 14*** | ***Proġetti tal-enerġija biex jgħinu l-irkupru ekonomiku*** | | | | | | | | |
| 32 04 14 01 | Proġetti tal-enerġija biex jgħinu l-irkupru ekonomiku — Netwerks tal-enerġija | 1.1 | — | 212 400 000 | p.m. | 526 288 963 | 0,— | 224 169 430,99 | 105,54 % |
| 32 04 14 02 | Proġetti tal-enerġija biex jgħinu l-irkupru ekonomiku — Ġbir u Ħżin tal-Karbonju (CCS) | 1.1 | — | 154 531 897 | p.m. | 124 293 397 | 0,— | 192 027 188,76 | 124,26 % |
| 32 04 14 03 | Proġetti tal-enerġija biex jgħinu l-irkupru ekonomiku — Is-sistema Ewropea ta' enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta | 1.1 | — | 75 164 809 | p.m. | 73 487 337 | 0,— | 41 300 324,67 | 54,95 % |
| 32 04 14 04 | Proġetti tal-enerġija biex jgħinu l-irkupru ekonomiku — Effiċjenza enerġetika u l-inizjattivi rinnovabbli | 1.1 | — | 48 781 548 | p.m. | 43 548 052 | 146 334 644,50 | 30 000 000,00 | 61,50 % |
| | *Artikolu 32 04 14 — Sub-total* | | — | 490 878 254 | p.m. | 767 617 749 | 146 334 644,50 | 487 496 944,42 | 99,31 % |
| ***32 04 16*** | ***Is-sikurezza tal-istallazzjonijiet u l-infrastruttura tal-enerġija*** | 1.1 | 300 000 | 186 677 | 250 000 | 571 568 | 249 400,00 | 15 430,12 | 8,27 % |
| ***32 04 17*** | ***Proġett Pilota — Appoġġ għall-preservazzjoni tar-riżorsi naturali u għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima permezz ta' żieda tal-użu tal-enerġija solari (Solari Termika u Fotovoltajka)*** | 2 | — | — | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | |
| ***32 04 18*** | ***Proġett pilota — Is-Sigurtà tal-enerġija — Gass tax-Shale*** | 1.1 | — | 60 000 | 200 000 | 100 000 | | | |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *32 04 19* | ***Azzjoni ta' thejjija — Mekkaniżmi ta' Kooperazzjoni li jimplimentaw id-Direttiva RES*** | 2 | — | 150 000 | 500 000 | 250 000 | | | |
| | **Kapitolu 32 04 — Total** | | **146 679 511** | **603 504 442** | **144 450 237** | **856 455 140** | **275 300 388,95** | **591 045 575,58** | **97,94 %** |

## *Artikolu 32 04 01 — It-tlestija tal-programm "Enerġija Intelliġenti — Ewropa" (2003 sa 2006)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | p.m. | — | 453 626 | 71 596,71 | 4 922 248,85 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji ta' qabel tal-programm "Enerġija intelliġenti - Ewropa"(2003-2006).

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Ir-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok li jkun hemm approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Ir-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1230/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 li tadotta programm multiannwali għall-azzjoni fil-qasam tal-enerġija: "Enerġija Intelliġenti-Ewropa" (2003 - 2006) (ĠU L 176, 15.7.2003, p. 29).

## *Artikolu 32 04 02 — It-tlestija tal-programm "Enerġija Intelliġenti — Ewropa" (2003 sa 2006) il-fergħa esterna — Coopener*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 187 921,77 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji ta' qabel tal-Coopener, il-fergħa esterna tal-programm "Enerġija intelliġenti — Ewropa".

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Ir-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok li jkun hemm approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Ir-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1230/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 li tadotta programm multiannwali għall-

azzjoni fil-qasam tal-enerġija: Enerġija Intelliġenti-Ewropa (2003 - 2006) (ĠU L 176, 15.7.2003, p. 29).

Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.1.2.2006, p. 41)

### *Artikolu 32 04 03 — Attivitajiet ta' appoġġ għall-politika Ewropea tal-enerġija u s-suq intern tal-enerġija*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 3 600 000 | 1 700 000 | 3 720 000 | 3 765 092 | 2 632 485,82 | 2 847 449,84 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa mġarrba mill-Kummissjoni għall-ġbir u l-ipproċessar tal-informazzjoni ta' kull tip ta' analiżi, definizzjoni, promozzjoni, monitoraġġ, valutazzjoni u implimentazzjoni meħtieġa għal politika Ewropea ta' enerġija li tkun kompetittiva, sikura u sostenibbli, għas-suq intern tal-enerġija u l-estensjoni tiegħu lil pajjiżi terzi, għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija f'kull aspett ta' perspettiva Ewropea u globali kif ukoll għat-tisħiħ tad-drittijiet u l-protezzjoni tal-utenti tal-enerġija permezz tal-forniment ta' servizzi ta' kwalità bi prezzijiet trasparenti u paragunabbli.

L-objettivi ewlenin miftiehma huma l-istabbiliment ta' politika Ewropea progressivament komuni li tiżgura sigurtà tal-provvista tal-enerġija kontinwa, funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-enerġija u aċċess għal netwerks tat-trasport tal-enerġija, osservazzjoni tas-suq tal-enerġija, analiżi tat-tfassil inkluż xenarji dwar l-impatti tal-politiki kkunsidrati, tisħiħ tad-drittijet u tal-protezzjoni tal-utenti tal-enerġija bbażati fuq għarfien ġenerali u partikolari tas-swieq tal-enerġija Ewropej kif ukoll globali għal kull tip ta' enerġija.

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata biex tkopri n-nefqa ta' esperti marbuta direttament mal-ġbir, il-validazzjoni u l-analiżi tal-informazzjoni neċessarja dwar l-osservazzjoni tas-suq tal-enerġija (evalwazzjoni bejn il-pari).

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (UE) Nru 994/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ottubru 2010 dwar miżuri li jissalvagwardjaw is-sigurtà tal-provvista tal-gass (ĠU L 295, 12.11.2010, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Ottubru 2006 dwar il-finanzjament tal-istandardizzazzjoni Ewropea (ĠU L 315, 15.11.2006, p. 9).

Ir-Regolament (KE) 714/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2009 dwar kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks għall-bdil bejn il-fruntieri fl-elettriku (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 15).

Ir-Regolament (KE) 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks ta' trażmissjoni tal-gass naturali (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 36).

Id-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 55).

Id-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 94).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 617/2010 tal-24 ta’ Ġunju 2010 dwar in-notifika lill-Kummissjoni ta’ proġetti ta’ investiment fl-infrastruttura tal-enerġija fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 180, 15.7.2010, p. 7).

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE, Euratom) Nru 833/2010 tal-21 ta' Settembru 2010 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 617/2010 dwar in-notifika lill-Kummissjoni ta’ proġetti ta’ investiment fl-infrastruttura tal-enerġija fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 22.9.2010, p. 36).

*Atti ta’ referenza*

Proposta għar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sigurtà tal-attivitajiet tal-ipprospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni taż-żejt u l-gass lil hinn mill-kosta COM(2011) 688.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (2012/C 18/07) tad-19 ta’ Jannar 2012 dwar it-twaqqif ta’ Grupp ta’ Awtorità taż-Żejt u tal-Gass lil hinn mill-kosta tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 18, 21.1.2012, p. 8).

## *Artikolu 32 04 04 — It-tlestija tal-programm qafas tal-Enerġija (1999 sa 2002) — Enerġija konvenzjonali u rinnovabbli*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | — | — | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-impenji magħmula skont Ir-Regolamenti u d-Id-Deċiżjonijiet adottati.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Ir-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 91/565/KEE tad-29 ta' Ottubru 1991 dwar il-promozzjoni tal-effiċjenza tal-enerġija fil-Komunità (Programm SAVE I) (ĠU L 307, 8.11.1991, p. 34).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/21/KE , Euratom tal-14 ta' Diċembru 1998 li tadotta programm qafas multiannwali għal azzjonijiet fis-settur tal-enerġija (1998 - 2002) u miżuri konnessi (ĠU L 7, 13.1.1999, p. 16).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/22/KE tal-14 ta' Diċembru 1998 li tadotta programm multiannwali ta' studji, analiżi, tbassir u xogħlijiet relatati oħra fis-settur tal-enerġija (1998 - 2002) (ĠU L 7, 13.1.1999, p. 20).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/23/KE tal-14 ta' Diċembru 1998 li tadotta programm multiannwali għall-promozzjoni tal-kooperazzjoni internazzjonali fis-settur tal-enerġija (1998 - 2002) (ĠU L 7, 13.1.1999, p. 23).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/24/KE tal-14 ta' Diċembru 1998 li tadotta programm multiannwali ta' azzjonijiet teknoloġiċi li jippromwovu użu nadif u effiċjenti ta' fjuwils solidi (1998 - 2002) (ĠU L 7, 13.1.1999, p. 28).

Id-Deċiżjoni Nru 646/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2000 li tadotta programm multiannwali għall-promozzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fil-Komunità (Altener) (1998 - 2002) (ĠU L 79, 30.3.2000, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 647/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2000 li tadotta programm multiannwali għall-promozzjoni tal-effiċjenzja tal-enerġija (SAVE) (1998 - 2002) (ĠU L 79, 30.3.2000, p. 6).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/353/KE tad-9 ta' April 2001 li tistabbilixxi linji gwida ġodda applikabbli għal azzjonijiet u miżuri li għandhom jittieħdu skont il-programm multiannwali għall-promozzjoni tal-kooperazzjoni internazzjonali fis-settur tal-enerġija (1998 - 2002) li tadotta programm multiannwali qafas għal azzjonijiet fis-settur tal-enerġija u miżuri konnessi (ĠU L 125, 5.5.2001, p. 24).

## *Artikolu 32 04 05 — Il-Pjan Strateġiku Ewropew tat-Teknoloġija tal-Enerġija (SET-Plan)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | — | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tipprovdi finanzjament għall-Pjan Strateġiku Ewropew tat-Teknoloġija tal-Enerġija (SET-Plan), kif imħabbar fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titlu Pjan Strateġiku Ewropew tat-Teknoloġija tal-Enerġija (SET-Plan): Lejn futur b'karbonju baxx (COM(2007)0723). Din l-approprjazzjoni timmira biex tiffinanzja b'mod partikolari l-appoġġ għal teknoloġiji tal-enerġija b'karbonju baxx fil-fażijiet tar-riċerka, l-iżvilupp, id-dimostrazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Qafas tal-

Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċizjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007 sal-2013) (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 15).

*Atti ta' referenza*

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-22 ta' Novembru 2007 — Pjan strateġiku Ewropew għat-teknoloġija tal-enerġija (Pjan SET): "Lejn ġejjieni ta' emissjonijiet baxxi tal-karbonju" (COM(2007)0723).

Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tas-7 ta' Ottubru 2009 — L-Investiment fl-Iżvilupp ta' Teknoloġiji b'livell baxx ta' Karbonju (Pjan-SET) (COM(2009)0519).

## *Artikolu 32 04 06 — Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni — Programm "Enerġija intelliġenti — Ewropa"*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 132 250 000 | 100 000 000 | 129 813 600 | 71 854 285 | 117 699 861,92 | 83 335 483,35 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja azzjonijiet jew miżuri dwar:

— Promozzjoni u tixrid tal-proġetti:

  — studji strateġiċi abbażi tal-analiżi maqsuma u l-monitoraġġ regolari tal-iżviluppi tas-suq u x-xejriet tal-enerġija għat-tħejjija ta' miżuri leġiżlattivi tal-ġejjieni jew għar-reviżjoni ta' leġiżlazzjoni eżistenti, inkluż, fir-rigward tal-funzjonament tas-suq intern tal-enerġija, għall-implimentazzjoni tal-istrateġija fuq perjodu ta' żmien medju u twil fil-qasam tal-enerġija għall-promozzjoni ta' żvilupp sostenibbli, kif ukoll għat-tħejjija tal-impenji volontarji fuq perjodu ta' żmien twil mal-industrija u partijiet interessati oħra u għall-iżvilupp ta' standards, sistemi ta' tikkettjar u ta' ħruġ ta' ċertifikati, fejn xieraq ukoll f'koperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali;

  — il-ħolqien, it-tkabbir jew l-organizzazzjoni mill-ġdid tal-istrutturi u l-istrumeti għall-iżvilupp ta' enerġija sostenibbli, inklużi miżuri lokali u reġjonali ta' treġija u ffrankar ta' enerġija, u l-iżvilupp ta' prodotti finanzjarji u strumenti tas-suq adegwati; il-bini fuq l-esperjenza minn netwerks tal-imgħoddi u tal-preżent;

  — il-promozzjoni ta' sistemi u tagħmir tal-enerġija sostenibbli sabiex titħaffef iktar il-penetrazzjoni tagħhom fis-suq u jkun stimulat l-investiment biex tkun iffaċilitata t-tranżizzjoni mill-wiri għall-kummerċjalizzazzjoni ta' teknoloġiji iktar effiċjenti, kampanji ta' tqajjim ta' kuxjenza u l-ħolqien ta' kapaċitajiet istituzzjonali;

  — l-iżvilupp ta' strutturi tal-informazzjoni, l-edukazzjoni u t-taħriġ, l-użu ta' riżultati, il-promozzjoni u t-tixrid tal-kapaċità u l-aħjar prattiċi li jinvolvu lill-konsumaturi kollha, it-tixrid tar-riżultati tal-azzjonijiet u l-proġetti u l-koperazzjoni mal-Istati Membri permezz ta' networks operattivi;

  — il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u l-impatt tal-miżuri leġiżlattivi u ta' appoġġ tal-Unjoni.

— Proġetti ta' riproduzzjoni tas-suq

  — appoġġ għall-proġetti kkonċernati mar-riproduzzjoni tas-suq ta' teknoloġiji innovattivi, proċessi, prodotti jew prattika ta' rilevanza għall-Unjoni li diġa ġew murija teknikament b'suċċess. Dawn se jkunu mfassla biex jippromwovu użu usa' fi ħdan il-pajjiżi parteċipanti u biex jiffaċilitaw l-adozzjoni tagħhom fis-suq.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Ir-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok li jkun hemm

approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Ir-Regolament Finanzjarju.

Kull dħul minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi li jidħol fil-partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali li jkunu jridu jiddaħħlu f'din il-Partita, skont Ir-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċizjoni Nru 1639/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (2007 sal-2013) (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 15).

## *Artikolu 32 04 07 — Proġett pilota — Is-sigurtà tal-enerġija — Bijofjuwils*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | — | — | p.m. | 0,— | 1 500 000,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija intiża biex tiffinanzja azzjonijiet jew miżuri fil-qasam tas-Sigurtà tal-enerġija biex tiġi promossal-awto-suffiċjenza tal-Unjoni fis-sorsi tal-enerġija rinnovabbli, inter alia l-bijofjuwils li ġejjin mill-iskart u mir-residwi.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar- Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/25 tal-25 ta' Gunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli ghall-bagit generali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 32 04 10 — L-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija*

### Partita 32 04 10 01 — L-Aġenzija għall-kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija — Kontribuzzjoni taħt it-Titoli 1 u 2

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 6 967 383 | 6 967 383 | 6 864 725 | 6 864 725 | 4 017 000,00 | 5 394 271,63 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tal-persunal u n-nefqa amministrattiva tal-Aġenzija (it-Titoli 1 u 2).

L-Aġenzija għandha tinforma lill-awtorità tal-baġit dwar it-trasferimenti ta’ approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f’din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-għoti ta’ approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness “Żona Ekonomika Ewropea” ta’ din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta’ din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju jsawru dħul assenjat (l-Artikolu 18(1)(f) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Il-pjan ta’ stabbiliment tal-Aġenzija Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija hija stabbilita fil-Parti bit-titolu 'Pjan ta' stabbiliment' tat-Taqsima III — Kummissjoni (Volum 3).

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 713/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 1)

Ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 25 ta' Ottubru 2011 dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa (ĠU L 326, 8.12.2011, p. 1).

*Atti ta' referenza*

Proposta għar-regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u t-tħassir tad-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE (COM(2011)658).

### Partita 32 04 10 02 — L-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija — Kontribuzzjoni taħt it-Titolu 3

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 402 412 | 402 412 | 377 125 | 377 125 | 983 000,00 | 983 000,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa operazzjonali tal-Aġenzija dwar il-programm tal-ħidma biss (Titolu 3).

L-Aġenzija għandha tinforma lill-awtorità tal-baġit dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju jsawru dħul assenjat (l-Artikolu 18(1)(f) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2012 tammonta għal total ta' EUR 7 241 850.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 713/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 1)

Ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa (ĠU L 326, 8.12.2011, p. 1).

## *Artikolu 32 04 11 — Komunità tal-Enerġija*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 3 159 716 | 3 159 716 | 2 724 787 | 2 600 970 | 3 312 400,00 | 3 312 400,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-baġit tal-Komunità tal-Enerġija. Dan il-baġit huwa relatat man-nefqa amministrattiva u operazzjonali.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2013 tammonta għal total ta' EUR 3 159 716.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/500/KE tad-29 ta' Mejju 2006 dwar il-konklużjoni mill-Komunità Ewropea tat-Trattat tal-Komunità tal-Enerġija (ĠU L 198, 20.7.2006, p. 15).

### *Artikolu 32 04 12 — Proġett pilota — Programm Qafas Ewropew għall-iżvilupp u l-iskambju tal-esperjenza dwar l-iżvilupp urban sostenibbli*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Dan l-artikolu huwa maħsub biex jipprovdi kofinanzjament għal, *inter alia*,

— il-Pjattaforma Ewropea tal-Għarfien,

— l-iskambju tal-esperjenza u l-aħjar prattika dwar pjanijiet ta’ trasport urban sostenibbli,

— l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' mmaniġġjar urban sostenibbli u l-iskambju tal-aħjar prattiki dwar dan, inklużi miżuri biex ikunu llimitati r-riskji ambjentali u biex tiġi miġġielda l-bidla fil-klima,

— l-iskambju ta' esperjenza u ta' prassi tajba dwar il-kostruzzjoni sostenibbli, il-promozzjoni ta' disinn urban sostenibbli u l-bijodiversità,

— azzjonijiet li jqajmu kuxjenza.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/25 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli ghall-bagit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

### *Artikolu 32 04 13 — Azzjoni ta' tħejjija — Gżejjer Ewropej għal politika komuni tal-enerġija*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | p.m. | — | 2 000 000 | 0,— | 1 050 425,60 |

*Kummenti*

Sabiex tintlaħaq il-mira ta’ 20 % li ġiet ippreżentata mill-Kummissjoni, fil-komunikazzjoni tagħha tal-10 ta' Jannar 2007 bit-titolu - Politika dwar l-enerġija għall-Ewropa (COM(2007)0001), għall-enerġija rinnovabbli fit-taħlita totali tal-enerġija tal-Unjoni sal-2020 — il-mira attwali hija ta’ 12 % għall-2010 — din l-azzjoni ta' tħejjija hija intenzjonata biex tiffinanzja:

— proġetti biex jiġu żviluppati sistemi integrati ta' enerġija rinnovabbli (tal-baħar, tar-riħ, tax-xemx, il-bijomassa u l-bijogass) li jkunu adattati għall-kundizzjonijiet klimatiċi u soċjoekonomiċi speċifiċi tal-Komunitàjiet tal-gżejjer, inklużi sistemi ibridi u sistemi ta desalinazzjoni,

— proġetti biex jiġu evalwati l-impatt soċjali u ekonomiku tal-penetrazzjoni u l-utilizzazzjoni dejjem akbar tal-enerġiji rinovabbli u l-miżuri għall-effiċjenza tal-enerġija fil-Komunitàjiet lokali tal-gżejjer (l-iżvilupp ekonomiku, l-impjiegi, iż-żamma taż-żgħażagħ fil-Komunitàjiet tal-gżejjer, eċċ.),

— inizjattivi fit-teknoloġija tal-enerġija li jkunu adattati għall-Komunitàjiet tal-gżejjer, u li jkunu jippromwovu proġetti ta riċerka fl-oqsma tat-teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza ta l-enerġija biex ikun immassimizzat l-użu tal-enerġija li tiġġedded u biex isir adattament għaċ-ċirkustanzi lokali,

— proġetti biex jiġu żviluppati modi effiċjenti u li jirrispettaw l-ambjent ta' kif din l-enerġija titwassal lejn l-art prinċipali, inkluża l-interkonnessjoni tan-netwerks tal-elettriku tal-gżejjer tal-periferija mas-sistema ta' distribuzzjoni tal-elettriku tal-art prinċipali,

— l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn ir-reġjuni tal-gżejjer fl-Ewropa.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 32 04 14 — Proġetti tal-enerġija biex jgħinu l-irkupru ekonomiku*

### Partita 32 04 14 01 — Proġetti tal-enerġija biex jgħinu l-irkupru ekonomiku — Netwerks tal-enerġija

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | 212 400 000 | p.m. | 526 288 963 | 0,— | 224 169 430,99 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż tal-proġetti tal-infrastruttura tal-gass u l-elettriku li għandhom l-ogħla valur miżjud min-naħa tal-Unjoni.

Din l-approprjazzjoni għandha sservi sabiex tadatta u tiżviluppa n-netwerks tal-enerġija ta' importanza partikolari għall-Unjoni li jappoġġjaw il-ħidma tas-suq intern tal-enerġija u, b'mod partikolari, sabiex iżżid il-kapaċità ta' interkonnessjoni, is-sigurtà u d-diversifikazzjoni tal-provvista u sabiex jingħelbu d-diffikultajiet ambjentali, tekniċi u finanzjarji. Huwa meħtieġ appoġġ speċjali tal-Unjoni biex jiġu żviluppati netwerks ta' enerġija b'mod aktar intensiv u biex titħaffef il-kostruzzjoni tagħhom, l-aktar fejn id-diversità ta' rotot u sorsi ta' forniment hija baxxa.

Din l-approprjazzjoni għandha sservi wkoll biex jippromwovu l-konnessjoni u l-integrazzjoni ta' riżorsi tal-enerġija rinnovabbli u biex tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika u soċjali ma' reġjuni żvantaġġjati u reġjuni gżejjer tal-Unjoni.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 663/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi programm li jgħin l-irkupru ekonomiku billi jagħti assistenza finanzjarja Komunitarja għal proġetti fil-qasam tal-enerġija (ĠU L 200, 31.7.2009, p.31).

### Partita 32 04 14 02 — Proġetti tal-enerġija biex jgħinu l-irkupru ekonomiku — Ġbir u Ħżin tal-Karbonju (CCS)

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | 154 531 897 | p.m. | 124 293 397 | 0,— | 192 027 188,76 |

*Kummenti*

L-approprjazzjonijiet għandhom iservu biex jippromwovu proġetti għall-ġbir tad-dijossidu tal-karbonju ($CO_2$) mill-istallazzjonijiet industrijali, it-trasport tiegħu lejn sit tal-ħżin u l-injezzjoni tiegħu f'formazzjoni ġeoloġika xierqa taħt l-art għall-iskopijiet ta' ħżin permanenti.

*Bażi ġuridika*

Ir- Regolament (KE) Nru 663/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi programm li jgħin l-irkupru ekonomiku billi jagħti assistenza finanzjarja Komunitarja għal proġetti fil-qasam tal-enerġija (ĠU L 200, 31.7.2009, p.31).

## Partita 32 04 14 03 — Proġetti tal-enerġija biex jgħinu l-irkupru ekonomiku — Is-sistema Ewropea ta' enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | 75 164 809 | p.m. | 73 487 337 | 0,— | 41 300 324,67 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-promozzjoni ta' proġetti mmirati lejn l-iżvilupp ta' sistema ta' żona tar-riħ tal-Unjoni lil hinn mix-xtajta, b'enfasi partikolari fuq:

- l-ibbilanċjar tal-varjabbiltà tal-elettriku ġġenerat mill-enerġija tar-riħ permezz ta'sistemi integrati;
- sistemi ta' ħżin fuq skala kbira;
- il-ġestjoni tal-parks eoliċi bħala impjanti virtwali tal-enerġija (iktar minn 1 GW);
- it-turbini li jitpoġġew lil hinn mill-kosta jew f'ilmijiet iktar fondi (minn 20 sa 50 m) mill-istandard ta' bħalissa;
- id-disinji ġodda tas-substrutturi; jew
- il-karatteristiċi innovattivi u d-dimostrazzjoni tal-implimentazzjoni tagħhom;
- il-proċessi ta' mmuntar, stallazzjoni, operazzjoni u d-dekommissjonar u ttestjar ta' dawn il-proċessi fi proġetti li huma tal-istess daqs ta' proġett normali.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 663/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi programm li jgħin l-irkupru ekonomiku billi jagħti assistenza finanzjarja Komunitarja għal proġetti fil-qasam tal-enerġija (ĠU L 200, 31.7.2009, p.31).

## Partita 32 04 14 04 — Proġetti tal-enerġija biex jgħinu l-irkupru ekonomiku — Effiċjenza enerġetika u l-inizjattivi rinnovabbli

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | 48 781 548 | p.m. | 43 548 052 | 146 334 644,50 | 30 000 000,00 |

*Kummenti*

Ir-Regolament emendat tal-EEPR Nru 1233/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2010 ippermetta l-ħolqien ta' faċilità finanzjarja ġdida li tappoġġja sorsi tal-enerġija effiċjenti u rinovabbli. Huwa kompost minn fond ta' investiment — (Il-Fond Ewropew għall-Effiċjenza Enerġetika (EEE F) b'ammont globali ta' EUR265 000 000 li minnhom l-UE ikkontribwixxiet EUR 125 000 000), assistenza teknika (TA) ta' EUR 20 000 000 u attivitajiet biex iqajmu kuxjenza (EUR 1 300 000). L-EEE F iġġib appoġġ lil awtoritajiet lokali, reġjonali u (fejn iġġustifikat) nazzjonali; u entitajiet pubbliċi jew privati li qed jaġixxu f'isem l-awtoritajiet pubbliċi.

*Bażi ġuridika*

Ir- Regolament (KE) Nru 663/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi programm li jgħin l-irkupru ekonomiku billi jagħti assistenza finanzjarja Komunitarja għal proġetti fil-qasam tal-enerġija (ĠU L 200, 31.7.2009, p.31).

## *Artikolu 32 04 16 — Is-sikurezza tal-istallazzjonijiet u l-infrastruttura tal-enerġija*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 300 000 | 186 677 | 250 000 | 571 568 | 249 400,00 | 15 430,12 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri nefqa magħmula mill-Kummissjoni għall-ġbir u l-ipproċessar tal-informazzjoni ta' kull xorta meħtieġa għal analiżi, definizzjoni, promozzjoni, monitoraġġ, valutazzjoni u l-implimentazzjoni tar-regoli u miżuri meħtieġa biex tittejjeb is-Sigurtà tas-settur tal-enerġija, l-għajnuna teknika u t-taħriġ speċifiku.

L-għanijiet ewlenin huma li jiġu żviluppati u applikati regoli ta' Sigurtà fil-qasam tal-enerġija u b'mod partikolari:

- miżuri għall-prevenzjoni ta' atti malizzjużi fis-settur tal-enerġija, b'referenza partikolari għall-installazzjonijiet u infrastrutturi tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni u trażmissjoni tal-enerġija,
- approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni, standards tekniċi u prassi ta' monitoraġġ amministrattiv dwar is-Sigurtà tal-enerġija,
- definizzjoni ta' indikaturi komuni, metodi u għanijiet ta' Sigurtà għas-settur tal-enerġija u l-ġbir tad-data meħtieġa għal din id-definizzjoni,
- monitoraġġ ta' miżuri meħuda fuq is-Sigurtà tal-enerġija mill-awtoritajiet nazzjonali, operaturi u atturi ewlenin oħra f' dan il-qasam,
- koordinazzjoni internazzjonali fir-rigward tas-Sigurtà tal-enerġija, inklużi fornituri ġirien u pajjiżi ta' tranżitu u sħab dinjija oħra.
- promozzjoni ta' żviluppi teknoloġiċi fil-qasam tas-Sigurtà tal-enerġija.

*Bażi ġuridika*

Kompiti li jirriżultaw mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fuq il-livell istituzzjonali, kif ipprovdut fl-Artikolu 49(2) tar-Regolament Finanzjarju.

## *Artikolu 32 04 17 — Proġett Pilota — Appoġġ għall-preservazzjoni tar-riżorsi naturali u għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima permezz ta' żieda tal-użu tal-enerġija solari (Solari Termika u Fotovoltajka)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | — | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

L-għan ġenerali ta' dan il-proġett se jkun it-tħejjija ta' proposti għat-tħejjija ta' azzjonijiet futuri għal investimenti fl-Istati Membri f'istallazzjonijiet dimostrattivi ta' enerġija solari fuq skala żgħira għat-tisħin, it-tkessiħ u l-elettriku. L-għan speċifiku għandu jkun li jiġu stabbiliti installazzjonijiet residenzjali f'dawk l-Istati Membri u reġjuni fejn ma hemmx sussidji jew fejn hemm sussidji limitati ħafna, sabiex tkun possibbli preżentazzjoni quddiem udjenza kbira ta' teknoloġiji u possibbiltajiet differenti għall-ġenerazzjoni tas-sħana, għat-tkessiħ u għall-elettriku mix-xemx. Minħabba li dawn huma teknoloġiji ġodda u l-maġġoranza tal-popolazzjoni tal-Unjoni mhix infurmata tajjeb dwar il-vantaġġi tagħhom, l-investimenti privati residenzjali fl-enerġija mix-xemx jistgħu jingħataw spinta billi jinħolqu dawn l-istallazzjonijiet dimostrattivi iktar qrib il-post ta' residenza tagħhom.

Ir-riżultat tal-proġett għandu jkun diversi installazzjonijiet solari fi djar u f'bini residenzjali li jaħdmu u li l-pubbliku jista' jżur.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar- Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/25 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 32 04 18 — Proġett pilota — Is-Sigurtà tal-enerġija — Gass tax-Shale*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| — | 60 000 | 200 000 | 100 000 | |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja proġetti pilota jew attivitajiet oħra ta' appoġġ bil-għan li janalizzaw l-aċċettazzjoni pubblika tal-esplorazzjoni u l-isfruttament tal-gass tax-shale kif ukoll l-introduzzjoni ta' djalogu dwaru.

Dibattitu pubbliku dwar il-gass tax-shale, il-merti tiegħu u l-effetti negattivi, beda fl-Ewropa iżda mhux dejjem bbażat fuq għarfien u informazzjoni konkreta. Huwa importanti, għalhekk, li jinbeda djalogu taċ-ċittadini u kampanja ta' informazzjoni qabel tibda l-produzzjoni industrijali.

Din l-approprjazzjoni għandha tappoġġja dan id-djalogu pubbliku dwar l-effetti soċjali, ambjentali u ekonomiċi ta' tali proġetti fuq livell lokali, nazzjonali u Ewropew. Djalogi bħal dawn għandhom jinkludu l-awtoritajiet nazzjonali, il-komunitajiet lokali, il-pubbliku ġenerali, in-negozji u l-NGOs. Il-kontenut tal-attivitajiet ippjanati jista' jinkludi s-smigħ pubbliku, il-konċiljazzjonijiet, jew metodi ġodda oħra ta' konsultazzjoni pubblika fl-oqsma ta' żvilupp tal-gass tax-shale u fi ħdan il-kapitali nazzjonali.

*Bażi ġuridika*

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6), tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2992, p. 1).

## *Artikolu 32 04 19 — Azzjoni ta' tħejjija — Mekkaniżmi ta' Kooperazzjoni li jimplimentaw id-Direttiva RES*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| — | 150 000 | 500 000 | 250 000 | |

*Kummenti*

Fil-qafas tad-direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16) li tistabbilixxi miri nazzjonali għall-iskambju ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija, qed jiġi propost mekkaniżmu ġdid biex jintlaħqu l-miri nazzjonali, li taħtu l-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu minn skemi ta' appoġġ nazzjonali u ta' mekkaniżmi ta' kooperazzjoni pprovduti fil-kuntest tad-Direttiva RES 2009/28/KE. Dawn il-mekkaniżmi, li jintroduċu flessibilità għall-Istati Membri fuq bażi ta' kooperazzjoni volontarja, jirreferu għal trasferimenti ta' statistika bejn l-Istati Membri (Art. 6), proġetti konġunti bejn l-Istati Membri (Art. 7 u 8), proġetti konġunti bejn l-Istati Membri u partijiet terzi (Art. 9 u 10) u skemi konġunti ta' appoġġ bejn l-Istati Membri (Art. 11).

Din l-azzjoni ta' tħejjija għandha l-għan li teżamina l-kundizzjonijiet kollha għas-suċċess fl-implimentazzjoni ta' dawn il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u l-interazzjoni ma' mekkaniżmi oħra jew l-iskemi ta' appoġġ nazzjonali u biex jiġi eżaminat l-iżvilupp ta' qafas speċifiku għall-operazzjoni ta' dan il-mekkaniżmu. L-iżvilupp ta' dan il-qafas operazzjonali għandu jingħata prijorita fi Stati Membri b'kapaċitajiet limitati ta' netwerk transkonfinali kif ukoll f'żoni li juru potenzjal għoli għal-proġetti RES speċifiċi.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

# KAPITOLU 32 05 — ENERĠIJA NUKLEARI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 32 05 | Enerġija nukleari | | | | | | | | |
| ***32 05 01*** | ***Sigurtà nukleari*** | 1.1 | 20 550 000 | 18 000 000 | 20 410 000 | 17 237 770 | 20 721 545,56 | 16 884 075,93 | 93,80 % |
| ***32 05 02*** | ***Is-sikurezza nukleari u r-radjuprotezzjoni*** | 1.1 | 2 200 000 | 2 000 000 | 2 182 400 | 1 451 602 | 1 798 075,12 | 1 916 310,12 | 95,82 % |
| ***32 05 03*** | ***Sikurezza Nukleari — Miżuri transitorji (żmantellar)*** | 1.1 | 267 000 000 | 190 000 000 | 259 904 000 | 208 667 747 | 258 000 000,00 | 101 965 476,52 | 53,67 % |
| | **Kapitolu 32 05 — Total** | | **289 750 000** | **210 000 000** | **282 496 400** | **227 357 119** | **280 519 620,68** | **120 765 862,57** | **57,51 %** |

## *Artikolu 32 05 01 — Sigurtà nukleari*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 20 550 000 | 18 000 000 | 20 410 000 | 17 237 770 | 20 721 545,56 | 16 884 075,93 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja, b’mod partikolari:

— spejjeż għall-missjonijiet minn spetturi magħmula skont programmi ta’ kull sitt xhur stabbiliti minn qabel, spezzjonijiet b'avviż qasir (allowances ta’ sussistenza ta’ kuljum u spejjeż tal-ivvjaġġar),

— taħriġ ta' spetturi u laqgħat ma' Stati Membri u operaturi nukleari,

— xiri ta’ tagħmir għall-użu f’ispezzjonijiet, partikolarment xiri ta’ tagħmir ta’ monitoraġġ bħal sistemi ta’ video diġitali, tagħmir għall-kejl tal-gamma, in-*neutron* u l-*infrared*, siġilli elettroniċi u sistemi għal qari ta’ siġilli,

— xiri u tiġdid ta’ *hardware* tat-teknoloġija tal-informatika għall-ispezzjonijiet,

— proġetti speċifiċi għall-ispezzjonijiet t-teknoloġija tal-informatika (żvilupp u manutenzjoni),

— bdil ta’ tagħmir ta’ monitoraġġ u kejl li waslu fit-tmiem tal-ħajja tas-servizz tagħhom,

— manutenzjoni tat-tagħmir, inkluża assigurazzjoni ta' tagħmir speċifiku f'Canberra, Ametek, Fork u f’siti GBNS,

— miżuri ta’ infrastruttura teknika, inkluż ġestjoni tal-iskart u trasport kampjun,

— analiżi fuq il-post (spejjeż tax-xogħol u spejjeż tal-missjoni għall-analisti),

— ftehim fuq il-postijiet tax-xogħol fis-sit (laboratorji, uffiċċji, eċċ),

— ġestjoni ta’ kuljum ta’ stallazzjonijiet fuq il-post u laboratorji ċentrali (tiswijiet, manutenzjoni, *hardware* tat-teknoloġija tal-informatika, xiri ta’ provisti u oġġetti tal-konsum, eċċ),

— Appoġġ u provi tat-teknoloġija tal-informatika għall-applikazzjonijiet għall-ispezzjonijiet.

Li ġej ukoll jagħti lok għall-approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(e) to (j) tar-Ir-Regolament Finanzjarju:

— klejms tal-assigurazzjoni mħallsa,

— ħlas lura ta’ somom imħallsa indebitament mill-Kummissjoni għall-oġġetti, xogħol jew servizzi.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (Euratom) Nru 302/2005 tat-8 ta’ Frar 2005 dwar l-applikazzjoni tas-salvagwardji tal-Euratom (ĠU L 54, 28.2.2005, p. 1).

Kompitu li jirriżulta mis-setgħat speċifiċi mogħtija direttament lill-Kummissjoni mit-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea għall-

Enerġija Atomika taħt il-Kapitolu 7 tat-titolu II u l-Artikolu 174.

*Atti ta' referenza*

Ftehim bejn tliet partijiet, bejn l-Komunità, l-Istati Membri li ma jużawx armi nukleari u l-Aġenzija tal-Enerġija Atomika Internazzjonali.

Ftehim maqsum fi tliet partijiet bejn il-Komunità, ir-Renju Unit u l-Aġenzija tal-Enerġija Atomika Internazzjonali.

Ftehim maqsum fi tliet partijiet bejn il-Komunità, Franza u l-Aġenzija tal-Enerġija Atomika Internazzjonali.

Ftehim ta' kooperazzjoni bejn il-Komunità u pajjiżi terzi bħall-Istati Uniti tal-Amerika, il-Kanada u l-Awstralja.

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Marzu 1992 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' laboratorji fuq il-post għall-analiżi tal-verifika tal-kampjuni ta' protezzjoni (SEC(1992)0515).

## *Artikolu 32 05 02 — Is-sikurezza nukleari u r-radjuprotezzjoni*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 2 200 000 | 2 000 000 | 2 182 400 | 1 451 602 | 1 798 075,12 | 1 916 310,12 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— nefqa magħmula mill-Kummissjoni għall-ġbir u l-ipproċessar ta' informazzjoni ta' kull xorta meħtieġa għall-analiżi, id-definizzjoni, il-promozzjoni, il-monitoraġġ, il-valutazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika komuni fuq is-sikurezza u s-sigurtà nukleari, partikolarment fl-Istati Membri ġodda u dwar ir-regoli u l-miżuri fil-qasam tar-radjuprotezzjoni,

— nefqa fuq miżuri u azzjonijiet relatati mal-monitoraġġ u l-protezzjoni kontra l-effetti tar-radjazzjoni ijonizzanti u li tkun immirata għall-iżgurar tal-protezzjoni tas-saħħa tal-popolazzjoni u l-ħarsien tal-ambjent kontra l-perikli tar-radjazzjoni u s-sustanzi radjuattivi. Dawn l-azzjonijiet jirrigwardaw ħidmiet speċifiċi provduti skont it- Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika,

— nefqa għat-twaqqif u l-operazzjoni ta' korpi ta' ispetturi għall-verifika tal-protezzjoni kontra r-radjazzjoni ijonizzanti fl-Istati Membri. Din in-nefqa tinkludi flimkien mal-gratifiki tas-sussistenza u spejjeż tal-ivvjaġġar (missjoni), l-ispejjeż għat-taħriġ, għal-laqgħat preparatorji u għax-xiri tat-tagħmir li jintuża għall-ispezzjonijiet.

— Nefqa' marbuta mal-implimentazzjoni tal-obbligazzjonijiet imposti fuq il-Kummissjoni permezz tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew (24/25 ta' Marzu 2011) punt 31.

*Bażi ġuridika*

Kompitu li jirriżulta mis-setgħat speċifiċi mogħtija direttament lill-Kummissjoni mit-Trattat Euratom taħt il-Kapitolu 3 tat-Titolu II u l-Artikolu 174.

It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, b'mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu (ġabra ta' informazzjoni ta' leġislazzjoni ġdida li tikkumplimenta l-istandards bażiċi ta' sikurezza) u l-Artikolu 33 tiegħu (l-implimentazzjoni ta' direttivi, inkluż b'mod partikolari fil-qasam mediku (qasam C)

Id-Direttiva tal-Kunsill 96/29/Euratom tat-13 ta' Mejju 1996 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sigurtà għall-ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali kontra l-perikli li jiġu minn radjazzjoni jonizzanti (ĠU L 159, 29.6.1996, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill Nru 97/43/Euratom tat-30 ta' Ġunju 1997 dwar il-protezzjoni tas-saħħa tal-individwi kontra l-perikoli tar-radjazzjoni jonizzanti konnessa ma' espożizzjoni għal raġunijiet mediċi, u li tħassar id-Direttiva Nru 84/466/Euratom (ĠU L 180, 9.7.1997, p. 22).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/122/Euratom tat-22 ta' Diċembru 2003 dwar il-kontroll ta' sorsi radjuattivi siġillati ta' attività għolja u sorsi orfni (ĠU L 346, 31.12.2003, p. 57).

Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/71/Euratom tal-25 ta' Ġunju 2009 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-sikurezza tal-istallazzjonijiet nukleari (ĠU L 172, 2.7.2009, p. 18).

It-twettiq tal-obbligi li tpoġġew fuq il-Kummissjoni mill-leġiżlazzjoni speċifika li ġejja,

— Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 1987 dwar arranġamenti tal-Komunita għal skambju kmieni ta' informazzjoni fil-każ ta' emerġenza radjoloġika (ĠU L 371, 30.12.1987, p. 76),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 733/2008 tal-15 ta' Lulju 2008 dwar il-kondizzjonijiet li jirregolaw l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli li joriġinaw minn pajjiżi terzi wara l-inċident fl-istazzjon tal-enerġija nukleari ta' Chernobyl (Verżjoni kodifikata)(ĠU L 201, 30.7.2008, p. 1);

— L-Artikolu 35(2) tat-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika: 2003/122/Euratom tat-22 ta' Diċembru 2003 dwar il-kontroll ta' sorsi radjoattivi siġillati ta' attività għolja: verifika ta' attivitajiet ta' monitoraġġ tar-radjuattività ambjentali.

## *Artikolu 32 05 03 — Sikurezza Nukleari — Miżuri transitorji (żmantellar)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 267 000 000 | 190 000 000 | 259 904 000 | 208 667 747 | 258 000 000,00 | 101 965 476,52 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-fondi tal-għeluq tal-impjant nukleari ta' Ignalina (il-Litwanja), Bohunice (is-Slovakkja) u Kozloduy (il-Bulgarija,) skont il-ftehim iffirmat mal-Istati Membri kkonċernati.

Din in-nefqa hija marbuta wkoll mal-ġbir u l-ipproċessar ta' informazzjoni ta' kull tip li huma meħtieġa għall-analiżi, id-definizzjoni, il-promozzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tar-regoli u l-miżuri fil-qasam tad-dekommissjonar.

Il-Kummissjoni kull sena se tissottometti rapport dwar l-implimentazzjoni ta' fondi konnessi taħt din il-linja tal-baġit, kif ukoll stimi riveduti tal-ispejjeż u tal-iskedi ta' żmien tal-operazzjonijiet ta' dekommissjonar tar-reatturi nukleari konċernati.

*Bażi ġuridika*

Il-kompitu jirriżulta minn poteri speċifiċi li ngħataw lill-Kummissjoni direttament mit-Trattat ta' Adeżjoni tal-2003 (il-Protokoll Nru 4 dwar l-impjant nukleari Ignalina fil-Litwanja u l-Protokoll Nru 9 dwar l-unità 1 u l-unità 2 tal-impjant nukleari Bohunice V1 fis-Slovakkja, it-tnejn annessi mat-Trattat ta' Adeżjoni tal-2003).

Kompitu li jirriżulta minn setgħat speċifiċi li ngħataw direttament lill-Kummissjoni mit- Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika fil-Kapitolu 203.

Il-kompitu tal-Bulgarija ngħata direttament b'mod simili lill-Kummissjoni mill-Artikolu 30 tat-Trattat ta' Adeżjoni tal-2005.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1990/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-Protokoll N°4 dwar l-impjant tal-enerġija nukleari Ignalina fil-Litwanja għall-Att tal-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tal-Estonja, ta' Ċipru, tal-Latvja, tal-Litwanja, tal-Ungerija, ta' Malta, tal-Polonja, tas-Slovenja u tas-Slovakkja "Programm Ignalina" (ĠU L 411, 30.12.2006, p.10).

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 549/2007 tal-14 ta' Mejju 2007 dwar l-implimentazzjoni tal-Protokoll Nru 9 dwar Unità 1 u Unità 2 tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Bohunice V1 fis-Slovakkja mal-Att dwar il-kondizzjonijiet tal-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja mal-Unjoni Ewropea (ĠU L 131, 23.5.2007, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 647/2010 tat-13 ta' Lulju 2010 dwar assistenza finanzjarja mill-Unjoni fir-rigward tad-dekummissjonar tal-Unitajiet 1 sa 4 tal-Impjant Nukleari tà Kozloduy fil-Bulgarija (Il-Programm Kozloduy) (ĠU L 189, 22.7.2010, p. 9).

## KAPITOLU 32 06 — IR-RIĊERKA MARBUTA MAL-ENERĠIJA

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 32 06 | Ir-riċerka marbuta mal-enerġija | | | | | | | | |
| ***32 06 01*** | ***Ir-riċerka marbuta mal-enerġija*** | 1.1 | 170 878 000 | 117 200 000 | 162 633 457 | 104 333 874 | 174 357 016,05 | 116 924 209,26 | 99,76 % |
| ***32 06 02*** | ***Riċerka relatata mal-enerġija — Impriża Konġunta Ċelloli tal-Fjuwil u Idroġenu (FCH)*** | 1.1 | 26 249 000 | 37 891 000 | 29 455 000 | 13 392 047 | 25 093 338,00 | 11 230 167,00 | 29,64 % |
| ***32 06 03*** | ***Approprjazzjonijiet li jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terżi għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (barra miż-Żona Ekonomika Ewropea)*** | 1.1 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 3 796 675,33 | 5 275 528,35 | |
| ***32 06 04*** | ***Tlestija ta' programmi preċedenti*** | | | | | | | | |
| 32 06 04 01 | It-tlestija ta' programmi (qabel l-2003) | 1.1 | — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 0,— | |
| 32 06 04 02 | it-tlestija tas-sitt Programm Qafas (2003 sal-2006) | 1.1 | p.m. | 15 000 000 | p.m. | 22 681 277 | 0,— | 25 790 450,38 | 171,94 % |
| | *Artikolu 32 06 04 — Sub-total* | | p.m. | 15 000 000 | p.m. | 22 681 277 | 0,— | 25 790 450,38 | 171,94 % |
| | **Kapitolu 32 06 — Total** | | **197 127 000** | **170 091 000** | **192 088 457** | **140 407 198** | **203 247 029,38** | **159 220 354,99** | **93,61 %** |

*Kummenti*

Dawn ir-rimarki huma applikabbli għall-intestaturi kollha tal-baġit f'dan il-Kapitolu.

Dawn l-approprjazzjonijiet se jintużaw għas-Seba' Programm Qafas għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni, li jkopri l-perjodu mill-2007 sal-2013.

Il-programm se jitwettaq sabiex isegwi l-għanijiet ġenerali deskritti fl-Artikolu 179 tat-TFUE, sabiex jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' soċjetà msejsa fuq l-għarfien, ibbażat fuq iż-Żona Ewropea ta' Riċerka, jiġifieri jappoġġa l-kooperazzjoni transnazzjonali fuq kull livell tal-Unjoni kollha, iżid id-dinamiżmu, il-kreattività u l-eċċellenza tar-riċerka Ewropea sal-limiti tal-għarfien, isaħħaħ ir-riżorsi umani tar-riċerka u tat-teknoloġija fl-Ewropa fuq il-livelli kwantitattivi u kwalitattivi u l-kapaċitajiet tar-riċerka u tal-innovazzjoni fl-Ewropa kollha u jassigura li jsir l-aqwa użu minnu.

Taħt dawn l-Artikoli u Partiti jaqgħu wkoll l-ispejjeż ta' laqgħat ta' livell għoli xjentifiċi u teknoloġiċi, konferenzi, *workshops* u *seminars* ta' interess Ewropew organizzati mill-Kummissjoni, il-finanzjament ta' analiżi u valutazzjonijiet xjentifiċi u teknoloġiċi ta' livell għoli magħmulin f'isem l-Unjoni għall-investigazzjoni ta' oqsma ġodda ta' riċerka xierqa għall azzjoni tal-Unjoni, fost oħrajn, fil-kuntest taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, u miżuri għall-monitoraġġ u t-tixrid tar-riżultati tal-programmi, inkluż miżuri skont programmi qafas ta' qabel.

Dawn l-approprjazzjonijiet ikopru wkoll nefqa amministrattiva, inkluża nefqa għal persunal, informazzjoni, pubblikazzjonijiet, operazzjoni amministrattiva u teknika, u ċerti oġġetti oħra ta' nefqa rigward l-infrastruttura interna marbuta mal-ilħuq tal-oġġettiv tal-miżuri li jifformaw parti integrali minnha, inkluż l-azzjoni u l-miżuri meħtieġa għall-preparazzjoni u l-kontroll tal-istrateġija tal-Unjoni għar-riċerka, l-iżilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni.

Il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi jew istituti minn pajjiżi terzi fil-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika hija possibbli fil-każ ta' xi wħud minn dawn il-proġetti. Kull kontribuzzjoni finanzjarja tiddaħħal fil-Partiti 6 0 1 3 u 6 0 1 5 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u tista' jwassal biex jinħolqu approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju.

Dħul mill-Istati li jieħdu sehem fil-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tar-riċerka xjentifika u teknika se jiddaħħal fil-Partita 6 0 1 6 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u jista' jwassal biex approprjazzjonijiet addizzjonali jsiru disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Ir-Regolament Finanzjarju

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, mill-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok li jkun hemm approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Ir-Regolament Finanzjarju.

Kwalunkwe kontribuzzjoni finanzjarja minn entitajiet minn barra l-Unjoni se jiddaħħal fil-Partita 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul u tista' twassal biex approprjazzjonijiet addizzjonali jsiru disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Ir-Regolament Finanzjarju.

L-approprjazzjonijiet addizzjonali se jkunu disponibbli skont l-Artikolu 32 06 03.

## *Artikolu 32 06 01 — Ir-riċerka marbuta mal-enerġija*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 170 878 000 | 117 200 000 | 162 633 457 | 104 333 874 | 174 357 016,05 | 116 924 209,26 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tappoġġa l-għanijiet u l-inizjattivi tal-Pjan Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija tal-Enerġija (SET-Plan). Primarjament dawn huma: sistemi ta' distribuzzjoni tal-enerġija mir-riħ, tal-bijoenerġija, tal-qbid u l-ħżin tal-karbonju (CCS) u tal-enerġija elettrika. B'għarfien għall-kontribuzzjoni importanti tagħhom għal sistemi tal-enerġija sostenibbli tal-ġejjieni, żewġ terzi tal-approprjazzjonijiet baġitarji se jiġu allokati għall-oqsma ta' politika tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza tal-enerġija għall-użu aħħari mill-2012 'il quddiem.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Ir-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Qafas tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (EC) Nru 1906/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni ta' impriżi, ċentri tar-riċerki u universitajiet f'azzjonijiet skont is-Seba' Programm Qafas u għad-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka (2007 sal-2011) (ĠU L 391, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/971/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar Programm Speċifiku "Kooperazzjoni" li jimplimenta s-Seba' Programm Qafas tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2013 sal-2011) (ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86; korrett bil-ĠU L 54, 22.2.2007, p. 30).

## *Artikolu 32 06 02 — Riċerka relatata mal-enerġija — Impriża Konġunta Ċelloli tal-Fjuwil u Idroġenu (FCH)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 26 249 000 | 37 891 000 | 29 455 000 | 13 392 047 | 25 093 338,00 | 11 230 167,00 |

*Kummenti*

L-Impriża Konġunta Ċelloli tal-Fjuwil u Idroġenu se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tas-Seba' Programm Qafas għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) tal-Komunità Ewropea u b'mod partikolari għat-temi speċifiċi għall-"Enerġija", "Nanoxjenzi, Nanoteknoloġiji, Materjali u Teknoloġiji Ġodda ta' Produzzjoni, Ambjent (inkluż it-tibdil fil-klima)", u "Trasport" (inkluż l-Ajrunawtika) fil-programm 'Koperazzjoni'. Għandha partikolarment: timmira biex tqiegħed l-Ewropa fuq quddiemnett madwar id-dinja kollha fit-teknoloġi taċ-ċelloli tal-fjuwil u tal-idroġenu u tiffaċilita skoperti fit-teknoloġiji taċ-ċelloli tal-fjuwil u tal-idroġenu, b'hekk tippermetti li l-forzi tas-suq kummerċjali jixprunaw benefiċċji potenzjali sostanzjali għall-pubbliku. tappoġġa riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (RTD) fl-Istati Membri u pajjiżi assoċjati mas-Seba' Programm Qafas b'mod koordinat sabiex jingħelbu n-nuqqasijiet tas-suq u tiffoka fuq l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet fis-suq u b'hekk tiffaċilita sforzi industrijali addizzjonali għall-iskjerament malajr ta' teknoloġiji ta' ċelloli tal-fjuwil u ta' idroġenu, tappoġġa l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet RTD tal-JTI dwar Ċelloli tal-Fjuwil u Idroġenu, notevolment billi tagħmel għotjiet wara sejħiet kompetittivi għal proposti; u timmira biex tħeġġeġ aktar investiment pubbliku u privat fit-teknoloġiji taċ-ċelloli tal-fjuwil u tal-idrogenu fl-Istati Membri u pajjiżi assoċjati mas-Seba' Programm Qafas.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Ir-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" għal din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Qafas tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/971/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-Programm Speċifiku "Kooperazzjoni" li jimplimenta s-Seba' Programm Qafas tal-Komunità Ewropea għal attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU L 400, 30.12.2006, p.86; rettifika ĠU L 54, 22.2.2007, p. 30).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 521/2008 tat-30 ta' Mejju 2008 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u tal-Idroġenu (ĠU L 153, 12.6.2008, p.1).

## *Artikolu 32 06 03 — Approprjazzjonijiet li jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terżi għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (barra miż-Żona Ekonomika Ewropea)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 3 796 675,33 | 5 275 528,35 |

*Kummenti*

Dan l-artikolu huwa maħsub biex ikopri nefqa li tikkorrespondi għal dħul li jagħti lok għad-disponibbiltà ta' approprjazzjonijiet addizzjonali minn (mhux Żona Ekonomika Ewropea) terzi jew pajjiżi terzi li jipparteċipaw f'proġetti fil-qasam tar-riċerka u żvilupp teknoloġiku.

Skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul li jidħol fil-Partiti 6 0 1 3, 6 0 1 5, 6 0 1 6, 6 0 3 1 u 6 0 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-allokazzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali.

## *Artikolu 32 06 04 — Tlestija ta' programmi preċedenti*

### Partita 32 06 04 01 — It-tlestija ta' programmi (qabel l-2003)

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Dan l-artikolu huwa maħsub biex ikopri l-impenji ta' qabel.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Ir-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/516/Euratom, KEE tat-28 ta' Settembru dwar il-Programm Qafas ta' attivitajiet tal-Komunità fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (1987 sa 1991) (ĠU L 302, 24.10.1987, p. 1).

Deċiżjoni tal-Kunsill 87/516/Euratom, KEE tat-23 ta' April 1990 dwar il-programm qafas ta' attivitajiet tal-Komunità fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (1990 sa 1994) (ĠU L 117, 8.5.1990, p. 28).

Deċiżjoni tal-Kunsill 93/167/Euratom, KEE tal-15 ta' Marzu 1993 li tadatta d-Deċiżjoni 90/221 Euratom/KEE dwar il-Programm Qafas ta' attivitajiet tal-Komunità fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (1990 sa 1994) (ĠU L 69, 20.3.1993, p. 43).

Deċiżjoni 1110/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' April 1994 dwar ir-raba' Programm Qafas ta' attivitajiet tal-Komunità Ewropea fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp u d-dimostrazzjoni teknoloġiċi (1994 sa 1998) (ĠU L 126, 18.5.1994, p. 1), kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2535/97/KE (ĠU L 347, 18.12.1997, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 616/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 1996 li tadatta d-Deċiżjoni Nru 1110/94/KE dwar ir-raba' programm qafas tal-Komunita Ewropea tal--attivitajiet tal-Komunita Ewropea fil-qasam tar-riċerka u tal--iżvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni wara d-dħul tar-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju tal-Iżvezja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 86, 4.4.1996, p. 69).

Id-Deċiżjoni Nru 2535/97/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-1 ta' Diċembru 1997 li tadatta għat-tieni darba d-Deċiżjoni Nru 1110/94/KE dwar ir-raba' programm ta' qafas tal-attivitajiet tal-Komunita Ewropea fil-qasam tar-riċerka u tal-iżvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (1994 sal-1998) (ĠU L 347, 18.12.1997, p. 1).

Id-Deċiżjoni Nru 182/1999/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 1998 dwar il-ħames programm qafas tal-Komunita Ewropea tal-attivitajiet tal-Komunita Ewropea fil-qasam tar-riċerka u tal-iżvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (mill-1998 sal-2002) (ĠU L 26, 1.2.1999, p. 1).

## Partita 32 06 04 02 — it-tlestija tas-sitt Programm Qafas (2003 sal-2006)

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | 15 000 000 | p.m. | 22 681 277 | 0,— | 25 790 450,38 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri l-impenji ta' qabel.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Ir-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni Nru 1513/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tikkonċerna s-sitt programm qafas tal-Komunità Ewropea dwar l-attivitajiet ta' riċerka, l-iżvilupp tekonoloġiku u dimostrazzjoni li jikkontribwixxu għall-ħolqien taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u għall-innovazzjoni (2002 - 2006) (ĠU L 232, 29.8.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/834/KE tat-30 ta' Settembru 2002 li tadotta programm speċifiku għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni: L-Integrazzjoni u t-tisħiħ tal-Qasam Ewropew tar-Riċerka (2002-2006) (ĠU L 294, 29.10.2002, p. 1).

# TITOLU 33 — ĠUSTIZZJA

*Figuri*

| Titolu Kapitolu | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 33 01 | Nefqa amministrattiva tal-qasam tal- politika "Ġustizzja" | | 39 121 446 | 39 121 446 | 38 605 939 | 38 605 939 | 39 511 825,29 | 39 511 825,29 |
| | 40 01 40 | | | | 6 413<br>38 612 352 | 6 413<br>38 612 352 | | |
| 33 02 | Drittijiet Fundamentali u Ċittadinanza | 3 | 54 524 400 | 51 524 400 | 54 996 000 | 48 118 826 | 56 482 328,85 | 48 317 328,23 |
| 33 03 | Ġustizzja fil-qasam ċivili u kriminali | 3 | 74 103 660 | 62 053 660 | 78 220 000 | 61 771 157 | 74 585 363,45 | 61 591 801,28 |
| 33 04 | Prevenzjoni tad-drogi u Informazzjoni dwarha | 3 | 3 000 000 | 2 830 016 | 3 000 000 | 2 830 016 | 4 095 200,00 | 2 668 162,77 |
| 33 05 | STRATEĠIJA TA' POLITIKA U KOORDINAMENT | 3 | 3 500 000 | 3 089 160 | 3 400 000 | 2 754 549 | 3 187 025,00 | 1 956 793,78 |
| 33 06 | Ugwaljanza | | 41 543 368 | 34 734 776 | 39 358 800 | 32 964 707 | 40 367 972,88 | 34 767 919,87 |
| | **Titolu 33 — Total** | | **215 792 874** | **193 353 458** | **217 580 739** | **187 045 194** | **218 229 715,47** | **188 813 831,22** |
| | **40 01 40**<br>**Total + riżerva** | | | | **6 413**<br>**217 587 152** | **6 413**<br>**187 051 607** | | |

# KAPITOLU 33 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TAL- POLITIKA "ĠUSTIZZJA"

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 33 01 | Nefqa amministrattiva tal-qasam tal- politika "Ġustizzja" | | | | | |
| ***33 01 01*** | ***Nefqa relatata ma' persunal f'impjieg attiv fil-qasam ta' politika "Ġustizzja"*** | 5 | 29 899 109 | 29 278 629 | 29 366 968,32 | 98,22 % |
| ***33 01 02*** | ***Persunal estern u nefqa oħra ta' ġestjoni b'sostenn tal-qasam ta' politika "Ġustizzja"*** | | | | | |
| 33 01 02 01 | Persunal estern | 5 | 3 145 057 | 3 133 125 | 3 423 269,78 | 108,85 % |
| 33 01 02 11 | Nefqa oħra relatata mal-ġestjoni | 5 | 1 336 067 | 1 441 795 | 1 924 563,78 | 144,05 % |
| | 40 01 40 | | | 6 413<br>1 448 208 | | |
| | *Artikolu 33 01 02 — Sub-total* | | 4 481 124 | 4 574 920 | 5 347 833,56 | 119,34 % |
| | *40 01 40* | | | 6 413<br>4 581 333 | | |
| ***33 01 03*** | ***Nefqa marbuta ma' tagħmir u servizzi tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni tal-qasam tal-politika "Ġustizzja"*** | 5 | 1 858 213 | 1 869 390 | 2 202 987,21 | 118,55 % |
| ***33 01 04*** | ***Nefqa ta' appoġġ għall-operazzjonijiet għall-qasam ta' politika "Ġustizzja"*** | | | | | |
| 33 01 04 01 | Drittijiet fundamentali u ċittadinanza — Nefqa għall-ġestjoni amministrattiva | 3.1 | 300 000 | 300 000 | 300 000,00 | 100,00 % |
| 33 01 04 02 | Miżuri għall-ġlieda kontra l-vjolenza (Daphne) — Nefqa għall-ġestjoni amministrattiva | 3.1 | 400 000 | 400 000 | 356 611,60 | 89,15 % |
| 33 01 04 03 | Ġustizzja penali — Nefqa għall-ġestjoni amministrattiva | 3.1 | 350 000 | 350 000 | 350 000,00 | 100,00 % |
| 33 01 04 04 | Ġustizzja penali — Nefqa għall-ġestjoni amministrattiva | 3.1 | 250 000 | 250 000 | 250 000,00 | 100,00 % |
| 33 01 04 05 | Prevenzjoni tad-droga u informazzjoni dwarha— Nefqa għall-ġestjoni amministrattiva | 3.1 | 50 000 | 50 000 | 51 190,00 | 102,38 % |
| 33 01 04 06 | Programm tal-Progress — Nefqa għall-ġestjoni amministrattiva | 1.1 | 1 533 000 | 1 533 000 | 1 286 234,60 | 83,90 % |
| | *Artikolu 33 01 04 — Sub-total* | | 2 883 000 | 2 883 000 | 2 594 036,20 | 89,98 % |
| | **Kapitolu 33 01 — Total** | | **39 121 446** | **38 605 939** | **39 511 825,29** | **101,00 %** |
| | **40 01 40**<br>**Total + riżerva** | | | **6 413**<br>**38 612 352** | | |

### *Artikolu 33 01 01 — Nefqa relatata ma' persunal f'impjieg attiv fil-qasam ta' politika "Ġustizzja"*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 29 899 109 | 29 278 629 | 29 366 968,32 |

*Kummenti*

### *Artikolu 33 01 02 — Persunal estern u nefqa oħra ta' ġestjoni b'sostenn tal-qasam ta' politika "Ġustizzja"*

#### Partita 33 01 02 01 — Persunal estern

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 3 145 057 | 3 133 125 | 3 423 269,78 |

*Kummenti*

#### Partita 33 01 02 11 — Nefqa oħra relatata mal-ġestjoni

*Figuri*

| | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|
| 33 01 02 11 | 1 336 067 | 1 441 795 | 1 924 563,78 |
| 40 01 40 | | 6 413 | |
| Total | 1 336 067 | 1 448 208 | 1 924 563,78 |

*Kummenti*

### *Artikolu 33 01 03 — Nefqa marbuta ma' tagħmir u servizzi tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni tal-qasam tal-politika "Ġustizzja"*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 1 858 213 | 1 869 390 | 2 202 987,21 |

*Kummenti*

### *Artikolu 33 01 04 — Nefqa ta' appoġġ għall-operazzjonijiet għall-qasam ta' politika "Ġustizzja"*

#### Partita 33 01 04 01 — Drittijiet fundamentali u ċittadinanza — Nefqa għall-ġestjoni amministrattiva

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 300 000 | 300 000 | 300 000,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri n-nefqa fuq studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet direttament

marbuta mat-twettiq tal-għan tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-Partita, barra min-nefqiet oħrajn fuq assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta' awtorità pubblika kkuntrattati barra (outsourced) mill-Kummissjoni taħt kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Artikolu 33 02 04.

## Partita 33 01 04 02 — Miżuri għall-ġlieda kontra l-vjolenza (Daphne) — Nefqa għall-ġestjoni amministrattiva

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 400 000 | 400 000 | 356 611,60 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri n-nefqa fuq studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet direttament marbuta mat-twettiq tal-għan tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-Partita, barra minn nefqiet oħrajn fuq assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta' awtorità pubblika kkuntrattati barra (*outsourced*) mill-Kummissjoni taħt kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jista' jagħti lok għal dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għal implimentazzjoni taħt l-Anness 'Żona Ekonomika Ewropea' ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tal-infiq ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti li jiġu mill-kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi kandidati u jekk ikun il-każ, mill-pajjiżi potenzjalment kandidati tal-Balkani tal-Punent, biex jipparteċipaw fi programmi tal-Unjoni, mdaħħla fil-Partita 6 0 3 1 tar-rendikont tad-dħul jistgħu jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fuq ġestjoni amministrativa u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Artikolu 33 02 05.

## Partita 33 01 04 03 — Ġustizzja penali — Nefqa għall-ġestjoni amministrattiva

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 350 000 | 350 000 | 350 000,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri n-nefqa fuq studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet direttament marbuta mat-twettiq tal-għan tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-Partita, barra min-nefqiet oħrajn fuq assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta' awtorità pubblika kkuntrattati barra (outsourced) mill-Kummissjoni taħt kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Artikolu 33 03 04.

## Partita 33 01 04 04 — Ġustizzja penali — Nefqa għall-ġestjoni amministrattiva

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 250 000 | 250 000 | 250 000,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri n-nefqa fuq studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet direttament marbuta mat-twettiq tal-għan tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-Partita, barra min-nefqiet oħrajn fuq assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta' awtorità pubblika kkuntrattati barra (outsourced) mill-Kummissjoni taħt kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Artikolu 33 03 05.

## Partita 33 01 04 05 — Prevenzjoni tad-droga u informazzjoni dwarha— Nefqa għall-ġestjoni amministrattiva

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 50 000 | 50 000 | 51 190,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tkopri n-nefqa fuq studji, laqgħat ta' esperti, informazzjoni u pubblikazzjonijiet direttament marbuta mat-twettiq tal-għan tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt din il-Partita, barra minn nefqiet oħrajn fuq assistenza teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet ta' awtorità pubblika kkuntrattati barra (outsourced) mill-Kummissjoni taħt kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jista' jagħti lok għal dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għal implimentazzjoni taħt l-Anness 'Żona Ekonomika Ewropea' ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tal-infiq ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Artikolu 33 04 01.

## Partita 33 01 04 06 — Programm tal-Progress — Nefqa għall-ġestjoni amministrattiva

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 1 533 000 | 1 533 000 | 1 286 234,60 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— nefqa għal għajnuna teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni ta' miżuri Komunitarji biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u biex jiġu ttrattati l-ħtiġijiet partikolari ta' nies b'diżabilità,

— nefqa għal studji, laqgħat ta' esperti, tagħrif u pubblikazzjonijiet marbuta direttament ma' li jintlaħaq l-oġġettiv tal-programm jew miżuri li jaqgħu taħt dan il-paragrafu, flimkien ma' kull nefqa oħra għal għajnuna teknika u amministrattiva li ma tinvolvix ħidmiet tal-awtorità pubblika mqabbda minn barra mill-Kummissjoni skont kuntratti ta' servizz *ad hoc*.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu l-approprijazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skop ta' tagħrif, dawn l-ammonti joħorġu

mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa f'din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, mill-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħla fil-Paragrafu 6 0 3 1 tar-rendikont tad-dħul, jista' jagħti lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali, skont l-istess rapport bejn l-ammont awtorizzat għan-nefqa fuq ġestjoni amministrattiva u l-approprjazzjonijiet totali mdaħħla għall-programm, skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ara l-Artikolu 33 06 01.

## KAPITOLU 33 02 — DRITTIJIET FUNDAMENTALI U ĊITTADINANZA

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 33 02 | Drittijiet Fundamentali u Ċittadinanza | | | | | | | | |
| ***33 02 01*** | ***Tlestija tal-miżuri għall-ġlieda kontra l-vjolenza fuq it-tfal, l-adolexxenti u n-nisa*** | 3.1 | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 6 222,34 | 218 274,08 | |
| ***33 02 02*** | ***Tlestija ta' azzjoni preparatorja għall-appoġġ tas-soċjetà ċivili fl-Istati Membri l-ġodda tal-UE*** | 3.1 | — | — | — | — | 8 920,45 | 8 920,45 | |
| ***33 02 03*** | ***L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-drittijiet fundamentali*** | | | | | | | | |
| 33 02 03 01 | Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali — Kuntribuzzjoni għat-Titoli 1 u 2 | 3.1 | 13 354 880 | 13 354 880 | 13 168 151 | 13 168 151 | 14 045 000,00 | 15 278 005,25 | 114,40 % |
| 33 02 03 02 | Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali — Kontribuzzjoni għat-Titolu 3 | 3.1 | 7 669 520 | 7 669 520 | 7 027 849 | 7 027 849 | 6 135 020,00 | 6 135 020,00 | 79,99 % |
| | *Artikolu 33 02 03 — Sub-total* | | 21 024 400 | 21 024 400 | 20 196 000 | 20 196 000 | 20 180 020,00 | 21 413 025,25 | 101,85 % |
| ***33 02 04*** | ***Drittijiet fundamentali u ċittadinanza*** | 3.1 | 15 500 000 | 13 500 000 | 15 300 000 | 12 263 403 | 13 811 166,06 | 10 472 013,45 | 77,57 % |
| ***33 02 05*** | ***Il-ġlieda kontra l-vjolenza (Daphne)*** | 3.1 | 18 000 000 | 17 000 000 | 19 500 000 | 14 716 084 | 20 476 000,00 | 15 407 366,70 | 90,63 % |
| ***33 02 06*** | ***Il-kooperazzjoni Ewropea bejn l-awtoritajiet nazzjonali u internazzjonali b'responsabilità għad-drittijiet tat-tfal u għas-soċjetà ċivili li tippromwovi u tiddefendi d-drittijiet tat-tfal*** | 3.1 | — | — | — | p.m. | 0,— | 641 338,10 | |
| ***33 02 07*** | ***L-introduzzjoni fil-livell Ewropew ta' mekkaniżmu ta' allert rapidu f'każ ta' ħtif jew għajbien tat-tfal..*** | 3.1 | — | — | — | p.m. | 0,— | 62 747,04 | |
| ***33 02 08*** | ***Azzjoni preparatorja — Standardizzazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali dwar kwistjonijiet ta' vjolenza relatata mal-ġeneru u vjolenza fuq it-tfal*** | 3.1 | — | — | — | p.m. | 0,— | 93 643,16 | |
| ***33 02 09*** | ***Metodoloġija fl-Ewropa kollha biex jiġu żviluppati politiki bbażati fuq il-provi għad-drittijiet tat-tfal*** | 3.1 | p.m. | p.m. | p.m. | 943 339 | 2 000 000,00 | 0,— | |
| | **Kapitolu 33 02 — Total** | | **54 524 400** | **51 524 400** | **54 996 000** | **48 118 826** | **56 482 328,85** | **48 317 328,23** | **93,78 %** |

## *Artikolu 33 02 01 — Tlestija tal-miżuri għall-ġlieda kontra l-vjolenza fuq it-tfal, l-adolexxenti u n-nisa*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | 6 222,34 | 218 274,08 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri t-twettiq ta’ impenji magħmula fir-rigward tas-snin finanzjarji ta’ qabel.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f’dan l-artikolu. Għal skop ta’ informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-għoti ta’ approprjazzjonijiet korrispondenti u għal implimentazzjoni taħt l-Anness ‘Żona Ekonomika Ewropea’ ta’ din il-parti tad-dikjarazzjoni tal-infiq ta’ din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Deċiżjoni Nru 293/2000/KE tal-Parlament u tal-Kunsill tal-24 ta’ Jannar 2000 li jadotta programm ta’ azzjoni Komunitàrja (il-programm Daphne) (2000 sa 2003) dwar miżuri preventivi biex tkun miġġielda l-vjolenza kontra t-tfal, iż-żgħażagħ u n-nisa (ĠU L 34, 9.2.2000, p. 1).

Deċiżjoni Nru 803/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta’ April 2004 li tadotta programm ta’ azzjoni Komunitarja (2004 sa l-2008) li jimpedixxi u jikkumbatti l-vjolenza kontra tfal, żgħażagħ u nisa u li jipproteġi vittmi u gruppi f’riskju (il-programm Daphne II) (ĠU L 143, 30.4.2004, p. 1).

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/25 tal-25 ta’ Gunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli ghall-bagit generali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 33 02 02 — Tlestija ta' azzjoni preparatorja għall-appoġġ tas-soċjetà ċivili fl-Istati Membri l-ġodda tal-UE*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | — | — | — | 8 920,45 | 8 920,45 |

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni maħsuba biex tkopri l-qadi ta’ impenji magħmula fir-rigward tas-snin finanzjarji ta’ qabel.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 33 02 03 — L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-drittijiet fundamentali*

### Partita 33 02 03 01 — Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali — Kuntribuzzjoni għat-Titoli 1 u 2

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 13 354 880 | 13 354 880 | 13 168 151 | 13 168 151 | 14 045 000,00 | 15 278 005,25 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tal-istaff u n-nefqa amministrattiva tal-Aġenzija (it-Titoli 1 u 2).

L-Aġenzija għandha tinforma lill-awtorità tal-baġit dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u amministrattiva.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Finanzjarju tal-Qafas ta' Ħidma għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju jikkostitwixxu dħul assenjat (l-Artikolu 18(1)(f) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

L-ammonti li jiġu mill-kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi kandidati u jekk huwa l-każ, mill-pajjiżi potenzjalment kandidati tal-Balkani tal-Punent, biex jipparteċipaw fi programmi tal-Unjoni, taħt Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jistgħu jagħtu lok għal approprjazzjonijiet korrispondenti skont Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

Il-pjan tat-twaqqif tal-Aġenzija jinsab fil-Parti 'Pjan ta' stabbiliment tal-Persunal' tat-Taqsima III — Il-Kummissjoni (Volum 3).

Ir-Regolament (KE) Nru 168/2007 daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2007. F'dik id-data l-Aġenzija ssostitwiet iċ-Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija (EUMC) u saret is-suċċessur legali tiegħu, u assumiet id-drittijiet u l-obbligi, l-impenji finanzjarji, ir-responsabbiltajiet, u l-kuntratti tax-xogħol kollha taċ-Ċentru kif stipulat fl-Artikolu 23(4) tar-Regolament (KE) Nru 168/2007.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1035/97 tat-2 ta' Ġunju 1997 li jwaqqaf Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija. (ĠU L 151, 10.6.1997, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, (ĠU L 53, 22.2.2007, p. 1).

## Partita 33 02 03 02 — Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali — Kontribuzzjoni għat-Titolu 3

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 7 669 520 | 7 669 520 | 7 027 849 | 7 027 849 | 6 135 020,00 | 6 135 020,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija intiża biex tkopri l-infiq operattiv (it-Titolu 3) tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali responsabbli biex tipprovdi lill-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni u l-awtoritàjiet tal-Istati Membri meta jimplimentaw il-liġi tal-Unjoni bl-assistenza u l-għarfien espert relatat mad-drittijiet fundamentali sabiex jappoġġjawhom meta jieħdu miżuri jew jifformulaw kors ta' azzjoni fl-isferi rispettivi tagħhom ta' kompetenza biex jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali.

L-Aġenzija tista' tkun mistennija li twettaq l-għanijiet/ħidmiet operattivi li ġejjin:

— l-għoti ta' assistenza lill-Istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri,

— il-promozzjoni ta' netwerking tal-imsieħba u djalogu fuq il-livell Ewropew,

— il-promozzjoni u t-tixrid tal-informazzjoni u attivitajiet li jżidu l-għarfien biex tissaħħaħ il-viżibilità tad-drittijiet fundamentali,

— it-tħaddim effettiv tal-istruttura tal-maniġment u l-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet.

L-Aġenzija għandha tinforma lill-awtorità tal-baġit dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u amministrattiva.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Finanzjarju tal-Qafas ta' Ħidma għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju jikkostitwixxu dħul assenjat (l-Artikolu 18(1)(f) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

L-ammonti li jġu mill-kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi kandidati u jekk huwa l-każ, mill-pajjiżi potenzjalment kandidati tal-Balkani tal-Punent, biex jipparteċipaw fi programmi tal-Unjoni, taħt Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jistgħu jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

Ir-Regolament Nru 168/2007 daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2007. F'dik id-data l-Aġenzija ssostitwiet iċ-Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija (EUMC) u saret is-suċċessur legali tiegħu, u assumiet id-drittijiet u l-obbligi,

l-impenji finanzjarji, ir-responsabbiltajiet, u l-kuntratti tax-xogħol kollha taċ-Ċentru kif stipulat fl-Artikolu 23(4) tar-Regolament (KE) Nru 168/2007.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2013 tammonta għal total ta' EUR 21 246 000. L-ammont ta' EUR 221 600 li ġej mill-irkupru ta' surplus jiżdied mal-ammont ta' EUR 21 024 400 imdaħħal fil-baġit.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1035/97 tat-2 ta' Ġunju 1997, li jwaqqaf Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razziżmu u l-Ksenofobija. (ĠU L 151, 10.6.1997, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 53/2007 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, ĠU L 53, 22.2.2007, p. 1).

## *Artikolu 33 02 04 — Drittijiet fundamentali u ċittadinanza*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 15 500 000 | 13 500 000 | 15 300 000 | 12 263 403 | 13 811 166,06 | 10 472 013,45 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tappoġġa l-azzjonijiet li ġejjin:

— il-promozzjoni u l-iżvilupp ta' soċjetà Ewropea bbażata fuq ir-rispett tad-drittijiet fundamentali kif rikonoxxut fl-Artikolu 6 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea, inklużi d-drittijiet li ġejjin miċ-ċittadinanza tal-Unjoni;

— it-tisħiħ tas-soċjetà ċivili u l-inkuraġġiment ta' djalogu miftuħ, trasparenti u regolari b'rispett lejn id-drittijiet fundamentali,

— il-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija, u l-atteġġjament kontra r-ROM kif ukoll l-anti-Semitiżmu u l-promozzjoni ta' djalogu multikulturali u bejn it-twemmin u t-titjib tat-tolleranza madwar l-Unjoni,

— it-titjib tal-kuntatti, l-iskambju tal-informazzjoni u n-netwerking bejn l-awtoritajiet legali ġudizzjarji u amministrattivi u l-professjonijiet legali, inkluż permezz ta' appoġġ għat-taħriġ ġudizzjarju, bil-għan li jkun hemm komprensjoni reċiproka aħjar fost dawn l-awtoritajiet u l-professjonisti.

B'mod partikulari, din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri l-miżuri li ġejjin:

— azzjonijiet speċifiċi meħuda mill-Kummissjoni, bħalma huma studji u riċerka, stħarriġ tal-opinjoni pubblika u sondaġġi. Formulazzjoni tal-indikaturi u metodoloġiji komuni, ġbir, żvilupp u disseminazzjoni ta' data u statistika, seminars, konferenzi u laqgħat tal-esperti, organizzazzjoni ta' kampanji pubbliċi u avvenimenti; żvilupp u żamma tal-websajts, preparazzjoni u disseminazzjoni ta' materjal informattiv, appoġġ għal u ġestjoni tax-xibka ta' esperti nazzjonali, attivitajiet analitiċi, ta' monitoraġġ u valutazzjoni;

— proġetti tranżnazzjonali speċifiċi ta' interess għall-Unjoni ppreżentati minn mhux inqas minn tliet Stati Membri skont il-kondizzjonijiet iffissati fil-programmi ta' xogħol annwal;

— appoġġ lill-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi jew entitajiet oħra li jaħdmu għal għan ta' interess Ewropew ġenerali skont l-għanijiet ġenerali tal-programm taħt il-kondizzjonijiet stipulati fil-programmi ta' ħidma annwali, inklużi l-attivitajiet relatati man-netwerking tal-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal mill-organizzazzjonijiet mhux governattivi;

— l-għoti ta' sussidju operattiv biex jiffinanzja l-infiq assoċjat mal-programm ta' ħidma permanenti tal-Konferenza tal-Qrati Kostituzzjonali Ewropej u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli tal-Istati u l-Ġurisdizzjonijiet Amministrattivi Supremi tal-Unjoni Ewropea li jżommu ċerti *databases* li jipprovdu ġabra fuq firxa Ewropea tas-sentenzi nazzjonali relatati mal-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni, sakemm l-infiq isir biex jintlaħaq l-interess Ewropew ġenerali permezz tal-promozzjoni tal-iskambju tal-opinjonijiet u tal-esperjenza dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw il-ġurisprudenza, l-organizzazzjoni u t-tħaddim tal-membri tagħhom fit-twettiq tal-funzjonijiet ġudizzjarji u/jew konsultattivi fir-rigward tal-liġi tal-Unjoni.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri kampanja ta' tqajjim ta' kuxjenza dwar l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni kontra d-diskriminazzjoni.

Din l-approprjazzjoni hija intiża biex tippromwovi u tappoġġa l-azzjoni tal-Unjoni dwar il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni, bħala reazzjoni għall-istat ta' abbandun ta' bosta ħabsijiet fl-Istati Membri u l-kundizzjonijiet diffiċli li l-ħabsin iridu jgħixu fihom, minħabba, b'mod partikolari, li huma ffullati żżejjed.

Għalhekk hija wkoll maħsuba biex tiffinanzja:

— il-qsim tal-aħjar prattika bejn l-organizzazzjonijiet pubbliċi, privati u bla skop ta' qligħ li jaħdmu fil-qasam fl-Istati Membri;

— il-miżuri ta' appoġġ (eż. studji komparattivi fl-Unjoni) għal azzjoni tal-Unjoni f'dan is-settur kruċjali, b'konformità mal-miżuri meħuda mill-Kummissjoni (tressiq, fl-14 ta' Ġunju 2011, ta' Green Paper dwar l-applikazzjoni tal-leġislazzjoni tal-ġustizzja kriminali tal-UE fil-qasam tad-detenzjoni), kif stabbilit fil-Pjan ta' Azzjoni ta' Stokkolma.

*Bażi ġuridika*

Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/252/KE tad-19 ta' April, li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 il-programm speċifiku 'Drittijiet Fundamentali u Ċittadinanza' bħala parti mill-Programm Ġenerali 'Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja' (ĠU L 110, 27.4.2007, p. 33).

*Atti ta' referenza*

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 programm ta' qafas dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja (COM(2005) 122 finali).

## *Artikolu 33 02 05 — Il-ġlieda kontra l-vjolenza (Daphne)*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 18 000 000 | 17 000 000 | 19 500 000 | 14 716 084 | 20 476 000,00 | 15 407 366,70 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tappoġġa l-oqsma li ġejjin:

— il-kontribuzzjoni għall-protezzjoni tat-tfal, iż-żgħażagħ u n-nisa kontra l-forom kollha ta' vjolenza u biex jintlaħaq livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa, benesseri u koeżjoni soċjali;

— il-kontribuzzjoni, speċjalment fejn huma kkonċernati t-tfal, iż-żgħażagħ u n-nisa, għall-iżvilupp tal-oqsma ta' politika tal-Unjoni u, iktar speċifikament, għall-oqsma ta' politika dwar is-saħħa pubblika, id-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn is-sessi, għall-azzjonijiet immirati lejn il-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal, u għall-ġlieda kontra l-abort imġiegħel, l-isterilizzazzjoni mġiegħla, abort minħabba l-għażla tas-sess, il-mutilazzjoni ġenitali femminili, żwiġijiet imġiegħla, it-traffikar tal-bnedmin u l-isfruttament sesswali;

B'mod partikulari, din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri l-azzjonijiet li ġejjin:

— azzjonijiet speċifiċi meħuda mill-Kummissjoni, bħalma huma studji u riċerka, stħarriġ tal-opinjoni pubblika u sondaġġi, formulazzjoni tal-indikaturi u metodoloġiji komuni, ġbir, żvilupp u disseminazzjoni ta' *data* u statistika, seminars, konferenzi u laqgħat tal-esperti, organizzazzjoni ta' kampanji pubbliċi u eventi, żvilupp u żamma ta' websajts, preparazzjoni u disseminazzjoni ta' materjal informattiv, appoġġ u animazzjoni ta' netwerks ta' esperti nazzjonali, attivitajiet analitiċi, ta' monitoraġġ u valutazzjoni;

— proġetti tranżnazzjonali speċifiċi ta' interess għall-Unjoni ppreżentati minn ta' mill-anqas tliet Stati Membri skont il-kondizzjonijiet iffissati fil-programmi ta' ħidma annwali;

— appoġġ lill-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi jew entitajiet li jsegwu għan ta' interess ġenerali Ewropew skont l-objettivi ġenerali tal-programm skont il-kondizzjonijiet iffissati fil-programmi annwali ta' xogħol;

— il-prevenzjoni ta', u l-protezzjoni tat-tfal, l-adolexxenti u n-nisa minn kull tip ta' vjolenza u sfruttament sesswali kummerċjali, it-traffikar u forom oħra ta' abbuż, bħall-mutilazzjoni ġenitali femminili, il-vjolenza fl-iskola u d-delinkwenza fost iż-żgħażagħ, u l-promozzjoni tar-riabilitazzjoni tal-vittmi ta' tali abbuż;

— it-tmexxija ta' kampanji ta' informazzjoni biex jiġu miġġielda l-pedofilija, it-traffikar tal-bnedmin, l-isfruttament sesswali, l-abort furzat, il-mutilazzjoni ġenitali tan-nisa u l-isterilizzazzjoni furzata u ż-żwieġ furzat, u biex tiġi evitata d-delinkwenza miż-żgħażagħ;

— il-promozzjoni tal-introduzzjoni ta' strumenti ddisinnjati biex jinkuraġġixxu r-rappurtar ta' vjolenza kontra n-nisa, it-tfal u l-adolexxenti u ta' forom oħra ta' traffikar tan-nisa għall-għan tal-isfruttar sesswali;

— proġetti bi prova u għotjiet immirati lejn organizzazzjonijiet li, bħala parti mill-azzjoni għall-protezzjoni tat-tfal u l-ġlieda kontra l-pedofelija fuq l-Internet, huma involuti biex ifasslu u/jew jadottaw miżuri li jipprevjenu materjali u xbihat li jinvolvu l-

pornografija tat-tfal jew li jikkostitwixxu offiża kontra d-dinjità umana milli jidhru fuq l-internet;

— skambju tal-aħjar prattiċi fir-rigward tar-reazzjoni għall-vjolenza fl-iskejjel, miżuri li jipprevjenu u jikkumbattu d-delinkwenza fost iż-żgħażagħ, appoġġ lill-inizjattivi relevanti tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi u koperazzjoni transkonfinali, proġetti pilota fil-livell lokali u dak reġjonali u n-netwerking tal-awtoritajiet responsabbli mill-ittrattar ta' każi ta' delinkwenza fost iż-żgħażagħ.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f'dan l-Artikolu. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għal implimentazzjoni taħt l-Anness 'Żona Ekonomika Ewropea' ta' din il-parti tad-dikjarazzjoni tal-infiq ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

L-ammonti li jiġu mill-kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi kandidati u jekk huwa l-każ, mill-pajjiżi potenzjalment kandidati tal-Balkani tal-Punent, biex jipparteċipaw fi programmi tal-Unjoni, taħt Partita 6 0 3 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jistgħu jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Deċiżjoni Nru 779/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 programm speċifiku sabiex jipprevjeni u jikkumbatti l-vjolenza kontra t-tfal, iż-żgħażagħ u n-nisa u sabiex jipproteġi l-vittmi u l-gruppi li jkunu f'riskju (il-Programm Daphne III) bħala parti mill-Programm Ġenerali 'Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja' (ĠU L 173, 3.7.2007, p. 19).

*Atti ta' referenza*

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 programm ta' qafas dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja (COM(2005) 122 finali).

## *Artikolu 33 02 06 — Il-kooperazzjoni Ewropea bejn l-awtoritajiet nazzjonali u internazzjonali b'responsabilità għad-drittijiet tat-tfal u għas-soċjetà ċivili li tippromwovi u tiddefendi d-drittijiet tat-tfal*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | — | — | p.m. | 0,— | 641 338,10 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri l-qadi ta' impenji magħmula fir-rigward tas-snin finanzjarji ta' qabel.

L-approprjazzjonijiet maħsuba għal din l-azzjoni għandhom jintużaw biex jimplimentaw l-istrateġija tal-Unjonidwar d-drittijiet tat-tfal konformi mal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni 'Lejn Strateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal' (COM(2006) 367 finali), eż.:

— kordinazzjoni ta' miżuri meħuda fl-UE biex tittieħed azzjoni kontra l-faqar tat-tfal,

— kull miżura diretta biex tiġi evitata l-esklużjoni soċjali tat-tfal, it-traffikar tat-tfal u l-pornografija pedofila fuq l-Internet.

Dawn l-approprjazzjonijiet jistgħu jintużaw ukoll bħala miżuri preparatorji meħtieġa biex jinkisbu l-għanijiet hawn fuq imsemmija.

*Bażi ġuridika*

Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Lulju 2006 'Lejn Strateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal' (COM(2006) 367 finali).

Azzjoni ta' tħejjija fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 33 02 07 — L-introduzzjoni fil-livell Ewropew ta' mekkaniżmu ta' allert rapidu f'każ ta' ħtif jew għajbien tat-tfal..*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | — | — | p.m. | 0,— | 62 747,04 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri l-qadi ta' impenji magħmula fir-rigward tas-snin finanzjarji ta' qabel.

L-għan ta' dan l-artikolu huwa l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmu magħruf bl-isem 'Amber alert ' (l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Greċja) jew magħruf bħala 'Alerte — Enlèvement' (Franza), fl-Unjoni kollha, filwaqt li jinsisti fuq il-bżonn ta' konnessjoni lil hinn mill-fruntieri.

Wara l-użu b'suċċess, fi Franza u l-Greċja (kif ukoll fl-Istati Uniti u l-Kanada), ta' sistemi li javżaw lill-pubbliku f'każijiet ta' ħtif ta' tfal (u/jew għajbien) u meta s-saħħa jew il-ħajjiet ta' tfal ikunu f'riskju serju, il-Kummissjoni tixtieq tgħin lil Stati Membri sabiex jistabbilixxu fuq livell nazzjonali mekkaniżmi simili. Jekk l-Istati Membri kollha jadottaw mekkaniżmi bħal dawn u jistabbilixxu skemi ta' komunikazzjoni, is-soluzzjoni ta' każijiet transkonfinali se jkun possibbli u eħfef.

Dan l-artikolu huwa maħsub kemm sabiex tiffinanzja l-ispejjeż addizzjonali u kemm sabiex timplimenta l-ġenerazzjoni ta' dan il-mekkaniżmu. Hija tkopri per eżempju, spejjeż għat-twaqqif ta' punti ta' kuntatt 24 siegħa kuljum u sebgħat ijiem fil-ġimgħa, ta' linji tat-telefon b'xejn u ta' netwerks tat-teknoliġija tal-informatika.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar- Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/25 tal-25 ta' Gunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli ghall-bagit generali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 33 02 08 — Azzjoni preparatorja — Standardizzazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali dwar kwistjonijiet ta' vjolenza relatata mal-ġeneru u vjolenza fuq it-tfal*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | — | — | p.m. | 0,— | 93 643,16 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri l-qadi ta' impenji magħmula fir-rigward tas-snin finanzjarji ta' qabel.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja azzjoni preparatorja li tinkludi l-isforzi li l-UE ilha tagħmel biex tippromwovi miżuri preventivi għall-ġlieda kontra l-vjolenza fuq it-tfal u l-adolexxenti subien u bniet u kontra n-nisa, bil-għan li tkun standardizzata l-leġiżlazzjoni nazzjonali f'dan il-qasam. L-għanijiet se jkunu:

— l-analiżi tal-leġiżlazzjoni nazzjonali attwali dwar il-vjolenza relatata mal-ġeneru, b'riferenza għal kull tip ta' vjolenza: il-vjolenza domestika, il-vjolenza sesswali, il-prostituzzjoni u t-traffikar tal-bnedmin, il-mutilazzjoni ġenitali femminili u atti ta' kriminalità għall-unur;

— l-analiżi ta' nuqqasijiet fl-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-vjolenza relatata mal-ġeneru f'kull Stat Membru;

— l-implimentazzjoni tal-proċess ta' armonizzazzjoni fil-livell Ewropew tal-leġislazzjoni dwar il-vjolenza relatata mal-ġeneru billi tipproponi provizjonijiet intiżi biex jikkumbattu u jnaqqsu l-vjolenza relatata mal-ġeneru fl-Unjoni.

*Bażi ġuridika*

Azzjoni ta' tħejjija fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 33 02 09 — Metodoloġija fl-Ewropa kollha biex jiġu żviluppati politiki bbażati fuq il-provi għad-drittijiet tat-tfal*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | 943 339 | 2 000 000,00 | 0,— |

*Kummenti*

Fil-livell tal-Unjoni, hemm nuqqasijiet u ostakli serji fir-rigward tal-ġbir ta' statistika affidabbli u paragunabbli dwar it-tfal. Jeħtieġ għalhekk li tiġi żviluppata metodoloġija għat-tfassil ta' indikaturi b'rabta mat-tfal b'mod speċifiku.

L-objettivi ta' dan il-proġett pilota huma:

- il-ġbir ta' statistika u tal-aħjar prattika b'rabta mat-tfal:
  - il-promozzjoni tal-iskambju ta' tagħrif relevanti, it-twaqqif u l-pubblikazzjoni ta' ħarsa ġenerali tal-istat attwali fis-27 Stat Membru;
  - it-twaqqif ta' bażi ta' għarfien dwar id-drittijiet tat-tfal li se tippermetti lill-istituzzjonijiet u lill-Istati Membri tal-Unjoni jadattaw il-politiki tagħhom fuq il-bażi ta' għarfien komuni;
  - l-analiżi tal-leġiżlazzjoni attwali tal-Istati Membri dwar is-salvagwardja tad-drittijiet tat-tfal;
  - it-tfassil ta' indikaturi (kwantitattivi u kwalitattivi) u standards biex jittejbu l-paragunabilità, l-oġġettività u l-affidabilità ta' data b'rabta mat-tfal fil-livell Ewropew f'dak li jikkonċerna:
    - il-faqar tat-tfal u l-esklużjoni soċjali;
    - l-abbuż, l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija;
    - il-vjolenza fid-dar;
    - it-turiżmu sesswali;
    - il-ħtif internazzjonali tat-tfal involuti f'tilwim;
    - tfal b'diżabilitajiet: politiki għall-appoġġ tal-persuni diversament abbli u kritikalitajiet;
    - traffikar tat-tfal;
    - diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess tal-persuna (mutilazzjoni ġenitali tal-bniet, krimini tal-unur, żwieġ furzat);
    - mard b'rabta mal-prattiki tal-ikel;
    - dipendenzi (alkoħol, tabakk, drogi, mediċini);
    - tfal li jisparixxu;
    - minorenni mhux akkumpanjati;
    - riskji assoċjati mal-aspetti komportamentali u psikoloġiċi tal-użu ta' teknoloġiji ġodda;
    - delinkwenza miż-żgħażagħ;
  - L-involviment u l-konsultazzjoni tat-tfal:
    - l-iżvilupp ta' metodoloġija għall-involviment u l-konsultazzjoni fil-livell Ewropew u nazzjonali li (a) tippermetti li t-tfal jinstemgħu u (b) tiżgura l-involviment kostruttiv u effettiv tat-tfal f'deċiżjonijiet li jaffettwawhom, kif stabbilit fl-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal;
    - l-iżvilupp ta' sistemi ta' komunikazzjoni u ta' informazzjoni li faċli li jużawhom it-tfal, biex il-miżuri tal-Unjoni jsiru iktar magħrufa b'mod adattat għal pubbliku iktar żgħir fl-età.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar- Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/25 tal-25 ta' Gunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-bagit generali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## KAPITOLU 33 03 — ĠUSTIZZJA FIL-QASAM ĊIVILI U KRIMINALI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 33 03 | Ġustizzja fil-qasam ċivili u kriminali | | | | | | | | |
| ***33 03 01*** | ***Tlestija tal-programmi preċedenti ta' kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam ċivili*** | 3.1 | — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 20 801,56 | |
| ***33 03 02*** | ***Eurojust*** | | | | | | | | |
| 33 03 02 01 | Eurojust — Kontribuzzjoni għat-Titoli 1 u 2 | 3.1 | 22 302 366 | 22 302 366 | 23 447 325 | 23 447 325 | 23 956 698,00 | 23 556 698,00 | 105,62 % |
| 33 03 02 02 | Eurojust — Kontribuzzjoni għat-Titolu 3 | 3.1 | 7 751 294 | 7 751 294 | 8 222 675 | 8 222 675 | 7 777 042,00 | 7 777 042,00 | 100,33 % |
| | *Artikolu 33 03 02 — Sub-total* | | 30 053 660 | 30 053 660 | 31 670 000 | 31 670 000 | 31 733 740,00 | 31 333 740,00 | 104,26 % |
| ***33 03 04*** | ***Ġustizzja kriminali*** | 3.1 | 27 500 000 | 23 000 000 | 26 950 000 | 18 017 770 | 26 500 000,00 | 22 415 464,66 | 97,46 % |
| ***33 03 05*** | ***Ġustizzja ċivili*** | 3.1 | 16 550 000 | 7 500 000 | 16 100 000 | 9 433 387 | 15 625 449,26 | 7 821 795,06 | 104,29 % |
| ***33 03 06*** | ***Proġett pilota —— Evalwazzjoni tal-impatt ta' miżuri leġiżlattivi fil-liġi dwar il-kuntratti*** | 3.1 | p.m. | p.m. | p.m. | 400 000 | 0,— | 0,— | |
| ***33 03 07*** | ***Proġett Pilota — Irkupru rapidu u effiċjenti ta' kreditu pendenti mill-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju (SME) li joperaw b'mod transkonfinali*** | 3.1 | — | 750 000 | 2 000 000 | 1 500 000 | 726 174,19 | 0,— | |
| ***33 03 08*** | ***Proġett pilota — Taħriġ Ġudizzjarju Ewropew*** | 3.1 | p.m. | 750 000 | 1 500 000 | 750 000 | | | |
| | **Kapitolu 33 03 — Total** | | **74 103 660** | **62 053 660** | **78 220 000** | **61 771 157** | **74 585 363,45** | **61 591 801,28** | **99,26 %** |

## *Artikolu 33 03 01 — Tlestija tal-programmi preċedenti ta' kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam ċivili*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | p.m. | — | p.m. | 0,— | 20 801,56 |

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni maħsuba biex tkopri l-qadi ta' impenji magħmula fir-rigward tas-snin finanzjarji ta' qabel.

*Bażi ġuridika*

Deċiżjoni Nru 1496/98/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-22 ta' Ġunju1998 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni biex jittejjeb l-għarfien tal-liġi Komunitàrja fil-professjonijiet legali (il-proġett Robert Schuman) (ĠU L 196, 14.7.1998, p. 24).

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 290/2001 tat-12 ta' Frar 2001 li jestendi l-programm ta' inċentivi u skambji għal dawk li jipprattikaw il-liġi fil-qasam tal-liġi ċivili (Grotius civil) (ĠU L 43, 14.2.2001, p. 1).

Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE tat-28 ta' Mejju 2001 li tistabbilixxi Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali(2001/470/KE) (ĠU L 174, 27.6.2001, p. 25).

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 743/2002 tal-25 t'April 2002 li jistabbilixxi qafas ġenerali għall-attivitajiet tal-Komunità biex titħaffef l-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili (ĠU L 115, 1.5.2002, p. 1).

Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/100/KE tas-26 ta' Jannar 2004 li jistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitàrja biex tippromwovi ċ-ċittadinanza Ewropea (parteċipazzjoni ċivika) (ĠU L 30, 4. 2. 2004, p. 6).

## *Artikolu 33 03 02 — Eurojust*

### Partita 33 03 02 01 — Eurojust — Kontribuzzjoni għat-Titoli 1 u 2

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 22 302 366 | 22 302 366 | 23 447 325 | 23 447 325 | 23 956 698,00 | 23 556 698,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tal-persunal u amministrattiva ta’ Eurojust (it-Titoli 1 u 2).

Eurojust għandha tinforma l-awtorità tal-baġit dwar it-trasferimenti ta’ approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u amministrattiva.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Finanzjarju tal-Qafas ta’ Ħidma għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju jsawru dħul assenjat (l-Artikolu 18(1)(f) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Il-pjan tat-twaqqif tal-Eurojust jinsab fil-Parti 'Pjan ta’ stabbiliment tal-Persunal’ tat-Taqsima III — Il-Kummissjoni (il-Volum 3).

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI tat-28 ta’ Frar 2002 li tistabbilixxi Eurojust bil-għan li tiġi msaħħa l-ġlieda kontra l-kriminalità serja (ĠU L 63, 6.3.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/426/ĠAI tas-16 ta’ Diċembru 2008 dwar it-tisħiħ tal-Eurojust u li temenda d-Deċiżjoni 2002/187/ĠAI li tistabbilixxi l-Eurojust bil-għan li tiġi msaħħa l-ġlieda kontra l-kriminalità serja (ĠU L 138, 4.6.2009, p. 14).

### Partita 33 03 02 02 — Eurojust — Kontribuzzjoni għat-Titolu 3

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 7 751 294 | 7 751 294 | 8 222 675 | 8 222 675 | 7 777 042,00 | 7 777 042,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa operattiva ta’ Eurojust fir-rigward tal-programm tal-ħidma (it-Titolu 3).

Eurojust għandha tinforma l-awtorità tal-baġit dwar it-trasferimenti ta’ approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operattiva u amministrattiva.

L-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Finanzjarju tal-Qafas ta’ Ħidma għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju jsawru dħul assenjat (l-Artikolu 18(1)(f) tar-Regolament Finanzjarju) li għandu jitniżżel taħt il-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul.

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2013 tammonta għal total ta’ EUR 32 358 660. L-ammont ta’ EUR 2 305 000 li ġej mill-irkupru ta’ surplus jiżdied mal-ammont ta’ EUR 32 358 660 imdaħħal fil-baġit.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI tat-28 ta’ Frar 2002 li tistabbilixxi Eurojust bil-għan li tiġi msaħħa l-ġlieda kontra l-kriminalità serja (ĠU L 63, 6.3.2002, p. 1).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/426/ĠAI tas-16 ta’ Diċembru 2008 dwar it-tisħiħ tal-Eurojust u li temenda d-Deċiżjoni 2002/187/ĠAI li tistabbilixxi l-Eurojust bil-għan li tiġi msaħħa l-ġlieda kontra l-kriminalità serja (ĠU L 138, 4.6.2009, p. 14).

## *Artikolu 33 03 04 — Ġustizzja kriminali*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 27 500 000 | 23 000 000 | 26 950 000 | 18 017 770 | 26 500 000,00 | 22 415 464,66 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tappoġġa l-azzjonijiet li ġejjin:

— biex tippromovi l-kooperazzjoni ġudizzjarja bl-għan li tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' żona ġenwina Ewropea ta' ġustizzja fi kwistjonijiet kriminali bbażata fuq għarfien reċiproku u kunfidenza reċiproka;

— biex tippromwovi r-rikonoxximent reċiproku ta' strumenti ġudizzjarji fl-Istati Membri, b'referenza partikolari għall-ordnijiet ta' waqfien ta' konfiska tal-assi li jirriżultaw minn attivitajiet illegali ta' kriminalità organizzata, billi jitqiesu r-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament Ewropew;

— biex tippromovi l-aġġustament tas-sistemi ġudizzjarji eżistenti fl-Istati Membri fl-Unjoni li hi territorju mingħajr kontrolli tal-fruntieri, b'munita unika, u biċ-ċaqliq ħieles tal-persuni, is-servizzi, l-oġġetti u l-kapital;

— biex tittejjeb il-ħajja ta' kuljum tal-individwi u n-negozji billi tippermettilhom li jasserixxu d-drittijiet tagħhom fl-Unjoni kollha, notevolment billi jkun ikkoltivat l-aċċess għall-ġustizzja;

— biex jittejbu l-kuntatti u l-iskambju ta' informazzjoni bejn awtoritàjiet legali, ġudizzjarji u amministrattivi u l-professjonijiet legali, u jkun ikkoltivat it-taħriġ tal-membri tal-ġudikatura.

B'mod partikulari, din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri l-azzjonijiet li ġejjin:

— l-azzjonijiet speċifiċi meħuda mill-Kummissjoni, bħalma huma, l-istudji u r-riċerka, il-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' proġetti speċifiċi bħalma huwa l-ħolqien ta' sistema kompjuterizzata ta' skambju ta' informazzjoni dwar ir-rekords kriminali, l-istħarriġ tal-opinjoni u s-sondaġġi, il-formulazzjoni tal-indikaturi u l-metodoloġiji komuni, il-ġbir, l-iżvilupp u d-disseminazzjoni tad-*data* tal-istatistika, is-seminars, il-konferenzi u l-laqgħat tal-esperti, l-organizzazzjoni ta' kampanji pubbliċi u eventi l-iżvilupp u ż-żamma tal-websajts, il-preparazzjoni u d-dessiminazzjoni tal-materjal informattiv, l-appoġġ lil u l-animazzjoni ta' netwerks ta' esperti nazzjonali, attivitajiet analitiċi u ta' monitoraġġ u valutazzjoni;

— proġetti traznazzjonali speċifiċi ta' interess għall-Unjoni ppreżentati minn ta' mill-anqas tliet Stati Membri skont il-kondizzjonijiet iffissati fil-programmi ta' ħidma annwali;

— appoġġ lill-attivitjiet ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi jew entitajiet oħra li jsegwu għan ta' interess ġenerali Ewropew skont l-objettivi ġenerali tal-programm skont il-kundizzjonijiet iffissati fil-programmi ta' xogħol annwali;

— għajnuna operattiva biex tikko-finanzja l-ispiża assoċjata mal-programm ta' xogħol permanenti tan-Netwerk Ewrope ta' Taħriġ Ġudizzjarju li jsegwi għan ta' interess ġenerali Ewropew fil-qasam tat-taħriġ tal-ġudikatura.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tkopri l-ispejjeż ta' proġett biex jiġi stabbilit korp ta' avukati Ewropej tal-liġi kriminali (Eurorights). Il-korp għandu jiffunzjona bħala Ombudsman, billi jinvestiga problemi li jkollha d-difiża fil-kuntest tal-koperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja Ewropea.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/126/ĠAI tat-12 ta' Frar 2007 li tistabbilixxi l-Programm Speċifiku "Ġustizzja Kriminali" għall-perjodu 2007-2013 bħala parti mill-Programm Ġenerali dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja (ĠU L 58, 24.2.2007, p 13).

*Atti ta' referenza*

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 programm ta' qafas dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja (COM(2005) 122 finali).

## *Artikolu 33 03 05 — Ġustizzja ċivili*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 16 550 000 | 7 500 000 | 16 100 000 | 9 433 387 | 15 625 449,26 | 7 821 795,06 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tappoġġa l-azzjonijiet li ġejjin:

- biex tippromovi l-kooperazzjoni ġudizzjarja bl-għan li tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' żona ġenwina Ewropea ta' ġustizzja fi kwistjonijiet ċivili bbażata fuq għarfien reċiproku u kunfidenza reċiproka;
- biex tippromwovi t-tneħħija tal-ostakoli għat-tħaddim tajjeb ta' proċedimenti transkonfinali fl-Istati Membri;
- biex tittejjeb il-ħajja ta' kuljum tal-individwi u n-negozji billi tippermettilhom li jasserixxu d-drittijiet tagħhom fl-Unjoni kollha, notevolment billi jkun ikkoltivat l-aċċess għall-ġustizzja;
- biex jitjiebu l-kuntatti, l-iskambju tal-informazzjoni u netwerking bejn l-awtoritàjiet legali ġudizzjarji u amministrattivi u l-professjonijiet legali, inkluż permezz ta' appoġġ għat-taħriġ ġudizzjarju, bil-għan li jkun hemm komprensjoni reċiproka aħjar fost dawn l-awtoritàjiet u l-professjonisti.

B'mod partikulari, din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri l-azzjonijiet li ġejjin:

- l-azzjonijiet speċifiċi meħuda mill-Kummissjoni, bħalma huma, l-istudji u r-riċerka, il-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' proġetti speċifiċi bħalma huwa l-ħolqien ta' sistema kompjuterizzata ta' skambju ta' informazzjoni dwar ir-rekords kriminali, l-istħarriġ tal-opinjoni u s-sondaġġi, il-formulazzjoni tal-indikaturi u l-metodoloġiji komuni, il-ġbir, l-iżvilupp u d-disseminazzjoni tad-data tal-istatistika, is-seminars, il-konferenzi u l-laqgħat tal-esperti, l-organizzazzjoni ta' kampanji pubbliċi u eventi l-iżvilupp u ż-żamma tal-websajts, il-preparazzjoni u d-dessiminazzjoni tal-materjal informattiv, l-appoġġ lil u l-animazzjoni ta' netwerks ta' esperti nazzjonali, attivitajiet analitiċi u ta' monitoraġġ u valutazzjoni; jew
- proġetti traznazzjonali speċifiċi ta' interess għall-Unjoni ppreżentati minn mhux inqas minn tliet Stati Membri skont il-kondizzjonijiet iffissati fil-programmi ta' ħidma annwali;
- appoġġ lill-attivitjiet ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi jew entitajiet oħra li jsegwu għan ta' interess ġenerali Ewropew skont l-objettivi ġenerali tal-programm skont il-kondizzjonijiet iffissati fil-programmi ta' xogħol annwali;
- l-għoti ta' sussidju operattiv biex jikkoffinanzja l-infiq assoċjat mal-programm ta' ħidma permanenti tan-Netwerk Ewropew tal-Kunsilli għall-Ġudikatura u n-Netwerk tal-Presidenti tal-Qrati Ġudizzjarji Supremi tal-Unjoni Ewropea, safejn l-infiq isir biex jintlaħaq l-interess Ewropew ġenerali permezz tal-promozzjoni tal-iskambju ta' opinjonijiet u ta' esperjenza dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw il-ġurisprudenza, l-organizzazzjoni u t-tħaddim tal-membri tagħhom fit-twettiq tal-funzjonijiet ġudizzjarji u/jew konsultattivi fir-rigward tal-liġi tal-Unjoni;
- miżuri li jappoġġjaw il-ħolqien ta' netwerk online ta' reġistri ta' testmenti għal dawk l-Istati Membri li għandhom, jew jixtiequ jkollhom, reġistru ta' testmenti.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE tat-28 ta' Mejju 2001 li tistabbilixxi Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali (ĠU L 174, 27.6.2001, p. 25).

Id-Deċiżjoni Nru 1149/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi għall-perijodu 2007-2013 il-Programm Speċifiku Ġustizzja Ċivili bħala parti mill-Programm Ġenerali Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja (ĠU L 257, 3.10.2007, p. 16).

*Atti ta' referenza*

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 programm ta' qafas dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja (COM(2005) 122 finali).

## *Artikolu 33 03 06 — Proġett pilota —— Evalwazzjoni tal-impatt ta' miżuri leġiżlattivi fil-liġi dwar il-kuntratti*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| p.m. | p.m. | p.m. | 400 000 | 0,— | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-miżuri li ġejjin:

— it-twettiq ta' evalwazzjoni tal-impatt legali u ekonomiku ta' miżuri leġiżlattivi fil-liġi kuntrattwali;

— l-eżaminar u l-iżvilupp tal-Qafas Komuni ta' Referenza (CFR) fuq il-bażi tal-Abbozz ta' Qafas Komuni ta' Referenza kif ukoll xogħlijiet oħra akkademiċi fil-qasam tal-liġi kuntrattwali Ewropea.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar- Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/25 tal-25 ta' Gunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli ghall-bagit generali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 33 03 07 — Proġett Pilota — Irkupru rapidu u effiċjenti ta' kreditu pendenti mill-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju (SME) li joperaw b'mod transkonfinali*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| — | 750 000 | 2 000 000 | 1 500 000 | 726 174,19 | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex ittejjeb is-sitwazzjoni finanzjarja tal-SMEs li joperaw fl-Istat Membru tal-oriġini tagħhom fl-UE u lil hinn mill-fruntieri billi tappoġġahom fil-ġestjoni u fl-infurzar tal-pretensjonijiet pendenti tagħhom. L-SMEs se jiġu mgħejuna jottimizzaw il-proċeduri kummerċjali tagħhom billi jtejbu l-aċċess għall-informazzjoni u d-disseminazzjoni tal-informazzjoni fil-qasam tal-istrumenti u l-għażliet għall-ġestjoni tal-kreditu u tal-pretensjonijiet. L-għan hu wkoll li jittejbu l-użu, il-fehim u l-kuxjenza tal-istrumenti legali disponibbli. F'dan il-proġett pilota, gwida multilingwistika bbażata fuq il-prattika se tintroduċi s-suġġett u l-metodoloġija tal-ġestjoni tal-kreditu u tal-pretensjonijiet u tispjega l-applikazzjoni tal-istrumenti legali eżistenti għall-infurzar nazzjonali u transkonfinali tal-pretensjonijiet (Regolament (KE) Nru 924/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-ħlas transkonfinali fil-Komunità (ĠU L 266, 9.10.2009, p. 11), Regolament (KE) Nru 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar (ĠU L 199, 31.7.2007, p. 1), Regolament (KE) Nru 805/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li joħloq Ordni Ewropew ta' Infurzar għal talbiet mhux kontestati (ĠU L 143, 30.4.2004, p. 15), Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU L 12, 16.1.2001, p. 1), eċċ.). Barra minn hekk, l-avvenimenti se jsiru b'mod deċentralizzat madwar l-Ewropa, eż. permezz tan-netwerks tal-kmamar tal-kummerċ u l-industrija, organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-SMEs jew faċilitajiet oħra involuti fil-promozzjoni kummerċjali, biex l-SMEs jingħataw informazzjoni dwar il-ġestjoni tal-kreditu u tal-pretensjonijiet u l-istrumenti legali disponibbli.

Fl-2012 se jitkomplew u jiġu estiżi l-avvenimenti li għandhom l-għan li jipprovdu lill-SMEs b'informazzjoni dwar il-ġestjoni tal-kreditu u tal-pretensjonijiet u l-istrumenti legali disponibbli. Se jkun hemm ukoll avvenimenti maħsuba b'mod speċifiku għall-istudenti ta' programmi ta' taħriġ professjonali u se jiġu żviluppati moduli ta' tagħlim li l-kontenut tagħhom ikun jista' jiġi integrat u użat fit-taħriġ vokazzjonali avvanzat u fit-taħriġ avvanzat tal-intraprendisti żgħażagħ. Barra minn hekk, se jkun hemm attivitajiet ta' tqajjim ta' kuxjenza biex tinġibed l-attenzjoni dwar l-informazzjoni rigward il-ġestjoni tal-kreditu u tal-pretensjonijiet u biex l-SMEs jiffamiljarizzaw ruħhom mal-istrumenti legali nazzjonali u tal-Unjoni u l-possibilitajiet offruti mill-portal e-Justice. Dan jiġi appoġġat bit-tixrid tal-linji gwida multilingwistiċi bbażati fuq il-prattika li jintroduċu s-suġġett u l-metodoloġija tal-ġestjoni tal-kreditu u tal-pretensjonijiet u jispjegaw l-applikazzjoni tal-istrumenti legali eżistenti għall-infurzar tal-pretensjonijiet. Barra minn hekk, dan il-proġett pilota qed jiġi estiż għall-SMEs li joperaw fl-Istat Membru tal-oriġini tagħhom.

*Bażi ġuridika*

Proġett pilota fit-tifsira tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu 33 03 08 — Proġett pilota — Taħriġ Ġudizzjarju Ewropew*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| p.m. | 750 000 | 1 500 000 | 750 000 | |

*Kummenti*

Proġett pilota speċifiku dwar it-taħriġ ġudizzjarju jista' jikkontribwixxi għat-twettiq tal-għan li tinħoloq kultura ġudizzjarja Ewropea - kif espress fil-Programm ta' Stokkolma u f'diversi riżoluzzjonijiet adottati mill-PE fl-2009/2010. Ir-riżorsi tal-Proġett Pilota se jikkontribwixxu għal:

— identifikazzjoni tal-aħjar prassi fit-taħriġ tal-imħallfin, il-prosekuturi u l-professjonisti fil-qasam tal-ġustizzja fis-sistemi u t-tradizzjonijiet ġuridiċi nazzjonali kif ukoll fil-liġi tal-Unjoni,

— identifikazzjoni tal-aħjar prassi biex jiġi provdut taħriġ fil-liġi tal-Unjoni kif ukoll fis-sistemi u t-tradizzjonijiet ġuridiċi nazzjonali lill-imħallfin, il-prosekuturi u l-professjonisti fil-qasam tal-ġustizzja f'livell lokali u għall-promozzjoni tad-djalogu u l-koordinament bejn l-imħallfin u l-prosekuturi tal-Unjoni,

— promozzjoni ta' skambji ta' din l-aħjar prassi bejn il-persuni mill-Unjoni li jipprovdu taħriġ u t-tixrid ta' din il-prassi fl-Unjoni kollha,

— titjib tal-kooperazzjoni bejn in-Netwerk Ewropew għat-taħriġ ġudizzjarju u l-istituzzjonijiet nazzjonali ta' taħriġ ġudizzjarju b'dawk li jipprovdu taħriġ bħall-Akkademja tad-Dritt Ewropew u bl-organizzazzjonijiet professjonali ta' livell Ewropew bħan-Netwerk Ewropew tal-Kunsilli għall-Ġudikatura, in-Netwerk tal-Presidenti tal-Qrati Ġudizzjarji Supremi, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli tal-Istat u l-Ġurisdizzjonijiet Amministrattivi Supremi u n-netwerk Eurojustice tal-Prosekuturi Ġenerali Ewropej.

Il-proġett pilota jista' jkun ikkoordinat minn minimu ta' tliet erba' skejjel ġudizzjarji nazzjonali f'kooperazzjoni ma' tal-anqas Skola Ewropea ta' taħriġ ġudizzjarju waħda.

*Bażi ġuridika*

Proġett bi prova skont it-tifsira tal-Artikolu 49(6), tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2992, p. 1).

# KAPITOLU 33 04 — PREVENZJONI TAD-DROGI U INFORMAZZJONI DWARHA

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 33 04 | Prevenzjoni tad-drogi u Informazzjoni dwarha | | | | | | | | |
| ***33 04 01*** | ***Prevenzjoni u taghrif dwar id-droga*** | 3.1 | 3 000 000 | 2 830 016 | 3 000 000 | 2 830 016 | 4 095 200,00 | 2 668 162,77 | 94,28 % |
| | **Kapitolu 33 04 — Total** | | **3 000 000** | **2 830 016** | **3 000 000** | **2 830 016** | **4 095 200,00** | **2 668 162,77** | **94,28 %** |

### *Artikolu 33 04 01 — Prevenzjoni u tagħrif dwar id-droga*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 3 000 000 | 2 830 016 | 3 000 000 | 2 830 016 | 4 095 200,00 | 2 668 162,77 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tappoġġa l-oqsma li ġejjin.

— il-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-użu tad-droga, id-dipendenza fuq id-droga u ħsara relatata;

— il-kontribuzzjoni għat-titjib tat-tagħrif dwar l-użu tad-droga,

— l-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-istrateġija dwar id-drogi tal-Unjoni.

B’mod partikolari, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-miżuri li ġejjin:

— azzjonijiet speċifiċi meħuda mill-Kummissjoni, bħal studji u riċerki, stħarriġ tal-opinjoni pubblika u stħarriġ ieħor , formulazzjoni ta’ indikaturi u metodoloġiji komuni, il-ġbir, l-iżvilupp u t-tixrid ta’ *data* u statistiċi, seminars, konferenzi u laqgħat tal-esperti, organizzazzjoni ta’ kampanji u avvenimenti pubbliċi, l-iżvilupp u l-manteniment ta’ websajts, il-preparazzjoni u t-tixrid ta’ materjal ta’ informazzjoni, appoġġ lil u animazzjoni ta’ netwerks ta’ esperti nazzjonali, attivitajiet analitiċi, ta’ monitoraġġ u ta’ valutazzjoni, jew

— proġetti transnazzjonali speċifiċi ta’ interess għall-Unjoni ippreżentati minn mhux inqas minn żewġ Stati Membri, jew mhux inqas minn Stat Membru wieħed u Stat ieħor li jista’ jkun jew pajjiż li qed jaderixxi jew pajjiż kandidat taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-programm ta’ ħidma annwali, jew

— appoġġ lill-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet non-governattivi jew lill-entitajiet oħra li jaħdmu għall-għan ta’ interess ġenerali Ewropew rigward l-għanijiet ġenerali tal-programmi taħt il-kundizzjonijiet stipulati fil-programm ta’ ħidma annwali, jew

— prevenzjoni tad-droga u inizjattivi li jnaqqsu l-ħsara, u l-attivitajiet strateġiċi biex jiġu miġġielda dipendenzi oħra marbuta mad-drogi.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA bis-saħħa tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu mal-approprjazzjonijiet imdaħħla f’dan l-artikolu. Għal skop ta’ informazzjoni, dawn l-ammonti jirriżultaw mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jista’ jikkostitwixxi dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; jagħtu lok għall-għoti ta’ approprjazzjonijiet korrispondenti u għal implimentazzjoni taħt l-Anness ‘Żona Ekonomika Ewropea’ ta’ din il-parti tad-dikjarazzjoni tal-infiq ta’ din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

*Bażi ġuridika*

Deċiżjoni Nru 1150/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Settembru 2007 li tistabbilixxi għall-perijodu 2007-2013 il-Programm Speċifiku Prevenzjoni u informazzjoni dwar id-droga bħala parti mill-Programm Ġenerali Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja (ĠU L 257, 3.10.2007, p. 23).

*Atti ta’ referenza*

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 programm ta’ qafas dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Ġustizzja (COM(2005) 122 finali).

## Kapitolu 33 05 — STRATEĠIJA TA’ POLITIKA U KOORDINAMENT

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 33 05 | STRATEĠIJA TA’ POLITIKA U KOORDINAMENT | | | | | | | | |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *33 05 01* | *Prince — Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja* | 3.1 | 2 900 000 | 2 400 000 | 2 800 000 | 2 377 214 | 2 700 000,00 | 1 488 053,59 | 62,00 % |
| *33 05 02* | *Evalwazzjoni u studju dwar l-impatt* | 3.1 | 600 000 | 689 160 | 600 000 | 377 335 | 487 025,00 | 468 740,19 | 68,02 % |
| | **Kapitolu 33 05 — Total** | | **3 500 000** | **3 089 160** | **3 400 000** | **2 754 549** | **3 187 025,00** | **1 956 793,78** | **63,34 %** |

## *Artikolu 33 05 01 — Prince — Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 2 900 000 | 2 400 000 | 2 800 000 | 2 377 214 | 2 700 000,00 | 1 488 053,59 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-iffinanzjar ta' miżuri prijoritarji ta' informazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja.

Din tkopri miżuri ta' informazzjoni u komunikazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja b'rabta mal-istabbiliment ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (websajts interni, avvenimenti pubbliċi, prodotti ta' komunikazzjoni, stħarriġ tal-Ewrobarometru, eċċ.). Dawn il-miżuri huma ddisinjati biex ikunu kanal ta' komunikazzjoni u djalogu effettiv bejn il-poplu tal-Unjoni, partijiet interessati, u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u biex jikkunsidraw karatteristiċi speċifiċi nazzjonali, reġjonali u lokali, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritàjiet tal-Istati Membri.

Il-Kummissjoni adottat sensiela ta' komunikazzjonijiet lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni fuq kwadru ġdid għall-kooperazzjoni f'attivitajiet dwar il-politika tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni tal-Unjoni Ewropea (COM(2001) 354 finali u COM(2002) 350 finali). Dawn il-komunikazzjonijiet jipproponu qafas interistituzzjonali għall-kooperazzjoni estiża lejn l-Istati Membri għall-iżvilupp ta' strateġija ta' politika ta' komunikazzjoni u informazzjoni għall-Unjoni.

Il-Grupp Interistituzzjonali fuq l-Informazzjoni (IGI), ko-presedut mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, jippreskrivi linji ta' gwida komuni għall-kooperazzjoni interistituzzjonali f'kwistjonijiet tal-politika tal-Unjoni dwar l-informazzjoni u l-kommunikazzjoni. Jikkoordina l-attivitajiet ta' informazzjoni pubblika ċentralizzati u deċentralizzati fuq suġġetti Ewropej. Kull sena l-IGI agħti l-opinjoni tiegħu fuq il-prijoritajiet għas-snin ta' wara fuq il-bażi ta' informazzjoni provduta mill-Kummissjoni.

*Bażi ġuridika*

Kompiti li jirriżultaw mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fuq il-livell istituzzjonali, kif ipprovdut fl-Artikolu 49(2) tar-Regolament Finanzjarju.

## *Artikolu 33 05 02 — Evalwazzjoni u studju dwar l-impatt*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 600 000 | 689 160 | 600 000 | 377 335 | 487 025,00 | 468 740,19 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri n-neqfa:

— għall-estenzjoni tal-valutazzjoni għall-attivitajiet kollha (politiki u leġiżlazzjoni),

— għall-integrazzjoni aħjar tal-valutazzjoni fl-ippjanar strateġiku u l-programmazzjoni,

— biex jitlesta x-xogħol metodoloġiku meħtieġ għall-iżvilupp ta' politika ta' valutazzjoni,

— biex jiġi applikat il-qafas ta' valutazzjoni tal-impatt għall-oqsma ta' politika ewlenin kollha koperti minn Tampere,

— tħejji l-implimentazzjoni ta' proġetti pilota u miżuri ta' tħejjija.

*Bażi ġuridika*

Kompitu li jirriżulta mill-awtonomija amministrattiva tal-Kummissjoni, kif ipprovdut fl-Artikolu 49(2) tar-Regolament Finanzjarju.

## KAPITOLU 33 06 — UGWALJANZA

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | | Ħlasijiet 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | |
| 33 06 | Ugwaljanza | | | | | | | | |
| ***33 06 01*** | ***Anti-diskriminazzjoni u diversità*** | 1.1 | 22 283 000 | 17 730 623 | 21 000 000 | 17 237 770 | 20 735 593,26 | 16 853 406,57 | 95,05 % |
| ***33 06 02*** | ***Ugwaljanza tas-sessi*** | 1.1 | 12 938 000 | 10 681 785 | 12 458 000 | 9 072 511 | 12 102 379,62 | 9 653 728,11 | 90,38 % |
| ***33 06 03*** | ***L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi*** | | | | | | | | |
| 33 06 03 01 | Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi — Kontribuzzjoni lit-Titoli 1 u 2 | 1.1 | 2 885 800 | 2 885 800 | 2 318 277 | 2 318 277 | 3 390 000,00 | 3 390 000,00 | 117,47 % |
| 33 06 03 02 | Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi — Kontribuzzjoni lit-Titolu 3 | 1.1 | 3 436 568 | 3 436 568 | 3 582 523 | 3 582 523 | 4 140 000,00 | 4 140 000,00 | 120,47 % |
| | *Artikolu 33 06 03 — Sub-total* | | 6 322 368 | 6 322 368 | 5 900 800 | 5 900 800 | 7 530 000,00 | 7 530 000,00 | 119,10 % |
| ***33 06 04*** | ***Is-Sena Ewropea ta' Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd fl-2007*** | 1.1 | — | — | — | — | 0,— | 0,— | |
| ***33 06 05*** | ***Tlestija ta' programmi preċedenti*** | 1.1 | — | p.m. | — | 453 626 | 0,— | 267 110,76 | |
| ***33 06 06*** | ***Appoġġ għall-kostijiet tal-operat tal-Pjattaforma ta' Organiżazzjonijiet Soċjali Ewropej Mhux Governattivi*** | 3.2 | — | — | p.m. | p.m. | 0,— | 0,— | |
| ***33 06 07*** | ***Proġett pilota — L-Impjieg ta' persuni fuq l-Ispektrum Awtistiku*** | 1.1 | — | p.m. | — | 300 000 | 0,— | 463 674,43 | |
| | **Kapitolu 33 06 — Total** | | **41 543 368** | **34 734 776** | **39 358 800** | **32 964 707** | **40 367 972,88** | **34 767 919,87** | **100,10 %** |

## *Artikolu 33 06 01 — Anti-diskriminazzjoni u diversità*

*Figuri*

| Baġit 2013 | | Approprjazzjonijiet 2012 | | Outturn 2011 | |
|---|---|---|---|---|---|
| Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet | Impenji | Ħlasijiet |
| 22 283 000 | 17 730 623 | 21 000 000 | 17 237 770 | 20 735 593,26 | 16 853 406,57 |

*Kummenti*

Din it-taqsima għandha tappoġġja l-implimentazzjoni effettiva tal-prinċipju tan-non-diskriminazzjoni u tippromwovi l-integrazzjoni fil-politiki kollha tal-Unjoni billi:

— jittejjeb il-ftehim tas-sitwazzjoni fir-rigward tad-diskriminazzjoni rigward il-gruppi vulnerabbli kollha, b'mod partikolari permezz ta' analiżi u studji u, fejn xieraq, l-iżvilupp ta' statistiċi u indikaturi, kif ukoll l-ivvalutar tal-effettività u l-impatt tal-leġiżlazzjoni eżistenti, politiki u prassi;

— tiġi appoġġjata l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tal-antidiskriminazzjoni permezz ta' monitoraġġ effettiv, isiru konferenzi għal dawk li jaħdmu fil-qasam u netwerking fost korpi speċjalizzati li jitrattaw l-antidiskriminazzjoni kif ukoll kampanji ta' informazzjoni pubblika dwar id-direttivi tal-Unjoni dwar l-antidiskriminazzjoni 2000/43/KE, 2000/78/KE u 2004/113/KE;

— titqajjem kuxjenza, jiġi mferrex it-informazzjoni u jiġi promoss id-dibattitu dwar l-isfidi prinċipali u kwistjonijiet politiċi fir-rigward tad-diskriminazzjoni u l-integrazzjoni ta' antidiskriminazzjoni fil-politiki kollha tal-Unjoni, inklużi l-NGO's fil-qasam tal-antidiskriminazzjoni, prateċipanti reġjunali u lokali, imsieħba soċjali u partijiet interessati oħrajn;

— tiġi żviluppata l-kapaċità ta' netwerks prinċipali tal-Unjoni biex jappoġġjaw u jiżviluppaw aktar l-għanijiet tal-Unjoni dwar il-politika u l-istrateġiji.

Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu għandhom jiżdiedu l-approprijazzjonijiet imdaħħlin f'din il-partita. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti

joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jikkostitwixxu dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; dawn jagħtu lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont l-Anness "Żona Ekonomika Ewropea" lil din il-parti tad-dikjarazzjoni tan-nefqa ta' din it-taqsima, li tifforma parti integrali mill-baġit ġenerali.

Kull dħul mill-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, mill-pajjiżi kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, imdaħħal fil-Paragrafu 6 0 3 1 tar-rendiment tad-dħul, jista' jagħti lok għad-dispożizzjoni ta' approprjazzjonijiet addizzjonali skont l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

### 4.2.3. BII-B III — 1. GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAL PROGRAMMI TA' SELF MAGĦMULA MILL-UNJONI SABIEX TIPPROVDI GĦAJNUNA FINANZJARJA GĦALL-PAJJIŻI TAL-MEDITERRAN LI MHUMIEX MEMBRI

#### 4.2.3.1. BII-B III 1 — 1. Bażi ġuridika

Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/860/EC TAL-10 ta' Diċembru 2007 li tipprovdi għal għajnuna makrofinanzjarja Komunitarja lil-Libanu (ĠU L 337, 21.12.2007, p. 111).

#### 4.2.3.2. BII-B III 2 — 2. Deskrizzjoni

Fl-10 ta' Diċembru 2007, il-Kunsill iddeċieda li jagħti lill-Unjoni Ewropea garanzija għal operazzjoni ta' teħid u għoti b'self għall-Lebanon fix-xorta ta' għoti b'self fuq żmien twil għal ammont massimu ta' EUR 50 000 000 fi prinċipal għal żmien massimu ta' għaxar snin. L-ewwel parti ta' EUR 25 000 000 tħallset fl-2009.

#### 4.2.3.3. BII-B III 3 — 3. Effett fuq il-baġit

Mid-dħul fis-seħħ tar-Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjoni esterna (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), kull nuqqas ta' ħlas ta' dejn huwa kopert minn dan il-Fond sal-limitu tal-ammont disponibbli.

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal:

- pagament annwali wieħed lill-Fond jew aktarx eċċezjonalment mill-Fond, biex iżomm l-ammont fil-mira ta' 9 % tal-operazzjonijiet garantiti,
- l-attivazzjoni tal-garanzija tal-baġit jekk id-debitur jonqos li jħallas id-dejn.

### 4.2.4. BII-B IV — IV. GARANZIJA TAL- UNJONI EWROPEA GĦALL-PROGRAMMI TA' SELF KONTRATTATI MILL- UNJONI SABIEX JIPPROVDU ASSISTENZA FINANZJARJA GĦALL-PAJJIŻI TERZI TAL-EWROPA ĊENTRALI U TAL-LVANT

#### 4.2.4.1. BII-B IV 1 — 1. Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/732/KE tat-8 ta' Novembru 1999 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja supplimentari lir-Rumanija (ĠU L 294, 16.11.1999, p. 29).

#### 4.2.4.2. BII-B IV 2 — 2. Deskrizzjoni

Fit-8 ta' Novembru 1999, il-Kunsill iddeċieda li jagħti lir-Rumanija assistenza makrofinanzjarja addizzjonali fil-forma ta' self fit-tul ta' kapital sa EUR 200 000 000 għal perjodu massimu ta' 10 snin (RUMANIJA IV). L-ewwel porzjon ta' EUR 100 000 000 tħallas fid-29 ta' Ġunju 2000. It-tieni porzjon ta' EUR 50 000 000 tħallas fis-17 ta' Lulju 2003.

#### 4.2.4.3. BII-B IV 3 — 3. Effett fuq il-baġit

Mid-dħul fis-seħħ tar-Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjoni esterna (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), kull nuqqas ta' ħlas ta' dejn huwa kopert minn dan il-Fond sal-limitu tal-ammont disponibbli.

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal:

- pagament annwali wieħed lill-Fond jew aktarx eċċezjonalment mill-Fond, biex iżomm l-ammont fil-mira ta' 9 % tal-operazzjonijiet garantiti,
- l-attivazzjoni tal-garanzija tal-baġit jekk id-debitur jonqos li jħallas id-dejn.

Mill-1 ta' Jannar 2007, is-self mal-Bulgarija u r-Rumanija ma jibqgħux azzjonijiet esterni (ara r-Regolament (KE, Euratom) Nru 2273/2004 (ĠU L 396, 31.12.2004, p. 28); u għalhekk huma koperti direttament mill-baġit ġenerali u mhux aktar mill-Fond.

### 4.2.5. BII-B V — V. GARANZIJA TAL- UNJONI EWROPEA GĦALL-PROGRAMMI TA' SELF KONTRATTATI MILL- UNJONI SABIEX JIPPROVDU ASSISTENZA FINANZJARJA GĦALL-PAJJIŻI TAL-COMMONWEALTH TAL-ISTATI INDIPENDENTI U L-MONGOLJA

#### 4.2.5.1. BII-B V 1 — 1. Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/787/KE tas-17 ta'Ġunju 1997, li tipprovdi għal assistenza finanzjarja eċċezzjonali lill-Armenja u l-Ġeorġja (ĠU L 322, 25.11.1997, p. 37).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/592/KE tal-15 ta' Ottubru 1998, li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja supplementari lill-Ukraina (ĠU L

284, 28.10.1998, p. 45).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/244/E tal-20 ta’ Marzu 2000 li temenda d-Deċiżjoni 97/787/KE li tipprovdi għal assistenza finanzjarja eċċezzjonali lill-Armenja u l-Ġeorġja biex tiġi estiża lit-Taġikistan (ĠU L 77, 28.3.2000, p. 11).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/890/KE tat-30 ta’ Novembru 2009 li tipprovdi l-għajnuna makro-finanzjarja lill-Armenja (ĠU L 320, 5.12.2009, p. 3).

### 4.2.5.2. BII-B V 2 — 2. Deskrizzjoni

Fis-17 ta' Novembru 1997, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Unjoni Ewropea għal operazzjoni ta' teħid u għoti b'self eċċezzjonali lill-Ġeorġja u lill-Armenja (self lill-Ġeorġja b'ammont massimu ta' EUR 142 000 000 bħala kapital u self lill-Armenja ta' EUR 28 000 000), b'tul ta' żmien massimu ta' 15-il sena.

L-ewwel porzjon ta' EUR  110 000 000 tħallas kollu lura lill-Ġeorġja fl-24 ta' Lulju 1998. It-tieni porzjon mhux se jsir aktar.

Fil-15 ta' Ottubru 1998, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Unjoni Ewropea għat-tielet operazzjoni ta' teħid u għoti b'self għall-Ukraina (UKRAINA III). Is-self kien inizjalment ta’ ammont massimu ta’ EUR 150 000 000 bħala kapital b'dewmien massimu ta’ 10 snin. L-ewwel porzjon ta' EUR 58 000 000 tħallas fid-30 ta' Lulju 1999. It-tqassim tal-bilanċ skont id-Deċiżjoni 2002/639/KE li tipprovdi għajnuna macro-finanzjarja supplementari lill-Ukrajna (ĠU L 209, 6.8.2002, p. 22) ta’ EUR 110 000 000 ma għadux ippjanat aktar.

Fl-20 ta' Marzu 2000, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Unjoni Ewropea għat-tielet operazzjoni ta' teħid u għoti b'self għat-Taġikistan. Is-self huwa tal-ammont massimu ta' EUR 75 000 000 bħala kapital b'dewmien massimu ta' 15-il sena. Is-self ta' EUR 60 000 000 tħallas fl-2001. It-tieni porzjon mhux se jsir aktar.

FIT-30 TA' Novembru 2007, il-Kunsill iddeċieda li jagħti lill-Unjoni Ewropea garanzija għal operazzjoni ta' teħid u għoti b'self għall-Armenja fix-xorta ta' għoti b'self fuq żmien twil għal ammont massimu ta' EUR 65 000 000 fi prinċipal għal żmien massimu ta' ħmistax-il sena. L-ewwel parti ta' EUR 26 000 000 tħallset fl-2011.

### 4.2.5.3. BII-B V 3 — 3. Effett fuq il-baġit

Mid-dħul fis-seħħ tar-Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjoni esterna (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), kull nuqqas ta' ħlas ta' dejn huwa kopert minn dan il-Fond sal-limitu tal-ammont disponibbli.

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal:

— pagament annwali wieħed lill-Fond jew aktarx eċċezjonalment mill-Fond, biex iżomm l-ammont fil-mira ta' 9 % tal-operazzjonijiet garantiti,

— l-attivazzjoni tal-garanzija tal-baġit jekk id-debitur jonqos li jħallas id-dejn.

## 4.2.6. BII-B VI — VI. GARANZIJA TAL- UNJONI EWROPEA GĦALL-PROGRAMMI TA' SELF KONTRATTATI MILL- UNJONI SABIEX JIPPROVDU ASSISTENZA FINANZJARJA GĦALL-PAJJIŻI TAL-PUNENT TAL-BALKANI

### 4.2.6.1. BII-B VI 1 — 1. Bażi ġuridika

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/471/KE tat-22 ta’ Lulju 1997, li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lildik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (ĠU L 200, 29.7.1997, p. 59).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/325/KE tal-10 ta' Mejju 1999, li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lill-Bosnja-Ħerzegovina (ĠU L 123 13.5.1999, p. 57).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/733/KE tat-8 ta' Novembru 1999, li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja supplementari lildik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (ĠU L 294, 16.11.1999, p. 31).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/549/KE tas-16 ta’ Lulju 2001, li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (ĠU L 197, 21.7.2001, p. 38).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/882/KE tal-5 ta’ Novembru 2002, li tipprovdi aktar assistenza makrofinanzjarja lir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (ĠU L 308, 9.11.2002, p. 25).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/883/KE tal-5 ta’ Novembru 2002, li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lill-Bosnja-Ħerzegovina (ĠU L 308, 9.11.2002, p. 28).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/580/KE tad-29 ta' April 2004, li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lill-Albanija (ĠU L 261, 6.8.2004, p. 116).

Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/784/EC tat- 2 ta’ Ottubru 2008 li tistabbilixxi passiv separat ta’ Montenegro u tnaqqas proporzjonalment il-passiv tas-Serbja fir-rigward ta’ self fit-tul mogħti mill-Komunità lill-Unjoni ta’ l-Istati tas-Serbja u l-Montenegro (dik li kienet ir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja) skont id-Deċiżjonijiet 2001/594/KE u 2002/882/KE (ĠU L 269, 10.10.2008, p. 8).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/891/KE tat-30 ta’ Novembru 2009 li tipprovdi għajnuna makrofinanzjarja lill-Bożnija u Ħerzegovina (ĠU L 320, 5.12.2009, p. 6).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/892/KE tat-30 ta’ Novembru 2009 li tipprovdi għajnuna makrofinanzjarja lis-Serbja (ĠU L 320, 5.12.2009, p. 9).

## 4.2.6.2. BII-B VI 2 — 2. Deskrizzjoni

Fit-22 ta' Lulju 1997, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Unjoni Ewropea għal operazzjoni ta' teħid u għoti b'self lildik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (FYROM I).

Is-self huwa ta' ammont massimu ta' EUR 40 000 000 bħala kapital għal tul ta' żmien ta' 15-il sena.

L-ewwel porzjoni ta' EUR 25 000 000, għal ammont massimu ta' 15-il sena, tħallset lildik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja fit-30 ta' Settembru 1997. Se titħallas lura f'ħames rati annwali li jibdew mill-11-il sena.

It-tieni porzjoni ta' EUR 15 000 000 tħallset fit-13 ta' Frar 1998. Se titħallas lura f'ħames rati annwali li jibdew mill-11-il sena.

Fl-10 ta' Mejju 1999, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Unjoni Ewropea għal operazzjoni ta' teħid u għoti b'self għall-Bosnja-Ħerzegovina fil-forma ta' self fit-tul għal ammont massimu ta' EUR 20 000 000 f'kapital għal mhux aktar minn 15-il sena (BOSNJA I).

L-ewwel porzjon ta' EUR 10 000 000, għal mhux aktar minn 15-il sena, tħallas lill-Bosnja-Ħerzegovina fil-21 ta' Diċembru 1999. It-tieni porzjon ta' EUR 10 000 000 tħallas fl-2001.

Fit-8 ta' Novembru 1999, il-Kunsill reġa' ddeċieda li jagħti garanzija tal-Unjoni Ewropea għal operazzjoni ta' teħid u għoti b'self għaldik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja fil-forma ta' self fit-tul għal ammont massimu ta' EUR 50 000 000 f'kapital għal mhux aktar minn 15-il sena (FYROM II).

L-ewwel porzjon ta' EUR 10 000 000, għal mhux aktar minn 15-il sena, tħallas lildik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja f'Jannar 2001, it-tieni porzjon ta' EUR 12 000 000 f'Jannar 2002, it-tielet porzjon ta' EUR 10 000 000 f'Ġunju 2003 u r-raba' porzjon ta' EUR 18 000 000 f'Diċembru 2003.

Fis-16 ta' Lulju 2001, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Unjoni Ewropea għal operazzjoni ta' teħid u għoti b'self għar-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (SERBJA U MONTENEGRO I) fil-forma ta' self fit-tul ta' ammont massimu ta' EUR 225 000 000 f'kapital għal mhux aktar minn 15-il sena. Is-self tħallas f'porzjoni wieħed f'Ottubru 2001.

Fil-5 ta' Novembru 202, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Unjoni Ewropea għal operazzjoni ta' teħid u għoti b'self għall-Bosnja-Ħerzegovina fil-forma ta' self fit-tul għal ammont massimu ta' EUR 20 000 000 f'kapital għal mhux aktar minn 15-il sena (BOSNJA II).

L-ewwel porzjon ta' EUR 10 000 000, għal mhux aktar minn 15-il sena, tħallas lill-Bosnja-Ħerzegovina fl-2004 u t-tieni porzjon ta' EUR 10 000 000 fl-2006.

Fil-5 ta' Novembru 2002, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Unjoni Ewropea għal operazzjoni ta' teħid u għoti b'self għas-Serbja u Montenegro (SERBJA U MONTENEGRO II) fil-forma ta' self fit-tul għal ammont massimu ta' EUR 55 000 000 f'kapital għal mhux aktar minn 15-il sena.

L-ewwel porzjon ta' EUR 10 000 000 u t-tieni porzjon ta' EUR 30 000 000, għal mhux aktar minn 15-il sena, tħallsu lis-Serbja u Montenegro fl-2003 u t-tielet porzjon ta' EUR 15 000 000 tħallas fl-2005.

Is-self lill-Albanija ta' EUR 9 000 000, għal tul massimu ta' ħmistax-il sena, tħallas fis-sħuġija tiegħu fl-2006.

Fit-30 ta' Novembru 2009, il-Kunsill iddeċieda li jagħti lill-Unjoni Ewropea garanzija għal operazzjoni ta' teħid u għoti b'self għas-Serbja fix-xorta ta' għoti b'self fuq żmien twil għal ammont massimu ta' EUR 200 000 000 fi prinċipal għal żmien massimu ta' tmien

snin. L-ewwel parti ta' EUR 100 000 000 tħallset fl-2011.

### 4.2.6.3. BII-B VI 3 — 3. Effett fuq il-baġit

Mid-dħul fis-seħħ tar-Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjoni esterna (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), kull nuqqas ta' ħlas ta' dejn huwa kopert minn dan il-Fond sal-limitu tal-ammont disponibbli.

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal:

— pagament annwali wieħed lill-Fond jew aktarx eċċezjonalment mill-Fond, biex iżomm l-ammont fil-mira ta' 9 % tal-operazzjonijiet garantiti,

— l-attivazzjoni tal-garanzija tal-baġit jekk id-debitur jonqos li jħallas id-dejn.

## 4.2.7. BII-B VII — VII. GARANZIJA TAL- UNJONI EWROPEA GĦAL SELF TAL-EURATOM SABIEX ITEJJEB IL-LIVELL TA' EFFIĊJENZA U SIKUREZZA TA' POWER STATIONS NUKLEARI FIL-PAJJIŻI TAL-EWROPA ĊENTRALI U TAL-LVANT U TAL-COMMONWEALTH TAL-ISTATI INDIPENDENTI

### 4.2.7.1. BII-B VII 1 — 1. Bażi ġuridika

Deċiżjoni tal-Kunsill 77/270/Euratom tad-29 ta' Marzu 1977 li tagħti l-jedd lill-Kummissjoni li toħroġ self ta' l-Euratom sabiex tikkontribwixxi għall-finanzjament ta' power stations nuklejari (ĠU L 88, 6.4.1977, p. 9).

### 4.2.7.2. BII-B VII 2 — 2. Deskrizzjoni

Skont id-Deċiżjoni 94/179/Euratom (ĠU L 84, 29.3.1994, p. 41), l-Unjoni Ewropea testendi l-ambitu tas-self Euratom taħt id-Deċiżjoni 77/270/Euratom għat-titjib tal-grad ta' effiċjenza u sikurezza tal-power stations nukleari fil-pajjiżi tal-Ewropa ċentrali u tal-Lvant u tal-Commonwealth tal-Istati Indipendenti.

L-ammont massimu ta' self Euratom għall-Istati Membri u pajjiżi terzi jibqa' stabbli għal EUR 4 000 000 000.

Fl-2000 il-Kummissjoni ddeċidiet dwar self għal Kozludoy fil-Bulgarija (EUR 212 500 000) u l-aħħar pagament kien fl-2006 Fl-2000 il-Kummissjoni ħarġet self lil K2R4 fl-Ukrajjna iżda naqqset l-ammont tas-self għall-ekwivalent EUR ta' USD 83 000 000 fl-2004. K2R4 ingħata self ta' EUR 39 000 000 (l-ewwel parti) fl-2007, USD 22 000 000 fl-2008, u USD 10 335 000 fl-2009 skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-2004. Fl-2004 il-Kummissjoni ddeċidiet dwar self għal Cernavodă fir-Rumanija (EUR 223 500 000). L-ewwel pagament ta' EUR 100 000 000 u t-tieni wieħed ta' EUR 90 000 000 inħarġu fl-2005 u l-aħħar wieħed ta' EUR 33 500 000 fl-2006.

### 4.2.7.3. BII-B VII 3 — 3. Effett fuq il-baġit

Mid-dħul fis-seħħ tar-Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjoni esterna (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), kull nuqqas ta' ħlas ta' dejn huwa kopert minn dan il-Fond sal-limitu tal-ammont disponibbli.

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal:

— pagament annwali wieħed lill-Fond jew aktarx eċċezjonalment mill-Fond, biex iżomm l-ammont fil-mira ta' 9 % tal-operazzjonijiet garantiti,

— l-attivazzjoni tal-garanzija tal-baġit jekk id-debitur jonqos li jħallas id-dejn.

Mill-1 ta' Jannar 2007, is-self mal-Bulgarija u r-Rumanija ma jibqgħux azzjonijiet esterni (ara r-Regolament (KE, Euratom) Nru 2273/2004 (ĠU L 396, 31.12.2004, p. 28); u għalhekk huma koperti direttament mill-baġit ġenerali u mhux aktar mill-Fond.

## 4.2.8. BII-B VIII — VIII. GARANZIJA TAL-UNJONI GĦAL SELF MILL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT LILL-PAJJIŻI MEDITERRANJI

### 4.2.8.1. BII-B VIII 1 — 1. Bażi ġuridika

Uħud mill-pajjiżi inklużi fil-bażijiet ġuridiċi ta' hawn taħt illum huma Stati Membri jew jitqiesu bħala pajjiżi kandidati għall-adeżjoni. Barra minn hekk, l-ismijiet tal-pajjiżi setgħu nbiddlu wara l-adozzjoni tal-bażijiet ġuridiċi tagħhom.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Marzu 1977 (Protokolli Mediterranji).

Ir-Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1278/80 tat-23 ta' Mejju 1980 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll temporanju bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Soċjalista Federali tal-Jugoslavja dwar l-implimentazzjoni bil-quddiem tat-2 Protokolli għall-Ftehim ta' Kooperazzjoni. (ĠU L 130, 27.5.80, p. 98).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 1982 (aktar assistenza eċċezzjonali għar-rikostruzzjoni tal-Libanu).

Ir-Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3183/82 tat-22 ta' Novembru 1982 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll ta' assistenza finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija (ĠU L 337, 29.11.1982, p. 43).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-9 ta'Ottubru 1984 (self lil hinn mill-Protokoll "Jugoslavja").

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/604/KEE tal-21 ta' Diċembru 1987 li tikkonċerna l-konklużjoni tat-Tieni Protokoll dwar kooperazzjoni finanzjarja bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Federali Soċjalista tal-Jugoslavja (ĠU L 389 31.12.1987, p.65).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 88/33/KEE tal-21 ta' Diċembru 1987 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Libaniża (ĠU L 22, 27.1.1988, p. 25).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 88/34/KEE tal-21 ta' Diċembru 1987 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija (ĠU L 22, 27.1.1988, p. 33).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 88/453/KEE tat-30 ta' Ġunju 1988 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tal-Marokk (ĠU L 224, 13.8.1988, p. 32).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/44/KEE tad-19 ta' Diċembru 1991 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tat-Tuneżija (ĠU L 18, 25.1.1992, p. 34).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/207/KEE tas-16 ta' Marzu 1992 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu (ĠU L 94, 8.4.1992, p. 21).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/208/KEE tas-16 ta' Marzu 1992 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan (ĠU L 94, 8.4.1992, p. 29).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/209/KEE tas-16 ta' Marzu 1992 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Libaniża (ĠU L 94, 8.4.1992, p. 37).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/210/KEE tas-16 ta' Marzu 1992 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Istat tal-Iżrael (ĠU L 94, 8.4.1992, p. 45).

Ir-Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1763/92 tad-29 ta' Ġunju 1992 li jikkonċerna l-kooperazzjoni finanzjarja fir-rigward tal-pajjiżi Mediterranji kollha li mhumiex membri (ĠU L 181, 1.7.1992, p. 5), imħassar bir-Regolament (KE) Nru 1488/96 (ĠU L 189, 30.7.1996, p. 1)

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/548/KEE tas-16 ta' Novembru 1992 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tal-Marokk (ĠU L 352, 2.12.1992, p. 13).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/549/KEE tas-16 ta' Novembru 1992 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija tas-Sirja (ĠU L 352, 2.12.1992, p. 21).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/408/KEE tad-19 ta' Lulju 1993 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll dwar Kooperazzjoni finanzjarja bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tas-Slovenja (ĠU L 189, 29.7.1993, p. 152).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/67/KE tal-24 ta' Jannar 1994 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll dwar Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija Sirjana (ĠU L 32, 5.2.1992, p. 44).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/484/KEE tat-30 ta' Ottubru 1995 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll ta' Kooperazzjoni finanzjarja u teknika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Malta (ĠU L 278, 21.11.1995, p. 14).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/485/KEE tat-30 ta' Ottubru 1995 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll ta' Kooperazzjoni finanzjarja u teknika

bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Ċipru (ĠU L 278, 21.11.1995, p. 22).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/256/KE tal-14 ta' April 1997 li tagħti garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investiment għat-telf fis-self għal proġetti 'l barra mill-Komunità (pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, pajjiżi Mediterranji, pajjiżi tal-Amerika Latina u tal-Ażja, l-Afrika ta' Isfel, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-Bosnja u Ħerzegovina) (ĠU L 102, 19.4.1997, p. 33).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/786/KE tad-29 ta' Novembru 1999 li permezz tagħha l-Komunità tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) għal telf minn self għal proġetti għar-rikostruzzjoni ta' dawk l-inħawi tat-Turkija milquta mit-terremoti (ĠU L 308, 3.12.1999, p. 35).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/24/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 li tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investiment għal telf minn self li jingħata għal proġetti barra mill-Komunità (l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, pajjiżi Mediterranji, dawk tal-Amerika Latina u l-Ażja, kif ukoll ir-Repubblika tal-Afrika ta' Isfel) (ĠU L 9, 13.1.2000, p. 24).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/788/KE tal-4 ta' Diċembru 2000 li temenda d-Deċizjoni 2000/24/KE biex ikun stabbilit programm speċjali ta' azzjoni tal-Bank Ewropew tal-Investiment b'appoġġ għall-konsolidazzjoni u l-intensifikazzjoni tal-unjoni doganali KE-Turkija (ĠU L 314 , 14.12.2000, p. 27).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/47/KE tat-22 ta' Diċembru 2004 li temenda d-Deċiżjoni 2000/24/KE biex jittieħed in kunsiderazzjoni t-tkabbir tal-Unjoni Ewropea u l-Politika Ewropea tal-Viċinat (ĠU L 159M , 13.6.2006, p. 66).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/1016/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 li tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self u garanziji fuq self li jingħata għal proġetti barra mill-Komunità (ĠU L 200M , 1.8.2007, p. 740), sostitwita mid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 190, 22.7.2009, p. 1).

Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 25 ta' Ottubru 2011 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti 'l barra mill-Unjoni (ĠU L 280, 27.10.2011, p. 1).

### 4.2.8.2. BII-B VIII 2 — 2. Garanzija tal-baġit ġenerali

Skont it-termini tad-Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq tat-8 ta' Marzu 1977, l-Unjoni Ewropea tiggarantixxi self li għandu jingħata mill-Bank Ewropew tal-Investiment bħala parti mill-impenn finanzjarju tal-Unjoni Ewropea għall-pajjiżi tal-Mediterran.

Din id-Deċiżjoni kienet il-bażi għall-kuntratt ta' garanzija ffirmat mill-Komunità Ekonomika Ewropea u mill-Bank Ewropew tal-Investiment fit-30 ta' Ottubru 1978 fi Brussell u fl-10 ta' Novembru 1978 fil-Lussemburgu li jintroduċi garanzija globali ta' 75 % tal-approprjazzjonijiet kollha disponibbli għas-self fil-pajjiżi li ġejjin: Malta, it-Tuneżija, l-Alġerija, il-Marokk, il-Portugall, (Protokoll Finanzjarju, għajnuna ta' emerġenza), it-Turkija, Ċipru, l-Eġittu, il-Ġordan, is-Sirja, Iżrael, il-Greċja, l-*ex* Jugoslavja u l-Libanu.

Il-kuntratt ta' garanzija huwa estiż għal kull Protokoll Finanzjarju ġdid.

Id-Deċiżjoni 97/256/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment iffirmat fi Brussell fil-25 ta' Lulju 1997 u fil-Lussemburgu fid-29 ta' Lulju 1997 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 70 % tal-ammont aggregat tal-approprjazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni 1999/786/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment iffirmat fi Brussell fit-18 ta' April 2000 u fil-Lussemburgu fit-23 ta' Mejju 2000 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-approprjazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni 2000/24/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l- Bank Ewropew tal-Investiment iffirmat fi Brussell fid-19 ta' Lulju 2000 u fil-Lussemburgu fl-24 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-approprjazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni 2005/47/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija ddikjarat mill-ġdid u emendat bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment iffirmat fi Brussell fit-30 ta' Awissu 2005 u fil-Lussemburgu fit-2 ta' Settembru 2005 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-approprjazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni 2006/1016/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank ta' Investiment Ewropew iffirmat fil-Lussemburgu fl-1 ta' Awissu 2007 u fi Brussell fid-29 ta' Awissu 2007 li jistabilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żbursati u garanziji pprovduti fir-rigward ta' Operazzjonijiet ta' Ffinanzjar tal-EIB bit-tnaqqis tal-ammonti rimburżati, b'żjieda tas-somma kollha relatata. sostitwita mid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE, li daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Ottubru 2011, żiedet l-ammont aggregat ta' krediti sbursati u garanziji provduti taħt l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BIE minn EUR 25 800 000 000 għal EUR 29 484 000 000 (EUR 2 000 000 000 għall-finanzjament ta' operazzjonijiet ta' tibdil fil-klima u EUR 1 684 000 000 għat-titjib ta' operazzjonijiet ta' riskju tal-BIE).

## 4.2.8.3. BII-B VIII 3 — 3. Deskrizzjoni

Skont il-Protokolli Finanzjarji konklużi ma' pajjiżi terzi tal-Mediterran, l-ammonti globali huma mniżżla għal self li jingħata mill-Bank Ewropew tal-Investiment mill-fondi tiegħu stess. Il-Bank Ewropew tal-Investiment jagħti self għal għanijiet li jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-pajjiżi in kwistjoni (infrastrutturi tat-trasport, portijiet, provvista tal-ilma, produzzjoni u distribuzzjoni tal-enerġija, proġetti agrikoli u promozzjoni ta' impriżi ta' daqs żgħir jew medju).

Fl-14 ta' April 1997, il-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni u wara li kkonsulta l-Parlament Ewropew, iddeċieda li jġedded il-garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investiment għal self għal proġetti fil-pajjiżi tal-Mediterran li ġejjin: l-Alġerija, Ċipru, l-Eġittu, Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, Malta, il-Marokk, is-Sirja, it-Tuneżija, it-Turkija, Gaża u x-Xatt tal-Punent. Il-garanzija hija ristretta għal 70 % tal-ammont aggregat tal-approprjazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom relatati kollha. Il-limitu totali tal-approprjazzjonijiet disponibbli huwa ekwivalenti għal EUR 7 105 000 000, li minnhom EUR 2 310 000 000 huma għall-pajjiżi tal-Mediterran imsemmija hawn fuq. Din kienet tkopri perjodu ta' tliet snin li jibda mill-31 ta’ Jannar 1997 (b’estensjoni possibbli ta’ sitt xhur).

Il-Bank Ewropew tal-Investiment huwa mistieden li jimmira li jkopri r-riskju kummerċjali fuq 25 % tas-self tiegħu mill-garanziji mhux sovrani.

Il-Kunsill iddeċieda fid-29 ta' Novembru 1999 li jagħti garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investiment għal telf mis-self għal proġetti għar-rikostruzzjoni ta' żoni fit-Turkija milquta mit-terremot. Il-garanzija hija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-approprjazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom relatati kollha. Il-limitu totali ta' approprjazzjonijiet disponibbli huwa ekwivalenti għal EUR 600 000 000 u kien ikopri perjodu ta' tliet snin li jibda mid-29 ta' Novembru 1999 (b’estensjoni possibbli ta’ sitt xhur).

Il-Bank Ewropew tal-Investiment huwa mistieden li jimmira li jkopri r-riskju kummerċjali fuq 30 % tas-self tiegħu mill-garanziji mhux sovrani. Dan il-perċentwal għandu jiżdied meta jkun possibbli, sakemm jippermetti s-suq.

Fit-22 ta' Diċembru 1999, fuq il-bażi ta' proposta tal-Kummissjoni u wara li kkonsulta l-Parlament Ewropew, il-Kunsill iddeċieda għal darba oħra li jagħti lill-Bank Ewropew tal-Investiment il-garanzija tal-Komunità għal telf li jirriżulta minn self għal proġetti mwettqa fil-pajjiżi tal-Mediterran li ġejjin: l-Alġerija, Ċipru, l-Eġittu, Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, Malta, il-Marokk, is-Sirja, it-Tuneżija, it-Turkija, Gaża u x-Xatt tal-Punent. Il-limitu totali ta' approprjazzjonijiet disponibbli għall-pajjiżi kollha skont id-Deċiżjoni 2000/24/KE huwa ekwivalenti għal EUR 19 460 000 000. Il-garanzija hija limitata għal 65 % tal-valur totali tal-approprjazzjonijiet disponibbli flimkien mal-ammonti kollha relatati. Hija tkopri perjodu ta' seba’ snin mill-1 ta' Frar 2000 sal-31 ta' Jannar 2007. Billi fi tmiem dan il-perjodu, is-self mogħti mill-Bank Ewropew tal-Investiment ma kienx laħaq l-ammonti totali msemmija hawn fuq, il-perjodu ġie awtomatikament estiż b'sitt xhur.

Fl-4 ta' Diċembru 2000, il-Kunsill iddeċieda li jistabbilixxi programm ta' azzjoni speċjali tal-Bank Ewropew tal-Investiment bħala appoġġ għall-konsolidament u l-intensifikazzjoni tal-unjoni doganali KE-Turkija. Il-valur ta' dak is-self huwa limitat għal limitu totali ta' EUR 450 000 000.

Id-Deċiżjoni 2005/47/KE rristrutturat il-mandat reġjonali Mediterranju biex teskludi lil Ċipru, Malta u t-Turkija li kienu inklużi fil-mandat tal-Viċinat tax-Xlokk.

Id-Deċiżjoni 2006/1016/KE tagħti garanzija tal-Komunità lill-BEI f'każ ta' telf minn self u garanziji fuq self għal proġetti mwettqa barra mill-Komunità għal self fil-pajjiżi tal-Mediterran li ġejjin: l-Alġerija, l-Eġittu, ix-Xatt tal-Punent u Gaża, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, il-Libja (l-eliġibbilità għandha tkun deċiża mill-Kunsill), il-Marokk, is-Sirja, it-Tuneżija. Il-limitu totali ta' approprjazzjonijiet disponibbli għall-pajjiżi kollha skont id-Deċiżjoni 2006/1016/KE huwa ekwivalenti għal EUR 27 800 000 000 u jkopri perjodu li jibda mill-1 ta' Frar 2007 u jintemm fil-31 ta' Diċembru 2013 b'estensjoni possibbli ta’ sitt xhur. Il-garanzija Komunitarja hi limitata għal 65 %.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/1016/KE ġiet sostitwita mid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE, li daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Ottubru 2011, żiedet l-ammont aggregat ta' krediti sbursati u garanziji provduti taħt l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BIE minn EUR 25 800 000 000 għal EUR 29 484 000 000 (EUR 2 000 000 000 għall-finanzjament ta' operazzjonijiet ta' tibdil fil-klima u EUR 1 684 000 000 għat-titjib ta' operazzjonijiet ta' riskju tal-BIE).

## 4.2.8.4. BII-B VIII 4 — 4. Effett fuq il-baġit

Mid-dħul fis-seħħ tar-Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjoni esterna (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), kull nuqqas ta' ħlas ta' dejn huwa kopert minn dan il-Fond sal-limitu tal-ammont disponibbli.

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal:

— pagament annwali wieħed lill-Fond jew aktarx eċċezjonalment mill-Fond, biex iżomm l-ammont fil-mira ta' 9 % tal-

operazzjonijiet garantiti,

- l-attivazzjoni tal-garanzija tal-baġit jekk id-debitur jonqos li jħallas id-dejn.
- l-għoti, f'serje ta' każijiet, ta' sussidji fuq ir-rata tal-interessi ta' 2 % f'għajnuna li ma titħallasx lura, suġġetta għall-ammonti totali stabbiliti mill-Protokolli Finanzjarji.

Self mal-Istati Membri l-ġodda ma jibqgħux azzjonijiet esterni (ara r-Regolament (KE, Euratom) Nru 2273/2004 (ĠU L 396, 31.12.2004, p. 28)); u għalhekk huma koperti direttament mill-baġit ġenerali u mhux aktar mill-Fond.

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE, li daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Ottubru 2011, żiedet l-ammont aggregat ta' krediti sbursati u garanziji provduti taħt l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BIE minn EUR 25 800 000 000 għal EUR 29 484 000 000 (EUR 2 000 000 000 għall-finanzjament ta' operazzjonijiet ta' tibdil fil-klima u EUR 1 684 000 000 għat-titjib ta' operazzjonijiet ta' riskju tal-BIE).

## 4.2.9. BII-B IX — IX. GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAL SELF MOGĦTI MILL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT F' PAJJIŻI TERZI TAL-EWROPA ĊENTRALI U TAL-LVANT U TAL-PUNENT TAL-BALKANI

### 4.2.9.1. BII-B IX 1 — 1. Bażi ġuridika

Uħud mill-pajjiżi inklużi fil-bażijiet ġuridiċi ta' hawn taħt illum huma Stati Membri jew jitqiesu bħala pajjiżi kandidati għall-adeżjoni. Barra minn hekk, l-ismijiet tal-pajjiżi setgħu nbiddlu wara l-adozzjoni tal-bażijiet ġuridiċi tagħhom.

Id-Deċiżjoni tad-29 ta' Novembru 1989 mill-Bord tal-Gvernaturi tal-Bank Ewropew tal-Investiment li tikkonċerna l-operazzjonijiet tal-Bank fl-Ungerija u l-Polonja.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/62/KEE tat-12 ta' Frar 1990 skont liema l-Komunità tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investiment għal telf minn self għal proġetti fl-Ungerija u l-Polonja (ĠU L 42, 16.2.1990, p. 68).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 91/252/KEE tal-14 ta' Mejju 1991 li testendi għaċ-Ċekoslovakkja, il-Bulgarija u r-Rumanija d-Deċiżjoni 90/62/KEE li tagħti garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investiment għat-telf fis-self għal proġetti fl-Ungerija u l-Polonja (ĠU L 123, 18.5.1991, p. 44).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/166/KEE tal-15 ta' Marzu 1993 li tagħti garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investiment għat-telf fis-self għal proġetti ta' investiment imwettqa fl-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja (ĠU L 69, 20.3.1993, p. 42).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/696/KE tat-13 ta' Diċembru 1993 skont liema l-Komunità tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investiment għal telf minn self għal proġetti f'pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant (il-Polonja, l-Ungerija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika Slovakka, ir-Rumanija, il-Bulgarija, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Albanija) (ĠU L 321, 23.12.1993, p. 27).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/256/KE tal-14 ta' April 1997 li tagħti garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investiment għat-telf fis-self għal proġetti 'l barra mill-Komunità (pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, pajjiżi tal-Mediterran, pajjiżi tal-Amerika Latina u tal-Ażja, l-Afrika ta' Isfel, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-Bosnja u Ħerzegovina) (ĠU L 102, 19.4.1997, p. 33).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/348/KE tad-19 ta' Mejju 1998 li tagħti garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investiment għat-telf fis-self għal proġetti fdik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (ĠU L 155, 29.5.1998, p. 53).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/729/KE tal-14 ta' Diċembru 1998 li temenda d-Deċiżjoni 97/256/KE sabiex testendi l-garanzija Komunitarja mogħtija lill-Bank Ewropew tal-Investiment biex tkopri self għal proġetti fil-Bosnja-Ħerzegovina (ĠU L 346, 22.12.1998, p. 54).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/24/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 li tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investiment għal telf minn self li jingħata għal proġetti 'l barra mill-Komunità (l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, pajjiżi Mediterranji, dawk tal-Amerika Latina u l-Ażja, kif ukoll ir-Repubblika tal-Afrika ta' Isfel) (ĠU L 9, 13.1.2000, p. 24).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/688/KE tas-7 ta' Novembru 2000 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/24/KE sabiex testendi l-garanzija tal-Komunità mogħtija lill-Bank Ewropew tal-Investiment biex tkopri s-self għal proġetti fil-Kroazja (ĠU L 285, 10.11.2000, p. 20).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/778/KE tas-6 ta' Novembru 2001 li temenda d-Deċiżjoni 2000/24/KE sabiex testendi l-garanzija Komunitarja mogħtija lill-Bank Ewropew tal-Investiment biex tkopri self għal proġetti fir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (ĠU L 292, 11.11.2001, p. 43).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/47/KE tat-22 ta' Diċembru 2004 li temenda Deċiżjoni 2000/24/KE biex tikkonsidra t-tkabbir tal-Unjoni Ewropea u l-Politika Ewropea tal-Viċinat (ĠU L 159M , 13.6.2006, p. 66).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/1016/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 li tagħti garanzija lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self u garanziji fuq self li jingħata għal proġetti barra mill-Komunità (ĠU L 200M , 1.8.2007, p. 740). Din id-Deċiżjoni ġiet sostitwita mid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 190, 22.7.2009, p. 1).

Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 25 ta' Ottubru 2011 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti 'l barra mill-Unjoni (ĠU L 280, 27.10.2011, p. 1).

## 4.2.9.2. BII-B IX 2 — 2. Garanzija tal-baġit ġenerali

Id-Deċiżjoni 90/62/KEE hija l-bażi għall-kuntratt ta' garanzija ffirmat mill-Komunità Ekonomika Ewropea u mill-Bank Ewropew tal-Investiment fl-24 ta' April 1990 fi Brussell u fl-14 ta' Mejju 1990 fil-Lussemburgu li jikkonċerna self fl-Ungerija u l-Polonja, u l-estensjoni ta' dan il-kuntratt għal self fiċ-Ċekoslovakkja, ir-Rumanija u l-Bulgarija ffirmat fil-31 ta' Lulju 1991 fi Brussell u fil-Lussemburgu.

Dan il-kuntratt ta' garanzija kien is-suġġett ta' strument iffirmat fi Brussell fid-19 ta' Jannar 1993 u fil-Lussemburgu fl-4 ta' Frar 1993 biex jibdel ir-Repubblika Federali Ċeka u Slovakka fir-Repubblika Ċeka u Repubblika Slovakka mill-1 ta' Jannar 1993.

Id-Deċiżjoni 93/696/KE hija l-bażi għall-kuntratt ta' garanzija ffirmat mill-Komunità Ekonomika Ewropea u mill-Bank Ewropew tal-Investiment fi Brussell fit-22 ta' Lulju 1994 u fil-Lussemburgu fit-12 ta' Awissu 1994.

Id-Deċiżjoni 97/256/KE hija l-bażi għall-kuntratt ta' garanzija ffirmat bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment fi Brussell fil-25 ta' Lulju 1997 u fil-Lussemburgu fid-29 ta' Lulju 1997.

Id-Deċiżjoni 98/348/KE u d-Deċiżjoni 98/729/KE huma l-bażi għall-kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment iffirmat fi Brussell fil-25 ta' Lulju 1997 u fil-Lussemburgu fid-29 ta' Lulju 1997.

Id-Deċiżjoni 2000/24/KE hija l-bażi għall-kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment iffirmat fi Brussell fid-19 ta' Lulju 2000 u fil-Lussemburgu fl-24 ta' Lulju 2000.

Id-Deċiżjoni 2005/47/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija ddikjarat mill-ġdid u emendat bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment iffirmat fi Brussell fit-30 ta' Awissu 2005 u fil-Lussemburgu fit-2 ta' Settembru 2005 li jistabbilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-approprjazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom kollha relatati.

Id-Deċiżjoni 2006/1016/KE kienet il-bażi għal kuntratt ta' garanzija bejn il-Komunità Ewropea u l-Bank ta' Investiment Ewropew iffirmat fil-Lussemburgu fl-1 ta' Awissu 2007 u fi Brussell fid-29 ta' Awissu 2007 li jistabilixxi garanzija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat ta' krediti żbursati u garanziji pprovduti fir-rigward ta' Operazzjonijiet ta' Ffinanzjar tal-EIB bit-tnaqqis tal-ammonti rimburżati, b'żjieda tas-somma kollha relatata. Din id-Deċiżjoni ġiet sostitwita mid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE, li daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Ottubru 2011, żiedet l-ammont aggregat ta' krediti sbursati u garanziji provduti taħt l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BIE minn EUR 25 800 000 000 għal EUR 29 484 000 000 (EUR 2 000 000 000 għall-finanzjament ta' operazzjonijiet ta' tibdil fil-klima u EUR 1 684 000 000 għat-titjib ta' operazzjonijiet ta' riskju tal-BIE).

## 4.2.9.3. BII-B IX 3 — 3. Deskrizzjoni

Bħala tweġiba għal sejħa magħmula mill-Kunsill fid-9 ta' Ottubru 1989, il-Bord ta' Gvernaturi tal-Bank Ewropew tal-Investiment iddeċieda fid-29 ta' Novembru 1989 li jawtorizza self mir-riżorsi tiegħu stess għall-finanzjament ta' proġetti ta' investiment fl-Ungerija u l-Polonja għal ammont totali li ma jaqbiżx l-EUR 1 000 000 000. Dan is-self huwa mogħti biex jiffinanzja proġetti ta' investiment li jissodisfaw ir-rekwiżiti normali tal-Bank għal self mir-riżorsi tiegħu.

Fl-14 ta' Mejju 1991 u fil-15 ta' Marzu 1993 l-Kunsill, waqt li aġixxa fuq proposta tal-Kummissjoni u wara li kkonsulta lill-Parlament Ewropew, iddeċieda li din il-garanzija għandha tkun estiża għal kwalunkwe self li l-Bank Ewropew tal-Investiment jista' jagħmel f'pajjiżi oħra tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant (Ċekoslovakkja, Bulgarija u Rumanija) fuq perjodu ta' sentejn għal massimu ta' EUR 700 000 000.

Fit-13 ta' Diċembru 1993 il-Kunsill, waqt li aġixxa fuq proposta tal-Kummissjoni u wara li kkonsulta lill-Parlament Ewropew, iddeċieda li jġedded għal tliet snin il-garanzija tal-Komunità għal EUR 3 000 000 000 f'self tal-Bank Ewropew tal-Investiment għal proġetti fil-Polonja, l-Ungerija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika Slovakka, ir-Rumanija, il-Bulgarija, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Albanija.

Il-garanzija tal-baġit tkopri l-aspetti kollha tas-servizz tad-dejn (ħlas lura tal-kapital, interessi, spejjeż relatati) konnessi ma' dan is-

self.

Fuq proposta mill-Kummissjoni u wara li kkonsulta lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill iddeċieda fl-14 ta' April 1997 li jġedded il-garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investiment għal self għal proġetti fl-Albanija, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, ir-Rumanija, ir-Repubblika Slovakka u s-Slovenja. Il-garanzija hija ristretta għal 70 % tal-ammont aggregat tal-approprjazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom relatati kollha. Il-limitu totali tal-approprjazzjonijiet disponibbli huwa ekwivalenti għal EUR 7 105 000 000, li minnhom EUR 3 520 000 000 huma għall-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant imsemmija hawn fuq. Ikopri perjodu ta' tliet snin li jibda mill-31 ta' Jannar 1997. Billi, mal-iskadenza ta' dan il-perjodu, is-self mogħti mill-Bank Ewropew tal-Investiment ma kienux laħqu l-ammonti globali msemmija hawn fuq, il-perjodu kien estiż awtomatikament b'sitt xhur.

Fid-19 ta' Mejju 1998, il-Kunsill iddeċieda li jagħti garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investiment għat-telf fuq self għal proġetti fdik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja. Il-garanzija hija ristretta għal 70 % tal-ammont aggregat tal-approprjazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom relatati kollha. Il-limitu totali tal-approprjazzjonijiet disponibbli huwa ekwivalenti għal EUR 150 000 000 għal perjodu ta' sentejn li jibda mill-1 ta' Jannar 1998. Billi, mal-iskadenza ta' dan il-perjodu, is-self mogħti mill-Bank Ewropew tal-Investiment ma kienx laħaq l-ammonti globali msemmija hawn fuq, il-perjodu ġie estiż awtomatikament b'sitt xhur.

Fl-14 ta' Diċembru 1998, il-Kunsill iddeċieda li jemenda d-Deċiżjoni 97/256/KE sabiex tiġi estiża l-garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investiment għal self għal proġetti fil-Bożnija u Ħerzegovina. Il-garanzija hija ristretta għal 70 % tal-ammont aggregat tal-approprjazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom relatati kollha. Il-limitu totali tal-approprjazzjonijiet disponibbli huwa ta' EUR 100 000 000 għal perjodu ta' sentejn li jibda fit-22 ta' Diċembru 1998. Billi, mal-iskadenza ta' dan il-perjodu, is-self mogħti mill-Bank Ewropew tal-Investiment ma kienx laħaq l-ammonti globali msemmija hawn fuq, il-perjodu kien estiż awtomatikament b'sitt xhur.

Il-Bank Ewropew tal-Investiment huwa mistieden li jimmira li jkopri r-riskju kummerċjali fuq 25 % tas-self tiegħu mill-garanziji mhux sovrani.

Fuq proposta tal-Kummissjoni u wara li kkonsulta lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill iddeċieda fit-22 ta' Diċembru 1999 li jġedded il-garanzija tal-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investiment għal self għal proġetti fl-Albanija, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Bosnja-Ħerzegovina, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Polonja, ir-Rumanija, ir-Repubblika Slovakka, u s-Slovenja. Il-limitu totali ta' approprjazzjonijiet disponibbli għall-pajjiżi kollha skont id-Deċiżjoni 2000/24/KE huwa ekwivalenti għal EUR 19 460 000 000. Il-garanzija hija ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-approprjazzjonijiet disponibbli, flimkien mas-somom relatati kollha. Ikopri perjodu ta’ seba’ snin li jibda mill-1 ta’ Frar 2000 u jispiċċa fil-31 ta’ Jannar 2007. Billi, mal-iskadenza ta' dan il-perjodu, is-self mogħti mill-Bank Ewropew tal-Investiment ma kienx laħaq l-ammonti globali msemmija hawn fuq, il-perjodu kien estiż awtomatikament b'sitt xhur.

Il-Bank Ewropew tal-Investiment huwa mistieden li jimmira li jkopri r-riskju kummerċjali fuq 30 % tas-self tiegħu mill-garanziji mhux sovrani. Dan il-perċentwal għandu jiżdied meta jkun possibbli, sakemm jippermetti s-suq.

Fis-7 ta' Novembru 2000, il-Kunsill iddeċieda li jestendi l-garanzija mogħtija mill-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investiment għal self għal proġetti fil-Kroazja.

Fis-6 ta' Novembru 2000, il-Kunsill iddeċieda li jestendi l-garanzija mogħtija mill-Komunità lill-Bank Ewropew tal-Investiment għal self għal proġetti fir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja.

Id-Deċiżjoni 2005/47/KE ristrutturat il-mandat reġjonali Mediterranju biex teskludi lil Ċipru, Malta u t-Turkija li kienu inklużi fil-mandat tal-Viċinat tax-Xlokk.

Id-Deċiżjoni 2006/1016/KE tagħti garanzija tal-Komunità lill-BEI f'każ ta' telf minn self u garanziji fuq self għal proġetti mwettqa barra mill-Komunità għal self fil-pajjiżi kandidati li ġejjin: il-Kroazja, it-Turkija, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-pajjiżi kandidati potenzjali: l-Albanija, il-Bosnja-Ħerzegovina, il-Montenegro, is-Serbja, il-Kosovo. Il-limitu totali ta' approprjazzjonijiet disponibbli għall-pajjiżi kollha skont id-Deċiżjoni 2006/1016/KE huwa ekwivalenti għal EUR 27 800 000 000 u jkopri perjodu li jibda mill-1 ta' Frar 2007 u jintemm fil-31 ta' Diċembru 2013 b'estensjoni possibbli ta’ sitt xhur. Il-garanzija Komunitarja hi limitata għal 65 %. Din id-Deċiżjoni ġiet sostitwita mid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE, li daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Ottubru 2011, żiedet l-ammont aggregat ta' krediti sbursati u garanziji provduti taħt l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BIE minn EUR 25 800 000 000 għal EUR 29 484 000 000 (EUR 2 000 000 000 għall-finanzjament ta' operazzjonijiet ta' tibdil fil-klima u EUR 1 684 000 000 għat-titjib ta' operazzjonijiet ta' riskju tal-BIE).

### 4.2.9.4. BII-B IX 4 — 4. Effett fuq il-baġit

Mid-dħul fis-seħħ tar-Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija

għall-azzjoni esterna (ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1), kull nuqqas ta' ħlas ta' dejn huwa kopert minn dan il-Fond sal-limitu tal-ammont disponibbli.

L-effett fuq il-baġit huwa għalhekk limitat għal:

— pagament annwali wieħed lill-Fond jew aktarx eċċezjonalment mill-Fond, biex iżomm l-ammont fil-mira ta' 9 % tal-operazzjonijiet garantiti,

— l-attivazzjoni tal-garanzija tal-baġit jekk id-debitur jonqos li jħallas id-dejn.

Self mal-Istati Membri l-ġodda ma jibqgħux azzjonijiet esterni (ara r-Regolament (KE, Euratom) Nru 2273/2004 (ĠU L 396, 31.12.2004, p.28)) u għalhekk huma koperti direttament mill-baġit ġenerali u mhux aktar mill-Fond.

Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE, li daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Ottubru 2011, żiedet l-ammont aggregat ta' krediti sbursati u garanziji provduti taħt l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BIE minn EUR 25 800 000 000 għal EUR 29 484 000 000 (EUR 2 000 000 000 għall-finanzjament ta' operazzjonijiet ta' tibdil fil-klima u EUR 1 684 000 000 għat-titjib ta' operazzjonijiet ta' riskju tal-BIE).

## 4.2.10. BII-B X — X. GARANZIJA TAL- UNJONI EWROPEA GĦALL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT GĦAL TELF FUQ SELF GĦAL PROĠETTI F'ĊERTI PAJJIŻI TA' AŻJA U TAL-AMERIKA LATINA

### 4.2.10.1.BII-B X 1 — 1. Bażi ġuridika

— il-benefiċċji ta' installazzjoni jew riinstallazzjoni li għandhom jingħataw lill-uffiċjali u ħaddiema temporanji li jkollhom jibdlu l-post ta' residenza tagħhom meta jibdew impjieg jew meta dawn imorru f'post ta' impjieg ġdid, u meta jtemmu l-impjieg u jmorru jgħixu xi mkien ieħor,

— l-ispejjeż tal-ġarr dovuti lill-uffiċjali u ħaddiema temporanji obbligati li jibdlu l-post ta' residenza tagħhom meta meta dawn jibdew impjieg jew meta dawn imorru f'post ta' impjieg ġdid, u meta jtemmu l-impjieg u jmorru jgħixu xi mkien ieħor,

— il-valur ta' kull aġġustament lis-salarji approvati mill-Kunsill matul is-sena finanzjarja.

L-ammont tad-dħul assenjat taħt l-Artikolu 18(1)(e) sa (h) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal Eur 100.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu A2 01 02 — Persunal estern barranin u spejjeż oħra ta' ġestjoni*

### Partita A2 01 02 01 — Staff estern

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 2 991 000 | 3 268 000 | 2 903 162,71 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

— ir-remunerazzjoni ta' staff b'kuntratt (fis-sens tat-Titolu IV tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg), l-iskema tal-assigurazzjoni soċjali tal-istituzzjoni li tkopri l-istaff b'kuntratt, kif deskritta fit-Titolu IV, u n-nefqa ta' koeffiċjenzi korretturi applikabbli għar-remunerazzjoni ta' staff ta' din ix-xorta,

— in-nefqa li tkun saret (salarji, assigurazzjoni eċċ.) minħabba l-ħaddiema mqabbda minn barra li jkunu jaħdmu b'kuntratt ta' liġi privata u minħabba l-impjegar ta' ħaddiema temporanji,

— In-nefqa marbuta mas-*secondment* jew assenjazzjoni temporanja lill-Uffiċċju ta' uffiċjali fis-servizzi ċivili tal-Istati Membri u ta' esperti oħra kif ukoll spejjeż supplimentari li jirriżultaw mis-*secondment* ta' uffiċjali lill-amministrazzjonijiet nazzjonali jew lill-organizzazzjonijiet internazzjonali,

— il-konsegwenzi tal-adattamenti eventwali tal-ħlas u s-sussidji li għandhom jiġu deċiżi mill-Kunsill waqt l-eżerċizzju tal-baġit,

— is-servizzi supplimentari fil-qasam tal-korezzjoni tat-testi, l-ispejjeż marbuta mal-persunal temporanju jew freelance kif ukoll l-ispejjeż amministrattivi relatati magħhom.

L-ammont tad-dħul assenjat taħt l-Artikolu 18(1)(e) sa (h) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 100.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-regoli l-għażla u l-ħlas u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 fuq ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## Partita A2 01 02 11 — Spejjeż oħra ta' ġestjoni

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 733 000 | 766 250 | 716 205,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

— in-nefqa għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar, benefiċċji għall-għajxien ta' kuljum u spejjeż anċillari jew eċċezzjonali li jkunu saru b'rabta ma' missjonijiet tal-persunal Uffiċjali u minn esperti jew uffiċjali nazzjonali jew internazzjonali li jkunu ġew *seconded*,

— ir-rimborż ta' kostijiet li ġarrbu persuni li jirrappreżentaw uffiċjalment lill-Uffiċċju (ir-rimborż ma jkunx possibbli għal spejjeż li jkunu saru fit-twettiq tad-dmirijiet tar-rappreżentanza fejn jidħol il-persunal tal-Kummissjoni jew ta' istituzzjonijiet Ewropej oħra),

— l-ispejjeż ta' vvjaġġar, ta' għixien u spejjeż anċillari ta' esperti li jkunu qed jieħdu sehem fi gruppi ta' studju u ta' ħidma, u l-ispejjeż inċidentali għall-organizzazzjoni ta' laqgħat fejn dawn ma jkunux koperti bl-infrastruttura li teżisti fil-kwartieri ġenerali tal-istituzzjonijiet jew l-uffiċċji esterni (l-esperti jitħallsu lura fuq il-bażi ta' deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Kummissjoni),

— l-ispejjeż tax-xorb, u xi kultant l-ikel, li jiġi servut matul il-laqgħat interni,

— l-ispejjeż varji marbuta ma' konferenzi, kungressi u laqgħat li jieħu sehem fihom jew li jorganizzahom l-Uffiċċju,

— l-ispejjeż marbuta ma' taħriġ bil-ħsieb li jissaħħu l-ħiliet tal-ħaddiema, u l-kapaċità u l-effiċjenzaskont il-bżonnijiet speċifiċi tal-Uffiċċju:

— tariffi għall-esperti impjegati għall-identifikazzjoni tal-ħtiġiet ta' taħriġ, it-tfassil, l-iżvilupp u t-twettiq ta' korsijiet, u l-evalwazzjoni u s-sorveljanza tar-riżultati,

— miżati ta' konsulenza f'diversi oqsma, partikolarment f'metodi ta' organizzazzjoni, ġestjoni, strateġija, kwalità u tmexxija tal-ħaddiema,

— l-ispiża biex wieħed jattendi għal taħriġ fuq barra u biex jissieħeb ma' organizzazzjonijiet professjonali rilevanti,

— in-nefqa marbuta mal-aspetti prattiċi tal-organizzazzjoni ta' dawn il-korsijiet, mal-użu tal-post, mat-trasport, mal-ispiża tal-ikel u tal-akkommodazzjoni għall-parteċipanti ta' korsijiet residenzjali,

— in-nefqa għat-taħriġ marbuta ma' pubblikazzjonijiet u tagħrif, ma' siti tal-*internet* relatati u max-xiri ta' tagħmir għat-tagħlim, mal-miżati u mal-liċenzji għal tagħlim b'distanza, ma' kotba, ma'prodotti stampati u ma' prodotti *multimedia,*

— l-iffinanzjament ta' materjal edukattiv,

— in-nefqa fuq studji u konsultazzjoni speċjalizzati li jkunu saru minn esperti kkwalifikati ħafna (individwi jew kumpanija) permezz ta' kuntratt, meta l-impjegati tal-Uffiċċju ma jkunux jistgħu jwettqu dan ix-xogħol, inkluż ix-xiri ta' studji li jkunu saru diġà,

— l-ispejjeż tal-parteċipazzjoni tal-Uffiċċju fil-Bridge Forum Dialogue.

L-ammont tad-dħul assenjat taħt l-Artikolu 18(1)(e) sa (h) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 100.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-regoli dwarl-għażla u l-ħlas u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

## *Artikolu A2 01 03 — Spejjeż ta' immobbli u spejjeż relatati*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 16 026 000 | 16 514 000 | 19 301 807,52 |

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni maħsuba biex tkopri spejjeż marbuta mal-bini tal-Uffiċċju u spejjeż oħra relatati, partikolarment:

— in-nefqa ta' xiri jew ta' kera bl-għażla ta' xiri ta' bini jew il-kostruzzjoni ta' bini,

— kera u ċens, id-diversi taxxi eċċ. li għandhom x'jaqsmu ma' għażliet ta' xiri ta' bini jew partijiet ta' bini li jkunu diġà qed jintużaw, u l-kera ta' kmamar ta' konferenzi, mħażen, kmamar għall-arkivju, garaxxijiet u faċilitajiet tal-ipparkjar,

— il-ħlas tal-primja tal-assikurazzjoni fuq il-bini jew ta' partijiet ta' bini li jintużaw mill-Uffiċċju,

— l-ispejjeż tal-konsum tal-ilma, tal-gass, tal-elettriku u tal-enerġija għat-tisħin tal-bini jew tal-partijiet ta' bini okkupati mill-Uffiċċju,

— l-ispejjeż għall-manutenzjoni tal-postijiet, tal-liftijiet, tat-tisħin ċentrali, tat-tagħmir tal-klimatizzazzjoni, eċċ.; l-ispejjeż li jirriżultaw minn operazzjonijiet ta' tindif perjodiku, inkluż ix-xiri ta' prodotti għall-manutenzjoni, għall-ħasil, għall-ħasil tal-ħwejjeġ u għad-*dry-cleaning*, eċċ. kif ukoll għal tibjid, għal tiswijiet u għal provvisti użati mill-*workshops* tal-manutenzjoni,

— in-nefqa marbuta mat-trattament selettiv, il-ħażna u t-tneħħija tal-iskart,

— xogħol ta' titjib tal-bini, eż., tibdil fit-tqassim, installazzjonijiet tekniċi u xogħol speċjalizzat ieħor ta' serraturi, ta' elettriku, ta' *plumbing*, ta' żebgħa, ta' bdil tal-art, eċċ., u l-ispejjeż marbuta mat-tibdil ta' *cabling* ta' networks, u l-infiq għal tagħmir neċessarju marbut mat-titjib tiegħu [qabel ma jiġġeddu jew jiġu konklużi kuntratti għal ammont li jeċċedi t-EUR 300 000, u bi skop li l-ispiża tiġi kkontrollata, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta mal-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, munita magħżula, indiċjar, perijodu ta' żmien, klawsoli oħra) miksuba minn kull waħda minnhom għal kuntratt simili],

— spejjeż marbuta mas-sigurtà fiżika u materjali ta' persuni u proprjetà, b'mod partikolari kuntratti għas-sorveljanza ta' bini, kuntratti għall-manutenzjoni ta' installazzjonijiet tas-sigurtà u xiri ta' oġġetti żgħar [qabel ma jiġġeddu jew jiġu konklużi kuntratti għal ammont li jeċċedi t-EUR 300 000, u bl-għan li l-ispiża tiġi kkontrollata, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħrajn dwar il-kundizzjonijiet (prezz, munita magħżula, indiċjar, perijodu ta' żmien, klawsoli oħra) miksuba minn kull waħda minnhom għal kuntratt simili],

— in-nefqa marbuta mal-indafa u s-sigurtà tal-individwi fuq il-post tax-xogħol, l-aktar ix-xiri, il-kera u l-manutenzjoni tat-tagħmir għat-tifi tan-nar, ir-rifornimment tat–tagħmir tal-uffiċjali li jagħtu l-ewwel għajnuna f'każ ta' nar u l-ispejjeż ta' spezzjonijiet mandatorji (qabel ma kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 jiġġeddu jew jintemmu, u bil-ħsieb li tkun ikkontrollata n-nefqa, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, il-valuta li tintgħażel, l-indiċjar, il-perijodu ta' żmien, klawsoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minn dawn għal kuntratt simili],

— l-ispejjeż ta' miżati ta' konsultazzjoni finanzjarja u teknika qabel l-akkwist, il-kera jew il-kostruzzjoni ta' bini,

— spejjeż oħrajn fuq il-bini, l-aktar il-miżati tal-ġestjoni tal-bini li jkun mikri lil diversi entitajiet, spejjeż ta' stħarriġ fuq il-qagħda tal-bini u spejjeż ta' utilità (taxxa fuq l-iskart, il-ġbir tal-iskart eċċ.),

— xi nfiq għall-għajnuna teknika marbuta ma' xogħolijiet ta' titjib konsiderevoli,

— ix-xiri, il-kera jew id-depożitu ta' garanzija, il-manutenzjoni, it-tiswija, l-istallazzjoni u t-tiġdid ta' tagħmir tekniku u installazzjonijiet,

— ix-xiri, il-kera, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' għamara,

— ix-xiri, il-kera, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' tagħmir ta' ġarr,

— għamliet differenti ta' assikurazzjoni (l-aktar dik tal-obbligu tat-terza parti u ta' kontra s-serq),

— in-nefqa fuq tagħmir tax-xogħol, u l-aktar:

  — ix-xiri ta' uniformijiet (l-aktar għall-messaġġiera, is-sewwieqa jew il-ħaddiema tal-forniment tal-ikel),

  — ix-xiri u t-tindif ta' ħwejjeġ tax-xogħol għan-nies li jaħdmu fil-*workshops* u għal dawk li għandhom jagħmlu xogħolijiet fejn jeħtieġu protezzjoni kontra l-maltemp jew il-kesħa, *wear and tear* mhux normali u tbajja',

  — xiri jew rimborż tal-ispiża ta' kull tagħmir li jista' jkun meħtieġ skont il-kuntest tad-Direttivi tal-Kunsill 89/391/KEE u 90/270/KEE,

— l-ispejjeż ta' ġarr, organizzazzjoni mill-ġdid u ġestjoni dipartimentali (it-twassil, il-ħażna, it-tqegħid) b'rabta ma' tagħmir, għamara u provvisti tal-uffiċċju,

— in-nefqa biex il-bini jkun mgħammar b'telekomunikazzjonijiet, l-aktar ix-xiri, il-kera, it-twaħħil u l-manutenzjoni ta' *switchboards* u distributuri tat-telefon, sistemi ta' awdjo u vidjokonferenza, telefonija interna u telefonija ċellulari, u n-nefqa fuq *netwerks* ta' dejta (tagħmir u manutenzjoni) u servizzi relatati (it-tmexxija, l-appoġġ, id-dokumentazzjoni, l-installazzjoni u t-tneħħija),

— ix-xiri, il-kera jew id-depożitu ta' garanzija, u l-manutenzjoni ta' kompjuters, terminali, servers, kompjuters żgħar, apparat periferali, tagħmir ta' konnessjoni u s-softwer tal-kompjuter meħtieġ,

— ix-xiri, il-kiri jew id-depożitu ta' garanzija u l-manutenzjoni ta' tagħmir relatat mal-preżentazzjoni tal-informazzjoni f'forma stampata eż., printers, magni tal-fax, magni tal-fotokopji, scanners u mikrokopjaturi,

— ix-xiri u l-kiri ta' jew id-depożitu ta' garanzija għal *typewriters*, *word processors* u kull tagħmir elettroniku ieħor tal-uffiċċju,

— l-installazzjoni, il-konfigurazzjoni, il-manutenzjoni, l-istudji, d-dokumentazzjoni u l-provvisti marbuta ma' dan it-tagħmir,

— in-nefqa għax-xiri ta' karti, invilops, provvisti tal-uffiċċju, eċċ.,

— l-ispejjeż ta' tariffi tal-posta u tal-konsenja postali, fuq pakketti postali u oħrajn mibgħuta bl-ajru, bil-baħar jew bil-ferrovija, u tal-posta interna tal-Uffiċċju,

— it-tariffi ta' abbonament u l-ispejjeż ta' komunikazzjoni bil-kejbil jew bir-radju (telefoni fissi u ċellulari, televiżjoni bl-internet, telekonferenzar, u vidjokonferenzar), spejjeż ta' netwerks tat-trażmissjoni tad-dejta, servizzi tal-komunikazzjoni tad-dejta, eċċ., u x-xiri tad-direttorji,

— it-twaqqif ta' links telefoniċi u tal-kompjuter u tal-linji ta' trażmissjoni internazzjonali bejn is-siti ta' uffiċċji tal-Unjoni,

— appoġġ tekniku u loġistiku, taħriġ u attivitajiet oħra ta' interess ġenerali relatati ma' tagħmir u softwer tal-kompjuter, taħriġ ġenerali tal-kompjuter, abbonamenti għal dokumentazzjoni teknika kemm f'forma stampata jew f'forma elettronika, eċċ., ħaddiema tal-operazzjoni esterni, servizzi tal-Uffiċċju, abbonamenti ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, eċċ., studji fuq assigurazzjoni tas-sigurtà u l-kwalità relatati ma' tagħmir u software tal-kompjuter, l-ispejjeż tal-użu, tal-manutenzjoni, u taż-żamma u l-iżvilupp tas-*software*, u tat-twettiq ta'proġetti ta' teknoloġija tal-informatika,

— nefqa oħra funzjonali li mhix speċifikament imniżżla hawn fuq.

Din l-approprijazzjoni ma tkoprix in-nefqa marbuta ma' ħidmiet industrijali taċ-ċentru ta' distribuzzjoni.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(e) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 50 000.

*Bażi ġuridika*

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu t-titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà għal xogħol b'tagħmir li għandu display screen (il-ħames Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu A2 01 50 — Politika u ġestjoni tal-ħaddiema*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 306 000 | 270 000 | 268 674,58 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

- l-għajnuna mill-Uffiċċju għall-ispejjeż taċ-ċentru ta' rikreazzjoni u għal attivitajiet oħra kulturali u sportivi fil-Lussemburgu, u kull inizjattiva mfassla biex tinkuraġġixxi l-kuntatt soċjali bejn il-ħaddiema ta' nazzjonalitajiet differenti,
- il-kontribuzzjoni tal-Uffiċċju għall-ispejjeż tal-faċilitajiet fejn jieħdu ħsieb it-tfal u għat-trasport tat-tfal,
- bħala parti minn politika favur nies b'diżabbiltà, għall-persuni li jkollhom diżabbiltà u li jkunu f'dawn il-kategoriji:
  - uffiċjali u ħaddiema temporanji f'impjieg attiv,
  - konjuġi ta' uffiċjali u ħaddiema temporanji f'impjieg attiv,
  - it-tfal dipendenti kollha skont it-tifsira tar-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ikopri, fil-limiti tal-ammont li jkun iddaħħal fil-baġit u wara li kull intitolament nazzjonali mogħti fil-pajjiż tar-residenza jew tal-oriġini jkun intalab, kull infiq mhux ta'natura medika li jkun meqjus meħtieġ, li jkun b'riżultat ta'xi diżabilità u li jkun iġġustifikat.

L-ammont tad-dħul assenjat taħt l-Artikolu 18(1)(e) sa (h) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq il-EUR 100.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

## *Artikolu A2 01 51 — Politika tal-infrastruttura u t-tmexxija*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 19 000 | 19 000 | 26 994,49 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

- spejjeż ta' rutina marbutin mat-tmexxija u l-konverżjoni ta' restoranti, kafetteriji u *canteens*,
- ħsarat li għandhom jinġarru mill-Uffiċċju u dawk li jkunu ġejjin minn obbligazzjonijiet ta' terza parti, u n-nefqa marbuta ma' ċerti każijiet fejn, għall-raġunijiet ta' ekwità, il-kumpens għandu jitħallas mingħajr ma jkun hemm l-ebda talba legali.

L-ammont tad-dħul assenjat taħt l-Artikolu 18(1)(e) sa (h) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq il-EUR 100.

## *Artikolu A2 01 60 — Nefqa għad-dokumentazzjoni u għal-libreriji*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 7 000 | 10 000 | 7 500,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

- il-ħlas ta' miżati għal servizzi t'aċċess għad-data; ħlas ta' miżati għall-gazzetti, rivisti speċjalizzati; ix-xiri ta' pubblikazzjonijiet u xogħlijiet tekniċi marbuta max-xogħol tal-Uffiċċju,

— Il-ħlas ta’ miżati lill-aġenziji tal-istampa (servizzi bil-wajer u bullettini ta’ stampa u tagħrif),

L-ammont tad-dħul assenjat taħt l-Artikolu 18(1)(e) sa (h) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq il-EUR 100.

## Kapitolu A2 02 — ATTIVITAJIET SPEĊIFIĊI

*Figuri*

Klassifikazzjoni skond it-tip

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| A2 02 | ATTIVITAJIET SPEĊIFIĊI | | | | | |
| ***A2 02 01*** | ***Produzzjoni*** | 5 | 1 035 000 | 1 035 000 | 2 674 243,99 | 258,38 % |
| ***A2 02 02*** | ***Ġbir f’Katalogi u Arkivjar*** | 5 | 2 213 000 | 2 578 000 | 2 249 230,17 | 101,64 % |
| ***A2 02 03*** | ***Tqassim fiżiku u Promozzjoni*** | 5 | 2 876 000 | 3 600 000 | 6 942 099,84 | 241,38 % |
| ***A2 02 04*** | ***Websajts Pubbliċi*** | 5 | 1 343 000 | 1 777 500 | 1 715 257,09 | 127,72 % |
| | **Artikolu A2 02 — Total** | | **7 467 000** | **8 990 500** | **13 580 831,09** | **181,88 %** |

### *Artikolu A2 02 01 — Produzzjoni*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 1 035 000 | 1 035 000 | 2 674 243,99 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri n-nefqa kollha relatata mal-attività ta’ ‘Produzzjoni’, inkluż:

— produzzjoni tal-pubblikazzjonijiet fil-forom kollha (karta, kopji elettroniċi), inkluż kopubblikazzjoni,

— l-istampar mill-ġdid ta’ pubblikazzjonijiet u tiswijiet ta’ żbalji li l-Uffiċċju jkun responsabbli għalihom,

— ix-xiri jew il-kiri ta' apparat u infrastruttura għar-riproduzzjoni ta' dokumenti f'kull forma, inklużi l-ispejjeż tal-karta u oġġetti konsumabbli oħra.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(e) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq EUR 1 150 000.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni 2009/496/KE/Euratom tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta’ Ġunju 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 168, 30.6.2009, p. 41).

### *Artikolu A2 02 02 — Ġbir f’Katalogi u Arkivjar*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 2 213 000 | 2 578 000 | 2 249 230,17 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa kollha marbuta mal-attivitajiet ta’ “Ġbir f’Katalogi u Arkivjar”, b’mod partikolari:

— ġbir f’katalogi, li jinkludu l-kosti tal-analiżi dokumentarja u ġudizzjarja, indiċjar, speċifikazzjoni u l-abbozzar, reġistrazzjoni tal-input u manutenzjoni,

— abbonamenti annwali ma’ aġenziji internazzjonali fil-qasam tal-ġbir f’katalogi,

— ħżin elettroniku,

— preżervazzjoni fit-tul ta' dokumenti elettroniċi u servizzi relatati, diġitalizzazzjoni.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(e) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat għal EUR 100.

*Bażi ġuridika*

Ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 1974 dwar l-awtomazzjoni tad-dokumentazzjoni legali (ĠU C 20, 28.1.1975, p. 2).

Ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 1991 dwar ir-riorganizzazzjoni tal-istrutturi tat-tħaddim tas-sistema CELEX (dokumentazzjoni awtomatizzata fuq il-liġi tal-Komunità) (ĠU C 308, 28.11.1991, p. 2).

Ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 1994 dwar it-tixrid elettroniku tal-liġi tal-Komunità u l-liġijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali u fuq il-kundizzjonijiet ta' aċċess imtejjeb (ĠU C 179, 1.7.1994, p. 3).

Id-Deċiżjoni 2009/496/KE, Euratom tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta' Ġunju 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 168, 30.6.2009, p. 41).

## *Artikolu A2 02 03 — Tqassim fiżiku u Promozzjoni*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 2 876 000 | 3 600 000 | 6 942 099,84 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa kollha marbuta mal-attivitajiet ta' "Tqassim fiżiku u promozzjoni", b'mod partikolari:

— attivitajiet ta' ħżin għall-pubblikazzjonijiet: tqegħid f'maħżen, dħul/tneħħijiet, eċċ.,

— ippakkjar u indirizzar (magni, installazzjonijiet, affarijiet konsumibbli, immaniġġjar, eċċ.),

— spejjeż ta' dispaċċ: posta, trasport, shuttles, eċċ.,

— akkwist u ġestjoni ta' listi ta' indirizzi: produzzjoni, input/kodifikar, aġġornar, eċċ.,

— promozzjoni u marketing: esibizzjonijiet, katalogi, sillabi, reklamar, studji tas-suq, eċċ.,

— informazzjoni u assistenza lill-pubbliku,

— tagħmir fil-libreriji: indiċjar bil-karti, xkaffar, għamara, unitajiet ta' katalogi, eċċ.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(e) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq EUR 3 000 000.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni 2009/496/KE, Euratom tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta' Ġunju 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 168, 30.6.2009, p. 41).

## *Artikolu A2 02 04 — Websajts Pubbliċi*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 1 343 000 | 1 777 500 | 1 715 257,09 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa kollha relatata ma' attivitajiet tal-'Websajts pubbliċi' (l-iktar il-pubblikazzjoni tal-websajts tal-EUR-Lex, EU Bookshop u Who's Who) b'mod partikolari:

— manutenzjoni u żvilupp ta' websajts pubbliċi,

— helpdesk għal min juża l-websajts.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(e) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jilħaq EUR 100.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni 2009/496/KE, Euratom tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-26 ta' Ġunju 2009 dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 168, 30.6.2009, p. 41).

# KAPITOLU A2 10 — RIŻERVI

*Figuri*

Klassifikazzjoni skond it-tip

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| A2 10 | RIŻERVI | | | | | |
| ***A2 10 01*** | ***Approprijazzjonijiet proviżorji*** | 5 | p.m. | p.m. | | |
| ***A2 10 02*** | ***Riżerva għall-kontinġenzi*** | 5 | p.m. | p.m. | | |
| | **Artikolu A2 10 — Total** | | **p.m.** | **p.m.** | | |

## *Artikolu A2 10 01 — Approprijazzjonijiet proviżorji*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | |

*Kummenti*

Il-flus allokati f'dan il-kapitolu huma biss proviżorji u jistgħu jintużaw biss wara t-trasferiment tagħhom f'kapitoli oħra skont il-proċedura stabbilita għal dak il-għan fir-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-estmi ġenerali tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu A2 10 02 — Riżerva għall-kontinġenzi*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | |

# Anness A3 — L-Uffiċċju Ewropew Ta' Kontra l-Frodi

# DĦUL — DĦUL

*Figuri*

| Titolu | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| 4 | MIXXELLANJA TA' TAXXI TAL-UNJONI, LEVIES U AMMONTI DOVUTI | 7 028 000 | 6 750 000 | p.m. |
| 6 | KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-PROGRAMMI TAL-UNJONI, ĦLAS LURA TA' NFIQ U DĦUL | p.m. | p.m. | p.m. |
| | **Total** | **7 028 000** | **6 750 000** | **p.m.** |

# TITOLU 4 — MIXXELLANJA TA' TAXXI TAL-UNJONI, LEVIES U AMMONTI DOVUTI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| 4 0 | TNAQQIS MINN RIMUNERAZZJONI | 3 562 000 | 3 358 000 | p.m. |
| 4 1 | KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-ISKEMA TAL-PENSJONI | 3 466 000 | 3 392 000 | |
| | **Titolu 4 — Total** | **7 028 000** | **6 750 000** | **p.m.** |

## KAPITOLU 4 0 — TNAQQIS MINN RIMUNERAZZJONI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 4 0 | TNAQQIS MINN RIMUNERAZZJONI | | | | |
| ***4 0 0*** | ***Dħul mit-taxxa fuq is-salarji, pagi u allowances ta' uffiċjali u impjegati oħra*** | 2 950 000 | 2 828 000 | | |
| ***4 0 3*** | ***Dħul mill-kontribuzzjoni temporanja mis-salarji tal-Membri tal-istituzzjonijiet, uffiċjali u haddiema oħra li huma impjegati attivament*** | p.m. | p.m. | p.m. | |
| ***4 0 4*** | ***Kontribut temporanju speċjali li jaffettwa r-remunerazzjonijiet tal-membri tal-istituzzjoniji, tal-funzjonarji u ta' aġenti oħra li għadhom jaħdmu.*** | 612 000 | 530 000 | | |
| | **Kapitolu 4 0 — Total** | **3 562 000** | **3 358 000** | **p.m.** | |

### *Artikolu 4 0 0 — Dħul mit-taxxa fuq is-salarji, pagi u allowances ta' uffiċjali u impjegati oħra*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 2 950 000 | 2 828 000 | |

*Kummenti*

Dan id-dħul jinkludi d-dħul mit-taxxa fuq is-salarji, il-pagi u l-benefiċċji tal-uffiċjali u ħaddiema oħra, mnaqqsa kull xahar mis-salarji tal-impjegati tal-Uffiċċju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

### *Artikolu 4 0 3 — Dħul mill-kontribuzzjoni temporanja mis-salarji tal-Membri tal-istituzzjonijiet, uffiċjali u ħaddiema oħra li huma impjegati attivament*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | p.m. |

*Kummenti*

Dan id-dħul jinkludi d-dħul kollu mill-kontribuzzjoni temporanja allokata mill-pagi tal-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra li jkunu f'impjieg attiv, li titnaqqas kull xahar mis-salarju tal-ħaddiema tal-Uffiċċju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 66a tagħhom fil-verżjoni fis-seħħ sal-15 ta' Diċembru 2003.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

### *Artikolu 4 0 4 — Kontribut temporanju speċjali li jaffettwa r-remunerazzjonijiet tal-membri tal-istituzzjoniji, tal-funzjonarji u ta' aġenti oħra li għadhom jaħdmu.*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 612 000 | 530 000 | |

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 66a tiegħu.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

## KAPITOLU 4 1 — KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-ISKEMA TAL-PENSJONI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 4 1 | KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-ISKEMA TAL-PENSJONI | | | | |
| ***4 1 0*** | ***Kontribuzzjonijiet tal-persunal lejn skema ta' pensjoni*** | 3 466 000 | 3 392 000 | | |
| | **Kapitolu 4 1 — Total** | **3 466 000** | **3 392 000** | | |

### *Artikolu 4 1 0 — Kontribuzzjonijiet tal-persunal lejn skema ta' pensjoni*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 3 466 000 | 3 392 000 | |

*Kummenti*

Dan id-dħul huwa t-total tal-kontribuzzjonijiet mnaqqsa kull xahar mill-pagi tal-persunal tal-Uffiċċju skont l-Artikolu 83(2) tar-Regolamenti tal-Persunal u użat biex tkun iffinanzjata l-iskema tal-pensjonijiet.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

# TITOLU 6 — KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-PROGRAMMI TAL-UNJONI, ĦLAS LURA TA' NFIQ U DĦUL

*Figuri*

| Titolu Kapitolu | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| 6 6 | Rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet oħra | p.m. | p.m. | p.m. |
| | **Titolu 6 — Total** | **p.m.** | **p.m.** | **p.m.** |

## KAPITOLU 6 6 — RIFUŻJONIJIET U KONTRIBUZZJONIJIET OĦRA

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 6 6 | Rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet oħra | | | | |
| ***6 6 0*** | ***Rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet oħra*** | | | | |
| 6 6 0 0 | Rifużjonijiet assenjati u kontribuzzjonijiet oħra | p.m. | p.m. | p.m. | |
| | *Artikolu 6 6 0 — Sub-total* | p.m. | p.m. | p.m. | |
| | **Kapitolu 6 6 — Total** | **p.m.** | **p.m.** | **p.m.** | |

### *Artikolu 6 6 0 — Rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet oħra*

#### Partita 6 6 0 0 — Rifużjonijiet assenjati u kontribuzzjonijiet oħra

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | p.m. |

*Kummenti*

Din il-Partita maħsuba biex takkomoda, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, tas-16.9.2002, p. 1), kull dħul li ma jidhirx f'partijiet oħra tat-Titolu 6 u li jwassal għall-għotja ta' approprjazzjonijiet addizzjonali maħsuba biex jiffinanzjaw in-nefqa li għaliha dan id-dħul ikun allokat.

# NEFQA — NEFQA

## TITOLU A3 — L-UFFIĊĊJU EWROPEW TA’ KONTRA L-FRODI

*Figuri*

Klassifikazzjoni skond it-tip

| Titolu Kapitolu | Intestatura | FF | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|---|
| A3 01 | NEFQA AMMINISTRATTIVA | 5 | 56 554 000 | 55 626 000 | 54 348 222,39 |
| A3 02 | IFFINANZJAR TA’ MIŻURI KONTRA L-FRODI | 5 | 1 556 000 | 1 566 000 | 970 824,14 |
| A3 03 | NEFQA LI TIRRIŻULTA MILL-MANDAT TAL-MEMBRI TAL-KUMITAT TA’ SUPERVIŻJONI | 5 | 200 000 | 200 000 | 195 234,18 |
| A3 10 | RIŻERVI | 5 | | p.m. | 0,— |
| | **Kapitolu A3 — Total** | | **58 310 000** | **57 392 000** | **55 514 280,71** |

## KAPITOLU A3 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA

*Figuri*

Klassifikazzjoni skond it-tip

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| A3 01 | NEFQA AMMINISTRATTIVA | | | | | |
| ***A3 01 01*** | ***Nefqa konnessa mal-persunal f’impjieg attiv*** | 5 | 39 292 000 | 38 543 000 | 36 931 517,73 | 93,99 % |
| ***A3 01 02*** | ***Persunal estern u nefqa oħra ta’ tmexxija*** | | | | | |
| A3 01 02 01 | Persunal estern | 5 | 2 586 000 | 2 586 000 | 2 828 872,04 | 109,39 % |
| A3 01 02 11 | Spejjeż oħra ta’ ġestjoni | 5 | 3 159 000 | 3 184 000 | 3 020 138,95 | 95,60 % |
| | *Partita A3 01 02 — Sub-total* | | 5 745 000 | 5 770 000 | 5 849 010,99 | 101,81 % |
| ***A3 01 03*** | ***Bini u nefqa relatata*** | 5 | 11 499 000 | 11 295 000 | 11 552 746,81 | 100,47 % |
| ***A3 01 50*** | ***Politika tal-persunal u t-tmexxija*** | 5 | 3 000 | 3 000 | 0,— | |
| ***A3 01 51*** | ***Politika tal-infrastruttura u t-tmexxija*** | 5 | p.m. | p.m. | 0,— | |
| ***A3 01 60*** | ***Nefqa għad-dokumentazzjoni u għal-librerija*** | 5 | 15 000 | 15 000 | 14 946,86 | 99,65 % |
| | **Artikolu A3 01 — Total** | | **56 554 000** | **55 626 000** | **54 348 222,39** | **96,10 %** |

### *Artikolu A3 01 01 — Nefqa konnessa mal-persunal f’impjieg attiv*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 39 292 000 | 38 543 000 | 36 931 517,73 |

*Kummenti*

Dan id-dħul huwa maħsub biex ikopri, fejn għandhom x’jaqsmu l-uffiċjali u l-ħaddiema temporanji li jkunu fil-pjan tal-istabbilment:

- salarji, benefiċċji u ħlasijiet marbuta mas-salarji,
- assigurazzjoni kontra inċidenti u mard u ħlasijiet oħra ta’ sigurtà soċjali,
- assigurazzjoni kontra l-qgħad għall-ħaddiema temporanji u pagamenti mill-istituzzjoni f’isem il-ħaddiema temporanji sabiex dawn jiksbu jew iżommu d-drittijiet tal-pensjoni fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom,
- benefiċċji u għotjiet varji oħra,
- l-ispejjeż tal-ivvjaġġar li għandhom jingħataw lill-uffiċjali u lill-ħaddiema temporanji (inklużi l-familji tagħhom) meta jibdew l-

impjieg, meta jtemmu l-impjieg jew meta jiġu ttrasferiti f’post ieħor,

- *allowances* ta’ installazzjoni jew installazzjoni mill-ġdid dovuti lill-uffiċjali u lill-ħaddiema temporanji li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza tagħhom meta dawn jibdew impjieg jew meta jiġu ttrasferiti f’post ieħor, u meta dawn itemmu l-impjieg u jmorru jgħixu xi mkien ieħor,
- spejjeż tal-ġarr dovuti lill-uffiċjali u lill-ħaddiema temporanji li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza meta dawn jibdew impjieg jew meta dawn imorru f’post ta’ impjieg ġdid, u meta jtemmu l-impjieg u jmorru jgħixu xi mkien ieħor,
- il-valur tal-piżijiet applikabbli għall-ħlas ta’ uffiċjali u ħaddiema temporanji u l-valur tal-piżijiet applikabbli għall-parti mis-salarji li tiġi ttrasferita lejn pajjiż differentigħajr dak tal-impjieg,
- il-valur tal-aġġustamenti kollha lis-salarji li jkunu ġew approvati mill-Kunsill matul is-sena finanzjarja.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu A3 01 02 — Persunal estern u nefqa oħra ta’ tmexxija*

### Partita A3 01 02 01 — Persunal estern

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 2 586 000 | 2 586 000 | 2 828 872,04 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

- ir-remunerazzjoni tal-persunal b’kuntratt (fit-tifsira mogħtija fit-Titolu IV tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg), l-iskema ta’ assigurazzjoni soċjali tal-istituzzjoni li tkopri l-persunal b’kuntratt, kif deskritta fit-Titolu IV, u n-nefqa fuq il-piżijiet applikati għar-remunerazzjonijiet ta’ tali persunal,
- in-nefqa li tkun saret (salarji, assikurazzjoni, eċċ.) minħabba ħaddiema temporanji mqabbda minn aġenziji u ħaddiema esterni oħra li jkunu fuq kuntratt ta’ liġi privata,
- l-ispejjeż ta’ ħaddiema inklużi f’kuntratti tas-servizz u f’subkuntrattar tekniku u amministrattiv,
- In-nefqa marbuta mas-*secondment* jew assenjazzjoni temporanja lill-Uffiċċju ta’ uffiċjali fis-servizzi ċivili tal-Istati Membri u ta’ esperti oħra kif ukoll spejjeż supplimentari li jirriżultaw mis-*secondment* ta’ uffiċjali lill-amministrazzjonijiet nazzjonali jew lill-organizzazzjonijiet internazzjonali,
- l-ispejjeż ta’ kwalunkwe aġġustament għar-remunerazzjoni approvat mill-Kunsill matul is-sena finanzjarja.

### Partita A3 01 02 11 — Spejjeż oħra ta’ ġestjoni

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 3 159 000 | 3 184 000 | 3 020 138,95 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

- l-ispejjeż ta’ vvjaġġar, inklużi spejjeż anċillari marbuta ma’ biljetti u riżervazzjonijiet, il-benefiċċji ta’ sosteniment ta’ kuljum u nfiq anċillari jew eċċezzjonali li jkun sar b’rabta ma’ missjonijiet mill-ħaddiema uffiċjali tal-Kummissjoni u minn esperti jew

ufficjali nazzjonali jew internazzjonali li jkunu ġew issekondati mad-dipartimenti tal-Kummissjoni,

— ir-rimbors ta' spejjeż li jkunu saru minn persuni li jkunu qed jirrappreżentaw lill-Uffiċċju b'mod ufficjali (ir-rimbors ma jkunx possibbli għall-ispejjeż li jkunu saru fit-twettiq ta' obbligi ta' rappreżentazzjoni minn ħaddiema fejn għandhom x'jaqsmu l-Kummissjoni jew istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni),

— l-ispejjeż ta' vvjaġġar, ta' għajxien u l-ispejjeż anċillari ta' esperti li jkunu qed jieħdu sehem fi gruppi ta' studju u ta' ħidma, u l-ispejjeż inċidentali għall-organizzazzjoni ta' laqgħat fejn dawn ma jkunux koperti bl-infrastruttura li teżisti fil-kwartieri ġenerali tal-istituzzjonijiet jew l-uffiċċji esterni (l-esperti jitħallsu lura fuq il-bażi ta' deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Kummissjoni),

— l-ispejjeż tax-xorb, u xi kultant l-ikel, li jiġi servut matul il-laqgħat interni,

— l-ispejjeż varji marbuta ma' konferenzi, kungressi u laqgħat li jieħu sehem fihom jew li jorganizzahom l-Uffiċċju,

— l-ispejjeż biex wieħed jattendi għal taħriġ barrani u biex jissieħeb ma' organizzazzjonijiet professjonali relevanti,

— l-ispejjeż marbuta ma' taħriġ bil-ħsieb li jissaħħu l-ħiliet tal-ħaddiema, u l-kapaċità u l-effiċjenza tal-Uffiċċju:

  — Tariffi għall-esperti impjegati għall-identifikazzjoni tal-ħtiġiet ta' taħriġ, it-tfassil, l-iżvilupp u t-twettiq ta' korsijiet, u l-evalwazzjoni u s-sorveljanza tar-riżultati,

  — miżati ta' konsulenza f'diversi oqsma, partikolarment f'metodi ta' organizzazzjoni, ġestjoni, strateġija, kwalità u tmexxija tal-ħaddiema,

  — l-ispiża biex wieħed jattendi għal taħriġ fuq barra u biex jissieħeb ma' organizzazzjonijiet professjonali relevanti,

— in-nefqa marbuta mal-aspetti prattiċi tal-organizzazzjoni ta' dawn il-korsijiet, mal-użu tal-post, mat-trasport, mal-ispiża tal-ikel u tal-akkommodazzjoni għall-parteċipanti ta' korsijiet residenzjali,

— in-nefqa għat-taħriġ marbuta ma' pubblikazzjonijiet u tagħrif, ma' siti tal-*internet* relatati u max-xiri ta' tagħmir għat-tagħlim, mal-miżati u mal-liċenzji għal tagħlim b'distanza, ma' kotba, ma'prodotti stampati u ma' prodotti *multimedia*,

— l-iffinanzjar ta' għodda tat-tagħlim.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 18(1)(e) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jlaħħaq l-EUR 65 000.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-regoli dwar l-għażla u l-ħlas u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

## *Artikolu A3 01 03 — Bini u nefqa relatata*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 11 499 000 | 11 295 000 | 11 552 746,81 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri spejjeż marbuta mal-bini tal-Uffiċċju u spejjeż oħra relatati, partikolarment:

— l-ispejjeż ta' xiri jew ta' kera bl-għażla ta' xiri ta' bini jew il-kostruzzjoni ta' bini,

— kera u ċens, id-diversi taxxi u l-eżerċizzju ta' għażla ta' xiri ta' bini jew il-partijiet okkupati ta' bini, kif ukoll il-kiri ta' swali tal-konferenzi, mħażen, arkivji, garaxxijiet u faċilitajiet tal-parkeġġ,

— il-ħlas tal-primja tal-assigurazzjoni fuq il-bini jew ta' partijiet ta' bini li jintużaw mill-Uffiċċju,

— l-ispejjeż tal-konsum tal-ilma, tal-gass, tal-elettriku u tal-enerġija għat-tisħin tal-bini jew tal-partijiet tal-bini okkupati mill-Uffiċċju,

— l-spejjeż għall-manutenzjoni tal-bini, tal-liftijiet, tat-tisħin ċentrali, tat-tagħmir tal-klimatizzazzjoni, eċċ.; l-ispejjeż li jirriżultaw minn operazzjonijiet ta' tindif perjodiku, inkluż ix-xiri ta' prodotti għall-manutenzjoni, għall-ħasil, għall-ħasil tal-ħwejjeġ u għad-*dry-cleaning*, eċċ kif ukoll għal tibjid, għal tiswijiet u għal provvisti użati mill-*workshops* tal-manutenzjoni,

— in-nefqa marbuta mat-trattament selettiv, il-ħażna u t-tneħħija ta' skart,

— xogħol ta' titjib tal-bini, eż., tibdil fit-tqassim, installazzjonijiet tekniċi u xogħol speċjalizzat ieħor ta' serraturi, ta' elettriku, ta' *plumbing*, ta' żebgħa, ta' bdil tal-art, eċċ., u l-ispejjeż marbuta mat-tibdil ta' *cabling* ta' networks, u l-infiq għal tagħmir neċessarju marbut mat-titjib tiegħu [qabel ma jiġġeddu jew jiġu konklużi kuntratti għal ammont li jeċċedi EUR 300 000, u bi skop li l-ispiża tiġi kkontrollata, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta mal-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, munita magħżula, indiċjar, perijodu ta' żmien, klawsoli oħra) miksuba minn kull waħda minnhom għal kuntratt simili],

— l-ispejjeż marbuta mas-sigurtà fiżika u materjali ta' persuni u proprjetà, b'mod partikolari kuntratti għas-sorveljanza ta' bini, kuntratti għall-manutenzjoni ta' installazzjonijiet tas-sigurtà u xiri ta' oġġetti żgħar [qabel ma jiġġeddu jew jiġu konklużi kuntratti għal ammont li jeċċedi EUR 300 000, u bl-għan li l-ispiża tiġi kkontrollata, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħrajn dwar il-kundizzjonijiet (prezz, munita magħżula, indiċjar, perijodu ta' żmien, klawsoli oħra) miksuba minn kull waħda minnhom għal kuntratt simili],

— in-nefqa marbuta mal-indafa u s-sigurtà tal-individwi fuq il-post tax-xogħol, l-aktar ix-xiri, il-kera u l-manutenzjoni tat-tagħmir għat-tifi tan-nar, ir-rifornimment tat–tagħmir tal-uffiċjali li jagħtu l-ewwel għajnuna f'każ ta' nar u l-ispejjeż ta' spezzjonijiet mandatorji (qabel ma kuntratti għal ammont li jaqbeż it-300 000 Euro jiġġeddu jew jintemmu, u bil-ħsieb li tkun ikkontrollata n-nefqa, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, il-valuta li tintgħażel, l-indiċjar, il-perijodu ta' żmien, klawsoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minn dawn għal kuntratt simili),

— l-ispejjeż ta' konsultazzjoni legali, finanzjarja u teknika qabel l-akkwist, il-kera jew il-kostruzzjoni ta' bini,

— l-infiq l-ieħor li għandu x'jaqsam mal-bini, partikolarment l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-bini mikri lil diversi entitajiet, l-ispejjeż marbuta ma' stħarriġ dwar il-qagħda tal-bini u spejjeż ta' utilità (taxxa fuq l-iskart, il-ġbir tal-iskart eċċ.),

— xi nfiq għall-għajnuna teknika marbuta ma' xogħolijiet ta' titjib konsiderevoli,

— ix-xiri, il-kiri jew id-depożitu ta' garanzija, il-manutenzjoni, t-tiswija, l-installazzjoni u r-rifornimment ta' tagħmir u materjal tekniku,

  — ix-xiri, il-kera, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' għamara,

  — ix-xiri, il-kera, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' vetturi,

— l-assigurazzjonijiet varji (partikolarment dik tar-responsabbiltà ċivili u l-assigurazzjoni kontra s-serq),

— l-infiq fuq tagħmir tax-xogħol, u l-aktar:

  — ix-xiri ta' uniformijiet (l-aktar għall-messaġġiera, xufiera u ħaddiema fir-ristoranti u l-kafetteriji)

  — ix-xiri u t-tindif ta' ħwejjeġ tax-xogħol partikolarment għan-nies li jaħdmu fil-*workshops* u għal dawk li għandhom jagħmlu xogħolijiet fejn jeħtieġu protezzjoni kontra l-maltemp jew il-kesħa, il-*wear and tear* mhux normali u t-tbajja',

  — ix-xiri jew ħlas lura tal-ispejjeż ta' kull tagħmir li jista' jkun meħtieġ skont il-kuntest tal-applikazzjoni tad-Direttivi 89/391/KEE u 90/270/KEE,

— l-ispejjeż ta' ġarr, riorganizzazzjoni u ġestjoni dipartimentali (it-twassil, il-ħażna, it-tqegħid) b'rabta ma' tagħmir, għamara u provvisti tal-uffiċċju,

— in-nefqa biex il-bini jkun mgħammar b'telekomunikazzjonijiet, l-aktar ix-xiri, il-kera, it-twaħħil u l-manutenzjoni ta' *switchboards* u distributuri tat-telefon, sistemi ta' awdjo u vidjokonferenza, telefonija interna u telefonija ċellulari, u n-nefqa fuq *networks* ta' data (tagħmir u manutenzjoni) u servizzi relatati (it-tmexxija, l-appoġġ, id-dokumentazzjoni, l-installazzjoni u t-tneħħija),

— ix-xiri, il-kera jew id-depożitu ta' garanzija, u l-manutenzjoni ta' kompjuters, terminali, kompjuters żgħar, apparat periferali, tagħmir ta' konnessjoni u s-softwer tal-kompjuter meħtieġ,

— ix-xiri, il-kiri jew id-depożitu ta' garanzija u l-manutenzjoni ta' tagħmir relatat mal-preżentazzjoni tal-informazzjoni f'forma stampata eż., printers, magni tal-fax, magni tal-fotokopji u mikrokopjaturi,

— ix-xiri u l-kiri ta' jew id-depożitu ta' garanzija għal *typewriters*, *word processors* u kull tagħmir elettroniku ieħor tal-uffiċċju,

— l-installazzjoni, il-konfigurazzjoni, il-manutenzjoni, l-istudji, id-dokumentazzjoni u l-provvisti marbuta ma' dan it-tagħmir,

— in-nefqa għax-xiri ta' karti, invilops, provvisti tal-Uffiċċju u provvisti oħra għall-istamperiji, u għal xi stampar li jsir fuq barra,

— l-ispejjeż ta' tariffi tal-posta u tal-konsenja postali, fuq pakketti postali u oħrajn mibgħuta bl-ajru, bil-baħar jew bil-ferrovija, u tal-posta interna tal-Uffiċċju,

— it-tariffi ta' abbonament u l-ispejjeż ta' komunikazzjoni bil-kejbil jew bir-radju (telefoni fissi u ċellulari, televiżjoni, telekonferenzar, u videokonferenzar), spejjeż ta' networks tat-trażmissjoni tad-data, servizzi tal-komunikazzjoni tad-data, eċċ., u x-xiri tad-direttorji,

— l-ispejjeż tal-links tat-telefon u tal-kompjuter bejn bini differenti u tal-linji tat-trażmissjoni internazzjonali bejn il-postijiet ta' uffiċċji tal-Unjoni,

— appoġġ tekniku u loġistiku, taħriġ u attivitajiet oħra ta' interess ġenerali relatati ma' tagħmir u softwer tal-kompjuter, taħriġ ġenerali tal-kompjuter, abbonamenti għal dokumentazzjoni teknika kemm f'forma stampata jew f'forma elettronika, eċċ., ħaddiema tal-operazzjoni esterni, servizzi tal-Uffiċċju, abbonamenti ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, eċċ., studji fuq assigurazzjoni tas-sigurtà u l-kwalità relatati ma' tagħmir u software tal-kompjuter, l-ispejjeż tal-użu, tal-manutenzjoni, u taż-żamma u l-iżvilupp tas-*software*, u tat-twettiq ta'proġetti ta' teknoloġija tal-informatika,

— spejjeż oħra funzjonali mhux previsti speċifikament hawn fuq.

*Bażi ġuridika*

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar id-dħul ta' miżuri biex jinkuraġġixxu t-titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-kriterji minimi tas-sigurtà u s-saħħa għal xogħol li jkun jinkludi l-użu ta' tagħmir bl-iskrin (il-ħames Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artiklu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu A3 01 50 — Politika tal-personal u t-tmexxija*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 3 000 | 3 000 | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri:

— il-kontribuzzjoni tal-Uffiċċju għall-ispejjeż taċ-ċentru ta' rikreazzjoni u għal attivitajiet oħra kulturali u sportivi li jinkuraġġixxu l-kuntatt soċjali bejn il-ħaddiema ta' nazzjonalitajiet differenti li jaħdmu fl-Uffiċċju,

— il-kontribuzzjoni tal-Uffiċċju għall-ispejjeż tal-faċilitajiet fejn jieħdu ħsieb it-tfal, bħala parti minn politika favur nies b'diżabbiltà, għall-persuni li jkollhom diżabbiltà u li jkunu f'dawn il-kategoriji:

  — uffiċjali u ħaddiema temporanji f'impjieg attiv,

  — konjuġi ta' uffiċjali u ħaddiema temporanji f'impjieg attiv,

  — it-tfal dipendenti kollha skont it-tifsira tar-Regolamenti tal-Persunal.

Dan ikopri, fil-limiti tal-ammont li jkun iddaħħal fil-baġit u wara li kull intitolament nazzjonali mogħti fil-pajjiż tar-residenza jew tal-oriġini jkun intalab, kull infiq mhux ta'natura medika li jkun meqjus meħtieġ, li jkun b'riżultat ta'xi diżabilità u li jkun iġġustifikat.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

## *Artikolu A3 01 51 — Politika tal-infrastruttura u t-tmexxija*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri l-ispejjeż ta' rutina marbutin mat-tmexxija u l-konverżjoni ta' restoranti, kafetteriji u

*canteens*.

## *Artikolu A3 01 60 — Nefqa għad-dokumentazzjoni u għal-libreriji*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 15 000 | 15 000 | 14 946,86 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri l-infiq fuq il-produzzjoni u l-iżvilupp tas-sit tal-*intranet* tal-Kummissjoni (Intracomm); il-ħlas ta' miżati għal servizzi ta' aċċess għad-data; l-ispejjeż ta' legatura u spejjeż oħra meħtieġa għall-preservazzjoni tal-kotba u l-pubblikazzjonijiet; ħlas ta' miżati għall-gazzetti, rivisti speċjalizzati; ix-xiri ta' pubblikazzjonijiet u xogħlijiet tekniċi marbuta max-xogħol tal-Uffiċċju.

# Kapitolu A3 02 — IFFINANZJAR TA' MIŻURI KONTRA L-FRODI

*Figuri*

Klassifikazzjoni skond it-tip

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| A3 02 | IFFINANZJAR TA' MIŻURI KONTRA L-FRODI | | | | | |
| ***A3 02 01*** | ***Kontrolli, studji, analiżi u attivitajiet li huma speċifiċi għall-Uffiċċju Ewropew ta' kontra l-Frodi*** | 5 | 1 176 000 | 1 176 000 | 704 961,04 | 59,95 % |
| ***A3 02 02*** | ***Miżuri għall-protezzjoni tal-Ewro kontra l-falsifikazzjoni*** | 5 | 50 000 | 50 000 | 26 000,12 | 52,00 % |
| ***A3 02 03*** | ***Miżuri ta' informazzjoni u komunikazzjoni*** | 5 | 330 000 | 340 000 | 239 862,98 | 72,69 % |
| | **Artikolu A3 02 — Total** | | **1 556 000** | **1 566 000** | **970 824,14** | **62,39 %** |

## *Artikolu A3 02 01 — Kontrolli, studji, analiżi u attivitajiet li huma speċifiċi għall-Uffiċċju Ewropew ta' kontra l-Frodi*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 1 176 000 | 1 176 000 | 704 961,04 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri l-infiq kollu marbut ma' miżuri kontra l-frodi li ma jkunux jaqaw taħt il-responsabbiltà amministrattiva tal-Uffiċċju.

Din l-approprjazzjoni maħsuba partikolarment sabiex tippermetti:

— t-tfassil, l-iżvilupp, it-titjib u t-tmexxija ta' sistemi ta' skambju ta' informazzjoni u infrastutturi komuni, filwaqt li jiġu rrispettati l-ħtiġijiet tal-kunfidenzjalità u tas-sigurtà,

— it-tfittxija, il-ġbir, l-eżaminazzjoni, l-użu u l-għojta lid-dipartimenti ta' investigazzjoni nazzjonali tat-tagħrif kollu bżonnjuż fit-tfittxija u l-lokalizzazzjoni tal-frodi (eż. permezz ta' *databases*),

— li jkunu appoġġjati l-isforzi tal-Istati Membri, l-aktar f'każi ta' frodi transnazzjonali, fejn ikun hemm bżonn li tittieħed azzjoni fuq livell tal-Unjoni,

— miżuri ta' ffinanzjar bil-għan li tiżdied l-effettività tal-miżuri ta' prevenzjoni, tal-kontrolli u tal-investigazzjonijiet,

— it-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-amministrazzjonijiet nazzjonali, partikolarment fil-qasam tal-ġlieda kontra-l-kuntrabandu tas-sigaretti,

— l-organizzazzjoni u l-parteċipazzjoni fis-sorveljanza u l-ispezzjonijiet fuq il-post,

— li jkunu ffinanzjati l-ispejjeż ta’ vvjaġġar u l-benefiċċji ta’ sosteniment għall-ispetturi u l-maġistrati nazzjonali li jkunu qed jaħdmu barra minn pajjiżhom b’rabta ma’ żjajjar ta’ kontroll, spezzjonijiet fuq il-post, laqgħat ta’ koordinazzjoni u kull meta l-bżonn ta’ investigazzjoni tiġġustifikahom,

— li jkunu koperti l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, il-benefiċċji ta’ sosteniment u l-ispejjeż anċillari ta’ esperti li jaħdmu mal-Uffiċċju matul l-investigazzjonijiet jew biex jagħtu opinjoni professjonali fuq materja speċifika,

— li jkunu koperti l-ispejjeż ta’ konferenzi, kungressi u laqgħat li l-Uffiċċju jorganizza fix-xogħol tiegħu tal-ġlieda kontra l-frodi.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4045/89 tal-21 ta’ Diċembru 1989 dwar l-iskrutinju mill-Istati Membri ta’ transazzjonijiet li jiffurmaw parti mis-sistema ta’ ffinanzjar mit-Taqsima tal-Garanziji tal-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (ĠU L 388, 30.12.1989, p. 18).

Ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-25 ta’ Mejju 1999 dwar l-investigazzjonijiet li saru mill-Uffiċċju Ewropew ta’ Kontra l-Frodi (OLAF) (ĠU L 136, 31.05.1999, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 tal-25 ta’ Mejju 1999 dwar l-investigazzjonijiet li saru mill-Uffiċċju Ewropew ta’ Kontra l-Frodi (OLAF) (ĠU L 136, 31.05.1999, p. 8).

*Atti ta’ referenza*

Artikolu 325 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

## *Artikolu A3 02 02 — Miżuri għall-protezzjoni tal-Ewro kontra l-falsifikazzjoni*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 50 000 | 50 000 | 26 000,12 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri l-ispejjeż ta’ inizjattivi u miżuri speċifiċi bil-għan li jipproteġu l-munita Euro kontra l-iffalsifikar tal-flus.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-25 ta’ Mejju 1999 dwar l-investigazzjonijiet li saru mill-Uffiċċju Ewropew ta’ Kontra l-Frodi (OLAF) (ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 tal-25 ta’ Mejju 1999 dwar l-investigazzjonijiet li saru mill-Uffiċċju Ewropew ta’ Kontra l-Frodi (OLAF) (ĠU L 136, 31.05.1999, p. 8).

## *Artikolu A3 02 03 — Miżuri ta’ informazzjoni u komunikazzjoni*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 330 000 | 340 000 | 239 862,98 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri n-nefqa għal miżuri ta’ tagħrif u komunikazzjoni li jkunu ttieħdu mill-Uffiċċju.

L-istrateġija esterna tal-Uffiċċju fuq it-tagħrif u l-komunikazzjoni hija ċentrali għax-xogħol tiegħu. L-Uffiċċju twaqqaf bħala entità investigattiva indipendenti, u għalhekk għandu jkollu l-istrateġija tal-komunikazzjoni tiegħu. Ix-xogħol tal-Uffiċċju ħafna drabi jkun tekniku ħafna biex jiftiehem mill-ewwel mill-pubbliku. L-Uffiċċju għandu jgħarraf lill-interlokuturi tiegħu u lill-pubbliku kollu dwar ir-rwol u l-ħidmiet tiegħu. Il-perċezzjoni pubblika tax-xogħol tal-Uffiċċju hija ta’ importanza kbira.

Bħala servizz tal-Kummissjoni, l-Uffiċċju jrid iqis ukoll l-iżbilanċ demokratiku li jeżisti bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u ċ-ċittadini tal-Ewropa. Il-Kummissjoni għarfet dan l-iżbilanċ u fasslet pjan ta’ azzjoni biex tindirizzah.

L-istrateġija tal-komunikazzjoni li l-Uffiċċju żviluppa u li se jkompli jimplimenta għandha turi l-indipendenza tagħha.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar l-investigazzjonijiet li saru mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) (ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 tal-25 ta' Mejju 1999 dwar l-investigazzjonijiet li saru mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) (ĠU L 136, 31.05.1999, p. 8).

# KAPITOLU A3 03 — NEFQA LI TIRRIŻULTA MILL-MANDAT TAL-MEMBRI TAL-KUMITAT TA' SUPERVIŻJONI

*Figuri*

Klassifikazzjoni skond it-tip

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| A3 03 | NEFQA LI TIRRIŻULTA MILL-MANDAT TAL-MEMBRI TAL-KUMITAT TA' SUPERVIŻJONI | | | | | |
| *A3 03 01* | ***Nefqa li tirriżulta mill-mandat tal-Membri tal-Kumitat ta' Superviżjoni*** | 5 | 200 000 | 200 000 | 195 234,18 | 97,62 % |
| | **Artikolu A3 03 — Total** | | **200 000** | **200 000** | **195 234,18** | **97,62 %** |

## *Artikolu A3 03 01 — Nefqa li tirriżulta mill-mandat tal-Membri tal-Kumitat ta' Superviżjoni*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 200 000 | 200 000 | 195 234,18 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri n-nefqa kollha li tkun ġejja mill-mandat tal-membri tal-Kumitat ta' Superviżjoni, l-aktar:

— il-benefiċċji mogħtija lill-membri tal-Kumitat ta' Superviżjoni għaż-żmien li dawn ikunu ddedikaw biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom, kif ukoll biex ikopru l-ispejjeż tal-ivvjaġġar tagħhom u spejjeż oħra anċillari,

— l-ispejjeż li jkunu saru mill-membri tal-Kumitat ta' Superviżjoni waqt li jkunu qed jirrappreżentawh uffiċjalment,

— l-infiq kollu marbut mal-ħidma, bħax-xiri ta' tagħmir, kartolerija u provvisti tal-uffiċċju, l-ispejjeż marbuta mal-komunikazzjonijiet u mat-telekomunikazzjonijiet (spejjeż postali, spejjeż tat-telefon, tal-*fax* u tat-*telegraph*), spejjeż ta' dokumentazzjoni u tal-librerija, ix-xiri ta' kotba u ta' abbonamenti mal-media, l-ispejjeż ta' reġistrament ma' konferenzi, eċċ.,

— l-ispejjeż ta' vvjaġġar, ta' sosteniment u spejjeż anċillari ta' esperti mistiedna mill-Kumitat ta' Superviżjoni biex jieħdu sehem fi gruppi ta' studju u ta' xogħol, kif ukoll l-ispejjeż tal-organizzazzjoni ta' laqgħat mhux koperti mill-infrastruttura eżistenti (fil-kwartieri ġenerali tal-istituzzjonijiet jew l-uffiċċji esterni),

— l-ispejjeż ta' studji u konsultazzjoni speċjalizzati li jkunu ġew ikkuntrattati lil esperti kkwalifikati ħafna (individwi jew kumpaniji) fejn il-membri tal-Kumitat ta' Superviżjoni ma jkunux jistgħu jagħtu dawn l-istudji biex isiru minn ħaddiema addattati tal-Uffiċċju.

*Bażi ġuridika*

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/352/KE, KEFA, Euratom tat-28 ta' April 1999 li twaqqaf l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontral l-Frodi (OLAF) (ĠU L 136, 31.5.1999, p. 20), u l-aktar l-Artikli 4 u 6(3) tagħha.

Ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar l-investigazzjonijiet li saru mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) (ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1), l-aktar l-Artikolu 11 tiegħu.

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 tal-25 ta' Mejju 1999 dwar l-investigazzjonijiet li saru mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) (ĠU L 136, 31.5.1999, p. 8), u l-aktar l-Artikolu 11 tiegħu.

## Kapitolu A3 10 — RIŻERVI

*Figuri*

Klassifikazzjoni skond it-tip

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| A3 10 | RIŻERVI | | | | | |
| ***A3 10 01*** | ***Krediti proviżorji*** | 5 | | p.m. | 0,— | |
| ***A3 10 02*** | ***Riżerva għall-kontinġenzi*** | 5 | | p.m. | 0,— | |
| | **Artikolu A3 10 — Total** | | | **p.m.** | **0,—** | |

### *Artikolu A3 10 01 — Krediti proviżorji*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

L-approprjazzjonijiet li ddaħħlu f'dan il-Kapitlu huma biss proviżorji u jistgħu jintużaw biss wara t-trasferiment tagħhom f'Kapitli oħra skont il-proċedura stabbilita għal dak il-għan fir-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 fuq ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

### *Artikolu A3 10 02 — Riżerva għall-kontinġenzi*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| | p.m. | 0,— |

# Anness A4 — Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal

# Dħul — Dħul

*Figuri*

| Titolu | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| 4 | MIXXELLANJA TA' TAXXI, LEVIES U AMMONTI DOVUTI TAL-UNJONI | 1 858 000 | 1 983 000 | p.m. |
| 6 | kontribuzzjonijiet għall-programmi tal-Unjoni/komunità, rifużjonijiet ta' nfiq u dħul | p.m. | p.m. | p.m. |
| | **Total** | **1 858 000** | **1 983 000** | **p.m.** |

# TITOLU 4 — MIXXELLANJA TA’ TAXXI, LEVIES U AMMONTI DOVUTI TAL-UNJONI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| 4 0 | TNAQQIS MINN RIMUNERAZZJONI | 809 000 | 721 000 | p.m. |
| 4 1 | KONTRIBUZZJONI GĦAS-SISTEMA TAL-PENSJONIJIET | 1 049 000 | 1 262 000 | |
| | **Titolu 4 — Total** | **1 858 000** | **1 983 000** | **p.m.** |

# KAPITOLU 4 0 — TNAQQIS MINN RIMUNERAZZJONI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 4 0 | TNAQQIS MINN RIMUNERAZZJONI | | | | |
| ***4 0 0*** | ***Dħul mit-taxxa fuq is-salarji, pagi u allowances ta’ uffiċjali u impjegati oħra*** | 676 000 | 606 000 | | |
| ***4 0 3*** | ***Dħul mill-kontribuzzjoni temporanja mis-salarji tal-Membri tal-istituzzjonijiet, uffiċjali u ħaddiema oħra li huma impjegati attivament*** | p.m. | p.m. | p.m. | |
| ***4 0 4*** | ***Dħul mill-levy speċjali fuq is-salaraji tal-membri tal-istituzzjoni, tal-uffiċċjali u ta’ aġenti oħra li huma impjegati attivament*** | 133 000 | 115 000 | | |
| | **Kapitolu 4 0 — Total** | **809 000** | **721 000** | **p.m.** | |

## *Artikolu 4 0 0 — Dħul mit-taxxa fuq is-salarji, pagi u allowances ta’ uffiċjali u impjegati oħra*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 676 000 | 606 000 | |

*Kummenti*

Dan id-dħul jinkludi d-dħul mit-taxxa fuq s-salarji, il-pagi u l-benefiċċji tal-uffiċjali u ħaddiema oħra mnaqqsa kull xahar mis-salarji tal-impjegati tal-Uffiċċju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 tad-29 ta’ Frar 1968 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċedura biex tkun applikata t-taxxa għall-benefiċċju tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 8).

*Atti ta’ referenza*

Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, u l-aktar l-Artikolu 12 tiegħu.

### *Artikolu 4 0 3 — Dħul mill-kontribuzzjoni temporanja mis-salarji tal-Membri tal-istituzzjonijiet, uffiċjali u ħaddiema oħra li huma impjegati attivament*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | p.m. |

*Kummenti*

Dan id-dħul jinkludi d-dħul kollu mill-kontribuzzjoni temporanja allokata mill-pagi tal-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra li jkunu f'impjieg attiv li titnaqqas kull xahar mis-salarju tal-ħaddiema tal-Uffiċċju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, u mod partikolari l-Artikolu 66a tagħhom fil-verżjoni fis-seħħ sal-15 ta' Diċembru 2003.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej, u mod partikolari l-Artikolu 20(3) tagħhom fil-verżjoni fis-seħħ sat-30 ta' April 2004.

### *Artikolu 4 0 4 — Dħul mill-levy speċjali fuq is-salaraji tal-membri tal-istituzzjoni, tal-uffiċċjali u ta' aġenti oħra li huma impjegati attivament*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 133 000 | 115 000 | |

*Kummenti*

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u mod partikolari l-Artikolu 66a tagħhom.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, u mod partikolari l-Artikolu 20(3) tagħhom.

## Kapitolu 4 1 — KONTRIBUZZJONI GĦAS-SISTEMA TAL-PENSJONIJIET

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 4 1 | KONTRIBUZZJONI GĦAS-SISTEMA TAL-PENSJONIJIET | | | | |
| ***4 1 0*** | ***Kontribuzzjonijiet tal-istaff lejn skema ta' pensjoni*** | 1 049 000 | 1 262 000 | | |
| | **Kapitolu 4 1 — Total** | **1 049 000** | **1 262 000** | | |

### *Artikolu 4 1 0 — Kontribuzzjonijiet tal-istaff lejn skema ta' pensjoni*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 1 049 000 | 1 262 000 | |

*Kummenti*

Dan id-dħul huwa l-qligħ kollu mill-kontribuzzjonijiet tal-ħaddiema tal-Uffiċċju mnaqqsa kull xahar mis-salarju tagħhom, skont l-Artikolu 83(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, u jintuża biex tkun iffinanzjata l-iskema tal-pensjonijiet.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

# TITOLU 6 — KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-PROGRAMMI TAL-UNJONI/KOMUNITÀ, RIFUŻJONIJIET TA' NFIQ U DĦUL

*Figuri*

| Titolu Kapitolu | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| 6 6 | Rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet oħra | p.m. | p.m. | p.m. |
| | **Titolu 6 — Total** | **p.m.** | **p.m.** | **p.m.** |

## KAPITOLU 6 6 — RIFUŻJONIJIET U KONTRIBUZZJONIJIET OĦRA

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 6 6 | Rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet oħra | | | | |
| ***6 6 0*** | ***Rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet oħra*** | | | | |
| 6 6 0 0 | Kontribuzzjonijiet assenjati oħrajn u rifużjonijiet | p.m. | p.m. | p.m. | |
| | *Artikolu 6 6 0 — Sub-total* | p.m. | p.m. | p.m. | |
| | **Kapitolu 6 6 — Total** | **p.m.** | **p.m.** | **p.m.** | |

### *Artikolu 6 6 0 — Rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet oħra*

#### Partita 6 6 0 0 — Kontribuzzjonijiet assenjati oħrajn u rifużjonijiet

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | p.m. |

*Kummenti*

Din il-Partita maħsuba biex takkomoda, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul li ma jidhirx f'partijiet oħra tat-Titolu 6 u li jwassal għall-għotja ta' approprjazzjonijiet addizjonali maħsuba biex jiffinanzjaw in-nefqa li għaliha dan id-dħul ikun allokat.

# Nefqa — NEFQA

## Titolu A4 — Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal

*Figuri*

Klassifikazzjoni skond it-tip

| Titolu Kapitolu | Intestatura | FF | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|---|
| A4 01 | NEFQA AMMINISTRATTIVA | 5 | 17 875 000 | 17 043 950 | 15 707 255,61 |
| | 40 01 40 | | | 500 000<br>17 543 950 | |
| A4 02 | KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI, SERVIZZI U ATTIVITAJIET INTERISTITUZZJONALI | 5 | 7 347 000 | 6 147 800 | 7 835 703,96 |
| | 40 02 40 | | | 1 000 000<br>7 147 800 | |
| A4 03 | KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI GĦAT-TAĦRIĠ | 5 | 3 487 000 | 3 537 000 | 4 108 247,00 |
| A4 10 | RIŻERVI | 5 | | p.m. | 0,— |
| | **Kapitolu A4 — Total** | | **28 709 000** | **26 728 750** | **27 651 206,57** |
| | **Of which Reserves: 40 01 40, 40 02 40** | | | **1 500 000** | |

## Kapitolu A4 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA

*Figuri*

Klassifikazzjoni skond it-tip

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| A4 01 | NEFQA AMMINISTRATTIVA | | | | | |
| ***A4 01 01*** | ***Nefqa konnessa mal-istaff f'impjieg attiv*** | 5 | 10 613 000 | 10 048 000 | 9 785 291,68 | 92,20 % |
| | 40 01 40 | | | 500 000<br>10 548 000 | | |
| ***A4 01 02*** | ***Ħaddiema barranin u spejjeż oħra ta' ġestjoni*** | | | | | |
| A4 01 02 01 | Persunal estern | 5 | 1 560 000 | 1 560 000 | 1 486 500,00 | 95,29 % |
| A4 01 02 11 | Nefqa oħra relatata mat-tmexxija | 5 | 674 000 | 674 950 | 1 039 267,44 | 154,19 % |
| | *Partita A4 01 02 — Sub-total* | | 2 234 000 | 2 234 950 | 2 525 767,44 | 113,06 % |
| ***A4 01 03*** | ***Bini u nefqa relatata*** | 5 | 5 023 000 | 4 754 000 | 3 392 514,49 | 67,54 % |
| ***A4 01 50*** | ***Politika tal-personal u t-tmexxija*** | 5 | p.m. | p.m. | 0,— | |
| ***A4 01 51*** | ***Politika tal-infrastruttura u t-tmexxija*** | 5 | p.m. | p.m. | 0,— | |
| ***A4 01 60*** | ***Stokks għal-libreriji, xiri ta' kotba*** | 5 | 5 000 | 7 000 | 3 682,00 | 73,64 % |
| | **Artikolu A4 01 — Total** | | **17 875 000** | **17 043 950** | **15 707 255,61** | **87,87 %** |
| | **40 01 40**<br>**Total + riżerva** | | | **500 000**<br>**17 543 950** | | |

### *Artikolu A4 01 01 — Nefqa konnessa mal-istaff f'impjieg attiv*

*Figuri*

| | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|
| A4 01 01 | 10 613 000 | 10 048 000 | 9 785 291,68 |
| 40 01 40 | | 500 000 | |
| Total | 10 613 000 | 10 548 000 | 9 785 291,68 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri, għall-uffiċjali u l-ħaddiema temporanji li jkollhom post fuq il-pjan tal-istabbiliment:

— salarji, benefiċċji u ħlasijiet marbuta mas-salarji,

— assigurazzjonijiet kontra inċidenti u mard u ħlasijiet oħra ta' sigurtà soċjali,

— assigurazzjoni kontra l-qgħad għall-ħaddiema temporanji u ħlasijiet mill-istituzzjoni f'isem il-ħaddiema temporanji sabiex dawn biex jiksbu jew iżommu d-drittijiet tal-pensjoni fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom,

— benefiċċji u għotjiet varji oħra,

— il-valur tal-piżijiet applikabbli għall-ħlas ta' uffiċjali u ħaddiema temporanji u l-valur tal-piżijiet applikat lill-parti mis-salarji li tiġi ttrasferita lejn pajjiż differenti minn dak tal-impjieg,

— l-ispejjeż tal-ivvjaġġar li għandhom jingħataw lill-uffiċjali u lill-ħaddiema temporanji (inklużi l-familji tagħhom) meta jibdew l-impjieg, meta jtemmu l-impjieg jew meta jiġu trasferiti f'post ieħor,

— il-benefiċċji biex jistabbilixxu ruħhom jew biex jerġgħu jistabbilixxu ruħhom li għandhom jingħataw lill-uffiċjali li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza tagħhom meta dawn jibdew impjieg jew meta jiġu trasferiti f'post ieħor, u meta dawn itemmu l-impjieg u jmorru jgħixu imkien ieħor,

— l-ispejjeż ta' ġarr li jridu jitħallsu lill-uffiċjali u lill-ħaddiema temporanji li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza meta dawn jibdew impjieg jew meta dawn imorru f'post ta' impjieg ġdid, u meta jtemmu l-impjieg u jmorru jgħixu imkien ieħor,

— il-valur tal-aġġustamenti kollha lis-salarji li jkun ġew approvati mill-Kunsill matul is-sena finanzjarja,

— il-konċessjonijiet u l-ħlasijiet b'rati fissi u fis-siegħa għal sahra maħduma minn uffiċjali fil-kategorija AST u minn personal lokali li ma setax jingħata *leave* kompensatorju skont il-proċeduri stabbiliti,

— *allowance* ta' sussistenza ta' kuljum għaluffiċjali u persunal temporanju li jiġġustifikaw il-bżonn li jibdlu l-post ta' residenza tagħhom meta jibdew impjieg jew meta jiġu trasferiti lejn post ġdid ta' impjieg,

— l-infiq addizzjonali b'riżultat ta' ssekondar ta' uffiċjali tal-Unjoni, jiġifieri sabiex jitħallsu benefiċċji u jkunu rimborsati l-ispejjeż li l-issekondar jintitolahom għalihom. Din hija maħsuba wkoll biex tkopri l-ispejjeż marbuta ma' skemi ta' taħriġ speċifiku ma' amministrazzjonijiet u entitajiet tal-Istati Membri u ta' pajjiżi terzi.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu A4 01 02 — Ħaddiema barranin u spejjeż oħra ta' ġestjoni*

### Partita A4 01 02 01 — Persunal estern

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 1 560 000 | 1 560 000 | 1 486 500,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— ir-remunerazzjoni ta' persunal kuntrattwali (skont it-tifsira tat-Titolu IV tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg), l-iskema ta' assigurazzjoni soċjali tal-istituzzjoni li tkopri l-personal kuntrattwali, kif deskritt fit-Titolu IV, u l-ispiża tal-piżijiet applikabbli għar-remunerazzjoni ta' dan il-persunal,

— in-nefqa li tkun saret (salarji, assigurazzjoni, eċċ.) minħabba l-impjegar ta' ħaddiema mqabbda minn barra li jkunu jaħdmu b'kuntratt ta' liġi privata u minħabba l-impjegar ta' ħaddiema temporanji,

— in-nefqa li tkun saret minħabba ħaddiema li jkunu ddaħħlu f'kuntratti ta' servizz għal xogħol tekniku u amministrattiv, għalgħajnuna addizzjonali u għall-provvista ta' servizzi ta' natura intellettwali,

— in-nefqa marbuta mas-*secondment* jew assenjazzjoni temporanja lill-Uffiċċju, ta' uffiċjali fis-servizzi ċivili tal-Istati Membri u ta' esperti oħra kif ukoll l-ispejjeż supplimentari li jirriżultaw mis-secondment ta' uffiċjali lill-amministrazzjonijiet nazzjonali jew lill-organizzazzjonijiet internazzjonali,

— il-valur ta' kull aġġustament fil-ħlasijiet li jkun ġie approvat mill-Kunsill matul is-sena finanzjarja,

— In-nefqa marbuta ma' servizzi ta' tradutturi u lingwisti li jaħdmu għal rashom u xogħol ta'tajping u xogħol ieħor li ma jkunx jista' jsir mis-servizz tat-Traduzzjoni.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-regoli li jikkontrollaw l-għażla u l-ħlas u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 fuq ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## Partita A4 01 02 11 — Nefqa oħra relatata mat-tmexxija

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 674 000 | 674 950 | 1 039 267,44 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— L-ispejjeż tal-ivvjaġġar, benefiċċji għall-għajxien ta' kuljum u spejjeż anċillari jew eċċezzjonali li jkunu saru b'rabta ma' missjonijiet tal-istaff Uffiċjali u minn esperti jew uffiċjali nazzjonali jew internazzjonali li jkunu ġew seconded,

— ir-rimbors ta' spejjeż li jkunu saru minn persuni li jkunu qed jirrappreżentaw lill-Uffiċċju (ir-rimbors ma jkunx possibbli għal spejjeż li jkunu saru fit-twettiq ta' obbligi ta' rappreżentazzjoni minn ħaddiema fejn għandhom x'jaqsmu l-Kummissjoni jew istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni),

— l-ispejjeż ta' vvjaġġar, ta' għajxien u spejjeż anċillari ta' esperti li jkunu qed jieħdu sehem fi gruppi ta' studju u ta' ħidma, u l-ispejjeż inċidentali għall-organizzazzjoni ta' laqgħat fejn dawn ma jkunux koperti bl-infrastruttura li teżisti fil-kwartieri ġenerali tal-istituzzjonijiet jew fl-uffiċċji esterni (l-esperti jitħallsu lura fuq il-bażi tad-deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Kummissjoni),

— l-infiq varju marbut ma' konferenzi, kungressi u laqgħat li fihom jieħu sehem l-Uffiċċju,

— l-ispejjeż marbuta ma' taħriġ bil-ħsieb li jissaħħu l-ħiliet tal-ħaddiema, u l-kapaċità u l-effiċjenza tal-Uffiċċju:

  — miżati li jitħallsu lill-esperti għall-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet ta' taħriġ, it-tfassil, l-iżvilupp u t-twettiq ta' korsijiet, kif ukoll biex jagħmlu valutazzjoni u jimmonitorjaw ir-riżultati,

  — miżati għall-konsulenza f'diversi oqsma, l-aktar f'metodi ta' organizzazzjoni, ġestjoni, strateġija, kwalità u tmexxija tal-ħaddiema,

  — l-ispiża biex wieħed jattendi għal taħriġ barrani u biex jissieħeb ma' organizzazzjonijiet professjonali rilevanti,

  — in-nefqa marbuta mal-aspetti prattiċi tal-organizzazzjoni ta' dawn il-korsijiet, mal-użu tal-bini u trasport u mal-ispiża tal-ikel u l-akkommodazzjoni għall-parteċipanti ta' korsijiet residenzjali,

  — in-nefqa għal taħriġ marbut ma' pubblikazzjonijiet u tagħrif, ma' siti tal-Internet relatati u max-xiri ta' tagħmir għat-tagħlim, mal-miżati u mal-liċenzji għal tagħlim b'distanza, ma' kotba, ma' prodotti stampati u multimedia,

  — l-iffinanzjament ta'materjal edukattiv,

— il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, l-ispejjeż tal-ivjaġġar u l-konċessjonijiet ta' sussistenza ta' interpreti *freelance* u oħrajn li m'humiex permanenti msejħa mid-DĠ Interpretazzjoni għal laqgħat ta' servizz organizzati mill-Uffiċju li ma setgħux jinqdew mill-interpreti tal-Kummissjoni (uffiċjali u personal temporanju).

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-regoli li jikkontrollaw l-għażla u l-ħlas u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

## *Artikolu A4 01 03 — Bini u nefqa relatata*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 5 023 000 | 4 754 000 | 3 392 514,49 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-bini tal-Uffiċċju u infiq ieħor relatat, partikolarment:

- il-ħlas ta' kera u taxxi oħra li għandhom x'jaqsmu ma' bini jew partijiet ta' bini li qed jintużaw, kif ukoll il-kera ta' swali ta' konferenzi, mħażen, garaxxijiet u faċilitajiet ta' parkeġġ,
- il-primja tal-assigurazzjoni fuq il-bini jew ta' partijiet ta' bini li jintużaw mill-Uffiċċju,
- l-ispejjeż tal-konsum ta' ilma, gass, elettriku u enerġija għat-tisħin tal-bini jew partijiet tal-bini li jintużaw mill-Uffiċċju,
- l-ispejjeż għall-manutenzjoni, maħduma fuq il-bażi ta' kuntratti kurrenti, tal-bini, l-liftijiet, t-tisħin ċentrali, t-tagħmir tal-arja kkundizzjonata, eċċ.; l-ispejjeż li jirriżultaw minn tindif perjodiku, x-xiri ta' prodotti għall-manutenzjoni, għall-indafa, għall-ħasil tal-ħwejjeż u għad-dry cleaning, eċċ., u kif ukoll għal tibjid, tiswijiet u provvisti użati mill-workshops tal-manutenzjoni,
- in-nefqa marburta mat-trattament selettiv, il-ħażna u t-tneħħija ta' skart,
- xogħol ta' titjib tal-bini, eż. tibdil fit-tqassim, tibdil f'sistemi tekniċi u xogħol speċjalizzat ieħor fuq serraturi, tagħmir tal-elettriku, plumbing, żebgħa, kisi ta' art, eċċ., u l-ispejjeż marbuta mat-tibdil ta' kejbils li għandhom x'jaqsmu ma' oġġetti li jintużaw fil-bini, u n-nefqa għat-tagħmir meħtieġ marbut mat-titjib tal-bini (qabel kuntratti għal ammont li jaqbeż it-300 000 Euro jiġġeddu jew jintemmu, u bil-ħsieb li tkun ikkontrollata n-nefqa, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, il-valuta li tintgħażel, l-indiċjar, il-perjodu ta' żmien, klawsoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minn dawn għal kuntratt simili),
- l-ispejjeż marbuta mas-sigurtà fiżika u materjali ta' persuni u proprjetà, l-aktar il-kuntratti marbuta mal-ħarsien tal-bini, kuntratti għall-manutenzjoni ta' installazzjonijiet tas-sigurtà u x-xiri ta' oġġetti żgħar ta' tagħmir (qabel ma kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 jiġġeddu jew jintemmu, u bil-ħsieb li tkun ikkontrollata n-nefqa, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, il-valuta li tintgħażel, l-indiċjar, il-perjodu ta' żmien, klawsoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minn dawn għal kuntratt simili),
- spejjeż marbuta mal-indafa u s-sigurtà tal-individwi fuq il-post tax-xogħol, l-aktar ix-xiri, il-kera u l-manutenzjoni ta' tagħmir għat-tifi tan-nar, ir-rifორniment tat–tagħmir tal-uffiċjali li jagħtu l-ewwel għajnuna f'każ ta' nar u l-ispejjeż ta' spezzjonijiet mandatorji (qabel ma kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR300 000 jiġġeddu jew jintemmu, u bil-ħsieb li tkun ikkontrollata n-nefqa, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, il-valuta li tintgħażel, l-indiċjar, il-perjodu ta' żmien, klawsoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minn dawn għal kuntratt simili),
- l-ispejjeż ta' konsultazzjoni legali, finanzjarja u teknika qabel l-akkwist, il-kera jew il-kostruzzjoni ta' bini,
- spejjeż oħra fuq il-bini, l-aktar l-ispejjeż tal-ġestjoni ta' bini mikri lil diversi entitajiet, l-ispejjeż ta' stħarriġ dwar il-qagħda tal-bini u spejjeż ta' utilità (taxxa fuq l-iskart, il-ġbir tal-iskart eċċ.),
- xi nfiq għall-għajnuna teknika marbuta ma' xogħolijiet ta' titjib konsiderevoli,
- ix-xiri, l-kiri jew id-depożitu ta' garanzija, l-manutenzjoni, t-tiswija, l-istallazzjoni u r-riforniment ta' tagħmir u materjal tekniku u partikolarment:
  - tagħmir (inklużi photocopiers) għall-produzzjoni, ir-riproduzzjoni u l-arkivjar ta' dokumenti f'kull għamla (karta, media elettronika),
  - tagħmir awdjoviżiv, tal-librerija u għall-interpretazzjoni (kabini, headsets u unitajiet tal-iswiċċijiet għall-faċilitajiet ta' interpretazzjoni simultanja, eċċ.),
  - attrezzaturi tal-canteen u tagħmir tar-restoranti,

  - għodod varji għall-workshops tal-manutenzjoni tal-bini,
  - faċilitajiet meħtieġa għall-uffiċċjali b'diżabbiltà,

kif ukoll studji, dokumentazzjoni u taħriġ marbut ma' dan it-tagħmir,

- ix-xiri, il-kiri, il-manutenzjoni, u t-tiswija ta' għamara, u partikolarment:
  - ix-xiri ta' għamara tal-uffiċċju u għamara speċjalizzata, inkluż għamara ergonomika, xkaffar għall-arkivji, eċċ,
  - il-bdil ta' għamara mherrija u mkissra,
  - provista ta' tagħmir speċjali għal-libreriji (indiċijiet tal-karti, xkaffar, unitajiet tal-katalogar, eċċ.),
  - attrezzaturi speċifiċi għall-*canteens* u ristoranti,
  - il-kiri ta' għamara,
  - l-ispejjeż għall-manutenzjoni u t-tiswija ta' għamara,
- ix-xiri, l-kiri, l-manutenzjoni, u t-tiswija ta' vetturi, u b'mod partikolari:
  - xiri ta' vetturi ġodda,
  - il-bdil ta' vetturi li, matul is-sena, għamlu tant mili li l-bdil tagħhom huwa ġġustifikat,
  - l-ispejjeż ta' kiri ta' karozzi għall-perijodi qosra jew twal meta d-domanda taqbeż il-kapaċità tal-flotta tal-vetturi,
  - l-ispejjeż tal-manutenzjoni, t-tiswija u l-assigurazzjoni ta' vetturi uffiċjali (xiri ta' karburant, lubrifikanti, tajers, it-tubi ta' ġewwa, provisti varji, spare parts, għodod, eċċ),
  - għamliet differenti ta' assigurazzjoni (l-aktar dik ta' terza parti u serq),
- in-nefqa fuq tagħmir tax-xogħol, u l-aktar:
  - ix-xiri ta' uniformijiet għall-messaġġiera u x-xufiera,
  - ix-xiri u t-tindif ta' ħwejjeġ tax-xogħol għan-nies li jaħdmu fil-workshops u għal dawk li għandhom jagħmlu xogħolijiet fejn jeħtieġu protezzjoni kontra l-maltemp jew il-kesħa, l-wear and tear mhux normali u t-tbajja',
  - ix-xiri jew ħlas lura tal-ispejjeż ta' kull tagħmir li jista' jkun meħtieġ skont il-kuntest tal-applikazzjoni tad-Direttivi 89/391/KEE u 90/270/KEE,
- l-ispejjeż ta' ġarr, ri-organizzazzjoni u ġestjoni dipartimentali (it-twassil, il-ħażna, it-tqegħid) b'rabta ma' tagħmir, għamara u provvisti tal-uffiċċju,
- in-nefqa biex il-bini jkun mgħammar b'telekomunikazzjonijiet, l-aktar ix-xiri, il-kera, it-twaħħil u l-manutenzjoni ta' switchboards u distributuri tat-telefon, sistemi ta' awdjo, vidjokonferenza, telefonija interna u telefonija ċellulari, u n-nefqa fuq networks ta' data (tagħmir u manutenzjoni) u servizzi relatati (it-tmexxija, l-appoġġ, id-dokumentazzjoni, l-installazzjoni u t-tneħħija),
- ix-xiri, il-kera jew id-depożitu ta' garanzija u l-manutenzjoni ta' kompjuters, terminali, kompjuters żgħar, apparat periferali, tagħmir ta' konnessjoni u s-softwer tal-kompjuter meħtieġa,
- ix-xiri, il-kera jew id-depożitu ta' garanzija u l-manutenzjoni ta' tagħmir b'rabta mal-preżentazzjoni l-informazzjoni f'għamla stampata, eż. printers, magni tal-fax, photocopiers, scanners u microcopiers,
- ix-xiri, il-kera jew id-depożitu ta' garanzija għal typewriters u word processors u kull tagħmir elettroniku ieħor li jintuża fl-uffiċċju,
- l-installazzjoni, il-konfigurazzjoni, il-manutenzjoni, l-istudji, id-dokumentazzjoni u l-provvisti marbuta ma' dan it-tagħmir,
- in-nefqa għax-xiri ta' karti, invilops, provvisti tal-uffiċju u provvisti oħra għall-istamperiji, u għal xi stampar li jsir fuq barra,
- l-ispejjeż ta' tariffi tal-posta u tal-konsenja postali, għall-pakketti postali u oħrajn li jintbagħtu bl-ajru, bil-baħar jew bil-ferrovija, u għall-posta interna tal-Uffiċċju,
- spejjeż ta' miżati u l-ispejjeż ta' komunikazzjoni bil-cable jew bir-radju (telefons fissi u ċellulari, televixin, telekonferenza u vidjokonferenza), spejjeż ta' networks ta' trasmissjoni ta' data, servizzi tal-komunikazzjoni tad-data, eċċ., u x-xiri ta' direttorji,
- l-ispejjeż tal-links tat-telefon u tal-kompjuter bejn bini differenti u tal-linji tat-trasmissjoni internazzjonali bejn il-postijiet ta' uffiċċji tal-Unjoni,
- appoġġ tekniku u loġistiku, taħriġ u attivitajiet oħra ta' interess ġenerali relatati ma' tagħmir u softwer tal-kompjuter, taħriġ ġenerali tal-kompjuter, abbonamenti għal dokumentazzjoni teknika kemm f'forma stampata jew f'forma elettronika, eċċ.,

ħaddiema tal-operazzjoni esterni, servizzi tal-Uffiċċju, abbonamenti ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, eċċ, studji fuq assigurazzjoni tas-sigurtà u l-kwalità relatati ma' tagħmir u software tal-kompjuter, l-ispejjeż tal-użu, tal-manutenzjoni, u tażżamma u l-iżvilupp tas-software, u tat-twettiq ta'proġetti informatiċi.

Infiq ieħor funzjonali li mhuwiex speċifikament imniżżel fuq, bħalma huma l-miżati għall-parteċipazzjoni f'konferenzi (esklużi l-ispejjeż tat-taħriġ), miżati ta' sħubija f'għaqdiet kummerċjali u xjentifiċi, l-ispiża biex jiddaħħlu d-dettalji f'direttorji telefoniċi.

(Qabel ma kuntratti għal ammont li jaqbeż it-300 000 Euro jiġġeddu jew jintemmu, u bil-ħsieb li tkun ikkontrollata n-nefqa, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, il-valuta li tintgħażel, l-indiċjar, il-perjodu ta' żmien, klawsoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minn dawn għal kuntratt simili).

*Bażi ġuridika*

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar id-dħul ta' miżuri biex jinkuraġġixxu t-titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-kriterji minimi tas-sigurtà u s-saħħa għal xogħol li jkun jinkludi l-użu ta' tagħmir bl-iskrin (il-ħames Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artiklu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu A4 01 50 — Politika tal-personal u t-tmexxija*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— l-għajnuna li tista' tingħata lil uffiċjal, eks-uffiċjal jew is-superstiti ta' uffiċjal li jkun miet u li hu/huma f'ċirkustanzi diffiċli ħafna,

— l-għajnuna mill-Uffiċċju għall-ispejjeż taċ-ċentru ta' rikreazzjoni u għal attivitajiet oħra kulturali u sportivi li jinkoraġġixxu l-kuntatt soċjali bejn il-ħaddiema ta' nazzjonalitajiet differenti li jaħdmu fl-Uffiċċju,

— il-kontribuzzjoni tal-Uffiċċju għall-għall-ispejjeż tal-faċilitajiet fejn jieħdu ħsieb it-tfal u għat-trasport tal-iskola,

— infiq, bħala parti minn politika favur nies b'diżabbiltà, għall-persuni li jkunu f'dawn il-kategoriji:

  — uffiċjali u ħaddiema temporanji f'impjieg attiv,

  — konjuġi ta' uffiċjali u ħaddiema temporanji f'impjieg attiv,

  — it-tfal dipendenti kollha skont it-tifsira tar-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ikopri, fil-limiti tal-ammont li jkun iddaħħal fil-baġit u wara li kull intitolament nazzjonali mogħti fil-pajjiż tar-residenza jew tal-oriġini jkun intalab, kull spiża infiq mhux ta'natura medika li jkun meqjus meħtieġ, li jkun b'riżultat ta'xi diżabilità u li jkun iġġustifikat.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

## *Artikolu A4 01 51 — Politika tal-infrastruttura u t-tmexxija*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— l-ispejjeż ta’ rutina marbutin mat-tmexxija u l-konverżjoni ta’ restoranti, kafetteriji u *canteens*,

— ħsarat li għandhom jinġarru mill-Uffiċċju u dawk li jkunu ġejjin minn obbligazzjonijiet ta’ responsabbilità ċivili, u n-nefqa marbuta ma’ ċerti każi fejn, għall-raġunijiet ta’ ekwità, il-kumpens għandu jitħallas mingħajr l-ebda talba legali.

## *Artikolu A4 01 60 — Stokks għal-libreriji, xiri ta’ kotba*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 5 000 | 7 000 | 3 682,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri l-infiq fuq il-produzzjoni u l-iżvilupp tas-sit tal-intranet tal-uffiċċju bħala parti mis-sit tal-intranet tal-Kummissjoni (Intracomm), is-sottoskrizzjonijiet għal aċċess għad-dejta, l-ispejjeż ta’ legatura u spejjeż oħra meħtieġa għall-preservazzjoni ta’ kotba u pubblikazzjonijiet, infiq fuq sottoskrizzjonijiet għal gazzetti, rivisti speċjalizzati, u x-xiri ta’ publikazzjonijiet u xogħlijiet tekniċi marbuta mal-attivitajiet tal-Uffiċċju.

# Kapitolu A4 02 — KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI, SERVIZZI U ATTIVITAJIET INTERISTITUZZJONALI

*Figuri*

Klassifikazzjoni skond it-tip

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| A4 02 | KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI, SERVIZZI U ATTIVITAJIET INTERISTITUZZJONALI | | | | | |
| ***A4 02 01*** | ***Kooperazzjoni interistituzzjonali, servizzi interistituzzjonali u attivitajiet*** | | | | | |
| A4 02 01 01 | Kompetizzjonijiet interistituzzjonali | 5 | 7 258 000 | 6 038 550 | 7 820 703,96 | 107,75 % |
| | 40 02 40 | | | 1 000 000<br>7 038 550 | | |
| A4 02 01 02 | Konsultazzjonijiet limitati, studji u sondaġġi | 5 | 75 000 | 95 000 | 0,— | |
| A4 02 01 03 | Kostijiet ta’ laqgħat interni | 5 | 14 000 | 14 250 | 15 000,00 | 107,14 % |
| | *Partita A4 02 01 — Sub-total* | | 7 347 000 | 6 147 800 | 7 835 703,96 | 106,65 % |
| | *40 02 40* | | | 1 000 000<br>7 147 800 | | |
| | **Artikolu A4 02 — Total** | | **7 347 000** | **6 147 800** | **7 835 703,96** | **106,65 %** |
| | **40 02 40**<br>**Total + riżerva** | | | **1 000 000**<br>**7 147 800** | | |

## *Artikolu A4 02 01 — Kooperazzjoni interistituzzjonali, servizzi interistituzzjonali u attivitajiet*

*Kummenti*

Fil-qafas tal-Programm ta’ Żvilupp tal-EPSO, l-Uffiċċju mmodernizza l-metodi ta’ għażla tiegħu bil-għan li jissodisfa l-bżonnijiet attwali u futuri tal-istituzzjonijiet b’mod iktar kost-effettiv u effiċjenti billi:

— itejjeb l-ippjanar tal-Kompetizzjonijiet biex jagħżel il-persunal xieraq fil-waqt xieraq u jtejjeb l-użu tal-listi ta’ riżerva,

— Inaqqas iż-żmien tal-proċess tal-għażla,

— itejjeb b’mod konsiderevoli l-kwalità tal-proċess tal-għażla sabiex l-istituzzjonijiet ikunu jistgħu jimpjegaw l-aħjar persunal għal karriera tul il-ħajja billi jagħżlu kandidati abbażi tal-kompetenzi meħtieġa biex isir ix-xogħol, u billi jipprofessjonalizzaw ix-

xogħol tal-bord tal-għażla,

— jistabbilixxi immaġni pożittiva u moderna għall-Istituzzjonijiet bħala impjegaturi sabiex ikunu nistgħu jiġbdu lejhom l-aħjar persunal fil-kuntest ta' suq tal-impjiegi li iktar ma jmur iktar qed isir kompettittiv,

— jipprovdi l-faċilitajiet kollha neċessarji biex jippermetti l-parteċipazzjoni ta' applikanti b'diżabilità.

## Partita A4 02 01 01 — Kompetizzjonijiet interistituzzjonali

*Figuri*

| | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|
| A4 02 01 01 | 7 258 000 | 6 038 550 | 7 820 703,96 |
| 40 02 40 | | 1 000 000 | |
| Total | 7 258 000 | 7 038 550 | 7 820 703,96 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li tkun saret b'riżultat tal-proċeduri involuti fl-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet differenti.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 18(1)(e) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jlaħħaq l-EUR 250 000.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u l-aktar l-Artikoli 27 sa 31 u 33 u l-Anness III tagħhom.

## Partita A4 02 01 02 — Konsultazzjonijiet limitati, studji u sondaġġi

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 75 000 | 95 000 | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa fuq studji u konsultazzjonijiet speċjalizzati li jkunu ġew ikkuntrattati lil esperti kkwalifikati ħafna (individwi jew kumpaniji) jekk il-Kummissjoni ma jkollhiex ħaddiema addattati biex jagħmlu dan ix-xogħol. Din tkopri wkoll ix-xiri ta' studji li jkunu saru diġà jew miżati ta' sħubija f'istituzzjonijiet ta' riċerka speċjalizzata.

## Partita A4 02 01 03 — Kostijiet ta' laqgħat interni

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 14 000 | 14 250 | 15 000,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tax-xorb, u xi kultant l-ikel, li jiġi servut matul laqgħat interni, l-aktar il-laqgħat ta' bordijiet tal-għażla u ta' tradutturi.

## KAPITOLU A4 03 — KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI GĦAT-TAĦRIĠ

*Figuri*

Klassifikazzjoni skond it-tip

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| A4 03 | KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI GĦAT-TAĦRIĠ | | | | | |
| ***A4 03 01*** | ***L-Iskola Ewropea tal-Amministrazzjoni (EAS)*** | | | | | |
| A4 03 01 01 | Taħriġ ta’ ġestjoni | 5 | 1 344 000 | 1 360 000 | 1 503 220,08 | 111,85 % |
| A4 03 01 02 | Korsijiet tad-dħul fis-servizz | 5 | 1 090 000 | 1 127 000 | 1 367 026,92 | 125,42 % |
| A4 03 01 03 | Taħriġ għaċ-ċertifikazzjoni | 5 | 1 053 000 | 1 050 000 | 1 238 000,00 | 117,57 % |
| | *Partita A4 03 01 — Sub-total* | | 3 487 000 | 3 537 000 | 4 108 247,00 | 117,82 % |
| | **Artikolu A4 03 — Total** | | **3 487 000** | **3 537 000** | **4 108 247,00** | **117,82 %** |

### *Artikolu A4 03 01 — L-Iskola Ewropea tal-Amministrazzjoni (EAS)*

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tat-taħriġ ġenerali organizzat mill-Iskola Ewropea tal-Amministrazzjoni (EAS) bil-ħsieb li jissaħħu l-ħiliet tal-ħaddiema kif ukoll il-kapaċità u l-effiċjenza tal-istituzzjonijiet li jkunu qed jieħdu sehem, inkluż:

- miżati li jitħallsu lill-esperti għal studji biex jidentifikaw il-ħtiġijiet ta’ taħriġ, għat-tfassil, għall-iżvilupp u għat-twettiq ta’ korsijiet, kif ukoll biex jagħmlu valutazzjoni u jimmonitorjaw ir-riżultati,
- miżati għall-konsultazzjoni f’diversi oqsma, l-aktar f’metodi ta’ organizzazzjoni, tmexxija, strateġija, kwalità u tmexxija tal-ħaddiema,
- in-nefqa li tkun saret fit-tfassil, il-koordinazzjoni u l-valutazzjoni tat-taħriġ organizzat mill-Iskola f’għamla ta’ korsijiet, seminars u konferenzi (trejners/kelliema u l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u s-sosteniment tagħhom flimkien mal-materjal tat-tagħlim),
- il-kostijiet ta’ parteċipazzjoni f’taħriġ minn barra, u miżati tas-sħubija f’organizzazzjonijiet professjonali rilevanti,
- il-kostijiet biex l-Iskola jkollha netwerk, fuq livell Ewropew, ma’ skejjel ta’ amministrazzjoni nazzjonali u ma’ istituti universitarji li jkunu jaħdmu f’dan il-qasam, bil-ħsieb li jkun hemm skambju ta’ esperjenzi, li jinstabu eżempji tal-aħjar prattika u li jkun hemm kooperazzjoni fl-iżvilupp ta’ aktar taħriġ fl-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej,
- in-nefqa marbuta mal-aspetti prattiċi tal-organizzazzjoni ta’ dawn il-korsijiet, mal-użu ta’ bini u trasport u mal-ikel u l-akkommodazzjoni għall-parteċipanti ta’ korsijiet residenzjali,
- in-nefqa għat-taħriġ marbuta ma’ pubblikazzjonijiet u tagħrif, siti tal-Internet relatati u xiri ta’ tagħmir ta’ tagħlim, il-miżati u l-liċenzji għal tagħlim b’distanza, kotba, prodotti stampati u ta’ multimedia,
- l-iffinanzjar ta’ materjal edukattiv.

*Bażi ġuridika*

Deċiżjoni 2005/119/KE tas-Segretarji Ġenerali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, tal-Kumitat tar-Reġjuni u tar-Rappreżentant tal-Ombudsman Ewropew tas-26 ta’ Jannar 2005 dwar l-organizzazzjoni u t-tmexxija tal-Iskola Amministrattiva Ewropea (ĠU L 37, 10.2.2005, p. 17).

#### Partita A4 03 01 01 — Taħriġ ta’ ġestjoni

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 1 344 000 | 1 360 000 | 1 503 220,08 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għat-taħriġ għall-uffiċjali u ħaddiema oħra f'metodi ta' tmexxija (kwalità u tmexxija tal-ħaddiema, strateġija).

It-total tad-dħul allokat skont l-Artikolu 18(1) minn (e) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju hu stmat li jilħaq il-EUR 100 000.

### Partita A4 03 01 02 — Korsijiet tad-dħul fis-servizz

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 1 090 000 | 1 127 000 | 1 367 026,92 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għat-taħriġ fl-ambjent tax-xogħol tal-Istituzzjonijiet kemm għall-uffiċjali ġodda kif ukoll għall-ħaddiema li jkunu għadhom kemm ġew irreklutati

It-total tad-dħul allokat skont l-Artikolu 18(1) minn (e) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju hu stmat li jilħaq l-EUR 40 000.

### Partita A4 03 01 03 — Taħriġ għaċ-ċertifikazzjoni

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 1 053 000 | 1 050 000 | 1 238 000,00 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa għat-taħriġ ta' tħejjija għall-uffiċjali biex ikollhom ċertifikat li jkun jagħti xhieda tal-ħila tagħhom li jwettqu l-obbligi ta' amministratur bil-ħsieb li dawn jiġu ttrasferiti lejn grupp ogħla ta' funzjoni.

It-total tad-dħul allokat skont l-Artikolu 18(1) minn (e) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju hu stmat li jilħaq is-EUR 16 000.

# Kapitolu A4 10 — RIŻERVI

*Figuri*

Klassifikazzjoni skond it-tip

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| A4 10 | RIŻERVI | | | | | |
| ***A4 10 01*** | ***Approprjazzjonijiet proviżorji*** | 5 | | p.m. | 0,— | |
| ***A4 10 02*** | ***Riżerva ta' Kontinġenza*** | 5 | | p.m. | 0,— | |
| | **Artikolu A4 10 — Total** | | | **p.m.** | **0,—** | |

## *Artikolu A4 10 01 — Approprjazzjonijiet proviżorji*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

L-approprjazzjonijiet imdaħħla f'dan il-kapitolu huma purament provviżorji u jistgħu jintużaw biss wara t-trasferiment tagħhom għal kapitoli oħra skont il-proċedura stabbilita għal dak l-iskop fir-Regolament Finanzjarju.

## Re-use replacement error

*Għanijiet ġenerali*

The re-use at this position could not be replaced due to the following error:

Reuse property filter class not found: No filter name/type is specified

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 fuq ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

### *Artikolu A4 10 02 — Riżerva ta’ Kontinġenza*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| | p.m. | 0,— |

# Anness A5 — Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali

## Dħul — Dħul

*Figuri*

| Titolu | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| 4 | MIXXELANJA TA’ TAXXI, LEVIES U AMMONTI DOVUTI TAL-UNJONI | 4 118 000 | 3 958 000 | p.m. |
| 6 | kontribuzzjoni għall-programmi tal-Unjoni, ħlas lura ta’ nfiq u dħul | p.m. | p.m. | p.m. |
| | **Total** | **4 118 000** | **3 958 000** | **p.m.** |

## Titolu 4 — MIXXELANJA TA’ TAXXI, LEVIES U AMMONTI DOVUTI TAL-UNJONI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| 4 0 | TNAQQIS MINN RIMUNERAZZJONI | 1 399 000 | 1 414 000 | p.m. |
| 4 1 | KONTRIBUZZJONI GĦALL-ISKEMA TA’ PENSJONIJIET | 2 719 000 | 2 544 000 | |
| | **Titolu 4 — Total** | **4 118 000** | **3 958 000** | **p.m.** |

## Kapitolu 4 0 — TNAQQIS MINN RIMUNERAZZJONI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 4 0 | TNAQQIS MINN RIMUNERAZZJONI | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| *4 0 0* | ***Dħul mit-taxxa fuq is-salarji, pagi u allowances ta' uffiċjali u impjegati oħra*** | 1 157 000 | 1 191 000 | | |
| *4 0 3* | ***Ħlasijiet mill-kontribuzzjoni temporanja mis-salarji tal-uffiċjali u ta' ħaddiema oħra li huma impjegati attivament*** | p.m. | p.m. | p.m. | |
| *4 0 4* | ***Kontribut temporanju speċjali li jaffettwa r-remunerazzjonijiet tal-uffiċjali u ta' ħaddiema oħra li huma impjegati attivament*** | 242 000 | 223 000 | | |
| | **Kapitolu 4 0 — Total** | **1 399 000** | **1 414 000** | **p.m.** | |

## *Artikolu 4 0 0 — Dħul mit-taxxa fuq is-salarji, pagi u allowances ta' uffiċjali u impjegati oħra*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 1 157 000 | 1 191 000 | |

*Kummenti*

Dan id-dħul jinkludi d-dħul mit-taxxa fuq is-salarji, il-pagi u l-benefiċċji tal-uffiċjali u ħaddiema oħra mnaqqsa kull xahar mis-salarji tal-impjegati tal-Uffiċċju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 1968 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċedura biex tkun applikata t-taxxa għall-benefiċċju tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 8).

*Atti ta' referenza*

Il-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropoea, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu.

## *Artikolu 4 0 3 — Ħlasijiet mill-kontribuzzjoni temporanja mis-salarji tal-uffiċjali u ta' ħaddiema oħra li huma impjegati attivament*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | p.m. |

*Kummenti*

Dan id-dħul jinkludi d-dħul mill-kontribuzzjoni temporanja allokata mill-pagi tal-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra li jkunu f'impjieg li titnaqqas kull xahar mis-salarju tal-impjegati tal-Uffiċċju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 66a tagħhom fil-verżjoni fis-seħħ sal-15 ta' Diċembru 2003.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

## *Artikolu 4 0 4 — Kontribut temporanju speċjali li jaffettwa r-remunerazzjonijiet tal-uffiċjali u ta' ħaddiema oħra li huma impjegati attivament*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 242 000 | 223 000 | |

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 66a tagħhom.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

## Kapitolu 4 1 — KONTRIBUZZJONI GĦALL-ISKEMA TA' PENSJONIJIET

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 4 1 | KONTRIBUZZJONI GĦALL-ISKEMA TA' PENSJONIJIET | | | | |
| ***4 1 0*** | ***Kontribuzzjonijiet tal-istaff lejn skema ta' pensjonijiet*** | 2 719 000 | 2 544 000 | | |
| | **Kapitolu 4 1 — Total** | **2 719 000** | **2 544 000** | | |

### *Artikolu 4 1 0 — Kontribuzzjonijiet tal-istaff lejn skema ta' pensjonijiet*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 2 719 000 | 2 544 000 | |

*Kummenti*

Dan id-dħul huwa t-total tad-dħul mill-kontribuzzjonijiet mnaqqsa kull xahar mis-salarji tal-persunal tal-Uffiċċju skont l-Artikolu 83(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, u wżat biex tiġi ffinanzjata l-iskema tal-pensjonijiet.

*Bażi ġuridika*

Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

# Titolu 6 — kontribuzzjoni għall-programmi tal-Unjoni, ħlas lura ta' nfiq u dħul

*Figuri*

| Titolu Kapitolu | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| 6 6 | Rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet oħra | p.m. | p.m. | p.m. |
| | **Titolu 6 — Total** | **p.m.** | **p.m.** | **p.m.** |

## Kapitolu 6 6 — Rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet oħra

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 6 6 | Rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet oħra | | | | |
| ***6 6 0*** | ***Rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet oħra*** | | | | |
| 6 6 0 0 | Rifużjonijiet assenjati u kontribuzzjonijiet oħra | p.m. | p.m. | p.m. | |
| | *Artikolu 6 6 0 — Sub-total* | p.m. | p.m. | p.m. | |
| | **Kapitolu 6 6 — Total** | **p.m.** | **p.m.** | **p.m.** | |

### *Artikolu 6 6 0 — Rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet oħra*

#### Partita 6 6 0 0 — Rifużjonijiet assenjati u kontribuzzjonijiet oħra

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | p.m. |

*Kummenti*

Din il-Partita hija maħsuba biex takkomoda, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-bàġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, tas-16.9.2002, p. 1), kull dħul li ma jidhirx f'partijiet oħra tat-Titolu 6 u li jwassal għall-għotja ta' approprjazzjonijiet addizzjonali maħsuba biex jiffinanzjaw in-nefqa li għaliha dan id-dħul ikun allokat.

# NEFQA — NEFQA

# TITOLU A5 — UFFIĊĊJU TAL-AMMINISTRAZZJONI U L-ĦLAS TAL-INTITOLAMENTI INDIVIDWALI

*Figuri*

Klassifikazzjoni skond it-tip

| Titolu Kapitolu | Intestatura | FF | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|---|
| A5 01 | nefqa Amministrattiva | 5 | 37 000 000 | 35 879 000 | 41 979 223,33 |
| A5 10 | RIŻERVI | 5 | | p.m. | 0,— |
| | **Kapitolu A5 — Total** | | **37 000 000** | **35 879 000** | **41 979 223,33** |

## KAPITOLU A5 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA

*Figuri*

Klassifikazzjoni skond it-tip

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| A5 01 | nefqa Amministrattiva | | | | | |
| ***A5 01 01*** | ***Nefqa konnessa mal-istaff f'impjieg attiv*** | 5 | 17 017 000 | 16 678 000 | 15 756 409,23 | 92,59 % |
| ***A5 01 02*** | ***Persunal estern u nefqa oħra ta' tmexxija*** | | | | | |
| A5 01 02 01 | Persunal estern | 5 | 9 543 000 | 9 592 000 | 14 867 554,72 | 155,80 % |
| A5 01 02 11 | Nefqa oħra ta' ġestjoni | 5 | 214 000 | 214 000 | 188 091,49 | 87,89 % |
| | *Partita A5 01 02 — Sub-total* | | 9 757 000 | 9 806 000 | 15 055 646,21 | 154,31 % |
| ***A5 01 03*** | ***Bini u nefqa relatata*** | 5 | 10 226 000 | 9 395 000 | 11 167 167,89 | 109,20 % |
| ***A5 01 50*** | ***Politika tal-personal u t-tmexxija*** | 5 | p.m. | p.m. | 0,— | |
| ***A5 01 51*** | ***Politika tal-infrastruttura u t-tmexxija*** | 5 | p.m. | p.m. | 0,— | |
| ***A5 01 60*** | ***Nefqa ghad-dokumentazzjoni u ghal-libreriji*** | 5 | p.m. | p.m. | 0,— | |
| | **Artikolu A5 01 — Total** | | **37 000 000** | **35 879 000** | **41 979 223,33** | **113,46 %** |

## *Artikolu A5 01 01 — Nefqa konnessa mal-istaff f'impjieg attiv*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 17 017 000 | 16 678 000 | 15 756 409,23 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri, għall-uffiċjali u l-ħaddiema temporanji li jkollhom post fuq il-pjan tal-istabbiliment:

- salarji, benefiċċji u ħlasijiet marbuta mas-salarji,
- assigurazzjonijiet kontra inċidenti u mard u ħlasijiet oħra ta' sigurtà soċjali,
- assigurazzjoni kontra l-qgħad għall-ħaddiema temporanji u ħlasijiet mill-istituzzjoni f'isem il-ħaddiema temporanji sabiex dawn jiksbu jew iżommu d-drittijiet tal-pensjoni fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom,
- benefiċċji u għotjiet varji oħra,
- il-valur tal-piżijiet applikabbli għall-ħlas ta' uffiċjali u ħaddiema temporanji u l-valur tal-piżijiet applikat lill-parti mis-salarji li tiġi ttrasferita lejn pajjiż differenti minn dak tal-impjieg,
- l-ispejjeż tal-ivvjaġġar li għandhom jingħataw lill-uffiċjali u lill-ħaddiema temporanji (inklużi l-familji tagħhom) meta jibdew l-impjieg, meta jtemmu l-impjieg jew meta jiġu trasferiti f'post ieħor,
- il-benefiċċji ta' twaqqif jew twaqqif mill-ġdid li għandhom jingħataw lill-uffiċjali li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza tagħhom meta dawn jibdew impjieg jew meta jiġu trasferiti f'post ieħor, u meta dawn itemmu l-impjieg u jmorru jgħixu xi mkien ieħor,
- l-ispejjeż ta' ġarr li jridu jitħallsu lill-uffiċjali u lill-ħaddiema temporanji li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza meta dawn jibdew impjieg jew meta dawn imorru f'post ta' impjieg ġdid, u meta jtemmu l-impjieg u jmorru jgħixu xi mkien ieħor,
- il-valur tal-aġġustamenti kollha lis-salarji li jkunu ġew approvati mill-Kunsill matul is-sena finanzjarja.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu A5 01 02 — Persunal estern u nefqa oħra ta' tmexxija*

### Partita A5 01 02 01 — Persunal estern

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 9 543 000 | 9 592 000 | 14 867 554,72 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

- ir-remunerazzjoni ta' persunal b'kuntratt (fit-tifsira tat-Titolu IV tal-istess Kundizzjonijiet ta' impjieg), l-iskema ta' assigurazzjoni soċjali tal-istituzzjoni li tkopri persunal b'kuntratt, kif deskritta fit-Titolu IV, u l-kost ta' piżijiet applikabbli għar-remunerazzjoni ta' tali persunal,
- in-nefqa li ġġarrbet (salarji, assigurazzjonijiet, eċċ.) minħabba l-impjegar ta' ħaddiema mqabbda minn barra li jkunu jaħdmu b'kuntratt ta' liġi privata u minħabba l-impjegar ta' ħaddiema temporanji,
- kostijiet tal-persunal inklużi f'kuntratti ta' servizzi għal subkuntrattar tekniku u amministrattiv, għajnuna suplimentari u provvediment ta' servizzi ta' natura intellettwali,

— il-kost marbut mas-sekondar jew assenjazzjoni temporanja lill-Uffiċċju ta' uffiċjali fis-servizzi ċivili tal-Istati Membri u ta' esperti oħra kif ukoll spejjeż supplimentari li jirriżultaw mis-sekondar ta' uffiċjali lis-servizzi ċivili nazzjonali jew lill-organizzazzjonijiet internazzjonali,

— il-kost tal-aġġustamenti kollha lir-remunerazzjoni li jkunu ġew approvati mill-Kunsill matul is-sena finanzjarja.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 18(1)(e) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jlaħħaq l-EUR 4 700 000.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-regoli dwar l-għażla u l-ħlas u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## Partita A5 01 02 11 — Nefqa oħra ta' ġestjoni

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 214 000 | 214 000 | 188 091,49 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

— l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, benefiċċji għall-għajxien ta' kuljum u spejjeż ancillari jew eċċezzjonali li jkunu saru b'rabta ma' missjonijiet tal-persunal kopert mir-Regolamenti tal-Persunal u minn esperti nazzjonali jew internazzjonali jew minn uffiċjali sekondati,

— ir-rimborż tal-kostijiet li jkunu saru minn persuni li jkunu uffiċjalment qed jirrappreżentaw lill-Uffiċċju (ir-rimborż ma jkunx possibbli għal spejjeż li jkunu saru fit-twettiq ta' obbligi ta' rappreżentazzjoni minn ħaddiema fejn għandhom x'jaqsmu l-Kummissjoni jew istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni),

— l-ispejjeż ta' vvjaġġar, ta' għajxien u spejjeż ancillari ta' esperti li jkunu qed jieħdu sehem fi gruppi ta' studju u ta' ħidma, u l-ispejjeż inċidentali għall-organizzazzjoni ta' laqgħat fejn dawn ma jkunux koperti bl-infrastruttura li teżisti fil-kwartieri ġenerali tal-istituzzjonijiet jew l-uffiċċji esterni (l-esperti jitħallsu lura fuq il-bażi ta' deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Kummissjoni),

— il-kostijiet tax-xorb, u xi kultant l-ikel, li jiġi servut matul il-laqgħat interni,

— nefqa mixxellanja marbuta ma' konferenzi, kungressi u laqgħat li jieħu sehem fihom jew li jorganizzahom l-Uffiċċju,

— nefqa fuq studji u konsultazzjonijiet speċjalizzati li jsiru b'kuntratti ma' esperti bi kwalifiki għolja (persuni naturali jew ġuridiċi) jekk l-Uffiċċju ma għandux ħaddiema disponibbli biex iwettqu dawn l-istudji, inklużi x-xiri ta' studji li diġà saru,

— nefqa marbuta ma' taħriġ bil-ħsieb li jissaħħu l-ħiliet tal-ħaddiema, u l-kapaċità u l-effiċjenza tal-Uffiċċju:

  — tariffi għall-esperti impjegati għall-identifikazzjoni tal-ħtiġiet ta' taħriġ, it-tfassil, l-iżvilupp u t-twettiq ta' korsijiet, u l-evalwazzjoni u s-sorveljanza tar-riżultati,

  — tariffi ta' konsulenza f'diversi oqsma, partikolarment f'metodi ta' organizzazzjoni, ġestjoni, strateġija, kwalità u tmexxija tal-ħaddiema,

  — il-kost biex wieħed jattendi għal taħriġ fuq barra u biex jissieħeb ma' organizzazzjonijiet professjonali rilevanti,

— in-nefqa marbuta mal-aspetti prattiċi tal-organizzazzjoni ta' dawn il-korsijiet, mal-użu tal-post, mat-trasport, mal-ispiża tal-ikel u tal-akkomodazzjoni għall-parteċipanti ta' korsijiet residenzjali,

— in-nefqa għat-taħriġ marbuta ma' pubblikazzjonijiet u tagħrif, ma' siti tal-internet relatati u max-xiri ta' tagħmir għat-tagħlim, mal-miżati u mal-liċenzji għal tagħlim b'distanza, ma' kotba, ma' prodotti stampati u ma' prodotti *multimedia*,

— l-iffinanzjar ta' materjal edukattiv.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-regoli dwarl-għażla u l-ħlas u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

## *Artikolu A5 01 03 — Bini u nefqa relatata*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 10 226 000 | 9 395 000 | 11 167 167,89 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-bini tal-Uffiċċju u spejjeż relatati, inkluż b'mod partikolari:

— l-ispejjeż tax-xiri jew kiri bl-għażla ta' xiri tal-bini jew il-kostruzzjoni tal-bini,

— kera u ċens, taxxi varji u l-eżerċizzju ta' għażla ta' xiri ta' bini jew il-partijiet okkupati ta' bini, kif ukoll il-kiri ta' swali tal-konferenzi, mħażen, arkivji, garaxxijiet u faċilitajiet tal-parkeġġ,

— il-primja tal-assigurazzjoni fuq il-bini jew partijiet tal-bini li jintużaw mill-Uffiċċju,

— l-ispejjeż tal-konsum tal-ilma, tal-gass, tal-elettriku u tal-enerġija għat-tisħin tal-bini jew tal-partijiet ta' bini okkupati mill-Uffiċċju,

— l-ispejjeż għall-manutenzjoni tal-postijiet, tal-liftijiet, tat-tisħin ċentrali, tat-tagħmir tal-klimatizzazzjoni, eċċ.; l-ispejjeż li jirriżultaw minn operazzjonijiet ta' tindif perjodiku, inkluż ix-xiri ta' prodotti għall-manutenzjoni, għall-ħasil, għall-ħasil tal-ħwejjeġ u għad-*dry-cleaning*, eċċ. kif ukoll għal tibjid, għal tiswijiet u għal provvisti użati mill-*workshops* tal-manutenzjoni,

— in-nefqa marbuta mat-trattament selettiv, il-ħażna u t-tneħħija tal-iskart,

— xogħol ta' titjib tal-bini, eż., tibdil fit-tqassim, stallazzjonijiet tekniċi u xogħol speċjalizzat ieħor ta' serraturi, ta' elettriku, ta' *plumbing*, ta' żebgħa, ta' bdil tal-art, eċċ., u l-ispejjeż marbuta mat-tibdil ta' *cabling* ta' netwerks, u l-infiq għal tagħmir neċessarju marbut mat-titjib tiegħu [qabel ma jiġġeddu jew jiġu konklużi kuntratti għal ammont li jeċċedi t-EUR 300 000, u bi skop li l-ispiża tiġi kkontrollata, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta ma' istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, munita magħżula, indiċjar, perjodu ta' żmien, klawżoli oħra) miksuba minn kull waħda minnhom għal kuntratt simili],

— spejjeż marbuta mas-sigurtà fiżika u materjali ta' persuni u proprjetà, b'mod partikolari kuntratti għas-sorveljanza ta' bini, kuntratti għall-manutenzjoni ta' stallazzjonijiet tas-sigurtà u xiri ta' oġġetti żgħar [qabel ma jiġġeddu jew jiġu konklużi kuntratti għal ammont li jeċċedi t-EUR 300 000, u bl-għan li l-ispiża tiġi kkontrollata, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħrajn dwar il-kundizzjonijiet (prezz, munita magħżula, indiċjar, perijodu ta' żmien, klawżoli oħra) miksuba minn kull waħda minnhom għal kuntratt simili],

— in-nefqa marbuta mal-indafa u s-sigurtà tal-individwi fil-post tax-xogħol, l-aktar ix-xiri, l-kera u l-manutenzjoni tat-tagħmir għat-tifi tan-nar, ir-riforniment tat-tagħmir tal-uffiċjali li jagħtu l-ewwel għajnuna f'każ ta' nar u l-ispejjeż ta' spezzjonijiet mandatorji (qabel ma kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 jiġġeddu jew jintemmu, u bil-ħsieb li tkun ikkontrollata n-nefqa, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, il-valuta li tintgħażel, l-indiċjar, il-perjodu ta' żmien, klawżoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minn dawn għal kuntratt simili),

— l-ispejjeż ta' konsultazzjoni legali, finanzjarja u teknika qabel l-akkwist, il-kera jew il-kostruzzjoni ta' bini,

— l-infiq l-ieħor li għandu x'jaqsam mal-bini, partikolarment l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-bini mikri lil diversi entitajiet, l-ispejjeż marbuta ma' stħarriġ dwar il-qagħda tal-bini u spejjeż ta' utilità (taxxa fuq l-iskart, il-ġbir tal-iskart eċċ.),

— xi nfiq għall-għajnuna teknika marbuta ma' xogħolijiet ta' titjib konsiderevoli,

— ix-xiri, il-kiri jew id-depożitu ta' garanzija, il-manutenzjoni, it-tiswija, l-istallazzjoni u r-rifornimet ta' tagħmir u materjal tekniku,

— ix-xiri, il-kera, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' għamara,

— ix-xiri, il-kera, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' vetturi,

— l-assigurazzjonijiet varji (partikolarment dik tar-responsabbilità ċivili u l-assigurazzjoni kontra s-serq),

— l-infiq fuq tagħmir tax-xogħol, u l-aktar:

  — ix-xiri ta’ uniformijiet (l-aktar għall-messaġġiera, xufiera u ħaddiema fir-ristoranti u l-kafetteriji),

  — ix-xiri u t-tindif ta’ ħwejjeġ tax-xogħol partikolarment għan-nies li jaħdmu fil-*workshops* u għal dawk li għandhom jagħmlu xogħolijiet fejn jeħtieġu protezzjoni kontra l-maltemp jew il-kesħa, *wear and tear* mhux normali u tbajja’,

  — ix-xiri jew ħlas lura tal-ispejjeż ta’ kull tagħmir li jista’ jkun meħtieġ skont il-kuntest tal-applikazzjoni tad-Direttivi 89/391/KEE u 90/270/KEE,

— l-ispejjeż ta’ ġarr, riorganizzazzjoni u ġestjoni dipartimentali (it-twassil, il-ħażna, it-tqegħid) b’rabta ma’ tagħmir, għamara u provvisti tal-uffiċċju,

— in-nefqa biex il-bini jkun mgħammar b’telekomunikazzjonijiet, l-aktar ix-xiri, il-kera, it-twaħħil u l-manutenzjoni ta’ *switchboards* u distributuri tat-telefown, sistemi ta’ awdjo u vidjowkonferenza, telefonija interna u telefonija ċellulari, u n-nefqa fuq *netwerks* ta’ dejta (tagħmir u manutenzjoni) u servizzi relatati (it-tmexxija, l-appoġġ, id-dokumentazzjoni, l-istallazzjoni u t-tneħħija),

— ix-xiri, il-kera jew id-depożitu ta’ garanzija, u l-manutenzjoni ta’ kompjuters, terminali, kompjuters żgħar, apparat periferali, tagħmir ta’ konnessjoni u s-softwer tal-kompjuter meħtieġ,

— ix-xiri, il-kiri jew id-depożitu ta’ garanzija u l-manutenzjoni ta’ tagħmir relatat mal-preżentazzjoni tal-informazzjoni f’forma stampata eż., printers, magni tal-fax, magni tal-fotokopji u mikrokopjaturi,

— ix-xiri u l-kiri ta’ jew id-depożitu ta’ garanzija għal *typewriters*, *word processors* u kull tagħmir elettroniku ieħor tal-uffiċċju,

— l-istallazzjoni, il-konfigurazzjoni, il-manutenzjoni, l-istudji, id-dokumentazzjoni u l-provvisti marbuta ma’ dan it-tagħmir,

— in-nefqa għax-xiri ta’ karti, invilops, provvisti tal-Uffiċċju u provvisti oħra għall-istamperiji, u għal xi stampar li jsir fuq barra,

— l-ispejjeż ta’ tariffi tal-posta u tal-konsenja postali, fuq pakketti postali u oħrajn mibgħuta bl-ajru, bil-baħar jew bil-ferrovija, u tal-posta interna tal-Uffiċċju,

— it-tariffi ta’ abbonament u l-ispejjeż ta’ komunikazzjoni bil-kejbil jew bir-radju (telefowns fissi u ċellulari, televiżjoni, telekonferenzar, u vidjowkonferenzar), spejjeż ta’ netwerks tat-trasmissjoni tad-dejta, servizzi tal-komunikazzjoni tad-dejta, eċċ., u x-xiri tad-direttorji,

— l-ispejjeż tal-links tat-telefown u tal-kompjuter bejn bini differenti u tal-linji tat-trasmissjoni internazzjonali bejn il-postijiet ta’ uffiċċji tal-Unjoni,

— appoġġ tekniku u loġistiku, taħriġ u attivitajiet oħra ta’ interess ġenerali relatati ma’ tagħmir u softwer tal-kompjuter, taħriġ ġenerali tal-kompjuter, abbonamenti għal dokumentazzjoni teknika kemm f’forma stampata jew f’forma elettronika, eċċ., ħaddiema tal-operazzjoni esterni, servizzi tal-Uffiċċju, abbonamenti ma’ organizzazzjonijiet internazzjonali, eċċ., studji fuq assigurazzjoni tas-sigurtà u l-kwalità relatati ma’ tagħmir u softwer tal-kompjuter, l-ispejjeż tal-użu, tal-manutenzjoni, u taż-żamma u l-iżvilupp tas-softwer, u tat-twettiq ta’proġetti informatiċi,

— spejjeż oħra funzjonali mhux previsti speċifikament hawn fuq.

L-ammont ta' dħul allokat skont l-Artikolu 18(1) minn (e) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju huwa stmat li jlaħħaq l-EUR 542 000.

*Bażi ġuridika*

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta’ Ġunju 1989 dwar id-dħul ta’ miżuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta’ Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi ta’ saħħa u sigurtà għax-xogħol b’tagħmir li għandu display screen (il-ħames Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 87/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta’ Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-bāġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu A5 01 50 — Politika tal-personal u t-tmexxija*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— il-kontribuzzjoni tal-Uffiċċju għall-ispejjeż taċ-ċentru ta’ rikreazzjoni u għal attivitajiet oħra kulturali u sportivi li jinkuraġġixxu l-kuntatt soċjali bejn il-ħaddiema ta’ nazzjonalitajiet differenti li jaħdmu fl-Uffiċċju,

— il-kontribuzzjoni tal-Uffiċċju għall-ispejjeż tal-faċilitajiet fejn jieħdu ħsieb it-tfal,

— infiq, bħala parti minn politika favur nies b’diżabbiltà, għall-persuni li jkunu f’dawn il-kategoriji:

  — uffiċjali u ħaddiema temporanji f’impjieg attiv,

  — konjuġi ta’ uffiċjali u ħaddiema temporanji f’impjieg attiv,

  — it-tfal dipendenti kollha skont it-tifsira tar-Regolamenti tal-Persunal.

Dan ikopri, fil-limiti tal-ammont li jkun iddaħħal fil-bàġit u wara li kull intitolament nazzjonali mogħti fil-pajjiż tar-residenza jew tal-oriġini jkun intalab, kull infiq mhux ta’natura medika li jkun meqjus meħtieġ, li jkun b’riżultat ta’xi diżabilità u li jkun iġġustifikat.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

## *Artikolu A5 01 51 — Politika tal-infrastruttura u t-tmexxija*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— spejjeż ta’ rutina marbutin mat-tmexxija u l-konverżjoni ta’ restoranti, kafetteriji u *canteens*,

— ħsarat li għandhom jinġarru mill-Uffiċċju u dawk li jkunu ġejjin minn obbligazzjonijiet ta’ responsabbilità ċivili, u n-nefqa marbuta ma’ ċerti każijiet fejn, għall-raġunijiet ta’ ekwità, il-kumpens għandu jitħallas mingħajr ma jkun hemm l-ebda talba legali .

## *Artikolu A5 01 60 — Nefqa għad-dokumentazzjoni u għal-librerija*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-produzzjoni u l-iżvilupp tas-sit intranet tal-Kummissjoni (Intracomm), l-abbonamenti mas-servizzi ta’ *view-data*, l-ispejjeż ta’ legatura u spejjeż oħrajn meħtieġa għall-preservazzjoni ta’ xogħlijiet u perjodiċi ta’ referenza, in-nefqa għall-abbonamenti ma’ ġurnali u ġurnali perjodiċi speċjalizzati, u x-xiri ta’ pubblikazzjonijiet u xogħlijiet tekniċi konnessi mal-attivitajiet tal-Uffiċċju.

# KAPITOLU A5 10 — RIŻERVI

*Figuri*

Klassifikazzjoni skond it-tip

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| A5 10 | RIŻERVI | | | | | |
| ***A5 10 01*** | ***Krediti proviżorji*** | 5 | | p.m. | 0,— | |
| ***A5 10 02*** | ***Riżerva għal spejjeż mhux mistennija*** | 5 | | p.m. | 0,— | |
| | **Artikolu A5 10 — Total** | | | **p.m.** | **0,—** | |

## *Artikolu A5 10 01 — Krediti proviżorji*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

L-approprjazzjonijiet f'dan il-Kapitolu huma biss proviżorji, u jistgħu jintużaw biss wara li jiġu ttrasferiti f'Kapitolu ieħor skont il-proċedura relevanti stabbilita fir-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-bàġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu A5 10 02 — Riżerva għal spejjeż mhux mistennija*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| | p.m. | 0,— |

# Anness A6 — Uffiċċju għall-Infrastruttura u l-Loġistika — Brussell

# DĦUL — DĦUL

*Figuri*

| Titolu | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| 4 | MIXXELLANJA TA' TAXXI, LEVIES U AMMONTI DOVUTI TAL-UNJONI | 7 802 000 | 8 129 000 | p.m. |
| 6 | KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-PROGRAMMI TAL-Unjoni, ĦLAS LURA TA' NFIQ U DĦUL | p.m. | p.m. | p.m. |
| | **Total** | **7 802 000** | **8 129 000** | **p.m.** |

# Titolu 4 — MIXXELLANJA TA' TAXXI, LEVIES U AMMONTI DOVUTI TAL-UNJONI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| 4 0 | TNAQQIS MINN RIMUNERAZZJONI | 2 798 000 | 2 905 000 | p.m. |
| 4 1 | KONTRIBUZZJONI GĦAS-SISTEMA TAL-PENSJONIJIET | 5 004 000 | 5 224 000 | |
| | **Titolu 4 — Total** | **7 802 000** | **8 129 000** | **p.m.** |

# Kapitolu 4 0 — TNAQQIS MINN RIMUNERAZZJONI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 4 0 | TNAQQIS MINN RIMUNERAZZJONI | | | | |
| ***4 0 0*** | ***Dħul mit-taxxa fuq is-salarji, pagi u allowances ta' uffiċjali u impjegati oħra*** | 2 356 000 | 2 482 000 | | |
| ***4 0 3*** | ***Dħul minn kontribuzzjoni temporanja mis-salarji tal-uffiċjali u ta' ħaddiema oħra li huma impjegati attivament*** | p.m. | p.m. | p.m. | |
| ***4 0 4*** | ***Kontribut temporanju speċjali li jaffettwa r-remunerazzjonijiet tal-uffiċjali u ta' ħaddiema oħra li huma impjegati attivament*** | 442 000 | 423 000 | | |
| | **Kapitolu 4 0 — Total** | **2 798 000** | **2 905 000** | **p.m.** | |

## *Artikolu 4 0 0 — Dħul mit-taxxa fuq is-salarji, pagi u allowances ta' uffiċjali u impjegati oħra*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 2 356 000 | 2 482 000 | |

*Kummenti*

Dan id-dħul jinkludi d-dħul kollu mit-taxxa fuq is-salarji, il-pagi u l-benefiċċji tal-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra mnaqqsa kull xahar mis-salarji tal-impjegati tal-Uffiċċju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 1968 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċedura biex tkun applikata t-taxxa għall-benefiċċju tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 8).

*Atti ta' referenza*

Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, u l-aktar l-Artikolu 12 tiegħu.

## *Artikolu 4 0 3 — Dħul minn kontribuzzjoni temporanja mis-salarji tal-uffiċjali u ta' ħaddiema oħra li huma impjegati attivament*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | p.m. |

*Kummenti*

Dan id-dħul jinkludi d-dħul kollu mill-kontribuzzjoni temporanja allokata mill-pagi tal-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra li jkunu f'impjieg li titnaqqas kull xahar mis-salarju tal-impjegati tal-Uffiċċju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 66a tagħhom fil-verżjoni fis-seħħ sal-15 ta' Diċembru 2003.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

### *Artikolu 4 0 4 — Kontribut temporanju speċjali li jaffettwa r-remunerazzjonijiet tal-uffiċjali u ta' ħaddiema oħra li huma impjegati attivament*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 442 000 | 423 000 | |

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u l-aktar l-Artikolu 66a tagħhom.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

## Kapitolu 4 1 — KONTRIBUZZJONI GĦAS-SISTEMA TAL-PENSJONIJIET

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 4 1 | KONTRIBUZZJONI GĦAS-SISTEMA TAL-PENSJONIJIET | | | | |
| ***4 1 0*** | ***Kontribuzzjonijiet tal-istaff għal skema ta' pensjoni*** | 5 004 000 | 5 224 000 | | |
| | **Kapitolu 4 1 — Total** | **5 004 000** | **5 224 000** | | |

### *Artikolu 4 1 0 — Kontribuzzjonijiet tal-istaff għal skema ta' pensjoni*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 5 004 000 | 5 224 000 | |

*Kummenti*

Dan id-dħul huwa t-total tad-dħul kollu mill-kontribuzzjonijiet imnaqqsa kull xahar mis-salarji tal-persunal tal-Uffiċċju skont l-Artikolu 83(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, u użat biex tiġi ffinanzjata l-iskema tal-pensjonijiet.

*Atti ta' referenza*

Regolamenti tal-Persunal għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

# TITOLU 6 — KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-PROGRAMMI TAL- UNJONI, ĦLAS LURA TA’ NFIQ U DĦUL

*Figuri*

| Titolu Kapitolu | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| 6 6 | Rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet oħra | p.m. | p.m. | p.m. |
| | **Titolu 6 — Total** | **p.m.** | **p.m.** | **p.m.** |

## KAPITOLU 6 6 — RIFUŻJONIJIET U KONTRIBUZZJONIJIET OĦRA

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 6 6 | Rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet oħra | | | | |
| ***6 6 0*** | ***Rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet oħra*** | | | | |
| 6 6 0 0 | Rifużjonijiet assenjati u kontribuzzjonijiet oħra | p.m. | p.m. | p.m. | |
| | *Artikolu 6 6 0 — Sub-total* | p.m. | p.m. | p.m. | |
| | **Kapitolu 6 6 — Total** | **p.m.** | **p.m.** | **p.m.** | |

### *Artikolu 6 6 0 — Rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet oħra*

#### Partita 6 6 0 0 — Rifużjonijiet assenjati u kontribuzzjonijiet oħra

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | p.m. |

*Kummenti*

Din il-Partita hija maħsuba biex takkomoda, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul li ma jidhirx f’partijiet oħra tat-Titolu 6 u li jwassal għall-għotja ta’ approprjazzjonijiet addizzjonali maħsuba biex jiffinanzjaw in-nefqa li għaliha dan id-dħul ikun allokat.

# NEFQA — NEFQA

# TITOLU A6 — UFFIĊĊJU GĦALL-INFRASTRUTTURA U L-LOĠISTIKA — BRUSSELL

*Figuri*

Klassifikazzjoni skond it-tip

| Titolu Kapitolu | Intestatura | FF | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|---|
| A6 01 | NEFQA AMMINISTRATTIVA | 5 | 70 048 000 | 69 711 000 | 72 336 439,37 |
| A6 10 | RIŻERVI | 5 | | p.m. | 0,— |
| | **Kapitolu A6 — Total** | | **70 048 000** | **69 711 000** | **72 336 439,37** |

## KAPITOLU A6 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA

*Figuri*

Klassifikazzjoni skond it-tip

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| A6 01 | NEFQA AMMINISTRATTIVA | | | | | |
| ***A6 01 01*** | ***Nefqa konnessa mal-persunal f'impjieg attiv*** | 5 | 34 739 000 | 34 486 000 | 33 550 688,68 | 96,58 % |
| ***A6 01 02*** | ***Persunal estern u nefqa oħra ta' tmexxija*** | | | | | |
| A6 01 02 01 | Persunal estern | 5 | 22 357 000 | 22 401 000 | 25 392 908,05 | 113,58 % |
| A6 01 02 11 | Nefqa oħra ta' ġestjoni | 5 | 431 000 | 431 000 | 561 162,12 | 130,20 % |
| | *Partita A6 01 02 — Sub-total* | | 22 788 000 | 22 832 000 | 25 954 070,17 | 113,89 % |
| ***A6 01 03*** | ***Bini u nefqa relatata*** | 5 | 12 521 000 | 12 393 000 | 12 831 680,52 | 102,48 % |
| ***A6 01 50*** | ***Politika tal-persunal u t-tmexxija*** | 5 | p.m. | p.m. | 0,— | |
| ***A6 01 51*** | ***Politika tal-infrastruttura u t-tmexxija*** | 5 | p.m. | p.m. | 0,— | |
| ***A6 01 60*** | ***Nefqa għad-dokumentazzjoni u għal-libreriji*** | 5 | p.m. | p.m. | 0,— | |
| | **Artikolu A6 01 — Total** | | **70 048 000** | **69 711 000** | **72 336 439,37** | **103,27 %** |

### *Artikolu A6 01 01 — Nefqa konnessa mal-persunal f'impjieg attiv*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 34 739 000 | 34 486 000 | 33 550 688,68 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri, għall-uffiċjali u l-ħaddiema temporanji li jkollhom post fuq il-pjan tal-istabbilment:

— salarji, benefiċċji u ħlasijiet marbuta mas-salarji,

— assigurazzjonijiet kontra inċidenti u mard u ħlasijiet oħra ta' sigurtà soċjali,

— assigurazzjoni kontra l-qgħad għall-ħaddiema temporanji u ħlasijiet mill-istituzzjoni f'isem il-ħaddiema temporanji sabiex dawn jiksbu jew iżommu d-drittijiet tal-pensjoni fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom,

— benefiċċji u għotjiet varji oħra,

— il-valur tal-piżijiet applikabbli għall-ħlas ta' uffiċjali u ħaddiema temporanji u l-valur tal-piżijiet applikat lill-parti mis-salarji li tiġi ttrasferita lejn pajjiż differenti minn dak tal-impjieg,

— l-ispejjeż tal-ivvjaġġar li għandhom jingħataw lill-uffiċjali u lill-ħaddiema temporanji (inklużi l-familji tagħhom) meta jibdew l-impjieg, meta jtemmu l-impjieg jew meta jiġu trasferiti f'post ieħor,

— il-benefiċċji tal-istabbiliment jew l-istabbiliment mill-ġdid li għandhom jingħataw lill-uffiċjali li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza tagħhom meta dawn jibdew impjieg jew meta jiġu trasferiti f'post ieħor, u meta dawn itemmu l-impjieg u jmorru jgħixu xi mkien ieħor,

— l-ispejjeż ta' ġarr li jridu jitħallsu lill-uffiċjali u lill-ħaddiema temporanji li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza meta dawn jibdew impjieg jew meta dawn imorru f'post ta' impjieg ġdid, u meta jtemmu l-impjieg u jmorru jgħixu xi mkien ieħor,

— il-valur tal-aġġustamenti kollha lis-salarji li jkunu ġew approvati mill-Kunsill matul is-sena finanzjarja.

It-total tad-dħul skont l-Artikolu 18, paragrafu 1, punti minn e) sa j) tar-Regolament Finanzjarju hu stmat li jilħaq EUR 750 000.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu A6 01 02 — Persunal estern u nefqa oħra ta' tmexxija*

### Partita A6 01 02 01 — Persunal estern

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 22 357 000 | 22 401 000 | 25 392 908,05 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— Il-ħlas ta' staff b'kuntratt (fit-tifsira tat-Titolu IV tal-Kundizzjonijiet ta' impjieg), l-iskema ta' assigurazzjoni soċjali tal-istituzzjoni li tkopri staff b'kuntratt, kif deskritta fit-Titolu IV, u l-ispiża ta' piżijiet applikabbli għall-ħlasijiet ta' tali staff,

— in-nefqa li ġġarrbet (salarji, assigurazzjonijiet, eċċ.) minħabba l-impjegar ta' ħaddiema mqabbda minn barra li jkunu jaħdmu b'kuntratt ta' liġi privata u minħabba l-impjegar ta' ħaddiema temporanji,

— in-nefqa marbuta ma' impjegati inklużi f'kuntratti tal-appalt għal xogħol tekniku u amministrattiv, għajnuna addizzjonali u provvediment ta' servizzi ta' natura intellettwali,

— in-nefqa marbuta mas-*sekondar* jew assenjazzjoni temporanja lill-Uffiċċju ta' uffiċjali fis-servizzi ċivili tal-Istati Membri u ta' esperti oħra kif ukoll spejjeż supplimentari li jirriżultaw mis-*secondment* ta' uffiċjali lill-amministrazzjonijiet nazzjonali jew lill-organizzazzjonijiet internazzjonali,

— il-valur tal-aġġustamenti kollha lis-salarji li jkunu ġew approvati mill-Kunsill matul is-sena finanzjarja.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1)(e) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju hu stmat li jilħaq is-EUR 6 000 000.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-regoli dwar l-għażla u l-ħlas u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

### Partita A6 01 02 11 — Nefqa oħra ta' ġestjoni

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 431 000 | 431 000 | 561 162,12 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— l-infiq għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar, benefiċċji għall-għajxien ta' kuljum u spejjeż anċillari jew eċċezzjonali li jkunu saru b'rabta ma' missjonijiet tal-istaff Uffiċjali u minn esperti jew uffiċjali nazzjonali jew internazzjonali li jkunu ġew *sekondati,*

— ir-rimborż tal-ispejjeż li jkunu saru minn persuni li jkunu qed jirrappreżentaw lill-Uffiċċju (ir-rimborż ma jkunx possibbli għal spejjeż li jkunu saru fit-twettiq ta' obbligi ta' rappreżentazzjoni minn ħaddiema fejn għandhom x'jaqsmu l-Kummissjoni jew istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni),

— l-ispejjeż ta' vvjaġġar, ta' għajxien u spejjeż anċillari ta' esperti li jkunu qed jieħdu sehem fi gruppi ta' studju u ta' ħidma, u l-ispejjeż inċidentali għall-organizzazzjoni ta' laqgħat fejn dawn ma jkunux koperti bl-infrastruttura li teżisti fil-kwartieri ġenerali tal-istituzzjonijiet jew l-uffiċċji esterni (l-esperti jitħallsu lura fuq il-bażi ta' deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Kummissjoni),

— l-ispejjeż tax-xorb, u xi kultant l-ikel, li jiġi servut matul il-laqgħat interni,

— l-ispejjeż varji marbuta ma' konferenzi, kungressi u laqgħat li jieħu sehem fihom jew li jorganizzahom l-Uffiċċju,

— l-infiq fuq studji u konsultazzjonijiet speċjalizzati li jsiru b'kuntratti ma' esperti bi kwalifiki għolja (persuni naturali jew ġuridiċi) jekk l-Uffiċċju ma għandux ħaddiema disponibbli biex iwettqu dawn l-istudji, inkluż ix-xiri ta' studji li diġà saru,

— l-ispejjeż marbuta ma' taħriġ bil-ħsieb li jissaħħu l-ħiliet tal-ħaddiema, u l-kapaċità u l-effiċjenza tal-Uffiċċju:

  — tariffi għall-esperti impjegati għall-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet ta' taħriġ, it-tfassil, l-iżvilupp u t-twettiq ta' korsijiet, u l-evalwazzjoni u s-sorveljanza tar-riżultati,

  — miżati ta' konsulenza f'diversi oqsma, partikolarment f'metodi ta' organizzazzjoni, ġestjoni, strateġija, kwalità u tmexxija tal-ħaddiema,

  — l-ispiża biex wieħed jattendi għal taħriġ fuq barra u biex jissieħeb ma' organizzazzjonijiet professjonali rilevanti,

— in-nefqa marbuta mal-aspetti prattiċi tal-organizzazzjoni ta' dawn il-korsijiet, mal-użu tal-post, mat-trasport, mal-ispiża tal-ikel u tal-akkommodazzjoni għall-parteċipanti ta' korsijiet residenzjali,

— in-nefqa għat-taħriġ marbuta ma' pubblikazzjonijiet u tagħrif, ma' siti tal-*internet* relatati u max-xiri ta' tagħmir għat-tagħlim, mal-miżati u mal-liċenzji għal tagħlim b'distanza, ma' kotba, ma' prodotti stampati u ma' prodotti *multimedia*,

— il-finanzjament ta' materjal edukattiv.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tal-Impieg tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-regoli dwarl-għażla u l-ħlas u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

## *Artikolu A6 01 03 — Bini u nefqa relatata*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 12 521 000 | 12 393 000 | 12 831 680,52 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-bini tal-Uffiċċju u spejjeż relatati, inkluż b'mod partikolari:

— l-ispejjeż tax-xiri jew kiri bl-għażla ta' xiri tal-bini jew il-kostruzzjoni tal-bini,

— kera u ċens, taxxi varji u l-eżerċizzju ta' għażla ta' xiri ta' bini jew il-partijiet okkupati ta' bini, kif ukoll il-kiri ta' swali tal-konferenzi, mħażen, arkivji, garaxxijiet u faċilitajiet tal-parkeġġ,

— il-primja tal-assigurazzjoni fuq il-bini jew ta' partijiet tal-bini li jintużaw mill-Uffiċċju,

— l-ispejjeż tal-konsum tal-ilma, tal-gass, tal-elettriku u tal-enerġija għat-tisħin tal-bini jew tal-partijiet ta' bini okkupati mill-Uffiċċju,

— l-ispejjeż għall-manutenzjoni tal-postijiet, maħduma fuq il-bażi ta' kuntratti kurrenti, tal-liftijiet, tat-tisħin ċentrali, tat-tagħmir tal-klimatizzazzjoni, eċċ.; l-ispejjeż li jirriżultaw minn operazzjonijiet ta' tindif perjodiku, inkluż ix-xiri ta' prodotti għall-manutenzjoni, għall-ħasil, għall-ħasil tal-ħwejjeġ u għad-dry-cleaning, eċċ. kif ukoll għal tibjid, għal tiswijiet u għal provvisti użati mill-workshops tal-manutenzjoni,

— in-nefqa marbuta mat-trattament selettiv, il-ħażna u t-tneħħija tal-iskart,

— xogħol ta' titjib tal-bini, eż., tibdil fit-tqassim, stallazzjonijiet tekniċi u xogħol speċjalizzat ieħor ta' serraturi, ta' elettriku, ta' plumbing, ta' żebgħa, ta' bdil tal-art, eċċ., u l-ispejjeż marbuta mat-tibdil ta' cabling ta' netwerks, u l-infiq għal tagħmir neċessarju marbut mat-titjib tiegħu [qabel ma jiġġeddu jew jiġu konklużi kuntratti għal ammont li jeċċedi t-EUR 300 000, u bi skop li l-ispiża tiġi kkontrollata, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta ma' istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, munita magħżula, indiċjar, perjodu ta' żmien, klawżoli oħra) miksuba minn kull waħda minnhom għal kuntratt simili],

— spejjeż marbuta mas-sigurtà fiżika u materjali ta' persuni u proprjetà, b'mod partikolari kuntratti għas-sorveljanza ta' bini, kuntratti għall-manutenzjoni ta' stallazzjonijiet tas-sigurtà u xiri ta' oġġetti żgħar [qabel ma jiġġeddu jew jiġu konklużi kuntratti għal ammont li jeċċedi t-EUR 300 000, u bl-għan li l-ispiża tiġi kkontrollata, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħrajn dwar il-kundizzjonijiet (prezz, munita magħżula, indiċjar, perjodu ta' żmien, klawżoli oħra) miksuba minn kull waħda minnhom għal kuntratt simili],

— in-nefqa marbuta mal-indafa u s-sigurtà tal-individwi fuq il-post tax-xogħol, l-aktar ix-xiri, il-kera u l-manutenzjoni tat-tagħmir għat-tifi tan-nar, ir-rifornimegnt tat-tagħmir tal-uffiċjali li jagħtu l-ewwel għajnuna f'każ ta' nar u l-ispejjeż ta' spezzjonijiet mandatorji (qabel ma kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 jiġġeddu jew jintemmu, u bil-ħsieb li tkun ikkontrollata n-nefqa, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, il-valuta li tintgħażel, l-indiċjar, il-perjodu ta' żmien, klawżoli oħrajn) miksuba minn kull wieħed minn dawn għal kuntratt simili),

— l-ispejjeż ta' konsultazzjoni legali, finanzjarja u teknika qabel l-akkwist, il-kera jew il-kostruzzjoni ta' bini,

— l-infiq l-ieħor li għandu x'jaqsam mal-bini, partikolarment l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-bini mikri lil diversi entitajiet, l-ispejjeż marbuta ma' stħarriġ dwar il-qagħda tal-bini u spejjeż ta' utilità (taxxa fuq l-iskart, il-ġbir tal-iskart eċċ.),

— xi nfiq għall-għajnuna teknika marbuta ma' xogħlijiet ta' titjib konsiderevoli,

— ix-xiri, il-kiri jew id-depożitu ta' garanzija, il-manutenzjoni, it-tiswija, l-istallazzjoni u r-rifornimegnt ta' tagħmir u materjal tekniku,

— ix-xiri, il-kera, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' għamara,

— ix-xiri, il-kera, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' vetturi,

— tipi diversi ta' assigurazzjoni,

— l-infiq fuq tagħmir tax-xogħol, u l-aktar:

  — ix-xiri ta' uniformijiet (l-aktar għall-messaġġiera, xufiera u ħaddiema fir-ristoranti u l-kafetteriji),

  — ix-xiri u t-tindif ta' ħwejjeġ tax-xogħol partikolarment għan-nies li jaħdmu fil-workshops u għal dawk li għandhom jagħmlu xogħlijiet fejn jeħtieġu protezzjoni kontra l-maltemp jew il-kesħa, wear and tear mhux normali u tbajja',

  — ix-xiri jew ħlas lura tal-ispejjeż ta' kull tagħmir li jista' jkun meħtieġ skont il-kuntest tal-applikazzjoni tad-Direttivi 89/391/KEE u 90/270/KEE,

— l-ispejjeż ta' ġarr, ri-organizzazzjoni u ġestjoni dipartimentali (it-twassil, il-ħażna, it-tqegħid) b'rabta ma' tagħmir, għamara u provvisti tal-uffiċċju,

— in-nefqa biex il-bini jkun mgħammar b'telekomunikazzjonijiet, l-aktar ix-xiri, il-kera, it-twaħħil u l-manutenzjoni ta' switchboards u distributuri tat-telefown, sistemi ta' awdjo u vidjowkonferenza, telefonija interna u telefonija ċellulari, u n-nefqa fuq netwerks ta' data (tagħmir u manutenzjoni) u servizzi relatati (it-tmexxija, l-appoġġ, id-dokumentazzjoni, l-istallazzjoni u t-tneħħija),

— ix-xiri, il-kiri jew id-depożitu ta' garanzija, u l-manutenzjoni ta' kompjuters, terminali, kompjuters żgħar, apparat periferali, tagħmir ta' konnessjoni u s-softwer tal-kompjuter meħtieġ,

— ix-xiri, il-kiri jew id-depożitu ta' garanzija u l-manutenzjoni ta' tagħmir relatat mal-preżentazzjoni tal-informazzjoni f'forma stampata eż., printers, magni tal-fax, magni tal-fotokopji u mikrokopjaturi,

— ix-xiri u l-kiri ta' jew id-depożitu ta' garanzija għal typewriters, word processors u kull tagħmir elettroniku ieħor tal-uffiċċju,

— l-istallazzjoni, il-konfigurazzjoni, il-manutenzjoni, l-istudji, id-dokumentazzjoni u l-provvisti marbuta ma' dan it-tagħmir,

— in-nefqa għax-xiri ta' karti, invilops, provvisti tal-Uffiċċju u provvisti oħra għall-istamperiji, u għal xi stampar li jsir fuq barra,

— l-ispejjeż ta' tariffi tal-posta u tal-konsenja postali, fuq pakketti postali u oħrajn mibgħuta bl-ajru, bil-baħar jew bil-ferrovija, u tal-posta interna tal-Uffiċċju,

— it-tariffi ta' abbonament u l-ispejjeż ta' komunikazzjoni bil-kejbil jew bir-radju (telefowns fissi u ċellulari, televiżjoni, telekonferenzar, u videokonferenzar), spejjeż ta' netwerks tat-trażmissjoni tad-dejta, servizzi tal-komunikazzjoni tad-dejta, eċċ., u x-xiri tad-direttorji,

— l-ispejjeż tal-links tat-telefown u tal-kompjuter bejn bini differenti u tal-linji tat-trażmissjoni internazzjonali bejn il-postijiet ta' uffiċċji tal-Unjoni,

— appoġġ tekniku u loġistiku, taħriġ u attivitajiet oħra ta' interess ġenerali relatati ma' tagħmir u softwer tal-kompjuter, taħriġ ġenerali tal-kompjuter, abbonamenti għal dokumentazzjoni teknika kemm f'forma stampata jew f'forma elettronika, eċċ., ħaddiema tal-operazzjoni esterni, servizzi tal-Uffiċċju, abbonamenti ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, eċċ., studji fuq assigurazzjoni tas-sigurtà u l-kwalità relatati ma' tagħmir u software tal-kompjuter, l-ispejjeż tal-użu, tal-manutenzjoni, u taż-żamma u l-iżvilupp tas-software, u tat-twettiq ta'proġetti informatiċi,

— spejjeż oħra funzjonali mhux previsti speċifikament hawn fuq.

L-ammont ta' dħul assenjat skont l-Artikolu 18(1) minn (e) sa (j) tar-Regolament Finanzjarju hu stmat li jilħaq it-EUR 300 000.

*Bażi ġuridika*

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà għax-xogħol b'tagħmir li għandu display screen (il-ħames Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 87/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu A6 01 50 — Politika tal-personal u t-tmexxija*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

- il-kontribuzzjoni tal-Uffiċċju għall-ispejjeż taċ-ċentru ta' rikreazzjoni u għal attivitajiet oħra kulturali u sportivi li jinkuraġġixxu l-kuntatt soċjali bejn il-ħaddiema ta' nazzjonalitajiet differenti li jaħdmu fl-Uffiċċju,
- il-kontribuzzjoni tal-Uffiċċju għall-ispejjeż tal-faċilitajiet fejn jieħdu ħsieb it-tfal,
- in-nefqa bħala parti minn politika favur nies b'diżabbiltà, għall-persuni li jkunu f'dawn il-kategoriji:
  - uffiċjali u ħaddiema temporanji f'impjieg attiv,
  - konjuġi ta' uffiċjali u ħaddiema temporanji f'impjieg attiv,
  - it-tfal dipendenti kollha skont it-tifsira tar-Regolamenti tal-Persunal.

Dan ikopri, fil-limiti tal-ammont li jkun iddaħħal fil-baġit u wara li kull intitolament nazzjonali mogħti fil-pajjiż tar-residenza jew tal-oriġini jkun intalab, kull spiża infiq mhux ta'natura medika li jkun meqjus meħtieġ, li jkun b'riżultat ta'xi diżabilità u li jkun iġġustifikat.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

## *Artikolu A6 01 51 — Politika tal-infrastruttura u t-tmexxija*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

- spejjeż ta' rutina marbutin mat-tmexxija u l-konverżjoni ta' restoranti, kafetteriji u canteens,
- ħsarat li għandhom jinġarru mill-Uffiċċju u dawk li jkunu ġejjin minn obbligazzjonijiet ta' terza parti, u n-nefqa marbuta ma' ċerti każijiet fejn, għall-raġunijiet ta' ekwità, il-kumpens għandu jitħallas mingħajr ma jkun hemm l-ebda talba legali.

## *Artikolu A6 01 60 — Nefqa għad-dokumentazzjoni u għal-libreriji*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprijazzjoni maħsuba biex tkopri n-nefqa biex isir u jkun żviluppat s-sit tal-intranet tal-Kummissjoni (Intracomm); il-produzzjoni tar-rivista interna ta' kull ġimgħa *Commission en direct*; il-ħlas ta' miżati għal servizzi ta' aċċess għad-data; il-ħlas ta' illegar u nfiq ieħor meħtieġ għall-preservazzjoni tal-kotba u pubblikazzjonijiet; ħlas ta' miżati għal xiri ta' gazzetti, rivisti speċjalizzati, ġurnali uffiċjali, dokumenti parlamentari, statistika kummerċjali barranija, rapporti tal-aġenziji tal-aħbarijiet u diversi pubblikazzjonijiet speċjalizzati oħrajn; ix-xiri ta' pubblikazzjonijiet u xogħlijiet tekniċi marbuta max-xogħol tal-Uffiċċju.

# Kapitolu A6 10 — RIŻERVI

*Figuri*

Klassifikazzjoni skond it-tip

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| A6 10 | RIŻERVI | | | | | |
| ***A6 10 01*** | ***Krediti proviżorji*** | 5 | | p.m. | 0,— | |
| ***A6 10 02*** | ***Riserva għall-kontinġenzi*** | 5 | | p.m. | 0,— | |
| | **Artikolu A6 10 — Total** | | | **p.m.** | **0,—** | |

## *Artikolu A6 10 01 — Krediti proviżorji*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

L-approprijazzjonijiet li ddaħħlu f'dan il-Kapitolu huma biss proviżorji u jistgħu jintużaw biss wara t-trasferiment tagħhom f''intestaturi oħra tal-baġit skont ir-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu A6 10 02 — Riserva għall-kontinġenzi*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| | p.m. | 0,— |

# Anness A7 — L-Uffiċċju Għall-Infrastruttura U L-Loġistika - Il-Lussemburgu

## Dħul — Dħul

*Figuri*

| Titolu | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| 4 | MIXXELLANJA TA' TAXXI, LEVIES U AMMONTI DOVUTI TAL-UNJONI | 2 620 000 | 2 619 000 | p.m. |
| 6 | KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-PROGRAMMI TAL-UNJONI, ĦLAS LURA TA' NFIQ U DĦUL | p.m. | p.m. | p.m. |
| | **Total** | **2 620 000** | **2 619 000** | **p.m.** |

## Titolu 4 — MIXXELLANJA TA' TAXXI, LEVIES U AMMONTI DOVUTI TAL-UNJONI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| 4 0 | KAPITOLU A7 R 4 0 — TNAQQIS MIR-RIMUNERAZZJONI | 1 014 000 | 1 032 000 | p.m. |
| 4 1 | KONTRIBUZZJONI GĦALL-ISKEMA TAL-PENSJONIJIET | 1 606 000 | 1 587 000 | |
| | **Titolu 4 — Total** | **2 620 000** | **2 619 000** | **p.m.** |

### Kapitolu 4 0 — KAPITOLU A7 R 4 0 — TNAQQIS MIR-RIMUNERAZZJONI

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 4 0 | KAPITOLU A7 R 4 0 — TNAQQIS MIR-RIMUNERAZZJONI | | | | |
| ***4 0 0*** | ***Dħul mit-taxxa fuq is-salarji, pagi u allowances ta' uffiċjali u impjegati oħra*** | 861 000 | 887 000 | | |
| ***4 0 3*** | ***Dħul mill-kontribuzzjoni temporanja mis-salarji tal-uffiċjali u ta' ħaddiema oħra li huma impjegati attivament*** | p.m. | p.m. | p.m. | |
| ***4 0 4*** | ***Kontribut temporanju speċjali li jaffettwa r-remunerazzjonijiet tal-uffiċjali u ta' ħaddiema oħra li huma impjegati attivament*** | 153 000 | 145 000 | | |
| | **Kapitolu 4 0 — Total** | **1 014 000** | **1 032 000** | **p.m.** | |

#### *Artikolu 4 0 0 — Dħul mit-taxxa fuq is-salarji, pagi u allowances ta' uffiċjali u impjegati oħra*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 861 000 | 887 000 | |

*Kummenti*

Dan id-dħul jinkludi d-dħul kollu mit-taxxa fuq is-salarji, il-pagi u l-benefiċċji tal-uffiċjali u ħaddiema oħra mnaqqsa kull xahar mis-salarji tal-impjegati tal-Uffiċċju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 1968 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċedura biex tkun applikata t-taxxa għall-benefiċċju tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 8).

*Atti ta' referenza*

Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu.

### *Artikolu 4 0 3 — Dħul mill-kontribuzzjoni temporanja mis-salarji tal-uffiċjali u ta' ħaddiema oħra li huma impjegati attivament*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | p.m. |

*Kummenti*

Dan id-dħul jinkludi d-dħul kollu mill-kontribuzzjoni temporanja allokata mill-ħlas tal-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra li jkunu f'impjieg li titnaqqas kull xahar mis-salarju tal-impjegati tal-Uffiċċju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 66a tagħhom fil-verżjoni fis-seħħ fil-15 ta' Diċembru 2003.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

### *Artikolu 4 0 4 — Kontribut temporanju speċjali li jaffettwa r-remunerazzjonijiet tal-uffiċjali u ta' ħaddiema oħra li huma impjegati attivament*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 153 000 | 145 000 | |

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea , u b'mod partikolari l-Artikolu 66a tagħhom.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

## Kapitolu 4 1 — KONTRIBUZZJONI GĦALL-ISKEMA TAL-PENSJONIJIET

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 4 1 | KONTRIBUZZJONI GĦALL-ISKEMA TAL-PENSJONIJIET | | | | |
| ***4 1 0*** | ***Kontribuzzjonijiet tal-persunal għall-iskema ta' pensjoni*** | 1 606 000 | 1 587 000 | | |
| | **Kapitolu 4 1 — Total** | **1 606 000** | **1 587 000** | | |

### *Artikolu 4 1 0 — Kontribuzzjonijiet tal-persunal għall-iskema ta' pensjoni*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 1 606 000 | 1 587 000 | |

*Kummenti*

Dan id-dħul jinkludi l-kontribuzzjonijiet kollha mnaqqsa kull xahar mis-salarji tal-persunal tal-Uffiċċju skont l-Artikolu 83(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, u wżati biex tiġi ffinanzjata l-iskema tal-pensjonijiet.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

# Titolu 6 — KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-PROGRAMMI TAL-UNJONI, ĦLAS LURA TA' NFIQ U DĦUL

*Figuri*

| Titolu Kapitolu | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|
| 6 6 | Rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet oħra | p.m. | p.m. | p.m. |
| | **Titolu 6 — Total** | **p.m.** | **p.m.** | **p.m.** |

## Kapitolu 6 6 — Rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet oħra

*Figuri*

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| 6 6 | Rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet oħra | | | | |
| ***6 6 0*** | ***Rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet oħra*** | | | | |
| 6 6 0 0 | Rifużjonijiet assenjati u kontribuzzjonijiet oħra | p.m. | p.m. | p.m. | |
| | *Artikolu 6 6 0 — Sub-total* | p.m. | p.m. | p.m. | |
| | **Kapitolu 6 6 — Total** | **p.m.** | **p.m.** | **p.m.** | |

### *Artikolu 6 6 0 — Rifużjonijiet u kontribuzzjonijiet oħra*

#### Partita 6 6 0 0 — Rifużjonijiet assenjati u kontribuzzjonijiet oħra

*Figuri*

| Baġit 2013 | Baġit 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | p.m. |

*Kummenti*

Din il-partita hija maħsuba biex takkomoda, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul li ma jidhirx f'partijiet oħra tat-Titolu 6 u li jwassal għall-għotja ta' approprjazzjonijiet addizzjonali maħsuba biex jiffinanzjaw in-nefqa li għaliha dan id-dħul ikun allokat.

# NEFQA — NEFQA

## TITOLU A7 — L-UFFIĊĊJU GĦALL-INFRASTRUTTURA U L-LOĠISTIKA - IL-LUSSEMBURGU

*Figuri*

Klassifikazzjoni skond it-tip

| Titolu Kapitolu | Intestatura | FF | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|---|---|---|
| A7 01 | nefqa Amministrattiva | 5 | 25 404 000 | 25 266 000 | 24 671 665,74 |
| A7 10 | RIŻERVI | 5 | | p.m. | 0,— |
| | **Kapitolu A7 — Total** | | **25 404 000** | **25 266 000** | **24 671 665,74** |

## KAPITOLU A7 01 — NEFQA AMMINISTRATTIVA

*Figuri*

Klassifikazzjoni skond it-tip

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| A7 01 | nefqa Amministrattiva | | | | | |
| ***A7 01 01*** | ***Spejjeż relatati mal-ħaddiema*** | 5 | 12 872 000 | 12 618 000 | 12 026 217,56 | 93,43 % |
| ***A7 01 02*** | ***Ħaddiema barranin u spejjeż oħra ta' ġestjoni*** | | | | | |
| A7 01 02 01 | Persunal estern | 5 | 6 577 000 | 6 629 000 | 6 205 364,79 | 94,35 % |
| A7 01 02 11 | Spejjeż oħra ta' ġestjoni | 5 | 349 000 | 385 000 | 327 414,94 | 93,82 % |
| | *Partita A7 01 02 — Sub-total* | | 6 926 000 | 7 014 000 | 6 532 779,73 | 94,32 % |
| ***A7 01 03*** | ***Bini u nefqa relatata*** | 5 | 5 606 000 | 5 634 000 | 6 112 668,45 | 109,04 % |
| ***A7 01 50*** | ***Politika tal-personal u t-tmexxija*** | 5 | p.m. | p.m. | 0,— | |
| ***A7 01 51*** | ***Politika tal-infrastruttura u t-tmexxija*** | 5 | p.m. | p.m. | 0,— | |
| ***A7 01 60*** | ***Nefqa għad-dokumentazzjoni u għal-librerji*** | 5 | p.m. | p.m. | 0,— | |
| | **Artikolu A7 01 — Total** | | **25 404 000** | **25 266 000** | **24 671 665,74** | **97,12 %** |

### *Artikolu A7 01 01 — Spejjeż relatati mal-ħaddiema*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 12 872 000 | 12 618 000 | 12 026 217,56 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri, għall-uffiċjali u l-ħaddiema temporanji li jkollhom post fuq il-pjan tal-istabbilment:

— salarji, benefiċċji u ħlasijiet marbuta mas-salarji,

— assigurazzjonijiet kontra inċidenti u mard u ħlasijiet oħra ta' sigurtà soċjali,

— assigurazzjoni kontra l-qgħad għall-ħaddiema temporanji u ħlasijiet mill-istituzzjoni f'isem il-ħaddiema temporanji sabiex dawn jiksbu jew iżommu d-drittijiet tal-pensjoni fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom,

— benefiċċji u għotjiet varji oħra,

— il-valur tal-piżijiet applikabbli għall-ħlas ta' uffiċjali u ħaddiema temporanji u l-valur tal-piżijiet applikat lill-parti mis-salarji li tiġi ttrasferita lejn pajjiż differenti minn dak tal-impjieg,

— l-ispejjeż tal-ivvjaġġar li għandhom jingħataw lill-uffiċjali u lill-ħaddiema temporanji (inklużi l-familji tagħhom) meta jibdew l-impjieg, meta jtemmu l-impjieg jew meta jiġu trasferiti f'post ieħor,

— il-benefiċċji ta' stabbiliment jew stabbiliment mill-ġdid li għandhom jingħataw lill-uffiċjali li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza tagħhom meta dawn jibdew impjieg jew meta jiġu trasferiti f'post ieħor, u meta dawn itemmu l-impjieg u jmorru jgħixu xi mkien ieħor,

— l-ispejjeż ta' ġarr li jridu jitħallsu lill-uffiċjali u lill-ħaddiema temporanji li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza meta dawn jibdew impjieg jew meta dawn imorru f'post ta' impjieg ġdid, u meta jtemmu l-impjieg u jmorru jgħixu xi mkien ieħor,

— il-valur tal-aġġustamenti kollha lis-salarji li jkunu ġew approvati mill-Kunsill matul is-sena finanzjarja.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu A7 01 02 — Ħaddiema barranin u spejjeż oħra ta' ġestjoni*

### Partita A7 01 02 01 — Persunal estern

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 6 577 000 | 6 629 000 | 6 205 364,79 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

— ir-remunerazzjoni tal-persunal b'kuntratt (fis-sens tat-Titolu IV tal-Kondizzjonijiet ta' Impjieg), l-iskema tal-assigurazzjoni soċjali tal-istituzzjoni li tkopri l-persunal b'kuntratt, kif deskritta fit-Titolu IV, u n-nefqa għall-koeffiċjenti korretturi applikabbli għar-remunerazzjonijiet ta' persunal ta' din ix-xorta,

— in-nefqa li ġġarrbet (salarji, assigurazzjonijiet, eċċ.) minħabba l-impjegar ta' ħaddiema mqabbda minn barra li jkunu jaħdmu b'kuntratt ta' liġi privata u minħabba l-impjegar ta' ħaddiema temporanji,

— in-nefqa marbuta ma' impjegati inklużi f'kuntratti tal-appalt għal xogħol tekniku u amministrattiv, għajnuna addizzjonali u provvediment ta' servizzi ta' natura intellettwali,

— In-nefqa marbuta mas-*secondment* jew assenjazzjoni temporanja lill-Uffiċċju ta' uffiċjali fis-servizzi ċivili tal-Istati Membri u ta' esperti oħra kif ukoll spejjeż supplimentari li jirriżultaw mis-*secondment* ta' uffiċjali lill-amministrazzjonijiet nazzjonali jew lill-organizzazzjonijiet internazzjonali,

— il-valur tal-aġġustamenti kollha lis-salarji li jkunu ġew approvati mill-Kunsill matul is-sena finanzjarja.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-regoli dwar l-għażla u l-ħlas u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

### Partita A7 01 02 11 — Spejjeż oħra ta' ġestjoni

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 349 000 | 385 000 | 327 414,94 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja:

— l-infiq għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar, benefiċċji għall-għajxien ta' kuljum u spejjeż anċillari jew eċċezzjonali li jkunu saru b'rabta ma' missjonijiet tal-persunal Uffiċjali u minn esperti jew uffiċjali nazzjonali jew internazzjonali li jkunu ġew *seconded*,

— ir-rimbors tal-ispejjeż li jkunu saru minn persuni li jkunu qed jirrappreżentaw lill-Uffiċċju (ir-rimbors ma jkunx possibbli għal spejjeż li jkunu saru fit-twettiq ta' obbligi ta' rappreżentazzjoni minn ħaddiema fejn għandhom x'jaqsmu l-Kummissjoni jew istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni),

— l-ispejjeż ta' vvjaġġar, ta' għajxien u spejjeż anċillari ta' esperti li jkunu qed jieħdu sehem fi gruppi ta' studju u ta' ħidma, u l-ispejjeż inċidentali għall-organizzazzjoni ta' laqgħat fejn dawn ma jkunux koperti bl-infrastruttura li teżisti fil-kwartieri ġenerali tal-istituzzjonijiet jew l-uffiċċji esterni (l-esperti jitħallsu lura fuq il-bażi ta' deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Kummissjoni),

— l-ispejjeż tax-xorb, u xi kultant l-ikel, li jiġi servut matul il-laqgħat interni,

— l-ispejjeż varji marbuta ma' konferenzi, kungressi u laqgħat li jieħu sehem fihom jew li jorganizzahom l-Uffiċċju,

— Nfiq fuq studji u konsultazzjonijiet speċjalizzati li jsiru b'kuntratti ma' esperti b'kwalifikazzjonijiet għolja (individwi jew ditti) jekk l-Uffiċċju m'għandux ħaddiema disponibbli biex iwettqu dawn l-istudji, inklużi x-xiri ta' studji li diġà saru,

— L-ispejjeż marbuta ma' taħriġ bil-ħsieb li jissaħħu l-ħiliet tal-ħaddiema, u l-kapaċità u l-effiċjenza tal-Uffiċċju:

  — Tariffi għall-esperti impjegati għall-identifikazzjoni tal-ħtiġiet ta' taħriġ, it-tfassil, l-iżvilupp u t-twettiq ta' korsijiet, u l-evalwazzjoni u s-sorveljanza tar-riżultati,

  — miżati ta' konsulenza f'diversi oqsma, partikolarment f'metodi ta' organizzazzjoni, ġestjoni, strateġija, kwalità u tmexxija tal-ħaddiema,

  — l-ispiża biex wieħed jattendi għal taħriġ fuq barra u biex jissieħeb ma' organizzazzjonijiet professjonali rilevanti,

— in-nefqa marbuta mal-aspetti prattiċi tal-organizzazzjoni ta' dawn il-korsijiet, mal-użu tal-post, mat-trasport, mal-ispiża tal-ikel u tal-akkommodazzjoni għall-parteċipanti ta' korsijiet residenzjali,

— in-nefqa għat-taħriġ marbuta ma' pubblikazzjonijiet u tagħrif, ma' siti tal-*internet* relatati u max-xiri ta' tagħmir għat-tagħlim, mal-miżati u mal-liċenzji għal tagħlim b'distanza, ma' kotba, ma'prodotti stampati u ma' prodotti *multimedia*,

— l-iffinanzjament ta' materjal edukattiv.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-regoli dwarl-għażla u l-ħlas u kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

## *Artikolu A7 01 03 — Bini u nefqa relatata*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| 5 606 000 | 5 634 000 | 6 112 668,45 |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-bini tal-Uffiċċju u n-nefqa relatata, inklużi b'mod partikulari:

— l-ispejjeż tax-xiri jew kiri bl-għażla ta' xiri tal-bini jew il-kostruzzjoni tal-bini,

— kera u ċens, taxxi varji u l-eżerċizzju ta' għażla ta' xiri ta' bini jew il-partijiet okkupati ta' bini, kif ukoll il-kiri ta' swali tal-

konferenzi, mħażen, arkivji, garaxxijiet u faċilitajiet tal-parkeġġ,

— il-primja tal-assigurazzjoni fuq il-bini jew ta' partijiet tal-bini li jintużaw mill-Uffiċċju,

— l-ispejjeż tal-konsum tal-ilma, tal-gass, tal-elettriku u tal-enerġija għat-tisħin tal-bini jew tal-partijiet ta' bini okkupati mill-Uffiċċju,

— l-ispejjeż għall-manutenzjoni tal-postijiet,maħduma fuq il-bażi ta' kuntratti kurrenti, tal-liftijiet, tat-tisħin ċentrali, tat-tagħmir tal-klimatizzazzjoni, eċċ.; l-ispejjeż li jirriżultaw minn operazzjonijiet ta' tindif perjodiku, inkluż ix-xiri ta' prodotti għall-manutenzjoni, għall-ħasil, għall-ħasil tal-ħwejjeġ u għad-*dry-cleaning*, eċċ kif ukoll għal tibjid, għal tiswijiet u għal provvisti użati mill-*workshops* tal-manutenzjoni,

— in-nefqa marbuta mat-trattament selettiv, il-ħażna u t-tneħħija tal-iskart,

— xogħol ta' titjib tal-bini, eż., tibdil fit-tqassim, installazzjonijiet tekniċi u xogħol speċjalizzat ieħor ta' serraturi, ta' elettriku, ta' *plumbing*, ta' żebgħa, ta' bdil tal-art, eċċ., u l-ispejjeż marbuta mat-tibdil ta' *cabling* ta' networks, u l-infiq għal tagħmir neċessarju marbut mat-titjib tiegħu [qabel ma jiġġeddu jew jiġu konklużi kuntratti għal ammont li jeċċedi EUR 300 000, u bi skop li l-ispiża tiġi kkontrollata, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta ma' istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (prezz, munita magħżula, indiċjar, perijodu ta' żmien, klawsoli oħra) miksuba minn kull waħda minnhom għal kuntratt simili],

— in-nefqa marbuta mas-sigurtà fiżika u materjali tal-persuni u tal-oġġetti, u b'mod speċjali l-kuntratti ta' sorveljanza tal-proprjetà, il-kuntratti għall-manutenzjoni ta' installazzjonijiet tas-sigurtà, it-taħriġ u x-xiri ta' oġġetti minuri ta' tagħmir [qabel ma jiġġeddu jew jiġu konklużi kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 u bl-għan li n-nefqa tiġi kkontrollata, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (il-prezz, il-munita magħżula, l-indiċjar, it-tul ta' żmien, klawżoli oħra) miksuba minn kull waħda minnhom għal kuntratt simili],

— in-nefqa marbuta mas-saħħa u s-sigurtà tal-individwi fuq il-post tax-xogħol, l-aktar l-akkwist, il-kiri u l-manutenzjoni tat-tagħmir għat-tifi tan-nar, ir-riforniment tat–tagħmir tal-uffiċjali li jagħtu l-ewwel għajnuna f'każ ta' nar, it-taħriġ u l-ispejjeż ta' spezzjonijiet mandatorji (qabel ma jiġġeddu jew jiġu konklużi kuntratti għal ammont li jaqbeż it-EUR 300 000 u bl-għan li n-nefqa tiġi kkontrollata, l-Uffiċċju għandu jikkonsulta lill-istituzzjonijiet l-oħra dwar il-kundizzjonijiet (il-prezz, il-munita magħżula, l-indiċjar, it-tul ta' żmien, klawżoli oħra) miksuba minn kull wieħed minn dawn għal kuntratt simili),

— l-ispejjeż ta' konsultazzjoni legali, finanzjarja u teknika qabel l-akkwist, il-kera jew il-kostruzzjoni ta' bini,

— l-infiq l-ieħor li għandu x'jaqsam mal-bini, partikolarment l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-bini mikri lil diversi entitajiet, l-ispejjeż marbuta ma' stħarriġ dwar il-qagħda tal-bini u spejjeż ta' utilità (taxxa fuq l-iskart, il-ġbir tal-iskart eċċ.),

— xi nfiq għall-għajnuna teknika marbuta ma' xogħolijiet ta' titjib konsiderevoli,

— ix-xiri, il-kiri jew id-depożitu ta' garanzija, l-manutenzjoni, t-tiswija, l-installazzjoni u r-rifornimenti ta' tagħmir u materjal tekniku,

— ix-xiri, il-kera, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' għamara,

— ix-xiri, il-kera, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' vetturi,

— l-assigurazzjonijiet varji (partikolarment dik tar-responsabbilità ċivili u l-assigurazzjoni kontra s-serq),

— l-infiq fuq tagħmir tax-xogħol, u l-aktar:

    — ix-xiri ta' uniformijiet (l-aktar għall-messaġġiera, xufiera u ħaddiema fir-ristoranti u l-kafetteriji)

    — ix-xiri u t-tindif ta' ħwejjeġ tax-xogħol partikolarment għan-nies li jaħdmu fil-*workshops* u għal dawk li għandhom jagħmlu xogħolijiet fejn jeħtieġu protezzjoni kontra l-maltemp jew il-kesħa, *wear and tear* mhux normali u tbajja',

    — ix-xiri jew ħlas lura tal-ispejjeż ta' kull tagħmir li jista' jkun meħtieġ skont il-kuntest tal-applikazzjoni tad-Direttivi 89/391/KEE u 90/270/KEE,

— l-ispejjeż ta' ġarr, ri-organizzazzjoni u ġestjoni dipartimentali (it-twassil, il-ħażna, it-tqegħid) b'rabta ma' tagħmir, għamara u provvisti tal-uffiċċju,

— in-nefqa biex il-bini jkun mgħammar b'telekomunikazzjonijiet, l-aktar ix-xiri, il-kera, it-twaħħil u l-manutenzjoni ta' *switchboards* u distributuri tat-telefon, sistemi ta' awdjo u vidjokonferenza, telefonija interna u telefonija ċellulari, u n-nefqa fuq *networks* ta' data (tagħmir u manutenzjoni) u servizzi relatati (it-tmexxija, l-appoġġ, id-dokumentazzjoni, l-installazzjoni u t-tneħħija),

— ix-xiri, il-kera jew id-depożitu ta' garanzija, u l-manutenzjoni ta' kompjuters, terminali, kompjuters żgħar, apparat periferali, tagħmir ta' konnessjoni u s-softwer tal-kompjuter meħtieġ,

— ix-xiri, il-kiri jew id-depożitu ta' garanzija u l-manutenzjoni ta' tagħmir relatat mal-preżentazzjoni tal-informazzjoni f'forma stampata eż., printers, magni tal-fax, magni tal-fotokopji u mikrokopjaturi,

— ix-xiri u l-kiri ta' jew id-depożitu ta' garanzija għal *typewriters*, *word processors* u kull tagħmir elettroniku ieħor tal-uffiċċju,

— l-installazzjoni, il-konfigurazzjoni, il-manutenzjoni, l-istudji, id-dokumentazzjoni u l-provvisti marbuta ma' dan it-tagħmir,

— in-nefqa għax-xiri ta' karti, invilops, provvisti tal-Uffiċċju u provvisti oħra għall-istamperiji, u għal xi stampar li jsir fuq barra,

— l-ispejjeż ta' tariffi tal-posta u tal-konsenja postali, fuq pakketti postali u oħrajn mibgħuta bl-ajru, bil-baħar jew bil-ferrovija, u tal-posta interna tal-Uffiċċju,

— it-tariffi ta' abbonament u l-ispejjeż ta' komunikazzjoni bil-kejbil jew bir-radju (telefoni fissi u ċellulari, televiżjoni, telekonferenzar, u videokonferenzar), spejjeż ta' networks tat-trasmissjoni tad-data, servizzi tal-komunikazzjoni tad-data, eċċ., u x-xiri tad-direttorji,

— l-ispejjeż tal-links tat-telefon u tal-kompjuter bejn bini differenti u tal-linji tat-trasmissjoni internazzjonali bejn il-postijiet ta' uffiċċji tal-Unjoni,

— appoġġ tekniku u loġistiku, taħriġ u attivitajiet oħra ta' interess ġenerali relatati ma' tagħmir u softwer tal-kompjuter, taħriġ ġenerali tal-kompjuter, abbonamenti għal dokumentazzjoni teknika kemm f'forma stampata jew f'forma elettronika, eċċ., ħaddiema tal-operazzjoni esterni, servizzi tal-Uffiċċju, abbonamenti ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, eċċ, studji fuq assigurazzjoni tas-sigurtà u l-kwalità relatati ma' tagħmir u software ta' teknoloġija tal-informatika (IT), l-ispejjeż tal-użu, tal-manutenzjoni, u taż-żamma u l-iżvilupp tas-*software*, u tat-twettiq ta'proġetti ta' teknoloġija tal-informatika,

— spejjeż oħra funzjonali mhux previsti speċifikament hawn fuq.

*Bażi ġuridika*

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar id-dħul ta' miżuri biex jinkuraġġixxu t-titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-kriterji minimi tas-sigurtà u s-saħħa għal xogħol li jkun jinkludi l-użu ta' tagħmir bl-iskrin (il-ħames Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artiklu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 156, 21.6.1990, p. 14).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu A7 01 50 — Politika tal-personal u t-tmexxija*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— il-kontribuzzjoni tal-Uffiċċju għall-ispejjeż taċ-ċentru ta' rikreazzjoni u għal attivitajiet oħra kulturali u sportivi li jinkuraġġixxu l-kuntatt soċjali bejn il-ħaddiema ta' nazzjonalitajiet differenti li jaħdmu fl-Uffiċċju,

— il-kontribuzzjoni tal-Uffiċċju għall-ispejjeż tal-faċilitajiet fejn jieħdu ħsieb it-tfal,

— in-nefqa bħala parti minn politika favur nies b'diżabbiltà, għall-persuni li jkunu f'dawn il-kategoriji:

  — uffiċjali u ħaddiema temporanji f'impjieg attiv,

  — konjuġi ta' uffiċjali u ħaddiema temporanji f'impjieg attiv,

  — it-tfal dipendenti kollha skont it-tifsira tar-Regolamenti tal-Persunal.

Dan ikopri, fil-limiti tal-ammont li jkun iddaħħal fil-baġit u wara li kull intitolament nazzjonali mogħti fil-pajjiż tar-residenza jew tal-oriġini jkun intalab, kull infiq mhux ta'natura medika li jkun meqjus meħtieġ, li jkun b'riżultat ta'xi diżabilità u li jkun iġġustifikat.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolamenti tal-Impjegati għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-Ħaddiema l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

### *Artikolu A7 01 51 — Politika tal-infrastruttura u t-tmexxija*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri:

— spejjeż ta' rutina marbutin mat-tmexxija u l-konverżjoni ta' restoranti, kafetteriji u *canteens*,

— ħsarat li għandhom jinġarru mill-Uffiċċju u dawk li jkunu ġejjin minn obbligazzjonijiet ta' terza parti, u n-nefqa marbuta ma' ċerti każijiet fejn, għall-raġunijiet ta' ekwità, il-kumpens għandu jitħallas mingħajr ma jkun hemm l-ebda talba legali.

### *Artikolu A7 01 60 — Nefqa għad-dokumentazzjoni u għal-libreriji*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| p.m. | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-produzzjoni u l-iżvilupp tas-sit intranet tal-Kummissjoni (Intracomm), l-abbonamenti mas-servizzi ta' *view-data*, l-ispejjeż ta' legatura u spejjeż oħrajn meħtieġa għall-preservazzjoni ta' xogħlijiet u perjodiċi ta' referenza, in-nefqa għall-abbonamenti ma' ġurnali u ġurnali perjodiċi speċjalizzati, u x-xiri ta' pubblikazzjonijiet u xogħlijiet tekniċi konnessi mal-attivitajiet tal-Uffiċċju.

## KAPITOLU A7 10 — RIŻERVI

*Figuri*

Klassifikazzjoni skond it-tip

| Titolu Kapitolu Artikolu Partita | Intestatura | FF | Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 | 2011/2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| A7 10 | RIŻERVI | | | | | |
| ***A7 10 01*** | ***Approprjazzjonijiet proviżorji*** | 5 | | p.m. | 0,— | |
| ***A7 10 02*** | ***Riżerva għall-kontinġenzi*** | 5 | | p.m. | 0,— | |
| | **Artikolu A7 10 — Total** | | | **p.m.** | **0,—** | |

### *Artikolu A7 10 01 — Approprjazzjonijiet proviżorji*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| | p.m. | 0,— |

*Kummenti*

L-approprjazzjonijiet f'dan il-kapitolu huma biss proviżorji, u jistgħu jintużaw biss wara li jiġu ttrasferiti għal intestaturi oħrajn skont il-proċedura relevanti stabbilita fir-Regolament Finanzjarju.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

## *Artikolu A7 10 02 — Riżerva għall-kontinġenzi*

*Figuri*

| Baġit 2013 | Approprjazzjonijiet 2012 | Outturn 2011 |
|---|---|---|
| | p.m. | 0,— |